／# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 173

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

12 ta' Ġunju 2014

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE** (1) ..... 1

★ **Regolament (UE) Nru 597/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd** ..... 62

★ **Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE** ..... 65

★ **Regolament (UE) Nru 599/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju** 79

★ **Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012** (1) ..... 84

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti** ([1]) ... 149

★ **Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq)** ... 179

★ **Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ... 190

★ **Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE** ([1]) ... 349

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 596/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' April 2014**

**dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Suq intern ġenwin għas-servizzi finanzjarji huwa kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' impjiegi fl-Unjoni.

(2) Suq finanzjarju integrat, effiċjenti u trasparenti jeħtieġ integrità tas-suq. Il-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli u l-kunfidenza pubblika fis-swieq huma prerekwiżiti għat-tkabbir u għall-ġid ekonomiku. L-abbuż tas-suq jolqot ħażin l-integrità tas-swieq finanzjarji u l-kunfidenza pubblika f'titoli u derivati.

(3) Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ikkompletat u aġġornat il-qafas legali tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq. Madankollu, minħabba l-iżviluppi leġislattivi, tas-suq u teknoloġiċi minn mindu daħlet fis-seħħ dik id-Direttiva, li rriżultaw f'bidliet konsiderevoli għax-xenarju finanzjarju, dik id-Direttiva għandha issa tiġi sostitwita. Jeħtieġ ukoll strument leġislattiv ġdid sabiex jiġi żgurat li hemm regoli uniformi u ċarezza tal-kunċetti ewlenin u sett ta' regoli wieħed f'konformità mal-konklużjonijiet tar-rapport tal-25 ta' Frar 2009 mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE, ippresedut minn Jacques de Larosière (il-grupp 'de Larosière').

([1]) ĠU C 161, 7.6.2012, p. 3.
([2]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 64.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 (għandha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014.
([4]) Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16).

(4) Hemm bżonn li jiġi stabbilit qafas iktar uniformi u b'saħħtu sabiex tiġi ppreservata l-integrità tas-suq, jiġi evitat arbitraġġ regolatorju potenzjali, tiġi żgurata r-responsabilità fil-każ ta' tentattiv ta' manipulazzjoni, u tiġi pprovduta aktar ċertezza legali u inqas kumplessità regolatorja għall-parteċipanti fis-suq. Dan ir-Regolament jimmira li jikkontribwixxi, b'mod determinanti, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u għaldaqstant għandu jissejjes fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif interpretat b'mod konsistenti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(5) Għaldaqsant, sabiex jitneħħa x-xkiel li għad baqa' għall-kummerċ, jisparixxi t-tagħwiġ sinifikanti tal-kompetizzjoni li jirriżulta mid-diverġenzi fost il-liġijiet nazzjonali, u jiġi evitat kull xkiel ieħor għall-kummerċ u għat-tagħwiġ sinifikanti tal-kompetizzjoni, jeħtieġ li jiġi adottat Regolament li jistabbilixxi interpretazzjoni iktar uniformi tal-qafas kontra l-abbuż tas-suq tal-Unjoni li tiddefinixxi b',od iktar ċar ir-regoli applikabbli fl-Istati Membri kollha. L-istabbiliment ta' rekwiżiti kontra l-abbuż tas-suq fil-forma ta' regolament jiżgura li dawk ir-rekwiżiti ikunu direttament applikabbli. Dan għandu jiżgura kundizzjonijiet uniformi billi jevita d-diverġenza fost ir-rekwiżiti nazzjonali minħabba t-traspożizzjoni ta' direttiva. Dan ir-Regolament jirrikjedi li l-persuni kollha isegwu l-istess regoli fl-Unjoni. Huwa wkoll inaqqas il-kumplessità regolatorja u jniżżel l-ispejjeż tal-kumpaniji li jkunu konformi, partikularment dawk il-kumpaniji li jaġixxu fuq bażi transkonfinali, u jikkontribwixxu għat-tneħħija totali tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 dwar "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa" titlob lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jfasslu regoli sabiex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jadattaw il-leġislazzjoni skont il-ħtiġijiet ta' emittenti fis-swieq ta' tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għal dawk l-emittenti. Għadd ta' dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2003/6/KE jimponu piżijiet amministrattivi fuq l-emittenti, b'mod partikulari dawk li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs, li għandhom jitnaqqsu.

(7) L-abbuż tas-suq huwa kunċett li jinkludi l-imġiba illegali fis-swieq finanzjarji u, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandu jkun mifhum li jikkonsisti f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Imġiba bħal din timpedixxi trasparenza totali u korretta tas-suq, li hija prerekwiżit għan-negozjar għall-atturi ekonomiċi kollha fi swieq finanzjarji integrati.

(8) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/6/KE kien jiffoka fuq l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew li fir-rigward tagħhom tkun saret talba għal ammissjoni għal kummerċ f'tali suq. Minkejja dan, fis-snin riċenti l-istrumenti finanzjarji kienu negozjati dejjem aktar fuq faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs). Hemm ukoll strumenti finanzjarji li huma nnegozjati biss fuq tipi oħra ta' faċilitajiet organizzati tan-negozjar (OTFs) jew negozjati biss over the counter (OTC). Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għalhekk għandu jinkludi kull strument finanzjarju nnegozjati f'suq regolat, MTF jew OTF, u kwalunkwe kondotta jew azzjoni oħra li jista' jkollha effett fuq strument finanzjarju bħal dan irrispettivament minn jekk isseħħx f'post tan-negozjar. Fil-każ ta' ċerti tipi ta' MTFs li, bħas-swieq regolati, jgħinu lil kumpaniji biex joħolqu finanzjament mill-bejgħ ta' ishma, il-projbizzjoni kontra l-abbuż tas-suq tapplika wkoll meta ssir talba għal ammissjoni għal kummerċ f'tali suq. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi l-istrumenti finanzjarji li għalihom tkun saret applikazzjoni għal ammissjoni għal kummerċ fuq MTF. Dan għandu jtejjeb il-protezzjoni tal-investitur, jippreżerva l-integrità tas-swieq u jiżgura li l-abbuż tas-suq ta' strumenti bħal dawn ikun ipprojbit b'mod ċar.

(9) Għal finijiet ta' trasparenza, l-operaturi ta' suq regolat, MTF jew OTF, għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bid-dettalji tal-istrumenti finanzjarji li jkunu ġew ammessi għan-negozjar, li fir-rigward tagħhom tkun saret talba għal ammissjoni għan-negozjar jew li jkunu ġew innegozjati fil-post tan-negozjar tagħhom. Għandha ssir notifika oħra meta l-istrument ma jibqax ammess għan-negozjar. Tali obbligi għandhom japplikaw ukoll għal strumenti finanzjarji li fir-rigward tagħhom tkun saret talba għal ammissjoni għan-negozjar fil-post tan-negozjar tagħhom u għal strumenti finanzjarji li jkunu ġew ammessi għan-negozjar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. In-notifikigħandhom jiġu ppreżentati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) mill-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandha tippubblika lista tal-istrumenti finanzjarji kollha nnotifikati. Dan ir-Regolament japplika għal strumenti finanzjarji indipendentement minn jekk ikunux fil-lista ppubblikata mill-ESMA.

(10) Huwa possibbli li ċerti strumenti finanzjarji li ma jiġux innegozjati f'post tan-negozjar jintużaw għall-abbuż tas-suq. Dawn jinkludu strumenti finanzjarji li l-prezz jew il-valur tagħhom jiddependi jew għandu effett fuq strumenti finanzjarji nnegozjati f'post tan-negozjar, jew li n-negozjar tagħhom għandu effett fuq il-prezz jew il-valur ta'

strumenti finanzjarji oħrajn innegozjati f'post tan-negozjar. Eżempji fejn tali strumenti jistgħu jintużaw għall-abbuż tas-suq jinkludu informazzjoni privileġġata relatata ma' sehem jew bond, li tista' tintuża biex jinxtara derivat ta' dak is-sehem jew bond, jew indiċi li l-valur tiegħu jiddependi fuq dak is-sehem jew bond. Meta strument finanzjarju jintuża bħala prezz ta' referenza, jista' jintuża derivat innegozjat OTC biex wieħed jibbenefika minn prezzijiet immanipulati, jew jista' jintuża biex jiġi mmanipulat il-prezz ta' strument finanzjarju nnegozjat f'post tan-negozjar. Eżempju ieħor huwa l-ħruġ ippjanat ta' pakkett ġdid ta' titoli li fihom infushom ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, iżda li meta jsir negozjar f'dawk it-titoli dan ikun jista' jaffettwa l-prezz jew il-valur ta' titoli elenkati eżistenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ikopri wkoll is-sitwazzjoni meta l-prezz jew il-valur ta' strument innegozjat f'post tan-negozjar jiddependi fuq istrument innegozjat OTC. L-istess prinċipju għandu japplika biex jiġu identifikati kuntratti spot tal-komoditajiet li l-prezzijiet tagħhom ikunu bbażati fuq dak ta' derivat, u għax-xiri ta' kuntratti spot tal-komoditajiet li għalihom ikunu referenzjati strumenti finanzjarji.

(11) In-negozjar ta' titoli jew strumenti assoċjati għall-istabilizzazzjoni ta' titoli jew in-negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist ("buy-back") jista' jkun leġittimu, għal raġunijiet ekonomiċi, u għandu, għalhekk, f'ċerti ċirkustanzi, ikun eżenti mill-projbizzjonijiet kontra l-abbuż tas-suq dment li l-azzjonijiet jitwettqu bit-trasparenza neċessarja, fejn tkun żvelata l-informazzjoni rilevanti rigward il-programm ta' riakkwist jew stabilizzazzjoni.

(12) Negozju f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist u stabbilizzazzjoni ta' strument finanzjarju li ma jibbenefikax mill-eżenjonijiet taħt dan ir-Regolament ma għandhomx fihom infushom jitqiesu li jikkostitwixxu abbuż tas-suq.

(13) L-Istati Membri, membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), Ministri u aġenziji oħra u vetturi b'għan speċjali ta' Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri, u tal-Unjoni u ċerti korpi pubbliċi oħra jew persuni li jaġixxu f'isimhom, ma għandhomx ikunu ristretti fit-twettiq ta' ġestjoni tal-politika monetarja, tar-rata ta' skambju jew dejn pubbliku sakemm dawn jitwettqu fl-interess pubbliku u fl-insegwiment ta' dawn il-politiki biss. Barra minn hekk, l-anqas it-tranżazzjonijiet jew l-ordnijiet imwettqa mill-Unjoni, jew l-imġiba mwettqa mill-Unjoni, xi vettura b'għan speċjali ta' Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn Stat Membru wieħed jew iktar ma għandhom ikunu ristretti fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament u l-forniment ta' għajnuna finanzjarja għall-ġid tal-membri tagħhom. Tali eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista', b'konformità ma' dan ir-Regolament, tiġi estiża għal ċerti korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku u għal banek ċentrali ta' pajjiżi terzi jew li jintervjenu fir-rigward ta' tali ġestjoni. Fl-istess ħin, l-eżenzjonijiet għall-ġestjoni tal-politika monetarja, tar-rata ta' skambju jew tad-dejn pubbliku m'għandhomx ikunu estiżi għal każijiet fejn dawk il-korpi jkunu involuti fi tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba li ma jkunux fl-insegwiment ta' dawk il-politiki jew meta l-persuni li jaħdmu għal dawk il-korpi jkunu involuti fi tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba għall-akkont tagħhom stess.

(14) L-investituri raġonevoli jibbażaw id-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom fuq informazzjoni diġà disponibbli għalihom, jiġifieri, fuq it-tagħrif disponibbli ex ante. Għalhekk, id-domanda jekk, fit-teħid ta' deċiżjoni ta' investiment, investitur raġonevoli x'aktarx li jqis biċċa informazzjoni partikulari, għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli ex ante. Tali valutazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt antiċipat tal-informazzjoni fid-dawl tal-totalità tal-attività tal-emittent relatat, l-affidabbiltà tas-sors tal-informazzjoni u kwalunkwe varjant ieħor tas-suq li x'aktarx jaffettwa l-istrumenti finanzjarji, il-kuntratti spot relatati tal-komoditajiet, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti ta' emissjonijiet fiċ-ċirkostanzi partikolari.

(15) Informazzjoni ex post tista' tintuża biex tivverifika l-preżunzjoni illi l-informazzjoni ex ante kienet sensittiva għall-prezzijiet, imma ma għandhiex tintuża biex tittieħed azzjoni kontra persuni li jkunu siltu konklużjonijiet raġonevoli mill-informazzjoni ex ante disponibbli għalihom.

(16) Meta l-informazzjoni privileġġata tikkonċerna proċess li jseħħ fi stadji, kull stadju tal-proċess, kif ukoll il-proċess globali, jista' jikkostitwixxi informazzjoni privileġġata. Pass intermedju fi proċess imtawwal fih innifsu jista' jikkostitwixxi sett ta' ċirkustanzi jew avveniment li jeżisti jew meta jkun hemm prospett realistiku li se jibdew jeżistu jew iseħħu, abbażi ta' evalwazzjoni ġenerali tal-fatturi eżistenti fiż-żmien rilevanti. Madankollu, dik l-idea m'għandhiex tiġi interpretata li tfisser li l-kobor tal-effett ta' dak is-sett ta' ċirkostanzi jew dak l-avventiment fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji kkonċentati għandhom jiġu kkunsidrati. Pass intermedju għandu jitqies bħala informazzjoni privileġġata jekk, waħdu, jissodisfa l-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament għal informazzjoni privileġġata.

(17) Informazzjoni li tirrigwarda avveniment jew sett ta' ċirkostanzi li jkun pass intermedju fi proċess imtawwal, tirrigwarda, pereżempju, il-qagħda ta' negozjati ta' kuntratti, it-termini miftiehma proviżjonalment fin-negozjati ta' kuntratti, il-possibbiltà tal-pożizzjonament ta' strumenti finanzjarji, il-kundizzjonijiet li skonthom strumenti finanzjarji jistgħu jiġi kkummerċjalizzati, it-termini proviżjonali għall-pożizzjonament ta' strumenti finanzjarji, jew il-kunsiderazzjoni tal-inklużjoni ta' strument finanzjarju f'indiċi prinċipali jew it-tħassir ta' strument finanzjarju minn tali indiċi.

(18) Iċ-ċertezza legali għall-parteċipanti tas-suq għandha tissaħħaħ permezz ta' definizzjoni aktar mill-qrib ta' tnejn mill-elementi essenzjali għad-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata, jiġifieri n-natura preċiża ta' dik l-informazzjoni u s-sinifikat tal-effett potenzjali tagħha fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji, il-kuntratti spot tal-komoditajiet relatati, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti ta' emissjonijiet. Għal derivati li jkunu prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, informazzjoni speċifika li għandha tkun mikxufa skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandha, b'mod partikolari, titqies bħala informazzjoni privileġġata.

(19) Dan ir-Regolament mhux maħsub biex jipprojbixxi diskussjonijiet ta' natura ġenerali rigward l-iżviluppi tas-suq u n-negozju bejn il-partijiet interessati u l-maniġment rigward emittent. Tali relazzjonijiet huma essenzjali għall-funzjonament effiċjenti tas-swieq u m'għandhomx jiġu pprojbiti b'dan ir-Regolament.

(20) Is-swieq spot u s-swieq relatati tad-derivati huma interkonnessi ħafna u globali, u l-abbuż tas-suq jista' jsir madwar is-swieq kif ukoll bejn il-fruntieri u dan jista' jwassal għal riskji sistemiċi sinifikanti. Dan japplika kemm għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata kif ukoll għall-manipulazzjoni tas-suq. B'mod partikolari, informazzjoni privileġġata minn suq spot tista' tibbenefika lil persuna li tinnegozja f'suq finanzjarju. Informazzjoni privileġġata b'relazzjoni ma' derivat ta' komodità għandha tkun definita bħala informazzjoni li tissodisfa kemm id-definizzjoni ġenerali ta' informazzjoni privileġġata fir-rigward tas-swieq finanzjarji u li meħtieġa ssir pubblika b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fil-livell tal-Unjoni jew dak nazzjonali, mar-regoli tas-suq, mal-kuntratti jew mal-użanzi fir-rigward tad-derivat tal-komodità jew is-suq spot rilevanti. Eżempji partikolari ta' tali regoli jinkludu r-Regolament (UE) Nru 1007/2011 għas-suq tal-enerġija u d-database tal-Inizjattiva Konġunta dwar Database ta' Organizzazzjonijiet (JODI) għaż-żejt. Tali informazzjoni tista' sservi bħala l-bażi tad-deċiżjonijiet tal-parteċipanti tas-suq biex jidħlu f'derivati ta' komodità jew il-kuntratti spot relatati mal-komoditajiet u għandha għalhekk tikkostitwixxi informazzjoni privileġġata li jeħtieġ li ssir pubblika, meta x'aktarx ikollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' tali derivati jew kuntratti spot relatati mal-komoditajiet.

Barra minn hekk, l-istrateġiji manipulattivi jistgħu wkoll jestendu madwar post u swieq derivattivi. In-negozjar tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-derivati tal-komoditajiet, jista' jintuża biex jimmanipula kuntratti spot relatati tal-komoditajiet, u viċiversa, dawn il-kuntratti jistgħu jintużaw biex jimmanipulaw strumenti finanzjarji relatati. Il-projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq għandha taqbad dawn l-interkonnessjonijiet. Madankollu, ma jixraqx, jew mhuwiex prattikabbli, li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi estiż għal imġiba li ma tinvolvix strumenti finanzjarji, pereżempju, għal negozjar f'kuntratti spot tal-komoditajiet li jaffettwa biss is-suq spot. Fil-każ speċifiku ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi tad-definizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 meta japplikaw id-definizzjonijiet ta' informazzjoni privileġġata (jew "minn ġewwa"), l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq taħt dan ir-Regolament għal strumenti finanzjarji marbuta ma' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa.

(21) Skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni, l-Istati Membri u korpi oħra maħtura uffiċjalment huma, inter alia, responsabbli għall-ħruġ tekniku tal-kwoti tal-emissjonijiet, l-allokazzjoni libera tagħhom għas-setturi eliġibbli tal-industrija u l-parteċipanti ġodda, u b'mod aktar ġenerali, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas politiku tal-Unjoni rigward il-klima li fuqu hi msejsa l-provvista tal-kwoti tal-emissjonijiet lix-xerrejja konformi tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS). Fl-eżerċizzju ta' dawk id-dmirijiet, dawk il-korpi pubbliċi jistgħu, inter alia, jkollhom aċċess għal informazzjoni sensittiva għall-prezzijiet li ma tkunx disponibbli għall-pubbliku u skont id-Direttiva 2003/87/KE, jista' jkollhom bżonn iwettqu ċerti operazzjonijiet tas-suq relatati mal-kwoti tal-emissjonijiet. B'konsegwenza tal-klassifikazzjoni ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), dawk l-istrumenti jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

([1]) Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

([2]) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([3]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

Sabiex tinżamm il-kapaċità tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u ta' korpi oħra maħtura uffiċjalment, li jiżviluppaw u jimplimentaw il-politika tal-Unjoni dwar il-klima, l-attivitajiet ta' dawk il-korpi pubbliċi, sakemm jitwettqu fl-interess pubbliku u fl-insegwiment ta' dik il-politika u li jikkonċernaw kwoti tal-emissjonijiet, għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Tali eżenzjoni ma għandhiex ikollha impatt negattiv fuq it-trasparenza globali tas-suq, peress li dawk il-korpi pubbliċi għandhom obbligi statutorji li joperaw b'tali mod li jiġi żgurat kemm l-iżvelar ordnat, ġust u mhux diskriminatorju ta' kwalunkwe deċiżjoni, żvilupp jew data ġodda li n-natura tagħhom tista' tinfluwenza l-prezzijiet, kif ukoll l-aċċess għalihom. Barra minn hekk, jeżistu salvagwardji għall-iżvelar ġust u mhux diskriminatorju ta' informazzjoni speċifika li tista' tinfluwenza l-prezzijiet miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi fid-Direttiva 2003/87/KE u l-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont din id-Direttiva. Fl-istess ħin, l-eżenzjoni għall-korpi pubbliċi li jaġixxu favur il-politika tal-Unjoni dwar il-klima ma għandhiex testendi għall-każijiet fejn dawk il-korpi pubbliċi jkunu involuti f'kondotta jew fi tranżazzjonijiet li ma jkunux fl-insegwiment tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima, jew meta persuni li jkunu qegħdin jaħdmu għal dawk il-korpi jkunu involuti f'kondotta jew fi tranżazzjonijiet għall-akkont tagħhom stess.

(22) Skont l-Artikolu 43 TFUE u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali konklużi skont it-TFUE, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u korpi oħra maħtura uffiċjalment huma, inter alia, responsabbli li jsegwu l-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Fl-eżerċizzju ta' dawk id-dmirijiet, dawk il-korpi pubbliċi jwettqu attivitajiet u jieħdu miżuri mmirati lejn il-ġestjoni tas-swieq agrikoli u tas-sajd, inklużi dawk ta' intervent pubbliku, impożizzjoni ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali jew is-sospensjoni tagħhom. Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ċerti dispożizzjonijiet tiegħu li japplikaw għal kuntratti spot tal-komoditajiet li għandhom jew li x'aktarx ikollhom effett fuq strumenti finanzjarji u strumenti finanzjarji li l-valur tagħhom jiddependi fuq il-valur ta' kuntratti spot tal-komoditajiet u li għandom jew li x'aktarx ikollhom effett fuq kuntratti spot tal-komoditajiet, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-attività tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u korpi oħra nominati uffiċjalment biex jiġu segwiti l-PAK u l-PKS, ma tkunx ristretta.Sabiex tinżamm il-kapaċità tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u korpi oħra maħtura uffiċjalment biex jiġu żviluppati u segwiti l-PAK u l-PSK, l-attivitajiet tagħhom, sakemm jitwettqu fl-interess pubbliku u biss biex jiġu segwiti dawk il-politiki, għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Tali eżenzjoni ma għandhiex ikollha impatt negattiv fuq it-trasparenza globali tas-suq, peress li dawk il-korpi pubbliċi għandhom obbligi statutorji li joperaw b'tali mod li jiġi żgurat kemm l-iżvelar ordnat, ġust u mhux diskriminatorju ta' kwalunkwe deċiżjoni, żvilupp jew data ġodda li n-natura tagħhom tista' tinfluwenza l-prezzijiet, kif ukoll l-aċċess għalihom. Fl-istess ħin, l-eżenzjoni għall-korpi pubbliċi li jaġixxu biex jiġu segwiti l-PAK u l-PSK ma għandhiex testendi għall-każijiet fejn dawk il-korpi pubbliċi jkunu involuti f'kondotta jew fi tranżazzjonijiet li ma jkunux biex jiġu segwiti mal-PAK u l-PSK, jew meta persuni li jkunu qegħdin jaħdmu għal dawk il-korpi jkunu involuti f'kondotta jew fi tranżazzjonijiet għall-akkont tagħhom stess.

(23) Il-karatteristika essenzjali tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata tikkonsisti f'vantaġġ inġust li jinkiseb minn informazzjoni privileġġata għad-detriment ta' partijiet terzi li ma jkunux konxji minn tali informazzjoni u, konsegwentement, it-tidgħjif tal-integrità tas-swieq finanzjarji u l-fiduċja tal-investitur. Konsegwentement, il-projbizzjoni kontra l-abbuż minn informazzjoni privileġġata għandha tapplika fejn persuna li jkollha fil-pussess tagħha informazzjoni privileġġata tieħu vantaġġ inġust mill-benefiċċju miksub minn dik l-informazzjoni billi tidħol fi tranżazzjonijiet tas-suq skont dik l-informazzjoni billi takkwista jew iċċedi, jew billi tipprova takkwista jew iċċedi, jew billi tikkanċella jew temenda jew billi tipprova tikkanċella jew temenda ordni biex takkwista jew iċċedi, għall-akkont tagħha stess jew għall-akkont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni tkun relatata magħhom. L-użu ta' informazzjoni privileġġata jista' jikkonsisti wkoll fl-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet jew derivati tagħhom u fil-parteċipazzjoni fl-irkant ta' kwoti ta' emissjonijiet jew prodotti irkantati oħrajn ibbażati fuqhom li jinżammu b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 ([1]).

(24) Meta persuna ġuridika jew naturali fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata, takkwista jew iċċedi, jew tipprova takkwista jew iċċedi, għall-akkont tagħha stess jew għall-akkont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni tkun relatata magħhom, għandu jiġi implikat li dik il-persuna "użat dik l-informazzjoni". Dik is-suppożizzjoni hija bla preġudizzju għad-drittijiet ta' difiża. Il-mistoqsija jekk persuna kisritx il-projbizzjoni dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ippruvatx twettaq abbuż minn informazzjoni privileġġata għandha tiġi analizzata għall-fini ta' dan ir-Regolament, li hu li jipproteġi l-integrità tas-suq finanzjarju u jsaħħaħ il-fiduċja tal-investitur, li hija bbażata, u mbagħad, fuq l-iżgurar li l-investituri se jitqiegħdu fuq l-istess livell u jkunu protetti mill-użu ħażin ta' informazzjoni privileġġata.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità, (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

(25) Ordnijiet li jsiru qabel ma persuna jkollha informazzjoni privileġġata m'għandhomx jitqiesu bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata. Madankollu meta persuna tikseb informazzjoni privileġġata, għandu jkun hemm preżunzjoni li kwalunkwe bidla sussegwenti relatata ma' dik l-informazzjoni għal ordnijiet magħmula qabel il-kisba ta' tali informazzjoni, inklużi l-kanċellazzjoni jew l-emenda ta' ordni, jew it-tentattiv ta' kanċellazzjoni jew emenda ta' ordni, tikkostitwixxi abbuż minn informazzjoni privileġġata. Dik il-preunzjoni tista', madankollu, tiġi kkonfutata jekk il-persuna tistabbilixxi li ma użatx l-informazzjoni privileġġata fit-twettiq tat-tranżazzjoni.

(26) L-użu ta' informazzjoni privileġġata jista' jikkonsisti fl-akkwist jew iċ-ċessjoni ta' strument finanzjarju, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, jew fil-kanċellazzjoni jew emenda ta' ordni, jew f'tentattiv ta' akkwist jew ċessjoni ta' strument finanzjarju jew ta' kanċellazzjoni jew emenda ta' ordni, minn persuna li tkun taf, jew kellha tkun taf, li l-informazzjoni tikkostitwixxi informazzjoni privileġġata. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dak li persuna normali u raġjonevoli tkun taf jew suppost kellha tkun taf fiċ-ċirkostanzi.

(27) Dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti mal-miżuri adottati mill-Istati Membri biex jipproteġu l-interessi tad-detenturi ta' titoli trasferibbli li jġorru magħhom drittijiet ta' vot f'kumpannija (jew li jistgħu jġorru tali drittijiet b'konsegwenza tal-eżerċizzju ta' drittijiet jew konverżjoni) meta l-kumpannija tkun soġġetta għal offerta pubblika ta' take-over jew kwalunkwe bidla oħra proposta ta' kontroll. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati fir-rigward ta' offerti ta' take-over, tranżazzjonijiet ta' fużjoni u tranżazzjonijiet oħra li jaffettwaw is-sjieda jew il-kontroll ta' kumpaniji rregolati mill-awtoritajiet superviżorji maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(28) Ir-riċerka u l-istimi imsejsa fuq data disponibbli pubblikament, m'għandhomx jitqiesu fihom infushom bħala informazzjoni privileġġata u l-fatt waħdu li tranżazzjoni titwettaq abbażi ta' riċerka jew stimi m'għandhiex għal-daqstant titqies li tikkostitwixxi użu ta' informazzjoni privileġġata. Madankollu pereżempju, meta l-pubblikazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' informazzjoni tkun mistennija fuq bażi regolari mis-suq u meta tali pubblikazzjoni jew distribuzzjoni tkun tikkontribwixxi għall-proċess tal-formazzjoni tal-prezz ta' strumenti finanzjarji jew l-informazzjoni tkun tipprovdi fehmiet ta' kummentatur tas-suq jew istituzzjoni rikonoxxuti li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-prezzijiet ta' strumenti finanzjarji relatati, l-informazzjoni tista' tikkostitwixxi informazzjoni privileġġata. L-atturi tas-suq għandhom għalhekk jikkunsidraw sa liema punt l-informazzjoni ma tkunx pubblika u l-effett possibbli fuq strumenti finanzjarji innegozjati qabel il-pubblikazzjoni jew id-distribuzzjoni tagħha, biex jistabbilixxu jekk ikunux qed jinnegozjaw abbażi ta' informazzjoni privileġġata.

(29) Sabiex jiġi evitat li bi żball jiġu pprojbiti forom ta' attività finanzjarja li huma leġittimi, jiġifieri meta ma jkun hemm l-ebda effett ta' abbuż tas-suq, jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta ċerta imġiba leġittima. Dan jista' jinkludi, pereżempju, ir-rikonoxximent tar-rwol ta' ġeneraturi tas-suq, meta jaġixxu fil-kapaċità leġittima li jipprovdu likwidità fis-suq.

(30) Is-sempliċi fatt li ġeneraturi tas-suq jew persuni awtorizzati biex jaġixxu bħala kontropartijiet, jillimitaw lilhom infushom għat-twettiq tal-attività kummerċjali leġittima tagħhom li jixtru jew jbiegħu strumenti finanzjarji, jew li persuni awtorizzati biex jeżegwixxu ordinijiet f'isem partijiet terzi b'informazzjoni privileġġata jillimitaw irwieħhom għat-twettiq, il-kanċellazzjoni jew l-emenda ta' ordni b'mod responsabbli, m'għandux jitqies li jikkostitwixxi użu ta' informazzjoni privileġġata. Madankollu, il-protezzjoni, stipulata f'dan ir-Regolament għal ġeneraturi tas-suq, korpi awtorizzati li jaġixxu bħala kontropartijiet jew persuni awtorizzati biex jeżegwixxu ordinijiet f'isem partijiet terzi b'informazzjoni privileġġata ma jestendux għal attivitajiet ipprojbiti b'mod ċar skont dan ir-Regolament, inkluża, pereżempju, il-parattika komunement magħrufa bħala "front-running". Meta persuni ġuridiċi jkunu ħadu l-miżuri raġonevoli kollha possibbli biex jevitaw li jseħħ abbuż tas-suq iżda minkejja dan persuni fiżiċi li jimpjegaw iwettqu abbuż tas-suq f'isem il-persuna ġuridika dan m'għandux jitqies li huwa abbuż tas-suq mill-persuna ġuridika. Eżempju ieħor li m'għandux jitqies li jikkostitwixxi użu ta' informazzjoni privileġġata huma tranżazzjonijiet imwettqa fl-eżekuzzjoni ta' obbligu preċedenti li jkun sar dovut. L-aċċess għal informazzjoni privileġġata li tikkonċerna kumpanija oħra u l-użu tagħha fil-kuntest ta' offerta pubblika ta' take-over għall-iskop li jinkiseb kontroll ta' dik il-kumpanija jew li jkun hemm proposta ta' fużjoni ma' dik il-kumpanija m'għandux jitqies li jikkostitwixxi abbuż minn informazzjoni privileġġata.

([1]) Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).

(31) Ladarba l-akkwist jew iċ-ċessjoni ta' strumenti finanzjarji jinvolvi neċessarjament deċiżjoni minn qabel għall-akkwist jew iċ-ċessjoni li titieħed mill-persuna li tieħu fuqha operazzjoni waħda jew oħra minn dawk, it-twettiq ta' dan l-akkwist jew din iċ-ċessjoni m'għandux jitqies li jikkostitwixxi l-użu ta' informazzjoni privileġġata. L-aġir abbażi tal-pjanijiet u l-istrateġiji proprji għan-negozjar m'għandux jitqies bħala użu ta' informazzjoni privileġġata. Minkejja dan, ħadd minn dawk il-persuni legali jew naturali m'għandhom ikunu protetti bis-saħħa tal-funzjoni professjonali tagħhom; huma għandhom ikunu protetti biss jekk jaġixxu b'mod ġust u xieraq, filwaqt li jissodisfaw kemm l-istandards mistennija tal-professjoni tagħhom kif ukoll dawk ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur. Jista' jitqies li jkun twettaq ksur jekk l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li kien hemm raġuni illeġittima wara dawk it-tranżazzjonijiet jew orndijiet jew dak l-aġir, jew li l-persuna użat informazzjoni privileġġata.

(32) Is-sondaġġi tas-suq huma interazzjonijiet bejn bejjiegħ ta' strumenti finanzjarji u investitur potenzjali wieħed jew aktar, qabel ma titħabbar tranżazzjoni, sabiex jitkejjel l-interess ta' investituri potenzjali fi tranżazzjoni possibbli u l-ipprezzar, id-daqs u l-istrutturar tagħha. Is-sondaġġi tas-suq jistgħu jinvolvu offerta inizjali jew sekondarja ta' titoli rilevanti, u huma distinti minn negozjar ordinarju. Dawn huma għodda ta' valur għoli sabiex titkejjel l-opinjoni ta' investituri possibbli, jissaħħaħ id-djalogu mal-azzjonist, jiġi żgurat li l-operazzjonijiet jimxu bla xkiel, u li l-fehmiet tal-emittenti, l-azzjonisti eżistenti u l-investituri l-ġodda potenzjali jkunu allinjati. Jistgħu jkunu ta' benefiċċju partikolari meta s-swieq ikollhom nuqqas ta' fiduċja jew parametru ta' referenza rilevanti, jew ikunu volatili. Għalhekk il-kapaċità li jitwettqu sondaġġi tas-suq hija importanti għall-funzjonament xieraq tas-swieq finanzjarji u s-sondaġġi tas-suq m'għandhomx jitqiesu bħala abbuż tas-suq.

(33) Eżempji ta' sondaġġi tas-suq jinkludu sitwazzjonijet fejn ditta fuq in-naħa tal-bejgħ tkun daħlet f'diskussjonijiet ma' emittent dwar tranżazzjoni possibbli, u jkun ġie deċiż li jitkejjel l-interess ta' investitur potenzjali sabiex jiġu ddeterminati t-termini li se jiffurmaw tranżazzjoni; meta emittent ikollu l-ħsieb li jħabbar ħruġ ta' dejn jew ekwità addizzjonali u jiġu kkuntatjati investituri ewlenin minn ditta fuq in-naħa tal-bejgħ u jingħataw it-termini kollha tal-ftehim sabiex jinkiseb impenn finanzjarju għal parteċipazzjoni fit-tranżazzjoni; jew meta n-naħa tal-bejgħ tkun qed tippova tbiegħ ammont kbir ta' titoli f'isem investitur u tipprova tkejjel l-interess potenzjali f'dawk it-titoli minn investituri potenzjali oħrajn.

(34) It-twettiq ta' sondaġġi tas-suq jista' jirrikjedi żvelar lil investituri potenzjali ta' informazzjoni privileġġata. Ġeneralment ikun hemm biss il-potenzjal li jinkiseb profitt finanzjarju minn negozju bbażat fuq informazzjoni privileġġata li tkun għaddiet f'sondaġġ tas-suq meta jkun hemm suq eżistenti fl-istrument finanzjarju li jkun is-suġġett tas-sondaġġ tas-suq jew fi strument finanzjarju relatat. Fid-dawl tal-għażla taż-żmien ta' tali diskussjonijiet, huwa possibbli li tiġi żvelata informazzjoni privileġġata lill-investitur potenzjali matul is-sondaġġ tas-suq wara li strument finanzjarju jkun ġie ammess għan-negozjar f'suq regolat jew innegozjat fuq MTF jew OTF. Qabel ma jinvolvi ruħu f'sondaġġ tas-suq, il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jevalwa jekk is-sondaġġ tas-suq hux se jinvolvi l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata.

(35) Għandu jitqies li tkun ġiet żvelata informazzjoni privileġġata b'mod leġittimu jekk din tiġi żvelata matul l-eżerċizzju normali tat-twettiq tal-impjieg, il-professjoni jew id-dmirijiet ta' persuna. Meta sondaġġ tas-suq ikun jinvolvi l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata, il-parteċipant fis-suq li jiżvela se jitqies li qiegħed jaġixxi fit-twettiq tal-impjieg, il-professjoni jew id-dmirijiet normali tiegħu meta, fl-istess ħin li jsir l-iżvelar, huwa jinforma u jirċievi l-kunsens tal-persuna li lilha jkun sar l-iżvelar li tista' tingħata informazzjoni privileġġata; li se tkun ristretta bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament milli tinnegozja jew taġixxi fuq dik l-informazzjoni; li għandhom jittieħdu passi raġonevoli biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità kontinwa tal-informazzjoni; u li għandha tinforma lill-parteċipant fis-suq li jiżvela dwar l-identitajiet tal-persuni fiżiċi u legali kollha li lilhom tiġi żvelata l-informazzjoni fil-qafas tal-iżvilupp ta' rispons għas-sondaġġ tas-suq. Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jikkonforma wkoll mal-obbligi, li għandhom jiġu stipulati fi standards tekniċi regolatorji, rigward iż-żamma ta' rekords ta' informazzjoni żvelata. Il-parteċipanti tas-suq li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament fit-twettiq ta' sondaġġ tas-suq ma għandhomx jiġu preżunti li żvelaw informazzjoni privileġġata illegalment iżda ma għandhomx ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-eżenzjoni mogħtija lil dawk li jkunu kkonformaw ma' tali dispożizzjonijiet. Il-mistoqsija jekk kisrux il-projbizzjoni kontra l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata għandha tiġi analizzata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament u l-parteċipanti kollha f'suq li jiżvela għandhom l-obbligu li jżommu rekord bil-miktub tal-valutazzjoni tagħhom, qabel ma jidħlu f'sondaġġ tas-suq, indipendentement minn jekk dak is-sondaġġ tas-suq ikunx jinvolvi l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata.

(36) L-investituri potenzjali li jkunu s-suġġett ta' sondaġġ tas-suq u mbagħad għandhom jikkunsidraw jekk l-informazzjoni żvelata lilhom tammontax għal informazzjoni privileġġata li twaqqafhom milli jagħmlu negozju abbażi tagħha jew li jkomplu jiżvelaw dik l-informazzjoni. L-investituri potenzjali jibqgħu suġġetti għar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u dwar l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, kif stipulat f'dan ir-Regolament. Sabiex l-investituri potenzjali jiġu assistiti fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom u fir-rigward ta' x'passi għandhom jieħdu sabiex ma jiksrux dan ir-Regolament, l-ESMA għandha toħroġ linji gwida.

(37) Ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 jistipula żewġ reġimi paralleli kontra l-abbuż tas-suq, applikabbli għall-irkanti tal-kwoti tal-emissjonijiet. Madankollu, b'riżultat tal-klassifikazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji, dan ir-Regolament għandu jikkostitwixxi sett ta' regoli uniku ta' miżuri kontra l-abbuż tas-suq applikabbli għas-swieq primarji u sekondarji kollha fil-kwoti tal-emissjonijiet. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal imġiba jew tranżazzjonijiet, inklużi offerti, li jkollhom x;jaqsmu mal-irkantar fuq pjattaforma ta' irkantar awtorizzata ta' suq regolat ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom, inkluż meta prodotti irkantati ma jkunux strumenti finanzjarji, skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

(38) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi miżuri rigward il-manipulazzjoni tas-suq li jistgħu jiġu adattati għal forom ġodda ta' negozjar jew strateġiji ġodda li jistgħu jkunu abbużivi. Sabiex jiġi rifless il-fatt li n-negozjar fi strumenti finanzjarji huwa dejjem aktar awtomatizzat, huwa mixtieq li d-definizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq tipprovdi eżempji ta' strateġiji speċifiċi ta' abbuż li jistgħu jitwettqu permezz ta' kwalunkwe mezz disponibbli ta' negozjar algoritmiku u ta' frekwenza għolja. L-eżempji pprovduti mhumiex maħsuba biex ikunu eżawrjenti u lanqas ma huma maħsuba biex jissuġġerixxu li l-istess strateġiji mwettqa permezz ta' mezzi oħra ma jkunux abbużivi wkoll.

(39) Il-projbizzjonijiet kontra l-abbuż tas-suq għandhom ikopru wkoll dawk il-persuni li jaġixxu f'kollaborazzjoni biex jitwettaq abbuż tas-suq. Eżempji jistgħu jinkludu, iżda mhux biss, sensara li joħolqu jew jirrakkomandaw strateġija ta' negozju mfassla biex tirriżulta f'abbuż tas-suq, persuni li jħeġġu lil persuna li jkollha informazzjoni privileġġata biex tiżvela dik l-informazzjoni illegali, jew persuni li jiżviluppaw softwer b'kollaborazzjoni ma' negozjant bl-iskop li jiffaċilitaw abbuż tas-suq.

(40) Sabiex tiġi żgurata r-responsabilità kemm fuq il-persuna ġuridika kif ukoll kwalunkwe persuna fiżika li jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjoni tal-persuna ġuridika, jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti il-mekkaniżmi legali nazzjonali differenti fl-Istati Membri. Tali mekkaniżmi għandhom jirrelataw direttament għall-metodi ta' attribuzzjoni ta' responsabilità fil-liġi nazzjonali.

(41) Sabiex jikkomplementa l-projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq, dan ir-Regolament għandu jinkludi projbizzjoni kontra tentattiv ta' involviment fil-manipulazzjoni tas-suq. Tentattiv li jsir involviment f'manipulazzjoni tas-suq għandu jkun distint minn aġir li x'aktarx jirriżulta f'manipulazzjoni tas-suq peress li ż-żewġ attivitajiet huma pprojbiti skont dan ir-Regolament. Tali tentattiv jista' jinkludi sitwazzjonijiet fejn l-attività tinbeda iżda ma titkompliex, pereżempju b'riżultat ta' teknoloġija li tfalli jew istruzzjoni ta' negozjar li ma titteħidx azzjoni fuqha. Il-projbizzjoni ta' tentattivi ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq hija neċessarja sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimponu sanzjonijiet għal tali tentattivi.

(42) Mingħajr preġudizzju għall-għan ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet appklikabbli direttament tiegħu, persuna li tidħol fi tranżazzjonijiet jew toħroġ ordnijiet għal kummerċ li jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq tista' tistabbilixxi li r-raġunijiet tagħha biex tidħol f'tali tranżazzjonijiet jew toħrog l-ordnijiet ta' negozjar kienu leġittimi u li t-tranżazzjonijiet u l-ordnijiet ta' negozjar kienu konformi ma' prattika aċċettata fis-suq ikkonċernat. Prattika tas-suq aċċettata tista' tiġi stabbilita biss mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-abbuż tas-suq tas-suq ikkonċernat. Prattika li hija aċċettata f'suq partikolari ma tistax titqies li hi applikabbli għal swieq oħra sakemm l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn is-swieq l-oħra ma jkunux aċċettaw dik il-prattika b'mod uffiċjali. Jista' jitqies li jkun seħħ ksur ukoll jekk l-awtorità kompetenti tkun stabbilixxiet li kien hemm raġuni oħra, illeġittima wara dawn it-tranżazzjonijiet jew ordnijiet għal negozjar.

(43) Dan ir-Regolament għandu jiċċara wkoll li l-involviment f'manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' involviment f'manipulazzjoni tas-suq fi strument finanzjarju jistgħu jieħdu l-forma ta' użu ta' strumenti finanzjarji relatati bħal strumenti derivati li huma nnegozjati fuq post tan-negozjar ieħor jew OTC.

(44) Bosta strumenti finanzjarji huma pprezzati b'referenza għall-parametri ta' referenza. Il-manipulazzjoni reali jew tentattiv ta' manipulazzjoni tal-parametri ta' referenza, inklużi r-rati tal-offerti interbankarji, jistgħu jkollhom impatt serju fuq il-fiduċja fis-suq u jistgħu jirriżultaw f'telf sinifikanti għall-investituri jew distorsjoni tal-ekonomija reali. Għalhekk, dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-parametri ta' referenza huma meħtieġa sabiex tiġi mħarsal-integrità tas-swieq u jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jinfurzaw projbizzjoni ċara tal-manipulazzjoni tal-parametri ta' referenza. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikopru l-parametri ta' referenza ppubblikati kollha inklużi dawk aċċessibbli permezz tal-Internet indipendentement ikunux bxejn jew le bħalma huma l-parametri ta' referenza CDS u l-indiċi tal-indiċi. Jinħtieġ li tiġi kkomplementata l-projbizzjoni ġenerali tal-manipulazzjoni tas-suq billi jiġu pprojbiti l-manipulazzjoni tal-parametru ta' referenza nnifsu u t-trażmissjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa, forniment ta' inputs foloz jew qarrieqa, jew kwalunkwe azzjoni oħra li timmanipula l-kalkolu ta' parametru ta' referenza, fejn dak il-kalkolu jkun definit b'mod wiesa' biex jinkludi r-riċeviment u l-valutazzjoni tad-data kollha li tirrelata mal-kolkolu ta' dak il-parametru ta' referenza u jinkludi b'mod partikolari data maqtuha, u inkluża l-metodoloġija tal-parametru ta' referenza. Dawk ir-regoli huma b'żieda mar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 li jipprojbixxi l-forniment intenzjonali ta' informazzjoni falza lil impriżi li jipprovdu valutazzjonijiet tal-prezzijiet tas-suq jew rapporti tas-suq dwar prodotti tal-enerġija bl-ingrossa li twassal biex il-parteċipanti tas-suq li jaġixxu abbażi ta' dawk il-valutazzjonijiet tal-prezzijiet jew rapporti tas-suq jiġu mqarqa.

(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi tas-suq bejn postijiet u faċilitajiet tan-negozjar suġġetti għal dan ir-Regolament, kwalunkwe persuna li topera swieq regolati, MTFs u OTFs għandha tkun obbligata li tistabbilixxi u żżomm arranġamenti, sistemi u proċeduri effikaċi mmirati lejn il-prevenzjoni u l-kxif ta' prattiki abbużivi u ta' manipulazzjoni tas-suq.

(46) Il-manipulazzjoni jew tentattiv ta' manipulazzjoni ta' strumenti finanzjarji jista' jikkonsisti wkoll fi tqegħid ta' ordnijiet li ma jistgħux jiġu eżegwiti. Barra minn hekk, strument finanzjarju jista' jiġi mmanipulat permezz ta' mġiba li ssir barra mill-post tan-negozjar. Persuni li professjonalment jirranġaw jew iwettqu tranżazzjonijiet għandhom ikunu mitluba li jistabbilixxu u li jżommu arranġamenti, sistemi u proċeduri effikaċi fis-seħħ sabiex jidentifikaw u jirrappurtaw tranżazzjonijiet suspettużi. Huma għandhom ukoll jirrapurtaw ordnijiet suspettużi u tranżazzjonijiet suspettużi li jsiru barra mill-post tan-negozjar.

(47) Il-manipulazzjoni jew tentattiv ta' manipulazzjoni ta' strumenti finanzjarji jistgħu jikkonsistu wkoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa. It-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji f'perjodu ta' żmien relattivament limitat. Jista' jikkonsisti fl-invenzjoni ta' informazzjoni ċarament falza, iżda wkoll fl-omissjoni apposta ta' fatti materjali, kif ukoll ir-rappurtar impreċiż apposta ta' informazzjoni. Dik il-forma ta' manipulazzjoni tas-suq hija ta' ħsara partikulari għall-investituri, għaliex iġegħilhom jsejsu d-deċiżjonijiet tal-investiment tagħhom fuq informazzjoni skorretta jew imgħawġa. Hija ta' ħsara wkoll għall-emittenti, għaliex itnaqqas il-fiduċja fl-informazzjoni li hemm għad-dispożizzjoni tagħhom. Nuqqas ta' fiduċja fis-suq jista', min-naħa tiegħu, jikkomprometti serjament il-ħila ta' emittent biex joħroġ strumenti finanzjarji ġodda, jew biex jiżgura l-kreditu minn parteċipanti oħra tas-suq sabiex jiffinanzja l-operati tiegħu. L-informazzjoni tinfirex mas-suq malajr ħafna. B'konsegwenza ta' dan, il-ħsara lill-investituri u lill-emittenti tista' tibqa' sejra għal żmien relattivament twil, sakemm jinstab li l-informazzjoni kienet falza jew qarrieqi, u tkun tista' tiġi kkoreġuta mill-emittent jew minn dawk responsabbli għat-tixrid tagħha. Għaldaqstant, jeħtieġ li t-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqi, inklużi l-għajdut u l-aħbarijiet foloz jew qarrieqi, jiġi kklassifikat bħala ksur ta' dan ir-Regolament. Jixraq b'hekk li dawk li jkunu attivi fis-swieq finanzjarji ma jkollhom il-permess li jesprimu liberament informazzjoni li tmur kontra l-opinjoni tagħhom jew il-ġudizzju tajjeb tagħhom, li jafu jew imisshom jafu li hija falza jew qarrieqi, bi ħsara għall-investituri u għall-emittenti.

(48) Minħabba ż-żieda fl-użu ta' websajts, blogs u midja soċjali, importanti li jkun iċċarat li t-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa permezz tal-Internet, inklużi s-siti tal-midja soċjali jew blogs li ma jistgħux jiġu attribwiti, għandu jitqies għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, bħala ekwivalenti għal dak permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni aktar tradizzjonali.

(49) L-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata minn emittent huwa essenzjali sabiex jiġi evitat l-abbuż ta' informazzjoni privileġġata u jiżguraw li l-investituri ma jiġux imqarrqa. L-emittenti għandhom għalhekk ikunu mitluba li jinformaw lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun rigward informazzjoni privileġġata. Madankollu dak l-obbligu jista', f'kundizzjonijiet speċjali, jippreġudika l-interessi leġittimi tal-emittent. F'tali ċirkostanzi, għandu jiġi permess żvelar imdawwem sakemm dak id-dewmien ma jkunx probabbli li jqarraq bil-pubbliku u l-emittent ikun jista' jiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. L-emittent għandu biss l-obbligu li jiżvela informazzjoni privileġġata jekk ikun talab jew approva ammissjoni tal-istrument finanzjarju għan-negozjar.

(50) Sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti dwar żvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata u d-dewmien ta' tali żvelar pubbliku, kif stipulat f'dan ir-Regolament, l-interessi leġittimi jistgħu, b'mod partikolari, jirrelataw maċ-ċirkostanzi mhux eżawrjenti li ġejjin (a) in-negozjati li jkunu għaddejjin, jew l-elementi relatati, meta r-riżultat jew ix-xejra normali ta' dawn in-negozjati x'aktarx li jiġu affettwati mill-iżvelar pubbliku. B'mod partikolari, fl-eventwalità illi l-vijabbiltà finanzjarja tal-emittent tkun f'periklu gravi u iminenti, għalkemm mhux fl-ambitu tal-liġi applikabbli tal-falliment, it-tagħrif dwar l-iżvelar pubbliku jista' jiddewwem għal perjodu limitat taż-żmien meta tali żvelar pubbliku jipperikola serjament l-interess tal-azzjonarji eżistenti u potenzjali billi jdgħajjef il-konklużjoni ta' negozjati speċifiċi mfassla sabiex jiżguraw l-irkupru finanzjarju fit-tul tal-emittent; (b) id-deċiżjonijiet meħuda jew il-kuntratti magħmula mill-korp tal-ġestjoni ta' emittent li jeħtieġu l-approvazzjoni ta' korp ieħor tal-emittent sabiex isiru effettivi, meta l-organizzazzjoni ta' tali emittent teħtieġ is-separazzjoni bejn dawk il-kopri, sakemm żvelar pubbliku tal-informazzjoni qabel din l-approvazzjoni flimkien mat-taħbira simultanja tal-approvazzjoni jibqgħu pendenti jipperikolaw l-istima korretta tal-informazzjoni min-naħa tal-pubbliku.

(51) Barra minn hekk, ir-rekwiżit li tirrapporta informazzjoni privileġġata jeħtieġ li jiġi indirizzat lill-parteċipanti fis-suq tal-kwota tal-emissjonijiet. Sabiex jiġi evitat li s-suq jiġi espost għal rappurtar li ma jkunx utli u biex tinżamm il-kosteffiċjenza tal-miżura prevista, jidher li huwa meħtieġ li l-impatt regolatorju ta' dak ir-rekwiżit jiġi limitat biss għal dawk l-operaturi tal-ETS tal-UE li, minħabba d-daqs u l-attività tagħhom, jistgħu jkunu mistennija raġonevolment li jkollhom effett sinifikanti fuq il-prezz tal-kwoti tal-emissjonijiet, ta' prodotti rkantati bbażati fuqha, jew ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati magħhom u għal offerti f'irkanti skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jistabbilixxu limitu minimu għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dik l-eżenzjoni permezz ta' att delegat. L-informazzjoni li għandha tiġi żvelata għandha tikkonċerna l-operazzjonijiet fiżiċi tal-parti li qiegħda tiżvela l-informazzjoni u mhux il-pjanijiet jew l-istrateġiji proprji għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, il-prodotti rkantati bbażati fuqha, jew strumenti finanzjarji ta' derivati relatati magħhom. Meta l-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet diġà jkunu konformi ma' rekwiżiti ekwivalenti ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011, l-obbligu ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata rigward il-kwoti tal-emissjonijiet m'għandux iwassal għall-iżvelar obbligatorju doppju sostanzjalment bl-istess kontenut. Fil-każ ta' parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet b'emissjonijiet aggregati jew b'input termali ratat fil-limitu jew taħt il-limitu stabbilit, peress li l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet fiżiċi tagħhom hija meqjusa immaterjali għall-finijiet ta' żvelar, għandha titqies ukoll li m'għandhiex effett sinifikanti fuq il-prezz tal-kwoti tal-emissjonijiet, ta' prodotti rkantati bbażati fuqha, jew ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati magħhom. Minkejja dan, tali parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom ikunu koperti bil-projbizzjoni tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni oħra li jkollhom aċċess għaliha u li tkun informazzjoni privileġġata.

(52) Sabiex jiġi protett l-interess pubbliku, tinżamm l-istabilità tas-sistema finanzjarja u, pereżempju, sabiex jiġi evitat li kriżijiet ta' likwidità f'istituzzjonijiet finanzjarji jiżviluppaw fi kriżijiet ta' solvenza minħabba irtirar f'daqqa ta' fondi, jaf ikun xieraq li jiġi permess, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, id-dewmien tal-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata għal istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji. B'mod partikolari, dan jista' japplika għal informazzjoni pertinenti għal problemi ta' likwidità temporanji, fejn ikollhom bżonn jirċievu self mill-bank ċentrali inkluża assistenza ta' likwidità ta' emerġenza minn bank ċentrali fejn l-iżvelar tal-informazzjoni jkollha impatt sistemiku. Dan id-dewmien għandu jkun bil-kundizzjoni li l-emittent jikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti rilevanti u filwaqt li jkun ċar li l-interess pubbliku u ekonomiku usa' fid-dewmien tal-iżvelar huwa iktar importanti mill-interess tas-suq li jirċievi l-informazzjoni li tkun suġġetta għal dewmien.

(53) Fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, partikolarment meta jirċievu self minn banek ċentrali, inkluża assistenza f'likwidità ta' emerġenza, il-valutazzjoni dwar jekk l-informazzjoni hijiex ta' importanza sistemika u jekk dewmien fl-iżvelar huwiex fl-interess pubbliku għandha ssir mill-awtorità kompetenti, wara li tikkonsulta kif xieraq mal-bank ċentrali nazzjonali, l-awtorità makroprudenzjali jew kwalunkwe awtorità rilevanti oħra.

(54) L-użu jew it-tentattiv li jsir użu minn informazzjoni privileġġata sabiex isir negozjar għall-akkont personali jew għall-akkont ta' parti terza għandu jkun ipprojbit b'mod ċar. L-użu ta' informazzjoni privileġġata jista' jikkonsisti wkoll fl-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet u derivati tagħhom u fil-parteċipazzjoni fl-irkant ta' kwoti ta' emissjonijiet jew prodotti irkantati oħrajn ibbażati fuqhom li jinżammu b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 minn persuni li jafu, jew li jmisshom jafu, li l-informazzjoni li jippossjedu tikkostitwixxi informazzjoni privileġġata. Informazzjoni rigward il-pjanijiet u l-istrateġiji proprji għan-negozjar tal-parteċipant fis-suq m'għandhiex titqies bħala informazzjoni privileġġata, minkejja li l-informazzjoni rigward il-pjanijiet u l-istrateġiji għan-negozjar ta' parti terza tista' tammonta għal informazzjoni privileġġata.

(55) Il-ħtieġa li tiġi żvelata informazzjoni privileġġata tista' tkun ta' piż għall-intrapriżi żgħar u medji, kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs, minħabba l-ispejjeż tal-monitoraġġ ta' informazzjoni fil-pussess tagħhom u t-tiftix ta' parir legali dwar jekk u meta l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi żvelata. Madankollu, l-iżvelar fil-pront ta' informazzjoni privileġġata huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kunfidenza tal-investituri f'dawk l-emittenti. Għalhekk, l-ESMA għandha tkun tista' toħroġ linji gwida li jgħinu lill-emittenti jħarsu l-obbligu li jiżvelaw informazzjoni privileġġata mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoni tal-investitur.

(56) Il-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata huma għodda importanti għar-regolaturi meta jinvestigaw abbuż possibbli tas-suq, iżda d-differenzi nazzjonali rigward data li għandha tiġi inkluża f'dawk il-listi jimponu piżijiet amministrattivi żejda fuq l-emittenti. Kaxex tad-data meħtieġa għal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għandhom għalhekk ikunu uniformi sabiex jitnaqqsu dawk l-ispejjeż. Importanti li l-persuni inklużi fil-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata jiġu infurmati b'dak il-fatt u bl-implikazzjonijiet tiegħu skont dan ir-Regolament u d-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Il-ħtieġa li jinżammu listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata u li jiġu aġġornati kostantement timponi piżijiet amministrattivi speċifikament fuq l-emittenti fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs. Peress li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu superviżjoni effettiva tal-abbuż tas-suq mingħajr ma jkollhom dawk il-listi disponibbli l-ħin kollu għal dawk l-emittenti dawn għandhom ikunu eżenti minn dan l-obbligu sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi imposti b'dan ir-Regolament. Madankollu, tali emittenti għandhom jipprovdu lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

(57) L-istabbiliment, mill-emittenti jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew għall-akkont tagħhom, ta' listi ta' persuni li jaħdmu għalihom permezz ta' kuntratt tal-impieg jew b'xi mod ieħor u li jkollhom aċċess għall-informazzjoni privileġġata li tirrigwarda, direttament jew indirettament, lill-dak l-emittent, huwa miżura utili għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq. Tali listi jistgħu jservu lill-emittenti jew lill-tali persuni biex jikkontrollaw il-fluss tal-informazzjoni privileġġata u b'hekk ikunu ta' għajnuna għall-ġestjoni tad-doveri ta' konfidenzalità tagħhom. Barra minn hekk, tali listi jistgħu jikkostitwixxu wkoll għodda utli biex l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw kwalunkwe persuna li jkollha aċċess għal informazzjoni privileġġata u d-data li fiha tkun kisbet l-aċċess għaliha. L-aċċess għal informazzjoni privileġġata relatata, direttament jew indirettament, mal-emittent minn persuni inklużi f'tali lista huwa bla preġudizzju għall-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(58) Trasparenza akbar tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltajiet maniġerjali fil-livell tal-emittent u, fejn applikabbli, persuni assoċjati mill-qrib magħhom, tikkostitwixxi miżura preventiva kontra l-abbuż tas-suq, b'mod partikolari l-abbuż minn informazzjoni privileġġata. Il-pubblikazzjoni ta' dawk it-tranżazzjonijiet mill-inqas fuq bażi individwali tista' wkoll tkun sors siewi ta' informazzjoni għall-investituri. Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-obbligu li jiġu ppubblikati t-tranżazzjonijiet ta' dawk il-maniġers jinkludi wkoll il-wegħda jew self ta' strumenti finanzjarji, peress li l-wegħda ta' ishma tista' tirriżulta f'impatt materjali u potenzjalment distabbilizzanti fuq il-kumpanija fil-każ ta' ċessjoni mhux prevista. Mingħajr l-iżvelar, is-suq ma jkunx konxju li tkun żdiedet il-possibilità ta', pereżempju, bidla futura sinifikanti fis-sjieda tal-ishma; żieda fil-provvista ta' ishma għas-suq; jew telf ta' drittijiet ta' vot f'dik il-kumpanija. Għal dik ir-raġuni, in-notifika skont dan ir-Regolament tkun meħtieġa meta l-wegħda ta' titoli ssir bħala parti minn tranżazzjoni usa' fejn il-maniġer iwiegħed it-titoli bħala kollateral biex jikseb kreditu minn parti terza. Barra minn hekk, it-trasparenza sħiħa u proprja hija prerekwiżit għall-fiduċja tal-atturi tas-suq u, b'mod partikolari, għall-fiduċja tal-azzjonisti ta' kumpanija. Huwa neċessarju wkoll li jiġi ċċarat li l-obbligu li jiġu ppubblikati t-tranżazzjonijiet ta' dawk il-manigers jinkludi tranżazzjonijiet minn persuna oħra li li teżerċita diskrezzjoni għall-maniġer. Sabiex jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-livell tat-trasparenza u n-numru ta' rapporti notifikati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku, għandhom jiġu introdotti limiti f'dan ir-Regolament li t-tranżazzjonijiet li ma jaqbżuhomx m'hemm għalfejn jiġu notifikati.

(59) In-notifika ta' tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltajiet maniġerjali għall-akkont tagħhom stess, jew minn persuna assoċċjata mill-qrib magħhom, mhux biss hija informazzjoni ta' valur għall-parteċipanti tas-suq, imma tikkostitwixxi wkoll mezz addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw is-swieq. L-obbligu tan-notifika tat-tranżazzjonijiet huwa bla preġudizzju għall-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(60) In-notifika ta' tranżazzjonijiet għandha tkun konformi mar-regoli ta' trasferiment ta' data personali stipulati fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

---

([1]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar swieq fi strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/67/UE (Ara paġna 349 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għall-abbuż tas-suq (Direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (Ara paġna 179 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(61) Persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali għandhom ikunu pprojbiti milli jagħmlu negozju qabel ma jitħabbar rapport finanzjarju interim jew rapport ta' għeluq is-sena li l-emittent rilevanti obbligat jippubblika skont ir-regoli tal-post tan-negozjar fejn l-ishma tal-emittent ikunu ammessi għan-negozju jew skont il-liġi nazzjonali, sakemm ma jkunux jeżistu ċirkostanzi speċifiċi u ristretti li jiġġustifikaw permess mill-emittenti li jippermetti lil persuna li għandha responsabbiltajiet maniġerjali li tinnegozja. Madankollu, kwalunkwe tali permess mill-emittent huwa bla preġudizzju għall-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(62) Sett ta' għodod u setgħat u riżorsi effettivi għall-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru jiggarantixxi effettività ta' superviżjoni. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jistipula, b'mod partikolari, sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi li għandhom jiġu fdati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri taħt il-liġi nazzjonali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati, fejn il-liġi nazzjonali tkun tirrikjedi dan, permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizjarji kompetenti. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u għandhom jibqgħu awtonomi fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

(63) L-intrapriżi tas-suq u l-atturi ekonomiċi kollha għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-integrità tas-suq. F'dak is-sens, il-ħatra ta' awtorità kompetenti unika għall-abbuż tas-suq m'għandhiex teskludi rabtiet ta' kollaborazzjoni jew delega taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti, bejn dik l-awtorità u l-intrapriżi tas-suq bil-ħsieb li tiġi ggarantita superviżjoni effiċjenti ta' konformità mad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament. Meta persuni li jipproduċu jew jew ixerrdu rakkomandazzjonijiet ta' investiment jew informazzjoni oħra fejn jirrakkomandaw jew jissuġġerixxu strateġija ta' investiment fi strument finanzjarju wieħed jew iktar jinnegozjaw għall-akkont tagħhom stess f'tali strumenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, inter alia, jkunu jistgħu jirrikjedu jew jitolbu minn tali persuni kwalunkwe informazzjoni neċessarja biex jiġi ddeterminat jekk ir-rakkomandazzjonijiet prodotti jew imxerrda minn dik il-perusna humiex konformi ma' dan ir-Regolament.

(64) Għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' każijiet ta' negozjar b'informazzjoni privileġġata u ta' manipulazzjoni tas-suq, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom, b'konformità mal-liġi nazzjonali, il-kapaċità li jaċċessaw il-bini ta' persuni fiżiċi u legali sabiex jikkonfiskaw dokumenti. L-aċċess għal tali bini huwa meħtieġ fejn ikun hemm suspett raġonevoli li jeżistu dokumenti u data oħra relatati mas-suġġett ta' investigazzjoni u jistgħu jkunu rilevanti biex jiġi ppruvat każ ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew abbuż tas-suq. Barra minn hekk, l-aċċess għal tali bini huwa neċessarju meta: il-persuna li lilha tkun diġà saret talba għal informazzjoni tonqos, għal kollox jew parzjalment, milli tikkonforma magħha; jew fejn hemm raġunijiet ġustifikabbli biex wieħed jemmen li, kieku kellha ssir talba, ma tiġix milqugħa, jew id-dokumenti jew l-informazzjoni li t-talba tkun marbuta magħhom jitneħħew, jiġu mmanipulati jew jinqerdu. Jekk tkun tinħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat, skont il-liġi nazzjonali, l-aċċess għal bini għandha jseħħ wara li tkun inkisbet dik l-awtorizzazzjoni minn qabel.

(65) Rekordings eżistenti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi u rekords tat-traffiku tad-data minn kumpaniji tal-investiment, istituzzjonijiet tal-kreditu u instituzzjonijiet finanzjarji li jeżegwixxu u jiddokumentaw l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet, kif ukoll rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-data minn operaturi tat-telekomunikazzjonijiet, jikkostitwixxu evidenza kruċjali, u kultant anki l-unika evidenza, biex tiġi identifikata u pprovata l-eżistenza ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u ta' manipulazzjoni tas-suq. Ir-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-data jistgħu jistabbilixxu l-identità ta' persuna responsabbli għat-tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa, jew li ċerti persuni jkunu ġew f'kuntatt f'ċertu ħin, jew li teżisti relazzjoni bejn tnejn min-nies jew aktar. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jirrikjedu rekordingst eżistenti tal-konverżazzjonijiet telefoniċi, komunikazzjonijiet elettroniċi u rekords tat-traffiku tad-data miżmuma minn kumpanija ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja skont id-Direttiva 2014/65/UE. L-aċċess għad-data u għar-rekords telefoniċi huwa meħtieġ biex tiġi pprovduta evidenza u jiġi investigat ħjiel dwar abbuż possibbli minn informazzjoni privileġġata jew manipulazzjoni possibbli tas-suq, u b'hekk għall-identifikazzjoni u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għallabbuż tas-suq. Sabiex jiġu introdotti kundizzjonijiet indaqs fl-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċess għar-rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew ir-rekordings eżistenti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi u traffiku ta' data miżmuma minn kumpanija tal-investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà, b'konformità mal-liġi nazzjonali, li jitolbu rekords eżistenti tat-telefown jew tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni sakemm ikun permess skont il-liġi nazzjonali u rekordings eżistenti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi kif ukoll traffiku ta' data miżmuma minn kumpanija ta' investiment, f'każijiet fejn ikun hemm suspett raġonevoli li tali rekords, marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni jew investigazzjoni, ikunu relevanti bħala prova ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq bi ksur ta' dan ir-Regolament. L-aċċess għar-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjonijiet ma jinkludux l-aċċess għall-kontenut ta' komunikazzjonijiet vokali bit-telefown.

(66) Filwaqt li dan ir-Regolament jispeċifika sett minimu ta' setgħat li għandu jkollhom l-awtoritajiet kompetenti, dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati fi ħdan sistema kompluta ta' liġi nazzjonali li tiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet fundamentali, inkuż id-dritt għall-privatezza. Għall-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat, li jista' jammonta għal interferenzi serji mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u dik tal-familja, id-domiċilju u l-komunikazzjonijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ salvagwardji adegwati u effikaċi kontra kwalunkwe abbuż, pereżempju, fejn opportun, rekwiżit biex tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel minn awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-possibilità li l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw tali setgħat intrusivi sal-punt neċessarju għall-investigazzjoni xierqa ta' każijiet serji fejn ma jkun hemm l-ebda mezz ekwivalenti biex effettivament jinkiseb l-istess riżultat.

(67) Peress li l-abbuż tas-suq jista' jsir bejn il-fruntieri u s-swieq, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi straordinarji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu mitluba li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti u regolatorji oħra, u mal-ESMA, b'mod partikolari rigward attivitajiet ta' investigazzjoni. Meta awtorità kompetenti tkun konvinta li l-abbuż tas-suq kien, jew qiegħed, jiġi mwettaq fi Stat Membru ieħor jew jaffettwa strumenti finanzjarji nnegozjati fi Stat Membru ieħor, għandha tinnotifika dak il-fatt lill-awtorità kompetenti u lill-ESMA. F'każijiet ta' abbuż tas-suq b'effetti transkonfinali, l-ESMA għandha tkun tista' tikkoordina l-investigazzjoni jekk tintalab li tagħmel hekk minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

(68) Jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom l-għodda neċessarja għal sorveljanza effikaċi bejn is-swieq tal-kotba tal-ordnijiet. Skont id-Direttiva 2014/65/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu u jirċievu data minn awtoritajiet kompetenti oħrajn relatata mal-kotba tal-ordnijiet bħala assistenza fis-sorveljanza u l-kxif ta' manipulazzjoni tas-suq fuq bażi transkonfinali.

(69) Sabiex jiġu żgurati skambji ta' informazzjoni u kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi rigward l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Kwalunkwe trasferiment ta' data personali li jsir fuq il-bażi ta' dak il-ftehim għandu jkun konformi mad-Direttiva 95/46/KE kif ukoll mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(70) Qafas prudenzjali u sod u l-kondotta tan-negozju għas-settur finanzjarju għandu jkun ibbażat fuq sistemi b'saħħithom ta' sorveljanza, investigazzjoni u sanzjonar. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet superviżorji għandhom ikunu mgħammra b'biżżejjed setgħat sabiex jaġixxu u għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq sistemi ta' sanzjonijiet ugwali, qawwija u ta' deterrent kontra kull kondotta ħażina finanzjarja u sanzjonijiet li għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv. Madankollu, il-Grupp de Larosièrekkunsidra li l-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma huwa attwalment fis-seħħ. Analiżi tas-setgħat eżistenti li jiġu imposti sanzjonijietu l-applikazzjoni prattika tagħhom bil-għan li tiġi promossal-konverġenza tas-sanzjonijiet tul firxa ta' attivitajiet ta' sorveljanza ġiet imwettqa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

(71) Għalhekk, sett ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi oħrajn għandu jkun previst minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat approċċ komuni fl-Istati Membri u sabiex jiġi mtejjeb l-effett dissważiv tagħhom. Il-possibilità ta' projbizzjoni mill-eżerċizzju ta' funzjonijiet maniġerjali fi ħdan ditti tal-investiment għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti. Is-sanzjonijietimposti f'każijiet speċifiċi għandhom ikunu determinati billi jittieħdu in kunsiderazzjoni, fejn xieraq, fatturi bħad-disgorgement ta' kwalunkwe benefiċċju finanzjarju identifikat, kemm ikun serju u kemm idum ksur, kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti, il-ħtieġa li l-multi jkollhom effett deterrenti u, fejn xieraq, jinkludu skont għal kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti. B'mod partikolari, l-ammont attwali ta' multi amministrattivi li għandu jiġi impost f'każ speċifiku jista' jilħaq il-livell massimu previst f'dan ir-Regolament, jew l-ogħla livell previst fil-liġi nazzjonali, għal ksur serju ħafna, filwaqt li multi ferm aktar baxxi mil-livell massimu jistgħu jiġu applikati għal ksur minuri jew f'każ ta' ftehim. Dan ir-Regolament ma jillimitax il-ħila tal-Istati Membri li jistipulaw sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn ogħla.

(72) Għalkemm xejn ma jzomm lill-Istati Membri milli jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi kif ukoll għal sanzjonijiet kriminali fuq l-istess ksur, huma m'għandhomx ikunu obbligati li jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għal ksur ta' dan ir-Regolament li jkun diġa' soġġett għal-liġi kriminali nazzjonali sat-3 ta' Lulju 2016. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri mhumiex obbligati jimponu sanzjonijiet kemm

([1]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

amministrattivi u kriminali għall-istess reat, iżda huma jistgħu jagħmlu dan jekk il-liġi nazzjonali tagħhom tippermetti dan. Madankollu, iż-żamma ta' sanzjonijiet kriminali minflok sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 2014/57/UE m'għandhiex tnaqqas jew taffettwa b'xi mod ieħor il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw u jaċċedu u jiskambjaw informazzjoni fil-ħin ma' awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż wara kwalunkwe riferiment tal-ksur rilevanti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal prosekuzzjoni kriminali.

(73) Sabiex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti jkollhom effett dissważiv fuq il-pubbliku inġenerali, huma għandhom normalment ikunu ppubblikati. Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet hija wkoll għodda importanti għall-awtoritajiet kompetenti biex il-parteċipanti tas-suq jiġu informati dwar liema mġiba hija kkunsidrata bħala li tikser dan ir-Regolament u biex tiġi promossa mġiba tajba fost il-parteċipanti tas-suq. Jekk tali pubblikazzjoni tikkawża dannu sproporzjonat lill-persuni involuti jew tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni li tkun għaddejja l-awtorità kompetenti għandha tippubblika s-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn fuq bażi anonima f'konformità mal-liġi nazzjonali jew tittardja l-pubblikazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-għażla li ma jippubblikawx sanzjonijiet u miżuri amministrattivi oħrajn fejn pubblikazzjoni anonima jew ittardjata titqies mhux biżżejjed biex jiġi żgurat li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji ma tkunx ipperikolata. L-awtoritajiet kompetenti lanqas ma huma obbligati jippubblikaw miżuri li huma meqjusa ta' natura minuri u li l-pubblikazzjoni tagħhom tkun sproporzjonata.

(74) L-informaturi dwar prattiċi ħżiena ("whistleblowers") jressqu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tgħinhom biex jidentifikaw u jimponu sanzjonijiet f'każijiet ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Madankollu, l-għoti ta' informazzjoni dwar prattiċi ħżiena jista' jkun ostakolat minħabba l-biża' minn ritaljazzjoni, jew minħabba nuqqas ta' inċentivi. Ir-rappurtar ta' ksur ta' dan ir-Regolament huwa meħtieġ biex ikun żgurat li awtorità kompetenti tkun tista' tidentifika u timponi sanzjonijiet għall-abbuż tas-suq. Miżuri dwar għoti ta' informazzjoni dwar prattiċi ħżiena huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-abbuż tas-suq u biex jiġu żgurati l-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-informatur dwar prattiċi ħżiena u tal-persuna akkużata. Dan ir-Regolament għalhekk għandu jiżgura li l-arranġamenti adegwati huma fis-seħħ biex jippermettu lill-informaturi dwar prattiċi ħżiena sabiex iwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur possibbli ta' dan ir-Regolament, u biex ikunu protetti minn ritaljazzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw inċentivi finanzjarji għal dawk il-persuni li joffru informazzjoni rilevanti dwar ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament. Madankollu, l-informaturi dwar prattiċi ħżiena għandhom ikunu intitolati għal tali inċentivi finanzjarji meta dawn iressqu informazzjoni ġdida li mhumiex diġà legalment obbligati li jinnotifikaw u meta dik l-informazzjoni tirriżulta f'sanzjoni għal ksur ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-iskemi tal-għoti ta' informazzjoni dwar prattiċi ħżiena li huma jimplimentaw jinkludu mekkaniżmi li jipprovdu protezzjoni xierqa ta' persuna akkużata, b'mod partikulari rigward id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu u proċeduri biex jiżguraw id-dritt tal-persuna akkużata għal difiża u li jinstema' qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li tikkonċerna lilu kif ukoll id-dritt għal tiftix ta' rimedju effettiv quddiem qorti kontra deċiżjoni li tikkonċerna lilu.

(75) Peress li l-Istati Membri adottaw leġislazzjoni li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE, u peress li l-atti delegati, l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati qabel il-qafas li se jiġi introdotti jista' jiġi applikat b'mod siewi, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi ta' dan ir-Regolament tiġi diferita għal perjodu suffiċjenti ta' żmien.

(76) Sabiex tiġi faċilitata tranżizzjoni mingħajr xkiel għad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, prattiki tas-suq eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 [1] għall-iskop tal-applikazzjoni tal-punt 2(a) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/6/KE, jistgħu jibqgħu applikabbli, dment li jiġi nnotifikati lill-ESMA fi żmien perijodu stipulat, sakemm l-awtorità kompetenti tkun ħadet deċiżjoni rigward il-kontinwazzjoni ta' dawk il-prattiki f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(77) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Karta). Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jkun interpretat u applikat bi qbil ma' dawk id-drittijiet u prinċipji. B'mod partikolari, meta dan ir-Regolament jirreferi għal regoli li jirregolaw il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'midja oħra u r-regoli jew il-kodiċi li jirregolaw il-professjoni ġurnalistika, għandhom jitqiesu dawk il-libertajiet kif ggarantiti fl-Unjoni u fl-Istati membri u kif rikonoxxuti skont l-Artikolu 11 tal-Karta u skont dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn.

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jimplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-eżenzjonijiet għall-programmi tax-xiri lura u l-istabbilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 33).

(78) Sabiex tiżdied it-trasparenza u sabiex l-operat tar-reġimi tas-sanzjonijiet ikun informat aħjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu data anonimizzata u aggregata lill-ESMA fuq bażi annwali. Dik id-data għandha tinkludi l-għadd ta' investigazzjonijiet li nfetħu, l-għadd li għadhom għaddejjin u l-għadd li ngħalqu matul il-perjodu rilevanti.

(79) Id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-ESMA fil-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet indipendenti pubbliċi maħturin mill-Istati Membri. Kull skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-ESMA għandu jkun skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

(80) Dan ir-Regolament, kif ukoll l-atti delegati, l-atti ta' implimentazzjoni, l-istandards regolatorji tekniċi, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni u l-linji gwida adottati skont dan, huma bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

(81) Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiġi delegata bis-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' ċerti korpi pubbliċi u banek ċentrali ta' pajjiżi terzi u ta' ċerti korpi pubbliċi maħtura f'pajjiżi terzi li għandhom ftehim ta' kollegament mal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE; l-indikaturi ta' mġiba manipulattiva elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament; il-livelli li lil hinn minnhom tiġi determinata l-applikazzjoni tal-obbligu ta' żvelar pubbliku lill-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet; iċ-ċirkustanzi li taħthom jista' jitħalla jsir negozjar waqt perjodu magħluq; u l-karatteristiċi ta' ċerti tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni li jkollhom responsabbiltajiet maniġerjali jew persuni assoċjati mill-qrib li jwasslu għar-rekwiżit ta' notifika. Huwa ta' importanza partikulari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(82) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' proċeduri għar-rappurtar ta' ksur ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tispeċifika dawk il-proċeduri, inklużi l-arranġamenti għas-segwitu tar-rapporti u miżuri għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu b'kuntratt ta' impjieg u miżuri għall-protezzjoni tad-data personali. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(83) Standards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw kundizzjonijiet uniformi mal-Unjoni kollha fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament. Bħal korp b'għarfien espert speċjalizzat, ikun effiċjenti u xieraq li l-ESMA tkun fdata bit-tfassil ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet ta' politika, għat-tressiq tagħhom lill-Kummissjoni.

(84) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA biex tispeċifika l-kontenut tan-notifiki li jridu jsiru mill-operaturi ta' swieq regolati, MTFs u OTFs li jikkonċernaw l-istrumenti finanzjarji li huma ammessi għan-negozjar, innegozjati, jew li għalihom tkun saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar fil-post ta' negozjar tagħhom; il-manjiera u l-kundizzjonijiet tal-ġbir, il-pubblikazzjoni u ż-żamma tal-lista' ta' dawk l-istrumenti mill-ESMA; l-kundizzjonijiet li programmi ta' riakkwist u miżuri ta' stabilizzazzjoni jridu jissodisfaw inklużi l-kundizzjonijiet għan-negozjar, ir-restrizzjonijiet fir-rigward taż-żmien u l-volum, l-obbligi ta' żvelar u rappurtar u l-kundizzjonijiet tal-prezz għall-istabbilizzazzjoni; fir-rigward tal-proċeduri u l-arranġamenti, sistemi għal postijiet ta' negozju immirati li jipprevjenu u jidentifikaw l-abbuż tas-suq, kif ukoll is-sistemi u l-mudelli li għandhom jintużaw mill-persuni sabiex jidentifikaw u jinnotifikaw ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi: arranġamenti, proċeduri u rekwiżiti ta' żamma tar-rekords xierqa waqt is-sondaġġi tas-suq: u

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

fir-rigward ta' arranġamenti tekniċi għal kategoriji ta' persuni għall-preżentazzjoni oġġettiva tal-informazzjoni, bir-rakkomandazzjoni ta' strateġija ta' investiment, u għall-iżvular ta' interessi partikulari jew indikazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE u l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. Huwa ta' importanza partikulari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti.

(85) Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ESMA għandha tkun fdata bit-tfassil ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni għat-tressiq lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-kxif pubbliku tal-informazzjoni privileġġata, il-formati tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, u l-proċeduri għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, kemm fosthom stess kif ukoll mal-ESMA.

(86) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li timpedixxi abbuż tas-suq fil-forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata, żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda, minħabba l-iskala u l-effetti teigħu, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(87) Billi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/6/KE m'għadhomx rilevanti jew suffiċjenti, dik id-Direttiva għandha tiġi mħassra mit-3 ta' Lulju 2016. Il-ħtiġijiet u l-projbizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma relatati strettament ma' dawk fid-Direttiva 2014/65/UE u għalhekk għandhom japplikaw mid-data ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(88) Għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ, li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li l-liġi nazzjonali tagħhom tkun konformi sat-3 ta' Lulju 2016 mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar awtoritajiet kompetenti u s-setgħat tagħhom, sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra, ir-rappurtar ta' ksur u l-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet.

(89) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-10 ta' Frar 2012 [2],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas regolatorju komuni kontra l-abbuż tal-informazzjoni privileġġata, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata, u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) kif ukoll miżuri biex jiġi evitat l-abbuż tas-suq, biex jiżgura l-integrità tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni, u biex itejjeb il-protezzjoni tal-investitur u l-fiduċja f'dawk is-swieq.

### *Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal dawn li ġejjin:

(a) strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew li saret għalihom talba għall-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat;

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.).

[2] ĠU C 177, 20.6.2012, p. 1.

(b) strumenti finanzjarji nnegozjati fuq MTF, ammessi għan-negozjar fuq MTF jew li għalihom saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar fuq MTF;

(c) strumenti finanzjarji nnegozjati fuq OTF;

(d) strumenti finanzjarji mhux koperti mill-punt (a), (b) jew (c), li l-prezz jew il-valur tagħhom jiddependi minn jew għandu effett fuq il-prezz jew il-valur ta' strument finanzjarju msemmi f'dawk il-punti, inklużi, iżda mhumiex limitati għal, swaps ta' inadempjenza tal-kreditu jew kuntratti għad-differenzi.

Dan ir-Regolament japplika wkoll għal imġiba jew tranżazzjonijiet, inklużi offerti, li jkollhom x'jaqsmu mal-irkantar fuq pjattaforma tal-irkant awtorizzata bħala suq regolat ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti oħra rkantati bbażati fuqhom, inkluż meta l-prodotti rkantati ma jkunux strumenti finanzjarji, skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010. Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċifiċi li jirreferu għal offerti sottomessi fil-kuntest ta' rkant, kwalunkwe rekwiżiti u projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament li jirreferu għal ordnijiet għan-negozjar għandhom japplikaw għal offerti bħal dawn.

2. L-Artikoli 12 u 15 japplikaw ukoll għal:

(a) kuntratti spot ta' komoditajiet, li mhumiex prodotti tal-enerġija tal-operaturi, fejn it-tranżazzjoni, ordni jew imġiba jkollha jew x'aktarx ikollha jew maħsuba li jkollha effett fuq il-prezz jew il-valur ta' strument finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1;

(b) tipi ta' strumenti finanzjarji, inklużi kuntratti ta' derivati jew strumenti ta' derivati għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu fejn it-tranżazzjoni, l-ordni, l-offerta jew l-imġiba jkollha jew x'aktarx ikollha effett fuq il-prezz jew il-valur ta' kuntratt spot ta' komoditajiet meta l-prezz jew il-valur jiddependi fuq il-prezz jew il-valur ta' dawk l-istrumenti finanzjarji; u

(c) imġiba b'rabta ma' parametri ta' referenza.

3. Dan ir-Regolament japplika għal kwalunkwe tranżazzjoni, ordni jew imġiba li tikkonċerna kwalunkwe strument finanzjarju kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, irrispettivament jekk tali tranżazzjoni, ordni jew imġiba sseħħx f'post tan-negozjar.

4. Il-projbizzjonijiet u r-rekwiżiti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal azzjonijiet u ommissjonijiet fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, rigward l-istrumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "strument finanzjarju" tfisser kwalunkwe strument finanzjarju kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

(2) "ditta tal-investiment" tfisser kwalunkwe ditta tal-investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(3) "istituzzjoni tal-kreditu" tfisser istituzzjoni tal-kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(4) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(5) "operatur tas-suq" tfisser operatur tas-suq kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(6) "suq regolat" tfisser suq regolat kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(7) "faċilità multilaterali tan-negozjar" jew "MTF" tfisser sistema multilaterali kif definita fil-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(8) "faċilità organizzata tan-negozjar" jew "OTF" tfisser sistema jew faċilità fl-Unjoni kif definit fil-punt (23) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(9) "prattika tas-suq aċċettata" tfisser prattika tas-suq speċifika li hija aċċettata mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 13;

(10) "post tan-negozjar" tfisser post tan-negozjar kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(11) "suq ta' tkabbir tal-SMEs" tfisser suq ta' tkabbir tal-SMEs kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(12) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità maħtura skont l-Artikolu 22, ħlief jekk jingħad mod ieħor f'dan ir-Regolament;

(13) "persuna" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika;

(14) "komodità" tfisser komodità kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ([1]);

(15) "kuntratt spot tal-komoditajiet" tfisser kuntratt għall-provvista ta' komodità nnegozjata f'suq spot li tiġi kkonsenjata fil-pront meta titlesta t-tranżazzjoni, u kuntratt għall-provvista ta' komodità li ma jkunx strument finanzjarju, inkluż kuntratt forward li għandu jingħalaq fiżikament;

(16) "suq spot" tfisser kwalunkwe suq ta' komoditajiet li fih il-komoditajiet jinbigħu għal flus kontanti u jiġu kkonsenjati fil-pront malli titlesta t-tranżazzjoni, u swieq mhux finanzjarji oħra, bħal swieq forward għall-komoditajiet.

(17) "programm ta' riakkwist" tfisser in-negozjar fl-ishma proprji bi qbil mal-Artikoli 21 sa 27 tad-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(18) "negozjar algoritmiku" tfisser negozjar algoritmiku kif definit fil-punt (39) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(19) "kwota tal-emissjonijiet" tfisser kwota tal-emissjonijiet kif deskritta fil-punt (11) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE;

(20) "parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet" tfisser kwalunkwe persuna li tagħmel tranżazzjonijiet, inkluż it-tqegħid ta' ordnijiet għan-negozjar, ta' kwoti tal-emissjonijiet, prodotti irkantati insejsa fuqhom, jew derivattivi tagħhom u li ma jgawdux minn eżenzjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2);

(21) "emittent" tfisser entità legali rregolata mid-dritt pubbliku jew privat, li toħroġ jew tipproponi li jinħarġu strumenti finanzjarji, fejn l-emittent huwa, fil-każ ta' rċevuti depożitarji li jirappreżentaw l-istrumenti finanzjarji, l-emittent tal-istrument finanzjarju rappreżentat.

(22) "prodott tal-enerġija bl-ingrossa" tfisser prodott tal-enerġija bl-ingrossa kif definit fil-punt(4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011;

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1).

([2]) Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

(23) “awtorità regolatorja nazzjonali” tfisser awtorità regolatorja nazzjonali kif definita fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011;

(24) “derivati ta’ komoditajiet” tfisser derivati ta’ komoditajiet kif definiti fil-punt (30) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(25) “persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali“ tfisser persuna f’emittent, f’parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jew xi entita oħra imsemmija fl-Artikolu 19(10), li hija:

(a) membru tal-korp ta’ amministrazzjoni, ġestjoni jew superviżjoni ta’ dik l-entità; jew

(b) uffiċjal eżekuttiv għoli li ma jkunx membru tal-korpi referuti fil-punt (a), li jkollu aċċess regolari għal informazzjoni nterna li tirrigwarda, direttament jew indirettament, lil dik l-entità, u l-poter li jieħu deċiżjonijiet maniġerjali li jaffettwaw l-iżviluppi futuri u l-prospetti tan-negozju ta’ dik l-entità.

(26) “Persuna assoċjati mill-qrib“ tfisser:

(a) konjuġi, jew sieħeb meqjus bħala ekwivalenti għal konjuġi skkont il-liġi nazzjonali;

(b) wild dipendenti skont il-liġi nazzjonali;

(c) qarib, li jkun għex fl-istess dar għal mhux inqas minn sena fid-data tat-tranżazzjoni kkonċernata; jew

(d) persuna ġuridikaġuridika, trust jew soċjetà, li r-responsabbiltajiet maniġerjali tagħha jitwettqu minn persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali jew minn persuna msemmija fil-punt (a), (b) jew (c), jew li tkun direttament jew indirettament ikkontrollata minn tali persuna, li tkun stabbilita għal-benefiċċju ta’ tali persuna, jew li l-interessi ekonomiċi tagħha jkunu sostanzjalment ekwivalenti għal dawk ta’ tali persuna;

(27) “rekords tat-traffiku tad-data” tfisser rekords ta’ traffiku tad-data kif definit fil-punt (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(28) “persuna li professjonalment tirranġa jew twettaq tranżazzjonijiet” tfisser persuna involuta professjonalment fir-riċeviment u t-trażmissjoni ta’ ordnijiet jew fit-twettiq ta’ tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji;

(29) “parametru ta’ referenza” tfisser kwalunkwe rata, indiċi jew ċifra, magħmula disponibbli għall-pubbliku jew ippubblikata li hija determinata perjodikament jew regolarment bl-applikazzjoni ta’ formula għal, jew abbażi ta’: l-valur ta’ assi jew prezz sottostanti wieħed jew aktar, inklużi stimi tal-prezzijiet, tar-rati tal-imgħax jew ta’ valuri oħra attwali jew stmati, jew stħarriġ, u li b’referenza għalihom jiġi determinat l-ammont li għandu jitħallas taħt strument finanzjarju jew il-valur ta’ strument finanzjarju;

(30) “ġeneratur tas-suq” tfisser ġeneratur tas-suq kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(31) “Stakebuilding” tfisser akkwist ta’ titoli f’kumpanija li ma jiskattax obbligu legali jew regolatorju li titħabbar offerta ta’ takeover fir-rigward ta’ dik il-kumpanija;

(32) “parteċipant fis-suq li jiżvela” tirreferi għal persuna fiżika jew ġuridika li taqa’ taħt waħda mill-kategoriji stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 11(1) jew tal-Artikolu 11(2), u li tiżvela informazzjoni matul sondaġġ tas-suq;

([1]) Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar swieq fi strumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (Ara paġna 84 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

(33) "innegozjar ta' frekwenza għolja" tfisser innegozjar ta' frekwenza għolja kif definit fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(34) "informazzjoni li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investiment" tfisser:

(i) informazzjoni prodotta minn analista indipendenti, ditta tal-investimenti, istituzzjoni tal-kreditu, kwalunkwe persuna oħra li n-negozju ewlieni tagħha huwa li tipproduċi rakkomandazzjonijet ta' investiment jew persuna fiżika li taħdem għalihom b'kuntratt ta' impjieg jew xorta oħra, li, b'mod dirett jew indirett, jesprimu proposti partikolari dwar investiment rigward strument finanzjarju jew emittent; jew

(ii) informazzjoni prodotta minn persuni oħra għajr dawk imsemmija f'punt (i) li jipproponu deċiżjoni partikolari dwar investiment b'mod dirett rigward strument finanzjarju;

(35) "rakkomandazzjonijiet ta' investiment" tfisser informazzjoni li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investiment, b'mod espliċitu jew impliċitu, li tirrigwarda strument finanzjarju wieħed jew aktar jew l-emittenti, inkluża kull opinjoni dwar il-valur jew il-prezz attwali jew futur ta' tali strumenti, maħsuba għall-kanali tad-distribuzzjoni jew għall-pubbliku.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 5, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "titoli" tfisser:

(i) ishma u titoli oħra ekwivalenti għal ishma;

(ii) bonds u tipi oħra ta' debitu garantit; jew

(iii) debitu garantit li jista' jiġi kkonvertit jew skambjat f'ishma jew f'titoli oħra ekwivalenti għal ishma.

(b) "strumenti assoċjati" tfisser l-istrumentri finanzjarji li ġejjin, inklużi dawk li ma jkunux ammessi għall-kummerċ jew negozjati f'post tan-negozjar, jew li għalihom ma tkunx saret talba għall-ammissjoni għall-kummerċ f'post tan-negozjar:

(i) kuntratti jew drittijiet għas-sottoskrizzjoni għall-kisba jew id-disponiment mit-titoli;

(ii) derivati finanzjarji fuq it-titoli;

(iii) meta t-titoli jkunu strumenti tad-dejn konvertibbli jew li jistgħu jiġu skambjati, it-titoli li fihom jistgħu jiġu kkonvertiti jew skambjati dawn l-istrumenti tad-dejn konvertibbli jew li jistgħu jiġu skambjati;

(iv) strumenti li jinħarġu jew li jiġu ggarantiti minn min joħroġ it-titoli jew il-garanti tagħhom u li l-prezz tas-suq tagħhom x'aktarx li jinfluwenza materjalment il-prezz tat-titoli, jew bil-maqlub;

(v) meta t-titoli jkunu titoli ekwivaenti għall-ishma, l-ishma rrappreżentati minn dawn it-titoli (u kull titolu ieħor ekwivalenti għal dawn l-ishma);

(c) "distribuzzjoni sinifikanti" tfisser offerta tal-bidu jew sekondarja tat-titoli rilevanti li tkun distinta mill-kummerċ ordinarju kemm f'termini tal-ammont fil-valur tat-titoli li se jiġu offruti u kemm fil-metodu tal-bejgħ li se jintuża;

(d) "stabbilizzazzjoni" tfisser kull xiri jew offerta għax-xiri tat-titoli, jew transazzjoni fi strumenti assoċjati ekwivalenti għalihom, li jitwettqu minn ditta ta' investiment jew minn istituzzjonijiet tal-kreditu, fil-kuntest ta' distribuzzjoni sinifikanti ta' tali titoli esklużivament biex jiġi appoġġat il-prezz tas-suq ta' dawk it-titoli għal perjodu ta' żmien stabbilit bil-quddiem, minħabba l-pressjoni tal-bejgħ f'dawn it-titoli.

*Artikolu 4*

**Notifiki u lista ta' strumenti finanzjarji**

1. L-operaturi tas-suq ta' swieq regolati u ditti tal-investiment u operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar ta' kwalunkwe strument finanzjarju li għalih tkun saret tkun saret talba għal ammissjoni għan-negozjar fil-post tan-negozjar tagħhom, li jiġi ammess għan-negozjar, jew li jiġi nnegozat għall-ewwel darba.

Għandhom ukoll jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar meta l-istrument finanzjarju ma jibqax jiġi nnegozat jew ma jibqax ammess għan-negozjar, ħlief jekk id-data li fiha l-istrument finanzjarju ma jibqax jiġi nnegozat jew ma jibqax ammess għan-negozjar tkun magħrufa u tkun imsemmija fin-notifika magħmula skont l-ewwel subparagrafu.

In-notifiki msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom jinkludu, skont kif ikun xieraq, l-ismijiet u l-identifikaturi tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati, u d-data u l-ħin tat-talba għall-ammissjoni għan-negozjar, l-ammissjoni għan-negozjar, u d-data u l-ħin li fihom sar l-ewwel negozjar.

L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment għandhom jittrażmettu wkoll lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar l-informazzjoni stipulata fit-tielet subparagrafu fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji li kienu s-suġġett ta' talba għal ammissjoni għan-negozjar jew li kienu ammessi għan-negozjar qabel it-2 ta' Lulju 2014, u li għadhom ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'dak il-jum.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-post tan-negożjar għandhom jittrażmettu n-notifiki li jirċievu skont il-paragrafu 1 lill-ESMA mingħajr dewmien. L-EMSA għandha tippubblika dawk in-notifiki fuq is-sit web tagħha fil-forma ta' lista minnufih malli jiġu irċevuti. L-ESMA għandha taġġorna dik il-lista minnufih malli tirċievi notifika mingħand awtorità kompetenti tal-post tan-negożjar. Il-lista m'għandhiex tillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Din il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ismijiet u l-identifikaturi tal-istrumenti finanzjarji li kienu s-suġġett ta' talba għal ammissjoni għan-negozjar, li kienu ammessi għan-negozjar jew innegozjati għall-ewwel darba, fuq swieq regolati, MTFs u OTFs;

(b) id-data u l-ħin tat-talba għall-ammissjoni għan-negozjar, tal-ammissjoni għan-negozjar, jew li fihom sar l-ewwel negozjar;

(c) id-dettalji tal-postijiet tan-negozjar li fihom l-istrumenti finanzjarji ikunu s-suġġett ta' talba għal ammissjoni għan-negozjar, kienu ammessi għan-negozjar jew kienu nnegozjati għall-ewwel darba; u

(d) d-data u l-ħin li fihom l-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux jiġu negozjati jew ammessi għan-negozjar.

4. Sabiex tiżgura armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex ikun stipulat:

(a) il-kontenut tan-notifiki msemmija fil-paragrafu 1; u

(b) il-manjiera u l-kundizzjonijiet tal-ġbir, il-pubblikazzjoni u ż-żamma tal-lista msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

5. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex jiġu stipulati l-ħinijiet, il-format u l-mudell tal-preżentazzjoni tan-notifiki skont il-paragrafi 1 u 2.

L-EMSA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 5*

**Eżenzjoni għal programmi ta' riakkwist u stabbilizzazzjoni**

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għan-negozjar fl-ishma proprji fi programmi ta' riakkwist ("buy-back") meta:

(a) id-dettalji sħaħ tal-programm jiġu żvelat qabel il-bidu tan-negozjar;

(b) in-negozjar ikun irrappurtat bħala parti mill-programm ta' riakkwist lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar skont il-paragrafu 3 u wara dan jiġi żvelat lill-pubbliku;

(c) jiġu rispettati l-limiti xierqa f'dak li jirrigwarda l-prezz u l-volum; u

(d) jitwettaq skont l-objettivi msemmija fil-paragrafu 2 u l-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 6.

2. Sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 1, programm ta' riakkwist għandu jkollu bħala l-iskop waħdani tiegħu:

(a) li jitnaqqas il-kapital tal-emittent;

(b) li jitwettqu l-obbligazzjonijiet li jqumu minn strumenti finanzjarji tad-dejn li jistgħu jiġu skambjati fi strumenti ta' ekwità; jew

(c) li jitwettqu l-obbligazzjonijiet li jqumu minn programmi ta' opzjonijiet fuq l-ishma, jew allokazzjonijiet oħra ta' ishma, lill-impjegati jew lil membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tal-emittent jew ta' kumpanija assoċjata.

3. Sabiex igawdi mill-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1, l-emittent għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar li għalih l-ishma jkunu ġew ammessi għan-negozjar jew ikunu innegozjati kull waħda mit-transazzjonijiet li jkollha x'taqsam mal-programmi ta' riakkwist, inkluż it-tagħrif speċifikat fl-Artikolu 25(1) u (2) u l-Artikolu 26(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

4. Il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolamet ma japplikawx għan-negozjar f'titoli jew strumenti assoċjati għall-istabbilizzazzjoni ta' titoli meta:

(a) l-istabbilizzazzjoni ssir għal perjodu limitat;

(b) informazzjoni relevanti dwar l-istabbilizzazzjoni tiġi żvelata u notifikata lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar skont il-paragrafu 5;

(c) jiġu rrispettati limiti xierqa f'dak li jirrigwarda l-prezz; u

(d) tali negozjar ikun konformi mal-kundizzjonijiet għall-istabbilizzazzjoni stipulati fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 6.

5. Mingħajr ħsara għall-Artkolu 23(1), id-dettalji tat-transazzjonijiet kollha ta' stabbilizzazzjoni għandhom jiġu nnotifikati mill-emittenti, l-offerenti, jew l-entitajiet li jindaħlu għall-istabbilizzazzjoni kemm jekk ikunu jaġixxu f'isem dawn il-persuni u kemm jekk le, lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar mhux iktar tard mit-tmiem tas-seba' sessjoni ta' kuljum tas-suq wara d-data tat-twettiq ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

6. Sabiex tiżgura armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tfassal abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li l-programmi ta' riakkwist u miżuri ta' stabbilizzazzjoni ta' dan it-tip imsemmija fil-paragrafi 1 u 4 iridu jissodisfaw, inklużi l-kundizzjonijiet għan-negozjar, ir-restrizzjonijiet fir-rigward taż-żmien u l-volum, l-obbligi ta' żvelar u rappurtar, u l-kundizzjonijiet tal-prezz.

L-ESMA għandha tressaq dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 6*

**Eżenzjoni għal attivitajiet monetarji u ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku u attivitajiet tal-politika tal-klima**

1. Dan ir-Regolament ma japplikax għal tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imgiba mwettqa fl-insegwiment ta' politika monetarja, tar-rata tal-kambju jew ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku minn:

(a) Stat Membru;

(b) il-membri tas-SEBĊ;

(c) ministeru, aġenzija jew entità bi skop speċjali ta' Stat Membru wieħed jew aktar, jew minn persuna li taġixxi f'isimha;

(d) fil-każ ta' Stat Membru li huwa stat federali, membru li jagħmel parti mill-federazzjoni.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax lanqas lil tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba mwettqa mill-Kummissjoni jew minn korp ieħor maħtur uffiċjalment jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi f'ismu, fl-insegwiment tal-politika ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku.

Dan ir-Regolament ma japplikax għal tali tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba imwettqa minn:

(a) l-Unjoni;

(b) entità bi skop speċjali ta' Stat Membru wieħed jew bosta;

(c) il-Bank Ewropew tal-Investiment;

(d) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja;

(e) il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(f) istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar, li għandha l-għan li timmobilizza finanzjament u tipprovdi assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħha li jkunu għaddejjin jew mheddin minn problemi serjii ta' finanzjament.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-attività ta' Stat Membru, il-Kummissjoni Ewropea jew kwalunkwe korp ieħor maħtur uffiċjalment, jew ta' kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom, li tikkonċerna kwoti ta' emissjonijiet u hija mwettqa fl-insegwiment tal-politika tal-klima tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE.

4. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-attivitajiet ta' Stat Membru, il-Kummissjoni jew kwalunkwe korp ieħor maħtur uffiċjalment, jew ta' kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom, li jitwettqu biex jiġu segwiti l-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni jew il-Politika Komuni tas-Sajd skont l-atti adottati jew il-ftehimiet internazzjonali konklużi taħt it-TFUE.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex testendi l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal ċerti korpi pubbliċi u banek ċentrali f'pajjiżi terzi.

Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, tħejji u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport fejn tivvaluta t-trattament internazzjonali tal-korpi pubbliċi inkarigati minn, jew li jintervjenu, fl-immaniġġjar tad-dejn pubbliku u tal-banek ċentrali.

Ir-rapport għandu jinkludi analiżi komparattiva tat-trattament ta' dawk il-korpi u tal-banek ċentrali fil-qafas legali ta' pajjiżi terzi, u l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju applikabbli għat-tranżazzjonijiet li jidħlu fihom dawk il-korpi u l-banek ċentrali f'dawk il-ġurisdizzjonijiet. Jekk ir-rapport jikkonkludi, b'mod partikolari fir-rigward tal-analiżi komparattiva, li eżenzjoni mir-responsabbiltà monetarja ta' dawn il-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi mill-obbligi u l-projbizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tkun neċessarja, il-Kummissjoni għandha testendi l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 wkoll għall-banek ċentrali ta' dawk il-pajjiżi terzi.

6. Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa wkoll li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex testendi l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 għal ċerti korpi pubbliċi maħtura ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu fi ftehim ta' kollegament mal-Unjoni skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE.

7. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal persuni li jaħdmu b'kuntratt ta' impjieg jew b'xi mod ieħor għall-entitajiet imsemmija f'dan l-Artikolu meta dawk il-persuni, iwettqu tranżazzjonijiet jew ordnijiet jew imġiba, direttament jew indirettament, għall-kont tagħhom infushom.

KAPITOLU 2

**INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA, ABBUŻ MINN INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA, ŻVELAR ILLEGALI TA' INFORMAZZJONI PRIVILEĠĠATA U MANIPULAZZJONI TAS-SUQ**

*Artikolu 7*

**L-informazzjoni privileġġata**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, informazzjoni privileġġata (jew "minn ġewwa") għandha tinkludi t-tipi ta' informazzjoni li ġejjin:

(a) informazzjoni ta' natura preċiża, li ma saritx pubblika, relatata, direttament jew indirettament, ma' emittent jew emittenti jew ma' strument jew strumenti finanzjarji, u li jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji jew fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati.

(b) rigward derivati ta' komoditajiet, informazzjoni ta' natura preċiża, li ma saritx pubblika, relatata, direttament jew indirettament ma' derivat wieħed jew aktar minn dawn id-derivati jew relatata direttament mal-kuntratt spot relatat mal-komoditajiet, u li jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawn id-derivati jew kuntratti spot relatati mal-komoditajiet u meta din tkun informazzjoni li hija raġonevolment mistennija li tiġi żvelata jew tkun meħtieġa li tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fuq livell tal-Unjoni jew nazzjonali, regoli tas-suq, kuntratti, prattika jew użanzi standard, fuq is-swieq ta' derivati tal-komoditajiet jew swieq spot rilevanti;

(c) fir-rigward ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati bbażati fuqhom, informazzjoni ta' natura preċiża, li ma saritx pubblika, relatata, direttament jew indirettament, għal strument wieħed jew aktar bħal dawn, u li jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' tali strumenti jew fuq il-prezzijiet ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati;

(d) għal persuni inkarigati bl-eżekuzzjoni ta' ordnijiet li jikkonċernaw strumenti finanzjarji, din tfisser ukoll informazzjoni mibgħuta minn klijent u relatata mal-ordnijiet pendenti tal-klijent fl-istrumenti finanzjarji, li hija ta' natura preċiża, relatata, direttament jew indirettament, għal emittent jew emittenti jew għal strument jew strumenti finanzjarji, u li jekk issir pubblika, x'aktarx li jkollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' dawk l-istrumenti finanzjarji, il-prezz ta' kuntratti spot relatati mal-komoditajiet, jew fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji ta' derivati relatati.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-informazzjoni għandha titqies li tkun ta' natura preċiża jekk tindika sett ta' ċirkostanzi li jeżistu jew li jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jidħlu fis-seħħ jew avveniment li seħħ jew jista' raġonevolment ikun mistenni li jseħħ, fejn tkun speċifika biżżejjed biex tippermetti li ssir konklużjoni rigward l-effett possibbli ta' dak is-sett ta' ċirkostanzi jew avveniment fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji jew tal-istrument finanzjarju derivattiv relatat, il-kuntratti spot tal-komoditajiet relatati, jew il-prodotti rkantati bbażati fuq il-kwoti tal-emissjonijiet. F'dan ir-rigward fil-każ ta' proċess imtawwal maħsub biex joħloq jew jirriżulta f'ċirkustanzi partikolari jew avveniment partikolari, dawk iċ-ċirkustanzi futuri jew dak l-avveniment futur, u wkol il-passi intermedji ta' dak il-proċess li huma marbutin mat-twassil ta' dik iċ-ċirkustanzi futuri jew avveniment futur jew li jirriżultaw fihom, jistgħu jitqiesu li huma informazzjoni preċiża.

3. Pass intermedju fi proċess imtawwal għandu jitqies bħala informazzjoni privileġġata jekk, minnu nnifsu, jissodisfa l-kriterji ta' informazzjoni privileġġata kif imsemmija f'dan l-Artikolu.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, informazzjoni li, jekk issir pubblika, aktarx ikollha effett sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' strumenti finanzjarji, strumenti finanzjarji ta' derivati, kuntratti spot relatati tal-komoditajiet, jew prodotti rkantati bbażati fuq kwoti tal-emissjonijiet, għandha tfisser informazzjoni li investitur raġjonevoli x'aktarx li jużа bħala parti mill-bażi tad-deċiżjonijiet ta' investiment tiegħu.

Fil-każ ta' parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet b'emissjonijiet aggregati jew b'input termali ratat fil-limitu jew taħt il-limitu stabbilit skont it-tienisubparagrafu tal-Artikolu 17(2), l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet fiżiċi tagħhom għandha titqies li m'għandhiex effett sinifikanti fuq il-prezz tal-kwoti tal-emissjonijiet, ta' prodotti rkantati bbażati fuqha, jew ta' strumenti finanzjarji ta' derivati.

5. L-ESMA għandha toħroġ linji gwida biex tistabblixxi lista indikattiva mhux eżawrjenti ta' informazzjoni li hija raġonevolment mistennija jew meħtieġa li tiġi żvelata skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, regoli tas-suq, kuntratti, prattika jew użanzi standard, fuq is-swieq tad-derivati tal-komoditajiet jew swieq spot rilevanti kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1. L-ESMA għandha tqis debitament l-ispeċifiċitajiet ta' dawk is-swieq.

*Artikolu 8*

**L-abbuż minn informazzjoni privileġġata**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata ssir meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tuża dik l-informazzjoni billi takkwista jew tagħmel ċessjoni, għall-kont tagħha jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni tkun relatata magħhom. L-użu ta' informazzjoni privileġġata billi tiġi kkanċellata jew emendata ordni rigward strument finanzjarju li l-informazzjoni tkun relatata miegħu meta dik l-ordni tkun saret qabel ma l-persuna kkonċernata kellha l-informazzjoni privileġġata, għandhom jitqiesu wkoll bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata. B'rabta mal-irkanti ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li huma miżmuma skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-użu ta' informazzjoni privileġġata msemmi fil-paragrafu 4 għandu jikkonsisti wkoll fis-sottomissjoni, il-modifikazzjoni jew l-irtirar ta' offerta minn persuna għall-kont proprju tagħha jew għall-kont ta' parti terza.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, rakkomandazzjoni biex persuna oħra ssir involuta f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, jew persważjoni fil-konfront ta' persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata isseħħ meta l-persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u:

(a) tirrakkomanda, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li persuna oħra takkwista jew tagħmel ċessjoni minn strumenti finanzjarji li hija relatata magħhom dik l-informazzjoni, jew tinduċi lil dik il-persuna biex tagħmel tali akkwist jew ċessjoni, jew

(b) tirrakkomanda, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li persuna oħra tikkanċella jew temenda ordni li tikkonċerna strument finanzjarju li hija relatata magħhom dik l-informazzjoni, jew tinduċi lil dik il-persuna biex tagħmel tali kanċellazzjoni jew emenda.

3. L-użu tar-rakkomandazzjonijiet jew il-persważjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jitqiesu bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata skont it-tifsira f'dan l-Artikolu meta l-persuna li tuża r-rakkomandazzjoni jew il-persważjoni taf, jew imissha tkun taf, li huma bbażati fuq informazzjoni privileġġata.

4. Dan l-Artikolu japplika għal kwalunkwe persuna li tippossjedi informazzjoni privileġġata minħabba li:

(a) tkun membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew ta' sorveljanza tal-emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(b) ikollha sehem fil-kapital tal-emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(c) ikollha aċċess għall-informazzjoni permezz tal-eżerċizzju ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet; jew

(d) tkun involuta f'attivitajiet kriminali.

Dan l-Artikolu japplika wkoll għal kwalunkwe persuna li tippossjedi informazzjoni f'ċirkustanzi differenti minn dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu meta dik il-persuna tkun taf, jew imissha taf, li dik hi informazzjoni privileġġata.

5. Meta l-persuna tkun persuna ġuridika, dan l-Artikolu għandu japplika wkoll, skont il-liġi nazzjonali għall-persuni fiżiċi li jipparteċipaw fid-deċiżjoni li jitwettaq l-akkwist, iċ-ċessjoni, il-kanċellazzjoni jew l-emenda ta' ordni għall-kont tal-persuna ġuridika kkonċernata.

*Artikolu 9*

**Imġiba leġittima**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 14, ma għandux jitqies mill-fatt waħdu li persuna ġuridika tkun jew kienet fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata li dik il-persuna użat dik l-informazzjoni u li għalhekk involviet ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata abbażi ta' akkwist jew ċessjoni, meta dik il-persuna ġuridika:

(a) tkun stabbiliet, implimentat u żammet arranġamenti u proċeduri interni adegwati u effettivi li effettivament jiżguraw li la l-persuna fiżika li ħadet id-deċiżjoni f'isimiha li takkwista jew iċċedi strumenti finanzjarji li l-informazzjoni hija relatata magħhom, u lanqas kwalunkwe persuna fiżika oħra li setgħet kellha influwenza fuq dik id-deċiżjoni ma kienet fil-pussess tal-informazzjoni privileġġata; kif ukoll

(b) ma ħeġġitx, ma rrakkomandatx, ma ħajjritx jew ma influwenzatx b'xi mod ieħor lill-persuna fiżika li, f'isem il-persuna ġuridika, akkwistat jew ċediet l-istrumenti finanzjarji li magħhom l-informazzjoni tkun relatata.

2. Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 14, ma għandux jitqies mill-fatt waħdu li persuna li tkun fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata li dik il-persuna tkun użat dik l-informazzjoni u li għalhekk tkun involviet ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata abbażi ta' akkwist jew ċessjoni, meta dik il-persuna:

(a) għall-istrument finanzjarju li għalih dik l-informazzjoni tkun tirrelata, tkun ġeneratur tas-suq jew persuna awtorizzata biex taġixxi bħala kontroparti, u l-akkwist jew iċ-ċessjoni tal-istrumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni hija relatata magħhom isiru b'mod leġittimu matul it-twettiq normali tal-funzjoni tiegħu bħala ġeneratur tas-suq jew bħala kontroparti għal dak l-istrument finanzjarju; jew

(b) tkun awtorizzata teżegwixxi ordnijiet f'isem partijiet terzi, u l-akkwist jew iċ-ċessjoni tal-istrumenti finanzjarji li l-ordni tkun relatata magħhom isiru biex tali ordni tiġi eżegwita b'mod leġittimu fit-twettiq normali tal-impjieg, professjoni jew dmirijiet ta' dik il-persuna.

3. Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 14, ma għandux jitqies mill-fatt waħdu li persuna tkun fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata li dik il-persuna tkun użat dik l-informazzjoni u li għalhekk tkun involviet ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata abbażi ta' akkwist jew ċessjoni meta dik il-persuna twettaq tranżazzjoni biex takkwista jew iċċedi strumenti finanzjarji u dik it-tranżazzjoni ssir fit-twettiq ta' obbligu li jkun sar dovut in buona fede u mhux biex tinħarab il-projbizzjoni kontra abbuż minn informazzjoni privileġġata u:

(a) dak l-obbligu jirriżulta minn ordni mqiegħda jew ftehim konkluż qabel ma l-persuna kkonċernata kienet tippossjedi l-informazzjoni privileġġata; jew

(b) dik it-transazzjoni titwettaq biex jiġi sodisfatt obbligu legali jew regolatorju li ħareġ qabel ma l-persuna kkonċernata kienet tippossjedi l-informazzjoni privileġġata.

4. Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 14, ma għandux jitqies mill-fatt waħdu li persuna tkun fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata li dik il-persuna tkun użat dik l-informazzjoni u li għalhekk tkun involviet ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, meta tali persuna tkun kisbet dik l-informazzjoni privileġġata fit-twettiq ta' takeover pubblika jew fużjoni ma' kumpanija u tuża dik l-informazzjoni privileġġata għall-iskop biss li tipproċedi b'dik il-fużjoni jew takeover pubblika, sakemm fil-mument tal-approvazzjoni tal-fużjoni jew l-aċċettazzjoni tal-offerta mill-azzjonisti ta' dik il-kumpanija, kwalunkwe informazzjoni privileġġata tkun saret pubblika jew għal xi raġuni oħra ma tkunx baqgħet informazzjoni privileġġata.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal "stakebuilding".

5. Għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 14, il-fatt waħdu li persuna tuża l-għarfien tagħha stess li tkun iddeċidiet li takkwista jew iċċedi strumenti finanzjarji fl-akkwist jew fiċ-ċessjoni ta' dawk l-istrumenti finanzjarji ma jikkostitwixxix fih innifsu l-użu ta' informazzjoni privileġġata.

6. Minkejja l-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu, ksur tal-projbizzjoni ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata stabbilita fl-Artikolu 14 xorta jista' jitqies li jkun sar jekk l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li kien hemm raġuni illeġittima wara l-ordnijiet għan-negozjar, it-tranżazzjonijiet jew l-imġiba kkonċernati.

*Artikolu 10*

**L-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jirriżulta meta persuna tippossjedi informazzjoni privileġġata u tiżvela dik l-informazzjoni lil kwalunkwe persuna oħra, ħlief meta l-iżvelar isir waqt it-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet.

Dan il-paragrafu japplika għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fis-sitwazzjonijiet jew iċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 8(4).

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament l-iżvelar ta' rakkomandazzjonijiet jew suġġerimenti msemmija fl-Artikolu 8(2) jammonta għal żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata skont dan l-Artikolu meta l-persuna li tiżvela r-rakkomandazzjoni jew is-suġġeriment tkun taf jew missha kienet taf li dan kien ibbażat fuq informazzjoni privileġġata.

*Artikolu 11*

**Is-sondaġġi tas-suq**

1. Sondaġġ tas-suq jikkonsisti fil-komunikazzjoni ta' informazzjoni, qabel titħabbar tranżazzjoni,sabiex jitkejjel l-interess ta' investituri potenzjali fi tranżazzjoni possibbli u l-kundizzjonijiet marbuta magħha bħad-daqs jew il-prezz potenzjali tagħha, lil investitur potenzjali wieħed jew aktar minn:

(a) emittent;

(b) offerent sekondarju ta' strument finanzjarju, fi kwantità jew valur tali li t-tranżazzjoni tkun distinta min-negozjar ordinarju u tinvolvi metodu ta' bejgħ ibbażat fuq il-valutazzjoni minn qabel tal-interess potenzjali minn investituri potenzjali;

(c) parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet; jew

(d) parti terza li taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna msemmija fil-punti (a) sa (c).

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 23(3), l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata minn persuna li jkollha l-ħsieb tagħmel offerta ta' xiri għat-titoli ta' kumpanija jew fużjoni ma' kumpanija lil partijiet intitolati għat-titoli, għandu wkoll jikkostitwixxi sondaġġ tas-suq, sakemm:

(a) l-informazzjoni tkun meħtieġa biex tippermetti lill-partijiet intitolati għat-titoli li jiffurmaw opinjoni dwar kemm huma lesti joffru t-titoli tagħhom, u

(b) ir-rieda tal-partijiet intitolati li joffru t-titoli tagħhom tkun meħtieġa b'mod raġonevoli għad-deċiżjoni biex issir l-offerta ta' xiri jew il-fużjoni.

3. Parteċipant fis-suq li jiżvela għandu, qabel iwettaq sondaġġ tas-suq, iqis speċifikament jekk is-sondaġġ tas-suq jinvolvix l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata. Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jirreġistra bil-miktub il-konklużjoni tiegħu u r-raġunijiet għal dik il-konklużjoni. Huwa għandu jipprovdi tali rekords bil-miktub lill-awtorità kompetenti fuq talba. Dan l-obbligu għandu japplika għal kull żvelar ta' informazzjoni matul is-sondaġġ tas-suq. Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jaġġorna r-rekords bil-miktub imsemmija f'dan il-paragrafu kif xieraq.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 10(1), żvelar ta' informazzjoni privileġġata magħmul matul sondaġġ tas-suq għandu jitqies li jkun sar waqt it-twettiq normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet ta' persuna meta l-parteċipant fis-suq li jiżvela ikkonforma mal-paragrafi 3 u 5 ta' dan l-Artikolu

5. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 4, il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu, qabel ma jagħmel l-iżvelar:

(a) jikseb il-kunsens tal-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq biex tirċievi informazzjoni privileġġata;

(b) jinforma lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li hija projbita milli tuża dik l-informazzjoni, jew tipprova tuża dik l-informazzjoni, billi takkwista jew iċċedi, għall-kont tagħha stess jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji relatati ma' dik l-informazzjoni;

(c) jinforma lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li hija projbita milli tuża dik l-informazzjoni, jew tipprova tuża dik l-informazzjoni, billi tikkanċella jew temenda ordni li diġa' tqiegħdet dwar strument finanzjarju li l-informazzjoni hija relatata miegħu; u

(d) jinforma lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq li billi taqbel li tirċievi l-informazzjoni tkun obbligata wkoll li żżomm l-informazzjoni kunfidenzjali. u

Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jagħmel u jżomm rekord tal-informazzjoni kollha mogħtija lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq, inkluża l-informazzjoni mogħtija skont il-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu, u l-identità tal-investituri potenzjali li lilhom ġiet żvelata l-informazzjoni, inklużi imma mhux biss il-persuni ġuridiċi u l-persuni fiżiċi li jaġixxu f'isem l-investitur potenzjali, u d-data u l-ħin ta' kull żvelar. Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu għandu jipprovdi dak ir-rekord lill-awtorità kompetenti fuq talba.

6. Meta l-informazzjoni li tkun ġiet żvelata matul sondaġġ tas-suq ma tibqax iżjed informazzjoni privileġġata skont il-valutazzjoni tal-parteċipant fis-suq li jiżvela, l-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu għandu jinforma lil lil min jirċievi b'dan, malajr kemm jista' jkun.

Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jżomm rekord tal-informazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu u għandu jipprovdih lill-awtorità kompetenti fuq talba.

7. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq għandha tivvaluta għaliha nfisha jekk hijiex fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata jew meta ma tibqax iżjed fil-pussess ta' informazzjoni privileġġata.

8. Il-parteċipant fis-suq li jiżvela għandu jżomm ir-rekords imsemmija f'dan l-Artikolu għal perjodu ta' mhux inqas minn 5 snin.

9. Sabiex tiżgura armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina arranġamenti, proċeduri u rekwiżiti ta' żamma ta' rekords xierqa għall-persuni biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 4, 5, 6 u 8 ta' dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tkun delegata bis-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

10. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika s-sistemi u l-mudelli ta' notifika li għandhom jintużaw mill-persuni biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti mill-paragrafi 4, 5, 6 u 8 ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-format preċiż tar-rekords imsemmija fil-paragrafi 4 sa 8 u l-mezzi tekniċi għall-komunikazzjoni xierqa tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 lill-persuna li tirċievi s-sondaġġ tas-suq.

L-ESMA għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

11. L-ESMA għandha toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, indirizzati lill-persuni li jirċievu s-sondaġġ tas-suq, dwar:

(a) il-fatturi li tali persuni għandhom iqisu meta tiġi żvelata lilhom informazzjoni bħala parti minn sondaġġ tas-suq sabiex huma jivvalutaw jekk l-informazzjoni tistax tammonta għal informazzjoni privileġġata;

(b) il-passi li tali persuni għandhom jieħdu jekk tkun ġiet żvelata lilhom informazzjoni privileġġata sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 8 u 10 ta' dan ir-Regolament; u

(c) ir-rekords li tali persuni għandhom iżommu sabiex juru li kkonformaw mal-Artikoli 8 u 10 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Il-manipulazzjoni tas-suq**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-manipulazzjoni tas-suq għandha tinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(a) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew xi mġiba oħra li:

(i) tagħti, jew aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa dwar provvista, domanda, jew prezz ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet; jew

(ii) tikseb, jew aktarx tikseb, il-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet fuq livell anormali jew artifiċjali;

sakemm il-persuna li tidħol fi tranżazzjoni, tagħmel ordni għall-kummerċ jew li għandha mġiba oħra tistabbilixxi li tranżazzjoni, ordni jew imġiba twettqu għal raġunijiet leġittimi, u huma konformi ma prattika aċċettata tas-suq kif stabbilit skont l-Artikolu 13;

(b) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew kwalunkwe attività jew imġiba oħra li taffettwa, jew x'aktarx taffettwa, il-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet, li juża tagħmir fittizju jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju;

(c) it-tixrid ta' informazzjoni bil-midja, inkluż bl-Internet, jew bi kwalunkwe mezz ieħor, li tagħti, jew aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa rigward il-provvista, id-domanda għal, jew il-prezz ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet jew li tiżgura, jew x'aktarx tiżgura, il-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet f'livell anormali jew artifiċjali, inkluż it-tixrid ta' għajdut fejn il-persuna li tkun xerrdet l-informazzjoni kienet taf, jew missha kienet taf, li l-informazzjoni kienet falza jew qarrieqa;

(d) it-trażmissjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa jew il-forniment ta' inputs foloz jew qarrieqa rigward parametru ta' referenza meta l-persuna li wettqet it-trażmissjoni jew ipprovdiet l-input kienet taf jew missha kienet taf li kien falz jew qarrieq, jew kwalunkwe imġiba oħra li timmanipula l-kalkolu ta' parametru ta' referenza.

2. L-imġiba li ġejja għandha, fost l-oħrajn, titqies bħala manipulazzjoni tas-suq:

(a) kondotta minn persuna, jew persuni li jaġixxu f'kollaborazzjoni, sabiex jiksbu pożizzjoni dominanti fuq il-provvista jew id-domanda għal strument finanzjarju, kuntratti spot relatati mal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet, li għandha, jew x'aktarx ikollha, l-effett li tistabbilixxi, direttament jew indirettament, prezzijiet ta' xiri jew ta' bejgħ jew toħloq, jew x'aktarx toħloq, kundizzjonijiet inġusti oħra ta' negozjar;

(b) ix-xiri jew il-bejgħ ta' strumenti finanzjarji, fil-ftuħ jew fl-għeluq tas-suq, li għandu jew x'aktarx ikollu l-effett li l-investituri jiġu mqarrqa abbażi tal-prezzijiet li jintwerew, inklużi l-prezzijiet tal-ftuħ jew tal-għeluq,

(c) it-tqegħid ta' ordnijiet lejn post tan-negozjar, inkluża kwalunkwe kanċellazzjoni jew modifika tagħhom, bi kwalunkwe mezz ta' negozjar disponibbli, inklużi mezzi elettroniċi, bħal strateġiji algoritmiċi u ta' frekwenza għolja, u li għandu wieħed mill-effetti msemmija fil-paragrafu 1(a) jew (b), billi:

(i) jfixkel jew jittardja l-funzjonament tas-sistema ta' negozjar tal-post tan-negozjar jew x'aktarx li jagħmel dan;

(ii) jagħmilha aktar diffiċli għal persuni oħra jidentifikaw ordnijiet ġenwini fis-sistema ta' negozjar tal-post tan-negozjar jew x'aktarx li jagħmel dan, inkluż billi jinħarġu ordnijiet li jirriżultaw fit-tagħbija eċċessiva jew id-destabbilizzazzjoni tal-ktieb tal-ordnijiet; jew

(iii) joħloq jew x'aktarx li joħloq impressjoni falza jew qarrieqa dwar il-provvista jew id-domanda għal, jew il-prezz ta' strument finanzjarju, b'mod partikolari billi jiddaħħlu ordnijiet biex tinbeda jew titkabbar tendenza.

(d) jittieħed vantaġġ minn aċċess okkażjonali jew regolari għall-midja tradizzjonali jew elettronika billi tiġi espressa opinjoni dwar strument finanzjarju, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet (jew indirettament dwar l-emittent tiegħu) waqt li qabel ikunu ttieħdu pożizzjonijiet dwar dak l-istrument finanzjarju jew kuntratt spot relatati mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet u sussegwentement isir profitt mill-impatt tal-opinjonijiet espressi dwar il-prezz ta' dak l-istrument, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet jew prodott irkantat ibbażat fuq kwota ta' emissjonijiet, mingħajr ma jiġi żvelat simultanjament dak il-kunflitt ta' interess lill-pubbliku b'mod xieraq u effettiv.

(e) ix-xiri jew il-bejgħ fis-suq sekondarju ta' kwoti tal-emissjonijiet jew derivati relatati qabel l-irkant imwettaq skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 bl-effett li jiġi stabbilit il-prezz tal-ikklerjar tal-irkant għall-prodotti rkantati fuq livell anormali jew artifiċjali jew li offerenti li jagħmlu l-offerti fl-irkant jiġu mqarrqa.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b), u bla ħsara għall-forom ta' mġiba stabbiliti fil-paragrafu 2, l-Anness I jiddefinixxi xi wħud mill-indikaturi, mhux eżawrjenti, relatati mat-tħaddim ta' stratagemma fittizja jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju, u xi wħud mill-indikaturi mhux eżawrjenti relatati ma' sinjali foloz jew qarrieqa u ma' kif jiġi żgurat il-prezz.

4. Meta l-persuna msemmija f'dan l-Artikolu tkun persuna ġuridika, dan l-Artikolu għandu japplika ukoll, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għall-persuni fiżiċi lijipparteċipaw fid-deċiżjoni li jitwettqu attivitajiet għall-kont tal-persuna ġuridika kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 35 li jispeċifikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, sabiex jiġu ċċarati l-elementi tagħhom u sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi fis-swieq finanzjarji.

*Artikolu 13*

**Prattiki tas-suq aċċettati**

1. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 15 m'għandhiex tapplika għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 12(1)(a), sakemm il-persuna li tidħol fi tranżazzjoni, tqiegħed ordni għan-negozjar jew ikollha kwalunkwe mġiba oħra tipprova li tali tranżazzjoni, ordni jew imġiba jkunu saru għal raġunijiet leġittimi, u huma f'konformità ma' prattika tas-suq aċċettata, kif stabbilit skont dan l-Artikolu.

2. Awtoritajiet kompetenti tista' tistabbilixxi prattika tas-suq aċċettata, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) jekk il-prattika tas-suq tkunx tipprovdi għal livell sostanzjali ta' trasparenza għas-suq;

(b) jekk il-prattika tas-suq tkunx tiżgura livell għoli ta' salvagwardji għall-operat tal-forzi tas-suq u l-interazzjoni xierqa mal-forzi tal-provvista u d-domanda;

(c) jekk il-prattika tas-suq ikollhiex impatt pożittiv fuq il-likwidità u l-effiċjenza tas-suq;

(d) jekk il-prattika tas-suq tqisx il-mekkaniżmu ta' negozjar tas-suq rilevanti u tippermettix lill-parteċipanti fis-suq li jirreaġixxu b'mod xieraq u f'waqtu għas-sitwazzjoni ġdida tas-suq maħluqa b'dik il-prattika;

(e) jekk il-prattika tas-suq ma toħloqx riskji għall-integrità tas-swieq relatati direttament jew indirettament, sew jekk regolati u sew jekk le, fl-istrument finanzjarju relevanti fi ħdan l-Unjoni;

(f) l-eżitu ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-prattika tas-suq rilevanti minn xi awtorità kompetenti jew minn awtorità oħra, b'mod partikolari jekk il-prattika tas-suq rilevanti kisret ir-regoli jew ir-regolamenti mfassla sabiex ma jħallux l-abbuż tas-suq, jew kodiċi ta' mġiba, irrispettivament minn jekk tkunx tikkonċerna s-suq inkwistjoni jew, direttament jew indirettament, swieq relatati fi ħdan l-Unjoni; u

(g) il-karatteristiċi strutturali tas-suq rilevanti, inter alia, jekk huwiex regolat jew le, it-tipi ta' strumenti finanzjarji nnegozjati u t-tip ta' parteċipanti fis-suq, inkluż il-kobor tal-parteċipazzjoni ta' investituri bl-imnut fis-suq rilevanti.

Prattika tas-suq li tkun ġiet stabbilita minn awtorità kompetenti bħala prattikatas-suq aċċettata f'suq partikolari m'għandhiex titqies li hi applikabbli għal swieq oħra sakemm l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk is-swieq l-oħra ma jkunux aċċettaw dik il-prattika skont dan l-Artikolu.

3. Qabel ma jistabbilixxu prattika tas-suq aċċettata skont il-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra dwar l-intenzjoni tagħha li tistabbilixxi prattika tas-suq aċċettata u għandha tipprovdi d-dettalji ta' dik il-valutazzjoni li tkun saret skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2. Tali notifika għandha ssir mhux anqas minn tliet xhur qabel ma l-prattika tas-suq aċċettata tkun maħsuba li tidħol fis-seħħ.

4. Fi żmien xahrejn wara li tkun irċeviet in-notifika, l-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti li tinnotifika li tivvaluta l-kompatibbiltà tal-prattika tas-suq aċċettata mal-paragrafu 2 u mal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 7. L-EMSA għandha wkoll tivvaluta jekk l-istabbiliment tal-prattika tas-suq aċċettata tkunx ta' theddida għall-kunfidenza tas-suq fis-suq finanzjarju tal-Unjoni. L-opinjoni għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-ESMA.

5. Meta awtorità kompetenti tistabbilixxi prattika tas-suq aċċettata li tmur kontra l-opinjoni tal-ESMA maħruġa skont il-paragrafu 4, għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha, fi żmien 24 siegħa mill-istabbiliment tal-prattika tas-suq aċċettata, avviż li jispjega bis-sħiħ ir-raġunijiet għaliex għamlet dan, inkluż għaliex il-prattika tas-suq aċċettata ma theddidx il-fiduċja fis-suq.

6. Meta awtorità kompetenti tqis li awtorità kompetenti tkun stabbiliet prattika tas-suq aċċettat li ma tilħaqx il-kriterji stipulati fil-paragrafu 2, l-ESMA għandha tgħin lill-awtoritajiet konċernati biex jintlaħaq qbil skont is-setgħat tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jonqsu milli jilħqu ftehim, l-ESMA tista' tieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Sabiex tiżgura armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji, il-proċedura u r-rekwiżiti biex tiġi stabbilita prattika tas-suq aċċettata skont il-paragrafi 2, 3 u 4, u r-rekwiżiti biex tinżamm, tiġi terminata jew jiġu modifikati l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni tagħha.

L-ESMA għandha tressaq dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw mill-ġdid b'mod regolari u tal-anqas kull sentejn, il-prattiki tas-suq aċċettati li li huma jkunu stabbilixxew, b'mod partikolari billi jqisu bidliet sinifikanti fl-ambjent tas-suq rilevanti, bħal bidliet fir-regoli tan-negozjar jew fl-infrastrutturi tas-suq, bil-għan li jiddeċiedu jżommuwhiex, jitterminawhiex, jew jimmodifikawx il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni tagħha.

9. L-ESMA għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha lista tal-prattiki tas-suq aċċettati u f'liema Stati Membri japplikaw.

10. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-prattiki tas-suq aċċettati u għandha tippreżenta rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif qed jiġu applikati fis-swieq ikkonċernati.

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw il-prattiki tas-suq aċċettati kollha stabbiliti qabel it-2 ta' Lulju 2014 lill-ESMA fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji imsemmija fil-paragrafu 7.

Il- prattiki tas-suq imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandhom ikomplu japplikaw fl-Istat Membru kkonċernat sakemm l-awtorità kompetenti tkun ħadet deċiżjoni dwar it-tkomplija ta’ din il-prattika wara l-opinjoni tal-ESMA skont il-paragrafu 4.

*Artikolu 14*

**Il-projbizzjoni tal-abbuż minn informazzjoni privileġġata u tal-iżvelar illegali tal-informazzjoni privileġġata**

Persuna m’għandhiex:

(a) tinvolvi ruħha jew tagħmel tentattiv ta’ involviment f’abbuż minn informazzjoni privileġġata;

(b) tirrakkomanda li persuna oħra tinvolvi ruħha f’abbuż minn informazzjoni privileġġata jew tinduċi lil persuna oħra tinvolvi ruħha f’abbuż minn informazzjoni privileġġata; or

(c) twettaq żvelar illegali ta’ informazzjoni privileġġata.

*Artikolu 15*

**Il-projbizzjoni tal-manipulazzjoni tas-suq**

Persuna m’għandhiex tinvolvi ruħha f’manipulazzjoni tas-suq jew f’tentattiv ta’ involviment f’manipulazzjoni tas-suq.

*Artikolu 16*

**Il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta’ abbuż tas-suq**

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti ta’ investiment li joperaw post tan-negozjar għandhom jistabbilixxu u jżommu arranġamenti, sistemi u proċeduri effettivi mmirati għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta’ abbuż ta’ informazzjoni privileġġata, manipular tas-suq u tentattivi ta’ abbuż ta’ informazzjoni privileġġata u ta’ manipular tas-suq, skont l-Artikoli 31 u 54 tad-Direttiva 2014/65/UE.

Il-persuna msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tirrapporta ordnijiet u tranżazzjonijiet, inkluża kwalunkwe kanċellazzjoni jew modifika tagħhom, li jistgħu jikkostitwixxu abbuż minn informazzjoni privileġġata, manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta’ abbuż minn informazzjoni privileġġata jew manipulazzjoni tas-suq lill-awtorità kompetenti tal-post tan-negozjar mingħajr dewmien.

2. Kwalunkwe persuna li professjonalment tirranġa jew twettaq tranżazzjonijiet għandha tistabbilixxi u żżomm arranġamenti, sistemi u proċeduri effettivi sabiex jikxfu u jirrappurtaw ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi. Kull meta tali persuna jkollha suspett raġonevoli li ordni jew tranżazzjoni fi kwalunkwe strument finanzjarju, kemm jekk imqiegħda jew eżegwita fuq jew ‘il barra minn post tan-negozjar, tista’ tikkostitwixxi abbuż minn informazzjoni privileġġata, manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta’ abbuż minn informazzjoni privileġġata jew f’manipulazzjoni tas-suq, il-persuna għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti kif imsemmi fil-paragrafu 3 mingħajr dewmien.

3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 22, il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu it-tranżazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għar-regoli tan-notifika tal-Istat Membru li fih huma rreġistrati jew fejn ikollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom, jew fil-każ ta’ fergħa, l-Istat Membru fejn tkun tinsab il-fergħa. In-notifika għandha tkun indirizzata lill-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat Membru.

4. L-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fil-paragrafu 3 li jirċievu n-notifika dwar ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi għandhom jittrażmettu minnufih tali informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-postijiet tan-negozjar ikkonċernat.

5. Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti ta’ dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni biex jiddeterminaw:

(a) l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri xierqa bil-għan li l-persuni jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2; u

(b) il-mudelli tan-notifika li għandhom jintużaw mill-persuni biex jibqgħu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2;

L-ESMA għandha tressaq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta’ Lulju 2016.

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

KAPITOLU 3

**REKWIŻITI TA' ŻVELAR**

*Artikolu 17*

**L-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata**

1. Emittent għandu jinforma lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun dwar informazzjoni privileġġata li tikkonċerna direttament lil dak l-emittent.

L-emittent għandu jiżgura li l-informazzjoni privileġġata ssir pubblika b'mod li jippermetti aċċess rapidu u sħiħ, valutazzjoni korretta u f'waqtha tal-informazzjoni mill-pubbliku u, meta applikabbli, fil-mekkaniżmu maħtur uffiċjalment imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-emittent għandu jgħaqqad flimkien l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata lill-pubbliku mal-kummerċjalizzazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. L-emittent għandu jqiegħed u jżomm fuq il-websajt tiegħu għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, l-informazzjoni privileġġata kollha li jeħtieġ jiżvela b'mod pubbliku.

Dan l-Artikolu għandu japplika għal emittenti li jkunu talbu jew approvaw ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru jew, fil-każ ta' strument innegozjat biss fuq MTF jew OTF, emittenti li jkunu talbu jew approvaw negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF jew OTF jew talbu ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF fi Stat Membru.

2. Parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiżvela, pubblikament, b'mod effettiv u fil-ħin, informazzjoni privileġġata dwar kwoti ta' emissjonijiet li jkollu rigward in-negozju tiegħu, inklużi l-attivitajiet ta' avjazzjoni kif speċifikat fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE jew installazzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 3(e) ta' dik id-Direttiva, li l-parteċipant ikkonċernat, jew l-impriża prinċipali jew impriża relatata tiegħu, ikunu sidien tagħhom jew jikkontrollaw jew li għall-kwistjonijiet operazzjonali tagħhom il-parteċipant, jew l-impriża prinċipali jew impriża relatata tiegħu, ikunu responsabbli, kompetament jew parzjalment. Rigward l-istallazzjonijiet, tali żvelar għandu jinkludi informazzjoni rilevanti għall-kapaċità u l-utilizzazzjoni ta' installazzjonijiet, inkluż nuqqas ta' disponibbiltà ppjanata jew mhux ippjanata ta' installazzjonijiet bħal dawn.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet fejn l-installazzjonijiet jew attivitajiet ta' avjazzjoni li jippossjedi, jikkontrolla jew huwa responsabbli minnhom, fis-sena preċedenti kellhom emissjonijiet li ma jaqbżux limitu minimu ekwivalenti għad-dijossidju tal-karbonju u, jekk iwettqu attivitajiet ta' kombustjoni, kellhom kapaċità termali kklassifikata li ma taqbiżx limitu minimu.

Il-Kummissjoni għandha tingħat s-setgħa li tadottaatti iddelegati skont l-Artikolu 35 li jistabbilixxu limitu minimu ta' ekwivalenti tad-dijossidu tal-karbonju u limitu minimu ta' kapaċità termali kklassifikata għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 35, li jispeċifikaw l-awtorità kompetenti għan-notifiki tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu.

4. Emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jista', taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu, jittardja l-iżvelar lill-pubbliku ta' informazzjoni privileġġata kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iżvelar immedjat x'aktarx jippreġudika l-interessi leġittimi tal-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

([1]) Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

(b) l-ittardjar fl-iżvelar ma jkunx probabbli li jqarraq bil-pubbliku;

(c) l-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet ikun jista' jiżgura l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

Fil-każ ta' proċess imtawwal li jseħħ fi stadji u li jkun maħsub biex iġib jew jirriżulta f'ċirkustanza partikolari jew avveniment partikolari, emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet jista' taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu jittardja l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata relatata ma' dan il-proċess, suġġett għall-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu.

Jekk emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet ikun ittardja l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata skont dan il-paragrafu, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 li l-iżvelar tal-informazzjoni kien ittardjat u għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub dwar kif ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu, immedjatament wara li l-informazzjoni tiġi żvelata lill-pubbliku. Il-liġi nazzjonali tista', alternattivament, tipprevedi li rekord ta' tali spjegazzjoni jista' jiġi ppreżentat biss fuq talba tal-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3.

5. Sabiex tiġi ppreservata l-istabbilità tas-sistema finanzjarja, emittent li huwa istituzzjoni tal-kreditu jew istituzzjoni finanzjarja oħra, jista' taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu jittardja l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata, inkluża, iżda mhux biss, informazzjoni li hija relatata ma' problema temporanja ta' likwidità u, b'mod partikolari l-bżonn li jirċievi assistenza temporanja fil-likwidità minn bank ċentrali jew mutwanti tal-aħħar istanza, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata jinvolvi riskju li tiddgħajjef l-istabbiltà finanzjarja tal-emittent u tas-sistema finanzjarja;

(b) ikun fl-interess pubbliku li l-iżvelar jiġi ttardjat;

(c) il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni tista' tiġi żgurata; u

(d) l-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 tkun tat il-kunsens tagħha għall-ittardjar ladarba l-kundizzjonijiet fil-punti (a), (b) u (c) jkunu sodisfatti.

6. Għall-iskopijiet tal-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 5, l-emittent għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 dwar l-intenzjoni tiegħu li jittardja l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata u jipprovdi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 5 huma sodisfatti. L-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 għandha tikkonsulta kif xieraq mal-bank ċentrali nazzjonali jew lill-awtorità makroprudenzjali fejn din tkun istitwita, jew inkella l-awtoritajiet li ġejjin:

(a) jekk l-emittent huwa istituzzjoni tal-kreditu jew ditta tal-investiment l-Awtorità determinata skont l-Artikolu 133(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]):

(b) f'każijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-punt (a), kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra responsabbli għas-superviżjoni tal-emittent.

L-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 għandha tiżgura li l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata jkun ittardjat biss għall-perjodu li hu meħtieġ fl-interess pubbliku. L-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 għandha tal-anqas tevalwa kull ġimgħa jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 5 għadhomx sodisfatti.

Jekk l-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 ma tagħtix il-kunsens tagħha għall-ittardjar tal-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata, l-emittent għandu jiżvela l-informazzjoni privileġġata minnufih.

Dan il-paragrafu għandu japplika għall-każijiet fejn l-emittent ma jiddeċidix li jittardja l-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata skont il-paragrafu 4.

---

([1]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Ir-referenza f'dan il-paragrafu għall-awtorità kompetenti speċifikata taħt il-paragrafu 3 f'dan il-paragrafu hija mingħajr ħsara għall-kapaċità tal-awtorità kompetenti li teżerċita l-funzjonijiet tagħha bi kwalunkwe mill-modi msemmijin fl-Artikolu 23(1).

7. Meta l-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata jiġi ittardjat skont il-paragrafu 4 jew 5 u l-kunfidenzjalità ta' dikl-informazzjoni privileġġata ma tkunx aktar fiż-żgur, l-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiżvela dik l-informazzjoni privileġġata lill-pubbliku malajr kemm jista' jkun.

Dan il-paragrafu jinkludi sitwazzjonijiet fejn għajdut ikun jirrigwarda b'mod espliċitu informazzjoni privileġġata li l-iżvelar tagħha ma jkunx ġiet ttardjat skont il-paragrafu 4 jew 5, meta dak l-għajdut ikun preċiż biżżejjed biex jindika li l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni ma tkunx aktar fiż-żgur.

8. Meta emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, jew persuna li taġixxi f'ismu jew għall-kont tiegħu, jiżvela xi informazzjoni privileġġata lil parti terza matul l-eżerċizzju normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), dan għandu jagħmel żvelar pubbliku totali u effettiv ta' dik l-informazzjoni, simultanjament fil-każ ta' żvelar intenzjonali, u fil-pront fil-każ ta' żvelar mhux intenzjonali. Dan il-paragrafu m'għandux japplika jekk il-persuna li tirċievi l-informazzjoni għandha d-dmir ta' kunfidenzjalità, irrispettivament minn jekk dan id-dmir huwiex ibbażat fil-liġi, regolamenti, artikoli ta' assoċjazzjoni, jew kuntratt.

9. Informazzjoni privileġġata dwar emittenti, li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq ta' tkabbir tal-SMEs, tista' tiġi mqiegħda fuq il-websajt tal-post tan-negozjar minflok fuq il-websajt tal-emittent meta l-post tan-negozjar jagħżel li jipprovdi din il-faċilità għall-emittenti f'dak is-suq.

10. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiddeterminaw:

(a) il-mezzi tekniċi għal żvelar pubbliku xieraq ta' informazzjoni privileġġata kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2, 8 u 9; u

(b) il-mezzi tekniċi biex jiġi ttardjat l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata kif imsemmi fil-paragrafi 4 and 5.

L-ESMA għandha tressaq dak l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2016.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

11. L-ESMA għandha toħroġ linji gwida biex tistabbilixxi lista indikattiva mhux eżawrjenti tal-interessi leġittimi tal-emittent, kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 4, u tas-sitwazzjonijiet li fihom l-ittardjar ta' żvelar ta' informazzjoni privileġġata x'aktarx tqarraq lill-pubbliku kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 4.

*Artikolu 18*

**Listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata**

1. Emittenti jew kwalunkwe persuna li taġixxi f'isihom jew għall-kont tagħhom, għandhom:

(a) ifasslu lista tal-persuni kollha li għandhom aċċess għal informazzjoni privileġġata u li jaħdmu għalihom taħt kuntratt ta' impjieg, jew inkella jwettqu kompiti li permezz tagħhom ikollhom aċċess għal informazzjoni privileġġata, bħal konsulenti, kontabilisti jew aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (lista' ta' persuni b'informazzjoni privileġġata);

(b) jaġġornaw din il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata fil-pront skont il-paragrafu 4; u

(c) jipprovdu l-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun fuq talba tagħha.

2. Emittenti jew kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew għall-kont tagħhom, għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li kwalunkwe persuna fuq il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata taċċetta bil-miktub id-dmirijiet legali u regolatorji involuti u hija konxja mis-sanzjonijiet applikabbli għal abbuz ta' informazzjoni privileġġata, u żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata.

Meta persuna oħra li taġixxi f'isem jew għall-kont tal-emittent tassumi l-kompitu li tfassal u taġġorna l-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, l-emittent jibqa' responsabbli b'mod sħiħ għall-konformità ma' dan l-Artikolu. L-emittent għandu dejjem iżomm dritt ta' aċċess għal-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata.

3. Il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għandha tinkludi tal-anqas:

(a) l-identità ta' kwalunkwe persuna li jkollha aċċess għal informazzjoni privileġġata;

(b) ir-raġuni għaliex dik il-persuna ddaħħlet fil-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata;

(c) id-data u l-ħin li fihom dik il-persuna kisbet l-aċċess għal informazzjoni privileġġata; u

(d) id-data li fiha nkitbet il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata.

4. L-emittenti jew kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew għan-nom tagħhom għandhom jaġġornaw il-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għandha tiġi aġġornata fil-pront, inkluża d-data tal-aġġornament fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) meta jkun hemm tibdil fir-raġuni għaliex tiddaħħal persuna li tkun diġa fil-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata;

(b) meta jkun hemm persuna ġdida li jkollha aċċess għall-informazzjoni privileġġata u teħtieġ, għalhekk, tiżdied mal-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata; u

(c) meta persuna ma jibqax ikollha aċċess għal informazzjoni privileġġata.

Kull aġġornament għandu jispeċifika d-data u l-ħin meta seħħ it-tibdil li wassal għall-aġġornament.

5. L-emittenti jew kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew għall-kont tagħhom għandhom iżommu l-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata għal perjodu ta' mhux inqas minn 5 snin wara li tkun tfasslet jew ġiet aġġornata.

6. Emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar f'suq ta' tkabbir tal-SMEs għandhom ikunu eżenti mit-tfassil ta' lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-emittent jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li kwalunkwe persuna b'aċċess għal informazzjoni privileġġata taċċetta d-dmirijiet legali u regolatorji involuti u tkun konxja mis-sanzjonijiet marbuta ma' abbuz ta' informazzjoni privileġġata u żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata; u

(b) l-emittent ikun kapaċi jipprovdi lill-awtorità kompetenti, fuq talba, bil-lista ta' persuni b'informazzjoni privileġġata.

7. Dan l-Artikolu għandu japplika għal emittenti li talbu jew approvaw ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom għan-negozjar f'suq regolat fi Stat Membru jew, fil-każ ta' strument innegozjat biss fuq MTF jew OTF, emittenti li talbu jew approvaw negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF jew OTF jew talbu ammissjoni għan-negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF fi Stat Membru.

8. Il-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandu japplika wkoll:

(a) għall-parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet dwar informazzjoni privileġġata li tikkonċerna l-kwoti tal-emissjonijiet li tirriżulta fir-rigward tal-operat fiżiku ta' dak il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet.

(b) għal kwalunkwe pjattaforma ta' rkantar, irkantatur jew sorveljatur tal-irkanti fir-rigward tal-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet jew ta' prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

9. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjon ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-format preċiż tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata, kif ukoll il-format għall-aġġornament tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata msemmija f'dan l-Artikolu.

L-EMSA għandha tressaq dak l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2016.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 19*

**Tranżazzjonijiet maniġerjali**

1. Persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali, kif ukoll persuni assoċjati mill-qrib magħhom, għandhom jinnotifikaw lill-emittent jew lil parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet u lill-awtorità kompetenti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2:

(a) b' fir-rigward ta' emittenti, ta' kull tranżazzjoni mwettqa għall-kont tagħhom stess relatata mal-ishma jew mal-istrumenti tad-dejn ta' dak l-emittent, jew ma' derivati jew strumenti finanzjarji oħra marbuta magħhom,

(b) fir-rigward ta' parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet, ta' kull tranżazzjoni mwettqa għall-kont tagħhom stess dwar makwoti tal-emissjonijiet, ma' prodotti rkantati insejsa fuqhom jew ma' derivati relatati magħhom.

Tali notifiki għandhom isiru fil-pront u mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' negozju wara d-data tat-tranżazzjoni.

L-ewwel subparagrafu japplika ladarba l-ammont totali tat-tranżazzjonijiet ikun laħaq il-limitu stabbilit fil-paragrafu 8 jew 9, kif applikabbli, fi żmien sena kalendarja.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, u mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu obbligi tan-notifika minbarra dawk imsemmija f'dan l-Artikolu, t-transazzjonijiet kollha imwettqa għall-kont proprju tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1, għandhom ikunu notifikati minn dawk il-persuni lill-awtoritajiet kompetenti.

Ir-regoli applikabbli tan-notifika, li magħhom il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jeħtieġ ikunu konformi, għandhom ikunu dawk tal-Istati Membri ta' fejn l-emittent jew il-parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet huwa reġistrat. In-notifika għandha ssir fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tat-tranżazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Meta l-emittent mhuwiex reġistrat fi Stat Membru, in-notifika għandha ssir lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini skont il-punt (i) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/109/KE jew, fin-nuqqas ta' dan, lill-awtorità kompetenti tal-post ta' negozjar.

3. L-emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiżgura li l-informazzjoni li tkun notifikata skont il-paragrafu 1 tiġi ppubblikata fil-pront u mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' negozju wara t-tranżazzjoni b'mod li jippermetti aċċess rapidu għal din l-informazzjoni fuq bażi nondiskriminatorja skont l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 17(10).

L-emittent jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu juża l-aktar midja affidabbli b'mod raġonevoli għat-tixrid effettiv ta' informazzjoni lill-pubbliku madwar l-Unjoni, u, meta applikabbli, għandu juża l-mekkaniżmu maħtur uffiċjalment imsemmi f'l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/109/KE.

Minflok, il-liġi nazzjonali tista' tipprevedi li awtorità kompetenti tista' tippubblika l-informazzjoni hija stess.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika għal emittenti li:

(a) talbu jew approvaw ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom għan-negozjar f'suq regolat; jew

(b) fil-każ ta' strument innegozjat biss fuq MTF jew OTF, emittenti li talbu jew approvaw negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF jew OTF jew talbu ammissjoni għan-negozjar tal-istrumenti finanzjarji tagħhom fuq MTF.

5. L-emittenti u parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali dwar l-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu bil-miktub. L-emittenti u parteċipanti fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhom ifasslu lista tal-persuni kollha li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali u persuni assoċjati mill-qrib magħhom.

Il-persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali għandhom jinnotifikaw lill-persuni assoċjati mill-qrib magħhom dwar l-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu bil-miktub u għandhom iżommu kopja ta' din in-notifika.

6. In-notifika tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-persuna;

(b) ir-raġuni għan-notifika;

(c) l-isem tal-emittent rilevanti jew parteċipant fis-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet;

(d) deskrizzjoni u l-identità tal-istrument finanzjarju;

(e) in-natura tat-tranżazzjoni(jiet) (eż. akkwiżizzjoni jew ċessjoni), li tindika jekk hijiex marbuta mal-eżerċizzju ta' programmi għall-opzjonijiet fuq l-ishma jew mal-eżempji speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 7;

(f) id-data u l-post tat-tranżazzjoni(jiet); kif ukoll

(g) il-prezz u l-volum tat-tranżazzjoni(jiet). Fil-każ ta' rahan li t-termini tiegħu jipprevedu li l-valur tiegħu jista' jinbidel, dan għandu jiġi żvelat flimkien mal-valur tiegħu fid-data ta' meta jkun sar ir-rahan.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tranżazzjonijiet li għandhom jiġu notifikati għandhom jinkludu wkoll:

(a) il-wiegħda jew is-self ta' strumenti finanzjarji minn jew f'isem persuna li twettaq resposabiltajiet maniġerjali jew persuna assoċjata mill-qrib ma' tali persuna, kif jingħad fil-paragrafu 1;

(b) tranżazzjonijiet imwettqa minn persuna li teżegwixxi jew tagħmel l-arranġamenti għal tranżazzjonijiet jew minn persuna oħra f'isem persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali jew persuna assoċjata mill-qrib ma' tali persuna msemmija fil-paragrafu 1, inkluż fejn tinżamm id-diskrezzjoni;

(c) tranżazzjonijiet magħmula taħt polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja, skont id-definizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), meta:

(i) id-detentur tal-polza hija persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali jew persuna assoċjata mill-qrib ma' tali persuna, kif jingħad fil-paragrafu 1,

([1]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(ii) ir-riskju tal-investiment jinġarr mid-detentur tal-polza, u

(iii) id-detentur tal-polza għandu s-setgħa jew id-diskrezzjoni li jieħu deċiżjonijiet dwar l-investiment fir-rigward ta' strumenti speċifiċi f'dik il-polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja jew li jeżegwixxi tranżazzjonijiet fir-rigward ta' strumenti speċifiċi għal dik il-polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja.

Għall-finijiet tal-punt (a), rahan, jew interess ta' garanzija simili, ta' strumenti finanzjarji b'rabta mad-depożitu tal-istrumenti finanzjarji f'kont ta' kustodja m'hemmx bżonn ikun notifikat, sakemm u sa meta tali rahan jew interess ta' garanzija ieħor ma jkunx speċifikat biex jiggarantixxi faċilità ta' kreditu speċifika.

Sa fejn detentur ta' polza ta' kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meħtieġ jinnotifika t-tranżazzjonijiet skont dan il-paragrafu, il-kumpanija tal-assigurazzjoni m'għandhiex id-dmir li tinnotifika.

8. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe tranżazzjoni sussegwenti ladarba jkun intlaħaq ammont totali ta' EUR 5 000 f'sena kalendarja. Il-limitu ta' EUR 5 000 għandu jiġi kkalkulat billi jiżdiedu, mingħajr nettjar, it-tranżazzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1.

9. Awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li żżid il-limitu stabbilit fil-paragrafu 8 għal EUR 20 000 u għandha tinforma lill-ESMA bid-deċiżjoni tagħha u l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni tagħha, b'referenza speċifika għall-kundizzjonijiet tas-suq, li tadotta livell ogħla qabel l-applikazzjoni tiegħu. L-ESMA għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha l-lista ta' limiti li japplikaw skont dan l-Artikolu u l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet kompetenti għal tali limiti.

10. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal tranżazzjonijiet minn persuni li jwettqu responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdan kwalunkwe pjattaforma ta' rkantar, irkantatur jew sorveljatur tal-irkanti involuti fl-irkanti li jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 u persuni assoċjati mill-qrib ma' tali persuni sa fejn it-tranżazzjonijiet tagħhom jinvolvu kwoti tal-emissjonijiet, derivati tagħhom jew prodotti rkantati bbażati fuqhom. Dawn il-persuni għandhom jinnotifikaw it-tranżazzjonijiet tagħhom għall-pjattaformi ta' rkantar, irkantaturi jew sorveljatur tal-irkanti, kif applikabbli, u lill-awtorità kompetenti fejn il-pjattaforma ta' rkantar, irkantatur jew sorveljatur tal-irkanti, kif applikabbli, huwa rreġistrat. L-informazzjoni li hija notifikata b'dan il-mod għandha ssir pubblika mill-pjattaformi tal-irkant, l-irkantaturi, is-sorveljatur tal-irkant jew l-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 3.

11. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 14 u 15, persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdan emittent m'għandhiex twettaq kwalunkwe tranżazzjonijiet għall-kont tagħha stess jew għall-kont ta' parti terza, direttament jew indirettament, fir-rigward tal-ishma jew l-istrumenti tad-dejn tal-emittent jew ma' derivati jew strumenti finanzjarji oħra marbuta magħhom, matul perjodu magħluq ta' tletin jum kalendarju qabel jitħabbar rapport finanzjarju interim jew rapport ta' tmiem is-sena li l-emittent huwa obbligat jippubblika skont:

(a) ir-regoli tal-post tan-negozjar fejn l-ishma tal-emittent huma ammessi għan-negozjar: jew

(b) il-liġi nazzjonali.

12. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 14 u 15 emittent jista jħalli persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali fi ħdanu tinnegozja għall-kont tagħha stess jew għall-kont ta' parti terza matul perijodu magħluq kif imsemmi fil-paragrafu 11, kemm-il darba n-negozjar matul dak il-perjodujew:

(a) fuq bażi ta' każ b'każ minħabba l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal diffikultajiet finanzjarji kbar, li jirrikjedu l-bejgħ immedjat ta' ishma; jew

(b) minħabba l-karatteristiċi tan-negozjar involut għal tranżazzjonijiet magħmula fl-ambitu ta', jew relatati ma', skemi ta' ishma ta' impjegati jew ta' tfaddil, il-kwalifika jew intitolament ta' ishma, jew tranżazzjonijiet fejn l-interess ta' benefiċċju fis-sigurtà rilevanti ma jinbidilx.

13. Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 li jispeċifikaw iċ-ċirkustanzi li fihom l-emittent jista' jippermetti n-negozjar matul perjodu magħluq, kif imsemmi fil-paragrafu 12, inklużi ċ-ċirkustanzi li jkunu meqjusa bħala eċċezzjonali u t-tipi ta' tranżazzjonijiet li jiġġustifikaw il-permess biex isir negozjar.

14. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 li jispeċifikaw it-tipi ta' tranżazzjonijiet li jiskattaw ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1.

15. Sabiex tiżgura applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u mudell li permezz tiegħu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi notifikata u ppubblikata.

L-ESMA għandha tressaq dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 20*

**Rakkomandazzjonijiet u statistiċi dwar l-investiment**

1. Persuni li jipproduċu jew ixerrdu rakkomandazzjonijiet ta' investiment jew informazzjoni li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investimentgħandhom jieħdu ħsieb jiżguraw li din l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod oġġettiv, u li jiżvelaw l-interessi tagħhom jew jindikaw kunflitti ta' interess li jikkonċernaw l-istrumenti finanzjarji li dik l-informazzjoni hija relatata magħhom.

2. L-istituzzjonijiet pubbliċi li jxerrdu statistiċi jew previżjonijiet li x'aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq is-swieq finanzjarji għandhom ixerrduhom b'mod oġġettiv u trasparenti.

3. Sabiex tiżgura armonizzazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiddeterminaw l-arranġamenti tekniċi, għall-kategoriji ta' persuni msemmija fil-paragrafu 1, għall-preżentazzjoni oġġettiva ta' rakkomandazzjonijiet ta' investiment jew informazzjoni oħra li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija tal-investiment, kif ukoll għall-iżvelar ta' interessi partikulari jew indikazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess.

L-ESMA għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tiġi delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-arranġamenti tekniċi stabbiliti fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 3 m'għandhomx japplikaw għal ġurnalisti li jkunu soġġetti għal regolamentazzjoni xierqa ekwivalenti fi Stat Membru, inkluża awtoregolamentazzjoni xierqa ekwivalenti, sakemm tali regolamentazzjoni tikseb effetti simili għal dawk l-arranġamenti tekniċi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw t-test ta' dik ir-regolamentazzjoni ekwivalenti xierqa lill-Kummissjoni.

*Artikolu 21*

**Żvelar u tixrid ta' informazzjoni fil-midja**

Għall-finijiet tal-Artikolu 10, l-Artikolu 12(1)(c) u l-Artikolu 20, meta tkun żvelata jew imxerrda informazzjoni u meta jkunu prodotti u mxerrda rakkomandazzjonijiet għall-fini ta' ġurnaliżmu jew forma oħra ta' espressjoni fil-midja, tali żvelar jew tixrid ta' informazzjoni għandu jiġi vvalutat billi jitqiesu r-regoli li jirregolaw il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'midja oħra u r-regoli jew il-kodiċi li jirregolaw il-professjoni tal-ġurnalist, sakemm:

(a) il-persuni kkonċernati, jew il-persuni assoċjati mill-qrib magħhom, ma jisiltux, direttament jew indirettament, vantaġġ jew qligħ mill-iżvelar jew it-tixrid tal-informazzjoni kkonċernata; jew

(b) l-iżvelar jew it-tixrid isir bl-intenzjoni li jqarraq is-suq rigward il-provvista, id-domanda, jew il-prezz ta' strumenti finanzjarji.

KAPITOLU 4

**L-ESMA U L-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

*Artikolu 22*

**Awtoritajiet kompetenti**

Mingħajr ħsara għall-kompetenzi tal-awtoritajiet ġudizzjarji, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti amministrattiva waħdanija għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, l-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn ta' Stati Membri oħra dwar dan. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu applikati fit-territorju tagħha, fir-rigward tal-azzjonijiet kollha mwettqa fit-territorju tagħha, u l-azzjonijiet imwettqa barra mill-pajjiż relatati ma' strumenti ammessi għan-negozjar f'suq regolat, li tkun saret talba għalihom biex jiġu ammessi għan-negozjar f'suq bħal dan, irkantati fuq pjattaforma ta' rkantar jew li huma nnegozjati fuq MTF jew OTF jew li tkun saret talba għalihom biex jiġu ammessi għan-negozjar fuq MTF li topera fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 23*

**Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom kif ġej:

(a) direttament;

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra jew mal-impriżi tas-suq;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil dawn l-awtoritajiet jew impriżi tas-suq; jew

(d) b'applikazzjoni għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

2. Sabiex jaqdu d-dmirjiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-inqas is-setgħat superviżorji u investigatorji li ġejjin:

(a) li jaċċessaw kwalunkwe dokument jew data fi kwalunkwe forma, jew jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu;

(b) li jitolbu jew jesiġu informazzjoni mingħand kwalunkwe persuna, inklużi dawk li huma involuti suċċessivament fit-trażmissjoni ta' ordnijiet jew fit-twettiq tal-operazzjonijiet ikkonċernati, kif ukoll il-prinċipali tagħhom, u jekk meħtieġ, isejħu u jistaqsu lil kwalunkwe persuna bħal din bil-għan li jiksbu informazzjoni;

(c) fir-rigward derivati dwar komoditajiet, li jitolbu informazzjoni minn parteċipanti tas-suq dwar swieq spot relatati skont il-formati standardizzati, jiksbu rapporti dwar tranżazzjonijiet, u jkollhom aċċess dirett għas-sistemi tan-negozjanti;

(d) li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post u investigazzjonijiet f'siti li ma jkunux residenzi privati ta' persuni fiżiċi;

(e) bla ħsara għat-tieni subparagrafu, li jidħlu fl-istabbilimenti ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi sabiex jikkonfiskaw dokumenti u data fi kwalunkwe forma fejn hemm suspett raġonevoli li dokumenti jew data marbutin mas-suġġett tal-ispezzjoni jew tal-investigazzjoni jistgħu jkunu relevanti bħala evidenza ta' każ ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew ta' manipulazzjoni tas-suq bi ksur ta' dan ir-Regolament.

(f) li jirreferu kwistjonijiet għal investigazzjoni kriminali;

(g) li jitolbu reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konverżazzjonijiet bit-telefon, komunikazzjonijiet elettroniċi jew rekords tat-traffiku tad-data miżmuma minn kumpaniji tal-investiment, istituzzjonijiet tal-kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji;

(h) li jitolbu, sa fejn ikun permess mil-liġi nazzjonali, rekords eżistenti tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjonijiet, meta jeżisti suspett raġonevoli ta' ksur u meta li tali rekords jistgħu jkunu rilevanti għall-investigazzjoni ta' ksur tal-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 14 jew l-Artikolu 15;

(i) li jitolbu l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi, jew it-tnejn;

(j) li jissospendu n-negozjar tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati;

(k) li jitolbu l-waqfien temporanju ta' kwalunkwe prattika li l-awtorità kompetenti tqis li tmur kontra dan ir-Regolament;

(l) li jimponu projbizzjoni temporanja fuq l-eżerċizzju tal-attività professjonali;

(m) li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-pubbliku ikun informat b'mod korrett, inter alia, billi jikkoreġu informazzjoni żvelata falza jew qarrieqa, inkluż billi kwalunkwe emittent jew persuna oħra li ppubblikaw jew xerrdu informazzjoni falza jew qarrieqa jintalbu jippubblikaw dikjarazzjoni korrettiva.

Meta f'konformità mal-liġi nazzjonali tkun tinħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat biex jidħlu fl-istabbilitment ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil- punt (e) tal-ewwel subparagrafu, is-setgħa kif imsemmi fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu għandha tintuża biss wara li tkun inkisbet dik l-awtorizzazzjoni minn qabel.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigatorji li jkunu jeħtieġu biex iwettqu dmirijiethom.

Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għal liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi adottati fir-rigward ta' offerti ta' xiri, tranżazzjonijiet ta' fużjoni u tranżazzjonijiet oħra li jaffettwaw is-sjieda jew il-kontroll ta' kumpanniji regolati mill-awtoritajiet superviżorji maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE li jimponu rekwiżiti oħra minbarra r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

4. Persuna li tqiegħed informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament m'għandhiex titqies li tkun kisret xi restrizzjoni dwar l-iżvelar tal-informazzjoni imposta b'kuntratt jew b'xi dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva, u dan m'għandu jinvolvi lill-persuna li tagħmel in-notifika f'ebda tip ta' responsabbiltà relatata ma' tali notifika.

*Artikolu 24*

**Kooperazzjoni mal-ESMA**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ESMA, mingħajr dewmien, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tressaq dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2016.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 25*

**Obbligu ta' kooperazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA fejn ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sakemm ma tapplikax xi waħda mill-eċċezzjonijiet fil-paragrafu 2. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u l-ESMA. B'mod partikolari, għandhom jiskambjaw informazzjoni, mingħajr dewmien żejjed, u jikkooperaw f'attivitajiet ta' investigazzjoni u infurzar.

L-obbligu ta' koperazzjoni u għajnuna stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-Kummissjoni b'rabta mal-iskambju ta' informazzjoni dwar komoditajiet li huma prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE.

L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jikkooperaw skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu.

Meta l-Istati Membri jkunu għażlu, skont l-Artikolu 30(1), it-tieni subparagrafu, li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament imsemmija f'dak l-Artikolu, huma għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat neċessarji kollha biex jikkollaboraw mal-awtoritajiet ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirċievu informazzjoni speċifika relatata ma' investigazzjonijiet jew proċeduri kriminali mibdija minħabba ksur possibbli ta' dan ir-Regolament u jipprovdu l-istess lil awtoritajiet kompetenti oħra u l-ESMA biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għall-informazzjoni jew talba biex tikkoopera f'investigazzjoni fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li ġejjin, jiġifieri meta:

(a) il-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti tista' taffettwa ħażin is-sigurtà tal-Istat Membru indirizzat, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati serji oħrajn;

(b) il-konformità mat-talba x'aktarx taffettwa ħażin l-investigazzjoni jew l-attivitajiet ta' infurzar tagħha stess jew, meta applikabbli, investigazzjoni kriminali;

(c) Ikunu diġà nbdew proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-istess azzjonijiet u kontra l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat; jew

(d) Tkun diġà ngħatat sentenza finali fir-rigward ta' tali persuni għall-istess azzjonijiet fl-Istat Membru indirizzat.

3. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jikkoperaw mal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri biex jiżguraw li jittieħed approċċ koordinat għall-infurzar tar-regoli rilevanti fejn it-tranżazzjonijiet, l-ordnijiet għan-negozjar jew azzjonijiet jew imġiba oħra jkunu relatati ma' strument finanzjarju wieħed jew aktar li japplika għalihom dan ir-Regolament, kif ukoll għal prodott wieħed jew aktar ta' enerġija bl-ingrossa li japplikaw għalihom l-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi tad-definizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 meta jiġu biex japplikaw l-Artikoli 7, 8 u 12 ta' dan ir-Regolament għall-istrumenti finanzjarji marbutin mal-prodotti ta' enerġija bl-ingrossa.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-iskop imsemmi fil-paragrafu 1.

([1]) Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1).

5. Meta awtorità kompetenti tkun konvinta li atti li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qed ikunu, jew kienu, imwettqa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, jew li ċerti azzjonijiet qegħdin jaffettwaw strumenti finanzjarji nnegozjati f'post tan-negozjar li jinsab fi Stat Membru ieħor, għandha tinnotifika dak il-fatt bl-iktar mod speċifiku possibbli lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor u lill-ESMA, u fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija tal-operaturi, lill-ACER. L-awtoritajiet kompetenti tad-diversi Stati Membri involuti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin u mal-ESMA, u fir-rigward tal-prodotti tal-enerġija tal-operaturi, lill-ACER, dwar l-azzjoni xierqa li għandhom jieħdu, u għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-iżviluppi sinifikanti li jsiru sadanittant. Għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni possibbli meta japplikawsanzjonijiet, u miżuri amministrattivi oħrajn għal dawk il-każijiet transkonfinali skont l-Artikoli 30 u 31 u għandhom jgħinu lil xulxin fl-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħhom.

6. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed tista' titlob l-għajnuna mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor rigward spezzjonijiet jew investigazzjonijiet fuq il-post.

Awtorità kompetenti li tagħmel it-talba tista' tinforma lill-ESMA bi kwalunkwe talba msemmija fl-ewwel subparagrafu. Fil-każ ta' investigazzjoni jew spezzjoni b'effett transkonfinali, l-ESMA, jekk tintalab tagħmel dan minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti, għandha tikkoordina l-investigazzjoni jew l-ispezzjoni.

Fejn awtorità kompetenti tirċievi talba mingħand awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex twettaq spezzjoni jew investigazzjoni fuq il-post, tista' tieħu kwalunkwe azzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) twettaq l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post hi stess;

(b) tippermetti lill-awtorità kompetenti li bagħtet it-talba tipparteċipa fl-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post;

(c) tippermetti lill-awtorità kompetenti li bagħtet it-talba twettaq l-ispezzjoni jew l-investigazzjoni fuq il-post hi stess;

(d) taħtar awdituri jew esperti biex iwettqu spezzjoni jew investigazzjoni fuq il-post;

(e) taqsam kompiti speċifiċi relatati ma' attivitajiet superviżorji mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fir-rigward tal-iffaċilitar tal-irkupru ta' sanzjonijiet pekunarji.

7. Bla ħsara għall-Artikolu 258 tat-TFUE, awtorità kompetenti li t-talba tagħha għal informazzjoni jew għajnuna skont il-paragrafi 1, 3, 4 u 5 ma ssirx azzjoni fuqha fi żmien raġonevoli, jew li t-talba tagħha għal informazzjoni jew għajnuna tiġi rrifjutata, tista' tirreferi dak ir-rifjut jew nuqqas ta' azzjoni fi żmien raġonevoli lill-ESMA.

Fis-sitwazzjonijiet imsemmija, l-ESMA tista' taġixxi skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, bla ħsara għall-possibbiltà li l-ESMA taġixxi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji rilevanti nazzjonali u ta' pajjiżi terzi responsabbli għas-swieq spot relatati meta jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li azzjonijiet, li jikkostitwixxu abbuż ta' informazzjoni privileġġata, żvelar illegali ta' informazzjoni jew manipulazzjoni tas-suq bi ksur ta' dan ir-Regolament, ikunu qegħdin isiru jew ikunu saru. Din il-kooperazzjoni għandha tiżgura ħarsa ġenerali kkonsolidata tas-swieq finanzjarji u spot, u għandha tidentifika u timponi sanzjonijiet għall-abbużi tas-suq kemm bejn is-swieq kif ukoll bejn il-fruntieri.

Rigward il-kwoti tal-emissjonijiet, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni pprovduti taħt l-ewwel subparagrafu għandhom jiġu żgurati wkoll bi:

(a) is-sorveljatur tal-irkant, rigward l-irkanti ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010; u

(b) awtoritajiet kompetenti, amministraturi tar-reġistru, inkluż l-Amministratur Ċentrali, u korpi pubbliċi oħra inkarigati biex jissorveljaw il-konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.

L-ESMA għandha twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni rigward il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri u pajjiżi terzi oħra. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, kull fejn possibbli, jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi responsabbli għas-swieq spot relatati skont l-Artikolu 26.

9. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni u għajnuna kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tressaq dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2016.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 26*

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn meħtieġ, għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi u l-infurzar ta' obbligi li jirriżultaw taħt dan ir-Regolament f'pajjiżi terzi. Dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw mill-inqas skambju effiċjenti ta' informazzjoni li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament.

Awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA u lil awtoritajiet kompetenti l-oħrajn meta tipproponi li tidħol f'arranġament bħal dan.

2. L-ESMA għandha, kull meta possibbli, tiffaċilita u tikkoordina l-iżvilupp ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi.

Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jkun fihom dokument mudell għal arranġamenti ta' kooperazzjoni li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkun possibbli.

L-ESMA għandha tressaq dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ESMA għandha tiffaċilita u tikkoordina wkoll, kull meta possibbli, l-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ta' informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li tista' tkun rilevanti għat-teħid ta' miżuri skont l-Artikoli 30 u 31.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 27. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun maħsub għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 27*

**Is-segretezza professjonali**

1. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali rċevuta, skambjata jew trażmessa skont dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. L-informazzjoni kollha skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament li tikkonċerna n-negozju jew kundizzjonijiet operattivi u affarijiet oħra ekonomiċi jew personali għandha titqies kunfidenzjali u tkun soġġetta għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali, ħlief fejn l-awtorità kompetenti jew awtorità jew korp ieħor ikkonċernat jiddikjaraw fil-ħin tal-komunikazzjoni li din l-informazzjoni tista' tiġi żvelata jew tali żvelar ikun meħtieġ għal proċedimenti legali.

3. L-obbligu tas-segretezza professjonali japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtorità kompetenti jew għal kwalunkwe awtorità jew impriża tas-suq li l-awtorità kompetenti ddelegat is-setgħat lilha, inklużi awdituri u esperti kkuntrattati mill-awtorità kompetenti. L-informazzjoni koperta b'segretezza professjonali ma tistax tiġi żvelata lill-ebda persuna jew awtorità oħra ħlief permezz tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

*Artikolu 28*

**Il-protezzjoni tad-data**

Rigward l-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan ir-Regolament skont il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-ESMA fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-ESMA għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Id-data personali għandha tinżamm għal perjodu massimu ta' ħames snin.

*Artikolu 29*

**L-iżvelar ta' data personali lil pajjiżi terzi**

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tittrasferixxi data personali lil pajjiż terz sakemm jintlaħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE u biss fuq bażi ta' każ b'każ. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-trasferiment ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u li l-pajjiż terz ma jittrasferixxix data lejn pajjiż terz ieħor sakemm ma jingħatax awtorizzazzjoni espressa bil-miktub u jikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tiżvela biss data personali riċevuta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor lil awtorità superviżorja ta' pajjiż terz fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tkun kisbet qbil espliċitu mill-awtorità kompetenti li tkun ittrażmettiet l-informazzjoni u, fejn applikabbli, id-data tiġi żvelata biss għall-finijiet li għalihom dik l-awtorità kompetenti tat il-kunsens tagħha.

3. Fejn ftehim ta' kooperazzjoni jipprovdi għall-iskambju ta' data personali, għandu jikkonforma liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE.

KAPITOLU 5

**MIŻURI U SANZJONIJIET AMMINISTRATTIVI**

*Artikolu 30*

**Sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn**

1. Bla ħsara għal sanzjonijiet kriminali u bla ħsara għas-setgħat superviżorji ta' awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 23, l-Istati Membri, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu sanzjonijiet amministrattivi xierqa u jieħdu miżuri amministrattivi oħrajn fir-rigward ta' mill-inqas il-ksur li ġej:

(a) ksur tal-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 16(1) u (2), l-Artikolu 17(1), (2), (4) u (5), u (8), l-Artikolu 18(1) sa (6), l-Artikolu 19(1), (2), (3), (5), (6), (7) u (11) u l-Artikolu 20(1); u

(b) nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità ma'investigazzjoni jew ma' spezzjoni jew talba kif jingħad fl-Artikolu 23(2).

L-Istati Membri jistgħu,, jiddeċiedu li jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi kif jingħad fl-ewwel subparagrafu meta l-ksur imsemmi fil-punt (a) jew il-punt (b) ta' dak is-subparagrafu diġà jkun soġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-liġi nazzjonali tagħhom sat-3 ta' Lulju 2016. Fejn jiddeċiedu dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, fid-dettall, lill-Kummissjoni u lill-ESMA bil-partijiet rilevanti tal-liġi kriminali tagħhom.

Sat-3 ta' Lulju 2016, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-ESMA. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li ssirilhom.

2. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu mill-inqas is-sanzjonijiet amministrattivi li ġejjin jew jieħdu mill-inqas il-miżuri amministrattivi li ġejjin f'każ tal-ksur imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

(a) ordni li teħtieġ li l-persuna responsabbli għall-ksur twaqqaf l-aġir u ma tirrepetix dan l-aġir;

(b) iċ-ċediment ("disgorgement") tal-profitti miksuba jew it-telf evitat minħabba l-ksur, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu determinati;

(c) twissija pubblika li tindika l-persuna responsabbli għall-ksur u n-natura tal-ksur;

(d) irtirar jew sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' kumpanija ta' investiment;

(e) projbizzjoni temporanja ta' persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali f'kumpanija tal-investiment jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet ta' maniġment f'kumpaniji tal-investiment;

(f) fil-każ ta' ksur ripetut tal-Artikolu 14 jew 15, projbizzjoni permanenti kontra ta' persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali f'kumpanija tal-investiment jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli teżerċita funzjonijiet ta' maniġment f'kumpaniji tal-investiment;

(g) projbizzjoni temporanja ta' kwalunkwe persuna li twettaq responsabbiltajiet maniġerjali f'kumpanija tal-investiment jew persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli għall-ksur, milli tinnegozja għall-kont tagħha stess;

(h) sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi ta' mhux inqas minn tliet darbiet l-ammont tal-profitti miksuba jew it-telf evitat minħabba l-ksur fejn dawk ikunu jistgħu jiġu determinati.

(i) fir-rigward ta' persuna fiżika, sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi ta' mhux inqas minn:

(i) għall-ksur tal-Artikoli 14 u 15, EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;

(ii) għall-ksur tal-Artikoli 16 u 17, EUR 1 000 000 jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014; u

(iii) għall-ksur tal-Artikoli 18, 19 u 20, EUR 500 000 jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014; u

(j) fir-rigward ta' persuna fiżika, sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi ta' mhux inqas minn:

(i) għall-ksur tal-Artikoli 14 u 15, EUR 15 000 000 jew 15 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;

(ii) għall-ksur tal-Artikoli 16 u 17, EUR 2 500 000 jew 2 % tal-fatturat annwali totali tagħha skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali, jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014 u

(iii) għall-ksur tal-Artikoli 18, 19 u 20 EUR 1 000 000 jew fl-Istati Membri fejn l-euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014.

Ir-referenzi għall-awtorità kompetenti f'dan il-paragrafu huma mingħajr ħsara għall-kapaċità tal-awtorità kompetenti li teżerċita l-funzjonijiet tagħha bi kwalunkwe mod imsemmi fl-Artikolu 23(1).

Għall-għanijiet tal-punti (j)(i) u (ii) tal-ewwel subparagrafu, meta l-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja ta' impriża li tkun meħtieġa tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE ([1]), il-fatturat rilevanti annwali totali għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu skont id-Direttivi rilevanti dwar il-kontabilità d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE ([2]) għall-banek u d-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE ([3]) għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali ewlenija.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti ikollhom setgħat oħra minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafu 2 u jistgħu jipprovdu għal livelli ogħla ta' sanzjonijiet minn dawk stabbiliti f'dak il-paragrafu.

*Artikolu 31*

**L-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu biex jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inklużi, meta jkun xieraq:

(a) is-serjetà u d-dewmien tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat, per eżempju, mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika jew mid-dħul annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu determinati;

(e) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti, bla ħsara għall-ħtieġa li jiġi żgurat ċediment ("disgorgement") tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

([1]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istqarrijiet finanzjarji annwali, rapporti finanzjarji konsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li jemenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

([3]) Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7).

(f) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur; u

(g) il-miżuri li ttieħdumill-persuna responsabbli għall-ksur biex tiġi evitata ripetizzjoni.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn taħt l-Artikolu 30, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li l-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigattivi tagħhom, u s-sanzjonijiet amministrattivi li huma jimponu, u l-miżuri amministrattivi l-oħrajn li jieħdu, ikunu effettivi u xierqa taħt dan ir-Regolament. Huma għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom skont l-artikolu 25 biex jevitaw id-duplikazzjoni u t-trikkib meta jeżerċitaw is-setgħat superviżorji u investigattivi tagħhom u meta jimponu sanzjonijiet u multi amministrattivi fir-rigward ta' każijiet transkonfinali.

*Artikolu 32*

**Ir-rappurtar tal-ksur**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jippermettu r-rappurtar ta' ksur attwali jew potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċeviment ta' rapporti ta' ksur u s-segwitu tagħhom, inkluż l-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri għal tali rapporti;

(b) fi ħdan l-impjieg tagħhom, protezzjoni xierqa għall-persuni li jaħdmu b'kuntratt ta' impjieg, li jirrappurtaw ksur jew jiġu akkużati bi ksur, kontra r-ritaljazzjoni, id-diskriminazzjoni u tipi oħra ta' trattament inġust; u

(c) protezzjoni ta' data personali kemm tal-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll il-persuna fiżika li allegatament wettqet il-ksur, inkluża protezzjoni fir-rigward taż-żamma tal-kunfidenzjalità tal-identità tagħhom, fl-istadji kollha tal-proċedura mingħajr preġudizzju għal żvelar ta' informazzjoni li ikun meħtieġ mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti.

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-impjegaturi li jwettqu attivitajiet li huma regolati minn regolameny ta' servizzi finanzjarji li jkollhom fis-seħħ proċeduri interni xierqa biex l-impjegati tagħhom jirrapportaw ksur ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li inċentivi finanzjarji għal persuni li joffru informazzjoni rilevanti dwar ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jingħataw skont il-liġi nazzjonali fejn tali persuni ma jkollhomx dmirijiet legali jew kuntrattwali preeżistenti oħra li jirrapportaw tali informazzjoni, u sakemm l-informazzjoni hija ġdida, u tirriżulta fl-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva jew kriminali jew it-teħid ta' miżura amministrattiva oħra, għal ksur ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha tadottaatti ta' impliementazzjoni li jispeċifikaw aħjar il-proċeduri msemmijin fil-paragrafu 1, inklużi l-arranġamenti għar-rappurtar u għas-segwitu ta' rapporti, u l-miżuri għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu b'kuntratt ta' impjieg u l-miżuri għall-protezzjoni tad-data personali. Dawk l-atti ta' impliementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 33*

**L-iskambju ta' informazzjoni mal-ESMA**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ESMA, kull sena, informazzjoni aggregata dwar is-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali, miżuri amministrattivi oħrajn, imposti mill-awtorità kompetenti bi qbil mal-Artikoli 30, 31 u 32. L-ESMA għandha tippubblika dik l-informazzjoni f'rapport annwali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jipprovdu lill-ESMA kull sena b'data anonimizzata u aggregata dwar l-investigazzjonijiet amministrattivi kollha mwettqa skont dawk l-Artikoli.

2. Meta l-Istati Membri jkunu, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(1), stabbilew sanzjonijiet kriminali għall-ksur imsemmi f'dak l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom kull sena jipprovdu lill-ESMA b'data anonimizzata u aggregata rigward l-investigazzjonijiet kriminali mwettqa u l-pieni kriminali imposti kollha mill-awtoritajiet ġudizzjarji skont l-Artikoli 30, 31 u 32. L-ESMA għandha tippubblika data dwar sanzjonijiet kriminali imposti f'rapport annwali.

3. Meta l-awtorità kompetenti tkun żvelat sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali, jew miżuri amministrattivi oħrajn, lill-pubbliku, għandha fl-istess ħin tinnotifika lill-ESMA b'dan.

4. Meta sanzjoni amministrattiva jew kriminali jew miżura amministrattivi oħra ppubblikata tkun relatata ma' kumpanija tal-investiment awtorizzata skont id-Direttiva 2014/65/UE, l-ESMA għandha żżid referenza għal dik is-sanzjoni jew miżura ppubblikata fir-reġistru tal-kumpaniji tal-investiment stabbilit skont l-Artikolu 5(3) ta' dik id-Direttiva.

5. Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l–ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tressaq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2016.

Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 34*

**Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet**

1. Bla ħsara għat-tielet subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw kwalunkwe deċiżjoni li timponi sanzjoni amministrattiva, jew miżura amministrattiva oħra fir-rigward tal-ksur ta' dan ir-Regolament fuq il-websajt tagħhom immedjatament wara li l-persuna suġġetta għal dik id-deċiżjoni tiġi infurmata b'dik id-deċiżjoni. Tali pubblikazzjoni għandha mill-inqas tinkludi informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuna suġġetta għal dik id-deċiżjoni.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax għal deċiżjonijiet li jimponu miżuri li huma ta' natura investigattiva.

Meta, awtorità kompetenti tqis li l-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuna ġuridika suġġetta għal dik id-deċiżjoni, jew tad-data personali ta' persuna fiżika, tkun sproporzjonata wara valutazzjoni każ b'każ, imwettqa fuq il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' tali data, jew meta tali pubblikazzjoni tkun tipperikola investigazzjoni li tkun għaddejja jew l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji hija għandha tagħmel kwalunkwe minn dan li ġej:

(a) tiddiferixxi l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni sal-mument meta r-raġunijiet għal dak id-diferiment ma jibqgħux jeżistu;

(b) jippubblikaw id-deċiżjoni fuq bażi anonima skont il-liġi nazzjonali, jekk tali pubblikazzjoni tiżgura protezzjoni effettiva tad-data personali kkonċernata;

(c) ma jippubblikawx id-deċiżjoni fil-każ li l-awtorità kompetenti tkun tal-opinjoni li l-pubblikazzjoni skont il-punt (a) jew (b) ma tkunx biżżejjed biex jiġi żgurat:

(i) li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji ma titqegħidx fil-periklu; jew

(ii) li l-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet fir-rigward ta' miżuri li huma meqjusa bħala ta' natura minuri.

Fejn awtorità kompetenti tieħu deċiżjoni li tippubblika deċiżjoni fuq bażi anonima kif imsemmi fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu, hija tista' tipposponi l-pubblikazzjoni tad-data rilevanti għal perijodu raġonevoli ta' żmien fejn ikun previst li r-raġunijiet għal pubblikazzjoni anonima ma jibqgħux jeżistu matul dak il-perijodu.

2. Meta d-deċiżjoni tkun soġġetta għal appell quddiem awtorità nazzjonali ġudizzjarjia, amministrattiva jew awtorità oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw ukoll, minnufih, fuq il-websajt tagħhom, tali informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar l-eżitu ta' dan l-appell. Barra minn hekk, kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni li tkun suġġetta għal appell għandha tiġi ppubblikata wkoll.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni li tiġi ppubblikata skont dan l-Artikolu tibqa' aċċessibbli fuq il-websajt tagħhom għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin wara li tiġi ppubblikata. Id-data personali li tkun tinsab f' tali pubblikazzjonijiet għandha tinżamm fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti għall-perjodu li jkun meħtieġ skont ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

## KAPITOLU 6

## ATTI DELEGATI ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

### *Artikolu 35*

### L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(5) u (6), l-Artikolu 12(5), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(2) u (3) u l-Artikolu 19(13) u (14) għal perjodu ta' żmien mhux determinat mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 6(5) u (6), l-Artikolu 12(5), it-tielet subparagrph tal-Artikolu 17(2) u (3) u l-Artikolu 19(13) u (14) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ il-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Dan m'għandux jaffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikaha simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 6(5) u (6), l-Artikolu 12(5), it-tielet subparagrafu tal- Artikolu 17(2) u (3) jew l-Artikolu 19(13) jew (14) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### *Artikolu 36*

### Il-proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għajnuna tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli, imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE ([1]). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE tas-6 ta' Ġunju 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew tat-Titoli (ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45).

KAPITOLU 7

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 37*

**Tħassir tad-Direttiva 2003/6/KE u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha**

Id-Direttiva 2003/6/KE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2004/72/KE ([1]), 2003/125/KE ([2]) u 2003/124/KE ([3]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 ([4]) għandhom jitħassru b'effett mit-3 ta' Lulju 2016. Ir-referenzi għad-Direttiva 2003/6/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilità fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 38*

**Rapport**

Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien ma' proposta leġislattiva biex temendha, jekk ikun xieraq. Dak ir-rapport għandu jivvaluta, inter alia:

(a) kemm hu xieraq li jiġu introdotti regoli komuni dwar il-bżonn li l-Istati Membri kollha jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq;

(b) jekk id-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata hijiex biżżejjed biex tkopri l-informazzjoni kollha rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti biex jikkumbattu b'mod effettiv l-abbuż tas-suq;

(c) kemm huma xierqa l-kundizzjonijiet li taħthom tiġi ordnata l-projbizzjoni fuq in-negozjar skont l-Artikolu 19(11) bil-għan li jiġi identifikat jekk hemmx ċirkustanzi ulterjuri li fihom għandha tapplika l-projbizzjoni;

(d) il-possibbiltà li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni għal sorveljanza bejn is-swieq tal-kotba tal-ordnijiet b'rabta mal-abbuż tas-suq, inklużi rakkomandazzjonijiet għal qafas bħal dan; kif ukoll

(e) il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' referenza.

Għall-għanijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha twettaq eżerċizzju ta' mmappjar tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u, meta l-Istati Membri jkunu ddeċidew, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(1), li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali kif jingħad f'dak l-Artikolu għal ksur ta' dan ir-Regolament, tal-applikazzjoni ta' tali sanzjonijiet kriminali fi ħdan l-Istati Membri. Dak l-eżerċizzju għandu jinkludi wkoll kwalunkwe data disponibbli skont l-Artikolu 33(1) u (2).

*Artikolu 39*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) Direttiva tal-Kummissjoni 2004/72/KE tad-29 ta' April 2004 li timplementa d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-prattiċi aċċettati tas-suq, id-definizzjoni tal-informazzjoni interna b'relazzjoni mad-derivattivi dwar il-kommoditajiet, it-tħejjija ta' listi ta' persuni nterni, in-notifika tat-transazzjonijiet tal-amministraturi u n-notifika ta' transazzjonijiet suspettużi (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 70).

([2]) Direttiva tal-Kummissjoni 2003/125/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rakkomandazzjoniet għar-rappreżentazzjoni ġusta tal-investimenti u l-iżvelar tal-konflitti ta' interess (ĠU L 339, 24.12.2003, p. 73).

([3]) Direttiva tal-Kummissjoni 2003/124/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni u l-iżvelar pubbliku tat-tagħrif minn ġewwa u d-definizzjoni tal-manipulazzjoni tas-swieq (ĠU L 339, 24.12.2003, p. 70).

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jimplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-eżenzjonijiet għall-programmi tax-xiri lura u l-istabbilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 33).

2. Għandu japplika mit-3 ta' Lulju 2016, ħlief għall-Artikolu 4(4) u (5), l-Artikolu 5(6), l-Artikolu 6(5) u (6), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 11(9), (10) u (11), l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 13(7) u (11), l-Artikolu 16(5), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(2), l-Artikolu 17(3), (10) u (11), l-Artikolu 18(9), l-Artikolu 19(13), (14) u (15), l-Artikolu 20(3), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(9), it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 26(2), l-Artikolu 32(5) u l-Artikolu 33(5) li għandhom japplikaw fit-2 ta' Lulju 2014.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikoli 22, 23 u 30, l-Artikolu 31(1) u l-Artikoli 32 u 34 sat-3 ta' Lulju 2016.

4. Referenzi f'dan ir-Regolament għad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom qabel it-3 ta' Jannar 2017, jinqraw bħala referenzi għad-Direttiva 2004/39/KE skont it-tabell ta' korrelazzjoni stipulata fl-Anness IV għad-Direttiva 2014/65/UE sa fejn dik it-tabella ta' korrelazzjoni fiha dispożizzjonijiet li jirreferu għad-Direttiva 2004/39/KE.

Fejn issir referenza fid-dispożizzjonijiet ta 'dan ir-Regolament għall-OTFs, swieq tat-tkabbir tal-SME, kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati bbażati fuqhom, dawk id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għall-OTFs, swieq tat-tkabbir tal-SME, kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati bbażati fuqhom sat-3 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

*ANNESS I*

A. **Indikaturi ta' mġiba manipulattiva relatata ma' sinjali foloz jew qarrieqa u l-iżgurar tal-prezzijiet**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament, u bla ħsara għall-eżempji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, l-indikaturi mhux eżawrjenti li ġejjin, li mhux neċessarjament għandhom jitqiesu, fihom infushom, li jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq, għandhom jitqiesu meta jiġu eżaminati t-tranżazzjonijiet jew l-ordnijiet għan-negozjar mill-parteċipanti tas-suq u l-awtoritajiet kompetenti:

(a) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-volum ta' kuljum tat-tranżazzjonijiet fl-istrument finanzjarju relevanti, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, b'mod partikulari meta dawn l-attivitajiet iwasslu għal bidla sinifikanti fil-prezzijiet tagħhom;

(b) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni b'pożizzjoni sinifikanti ta' xiri jew bejgħ fi strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, iwasslu għal tibdil sinifikanti fil-prezz ta' dak l-istrument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq il-kwoti tal-emissjonijiet;

(c) jekk it-tranżazzjonijiet imwettqa jwasslux għall-ebda bidla fil-pussess benefiċjarju ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet;

(d) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jew l-ordnijiet ikkanċellati jinkludu treġġigħ lura tal-pożizzjoni f'perjodu qasir u jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-volum ta' kuljum tat-tranżazzjonijiet fl-istrument finanzjarju rilevanti, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, u jistgħu jkunu assoċjati ma' tibdil sinifikanti fil-prezz ta' strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet;

(e) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jkunu kkonċentrati fi żmien qasir fis-sessjoni tan-negozjar u jwasslu għal tibdil fil-prezz li sussegwentement jitreġġa' lura;

(f) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jbiddlu r-rappreżentazzjoni tal-aqwa offerta jew joffru prezzijiet fi strument finanzjarju, kuntratt spot relatat mal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, jew b'mod iktar ġenerali r-rappreżentazzjoni tal-ktieb tal-ordnijiet disponibbli għall-parteċipanti tas-suq, u jitneħħew qabel ma jitwettqu; u

(g) safejn l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa fiż-żmien jew madwar żmien speċifiku meta l-prezzijiet ta' referenza, prezzijiet ta' qbil u valutazzjonijiet jiġu kkalkulati u jwasslu għal bidliet fil-prezzijiet li jkollhom effett fuq dawn il-prezzijiet jew valutazzjonijiet.

B. **Indikaturi ta' mġiba manipulattiva relatata mal-użu ta' element fittizju jew kull forma oħra ta' qerq jew sotterfuġju**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament, u bla ħsara għall-forom ta' mġiba msemmija filparagrafu 2 ta' dak l-Artikolu, l-indikaturi mhux eżawrjenti li ġejjin, li m'għandhomx neċessarjament jitqiesu fihom infushom li jikkostitwixxu manipulazzjoni tas-suq, għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni meta tranżazzjonijiet jew ordnijiet għan-negozjar jiġu eżaminati mill-parteċipanti tas-suq u l-awtoritajiet kompetenti:

(a) jekk l-ordnijiet għan-negozjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni humiex preċeduti jew segwiti b'tixrid ta' informazzjoni falza jew qarrieqa mill-istess persuni jew persuni marbuta magħhom; u

(b) jekk l-ordnijiet għan-negozjar humiex mogħtija jew it-tranżazzjonijiet humiex imwettqa minn persuni qabel jew wara li l-istess persuni jew persuni marbuta magħhom jipproduċu jew ixerrdu rakkomandazzjonijiet ta' investiment li jkunu żbaljati jew ippreġudikati jew viżibbilment influwenzati minn interess materjali.

*ANNESS II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Dan ir-Regolament (MAR) | Direttiva 2003/6/KE |
|---|---|
| *Artikolu 1* | |
| *Artikolu 2* | |
| Artikolu 2(1)(a) | Artikolu 9, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 2(1)(b) | |
| Artikolu 2(1)(c) | |
| Artikolu 2(1)(d) | Artikolu 9, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 2(3) | Artikolu 9, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 2(4) | Artikolu 10(a) |
| Artikolu 3(1), punt (1) | Artikolu 1(3) |
| Artikolu 3(1), punt (2) | |
| Artikolu 3(1), punt (3) | |
| Artikolu 3(1), punt (4) | |
| Artikolu 3(1), punt (5) | |
| Artikolu 3(1), punt (6) | Artikolu 1(4) |
| Artikolu 3(1), punt (7) | |
| Artikolu 3(1), punt (8) | |
| Artikolu 3(1), punt (9) | Artikolu 1(5) |
| Artikolu 3(1), punt (10) | |
| Artikolu 3(1), punt (11) | |
| Artikolu 3(1), punt (12) | Artikolu 1(7) |
| Artikolu 3(1), punt (13) | Artikolu 1(6) |
| Artikolu 3(1), punti (14) sa (35) | |
| *Artikolu 4* | |
| *Artikolu 5* | *Artikolu 8* |
| Artikolu 6(1) | *Artikolu 7* |
| Artikolu 6(2) | |
| Artikolu 6(3) | |
| Artikolu 6(4) | |
| Artikolu 6(5) | |
| Artikolu 6(6) | |
| Artikolu 6(7) | |

| Dan ir-Regolament (MAR) | Direttiva 2003/6/KE |
|---|---|
| Artikolu 7(1)(a) | Artikolu 1(1), l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 7(1)(b) | Artikolu 1(1), it-tieni paragrafu |
| Artikolu 7(1)(c) | |
| Artikolu 7(1)(d) | Artikolu 1(1), it-tielet paragrafu |
| Artikolu 7(2) | |
| Artikolu 7(3) | |
| Artikolu 7(4) | |
| Artikolu 7(5) | |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 2 (1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 8(2) | |
| Artikolu 8(2)(a) | Artikolu 3(b) |
| Artikolu 8(2)(b) | |
| Artikolu 8(3) | |
| Artikolu 8(4)(a) | Artikolu 2(1)(a) |
| Artikolu 8(4)(b) | Artikolu 2(1)(b) |
| Artikolu 8(4)(c) | Artikolu 2(1)(c) |
| Artikolu 8(4)(d) | Artikolu 2(1)(d) |
| Artikolu 8(4), it-tieni subparagrafu | *Artikolu 4* |
| Artikolu 8(5) | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 9(1) | |
| Artikolu 9(2) | |
| Artikolu 9(3)(a) | Artikolu 2(3) |
| Artikolu 9(3)(b) | Artikolu 2(3) |
| Artikolu 9(4) | |
| Artikolu 9(5) | |
| Artikolu 9(6) | |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 3(a) |
| Artikolu 10(2) | |
| *Artikolu 11* | |
| Artikolu 12(1) | |
| Artikolu 12(1)(a) | Artikolu 1(2)(a) |
| Artikolu 12(1)(b) | Artikolu 1(2)(b) |
| Artikolu 12(1)(c) | Artikolu 1(2)(c) |

| Dan ir-Regolament (MAR) | Direttiva 2003/6/KE |
|---|---|
| Artikolu 12(1)(d) | |
| Artikolu 12(2)(a) | Artikolu 1(2), it-tieni paragrafu, l-ewwel inċiż |
| Artikolu 12(2)(b) | Artikolu 1(2), it-tieni paragrafu, it-tieni inċiż |
| Artikolu 12(2)(c) | |
| Artikolu 12(2)(d) | Artikolu 1(2), it-tieni paragrafu, it-tielet inċiż |
| Artikolu 12(2)(e) | |
| Artikolu 12(3) | |
| Artikolu 12(4) | |
| Artikolu 12(5) | Artikolu 1(2), it-tielet paragrafu |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 1(2)(a), it-tieni paragrafu |
| Artikolu 13(1) | |
| Artikolu 13(2) | |
| Artikolu 13(3) | |
| Artikolu 13(4) | |
| Artikolu 13(5) | |
| Artikolu 13(6) | |
| Artikolu 13(7) | |
| Artikolu 13(8) | |
| Artikolu 13(9) | |
| Artikolu 13(10) | |
| Artikolu 13(11) | |
| Artikolu 14(a) | Artikolu 2(1), paragrafu 1 |
| Artikolu 14(b) | Artikolu 3(b) |
| Artikolu 14(c) | Artikolu 3(a) |
| *Artikolu 15* | *Artikolu 5* |
| Artikolu 16(1) | Artikolu 6(6) |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 6(9) |
| Artikolu 16(3) | |
| Artikolu 16(4) | |
| Artikolu 16(5) | Artikolu 6(10), is-seba' inċiż |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 17(1), it-tielet subparagrafu | Artikolu 9, it-tielet paragrafu |
| Artikolu 17(2) | |

| Dan ir-Regolament (MAR) | Direttiva 2003/6/KE |
|---|---|
| Artikolu 17(3) | |
| Artikolu 17(4) | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 17(5) | |
| Artikolu 17(6) | |
| Artikolu 17(7) | |
| Artikolu 17(8) | Artikolu 6(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi |
| Artikolu 17(9) | |
| Artikolu 17(10) | Artikolu 6(10), l-ewwel u t-tieni inċiżi |
| Artikolu 17(11) | |
| Artikolu 18(1) | Artikolu 6(3), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 18(2) | |
| Artikolu 18(3) | |
| Artikolu 18(4) | |
| Artikolu 18(5) | |
| Artikolu 18(6) | |
| Artikolu 18(7) | Artikolu 9, it-tielet paragrafu |
| Artikolu 18(8) | |
| Artikolu 18(9) | Artikolu 6(10), ir-raba' inċiż |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 19(1)(a) | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 19(1)(b) | |
| Artikolu 19(2) | |
| Artikolu 19(3) | |
| Artikolu 19(4)(a) | |
| Artikolu 19(4)(b) | |
| Artikolu 19(5) sa (13) | |
| Artikolu 19(14) | Artikolu 6(10), il-ħames inċiż |
| Artikolu 19(15) | Artikolu 6(10), il-ħames inċiż |
| Artikolu 20(1) | Artikolu 6(5) |
| Artikolu 20(2) | Artikolu 6(8) |
| Artikolu 20(3) | Artikolu 6(10), is-sitt inċiż u Artikolu 6(11) |
| *Artikolu 21* | Artikolu 1(2)(c), it-tieni sentenza |
| *Artikolu 22* | Artikolu 11, l-ewwel paragrafu u *Artikolu 10* |
| Artikolu 23(1) | Artikolu 12(1) |

| Dan ir-Regolament (MAR) | Direttiva 2003/6/KE |
|---|---|
| Artikolu 23(1)(a) | Artikolu 12(1)(a) |
| Artikolu 23(1)(b) | Artikolu 12(1)(b) |
| Artikolu 23(1)(c) | Artikolu 12(1)(c) |
| Artikolu 23(1)(d) | Artikolu 12(1)(d) |
| Artikolu 23(2)(a) | Artikolu 12(2)(a) |
| Artikolu 23(2)(b) | Artikolu 12(2)(b) |
| Artikolu 23(2)(c) | |
| Artikolu 23(2)(d) | Artikolu 12(2)(c) |
| Artikolu 23(2)(e) | |
| Artikolu 23(2)(f) | |
| Artikolu 23(2)(g) | Artikolu 12(2)(d) |
| Artikolu 23(2)(h) | Artikolu 12(2)(d) |
| Artikolu 23(2)(i) | Artikolu 12(2)(g) |
| Artikolu 23(2)(j) | Artikolu 12(2)(f) |
| Artikolu 23(2)(k) | Artikolu 12(2)(e) |
| Artikolu 23(2)(l) | Artikolu 12(2)(h) |
| Artikolu 23(2)(m) | Artikolu 6(7) |
| Artikolu 23(3) | |
| Artikolu 23(4) | |
| Artikolu 24(1) | Artikolu 15a(1) |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 15a(2) |
| Artikolu 24(3) | |
| Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 16(1) |
| Artikolu 25(2) | Artikolu 16(2) u Artikolu 16(4), ir-raba’ subparagrafu |
| Artikolu 25(2)(a) | Artikolu 16(2), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż u Artikolu 16(4), ir-raba’ subparagrafu |
| Artikolu 25(2)(b) | |
| Artikolu 25(2)(c) | Artikolu 16(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż u Artikolu 16(4), ir-raba’ subparagrafu |
| Artikolu 25(2)(d) | Artikolu 16(2), it-tieni subparagrafu, it-tielet inċiż u Artikolu 16(4), ir-raba’ subparagrafu |
| Artikolu 25(3) | |
| Artikolu 25(4) | Artikolu 16(2), l-ewwel sentenza |
| Artikolu 25(5) | Artikolu 16(3) |
| Artikolu 25(6) | Artikolu 16(4) |

| Dan ir-Regolament (MAR) | Direttiva 2003/6/KE |
|---|---|
| Artikolu 25(7) | Artikolu 16(2), ir-raba' subparagrafu u Artikolu 16(4), ir-raba' subparagrafu |
| Artikolu 25(8) | |
| Artikolu 25(9) | Artikolu 16(5) |
| *Artikolu 26* | |
| Artikolu 27(1) | |
| Artikolu 27(2) | |
| Artikolu 27(3) | *Artikolu 13* |
| *Artikolu 28* | |
| *Artikolu 29* | |
| Artikolu 30(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 14(1) |
| Artikolu 30(1)(a) | |
| Artikolu 30(1)(b) | Artikolu 14(3) |
| Artikolu 30(2) | |
| Artikolu 30(3) | |
| *Artikolu 31* | |
| *Artikolu 32* | |
| Artikolu 33(1) | Artikolu 14(5), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 33(2) | |
| Artikolu 33(3) | Artikolu 14(5), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 33(4) | Artikolu 14(5), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 33(5) | |
| Artikolu 34(1) | Artikolu 14(4) |
| Artikolu 34(2) | |
| Artikolu 34(3) | |
| *Artikolu 35* | |
| Artikolu 36(1) | Artikolu 17(1) |
| Artikolu 36(2) | |
| *Artikolu 37* | *Artikolu 20* |
| *Artikolu 38* | |
| *Artikolu 39* | *Artikolu 21* |
| Anness | |

# REGOLAMENT (UE) Nru 597/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' April 2014

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 ([3]) jikkonferixxi setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Konsegwentement għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, huwa meħtieġ dawk is-setgħat jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) Sabiex jiġi żgurat l-adattament effiċjenti ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 812/2004 għall-progress tekniku u xjentifiku, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kondizzjonijiet relatati mal-karatteristiċi tas-sinjal u mal-karatteristiċi ta' implimentazzjoni tal-użu tal-apparat akustiku deterrenti. Huwa importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(3) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 812/2004 li jistabbilixxu r-regoli dwar il-proċedura u l-format għar-rappurtar mill-Istati Membri, għandhom jiġu kkonferiti setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(4) Fid-dawl tar-rekwiżit li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi stabbilita sistema ta' protezzjoni stretta għaċ-ċetaċji f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 812/2004, u minħabba n-nuqqasijiet ta' dak ir-Regolament kif identifikati mill-Kummissjoni, l-adegwatezza u l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għall-protezzjoni taċ-ċetaċji għandhom jiġu riveduti sal-31 ta' Diċembru 2015. Abbażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun kunsiljabbli, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva ġenerali sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva taċ-ċetaċji, anke permezz tal-proċess ta' reġjonalizzazzjoni.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 812/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

([1]) ĠU C 11, 15.1.2013, p. 85.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd u jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12).

([4]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 812/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-apparati akustiċi deterrenti użati fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kondizzjonijiet tal-użu fl-Anness II. Sabiex jiġi żgurat li l-Anness II ikompli jirrifletti l-istat tal-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a, li jaġġornaw il-karatteristiċi tas-sinjal u l-karatteristiċi ta' implimentazzjoni korrispondenti fl-Anness II. Meta tadotta dawk l-atti delegati il-Kummissjoni għandha tipprovdi għal żmien biżżejjed għall-implimentazzjoni ta' tali adattamenti.".

(2) Fl-Artikolu 7 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-effikaċja tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament u, jekk ikun il-każ, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva ġenerali sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva taċ-ċetaċji.".

(3) L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

**Implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabilixxu regoli ddettaljati dwar il-proċedura u l-format tar-rappurtar previst fl-Artikolu 6. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8b(2).".

(4) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 8a*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija b'dan mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin mit-2 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' erba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat taħt l-Artikolu 3(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 8b*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għas-sajd u l-akkwakultura stabbilit bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (**).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(*) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(**) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

# REGOLAMENT (UE) Nru 598/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' April 2014

## dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Objettiv ewlieni tal-politika komuni dwar it-trasport huwa l-iżvilupp sostenibbli. Dan jeħtieġ metodu integrat bil-għan li jiżgura kemm il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' trasport tal-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent.

(2) L-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru jeħtieġ l-introduzzjoni ta' miżuri maħsuba biex jitnaqqas l-impatt tal-istorbju mill-inġenji tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni. Dawn il-miżuri għandhom itejbu l-ambjent tal-istorbju fl-ajruporti tal-Unjoni kollha sabiex tinżamm jew tiżdied il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini ġirien u titrawwem il-kompattibbiltà bejn l-attivitajiet tal-avjazzjoni u ż-żoni residenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjiriet billejl.

(3) Ir-Riżoluzzjoni A33/7 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) tintroduċi l-kunċett ta' "Approċċ Bilanċjat" għall-ġestjoni tal-istorbju (Approċċ Bilanċjat) u tistabbilixxi metodu koerenti li jindirizza l-istorbju mill-inġenji tal-ajru. L-Approċċ Bilanċjat għandu jibqa' l-pedament tar-regolamentazzjoni tal-istorbju għall-avjazzjoni bħala industrija globali. L-Approċċ Bilanċjat jirrikonoxxi l-valur ta', u ma jippreġudikax, obbligi legali rilevanti, ftehimiet eżistenti, liġijiet attwali u politiki stabbiliti. L-inkorporazzjoni tar-regoli internazzjonali tal-Approċċ Bilanċjat f'dan ir-Regolament għandha tnaqqas sostanzjalment ir-riskju ta' disputi internazzjonali fil-każ li trasportaturi ta' pajjiżi terzi jiġu affettwati minn restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju.

(4) Wara t-tneħħija tal-inġenji tal-ajru li jagħmlu l-aktar storbju skont id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u d-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), huwa meħtieġ aġġornament ta' kif jintużaw miżuri ta' restrizzjoni operattiva biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jindirizzaw l-inġenji tal-ajru li attwalment jagħmlu l-aktar storbju sabiex jitjieb l-ambjent tal-istorbju fl-ajruporti tal-Unjoni fi ħdan il-qafas internazzjonali ta' Approċċ Bilanċjat.

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 173.
([2]) ĠU C 277, 13.9.2012, p. 110.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-istadju tal-ewwel qari tal-24 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-istorbju fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40).
([5]) Id-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) (ĠU L 374, 27.12.2006, p. 1).

(5) Ir-rapport mill-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2008 intitolat "Restrizzjonijiet Operattivi tal-Istorbju fl-Ajruporti tal-UE" indika l-ħtieġa li tkun iċċarata, fit-test tad-Direttiva 2002/30/KE, l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u d-drittijiet u l-obbligi preċiżi tal-partijiet interessati matul il-proċess tal-istima tal-istorbju sabiex jiġi ggarantit li jittieħdu miżuri kost-effettivi sabiex jinkisbu l-objettivi ta' tnaqqis tal-istorbju għal kull ajruport.

(6) L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi mill-Istati Membri fl-ajruporti tal-Unjoni abbażi ta' każijiet individwali, filwaqt li tillimita l-kapaċità, tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-klima tal-istorbju fl-ajruporti kollha. Madankollu, hemm il-possibilità li ssir distorta l-kompetizzjoni jew jinħoloq xkiel għall-effiċjenza ġenerali tan-netwerk tal-avjazzjoni tal-Unjoni minħabba l-użu ineffiċjenti tal-kapaċità eżistenti. Billi l-objettiv speċifiku, ta' tnaqqis ta' storbju, ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', pjuttost, permezz ta' regoli armonizzati tal-proċess għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tal-istorbju, jinkiseb iżjed fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv. Tali metodu armonizzat ma jimponix objettivi ta' kwalità tal-istorbju, li jibqgħu derivanti mid-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew minn regoli jew leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni f'kull Stat Membru, u ma jippreġudikawx is-selezzjoni konkreta tal-miżuri.

(7) Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-Istati Membri fejn hemm ajruport b'aktar minn 50 000 movimenti ta' inġenji tal-ajru ċivili kull sena kalendarja u meta l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju tkun qed tiġi kkunsidrata f'tali ajruport.

(8) Dan ir-Regolament għandu japplika għal inġenji tal-ajru involuti fl-avjazzjoni ċivili. M'għandux japplika għall-inġenji tal-ajru bħal inġenji tal-ajru militari u inġenji tal-ajru waqt operazzjonijiet doganali, tal-pulizija u tat-tifi tan-nar. Barra minn hekk, għandhom jingħataw eżenzjoni minn dan ir-Regolament diversi operazzjonijiet ta' natura eċċezzjonali, bħal titjiriet għal raġunijiet umanitarji urġenti, jew ta' tiftix u salvataġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, assistenza medika u assistenza f'każijiet ta' diżastru.

(9) Filwaqt li għandhom isiru stimi tal-istorbju fuq bażi regolari f'konformità mad-Direttiva 2002/49/KE, dawn l-istimi għandhom iwasslu biss għal miżuri addizzjonali ta' tnaqqis tal-istorbju jekk il-kombinazzjoni attwali tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju ma tiksibx l-objettivi tat-tnaqqis tal-istorbju, b'kont meħud tal-iżvilupp mistenni tal-ajruport. Għall-ajruporti fejn ġiet identifikata problema tal-istorbju, għandhom jiġu identifikati miżuri addizzjonali ta' tnaqqis tal-istorbju skont il-metodoloġija tal-Approċċ Bilanċjat. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni wiesgħa tal-Approċċ Bilanċjat fl-Unjoni, l-użu tiegħu hu rakkomandat kull meta jkun ikkunsidrat adegwat mill-Istat Membru individwali konċernat, anke lil hinn mill-ambitu ta' dan ir-Regolament. Restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju għandhom jiġu introdotti biss meta miżuri oħra tal-Approċċ Bilanċjat ma jkunux suffiċjenti biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi għat-tnaqqis tal-istorbju.

(10) Filwaqt li analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tipprovdi indikazzjoni tal-effetti totali fuq il-benesseri ekonomiku billi tqabbel l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha, valutazzjoni tal-kosteffettività tiffoka fuq il-ksib ta' objettiv stabbilit bl-aktar mod kosteffettivi, u b'hekk teħieġ tqabbil tal-ispejjeż biss. Dan ir-Regolament m'għandux jipprevjeni lill-Istati Membri mill-użaw l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji fejn ikun il-każ.

(11) L-importanza tal-aspetti tas-saħħa għandha tiġi rikonoxxuta fir-rigward tal-problemi ta' storbju, u għalhekk huwa importanti li dawk l-aspetti jittieħdu inkonsiderazzjoni b'mod konsistenti fl-ajruporti kollha meta tittieħed deċiżjoni dwar l-objettivi ta' tnaqqis tal-istorbju, b'kont meħud tal-eżistenza ta' regoli komuni tal-Unjoni f'dan il-qasam. Għalhekk, l-aspetti tas-saħħa għandhom jiġu valutati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-evalwazzjoni tal-effetti tal-istorbju.

(12) L-istimi tal-istorbju għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u miżurabbli komuni għall-Istati Membri kollha and għandhom jibnu fuq l-informazzjoni eżistenti disponibbli, bħall-informazzjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/49/KE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali informazzjoni tkun affidabbli, li tkun miksuba b'mod trasparenti u li tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u partijiet interessati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-għodod ta' monitoraġġ li huma meħtieġa.

([1]) Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

(13) L-awtorità kompetenti responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju għandha tkun indipendenti minn kwalunkwe organizzazzjoni involuta fl-operat tal-ajruport jew it-trasport bl-ajru, is-servizzi li jipprovdu n-navigazzjoni bl-ajru, jew li tirrappreżenta l-interessi ta' dawn u tar-residenti li jgħixu fl-inħawi tal-ajruport. Dan ma għandux jinftiehem li l-Istati Membri huma meħtieġa jimmodifikaw l-istrutturi amministrattivi jew proċeduri deċiżjonali tagħhom.

(14) Huwa rikonoxxut li l-Istati Membri ddeċidew dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali msejsa fuq metodi marbuta mal-istorbju rikonoxxuti fuq livell nazzjonali, li, sa issa, jistgħu ma jkunux totalment konsistenti mal-metodu kif deskritt fid-Dokument 29 tar-Rapport awtorevoli tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili intitolat "Il-Metodu Standard ta' Komputazzjoni ta' Profili tal-Istorbju madwar l-Ajruporti Ċivili" (Dok 29 tal-ECAC) u lanqas ma jużaw l-informazzjoni rikonoxxuta internazzjonalment dwar il-prestazzjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru. Madankollu, l-effiċjenzja u l-effettività ta' restrizzjoni operattiva relatata mal-istorbju għandhom jiġu valutati f'konformità mal-metodi preskritti fid-Dok 29 tal-ECAC tal-Approċċ Bilanċjat. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jadattaw l-istimi tagħhom tar-restrizzjonijiet operattivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex ikun f'konformità sħiħa mad-Dok 29 tal-ECAC.

(15) Għandha tiġi introdotta definizzjoni ġdida u usa' ta' restrizzjonijiet operattivi kif imqabbla mad-Direttiva 2002/30/KE sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u kapaċitajiet operattivi ġodda ta' inġenji tal-ajru u tagħmir tal-art. L-applikazzjoni tagħha m'għandhiex twassal għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri operattivi li jistgħu jtaffu immedjatament l-impatt tal-istorbju mingħajr ma tiġi sostanzjalment affettwata l-kapaċità operattiva ta' ajruport. Tali miżura, għalhekk, m'għandhiex titqies li qed tikkostitwixxi restrizzjoni operattiva ġdida.

(16) Iċ-ċentralizzazzjoni ta' informazzjoni dwar l-istorbju se tnaqqas sostanzjalment il-piż amministrattiv kemm għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru kif ukoll għall-operaturi tal-ajruporti. Tali informazzjoni hija attwalment ipprovduta u ġestita fil-livell tal-ajruport individwali. Dik id-*data* teħtieġ titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u tal-operaturi tal-ajruporti għal finijiet operattivi. Huwa importanti li jintuża l-bank tad-*data* tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ('l-Aġenzija') li jikkonċerna ċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-istorbju bħala għodda ta' validazzjoni mad-*data* tal-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni tal-Ajru (Eurocontrol) dwar titjiriet individwali. Tali *data* bħalissa hija diġà sistematikament mitluba għal finijiet ta' ġestjoni ċentrali tal-flussi, iżda fil-preżent mhix disponibbli għall-Kummissjoni jew l-Aġenzija, u jeħtieġ li tiġi speċifikata għall-fini ta' dan ir-Regolament u għar-regolazzjoni tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Aċċess tajjeb għal *data* validata ta' mudellar, iddeterminata f'konformità ma' proċessi u l-aħjar prattiki rikonoxxuti internazzjonalment, għandu jtejjeb il-kwalità tal-immappjar ta' profili tal-istorbju ta' ajruporti individwali biex jiġu appoġġati deċiżjonijiet ta' politika.

(17) Sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux mixtieqa għas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-kapaċità u l-kompetizzjoni tal-ajruporti, il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-awtorità kompetenti rilevanti jekk tqis li l-proċess segwit għall-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti rilevanti għandha teżamina n-notifika tal-Kummissjoni u għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha qabel ma ddaħħal ir-restrizzjonijiet operattivi.

(18) Sabiex jittieħed kont tal-Approċċ Bilanċjat, għandha tkun prevista l-possibbiltà ta' eżenzjonijiet f'ċirkostanzi speċjali għal operaturi minn pajjiżi terzi li qed jiżviluppaw, li mingħajrhom tali operaturi jġarrbu diffikultajiet bla bżonn. Fejn issir referenza għal "pajjiżi li qed jiżviluppaw", din għandha tinftiehem fid-dawl ta' dan il-kuntest tal-avjazzjoni u fis-sens li ma tinkludix il-pajjiżi kollha li, fil-komunità internazzjonali, x'aktarx jissejħu bħala tali. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe tali eżenzjoni tkun kompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

(19) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku kontinwu fit-teknoloġiji tal-magni u l-oqsfa tal-inġenji tal-ajru u l-metodi użati għall-immappjar tal-profil tal-istorbju, is-setgħa biex jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornament regolari tal-istandards tal-istorbju għall-inġenji tal-ajru msemmija f'dan ir-Regolament u r-referenza għall-metodi ta' ċertifikazzjoni assoċjati, b'kont meħud, fejn ikun il-każ, tal-bidliet fid-dokumenti rilevanti tal-ICAO, u l-aġġornament tar-referenza għall-metodu tal-komputazzjoni tal-profili tal-istorbju, b'kont meħud, fejn ikun il-każ, tal-bidliet fid-dokumenti rilevanti tal-ICAO. Barra minn hekk, għandhom ukoll jitqiesu l-bidliet għad-Dok. 29 tal-ECAC għall-aġġornamenti tekniċi permezz tal-atti delegati, fejn ikun il-każ. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, waqt li tkun qed tipprepara u tfassal atti delegati, għandha tiżgura, trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(20) Filwaqt li dan ir-Regolament jirrikjedi stima regolari tas-sitwazzjoni tal-istorbju fl-ajruporti, tali stima ma tinvolvix neċessarjament l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi ġodda relatati mal-istorbju jew ir-reviżjoni ta' dawk eżistenti. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jeħtieġx ir-reviżjoni tar-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju diġà stabbiliti fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, inklużi dawk li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-qorti jew proċessi ta' medjazzjoni lokali. L-emendamenti tekniċi minuri fir-rigward ta' miżuri mingħajr implikazzjonijiet sostantivi għall-kapaċità jew operat m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala restrizzjonijiet operattivi ġodda relatati mal-istorbju.

(21) Fejn il-proċess ta' konsultazzjoni preċedenti għall-adozzjoni ta' restrizzjoni operattiva relatati mal-istorbju kien varat taħt id-Direttiva 2002/30/KE u għadu sejjer fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, huwa kunsiljabbli li li d-deċiżjoni finali tithalla tittieħed f'konformità mad-Direttiva 2002/30/KE sabiex tippreserva l-progress li diġà nkiseb f'dak il-proċess.

(22) Fid-dawl tal-ħtieġa tal-applikazzjoni konsistenti tal-metodu ta' stima tal-istorbju fi ħdan is-suq tal-avjazzjoni tal-Unjoni, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tar-restrizzjonijiet operattivi tal-istorbju.

(23) Id-Direttiva 2002/30/KE għandha għaldaqstant tithassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett, għanijiet u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi, fejn tkun ġiet identifikata problema ta' storbju, regoli dwar il-proċess li għandu jiġi segwit għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju b'mod konsistenti abbażi ta' ajruporti individwali, sabiex jgħin fit-titjib tal-klima tal-istorbju u biex jillimita jew inaqqas l-għadd ta' persuni li jkunu affettwati b'mod sinifikanti mill-effetti potenzjalment ta' ħsara tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru, f'konformità mal-Approċċ Bilanċjat.

2. L-objettivi ta' dan ir-Regolament huma:

(a) li jkun faċilitat il-ksib ta' objettivi speċifiċi għat-tnaqqis tal-istorbju, li jinkludu aspetti ta' saħħa, fil-livell ta' ajruporti individwali, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk stipulati fid-Direttiva 2002/49/KE, u l-leġiżlazzjoni f'kull Stat Membru;

(b) li jkun possibbli l-użu ta' restrizzjonijiet operattivi f'konformità mal-Approċċ Bilanċjat sabiex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli tal-kapaċità tan-netwerk ta' ġestjoni tal-ajruporti u t-traffiku tal-ajru minn perspettiva gate-to-gate.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għal inġenji tal-ajru mħaddma fl-avjazzjoni ċivili. Ma għandux japplika għal inġenji tal-ajru użati f'operazzjonijiet militari, doganali, tal-pulizija jew f'operazzjonijiet simili.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "inġenju tal-ajru" tfisser inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi b'massa iċċertifikata tat-tluq ta' 34 000 kg jew aktar, jew b'akkomodazzjoni interna massima ċċertifikata għat-tip ta' inġenju tal-ajru inkwistjoni li tikkonsisti minn minn 19-il post tal-passiġġier jew aktar, minbarra kwalunkwe post riżervat għall-ekwipaġġ biss;

(2) "ajruport" tfisser ajruport li għandu movimenti ta' aktar minn 50 000 inġenju tal-ajru ċivili kull sena kalendarja (moviment ifisser it-tluq jew l-inżul), abbażi tal-għadd medju ta' movimenti fl-aħħar tliet snin kalendarji qabel l-istima tal-istorbju;

(3) "Approċċ Bilanċjat" tfisser il-proċess żviluppat mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali skont din il-firxa ta' miżuri disponibbli, partikolarment it-tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru mis-sors, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-art, il-proċeduri operattivi u r-restrizzjonijiet operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju, jitqies b'mod konsistenti bl-għan li tiġi indirizzata l-problema tal-istorbju bl-aktar mod kost-effettiv abbażi ta' ajruporti individwali.

(4) "inġenji tal-ajru marġinalment konformi" tfisser inġenji tal-ajru li huma ċertifikati f'konformità mal-limiti tal-Kapitolu 3 stipulati fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 3 tal-Anness 16 mal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944 (il-Konvenzjoni ta' Chicago) b'marġni kumulattiva ta' inqas minn 8 EPNdB ("Effective Perceived Noise in Decibels" — storbju effettivament ipperċepit f'deċibel) matul perijodu transizzjonali li jintemm fl-14 ta' Ġunju 2020, u b'marġni kumulattiva ta' anqas minn 10 EPNdB wara t-tmiem ta' dak il-perijodu transizzjonali, fejn il-marġni kumulattiva hija ċ-ċifra espressa f'EPNdB miksuba billi jiġu magħduda l-marġini individwali (jiġifieri differenzi bejn il-livell ta' storbju ċċertifikat u l-livell massimu ta' storbju permess) f'kull wieħed mit-tliet punti ta' referenza għall-kejl tal-istorbju definit fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 3 tal-Anness 16 mal-Konvenzjoni ta' Chicago;

(5) "azzjoni relatata mal-istorbju" tfisser kwalunkwe miżura li taffettwa l-klima tal-istorbju madwar l-ajruporti, li għaliha japplikaw il-prinċipji tal-Approċċ Bilanċjat, inklużi azzjonijiet mhux operattivi oħra li jistgħu jaffettwaw in-numru ta' nies esposti għall-istorbju tal-inġenji tal-ajru;

(6) "restrizzjoni operattiva" tfisser azzjoni relatata mal-istorbju li tillimita aċċess jew tnaqqas il-kapaċità operazzjonali ta' ajruport, inklużi r-restrizzjonijiet operattivi mmirati għall-irtirar mill-operat ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi f'ajruporti speċifiċi kif ukoll restrizzjonijiet operattivi ta' natura parzjali, li pereżempju japplikaw għal perjodu ta' żmien identifikat matul il-ġurnata jew għal ċerti runways biss fl-ajruport.

*Artikolu 3*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. Stat Membru li fih ikun jinsab ajruport kif imsemmi fil-punt (2) tal-Artikolu 2 għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għall-proċess li għandu jiġi segwit meta jiġu adottati restrizzjonijiet operattivi.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe organizzazzjoni li tista' tiġi affettwata minn azzjoni relatata mal-istorbju. Dik l-indipendenza tista' tinkiseb permezz ta' separazzjoni funzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fil-mument opportun, dwar l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik l-informazzjoni.

*Artikolu 4*

**Dritt ta' appell**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-dritt ta' appell kontra r-restrizzjonijiet operattivi adottati skont dan ir-Regolament quddiem korp ta' appell li ma jkunx l-awtorità li adottat ir-restrizzjoni kkontestata, skont il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali.

2. L-Istat Membru fejn ikun jinsab ajruport kif imsemmi fil-punt (2) tal-Artikolu 2 għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, fil-mument opportun, bl-isem u l-indirizz tal-bord ta' appell maħtur imsemmi fil-paragrafu 1 jew, fejn ikun il-każ, bl-arranġamenti li jiżguraw li jinħatar korp ta' appell.

*Artikolu 5*

**Regoli ġenerali dwar il-ġestjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sitwazzjoni tal-istorbju f'ajruport individwali kif previst fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tiġi stmata skont id-Direttiva 2002/49/KE.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi adottat l-Approċċ Bilanċjat fir-rigward tal-ġestjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru f'dawk l-ajruporti fejn tkun ġiet identifikata problema ta' storbju. Għal dak il-għan, huma għandhom jiżguraw li:

(a) jiġi definit l-għan għat-tnaqqis tal-istorbju għal dak l-ajruport, b'kont meħud, fejn ikun il-każ, l-Artikolu 8 u l-Anness V tad-Direttiva 2002/49/KE;

(b) jiġu identifikati l-miżuri disponibbli biex inaqqsu l-impatt tal-istorbju;

(c) tiġi evalwata bir-reqqa l-kost-effettività probabbli tal-miżuri għall-mitigazzjoni tal-istorbju;

(d) il-miżuri jingħażlu, b'kont meħud tal-interess pubbliku fil-qasam tat-trasport bl-ajru fir-rigward tal-prospetti ta' żvilupp tal-ajruporti tagħhom, mingħajr detriment għas-sikurezza;

(e) il-partijiet interessati jiġu kkonsultati b'mod trasparenti dwar l-azzjonijiet previsti;

(f) jiġu adottati l-miżuri u tkun prevista notifika suffiċjenti;

(g) jiġu implimentati l-miżuri; u

(h) jkun stabbilit provvediment għar-riżoluzzjoni ta' disputi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tittieħed azzjoni relatata mal-istorbju, tiġi kkunsidrata l-kombinazzjoni li ġejja tal-miżuri disponibbli, bil-ħsieb li jiddeterminaw l-aktar miżura jew kombinazzjoni ta' miżuri kosteffettivi:

(a) l-effett prevedibbli ta' tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru mis-sors;

(b) l-ippjanar u l-ġestjoni tal-użu tal-art;

(c) proċeduri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju;

(d) ma jiġux applikati restrizzjonijiet operattivi bħala l-ewwel miżura, iżda biss wara l-konsiderazzjoni tal-miżuri l-oħra tal-Approċċ Bilanċjat.

Il-miżuri disponibbli jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jinkludu l-irtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi. L-Istati Membri, jew il-korpi ta' ġestjoni tal-ajruporti, skont il-każ, jistgħu joffru inċentivi ekonomiċi sabiex iħeġġu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jużaw inġenji tal-ajru anqas storbjużi matul il-perjodu transizzjonali msemmi fil-punt 4 tal-Artikolu 2. Dawn l-inċentivi ekonomiċi għandhom ikunu konformi mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

4. Il-miżuri jistgħu, fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat, jiġu differenzjati skont it-tip ta' inġenji tal-ajru, il-prestazzjoni tal-istorbju mill-inġenji tal-ajru, l-użu tal-ajruport u l-faċilitajiet ta' navigazzjoni tal-ajru, it-trajettorja tat-titjira u/jew l-iskeda taż-żmien koperta.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, restrizzjonijiet operattivi li jieħdu l-għamla tal-irtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi minn operazzjonijiet tal-ajruporti ma għandhomx jaffettwaw inġenji tal-ajru subsoniċi ċivili li jikkonformaw, permezz taċ-ċertifikazzjoni oriġinali jew taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, mal-istandard tal-istorbju stabbilit fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 4 tal-Anness 16 mal-Konvenzjoni ta' Chicago.

6. Il-miżuri jew kombinazzjoni ta' miżuri meħuda skont dan ir-Regolament għal ajruport partikolari ma għandhomx ikunu aktar ristrettivi milli meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi għat-tnaqqis tal-istorbju ambjentali stabbilit għal dak l-ajruport. Ir-restrizzjonijiet operattivi għandhom ikunu nondiskriminatorji, partikolarment abbażi ta' nazzjonalità jew identità, u ma għandhomx ikunu arbitrarji.

*Artikolu 6*

**Regoli dwar l-istima tal-istorbju**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li s-sitwazzjoni tal-istorbju fl-ajruporti li għalihom huma responsabbli tiġi stmata fuq bażi regolari, skont id-Direttiva 2002/49/KE u l-leġiżlazzjoni applikabbli f'kull Stat Membru. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu l-appoġġ tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 ([1]).

2. Jekk l-istima msemmija fil-paragrafu 1 tindika li jistgħu jkunu meħtieġa miżuri operattivi ta' restrizzjoni ġodda biex tiġi indirizzata problema rigward storbju f'ajruport, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) il-metodu, l-indikaturi u l-informazzjoni fl-Anness I jiġu applikati b'tali mod li jieħdu kont debitu tal-kontribut ta' kull tip ta' miżura skont l-Approċċ Bilanċjat, qabel jiġu introdotti r-restrizzjonijiet operattivi;

(b) fil-livell adatt, tiġi stabbilita kooperazzjoni teknika bejn l-operaturi tal-ajruport, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru biex jiġu eżaminati miżuri għall-mitigazzjoni tal-istorbju. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jiżguraw li jiġu kkonsultati r-residenti lokali, jew ir-rappreżentanti tagħhom, u l-awtoritajiet rilevanti lokali, u li tkun ipprovduta lilhom l-informazzjoni teknika dwar il-miżuri għall-mitigazzjoni tal-istorbju;

(c) il-kosteffeċjenza ta' kwalunkwe restrizzjoni operattiva ġdida tiġi vvalutata, f'konformità mal-Anness II. Emendi tekniċi minuri għal miżuri mingħajr implikazzjonijiet sostantivi fuq il-kapaċitajiet jew l-operat ma għandhomx jitqiesu bħala restrizzjonijiet operattivi ġodda;

(d) il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, li jista' jieħu s-sura ta' proċess ta' medjazzjoni, jiġi organizzat f'waqtu u b'mod sostantiv, filwaqt li jiżguraw il-frankezza u t-trasparenza fir-rigward tad-*data* u l-metodoloġija ta' komputazzjoni. Il-partijiet interessati għandu jkollhom mill-inqas tliet xhur qabel l-adozzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi ġodda biex jippreżentaw kummenti. Il-partijiet interessati għandhom mill-inqas jinkludu:

(i) residenti lokali, li jgħixu fl-inħawi tal-ajruporti u jkunu affettwati mill-istorbju tat-traffiku tal-ajru, jew ir-rappreżentanti tagħhom, u l-awtoritajiet lokali rilevanti;

(ii) rappreżentanti tan-negozji lokali bbażati fl-inħawi tal-ajruporti li l-attivitajiet tagħhom huma affettwati mit-traffiku tal-ajru u mill-operat tal-ajruport;

(iii) operaturi rilevanti tal-ajruport;

(iv) rappreżentanti ta' dawk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jistgħu jkunu affettwati minn azzjonijiet; relatati mal-istorbju;

(v) fornituri rilevanti ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru;

(vi) il-Maniġer tan-Netwerk, kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 ([2]);

(vii) fejn applikabbli, il-koordinatur tas-slots allokati.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 tad-29 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010 (ĠU L 185, 15.7.2011, p. 1).

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-restrizzjonijiet operattivi u jieħdu azzjoni kif meħtieġ. Huma għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti tkun disponibbli mingħajr ħlas u li tkun faċilment aċċessibbli u fil-pront għar-residenti lokali li jgħixu fl-inħawi tal-ajruporti u għall-awtoritajiet lokali rilevanti.

4. L-informazzjoni rilevanti tista' tinkludi:

(a) filwaqt li tkun rispettata l-liġi nazzjonali, informazzjoni dwar il-ksur allegat minħabba tibdiliet fi proċeduri tat-titjiriet, f'termini tal-impatt tagħhom u r-raġunijiet għaliex twettqu tali bidliet;

(b) il-kriterji ġenerali applikati fit-tqassim u l-ġestjoni tat-traffiku f'kull ajruport, safejn dawk il-kriterji jista' jkollhom impatt ambjentali jew impatt fuq l-istorbju; u

(c) id-*data* miġbura mis-sistemi ta' kejl tal-istorbju, jekk disponibbli.

*Artikolu 7*

**Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-istorbju**

1. Deċiżjonijiet dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru kif determinat mill-proċeduri ta' ċertifikazzjoni mwettqa skont il-Volum 1 tal-Anness 16 mal-Konvenzjoni ta' Chicago, is-sitt edizzjoni ta' Marzu 2011.

2. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja dwar l-istorbju fir-rigward tal-inġenji tal-ajru li huma jħaddmu f'ajruporti fl-Unjoni:

(a) in-nazzjonalità tal-inġenju tal-ajru u l-marka tar-reġistrazzjoni;

(b) id-dokumentazzjoni dwar l-istorbju tal-inġenju tal-ajru użat, flimkien mal-piż massimu assoċjat għat-take-off;

(c) kwalunkwe modifika tal-inġenju tal-ajru li taffettwa l-prestazzjoni tal-istorbju tiegħu u li tkun iddikjarata fid-dokumentazzjoni dwar l-istorbju.

3. Fuq talba tal-Aġenzija, dawk li għandhom ċertifikat tat-tip tal-inġenju tal-ajru jew ċertifikat tat-tip supplementari, maħruġ f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u l-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li joperaw inġenji tal-ajru li għalihom ma nħareġ l-ebda tip ta' ċertifikat taħt dak ir-Regolament, għandhom jagħtu informazzjoni dwar l-istorbju u l-prestazzjoni mill-inġenji tal-ajru għal finijiet ta' mudellar tal-istorbju. L-Aġenzija għandha tispeċifika d-*data* meħtieġa, kif ukoll il-ħin, forma u mod dwar l-għoti tagħha. L-Aġenzija għandha tivverifika l-informazzjoni dwar l-istorbju u l-prestazzjoni mill-inġenji tal-ajru li tkun irċeviet għal finijiet ta' mudellar u għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni lil partijiet oħra għal finijiet ta' mudellar tal-istorbju.

4. Id-*data* msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ u għandha tkun ipprovduta mingħajr ħlas, f'forma elettronika u bl-użu tal-format speċifikat, fejn applikabbli.

5. L-Aġenzija għandha tivverifika d-*data* dwar l-istorbju u l-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet ta' mudellar fir-rigward tal-kompiti tagħha mwettqa skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

6. Id-*data* għandha tkun maħżuna f'bażi tad-*data* ċentrali u tkun għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-operaturi tal-ajruporti għal finijiet operattivi.

*Artikolu 8*

**Regoli dwar l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi**

1. Qabel ma tiġi introdotta restrizzjoni operattiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati rilevanti l-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva sitt xhur qabel l-adozzjoni tagħha, u mill-anqas xahrejn qabel id-determinazzjoni tal-parametri ta' koordinazzjoni tas-slot kif iddefinit fl-punt (m) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 ([1]) għall-ajruport ikkonċernat għall-perijodu tal-iskedar rilevanti.

2. Konsegwentement għall-istima li ssir skont l-Artikolu 6, in-notifika għandha tkun akkumpanjata minn rapport bil-miktub skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 5 li jispjega r-raġunijiet għall-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva, l-objettiv ta' tnaqqis tal-istorbju stabbilit għall-ajruport, il-miżuri li tqiesu biex jinkiseb dak l-objettiv, u l-evalwazzjoni tal-kost-effettività probabbli tad-diversi miżuri meqjusa, inkluż, fejn rilevanti, l-impatt transkonfinali tagħhom.

3. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, il-Kummissjoni tista', fi żmien perijodu ta' tliet xhur wara l-jum li fih tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 1, terġa' teżamina l-proċess għall-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva relatata mal-istorbju ma ssegwix il-proċess stabbilit f'dan ir-Regolament, din tista' tinnotifika lill-awtorità kompetenti rilevanti kif meħtieġ. L-awtorità kompetenti rilevanti għandha teżamina n-notifika tal-Kummissjoni u tinforma lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha qabel ma ddaħħal ir-restrizzjoni operattiva.

4. Fejn ir-restrizzjoni operattiva tikkonċerna l-irtirar ta' inġenju tal-ajru marġinalment konformi minn ajruport, ma għandhom jiġu permessi ebda servizzi addizzjonali 'l fuq mill-għadd ta' movimenti bl-inġenju tal-ajru marġinalment konformi fil-perijodu korrispondenti tas-sena preċedenti f'dak l-ajruport sitt xhur wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu dwar ir-rata annwali għat-tnaqqis tan-numru ta' movimenti ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi tal-operaturi affettwati f'dak l-ajruport, b'kont debitu meħud tal-età tal-inġenju tal-ajru u il-kompożizzjoni tal-flotta totali. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(4), din ir-rata ma għandhiex tkun aktar minn 25 % tan-numru ta' movimenti ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi għal kull operatur li jservi dak l-ajruport.

*Artikolu 9*

**Pajjiżi li qed jiżviluppaw**

1. Sabiex tiġi evitata d-diffikultà ekonomika bla bżonn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw l-inġenji tal-ajru marġinalment konformi reġistrati f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw minn restrizzjonijiet operattivi tal-istorbju, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, dment li tali inġenji tal-ajru:

(a) jingħataw ċertifikazzjoni dwar l-istorbju skont l-istandards speċifikati fil-Kapitolu 3, Volum 1 tal-Anness 16 mal-Konvenzjoni ta' Chicago;

(b) kiienu operati fl-Unjoni matul il-perijodu ta' ħames snin qabel d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(c) kienu fuq ir-reġistru tal-pajjiż li qed jiżviluppa konċernat f'dak il-perijodu ta' ħames snin; u

(d) jibqgħu jiġu operati minn persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'dak il-pajjiż.

2. Fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni prevista fil-paragrafu 1, huwa għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwarha.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

*Artikolu 10*

**Eżenzjoniji għal operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ta' natura eċċezzjonali**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq bażi ta' każ b'każ, jawtorizzaw operazzjonijiet individwali f'ajruporti taħt ir-responsabbiltà tagħhom fir-rigward ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi li ma setgħux isiru b'mod ieħor abbażi ta' dan ir-Regolament.

L-eżenzjoni għandha tkun limitata għal:

(a) operazzjonijiet li huma ta' natura tant eċċezzjonali li ma jkunx raġonevoli li ma tingħatalhomx eżenzjoni temporanja, inklużi t-titjiriet għal għajnuna umanitarja; jew

(b) titjiriet li ma jiġġenerawx dħul għall-finijiet ta' alterazzjonijiet, tiswija jew manutenzjoni.

*Artikolu 11*

**Atti delegati**

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 dwar:

(a) aġġornamenti tekniċi tal-istandards ta' ċertifikazzjoni tal-istorbju previsti fl-Artikolu 5(5) u l-punt (a) tal-Artikolu 9(1) u tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni prevista fl-Artikolu 7(1);

(b) aġġornamenti tekniċi tal-metodoloġija u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness I.

L-għan ta' dawk l-aġġornamenti għandu jkun biex jittieħed kont tal-bidliet għar-regoli internazzjonali rilevanti, skont il-każ.

*Artikolu 12*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-13 ta' Ġunju 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 13*

**Informazzjoni u reviżjoni**

L-Istati Membri għandhom, meta mitluba, jippreżentaw informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Kummissjoni.

Mhux aktar tard mill-14 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Restrizzjonijiet fuq l-operat eżistenti**

Restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju li diġà kienu ddaħħlu qabel it-13 ta' Ġunju 2016 għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċidux li jirriveduhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Id-Direttiva 2002/30/KE hija b'dan imħassra b'effett mit-13 ta' Ġunju 2016.

*Artikolu 16*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali**

Minkejja l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, ir-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju adottati wara t-13 ta' Ġunju 2016 jistgħu jiġu adottati f'konformità mad-Direttiva 2002/30/KE fejn il-proċess ta' konsultazzjoni qabel l-adozzjoni tagħhom kien għaddej f'dik id-data u dment li dawk ir-restrizzjonijiet jiġu adottati mhux aktar tard minn sena wara dik id-data.

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

*ANNESS I*

## STIMA TAS-SITWAZZJONI TAL-ISTORBJU F'AJRUPORT

**Metodoloġija:**

L-awtoritajiet kompetenti ser jiżguraw l-użu ta' metodi ta' stima tal-istorbju li ġew żviluppati skont id-Dok. 29 tar-Rapport tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili intitolat "Il-Metodu Standard ta' Komputazzjoni ta' Profili tal-Istorbju madwar l-Ajruporti Ċivili", it-Tielet Edizzjoni.

**Indikaturi:**

1. L-impatt tal-istorbju tat-traffiku tal-ajru ser jiġi deskritti, mill-anqas, f'termini tal-indikaturi tal-istorbju $L_{den}$ u $L_{night}$ li huma ddefiniti u kkalkulati skont l-Anness I tad-Direttiva 2002/49/KE.

2. Jistgħu jintużaw indikaturi addizzjonali tal-istorbju li għandhom bażi oġġettiva.

**Informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-istorbju:**

1. Inventarju attwali

1.1. Deskrizzjoni tal-ajruport, inkluża l-informazzjoni dwar id-daqs tiegħu, il-lok, l-inħawi madwaru, il-volum tat-traffiku tal-ajru u l-kompożizzjoni tiegħu.

1.2. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe objettiv ambjentali għall-ajruport u l-kuntest nazzjonali. Din ser tinkludi deskrizzjoni tal-objettivi għat-tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru għall-ajruport.

1.3. Id-dettalji tal-profili tal-istorbju għas-snin preċedenti rilevanti - inkluża valutazzjoni tan-numru ta' nies affettwati mill-istorbju tal-inġenji tal-ajru„ imwettqa f'konformità mal-Anness II tad-Direttiva 2002/49/KE.

1.4. Deskrizzjoni tal-miżuri eżistenti u ppjanati biex jiġi ġestit l-istorbju tal-inġenji tal-ajru li diġà ġew implimentati fil-qafas tal-Approċċ Bilanċjat u l-impatt fuq, u l-kontribut tagħhom fir-rigward ta', is-sitwazzjoni tal-istorbju, b'riferiment għal:

1.4.1. Għat-tnaqqis mis-sors:

(a) informazzjoni dwar il-flotta attwali tal-inġenji tal-ajru u kwalunkwe titjib teknoloġiku mistenni;

(b) pjani speċifiċi ta' mmodernizzar tal-flotta.

1.4.2. Għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-użu tal-art:

(a) strumenti ta' ppjanar fis-seħħ, bħal ippjanar komprensiv jew it-tqassim f'zoni tal-istorbju;

(b) miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ, bħal kodiċijiet ta' bini, programmi ta' iżolament tal-istorbju jew miżuri biex jitnaqqsu ż-żoni ta' użu ta' art sensittiv;

(c) proċess ta' konsultazzjoni fir-rigward tal-miżuri tal-użu tal-art;

(d) monitoraġġ tal-użu invażiv.

1.4.3. Għal miżuri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju, sa fejn dawk il-miżuri ma jirrestrinġux il-kapaċità ta' ajruport:

(a) użu ta' runways preferenzjali;

(b) użu ta' rotot preferenzjali tal-istorbju;

(c) użu ta' proċeduri għat-tnaqqis tal-istorbju waqt it-take-off u l-avviċinament;

(d) indikazzjoni sa fejn dawk il-miżuri jkunu regolati skont indikaturi ambjentali, kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 691/2010.

1.4.4. Għal restrizzjonijiet operattivi:

(a) użu ta' restrizzjonijiet globali, bħal limitu fuq il-movimenti jew kwoti tal-istorbju;

(b) użu ta' restrizzjonijiet speċifiċi għall-inġenji tal-ajru, bħall-irtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi;

(c) użu ta' restrizzjonijiet parzjali, fejn issir distinzjoni bejn miżuri matul il-jum u dawk matul il-lejl.

1.4.5. L-istrumenti finanzjarji fis-seħħ, bħal imposti tal-ajruport relatati mal-istorbju.

2. Previżjoni mingħajr miżuri ġodda

2.1. Deskrizzjonijiet tal-iżviluppi fl-ajruporti, jekk ikun hemm, li diġà ġew approvati u ppjanat li jitwettqu, pereżempju, żieda fil-kapaċità, espansjoni tar-runways u/jew tat-terminals, previżjonijiet tal-inżul u tat-tluq, it-taħlita futura tat-traffiku pproġettata u t-tkabbir stmat u studju dettaljat dwar l-impatt tal-istorbju fuq iż-żona tal-madwar ikkaġunat mill-espansjoni tal-kapaċità, tar-runways jew tat-terminals, u mill-modifika tar-rotot tal-inżul u tat-tluq.

2.2. Fil-każ tal-estensjoni tal-kapaċità tal-ajruporti, il-benefiċċji li jirriżultaw jekk dik il-kapaċità addizzjonali titqiegħed għad-dispożizzjoni fi ħdan in-netwerk usa' tal-avjazzjoni u r-reġjun.

2.3. Deskrizzjoni tal-effett fuq il-klima tal-istorbju mingħajr miżuri ulterjuri, u ta' dawk il-miżuri diġà ppjanati għat-titjib tal-impatt tal-istorbju matul l-istess perijodu.

2.4. Profili tal-istorbju mbassra - inkluża stima tal-għadd ta' nies li x' aktarx ikunu affettwati mill-istorbju tal-inġenji tal-ajru - li jagħmlu distinzjoni bejn iż-żoni residenzjali stabbiliti, iż-żoni residenzjali li jkunu għadhom kemm inbnew jew ġew ippjanati, u ż-żoni residenzjali futuri ppjanati li diġà ngħataw l-awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

2.5. Evalwazzjoni tal-konsegwenzi u l-ispejjeż possibbli talli ma tittieħidx azzjoni sabiex jitnaqqas l-impatt ta' żieda fl-istorbju, jekk tkun mistennija sseħħ.

3. Valutazzjoni ta' miżuri addizzjonali

3.1. Deskrizzjoni tal-miżuri addizjonali disponibbli u indikazzjoni tar-raġunijiet ewlenin għall-għażla tagħhom. Deskrizzjoni ta' dawk il-miżuri magħżula għal aktar analiżi u informazzjoni dwar l-eżitu tal-analiżi tal-kost-effettività, b'mod partikolari l-ispiża għall-introduzzjoni ta' dawk il-miżuri; in-numru ta' persuni li mistennija jibbenifikaw u l-iskeda ta' żmien; u klassifikar tal-effettività ġenerali ta' miżuri partikolari.

3.2. Ħarsa ġenerali lejn l-effetti ambjentali u kompetittivi possibli tal-miżuri proposti fuq ajruporti oħra, operaturi u partijiet interessati oħra.

3.3. Raġunijiet għall-għażla tal-alternattiva preferuta.

3.4. Sommarju mhux tekniku.

*ANNESS II*

**Valutazzjoni tal-kost-effettività ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju**

Il-kost-effettività tar-restrizzjonijiet operattivi previsti relatati mal-istorbju ser tiġi vvalutati b'kont debitu tal-elementi li ġejjin, sa fejn hu possibbli, f'termini kwantifikabbli:

(1) il-benefiċċju antiċipat marbut mal-istorbju tal-miżuri previsti, issa u fil-futur;

(2) is-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-avjazzjoni, inkluż ir-riskji għal partijiet terzi;

(3) il-kapaċità tal-ajruport;

(4) kwalunkwe effett fuq in-netwerk Ewropew tal-avjazzjoni.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu kont debitu tal-fatturi li ġejjin:

(1) is-saħħa u s-sikurezza tar-residenti lokali li jgħixu fl-inħawi tal-ajruport;

(2) is-sostenibbiltà ambjentali, inkluż interdipendenzi bejn l-istorbju u l-emissjonijiet;

(3) kwalunkwe effett dirett, indirett jew katalittiku fuq l-impjiegi u ekonomiċi.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2002/49/KE**

Il-Kummissjoni qed tiddiskuti mal-Istati Membri l-Anness II għad-Direttiva 2002/49/KE (metodi ta' kalkolu tal-istorbju) bil-ħsieb li jiġi adottat fix-xhur li ġejjin.

Abbażi tax-xogħol li qed twettaq id-WHO attwalment dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għas-saħħa tal-impatt tal-istorbju, il-Kummissjoni biħsiebha tirrevedi l-Anness III għad-Direttiva 2002/49/KE (stima tal-impatt fuq is-saħħa, kurvi ta' doża-rispons).

# REGOLAMENT (UE) Nru 599/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' April 2014

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 ([2]) jesiġi li l-oġġetti b'użu doppju jkunu suġġetti għal kontroll effettiv meta jkunu esportati jew fi transitu mill-Unjoni, jew jitwasslu lejn pajjiż terz bħala riżultat tas-servizzi ta' senserija pprovduti minn sensar residenti jew stabbilit fl-Unjoni.

(2) Sabiex l-Istati Membri u l-Unjoni jkunu jistgħu jikkonformaw mal-impenji internazzjonali tagħhom, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 jistabbilixxi l-lista komuni ta' oġġetti b'użu doppju li jsirulhom kontrolli fl-Unjoni. Id-deċiżjonijiet dwar l-oġġetti jittieħdu fi ħdan il-qafas tal-Grupp Awstralja, is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari, l-Arranġament ta' Wassenaar u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 jipprovdi biex il-lista ta' oġġetti b'użu doppju fl-Anness I ta' dak ir-Regolament tiġi aġġornata b'konformità mal-obbligi u l-impenji rilevanti, u kull modifika tagħhom, li l-Istati Membri aċċettaw bħala membri tar-reġimi internazzjonali ta' nonproliferazzjoni u l-arranġamenti għall-kontroll tal-esportazzjoni, jew bir-ratifika tat-trattati internazzjonali rilevanti.

(4) Il-lista ta' oġġetti b'użu doppju fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 teħtieġ li tiġi aġġornata regolarment sabiex tiżgura l-konformità sħiħa mal-obbligi tas-sigurtà internazzjonali, biex tiggarantixxi t-trasparenza, u żżomm il-kompetittività tal-esportaturi. Id-dewmien fir-rigward tal-aġġornament ta' dik il-lista ta' oġġetti b'użu doppju jista' jkollu effetti negattivi fuq is-sigurtà u fuq l-isforzi internazzjonali ta' nonproliferazzjoni, kif ukoll fuq il-prestazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi mill-esportaturi fl-Unjoni. Fl-istess ħin, in-natura teknika tal-emendi u l-fatt li dawk l-emendi għandhom ikunu konformi mad-deċiżjonijiet meħuda fir-reġimi internazzjonali għall-kontroll tal-esportazzjoni jfissru li għandha tiġi użata proċedura aċċellerata biex jiddaħħlu fis-seħħ fl-Unjoni l-aġġornamenti meħtieġa.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 jintroduċi l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni bħala wieħed minn erba' tipi ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni disponibbli taħt dak ir-Regolament. L-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni jippermettu lill-esportaturi stabbiliti fl-Unjoni li jesportaw ċerti oġġetti speċifiċi lejn ċerti destinazzjonijiet speċifiċi skont il-kundizzjonijiet ta' dawk l-awtorizzazzjonijiet.

(6) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 jistabbilixxi l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni li huma attwalment fis-seħħ fl-Unjoni. Minħabba n-natura ta' dawn l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni, jista' jkun hemm bżonn li ċerti destinazzjonijiet jitneħħew mill-ambitu ta' dawk l-awtorizzazzjonijiet, b'mod partikolari jekk ċirkostanzi li jinbidlu juru li t-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni ffaċilitati ma għandhomx jibqgħu jiġu awtorizzati skont Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni għal destinazzjoni partikolari. Tali tneħħija ta' destinazzjoni mill-kamp tal-applikazzjoni ta' Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni ma għandhiex tipprekludi esportatur milli japplika għal tip ieħor ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 (ĠU C 68E, 7.3.2014, p. 112) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-3 ta' Marzu 2014 (ĠU C 100, 4.4.2014, p. 6). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropewtat-3 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

(7) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm aġġornamenti regolari u f'waqthom tal-lista komuni ta' oġġetti b'użu doppju f'konformità mal-obbligi u l-impenji meħuda mill-Istati Membri fi ħdan ir-reġimi internazzjonali għall-kontroll tal-esportazzjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 fil-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni, matul ix-xogħol ta' preparazzjoni tagħha, tikkonsulta b'mod xieraq, anke fil-livell tal-esperti.

(8) Sabiex ikun hemm rispons mgħaġġel min-naħa tal-Unjoni għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu fir-rigward tal-evalwazzjoni tas-sensittività tal-esportazzjonijiet taħt l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 fir-rigward tat-tneħħija ta' destinazzjonijiet mill-kamp tal-applikazzjoni tal-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni. Minħabba li dawn il-modifiki għandhom isiru biss bħala reazzjoni għal żieda fil-valutazzjoni tar-riskju tal-esportazzjonijiet rilevanti u li l-użu kontinwu tal-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni għal dawk l-esportazzjonijiet jista' jkollu effett negattiv imminenti fuq is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża proċedura ta' urġenza.

(9) Il-Kummissjoni, fil-preparazzjoni u t-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(10) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9(1), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Bil-għan li jiġi żgurat li transazzjonijiet b'riskju baxx biss ikunu koperti mill-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni inklużi fl-Annessi IIa sa IIf, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23a biex tneħħi destinazzjonijiet mill-kamp tal-applikazzjoni ta' dawk l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni, jekk tali destinazzjonijiet isiru soġġetti għal embargo tal-armi kif imsemmi fl-Artikolu 4(2).

Fejn, f'każijiet ta' tali embargo tal-armi, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jeħtieġu t-tneħħija ta' destinazzjonijiet partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni ta' Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni, il-proċedura prevista fl-Artikolu 23b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.";

(2) fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23a fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju stabbilita fl-Anness I. L-aġġornament tal-Anness I għandu jsir fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fejn l-aġġornament tal-Anness I jikkonċerna oġġetti b'użu doppju li jkunu elenkati wkoll fl-Annessi IIa sa IIg jew IV, dawk l-Annessi għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.";

(3) jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 23a*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmijin fl-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 15(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-2 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9(1) u fl-Artikolu 15(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tavża b'dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 15(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu, it-tnejn li huma, infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġġedded b'xahrejn oħra fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 23b*

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23a(5). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-importanza li jittejbu b'mod kontinwu l-effikaċja u l-koerenza tar-reġim strateġiku ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE, li jiżgura livell għoli ta' sigurtà u trasparenza adegwata mingħajr ma jfixkel il-kompetittività u l-kummerċ leġittimu f'oġġetti b'użu doppju.

It-tliet istituzzjonijiet iqisu li l-modernizzazzjoni u l-konverġenza ulterjuri tas-sistema huma meħtieġa sabiex din tlaħħaq ma' theddidiet ġodda u bidliet teknoloġiċi rapidi, sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet, jinħoloq suq komuni ġenwin għal oġġetti b'użu doppju (kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni uniformi għall-esportaturi) u tkompli tkun mudell ta' kontroll tal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi.

Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-proċess tal-aġġornament tal-listi ta' kontroll jiġi simplifikat (Annessi għar-Regolament); jissaħħu l-valutazzjoni tar-riskju u l-iskambju ta' informazzjoni, jiġu żviluppati standards industrijali mtejba, u jitnaqqsu d-disparitajiet fl-implimentazzjoni.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-kwistjonijiet fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerta informazzjoni u teknoloġiji tal-komunikazzjoni (ICT) li jistgħu jintużaw f'konnessjoni mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex idgħajfu s-sigurtà tal-UE, b'mod partikolari għat-teknoloġiji użati għas-sorveljanza tal-massa, il-monitoraġġ, l-insegwiment, l-intraċċar u l-iċċensurar, kif ukoll għal-vulnerabbilitajiet tas-software.

Inbdew konsultazzjonijiet tekniċi f'dan ir-rigward, inklużi fil-qafas taż-Żjara bejn il-Pari tal-UE dwar l-Użu Doppju, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Użu Doppju, u r-reġimi ta' kontroll tal-esportazzjoni, u tkompla t-teħid ta' azzjonijiet biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' urġenza permezz ta' sanzjonijiet (skont l-Artikolu 215 TFUE), jew ta' miżuri nazzjonali. Ser jiżdiedu l-isforzi biex jiġu promossi l-ftehimiet multilaterali fil-kuntest tar-reġimi ta' kontroll tal-esportazzjoni, u ser jiġu esplorati għażliet biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni fil-kuntest tal-analiżi li għadhom għaddejjin tal-politika tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni tal-użu doppju, u t-tħejjija ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest it-tliet istituzzjonijiet ħadu nota tal-ftehim tal-4 ta' Diċembru 2013 mill-Istati Parteċipanti tal-Arranġament Wassenaar biex jadottaw kontrolli fuq għodod kumplessi ta' sorveljanza li jippermettu l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistemi tal-kompjuters, u fuq sistemi ta' sorveljanza tal-IP-netwerks.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom ukoll li jiżviluppaw aktar il-mekkaniżmu eżistenti "catch-all" għall-oġġetti ta' użu doppju li mhumiex fl-Anness I għar-Regolament, sabiex ikomplu jsaħħu s-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni u l-applikazzjoni tagħha fis-suq uniku Ewropew.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti delegati**

Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar l-impenn li għamlet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha fir-rigward tat-tħejjija ta' atti delegati.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aġġornament tar-Regolament**

Sabiex tiżgura approċċ Ewropew aktar integrat, effiċjenti u koerenti għall-moviment (l-esportazzjoni, it-trasferimenti, is-senserija u t-transitu) ta' oġġetti strateġiċi, il-Kummissjoni ser tipproponi proposta ġdida għall-aġġornament tar-Regolament kemm jista' jkun malajr.

# REGOLAMENT (UE) Nru 600/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Mejju 2014

## dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-kriżi finanzjarja esponiet dgħjufijiet fit-trasparenza tas-swieq finanzjarji. It-tisħiħ tat-trasparenza huwa wieħed mill-prinċipji kondiviżi għat-tisħiħ tas-sistema finanzjarja kif ikkonfermat bl-istqarrija tal-Mexxejja tal-G20 f'Londra fit-2 ta' April 2009. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u jitjieb il-funzjonament tas-suq intern għall-istrumenti finanzjarji, għandu jiġi implimentat qafas ġdid li jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għat-trasparenza tat-tranżazzjonijiet fis-swieq għall-istrumenti finanzjarji. Il-qafas għandu jistabbilixxi regoli komprensivi għal firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji. Għandu jikkumplimenta r-rekwiżiti għat-trasparenza tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-ishma stabbiliti fid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(2) Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE ppresedut minn Jacques de Larosière stieden lill-Unjoni sabiex tiżviluppa sett aktar armonizzat ta' regolamenti finanzjarji. Fil-kuntest tal-arkitettura tas-superviżjoni Ewropea tal-ġejjieni, il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 enfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita ġabra Ewropea waħda tar-regoli applikabbli għall-istitzzjonijiet finanzjarji kollha fis-suq intern.

(3) Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tikkonsisti f'żewġ strumenti legali differenti, Direttiva u dan ir-Regolament. Flimkien, iż-żewġ strumenti legali għandhom jifformaw il-qafas legali li jikkontrolla r-rekwiżiti applikabbli għad-ditti tal-investiment, is-swieq regolati u l-fornituri tas-servizzi ta' rapportar tad-dejta. Għaldaqstant dan ir-Regolament għandu jinqara flimkien mad-Direttiva. Il-ħtieġa li tiġi stabbilita ġabra waħda ta' regoli għall-istituzzjonijiet kollha fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti u li jiġi evitat il-potenzjal tal-arbitraġġ regolatorju kif ukoll li tiġi pprovduta aktar ċertezza legali u anqas kumplessità regolatorja għall-parteċipanti tas-suq tiġġustifika l-użu ta' bażi legali li tippermetti għall-ħolqien ta' Regolament. Sabiex jitneħħew l-ostakli li fadal għan-negozju u d-distorzjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni li jirrizultaw mid-diverġenzi bejn il-liġijiet nazzjonali u jiġi prevenut kwalunkwe ostaklu ulterjuri probabbli għan-negozju u distorzjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni milli jinħolqu, huwa meħtieġ

([1]) ĠU C 161, 7.6.2012. p. 3.
([2]) ĠU C 143, 22.5.2012, p. 74.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2014.
([4]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

li jiġi adottat Regolament li jistabbilixxi regoli uniformi applikabbli fl-Istati Membri kollha. Dan l-att applikabbli direttament jimmira biex jikkontribwixxi b'mod effettiv lejn il-funzjonament bla intoppi tas-suq intern u għandu, konsegwentament, ikun ibbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif interpretat skont il-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(4) Id-Direttiva 2004/39/KE tistabbilixxi regoli sabiex in-negozjar fl-ishma ammessi għan-negozjar isir f'suq regolat qabel in-negozjar u wara n-negozjar ikun trasparenti u għar-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti ta' tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'suq regolat; Id-Direttiva teħtieġ tiġi riformulata sabiex tirrefletti kif xieraq l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji u sabiex tindirizza d-dgħjufijiet u tagħlaq il-lakuni li kienu fost l-oħrajn esposti matul il-kriżi tas-suq finanzjarju.

(5) Id-dispożizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti tan-negozjar u tat-trasparenza regolatorja jeħtieġ li jieħdu l-forma ta' liġi applikabbli direttament applikata għad-ditti tal-investiment kollha li għandhom isegwu regoli uniformi fis-swieq kollha tal-Unjoni, sabiex ikun hemm applikazzjoni uniformi ta' qafas regolatorju wieħed, sabiex isaħħu l-fiduċja fit-trasparenza tas-swieq madwar l-Unjoni, biex inaqqsu l-kumplessità regolatorja u l-ispejjeż tal-konformità tad-ditti ta' investiment, speċjalment għall-istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fuq bażi transkonfinali, u biex jikkontribwixxu għat-tneħħija tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. L-adozzjoni ta' regolament li jiżgura applikabbiltà diretta hija l-aktar adattata biex tilħaq dawk l-għanijiet regolatorji u tiżgura kundizzjonijiet uniformi billi tipprevjeni rekwiżiti nazzjonali diverġenti bħala konsegwenza ta' traspożizzjoni ta' direttiva.

(6) Importanti li jiġi żgurat li l-kummerċ fi strumenti finanzjarji kemm jista' jkun iseħħ f'postijiet organizzati u li dawn il-postijiet kollha jkunu regolati b'mod xieraq. Skont id-Direttiva 2004/39/KE, ġew żviluppati xi sistemi tan-negozjar li ma nqabdux b'mod adegwat mir-reġim regolatorju. Kwalunkwe sistema tan-negozjar, bħalma huma entitajiet magħrufa attwalment bħala broker crossing networks, għandha, fil-futur, tkun regolata b'mod xieraq u tkun awtorizzata skont wieħed mit-tipi ta' postijiet tan-negozjar multilaterali jew bħala internalizzatur sistematiku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2014/65/UE ([1]).

(7) Id-definizzjonijiet ta' suq regolat u ta' faċilità ta' kummerċ multilaterali (MTF) għandhom jiġu kkjarifikati u għandhom jibqgħu allenjati ma' xulxin mill-qrib biex jirriflettu l-fatt li jirrappreżentaw effettivament l-istess funzjonalità organizzata ta' negozjar. Id-definizzjonijiet għandhom jeskludu sistemi bilaterali fejn ditta tal-investiment tidħol għal kull biċċa negozju f'isimha stess, anki bħala kontraparti bla riskju interposta bejn il-bejjiegħ u x-xerrej. Is-swieq regolati u l-MTFs m'għandhomx jitħallew jeżegwixxu l-ordnijiet tal-klijenti b'kapital proprjetarju. It-terminu 'sistema' jinkludi dawk is-swieq kollha li huma magħmula minn sett ta' regoli u pjattaforma tan-negozjar kif ukoll dawk li jiffunzjonaw biss abbażi ta' sett ta' regoli. Swieq regolati u MTFs mhumiex obbligati joperaw sistema 'teknika' għal ordinijiet li jaqblu u għandhom ikunu jistgħu joperaw protokolli oħrajn ta' negozju, inklużi sistemi fejn l-utenti jkunu jistgħu jinnegozjaw kontra kwotazzjonijiet li jitolbu mingħand fornituri multipli. Suq li huwa magħmul biss minn sett ta' regoli li jirregolaw aspetti relatati mas-sħubija, ammissjoni ta' strumenti għan-negozjar, negozjar bejn il-membri, rappurtar u fejn applikabbli obbligi ta' trasparenza huwa suq regolat jew MTF skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament u tranżazzjonijiet li jsiru skont dawn ir-regoli jitqiesu li saru skont is-sistemi ta' suq regolat jew MTF. It-terminu 'interessi ta' xiri u bejgħ' għandu jinftiehem f'sens wiesa' u jinkludi ordnijiet, kwotazzjonijiet u indikazzjonijiet ta' interess.

Wieħed mir-rekwiżiti importanti jikkonċerna l-obbligu li l-interessi jinġiebu flimkien fis-sistema permezz ta' regoli nondiskriminatorji stipulati mill-operatur tas-sistema. Dak ir-rekwiżit ifisser li jinġiebu flimkien skont ir-regoli tas-sistema jew permezz tal-protokolli jew il-proċeduri operazzjonali interni tas-sistema, fosthom proċeduri integrati f'softwer tal-kompjuter). It-terminu 'regoli nondiskriminatorji' ifisser regoli li ma jħallu l-ebda diskrezzjoni lis-suq regolat jew lill-operatur tas-suq jew lil ditta tal-investiment li topera MTF dwar kif l-interessi jistgħu jinteraġixxu. Id-definizzjonijiet jeħtieġu li l-interessi jinġiebu flimkien b'mod li jwasslu għal kuntratt, biex b'hekk l-eżekuzzjoni sseħħ skont ir-regoli tas-sistema jew permezz tal-protokolli jew il-proċeduri operazzjonali interni tas-sistema.

(8) Sabiex is-swieq finanzjarji tal-Unjoni jsiru aktar trasparenti u effiċjenti u biex il-kundizzjonijiet bejn id-diversi ċentri li joffru servizzi ta' negozjar multilaterali jsiru ekwi huwa neċessarju li tkun introdotta kategorija ġdida ta' post tan-negozjar ta' faċilità organizzata tan-negozjar (organised trading facility - OTF) għal bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati u li jiġi żgurat li tkun regolata b'mod xieraq u tkun tapplika regoli nondiskriminatorji fir-rigward tal-aċċess għall-faċilità. Dik il-kategorija ġdida tkun iddefinita b'mod wiesa' ħalli issa u fil-futur tkun tista' tkopri t-tipi kollha ta' eżekuzzjonijiet organizzati u arranġamenti ta' negozjar li ma

([1]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ara paġna 349 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

jikkorrispondux għall-funzjonalitajiet jew l-ispeċifikazzjonijiet regolatorji taċ-ċentri eżistenti. Konsegwentament jeħtieġ li jiġu applikati rekwiżiti organizzazzjonali xierqa u regoli trasparenti li jsostnu l-iskoperta effiċjenti tal-prezzijiet. Il-kategorija l-ġdida tinkludi sistemi eleġibbli għan-negozjar ta' derivati eleġibbli għall-ikklerjar u likwidi biżżejjed.

Ma għandhiex tinkludi faċilitajiet fejn ma tkunx qed isseħħ eżekuzzjoni jew arranġament ġenwin ta' negozju, bħal bords tal-avviżi użati għar-reklamar ta' interessi ta' xiri jew bejgħ, entitajiet oħra li jaggregaw jew jippuljaw interessi potenzjali ta' xiri jew bejgħ, servizzi elettroniċi ta' konferma wara n-negozjar, jew kompressjoni tal-portafoll, li tnaqqas ir-riskji mhux tas-suq f'portafolli tad-derivati eżistenti mingħajr ma jinbidel ir-riskju tas-suq tal-portafolli.Il-kompressjoni tal-portafoll tista' tiġi pprovduta minn firxa ta' ditti li fil-fatt mhumiex regolati b'dan ir-Regolament jew bid-Direttiva 2014/65/UE, bħal kontropartijiet ċentrali (CCPs), repożitorji kummerċjali kif ukoll minn ditti tal-investiment jew operaturi tas-suq. Huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta ditti tal-investiment u operaturi tas-suq jagħmlu kompressjoni tal-portafoll, ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2014/65/UE mhumiex applikabbli fir-rigward tal-kompressjoni tal-portafoll. Peress li d-depożiti tat-titoli ċentrali (CSDs) se jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħad-ditti tal-investiment meta jipprovdu ċerti servizzi ta' investiment jew meta jwettqu ċerti attivitajiet ta' investiment, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2014/65/UE ma għandhomx ikunu applikabbli għal ditti li mhumiex regolati minnhom meta ssir kompressjoni tal-portafoll.

(9) Dik il-kategorija ġdida ta' OTF ser tikkumplimenta t-tipi eżistenti ta' ċentri tan-negozjar. Filwaqt li swieq regolati u l-MTFs għandhom regoli nondiskriminatorja għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet, l-operatur ta' OTF għandu jwettaq eżekuzzjoni ta' ordni fuq bażi diskrezzjonali b'suġġett, fejn applikabbli għar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozju u l-obbligi tal-aqwa eżekuzzjoni. Konsegwentament, ir-regoli tal-kondotta tan-negozju, l-aħjar eżekuzzjoni u l-maniġġ tal-ordnijiet tal-klijenti għandhom japplikaw għat-tranżazzjonijiet imwettqa f'OTF operata minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq. Barra minn hekk, kwalunkwe operatur tas-suq awtorizzat biex jopera OTF għandu jikkonforma mal-Kapitolu 1 tad-Direttiva 2014/65/UE rigward il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tad-ditti tal-investiment. Id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li joperaw OTF għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw diskrezzjoni f'żewġ livelli differenti: l-ewwel meta jiddeċiedu li jagħmlu ordni fuq OTF jew li terġa' tirtiraha u t-tieni meta jiddeċiedu li ma jqabblux ordni speċifika mal-ordnijiet disponibbli fis-sistema f'mument speċifiku, sakemm dak ikun konformi mal-istruzzjonijiet speċifiċi mressqa mill-klijenti u mal-obbligi tal-aqwa eżekuzzjoni.

Għas-sistema li tqabbel l-ordnijiet tal-klijenti l-operatur jista' jiddeċiedi jekk, meta u kemm minn żewġ ordnijiet jew aktar jixtieq li jqabbel fis-sistema. B'konformità mal-Artikolu 20(1), (2), (4) u (5) tad-Direttiva 2014/65/UE u mingħajr preġudizzjoni għall-Artikolu 20(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, id-ditta għandha tkun tista' tiffaċilita n-negozjati bejn il-klijenti sabiex iġġib flimkien żewġ interessi kummerċjali potenzjalment kompatibbli jew iżjed fi tranżazzjoni. Fiż-żewġ livelli ta' diskrezzjoni l-operatur tal-OTF għandu jħares l-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 18 u 27 tad-Direttiva 2014/65/UE. L-operatur tas-suq jew id-ditta tal-investiment li joperaw OTF għandhom ikunu ċari mal-utenti tal-post dwar kif se jeżerċitaw id-diskrezzjoni. Minħabba li OTF tikkostitwixxi pjattaforma ġenwina tan-negozjar, l-operatur tal-pjattaforma għandu jkun newtrali. Għalhekk, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li joperaw l-OTF għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti fir-rigward tal-eżekuzzjoni nondiskriminatorja u la d-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li joperaw l-OTF u lanqas xi entità li tkun parti mill-istess grupp u/jew persuna ġuridika bħad-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq ma għandhom jitħallew jeżekwixxu ordnijiet ta' klijenti f'OTF bil-kapital proprjetarju tagħhom stess.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni ta'ordi waħda jew iżjed ta' klijent f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati li ma jkunux ġew iddikjarati, b'suġġett għall-obbligu tal-ikklerjar b'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), operatur tal-OTF jitħalla juża negozjar "matched principal" fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE sakemm il-klijent ikun ta l-kunsens tiegħu għal dan il-proċess. B'rabta mal-istrumenti ta' dejn sovran li fir-rigward tagħhom ma hemm l-ebda suq likwidu, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li joperaw OTF għandhom ikunu jistgħu jidħlu f'negozjati f'isimhom stess għajr negozjar "matched principal". Meta jintuża n-negozjar "matched principal" għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha ta' trasparenza qabel u wara n-negozju kif ukoll mal-obbligi tal-aqwa eżekuzzjoni. L-operatur ta' OTF jew kwalunkwe entità li tkun parti mill-istess grupp jew persuna ġuridika bħad-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq m'għandhomx jaġixxu bħala internalizzatur sistematiku fl-OTF operata minnhom. Barra minn hekk, l-operatur ta' OTF għandu jkun suġġett għall-istess obbligi bħal MTF fir-rigward tal-ġestjoni soda ta' kunflitti ta' interess potenzjali.

(10) In-negozjar organizzat kollu għandu jitwettaq f'ċentri tan-negozjar regolati u jkunu kompletament trasparenti, kemm qabel kif ukoll wara n-negozjar. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti ta' trasparenza kkalibrati b'mod xieraq għandhom japplikaw għat-tipi kollha ta' ċentri tan-negozjar, u għall-istrumenti finanzjarji kollha negozjati fihom.

([1]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati tal-OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(11) Sabiex jiġi żgurat li aktar negozju jsir f'ċentri tan-negozjar regolati u f'internalizzaturi sistematiċi, obbligu tan-negozjar għall-ishma ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew innegozjati f'ċentru tan-negozjar għandu jiddaħħal f'dan ir-Regolament għad-ditti tal-investiment. Dak l-obbligu tan-negozjar jirrikjedi li d-ditti tal-investiment iwettqu n-negozjar kollu tagħhom, inklużi t-tranżazzjonijiet innegozjati għall-kont proprju kif ukoll tranżazzjonijiet innegozjati fit-twettiq tal-ordnijiet tal-klijenti f'suq regolat, MTF, internalizzatur sistematiku jew ċentru ekwivalenti tan-negozjar ta' pajjiż terz. Madankollu, jekk ma jkunx hemm raġuni leġittima, għandha tiġi prevista esklużjoni minn dak l-obbligu tan-negozjar. Dawk ir-raġunijiet leġittimi huma meta t-tranżazzjonijiet ma jkunux sistematiċi, ad-hoc, irregolari u infrekwenti, jew ikunu tranżazzjonijiet tekniċi bħatl-give-up trades li ma jikkontribwixxux għall-proċess tal-iskoperta tal-prezzijiet. Din l-esklużjoni minn dak l-obbligu tan-negozjar m'għandhiex tintuża biex jiġu evitati r-restrizzjonijiet introdotti fuq l-użu tal-eżenzjoni tal-prezz referenzjarju u l-eżenzjoni tal-prezz innegozjat jew biex jiġi operat netwerk ta' broker crossing jew sistemi oħrajn ta' crossing.

L-għażla li t-tranżazzjonijiet jitwettqu fuq internalizzatur sistematiku hija bla ħsara għar-reġim tal-internalizzaturi sistematiċi stabbilit f'dan ir-Regolament. L-intenzjoni hi li jekk id-ditta tal-investiment innifisha tissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament li skonthom titqies internalizzatur sistematiku f'dak is-sehem partikulari, it-tranżazzjoni tista' titwettaq b'dak il-mod; madankollu, jekk ma titqisx internalizzatur sistematiku f'dak is-sehem partikulari, id-ditta tal-investiment tista' xorta waħda għandha tkun tista' twettaq it-tranżazzjoni fuq internalizzatur sistematiku ieħor fejn tkun konformi mal-obbligi tal-aħjar twettiq tagħha u l-alternattiva tkun disponibbli għalija. Barra minn hekk, sabiex ikun żgurat li n-negozjar multilaterali fir-rigward tal-ishma, irċevuti tad-depożiti, fondi nnegozjati fil-boroż (ETFs), ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra jkun regolat kif xieraq, ditta tal-investiment li topera sistema interna ta' tqabbil fuq bażi multilaterali għandha tkun awtorizzata bħala MTF. Għandu jiġI ċċarat li d-dispożizzjonijiet tal-aħjar twettiq stipulati fid-Direttiva 2014/65/KE għandhom ikunu applikati b'mod li ma jimpedixxux l-obbligi tan-negozjar taħt dan ir-Regolament.

(12) In-negozjar f'irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati, strumenti finanzjarji simili u ishma għajr dawk ammessi għan-negozjar f'suq regolat ħafna drabi iseħħ bl-istess mod, u jilħaq għan ekonomiku kważi identiku, bħan-negozjar f'ishma ammessi għan-negozjar f'suq regolat. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' trasparenza applikabbli għall-ishma ammessi għan-negozjar fi swieq regolati għandhom jiġu estiżi għal dawk l-istrumenti finanzjarji.

(13) Filwaqt li, fil-prinċipju, ir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal reġim ta' eżenzjonijiet minn trasparenza ta' qabel in-negozju sabiex jiġi appoġġjat il-funzjonament effiċjenti tas-swieq, id-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni attwali għall-ishma applikabbli fuq il-bażi tad-Direttiva 2004/39/KE u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ([1]), jeħtieġu li jiġu skrutinizzati rigward l-adegwatezza tagħhom f'termini ta' ambitu u kundizzjonijiet applikabbli. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-eżenzjonijiet mit-trasparenza ta' qabel in-negozju f'ishma u eventwalment strumenti finanzjarji simili oħrajn u prodotti mhux tal-ekwità għal mudelli speċifiċi tas-suq u tipi u daqs ta' ordnijiet, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabbilita mir-Regolament 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ('ESMA') għandha tivvaluta l-kompatibbiltà tat-talbiet individwali għall-applikazzjoni ta' eżenzjoni ma' regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u f'atti ddelegati previsti minn dan ir-Regolament. Il-valutazzjoni tal-ESMA għandha tkun fil-format ta' opinjoni skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Barra minn hekk, l-eżenzjonijiet li jeżistu diġà għall-ishma għandhom jiġu reveduti mill-ESMA f'perjodu ta' żmien xieraq u għandha ssir valutazzjoni, li ssegwi l-istess proċedura, dwar jekk għadhomx konformi mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament u f'atti ddelegati futuri previsti f'dan ir-Regolament.

(14) Il-kriżi finanzjarja esponiet dgħjufijiet speċifiċi fil-mod kif issir disponibbli l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' negozjar u l-prezzijiet fl-istrumenti finanzjarji għajr l-ishma għall-parteċipanti tas-suq, l-aktar f'termini ta' żmien, granularità, aċċess ekwu, u affidabbiltà. Għaldaqstant, għandhom jiġu introdotti fil-pront rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar li jikkunsidraw il-karatteristiċi differenti u l-istrutturi tas-suq ta' tipi speċifiċi ta' strumenti finanzjarji għajr l-ishma, u għandhom jiġu kkalibrati għal tipi differenti ta' sistemi tan-negozjar, inklużi sistemi tar-reġistru tal-ordnijiet, dawk immotivati mill-kwotazzjonijiet, dawk ibridi, sistemi ta' nnegozjar b'irkanti perjodiċi u sistemi ta' negozjar bil-vuċi. Sabiex ikun provdut qafas tat-trasparenza b'sod għall-istrumenti finanzjarji relevanti kollha, dawn għandhom japplikaw għal bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati li huma negozjati f'ċentru tan-negozjar. Għaldaqstant, l-eżenzjonijiet mit-trasparenza ta' qabel in-negozju u l-adattament tar-rekwiżiti fir-rigward tal-pubblikazzjoni differita għandhom ikunu biss disponibbli f'ċerti każijiet definiti.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(15) Huwa neċessarju li jiġi introdott livell xieraq ta' trasparenza tan-negozjar fis-swieq għal bonds, prodotti finanzjarji strutturati u derivati sabiex tiġi megħjuna l-valwazzjoni tal-prodotti kif ukoll l-effiċjenza tal-formazzjoni tal-prezz. Il-prodotti finanzjarji strutturati għandhom, partikularment, jinkludu l-aktar garanziji sostnuti b'assi kif definiti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 [1], li jinkludu fost l-oħrajn obbligi ta' dejn kollateralizzati.

(16) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet applikabbli uniformi bejn iċ-ċentri tan-negozjar, għandhom japplikaw l-istess rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar għat-tipi differenti ta' ċentri. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza għandhom jiġu kalibrati għal tipi differenti ta' strumenti finanzjarji, inklużi l-ekwitajiet, il-bonds u d-derivati, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-investituri u tal-emittenti, inklużi l-emittenti tal-bonds tal-gvern, u l-likwidità tas-suq. Ir-rekwiżiti għandhom ikunu kkalibrati għal tipi differenti ta' negozjar, inkluż ir-reġistru tal-ordnijiet u s-sistemi mmotivati mill-kwotazzjonijiet bħat-talbiet għall-kwotazzjoni kif ukoll sistemi ta' senserija ibrida u bil-vuċi u jitqiesu d-daqs tat-tranżazzjoni, inkluż il-valur tal-iskambju u kriterji oħrajn rilevanti.

(17) Sabiex jiġi evitat kull impatt negattiv fuq il-proċess tal-formazzjoni tal-prezzijiet, jeħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu xieraq tal-limitazzjoni tal-volum għall-ordnijiet magħmula f'sistemi bbażati fuq metodoloġija ta' negozjar li fiha l-prezz huwa ddeterminat skont prezz ta' riferenza u għal ċerti tranżazzjonijiet negozjati. Dak il-mekkaniżmu għandu jkollu limitazzjoni doppja, fejn limitazzjoni fuq il-volum tiġi applikata għal kull ċentru tan-negozjar li juża dawk l-eżenzjonijiet sabiex ċertu perċentwal biss tan-negozji jkun jista' jsir fuq kull ċentru tan-negozjar, u, barra minn hekk, tkun applikata limitazzjoni ġenerali fuq il-volum li jekk tinqabeż twassal għas-sospensjoni tal-użu ta' dawk l-eżenzjonijiet madwar l-Unjoni. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet negozjati, dan għandu japplika biss għal dawk it-tranżazzjonijiet li jitwettqu fil-firxa ppeżata ta' volum attwali riflessa fir-reġistru tal-ordnijiet jew fil-kwotazzjonijiet tal-ġeneraturi tas-suq taċ-ċentru tan-negozjar li jopera dik is-sistema. Huwa għandu jeskludi t-tranżazzjonijiet negozjati fi stokks illikwidi, ishma, irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra, u għal dawk it-tranżazzjonijiet li huma suġġetti għall-kundizzjonijiet li mhumiex il-prezz attwali tas-suq peress li ma jikkontribwixxux għall-proċess tal-formazzjoni tal-prezz.

(18) Sabiex jiġi żgurat li n-negozjar li jitwettaq OTC ma jheddidx l-iskoperta effiċjenti tal-prezzijiet jew kundizzjonijiet ekwi u trasparenti għal kulħadd bejn il-mezzi ta' negozjar, ir-rekwiżiti ta' trasparenza xierqa ta' qabel in-negozjar għandhom japplikaw għad-ditti tal-investiment li jinnegozjaw f'isimhom stess fl-istrumenti finanzjarji OTC sakemm jitwettaq fil-kapaċità tagħhom bħala internalizzaturi sistematiċi relatati mal-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, ETFs, iċ-ċertifikati jew strumenti finanzjarji simili oħra li għalihom hemm suq likwidu, u bonds, prodotti strutturati ta' ffinanzjar, kwoti tal-emissjonijiet u derivati li huma nnegozjati f'ċentru tan-negozjar u li għalihom hemm suq likwidu.

(19) Ditta tal-investimenti li teżekwixxi ordnijiet tal-klijenti bil-kapital prjoprju tagħha għandha tiġi kkunsidrata bħala internalizzatur sistematiku, sakemm it-tranżazzjonijiet ma jitwettqux barra ċentru tan-negozjar fuq bażi okkażjonali, ad hoc u irregolari. Għaldaqstant, internalizzaturi sistematiċi għandhom jiġu definiti bħala ditti tal-investiment li, fuq bażi organizzata, frekwenti, sistematika u sostanzjali, jinnegozjaw f'isimhom stess billi jeżekwixxu ordnijiet tal-klijenti barra ċentru tan-negozjar. ir-rekwiżiti għal internalizzaturi sistematiċi f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal ditta tal-investiment biss b'rabta ma' kull strument finanzjarju uniku, pereżempju fil-livell tal-kodiċi ISIN, li fih tkun internalizzatur sistematiku. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni oġġettiva u effettiva tad-definizzjoni ta' internalizzatur sistematiku għad-ditti tal-investiment, għandu jkun hemm limitu minimu predeterminat għall-internalizzaturi sistematiċi li jkun fih speċifikazzjoni eżatta ta' xi tfisser bażi frekwenti, sistematika u sostanzjali.

(20) Filwaqt li OTF hija kwalunkwe sistema jew faċilità li fiha interessi ta' partijiet terzi multipli għal xiri u bejgħ jinteraġixxu fis-sistema, l-internalizzatur sistematiku ma għandux jitħalla jiġbor flimkien interessi ta' partijiet terzi għal xiri u bejgħ. Pereżempju, l-hekk imsejħa pjattaforma ta' operatur wieħed, fejn in-negozju dejjem isir ma' ditta tal-investiment waħda, għandha titqies internalizzatur sistematiku jekk hija tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Madankollu, l-hekk imsejħa pjattaforma ta' operaturi multipli, b'operaturi multipli li jaġixxu għall-istess strument finanzjarju, m'għandhiex titqies bħala internalizzatur sistematiku.

(21) L-internalizzaturi sistematiċi għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu, abbażi tal-politika kummerċjali tagħhom u b'mod oġġettiv u nondiskriminatorju l-klijenti li lilhom jagħtu aċċess għall-kwotazzjonijiet tagħhom, billi jkunu intitolati jiddistingwu bejn kategoriji ta' klijenti, u għandhom ikunu wkoll intitolati li jqisu distinzjonijiet bejn il-klijenti, pereżempju fir-rigward tar-riskju tal-kreditu. L-internalizzaturi sistematiċi m'għandhomx ikunu obbligati jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti, jesegwixxu ordnijiet tal-klijenti u jagħtu aċċess għall-kwotazzjonijiet tagħhom

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni inkluża fil-prospetti u kif ukoll il-format, l-inkorporazzjoni b'referenza u l-pubblikazzjoni ta' prospetti bħal dawn u d-disseminazzjoni tar-reklami (ĠU L 149, 30.4.2004, p. 1).

fir-rigward tat-tranżazzjonijiet mhux ta' ekwità akbar mid-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju. Il-konformità tal-internalizzaturi sistematiċi mal-obbligi tagħhom għandha tiġi kkontrollata mill-awtoritajiet kompetenti u lil dawn l-awtoritajiet għandha tingħata l-informazzjoni li tippermettilhom jagħmlu dan.

(22) Mhijiex l-intenzjoni ta' dan ir-Regolament li jobbliga l-applikazzjoni tar-regoli ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għal tranżazzjonijiet imwettaq fuq bażi OTC, ħlief għal dawk f'internalizzatur sistematiku.

(23) Id-dejta tas-suq għandha tkun disponibbli faċilment u minnufih għall-utenti f'format diżaggregat kemm jista' jkun sabiex tippermetti lill-investituri, u lill-fornituri tas-servizz tad-dejta li jaqdu l-bżonnijiet tagħhom, sabiex jadattaw soluzzjonijiet tad-dejta sal-ogħla grad possibbli. Għaldaqstant, id-dejta tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar għandha ssir disponibbli għall-pubbliku b'mod "diżaggregat" sabiex jonqsu l-ispejjeż għall-parteċipanti tas-suq meta jixtru d-dejta.

(24) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandhom ikunu kompletament applikabbli għall-iskambju, it-trażmissjoni u l-ipproċessar ta' dejta personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għat-Titolu IV, mill-Istati Membri u l-ESMA.

(25) Meta wieħed jikkunsidra li l-ftehim milħuq mill-partijiet fis-summit ta' Pittsburgh tal-G20 fil-25 ta' Settembru 2009 sabiex fejn ikun xieraq in-negozjar f'kuntratti ta' derivati OTC standardizzati jibda' jsir f'boroż jew pjattaformi elettroniċi ta' negozjar, għandha tiġi definita proċedura regolatorja formali sabiex jiġi obbligat in-negozjar bejn kontropartijiet finanzjarji u kontropartijiet mhux finanzjarji kbar fid-derivati kollha li ġew ikkunsidrati bħala eliġibbli għall-ikklerjar u li huma likwidi biżżejjed sabiex jitwettqu f'firxa ta' ċentri tan-negozjar soġġetti għal regolament komparabbli u li jippermettu lill-parteċipanti jinnegozjaw ma' kontropartijiet multipli. Il-valutazzjoni tal-likwidità suffiċjenti għandha tqis il-karatteristiċi tas-suq fil-livell nazzjonali fosthom elementi bħal l-għadd u t-tip ta' parteċipanti tas-suq f'suq partikolari, u l-karatteristiċi tat-tranżazzjonijiet, bħad-daqs u l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet f'dak is-suq.

Suq likwidu fi klassi ta' prodott tad-derivati se jkun karatterizzat minn għadd kbir ta' parteċipanti attivi tas-suq, inkluża taħlita adegwata ta' fornituri u assorbituri ta' likwidità, meta mqabbel mal-għadd ta' prodotti nnegozjati, li sikwit jesegwixxu tranżazzjonijiet f'dawk il-prodotti f'daqsijiet iżgħar minn daqs li huwa kbir fl-iskala. Din l-attività fis-suq għandha tiġi indikata b'għadd kbir ta' offerti ta' stennija ta' xiri u bejgħ fid-derivat rilevanti, li jwassal għal spread dejjaq għal tranżazzjoni ta' daqs normali tas-suq. Il-valutazzjoni ta' likwidità suffiċjenti għandha tirrikonoxxi li l-likwidità ta' derivat tista' tvarja b'mod sinifikanti skont il-kundizzjonijiet tas-suq u taċ-ċiklu tal-ħajja.

(26) Meta wieħed jikkunsidra l-ftehim milħuq mill-partijiet fil-G20 f'Pittsburgh fil-25 ta' Settembru 2009 sabiex minn naħa waħda, fejn ikun xieraq, in-negozjar f'kuntratti ta' derivati OTC standardizzati jibda' jsir fil-boroż jew pjattaformi elettroniċi ta' negozjar, u min-naħa l-oħra, il-likwidità relattivament aktar baxxa ta' diversi derivati OTC, ikun xieraq li tiġi fornita firxa adegwata ta' ċentri eliġibbli li fihom ikun jista' jseħħ negozjar skont dak l-impenn. Iċ-ċentri eliġibbli kollha għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti regolatorji allinjati mill-qrib f'termini ta' aspetti organizzazzjonali u operattivi, l-arranġamenti sabiex jiġu mitigati kunflitti ta' interess, sorveljanza tal-attività kollha ta' negozjar, it-trasparenza ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar ikkalibrata mill-istrument finanzjarju u t-tipi ta' sistema tan-negozjar, u biex interessi ta' negozjar ta' partijiet terzi multipli jkunu jistgħu jinteraġixxu flimkien. Madanakollu l-possibbiltà li l-operaturi ta' ċentri jirranġaw tranżazzjonijiet skont dak l-impenn bejn partijiet terzi multipli b'mod diskrizzjonali għandha tiġi prevista sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni u l-likwidità.

(27) L-obbligu li jiġu konklużi tranżazzjonijiet f'derivati li jappartjenu għal klassi ta' derivati li ġiet iddikjarata suġġetta għall-obbligu tan-negozjar f'suq regolat, MTF, OTF jew ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz m'għandux japplika għall-komponenti tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju wara n-negozjar li jnaqqsu r-riskji mhux tas-suq f'portafolli ta' derivati inklużi portafolli ta' derivati ta' OTC eżistenti skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 mingħajr ma jibdlu r-riksju tas-suq tal-portafolli. Barra minn hekk, filwaqt li ma jkunx xieraq li ssir dispożizzjoni speċifika għall-kompressjoni tal-portafolli, dan ir-Regolament mhux maħsub bix jipprevjeni l-użu ta' servizzi oħrajn ta' tnaqqis tar-riskju wara n-negozjar.

[1] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

[2] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(28) L-obbligi ta' negozjar stabbiliti għal dawk id-derivati għandhom jippermettu għal kompetizzjoni effiċjenti bejn iċ-ċentri tan-negozjar eliġibbli. Għaldaqstant, dawk iċ-ċentri tan-negozjar ma għandhomx ikunu jistgħu jkollhom il-pretensjoni għal drittijiet esklussivi relatati ma' kwalunkwe derivat soġġett għal dak l-obbligu ta' negozjar u b'hekk jipprevjeni ċentri tan-negozjar oħra milli joffru negozjar f'dawk l-istrumenti finanzjarji. Minħabba l-kompetizzjoni effettiva bejn iċ-ċentri tan-negozjar għad-derivati, huwa essenzjali li ċ-ċentri tan-negozjar ikollhom aċċess nondiskriminatorju u trasparenti għall-CCPs. Aċċess nondiskriminatorju għal CCP għandu jfisser li ċentru tan-negozjar għandu d-dritt għal trattament nondiskriminatorju f'termini ta' kif kuntratti nnegozjati fil-pjattaforma tiegħu jkunu trattati f'termini ta' rekwiżiti ta' kollateral u n-netting ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti u l-kontromarġinazzjoni ma' kuntratti korrelati kklerjati mill-istess CCP, u tariffi tal-ikklerjar nondiskriminatorji.

(29) Is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu komplimentati b'mekkaniżmu espliċitu li jipprojbixxi jew jillimita l-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' kwalunkwe strument finanzjarju jew depożitu strutturat li jġib miegħu tħassib serju rigward il-protezzjoni tal-investitur, il-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji, jew suq tal-komoditajiet, jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja sħiħa jew parti minnha, flimkien ma' setgħat ta' koordinazzjoni u kontinġenza xierqa għall-ESMA jew, għal depożiti strutturati, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-eżerċizzju ta' setgħat bħal dawn mill-awtoritajiet kompetenti u, f'każijiet eċċezzjonali, mill-ESMA jew l-EBA, għandu jkun soġġett għall-ħtieġa li jiġu ssodifati għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi. Meta dawk il-kundizzjonijiet ikunu sodisfatti, l-awtorità kompetenti jew, f'każijiet eċċezzjonali, l-ESMA jew l-EBA, għandha tkun tista' timponi projbizzjoni jew restrizzjoni fuq bażi prekawzjonarja qabel ma strument finanzjarju jew depożitu strutturali jiġi kkumerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lill-klijenti.

Dawk is-setgħat ma jimplikaw l-ebda obbligu fuq awtorità kompetenti, fuq l-ESMA jew fuq l-EBA, li jintroduċu jew japplikaw proċess ta' approvazzjoni jew ta' liċenzjar ta' prodott, u lanqas ma jeħilsu lid-ditti tal-investiment mir-responsabilità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2014/65/UE. Il-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq tal-komoditajiet għandhom jiddaħħlu bħala kriterji għall-intervent mall-awtoritajiet kompetenti sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni li tagħmel tajjeb għall-esternalitajiet negattivi possibbli fis-swieq tal-komoditajiet mill-attivitajiet fuq is-swieq finanzjarji. Dan huwa veru, b'mod partikulari, għas-swieq tal-komoditajiet agrikoli li l-għan tagħhom huwa li jassiguraw provvista sikura ta' ikel għall-popolazzjoni. F'dawk il-każijiet, il-miżuri għandhom jiġu kkordinati mal-awtoritajiet kompetenti għas-swieq tal-komoditajiet ikkonċernati.

(30) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar id-dettalji ta' kwalunkwe talba tagħhom sabiex inaqqsu pożizzjoni relatata ma' kuntratt derivattiv, dwar kwalunkwe limitu ta' darba, kif ukoll dwar kwalunkwe limitu ta' pożizzjonijiet ex-ante sabiex titjieb il-koordinazzjoni u l-konverġenza ta' kif ikunu applikati dawk is-setgħat. Id-dettalji essenzjali ta' kwalunkwe limitu ta' pożizzjonijiet ex-ante applikat minn awtorità kompetenti għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ESMA.

(31) L-ESMA għandha tkun tista' titlob informazzjoni mingħand kwalunkwe persuna rigward il-pożizzjoni tagħhom relatata ma' kuntratt derivat, titlob li dik il-pożizzjoni titnaqqas, kif ukoll tillimita l-abbiltà ta' persuni li jwettqu tranżazzjonijiet individwali relatati mad-derivati ta' komoditajiet. Imbagħad, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti relevanti bil-miżuri li tipproponi li jitwettqu u għandha tippubblika dawk il-miżuri.

(32) Id-dettalji tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu rrapportati lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jippermettulhom jidentifikaw u jinvestigaw każijiet potenzjali ta' abbuż tas-suq, sabiex jimmonitorjaw li jkun hemm funzjonament ġust u ordinat tas-swieq, kif ukoll jimmonitorjaw l-attivitajiet tad-ditti tal-investiment. L-ambitu ta' dik is-sorveljanza jinkludi l-istrumenti finanzjarji kollha li huma nnegozjati f'ċentru tan-negozjar u strumenti finanzjarji meta s-sottostanti jkun strument finanzjarju nnegozjat f'ċentru tan-negozjar jew meta s-sottostanti jkun indiċi jew basket kompost minn strumenti finanzjarji nnegozjati f'ċentru tan-negozjar. L-obbligu għandu japplika irrispettivament jekk dawn it-tranżazzjonijiet fi kwalukwe minn dawk l-istrumenti finanzjarji twettqux f'ċentru tan-negozjar jew le. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed fuq id-ditti tal-investiment, l-istrumenti finanzjarji li mhumiex suxxettibbli għall-abbuż tas-suq għandhom jiġu esklużi mill-obbligu ta' rapportar. Ir-rapporti għandhom jużaw identifikatur ta' entità legali konformi mal-impenji tal-G-20. L-ESMA għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament ta' tali rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandha tieħu passi biex tipproponi xi tibdil fejn xieraq.

([1]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(33) L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti tiegħu dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarji rilevanti. Dawk in-notifiki għandhom jiġu trażmessi mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien lill-ESMA, li għandha tippubblikahom minnufih fuq il-websajt tagħha sabiex tippermetti lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti jużaw, janalizzaw u jiskambjaw rapporti tat-tranżazzjonijiet.

(34) Sabiex jaqdu l-għan tagħhom bħala għodda tal-monitoraġġ tas-suq, ir-rapporti ta' tranżazzjonijiet għandhom jidentifikaw il-persuna li tkun ħadet id-deċiżjoni tal-investiment, kif ukoll dawk responsabbli mill-eżekuzzjoni tagħha. Apparti r-reġim ta' trasparenza previst fir-regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], l-immarkar ta' bejgħ bin-nieqes jipprovdi informazzjoni supplementari siewja li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw il-livelli ta' bejgħ bin-nieqes. Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess sħiħ għar-rekords fl-istadji kollha fl-eżekuzzjoni tal-ordni, mid-deċiżjoni inizjali għan-negozjar, sat-twettiq tagħha. Għaldaqstant, id-ditti tal-investiment għandhom iżommu rekords tal-ordnijiet u tat-tranżazzjonijiet kollha tagħhom fl-istrumenti finanzjarji, u l-operaturi tal-pjattaformi huma meħtieġa jżommu r-rekords tal-ordinijiet kollha sottomessi fis-sistemi tagħhom. L-ESMA għandha tikkoordina l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti sabiex tiżgura li jkollhom aċċess għar-rekords tat-tranżazzjonijiet u l-ordinijiet kollha, inklużi dawk imdaħħla fi pjattaformi li joperaw barra mit-territorju tagħhom, fl-istrumenti finanzjarji taħt is-superviżjoni tagħhom.

(35) Għandu jiġi evitat ir-rapportar doppju tal-istess informazzjoni. Ir-rapporti sottomessi fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet reġistrati jew rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-istrumenti finanzjarji relevanti li fihom l-informazzjoni meħtieġa kollha għall-finijiet ta' rapportar tat-tranżazzjonijiet ma għandhomx ikunu meħtieġa jiġu rrapportati lill-awtoritajiet kompetenti, iżda għandhom jiġu trażmessi lilhom permezz tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandu jiġi emendat skont dak.

(36) Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għandhom isiru skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' dejta personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-ESMA għandhom isiru skont ir-regoli dwar it-trasferiment tad-dejta personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001, li għandu jkun applikabbli bis-sħiħ għall-ipproċessar ta' dejta personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(37) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jistabbilixxi l-kriterji li skonthom klassijiet ta' derivati OTC għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' kklerjar. Jipprevjeni d-distorsjonijiet fil-kompetittività billi jeżiġi aċċess nondiskriminatorju għas-CCPs li joffru kklerjar ta' derivati OTC lil ċentri tan-negozjar u aċċess nondiskrimatorju għat-taqsimiet tan-negozjar taċ-ċentri tan-negozjar lis-CCPs li joffru kklerjar ta' derivati OTC. Peress li d-derivati OTC huma definiti bħala kuntratti derivati li l-eżekuzzjoni tagħhom ma jsirx f'suq regolat, hemm bżonn li jiġu introdotti rekwiżiti simili għas-swieq regolati taħt dan ir-Regolament. Id-derivati negozjati fi swieq regolati għandhom ukoll ikunu kklerjati ċentralment.

(38) Minbarra r-rekwiżiti fid-Direttiva 2004/39/KE u fid-Direttiva 2014/65/UE li jipprevjenu lill-Istati Membri milli jillimitaw l-aċċess mingħajr raġuni għall-infrastruttura ta' wara n-negozjar, bħal CCP u arranġamenti ta' saldi, huwa neċessarju li dan ir-Regolament ineħħi diversi ostakoli kummerċjali oħrajn li jistgħu jintużaw sabiex jipprevjenu l-kompetizzjoni fl-ikklerjar tal-istrumenti finanzjarji. Sabiex jiġu evitati prattiki diskriminatorji, is-CCPs għandhom jaċċettaw li jikklerjaw it-tranżazzjonijiet imwettqa f'ċentri tan-negozjar differenti, sakemm dawn iċ-ċentri jikkonformaw mar-rekwiżiti operattivi u tekniċi stabbiliti mis-CCP, inklużi r-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riksju. L-aċċess għandu jingħata minn CCP jekk ċerti kriterji ta' aċċess speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji jiġu sodisfatti. Fir-rigward tas-CCPs stabbiliti ġodda li ġew awtorizzati jew rikonoxxuti għal perjodu ta' anqas minn tliet snin meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, fir-rigward ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-swieq tal-flus, għandu jkun hemm il-possibilità li l-awtoritajiet kompetenti japprovaw perjodu tranżizzjonali ta' mhux aktar minn sentejn u nofs qabel ma jkunu esposti għal aċċess nondiskriminatorju sħiħ fir-rigward tat-titoli trasferibbli u strumenti tas-swieq tal-flus. Madankollu, jekk CCP tagħżel li tuża l-arranġament tranżizzjonali, hija ma għandhiex tkun tista' tibbenefika mid-drittijiet ta' aċċess għal ċentru tan-negozjar skont dan ir-Regolament għal kemm idum fis-seħħ l-arranġament tranżizzjonali. Barra minn hekk, l-ebda ċentru tan-negozjar b'rabta mill-qrib ma' dik is-CCP ma għandu jkun jista' jibbenefika mid-drittijiet tal-aċċess għal CCP skont dan ir-regolament għal kemm idum fis-seħħ l-arranġament tranżizzjonali.

[1] Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

(39) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom għandu jingħata l-aċċess nondiskriminatorju bejn CCPs u ċ-ċentri tan-negozju għad-derivat OTC. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiddefinixxi d-derivati OTC bħala derivati li l-eżekuzzjoni tagħhom ma sseħħx f'suq regolat jew f'suq ta' pajjiż terz meqjus bħala ekwivalenti għal suq regolat skont l-Artikolu 19(6) tad-Direttiva 2004/39/KE. Sabiex jiġi evitat li jkun hemm lakuni jew dupplikazzjonijiet u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza bejn ir-regolament (UE) Nru 648/2012 u dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament dwar l-aċċess nondiskriminatorju bejn is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar japplikaw għal derivati nnegozjati f'ċentri tan-negozjar jew f'suq ta' pajjiż terz meqjus bħala ekwivalenti għal suq regolat skont id-Direttiva 2014/65/UE u l-istrumenti finanzjarji kollha mhux derivati.

(40) Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom ikunu meħtieġa wkoll jipprovdu aċċess, inkluż il-forniment ta' dejta, fuq bażi trasparenti u nondiskriminatorja lis-CCPs li jixtiequ jikklerjaw tranżazzjonijiet imwettqa f'ċentri tan-negozjar. Madankollu, dan m'għandux jirrikjedi l-użu ta' arranġamenti ta' interoperabilità għall-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet f'derivati jew joħloq frammentazzjoni tal-likwidità b'mod li jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordinat tas-swieq. L-aċċess għandu jiġi miċħud biss minn ċentru tan-negozjar jekk ċerti kriterji għall-aċċess speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji ma jiġux sodisfatti. Fir-rigward tad-derivati nnegozjati fil-boroż, ikun sproporzjonat li ċ-ċentri tan-negozjar iż-żgħar, b'mod partikolari dawk marbuta mill-qrib mas-CCPs, ikunu mitluba jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess mhux diskriminatorji minnufih jekk ikunu għadhom ma kisbux il-kapaċità teknoloġika li jaħdmu f'kundizzjonijiet ugwali mail-maġġoranza tas-suq tal-infrastruttura ta' wara n-negozju. Għaldaqstant, iċ-ċentri tan-negozjar taħt il-limitu minimu relevanti għandu jkollhom l-għażla li jeżentaw ruħhom, u għalhekk is-CCPs assoċjati tagħhom, minn rekwiżiti ta' aċċess mhux diskriminatorji fir-rigward ta' derivati nnegozjati fil-boroż għal perjodu ta' tletin xahar, bil-possibbiltà ta' tiġdid sussegwenti. Madankollu, jekk ċentru tan-negozjar jagħżel li jeżenta lilu nnifsu, huwa ma għandux ikun jista' jibbenefika mid-drittijiet ta' aċċess għal CCP skont dan ir-Regolament għal kemm iddum l-eżenzjoni.

Barra minn hekk, l-ebda CCP b'rabta mill-qrib ma' dak iċ-ċentru tan-negozjar ma għandha tkun tista' tibbenefika mid-drittijiet ta' aċċess għal ċentru tan-negozjar skont dan ir-Regolament għal kemm iddum l-eżenzjoni. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jidentifika li fejn drittijiet ta' proprjetà kummerċjali u intellettwali jirrigwardaw servizzi finanzjarji relatati ma' kuntratti ta' derivati, il-liċenzi għandhom ikunu disponibbli fuq termini proporzjonati, ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji. Għaldaqstant, l-aċċess għall-liċenzjar ta' punti referenzjarji, u għall-informazzjoni dwarhom, li jintużaw sabiex jiġi determinat il-valur tal-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu forniti lis-CCPs u liċ-ċentri tan-negozjar l-oħra fuq bażi proporzjonata, ġusta, raġonevoli u nondiskriminatorja u kull liċenzja għandha tkun fuq bażi kummerċjali raġonevoli. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, fejn xi punt referenzjarju ġdid jiġi żviluppat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament l-obbligu ta' liċenzja għandu jibda 30 xahar wara li strument finanzjarju li jirreferenzja dak il-punt referenzjarju jkun beda l-kummerċ jew ġie ammess għall-kummerċ. L-aċċess għal-liċenzji huwa kritiku biex jiffaċilita l-aċċess bejn iċ-ċentri tan-negozjar u s-CCPs skont l-Artikoli 35 u 36, billi inkella l-arranġamenti ta' liċenzjar jistgħu xorta jipprevjenu l-aċċess bejn iċ-ċentru tan-negozju u s-CCPs li hemm jkunu talbu l-aċċess għalihom.

It-tneħħija ta' ostakoli u prattiki diskriminatorji għandha l-ħsieb li żżid il-kompetizzjoni għall-ikklerjar u n-negozjar ta' strumenti finanzjarji sabiex tnaqqas l-ispejjeż tal-investiment u tat-teħid ta' self, telimina l-ineffiċjenzi u trawwem l-innovazzjoni fis-swieq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja mill-viċin l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' wara n-negozjar u għandha, fejn ikun meħtieġ, tintervjeni sabiex tipprevjeni distorsjonijiet fil-kompetizzjoni milli jseħħu fis-Suq Intern, b'mod partikulari fejn ir-rifjut tal-aċċess għall-infrastruttura jew għall-punti referenzjarji jikser l-Artikoli 101 jew 102 tat-TFUE. Id-dmirijiet ta' liċenzjar skont dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligu ġenerali ta' sidien proprjetarji ta' punti referenzjarji skont il-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u l-Artikoli 101 u 102 TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal punti referenzjarji li huma indispensabbli għad-dħul f'suq ġdid. L-approvazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti sabiex ma japplikawx id-drittijiet ta' aċċess għal perjodi tranżitorji mhumiex awtorizzazzjonijiet jew emendi ta' awtorizzazzjonijiet.

(41) Il-forniment ta' servizzi minn ditti minn pajjiżi terzi fl-Unjoni huwa soġġett għar-reġimi u r-rekwiżiti nazzjonali. Dawk ir-reġimi huma ddifferenzjati ħafna u d-ditti awtorizzati skonthom ma jgawdux il-libertà li jipprovdu servizzi u d-dritt ta' stabbiliment f'Stati Membri oħra għajr dak fejn huma stabbiliti. Huwa xieraq li jiġi introdott qafas regolatorju komuni fil-livell tal-Unjoni. Ir-reġim għandu jarmonizza l-qafas frammentat eżistenti, jiżgura ċ-ċertezza u t-trattament uniformi tad-ditti minn pajjiżi terzi li jaċċessaw l-Unjoni, jiżgura li tkun twettqet valutazzjoni tal-ekwivalenza effettiva mill-Kummissjoni fir-rigward tal-qafas prudenzjali u ta' kondotta tan-negozju tal-pajjiżi terzi u għandu jipprovdi għal livell paragunabbli ta' protezzjoni għall-klijenti fl-Unjoni li jirċievu servizzi minn ditti minn pajjiżi terzi.

Fl-applikazzjoni tar-reġim, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-oqsma koperti mill-impenji tal-G-20 u l-ftehimiet mal-akbar sħab ta' negozjar tal-Unjoni u għandhom jagħtu każ ir-rwol ċentrali li għandha l-Unjoni fis-swieq finanzjarji dinjin u jiżguraw li l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' pajjiżi terzi ma tipprevenix lill-investituri u l-emittenti tal-Unjoni milli jinvestu f'finanzjament jew jakkwistawh minn pajjiżi terzi jew investituri u emittenti ta' pajjiżi terzi milli jinvestu, jiġġeneraw kapital jew jakkwistaw servizzi finanzjarji oħra fis-swieq tal-Unjoni sakemm dak mhuwiex meħtieġ għal raġunijiet prudenzjali oġġettivi u msejsa fuq l-evidenza. Fit-twettiq tal-valutazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis l-Objettivi u l-Prinċipji tar-regolament dwar it-Titoli tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) u tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, kif emendati u interpretati mill-IOSCO.

Fejn ma tista' tittieħed deċiżjoni li tiddetermina l-ekwivalenza effettiva, il-provvista ta' servizzi minn ditti minn pajjiżi terzi fl-Unjoni tibqa' suġġetta għar-reġimi nazzjonali. Il-kummissjoni għandha tniedi il-valutazzjoni tal-ekwivalenza fuq inizjattiva tagħha. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jindikaw l-interess tagħhom li ċertu pajjiż terz jew ċerti pajjiżi terzi jkunu suġġetti għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza mwettqa mill-Kummissjoni, mingħajr ma dawn l-indikazzjonijiet jkunu jorbtu lill-Kummissjoni li tibda l-proċess ta' ekwivalenza. Il-valutazzjoni tal-ekwivalenza għandha tkun ibbażata fuq l-eżitu; hija għandha tivvaluta sa liema punt il-qafas regolatorju u superviżorju rispettiv ta' pajjiżi terzi jikseb effetti regolatorji simili u adegwati u sa liema punt dan jissodisfa l-istess għanijiet bħal-liġi tal-Unjoni. Meta tibda dawk il-valutazzjonijiet ta' ekwivalenza, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipprijoritizza fost il-ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi billi tqis ir-relevanza tal-eżitu tal-ekwivalenza għad-ditti u l-klijenti tal-Unjoni, l-eżistenza ta' ftehimiet ta' superviżjoni u ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiż terz u l-Istati Membri, l-eżistenza ta' sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent tad-ditti tal-investiment awtorizzati skont reġimi barranin, kif ukoll l-interess u r-rieda tal-pajjiż terz li jieħdu sehem fil-proċess ta' valutazzjoni tal-ekwivalenza. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja kwalunkwe tibdil sinifikanti fil-qafas regolatorju u superviżorju tal-pajjiż terz u tirrivedi d-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, meta jkun il-każ.

(42) Taħt dan ir-Regolament, il-forniment ta' servizzi mingħajr fergħat għandu jkun limitat għal kontropartijiet eliġibbli u għall-klijenti professjonali per se. Għandu jkun soġġett għal reġistrazzjoni mill-ESMA u superviżjoni fil-pajjiż terz. Għandu jkun hemm arranġamenti xierqa ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż terz.

(43) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament li jirregolaw il-forniment ta' servizzi jew twettiq ta' attivitajiet minn ditti minn pajjiżi terzi ma għandux jaffettwa l-possibbiltà li persuni stabbiliti fl-Unjoni jirċievu servizzi ta' investiment minn ditta minn pajjiż terz fuq inizjattiva esklussiva tagħhom jew li ditti tal-investiment tal-Unjoni jew istituzzjonijiet ta' kreditu jirċievu servizzi jew attivitajiet ta' investiment minn ditta minn pajjiż terz fuq inizjattiva esklussiva tagħhom stess jew li klijent jirċievi servizzi ta' investiment minn ditta minn pajjiż terz fuq inizjattiva esklussiva tiegħu stess permezz tal-medjazzjoni ta' tali istituzzjoni tal-kreditu jew ditta tal-investiment. Meta ditta minn pajjiż terz tipprovdi servizzi fuq inizjattiva esklussiva ta' persuna stabbilita fl-Unjoni, is-servizzi m'għandhomx jitqiesu li ngħataw fit-territorju tal-Unjoni. Meta ditta minn pajjiż terz tissolleċita klijenti jew klijenti potenzjali fl-Unjoni jew tippromwovi jew tirriklama servizzi jew attivitajiet ta' investiment flimkien ma servizzi anċillari fl-Unjoni, dawn ma għandhomx jitqiesu bħala servizz ipprovdut fuq l-inizjattiva esklussiva tal-klijent.

(44) Fir-rigward tar-rikonoxximent ta' ditti minn pajjiżi terzi, u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont ir-regolament li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, inkluż il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, deċiżjonijiet li jiddeterminaw li l-oqsfa regolatorji u superviżorji ta' pajjiżi terzi jkunu ekwivalenti għall-qafas regolatorji u superviżorji tal-Unjoni għandhom jiġu adottati biss jekk il-qafas ġuridiku u superviżorju tal-pajjiż terz tipprevedi sistema ekwivalenti effikaċi għar-rikonoxximent ta' ditti tal-investimentkontropartijiet taħt sistemi legali barranin f'konformità, fost l-oħrajn, mal-objettivi u mal-istandards regolatorji ġenerali stabbiliti mill-G-20 f'Settembru 2009 għat-titjib tat-trasparenza fis-swieq tad-derivati, għat-taffija tar-riskji sistemiċi u l-protezzjoni kontra l-abbuż tas-suq. Tali sistema għandha titqies bħala ekwivalenti jekk tiżgura li r-riżultat sostanzjali tal-qafas regolatorju applikabbli jkun simili għar-rekwiżiti tal-Unjoni, u għandha titqies bħala effikaċi jekk dawk ir-regoli jkunu qed jiġu applikati b'mod konsistenti.

(45) Seħħet firxa ta' prattiki frawdalenti fis-swieq sekondarji spot tal-kwoti tal-emissjonijiet (EUA) li tista' thedded il-fiduċja fl-iskemi ta' negozjar tal-emissjonijiet, stabbiliti mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u qed jittieħdu miżuri sabiex tissaħħaħ is-sistema tar-reġistri tal-EUA u l-kondizzjonijiet biex jinfetaħ kont fil-kummerċ tal-EUAs. Sabiex tissaħħaħ l-integrità u jitħares il-funzjonament effiċjenti ta' dawk is-swieq, fosthom superviżjoni komprensiva tal-attività tan-negozjar, huwa xieraq li l-miżuri meħuda skont id-Direttiva

([1]) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

2003/87/KE jiġu komplimentati billi l-kwoti tal-emissjonijiet jinġiebu kompletament taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2014/65/UE, kif ukoll tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u tad-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) billi jiġu kklassifikati bħala strumenti finanzjarji.

(46) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. B'mod partikolari, l-atti ddelegati għandhom jiġu adottati fir-rigward tal-estensjoni tal-ambitu ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi, dettalji speċifiċi rigward id-definizzjonijiet, id-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ispejjeż għad-disponibbiltà tad-dejta tas-suq, aċċess għall-kwotazzjonijiet, id-daqsijiet li għalihom jew għal inqas minnhom ditta għandha tidħol fi tranżazzjonijiet ma' kwalunkwe klijent ieħor li lilu tkun disponibbli kwotazzjoni, kompressjoni tal-portafollu d-determinazzjoni ulterjuri ta' meta jkun jeżisti tħassib sinifikanti rigward il-protezzjoni tal-investitur jew theddid għall-protezzjoni tal-investitur, għall-funzjonament ordinat u għall-integrità tas-swieq finanzjarji, jew tas-swieq tal-komoditajiet jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha tal-Unjoni jew parti minnha jistgħu jiġġustifikaw azzjoni mill-ESMA, mill-EBA jew mill-awtoritajiet kompetenti, l-estensjoni tal-perjodu transitorju ta' dan ir-Regolament għal ċertu perjodu ta' żmien u fir-rigward tal-esklużjoni ta' skambju ta' derivattivi ta' kummerċ mill-ambitu ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal ċertu perjodu ta' żmien. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(47) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, lill-Kummissjoni għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ekwivalenza fir-rigward ta' oqfsa legali u ta' superviżjoni ta' pajjiżi terzi għall-forniment ta' servizzi minn ditti minn pajjiżi terzi jew ċentri tan-negozjar ta' pajjiż terz, għall-iskop li tiġi determinata l-eliġibbiltà bħala ċentri tan-negozjar għad-derivati soġġetti għall-obbligu tan-negozjar, u ta' aċċess għal CCPs ta' pajjiżi terzi u ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi għal ċentri tan-negozjar u CCPs stabbiliti fl-Unjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(48) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbilit rekwiżiti uniformi relatati ma' strumenti finanzjarji rigward l-iżvelar ta' dejta tan-negozju, ir-rappurtar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, in-negozjar ta' dervivati f'ċentri organizzati, l-aċċess non-diskriminatorju għas-CCPs, għaċ-ċentri tan-negozjar u lpunti referenzjarji, is-setgħat ta' intervenzjoni tal-prodott u s-setgħat dwar il-ġestjoni tal-pożizzjoni u l-limiti tal-pożizzjoni, il-provvista ta' servizzi jew attivitajiet ta' investiment minn ditti minn terzi pajjiżi ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, għax, minkejja li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali qegħdin f'pożizzjoni aħjar sabiex jimmonitorjaw l-iżviluppi tas-suq, l-impatt kumplessiv tal-problemi relatati mat-trasparenza tan-negozjar, ir-rapportar tat-tranżazzjonijiet, in-negozjar tad-derivati, u l-projbizzjonijiet ta' prodotti u prattiki jista' jiġi stmat kompletament biss fil-kuntest tal-Unjoni sħiħa, iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell tal-Unjoni; l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jikseb dawn l-għanijiet.

(49) L-ebda azzjoni meħuda minn xi awtorità kompetenti jew l-ESMA fit-twettiq tad-doveri tagħhom m'għandha, direttament jew indirettament, tiddiskrimina kontra xi Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri bħala ċentru għall-provvista ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment fi kwalunkwe munita. L-ebda azzjoni meħuda mill-ABE fit-twettiq tad-doveri tagħha m'għandha, direttament jew indirettament, tiddiskrimina kontra xi Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri.

(50) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw protezzjoni adegwata għad-depożitaturi, l-investituri u l-konsumaturi madwar l-Unjoni. Bħala korp b'kompetenzi speċjalizzati ferm, ikun effiċjenti u xieraq li tiġi fdata l-ESMA, bl-elaborazzjoni ta' abbozz ta' standards regolatorji u standards tekniċi li ma jinvolvux għażliet politiċi, għas-sottomissjoni għand il-Kummissjoni.

([1]) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar abbuż tas-suq (regolament tal-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 15 ta' Mejju 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għall-abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ara paġna 179 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(51) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA rigward il-karatteristiċi preċiżi tar-rekwiżiti ta' trasparenza tal-kummerċ, rigward l-operazzjonijiet ta' politika monetarja, tal-kambju u ta' stabbilita' finazjarja u t-tipi ta' dawk it-tranżazzjonijiet li huma rilevanti taħt dan ir-Regolament, rigward il-kundizzjonijiet dettaljati għall-eżenzjonijiet mit-trasparenza qabel in-negozju, rigward l-arranġamenti ta' pubblikazzjoni differiti ta' wara n-negozjar, rigward l-obbligu li d-dejta ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar issir disponibbli għall-pubbliku b'mod separat, rigward il-kriterji għall-applikazzjoni tal-obbligi ta' trasparenza qabel in-negozjar għall-internalizzaturi sistematiċi, rigward id-divulgazzjoni ta' wara n-negozjar, rigward il-kontenut u l-frekwenza tat-talbiet ta' dejta għall-għoti ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u kalkoli oħra, rigward it-tranżazzjonijiet li ma jikkontribwixxux għall-proċess tal-iskoperta tal-prezzijiet, rigward id-dejta tal-ordnijiet li tridu tinżamm, rigward il-kontenut u l-ispeċifikazzjonijiet tar-rapporti ta' tranżazzjoni, rigward il-kontenut u l-ispeċifikazzjoni ta' dejta ta' referenza tal-istrument, l-Artikolu 28 rigward it-tipi ta' kuntratti li għandhom effett dirett, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u l-każijiet fejn huwa meħtieġ l-obbligu tan-negozjar tad-derivati, rigward il-ħtiġiet għall-sistemi u proċeduri biex jiġi żgurat li tranżazzjonijiet f'derivati ikklerjati jiġu ppreżentati u aċċettati għall-ikklerjar, li jispeċifikaw it-tipi ta' arranġamenti indiretti ta' servizz ta' kklerjar„ u rigward direttivi li huma soġġetti għall-obbligu ta' negozjar f'ċentri organizzati tan-negozjar, fir-rigward tal-aċċess mhux diskriminatorju għal CCP u għal ċentru tan-negozjar, rigward l-aċċess mhux diskriminatorju għal punti referenzjarji u l-obbligu li jingħataw liċenzja, u dwar l-informazzjoni li d-ditta applikanti minn pajjiż terz għandha tipprovdi lill-ESMA fl-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(52) L-Artikolu 95 tad-Direttiva 2014/65/UE jipprevedi eżenzjoni temporanja għal ċerti kuntratti ta' derivati fuq prodotti tal-enerġija C6. Huwa għalhekk meħtieġ li l-istandards tekniċi li jispeċifikaw l-obbligu tal-ikklerjar żviluppati mill-ESMA u skont l-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 iqisu dan u ma jimponux obbligu tal-ikklerjar fuq kuntratti ta' derivati li sussegwentement ikunu suġġett għal eżenzjoni tranżizzjonali għal kuntratti ta' derivati fuq prodotti tal-enerġija C6.

(53) L-applikazzjoni tar-rekwiżiti f'dan ir-Regolament għandha tiġi differita sabiex tallinja l-applikabbiltà mal-applikazzjoni tar-regoli trasposti tad-Direttiva riformulata u sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri ta' implimentazzjoni essenzjali kollha. Imbagħad, il-pakkett regolatorju sħiħ għandu jiġi applikat mill-istess mument. L-applikazzjoni tas-setgħat għall-miżuri ta' implimentazzjoni biss ma għandhiex tiġi differita sabiex il-passi neċessarji għall-abbozzar u l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni jkunu jistgħu jibdew malajr kemm jista' jkun.

(54) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonnoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8), il-libertà li jitwettaq negozju (l-Artikolu 16), id-dritt għall-protezzjoni tal-konsumaturi (l-Artikolu 38), id-dritt għal rimedju effettiv u smigħ ġust (l-Artikolu 47), u d-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat (l-Artikolu 50), u għandu jiġi applikat skont dawn dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(55) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u wassal opinjoni fl-10 ta' Frar 2012 ([1]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti unifirmi rigward dawn li ġejjin:

(a) divulgazzjoni ta' dejta tan-negozjar lill-pubbliku;

(b) rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti;

([1]) ĠU C 147, 25.5.2012, p. 1.

(c) negozjar ta' derivati f'ċentri organizzati;

(d) aċċess nondiskriminatorju għall-ikklerjar u aċċess nondiskriminatorju għan-negozjar f'punti referenzjarji;

(e) setgħat ta' intervent fil-prodott mill-awtoritajiet kompetenti, l-ESMA u l-EBA u setgħat tal-ESMA fuq il-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet u l-limiti tal-pożizzjonijiet;

(f) forniment ta' servizzi jew attivitajiet ta' investiment minn ditti minn pajjiż terzi wara deċiżjoni ta' ekwivalenza applikabbli mill-Kummissjoni b'fergħa jew mingħajrha.

2. Dan ir-Regolament japplika għad-ditti tal-investiment awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE u l-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) meta jipprovdu servizzi ta' investiment wieħed jew aktar u/jew meta jwettqu attivitajiet ta' investimenti u operaturi tas-swieq inkluż kwalunkwe ċentru tan-negozjar li joperaw.

3. It-Titolu V ta' dan ir-Regolament japplika wkoll għall-kontropartijiet finanzjarji kollha kif speċifikat fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u għall-kontropartijiet mhux finanzjarji kollha li jaqgħu taħt l-Artikolu 10(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

4. It-Titolu VI ta' dan ir-Regolament japplika wkoll għal CCPs u l-persuni bi drittijiet propretarji għall-punti ta' referiment.

5. It-Titolu VIII ta' dan ir-Regolament japplika għal ditti ta' pajjiżi terzi li jipprovdu servizzi ta' investiment jew attivitajiet fl-Unjoni b'segwitu għal deċiżjoni tal-ekwivalenza mill-Kummissjoni b'fergħa jew mingħajr fergħa.

6. L-Artikoli 8, 10, 18 u 21 m'għandhomx japplikaw għal swieq regolati, operaturi tas-suq u diiti tal-investiment fir-rigward ta' tranżazzjoni meta l-kontroparti tkun membru tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u fejn dik it-tranżazzjoni tkun imdaħħla fit-twettiq ta' politika monetarja, tal-kambju u ta' stabilità finanzjarja li dak il-membru tas-SEBĊ ikollu s-setgħa legali li jsegwi u fejn dak il-membru jkun ta notifika minn qabel lil dik il-kontroparti li t-trażazzjoni hija eżentata.

7. Il-paragrafu 6 m'għandux japplika fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jkunu saru minn kwalunkwe membru tas-SEBĊ fit-twettiq tal-operazzjonijiet ta' investiment tagħhom.

8. L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tfassal abbozz ta' standards tekniċi regolatorji fejn jiġu speċifikati l-operazzjonijiet ta' politika monetarja, tal-kambju u ta' stabilità finanzjarja u t-tipi ta' tranżazzjonijiet li għalihom japplikaw il-paragrafi 6 u 7.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015:

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

9. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 6 għal banek ċentrali oħrajn.

([1]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Ġunju 2015, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn jiġi vvalutat it-trattament tat-tranżazzjonijiet minn banek ċentrali ta' pajjiżi terzi, li għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jinkludu l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali. Ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-kompiti statitorji tagħhom u l-volumi ta' kummerċ tagħhom fl-Unjoni. Ir-rapport għandu:

(a) jidentifika dispożizzjonijiet applikabbli fil-pajjiżi terzi rilevanti rigward id-divulgazzjoni regolatorja ta' tranżazzjonijiet ta' bank ċentrali, inklużi tranżazzjonijiet magħmula minn membri tas-SEBĊ f'dawk il-pajjiżi terzi, u

(b) jevalwaw l-impatt potenzjali li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni regolatorha fl-Unjoni jista' jkollhom fuq it-tranżazzjonijiet ta' bank ċentrali ta' pajjiż terz.

Jekk ir-rapport jikkonkludi li l-eżenzjoni pprovduta fil-paragrafu 6 mhijiex neċessarja fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fejn il-kontroparti tkun bank ċentrali ta' pajjiż terz li jkun qed iwettaq politika monetarja, skambju u operazzjonijiet ta' stabilità finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tipprovdi li dik l-eżenzjoni tapplika għal dak il-bank ċentrali ta' pajjiż terz.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ditti tal-investiment" tfisser ditta ta' investiment kif definit fl-Artikolu 4(1)(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(2) 'servizzi u attivitajiet ta'investiment' tfisser servizzi ta' investiment u attivitajiet definiti fl-Artikolu 4(1)(2) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(3) 'servizzi anċillari' tfisser is-servizzi anċillari kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(3) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(4) 'eżekuzzjoni tal-ordnijiet f'isem il-klijenti' tfisser eżekuzzjoni f'isem il-klijenti kif definit fl-Artikolu 4(1)(5) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(5) 'in-negozjar akkont tagħhom infushom' ifisser jitratta fuq kont tiegħu kif definit fl-Artikolu 4(1)(6) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(6) 'ġeneratur tas-suq' tfisser ġeneratur tas-suq kif definit fl-Artikolu 4(1)(7) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(7) 'klijent' tfisser klijent kif definit fl-Artikolu 4(1)(9) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(8) 'klijent professjonali' ifisser klijent professjonali kif definit fl-Artikolu 4(1)(10) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(9) 'strument finanzjarju' tfisser strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1)(15) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(10) 'operatur tas-suq' tfisser operatur tas-suq kif definit fl-Artikolu 4(1)(18) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(11) 'sistema multilaterali' tfisser sistema multilaterali kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)(19) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(12) 'internalizzatur sistematiku' ifisser internalizzatur sistematiku kif definit fl-Artikolu 4(1) u (20) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(13) 'suq regolat' tfisser suq regolat kif definit fl-Artikolu 4(1)(21) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(14) 'facilità multilaterali tan-negozjar' jew 'MTF' tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar kif definit fl-Artikolu 4 (1)(22) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(15) 'faċilità organizzata tan-negozjar' jew 'OTF' tfisser faċilità organizzata tan-negozjar kif definit fl-Artikolu 4(1)(23) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(16) 'ċentru tan-negozjar' tfisser post tal-kummerċ kif definit fl-Artikolu 4(1)(24) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(17) 'suq likwidu' jfisser:

(a) għall-finijiet tal-Artikoli 9, 11u 18, suq għal strument finanzjarju jew klassi ta' strumenti finanzjarji, fejn ikun hemm xerrejja u bejjiegħa lesti u lesti fuq bażi kontinwa, u fejn is-suq jiġi valutat skont il-kriterji li ġejjin, b'kont konsiderazzjoni l-istrutturi speċifiċi tas-suq tal-istrument finanzjarju partikolari jew tal-klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji:

(i) il-frekwenza medja u d-daqs ta' tranżazzjonijiet fuq firxa ta' kundizzjonijiet tas-suq, b'kont meħud tan-natura u l- ħajja tal-prodotti fil- klassi ta' strument finanzjarju;

(ii) in-numru u tip ta' parteċipanti tas-suq, inkluż il-proporzjon ta' parteċipanti fis-suq nnegozjati strumenti finanzjarji fi prodott partikolari;

(iii) id-daqs medju ta' spreads, fejn disponibbli;

(b) għall-finijiet tal-Artikoli 4, 5 u 14, suq għal -istrument finanzjarju li jkun innegozjat kuljum u fejn is-suq ikun ivvalutat skont il-kriterji li ġejjin:

(i) il-flotazzjoni libera;

(ii) l-għadd medju ta' tranżazzjonijiet ta' kuljum f'dawk l-istrumenti finanzjarji;

(iii) il-fatturat medju ta' kuljum għal dawk l-istrumenti finanzjarji;

(18) 'awtorità kompetenti' tfisser awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 2(1)(26) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(19) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill [1];

(20) 'fergħa' tfisser fergħa kif definita fl-Artikolu 4(1)(30) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(21) 'rabtiet mill-qrib' tfisser rabtiet mill-qrib kif definiti fl-Artikolu 4(1)(35) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(22) 'korp maniġerjali' tfisser korp maniġerjali kif definit fl-Artikolu 4(1)(36) tad-Direttiva 2014/65/UE;

[1] Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(23) 'depożitu strutturat' tfisser depożitu strutturat kif definit fl-Artikolu 4(1)(43) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(24) 'titoli trasferibbli' tfisser titoli trasferibbli kif definiti fl-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(25) 'ċertifikati ta' depożitu' tfisser l-irċevuti depożitarji kif definit fl-Artikolu 4(1)(45) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(26) 'fond innegozjat bi skambju' jew 'ETF' tfisser fond innegozjat fil-boroż kif definit fl-Artikolu 4(1)(46) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(27) 'ċertifikati' tfisser dawk it-titoli li huma negozjabbli fis-suq kapitali u li fil-każ ta' ħlas lura ta' investiment mill-emittent huma kklassifikati fuq ishma iżda taħt strumenti tal-bonds mhux garantiti u strumenti simili oħra;

(28) 'prodotti strutturati ta' finanzjar' tfisser dawk it-titoli maħluqa sabiex jittitolizzaw u jittrasferixxu r-riskju ta' kreditu assoċjat ma' pula ta' assi finanzjarji li jintitolaw lid-detentur tat-titoli biex jirċievi ħlasijiet regolari li jiddependu fuq il-fluss tal-flus mill-assi sottostanti;

(29) 'derivati' tfisser dawk l-istrumenti finanzjarji definiti fil-punt (44)(c) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, u msemmija fl-Anness I, Taqsima C (4) sa (10) tagħha;

(30) 'derivati ta' komoditajiet' tfisser dawk l-istrumenti finanzjarji definiti fil-punt (44)(c) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE relatati ma' komodità jew sottostanti msemmija fit-Taqsima C(10) tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE, jew fil-punti (5), (6), (7) u (10) tat-Taqsima C tal-Anness I tagħha;

(31) 'CCP' tfisser CCP fis-sens tal-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(32) 'derivat negozjat fil-borża' tfisser derivat negozjat f'suq regolat jew f'suq ta' pajjiż terz meqjus bħala ekwivalenti għal suq regolat b'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, u li għaldaqstant ma jaqax fid-definizzjoni ta' derivat OTC kif definit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(33) 'indikazzjoni azzjonabbli tal-interess' tfisser messaġġ minn membru jew parteċipant għal ieħor fi ħdan sistema ta' negozjar fir-rigward ta' interess ta' negozjar disponibbli li fih l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex isir ftehim fuq negozjar;

(34) 'arranġament approvat għall-pubblikazzjoni' jew 'APA' tfisser arranġament approvat għall-pubblikazzjoni kif definit fl-Artikolu 4 (1)(52) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(35) 'fornitur ta' tape konsolidat' jew 'CTP' tfisser fornitur ta' tape konsolidat kif imfisser fl-Artikolu 4(1)(53) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(36) 'mekkaniżmu ta' rapportar approvat' jew 'ARM' tfisser mekkaniżmu rapportar approvati kif definit fl-Artikolu 4(1)(54) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(37) 'Stat Membru tad-domiċilju' tfisser Stat Membru tad-domiċilju kif definit fl-Artikolu 4(1)(55) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(38) 'Stat Membru ospitanti' tfisser Stat Membru ospitanti kif definit fl-Artikolu 4(1)(56) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(39) 'punt ta' referenza' tfisser kwalunkwe rata, indiċi jew figura, disponibbli għall- pubbliku jew ippubblikati li huwa perjodikament jew regolarment determinata mill- applikazzjoni ta' formula għal, jew fuq il- bażi tal-valur ta' wieħed jew aktar sottostanti assi jew prezzijiet, inklużi prezzijiet stimati, rati attwali jew stmati ta' imgħax jew valuri oħra, jew stħarriġ u li b'referenza għalihom tiġi determinata l-ammont pagabbli skont strument finanzjarju jew il-valur ta' strument finanzjarju.

(40) 'arranġament tal-interoperabilità' tfisser arranġament tal-interoperabilità kif definiti fl-Artikolu 2(12) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(41) "istituzzjoni finanzjarja' pajjiż terz' tfisser entità, l-uffiċċju prinċipali tagħhom hija stabbilita f'pajjiż terz, li hija awtorizzata jew liċenzjata taħt il- liġi ta' dak il-pajjiż terz biex iwettaq kwalunkwe mis-servizzi jew l-attivitajiet elenkati fid-Direttiva 2013/36/UE, id-Direttiva2014/65/UE, id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill ([4]);

(42) 'ditta ta' pajjiż terz' tfisser ditta ta' pajjiż terz kif definit fl -Artikolu 4(1)(57) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(43) 'prodott tal-enerġija bl-ingrossa' tfisser prodotti tal-enerġija bl-ingrossa kif definit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill ([5]);

(44) 'derivattivi tal-komoditajiet agrikoli' tfisser kuntratti derivattivi relatati ma' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 ta', u l-Anness I, Partijiet I sa XX u XXIV/1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(45) 'frammentazzjoni tal-likwidità' tfisser sitwazzjoni li fiha:

(a) parteċipanti f'ċentru tan-negozju ma jkunux jistgħu jikkonkludu tranżazzjoni ma' parteċipant wieħed jew iżjed f'dak iċ-ċentru minħabba n-nuqqas ta' arranġamenti tal-ikklerjar li jkollhom aċċess għalihom il-parteċipant kollha; jew

(b) membru tal-ikklerjar jew il-klijenti tiegħu jkunu mġiegħla jżommu l-pożizzjonijiet tagħhom fi strument finanzjarju f'iktar minn CCP waħda u dan ikun jillimita l-potenzjal għan-netting ta' skoperturi finanzjarji

(46) 'dejn sovran' tfisser dejn sovran kif definit fl-Artikolu 4(1)(61) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(47) 'kompressjoni tal-portafoll' tfisser servizz ta' tnaqqis ta' riskju fejn żewġ kontopartijiet jew iktar jitterminaw totalment jew parzjalment uħud mid-derivati jew id-derivati kollha ppreżentati minn dawk il-kontropartijiet għal inklużjoni fil-kompressjoni tal-portafoll u jissostitwixxu d-derivati tterminati b'derivat ieħor li l-valur nozzjonali kkombinat tiegħu jkun inqas mill-valur nozzjonali kkombinat tad-derivati tterminati.

---

([1]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([2]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([3]) Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

([4]) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers Fond u temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

([5]) Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità tas-swieq tal-enerġija u t-trasparenza (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

([6]) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li j jispeċifikaw ċerti elementi tekniċi tad-definizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 biex taġġusthom għall-iżviluppi tas-suq;

TITOLU II

## TRASPARENZA GĦAĊ-ĊENTRI TAN-NEGOZJAR

*KAPITOLU 1*

### *Trasparenza għas-strumenti ta' ekwità*

*Artikolu 3*

### Rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għaċ-ċentri ta' negozjar fir-rigward tal-ishma, l-irċevuti ta' depożiti, ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-prezzijiet attwali tal-offerti u l-intensità tal-interessi għan-negozjar b'dawk il-prezzijiet li huma reklamati permezz tas-sistemi tagħhom għall-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra negozjati f'ċentru tan-negozjar. Dak ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għall-indikazzjoni azzjonabbli tal-interessi. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu dik l-disponibbli għall-pubbliku fuq bażi kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar.

2. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kkalibrati għal tipi differenti ta' sistemi ta' negozjar inklużi s-sistemi tar-reġistru tal-ordnijiet, dawk immotivati mill-kwotazzjonijiet, dawk ibridi u s-sistemi ta' nnegozjar b'irkanti perjodiċi.

3. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħtu aċċess, b'termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi nondiskriminatorja, għall-arranġamenti li jużaw sabiex irendu pubblika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lid-ditti tal-investiment li huma obbligati jippubblikaw il-kwotazzjonijiet tagħhom f'ishma, l-irċevuti ta' depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra skont l-Artikolu 14.

*Artikolu 4*

### Eżenzjonijiet għall-istrumenti tal-ekwità

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar mill-obbligu li jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) għal:

(a) sistemi ta' tqabbil tal-ordnijiet ibbażati fuq metodoloġija ta' negozjar li bihom il-prezz tal-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 3(1) jiġi dderivat miċ-ċentru tan-negozjar fejn dak l-istrument finanzjarju kien għall-ewwel darba ammess għan-negozjar jew l-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità, fejn dak il-prezz referenzjarju huwa ppubblikat fil-wisa' u huwa meqjus mill-parteċipanti tas-suq bħala prezz referenzjarju affidabbli. L-użu kontinwu ta' dik l-eżenzjoni għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5.

(b) sistemi li jifformalizzaw tranżazzjonijiet negozjati li:

(i) jitwettqu fil-firxa ppeżata ta' volum attwali riflessa fir-reġistru tal-ordnijiet jew fil-kwotazzjonijiet tal-ġeneraturi tas-suq taċ-ċentru tan-negozjar li jopera dik is-sistema. Dawn huma suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5; jew

(ii) ikunu f'ishma, irċevuti tad-depożitu, ETF, ċertifikati jew strumenti finanzjarji simili oħra illikwidi li ma jaqgħux fit-tifsira ta' suq likwidu, u li jkunu nnegozjati f'perċentwal ta' prezz referenzjarju adegwat, liema perċentwal u prezz referenzjarju huma ddeterminati minn qabel mill-operatur tas-sistema; jew

(iii) huma soġġetti għal kondizzjonijiet barra minn dak tal-prezz tas-suq attwali ta' dak l-istrument finanzjarju;

(c) ordnijiet ta' skala kbira meta pparagunati mad-daqs normali tas-suq;

(d) ordnijiet miżmuma f'faċilità tal-ġestjoni tal-ordnijiet taċ-ċentru tan-negozjar sakemm jiġu ddivulgati.

2. Il-prezz referenzjarju msemmi fil-paragrafu 1(a) għandu jiġi stabbilit billi jinkiseb:

(a) il-punt medju tal-prezzijiet attwali tal-offerti tal-bejgħ u x-xiri taċ-ċentru tan-negozjar fejn dak l-istrument finanzjarju kien għall-ewwel darba ammess għan-negozjar jew l-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità; jew

(b) meta l-prezz imsemmi fil-punt (a) ma jkunx disponibbli, il-prezz tal-ftuħ u/jew tal-għeluq tas-sessjoni relevanti tan-negozjar.

L-ordnijiet għandhom jirreferu biss għall-prezz imsemmi fil-punt (b) barra l-fażi kontinwa ta' nnegozjar tas-sessjoni relevanti ta' negozju.

3. Meta ċ-ċentri tan-negozjar joperaw sistemi li jifformalizzaw it-tranżazzjonijiet negozjati skont il-paragrafu 1(b)(i):

(a) dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jitwettqu skont ir-regoli taċ-ċentru tan-negozjar;

(b) iċ-ċentru tan-negozjar għandu jiżgura li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti, sistemi u proċeduri biex jipprevjenu jew jidentifikaw abbuż tas-suq jew tentattiv ta' abbuż tas-suq fir-rigward ta' tali tranżazzjonijiet negozjati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(c) iċ-ċentru tan-negozjar għandu jistabbilixxi, imantni u jimplimenta sistemi biex jinduna b'kull tentattiv li l-eżenzjoni tintuża biex jiġu evitati rekwiżiti oħrajn ta' dan ir-Regolament jew Direttiva 2014/65/UE u li jirrapporta dawn it-tentattivi lill-awtorità kompetenti.

Meta awtorità kompetneti tagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 1(b)(i) jew (iii), dik l-awtorità kompetenti għandha timmoniterja l-użu tal-eżenzjoni miċ-ċentru tan-ngeozjar biex tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-użu ta' din l-eżenzjoni jkunu rispettati.

4. Qabel ma tingħata eżenzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn dwar l-użu maħsub ta' kull eżenzjoni individwali u jipprovdu spjegazzjoni rigward il-funzjonament tagħha, inkluż id-dettalji tas-suq regolat fejn il-prezz ta' referenza huwa stabbilit kif imsemmi fil-paragrafu 1(a). In-notifika tal-intenzjoni li tingħata eżenzjoni għandha ssir mhux inqas minn erba' xhur qabel id-data maħsuba biex tidħol fis-seħħ l-eżenzjoni. Fi żmien xahrejn wara r-riċevuta tan-notifika, l-ESMA għandha toħroġ opinjoni mhux vinkolanti għall-awtorità kompetenti inkwistjoni li fiha tivvaluta l-kompatibbiltà ta' kull eżenzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 6. Fejn l-awtorità kompetenti tagħti eżenzjoni u awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ma taqbilx, dik l-Awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lura lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u għandha tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati fil-prattika.

5. Awtorità kompetenti tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba minn awtorità kompetenti oħra, tirtira eżenzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1, kif speċifikat taħt il-paragrafu 6, jekk tosserva li l-eżenzjoni qed tintuża b'mod li jiddevja mill-għan oriġinali tagħha jew jekk temmen li l-eżenzjoni qed tintuża sabiex jiġu evitati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti oħra b'tali rtirar waqt li jagħtu raġunijiet sħaħ għad-deċiżjoni tagħhom.

6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw dan li ġej:

(a) il-firxa tal-prezzijiet tal-offerti tal-bejgħ u xiri jew tal-kwotazzjonijiet mingħand ġeneraturi tas-suq magħżula, u l-intensità tal-interess tan-negozjar b'dawk il-prezzijiet, li għandhom jiġu ppubblikati għal kull klassi ta' strument finanzjarju konċernat skont l-Artikolu 3(1), filwaqt li titqies il-kalibrazzjoni meħtieġa għat-tipi differenti ta' sistemi ta' negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 3(2);

(b) l-aktar suq rilevanti f'termini tal-likwidità ta' strument finanzjarju skont il-paragrafu 1(a);

(c) il-karatteristiċi speċifiċi ta' tranżazzjoni negozjata fir-rigward tal-modi differenti li l-membru jew il-parteċipant ta' ċentru tan-negozjar jista' jesegwixxi tali tranżazzjoni;

(d) it-tranżazzjonijiet negozjati li ma jikkontribwixxux għall-formazzjoni tal-prezzijiet u li jagħmlu użu mill-eżenzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1(b)(iii);

(e) id-daqs tal-ordnijiet li huma ta' skala kbira u t-tip u d-daqs minimu tal-ordnijiet miżmuma f'faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet ta' ċentru tan-negozjar sakemm jiġu ddivulgati, li għalihom tista' ssir eżenzjoni minn divulgazzjoni ta' qabel in-negozjar skont il-paragrafu 1 għal kull klassi ta' strument finanzjarju konċernat;

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. L-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 29(2) u l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2004/39/KE u l-Artikoli 18, 19 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 1287/2006 qabel it-3 ta' Jannar 2017 għandhom jiġu analizzati mill-ESMA sat-3 ta' Jannar 2019. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni għall-awtorità kompetenti inkwistjoni li fiha tivvaluta l-kompatibbiltà kontinwata ta' kull waħda minn dawn l-eżenzjonijiet mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u kwalunkwe att delegat u standard tekniku regolatorju bbażat fuq dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Mekkaniżmu għal-Limitazzjoni tal-Volum**

1. Sabiex ikun żgurat li l-użu tal-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b)(i) ma jagħmilx ħsara mhux dovuta lill-formazzjoni tal-prezzijiet, in-negozju f'dawk l-eżenzjonijiet huwa ristrett kif ġej:

(a) il-perċentwali ta' negozju fi strument finanzjarju mwettaq f'ċentru tan-negozjar skont dawk l-eżenzjonijiet għandu jkun limitat għal 4 % tal-volum totali tan-negozju f'dak l-istrument finanzjarju fiċ-ċentri kollha tan-negozjar madwar l-Unjoni matul il-perjodu preċedenti ta' 12-il xahar.

(b) in-negozju globali fil-livell tal-Unjoni fi strument finanzjarju mwettaq skont dawk l-eżenzjonijiet għandu jkun limitat għal 8 % tal-volum totali tan-negozju f'dak l-istrument finanzjarju fiċ-ċentri kollha tan-negozjar madwar l-Unjoni matul il-perjodu preċedenti ta' 12-il xahar.

Dak il-mekkaniżmu ta' limitazzjoni tal-volum m'għandux japplika għal tranżazzjonijiet innegozjati li jkunu f'sehem, irċevuta tad-depożitu, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor li għalihom m'hemmx suq likwidu kif determinat skont l-Artikolu 2(1)(17)(b) u li jkunu nnegozjati f'perċentwal ta' prezz referenzjarju adegwat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b)(ii), jew għal tranżazzjonijiet innegozjati li jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet li mhumiex il-prezz attwali tas-suq ta' dak l-istrument finanzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b)(iii).

2. Meta l-perċentwal ta' negozjar fi strument finanzjarju mwettaq f'ċentru tan-negozjar skont l-eżenzjonijiet ikun qabeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1(a), l-awtorità kompetenti li awtorizzat l-użu ta' dawk l-eżenzjonijiet minn dak iċ-ċentru għandha, fi żmien jumejn tax-xogħol, tissospendi l-użu tagħhom f'dak iċ-ċentru f'dak l-istrument finanzjarju bbażat fuq id-dejta ppubblikata mill-ESMA u msemmija fil-paragrafu 4, għal perjodu ta' 6 xhur.

3. Meta l-perċentwal ta' negozjar fi strument finanzjarju mwettaq fiċ-ċentri kollha tan-negozju madwar l-Unjoni skont dawk l-eżenzjonijiet ikun qabeż il-limitu msemmi fil-paragrafu 1(b), l-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom, fi żmien jumejn tax-xogħol, jissospendu l-użu ta' dawk l-eżenzjonijiet madwar l-Unjoni għal perjodu ta' 6 xhur.

4. L-ESMA għandha tippubblika, fi żmien 5 ijiem tax-xogħol fl-aħħar ta' kull xahar kalendarju, il-volum totali ta' negozjar fl-Unjoni għal kull strument finanzjarju fit-12-il xahar preċedenti, il-perċentwal tan-negozju fi strument finanzjarju mwettaq madwar l-Unjoni skont dawk l-eżenzjonijiet kif ukoll f'kull ċentru tan-negozjar fit-12-il xahar preċedenti, u l-metodoloġija li tintuża biex jinkisbu dawk il-perċentwali.

5. F'każ li r-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 jidentifika xi ċentru tan-negozjar fejn in-negozju fi kwalunkwe strument finanzjarju mwettaq skont dawn l-eżenzjonijiet ikun qabeż it-3,75 % tan-negozju totali tal-Unjoni f' dak l-istrument finanzjarju, abbażi tan-negozju fit-12-il xahar preċedenti, l-ESMA għandha tippubblika rapport addizzjonali fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-15-il ġurnata tax-xahar kalendarju li fih ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 jkun ippubblikat. Dak ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 4 fir-rigward ta' dawk l-istrumenti finanzjarji fejn it-3,75 % imsemmija hawnhekk ikunu nqabżu.

6. F'każ li r-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 jidentifika li n-negozju globali fl-UE fi kwalunkwe strument finanzjarju mwettaq skont dawn l-eżenzjonijiet ikun qabeż is-7,75 % tan-negozju totali tal-UE fl-istrument finanzjarju, abbażi tan-negozju fit-12-il xahar preċedenti, l-ESMA għandha tippubblika rapport addizzjonali fi żmien 5 ijiem tax-xogħol wara l-15-il ġurnata tax-xahar kalendarju li fih ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 jkun ippubblikat. Dak ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 4 fir-rigward ta' dawk l-istrumenti finanzjarji fejn is-7,75 % imsemmija hawnhekk ikunu nqabżu.

7. Sabiex tkun żgurata bażi affidabbli għall-monitoraġġ tan-negozju li jitwettaq skont dawk l-eżenzjonijiet u sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limiti msemmija fil-paragrafu 1 ikunux inqabżu, l-operaturi taċ-ċentri tan-negozju għandhom ikunu obbligati li jkollhom fis-seħħ sistemi u proċeduri sabiex:

(a) jippermettu l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet kollha tan-negozju li jkunu twettqu fiċ-ċentri tagħhom skont dawk l-eżenzjonijiet; kif ukoll

(b) jiggarantixxu li l-perċentwal tat-tranżazzjonijiet tan-negozju awtorizzat skont dawk l-eżenzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) ma jinqabeż fl-ebda ċirkustanza.

8. Il-perjodu għall-pubblikazzjoni tad-dejta dwar in-negozju mill-ESMA, u li għalih in-negozju fi strument finanzjarju skont dawk l-eżenzjonijiet għandu jiġi mmoniterjat, jibda jgħodd mit-3 ta' Jannar 2016. Bla ħsara għall-Artikolu 4(5), l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa jissospendu l-użu ta' dawk l-eżenzjonijiet mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament u minn dakinhar 'il quddiem fuq bażi ta' kull xahar.

9. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodu, inkluż l-immarkar tat-tranżazzjonijiet, li abbażi tiegħu tiġbor, tikkalkula u tippubblika d-dejta tat-tranżazzjoni, skont l-Artikolu 4, sabiex tipprovdi kejl preċiż tal-volum totali tan-negozju għal kull strument finanzjarju u l-perċentwali tan-negozju li jużaw dawk l-eżenzjonijiet madwar l-Unjoni u għal kull ċentru tan-negozjar.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont -Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negozjar għal ċentri tan-negozjar fir-rigward ta' ishma, irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra**

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-prezz, il-volum u l-ħin tat-tranżazzjonijiet imwettqa fir-rigward tal-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra negozjati f'ċentru tan-negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw id-dettalji tat-tranżazzjonijiet kollha bħal dawn fl-iktar ħin viċin għall-ħin reali teknikament possibbli.

2. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħtu aċċess, b'termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi nondiskriminatorja, għall-arranġamenti li jużaw sabiex irendu pubblika l-informazzjoni skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu lid-ditti tal-investiment li huma obbligati jippubblikaw id-dettalji tat-tranżazzjonijiet tagħhom f'ishma, l-irċevuti ta' depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra skont l-Artikolu 20.

*Artikolu 7*

**Awtorizzazzjoni ta' pubblikazzjoni differita**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar biex jipprovdu pubblikazzjoni differita tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet abbażi tat-tip jew id-daqs tagħhom.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-pubblikazzjoni differita fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li huma ta' daqs kbir meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq għal dak is-sehem, l-irċevuta tad-depożitu, l-ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor jew dik il-klassi tas-sehem, tal-irċevuta tad-depożitu, tal-ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor.

L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jiksbu l-approvazzjoni minn qabel mingħand l-awtorità kompetenti tal-arranġamenti proposti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita, u għandhom jiddivulgaw b'mod ċar dawk l-arranġamenti lill-parteċipanti tas-suq u lill-pubbliku. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita u għandha tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar jiġu applikati fil-prattika.

Fejn l-awtorità kompetenti tawtorizza pubblikazzjoni differita u awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ma taqbilx mad-differiment jew mal-applikazzjoni effettiva tal-awtorizzazzjoni mogħtija, dik l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwestjoni lura lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika dan li ġej b'mod li jippermetti l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 64 tad-Direttiva 2014/65/UE:

(a) id-dettalji ta' tranżazzjonijiet li ditti tal-investiment, inkluż l-internalizzaturi sistematiċi u l-operaturi tas-suq u ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat f'konformità mal-paragrafu 6(1), inklużi identifikaturi għat-tipi differenti ta' tranżazzjonijiet ippubblikati taħt l-Artikoli 6(1) u 20, li jiddistingwu bejn dawk determinati minn fatturi marbuta primarjament mal-valutazzjoni tal-istrumenti u dawk determinati minn fatturi oħra;

(b) il-limitu taż-żmien li jkun determinat f'konformità mal-obbligu tal-pubblikazzjoni qrib il-ħin reali kemm jista' jkun, inkluż meta n-negozjar jitwettaq barra l-ħinijiet ordinarji tan-negozju.

(c) il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ditti tal-investimenti inklużi internalizzaturi sistematiċi u operaturi tas-suq u ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar biex jipprovdu pubblikazzjoni differita tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji kkonċernata f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 20(1);

(d) il-kriterji li jridu jiġu applikati meta jiġu deċiżi t-tranżazzjonijiet li għalihom, minħabba d-daqs tagħhom jew it-tip, inkluż il-profil tal-likwidità, tas-sehem, irċevuta tad-depożitu, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor involut, il-pubblikazzjoni differita hija permessa għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*KAPITOLU 2*

***Trasparenza għas-strumenti mhux tal- ekwità***

*Artikolu 8*

**Rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għal ċentri tan-negozjar fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjari strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati**

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-prezzijiet attwali tad-domanda u l-offerta u l-intensità tal-interessi ta' negozjar ta' dawk il-prezzijiet li huma rreklamati permezz tas-sistemi tagħhom għall-bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati negozjati f'ċentru tan-negozjar. Dak ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għall-indikazzjoni azzjonabbli tal-interessi. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu din l-disponibbli għall-pubbliku fuq bażi kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar. Dak l-obbligu tal-pubblikazzjoni ma japplikax għal dawn it-tranżazzjonijiet ta' derivati ta' kontropartijiet mhux finanzjarji li jistgħu oġġettivament jitkejlu bħala li jnaqqsu r-riskji li huma relatati direttament mal-attività kummerċjali jew mal-attività tal-iffinanzjar tat-teżor tal-kontroparti nonfinanzjarja jew ta' dak il-grupp.

2. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kkalibrati għal tipi differenti ta' sistemi ta' negozjar inklużi s-sistemi tar-reġistru tal-ordnijiet, dawk immotivati mill-kwotazzjonijiet, dawk ibridi sistemi ta' nnegozjar b'irkanti perjodiċi u sistemi ta' negozjar bil-vuċi.

3. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħtu aċċess, f'termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi nondiskriminatorja, għall-arranġamenti li jużaw sabiex jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu lid-ditti tal-investiment li huma obbligati jippubblikaw il-kwotazzjonijiet tagħhom f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati skont l-Artikolu 18.

4. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom, meta tingħata eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(1)(b), jippubblikaw għall-inqas prezz indikattiv għad-domanda u prezz indikattiv għall-offerta ta' qabel in-negozjar li huma qrib il-prezz tal-interessi għan-negozjar irreklamati permezz tas-sistemi tagħhom f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi adegwati fuq bażi kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar. Dawk l-arranġamenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni hija pprovduta fuq termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi mhux diskriminatorja.

*Artikolu 9*

**Eżenzjonijiet għall-istrumenti mhux tal-ekwità**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar mill-obbligu li jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) għal:

(a) ordnijiet ta' skala kbira meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq u ordnijiet miżmuma f'faċilità tal-ġestjoni tal-ordnijiet ta' ċentru tan-negozjar sakemm jiġu ddivulgati;

(b) l-indikazzjonijiet azzjonabbli tal-interess fit-talba għal kwotazzjoni u sistemi ta' negozjar bil-vuċi li huma akbar minn daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju, li jesponi lill-fornituri tal-likwidità għal riskju żejjed u li jieħu kont ta' jekk il-parteċipanti rilevanti tas-suq humiex investituri tal-bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa;

(c) derivati li mhumiex soġġetti għall-obbligu tan-negozjar speċifikat fl-Artikolu 28 u strumenti finanzjarji oħra li m'hemmx suq likwidu għalihom.

2. Qabel ma tingħata eżenzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn dwar l-użu maħsub ta' kull eżenzjoni individwali u jipprovdu spjegazzjoni rigward il-funzjonament tagħha. In-notifika tal-intenzjoni li tingħata eżenzjoni għandha ssir mhux inqas minn erba' xhur qabel id-data maħsuba biex tidħol fis-seħħ l-eżenzjoni. Fi żmien xahrejn wara r-riċevuta tan-notifika, l-ESMA għandha toħroġ opinjoni għall-awtorità kompetenti inkwistjoni li fiha tivvaluta l-kompatibbiltà tal-eżenzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 5. Fejn l-awtorità kompetenti tagħti eżenzjoni u awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor ma taqbilx, dik l-Awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lura lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati fil-prattika.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba minn awtoritajiet kompetenti oħra, jirtiraw eżenzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 jekk huma josservaw li l-eżenzjoni qed tintuża b'tali mod li tiddevja mill-għan oriġinali tagħha jew jekk huma jikkunsidraw li l-eżenzjoni qed tintuża biex jiġu evitati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti oħra b'tali rtirar mingħajr dewmien u qabel ma jidħol fis-seħħ, waqt li jagħtu raġunijiet sħaħ għad-deċiżjoni tagħhom.

4. L-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' ċentru ta' negozjar wieħed jew aktar li fih jiġu nnegozjati klassi ta' bonds, prodott finanzjarju strutturat, kwoti ta' emissjoni jew derivati tista', fejn il-likwidità ta' dik il-klassi ta' strumenti finanzjarji taqa' taħt limitu minimu speċifikat, tissospendi b'mod temporanju l-obbligi msemmija fl-Artikolu 8. Il-limitu speċifikat għandu jiġi ddefinit abbażi ta' kriterji oġġettivi speċifiċi għas-suq għall-istrument finanzjarju kkonċernat. In-notifika ta' tali sospensjoni temporanja għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt web tal-awtorità kompetenti rilevanti.

Is-sospensjoni temporanja għandha tkun valida għal perijodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti. Tali sospensjoni tista' tiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' mhux aktar minn tliet xhur kull darba jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni jibqgħu jkunu applikabbli. Meta s-sospensjoni temporanja ma tiġġeddidx wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.

Qabel ma tissospendi jew iġġedded is-sospensjoni temporanja skont dan il-paragrafu tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 8, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tgħarraf lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tagħti spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk fil-fehma tagħha, is-sospensjoni temporanja jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja ikunux ġustifikati f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji tekniċi li jispeċifikaw dan li ġej:

(a) il-parametri u l-metodi għall-kalkolu tal-limitu massimu tal-likwidità msemmi fil-paragrafu 4 b'rabta mal-istrument finanzjajru. Il-parametri u l-metodi għall-Istati Membri biex jikkalkulaw il-limitu massimu għandhom jiġu stabbiliti b'tali mod li meta jintlaħaq il-limitu massimu, huwa jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti fil-likwidità fiċ-ċentri kollha fl-Unjoni għall-istrument finanzjarju kkonċernat ibbażat fuq il-kriterji użati skont l-Artikolu 2(1)(17);

(b) il-firxa tal-prezzijiet tad-domanda u tal-offerta jew il-kwoti u l-intensità tal-interessi għan-negozjar f'dawk il-prezzijiet, jew offerta jew prezzijiet tal-offerta indikattivi ta' qabel in-negozjar li huma qrib tal-prezz tal-interess ta' negozjar, li għandha tiġi ppubblikata għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat f'konformità mal-Artikoli 8(1) u (4), filwaqt li titqies il-kalibrazzjoni meħtieġa għat-tipi differenti ta' sistemi ta' negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 8(2);

(c) id-daqs tal-ordnijiet li huma ta' skala kbira u t-tip u d-daqs minimu tal-ordnijiet miżmuma f'faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet sakemm jiġu ddivulgati, li jistgħu jkunu eżentati mid-divulgazzjoni qabel in-negozjar taħt il-paragrafu 1 għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat;

(d) id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1(b) u d-definizzjoni ta' talba għal kwotazzjoni u sistemi ta' negozjar bil-vuċi li d-divulgazzjoni tagħhom qabel in-negozjar tista' tiġi eżentata skont il-paragrafu 1;

Meta tiddetermina d-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju li jesponi lill-fornituri tal-likwidità għal riskju żejjed u li jieħu kont ta' jekk il-parteċipanti rilevanti tas-suq humiex investituri tal-bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa, f'konformità mal-paragrafu 1(b), l-ESMA għandha tqis il-fatturi li ġejjin:

(i) jekk, f'daqsijiet bħal dawn, il-fornituri tal-likwidità jkunux jistgħu jkopru r-riskji tagħhom;

(ii) fejn suq fl-istrument finanzjarju, jew klassi ta' strumenti finanzjarji, ikun jikkonsisti parzjalment minn investituri tal-bejgħ bl-imnut; il-valur medju tat-transazzjonijiet imwettqa minn dawk l-investituri;

(e) l-istrumenti finanzjarji jew il-klassijiet tal-istrumenti finanzjarji li mhemmx suq likwidu għalihom fejn id-divulgazzjoni ta' qabel in-negozjar tista' tiġi eżentata skont il-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negozjar għal ċentri tan-negozjar fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati**

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-prezz, il-volum u l-ħin tat-transazzjonijiet imwettqa fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw id-dettalji tat-transazzjonijiet kollha bħal dawn fl-iktar ħin viċin għall-ħin reali teknikament possibbli.

2. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħtu aċċess, f'termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi nondiskriminatorja, għall-arranġamenti li jużaw sabiex jippubblikaw l-informazzjoni skont il-paragrafu 1 lid-ditti tal-investimenti li huma obbligati jippubblikaw id-dettalji tat-transazzjonijiet tagħhom f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati skont l-Artikolu 21.

*Artikolu 11*

**Awtorizzazzjoni ta' pubblikazzjoni differita**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar biex jipprovdu pubblikazzjoni differita tad-dettalji tat-transazzjonijiet abbażi tad-daqs jew it-tip tat-transazzjoni.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-pubblikazzjoni differita fir-rigward ta'tranżazzjonijiet li:

(a) huma ta' daqs kbir meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq għal dak il-bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, jew għal dik il-klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat innegozjati f'ċentru tan-negozjar; jew

(b) huma relatati ma' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat li huwa nnegozjat f'ċentru tan-negozjar, jew klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat li huwa nnegozjat f'ċentru tan-negozjar li għalih m'hemmx suq likwidu;

(c) huma aktar minn daqs speċifiku għal dak il-bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, jew dik il-klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat innegozjati f'ċentru tan-negozjar, li jesponi lill-fornituri tal-likwidità għal riskju żejjed u li jieħu kont ta' jekk il-parteċipanti rilevanti tas-suq humiex investituri tal-bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa.

L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jiksbu l-approvazzjoni minn qabel mingħand l-awtorità kompetenti tal-arranġamenti proposti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita, u għandhom jiddivulgaw b'mod ċar dawk l-arranġamenti lill-parteċipanti tas-suq u lill-pubbliku. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita u għandha tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif jintużaw fil-prattika.

2. L-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' ċentru tan-negozjar wieħed jew aktar li fih jiġu nnegozjati klassi ta' bonds, prodott finanzjarju strutturat, kwoti ta' emissjoni jew derivati tista', fejn il-likwidità ta' dik il-klassi ta' strumenti finanzjarji taqa' taħt il-limitu minimu determinat f'konformità mal-metodoloġija kif imsemmija

fl-Artikolu 9(5)(a), tissospendi temporanjament l-obbligi msemmija fl-Artikolu 10. Dak il-limitu minimu għandu jiġi ddefinit abbażi ta' kriterji oġġettivi speċifiċi għas-suq għall-istrument finanzjarju kkonċernat. Tali sospensjoni temporanja għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti.

Is-sospensjoni temporanja għandha tkun valida għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti. Tali sospensjoni tista' tiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' mhux aktar minn tliet xhur kull darba jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni jibqgħu jkunu applikabbli. Fejn is-sospensjoni temporanja ma tiġġeddidx wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.

Qabel ma s-sospensjoni temporanja tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 10 tiġi sospiża jew imġedda, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tinnotifika lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tagħti spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk fil-fehma tagħha, is-sospensjoni temporanja jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja ikunux ġustifikati f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, flimkien ma' awtorizzazzjoni għal pubblikazzjoni differita:

(a) jitolbu l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta'tranżazzjoni jew dettalji ta' diversitranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew kombinazzjoni tagħhom, waqt il-perijodu tad-differiment;

(b) jippermettu n-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni individwali waqt perjodu estiż ta' differiment;

(c) jippermettu, fir-rigward tal-istrumenti mhux tal-ekwità li mhumiex dejn sovran, il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata waqt perjodu estiż ta' differiment;

(d) jippermettu, fir-rigward ta' strumenti ta' dejn sovran, il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata għal perjodu indefinit ta' żmien.

Fir-rigward tal-istrumenti tad-dejn sovran, il-punti (b) u (d) jistgħu jintużaw jew separatament jew konsekuttivament sakemm ladarba l-perjodu estiż tan-nonpubblikazzjoni tal-volum jiskadi, il-volumi jkunu jistgħu mbagħad jiġu ppubblikati f'forma aggregata.

Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji l-oħrajn kollha, meta l-perjodu tad-differiment jiskadi, id-dettalji pendenti tat-tranżazzjoni u d-dettalji kollha tat-tranżazzjonijiet fuq bażi individwali għandhom ikunu ppubblikati.

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji b'tali mod li tippermetti l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 64 tad-Direttiva 2014/65/UE biex jiġu speċifikati dawn li ġejjin:

(a) id-dettalji ta'tranżazzjonijiet li ditti tal-investiment, inkluż internalizzaturi sistematiċi, u l-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 10(1), inklużi identifikaturi għat-tipi differenti ta'tranżazzjonijiet ippubblikati taħt l-Artikoli 10(1) u 21(1), li jiddistingwu bejn dawk determinati minn fatturi marbuta primarjament mal-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u dawk determinati minn fatturi oħra;

(b) il-limitu taż-żmien li jkun determinat f'konformità mal-obbligu tal-pubblikazzjoni qrib il-ħin reali kemm jista' jkun, inkluż meta n-negozjar jitwettaq barra l-ħinijiet ordinarji tan-negozju;

(c) il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ditti tal-investiment, inkluż internalizzaturi sistematiċi, u operaturi tas-suq u ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar, biex jipprovdu pubblikazzjoni differita tad-dettalji tat-transazzjonijiet għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji kkonċernata f'konformità mal-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(4);

(d) il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta jkunu qed jiġu ddeterminati d-daqs u t-tip ta' tranżazzjoni li għaliha l-pubblikazzjoni ddiferita u l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta' tranżazzjoni, jew il-pubblikazzjoni ta' dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew in-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni b'riferenza partikolari l-awtorizzazzjoni għal estensjoni taż-żmien ta' differiment għal ċerti strumenti finanzjarji skont il-likwidità tagħhom, hija permessa skont il-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## *KAPITOLU 3*

## ***Obbligu li tiġi offruta dejta tan-negozjar fuq bażi kummerċjali separata u raġonevoli***

### *Artikolu 12*

### **Obbligu li d-dejta ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar issir disponibbli b'mod separat**

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikoli 3, 4 u 6 sa 11 billi joffru d-dejta tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar b'mod separat.

2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-offerta ta' dejta tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar, inkluż il-livell ta' diżaggregazzjoni tad-dejta li għandha ssir disponibbli għall-pubbliku kif imsemmmi fil-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

### *Artikolu 13*

### **Obbligu sabiex id-dejta ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar tkun disponibbli fuq bażi kummerċjali raġonevoli**

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikoli 3, 4 u 6 sa 11 fuq bażi kummerċjali raġonevoli u jiżguraw aċċess nondiskriminatorju għall-informazzjoni. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli mingħajr ħlas kwarta (15-il minuta) wara l-pubblikazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jiċċaraw x'jikkostittwixxi bażi kummerċjali raġonevoli sabiex l-informazzjoni ssir pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 1.

## TITOLU III

## TRASPARENZA GĦALL-INTERNALIZZATURI SISTEMATIĊI U GĦAD-DITTI TAL-INVESTIMENT LI JINNEGOZJAW OTC

### *Artikolu 14*

### **Obbligu għall-internalizzaturi sistematiċi li jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward tal-ishma, l-irċevuti ta' depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra**

1. Id-ditti tal-investiment għandhom jagħmlu pubbliku l-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' dawk l-ishma, l-irċevuti ta' depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u l-istrumenti finanzjajri simili oħra nnegozjati f'ċentru tan-negozjar u li għalihom huma internalizzaturi sistematiċi u dawk li għalihom hemm suq likwidu kif definit fl-Artikolu 2(7a)(b).

Fejn ma jkunx hemm suq likwidu għall-istrumenti finanzjarji msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-internalizzaturi sistematiċi għandhom, fuq talba, jiddivulgaw kwotazzjonijiet lill-klijenti tagħhom.

2. Dan l-Artikolu u l-Artikoli 15, 16 u 17 għandhom japplikaw għall-internalizzaturi sistematiċi meta jinnegozjaw dwar daqsijiet sad-daqs standard tas-suq. L-internalizzaturi sistematiċi ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan l-Artikolu u tal-Artikoli 15, 16 u 17 meta jinnegozjaw dwar daqsijiet akbar mid-daqs standard tas-suq.

3. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jiddeċiedu d-daqs jew id-daqsijiet li fihom se jikkwotaw. Id-daqs minimu tal-kwotazzjoni għandu jkun tal-inqas l-ekwivalenti ta' 10 % tad-daqs standard tas-suq tas-sehem, tal-irċevuta tad-depożitu, ETF, taċ-ċertifikat jew ta' strument finanzjarju simili ieħor innegozjat f'ċentru tan-negozjar. Għal sehem, irċevuta ta' depożitu, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor partikolari nnegozjat f'ċentru tan-negozjar kull kwotazzjoni għandha tinkludi offerta tad-ditta u prezz tal-offerta jew prezzijiet għal daqs jew daqsijiet li jistgħu jaslu sad-daqs standard tas-suq għall-klassi tal-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, ETFs, iċ-ċertifikati jew strumenti finanzjarji simili oħra li jappartjeni għalihom l-istrument finanzjarju. Il-prezz jew il-prezzijiet għandhom jirriflettu wkoll il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq għal dak is-sehem, l-irċevuti tad-depożiti, ETF, iċ-ċeritifkat jew strument finanzjarju simili ieħor.

4. L-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, ETFs, iċ-ċertifikati u l-istrumenti finanzjarji simili oħra għandhom jinġabru fi gruppi fi klassijiet fuq il-bażi ta' valur aritmetiku medju tal-ordnijiet eżekwiti fis-suq għal dak l-istrument finanzjarju. Id-daqs standard għas-suq għal kull klassi ta' ishma, irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra għandu jkun daqs li jirrappreżenta l-valur aritmetiku medju tal-ordnijiet eżekwiti fis-suq għall-istrumenti finanzjarji inklużi f'kull klassi.

5. Is-suq għal kull sehem, irċevuta tad-depożitu, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor għandu jkun magħmul mill-ordnijiet kollha eżekwiti fl-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' dak l-istrument finanzjarju għajr dawk li huma ta' daqs kbir meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq.

6. L-awtorità kompetenti tas-suq l-aktar relevanti f'termini ta' likwidità kif definit fl-Artikolu 26 għal kull sehem, irċevuta tad-depożitu, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju simili ieħor għandha tiddetermina tal-inqas darba fis-sena, abbażi tal-valur aritmetiku medju tal-ordnijiet eżekwiti fis-suq fir-rigward ta' dak l-istrument finanzjarju, il-klassi li jappartjeni fiha. Din l-informazzjoni għandha tkun pubblika għall-parteċipanti kollha tas-suq u kkomunikata lill-ESMA, li għandha tippubblika l-informazzjoni fuq il-websajt tagħha.

7. Sabiex tiġi żgurata l-valwazzjoni effiċjenti tal-ishma, l-irċevuti depożitarji, ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra u tiġi massimizzata l-possibbiltà tad-ditti tal-investiment li jiksbu l-aħjar negozju għall-klijenti tagħhom, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' kwotazzjoni vinkolanti kif imsemmi fil-paragrafu 1, li jiġu ddeterminat jekk il-prezzijiet jirriflettux il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq kif imsemmi fil-paragrafu 3, u tad-daqs standard tas-suq kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 4.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 15*

**Eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti**

1. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jagħmlu pubbliċi l-kwotazzjonijiet tagħhom fuq bażi regolari u kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar. Huma jistgħu jaġġornaw il-kwotazzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe ħin. Għandhom jitħallew ukoll, f'ċerti kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq, jirtiraw il-kwotazzjonijiet tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jesiġu li d-ditti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' internalizzatur sistematiku jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tagħhom. Tali notifika għandha tiġi trażmessa lill-ESMA. L-ESMA għandha tistabbilixxi lista tal-internalizzaturi sistematiċi kollha fl-Unjoni.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu ppubblikati b'mod li huwa faċilment aċċessibbli għall-parteċipanti l-oħra tas-suq fuq bażi kummerċjali raġonevoli.

2. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom, filwaqt li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, jeżegwixxu l-ordnijiet li jirċievu mill-klijenti tagħhom rigward l-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra li għalihom huma l-internalizzaturi sistematiċi bil-prezzijiet kwotati meta tasal tal-ordni.

Madanakollu, f'każijiet ġustifikati, huma jistgħu jeżekwixxu dawk l-ordnijiet bi prezz aħjar sakemm dan il-prezz jaqa' f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq.

3. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jwettqu wkoll ordnijiet li jirċievu mill-klijenti professjonisti tagħhom bi prezzijiet differenti minn dawk li jikkwotaw huma mingħajr ma jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fejn l-eżekuzzjoni f'diversi titoli tkun parti minn tranżazzjoni waħda u fir-rigward ta' ordnijiet li jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet għajr il-prezz attwali tas-suq.

4. Meta internalizzatur sistematiku li jikkwota biss kwotazzjoni waħda jew li l-ogħla kwotazzjoni tiegħu hija inqas mid-daqs standard tas-suq jirċievi ordni minn klijent ta' daqs akbar mid-daqs tal-kwotazzjoni tiegħu, iżda inqas mid-daqs standard tas-suq, jista' jiddeċiedi li jeżekwixxi dik il-parti tal-ordni li taqbeż id-daqs tal-kwotazzjoni tiegħu, sakemm tiġi eżekwita bil-prezz ikkwotat, għajr fejn ikun permess mod ieħor skont il-kundizzjonijiet fiż-żewġ subparagrafi preċedenti. Meta internalizzatur sistematiku ikun qed jikkwota f'daqsijiet differenti u jirċievi ordni bejn dawk id-daqsijiet, li hu jagħżel li jeżekwixxi, għandu jeżekwixxi l-ordni b'wieħed mill-prezzijiet kwotati b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/65/UE, għajr fejn huwa permess mod ieħor skont il-kundizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50, li jikkjarifikaw x'jikkostitwixxi bażi kummerċjali raġonevoli sabiex l-informazzjoni ssir pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 16*

**Obbligi tal-awtoritajiet kompetenti**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dan li ġej:

(a) li d-ditti tal-investiment jaġġornaw regolarment il-prezzijiet tal-offerti ppubblikati skont l-Artikolu 14 u jżommu prezzijiet li jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq;

(b) li d-ditti tal-investiment jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għat-titjib tal-prezz stabbiliti fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 17*

**Aċċess għall-kwotazzjonijiet**

1. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jitħallew jiddeċiedu, abbażi tal-politika kummerċjali tagħhom u b'mod oġġettiv u nondiskriminatorju, lil liema klijenti jagħtu aċċess għall-kwotazzjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, għandu jkun hemm standards ċari li jirregolaw l-aċċess għall-kwotazzjonijiet tagħhom. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jirrifjutaw li jidħlu jew itemmu r-relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali bħall-istat tal-kreditu tal-klijent, ir-riskju tal-kontroparti u s-saldu finali tat-tranżazzjoni.

2. Sabiex jillimitaw ir-riskju tal-esponiment għal tranżazzjonijiet multipli mill-istess klijent, l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jitħallew jillimitaw b'mod nondiskriminatorju l-għadd ta' tranżazzjonijiet mingħand l-istess klijent li huma jimpenjaw li jdaħħlu għalihom skont il-kundizzjonijiet ippubblikati. Huma jistgħu wkoll, b'mod nondiskriminatorju u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/65/UE, jillimitaw l-għadd totali ta' tranżazzjonijiet minn klijenti differenti fl-istess waqt sakemm dan ikun jista' jsir biss meta l-għadd u/jew il-volum ta' ordnijiet mixtieqa mill-klijenti jaqbeż in-norma b'mod konsiderevoli.

3. Sabiex tiġi żgurata l-valwazzjoni effiċjenti tal-ishma, l-irċevuti tad-depożiti, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra u tiġi massimizzata l-possibbiltà li d-ditti tal-investiment jiksbu l-aħjar negozju għall-klijenti tagħhom, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50, li jispeċifikaw:

(a) il-kriterji li jispeċifikaw meta kwotazzjoni hija ppubblikata b'mod regolari u kontinwu u faċilment aċċessibbli kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) kif ukoll il-mezzi li bihom id-ditti tal-investiment jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jagħmlu pubbliki l-kwotazzjonijiet tagħhom, li għandhom jinkludu l-possibbiltajiet li ġejjin:

(i) permezz tal-faċilitajiet ta' kwalunkwe suq regolat li jkun aċċetta l-istrument inkwistjoni għan-negozjar;

(ii) permezz ta' APA;

(iii) permezz ta' arranġamenti proprjetarji;

(b) il-kriterji li jispeċifikaw dawk it-transazzjonijiet fejn l-eżekuzzjoni f'diversi titoli tkun parti minntranżazzjoni waħda jew dawk l-ordnijiet li huma soġġetti għal kundizzjonijiet għajr il-prezz attwali tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 15(3);

(c) il-kriterji li jispeċifikaw x'jista' jiġi kkunsidrat bħala kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq li tippermetti l-irtirar tal-kwotazzjonijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-aġġornament tal-kwotazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 15(1);

(d) il-kriterji li jispeċifikaw meta l-għadd u/jew il-volum tal-ordnijiet mixtieqa mill-klijenti jaqbeż b'mod konsiderevoli n-norma kif imsemmi fl-paragrafu 2;

(e) il-kriterji li jispeċifikaw meta l-prezzijiet jaqgħu f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 18*

**Obbligu għall-internalizzaturi sistematiċi li jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati**

1. Id-ditti tal-investiment għandhom jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li għalihom huma internalizzaturi sistematiċi u li għalihom hemm suq likwidumeta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jintalbu kwotazzjoni minn klijent tal-internalizzatur sistematiku;

(b) jaqblu li jipprovdu kwotazzjoni.

2. Fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li m'hemmx suq likwidu għalihom, l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jiddivulgaw il-kwotazzjonijiet lill-klijenti tagħhom fuq talba jekk jaqblu li jipprovdu kwotazzjoni. Dan l-obbligu jista' jitneħħa jekk il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 9(1) jiġu sodisfatti.

3. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jaġġornaw il-kwotazzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe ħin. Huma jistgħu wkoll, f'ċerti kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq, jirtiraw il-kwotazzjonijiet tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jesiġu li d-ditti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' internalizzatur sistematiku jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tagħhom. Tali notifika għandha tiġi trażmessa lill-ESMA. L-ESMA għandha tistabbilixxi lista tal-internalizzaturi sistematiċi kollha fl-Unjoni.

5. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jagħmlu l-kwotazzjonijiet vinkolanti ppubblikati skont il-paragrafu 1 disponibbli lill-klijenti l-oħra tagħhom. Madankollu, huma għandhom ikunu permessi li jiddeċiedu, fuq il-bażi tal-politika kummerċjali tagħhom u f'manjiera oġġettiva u nondiskriminatorja, il-klijenti li lilhom jagħtu aċċess għall-kwotazzonijiet tagħhom. Għal dak il-għan, l-internalizzaturi sistematiċi għandu jkollhom standards ċari li jirregolaw l-aċċess għall-kwotazzjonijiet tagħhom. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jirrifjutaw li jidħlu jew itemmu r-relazzjonijiet kummerċjali ma' investituri fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali bħall-istat tal-kreditu tal-investitur, ir-riskju tal-kontroparti u s-saldu finali tat-tranżazzjoni.

6. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jimpenjaw ruħhom li jidħlu fi tranżazzjonijiet skont il-kundizzjonijiet ippubblikati ma' kwalunkwe klijent ieħor li għalih tkun saret disponibbli l-kwotazzjoni skont il-paragrafu 5 meta d-daqs ikkwotat ikun daqs jew inqas mid-daqs speċifiku għall-istrument determinat f'konformità mal-Artikolu 9(5)(d).

L-internalizzaturi sistematiċi m'għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu li jippubblika kwotazzjoni vinkolanti skont il-paragrafu 1 għall-istrumenti finanzjarji li jaqgħu taħt il-limitu ta' likwidità determinat f'konformità mal-Artikolu 9(4).

7. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jitħallew jistabbilixxu limiti nondiskriminatorji u trasparenti fuq l-għadd ta' tranżazzjonijiet li huma impenjaw ruħhom li jidħlu għalihom ma' klijenti skont kwalunkwe kwotazzjoni partikolari.

8. Il-kwotazzjonijiet ippubblikati skont il-paragrafi 1 u 5 u dawk daqs jew inqas mid-daqs imsemmi fil-paragrafu 6 għandhom isiru pubbliċi b'mod li jkun faċilment aċċessibbli għal parteċipanti oħra tas-suq fuq bażi kummerċjali raġonevoli.

9. Il-prezz jew il-prezzijiet ikkwotati għandhom ikunu b'tali mod li jiżguraw li l-internalizzatur sistematiku jikkonforma mal-obbligi tiegħu tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, fejn ikun il-każ, u għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq rigward il-prezzijiet li fihom jiġu konklużi t-transazzjonijiet għall-istess strumenti finanzjarji f'ċentru tan-negozjar.

Madanakollu, f'każijiet ġustifikati, huma jistgħu jeżegwixxu ordnijiet bi prezz aħjar dment li dan il-prezz jaqa' f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq.

10. L-internalizzaturi sistematiċi m'għandhomx ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu meta t-transazzjonijiet tagħhom ikunu ta' daqsijiet akbar mid-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju determinat skont l-Artikolu 9(5)(d).

*Artikolu 19*

**Monitoraġġ mill-ESMA**

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 rigward id-daqsijiet li fihom isiru disponibbli l-kwotazzjonijiet għall-klijenti tad-ditta tal-investiment u għal parteċipanti oħra tas-suq skont attivitajiet oħra ta' negozjar tad-ditta, u l-grad li fih il-kwotazzjonijiet jirreflettu l-kondizzjonijiet prevalenti tas-suq rigward it-transazzjonijiet fl-istess strument jew strumenti finanzjarji simili f'ċentru tan-negozjar. Sat-3 ta' Jannar 2019, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu. 18. F'każ ta' kkwotar sinifikanti u attività ta' negozjar ftit lil hinn mil-limitu msemmi fl-Artikolu 18(5) jew barra l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq, l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni qabel dik id-data.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jispeċifikaw id-daqsijiet imsemmija fl-Artikolu 18(8) li fihom ditta għandha tidħol fit-transazzjonijiet ma' kwalunkwe klijent ieħor li għalih tkun disponibbli l-kwotazzjoni. Id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju għandu jiġi determinat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(6)(d).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jiċċaraw x'jikkostittwixxi bażi kummerċjali raġonevoli biex il-kwotazzjonijiet isiru pubbliċi kif imsemmi fl-Artikolu 18(8).

*Artikolu 20*

**Divulgazzjoni ta' wara n-negozjar minn ditti tal-investiment, inklużi l-internalizzaturi sistematiċi, fir-rigward ta' ishma, irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili**

1. Ditti tal-investiment li, jew f'isimhom jew f'isem il-klijenti, jikkonkludutranżazzjonijiet f'ishma, irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, għandhom jippubblikaw il-volum u l-prezz ta' dawk it-transazzjonijiet u l-ħin meta ġew konklużi. Dik l-informazzjoni għandha ssir pubblika permezz ta' APA.

2. L-informazzjoni li ssir pubblika skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-limiti taż-żmien li fihom tiġi ppubblikata għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti adottati skont l-Artikolu 6, inkluż l-istandards tekniċi regolatorji adottati f'konformità mal-Artikolu 7(2)(a). Fejn il-miżuri adottati skont l-Artikolu 7 jipprevedu l-pubblikazzjoni differita għal ċerti kategoriji ta'tranżazzjonijiet f'ishma, irċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, din il-possibbiltà għandha tapplika wkoll għal dawk it-transazzjonijiet meta jitwettqu barra ċ-ċentri tan-negozjar.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw dan li ġej:

(a) identifikaturi għat-tipi differenti ta'tranżazzjonijiet ippubblikati f'dan l-Artikolu, li jiddistingwu bejn dawk determinati minn fatturi li huma primarjament marbutin mal-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u dawk determinati minn fatturi oħra;

(b) l-applikazzjoni tal-obbligu skont l-paragrafu 1 għal tranżazzjonijiet li jinvolvu l-użu ta' dawk l-istrumenti finanzjarji għal kollateral, self jew għanijiet oħra fejn l-iskambju tal-istrumenti finanzjarji huwa determinat minn faturi oħra għajr il-valwazzjoni attwali tas-suq tal-istrument finanzjarju;

(c) il-parti fi tranżazzjoni li trid tagħmel it-tranżazzjoni pubblika skont il-paragrafu 1 jekk iż-żewġ partijiet fi tranżazzjoni jkunu ditti tal-investiment.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 21*

**Divulgazzjoni ta' wara n-negozjar minn ditti tal-investiment, inklużi internalizzaturi sistematiċi, fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati**

1. Ditti tal-investiment li, jew f'isimhom jew f'isem il-klijenti, jikkonkludutranżazzjonijiet f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, għandhom jagħmlu pubbliku l-volum u l-prezz ta' dawk it-transazzjonijiet u l-ħin meta ġew konklużi. Dik l-informazzjoni għandha ssir pubblika permezz ta' APA.

2. Kull tranżazzjoni individwali għandha ssir pubblika darba permezz ta' APA wieħed.

3. L-informazzjoni li tiġi ppubblikata skont il-paragrafu 1 u l-limiti taż-żmien li fihom tiġi ppubblikata għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti adottati skont l-Artikolu 10, inkluż l-istandards tekniċi regolatorji adottati f'konformità mal-Artikolu 11(4)(a) u (b).

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jawtorizzaw lid-ditti tal-investiment jipprovdu pubblikazzjoni differita, jew jistgħu jitolbu l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta' tranżazzjoni jew dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew kombinazzjoni tagħhom, waqt il-perijodu tad-differiment jew jistgħu jippermettu n-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni individwali waqt perjodu estiż ta' differiment; jew fil-każ ta' strumenti finanzjarji mhux ta'

ekwità li mhumiex dejn sovran, jistgħu jippermettu l-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata waqt perjodu estiż ta' differiment, jew fil-każ ta' strumenti tad-dejn sovran jistgħu jippermettu l-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata għal perjodu indefinit ta' żmien, u jistgħu temporanjament jissospendu l-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 fuq l-istess kundizzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 11.

Fejn il-miżuri adottati skont l-Artikolu 11 jipprevedu pubblikazzjoni differita u pubblikazzjoni ta' dettalji limitati jew dettalji f'forma aggregata, jew kombinazzjoni tagħhom, jew in-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' ċerti kategoriji ta'tranżazzjonijiet f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati negozjati f'ċentru tan-negozjar, dik il-possibbiltà għandha tapplika wkoll għal dawk it-transazzjonijiet meta jitwettqu barra ċentri tan-negozjar.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw dan li ġej b'mod li tkun tista' ssir il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 64 tad-Direttiva 2014/65/UE:

(a) l-identifikaturi għat-tipi differenti ta'tranżazzjonijiet ippubblikati f'konformità ma' dan l-Artikolu, li jiddistingwu bejn dawk determinati minn fatturi li huma primarjament marbutin mal-valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u dawk determinati minn fatturi oħra;

(b) l-applikazzjoni tal-obbligu skont l-paragrafu 1 għal tranżazzjonijiet li jinvolvu l-użu ta' dawk l-istrumenti finanzjarji għal kollateral, self jew għanijiet oħra fejn l-iskambju tal-istrumenti finanzjarji huwa determinat minn faturi oħra għajr il-valwazzjoni attwali tas-suq tal-istrument finanzjarju.

(c) il-parti fi tranżazzjoni li trid tagħmel it-tranżazzjoni pubblika skont il-paragrafu 1 jekk iż-żewġ partijiet fi tranżazzjoni jkunu ditti tal-investiment.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 22*

**L-għoti ta' informazzjoni għall-finijiet tat-trasparenza u kalkoli oħrajn**

1. Sabiex iwettqu kalkoli u biex jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel in-negozjar u wara n-negozjar u r-reġimi tal-obbligu tan-negozjar imposti mill-Artikoli 3 sa 11, l-Artikoli 14 sa 21 u l-Artikolu 32, li huma applikabbli għall-istrumenti finanzjarji u biex jiddeterminaw jekk ditta ta' investiment tkunx internalizzatur sistematiku kif definit mill-Artikolu 2(3), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesiġu informazzjoni mingħand:

(a) iċ-ċentri tan-negozjar;

(b) l-APAs; kif ukoll

(c) is-CTPs.

2. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs għandhom jaħżnu d-dejta meħtieġa għal perjodu suffiċjenti ta' żmien.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu lill-ESMA l-informazzjoni li l-ESMA tkun teħtieġ biex tipproduċi r-rapporti msemmija fl-Artikolu 5(4), (5) u (6).

4. L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kontenut u l-frekwenza tat-talbiet għal dejta u l-formati u l-kalendarju li skonthom iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs iridu jwieġbu għat-talbiet skont il-paragrafu 1 u t-tip ta' dejta li trid tiġi maħżuna u l-perjodu minimu ta' żmien li ċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs iridu jaħżnu d-dejta sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal dawn it-talbiet skont il-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 23*

**Obbligu tan-negozjar għad-ditti tal-investiment**

1. Ditta tal-investiment għanda tiżgura li n-negozjar li hija twettaq f'ishma ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew innegozjati f'ċentru tan-negozjar, iseħħ f'suq regolat, f'MTF jew permezz ta' internalizzatur sistematiku, jew ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz valutat bħala ekwivalenti skont l-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE, kif xieraq, sakemm il-karatteristiċi tagħhom ma jinkludux li huma:

(a) mhux sistematiċi, ad hoc, irregolari u mhux frekwenti, jew

(b) jitwettqu bejn kontropartijiet eliġibbli u/jew professjonali u ma jikkontribwixxux għall-proċess tal-iskoperta tal-prezzijiet.

2. Ditta tal-investiment li topera sistema interna ta' tqabbil li tesegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti f'ishma, riċevuti tad-depożiti, ETFs, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra fuq bażi multilaterali għandha tassigura ruħha li tkun awtorizzata bħala MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha marbuta ma' dawn l-awtorizzazzjonijiet.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-karatteristiċi partikulari ta' dawk it-tranżazzjonijiet f'ishma li ma jikkontribwixxux għall-proċess tal-iskoperta tal-prezzijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li tqis każijiet bħal:

(a) negozjar f'likwidità mhux utilizzabbli; or

(b) fejn l-iskambju ta' tali strumenti finanzjarji huwa ddeterminat minn fatturi li mhumiex il-valutazzjoni attwali tas-suq tal-istrument finanzjarju.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TITOLU IV

**IR-RAPPORTAR TA' TRANŻAZZJONIJIET**

*Artikolu 24*

**Obbligu li tinżamm l-integrità tas-swieq**

Mingħajr ħsara għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-awtoritajiet kompetenti koordinati mill-AETS skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 għandhom jimmonitorjaw l-attivitajiet tad-ditti tal-investiment sabiex jiżguraw li jaġixxu b'onestà, b'mod ġust u professjonali u b'manjiera li tippromwovi l-integrità tas-suq.

*Artikolu 25*

**Obbligu għaż-żamma tar-rekords**

1. Id-ditti tal-investiment għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal 5 snin, id-dejta relevanti relatata mal-ordnijiet kollha u mat-transazzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li wettqu, kemm jekk f'isimhom kif ukoll jekk f'isem il-klijent. Fil-każ tat-transazzjonijiet imwettqa f'isem klijenti, ir-reġistrazzjonijiet għandu jkun fihom it-tagħrif u d-dettalji kollha dwar l-identità tal-klijent, u t-tagħrif meħtieġ skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-ESMA tista' titlob aċċess għal dik l-informazzjoni skont il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal tal-inqas ħames snin, id-dejta relevanti relatata mal-ordnijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li huma reklamati permezz tas-sistemi tagħhom. Ir-rekords għandu jkun fihom id-dejta kollha rilevanti li tikkostittiwixxi l-karatteristiċi tal-ordni, inklużi dawk li jorbtu ordni mat-tranżazzjoni jew tranżazzjonijiet imwettqa li joħorġu minn dik l-ordni u li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu rrappurtatai skont l-Artikolu 26(1) u (3). L-ESMA għandu jkollha rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni firrigward tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.

3. L-ESMA għandha tfassal abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina d-dettalji tad-dejta dwar l-ordni rilevanti li jeħtieġ li tinżamm skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li mhux imsemmija fl-Artikolu 26.

Dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandu jinkludi l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-membru jew tal-parteċipant li ttrasmetta l-ordni, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-ordni, id-data u l-ħin meta l-ordni kienet trasmessa, il-karatteristiċi tal-ordni, inkluż it-tip tal-ordni, il-prezz limitu jekk dan ikun applikabbli, il-perjodu ta' validità, kwalunkwe istruzzjoni speċifika ta' ordni, dettalji ta' kwalunkwe modifika, kanċellazzjoni, twettiq parzjali jew sħiħ tal-ordni, l-isem tal-aġenzija jew l-operatur f'kapaċità prinċipali.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 26*

**Obbligu ta' rapportar ta'tranżazzjonijiet**

1. Id-ditti tal-investiment li jwettqu tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji għandhom jirrapportaw id-dettalji sħaħ u preċiżi ta' tali tranżazzjonijiet lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn tmiem il-ġurnata ta' xogħol li jkun imiss.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, skont l-Artikolu 85 tad-Direttiva 2014/65/UE, jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji sabiex jiżguraw li l-awtorità kompetenti tal-aktar suq relevanti f'termini ta' likwidità għal dawk l-istrumenti finanzjarji tirċievi din l-informazzjoni wkoll.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-ESMA, fuq talba tagħha, kull informazzjoni rrappuratata skont dan l-Artikolu.

2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal:

(a) strumenti finanzjarji li huma ammessi għan-negozjar jew negozjati f'ċentru tan-negozjar jew li għalihom saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar;

(b) strumenti finanzjarji meta s-sottostanti huwa strument finanzjarju negozjat f'ċentru tan-negozjar; kif ukoll

([1]) Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

(c) strumenti finanzjarji meta s-sottostanti huwa indiċi jew basket kompost minn strumenti finanzjarji nnegozjati f'ċentru tan-negozjar

L-obbligu għandu japplika għat-transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punti (a) sa (c) irrispettivament minn jekktranżazzjonijiet bħal dawn jitwettqux fiċ-ċentru tan-negozjar jew le.

3. B'mod partikolari, ir-rapporti għandhom jinkludu d-dettalji tal-ismijiet u l-għadd ta' strumenti mixtrija jew mibjugħa, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni, il-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet, deżinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-klijenti li f'isimhom id-ditta tal-investimenti tkun wettqet dik it-tranżazzjoni, deżinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-persuni u l-algoritmi tal-kompjuter fid-ditta tal-investiment responsabbli mid-deċiżjoni tal-investiment u t-twettiq tat-tranżazzjoni, u deżinjazzjoni li tidentifika l-eżenzjoni applikabbli li skontha jkun sar in-negozjar, mezzi ta' identifikazzjoni tad-ditti tal-investimenti konċernati u deżinjazzjoni biex jiġi identifikat bejgħ bin-nieqes kif definit fl-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 fir-rigward ta' kwalunkwe ishma jew dejn sovran fl-ambitu tal-Artikoli 12, 13 u 17 ta' dak ir-Regolament. Għat-tranżazzjonijiet mhux imwettqa f'ċentru tan-negozjar, ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll deżinjazzjoni sabiex jiġu identifikati t-tipi ta' tranżazzjonijiet skont il-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 20(3)(a) u l-Artikoli 21(5)(a). Rigward id-derivattivi ta' komodità, ir-rapporti għandhom jindikaw ukoll jekk it-tranżazzjoni tnaqqasx ir-riskju b'mod oġġettivament miżurabbli skont l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2014/65/UE.

4. Id-ditti tal-investiment li jittrażmettu ordnijiet għandhom jinkludu fit-trażmissjoni ta' dik l-ordni d-dettalji kollha kif speċifikat fil-paragrafi 1 u 3. Minflok jiġu tinkludi d-dettalji msemmija meta tittrażmetti l-ordnijiet, ditta tal-investiment tista' tagħżel li tirrapporta l-ordni trażmessa, jekk tkun twettqet, bħala tranżazzjoni skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1. F'dak il-każ, ir-rapport tat-tranżazzjoni mid-ditta tal-investiment għandu jindika li dan jirreferi għal ordni trażmessa.

5. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jirrapporta d-dettalji tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti nnegozjati fuq il-pjattaforma tiegħu li jiġu eżekwiti permezz tas-sistemi tiegħu minn ditta li mhijiex soġġetta għal dan ir-Regolament skont il-paragrafi 1 u 3.

6. Fir-rappurtar tad-deżinjazzjoni biex jidentifikaw il-klijenti, kif meħtieġ skont il-paragrafi 3 u 4, id-ditti tal-investiment għandhom jużaw identifikatur ta' entità ġuridika stabbilit biex jidentifika klijenti li huma persuni ġuridiċi.

L-ESMA għandha tiżviluppa, sat-3 ta' Jannar 2016 linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 biex tiżgura li l-applikazzjoni ta' identifikaturi ta' entità legali fi ħdan l-Unjoni tikkonforma mal-istandards internazzjonali, b'mod partikolari dawk stabbiliti mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja.

7. Ir-rapporti għandhom isiru għand l-awtorità kompetenti jew mid-ditta tal-investiment stess, minn ARM li jaġixxi f'isimha jew miċ-ċentru tan-negozjar li permezz tas-sistema tiegħu tkun ġiet konkluża t-transazzjoni, skont il-paragrafi 1, 3 u 9.

Id-ditti tal-investiment għandu jkollhom ir-responsabilità għall-kompletezza, il-preċiżjoni u l-preżentazzjoni f'waqtha tar-rapporti li jitressqu quddiem l-awtorità kompetenti'

B'deroga minn dik ir-responsabilità, meta ditta tal-investiment tirrapporta dettalji dwar dawk it-tranżazzjonijiet permezz ta' ARM li jaġixxi f'isimha jew permezz ta' ċentru tan-negozjar, id-ditta tal-investiment m'għandhiex tkun responsabbli għal nuqqasijiet għall-kompletezza, il-preċiżjoni jew il-preżentazzjoni f'waqtha tar-rapporti li huma attribwibbli lill-ARM jew liċ-ċentru tan-negozjar. F'dawk il-każijiet, u suġġett għall-Artikolu 66(4) tad-Direttiva 2014/65/UE, l-ARM jew iċ-ċentru tan-negozjar għandhom ikunu responsabbli għal dan in-nuqqasijiet.

Id-ditti tal-investiment għandhom, madankollu, jieħdu passi raġonevoli biex jivverifikaw il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-preżentazzjoni f'waqtha tar-rapporti ta'tranżazzjoni li jkunu tressqu f'isimhom.

L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jeżiġi li ċ-ċentru tan-negozjar, meta jagħmel rapporti f'isem id-ditta tal-investiment, ikollu fis-seħħ mekkaniżmi ta' sigurtà tajbin imfasslin biex jiggarantixxu s-sigurtà u l-awtentikazzjoni tal-mezzi tat-trasferiment tal-informazzjoni, biex jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-dejta u aċċess mhux awtorizzat u biex jipprevjenu kxif ta' informazzjoni filwaqt li tinżamm il-kunfidenzjalità tad-dejta f'kull ħin. L-Istat Membru tad-domiċilju għandu jeħtieġ li ċ-ċentru tan-negozjar iżżomm riżorsi adegwati u jkollu fis-seħħ faċilitajiet ta' back-up b'mod li joffri u jżomm għaddejjin is-servizzi tiegħu f'kull ħin.

Sistemi ta' tqabbil tan-negozju jew ta' rapportar, inklużi repożitorji tat-transazzjonijiet irreġistrati jew rikonoxxuti f'konformità mat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jistgħu jiġu approvati mill-awtorità kompetenti bħala ARM sabiex jiġu trażmessi rapporti tat-transazzjonijiet lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-paragrafi 1, 3 u 9.

F'każijiet fejn it-tranżazzjonijiet ġew irrapportati f'repożitorju tan-negozjar skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li huwa approvat bħala ARM u fejn dawn ir-rapporti fihom id-dettalji meħtieġa skont il-paragrafi 1, 3 u 9 u huma trażmessi lill-awtorità kompetenti mir-repożitorju tan-negozjar fil-limitu ta' żmien stipulat mill-paragrafu 1, għandu jitqies li d-ditta tal-investiment tkun konformi mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1.

Meta jkun hemm żbalji jew nonpubblikazzjonijiet fir-rapporti ta' tranżazzjoni, l-ARM, id-ditta tal-investiment jew iċ-ċentru tan-negozjar li jirrapporta t-tranżazzjoni għandu jikkoreġi l-informazzjoni u jippreżenta rapport ikkoreġut lill-awtorità kompetenti.

8. Meta, skont l-Artikolu 35(8) tad-Direttiva 2014/65/UE, ir-rapporti previsti f'dan l-Artikolu jiġu trażmessi għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru Ospitanti, dik l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tad-ditta tal-investiment, sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ma jiddeċidux li ma jkunux jixtiequ jirċievu dik l-informazzjoni.

9. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) l-istandards u l-formats tad-dejta sabiex l-informazzjoni tiġi rrappurtata skont il-paragrafu 1 u 3, inklużi l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u l-forma u l-kontenut ta' tali rapporti;

(b) il-kriterji għad-definizzjoni ta' suq relevanti skont il-paragrafu 1;

(c) ir-referenzi tal-istrumenti finanzjarji mixtrija jew mibjugħa, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni, il-prezzijiet tat-tranżazzjoni, l-informazzjoni u d-dettalji tal-identità tal-klijent, deżinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-klijenti li f'isimhom il-kumpanija tal-investimenti wettqet dik it-tranżazzjoni, deżinazzjoni sabiex jiġu identifikati l-persuni u l-algoritmi tal-kompjuter fid-ditta tal-investiment responsabbli mid-deċiżjoni tal-investiment u t-twettiq tat-tranżazzjoni, deżinjazzjoni li tidentifika l-eżenzjoni applikabbli li skontha jkun sar in-negozjar, il-mezzi ta' identifikazzjoni tad-ditti tal-investimenti konċernati, il-mod li bih twettqet it-tranżazzjoni, it-taqsimiet tad-dejta meħtieġa għall-ipproċessar u l-analiżi tar-rapporti tat-tranżazzjonijiet skont il-paragrafu 3; u

(d) id-deżinjazzjoni biex jiġi identifikat bejgħ bin-nieqes ta' ishma u dejn sovran kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(e) il-kategoriji rilevanti ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu rrappurtati skont il-paragrafu 2;

(f) il-kundizzjonijiet li bihom l-identifikaturi ta' entità ġuridika jiġu żviluppati, attribwiti u miżmuma mill-Istati Membri skont il-paragrafu 6, u l-kundizzjonijiet li bihom jintużaw dawn l-identifikaturi ta' entità ġuridika minn ditti tal-investiment sabiex jipprovdu, skont il-paragrafi 3, 4 u 5, id-deżinjazzjoni biex jiġu identifikati l-klijenti fir-rapporti tat-tranżazzjonijiet li huma meħtieġa jistabbilixxu skont il-paragrafu 1.

(g) l-applikazzjoni tal-obbligi tar-rappurtar tat-transazzjonijiet lil fergħat ta' ditti tal-investiment;

(h) dak li jikkostitwixxitranżazzjoni u t-twettiq ta'tranżazzjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

(i) meta ditta tal-investiment titqies li tkun ittrażmettiet ordni għall-finijiet tal-paragrafu 4.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

10. Sat-3 ta' Jannar 2019 l-ESMA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament ta' dan l-Artikolu, inkluż l-interazzjoni tagħha mal-obbligi relatati ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, u jekk il-kontenut u l-format tar-rapporti ta' tranżazzjonijiet riċevuti u skambjati bejn l-awtoritajiet kompetenti komprensivi jippermettux il-monitoraġġ tal-attivitajiet tad-ditti tal-investiment skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' tieħu passi sabiex tipproponi kwalunkwe bidla, inkluż biex it-tranżazzjonijiet jiġu trażmessi biss f'sistema unika magħżula mill-ESMA minflok għand l-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport tal-AETS lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 27*

**Obbligu tal-provvista ta' dejta ta' referenza ta' strument**

1. Fir-rigward ta' strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, jew negozjati f'MTFs jew OTFs, iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'dejta ta' referenza ta' identifikazzjoni għall-iskop tar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 26.

Rigward strumenti finanzjarji oħrajn koperti mill-Artikolu 26(2), kull internalizzatur sistematiku għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti tiegħu dejta ta' riferenza dwar dawk l-istrumenti finanzjarji nnegozjati fis-sistema tiegħu.

Id-dejta ta' referenza ta' identifikazzjoni għandha tkun lesta biex tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti f'format elettroniku u standardizzat qabel ma jibda l-kummerċ fl-istrument finanzjarju li tirreferi għalih. Id-dejta ta' referenza tal-istrument finanzjarji għandha tkun aġġornata kull meta jkun hemm bidliet fid-dejta rigward strument finanzjarju. Dawk in-notifiki għandhom jiġu trażmessi mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien lill-ESMA, li għandha tippubblikahom minnufih fuq il-websajt tagħha. L-ESMA għandha tagħti aċċess lill-awtoritajiet kompetenti għal dik id-dejta ta' referenza.

2. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu, skont l-Artikolu 26, jimmonitorjaw l-attivitajiet tad-ditti tal-investiment biex jiżguraw li dawn jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq, l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji sabiex jiżguraw li:

(a) l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti effettivament jirċievu d-dejta ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji skont il-paragrafu 1;

(b) il-kwalità tad-dejta rċevuta b'dan il-mod tkun adegwata għall-iskop tar-rappurtar tat-tranżazzjoni skont l-Artikolu 26;

(c) id-dejta ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji riċevuta skont il-paragrafu 1 tkun skambjata b'mod effiċjenti bejn l-awtoritajiet kompetenti relevanti.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) standards u formats ta' dejta għad-dejta ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-paragrafu 1, inklużi l-metodi u l-arranġamenti għall-provvista tad-dejta u kwalunkwe aġġornament tagħha lill-awtoritajiet kompetenti, u t-trażmissjoni tagħha lill-ESMA skont il-paragrafu 1, u l-forma u l-kontenut ta' tali dejta;

(b) il-miżuri tekniċi li huma meħtieġa fir-rigward tal-arranġamenti li jridu jsiru mill-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TITOLU V

**DERIVATI**

*Artikolu 28*

**Obbligu għal negozjar fi swieq regolati, MTFs jew OTFs**

1. Kontropartijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u kontropartijiet mhux finanzjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 10(1)(b) tiegħu għandhom jikkonkludu tranżazzjonijiet li la jkunu tranżazzjonijiet intragrupp kif definit fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament u lanqas ma jkunu tranżazzjonijiet koperti mid-dispożizzjonijiet tranżitorji fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament ma' kontropartijiet finanzjarji oħra tali jew ma' tali kontropartijiet mhux finanzjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 10(1(b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 f'derivati li jappartjenu għal klassi ta' derivati li ġiet ukoll dikjarata soġġetta għall-obbligu ta' negozjar skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 u elenkata fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 34 biss fi:

(a) swieq regolati;

(b) MTFs;

(c) OTFs; or

(d) ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi, dment li l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni skont il-paragrafu 4 u sakemm il-pajjiż terz jipprevedi sistema ta' rikonoxximent effettiva u ekwivalenti liċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE għall-ammissjoni għan-negozjar jew għan-negozjar ta' derivati ddikjarati soġġetti għall-obbligu ta' negozjar f'dak il-pajjiż terz fuq bażi mhux esklużiva.

2. L-obbligu ta' negozjar għandu japplika wkoll għall-kontropartijiet msemmija fil-paragrafu 1 li jdaħħlu fitranżazzjonijiet ta' derivati li jappartjenu għal klassi ta' derivati li tkun ġiet iddikjarata soġġetta għall-obbligu ta' negozjar ma' istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiż terz jew entitajiet ta' pajjiż terz li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' kklerjar jekk kienu stabbiliti fl-Unjoni. L-obbligu ta' negozjar għandu japplika wkoll għall-entitajiet ta' pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għall-obbligu ta' kklerjar kieku kienu stabbiliti fl-Unjoni, li jwettqutranżazzjonijiet ta' derivati li jappartjenu għal klassi ta' derivati li tkun ġiet iddikjarata soġġetta għall-obbligu ta' negozjar, sakemm il-kuntratt ikollu effett dirett, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni jew fejn dan l-obbligu jkun neċessarju jew xieraq sabiex jipprevjeni l-evażjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha timmonitorja regolarment l-attività fid-derivati li ma ġewx dikjarati soġġetti għall-obbligu tan-negozjar kif deskritt fil-paragrafu 1 sabiex jiġu identifikati l-każijiet fejn klassi partikolari ta' kuntratti tista' tippreżenta riskju sistemiku u tipprevjeni arbitraġġ regolatorju bejn tranżazzjonijiet derivati soġġetti għall-obbligu tan-negozjar u tranżazzjonijiet derivati mhux soġġetti għall-obbligu tan-negozjar.

3. Id-derivati ddikjarati soġġetti għall-obbligu ta' negozjar skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli biex jiġu ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew biex jinnegozjaw fi kwalunkwe ċentru tan-negozjar kif imsemmi fil-paragrafu 1 fuq bażi mhux esklużiva u nondiskriminatorja.

4. Skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2), il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjonijiet li jiddeterminaw li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ċentru tan-negozjar awtorizzat f'dak il-pajjiż terz jikkonforma mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti għaċ-ċentri tan-negozjar msemmija fil-paragrafi 1(a), (b) jew (c) ta' dan l-Artikolu, li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, mid-Direttiva 2014/65/UE, u mir-Regolament (UE) Nru 596/2014, u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu għall-iskop waħdieni li tiġi determinata l-eliġibbiltà ta' ċentru tan-negozjar għad-derivati soġġetti għall-obbligu tan-negozjar.

Il-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jitqies li għandu l-effett ekwivalenti meta dak il-qafas jilħaq il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) iċ-ċentri tan-negozjar f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni u l-infurzar effettivi fuq bażi kontinwa;

(b) iċ-ċentri tan-negozjar ikollhom regoli ċari u trasparenti dwar l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar sabiex it-tali strumenti finanzjarji ikunu jistgħu jiġu negozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, u jkunu negozjabbli liberament;

(c) l-emittenti tal-istrumenti finanzjarji jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni perjodiċi u kontinwi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-investitur;

(d) jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq permezz ta' regoli li jindirizzaw l-abbuż tas-suq f'forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

Deċiżjoni tal-Kummissjoni skont dan il-paragrafu tista' tkun limitata għal kategorija jew kategoriji ta' ċentri tan-negozjar. F'dak il-każ, ċentru tan-negozjar ta' pajjiż terz huwa inkluż fil-paragrafu 1(3) biss jekk jaqa' fil-kategorija koperta mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

5. Sabiex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-tipi ta' kuntratti msemmija fil-paragrafu 2 li għandhom effett dirett, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u l-każijiet fejn l-obbligu tan-negozjar huwa neċessarju jew xieraq biex tkun prevenuta l-evażjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Meta jkun possibbli u xieraq, l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu identiċi għal dawk adottati skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

*Artikolu 29*

**Obbligu ta' kklerjar għad-derivati negozjati fi swieq regolati u ż-żmien ta' aċċettazzjoni għall-ikklerjar**

1. L-operatur ta' suq regolat għandu jiżgura li t-tranżazzjonijiet kollha fid-derivati li jiġu konklużi f'dak is-suq regolat jiġu kklerjati minn CCP.

2. Is-CCPs, iċ-ċentri tan-negozjar u d-ditti tal-investiment li jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandu jkollhom sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi fir-rigward ta' derivati kklerjati biex jiġi żgurat litranżazzjonijiet f'derivati kklerjati jiġu ppreżentati u aċċettati għall-ikklerjar kemm jista' jkun malajr u sa fejn hu teknoloġikament prattikabbli bl-użu ta' sistemi awtomatizzati.

F'dan il-paragrafu, "derivati kklerjati" tfisser

(a) id-derivati kollha li għandhom jiġu kklerjati minħabba l-obbligu ta' kklerjar skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew minħabba l-obbligu ta' kklerjar taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) id-derivati kollha li b'xi mod ieħor il-partijiet rilevanti jilħqu qbil dwarhom li għandhom jiġu kklerjati.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika r-rekwiżiti minimi għal sistemi, proċeduri u arranġamenti, inklużi l-perjodi taż-żmien ta' aċċettazzjoni taħt dan l-Artikolu filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm ġestjoni xierqa tar-riskji operazzjonali u oħrajn.

L-ESMA għandha l-awtorità kontinwa li tfassal ulterjorment standards tekniċi regolatorji biex taġġorna dawk li jkunu fis-seħħ jekk hija tikkunsidra dan bħala meħtieġ mal-iżvilupp ta' standards industrijali.

L-ESMA għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 30*

**Arranġamenti indiretti ta' kklerjar**

1. L-arranġamenti indiretti ta' kklerjar fir-rigward ta' derivati negozjati fil-boroż huma permissibbli sakemm dawk l-arranġamenti ma jżidux ir-riskju tal-kontropartijiet u jiżguraw li l-assi u l-pożizzjonijiet tal-kontropartijiet jibbenefikaw minn protezzjoni b'effett ekwivalenti għal dak msemmi fl-Artikoli 39 u 48 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tipi ta' arranġamenti indiretti ta' servizz ta' kklerjar, fejn dawn ikunu stabbiliti, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jiżguraw il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet stabbiliti għad-derivati OTC skont il-Kapitolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 ([1]).

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 31*

**Kompressjoni tal-portafoll**

1. Meta jipprovdu kompressjoni tal-portafoll, id-ditti tal-investiment u l-operaturi tas-suq m'għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu tal-aħjar twettiq fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, l-obbligi tat-trasparenza fl-Artikoli 8, 10, 18 u 21 ta' dan ir-Regolament u l-obbligu fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2014/65/UE. It-tmiem jew is-sostituzzjoni tad-derivati li jagħmlu parti mill-kompressjoni tal-portafoll m'għandhomx ikunu suġġetti għall-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament.

2. Id-ditti tal-investiment u l-operaturi tas-suq li jipprovdu kompressjoni tal-portafoll għandhom jagħmlu pubbliċi, permezz ta' APA, il-volumi ta' tranżazzjonijiet suġġetti għal-kompressjonijiet tal-portafoll u ż-żmien meta ġew konklużi fil-limiti taż-żmien speċifikati fl-Artikolu 10.

3. Id-ditti tal-investiment u l-operaturi tas-suq li jipprovdu servizzi ta' kompressjoni tal-portafoll għandhom iżommu rekords sħaħ u preċiżi tal-kompressjonijiet kollha tal-portafoll li huma jorganizzaw jew jipparteċipaw fihom. Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli fil-pront lill-awtorità kompetenti rilevanti jew lill-ESMA, meta jintalbu.

([1]) Regolamenti ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2012 tad-19 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negozjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, u tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivati OTC mhux ikklerjati minn CCP (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11).

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 50, miżuri li jispeċifikaw dan li ġej:

(a) l-elementi tal-kompressjoni tal-portafoll,

(b) l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skont il-paragrafu 2

b'mod li jsir użu kemm jista' jkun possibbli minn kwalunkwe rekwiżit eżistenti ta' żamma tar-rekords, rappurtar jew pubblikazzjoni.

*Artikolu 32*

**Proċedura ta' obbligu ta' negozjar**

1. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina dan li ġej

(a) liema mill-klassi ta' derivati ddikjarata soġġetta għall-obbligu ta' kklerjar skont l-Artikolu 5(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew partita rilevanti minnha għandha tiġi nnegozjata fiċ-ċentri msemmija fl-Artikolu 28(1) ta' dan ir-Regolament;

(b) id-data jew dati li fihom jidħol fis-seħħ l-obbligu tan-negozjar, inkluża kwalunkwe introduzzjoni gradwali u l-kategoriji tal-kontropartijiet li għalihom japplika l-obbligu meta din l-introduzzjoni gradwali u dawn il-kategoriji tal-kontropartijiet ġew previsti fl-istandards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni tal-istandards tekniċi skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 mill-Kummissjoni.

Qabel ma tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni, l-ESMA għandha twettaq konsultazzjoni pubblika u, fejn xieraq, tista' tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Sabiex l-obbligu ta' negozjar ikollu effett:

(a) il-klassi ta' derivati b'konformità mal-paragrafu 1(a) jew partita relevanti fiha trid tkun ammessa għal negozjar jew tkun negozjata tal-inqas f'ċentru tan-negozjar wieħed imsemmi fl-Artikolu 28(1), u

(b) għandu jkun hemm biżżejjed interess ta' bejgħ u xiri minn partijiet terzi fil-klassi ta' derivati jew partita relevanti fiha biex jippermetti li tali klassi ta' derivati titqies likwida biżżejjed sabiex tinnegozjaw biss fiċ-ċentri msemmija fl-Artikolu 28(1).

3. Matul l-iżvilupp tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tikkunsidra l-klassi tad-derivati jew partita relevanti fiha bħala likwida biżżejjed skont il-kriterji li ġejjin:

(a) il-frekwenza u d-daqs medji tat-transazzjonijiet fuq firxa ta' kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li jiġu kkunsidrati n-natura u ċ-ċiklu ta' ħajja tal-prodotti fil-klassi ta' derivati;

(b) l-għadd u t-tip ta' parteċipanti attivi fis-suq, inkluż il-proporzjon ta' parteċipanti fis-suq għall-prodotti/kuntratti nnegozjati fi prodott partikolari;

(c) id-daqs medju tad-differenzjali (spreads).

Fit-tħejjija ta' dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-ESMA għandha tikkunsidra l-impatt antiċipat li dak l-obbligu ta' negozjar jista' jkollu fuq il-likwidità ta' klassi ta' derivati jew partita relevanti tagħha u l-attivitajiet kummerċjali ta' utenti aħħarin li mhumiex entitajiet finanzjarji.

L-ESMA għandha tiddetermina jekk il-klassi ta' derivati jew partita relevanti fiha hijiex biss likwida biżżejjed fi tranżazzjonijiet taħt ċertu daqs.

4. L-ESMA għandha, fuq inizjattiva tagħha stess, skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 u wara li twettaq konsultazzjoni pubblika, tidentifika u tinnotifika lill-Kummissjoni l-klassijiet ta' derivati jew kuntratti ta' derivati individwali li għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu ta' negozjar fiċ-ċentri msemmija fl-Artikolu 28(1), iżda li għalihom l-ebda CCP għadha ma rċiviet awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 14 jew 15 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew li mhijiex ammessa għan-negozjar jew mhijiex nnegozjata f'ċentru tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 28(1).

Wara n-notifika mill-ESMA msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tippubblika sejħa għall-iżvilupp ta' proposti għan-negozjar ta' dawn id-derivati fiċ-ċentri msemmija fl-Artikolu 28(1).

5. L-ESMA għandha, skont il-paragrafu 1, tissottometti għand il-Kummissjoni l-abbozz il-ġdid ta' standards tekniċi regolatorji sabiex temenda, tissospendi jew tirrevoka l-istandards tekniċi regolatorji eżistenti kull meta jkun hemm bidla materjali fil-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2. Qabel ma tagħmel dan, l-ESMA tista' tikkonsulta, fejn dan ikun xieraq, mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2(b).

L-ESMA għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa hija mogtħija lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 33*

**Mekkaniżmu biex jiġu evitat regoli duplikattivi jew kunfliġġenti**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-ESMA fil-monitoraġġ u t-tħejjija ta' rapporti, tal-inqas fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni internazzjonali tal-prinċipji stipulati fl-Artikoli 28 u 29, b'mod partikolari fir-rigward ta' rekwiżiti potenzjalment duplikattivi jew kunfliġġenti fuq il-parteċipanti fis-suq, u tirrakkomanda azzjonijiet possibbli.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddikjaraw li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-pajjiż terz rilevanti:

(a) ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikoli 28 u 29;

(b) jiżguraw protezzjoni tas-sigriet professjonali li tkun ekwivalenti għal dik stipulata f'dan ir-Regolament;

(c) ikunu qed jiġu applikati u infurzati b'mod effettiv b'mod ekwu u bla distorsjoni sabiex ikunu żgurati s-superviżjoni u l-infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51.

3. Att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkollu l-effett li l-kontropartijiet li jidħlu fitranżazzjoni soġġetta għal dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jkunu wettqu l-obbligu li jinsab fl-Artikoli 28 u 29, fejn għall-inqas waħda mill-kontropartijiet hija stabbilita f'dak il-pajjiż terz u l-kontropartijiet jikkonformaw ma' dawk l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar tal-pajjiż terz rilevanti.

4. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-ESMA, tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva minn pajjiżi terzi, li għalihom ġie adottat att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza, tar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk li jinsabu fl-Artikoli 28 u 29 u tirrapporta regolarment, mill-inqas fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fi żmien 30 jum tal-kalendarju mill-preżentazzjoni tar-rapport, fejn ir-rapport jiżvela difett jew inkonsistenza sinifikanti fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti ekwivalenti mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, il-Kummissjoni tista' tirtira r-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-qafas legali tal-pajjiż terz inkwistjoni. Meta att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza jiġi rtirat, it-transazzjonijiet tal-kontropartijiet għandhom awtomatikament jiġu soġġetti mill-ġdid għar-rekwiżiti kollha li jinsabu fl-Artikoli 28 u 29 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 34*

**Reġistru ta' derivati soġġetti għall-obbligu ta' negozjar**

L-ESMA għandha tippubblika u żżomm fuq il-websajt tagħha reġistru li jispeċifika, b'mod eżawrenti u inekwivoku, id-derivati li huma soġġetti għall-obbligu ta' negozjar fiċ-ċentri msemmija fl-Artikolu 28(1), iċ-ċentri fejn huma ammessi għan-negozjar jew fejn huma negozjati, u d-dati li fihom jidħol fis-seħħ l-obbligu.

TITOLU VI

**AĊĊESS TA' KKLERJAR NONDISKRIMINATORJU GĦALL-ISTRUMENTI FINANZJARJI**

*Artikolu 35*

**Aċċess nondiskriminatorju għal CCP**

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, CCP għandha taċċetta li tikklirja strumenti finanzjarji fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti, anki fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kollateral u tariffi relatati mal-aċċess, irrispettivament miċ-ċentru tan-negozjar li fih titwettaqtranżazzjoni. Partikolarment dan għandu jiżgura li ċentru tan-negozjar ikollu d-dritt għal trattament nondiskriminatorju ta' kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar f'termini ta':

(a) rekwiżiti ta' kollateral u n-netting ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti, fejn l-inklużjoni ta' dawn il-kuntratti fil-proċeduri ta' close-up u proċeduri oħrajn ta' netting ta' CCP ibbażata fuq il-liġi dwar l-insolvenza applikabbli ma tipperikolax il-funzjonament mingħajr xkiel u ordnat, il-validità jew l-infurzar ta' dawn il-proċeduri; kif ukoll

(b) il-kontromarġinazzjoni ma' kuntratti korrelati kklerjati mill-istess CCP skont mudell ta' riskju li jikkonforma mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

CCP tista' teħtieġ li ċ-ċentru tan-negozjar jikkonforma ma' rekwiżiti operattivi u tekniċi stabbiliti mis-CCP inklużi r-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju. Ir-rekwiżit f'dan il-paragrafu ma japplika għall-ebda kuntratt ta' derivati li diġà huwa soġġett għall-obbligu ta' aċċess skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

CCP mhijiex marbuta b'dan l-Artikolu jekk ma tkunx konnessa b'rabtiet sodi ma' ċentru tan-negozjar li jkun ta notifika skont l-Artikolu 36(5).

2. Talba għal aċċess għal CCP minn ċentru tan-negozjar għandha tkun formalment sottomessa lil CCP, lill-awtorità kompetenti relevanti tagħha u lill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar. It-talba għandha tispeċifika għal liema tipi ta' strumenti finanzjarji huwa mitlub l-aċċess.

3. Is-CCP għandha tipprovdi tweġiba bil-miktub liċ-ċentru tan-negozjar fi żmien tliet xhur fil-każ ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq monetarju, u fi żmien sitt xhur fil-każ ta' derivati negozjati fil-borża, fejn jew tippermetti l-aċċess, bil-kundizzjoni li awtorità kompetenti rilevanti tat l-aċċess skont il-paragrafu 4, jew tiċħad l-aċċess. Is-CCP tista' tiċħad talba għal aċċess skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 6(a) biss. Jekk CCP tiċħad l-aċċess, għandha tipprovdi r-raġunijiet sħaħ fit-tweġiba tagħha u tinforma bil-miktub lill-awtorità kompetenti tagħha dwar id-deċiżjoni. Meta ċ-ċentru tan-negozjar ikun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak tas-CCP, is-CCP għandha tipprovdi wkoll tali notifika u raġunijiet lill-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar. Is-CCP għandha tagħmel l-aċċess possibbli fi żmien tliet xhur minn meta tipprovdi tweġiba pożittiva għat-talba għal aċċess.

4. L-awtorità kompetenti tas-CCP jew dik taċ-ċentru tan-negozjar għandha tagħti aċċess għal CCP lil ċentru tan-negozjar biss meta tali aċċess:

(a) ma jirrikjedix arranġament ta' interoperabbiltà, fil-każ ta' derivati li mhumiex derivati OTC skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; jew

(b) ma jheddidx il-funzjonament bla intoppi u ordinat tas-swieq, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni tal-likwidità kif definita fl-Artikolu 2(36), jew ma jaffettwax ħażin ir-riskju sistemiku.

Xejn fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu m'għandu jimpedixxi l-għoti tal-aċċess fejn it-talba msemmija fil-paragrafu 2 tirrikjedi l-interoperabbiltà u ċ-ċentru tan-negozjar u s-CCPs kollha parti fl-arranġament propost ta' interoperabbiltà jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-arranġament u r-riskji li s-CCP riċeventi hija esposta għalihom li joriġinaw minn pożizzjonijiet inter-CCP jkunu kollateralizzati f'parti terza.

Fejn il-ħtieġa għal arranġament ta' interoperabbiltà hija r-raġuni jew tkun parti tar-raġuni għal ċaħda ta' talba, iċ-ċentru tan-negozjar javża lis-CCP u jinforma lill-ESMA dwar liema CCPs oħrajn għandhom aċċess għaċ-ċentru tan-negozjar, u l-ESMA tippubblika dik l-informazzjoni biex b'hekk ditti tal-investiment jistgħu jagħżlu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' dawk is-CCPs sabiex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti alternattivi għall-aċċess.

Jekk awtorità kompetenti tiċħad l-aċċess, għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi r-raġunijiet sħaħ lill-awtorità kompetenti l-oħra, lis-CCP u liċ-ċentru tan-negozjar inklużi l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tagħha.

5. Fir-rigward tat-titoli trasferibbli u l-istrumenti tas-suq monetarju, CCP li tkun għadha kif ġiet stabbilita u awtorizzata bħala CCP kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 biex tikklerja skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew awtorizzata skont reġim ta' awtorizzazzjoni nazzjonali preeżistenti għal perjodu ta' anqas minn tliet snin fit-2 ta' Lulju 2014 tista', qabel it-3 ta' Jannar 2017, tapplika mal-awtorità kompetenti tagħha għal permess biex tkun tista' tuża l-arranġamenti tranżitorji. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li dan l-Artikolu ma japplikax għas-CCP fir-rigward tat-titoli trasferibbli u l-istrumenti tas-suq monetarju, għal perjodu tranżizzjonali ta' mhux iktar minn tletin xahar mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sat-3 ta' Lulju 2019.

Meta tali perjodu tranżizzjonali jkun approvat, is-CCP ma tistax tibbenefika mid-drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 36 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tat-titoli trasferibbli u l-istrumenti tas-suq monetarju għal kemm idum fis-seħħ dan l-arranġament tranżizzjonali. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-membri tal-kulleġġ tal-awtoritajiet kompetenti għas-CCP u l-ESMA meta perjodu tranżizzjonali jiġi approvat. L-ESMA għandha tippubblika lista tan-notifiki kollha li tirċievi.

Meta CCP li tkun ġiet approvata għall-arranġamenti tranżitorji skont dan il-paragrafu tkun konnessa b'rabtiet sodi ma' ċentru tan-negozjar wieħed jew iktar, dawk iċ-ċentri tan-negozjar m'għandhomx jibbenefikaw minn drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 36 jew dan l-Artikolu fir-rigward tat-titoli trasferibbli jew l-istrumenti tas-suq monetarju għal kemm idum fis-seħħ l-arranġament tranżizzjonali.

CCP li tkun awtorizzata matul il-perjodu ta' tliet snin qabel id-dħul fis-seħħ, iżda li tkun iffurmata permezz ta' fużjoni jew akkwiżizzjoni li tinvolvi tal-anqas CCP awtorizzata waħda qabel dan il-perjodu, m'għandhiex titħalla tapplika għall-arranġamenti tranżitorji skont dan il-paragrafu.

6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom talba għal aċċess tista' tiġi miċħuda minn CCP, inklużi l-volum antiċipat ta'tranżazzjonijiet, l-għadd u t-tip ta' utenti, l-arranġamenti għal ġestjoni ta' riskji operazzjonali u l-kumplessità jew fatturi oħra li joħolqu riskji sinifikanti bla ħtieġa.

(b) il-kundizzjonijiet li skonthom għandu jitħalla l-aċċess minn CCP, fosthom il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni provduta fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji matul il-fażi tal-iżvilupp, il-bażi nondiskriminatorja u trasparenti fir-rigward tat-tariffi tal-ikklerjar, ir-rekwiżit tal-kollateral u r-rekwiżiti operazzjonali fir-rigward tal-marġinazzjoni.

(c) il-kundizzjonijiet li skonthom l-għoti ta' aċċess jhedded il-funzjonament bla intoppi u ordinat tas-swieq jew jaffettwaw ħażin ir-riskju sistemiku.

(d) il-proċedura biex issir notifika skont il-paragrafu 5.

(e) il-kundizzjonijiet għal trattament nondiskriminatorju f'termini ta' kif kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar ikunu trattati f'termini ta' rekwiżiti ta' kollateral u n-netting ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti u l-kontromarġinazzjoni ma' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 36*

**Aċċess nondiskriminatorju għal ċentru tan-negozjar**

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi informazzjoni dwar in-negozjar fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti, anke fir-rigward ta' tariffi relatati mal-aċċess, fuq talba lil kwalunkwe CCP awtorizzata jew rikonoxxuta mir-Regolament (UE) Nru 648/2012 li tixtieq tikklerja t-transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji li huma konklużi f'dak iċ-ċentru tan-negozjar. Dak ir-rekwiżit ma japplika għall-ebda kuntratt ta' derivati li diġà huwa soġġett għall-obbligi ta' aċċess skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (EU) Nru 648/2012.

Ċentru tan-negozjar mhuwiex marbut b'dan l-Artikolu jekk ikun konness b'rabtiet sodi ma' CCP li tkun tat notifika li qed tuża l-arranġamenti tranżitorji skont l-Artikolu 35(5).

2. Talba għall-aċċess għal ċentru tan-negozjar minn CCP għandha tiġi formalment sottomessa lil ċentru tan-negozjar, lill-awtorità kompetenti relevanti tiegħu u lill-awtorità kompetenti tas-CCP.

3. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi tweġiba bil-miktub lis-CCP fi żmien tliet xhur fil-każ ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq monetarju, u fi żmien sitt xhur fil-każ ta' derivati negozjati fil-borża, fejn jew jippermetti l-aċċess, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti relevanti tat l-aċċess skont il-paragrafu 4, jew tiċħad l-aċċess. Iċ-ċentru tan-negozjar jista' jiċħad aċċess biss skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 6(a). Jekk l-aċċess jiġi miċħud, iċ-ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi r-raġunijiet sħaħ fit-tweġiba tiegħu u jinforma bil-miktub lill-awtorità kompetenti tiegħu dwar id-deċiżjoni. Meta s-CCP tkun stabbilita fi Stat Membru differenti minn dak taċ-ċentru tan-negozjar, iċ-ċentru tan-negozjar għandu jipprovdi wkoll tali notifika u raġunijiet lill-awtorità kompetenti tas-CCP. Iċ-ċentru tan-negozjar għandu jagħmel l-aċċess disponibbli fi żmien tliet xhur minn meta jipprovdi tweġiba pożittiva għat-talba għal aċċess.

4. L-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar jew dik tas-CCP għandha tagħti aċċess lil CCP għal ċentru tan-negozjar biss meta t-tali aċċess:

(a) ma jirrikjedix arranġament ta' interoperabbiltà, fil-każ ta' derivati li mhumiex derivati OTC skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; jew

(b) me jheddidx il-funzjonament bla intoppi u ordinat tas-swieq, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni tal-likwidità u ċ-ċentru tan-negozjar ikun qiegħed fis-seħħ mekkaniżmi adegwati biex jipprevjeni tali frammentazzjoni, jew ma jaffettwax ħażin ir-riskju sistemiku.

Xejn fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu m'għandu jwaqqaf l-għoti tal-aċċess fejn it-talba msemmija fil-paragrafu 2 tirrikjedi l-interoperabbiltà u ċ-ċentru tan-negozjar u s-CCPs kollha parti fl-arranġament propost ta' interoperabbiltà jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-arranġament u r-riskji li s-CCP riċeventi hija esposta għalihom li joriġinaw minn pożizzjonijiet inter-CCP jkunu kollateralizzati f'parti terza.

Fejn il-ħtieġa għal arranġament ta' interoperabbiltà tkun ir-raġuni jew parti minnha għal ċaħda ta' talba, iċ-ċentru tan-negozjar javża lis-CCP u jinforma lill-ESMA dwar liema CCPs oħrajn għandhom aċċess għaċ-ċentru tan-negozjar u l-ESMA tippubblika dik l-informazzjoni biex b'hekk ditti tal-investiment jistgħu jagħżlu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' dawk is-CCPs sabiex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti alternattivi għall-aċċess.

Jekk awtorità kompetenti tiċħad l-aċċess, għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi r-raġunijiet sħaħ lill-awtorità kompetenti l-oħra, liċ-ċentru tan-negozjar u lis-CCP inklużi l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tagħha.

5. Fir-rigward ta' derivati negozjati fil-borża, ċentru tan-negozjar li ma jilħaqx il-limitu relevanti fis-sena kalendarja li tippreċedi d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jista', qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifika lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti tagħha li ma jixtieqx jintrabat b'dan l-Artikolu għal derivati negozjati fil-borża inklużi f'dak il-limitu, għal perjodu ta' tletin xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Ċentru tan-negozjar li jibqa' ma jilħaqx il-limitu relevanti f'kull sena ta' dak il-perjodu ta' tletin xahar, jew ta' kwalunkwe perjodu ieħor, fi tmiem il-perjodu jista' jinnotifika lill-ESMA u lill-awtorità kompetenti tagħha li jixtieq jibqa' ma jintrabatx b'dan l-Artikolu għal tletin xahar ieħor. Meta tingħata notifika ċ-ċentru tan-negozjar ma jistax jibbenefika mid-drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 35 jew dan l-Artikolu għal derivati negozjati fil-borża inklużi fil-limitu relevanti, għal kemm iddum fis-seħħin-nonparteċipazzjoni. L-ESMA għandha tippubblika lista tan-notifiki kollha li tirċievi.

Il-limitu relevanti għan-nonparteċipazzjoni huwa ammont nozzjonali annwali negozjat ta' EUR 1 000 000 miljun. L-ammont nozzjonali għandu jkun 'single-counted' u għandu jinkludi t-tranżazzjonijiet kollha f'derivati negozjati fil-borża konklużi skont ir-regoli taċ-ċentru tan-negozjar.

Meta ċentru tan-negozjar ikun parti minn grupp li jkun konness b'rabtiet sodi, il-limitu għandu jiġi kkalkulat biż-żieda tal-ammont nozzjonali annwali negozjat taċ-ċentri tan-negozjar kollha fil-grupp kollu kemm hu li huma bbażati fl-Unjoni.

Meta ċentru tan-negozjar li jkun għamel notifika skont dan il-paragrafu jkun konness b'rabtiet sodi ma' CCP waħda jew aktar, dawk is-CCPs m'għandhomx jibbenefikaw mid-drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 35 jew dan l-Artikolu għal derivati negozjati fil-borża fil-limitu relevanti, għad-durata tan-nonparteċipazzjoni.

6. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-kondizzjonijiet speċifiċi li skonthom talba għal aċċess tista' tiġi miċħuda minn ċentru tan-negozjar, inklużi kundizz-jonijiet ibbażati fuq il-volum antiċipat ta'tranżazzjonijiet, l-għadd ta' utenti, l-arranġamenti għal ġestjoni tar-riskji operazzjonali u l-kumplessità jew fatturi oħra li joħolqu riskji sinifikanti bla ħtieġa,

(b) il-kundizzjonijiet li skonthom għandu jingħata l-aċċess, fosthom il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni provduta fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji matul il-fażi tal-iżvilupp, il-bażi nondiskriminatorja u trasparenti fir-rigward tat-tariffi relatati mal-aċċess.

(c) il-kundizzjonijiet li skonthom l-għoti tal-aċċess jhedded il-funzjonament bla intoppi u ordinat tas-swieq, jew jaffettwa ħażin ir-riskju sistemiku;

(d) il-proċedura biex issir notifika skont il-paragrafu 5, inklużi speċifikazzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tal-ammont nozzjonali u l-metodu li bih l-ESMA tista' tivverifika l-kalkolu tal-volumi u tapprova n-nonparteċipazzjoni.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 37*

**Aċċess nondiskriminatorju għal, u l-obbligu ta' liċenzjar ta' punti referenzjarji**

1. Meta l-valur ta' kwalunkwe strument finanzjarju huwa kkalkolat b'referenza għal punt referenzjarju, persuna bid-drittijiet proprjetarji għall-punt referenzjarju għandha tiżgura għall-finijiet ta' negozjar u kklerjar, li s-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar ikollhom aċċess nondiskriminatorju għal:

(a) aġġornamenti relevanti dwar il-prezz u d-dejta u informazzjoni dwar il-kompożizzjoni, il-metodoloġija u l-ipprezzar ta' dak il-punt referenzjarju għall-finijiet ta' kklerjar u negozjar; u

(b) liċenzji.

Liċenzja li tinkludi l-aċċess għall-informazzjoni għandha tingħata fuq bażi ġusta, raġonevoli u nondiskriminatorja fi żmien tliet xhur minn meta ssir it-talba minn CCP jew ċentru tan-negozjar.

L-aċċess għandu jingħata bi prezz kummerċjali raġonevoli filwaqt li jitqies il-prezz li bih jingħata aċċess għall-punt referenzjarju jew huma liċenzjati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq termini ekwivalenti lil CCP oħra, ċentri tan-negozjar jew kwalunkwe persuna relatata għall-finijiet ta' kklerjar jew negozjar. Prezzijiet differenti jistgħu jiġu ċċarġjati għal CCPs differenti, ċentri tan-negozjar jew kwalunkwe persuna relatata biss meta dan ikun oġġettivament ġustifikat b'kunsiderazzjoni ta' raġunijiet kummerċjali raġonevoli bħall-kwantità, l-ambitu jew il-qasam ta' użu mitluba.

2. Meta jiġi żviluppat punt referenzjarju ġdid konsegwentement għall-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament wara it-3 ta' Jannar 2017, l-obbligu ta' liċenzjar jibda mhux aktar tard minn 30 xahar wara referenza għal strument finanzjarju li l-punt referenzjarju beda n-negozjar jew ġie ammess għan-negozjar. Meta persuna bi drittijiet proprjetarji għal punt referenzjarju ġdid tippossjedi punt referenzjarju eżistenti, dik il-persuna għandha tistabbilixxi li, meta mqabbel ma kwalunkwe tali punt referenzjarju eżistenti, il-punt referenzjarju ġdid jissodisfa l-kriterji kumulattivi li ġejjin:

(a) il-punt referenzjarju ġdid ma jkunx sempliċement kopja jew adattament ta' kwalunkwe tali punt referenzjarju eżistenti u l-metodoloġija, inkluża d-dejta sottostanti, tal-punt referenzjarju ġdid tkun sostanzjalment differenti minn kwalunkwe tali punt referenzjarju eżistenti; u

(b) il-punt referenzjarju l-ġdid ma jkun sostitut għal ebda tali punt referenzjarju eżistenti.

Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u b'mod partikolari għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE.

3. L-ebda CCP, ċentru tan-negozjar jew entità relatata ma jistgħu jidħlu fi ftehim ma' xi fornitur ta' punt referenzjarju li l-effett tiegħu jkun wieħed minn dawn:

(a) il-prevenzjoni ta' kwalunkwe CCP oħra jew ċentru tan-negozjar ieħor milli jiksbu aċċess għal tali informazzjoni jew drittijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1; jew

(b) il-prevenzjoni ta' kwalunkwe CCP oħra jew ċentru tan-negozjar ieħor milli jiksbu aċċess għal liċenzja kif imsemmi fil-paragrafu 1;

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) l-informazzjoni permezz tal-liċenzjar li trid issir disponibbli skont il-paragrafu 1(a) għall-użu uniku tas-CCP jew taċ-ċentru tan-negozjar;

(b) kundizzjonijiet oħra li skonthom jingħata aċċess, inkluża l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni provduta;

(c) l-istandards rigward kif jista' jiġi ppruvat li punt referenzjarju huwa ġdid b'konformità mal-paragrafi 2(a) u (b).

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 38*

**Aċċess għal CCPs u ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi**

1. Ċentru tan-negozjar stabbilit f'pajjiż terz jista' jitlob aċċess għal CCP stabbilita fl-Unjoni biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni b'konformità mal-Artikolu 28(4) rigward dak il-pajjiż terz. CCP stabbilita f'pajjiż terz tista' titlob aċċess għal ċentru tan-negozjar fl-Unjoni jekk dik is-CCP tkun rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 tar-Regolametn (UE) Nru 648/2012. CCPs u ċentri tan-negozjar stabbiliti f'pajjiżi terzi għandhom jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet ta' aċċess fl-Artikoli 35 u 36 biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni b'konformità mal-paragrafu 3 li l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz jitqies bħala wieħed li jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva biex CCPs u ċentri tan-negozjar awtorizzati skont reġimi barranin jingħataw aċċess għal CCPs u ċentri tan-negozjar stabbiliti f'dak il-pajjiż terz.

2. CCPs u ċentri tan-negozjar stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jitolbu liċenzja u d-drittijiet ta' aċċess b'konformità mal-Artikolu 37 biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni b'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li l-qafas legali u superviżorju ta' dak il-pajjiż terz jitqies bħala wieħed li jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva skont liema CCPs u ċentri tan-negozjar awtorizzati f'ġuriżdizzjonijiet barranin jingħataw aċċess fuq bażi ġusta, raġonevoli u nondiskriminatorja għal:

(a) aġġornamenti relevanti dwar il-prezzijiet u d-dejta u informazzjoni dwar il-kompożizzjoni, il-metodoloġija u l-ipprezzar ta' punti referenzjarji għall-finijiet ta' kklerjar u negozjar; u

(b) liċenzji,

minn persuni bi drittijiet proprjetarji għal punti referenzjarji stabbiliti f'dak il-pajjiż terz.

3. Il-Kummissjoni tista', b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51, tadotta deċiżjonijiet li jiddeterminaw li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li ċentru tan-negozjar u CCP awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li jkunu ekwivalenti għar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u li jkunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz.

Il-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jitqies ekwivalenti meta dak il-qafas jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) iċ-ċentri tan-negozjar f'dak il-pajjiż terz huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni u l-infurzar effettivi fuq bażi kontinwa;

(b) jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva biex is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar awtorizzati skont reġimi barranin jingħataw aċċess għal CCPs u ċentri tan-negozjar stabbiliti f'dak il-pajjiż terz;

(c) il-qafas legali u superviżorju ta' dak il-pajjiż terz jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva skont liema CCPs u ċentri tan-negozjar awtorizzati f'ġuriżdizzjonijiet barranin jingħataw aċċess fuq bażi ġusta. raġonevoli u nondiskriminatorja għal:

(i) aġġornamenti relevanti dwar il-prezzijiet u d-dejta u informazzjoni dwar il-kompożizzjoni, il-metodoloġija u l-ipprezzar ta' punti referenzjarji għall-finijiet ta' kklerjar u negozjar; u

(ii) liċenzji,

minn persuni bi drittijiet proprjetarji għal punti referenzjarji stabbiliti f'dak il-pajjiż terz.

TITOLU VII

**MIŻURI SUPERVIŻORJI DWAR INTERVENTI FUQ IL-PRODOTT U POŻIZZJONIJET**

*KAPITOLU 1*

***Monitoraġġ tal-prodott u intervent fuq il-prodott***

*Artikolu 39*

**Monitoraġġ tas-suq**

1. B'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha timmonitorja s-suq għall-istrumenti finanzjarji li huma kummerċjalizzati, imqassma jew mibjugħa fl-Unjoni.

2. B'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA għandha timmonitorja s-suq għad-depożiti strutturati li huma kummerċjalizzati, imqassma jew mibjugħa fl-Unjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw is-suq għal strumenti finanzjarji u depożiti strutturati li huma kumerċjalizzati, imqassma jew mibjugħa fl-Istat Membru tagħhom jew minnu.

*Artikolu 40*

**Setgħat ta' intervent temporanju tal-ESMA**

1. Skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA tista', meta l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 huma sodisfatti, temporanjament tipprojbixxi jew tirrestrinġi fl-Unjoni:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' ċerti strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji b'ċerti karatteristiċi speċifikati; jew

(b) tip ta' attività jew prassi finanzjarja.

Projbizzjoni jew restrizzjoni tista' tapplika f'ċirkostanzi, jew tkun soġġetta għal eżenzjonijiet, speċifikati mill-ESMA.

2. L-ESMA għandha tieħu deċiżjoni skont il-paragrafu 1 fil-każ biss li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-azzjoni proposta tindirizza tħassib sinifikanti rigward il-protezzjoni tal-investitur jew theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja sħiħa jew parti minnha fl-Unjoni;

(b) ir-rekwiżiti regolatorji skont il-liġi tal-Unjoni li huma applikabbli għall-istrument jew l-attività finanzjarji relevanti ma jindirizzawx it-theddida;

(c) awtorità jew awtoritajiet kompetenti ma ħadux azzjoni sabiex jindirizzaw it-theddida jew l-azzjonijiet li ttieħdu ma jindrizzawx adegwatament it-theddida.

Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu ġew sodisfatti, l-ESMA tista' timponi l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq bażi prekawzjonarja qabel ma strument finanzjarju jkun ġie kkummerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lill-klijenti.

3. Meta tieħu azzjoni skont dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tiżgura li l-azzjoni:

(a) ma jkollhiex effett negattiv fuq l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji jew fuq l-investituri li jkun sproporzjonat għall-benefiċċji tal-azzjoni;

(b) ma toħloqx riskju ta' abritraġġ regolatorju, u

(c) tkun ittieħdet wara konsultazzjoni mal-korpi pubbliċi kompetenti għas-sorveljanza, l-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni ta' swieq fiżiċi agrikoli skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007/KE, fejn il-miżura tirrigwarda derivati ta' komoditajiet agrikoli.

Meta awtorità jew awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu miżura skont l-Artikolu 42, l-ESMA tista' tieħu kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma toħroġ l-opinjoni prevista fl-Artikolu 43.

4. Qabel ma tiddeċiedi li tieħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bl-azzjoni li tipproponi.

5. L-ESMA għandha tippubblika fil-websajt tagħha avviż dwar kwalunkwe deċiżjoni li tieħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu. L-avviż għandu jispeċifika d-dettalji tal-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni u jispeċifika żmien wara l-pubblikazzjoni tal-avviż li minnu se jidħlu fis-seħħ il-miżuri. Projbizzjoni jew restrizzjoni għandha tapplika biss għal azzjonijiet wara li l-miżuri jidħlu fis-seħħ.

6. L-ESMA għandha tirrivedi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta skont il-paragrafu 1 f'intervalli xierqa u tal-inqas kull tliet xhur. Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tiskadi jekk ma tiġix imġedda wara dak il-perjodu ta' tliet xhur.

7. L-azzjoni adottata mill-ESMA skont dan l-Artikolu għandha tipprevali fuq kwalunkwe azzjoni preċedenti meħuda minn awtorità kompetenti.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jispeċifikaw il-kriterji u l-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati mill-ESMA meta tiddetermina meta jkun hemm tħassib sinifikanti għall-protezzjoni tal-investitur jew theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 2(a).

Dawk il-kriterji u l-fatturi għandhom jinkludu:

(a) il-grad ta' kumplessità ta' strument finanzjarju u r-relazzjoni għat-tip ta' klijent li għalih huwa kkummerċjalizzat u mibjugħ;

(b) id-daqs jew il-valur nozzjonali ta' ħruġ ta' strumenti finanzjarji;

(c) il-grad ta' innovazzjoni ta' strument finanzjarju, attività jew prassi;

(d) il-lieva li strument finanzjarju jew prassi jipprovdu.

*Artikolu 41*

**Setgħat ta' intervent temporanju tal-EBA**

1. Skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA tista', meta l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 jkunu sodisfatti, temporanjament tipprojbixxi jew tirrestrinġi fl-Unjoni:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' depożiti strutturati jew depożiti strutturati b'ċerti karatteristiċi speċifikati; jew

(b) tip ta' attività jew prassi finanzjarja.

Projbizzjoni jew restrizzjoni tista' tapplika f'ċirkostanzi, jew tkun soġġetta għal eċċezzjonijiet speċifikati mill-EBA.

2. L-EBA għandha tieħu deċiżjoni skont il-paragrafu 1 fil-każ biss li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-azzjoni proposta tindirizza tħassib sinifikanti dwar il-protezzjoni tal-investitur jew theddid għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni;

(b) ir-rekwiżiti regolatorji skont il-liġi tal-Unjoni li huma applikabbli għad-depożitu strutturat jew l-attività rilevanti ma jindirizzawx it-theddida;

(c) awtorità jew awtoritajiet kompetenti ma jkunux ħadu azzjoni sabiex jindirizzaw it-theddida jew l-azzjonijiet li ttieħdu ma jindrizzawx adegwatament it-theddida.

Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu ġew sodisfatti, l-EBA tista' timponi l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq bażi prekawzjonarja qabel ma depożitu strutturat ikun ġie kkumerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lill-klijenti.

3. Meta tieħu azzjoni skont dan l-Artikolu, l-EBA għandha tiżgura li l-azzjoni:

(a) ma jkollhiex effett negattiv fuq l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji jew fuq l-investituri li jkun sproporzjonat għall-benefiċċji tal-azzjoni; u

(b) ma toħloqx riskju ta' abritraġġ regolatorju.

Meta awtorità jew awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu miżura skont l-Artikolu 42, l-EBA tista' tieħu kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma toħroġ l-opinjoni prevista fl-Artikolu 43.

4. Qabel ma tiddeċiedi li tieħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu, l-EBA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bl-azzjoni li tipproponi.

5. L-EBA għandha tippubblika fil-websajt tagħha avviż dwar kwalunkwe deċiżjoni li tieħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu. L-avviż għandu jispeċifika d-dettalji tal-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni u jispeċifika l-mument wara l-pubblikazzjoni tal-avviż li minnu se jidħlu fis-seħħ il-miżuri. Projbizzjoni jew restrizzjoni għandha tapplika biss għal azzjonijiet wara li l-miżuri jidħlu fis-seħħ.

6. L-EBA għandha tirrivedi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta skont il-paragrafu 1 f'intervalli xierqa u tal-inqas kull tliet xhur. Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tiskadi jekk ma tiġix imġedda wara dak il-perjodu ta' tliet xhur.

7. L-azzjoni adottata mill-EBA skont dan l-Artikolu għandha tipprevali fuq kwalunkwe azzjoni preċedenti meħuda minn awtorità kompetenti.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jispeċifikaw il-kriterji u l-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati mill-EBA meta tiddetermina meta jkun hemm tħassib sinifikanti għall-protezzjoni tal-investitur jew theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 2(a).

Dawn il-kriterji u l-fatturi għandhom jinkludu:

(a) il-grad ta' kumplessità ta' depożitu strutturat u r-relazzjoni għat-tip ta' klijent li għalih huwa kkummerċjalizzat u mibjugħ;

(b) id-daqs jew il-valur nozzjonali ta' ħruġ ta' depożiti strutturati;

(c) il-grad ta' innovazzjoni ta' depożitu strutturat, attività jew prassi;

(d) il-lieva li prodott jew prassi jipprovdu.

*Artikolu 42*

**Intervent fuq il-prodott mill-awtoritajiet kompetenti**

1. Awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi jew tirrestrinġi dan li ġej f'dak jew minn dak l-Istat Membru:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' ċerti strumenti finanzjarji jew depożiti strutturati jew strumenti finanzjarji jew depożiti strutturati b'ċerti karatteristiċi speċifikati; jew

(b) tip ta' attività jew prassi finanzjarja.

2. Awtorità kompetenti tista' tieħu l-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jekk tkun sodisfatta fuq bażi raġonevoli li:

(a) jew

(i) strument finanzjarju, depożitu strutturat jew attività jew prassi joħolqu tħassib sinifikanti rigward il-protezzjoni tal-investitur jew huma ta' theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha f'tal-anqas Stat Membru wieħed; jew

(ii) derivat ikollu effett negattiv fuq il-mekkaniżmu tal-formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq sottostanti;

(b) ir-rekwiżiti regolatorji eżistenti skont il-liġi tal-Unjoni applikabbli għall-istrument finanzjarju, id-depożitu strutturat jew l-attività jew il-prassi ma jindirizzawx biżżejjed ir-riskji msemmija fil-punt (a) u l-kwistjoni ma tistax tiġi indirizzata aħjar permezz ta' superviżjoni jew infurzar imtejba tar-rekwiżiti eżistenti;

(c) l-azzjoni hija proporzjonata meta tiġi kkunsidrata n-natura tar-riskji identifikati, il-livell ta' sofistikazzjoni tal-investituri jew tal-parteċipanti tas-suq konċernati u l-effett probabbli li l-azzjoni jista' jkollha fuq l-investituri u l-parteċipanti tas-suq li jista' jkollhom, jużaw jew jibbenefikaw mill-istrument finanzjarju, id-depożitu strutturat jew l-attività jew il-prassi;

(d) l-awtorità kompetenti kkonsultat kif xieraq l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra li jistgħu jkunu affettwati b'mod sinifikanti mill-azzjoni;

(e) l-azzjoni ma għandhiex effett diskriminatorju fuq is-servizzi jew l-attivitajiet forniti minn Stat Membru ieħor; u

(f) tkun ikkonsultat kif xieraq mal-korpi pubbliċi kompetenti għas-sorveljanza, l-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni tas-swieq agrikoli fiżiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007/KE, f'każ li strument finanzjarju, jew attività jew prassi jkunu ta' theddida serja għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-suq agrikolu fiżiku.

Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu sodisfatti, l-awtorità kompetenti tista' timponi l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq bażi prekawzjonarja qabel ma strument finanzjarju jew depożitu strutturat ikun ġie kkumerċjalizzat, distribwit jew mibjugħ lill-klijenti.

Projbizzjoni jew restrizzjoni tista' tapplika f'ċirkostanzi, jew tkun soġġetta għal eċċezzjonijiet, speċifikati mill-awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti ma għandhiex timponi projbizzjoni jew restrizzjoni skont dan l-Artikolu sakemm, sa mhux inqas minn xahar qabel ma jkun maħsub li l-miżura tidħol fis-seħħ, tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha u lill-ESMA bil-miktub jew permezz ta' mezz ieħor miftiehem bejn l-awtoritajiet dwar id-dettalji ta':

(a) l-istrument jew l-attività jew il-prassi finanzjarja li magħhom hija relatata l-azzjoni proposta;

(b) in-natura preċiża tal-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni proposta u meta hija maħsuba li tidħol fis-seħħ; u

(c) l-evidenza li fuqha bbażat id-deċiżjoni tagħha u li skontha hija sodisfatta li ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha fil-paragrafu 2.

4. F'każijiet straordinarji meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun jeħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti skont dan l-Artikolu sabiex ikun evitat li jsir dannu minħabba l-istrumenti finanzjarji, id-depożiti strutturati, il-prassi jew l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tieħu azzjoni fuq bażi provviżorja b'avviż bil-miktub ta' mhux anqas minn 24 siegħa, qabel ma l-miżura għandha tidħol fis-seħħ, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha u lill-ESMA jew, għal depożiti strutturati, lill-EBA, sakemm il-kriterji kollha f'dan l-Artikolu jiġu sodisfatti u, barra minn hekk, jiġi stabbilit li perjodu ta' notifika ta' xahar ma jindirizzax adegwatament it-tħassib speċifiku jew it-theddida speċifika. L-awtorità kompetenti ma tistax tieħu azzjoni fuq bażi provviżorja għal perjodu li jabeż it-tliet xhur.

5. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika fil-websajt tagħha avviż dwar kwalunkwe deċiżjoni li timponi xi projbizzjoni jew restrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-avviż għandu jispeċifika d-dettalji tal-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni, żmien wara l-pubblikazzjoni tal-avviż li minnu jidħlu fis-seħħ il-miżuri u l-evidenza li skonthom hija sodisfatta li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha fil-paragrafu 2. Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni għandha tapplika biss fir-rigward ta' azzjonijiet li ttieħdu wara l-pubblikazzjoni tal-avviż.

6. L-awtorità kompetenti għandha tirrevoka projbizzjoni jew restrizzjoni jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 ma jibqgħux japplikaw.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jispeċifikaw il-kriterji u l-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti meta jiddeterminaw meta jkun hemm tħassib sinifikanti għall-protezzjoni tal-investitur jew theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2(a) f'tal-anqas Stat Membru wieħed.

Dawn il-kriterji u l-fatturi għandhom jinkludu:

(a) il-grad ta' kumplessità ta' strument finanzjarju jew ta' depożitu strutturat u r-relazzjoni għat-tip ta' klijent li għalih huwa kkummerċjalizzat, distribwit u mibjugħ;

(b) il-grad ta' innovazzjoni ta' strument finanzjarju jew ta' depożitu strutturat, attività jew prassi;

(c) il-lieva li strument finanzjarju jew depożitu strutturat jew prassi jipprovdu;

(d) b'rabta mal-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew tas-swieq tal-komoditajiet, id-daqs jew il-valur nozzjonali ta' ħruġ ta' strumenti finanzjarji jew depożiti strutturati.

*Artikolu 43*

**Koordinazzjoni mill-ESMA u mill-EBA**

1. L-ESMA jew, għal depożiti strutturati, l-EBA għandha tieħu rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward tal-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 42. B'mod partikolari, l-ESMA jew, għal depożiti strutturati, l-EBA għandha tiżgura li l-azzjoni meħuda minn awtorità kompetenti tkun ġustifikata u proporzjonata u li fejn xieraq jittieħed approċċ konsistenti mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 42 dwar kwalunkwe azzjoni li se tiġi imposta skont dak l-Artikolu, l-ESMA jew, għal depożiti strutturati, l-EBA għandha tadotta opinjoni dwar jekk il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni hijiex ġustifikata u proporzjonata. Jekk l-ESMA jew, għal depożiti strutturati, l-EBA tikkunsidra li t-teħid ta' miżuri minn awtoritajiet kompetenti oħra huwa meħtieġ sabiex jiġi indirizzat ir-riskju, għandha tiddikjara dan fl-opinjoni tagħha wkoll. L-opinjoni għandha tkun ippubblikata fil-websajt tal-ESMA jew, għal depożiti strutturati, tal-EBA.

3. Meta awtorità kompetenti tipproponi li tieħu, jew tieħu, azzjoni li tmur kontra opinjoni adottata mill-ESMA jew mill-EBA skont il-paragrafu 2 jew ma taċċettax li tieħu azzjoni kuntrarjament għal tali opinjoni, għandha tippubblika minnufih fil-websajt tagħha avviż li jispjega bis-sħiħ ir-raġunijiet għalfejn għamlet dan.

*KAPITOLU 2*

***Pożizzjonijiet***

*Artikolu 44*

**Koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali tal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet u limiti tal-pożizzjonijiet mill-ESMA**

1. L-ESMA għandha twettaq rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward tal-miżuri meħuda minn awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 69(2)(o) u (p) tad-Direttiva 2014/65/UE. B'mod partikolari, l-ESMA għandha tiżgura li jittieħed approċċ konsistenti mill-awtoritajiet kompetenti rigward meta jiġu eżerċitati dawn is-setgħat, in-natura u l-ambitu tal-miżuri imposti, u t-tul taż-żmien u s-segwitu ta' kull miżura.

2. Wara li tirċievi notifika dwar kwalunkwe miżura skont l-Artikolu 79(5) tad-Direttiva 2014/65/UE l-ESMA għandha tirreġistra l-miżura u r-raġunijiet għaliha. Rigward il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 69(2)(o) jew (p) tad-Direttiva 2014/65/UE, għandha żżomm u tippubblika fil-websajt tagħha bażi ta' dejta b'sommarji tal-miżuri fis-seħħ inklużi d-dettalji dwar il-persuni konċernati, l-istrumenti finanzjarji applikabbli, kwalunkwe limitu fuq id-daqs tal-pożizzjonijiet li l-persuni jistgħu jżommu f'kull ħin, kwalunkwe eżenzjoni għalihom mogħtija b'konformità mal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2014/65/UE, u r-raġunijiet għalihom.

*Artikolu 45*

**Setgħat tal-ESMA relatati mal-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet**

1. Skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha, fejn jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet fil-paragrafu 2, tieħu waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) titlob minn kwalunkwe persuna l-informazzjoni relevanti kollha rigward id-daqs u l-għan ta' pożizzjoni jew skopertura li daħlet għaliha permezz ta' derivat;

(b) wara li tanalizza l-informazzjoni miksuba, tobbliga lil tali persuna tieħu passi biex tnaqqas id-daqs ta' jew telimina l-pożizzjoni jew l-iskopertura b'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10(b);

(c) bħala l-aħħar miżura, tillimita l-abbiltà ta' persuna li tidħol f'derivat ta' komodità.

2. L-ESMA għandha tieħu deċiżjoni skont il-paragrafu 1 fil-każ biss li jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-miżuri elenkati fil-paragrafu 1 jindirizzaw theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji, inklużi s-swieq ta' derivati ta' komodità b'konformità mal-objettivi elenkati fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva 2014/65/UE u anki fir-rigward ta' arranġamenti tal-forniment għal komoditajiet fiżiċi, jew tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni;

(b) awtorità jew awtoritajiet kompetenti ma ħadux miżuri sabiex jindirizzaw it-theddida jew il-miżuri li ttieħdu ma jindirizzawx it-theddida b'mod suffiċjenti;

L-ESMA għandha twettaq il-valutazzjoni tagħha dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu b'konformità mal-kriterji u l-fatturi previsti fl-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10(a) ta' dan l-Artikolu.

3. Meta tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tiżgura li l-miżura:

(a) tindirizza b'mod sinifikanti t-theddida għall-funzjonament ordinat u l-integrità tas-swieq finanzjarji, inklużi s-swieq tad-derivati ta' komodità b'konformità mal-objettivi elenkati fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva 2014/65/UE u anke fir-rigward tal-arranġamenti tal-forniment ta' komoditajiet fiżiċi, jew tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja sħiħa jew parti minnha fl-Unjoni jew ittejjeb b'mod sinifikanti l-abbiltà tal-awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw it-theddida kif imkejla b'konformità mal-kriterji u l-fatturi speċifikati mill-att delegat imsemmi fil-paragrafu 10(a) ta' dan l-Artikolu.;

(b) ma toħloqx riskju ta' arbitraġġ regolatorju kif imkejjel b'konformità mal-paragrafu 10(c) ta' dan l-Artikolu.;

(c) ma għandhiex xi wieħed mill-effetti negattivi li ġejjin fuq l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji li jkun sproporzjonat għall-benefiċċji tal-miżura: it-tnaqqis tal-likwidità f'dawk is-swieq, ir-restrizzjoni tal-kundizzjonijiet għat-tnaqqis tar-riskji marbuta direttament mal-attività kummerċjali ta' kontroparti mhux finanzjarja, jew il-ħolqien ta' inċertezza għall-parteċipanti tas-suq.

L-ESMA għandha tikkonsulta lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) qabel ma tieħu xi miżura relatata mal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa.

L-ESMA għandha tikkonsulta lill-korpi pubbliċi kompetenti għas-sorveljanza, l-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni ta' swieq fiżiċi agrikoli skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, qabel ma tieħu xi miżura relatata mad-derivati ta' komoditajiet agrikoli.

4. Qabel ma tiddeċiedi li tieħu jew iġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti relevanti bil-miżura li tkun qed tipproponi. Fil-każ ta' talba skont il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 in-notifika għandha tinkludi l-identità tal-persuna jew tal-persuni li għalihom kienet indirizzata u d-dettalji u r-raġunijiet għal dan. Fil-każ ta' miżura skont il-paragrafu 1(c) in-notifika għandha tinkludi d-dettalji tal-persuna konċernata, l-istrumenti finanzjarji applikabbli, il-miżuri kwantitattivi relevanti bħad-daqs massimu ta' pożizzjoni li l-persuna inkwistjoni tista' tidħol għalih, u r-raġunijiet għal dan.

5. In-notifika għandha ssir mhux inqas minn 24 siegħa qabel ma l-miżura tkun maħsuba li tidħol fis-seħħ jew tiġġedded. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-ESMA tista' tagħmel in-notifika inqas minn 24 siegħa qabel ma l-miżura tkun maħsuba li tidħol fis-seħħ, meta ma jkunx possibbli li jingħata avviż minn 24 siegħa qabel.

6. L-ESMA għandha tippubblika fil-websajt tagħha avviż ta' kwalunkwe deċiżjoni li timponi jew iġġedded kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1(c). L-avviż għandu jinkludi dettalji dwar il-persuna konċernata, l-istrumenti finanzjarji applikabbli, il-miżuri kwantitattivi relevanti bħad-daqs massimu ta' pożizzjoni li l-persuna inkwistjoni tista' tidħol għaliha, u r-raġunijiet għal dan.

7. Miżura msemmija fil-paragrafu 1(c) għandha tidħol fis-seħħ meta n-notifika tiġi ppubblikata jew f'ħin speċifikat fin-notifika li jkun wara l-pubblikazzjoni tagħha u għandha tapplika biss għal tranżazzjoni li titwettaq wara li l-miżura tkun daħlet fis-seħħ.

8. L-ESMA għandha tirrivedi l-miżuri tagħha msemmija fil-paragrafu 1(c) f'intervalli xierqa u tal-inqas kull tliet xhur. Jekk miżura ma tiġix imġedda wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, għandha tiskadi awtomatikament. Il-paragrafi 2 sa 8 għandhom japplikaw ukoll għal tiġdid ta' miżuri.

9. Miżura adottata mill-ESMA skont dan l-Artikolu għandha tipprevali fuq kwalunkwe miżura preċedenti meħuda minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 69(2)(o) jew (p) tad-Direttiva 2014/65/UE.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta, b'konformità mal-Artikolu 50, atti delegati li jispeċifikaw il-kriterji u l-fatturi sabiex jiġi determinat:

(a) l-eżistenza ta' theddida għall-funzjonament ordinat u għall-integrità tas-swieq finanzjarji, inklużi s-swieq tad-derivati ta' komoditajiet b'konformità mal-objettivi elenkati fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva 2014/65/UE u anki fir-rigward ta' arranġamenti ta' forniment ta' komoditajiet fiżiċi, jew għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja sħiħa jew parti minnha fl-Unjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2(a) filwaqt li jitqies kemm fil-fatt il-pożizzjonijiet jintużaw għall-iħheġġjar ta' pożizzjonijiet f'komoditajiet fiżiċi jew kuntratti ta' komoditajiet u kemm fil-fatt il-prezzijiet fis-swieq sottostanti huma stabbiliti b'referenza għall-prezzijiet ta' derivati ta' komodità;

(b) it-tnaqqis xieraq ta' pożizzjoni jew skopertura li tkun infetħet permezz ta' derivat msemmi fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu;

(c) is-sitwazzjonijiet fejn jista' jinqala' riskju ta' arbitraġġ regolatorju kif imsemmi fil-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu.

Dawk il-kriterji u l-fatturi għandhom iqisu l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 57(3) tad-Direttiva 2014/65/UE u għandhom jiddifferenzjaw bejn is-sitwazzjonijiet li fihom l-ESMA tieħu azzjoni għaliex awtorità kompetenti tkun naqset li taġixxi u dawk li fihom l-ESMA tindirizza riskju addizzjonali li l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tindirizza b'mod suffiċjenti skont l-Artikolu 69(2)(j) jew (o) tad-Direttiva 2014/65/UE.

([1]) Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1).

TITOLU VIII

**FORNIMENT TA' SERVIZZI U TWETTIQ TA' ATTIVITAJIET MINN DITTI MINN PAJJIŻI TERZI WARA DEĊIŻJONI TA' EKWIVALENZA B'FERGĦA JEW MINGĦAJRHA**

*Artikolu 46*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Ditta minn pajjiż terz tista' tipprovdi servizzi ta' investiment jew twettaq attivitajiet, flimkien ma' servizzi anċillari jew le, lil kontropartijiet eliġibbli u lil klijenti professjonali fis-sens tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE stabbiliti fl-Unjoni kollha mingħajr l-istabbiliment ta' fergħa f'każ li tkun reġistrata fir-reġistru tad-ditti minn pajjiżi terzi li jżomm l-ESMA skont l-Artikolu 47.

2. L-ESMA għandha tirreġistra ditta minn pajjiż terz li tkun applikat biex tforni servizzi ta' investiment jew biex twettaq attivitajiet fl-Unjoni kollha skont il-paragrafu 1 fil-każ biss li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 47(1);

(b) id-ditta tkun awtorizzata fil-ġuriżdizzjoni fejn ikun stabbilit l-uffiċċju prinċipali tagħha biex tipprovdi servizzi jew attivitajiet ta' investiment li għandhom jiġu fornuti fl-Unjoni u tkun soġġetta għal superviżjoni u infurzar li jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti applikabbli f'dak il-pajjiż terz;

(c) ikunu ġew stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 47(2).

3. Meta ditta minn pajjiż terz tkun reġistrata skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri m'għandhomx jimponu xi rekwiżiti addizzjonali fuq id-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament jew mid-Direttiva 2014/65/UE u bl-istess mod m'għandhomx jittrattaw lil ditti minn pajjiżi terzi aktar favorevolment minn ditti mill-Unjoni.

4. Id-ditta minn pajjiż terz imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tissottometti l-applikazzjoni tagħha lill-ESMA wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47 li tiddetermina li l-qafas legali u superviżorju tal-pajjiż terz li fih tkun awtorizzata d-ditta minn pajjiż terz tkun ekwivalenti għar-rekwiżiti deskritti fl-Artikolu 47(1).

Id-ditta applikanti minn pajjiż terz għandha tipprovdi lill-ESMA bl-informazzjoni kollha neċessarja għar-reġistrazzjoni tagħha. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni, l-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex sħiħa. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx sħiħa, l-ESMA għandha tistipula skadenza sa meta d-ditta applikanti minn pajjiż terz trid tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali.

Id-deċiżjoni tar-reġistrazzjoni għandha tkun abbażi tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2.

Fi żmien 180 jum tax-xogħol mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni sħiħa, l-ESMA għandha tinforma bil-miktub lid-ditta applikanti minn pajjiż terz bi spjega sħiħa tar-raġunijiet għalfejn ir-reġistrazzjoni ngħatat jew ġiet miċħuda.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li ditti minn pajjiżi terzi jipprovdu servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet ta' investiment flimkien ma' servizzi anċillari lil kontropartijiet eliġibbli u klijenti professjonali fis-sens tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE fit-territorji tagħhom b'konformità mar-reġimi nazzjonali fin-nuqqas tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 47(1) jew meta tali deċiżjoni ma tkunx għadha fis-seħħ.

5. Id-ditti minn pajjiżi terzi li jipprovdu servizzi skont dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom stabbiliti fl-Unjoni, qabel il-forniment ta' kwalunkwe servizz, li huma ma għandhomx permess jipprovdu servizzi lil klijenti oħra għajr lill-kontropartijiet eliġibbli u lill-klijenti professjonali fis-sens tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE u li huma mhumiex soġġetti għal superviżjoni fl-Unjoni. Għandhom jindikaw l-isem u l-indirizz tal-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni fil-pajjiż terz.

L-informazzjoni fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata bil-miktub u b'mod prominenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta kontroparti eliġibbli jew klijent professjonali fis-sens tat-Taqsima II tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE stabbilit jew li jinsab fl-Unjoni jibda fuq l-inizjattiva esklużiva tiegħu l-għoti ta' servizz jew attività ta' investiment minn ditta minn pajjiż terz, dan l-Artikolu ma japplikax għall-għoti ta' dak is-servizz jew ta' dik l-attività mid-ditta minn pajjiż terz lil dik il-persuna inkluża relazzjoni marbuta speċifikament mal-għoti ta' dak is-servizz jew ta' dik l-attività. Inizjattiva minn tali klijenti m'għandhiex tintitola lid-ditta minn pajjiż terz li tikkummerċjalizza kategoriji ġodda ta' prodott tal-investiment jew servizz tal-investiment lil dak l-individwu.

6. Ditti minn pajjiż terz li jipprovdu servizzi jew iwettqu attivitajiet skont dan l-Artikolu għandhom, qabel jipprovdu xi servizz jew iwettqu xi attività fir-rigward ta' klijent stabbilit fl-Unjoni, joffru li jressqu kwalunkwe tilwima rigward dawk is-servizzi jew l-attivitajiet quddiem il-ġuriżdizzjoni ta' qorti jew tribunal tal-arbitraġġ fi Stat Membru.

7. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li ditta minn pajjiż terz għandha tipprovdi lill-ESMA fl-applikazzjoni tagħha biex tirreġistra skont il-paragrafu 4 u l-format tal-informazzjoni li għandu jintuża skont il-paragrafu 5.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 47*

**Deċiżjoni tal-ekwivalenza**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2) fir-rigward ta' pajjiż terz li tiddikjara li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' dak il-pajjiż terz jiżguraw li d-ditti awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti prudenzjali u ta' kondotta tan-negozju li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, fid-Direttiva 2013/36/UE u fid-Direttiva 2014/65/UE u fil-miżuri implimentattivi tagħhom adottati skont dan ir-Regolament u skont dawk id-Direttivi KE u li l-qafas legali ta' dak il-pajjiż terz jipprevedi sistema ekwivalenti effikaċi għar-rikonoxximent ta' ditti tal-investiment awtorizzati skont ir-reġimi ta' pajjiżi terzi.

Il-qafas prudenzjali u tal-kondotta tan-negozju ta' pajjiż terz jista' jiġi kkunsidrat li jkollu effett ekwivalenti meta dak il-qafas jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-ditti li jipprovdu servizzi u attivitajiet ta' investiment f'dak il-pajjiż terz huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni effettiva u infurzar fuq bażi kontinwa;

(b) id-ditti li jipprovdu servizzi u attivitajiet ta' investiment f'dak il-pajjiż terz huma soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital suffiċjenti u rekwiżiti xierqa applikabbli għall-azzjonisti u l-membri tal-korp tal-maniġment tagħhom;

(c) id-ditti li jipprovdu servizzi u attivitajiet tal-investiment huma soġġetti għal rekwiżiti organizzattivi xierqa fil-qasam tal-funzjonijiet ta' kontroll interni;

(d) id-ditti li jipprovdu servizzi u attivitajiet tal-investiment huma soġġetti għal regoli xierqa tal-kondotta tan-negozju;

(e) jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq billi jipprevjeni abbuż tas-suq f'forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

2. L-ESMA għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiżi terzi li l-ofqsa ġuridiċi u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala effettivament ekwivalenti skont il-paragrafu 1. Dawn l-arranġamenti għandhom jispeċifikaw tal-anqas:

(a) il-mekkaniżmi għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi konċernati, fosthom l-aċċess għall-informazzjoni kollha dwar id-ditti mhux mill-Unjoni awtorizzati f'pajjiżi terzi li tintalab mill-ESMA;

(b) il-mekkaniżmu għan-notifika fil-pront lill-ESMA meta awtorità kompetenti minn pajjiż terz tqis li ditta minn pajjiż terz li tkun taħt is-superviżjoni tagħha u li l-ESMA tkun reġistrat fir-reġistru previst fl-Artikolu 48 tkun qed tikser il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħha jew leġiżlazzjoni oħra li tkun obbligata tirrispetta;

(c) il-proċeduri dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tas-superviżjoni fosthom, fejn ikun xieraq, spezzjonijiet fuq il-post.

3. Ditta minn pajjiż terz stabbilita f'pajjiż li l-qafas legali u superviżorju tiegħu jkun ġie rikonoxxut bħala wieħed effettivament ekwivalenti b'konformità mal-paragrafu 1 u huwa awtorizzat b'konformità mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/65/UE għandha tkun tista' tipprovdi s-servizzi u l-attivitajiet koperti skont l-awtorizzazjzjoni lil kontropartijiet eliġibbli u klijenti professjonali fis-sens tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni mingħajr l-istabbiliment ta' fergħat ġodda. Għal dan il-għan, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-forniment transfrunier ta' servizzi u attivitajiet fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/65/UE.

Il-fergħa għandha tibqa' soġġetta għas-superviżjoni tal-Istat Membru li fih il-fergħa tkun stabbilita b'konformità mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/65/UE. Madankollu, u mingħajr ħsara għall-obbligi ta' kooperazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-fergħa tkun stabbilita u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu jistabblixxu ftehimiet ta' kooperazzjoni proporzjonati sabiex jiżguraw li l-fergħa ta' ditta minn pajjiż terz li tipprovdi servizzi ta' investiment fl-Unjoni Ewropea tagħti l-livell xieraq ta' protezzjoni tal-investitur.

4. Ditta minn pajjiż terz ma tistax tibqa' teżerċita d-drittijiet skont l-Artikolu 46(1) meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2) li tirtira d-deċiżjoni tagħha skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz.

*Artikolu 48*

**Reġistru**

L-ESMA għandha żżomm reġistru tad-ditti minn pajjiż terz li għandhom permess jipprovdu servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet ta' investiment fl-Unjoni skont l-Artikolu 46. Ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli pubblikament fil-websajt tal-ESMA u għandu jkun fih informazzjoni dwar is-servizzi jew l-attivitajiet li d-ditti minn pajjiż terz huma permessi jipprovdu jew iwettqu u referenza għall-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tagħhom fil-pajjiż terz.

*Artikolu 49*

**Irtirar ta' reġistrazzjoni**

1. L-ESMA għandha tirtira r-reġistrazzjoni ta' ditta minn pajjiż terz mir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 48 meta:

(a) L-ESMA jkollha raġunijiet fondati abbażi ta' evidenza dokumentata biex temmen li, fil-forniment tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment fl-Unjoni, id-ditta minn pajjiż terz qed taġixxi b'manjiera li hija ċarament ta' preġudizzju għall-interessi tal-investituri jew tal-funzjonament ordinat tas-swieq; jew

(b) L-ESMA jkollha raġunijiet fondati abbażi ta' evidenza dokumentata biex temmen li, fil-forniment tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment fl-Unjoni, id-ditta minn pajjiż terz tkun kisret id-dispożizzjonijiet applikabbli għaliha fil-pajjiż terz u li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni tkun adottat id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 47(1);

(c) L-ESMA tkun irreferiet il-kwistjoni lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz u dik l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ma tkunx ħadet il-miżuri xierqa meħtieġa biex tipproteġi lill-investituri u l-funzjonament tajjeb tas-swieq fl-Unjoni jew tkun naqset milli turi li d-ditta mill-pajjiż terz konċernat tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għaliha fil-pajjiż terz; u

(d) L-ESMA tkun infurmat lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz bl-intenzjoni tagħha li tirtira r-reġistrazzjoni tad-ditta mill-pajjiż terz, tal-anqas 30 jum qabel l-irtirar.

2. L-ESMA għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafu 1 mingħajr dewmien u għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha fil-websajt tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet skont liema kienet adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 47(1), għadhomx jeżistu fir-rigward tal-pajjiż terz ikkonċernat.

TITOLU IX

**ATTI DELEGATI U TA'**

*KAPITOLU 1*

***Atti delegati***

*Artikolu 50*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa sabiex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fi Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 19(2) u (3), l-Artikolu 31(4), Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) u l-Artikolu 52 (10) u (12) hija mogħtija għal perjodu ta' żmien indefinit mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 19(2) u (3), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) u l-Artikolu 52(10) u (12) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(9), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 19(2) u (3), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10) u l-Artikolu 52(10) jew (12) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*KAPITOLU 2*

***Atti ta' implimentazzjoni***

*Artikolu 51*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE ([1]). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

TITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 52*

**Rapporti u analiżi**

1. Qabel it-3 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt fil-prattika tal-obbligi ta' trasparenza stabbiliti skont l-Artikoli 3 sa 13, b'mod partikolari dwar l-impatt tal-mekkaniżmu ta' limitu tal-volum deskritt fl-Artikolu 5, fosthom fuq il-kost tan-negozjar għal kontropartijiet eliġibbli u klijenti professjonali u fuq in-negozjar ta' ishma ta' kumpaniji żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja, u l-effikaċja tiegħu fl-iżgurar li l-użu tal-eżenzjonijiet relevanti ma jkunx ta' ħsara għall-formazzjoni tal-prezzijiet u dwar kif jaf jopera kwalunkwe mekkaniżmu għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur tal-limitu tal-volum, u dwar l-applikazzjoni u l-adegwatezza kontinwata tal-eżenzjonijiet għall-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar stabbiliti skont l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 9(2) sa (5).

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 hawn fuq għandu jinkludi l-impatt fuq is-swieq Ewropej tal-ekwità tal-użu tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) u (b)(i) u tal-użu tal-mekkaniżmu ta' limitu tal-volum skont l-Artikolu 5, b'referenza partikolari:

(a) għal-livell u t-tendenza tan-negozjar tar-reġistru tal-ordnijiet "non-lit" fl-Unjoni Ewropea wara l-introduzzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) għall-impatt tal-firxiet kwotati trasparenti qabel il-kummerċ;

(c) għall-impatt fuq id-daqs tal-likwidità ta' reġistri tal-ordnijiet "lit";

(d) għall-impatt fuq il-kompetizzjoni u fuq l-investituri fl-Unjoni;

(e) għall-impatt fuq in-negozjar ta' ishma ta' kumpaniji żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja;

(f) żviluppi fil-livell internazzjonali u ta' diskussjonijiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. Jekk ir-rapport jikkonkludi li l-użu tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) u (b)(i) huwa ta' ħsara għall-formazzjoni tal-prezzijiet jew għan-negozjar ta' ishma ta' kumpaniji żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja, il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tagħmel proposti, inklużi emendi għal dan ir-Regolament, rigward l-użu ta' dawn l-eżenzjonijiet. Tali proposti għandhom jinkludu valutazzjoni tal-impatt tal-emendi proposti, u għandhom iqisu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-effetti fuq it-tfixkil tas-suq u l-kompetizzjoni, u l-impatti potenzjali fuq l-investituri fl-Unjoni.

4. Sat-3 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-Artikolu 26, inkluż jekk il-kontenut u l-format tar-rapporti tat-tranżazzjonijiet riċevuti u skambjati bejn l-awtoritajiet kompetenti jippermettux b'mod komprensiv li jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tad-ditti tal-investiment skont l-Artikolu 26(1). Il-Kummissjoni tista' tagħmel kwalunkwe proposta xierqa, inkluż

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE tas-6 ta' Ġunju 2001 li twaqqaf il-Kumitat tat-Titoli Ewropej (ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45).

metodu sabiex it-tranżazzjonijiet jiġu rrapportati f'sistema magħżula mill-ESMA minflok għand l-awtoritajiet kompetenti, li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti relevanti jaċċessaw l-informazzjoni kollha rapportata skont dan l-Artikolu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2014/65/UE u għad-detezzjoni ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata ta' abbuż tas-suq b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

5. Sat-3 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar soluzzjonijiet xierqa biex jitnaqqsu l-asimmetriji ta' informazzjoni bejn il-parteċipanti tas-suq kif ukoll dwar għodod biex ir-regolaturi jimmonitorjaw aħjar l-attivitajiet ta' kwotazzjoni fiċ-ċentri tan-negozjar. Dak ir-rapport għandu tal-anqas jivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' sistema Ewropea tal-aħjar offerta għal kwotazzjonijiet konsolidati biex jiġu sodisfatti dawn l-objettivi.

6. Sat-3 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress biex in-negozjar fid-derivati OTC standardizzati jibda jsir fil-boroż jew pjattaformi elettroniċi ta' negozjar skont l-Artikoli 25 u 28.

7. Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp fil-prezzijiet għal dejta ta' trasparenza ta' qabel u wara l-kummerċ minn swieq regolati, MTFs, OTFs u CTPs.

8. Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jirrieżamina d-dispożizzjonijiet ta' interoperabilità fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

9. Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 35 u 36 ta' dan ir-Regolament u tal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Sat-3 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37.

10. Sat-3 ta' Lulju 2019 il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt tal-Artikoli 35 u 36 ta' dan ir-Regolament fuq CCPs li jkunu għadhom kif ġew stabbiliti u awtorizzati kif imsemmija fl-Artikolu 35(5) u fuq ċentri tan-negozjar konnessi ma' dawk is-CCPs b'rabtiet sodi u jekk l-arranġament tranżizzjonali previst fl-Artikolu 35(5) għandux jiġi estiż, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji possibbli għall-konsumaturi tat-titjib tal-kompetizzjoni u l-livell ta' għażla disponibbli għall-parteċipanti tas-suq mqabbla mal-effett sproporzjonat possibbli ta' dawn id-dispożizzjonijiet fuq CCPs li għadhom kemm ġew stabbiliti u awtorizzati u l-limitazzjonijiet tal-parteċipanti tas-suq lokali fir-rigward tal-aċċess għal CCPs globali u l-funzjonament bla intoppi tas-suq.

Skont il-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat b'konformità mal-Artikolu 50 biex testendi l-perjodu tranżizzjonali b'konformità mal-Artikolu 35(5) b'massimu ta' 30 xahar.

11. Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-ESMA, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk il-limitu stabbilit fl-Artikolu 36(5) għadux xieraq u jekk il-mekkaniżmu ta' nonparteċipazzjoni fir-rigward ta' derivati negozjati fil-borża għandux jibqa' disponibbli.

12. Sat-3 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-ESMA b'konsultazzjoni mal-ESRB, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-ħtieġa li d-derivati negozjati fil-borża jiġu esklużi temporanjament mill-ambitu tal-Artikoli 35 u 36. Dan ir-rapport għandu jqis ukoll ir-riskji, jekk ikun hemm, li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet ta' aċċess miftuħ rigward id-derivati negozjati fil-borża għall-istabbiltà ġenerali u l-funzjonament ordinat tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni kollha kemm hi.

Soġġett għall-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat b'konformità mal-Artikolu 50 biex id-derivati negozjati fil-borża jiġu esklużi mill-ambitu tal-Artikoli 35 u 36 għal mhux aktar minn tletin xahar wara it-3 ta' Jannar 2017.

*Artikolu 53*

**Emenda tar-Regolament (UE) Nru 648/2012**

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

(1) fl-Artikolu 5(2), is-subparagrafu li ġej hu miżjud:

"Fl-iżvilupp tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji skont dan il-paragrafu, l-ESMA m'għandhiex tippreġudika d-dispożizzjoni tranżizzjonali fir-rigward ta' kuntratti ta' derivati tal-enerġija C6 kif stabbilit fl-Artikolu 95 tad-Direttiva 2014/65/UE (*).

(*) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349)";

2. L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. CCP li tkun ġiet awtorizzata biex tikklerja kuntratti tad-derivati OTC għandha taċċetta li tikklerja dawn il-kuntratti fuq bażi mhux diskriminatorja u trasparenti, anke fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kollateral u ta' tariffi relatati mal-aċċess, irrispettivament miċ-ċentru tan-negozjar. Dan b'mod partikolari għandu jiżgura li ċentru tan-negozjar ikollu d-dritt għal trattament nondiskriminatorju f'termini ta' kif kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jiġu ttrattati f'termini ta':

(a) rekwiżiti ta' kollateral u kalkolazzjoni tal-valur nett ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti, meta l-inklużjoni ta' tali kuntratti fl-għeluq u proċeduri oħra ta' kalkolazzjoni tal-valur nett ta' CCP bbażata fuq il-liġi applikabbli dwar l-insolvenza ma tipperikolax l-funzjonament bla intoppi u ordinat, il-validità jew l-infurzabilità ta' tali proċeduri; u

(b) kontromarġinazzjoni b'kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP skont mudell tar-riskji li jikonforma mal-Artikolu 41.

CCP tista' titlob li ċentru tan-negozjar jikkonforma mar-rekwiżiti operattivi u tekniċi stabbiliti mis-CCP, inklużi r-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju.":

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 rigward trattament nondiskriminatorju f'termini ta' kif kuntratti negozjati f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jiġu ttrattati f'termini ta' rekwiżiti ta' kollateral u ta' kalkolazzjoni tal-valur nett ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti u kontromarġinazzjoni ma' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP għandhom ikunu speċifikati aktar bl-istandards tekniċi adottati skont l-Artikolu 35(6)(e) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (*)".

(3) Fl-Artikolu 81 (3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jittrasmetti dejta lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 (*)".

(*) Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014 p 84).

*Artikolu 54*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Ditti minn pajjiżi terzi għandhom ikunu jistgħu jkomplu jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet fl-Istati Membri, skont ir-reġimi nazzjonali sa tliet snin wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni rigward il-pajjiż terz relevanti b'konformità mal-Artikolu 47.

2. Jekk il-Kummissjoni tivvaluta li ma jkunx jeħtieġ li d-derivati negozjati fil-borża jiġu esklużi mill-ambitu tal-Artikoli 35 u 36 b'konformità mal-Artikolu 52(12), CCP jew ċentru tan-negozjar jistgħu, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, japplikaw mal-awtorità kompetenti tagħhom għal permess biex jużaw l-arranġamenti tranżitorji. L-awtorità kompetenti, filwaqt li tqis ir-riskji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 35 jew 36 fir-rigward ta' derivati negozjati fil-borża għall-funzjonament ordinat tas-CCP jew taċ-ċentru tan-negozjar relevanti, tista' tiddeċiedi li l-Artikolu 35 jew 36 ma japplikax għas-CCP jew għaċ-ċentru tan-negozjar, rispettivament, fir-rigward ta' derivati negozjati fil-borża, għal perjodu tranżizzjonali sat-3 ta' Lulju 2019. Meta tali perjodu tranżizzjonali jiġi approvat, is-CCP jew iċ-ċentru tan-negozjar ma jistgħux jibbenefikaw mid-drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 35 jew 36, fir-rigward ta' derivati negozjati fil-borża għal kemm idum fis-seħħ dan il-perjodu tranżizzjonali. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika l-ESMA, u fil-każ ta' CCP, il-kulleġġ tal-awtoritajiet kompetenti għal dik is-CCP, meta perjodu tranżizzjonali jiġi approvat.

Meta CCP li tkun ġiet approvata għall-arranġamenti tranżitorji tkun konnessa b'rabtiet sodi ma' ċentru tan-negozjar wieħed jew iktar, dawk iċ-ċentri tan-negozjar m'għandhomx jibbenefikaw minn drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 35 jew 36 għal derivati negozjati fil-borża għal kemm idum fis-seħħ il-perjodu tranżizzjonali.

Meta ċentru tan-negozjar, li jkun ġie approvat għall-arranġamenti tranżitorji jkun konness b'rabtiet sodi ma' CCP waħda jew iktar, dawk is-CCPs m'għandhomx jibbenefikaw minn drittijiet ta' aċċess skont l-Artikolu 35 jew 36 għal derivati negozjati fil-borża għal kemm idum fis-seħħ il-perjodu tranżizzjonali.

*Artikolu 55*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mit-3 ta' Jannar 2017.

Minkejja t-tieni paragrafu, l-Artikolu 1(8) u (9), l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 5(6)u (9), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(7), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 17 (3), l-Artikolu 19 (2) u (3), l-Artikolu 20 (3), l-Artikolu 21 (5), l-Artikolu 22 (4), l-Artikolu 23(3), l-Artikolu 25(3), l-Artikolu 26(9), l-Artikolu 27(3), l-Artikolu 28(4), l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 29(3), l-Artikolu 30(2), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(1), (5) u (6), l-Artikolu 33(2), l-Artikolu 35 (6), l-Artikolu 36(6), Artikolu 37(4), l-Artikolu 38(3), l-Artikolu 40(8), l-Artikolu 41(8), l-Artikolu 42(7), l-Artikolu 45(10), l-Artikolu 46(7), l-Artikolu 47(1) u (4), l-Artikolu 52(10) u (12) u l-Artikolu 54(1) għandhom japplikaw immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Minkejja t-tieni paragrafu, l-Artikolu 37(1), (2) u (3) għandhom japplikaw mit-3 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2014/49/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' April 2014**

**dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti**

**(riformulazzjoni)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] ġiet emendata sostanzjalment [4]. Billi għandhom isiru aktar emendi, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Sabiex ikun aktar faċli li jinbeda u jiġi eżerċitat in-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, jeħtieġ li jiġu eliminati ċerti differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri rigward ir-regoli tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti (SGD) li għalihom dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma soġġetti.

(3) Din id-Direttiva tikkostitwixxi strument essenzjali għall-ksib tas-suq intern min-naħa ta' kemm il-libertà ta' stabbiliment kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi finanzjarji fil-qasam ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, filwaqt li tiżdied l-istabbiltà tas-sistema bankarja u tal-protezzjoni tad-depożitanti. Fid-dawl tal-ispejjeż tal-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu fuq l-ekonomija in ġenerali u l-effetti negattivi tiegħu fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti, wieħed għandu jipprovdi billi mhux biss jaħseb għar-rimborż tad-depożitanti iżda wkoll biex tinħoloq biżżejjed flessibbiltà sabiex l-SGD twettaq miżuri li jnaqqsu l-probabbiltà ta' pretensjonijiet futuri kontra l-SGD. Dawk il-miżuri għandhom dejjem ikunu konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(4) Sabiex jittieħed kont tal-integrazzjoni dejjem tikber fis-suq intern, għandu jkun possibbli li jkun hemm fużjoni bejn l-SDG ta' Stati Membri differenti jew li jinħolqu skemi transkonfinali separati fuq bażi volontarja. L-Istati Membri għandhom jiżguraw stabbiltà suffiċjenti u kompożizzjoni bilanċjata tal-SGD l-ġodda u dawk eżistenti. L-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, pereżempju fejn istituzzjonijiet ta' kreditu bi profil ta' riskju għoli biss jiġu trasferiti għal SGD transkonfinali, għandhom jiġu evitati.

---

(1) ĠU C 99, 31.3.2011, p. 1.
(2) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012 (ĠU C 249 E, 30.8.2013, p. 81) u Deċiżjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-3 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5).
(4) Ara l-Anness III.

(5) Id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tobbliga lill-Kummissjoni li, jekk ikun il-każ, tressaq proposti biex temenda dik id-Direttiva. Din id-Direttiva tinkludi l-armonizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-SGD, l-introduzzjoni ta' kontribuzzjonijiet abbażi tar-riskju u l-armonizzazzjoni tal-ambitu tal-prodotti u d-depożitanti koperti.

(6) Id-Direttiva 94/19/KE hija bbażata fuq il-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima. Konsegwentament, fl-Unjoni attwalment hemm diversità ta' SGD b'karatteristiċi differenti ħafna. Bħala riżultat tar-rekwiżiti komuni stabbiliti f'din id-Direttiva, għandu jkun provdut livell uniformi ta' protezzjoni għal depożitanti madwar l-Unjoni filwaqt li jiġi żgurat l-istess livell ta' stabbiltà tal-SGD. Fl-istess ħin, dawk ir-rekwiżiti komuni huma tal-akbar importanza sabiex tiġi eliminata d-distorsjoni fis-suq. B'hekk din id-Direttiva tikkontribwixxi sabiex is-suq intern ikun komplut.

(7) Bħala riżultat ta' din id-Direttiva, id-depożitanti ser jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb b'mod sinifikanti għall-SGD, bis-saħħa tal-ambitu mwessa' u ċċarat ta' kopertura, perijodi ta' ħlas lura aktar malajr, informazzjoni mtejba u rekwiżiti ta' finanzjament robusti. Dan ser itejjeb il-fiduċja tal-konsumatur fl-istabbiltà finanzjarja fis-suq intern.

(8) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tagħhom ikollhom stabbiliti prattiki tajbin ta' governanza u li jipproduċu rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħhom.

(9) F'każ ta' xoljiment tal-istituzzjoni ta' kreditu insolventi id-depożitanti fi kwalunkwe fergħa li tkun tinsab fi Stat Membru apparti minn dak li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha, għandhom ikunu protetti bl-istess SGD bħad-depożitanti l-oħrajn tal-istituzzjoni ta' kreditu.

(10) Din id-Direttiva ma għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) skont l-Artikolu 2(5) ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li, għall-fini ta' din id-Direttiva, il-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati ma' dak il-korp ċentrali huma ttrattati bħala istituzzjoni ta' kreditu waħda.

(11) Fil-prinċipju, din id-Direttiva teħtieġ li kull istituzzjoni ta' kreditu tissieħeb f'SGD. Stat Membru li jilqa' fergħat ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz għandu jiddeċiedi kif japplika din id-Direttiva fir-rigward ta' fergħat bħal dawn u għandu jieħu kont tal-ħtieġa li jiġu protetti d-depożitanti u li tinżamm l-integrità tas-sistema finanzjarja. Id-depożitanti f'fergħat bħal dawn għandhom ikunu konxji għalkollox mill-arranġamenti ta' garanzija li jaffetwawhom.

(12) Għandu jiġi rrikonoxxut li hemm skemi ta' protezzjoni istituzzjonali (SPI) li jipproteġu lill-istituzzjoni ta' kreditu stess u li, partikolarment, jiżguraw il-likwidità u s-solvibbiltà tagħha. Fejn tali skema tkun separata minn SGD, ir-rwol addizzjonali tagħha ta' salvagwardja għandu jitqies meta jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet tal-membri tagħha lill-SGD. Il-livell armonizzat ta' kopertura previst minn din id-Direttiva ma għandux jaffettwa skemi li jipproteġu l-istituzzjoni ta' kreditu stess sakemm ma jħallsux lura lid-depożitanti.

(13) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tagħmel parti minn SGD rikonoxxuta skont din id-Direttiva, biex b'hekk jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u kondizzjonijiet indaqs bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u biex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju. SGD għandha tkun tista' tipprovdi dik il-protezzjoni fi kwalunkwe ħin.

(14) Il-funzjoni ewlenija ta' SGD hija li tipproteġi d-depożitanti mill-konsegwenzi tal-insolvenza ta' istituzzjoni ta' kreditu. L-SGD għandhom ikunu jistgħu jipprovdu din il-protezzjoni b'diversi modi. L-SGD għandhom prinċipalment jintużaw biex jitħallsu lura d-depożitanti skont din id-Direttiva (funzjoni ta' "paybox").

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(15) L-SGD għandhom ukoll jassistu fil-finanzjament tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu f'konformità mad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(16) Ghandu jkun possibbli wkoll, fejn ikun permess taħt il-liġi nazzjonali, li l-SGD jmorru lil hinn minn sempliċement funzjoni ta' rimborż u li jintużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli sabiex jiġi evitat falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu bl-għan li jiġu evitati l-ispejjeż ta' rimborż tad-depożitanti u impatti negattivi oħrajn. Dawk il-miżuri għandhom, madankollu, jitwettqu fil-qafas definit b'mod ċar u għandhom f'kull każ ikunu konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-SGD għandhom, inter alia, jkollhom stabbiliti sistemi u proċeduri adegwati għall-għażla u l-implimentazzjoni ta' miżuri bħal dawn u l-monitoraġġ tar-riskji affiljati. L-implimentazzjoni ta' miżuri bħal dawn għandha tkun soġġetta għall-impożizzjoni ta' kondizzjonijiet fuq l-istituzzjoni ta' kreditu li jinvolvu mill-inqas monitoraġġ tar-riskju aktar strett u aktar drittijiet tal-verifika għas-SGD. L-ispejjeż tal-miżuri meħudin biex jiġi evitat falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu m'għandhomx jaqbżu l-ispejjeż biex jissodisfaw il-mandat statutorju jew kuntrattwali tal-SGD rispettiva fir-rigward tal-protezzjoni tad-depożiti koperti fl-istituzzjoni ta' kreditu jew l-istituzzjoni nnifisha.

(17) L-SGD għandhom ukoll ikunu jistgħu jieħdu l-forma ta' SPI. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jirrikonoxxu lil SPI, kif bħala SGD jekk jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti f'din id-Direttiva.

(18) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal skemi kuntrattwali jew SPI li mhumiex rikonoxxuti uffiċjalment bħala SGD, ħlief fir-rigward ta' rekwiżiti limitati fuq ir-reklamar u l-informazzjoni tad-depożitanti fil-każ tal-esklużjoni jew irtirar ta' istituzzjoni ta' kreditu. Fi kwalunkwe każ, l-iskemi kuntrattwali u s-SPI huma soġġetti għal regoli tal-għajnuna mill-istat.

(19) Fil-kriżi finanzjarja reċenti, żidiet mhux koordinati fil-livell ta' kopertura madwar l-Unjoni wasslu biex f'xi każijiet id-depożitanti jittrasferixxu flus f'istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi fejn il-garanziji tad-depożiti kienu ogħla. Tali żidiet mhux koordinati xorbu l-likwidità mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fi żminijiet ta' diffikultà. Fi żminijiet ta' stabbiltà huwa possibbli li livelli differenti ta' kopertura jwasslu biex id-depożitanti jagħżlu l-ogħla protezzjoni tad-depożiti minflok l-aktar prodott depożitarju xieraq għalihom. Huwa possibbli li tali livelli differenti ta' kopertura jirriżultaw f'distorsjoni fil-kompetittività fis-suq intern. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi żgurat livell ta' armonizzazzjoni tal-protezzjoni tad-depożiti mill-SGD rikonoxxuti kollha, irrispettivament minn fejn jinsabu d-depożiti fl-Unjoni. Madankollu, għal żmien limitat għandu jkun possibbli li ċerti depożiti relatati mas-sitwazzjoni personali tad-depożitanti jiġu koperti f'livell ogħla.

(20) L-istess livell ta' kopertura għandu japplika għad-depożitanti kollha irrispettivament minn jekk il-munita tal-Istat Membru hijiex l-euro jew le. L-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro għandhom ikunu jistgħu jaġġustaw l-ammonti li jirriżultaw mill-konverżjoni għall-eqreb numru sħiħ mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoni ekwivalenti tad-depożitanti.

(21) Minn naħa waħda, il-livell ta' kopertura preskritt f'din id-Direttiva m'għandux iħalli proporzjon kbir ta' depożiti mingħajr protezzjoni fl-interessi kemm tal-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Min-naħa l-oħra, l-ispiża għall-iffinanzjar tal-SGD għandha tkun ikkunsidrata. Għalhekk huwa raġonevoli l-livell ta' kopertura armonizzat li jiġi stabbilit għal EUR 100 000.

(22) Din id-Direttiva żżomm il-prinċipju ta' limitu armonizzat għal kull depożitant aktar milli għal kull depożitu. Għalhekk huwa xieraq li tittieħed konsiderazzjoni tad-depożiti magħmulin minn depożitanti li jew mhumiex imsemmija bħala dententuri ta' kont jew li mhumiex dententuri uniċi ta' kont. Il-limitu għandu għalhekk jiġi applikat għal kull depożitant identifikabbli. Il-prinċipju li l-limitu għandu jiġi applikat għal kull depożitant identifikabbli m'għandux japplika għall-impriżi tal-investimenti kollettivi soġġetti għal regoli speċjali ta' protezzjoni li ma japplikawx għal tali depożiti.

(23) Id-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) introduċiet livell fiss ta' kopertura ta' EUR 100 000, li poġġa xi Stati Membri fis-sitwazzjoni li jkollhom inaqqsu l-livell ta' kopertura tagħhom, bir-riskji li tkun imminata l-fiduċja tad-depożitanti. Filwaqt li l-armonizzazzjoni hija essenzjali sabiex jiġu żgurati l-kondizzjonijiet ekwi u l-istabbiltà finanzjarja fis-suq intern, ir-riskji li tiġi mminata l-fiduċja tad-depożitanti għandhom jiġu kkunsidrati. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw livell ta' kopertura ogħla jekk huma pprovdew għal livell ta' kopertura li kien ogħla mil-livell armonizzat qabel l-applikazzjoni tad-Direttiva

([1]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 15 Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 (Ara paġna 190 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u taż-żmien għar-rimbors (ĠU L 68, 13.3.2009, p. 3).

2009/14/KE. Tali livell ta' kopertura ogħla għandu jkun limitat fiż-żmien u fl-ambitu u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jaġġustaw il-livell ta' mira u l-kontribuzzjonijiet imħallsin lill-SGD tagħhom proporzjonalment. Ladarba mhuwiex possibbli li taġġusta l-livell ta' mira, jekk il-livell ta' kopertura jkun illimitat, mhuwiex xieraq li tiġi limitata l-għażla għall-Istati Membri li, fl-1 ta' Jannar 2008, applikaw livell ta' kopertura f'medda ta' bejn EUR 100 000 u EUR 300 000. Sabiex jiġi limitat l-impatt tal-livelli ta' kopertura diverġenti, u meta jitqies li l-Kummissjoni ser tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sal-31 Diċembru 2018, huwa xieraq li din l-għażla tkun permessa sa dik id-data.

(24) L-SGD għandhom ikunu permessi li jpaċu l-obbligazzjonijiet ta' depożitant kontra l-pretensjonijiet ta' ħlas lura ta' dak id-depożitant biss jekk dawn l-obbligazzjonijiet ikunu waslu għall-ħlas fid-data tal-indisponibbiltà jew qabilha. Tali tpaċija m'għandhiex timpedixxi l-kapaċità ta' SGD li jħallsu lura d-depożiti fi żmien l-iskadenza stipulata minn din id-Direttiva. L-Istati Membri ma għandhomx jinżammu milli jieħdu miżuri adatti rigward id-drittijiet ta' SGD fi proċedura ta' stralċ jew ta' riorganizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu.

(25) Għandu jkun possibbli li jiġi eskluż il-ħlas lura ta' depożiti fejn, skont il-liġi nazzjonali, il-fondi depożitati ma jkunux għad-dispożizzjoni tal-depożitant minħabba li l-depożitant u l-istituzzjoni ta' kreditu jkunu qablu kuntrattwalment li d-depożitu jservi biss biex jitħallas lura self ikkuntrattat għax-xiri ta' proprjetà immobiljari. Dawn id-depożiti għandhom jitnaqqsu mill-ammont pendenti tas-self.

(26) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protezzjoni ta' depożiti li jirriżultaw minn ċerti tranżazzjonijiet, jew li jservu ċerti skopijiet soċjali jew oħrajn, tkun ogħla minn EUR 100 000 għal perijodu partikolari. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar livell massimu temporanju ta' kopertura għal dawn id-depożiti u, meta jagħmlu dan, għandhom iqisu l-importanza tal-protezzjoni għad-depożitanti u l-kondizzjonijiet tal-ħajja fl-Istati Membri. Fil-każijiet kollha bħal dawn, għandhom jiġu osservati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(27) Huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-metodi ta' finanzjament tal-SGD. Min-naħa waħda, huwa meħtieġ li l-ispiża tal-finanzjament tal-SGD titħallas, bħala prinċipju, mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nnifishom, u, min-naħa l-oħra, li l-kapaċità ta' finanzjament tal-SGD għandha tkun proporzjonata mal-obbligazzjonijiet tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li depożitanti fl-Istati Membri kollha jgawdu minn livell għoli simili ta' protezzjoni, il-finanzjament tal-SGD għandu jiġi armonizzat f'livell għoli ma' livell ta' mira finanzjarju uniformi ex-ante għall-SGD kollha.

(28) Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu joperaw f'suq ikkonċentrat ħafna fejn ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu huma ta' tali daqs u grad ta' interkonnessjoni li huwa improbabbli li dawn jiġu stralċjati taħt il-proċeduri normali ta' insolvenza mingħajr ma jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja u għalhekk ikun aktar probabbli li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' riżoluzzjoni ordnati. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-iskemi jistgħu jkunu soġġetti għal livell ta' mira aktar baxx.

(29) Il-flus elettroniċi u l-fondi riċevuti bi skambju għall-flus elettroniċi m'għandhomx, f'konformità mad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], jiġu ttrattati bħala depożitu u għalhekk m'għandhomx jaqgħu fl-ambitu tal-kopertura ta' din id-Direttiva.

(30) Sabiex id-depożiti jiġu limitati sa fejn ikun meħtieġ biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u t-trasparenza għad-depożitanti u biex jiġi evitat it-trasferiment ta' riskji ta' investiment għall-SGD, l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-kopertura, ħlief għal prodotti ta' tfaddil eżistenti b'xhieda ta' ċertifikat tad-depożitu magħmula lil persuna msemmija.

(31) Ċerti depożitanti m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-protezzjoni tad-depożiti, partikolarment l-awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra. L-għadd limitat tagħhom meta mqabbel mad-depożitanti l-oħra kollha jimminimizza l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja fil-każ li tfalli istituzzjoni ta' kreditu. L-awtoritajiet għandhom aċċess ħafna aktar faċli għall-kreditu milli għandhom iċ-ċittadini. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu li jiddeċiedu li d-depożiti tal-awtoritajiet lokali b'baġit annwali sa EUR 500 000 jkunu koperti. L-impriżi nonfinanzjarji għandhom fil-prinċipju jkunu koperti, irrispettivament mid-daqs tagħhom.

[1] Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

(32) Id-depożitanti li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-ħasil tal-flus fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) jew (3) tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandhom jiġu esklużi mill-ħlas lura minn SGD.

(33) L-ispiża għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jipparteċipaw f' SDG m'għandha l-ebda rabta mal-ispiża li tirriżulta mill-ġbir massiv ta' depożiti mhux biss minn istituzzjoni ta' kreditu f'diffikultà, imma wkoll minn istituzzjonijiet b'saħħithom, wara li jkun hemm telf ta' fiduċja tad-depożitanti fis-saħħa tas-sistema bankarja.

(34) Huwa meħtieġ li l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD jammontaw għal ċertu livell ta' mira u li jkunu jistgħu jinġabru kontribuzzjonijiet straordinarji. Fi kwalunkwe każ, l-SGD għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti ta' finanzjament alternattivi u adegwati sabiex jippermettulhom jiksbu fondi għal perijodu qasir ta' żmien ħalli jissodisfaw il-pretensjonijiet li jsiru fuqhom. Għandu jkun possibbli li l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD jinkludu kontanti, depożiti, impenji ta' pagamenti u assi b'riskju baxx, li jistgħu jiġu likwidati f'perijodu ta' żmien qasir. L-ammont ta' kontribuzzjonijiet lill-SGD għandu jieħu kont dovut taċ-ċiklu tan-negozju, tal-istabbiltà tas-settur li jiġbor id-depożiti u tal-obbligazzjonijiet eżistenti tal-SGD.

(35) L-SGD għandhom jinvestu f'assi b'riskju baxx.

(36) Il-kontribuzzjonijiet għall-SGD għandhom ikunu bbażati fuq l-ammont ta' depożiti koperti u l-ammont ta' riskju mġarrab mill-membru rispettiv. Dan jippermetti li l-profili tar-riskji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu individwali, inklużi l-mudelli tan-negozju differenti tagħhom, jiġu riflessi. Dan għandu wkoll iwassal għal kalkolu ġust tal-kontribuzzjonijiet u jipprovdi inċentivi ħalli joperaw skont mudell ta' negozju inqas riskjuż. Sabiex il-kontribuzzjonijiet jitfasslu skont iċ-ċirkustanzi tas-suq u l-profili tar-riskju, l-SGD għandhom ikunu jistgħu jużaw il-metodi bbażati fuq ir-riskju tagħhom stess. Sabiex jittieħed kont partikolarment ta' setturi ta' riskju baxx li huma regolati skont il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jitħallew jipprevedu t-tnaqqis korrispondenti fil-kontribuzzjonijiet waqt li jirrispettaw il-livell ta' mira għal kull SGD. Fi kwalunkwe każ, il-metodi ta' kalkolu għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti. L-Awtorità Ewropea ta' Superviżjoni (l-Awtorità Bankarja Ewropea) ('ABE') stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandha toħroġ linji gwida dwar kif jiġu speċifikati l-metodi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet.

(37) Il-protezzjoni ta' depożiti hija element essenzjali sabiex jiġi kompjut is-suq intern u element komplementari indispensabbli għas-sistema ta' superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba s-solidarjetà li toħloq fost l-istituzzjonijiet kollha f'suq finanzjarju partikolari fil-każ ta' falliment ta' xi wieħed minnhom. Għalhekk, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jippermettu lill-SGD li jsellfu flus lil xulxin fuq bażi volontarja.

(38) Il-perijodu ta' ħlas lura eżistenti imur kontra l-ħtieġa li tinżamm il-fiduċja tad-depożitanti u ma jissodisfax il-ħtiġijiet tad-depożitanti. Il-perijodu ta' ħlas lura għandu għalhekk jitnaqqas għal sebat ijiem ta' xogħol.

(39) F'ħafna każijiet, madankollu, għadhom ma jeżistux il-proċeduri neċessarji għal limitu qasir għall-ħlas lura. L-Istati Membri għandhom, għalhekk, jingħataw l-għażla, waqt perijodu tranżizzjonali, li jitnaqqas il-perijodu tal-ħlas lura gradwalment għal sebat ijiem. Id-dewmien massimu ta' ħlas lura stabbiliti f'din id-Direttiva m'għandux jipprevjeni l-SGD milli jagħmlu ħlasijiet lura aktar kmieni lid-depożitanti. Sabiex jiġi żgurat li, matul il-perijodu tranżizzjonali, id-depożitanti ma jiltaqgħux ma' diffikultajiet finanzjarji fil-każ ta' falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu tagħhom, id-depożitanti għandhom, madankollu, fuq talba, ikunu jistgħu jkollhom aċċess għal ammont xieraq ta' depożiti koperti tagħhom biex ikopru l-għoli tal-ħajja tagħhom. Tali aċċess għandu jsir biss abbażi tad-data pprovduta mill-istituzzjoni ta' kreditu. Minħabba d-differenzi fl-għoli tal-ħajja bejn l-Istati Membri, dak l-ammont għandu jiġi determinat mill-Istati Membri.

(40) Il-perijodu ta' żmien meħtieġ għall-ħlas lura ta' depożiti għandu jieħu kont ta' każijiet fejn skemi jkollhom diffikultà fid-determinazzjoni tal-ammont ta' ħlas lura u d-drittijiet tad-depożitant, partikolarment jekk id-depożiti jkunu ġejjin minn transazzjonijiet immobiljari residenzjali jew ċerti avvenimenti tal-ħajja, jekk depożitant mhuwiex assolutament intitolat għas-somom f'kont, jekk id-depożitu huwa soġġett għal tilwima legali jew pretensjonijiet f'kompetizzjoni għas-somom miżmumin f'kont jew jekk depożitu huwa soġġett għal sanzjonijiet ekonomiċi imposti minn gvernijiet nazzjonali jew korpi internazzjonali.

---

(1) Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

(2) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(41) Sabiex jiġi żgurat il-ħlas lura, l-SGD għandhom ikunu intitolati li jissurrogaw fuq id-drittijiet ta' depożitanti mħallsin lura kontra istituzzjoni ta' kreditu falluta. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jillimitaw il-ħin li fih id-depożitanti li d-depożiti tagħhom ma tħallsux lura, jew ma ġewx rikonoxxuti fiż-żmien għall-ħlas lura, jistgħu jitolbu l-ħlas lura tad-depożiti tagħhom, sabiex jippermettu lill-SGD jeżerċitaw id-drittijiet li fihom tiġi surrogata sad-data li fiha dawk id-drittijiet ikunu dovuti li jiġu rreġistrati fil-proċedimenti ta' falliment.

(42) L-SGD fi Stati Membri fejn istituzzjoni ta' kreditu tkun stabbilixxiet fergħat, għandhom jinformaw u jħallsu lura lid-depożitanti f'isem l-SGD fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu kienet awtorizzata. Huma meħtieġa salvagwardji biex jiġi żgurat li SGD li tagħmel il-ħlas lura lid-depożitanti tirċievi mill-SGD ta' domiċilju l-mezzi finanzjarji u l-istruzzjonijiet meħtieġa qabel ma jsir tali ħlas lura. L-SGD li jistgħu jkunu kkonċernati għandhom jidħlu fi ftehimiet minn qabel biex jiġu ffaċilitati dawk il-kompiti.

(43) L-informazzjoni hija element essenzjali fil-protezzjoni ta' depożitanti. Għalhekk, id-depożitanti għandhom jiġu informati dwar il-kopertura u l-SGD responsabbli fuq id-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet tagħhom. Dawk li jkollhom l-intenzjoni li jsiru depożitanti għandhom jiġu informati permezz ta' karta ta' informazzjoni standardizzata li għandhom jintalbu jirrikonoxxu l-irċevuta tagħha. Il-kontenut ta' informazzjoni bħal din għandu jkun identiku għad-depożitanti kollha. L-użu mhux regolat fir-reklamar ta' referenzi għal-livell ta' kopertura u l-ambitu ta' SGD jista' jaffettwa l-istabbiltà tas-sistema bankarja jew il-fiduċja tad-depożitanti. Għalhekk, ir-referenzi għall-SGD fir-riklami għandhom ikunu limitati għal dikjarazzjonijiet qosra u fattwali.

(44) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tapplika għall-ipproċessar tad-data personali li titwettaq skont din id-Direttiva. L-SGD u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw b'attenzjoni kbira data relatata ma' depożiti ta' individwi u għandhom iżommu standard għoli ta' protezzjoni tad-data f'konformità ma' dik id-Direttiva.

(45) Din id-Direttiva m'għandhiex tirriżulta f'li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet rilevanti tagħhom isiru responsabbli rigward depożitanti jekk huma jkunu żguraw li skema waħda jew aktar, li tiggarantixxi depożiti jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu nnifishom u li tiżgura l-kumpens jew il-protezzjoni ta' depożitanti taħt il-kondizzjonijiet preskritti f'din id-Direttiva, jkunu ġew introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti.

(46) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 attribwixxa għadd ta' kompiti li jirrigwardaw id-Direttiva 94/19/KE lill-ABE.

(47) Filwaqt li tirrispetta s-superviżjoni tal-SGD mill-Istati Membri, l-ABE għandha tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan li jsir eħfef għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jibdew u jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw protezzjoni effikaċi għad-depożitanti u jimminimizzaw ir-riskju għall-persuni li jħallsu t-taxxa. L-Istati Membri għandhom iżommu lill-Kummissjoni u lill-ABE informati dwar l-identità tal-awtorità maħtura tagħhom fid-dawl tal-ħtieġa għall-kooperazzjoni bejn l-ABE u l-awtoritajiet maħturin previsti f'din id-Direttiva.

(48) Hemm ħtieġa li jiġu introdotti linji gwida fis-servizzi finanzjarji biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi u protezzjoni adatta għad-depożitanti fl-Unjoni kollha. Linji gwida bħal dawn għandhom jinħarġu sabiex jiġi speċifikat il-metodu tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet abbażi tar-riskju.

(49) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u effikaċi tal-SGD u konsiderazzjoni bbilanċjata tal-pożizzjonijiet tagħhom fi Stati Membri differenti, l-ABE għandha tkun kapaċi ssolvi n-nuqqasijiet ta' qbil bejniethom b'effett vinkolanti.

(50) Minħabba d-diverġenzi fil-prattiki amministrattivi relatati mal-SGD fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu liema awtorità tiddetermina l-indisponibbiltà tad-depożiti.

([1]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(51) L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet maħturin, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, l-awtoritajiet amministrattivi rilevanti u l-SGD għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont din id-Direttiva. Huma għandhom jikkooperaw minn stadju bikri fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riżoluzzjoni sabiex jiġi stabbilit l-ammont li bih l-SGD jkunu responsabbli meta l-mezzi finanzjarji jintużaw biex jiffinanzjaw ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(52) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex taġġusta l-livell ta' kopertura għad-depożiti kollha tal-istess depożitant kif stabbilit f'din id-Direttiva skont l-inflazzjoni fl-Unjoni abbażi tal-bidliet fl-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumaturi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(53) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjon ([1]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar fejn jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis it-trasmissjoni ta' tali dokumenti bħala waħda ġustifikata.

(54) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-funzjonament tal-SGD, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dak l-objettiv.

(55) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostanzjali meta mqabbla mad-direttivi preċedenti. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux joriġina mid-direttivi preċedenti.

(56) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u ambitu**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli u proċeduri relatati mal-istabbiliment u l-funzjonament ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti (SGD).

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

(a) SGD statutorji;

(b) SGD kuntrattwali li huma uffiċjalment rikonoxxuti bħala SGD skont l-Artikolu 4(2);

(c) skemi ta' protezzjoni li huma uffiċjalment rikonoxxuti bħala SGD skont l-Artikolu 4(2);

(d) istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati mal-iskemi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.

([1]) Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni (ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(5) u (7), l-iskemi li ġejjin m'għandhomx ikunu soġġetti għal din id-Direttiva:

(a) skemi kuntrattwali li mhumiex uffiċjalment rikonoxxuti bħala SGD, inklużi skemi li joffru protezzjoni addizzjonali għal-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6(1);

(b) skemi ta' protezzjoni istituzzjonali (IPS) li mhumiex uffiċjalment rikonoxxuti bħala SGD;

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu jkollhom stabbiliti mezzi finanzjarji adegwati jew arranġamenti ta' finanzjament rilevanti biex iwettqu l-obbligi tagħhom.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'skemi ta' garanzija tad-depożiti' jew ' SGD' tfisser skemi msemmijin fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 1(2);

(2) 'skemi ta' protezzjoni istituzzjonali' jew 'IPS' tfisser skemi ta' protezzjoni istituzzjonali kif imsemmijin fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) No 575/2013;

(3) 'depożitu' tfisser bilanċ ta' kreditu li jirriżulta minn fondi li jitħallew f'kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li joħorġu minn tranżazzjonijiet bankarji normali u li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tħallas lura taħt il-kondizzjonijiet legali u kontrattwali applikabbli, inkluż depożitu ta' żmien fiss u depożitu ta' tfaddil, iżda eskluż bilanċ ta' kreditu fejn:

(a) l-eżistenza tiegħu tista' tintwera biss permezz ta' strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(17) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sakemm ma jkunx prodott ta' tfaddil li huwa evidenti permezz ta' ċertifikat ta' depożitu mogħti lil persuna msemmija u li jeżisti fi Stat Membru Stat fit-2 ta' Lulju 2014;

(b) il-kapital mhux ripagabbli at par;

(c) il-kapital tiegħu huwa ripagabbli biss at par taħt garanzija jew ftehim partikolari mogħti mill-istituzzjoni ta' kreditu jew parti terza;

(4) 'depożiti eliġibbli' tfisser depożiti li mhumiex esklużi mill-protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 5;

(5) 'depożiti koperti' tfisser il-parti ta' depożiti eliġibbli li ma jeċċedux il-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6;

(6) 'depożitant' tfisser id-detentur jew, fil-każ ta' kont (d) konġunt, kull wieħed u waħda mid-detenturi tad-depożitu;

(7) 'kont konġunt' tfisser kont miftuħ fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew aktar jew li fuqu żewġ persuni jew aktar jkollhom drittijiet li huma eżerċitati permezz ta' firma ta' wieħed jew aktar minn dawk il-persuni;

([1]) Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

(8) ‘depożitu mhux disponibbli’ tfisser depożitu li huwa dovut u pagabbli imma li ma kienx tħallas minn istituzzjoni ta’ kreditu skont il-kondizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli għalihom, fejn jew:

(a) l-awtoritajiet amministrattivi rilevanti jkunu ddeterminaw li fil-fehma tagħhom l-istituzzjoni ta’ kreditu kkonċernata tkun tidher li fiż-żmien kurrenti ma tkunx tista’, għal raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħha, li tħallas lura d-depożitu u l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda prospett attwali li jkun jista’ jsir dan; jew

(b) awtorità ġudizzjarja li tkun tat digriet għar-raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-istituzzjoni ta’ kreditu li jkollha l-effett li tissospendi d-drittijiet tad-depożitanti li jagħmlu pretensjonijiet kontriħ;

(9) ‘istituzzjoni ta’ kreditu’ tfisser istituzzjoni ta’ kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(10) ‘fergħa’ tfisser post tan-negozju fi Stat Membru li jifforma parti legalment dipendenti minn istituzzjoni ta’ kreditu u li jwettaq b’mod dirett it-tranżazzjonijiet kollha jew uħud minnhom inerenti fin-negozju tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu;

(11) ‘livell ta’ mira’ tfisser l-ammont tal-mezzi finanzjarji disponibbli li l-SGD hija meħtieġa tilħaq skont l-Artikolu 10(2), espress bħala perċentwali tad-depożiti koperti tal-membri tagħha;

(12) ‘mezzi finanzjarji disponibbli’ tfisser kontanti, depożiti u assi b’riskju baxx li jistgħu jiġu likwidati f’perijodu li ma jeċċedix dak imsemmi fl-Artikolu 8(1) u l-impenji ta’ pagament sal-limitu stabbilit fl-Artikolu 10(3);

(13) ‘impenji ta ‘pagament’ tfisser impenji ta’ pagament ta’ istituzzjoni ta’ kreditu lejn SGD li huma kompletament kollateralizzati sakemm il-kollateral:

(a) ikun jikkonsisti f’assi b’riskju baxx;

(b) ikun frank minn kwalunkwe drittijiet ta’ partijiet terzi u jkun għad-dispożizzjoni tal-SGD;

(14) ‘assi b’riskju baxx’ tfisser assi li jaqgħu fl-ewwel jew it-tieni kategoriji msemmija fit-Tabella 1 tal-Artikolu 336 tar-Regolament (UE) No 575/2013 jew kwalunkwe ass li huwa meqjus li jkun similarment sikur u likwidu mill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtorità maħtura;

(15) ‘Stat Membru domiċiljari’ tfisser Stat Membru domiċiljari kif definit fil-punt (43) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(16) ‘Stat Membru ospitanti’ tfisser Stat Membru ospitanti kif definit fil-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(17) ‘awtorità kompetenti’ tfisser l-awtorità kompetenti nazzjonali kif definita fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(18) ‘awtorità maħtura’ tfisser korp li jamministra SGD skont din id-Direttiva, jew, fejn l-operazzjoni ta’ SGD tkun amministrata minn entità privata, awtorità pubblika maħtura mill-Istati Membri konċernat għas-superviżjoni ta’ dik l-iskema skont din id-Direttiva.

2. Fejn din id-Direttiva tirriferi għar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, korp li jamministra l-SGD jew fejn l-operazzjoni tal-SGD tiġi amministrata minn kumpanija privata, l-awtorità pubblika li tissorvelja dik l-iskema, għandha, għall-fini ta’ dak ir-Regolament, titqies bħala awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 4(2) ta’ dak ir-Regolament.

3. Ishma f'building societies fl-Irlanda jew fir-Renju Unit apparti minn dawk ta' natura kapitali koperti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) għandhom jiġu ttrattati bħala depożiti.

*Artikolu 3*

**Awtoritajiet amministrattivi rilevanti**

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtorità amministrattiva rilevanti fl-Istat Membru tagħhom għall-fini tal-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet maħturin, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u l-awtoritajiet amministrattivi rilevanti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont din id-Direttiva.

L-awtorità amministrattiva rilevanti għandha tagħmel id-determinazzjoni msemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara li l-ewwel tkun issodisfat ruħha li istituzzjoni ta' kreditu tkun naqset milli tħallas lura depożiti li huma dovuti u pagabbli.

*Artikolu 4*

**Rikonoxximent uffiċjali, sħubija u superviżjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li fit-territorju tiegħu, waħda jew aktar SGD jkunu introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti.

Dan m'għandux jipprekludi l-fużjoni ta' SGD ta' Stati Membri differenti jew l-istabbiliment ta' SGD transkonfinali. L-approvazzjoni ta' tali SGD transkonfinali jew magħquda għandha tinkiseb mill-Istati Membri fejn l-SGD kkonċernati jkunu stabbiliti.

2. Skema kuntrattwali kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2)) ta' din id-Direttiva tista' tiġi uffiċjalment rikonoxxuta bħala SGD jekk tikkonforma ma' din id-Direttiva.

IPS tista' tiġi uffiċjalment rikonoxxuta bħala SGD jekk tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tkun konformi ma' din id-Direttiva.

3. Ebda istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE m'għandha tieħu depożiti sakemm ma tkunx membru ta' skema uffiċjalment rikonoxxuta fl-Istat Membru domiċiljari tagħha skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Jekk istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konformi mal-obbligi tagħha bħala membru ta' SGD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu nnotifikati minnufih u, f'koordinazzjoni mal-SGD, għandhom jieħdu fil-pront il-miżuri kollha xierqa inkluża, jekk meħtieġa, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet li jiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun konformi mal-obbligi tagħha.

5. Jekk il-miżuri meħudin taħt il-paragrafu 4 jonqsu milli jiżguraw konformità min-naħa tal-istituzzjoni ta' kreditu, l-SGD tista', soġġett għal-liġi nazzjonali u għall-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti, tagħti notifika ta' mhux anqas minn xahar tal-intenzjoni tagħha li teskludi l-istituzzjoni ta' kreditu mis-sħubija tal-SGD. Id-depożiti magħmula qabel ma jiskadi l-perijodu ta' dik in-notifika għandhom jibqgħu koperti bis-sħiħ mill-SGD. Jekk, meta jiskadi l-perijodu ta' dik in-notifika, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konformi mal-obbligi tagħha, l-SGD għandha teskludi l-istituzzjoni ta' kreditu.

6. Id-depożiti miżmumin fid-data li fiha istituzzjoni ta' kreditu tiġi eskluża mis-sħubija fl-SGD għandhom ikomplu jiġu koperti minn dak l-SGD.

7. L-awtoritajiet maħturin għandhom jissorveljaw l-SGD kollha msemmijin fl-Artikolu 1 fuq bażi kontinwa għall-konformità tagħhom ma' din id-Direttiva.

L-SGD transkonfinali, għandhom jiġu sorveljati minn rappreżentanti tal-awtoritajiet maħturin tal-Istati Membri fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati huma awtorizzati

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li SGD, fi kwalunkwe ħin u fuq talba tal-SGD, jirċievu mingħand il-membri tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jitħejja għal ħlas lura tad-depożitanti, inklużi l-marki skont l-Artikolu 5(4).

9. L-SGD għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data li tappartjeni għal kontijiet tad-depożitanti. L-ipproċessar ta' tali data għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD jwettqu testijiet ta' stress tas-sistemi tagħhom u li l-SGD jiġu informati malajr kemm jista' jkun fil-każ li l-awtoritajiet kompetenti jiskopru problemi f'istituzzjoni ta' kreditu li x'aktarx jagħtu lok għall-intervent ta' SGD.

Tali testijiet għandhom isiru tal-anqas kull tliet snin u aktar ta' spiss fejn xieraq. L-ewwel test għandu jsir sat-3 ta' Lulju 2017.

Abbażi tar-riżultati tat-testijiet tal-istress, l-ABE għandha, mill-inqas kull ħames snin, twettaq analiżijiet bejn il-pari skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 sabiex tiġi eżaminata r-reżiljenza tal-SGD. L-SGD għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 70 ta' dak ir-Regolament meta jiskambjaw informazzjoni mal-ABE.

11. L-SGD għandhom jużaw l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu testijiet ta' stress tas-sistemi tagħhom biss għat-twettiq ta' dawk it-testijiet u għandhom iżommu din l-informazzjoni mhux iktar milli hu meħtieġ għal dik il-fini.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD tagħhom ikollhom stabbiliti prattiki ta' governanza tajbin u trasparenti. L-SGD għandhom jipproduċu rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħhom.

*Artikolu 5*

**Eliġibbiltà tad-depożiti**

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi minn kwalunkwe ħlas lura minn SGD:

(a) soġġett għall-Artikolu 7(3) ta' din id-Direttiva, depożiti magħmulin minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn f'isimhom jew għan-nom tagħhom,

(b) fondi proprji kif definiti fil-punt 118 tal-Artikolu 4(1)tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) depożiti li joriġinaw minn transazzjonijiet li b'konnessjoni magħhom kien hemm kundanna kriminali għal ħasil tal-flus kif definit f-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2005/60/KE;

(d) depożiti minn istituzzjoni ta' kreditu kif definit fil-punt 26 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) depożiti minn ditti tal-investiment kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

(f) depożiti li d-detenturi tagħhom qatt ma ġie identifikat skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2005/60/KE, meta ma baqgħux disponibbli;

(g) depożiti minn impriżi tal-assigurazzjoni u minn impriżi tar-riassigurazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) sa (6) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(h) depożiti minn impriżi tal-investiment kollettiv;

(i) depożiti minn fondi tal-pensjonijiet u tal-irtirar;

(j) depożiti minn awtoritajiet pubbliċi;

(k) titoli ta' dejn maħruġin minn istituzzjoni ta' kreditu u obbligazzjonijiet li joriġinaw mill-aċċettazzjonijiet proprji u kambjali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw li dawn li ġejjin huma inklużi sal-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6(1):

(a) depożiti miżmumin minn skemi ta' pensjoni personali u skemi ta' pensjoni okkupazzjonali ta' intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju;

(b) depożiti miżmumin minn awtoritajiet lokali b'baġit annwali sa EUR 500 000.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li depożiti li jistgħu jiġu rilaxxati skont il-liġi nazzjonali biss biex jitħallas self fuq proprjetà immobiljari kemm jekk magħmulin mill-istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni oħra li tkun qed iżżomm id-depożitu jiġu esklużi mill-ħlas lura minn SDG.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jimmarkaw id-depożiti eliġibbli b'mod li tali depożiti jkunu jistgħu jiġu identifikati immedjatament.

*Artikolu 6*

**Livell ta' kopertura**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta' kopertura għad-depożiti aggregati ta' kull depożitant għandu jkun ta' EUR 100 000 fil-każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli.

2. Addizzjonalment għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożiti li ġejjin ikunu protetti 'l fuq minn EUR 100 000 għal mill-inqas tliet xhur u mhux aktar minn 12-il xahar wara li l-ammont ikun ġie kkreditat jew mill-mument meta tali depożiti jsiru legalment trasferibbli.

(a) depożiti li jirriżultaw minn transazzjonijiet fuq proprjetà immobiljari relatati ma' proprjetajiet ta' residenza privata;

(b) depożiti li jaqdu skopijiet soċjali definiti fil-liġi nazzjonali u li huma marbutin ma' avvenimenti partikolari matul il-ħajja ta' depożitant bħal żwieġ, divorzju, irtirar, tkeċċija, senjsar, invalidità jew mewt;

(c) depożiti li jaqdu finijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali u li huma bbażati fuq il-ħlas ta' benefiċċji ta' assigurazzjoni jew kumpens għal korrimenti kriminali jew kundanna inġusta.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jimpedixxu lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu skemi li jipproteġu prodotti ta' provediment u pensjonijiet tal-anzjanità, sakemm dawn l-iskemi ma jkoprux biss id-depożiti iżda joffru kopertura komprensiva tal-prodotti u s-sitwazzjonijiet rilevanti f'dan ir-rigward.

([1]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħlasijiet lura jsiru fi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-munita tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-SGD;

(b) il-munita tal-Istat Membru fejn ikun residenti d-detentur tal-kont;

(c) l-euro;

(d) il-munita tal-kont;

(e) il-munita tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-kont.

Id-depożitanti għandhom jiġu informati dwar il-munita ta' ħlas lura.

Jekk il-kontijiet ikunu nżammu f'munita differenti minn dik tal-ħlas, ir-rata tal-kambju użata għandha tkun dik tad-data li fiha l-awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) jew meta awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).

5. L-Istati Membri li jikkonvertu fil-munita nazzjonali tagħhom l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 inizjalment għandhom jużaw fil-konverżjoni r-rata tal-kambju li tipprevalixxi fit-3 ta' Lulju 2015.

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw għall-eqreb numru sħiħ l-ammonti li jirriżultaw mill-konverżjoni, sakemm tali aġġustament ma jeċċedix il-EUR 5 000.

Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jaġġustaw il-livelli ta' kopertura konvertiti f'muniti oħra sal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu kull ħames snin. L-Istati Membri għandhom jagħmlu aġġustament tal-livelli ta' kopertura aktar kmieni, wara li jikkonsultaw mal-Kummissjoni, wara li jseħħu xi avvenimenti mhux previsti bħal ċaqliq fil-munita.

6. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni u mill-inqas darba kull ħames snin. Jekk ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Direttiva biex isir aġġustament tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, b'kont meħud partikolarment ta' żviluppi fis-settur bankarju u fis-sitwazzjoni ekonomika u dik monetarja fl-Unjoni. L-ewwel rieżami m'għandux isseħħ qabel it-3 ta' Lulju 2020 sakemm avvenimenti mhux previsti jkunu jeħtieġu rieżami aktar kmieni.

7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 sabiex jiġi aġġustat l-ammont imsemmi fil-paragrafu 6, tal-inqas kull ħames snin, skont l-inflazzjoni fl-Unjoni abbażi tal-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea mill-aġġustament ta' qabel.

*Artikolu 7*

**Determinazzjoni tal-ammont ripagabbli**

1. Il-limitu msemmi fl-Artikolu 6 (1) għandu japplika għad-depożiti aggregati mqiegħda mal-istess istituzzjoni ta' kreditu irrispettivament mill-għadd ta' depożiti, il-munita u l-lokalità fl-Unjoni.

2. Is-sehem ta' kull depożitant f'kont konġunt għandu jittieħed kont tiegħu fil-kalkolu tal-limitu previst fl-Artikolu 6 (1).

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċjali, tali kont għandu jitqassam b'mod ekwu fost id-depożitanti.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li depożiti f'kont li għalih żewġ persuni jew aktar jkunu intitolati bħala membri ta' sħubija ta' negozju, assoċjazzjoni jew gruppi ta' natura simili, mingħajr personalità legali, jistgħu jkunu aggregati u ttrattati bħallikieku kienu magħmula minn depożitant wieħed għall-fini tal-kalkolu tal-limitu previst fl-Artikolu 5 (1).

3. Fejn depożitant ma jkunx assolutament intitolat għas-somom miżmumin f'kont, il-persuna li tkun assolutament intitolata għandha tkun koperta mill-garanzija, sakemm dik il-persuna tkun ġiet identifikata jew tkun identifikabbli qabel id-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1)jew awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija fil–punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1). Fejn ikun hemm diversi persuni li jkunu assolutament intitolati, is-sehem ta' kull wieħed minnhom taħt l-arranġamenti li tkun soġġetta għalihom l-amministrazzjoni tas-somom għandu jittieħed kont tiegħu meta jiġi kkalkolat l-limitu previst fl-Artikolu 6(1).

4. Id-data ta' referenza għall-kalkolu tal-ammont ripagabbli għandha tkun id-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1)jew meta awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1). L-obbligazzjonijiet tad-depożitant lejn l-istituzzjoni ta' kreditu m'għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkolat l-ammont ripagabbli.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-obbligazzjonijiet tad-depożitant lejn l-istituzzjoni ta' kreditu jittieħed kont tagħhom meta jkun qed jiġi kkalkolat l-ammont ripagabbli, fejn ikunu waslu għall-ħlas fid-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1)jew qabilha jew meta awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1)sa fejn il-ħlas ikun possibbli taħt id-dispożizzjonijiet statutorji u dawk kuntrattwali li jirregolaw il-kuntratt bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u d-depożitant.

Id-depożitanti għandhom jiġu informati qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-istituzzjoni ta' kreditu fejn l-obbligazzjonijiet tagħhom lejn l-istituzzjoni ta' kreditu jittieħed kont tagħhom meta jiġi kkalkolat l-ammont ripagabbli.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD jkunu jistgħu fi kwalunkwe ħin jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jinformawhom dwar l-ammont aggregat ta' depożiti eliġibbli ta' kull depożitant.

7. L-imgħax fuq id-depożiti li ġew akkumulati sad-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) jew meta awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1)iżda li ma jkunux ġew ikkreditat f'din id-data għandhom jiġu rimborżati mill-SGD. Il-limitu msemmi fl-Artikolu 5(1) ma għandux jinqabeż.

8. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti kategoriji ta' depożiti li jissodisfaw skop soċjali definit mil-liġi nazzjonali, li għalihom parti terza tkun tat garanzija konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ma jitqisux meta jiġu aggregati d-depożiti li jkollu l-istess depożitant mal-istess istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. F'tali każijiet, il-garanzija tal-parti terza għandha tkun limitata għal-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6(1).

9. Fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu permessi skont il-liġi nazzjonali joperaw taħt trademarks differenti kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], Stat Membru għandu jiżgura li d-depożitanti jkunu informati b'mod ċar li l-istituzzjoni ta' kreditu topera taħt trademarks differenti u li l-livell ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 6(1), (2) u (3) ta' din id-Direttiva japplika għad-depożiti aggregati li d-depożitant ikollu mal-istituzzjoni ta' kreditu. Dik l-informazzjoni għandha tkun inkluża fl-informazzjoni tad-depożitant imsemmija fl-Artikolu 16, u l-Anness I, ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 8*

**Ħlas lura**

1. L-SGD għandhom jiżguraw li l-ammont ripagabbli jkun disponibbli fi żmien sebat ijiem ta' xogħol mid-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1)jew awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija filpunt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).

(1) Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25).

2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu għall-perijodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2023 jistabbilixxu l-perijodi ta' ħlas lura li ġejjin sa:

(a) 20 jum ta' xogħol sal-31 ta' Diċembru 2018;

(b) 15-il jum ta' xogħol mill-1 ta' Jannar 2019 u sal-31 ta' Diċembru 2020;

(c) 10 ijiem ta' xogħol mill-1 ta' Jannar 2021 u sal-31 ta' Diċembru 2023.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-depożiti msemmija fl-Artikolu 7(3) jiġu soġġetti għal perijodu itwal ta' ħlas lura li ma għandux jaqbeż it-tliet xhur mid-data li fiha awtorità amministrattiva rilevanti tagħmel determinazzjoni kif imsemmija fil-punt (8)(a) tal-Artikolu 2(1) jew awtorità ġudizzjarja tagħti deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (8)(b) tal-Artikolu 2(1).

4. Matul il-perijodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2023, u fejn l-SGD ma jkunux jistgħu jagħmlu l-ammont ta' ħlas lura disponibbli fi żmien sebat ijiem ta' xogħol, huma għandhom jiżguraw li d-depożitanti jkollhom aċċess għal ammont adegwat tad-depożiti koperti tagħhom biex ikopru l-għoli tal-ħajja fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta ssir talba.

L-SGD jistgħu jagħtu aċċess għall-ammont xieraq kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu biss abbażi ta' data provduta mill-SGD jew mill-istituzzjoni ta' kreditu.

L-ammontxieraq imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jitnaqqas mill-ammont ta' ħlas lura kif imsemmi fl-Artikolu 7.

5. Il-ħlas lura kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 4 jista' jkun pospost fejn:

(a) ikun hemm inċertezza dwar jekk persuna hijiex intitolata biex tirċievi ħlas lura jew id-depożitu jkun soġġett għal tilwima legali;

(b) id-depożitu jkun soġġett għal miżuri restrittivi imposti minn gvernijiet nazzjonali jew korpi internazzjonali;

(c) b'deroga mill-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni marbuta mad-depożitu fl-aħħar 24 xahar (il-kont mhux attiv);

(d) l-ammont li jrid jitħallas lura jitqies bħala parti minn bilanċ għoli temporanju kif definit fl- Artikolu 6(2); jew

(e) l-ammont li jrid jitħallas lura jkollu jitħallas mill-SGD tal-Istat Membru ospitanti f'konformità mal-Artikolu 114(2).

6. L-ammont li jrid jitħallas lura għandu jkun disponibbli mingħajr ma tkun meħtieġa talba lill-SGD. Għal dak il-għan, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tittrasmetti l-informazzjoni meħtieġa dwar id-depożiti u d-depożitanti hekk kif tintalab mill-SGD.

7. Kwalunkwe korrispondenza bejn l-SGD u d-depożitanti għandha ssir:

(a) fil-lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni użata mill-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed iżżomm id-depożitu kopert meta tikkomunika mad-depożitant; jew

(b) fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih ikun jinstab id-depożitu kopert.

Jekk istituzzjoni ta' kreditu topera direttament fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkollha fergħat stabbiliti, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-lingwa li kienet intgħażlet mid-depożitant meta nfetaħ il-kont.

8. Minkejja l-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn depożitant jew kwalunkwe persuna intitolata għal jew interessata f'somom miżmuma f'kont tkun ġiet akkużata b'reat li joriġina minn jew b'relazzjoni ma' ħasil tal-flus kif iddefinit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2005/60/KE, l-SGD tista' tissospendi kwalunkwe pagament relatat mad-depożitant konċernat, sakemm ikun hemm sentenza mill-qorti.

9. Ma għandu jsir l-ebda ħlas lura fejn ma jkun hemm l-ebda tranżazzjoni relatata mad-depożitu fl-aħħar 24 xahar u l-valur tad-depożitu jkun aktar baxx mill-ispejjeż amministrattivi mġarrba mill-SGD kieku jsir tali ħlas lura.

*Artikolu 9*

**Pretensjonijiet kontra SGD**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tad-depożitanti għal kumpens jistgħu jkunu soġġetti għal azzjoni kontra l-SGD.

2. Mingħajr preġudizzju għal drittijiet li huma jista' jkollha skont il-liġi nazzjonali, l-SGD li tagħmel pagamenti taħt garanzija fi ħdan qafas nazzjonali għandu jkollha d-dritt ta' surrogazzjoni għad-drittijiet ta' depożitanti fi proċedimenti ta' stralċ jew ta' riorganizzazzjoni għal ammont ekwivalenti għall-pagamenti tagħha magħmula lid-depożitanti. Meta SGD tagħmel pagamenti fil-kuntest ta' proċedimenti ta' riżoluzzjoni, inkluż l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju ta' setgħat ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 11, l-SGD għandu jkollha pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta' kreditu rilevanti għal ammont ekwivalenti għall-pagamenti tagħha. Dik il-pretensjoni għandha tiġi klassifikata fl-istess livell bħad-depożiti koperti skont il-liġi nazzjonali li tirregola l-proċedimenti normali ta' insolvenza kif definit fid-Direttiva 2014/59/UE.

3. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw iż-żmien li fih id-depożitanti li d-depożiti tagħhom ma tħallsux lura jew ma ġewx rikonoxxuti mill-SGD sal-iskadenzi stipulati fl-Artikoli 7(1) u (3) jista' jkollhom pretensjoni fuq il-ħlas lura tad-depożiti tagħhom.

*Artikolu 10*

**Finanzjament ta' SGD**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD jkollhom fis-seħħ sistemi adegwati biex jiġu ddeterminati l-obbligazzjonijiet potenzjali tagħhom. Il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD għandhom ikunu proporzjonati ma' dawn l-obbligazzjonijiet.

L-SGD għandhom iżidu l-mezzi finanzjarji disponibbli b'kontribuzzjonijiet li għandhom isiru mill-membri tagħhom mill-inqas darba fis-sena. Dan ma għandux jipprevjeni finanzjament addizzjonali minn sorsi oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sat-3 ta' Lulju 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' SGD għandhom tal-anqas jilħqu livell ta' mira ta' 0,8 % tal-ammont tad-depożiti koperti mill-membri tagħha.

Meta l-kapaċità finanzjarja ma tilħaqx il-livell ta' mira, għandu jerġa' jibda l-pagament tal-kontribuzzjonijiet tal-anqas sakemm jerġa' jintlaħaq il-livell ta' mira.

Jekk, wara li l-livell ta' mira jkun intlaħaq għall-ewwel darba, il-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu ġew imnaqqsa għal anqas minn żewġ terzi tal-livell ta' mira, il-kontribuzzjoni regolari għandha tiġi stabbilita għal livell li jippermetti l-livell ta' mira li jintlaħaq fi żmien sitt snin.

Il-kontribuzzjoni regolari għandha tieħu kont dovut tal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju, u l-impatt li jista' jkollhom il-kontribuzzjonijiet pro-ċikliċi fl-istabbiliment tal-kontribuzzjonijiet fil-kuntest ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-perijodu inizjali msemmi fl-ewwel subparagrafu b'mhux aktar minn erba' snin jekk l-SGD tkun għamlet żborzi kumulattivi ta' aktar minn 0,8 % tad-depożiti koperti.

3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandu jittieħed kont tagħhom sabiex jintlaħaq il-livell ta' mira jista' jinkludi impenji ta' pagament. Is-sehem totali ta' impenji ta' pagament ma għandux jaqbeż 30 % tal-ammont totali ta' mezzi finanzjarji disponibbli miżjuda f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva, l-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar impenji ta' pagament.

4. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jista', għall-fini li jaqdi l-obbligi taħtu, jiġbor il-mezzi finanzjarji disponibbli permezz tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji mħallsa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lil skemi eżistenti ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji stabbiliti minn Stat Membru fit-territorju tiegħu bil-għan li jkopru l-ispejjeż relatati mar-riskju sistemiku, il-falliment, u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet.

L-SGD huma intitolati għal ammont ekwivalenti għall-ammont ta' dawn il-kontribuzzjonijiet sal-livell ta' mira fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li l-Istat Membru fuq talba jagħmel immedjatament disponibbli għal dawk l-SGD, għall-użu esklussivament għall-finijiet previsti fl-Artikolu 11.

L-SGD huma intitolati għal dak l-ammont biss jekk l-awtorità kompetenti tqis li huma mhumiex kapaċi jiġbru kontribuzzjonijiet straordinarji mill-membri tagħhom, u l-SGD għandhom iħallsu lura dak l-ammont permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom f'konformità mal-Artikolu 10(1) u (2).

5. Il-kontribuzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni taħt it-Titolu VII tad-Direttiva 2014/59/UE, inklużi l-mezzi finanzjarji disponibbli li għandu jittieħed kont tagħhom biex jintlaħaq il-livell ta' mira tal-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni taħt l-Artikolu 102(3b) tad-Direttiva 2014/59/UE, ma għandhomx jingħaddu għall-iskop tal-livell ta' mira.

6. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun ġustifikat u bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jawtorizzaw livell ta' mira mimimu aktar baxx mil-livell ta' mira speċifikat fil-paragrafu 2, dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tnaqqis huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li x'aktarx mhux ser tintuża parti sinifikanti mill-mezzi disponibbli għal miżuri li jipproteġu depożitanti koperti, minbarra kif previst fl-Artikolu 11(2) u (6); u

(b) is-settur bankarju li joperaw fih l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati għall-SGD huwa kkonċentrat ħafna bi kwantità kbira ta' assi miżmuma minn għadd żgħir ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew gruppi ta' banek, soġġetti għal superviżjoni fuq bażi konsolidata li, b'kont meħud tad-daqs tagħhom, x'aktarx li f'każ ta' falliment ikunu soġġetti għall-proċedimenti ta' riżoluzzjoni.

Dak il-livell ta' mira mnaqqas ma għandux ikun aktar baxx minn 0,5 % tad-depożiti koperti.

7. Il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD għandu jiġi investit b'mod suffiċjentement diversifikat u ta' riskju baxx.

8. Jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' SGD ikunu insuffiċjenti biex jitħallsu lura d-depożitanti meta d-depożiti ma jibqgħux disponibbli, il-membri tagħha għandhom iħallsu kontribuzzjonijiet straordinarji li ma jeċċedux 0,5 % tad-depożiti koperti tagħhom kull sena tal-kalendarju. L-SGDs tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali u bil-kunsens tal-awtorità kompetenti tirrikjedi kontribuzzjonijiet ogħla.

L-awtorità kompetenti tista' tiddiferixxi, kompletament jew parzjalment, il-ħlas minn istituzzjoni ta' kreditu ta' kontribuzzjonijiet staordinarji ex post lis-SGD jekk il-kontribuzzjonijiet jipperikolaw il-likwidità jew is-solvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu.

Tali diferiment m'għandhux jingħata għal perijodu ta' aktar minn sitt xhur iżda jista' jiġġedded fuq talba tal-istituzzjoni ta' kreditu.

Il-kontribuzzjonijiet diferiti taħt dan il-paragrafu għandhom jitħallsu meta tali ħlas ma jipperikolax aktar il-likwidità jew is-solvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD ikollhom fis-seħħ arranġamenti ta' finanzjament alternattivi u adegwati sabiex jippermettulhom li jiksbu fondi f'qasir żmien sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet kontra dawk l-SGD.

10. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar l-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom u l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

*Artikolu 11*

**Użu ta' fondi**

1. Il-mezzi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10 għandhom jintużaw prinċipalment sabiex jitħallsu lura d-depożitanti skont din id-Direttiva.

2. Il-mezzi finanzjarji ta' SGD għandhom jintużaw biex tiġi ffinanzjata r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tiddetermina, wara konsultazzjoni mal-SGD, l-ammont li bih hija responsabbli l-SGD.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li SGD tuża l-mezzi finanzjarji disponibbli għal miżuri alternattivi sabiex tevita falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma ħadet l-ebda azzjoni ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) l-SGD għandha sistemi u proċeduri xierqa għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-miżuri u l-monitoraġġ tar-riskji affiljati;

(c) l-ispejjeż tal-miżuri ma jaqbżux l-ispejjeż meħtieġa biex jiġi sodisfatt il-mandat statutorju jew kuntrattwali tal-SGD;

(d) l-użu ta' miżuri alternattivi mill-SGD huwa marbut ma' kondizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed tiġi appoġġata, u jinkludi tal-anqas monitoraġġ imsaħħaħ tar-riskji u aktar drittijiet tal-verifika tal-SGD;

(e) l-użu ta' miżuri alternattivi mill-SGD huwa marbut ma' impenji mill-istituzzjoni ta' kreditu li qed tiġi appoġġata bil-ħsieb li jiġi żgurat l-aċċess għal depożiti koperti;

(f) il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati li jħallsu l-kontribuzzjonijiet straordinarji skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu huwa konfermat fil-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti.

L-SGD għandha tikkonsulta mal-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti dwar il-miżuri u l-kondizzjonijiet imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu.

4. Ma għandhomx jiġu applikati miżuri alternattivi kif imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fejn l-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni mal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tikkunsidra bħala sodisfatti l-kondizzjonijiet għal azzjoni ta' riżoluzzjoni taħt l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.

5. Jekk jintużaw mezzi finanzjarji disponibbli f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati għandhom immedjatament jipprovdu lill-SGD bil-mezzi użati għal miżuri alternattivi, fejn meħtieġ fil-forma ta' kontribuzzjonijiet straordinarji, fejn:

(a) tinqala' l-ħtieġa li jiġu mħallsa lura d-depożitanti u l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SGD jammontaw għal anqas minn żewġ terzi tal-livell ta' mira;

(b) il-mezzi finanzjarji disponibbli jaqgħu taħt 25 % tal-livell ta' mira.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-mezzi finanzjarji disponibbli jistgħu jintużaw ukoll biex jiffinanzjaw miżuri li jippreservaw l-aċċess tad-depożitanti għal depożiti koperti, inkluż it-trasferiment ta' assi u obbligazzjonijiet u t-trasferiment tal-ktieb ta' depożitu, fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza, dment li l-ispejjeż imġarrba mill-SGD ma jaqbżux l-ammont nett għall-kumpens tad-depożitanti koperti fl-istituzzjoni ta' kreditu konċernata.

*Artikolu 12*

**Self bejn SGD**

1. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li SGD jsellfu lil SGD oħrajn fi ħdan l-Unjoni fuq bażi volontarja, dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-SGD li tissellef ma tistax tissodisfa l-obbligi skont l-Artikolu 8(1) minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji disponibbli kif imsemmija fl-Artikolu 10;

(b) l-SGD li tissellef tkun irrikorriet għall-kontribuzzjonijiet straordinarji msemmija fl-Artikolu 10(8)

(c) l-SGD li tissellef tieħu l-impenn legali li l-fondi mislufa ser jintużaw sabiex jitħallsu pretensjonijiet taħt l-Artikolu 9(1).

(d) l-SGD li tissellef mhijiex attwalment soġġetta għal obbligu li tħallas lura self lil SGD oħrajn taħt dan l-Artikolu;

(e) l-SGD li tissellef għandha tiddikjara l-ammont ta' flus mitlub.

(f) l-ammont totali misluf ma jaqbiżx 0,5 % tad-depożiti koperti tal-SGD li tissellef;

(g) l-SGD li tissellef tinforma mingħajr dewmien lill-ABE u tiddikjara r-raġunijiet għalfejn l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu huma sodisfatti u l-ammont ta' flus mitlub.

2. Is-self għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-SGD li tissellef għandha tħallas lura s-self fi żmien 5 snin. Tista' tħallas lura s-self f'pagamenti akkont annwali. L-imgħax għandu jkun dovut biss fi żmien tal-ħlas lura.

(b) ir-rata tal-imgħax stabbilita għandha tkun tal-anqas ekwivalenti għar-rata marġinali tal-faċilità tas-self tal-Bank Ċentrali Ewropew matul il-perijodu tal-kreditu;

(c) l-SGD li tissellef għandha tinforma lill-ABE dwar ir-rata ta' imgħax inizjali u t-tul ta' żmien tas-self.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet miġbura mill-SGD li tissellef ikunu biżżejjed biex jiġi rimborżat l-ammont misluf u jiġi stabbilit mill-ġdid il-livell ta' mira mill-aktar fis possibbli.

*Artikolu 13*

**Kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lil SGD**

1. Il-kontribuzzjonijiet lill-SGD msemmija fl-Artikolu 10 għandhom ikunu bbażati fuq l-ammont ta' depożiti koperti u l-ammont ta' riskju mġarrab mill-membru rispettiv.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu kontribuzzjonijiet aktar baxxi għal setturi b'riskju żgħir li huma regolati mil-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li membri ta' SPI iħallsu kontribuzzjonijiet aktar baxxi lill-SGD.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod permanenti mal-korp ċentrali kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jkunu soġġetti b'mod ġenerali għall-piż tar-riskju li jkun ġie ddeterminat għal korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati tiegħu fuq bażi konsolidata.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jħallsu kontribuzzjoni minima, irrispettivament mill-ammont tad-depożiti koperti tagħhom.

2. L-SGD jistgħu jużaw il-metodi tagħhom stess ibbażati fuq ir-riskju għad-determinazzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet bbażati fuq ir-riskju mill-membri tagħhom. Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għandu jkunu proporzjonali għar-riskju tal-membri u għandu jieħu kont dovut tal-profili ta' riskju tal-mudelli varji ta' negozju. Dawk il-metodi jistgħu ukoll jieħdu kont tan-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ u l-indikaturi tar-riskju, bħall-adegwatezza tal-kapital, il-kwalità u l-likwidità tal-assi.

Kull metodu għandu jiġi approvat mill-awtorità kompetenti b'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura. L-ABE għandha tiġi infurmata dwar il-metodi approvati.

3. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' din id-Direttiva, l-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex jiġi speċifikati l-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-SGD f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

B'mod partikolari, hija għandha tinkludi formula ta' kalkolu, indikaturi speċifiċi, klassijiet tar-riskju għall-membri, limiti għal piżijiet tar-riskju assenjati lil klassijiet tar-riskju speċifiċi, u element oħra meħtieġa.

Sat-3 ta' Lulju 2017 u tal-anqas kull ħames snin wara dan, l-ABE għandha twettaq reviżjoni tal-linji gwida dwar metodi bbażati fuq ir-riskju jew metodi alternattivi tar-riskju proprju applikati mill-SGD.

*Artikolu 14*

**Kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni**

1. L-SGD għandhom ikopru lid-depożitanti fil-fergħat stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma membri tagħhom fl-Istati Membri l-oħra.

2. Depożitanti f'fergħat stabbiliti minn istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stati Membri oħra għandhom jitħallsu lura minn SGD fl-Istat Membru ospitanti f'isem l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti fl-Istat Membru tad-domiċilju. L-SGD tal-Istat Membru ospitanti għandha tagħmel il-ħlasijiet lura f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-SGD tal-Istat Membru tad-domiċilju. L-SGD tal-Istat Membru ospitanti ma għandha ġġorr l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' atti magħmula f'konformità mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-SGD tal-Istat Membru tad-domiċilju. L-SGD tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tipprovdi l-finanzjament meħtieġ qabel l-iżborż u għandha tikkumpensal-SGD tal-Istat Membru ospitanti għall-ispejjeż kollha li jkunu ġġarrbu.

L-SGD tal-Istat Membru ospitanti għandha wkoll tinforma lid-depożitanti konċernati f'isem l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti tal-Istat Membru tad-domiċilju u għandha tkun intitolata tirċievi korrispondenza mingħand dawn id-depożitanti f'isem l-SGD tal-Istat Membru tad-domiċilju.

3. Jekk istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax membru ta' SGD u tissieħeb fi SGD oħra, il-kontribuzzjonijiet li jkunu tħallsu matul it-tnax-il xahar li ppreċedew it-tmiem tas-sħubija, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji konformi mal-Artikolu 10(8), għandhom jiġu ttrasferiti lill-Iskemi ta' SGD l-oħra. Dan ma għandux japplika jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet eskluża minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont l-Artikolu 4(5).

Jekk x'uħud mill-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu jiġu trasferiti għal Stat Membru ieħor u għalhekk jiġu soġġetti għal SGD oħra, il-kontribuzzjonijiet ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu mħallsa matul it-12-il xahar li jippreċedew it-trasferiment, bl-eċċezzjoni tal-kontribuzzjonijiet straordinarji f'konformità mal-Artikolu 10(8), għandhom jiġu ttrasferiti lill-SGD l-oħra għall-ammont ta' depożiti koperti trasferiti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-SGD tal-Istat Membru tad-domiċilju jiskambjaw l-informazzjoni msemmija taħt l-Artikolu 4(7) jew 4(8) u (10) ma' dawk fl-Istati Membri ospitanti. Għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu.

Jekk istituzzjoniji ta' kreditu jkollha l-intenzjoni li tittrasferixxi minn SGD għal oħra f'konformità ma' din id-Direttiva, għandha tagħti notifika ta' mill-anqas sitt xhur mill-intenzjoni tagħha li tagħmel dan. Matul dak il-perijodu, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tibqa' taħt l-obbligu li tikkontribwixxi għall-SGD oriġinali tagħha f'konformità mal-Artikolu 10 kemm f'termini ta' finanzjament ex-ante kif ukoll ex-post.

5. Sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni effikaċi bejn l-SGD, partikolarment fir-rigward ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 12, l-SGD, jew, fejn xieraq, l-awtoritajiet maħtura, għandhom ikollhom fis-seħħ ftehimiet bil-miktub ta' kooperazzjoni. Tali ftehimiet għandhom jieħdu kont tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(9).

L-awtorità maħtura għandha tinnotifika lill-ABE bl-eżistenza u l-kontenut ta' tali ftehimiet u l-ABE tista' tagħti opinjonijietf'konformità mal- Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Jekk l-awtoritajiet maħtura jew l-SGD ma jistgħux jaslu għal ftehim jew jekk ikun hemm tilwima dwar l-interpretazzjoni ta' ftehim, kwalunkwe parti tista' tirriferi l-kwistjoni lill-ABE u f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-ABE għandha taġixxi f'konformità ma' dak l-Artikolu.

In-nuqqas ta' tali ftehimiet ma għandux jaffettwa l-pretensjonijiet ta' depożitanti taħt l-Artikolu 9(1) jew tal-istituzzjonijiet ta' kreditu taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċeduri adegwati jkunu fis-seħħ biex l-SGD jkunu jistgħu jikkondividu l-informazzjoni u jikkomunikaw b'mod effikaċi ma' SGD oħra, l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati u l-awtoritajiet kompetenti u maħtura fi ħdan il-ġurisdizzjonijiet tagħhom stess u ma' aġenziji oħra fuq bażi transkonfinali, fejn ikun xieraq.

7. L-ABE u l-awtoritajiet kompetenti u maħtura għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jużaw is-setgħat tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ABE dwar l-identità' tal-awtorità maħtura sat-3 ta' Lulju 2015.

8. L-ABE għandha tikkoopera mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar analiżi dwar tar-riskju sistemiku fir-rigward ta' SGD.

*Artikolu 15*

**Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'pajjiż terzi**

1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-fergħat stabbiliti fit-territorju tagħhom minn istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha barra mill-Unjoni jkollhom protezzjoni ekwivalenti għal dik prevista f'din id-Direttiva.

Jekk il-protezzjoni ma tkunx ekwivalenti, l-Istati Membri jistgħu, soġġett għall-Artikolu 47(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, jistipulaw li l-fergħat stabbiliti minn istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha barra mill-Unjoni għandhom jissieħbu ma' SGD li tkun qed topera fit-territorji tagħhom.

Meta jagħmlu l-verifika prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom tal-anqas jivverifikaw li d-depożitanti jibbenefikaw mill-istess livell ta' kopertura u ambitu ta' protezzjoni kif previst f'din id-Direttiva.

([1]) Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

2. Kull fergħa stabbilita minn istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha barra mill-Unjoni u li ma tkunx membru ta' SGD li tkun qed topera fi Stat Membru għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-arranġamenti ta' garanzija għad-depożiti ta' depożitanti attwali u dawk li jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu depożitu f'dik il-fergħa.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun disponibbli fil-lingwa li ġiet miftiehma mid-depożitant u l-istituzzjoni ta' kreditu meta nfetaħ il-kont jewfil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita fergħa fil-mod preskritt mill-liġi nazzjonali u għandha tkun ċara u li tinftiehem.

*Artikolu 16*

**Informazzjoni lid-depożitanti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jagħmlu disponibbli lid-depożitanti attwali u lil dawk li jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu depożitu, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazjoni tal-SGD li tagħha l-istituzzjoni jew il-fergħat huma membri fl-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jgħarrfu lid-depożitanti attwali u lil dawk li jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu depożitu bl-esklużjonijiet applikabbli mill-protezzjoni ta-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti.

2. Qabel ma jidħlu f'kuntratt dwar it-teħid ta' depożiti, id-depożitanti għandhom jiġu jingħataw l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1. Huma għandhom jirrikonoxxu li rċevew dik l-informazzjoni. Il-formula standard stipulata fl-Anness III għandha tintuża għal dak il-għan.

3. Il-konferma li l-depożiti huma depożiti eliġibbli għandha tingħata lid-depożitanti fir-rendikonti tagħhom tal-kont u jinkludu referenza għall-karta ta' informazzjoni stipulata fl-Anness III. Is-sit tal-Internet tal-SGD rilevanti għandha tiġi indikata fuq il-karta ta' informazzjoni. Il-karta ta' informazzjoni stipulata fl-Anness III għandha tingħata lid-depożitant tal-anqas darba fis-sena.

Is-sit tal-Internet tal-SGD għandu jkollu l-informazzjoni meħtieġa għad-depożitanti, b'mod partikolari l-informazzjoni li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet dwar il-proċess u l-kondizzjonijiet tal-garanziji tad-depożiti kif previsti f'din id-Direttiva.

4. L-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli fil-mod preskritt mill-liġi nazzjonali fil-lingwa li ġiet miftiehma mid-depożitant u l-istituzzjoni ta' kreditu meta nfetaħ il-kont jewfil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-fergħa.

5. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-użu fir-reklamar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal referenza fattwali għall-SGD li tiggarantixxi l-prodott li jirriferi għalih ir-reklam u għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa mil-liġi nazzjonali.

Tali informazzjoni tista' testendi għad-deskrizzjoni fattwali tal-funzjonament tal-SGD iżda ma għandiex tinkludi referenza għal kopertura illimitata ta' depożiti.

6. F'każ ta' fużjoni, il-konverżjoni ta' sussidjarji f'fergħat jew operazzjonijiet simili, id-depożitanti għandhom jiġu infurmati tal-anqas xahar qabel ma l-operazzjoni jkollha effett legali sakemm l-awtorità kompetenti ma tippermettix data ta' skadenza iqsar għal raġunijiet ta' segretezza kummerċjali jew stabbiltà finanzjarja.

Id-depożitanti għandhom jingħataw perijodu ta' tliet xhur wara n-notifika tal-fużjoni jew konverżjoni jew operazzjoni simili sabiex jiġbdu jew jittrasferixxu f'istituzzjoni ta' kreditu ieħor, mingħajr ma jġarrbu kwalunkwe penalità, id-depożiti eliġibbli tagħhom inklużi l-imgħax u l-benefiċċji kollha akkumulati, sa fejn jaqbżu l-livell ta' kopertura fl-Artikolu 6 fil-mument tal-operazzjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk istituzzjoni ta' kreditu tirtira, jew tiġi eskluża minn SGD, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tinforma lid-depożitanti fi żmien xahar minn tali irtirar jew esklużjoni.

8. Jekk depożitant juża l-Internet banking, l-informazzjoni li tkun meħtieġ li tiġi divulgata minn din id-Direttiva tista' tiġi kkomunikata b'mezz elettroniku. Fejn id-depożitant jitlob hekk, din għandha tiġi kkomunikata bil-miktub.

*Artikolu 17*

**Lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jinnotifikaw lill-ABE dwar l-awtorizzazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw ta' liema DGS kull istituzzjoni ta' kreditu hija membru.

2. Meta jkunu qed jippubblikaw u jaġġornaw il-lista ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-ABE għandha tindika ta' liema DGS kull istituzzjoni ta' kreditu hija membru.

*Artikolu 18*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(7) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 6(7) tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fit-tmiem id-delega tas-setgħa speċifikat f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tagħti notifika dwaru fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew lanqas mill-Kunsill f'perijodu ta' żmien ta' tliet xhur min-notifika dwar dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 19*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Fejn ċerti depożiti jew kategoriji ta' depożiti jew strumenti oħra ma jibqgħux jiġu koperti għal kollox jew parzjalment mill-SGD wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva jew id-Direttiva 2009/14/KE fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali depożiti u strumenti oħra li għandhom data ta' maturità inizjali jiġu koperti sad-data ta' maturità inizjali tagħhom jekk ikunu tħallsu jew ħarġu qabel it-2 ta' Lulju 2014.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitanti jiġu infurmati dwar id-depożiti u l-kategoriji ta' depożiti jew strumenti oħra li mhux ser jibqgħu koperti minn SGD mit-3 ta' Lulju 2015.

3. Sa meta l-livell ta' mira jintlaħaq għall-ewwel darba, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-limiti fl-Artikolu 11(4fir-rigward tal-mezzi finanzjarji disponibbli.

4. B'deroga mill-Artikolu 6(1), l-Istati Membri li, fl-1 ta' Jannar 2008, kienu jipprevedu għal-livell ta' kopertura bejn EUR 100 000 u EUR 300 000, jistgħu japplikaw mill-ġdid dak il-livell ta' kopertura għola sal-31 ta' Diċembru 2018. F'dak il-każ, il-livell ta' mira u l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

5. Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, u, jekk xieraq, proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li tistabbilixxi, kif l-SGD li joperaw fl-Unjoni jistgħu jikkooperaw permezz ta' skema Ewropea biex jevitaw riskji li jirriżultaw minn attivitajiet transkonfinali u jipproteġu d-depożiti minn tali riskji.

6. Sat-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni, appoġġata mill-ABE, għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari jindirizza:

(a) il-livell ta' mira abbażi tad-depożiti koperti, b'valutazzjoni tal-adegwatezza tal-perċentwal iffissat, b'kont meħud tal-falliment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni fil-passat;

(b) l-impatt ta' miżuri alternattivi użati f'konformità mal-Artikolu 11(3) dwar il-protezzjoni tad-depożitanti u l-konsistenza mal-proċeduri ta' stralċ ordinati fis-settur bankarju

(c) l-impatt fuq id-diversità tal-mudelli bankarji;

(d) l-adegwatezza tal-livell ta' kopertura attwali għad-depożitanti; u

(e) jekk il-kwistjonijiet imsemmija f'dan is- subparagrafu ġewx trattati b' mod li tiġi mħarsal-protezzjoni tad-depożitanti.

Sat-3 ta' Lulju 2019, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar mudelli ta' kalkolu u r-rilevanza tagħhom għar-riskju kummerċjali tal-membri. Meta tirrapporta, l-ABE għandha tieħu kont dovut tal-profili ta' riskju tal-mudelli varji ta' negozju.

*Artikolu 20*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-Artikoli 1sa 4, punti (d) u (k) tal-Artikolu 5(1), Artikolu 5 (2), Artikolu 5(3) u Artikolu 5(4) Artikolu 6(2) sa (7), Artikolu 7(4) sa (9), Artikolu 8(1), (2), (3), (4), (5), (6), (7) u (9), Artikolu 9(2) u (3), Artikoli 10 sa 16, 18 u19, u l-Anness I sat-3 ta' Lulju 2015. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikolu 8(4) sal-31 ta' Mejju 2016.

Jekk, wara eżami fil-fond, l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li SDG għadha mhix f'pożizzjoni li tikkonforma mal-Artikolu 13 sat-3 ta' Lulju 2015, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti għandhom jiddaħħlu fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Huma għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttivi mħassrin minn din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza u kif għandha tkun ifformulata dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Tħassir**

Id-Direttiva 94/19/KE, kif emendata bid-Direttiva elenkata fl-Anness II hija mħassra b'effett mill-4 ta' Lulju 2019 mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati tal-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II.

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 5(1), Artikolu 6(1), Artikolu 6(1) sa (3), Artikolu 8(8), Artikolu 9(1) u Artikolu 17 għandhom japplikaw mill-4 ta' Lulju 2015.

*Artikolu 23*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

*ANNESS I*

## FORMULA STANDARD TA’ INFORMAZZJONI TAD-DEPOŻITANTI

| Informazzjoni bażika dwar il-protezzjoni ta’ depożitu | |
|---|---|
| Depożiti minn (daħħal l-isem ta’ istituzzjoni ta’ kreditu) huma protetti minn: | [daħħal l-isem tal-SGD rilevanti] ([1]) |
| Limitu ta’ protezzjoni: | EUR 100 000 għal kull depożitant għal kull istituzzjoni ta’ kreditu ([2])<br>[issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR]<br><br>[fejn applikabbli:] It-trademarks li ġejjin huma parti mill-istituzzjoni ta’ kreditu tiegħek [daħħal it-trademarks kollha li joperaw taħt l-istess liċenzja] |
| Jekk għandek aktar depożiti fl-istess istituzzjoni ta’ kreditu: | Id-depożiti kollha tiegħek fl-istess istituzzjoni ta’ kreditu huma “aggregati” u t-total huwa soġġett għal-limitu ta’ EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR] ([2]) |
| Jekk għandek kont konġunt ma’ persuna(i) oħra: | Il-limitu ta’ EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR] japplika għal kull depożitant separatament ([3]) |
| Perijodu ta’ rimborż f’każ ta’ falliment tal-istituzzjoni ta’ kreditu: | 7 ijiem ta’ xogħol ([4])<br>[issostitwixxi bi skadenza oħra jekk applikabbli] |
| Munita ta’ rimborż: | euro [issostitwixxi b’munita oħra fejn applikabbli] |
| Kuntatt: | [daħħal id-data tal-kuntatt tal-SDG rilevanti<br>(indirizz, it-telefon, il-posta elettronika, eċċ)] |
| Aktar informazzjoni: | [daħħal is-sit tal-Internet tal-SDG rilevanti] |
| Rikonoxximent ta’ riċezzjoni mid-depożitant: | |

Informazzjoni addizzjonali (kollha jew uħud minn dawn ta hawn taħt)

([1]) Skema responsabbli mill-protezzjoni tad-depożitu tiegħek

[Fejn ikun applikabbli biss:] Id-depożitu tiegħek huwa kopert minn skema kuntrattwali rikonoxxuta bħala Skema ta’ Garanzija tad-Depożiti. Jekk iseħħ insolvenza tal-istituzzjoni ta’ kreditu tiegħek, id-depożiti tiegħek jitħallsu lura sa EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR].

[Fejn ikun applikabbli biss:] L-istituzzjoni ta’ kreditu tiegħek hija parti minn Skema ta’ Protezzjoni Istituzzjonali rikonoxxuta uffiċjalment bħala Skema ta’ Garanzija tad-Depożiti. Dan ifisser li l-istituzzjonijiet kollha li huma membri ta’ din l-iskema jappoġġaw reċiprokament lil xulxin sabiex jevitaw l-insolvenza. Jekk isseħħ insolvenza, id-depożiti tiegħek jitħallsu lura sa EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR].

[Fejn ikun applikabbli biss:] Id-depożitu tiegħek huwa kopert minn Skema ta’ Garanzija tad-Depożiti statutorja u Skema ta’ Garanzija tad-Depożiti kuntrattwali. Jekk isseħħ insolvenza tal-istituzzjoni ta’ kreditu tiegħek, id-depożiti tiegħek fi kwalunkwe każ jitħallsu lura sa EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR].

[Fejn ikun applikabbli biss:] Id-depożitu tiegħek huwa kopert minn Skema ta’ Garanzija tad-Depożitistatutorja. Barra minn hekk, l-istituzzjoni ta’ kreditu tiegħek hija parti minn Skema ta’ Protezzjoni Istituzzjonali fejn il-membri kollha jappoġġaw reċiprokament lil xulxin sabiex jevitaw l-insolvenza. Jekk iseħħ insolvenza, id-depożiti tiegħek jitħallsu lura sa EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR] mill-Skema ta’ Garanzija tad-Depożiti.

([2]) Limitu ġenerali ta’ protezzjoni

Jekk depożitu ma jkunx disponibbli minħabba li istituzzjoni ta’ kreditu ma tkunx tista’ tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha, id-depożitanti jitħallsu lura minn SSkema ta’ Garanzija tad-Depożiti. Dan il-ħlas lura jkopri sa massimu EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR] għal kull istituzzjoni ta’ kreditu. Dan ifisser li d-depożiti kollha fl-istess istituzzjoni ta’ kreditu jingħaddu flimkien sabiex jiġi determinat il-livell ta’ kopertura. Jekk, pereżempju depożitant ikollu kont tat-tfaddil b’EUR 90 000 u kont kurrenti b’EUR 20 000, hu jew hi titħallas lura biss EUR 100 000.

[Fejn ikun applikabbli biss:] Dan il-metodu ser jiġi applikat ukoll jekk istituzzjoni ta’ kreditu topera taħt trademarks differenti. Il-[daħħal l-isem tal-istituzzjoni ta’ kreditu fejn hemm il-kont] tinnegozja wkoll bħala [daħħal it-trademarks kollha l-oħra tal-istess istituzzjoni ta’ kreditu]. Dan ifisser li d-depożiti kollha ma’ wieħed jew aktar minn dawn it-trademarks flimkien huma koperti sa total ta’ EUR 100 000.

(3) Limitu ta' protezzjoni għal kontijiet konġunti

Fil-każ ta' kontijiet konġunti, il-limitu ta' EUR 100 000 japplika għal kull depożitant.

[Fejn ikun applikabbli biss:] Madankollu, depożiti f'kont li għalih żewġ persuni jew aktar ikunu intitolati bħala membri ta' sħubija ta' negozju, assoċjazzjoni jew gruppi ta' natura simili, mingħajr personalità legali, jiġu aggregati u ttrattati bħallikieku ġew magħmula minn depożitant wieħed għall-fini tal-kalkolu tal-limitu ta' EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR].

F'xi każijiet [daħħal każijiet definiti fil-liġi nazzjonali] id-depożiti huma protetti 'l fuq minn EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR]. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb taħt [daħħal is-sit tal-Internet tal-SDG rilevanti].

(4) Ħlas lura [għandu jiġi adattat]

L-Skema ta' Garanzija tad-Depożitiresponsabbli hija [daħħal l-isem u l-indirizz, it-telefon, il-posta elettronika u s-sit tal-Internet]. Hija ser tħallas lura d-depożiti tiegħek (sa EUR 100 000 [issostitwixxi bl-ammont adegwat jekk il-munita mhix EUR]) fi żmien [daħħal il-perijodu ta' ħlas lura kif mitlub mil-liġi nazzjonali] mhux aktar tard, minn [31 ta' Diċembru 2023] fi żmien [7 ijiem ta' xogħol].

[Żid l-informazzjoni dwar ir-rimborż ta' emerġenza/interim jekk l-ammont(i) ta' ħlas lura ma jkunux disponibbli fi żmien 7 jiem ta' xogħol.]

Jekk tkun għadek ma tħallastx lura fi żmien dawn l-iskadenzi, għandek tikkuntattja lill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti peress li ż-żmien biex tippreżenta pretensjoni għal rimborż jista' jingħalaq wara ċertu limitu ta' żmien. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn [daħħal il-websajt tal-SDG responsabbli].

Informazzjoni importanti oħra

B'mod ġenerali, id-depożitanti kollha f'livell ta' konsumatur u n-negozji kollha huma koperti mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti. Eċċezzjonijiet għal ċerti depożiti jinsabu mniżżla fis-sit tal-Internet tal-Iskema ta' Garanzija tad-Depożitiresponsabbli. Fuq talba, l-istituzzjoni tal-kreditu tiegħek ser tinfurmak ukoll jekk ċerti prodotti humiex koperti jew le. Jekk id-depożiti huma koperti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha wkoll tikkonferma dan fid-dikjarazzjoni tal-kont.

*ANNESS II*

PARTI A

**Id-Direttiva mħassra, flimkien mal-emendi suċċessivi tagħha (imsemmija fl-Artikolu 21)**

Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti

Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u taż-żmien għar-rimborż

PARTI B

**Skadenzi għat-traspożizzjoni (imsemmija fl-Artikolu 21)**

| Direttiva | Skadenza għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 94/19/KE | 1.7.1995 |
| 2009/14/KE | 30.6.2009 |
| 2009/14/KE (it-tieni paragrafu tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1, l-Artikolu 7(1a) u (3) u l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19/KE kif emendata mid-Direttiva 2009/14/KE) | 31.12.2010 |

*ANNESS III*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Id-Direttiva 94/19/KE | Id-Direttiva 2009/14/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|---|
| — | — | *Artikolu 1* |
| | | Artikolu 2(1)(1) |
| Artikolu 1(1) | | Artikolu 2(1)(3) |
| | | Artikolu 2(1)(4) |
| Artikolu 1(2) | | Artikolu 2(1)(7) |
| Artikolu 1(3) | Artikolu 1(1) | Artikolu 2(1)(8) |
| Artikolu 1(4) | | Artikolu 2(1)(9) |
| Artikolu 1(5) | | Artikolu 2(1)(10) |
| | | Artikolu 2(11) sa (18) |
| | | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 1(1) | | Artikolu 2(3) |
| | | Artikolu 2(4) |
| | | *Artikolu 3* |
| Artikolu 3(1) | | Artikolu 4(1) |
| | | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 3(1) | | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 3(2) | | Artikolu 4(4) |
| Artikolu 3(3) | | Artikolu 4(5) u (6) |
| | | Artikolu 4(9) |
| | | Artikolu 4(10) u (11) |
| *Artikolu 2* | | Artikolu 5(1)(a), (b) u (c) |
| Artikolu 7(2), Anness I(1) | | Artikolu 5(1)(d) |
| | | Artikolu 5(1)(e) |
| Artikolu 7(2), Anness I(10) | | Artikolu 5(1)(f) |
| Artikolu 7(2), Anness I(2) | | Artikolu 5(1)(g) |
| Artikolu 7(2), Anness I(5) | | Artikolu 5(1)(h) |
| Artikolu 7(2), Anness I(6) | | Artikolu 5(1)(i) |
| Artikolu 7(2), Anness I(3), (4) | | Artikolu 5(1)(j) |
| Artikolu 7(2), Anness I(12) | | Artikolu 5(1)(k) |

| Id-Direttiva 94/19/KE | Id-Direttiva 2009/14/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|---|
| Artikolu 7(1) | Artikolu 1(3)(a) | Artikolu 6(1) |
| | | Artikolu 6(2) u (3) |
| | | Artikolu 6(4) |
| | Article 1(3)(a) | Artikolu 6(5) |
| Artikolu 7(5) | | Artikolu 6(6) |
| | Artikolu 1(3)(d) | Artikolu 6(7) |
| *Artikolu 8* | | Artikolu 7(1),(2) u (3) |
| | | Artikolu 7(4) sa (9) |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 1(6)(a) | Artikolu 8(1) |
| | | Artikolu 8(2) sa (6) |
| Artikolu 10(4) | | Artikolu 8(7) |
| Artikolu 10(5) | | Artikolu 8(8) |
| | | Artikolu 8(9) |
| Artikolu 7(6) | | Artikolu 9(1) |
| *Artikolu 11* | | Artikolu 9(2) |
| | | Artikolu 9(3) |
| | | Artikoli 10-13 |
| Artikolu 4(1) | | Artikolu 14(1) |
| | | Artikolu 14(2) sa (8) |
| *Artikolu 6* | | *Artikolu 15* |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 1(5) | Artikolu 16(1), (2) u (3) |
| Artikolu 9(2) | | Artikolu 16(4) |
| | | Artikolu 16(5) |
| *Artikolu 13* | | *Artikolu 17* |
| | Artikolu 1(4) | *Artikolu 18* |

# DIRETTIVA 2014/57/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' April 2014

## dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Suq finanzjarju integrat u effiċjenti u fiduċja akbar tal-investituri jeħtieġu integrità tas-suq. Il-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli u l-fiduċja tal-pubbliku fis-swieq huma prerekwiżiti għat-tkabbir u l-ġid ekonomiku. L-abbuż tas-suq jagħmel ħsara lill-integrità tas-swieq finanzjarji u l-fiduċja tal-pubbliku fit-titoli, id-derivattivi u l-parametri ta' referenza.

(2) Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ikkompletat u aġġornat il-qafas legali tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-integrità tas-suq. Din esiġiet ukoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jikxfu u jinvestigaw abbuż tas-suq. Mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali, id-Direttiva 2003/6/KE esiġiet ukoll li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu jistgħu jittieħdu miżuri amministrattivi xierqa jew li jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi kontra l-persuni responsabbli għal ksur tar-regoli nazzjonali li jimplimentaw dik id-Direttiva.

(3) Ir-rapport tal-25 ta' Frar 2009 mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sorveljanza Finanzjarja fl-UE, ippresedut minn Jacques de Larosière (il-'Grupp de Larosière'), irrakkomanda li tmexxija prudenzjali tajba tal-qafas tan-negozju għas-settur finanzjarju trid tkun ibbażata fuq sistemi b'saħħithom ta' sorveljanza u sanzjonar. Għal dak il-għan, il-Grupp de Larosière ħass li l-awtoritajiet superviżorji jrid ikollhom setgħat suffiċjenti sabiex jaġixxu u li għandu jkun hemm ukoll sanzjonijiet ugwali, b'saħħithom u ta' deterrent kontra r-reati kollha finanzjarji, sanzjonijiet li għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv sabiex tiġi preservata l-integrità tas-suq. Il-Grupp de Larosière kkonkluda li s-sistemi tas-sanzjonar tal-Istati Membri huma b'mod ġenerali dgħajfa u eteroġenji.

([1]) ĠU C 161, 7.6.2012, p. 3.
([2]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 64.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippublikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014.
([4]) Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar *insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16).

(4) Qafas leġislattiv li jiffunzjona sewwa fir-rigward tal-abbuż tas-suq jeħtieġ infurzar effettiv. Evalwazzjoni tas-sistemi nazzjonali għas-sanzjonijiet amministrattivi skont id-Direttiva 2003/6/KE wriet li mhux l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kollha kellhom sett sħiħ ta' setgħat għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jiżguraw li jistgħu jirrispondu għall-abbużi tas-suq bis-sanzjoni xierqa. B'mod partikolari, mhux l-Istati Membri kollha kienu pprevedew sanzjonijiet pekunarji għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata u għall-manipulazzjoni tas-suq, u l-livell tas-sanzjonijiet kien ivarja b'mod estensiv bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, jinħtieġ att leġislattiv ġdid sabiex jiġu żgurati regoli minimi komuni madwar l-Unjoni.

(5) L-adozzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi mill-Istati Membri, irriżultat sal-lum, bħala insuffiċjenti sabiex tkun żgurata l-konformità mar-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq.

(6) Huwa essenzjali li l-konformità mar-regoli dwar l-abbuż tas-suq tiġi msaħħa permezz tad-disponibbiltà ta' sanzjonijiet kriminali li juru forma aktar b'saħħitha ta' diżapprovazzjoni soċjali meta mqabbla ma' penali amministrattivi. L-istabbiliment ta' reati kriminali għall-inqas għal forom serji ta' abbuż tas-suq jistabbilixxi limiti ċari għat-tipi ta' mġiba li hija meqjusa bħala partikolarment inaċċettabbli u jibgħat messaġġ lill-pubbliku u li trasgressuri potenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu din l-imġieba bis-serjetà ħafna.

(7) Mhux l-Istati Membri kollha pprovdew għal sanzjonijiet kriminali għal xi forom ta' ksur serju tal-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE. Approċċi differenti mill-Istati Membri jimminaw l-uniformità tal-kundizzjonijiet tal-operat fis-suq intern u jistgħu jipprovdu inċentiv għall-persuni biex iwettqu abbuż tas-suq fi Stati Membri li ma jipprovdux għal sanzjonijiet kriminali għal dawn ir-reati. Barra minn hekk, ma kien hemm, sal-lum, l-ebda fehim madwar l-Unjoni kollha tal-imġieba li hija kkunsidrata li tikkostitwixxi ksur serju tar-regoli dwar l-abbuż tas-suq. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti regoli minimi fir-rigward tat-tifsira ta' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi, ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi u s-sanzjonijiet rilevanti. Regoli minimi komuni għandhom ukoll jagħmluha possibbli li jintużaw metodi aktar effettivi ta' investigazzjoni u kooperazzjoni aktar effettiva fi ħdan u bejn l-Istati Membri. Fid-dawl ta' dak li seħħ wara l-kriżi finanzjarja, hu evidenti li l-manipolazzjoni tas-suq għandha potenzjal għal ħsara mifruxa fuq ħajjet miljuni ta' nies. L-iskandlu Libor, li kien jikkonċerna każ serju ta' manipulazzjoni ta' parametru ta' referenza, wera li l-problemi rilevanti u l-lakuni għandhom impatt serju fuq il-fiduċja tas-suq u jistgħu jirriżultaw f'telf sinifikanti għall-investituri u f'distorsjonijiet tal-ekonomija reali. In-nuqqas ta' reġimi komuni ta' sanzjonijiet kriminali fl-Unjoni kollha joħloq opportunitajiet għall-awturi ta' abbuż fis-suq biex dawn jieħdu vantaġġ minn reġimi anqas stretti f'xi Stati Membri. L-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali għal-abbuż tas-suq se jkollha effett deterrenti miżjud fuq perpetraturi potenzjali.

(8) L-introduzzjoni mill-Istati Membri kollha ta' sanzjonijiet kriminali għall-inqas għal reati serji ta' abbuż tas-suq, għalhekk hija essenzjali sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq.

(9) Sabiex il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkun allinjat ma' dak tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), in-negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwisti u n-negozjar ta' titoli jew strumenti assoċjati għall-istabilizzazzjoni ta' titoli; tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba segwitu tal-politika monetarja, ta' rata tal-kambju jew ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku; attivitajiet li jikkonċernaw il-kwoti ta' emissjonijiet sabiex titwettaq il-politika tal-Unjoni dwar il-klima; u attivitajiet imwettqa b'segwitu għall-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni, għandhom ikunu eżentati minn din id-Direttiva.

(10) L-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jipprevedu li għall-inqas każijiet serji ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata, manipulazzjoni tas-suq u l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata li jikkostitwixxu reati kriminali meta jitwettqu b'mod intenzjonali.

(11) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata għandhom jitqiesu serji f'każijiet bħal dawk meta l-impatt fuq l-integrità tas-suq, il-profitt reali jew potenzjali li jkun sar jew it-telf li jkun ġie evitat, il-livell ta' ħsara kkawżata lis-suq, jew il-valur ġenerali tal-istrumenti finanzjarji nnegozjati jkun kbir. Ċirkostanzi oħra li jistgħu jitqiesu huma, pereżempju, fejn reat ikun sar fi ħdan il-qafas ta' organizzazzjoni kriminali jew fejn is-suspettat jew il-konvenut huwa reċidiv.

([1]) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(12) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-manipulazzjoni tas-suq għandha titqies serja f'każijiet bħal dawk li fihom l-impatt fuq l-integrità tas-suq; il-profitt reali jew potenzjali li jkun sar jew it-telf li jkun ġie evitat, il-livell ta' ħsara kkawżata lis-suq, il-livell tal-bidla tal-valur tal-istrument finanzjarju jew il-kuntratt spot tal-komoditajiet jew l-ammont ta' fondi oriġinarjament użat ikun kbir jew fejn il-manipulazzjoni titwettaq minn persuna impjegata jew li taħdem fis-settur finanzjarju jew f'awtorità superviżorja jew regolatorja.

(13) Minħabba l-effetti avversi ta' tentattiv ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u t-tentattiv ta' manipulazzjoni tas-suq fuq l-integrità tas-swieq finanzjarji u fuq il-fiduċja tal-investituri f'dawk is-swieq, dawk il-forom ta' mġiba għandhom ikunu punibbli wkoll bħala reat kriminali.

(14) Din id-Direttiva għandha tobbliga lill-Istati Membri biex, fil-liġi nazzjonali tagħhom jipprevedu pieni kriminali fir-rigward ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata, manipulazzjoni tas-suq u żvelar mhux xieraq ta' informazzjoni privileġġata li għalihom tapplika din id-Direttiva. Din id-Direttiva ma għandhiex toħloq obbligi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' tali pieni jew ta' kwalunkwe sistema oħra disponibbli tal-infurzar tal-liġi, għal każijiet individwali.

(15) Din id-Direttiva għandha tesiġi wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità sabiex jitwettqu r-reati kriminali jkunu wkoll punibbli.

(16) Sabiex is-sanzjonijiet għar-reati msemmija f'din id-Direttiva jkunu effettivi u dissważivi, f'din id-Direttiva għandu jiġi stabbilit livell minimu għaż-żmien massimu ta' priġunerija.

(17) Din id-Direttiva għandha tiġi applikata billi jitqies il-qafas legali stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

(18) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-politika Ewropea għall-iżgurar tal-integrità tas-swieq finanzjarji stipulata fir-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-Istati Membri għandhom jestendu r-responsabbiltà għar-reati previsti f'din id-Direttiva għal persuni ġuridiċi, permezz tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali jew mhux kriminali jew miżuri oħra li huma effettivi, proporzjonati u diżważivi, pereżempju dawk previsti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014. Tali sanzjonijiet jew miżuri oħra jistgħu jinkludu wkoll il-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni finali dwar sanzjoni, inkluża l-identità tal-persuna ġuridika responsabbli, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet fundamentali, il-prinċipju ta' proporzjonalità u r-riskji għall-istabilità tas-swieq finanazjarji u l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun xieraq u meta l-liġi nazzjonali tipprevedi responsabbiltà kriminali għall-persuni ġuridiċi, jestendu tali responsabbiltà kriminali, b'konformità mal-liġi nazzjonali, għar-reati previsti f'din id-Direttiva. Din id-Direttiva m'għandhiex twaqqaf lill-Istati Membri milli jippubblikaw deċiżjonijiet finali dwar responsabbiltà jew sanzjonijiet.

(19) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati previsti f'din id-Direttiva jkollhom il-kapaċità li jużaw għodda investigattivi effettivi. B'kont meħud, inter alia, tal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-użu ta' għodod bħal dawn b'konformità mal-liġi nazzjonali għandu jkun proporzjonat man-natura u l-gravità tar-reati taħt investigazzjoni.

(20) Billi din id-Direttiva tipprovdi għal regoli minimi, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu regoli aktar strinġenti tal-liġi kriminali għall-abbuż tas-suq.

(21) L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jipprevedu li l-manipulazzjoni tas-suq li sseħħ bi traskuraġni jew b'negliġenza serja tikkostitwixxi reat kriminali.

(22) L-obbligi li f'din id-Direttiva li jiġu previsti pieni fuq persuni fiżiċi u sanzjonijiet fuq persuni ġuridiċi fil-liġi nazzjonali tagħhom ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu fil-liġi nazzjonali għal sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra għall-ksur previst fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 ħlief jekk l-Istati Membri jkunu ddeċidew, b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014, li jipprevedi biss sanzjonijiet kriminali għal tali ksur fil-liġi nazzjonali tagħhom.

(23) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva huwa determinat b'tali mod li jikkomplementa u jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Billi r-reati għandhom ikunu punibbli skont din id-Direttiva meta jitwettqu b'intenzjoni u għall-inqas f'każijiet serji, is-sanzjonijiet għall-ksur tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ma jirrikjedux li l-intenzjoni tiġi ppruvata jew li jiġu kkwalifikati bħala serji. Fl-applikazzjoni tal- liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali abbażi tar-reati previsti minn din id-Direttiva u tas-sanzjonijiet amministrattivi b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014 ma twassalx għal ksur tal-prinċipju ta' ne bis in idem.

(24) Mingħajr ħsara għar-regoli ġenerali tal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-applikazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi b'konformità maċ-ċirkostanzi konkreti f'kull każ individwali, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għandha tkun proporzjonali u tieħu kont tal-profitti magħmula jew it-telf evitat minn persuni miżmuma responabbli, kif ukoll id-dannu li jirriżulta mir-reat għal persuni oħra u, fejn applikabbli, id-dannu għall-funzjonament tas-swieq jew l-ekonomija b'mod ġenerali.

(25) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura d-disponibilità ta' sanzjonijiet kriminali għall-inqas għal abbużi serji tas-suq madwar l-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjaretà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropa (TUE). Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dik id-Direttiva, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(26) Iż-żieda ta' attivitajiet transkonfinali tirrikjedi kooperazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż tas-suq. L-organizzazzjoni u l-kompetenza ta' dawk l-awtoritajiet nazzjonanli fl-Istati Membri differenti m'għandhomx ixekklu l-kooperazzjoni tagħhom.

(27) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) kif stabbiliti fit-TFUE. B'mod speċifiku, hija għandha tiġi applikata bir-rispett dovut għad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (Artikolu 8), il-libertà tal-espressjoni u informazzjoni (Artikolu 11), il-libertà tal-intrapriża (Artikolu 16), id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (Artikolu 47), il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża (Artikolu 48), il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni (Artikolu 49) u d-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat (Artikolu 50).

(28) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Isttai Membri għandhom jiżguraw id-drittijiet proċedurali tal-persuni ssusspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali. L-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva huma mingħajr ħsara għall-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni dwar drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali. Xejn f'din id-Direttiva ma huwa maħsub biex jirrestrinġi l-libertà tal-istampa jew il-libertà tal-espressjoni fil-mezzi tal-informazzjoni peress li dawn huma garantiti fl-Unjoni u fl-Istati Membri, b'mod partikolari skont l-Artikolu 11 tal-Karta u dispożizzjonijiet rilevanti oħra. Dan għandu jiġi enfasizzat b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvelar ta' informazzjoni privileġġata skont id-dispożizzjonijiet dwar tali żvelar f'din id-Direttiva.

(29) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja, anness għat-TUE u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Renju Unit mhux ser jipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u għalhekk mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(30) F'konformita mal-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u għat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(31) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhix tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u għalhekk mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(32) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta opinjoni fl-10 ta' Frar 2012 ([1]),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi għal sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata, għal żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u għal manipulazzjoni tas-suq biex tiżgura l-integrità tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni u ttejjeb il-protezzjoni tal-investituri u l-fiduċja f'dawk is-swieq.

2. Din id-Direttiva tapplika għal dan li ġej:

(a) l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew li għalihom tkun saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat;

(b) l-istrumenti finanzjarji nnegozjati fuq faċilità multilaterali tan-negozjar (MTF),ammessi għan-negozjar fuq MTF jew li għalihom tkun saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar fuq MTF;

(c) l-istrumenti finanzjarji nnegozjati fuq faċilità organizzata tan-negozjar (OTF);

(d) l-istrumenti finanzjarji mhux koperti mill-punti (a), (b) jew (c), li l-prezz jew il-valur tagħhom jiddependi minn jew għandu effett fuq il-prezz jew il-valur ta' strument finanzjarju msemmi f'dawk il-punti, inklużi, iżda mhux biss, swaps ta' inadempjenza tal-kreditu jew kuntratti għad-differenzi.

Din id-Direttiva tapplika wkoll għal imġiba jew tranżazzjonijiet, inklużi offerti, relatati mal-irkantar fuq pjattaforma tal-irkant awtorizzata bħala suq irregolat ta' kwoti ta' emissjonijiet jew prodotti oħra rkantati bbażati fuqhom, inkluż meta l-prodotti rkantati mhumiex strumenti finanzjarji, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 ([2]). Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika li tirreferi għal offerti ppreżentati fil-kuntest ta' rkant, kwalunkwe dispożizzjoni f'din id-Direttiva li tirreferi għal ordnijiet għan-negozjar għandhom japplikaw għal offerti bħal dawn.

3. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) negozjar f'ishma proprji fi programmi ta' riakkwist, meta tali negozjar jitwettaq b'konformità mal-Artikoli 5(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(b) negozjar f'titoli jew strumenti assoċjati kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għall-istabbilizzazzjoni ta' titoli, meta tali negozjar jitwettaq b'konformità mal-Artikoli 5(4) u (5) ta' dak ir-Regolament;

(c) tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba mwettqa b'segwitu għal politika monetarja, ta' rata tal-kambju jew ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku b'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, tranżazzjonijiet, ordnijiet jew imġiba mwettqa b'konformità mal-Artikolu 6(2) tiegħu, attivitajiet imwettqa b'segwitu għall-politika tal-Unjoni dwar il-klima b'konformità mal-Artikolu 6(3) tiegħu, jew attivitajiet imwettqa b'segwitu għall-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni jew il-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni, b'konformità mal-Artikolu 6(4) tiegħu;

4. L-Artikolu 5 għandu japplika wkoll għal:

(a) kuntratti spot dwar il-komoditajiet, li mhumiex prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, fejn it-tranżazzjoni, l-ordni jew l-imġiba jkollha effett fuq il-prezz jew il-valur ta' strument finanzjarju msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

([1]) ĠU C 177, 20.6.2012, p. 1.

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità, (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).

(b) tipi ta' strumenti finanzjarji, inklużi kuntratti ta' derivati jew strumenti ta' derivati għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu fejn it-tranżazzjoni, l-ordni, l-offerta jew l-imġiba jkollha effett fuq il-prezz jew il-valur ta' kuntratt spot ta' komoditajiet meta l-prezz jew il-valur jiddependi fuq il-prezz jew il-valur ta' dawk l-istrumenti finanzjarji;

(c) imġiba marbuta ma' parametri ta' riferenza.

5. Din id-Direttiva tapplika għal kwalunkwe tranżazzjoni, ordni jew imġiba li tikkonċerna l-istrument finanzjarju, msemmi fil-paragrafi 2 u 4, irrispettivament minn jekk tali tranżazzjoni, ordni jew imġiba sseħħx f'post tan-negozjar.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Strument finanzjarju" tfisser kwalunkwe strument finanzjarju kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(2) "kuntratt spot dwar komoditajiet," tfisser kuntratt spot dwar komoditajiet kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(3) "programm ta' riakkwist" tfisser in-negozjar fl-ishma proprji skont l-Artikoli 21 sa 27 tad-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(4) "informazzjoni privileġġata" tfisser informazzjoni skont l-Artikolu 7(1)sa (4) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(5) "kwota tal-emissjonijiet" kwota tal-emissjonijiet kif deskritta fil-punt (11) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE;

(6) "parametru ta' referenza" tfisser parametru ta' referenza kif definit fil-punt (29) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(7) "prattika tas-suq aċċettata" tfisser prattika tas-suq speċifika li tkun aċċettata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(8) "stabbilizzazzjoni" tfisser stabbilizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 3(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014;

(9) "suq regolat" tfisser suq regolat kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(10) "faċilità multilaterali tan-negozjar" jew "MTF" tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar kif definit fil-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(11) "faċilità organizzata tan-negozjar" jew "OTF" tfisser faċilità organizzata tan-negozjar kif definit fil-punt (23) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(12) "post tan-negozjar" tfisser post tan-negozjar kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

---

([1]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar swieq fi strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2011/61/UE u d-Direttiva 2002/92/KE (Ara paġna 349 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpaniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

(13) "prodott tal-enerġija bl-ingrossa" tfisser prodott tal-enerġija bl-ingrossa kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(14) "emittent" tfisser "emittent ta' strument finanzjarju" kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

*Artikolu 3*

**Abbuż minn informazzjoni privileġġata, rakkomandazzjoni jew tħeġġiġ lil ħaddieħor biex *jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata***

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, ir-rakkomandazzjoni jew it-tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata msemmi fil-paragrafi 2 sa 8, jikkostitwixxu reati kriminali għall-inqas f'każijiet serji u meta mwettqa intenzjonalment.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata sseħħ meta persuna jkollha informazzjoni privileġġata u tuża dik l-informazzjoni billi takkwista jew tagħmel ċessjoni ta', akkont tagħha jew akkont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li magħhom tkun marbuta dik l-informazzjoni.

3. Dan l-Artikolu japplika għal kwalunkwe persuna li jkollha informazzjoni privileġġata minħabba li:

(a) tkun membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew ta' sorveljanza tal-emittent jew tkun parteċipant fis-suq tal-kwota tal-emissjonijiet;

(b) ikollha sehem fil-kapital tal-emittent jew tkun parteċipant fis-suq tal-kwota tal-emissjonijiet;

(c) ikollha aċċess għall-informazzjoni permezz tal-eżerċizzju ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet; jew

(d) tkun involuta f'attivitajiet kriminali.

Dan l-Artikolu japplika wkoll għal kwalunkwe persuna li kisbet informazzjoni privileġġata f'ċirkostanzi għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu meta dik il-persuna tkun taf li hija informazzjoni privileġġata.

4. L-użu ta' informazzjoni privileġġata billi tiġi kkanċellata jew emendata ordni rigward strument finanzjarju li l-informazzjoni tkun relatata miegħu meta dik l-ordni tkun saret qabel ma l-persuna kkonċernata kellha l-informazzjoni privileġġata, għandu jitqies ukoll bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata.

5. B'rabta mal-irkanti ta' kwoti tal-emissjonijiet jew prodotti rkantati oħra bbażati fuqhom li jinżammu skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-użu ta' informazzjoni privileġġata msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jikkonsisti wkoll fil-preżentazzjoni, il-modifika jew l-irtirar ta' offerta minn persuna għall-kont proprju tagħha jew għall-kont ta' parti terza.

6. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, rakkomandazzjoni biex persuna oħra tidħol f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, jew persważjoni fil-konfront ta' persuna oħra biex tinvolvi ruħha f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, isseħħ meta l-persuna jkollha informazzjoni privileġġata u:

(a) tirrakkomanda, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li persuna oħra takkwista jew tagħmel ċessjoni minn strumenti finanzjarji li tkun relatata magħhom dik l-informazzjoni, jew tissuġġerixxi lil dik il-persuna biex tagħmel tali akkwist jew ċessjoni; jew

(b) tirrakkomanda, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li persuna oħra tikkanċella jew temenda ordni li tikkonċerna strument finanzjarju li tkun relatata magħhom dik l-informazzjoni, jew tissuġġerixxi lil dik il-persuna biex tagħmel tali kanċellazzjoni jew emenda.

([1]) Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

7. L-użu ta' rakkomandazzjonijiet jew tħeġġiġ imsemmija fil-paragrafu 6 jammonta għal abbuż minn informazzjoni privileġġata meta l-persuna li qed tuża r-rakkomandazzjoni jew is-suġġeriment tkun taf li hija bbażata fuq informazzjoni privileġġata.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-fatt biss li persuna jkollha jew kellha informazzjoni privileġġata m'għandux jimplika li dik il-persuna użat dik l-informazzjoni u li kienet involuta f'abbuż minn informazzjoni privileġġata abbażi ta' akkwist jew ċessjoni, meta l-imġiba tagħha tikkwalifika bħala leġittima skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

*Artikolu 4*

**L-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-manipulazzjoni tas-suq msemmija fil-paragrafi 2 sa 5 tikkostitwixxi reati kriminali għall-inqas f'każijiet serji u meta mwettqa intenzjonalment.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jseħħ meta persuna jkollha informazzjoni privileġġata tiżvela dik l-informazzjoni lil kwalunkwe persuna oħra, għajr meta l-iżvelar iseħħ waqt eżerċizzju normali ta' impjieg, professjoni jew dmirijiet, inkluż meta l-iżvelar jikkwalifika bħala konsultazzjoni tas-suq b'konformità mal-Artikolu 11(1) sa (8) tar-Regolament (EU) Nru 596/2014.

3. Dan l-Artikolu japplika għal kwalunkwe persuna fis-sitwazzjonijiet jew iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 3(3).

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-iżvelar suċċessiv ta' rakkomandazzjonijiet jew suġġerimenti imsemmi fl-Artikolu 3(6) jammonta għal żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata skont dan l-Artikolu fejn l-persuna li tiżvela r-rakkomandazzjoni jew is-suġġeriment tkun taf li dan kien ibbażat fuq informazzjoni privileġġata.

5. Dan l-Artikolu għandu jiġi applikat b'konformità mal-ħtieġa li tiġi protetta l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni.

*Artikolu 5*

**Manipulazzjoni tas-suq**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-manipulazzjoni tas-suq kif msemmija fil-paragrafu 2 tikkostitwixxi reati kriminali għall-inqas f'każijiet serji u meta titwettaq intenzjonalment.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-manipulazzjoni tas-suq għandha tinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(a) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew xi mġiba oħra li:

(i) tagħti sinjali foloz jew qarrieqa dwar il-provvista ta', id-domanda għal, jew il-prezz ta' strument finanzjarju jew kuntratt spot relatat dwar il-komoditajiet; jew

(ii) tiżgura l-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar jew kuntratt spot relatat dwar komoditajiet f'livell anormali jew artifiċjali;

sakemm ir-raġunijiet li għalihom dan isir mill-persuna li daħlet fit-tranżazzjoni jew ħarġet l-ordnijiet għal negozjar ma jkunux leġittimi, u dawk it-tranżazzjonijiet jew ordnijiet għal negozjar ikunu f'konformità ma' prattiki aċċettati tas-suq dwar il-post ta' negozjar ikkonċernat;

(b) id-dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew kwalunkwe attività jew imġiba oħra li taffettwa l-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar, jew kuntratt spot relatat dwar komoditajiet, li juża tagħmir fittizju jew kwalunkwe forma oħra ta' qerq jew strataġemma;

(c) it-tqassim ta' informazzjoni permezz tal-midja, inkluż l-Internet, jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor, li tagħti sinjali foloz jew qarrieqa dwar il-provvista ta', id-domanda għal, jew il-prezz ta' strumenti finanzjarji jew kuntratt spot relatat dwar komoditajiet, jew tiżgura l-prezz ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar jew kuntratt spot relatat dwar komoditajiet f'livell anormali jew artifiċjali, fejn il-persuni li jagħmlu t-tqassim jieħdu għalihom infushom jew għal persuna oħra, vantaġġ jew profitt mit-tqassim tal-informazzjoni inkwistjoni; jew

(d) it-trasmissjoni ta' informazzjoni falza jew qarrieqa jew il-forniment ta' inputs foloz jew qarrieqa, jew kwalunkwe mġiba oħra li timmanipula l-kalkolu ta' parametru ta' referenza.

*Artikolu 6*

**Inċitament, għajnuna u kompliċità, u tentattiv**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità tar-reati msemmija fl-Artikoli 3(2) sa (5) u l-Artikoli 4 u 5, ikunu punibbli bħala reat kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li t-tentattiv biex jitwettaq xi wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) sa (5) u (7) u l-Artikolu 5, ikun punibbli bħala reat kriminali.

3. L-Artikolu 3(8) japplika *mutatis mutandis.*

*Artikoli 7*

**Pieni kriminali għal persuni fiżiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 jkunu punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 5 jkunu punibbli b'terminu ta' priġuneria massimu ta' mill-inqas erba' snin.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jiżguraw li r-reat imsemmi fl-Artikolu 4 jkun punibbli b'terminu ta' priġuneria massimu ta' mill-inqas sentejn.

*Artikolu 8*

**Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 li jkunu twettqu għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, abbażi ta':

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 6 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi proċeduri kriminali kontra persuni fiżiċi li jkunu involuti bħala awturi, inċitaturi jew aċċessorji fir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6.

*Artikolu 9*

**Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tkun meqjusa responsabbli skont Artikolu 8 tiġi soġġetta għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

(b) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

(c) it-tqegħid taħt is-sorveljanza tal-qorti;

(d) l-istralċ ġudizzjarju;

(e) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li ntużaw biex isir ir-reat.

*Artikolu 10*

**Ġurisdizzjoni**

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6, fejn ir-reat ikun twettaq:

(a) interament jew parzjalment fit-territorju tagħhom; jew

(b) minn wieħed miċ-ċittadini tagħhom, għall-inqas f'każijiet fejn l-att huwa reat kriminali fil-post fejn ikun sar.

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni fejn huwa jiddeċiedi li jistabbilixxi ġurisdizzjoni ulterjuri fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 li jkunu twettqu barra t-territorju tiegħu, fejn:

(a) ir-residenza abitwali tat-trasgressur tinsab fit-territorju tiegħu; jew

(b) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju.

*Artikolu 11*

**Taħriġ**

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija u l-persunal ġudizzjarju u dak tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u l-investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ xieraq fir-rigward tal-għanijiet ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Rapport**

Sal-4 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' din id-Direttiva u, jekk meħtieġ, dwar il-ħtieġa li tiġi emendata, inkluż fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' każijiet serji kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1), il-livell ta' sanzjonijiet previsti mill-Istati Membri u sa fejn l-elementi fakultattivi msemmija fid-Direttiva ġew adottati.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, jekk ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

*Artikolu 13*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-3 ta' Lulju 2016, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-3 ta' Lulju 2016 u suġġett għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Article 15*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

**DIRETTIVA 2014/59/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-15 ta' Mejju 2014**

**li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-kriżi finanzjarja wriet li hemm nuqqas sinifikanti ta' għodod adegwati fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu ttrattati b'mod effettiv l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment ("istituzzjonijiet") mhux sodi jew li qed ifallu. Dawn l-għodod huma meħtieġa, b'mod partikolari, sabiex jipprevjenu l-insolvenza jew biex meta sseħħ insolvenza jimminimizzaw ir-riperkussjonijiet negattivi billi jippreżervaw il-funzjonijiet sistemikament importanti tal-istituzzjoni konċernata. Matul il-kriżi, dawn l-isfidi kienu fattur ewlieni li ġiegħel lill-Istati Membri sabiex isalvaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu billi jużaw il-flus tal-kontribwenti. L-għan ta' qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni kredibbli huwa li jbiegħed il-ħtieġa ta' azzjoni bħal din kemm jista' jkun.

(2) Il-kriżi finanzjarja kellha dimensjoni sistemika, fis-sens li affettwat l-aċċess għall-finanzjament ta' proporzjon kbir tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Sabiex ikun evitat falliment, b'konsegwenzi għall-ekonomija kollha, tali kriżi teħtieġ miżuri maħsuba biex jiżguraw l-aċċess għall-finanzjament taħt kondizzjonijiet ekwivalenti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li nkella jkunu solventi. Tali miżuri involvew appoġġ ta' likwidità mill-banek ċentrali u garanziji mill-Istati Membri għat-titoli maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu solventi.

(3) Is-swieq finanzjarji tal-Unjoni huma integrati u interkonnessi ferm, b'ħafna istituzzjonijiet joperaw b'mod estensiv lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Huwa probabbli li l-falliment ta' istituzzjoni transkonfinali jaffettwa l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji fl-Istati Membri differenti fejn topera. L-inabbiltà tal-Istati Membri li jieħdu l-kontroll ta' istituzzjoni li qed tfalli u jirriżolvuha b'mod li effettivament jipprevjeni ħsara sistemika usa' tista' thedded il-fiduċja reċiproka tal-Istati Membri u l-kredibbiltà tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. L-istabbiltà tas-swieq finanzjarji hija, għalhekk, kondizzjoni essenzjali għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

([1]) ĠU C 39, 12.2.2013, p. 1.
([2]) ĠU C 44, 15.2.2013, p. 68.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 [għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*] u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014.

(4) Attwalment ma hemm l-ebda armonizzazzjoni tal-proċeduri sabiex jiġu riżolti istituzzjonijiet fil-livell tal-Unjoni. Xi Stati Membri japplikaw għall-istituzzjonijiet l-istess proċeduri li japplikaw lill-impriżi insolventi l-oħra, u f'ċerti każijiet adattawhom għall-istituzzjonijiet. Hemm differenzi sostanzjali u proċedurali konsiderevoli bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirregolaw l-insolvenza tal-istituzzjonijiet fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-kriżi finanzjarja esponiet il-fatt li proċeduri ta' insolvenza korporattiva ġenerali mhumiex dejjem adattati għall-istituzzjonijiet minħabba li mhux dejjem jiżguraw ir-rapidità tal-intervent, il-kontinwazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi tal-istituzzjonijiet u l-preżervazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ reġim sabiex l-awtoritajiet jiġu pprovduti b'sett ta' għodod kredibbli sabiex jintervjenu b'mod bikri u malajr biżżejjed f'istituzzjoni mhux soda jew li qed tfalli sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi kritiċi tal-istituzzjoni, filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt ta' falliment ta' istituzzjoni fuq is-sistema ekonomika u finanzjarja. Ir-reġim għandu jiżgura li l-azzjonisti jġarrbu t-telf l-ewwel u li l-kredituri jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti bil-kondizzjoni li l-ebda kreditur ma jġarrab telf akbar minn dak li kien iġarrab kieku l-istituzzjoni tkun ġiet stralċjata skont proċeduri ta' insolvenza normali b'konformità mal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar kif speċifikat f'din id-Direttiva. Setgħat ġodda għandhom jippermettu lill-awtoritajiet, pereżempju, li jżommu aċċess mhux interrott għad-depożiti u t-tranżazzjonijiet ta' pagament, ibiegħu l-porzjonijiet vijabbli tal-istituzzjoni fejn xieraq, u jqassmu t-telf f'manjiera li hija ġusta u prevedibbli. Dawk l-għanijiet għandhom jgħinu sabiex tiġi evitata d-destabilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji u jiġu minimizzati l-ispejjeż għall-kontribwenti.

(6) Ir-rieżami li għaddej tal-qafas regolatorju, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-bafers kapitali u tal-likwidità u għodod aħjar għall-politiki makroprudenzjali, għandu jnaqqas il-probabbiltà ta' kriżijiet futuri u jtejjeb ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet għall-istress ekonomiku, indipendentement minn jekk ikunx ikkaġunat minn disturbi sistemiċi jew minn avvenimenti speċifiċi għall-istituzzjoni individwali. Mhuwiex possibbli, madankollu, li jitfassal qafas regolatorju u superviżorju li jista' jevita li dawk l-istituzzjonijiet qatt ma jidħlu f'diffikultajiet. L-Istati Membri, għalhekk, għandhom ikunu ppreparati u għandu jkollhom għodod ta' rkupru u riżoluzzjoni adegwati biex jittrattaw sitwazzjonijiet li jinvolvu kemm kriżijiet sistemiċi kif ukoll fallimenti ta' istituzzjonijiet individwali. Tali għodod għandhom jinkludu mekkaniżmi li jagħmluha possibbli li l-awtoritajiet jittrattaw b'mod effettiv l-istituzzjonijiet li jkunu qed ifallu jew li x'aktarx ifallu.

(7) L-eżerċizzju ta' tali setgħat u l-miżuri meħuda għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi li fihom iseħħ il-falliment. Jekk il-problema tirriżulta f'istituzzjoni individwali u l-bqija tas-sistema finanzjarja ma tkunx affettwata, l-awtoritajiet għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni tagħhom mingħajr ħafna tħassib dwar effetti ta' kontaġju. F'ambjent fraġli, min-naħa l-oħra, għandha tingħata iktar attenzjoni sabiex tiġi evitata d-destabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji.

(8) Riżoluzzjoni ta' istituzzjoni li tinżamm bħala negozju avvjat, tista', bħala miżura estrema, tinvolvi għodod ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja tal-gvern, inkluża sjieda pubblika temporanja. Huwa essenzjali, għalhekk, li s-setgħat tar-riżoluzzjoni u l-arranġamenti ta' finanzjament jiġu strutturati b'tali mod li l-kontribwenti jkunu l-benefiċjarji ta' kwalunkwe bilanċ żejjed li jista' jirriżulta mir-ristrutturar ta' istituzzjoni li terġa' titqiegħed fuq bażi soda mill-awtoritajiet. Ir-responsabbiltà u t-teħid tar-riskju għandhom jiġu akkumpanjati minn kumpens.

(9) Xi Stati Membri diġà promulgaw bidliet leġiżlattivi li jintroduċu mekkaniżmi biex jirriżolvu istituzzjonijiet li qed ifallu; oħrajn indikaw l-intenzjoni tagħhom li jintroduċu dawn il-mekkaniżmi jekk ma jiġux adottati f'livell tal-Unjoni. Huwa probabbli li n-nuqqas ta' kondizzjonijiet, setgħat u proċessi komuni għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet jikkostitwixxi ostaklu għall-operat mingħajr intoppi tas-suq intern u jfixklu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet meta jittrattaw ma' gruppi istituzzjonijiet transkonfinali li qed ifallu. Dan huwa partikolarment veru fejn approċċi differenti jfissru li l-awtoritajiet ma għandhomx l-istess livell ta' kontroll jew l-istess abbiltà li jirriżolvu istituzzjonijiet. Dawk id-differenzi fir-reġimi tar-riżoluzzjoni jistgħu jaffettwaw ukoll l-ispejjeż ta' finazjament ta' istituzzjonijiet b'mod differenti fl-Istati Membri differenti u potenzjalment joħolqu distorsjonijiet kompetittivi bejn istituzzjonijiet. Reġimi ta' riżoluzzjoni effettivi fl-Istati Membri kollha huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu ristretti fl-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suq intern ta' stabiliment permezz tal-kapaċità finanzjarja tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom li jimmaniġġja l-falliment tagħhom.

(10) Dawk l-impedimenti għandhom jiġu eliminati u għandhom jiġu adottati regoli sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tas-suq intern ma jiġux mhedda. Għal dak il-għan, ir-regoli li jirregolaw ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet għandhom isiru soġġetti għal regoli ta' armonizzazzjoni minimi komuni.

(11) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-servizzi finanzjarji kif ukoll l-ogħla livell possibbli ta' stabbiltà finanzjarja fil-firxa sħiħa ta' istituzzjonijiet, ir-reġim tar-riżoluzzjoni għandu japplika għall-istituzzjonijiet u soġġett għar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Ir-reġim għandu japplika wkoll għall-kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarji u kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarji mħallta li hemm proveddiment għalihom fid-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), kumpaniji b'parteċipazzjoni b'attività mħallta u istituzzjonijiet finanzjarji, fejn tal-aħħar ikunu sussidjarji ta' istituzzjoni jew ta' kumpanija holding finanzjarja, jew ta' kumpanija holding finanzjarja mħallta jew ta' kumpanija holding finanzjarja b'attività mħallta u jkunu koperti bis-superviżjoni ta' intrapriża prinċipali fuq bażi konsolidata. Il-kriżi wriet li l-insolvenza ta' entità affiljata ma' grupp jista' jkollha impatt rapidu fuq is-solvenza tal-grupp kollu u, għaldaqstant ikollha wkoll implikazzjonijiet sistemiċi proprji. L-awtoritajiet għandu għalhekk ikollhom mezzi effettivi ta' azzjoni fir-rigward ta' dawk l-entitajiet sabiex jipprevjenu l-kontaġju u jipproduċu skema ta' riżoluzzjoni konsistenti għall-grupp kollu, minħabba li l-insolvenza ta' entità affiljata ma' grupp jista' jkollha impatt rapidu fuq is-solvenza tal-grupp kollu.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-qafas regolatorju, il-kontropartijiet ċentrali kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u d-depożitorji ċentrali tat-titoli kif definiti fir-regolament li ġej tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) jistgħu jkunu koperti minn inizjattiva leġiżlattiva separata li tistabbilixxi qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni għal dawk l-entitajiet.

(13) L-użu tal-għodda u s-setgħat tar-riżoluzzjoni previsti f'din id-Direttiva jistgħu jfixklu d-drittijiet tal-azzjonisti u l-kredituri. B'mod partikolari, is-setgħa tal-awtoritajiet li jittrasferixxu l-ishma jew l-assi kollha jew parti minnhom ta' istituzzjoni lil akkwirent privat mingħajr il-kunsens tal-azzjonisti jaffettwa d-drittijiet tas-sjieda tal-azzjonisti. Barra minn hekk, is-setgħa li jiġi deċiż liema obbligazzjonijiet jiġu trasferiti minn istituzzjoni li qed tfalli abbażi tal-għanijiet tal-iżgurar tal-kontiwità tas-servizzi u li jiġu evitati l-effetti ħżiena fuq l-istabbiltà finanzjara jista' jaffettwa t-trattament ugwali tal-kredituri. Għalhekk, azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tittieħed biss meta tkun meħtieġa fl-interess pubbliku u kull interferenza fid-drittijiet ta' azzjonisti u kredituri li tirriżulta minn azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tkun kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta). B'mod partikolari, meta l-kredituri fl-istess klassi jiġu ttrattati b'mod differenti fil-kuntest ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni, tali distinzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati fl-interess pubbliku u proprzjonati għar-riskju li jkun qed jiġi indirizzat u la għandhom ikunu direttament diskriminatorji u l-anqas indirettament diskriminatorji għal raġunijiet ta' nazzjonalità.

(14) L-awtoritajiet għandhom iqisu n-natura tan-negozju ta' istituzzjoni, l-istruttura azzjonarja, il-forma ġuridika, il-profil tar-riskju, id-daqs, l-istatus ġuridiku u l-interkonnettività ma' istituzzjonijiet oħrajn jew mas-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, jekk hijiex membru ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali jew sistemi oħra ta' solidarjetà reċiproka kooperattiva, jekk teżerċitax xi servizzi jew attivitajiet ta' investiment, u jekk il-falliment jew l-istralċ sussegwenti tagħha skont proċeduri normali ta' insolvenza humiex mistennija jħallu effett negattiv sinifikanti fuq is-swieq finanzjarji, fuq istituzzjonijiet oħra, fuq il-kondizzjonijiet tal-finanzjament, jew fuq l-ekonomija aktar ġenerali, fil-kuntest tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni u meta jużaw is-setgħat u l-għodod differenti għad-dispożizzjoni tagħhom, jaċċertaw ruħhom li r-reġim jiġi applikat b'mod xieraq u proporzjonat u li l-piż amministrattiv relatat mal-obbligi ta' preparazzjoni ta' pjan ta' rkupru u riżoluzzjoni jiġi minimizzat. Billi l-kontenut u l-informazzjoni speċifikati f'din id-Direttiva u fl-Anness tagħha jistabbilixxu standard minimu għal istituzzjonijiet b'rilevanza sistemika evidenti, l-awtoritajiet jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' ppjanar ta' rkupru u riżoluzzjoni differenti jew imnaqqsa b'mod sinifikanti fuq bażi speċifika skont l-istituzzjoni, u bi frekwenza iktar baxxa minn sena għall-aġġornamenti. Għal istituzzjoni żgħira b'interkonnettività u komplessità żgħar, pjan ta' rkupru jista' jitnaqqas għal xi informazzjoni bażika dwar l-istruttura tagħhom, skattaturi

---

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([3]) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta'l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1

([4]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data (ĠU L 201, 27.2.2012, p. 1).

ta' azzjonijiet ta' rkupru u possibilitajiet ta' rkupru. Jekk istituzzjoni tkun tista' titħalla ssir insolventi, konsegwentement il-pjan ta' riżoluzzjoni jkun jista' jitnaqqas. Barra minn hekk, ir-reġim għandu jiġi applikat b'tali mod li ma jfixkilx l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji. B'mod partikolari, f'sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn problemi usa' jew anke dubji dwar ir-reżiljenza ta' bosta stituzzjonijiet, huwa essenzjali li l-awtoritajiet iqisu r-riskju tal-kontaġju mill-azzjonijiet meħuda f'rabta ma' kwalunkwe istituzzjoni individwali.

(15) Sabiex tiġi żgurata r-rapidità meħtieġa ta' azzjoni, tiġi ggarantita l-indipendenza minn atturi ekonomiċi u jiġu evitati kunflitti ta' interess, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet amministrattivi pubbliċi jew awtoritajiet fdati b'setgħat amministrattivi pubbliċi sabiex iwettqu l-funzjonijiet u l-kompiti fir-rigward ta' riżoluzzjoni skont din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi xierqa jiġu allokati lil dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. In-nomina ta' awtoritajiet pubbliċi ma għandhiex teskludi delegar taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ta' riżoluzzjoni. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li jiġi preskritt it-tip ta' awtorità jew awtoritajiet li l-Istati Membri għandhom jaħtru bħala awtorità ta' riżoluzzjoni. Filwaqt li l-armonizzazzjoni ta' dak l-aspett tiffaċilita l-koordinazzjoni, tinterferixxi konsiderevolment mas-sistemi kostituzzjonali u amministrattivi tal-Istati Membri. Grad suffiċjenti ta' koordinazzjoni xorta jista' jinkiseb b'rekwiżit inqas intrużiv: l-awtoritajiet nazzjonali kollha involuti fir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet għandhom jiġu rrappreżentati f'kulleġġi tar-riżoluzzjoni, fejn isseħħ koordinazzjoni fil-livell transkonfinali jew tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu liberi li jagħżlu liema awtoritajiet għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u għall-eżerċizzju tas-setgħat stabbiliti f'din id-Direttiva. Meta Stat Membru jinnomina l-awtorità responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet (awtorità kompetenti) bħala awtorità ta' riżoluzzjoni, għandu jkun hemm fis-seħħ arranġamenti strutturali adegwati għas-separazzjoni tal-funzjonijiet ta' superviżjoni u dawk ta' riżoluzzjoni. Dik is-separazzjoni m'għandhiex twaqqaf il-funzjoni ta' riżoluzzjoni milli jkollha aċċess għal kwalunkwe informazzjoni disponibbli għall-funżjoni ta' superviżjoni.

(16) Fid-dawl tal-konsegwenzi li l-falliment ta' istituzzjoni jista' jkollha fuq is-sistema finanzjarja u l-ekonomija ta' Stat Membru kif ukoll il-ħtieġa possibbli li jintużaw fondi pubbliċi sabiex tiġi riżolta kriżi, il-Ministeri tal-Finanzi jew ministeri rilevanti oħra fl-Istati Membri għandhom jiġu involuti mill-qrib, fi stadju bikri, fil-proċess tal-immaniġġjar u r-riżoluzzjoni tal-kriżi.

(17) Riżoluzzjoni effettiva tal-istituzzjonijiet jew gruppi ta' entitajiet li joperaw madwar l-Unjoni teħtieġ kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' risoluzzjoni fi ħdan kulleġġi ta' superviżjoni u riżoluzzjoni fl-istadji kollha koperti minn din id-Direttiva, mill-preparazzjoni ta' pjannijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni sar-riżoluzzjoni reali ta' istituzzjoni. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali dwar deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont din id-Direttiva fir-rigward ta' istituzzjonijiet, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ("ABE"), stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 2010/1093 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), għandha, fejn speċifikat f'din id-Direttiva, bħala l-aħħar rimedju, taqdi rwol ta' medjazzjoni. F'ċerti każijiet, din id-Direttiva tipprovdi medjazzjoni vinkolanti mill-ABE b'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Tali medjazzjoni vinkolanti ma tipprekludix medjazzjoni mhux vinkolanti b'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 f'każijiet oħra.

(18) Fir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet jew gruppi li joperaw fl-Unjoni, id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandu jkollhom l-għan li jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja u jimminimizzaw l-effetti ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri fejn topera l-istituzzjoni jew il-grupp.

(19) Sabiex jittrattaw b'mod effiċjenti ma' istituzzjonijiet li qed ifallu, l-awtoritajiet għandu jkollhom is-setgħa jimponu miżuri preventivi u preparatorji.

(20) Minħabba l-estensjoni ta' responsabilitajiet u kompiti tal-ABE stabbiliti f'din id-Direttiva, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mingħajr dewmien riżorsi umani u finanzjarji adegwati. Għal dak il-għan, il-proċedura għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tagħha kif imsemmija fl-Artikoli 63 u 64 tar-Regolament (KE) Nru 1093/2010, għandha tqis kif dovut dawn il-kompiti. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiżguraw li jiġu sodisfatti l-aqwa standards ta' effiċjenza.

([1]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(21) Huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet iħejju u jaġġornaw regolarment pjanijiet ta' rkupru li jistabbilixxu miżuri li għandhom jittieħdu minn dawk l-istituzzjonijiet gbiex terġa' tinġieb il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom wara deterjorament sinifikanti. Dawn il-pjanijiet għandhom ikunu dettaljati u bbażati fuq suppożizzjonijiet realistiċi applikabbli f'firxa ta' xenarji robusti u severi. Ir-rekwiżit li jitħejja pjan ta' rkupru għandu madankollu jiġi applikat proporzjonalment u jirrifletti l-importanza sistemika tal-istituzzjoni jew tal-grupp u tal-interkonnettività tagħha, inkluż permezz ta' skemi ta' garanzija reċiproka. Għaldaqstant, il-kontenut meħtieġ għandu jqis in-natura tas-sorsi tal-finanzjament tal-istituzzjoni, inkluż obbligazzjonijiet jew finanzjament b'garanziji reċiproċi, u l-grad safejn l-appoġġ tal-grupp ikun disponibbli b'mod kredibbli. Istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa li jissottomettu l-pjanijiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti għal valutazzjoni kompleta, inkluż jekk il-pjanijiet humiex komprensivi u jistgħux jirristawraw b'mod fattibbli l-vijabbiltà tal-istituzzjoni, fil-ħin, anke f'perjodi ta' stress finanzjarju qawwi.

(22) Il-pjanijiet ta' rkupru għandhom jinkludu miżuri possibbli li għandhom jittieħdu mill-maniġment tal-istituzzjoni meta l-kondizzjonijiet għall-intervent bikri jkunu ġew sodisfatti.

(23) Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk azzjoni mis-settur privat tistax tevita l-falliment ta' istituzzjoni fi żmien raġonevoli, l-awtorità rilevanti għandha tqis l-effettività ta' miżuri ta' intervent bikri mwettqa fl-iskeda ta' żmien iddeterminata minn qabel mill-awtorità kompetenti. Fil-każ tal-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, l-impatt potenzjali tal-miżuri ta' rkupru fuq l-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp għandu jitqies fit-tfassil tal-pjanijiet.

(24) Fejn istituzzjoni ma tippreżentax pjan ta' rkupru adegwat, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa jesiġu lil dik l-istituzzjoni tieħu miżuri meħtieġa biex tirranġa n-nuqqasijiet tal-pjan. Dak ir-rekwiżit jista' jaffettwa l-libertà tat-twettiq tan-negozju kif garantit mill-Artikolu 16 tal-Karta. Il-limitazzjoni ta' dak id-dritt fundamentali huwa madankollu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istabbiltà finanzjarja. Aktar speċifikament, din il-limitazzjoni hija meħtieġa sabiex jissaħħaħ in-negozju tal-istituzzjonijiet u, jiġi evitat li l-istituzzjonijiet jikbru eċċessivament jew jieħdu riskji eċċessivi mingħajr ma jkunu kapaċi jegħlbu l-ostakoli u t-telf u terġa' tinġieb il-bażi kapitali tagħhom. Il-limitazzjoni hija proporzjonata għaliex tippermetti azzjoni preventiva sal-grad li jkujn meħtieġ biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u għalhekk tikkonforma mal-Artikolu 52 tal-Karta.

(25) L-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa komponent essenzjali ta' riżoluzzjoni effettiva. L-awtoritajiet għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiġi identifikata u żgurata t-tkomplija ta' funzjonijiet kritiċi. Il-kontenut ta' pjan ta' riżoluzzjoni għandu madankollu jkun proporzjonat għall-importanza sistemika tal-istituzzjoni jew il-grupp.

(26) Minħabba l-għarfien privileġġjat tal-istituzzjoni dwar il-funzjonament proprju tagħha u kwalunkwe problema li tirriżulta minnu, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għandhom jitfasslu mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni abbażi, fost l-oħrajn, tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjonijiet ikkonċernati.

(27) Sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità u sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, il-possibbiltà li awtoritajiet kompetenti u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, ma jeżiġux ir-rekwiżiti relatati mat-tħejjija tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni skont il-każ għandu jiġi permess fil-każijiet limitati speċifikati f'din id-Direttiva. Tali każijiet jinkludu istituzzjonijiet affiljati ma' korp ċentrali u kompletament jew parzjalment eżentati mir-rekwiżiti prudenzjali fil-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2013/36/UE u istituzzjonijiet li jappartjenu għal skema ta' protezzjoni istituzzjonali b'konformità mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'kull każ l-għoti ta' rinunzja għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva.

(28) Bi qbil mal-istruttura kapitali ta' istituzzjonijiet affiljati ma' korp ċentrali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawk l-istituzzjonijiet ma għandhomx ikunu obbligati li kull waħda minnhom tfassal pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni separati minħabba r-raġuni unika li l-korp ċentrali li jappartjenu għalih ikun taħt is-superviżjoni diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(29) L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, abbażi tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti, għandu jkollhom is-setgħa li jesiġu bidliet fl-istruttura u l-organizzazzjoni ta' istituzzjonijiet direttament jew indirettament permezz tal-awtorità kompetenti, li jieħdu miżuri li huma meħtieġa u proporzjonati biex jitnaqqsu jew jitneħħew impedimenti materjali għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u jiżguraw ir-riżolvibbiltà tal-entitajiet konċernati. Minħabba n-natura potenzjalment sistemika tal-istituzzjonijiet kollha, huwa kruċjali, sabiex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, li l-awtoritajiet ikollhom il-possibbiltà jirriżolvu kwalunkwe istituzzjoni. Sabiex jiġi rispettat id-dritt li jitwettaq negozju stabbilit fl-Artikolu 16 tal-Karta, id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet għandha tkun limitata biss għal dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu ssimplifikati l-istruttura u l-operati tal-istituzzjoni biex titjieb ir-riżoluzzjoni tagħha. Barra minn dan, kwalunkwe miżura imposta għal dawn l-għanijiet għandha tkun konsistenti mal-liġi tal-Unjoni. Il-miżuri la għandhom ikunu direttament u lanqas indirettament diskriminatorji abbażi tan-nazzjonalità, u għandhom jiġu ġġustifkati mir-raġuni prevalenti li qed jitwettqu fl-interess pubbliku u tal-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, azzjoni ma għandhiex tmur lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet. Meta jiddeterminaw il-miżuri li għandhom jittieħdu, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom iqisu t-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(30) Il-miżuri proposti sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew grupp ma għandhomx jipprevjenu lill-istituzzjonijiet milli jeżerċitaw id-dritt ta' stabbilment konferit lilhom mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(31) Il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni ma għandhomx jissoponu aċċess għal għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jew skopertura tal-kontribwenti għar-riskju tat-telf.

(32) It-trattament tal-grupp għall-ippjanar ta' rkupru u riżoluzzjoni previst f'din id-Direttiva għandu japplika għall-gruppi ta' istituzzjonijiet kollha ssorveljati fuq bażi kkonsolidata, inklużi gruppi li l-impriżi tagħhom ikunu marbuta permezz ta' relazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni għandhom iqisu l-istruttura finanzjarja, teknika u tan-negozju tal-grupp rilevanti. Jekk jitħejjew pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni individwali għal istituzzjonijiet li jkunu parti minn grupp, l-awtoritajiet rilevanti għandu jkollhom l-għan li jiksbu, kemm jista' jkun, konsistenza mal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni għall-bqija tal-grupp.

(33) Għandha tkun ir-regola ġenerali li pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni ta' grupp jitħejjew għall-grupp kollu kemm hu u jiġu identifikati miżuri fir-rigward tal-istituzzjoni prinċipali kif ukoll tas-sussidjarji indiviwali kollha li huma parti mill-grupp. L-awtoritajiet rilevanti li jaġixxu fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jagħmlu kull sforz biex jilħqu deċiżjoni konġunta dwar il-valutazzjoni u l-adozzjoni ta' dawk il-pjanijiet. Madankollu, f'każijiet speċifiċi fejn pjan individwali ta' rkupru jew riżoluzzjoni jkun tfassal, il-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp ivvalutat mis-superviżur tal-konsolidazzjoni jew il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp deċiż mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp ma għandux ikopri dawk il-gruppi ta' entitajiet li għalihom il-pjanijiet individwali jkunu ġew ivvalutati jew ippreparati mill-awtoritajiet rilevanti.

(34) Fil-każ ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, l-impatt potenzjali tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fl-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp għandu jitqies speċifikatament fit-tfassil tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn il-grupp ikollu s-sussidjarji għandhom ikunu involuti fit-tfassil tal-pjan.

(35) Il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni għandhom jinkludu proċeduri ta' kif jiġu infurmati u kkonsultati r-rappreżentanti tal-impjegati fil-proċessi ta' rkupru u riżoluzzjoni fejn ikun xieraq. Fejn applikabbli, f'dak ir-rigward għandu jkun hemm konformità ma' ftehimiet kollettivi jew arranġamenti oħra previsti mis-shab soċjali, kif ukoll mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-involviment tat-trejdjunjins u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-proċessi ta' ristrutturar tal-kumpaniji.

---

([1]) Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

([2]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(36) Fid-dawl tas-sensittività tal-informazzjoni li jkun fihom, l-informazzjoni kunfidenzjali fil-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-sigriet professjonali kif stabbilit f'din id-Direttiva.

(37) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-pjanijiet ta' rkupru u kwalunkwe tibdil fihom lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti, u dawn tal-aħħar għandhom jittrażmettu l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe tibdil fihom lil dawk tal-ewwel, sabiex b'mod permanenti kull awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti tibqa' tinżamm infurmata bis-sħiħ.

(38) L-għoti ta' għajnuna finanzjarja minn entità waħda fi grupp transkonfinali lil entità oħra fl-istess grupp hija attwalment ristretta minn għadd ta' dispożizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali f'xi Stati Membri. Dawk id-dispożizzjonijiet huma ddisinjati sabiex jipproteġu lill-kredituri u l-azzjonisti ta' kull entità. Madankollu, dawk id-dispożizzjonijiet ma jqisux l-interdipendenza tal-entitajiet tal-istess grupp. Huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit taħt liema kondizzjonijiet għajnuna finanzjarja tista' tiġi ttrasferita bejn entitajiet fi grupp ta' istituzzjonijiet transkonfinali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-grupp kollu kemm hu mingħajr ma jipperikola l-likwidità jew is-solvenza tal-entità tal-grupp li tipprovdi l-appoġġ. L-għajnuna finanzjarja bejn l-entitajiet tal-grupp għandha tkun volontarja u għandha tkun soġġetta għal salvagwardji xierqa. Huwa xieraq li l-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment ma jitqegħedx direttament jew indirettament taħt il-kondizzjoni mill-Istati Membri tal-eżistenza ta' ftehim li tingħata għajnuna finanzjarja. Id-dispożizzjonijiet rigward għajnuna finanzjarja intragrupp f'din id-Direttiva ma jaffettwawx arranġamenti ta' responsabbiltà kuntrattwali jew statutorja bejn istituzzjonijiet li jipproteġu l-istituzzjonijiet li jipparteċipaw permezz ta' kontrogaranziji u arranġamenti ekwivalenti. Meta awtorità kompetenti tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-għajnuna finanzjarja intragrupp u meta l-pjan ta' rkupru tal-grupp jagħmel referenza għall-għajnuna finanzjarja intragrupp, tali projbizzjoni jew restrizzjoni għandha titqies bħala bidla materjali għall-fini ta' reviżjoni tal-pjan ta' rkupru.

(39) Matul il-fażijiet ta' rkupru u intervent bikri stabbiliti f'din id-Direttiva, l-azzjonisti għandhom iżommu r-responsabilità u l-kontroll assolut tal-istituzzjoni ħlief meta l-awtorità kompetenti taħtar amministratur temporanju. Ma għandhomx jibqgħu jżommu tali responsabilità ladarba l-istituzzjoni ditta tkun tpoġġiet taħt riżoluzzjoni.

(40) Sabiex tiġi ppriżervata l-istabbiltà finanzjarja, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrimedjaw id-deterjorazzjoni ta' sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika ta' istituzzjoni qabel ma l-istituzzjoni tilħaq punt fejn l-awtoritajiet ma jkollhom l-ebda alternattiva oħra ħlief li jirriżolvuha. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw setgħat ta' intervent bikri, inkluża s-setgħa li jaħtru amministratur temporanju, biex jissostitwixxi jew biex jaħdem temporanjament mal-korp maniġerjali jew mal-maniġment superjuri ta' istituzzjoni. Il-kompitu tal-amministratur temporanju għandu jkun li jeżerċita kwalunkwe setgħa kkonferita lilu bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' soluzzjonijiet biex titranġa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni. Il-ħatra ta' amministratur temporanju ma għandhiex tinterferixxi mingħajr bżonn mad-drittijiet tal-azzjonisti jew is-sidien jew obbligi proċedurali stabbiliti skont il-liġi tal-kumpaniji tal-Unjoni jew nazzjonali u għandha tirrispetta l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jew l-Istati Membri marbuta mal-protezzjoni tal-investiment. Is-setgħat ta' intervent bikri għandhom jinkludu dawk diġà previsti fid-Direttiva 2013/36/UE għal ċirkostanzi oħra minn barra dawk ikkunsidrati bħala intervent bikri kif ukoll oħrajn ikkunsidrati bħala meħtieġa sabiex tiġi rrestawrata s-sodezza finanzjarja ta' istituzzjoni.

(41) Il-qafas ta' riżoluzzjoni għandu jipprovdi għad-dħul f'waqtu tar-riżoluzzjoni qabel istituzzjoni finanzjarja ssir insolventi fuq il-karta tal-bilanċ u qabel tispiċċa kompletament fix-xejn l-ekwità kollha. Ir-riżoluzzjoni għandha tinbeda meta awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni ma' awtorità ta' riżoluzzjoni, tiddetermina li istituzzjoni qed tfalli jew x'aktarx li tfalli u miżuri alternattivi kif speċifikat f'din id-Direttiva jipprevejenu tali falliment fi żmien raġonevoli. B'mod eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jipprovdi li minbarra l-awtorità kompetenti, id-determinazzjoni li l-istituzzjoni qed tfalli jew x'aktarx li tfalli tista' ssir ukoll mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti. Il-fatt li istituzzjoni ma tissodisfawx ir-rekwiżiti għal awtorizzazzjoni ma għandux jiġġustifika minnu nnifsu d-dħul ta' riżoluzzjoni, speċjalment jekk l-istituzzjoni tkun għadha jew x'aktarx li tkun għadha vijabbli. Istituzzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli meta tikser jew x'aktarx li tkun fil-futur qarib tikser ir-rekwiżiti għall-kontinwazzjoni tal-awtorizzazzjoni, meta l-assi tal-istituzzjoni jkunu jew x'aktarx li fil-futur qarib ikunu inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha, meta l-istituzzjoni ma tkunx tista' jew x'aktarx li ma tkunx tista' fil-futur qarib tħallas id-djun tagħha hekk kif isiru dovuti, jew meta l-istituzzjoni teħtieġ għajnuna finanzjarja straordinarja minbarra fiċ-ċirkostanzi partikolari stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-ħtieġa għal għajnuna ta' likwidità ta' emerġenza minn bank ċentrali biss ma għandhiex fiha nnfisha tkun kondizzjoni li turi b'mod suffiċjenti li istituzzjoni hija jew ser issir, fil-futur qarib, inkapaċi tħallas l-obbligazzjonijiet tagħha hekk kif dawn isiru dovuti.

Jekk dik il-faċilità tkun ġiet garantita minn Stat, istituzzjoni li taċċessa tali faċilità tkun soġġetta għall-qafas tal-għajnuna mill-Istat. Sabiex tiġi ppriżervata l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari f'każ ta' skarżezza ta' likwidità sistemika, garanziji tal-Istati fuq faċilitajiet ta' likwidità pprovduti minn banek ċentrali jew garanziji tal-Istat ta' obbligazzjonijiet ġodda maħruġa biex jiġi rimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru ma għandhomx jiskattaw qafas ta' riżoluzzjoni jekk jintlaħqu għadd ta' kondizzjonijiet. Partikolarment miżuri ta' garanziji tal-Istat jeħtieġ li jiġu approvati skont il-qafas tal-għajnuna mill-Istat u ma għandhomx ikunu parti minn pakkett akbar ta' għajnuna, u l-użu tal-miżuri ta' garanzija għandu jkun strettament għal żmien limitat. Il-garanziji tal-Istati Membri għa pretensjonijiet ta' ekwità għandha tkun ipprojbita. Meta jipprovdi garanzija, għal obbligazzjonijiet li jkunu għadhom kemm inħarġu, barra azzjonijiet, Stat Membru għandu jiżgura li l-garanzija tkun remunerata biżżejjed mill-istituzzjoni. Barra minn hekk, l-għoti ta' appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju ma għandux jiskatta riżoluzzjoni meta, bħala miżura ta' prekawzjoni, Stat Membru jieħu ekwità f'istituzzjoni, inkluża istituzzjoni bi sjieda pubblika, li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' kapital tiegħu. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta istituzzjoni tkun meħtieġa żżid kapital ġdid minħabba l-eżitu ta' test tal-istress ibbażat fuq xenajru jew l-eżerċizzju ekwivalenti mwettaq minn awtoritajiet makroprudenzjali li jinkludi rekwiżit maħsub għaż-żamma tal-istabilità finanzjarja fil-kuntest ta' kriżi sistemika, iżda l-istituzzjoni ma tkunx tista' żżid il-kapital privatament fis-swieq. Istituzzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli unikament abbażi tal-fatt li ġie pprovdut dak l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Finalment, l-aċċess għal faċilitajiet ta' likwidità li jinkludu għajnuna ta' likwidità ta' emerġenza minn banek ċentrali jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont il-qafas ta' għajnuna mill-Istat.

(42) Fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp b'attività transkonfinali, kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tqis l-impatt potenzjali tar-riżoluzzjoni fl-Istati Membri kollha fejn topera l-istituzzjoni jew il-grupp.

(43) Is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom japplikaw ukoll għal kumpaniji b'parteċipazzjoni fejn kemm il-kumpanija b'parteċipazzjoni kif ukoll l-istituzzjoni sussidjarja, kemm jekk fl-Unjoni kif ukoll jekk f'pajjiż terz, ikunu qed ifallu jew probabbli jfallu. Barra minn hekk u minkejja l-fatt li kumpanija b'parteċipazzjoni tista' ma tkunx qed tfalli jew probabbli tfalli, is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom japplikaw għall-kumpanija b'parteċipazzjoni fejn istituzzjoni sussidjarja waħda jew aktar jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni, jew fejn istituzzjoni ta' pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni f'dak il-pajjiż terz, u l-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni b'relazzjoni mal-kumpanija b'parteċipazzjoni tkun meħtieġa għar-riżoluzzjoni ta' xi sussidjarja jew aktar tagħha jew għar-riżoluzzjoni tal-grupp kollu.

(44) Meta istituzzjoni tkun qed tfalli jew x'aktarx tfalli, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom sett minimu armonizzat ta' għodod u setgħat ta' riżoluzzjoni. L-eżerċizzju tagħhom għandu jkun soġġett għal kondizzjonijiet, għanijiet, u prinċipji ġenerali komuni. Ladarba l-awtorita ta' riżoluzzjoni tkun ħadet id-deċiżjoni li tqiegħed l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, għandhom jiġu esklużi l-proċeduri normali ta' insolvenza ħlief jekk ikunu jeħtieġu li jkunu kombinati mal-għodod ta' riżoluzzjoni u fuq l-inizjattiva tal-awtorita ta' riżoluzzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jikkonferixxu, fuq l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, setgħat u għodod addizzjonali ma' dawk mogħtija lilhom skont din id-Direttiva. L-użu ta' dawk l-għodod u setgħat addizzjonali, madankollu għandu jkun konsistenti mal-prinċipji ta' riżoluzzjoni u l-għanijiet kif stabbiliti f'din id-Direttiva. B'mod partikolari, l-użu ta' dawn l-għodod jew setgħat ma għandux jaffettwa r-riżoluzzjoni effettiva ta' gruppi transkonfinali.

(45) Sabiex jiġi evitat periklu morali, kwalunkwe istituzzjoni li tkun qed tfalli għandha tkun tista' toħroġ mis-suq, irrispettivament mid-daqs u l-interkonnettività tagħha, mingħajr ma tikkawża taqlib sistemiku. Istituzzjoni li tkun qed tfalli għandha fil-prinċipju tiġi likwidata skont proċeduri normali ta' insolvenza Madankollu, il-likwidazzjoni skont proċeduri normali ta' insolvenza tista' tipperikola l-istabbiltà finanzjarja, titterrompi l-provvista ta' funzjonijiet kritiċi, u taffettwa l-protezzjoni tad-depożituri. F'dan il-każ huwa wisq probabbli li jkun hemm interess pubbliku li l-istituzzjoni titqiegħed taħt riżoluzzjoni u li jiġu applikati għodod ta' riżoluzzjoni flok rikors għal proċeduri normali ta' insolvenza. L-għanijiet tar-riżoluzzjoni għandhom għalhekk ikunu li tiġi żgurata l-kontinwità ta' funzjonijiet kritiċi, biex jiġu evitati l-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, biex jiġu protetti fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja straordinarja għal istituzzjonijiet li qed ifallu, u sabiex jiġu protetti d-depożituri koperti, l-investituri, il-fondi tal-klijent u l-assi tal-klijent.

(46) Dejjem għandu jitqies l-istralċ ta' istituzzjoni li qed tfalli permezz ta' proċeduri normali ta' insolvenza qabel l-applikazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni. Istituzzjoni li qed tfalli għandha tinżamm, permezz tal-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni, bħala negozju avvjat bl-użu, kemm jista' jkun, ta' fondi privati. Dan jista' jinkiseb jew permezz ta' bejgħ jew fużjoni ma' akkwirent mis-settur privat jew permezz ta' tnaqqis fil-valur tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew wara l-konversjoni tad-dejn tagħha għal ekwità, sabiex isseħħ rikapitalizzazzjoni.

(47) Fl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed b'konformità ma' prinċipji fosthom li l-azzjonisti u l-kredituri jerfgħu sehem xieraq tat-telf, li l-maniġment għandu fil-prinċipju jiġi sostitwit, li l-ispejjeż tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni jiġu minimizzati, u li l-kredituri tal-istess klassi jiġu ttrattati b'mod ekwu. B'mod partikolari, meta l-kredituri fl-istess klassi jiġu ttrattati b'mod differenti fil-kuntest ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni, tali distinzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati fl-interess pubbliku u la għandhom ikunu direttament diskriminatorji u l-anqas indirettament diskriminatorji għal raġunijiet ta' nazzjonalità. Meta l-użu tal-għodod tar-riżoluzzjoni jinvolvi l-għotja ta' għajnuna mill-Istat, l-interventi għandhom jiġu vvalutati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-għajnuna mill-Istat. Għajnuna mill-Istat tista' tkun involuta, fost l-oħrajn, fejn il-fondi tar-riżoluzzjoni jew il-fondi ta' garanzija tad-depożiti jintervjenu biex jgħinu fir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet li jkunu qed ifallu.

(48) Fl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinfurmaw u jikkonsultaw mar-rappreżentanti tal-impjegati fejn ikun xieraq. Fejn applikabbli, il-ftehimiet kollettivi, jew l-arranġamenti l-oħra pprovduti mis-sħab soċjali, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ f'dak ir-rigward.

(49) Il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-azzjonisti u l-kredituri għandhom ikunu f'konformità mal-Artikolu 52 tal-Karta. L-għodod tar-riżoluzzjoni għandhom għalhekk jiġu applikati biss lil dawk l-istituzzjonijiet li jkunu qed ifallu jew probabbli li jfallu, u dan biss meta jkun neċessarju biex jintlaħaq l-għan tal-istabbiltà finanzjarja fl-interess ġenerali. Partikolarment, l-għodod ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati fejn l-istituzzjoni ma tistax tiġi stralċjata taħt proċeduri normali ta' insolvenza mingħajr ma tiġi distabbilizzata s-sistema finanzjarja u l-miżuri jkunu neċessarji sabiex jiġi żgurat trasferiment rapidu u l-kontinwazzjoni ta' funzjonijiet sistemikament importanti u fejn ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal kwalunkwe soluzzjoni privata alternattiva, inklużi kwalunkwe żieda fil-kapital mill-azzjonisti eżistenti jew minn kwalunkwe parti terza biżżejjed biex tiġi restawrata l-vijabbiltà sħiħa tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, fl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, għandhom jitqiesu l-prinċipju tal-proporzjonalità kif ukoll il-karatteristiċi distinti tal-forma ġuridika ta' istituzzjoni.

(50) Interferenza mad-drittijiet tas-sjieda ma għandhiex tkun sproporzjonata. L-azzjonisti u l-kredituri affettwati ma għandhomx iġarrbu iktar telf minn dawk li kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni tar-riżoluzzjoni. Fil-każ ta' trasferiment parzjali ta' assi ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil xerrej privat jew bank tranżitorju, il-parti residwa tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni għandha tiġi stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. Sabiex jiġu protetti l-azzjonisti u l-kredituri li jitħallew fil-proċeduri tal-istralċ tal-istituzzjoni, dawn għandhom ikunu intitolati jirċievu bi ħlas, jew kumpens, għall-pretensjonijiet tagħhom fil-proċeduri tal-istralċ mhux inqas minn dak li huwa stmat li kienu jirkupraw kieku l-istituzzjoni kollha ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza.

(51) Għall-iskop li jiġi protett id-dritt tal-azzjonisti u l-kredituri, għandhom jiġu stabbiliti obbligi ċari fir-rigward tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u fejn meħtieġ skont din id-Direttiva l-valutazzjoni tat-trattament li kienu jirċievu l-azzjonisti u l-kredituri kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. Għandu jkun possibbli li valutazzjoni tinbeda diġà fil-fażi ta' intervent bikri. Qabel tittieħed kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni, għandha titwettaq valutazzjoni ġusta u realistika u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni. Tali valutazzjoni għandha tkun soġġetta għal dritt ta' appell flimkien mad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni biss. Barra minn hekk, fejn meħtieġ skont din id-Direttiva, paragun ex post bejn it-trattament li l-azzjonisti u l-kredituri jkunu fil-fatt ġew mogħtija u t-trattament li kienu jirċievu skont proċeduri normali ta' insolvenza għandu jitwettaq wara li jkunu ġew applikati għodda ta' riżoluzzjoni. Jekk ikun determinat li l-azzjonisti u l-kredituri jkunu rċevew, fil-ħlas, jew kumpens, għall-pretensjonijiet tagħhom, l-ekwivalenti ta' inqas mill-ammont li kienu jirċievu taħt proċeduri normali ta' insolvenza, huma għandhom ikunu intitolati għal ħlas tad-differenza fejn meħtieġ skont din id-Direttiva. B'kuntrast mal-valutazzjoni ta' qabel l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, għandu jkun possibbli li dak il-paragun jiġi kontestat separatament mid-deċiżjoni tar-riżoluzzjoni. L-Istati Membri għandhom jitħallew ħielsa jiddeċiedu dwar il-proċedura ta' kif l-azzjonisti u l-kredituri jitħallsu kwalunkwe differenza li tkun ġiet ddeterminata fit-trattament. Din id-differenza, jekk ikun hemm, għandha titħallas mill-arranġamenti finanzjarji stabbiliti skont din id-Direttiva.

(52) Huwa importanti li t-telf jiġi rrikonoxxut mal-falliment tal-istituzzjoni. Il-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' istituzzjonijiet li qed ifallu għandha tkun ibbażara fuq suppożizzjonijiet prudenti u realistiċi fil-mument meta l-għodod tar-riżoluzzjoni jiġu applikati. Madankollu, il-valur tal-obbligazzjonijiet ma għandux jiġi affettwat fil-valwazzjoni mill-istat finanzjarju tal-istituzzjoni. Għandu jkun possibbli, għar-raġunijiet ta' urġenza, li l-awtoritajiet

tar-riżoluzzjoni jagħmlu valwazzjoni rapida tal-assi jew l-obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni li qed tfalli. Dik il-valwazzjoni għandha tkun proviżorja u għandha tapplika sakemm titwettaq valwazzjoni indipendenti. L-istandards tekniċi vinkolanti tal-ABE relatati mal-metodoloġija ta' valwazzjoni għandhom jistabbilixxu qafas ta' prinċipji li għandu jintuża fit-twettiq ta' tali valwazzjonijiet, u filwaqt li jkunu jistgħu jiġu applikati metodoloġiji speċifiċi differenti mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u minn valwaturi indipendenti kif xieraq.

(53) Azzjoni rapida u kkoordinata hija meħtieġa sabiex tiġi sostnuta l-fiduċja fis-suq u jiġi mminimizzat il-kontaġju. Ladarba istituzzjoni titqies li qed tfalli jew x'aktarx tfalli u li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe azzjoni alternattiva tas-settur privat jew superviżorja tista' tipprevejni l-falliment tal-istituzzjoni fi żmien raġonevoli, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma għandhomx idumu sabiex jieħdu azzjoni xierqa fl-interess pubbliku. Iċ-ċirkostanzi li fihom jista' jseħħ falliment ta' istituzzjoni, u b'mod partikolari billi titqies l-urġenza possibbli tas-sitwazzjoni, għandhom jippermettu lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni mingħajr ma jimponu obbligu li l-ewwel jintużaw is-setgħat ta' intervent bikri.

(54) Meta jieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu u jsegwu l-miżuri previsti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni sakemm l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jivvalutawx, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, li l-objettivi ta' riżoluzzjoni se jintlaħqu b'mod aktar effettiv billi jittieħdu azzjonijiet li mhumiex previsti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

(55) Ħlief kif speċifikat f'din id-Direttiva, l-għodod ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati qabel kwalunkwe injezzjoni ta' kapital mis-settur pubbliku jew għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja ekwivalenti lill-istituzzjoni. Dan, madankollu, ma għandux jimpedixxi l-użu ta' fondi mill-iskemi ta' garanzija jew ta' fondi ta' riżoluzzjoni sabiex jiġi assorbit it-telf li nkella jġarrbu d-depożituri kopertijew il-kredituri esklużi b'mod diskrezzjonali. F'dak ir-rigward, l-użu ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, ta' fondi ta' riżoluzzjoni jew ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, biex tiġi megħjuna r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet li qed ifallu għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-għajnuna mill-Istat.

(56) Il-problemi fis-swieq finanzjarji fl-Unjoni li jirriżultaw minn avvenimenti mifruxa fuq is-sistema jistgħu jkollhom effetti negattivi fuq l-ekonomija tal-Unjoni u fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-għodod ta' riżoluxxjoni għandhom jitfasslu u jkunu xierqa biex jindirizzaw xenarji li fil-parti l-kbir jkunu imprevedibbli, filwaqt li jqisu li jaf ikun hemm differenzi bejn istituzzjoni unika fi kriżi u kriżi bankarja sistemika usa'.

(57) Meta l-Kummissjoni tivvaluta għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 TFUE tal-għodod ta' stabilizzazzjoni tal-gvern imsemmija f'din id-Direttiva, hi għandha separatament tivvaluta jekk l-għodod ta' stabilizzazzjoni tal-gvern notifikati jiksrux xi dispożizzjonijiet intrinsikament marbuta tal-liġi tal-Unjoni, inklużi dawk relatati mar-rekwiżit ta' assorbiment tat-telf minimu ta' 8 % li jinsab f'din id-Direttiva kif ukoll jekk hemmx sitwazzjoni straordinarja ħafna ta' kriżi sistemika li tiġġustifika l-użu ta' dawk l-għodod skont din id-Direttiva filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali fis-suq intern. B'konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, dik il-valutazzjoni għandha ssir qabel ma tintuża xi għodda ta' stabilizzazzjoni tal-gvern.

(58) L-applikazzjoni tal-għodod ta' stabilizzazzjoni tal-gvern għandhom ikunu fiskalment newtrali fuq terminu medju.

(59) L-għodod ta' riżoluzzjoni għandhom jinkludu l-bejgħ tan-negozju jew ishma tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-istabbiliment ta' istituzzjoni tranżitorja, is-separazzjoni tal-assi bi prestazzjoni tajba minn dawk indeboliti jew bi prestazzjoni baxxa tal-istituzzjoni li tkun qed tfalli, u rikapitalizzazzjoni interna tal-azzjonisti u l-kredituri tal-istituzzjoni li tkun qed tfalli.

(60) Fejn l-għodod tar-riżoluzzjoni jkunu ntużaw sabiex jiġu ttrasferiti s-servizzi sistemikament importanti jew in-negozju vijabbli ta' istituzzjoni għal entità soda bħal akkwirent mis-settur privat jew istituzzjoni tranżitorja, il-parti reżidwa tal-istituzzjoni għandha tiġi likwidata f'qafas ta' żmien xieraq wara li tkun ġiet ikkunsidrata kwalunkwe ħtieġa għall-istituzzjoni li qed tfalli li tipprovdi servizzi jew appoġġ sabiex l-akkwirent jew l-istituzzjoni tranżitorja tkun tista' tkompli twettaq l-attivitajiet jew is-servizzi akkwistati permezz ta' dak it-trasferiment.

(61) L-għodda ta' bejgħ ta' negozju għandha tippermetti lill-awtoritajiet ibigħu l-istituzzjoni jew parti minn negozju tagħha lil akkwirent wieħed jew aktar mingħajr il-kunsens tal-azzjonisti. Meta tiġi applikata l-għodda tal-bejgħ ta' negozju, l-awtoritajiet għandhom jagħmlu arranġament għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew parti min-negozju tagħha f'proċess miftuħ, trasparenti u nondiskriminatorju, waqt li jimmiraw lejn il-massimizzazzjoni tal-prezz tal-bejgħ safejn possibbli. Meta, għal raġunijiet ta' urġenza, tali proċess ikun impossibbli, l-awtoritajiet għandhom jieħdu passi biex jirranġaw l-effetti detrimentali fuq il-kompetizzjoni u fuq is-suq intern.

(62) Kwalunkwe dħul nett mit-trasferiment ta' assi jew obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni meta tiġi applikata l-għodda tal-bejgħ tan-negozju għandu jibbenefika lill-istituzzjoni li tithalla fil-proċeduri tal-istralċ. Kwalunkwe dħul nett mit-trasferiment ta' strumenti oħra ta' sjieda maħruġa mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni meta tiġi applikata l-għodda tal-bejgħ tan-negozju għandu jibbenefika lill-azzjonisti. Id-dħul għandu jiġi kkalkulat nett mill-ispejjeż li jinħolqu mill-falliment tal-istituzzjoni u mill-proċess tar-riżoluzzjoni.

(63) Sabiex jitwettaq il-bejgħ tan-negozju bla telf ta' żmien u tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja, il-valutazzjoni tax-xerrej ta' parteċipazzjoni kwalifikanti għandha titwettaq fil-ħin b'mod li ma jdewwimx l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ tan-negozju b'konformità ma' din id-Direttiva permezz ta' deroga mill-iskadenzi u l-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(64) Informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' istituzzjoni li qed tfalli u n-negozjati ma' akkwirenti potenzjali qabel l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ tan-negozju x'aktarx li tkun ta' importanza sistemika. Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, id-divulgazzjoni lill-pubbliku ta' din l-informazzjoni meħtieġa mir-Regulation (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tista' tiġi ttardjata saż-żmien meħtieġ sabiex tiġi ppjanata u strutturata r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni skont id-dewmien permess taħt ir-reġim tal-abbuż tas-suq.

(65) Bħala istituzzjoni kompletament jew parzjalment fil-pussess ta' jew ikkontrollata minn awtorità pubblika waħda jew aktar jew ikkontrollata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, istituzzjoni tranżitorja jkollha bħala l-għan prinċipali tagħha li tiżgura li servizzi finanzjarji essenzjali jkomplu jiġu pprovduti lill-klijenti tal-istituzzjoni li qed tfalli u li l-attivitajiet finanzjarji essenzjali jkomplu jitwettqu. L-istituzzjoni tranżitorja għandha tiġi operata bħala avvjata vijabbli u għandha titqiegħed lura fis-suq meta l-kondizzjonijiet ikunu xierqa u fil-perjodu stabbilit f'din id-Direttiva jew tiġi stralċjata jekk ma tkunx vijabbli.

(66) L-għodda tas-separazzjoni tal-assi għandha tippermetti lill-awtoritajiet jittrasferixxu assi, drittijiet jew responsabbiltajiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil vettura separata. Din l-għodda għandha tintuża biss flimkien ma' għodod oħra sabiex jiġi evitat vantaġġ kompetittiv mhux mistħoqq għall-istituzzjoni li qed tfalli.

(67) Reġim ta' riżoluzzjoni effettiv għandu jnaqqas l-ispejjeż tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni li tkun qed tfalli li jġarrbu l-kontribwenti. Għandu jiżgura li istituzzjonijiet sistemiċi jkunu jistgħu jiġu riżolti mingħajr ma jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja. L-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna tilħaq dak il-għan billi tiżgura li l-azzjonisti u l-kredituri tal-istituzzjoni li qed tfalli jsofru telf xieraq u jġarrbu parti xierqa minn dawk l-ispejjeż li jirriżultaw mill-falliment tal-istituzzjoni. L-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, għalhekk se tagħti lill-azzjonisti u l-kredituri inċentiv iktar b'saħħtu biex jimmonitorjaw is-saħħa ta' istituzzjoni matul ċirkostanzi normali u tissodisfa r-rakkomandazzjoni tal-Bord għall-Istabbilità Finanzjarja li s-setgħat statutorji ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tad-dejn għandhom jiġu inklużi f'qafas għar-riżoluzzjoni, bħala alternattiva addizzjonali flimkien ma' għodod oħra ta' riżoluzzjoni.

(68) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa sabiex jallokaw telf lill-kredituri f'firxa ta' ċirkostanzi, huwa xieraq li dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu japplikaw l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna kemm fejn l-għan huwa li l-istituzzjoni li qed tfalli tiġi riżolta bħala negozju avvjat, kif ukoll fejn ikun hemm prospett realistiku li l-vijabbiltà tal-istituzzjoni tista' tiġi restawrata u fejn servizzi sistemikament importanti jiġu ttrasferiti lil istituzzjoni tranżitorja u l-parti reżidwa tal-istituzzjoni tieqaf topera u tiġi stralċjata.

([1]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar swieq fl-istrumenti strumenti li temenda id-Direttiva 2004/39/KE fid-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2011/61/UE (ara paġna 349 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

(69) Fejn l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna tiġi applikata bil-għan li jerġa' jinġieb il-kapital tal-istituzzjoni li qed tfalli sabiex tkun tista' tkompli topera bħala negozju avvjat, ir-riżoluzzjoni permezz ta' rikapitalizzazzjoni interna għandha tiġi akkumpanjata mis-sostituzzjoni tal-maniġment, ħlief meta ż-żamma tal-maniġment tkun xierqa u neċessarja għall-kisba tal-objettivi tar-riżoluzzjoni, u ristrutturar sussegwenti tal-istituzzjoni u l-attivitajiet tagħha b'mod li jiġu indirizzati r-raġunijiet tal-falliment tagħha. Dak ir-ristrutturar għandu jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju. Fejn applikabbli, tali pjanijiet jeħtieġ li jkunu kompatibbli mal-pjan ta' ristrutturazzjoni li l-istituzzjoni hija meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont il-qafas għall-għajnuna mill-Istat. Partikolarment, flimkien mal-miżuri mmirati biex ireġġgħu lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni, il-pjan għandu jinkludi miżuri li jillimitaw l-għajnuna għall-kondiviżjoni minima tal-piżijiet, u miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(70) Mhuwiex xieraq li tiġi applikata l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna fuq pretensjonijiet safejn dawn ikunu ggarantiti, ikkollateralizzati jew iggarantiti mod ieħor. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna tkun effettiva u tikseb l-għanijiet tagħha, huwa tajjeb li tkun tista' tiġi applikata għal firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' obbligazzjonijiet mhux garantiti ta' istituzzjoni li qed tfalli. Madankollu, huwa xieraq li jiġu esklużi ċerti tipi ta' obbligazzjonijiet mhux garantiti mill-ambitu tal-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna. Sabiex jiġu protetti d-detenturi ta' depożiti koperti, l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ma għandhiex tapplika għal dawk id-depożiti li huma protetti skont id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi, l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ma għandhiex tapplika għal ċerti obbligazzjonijiet lejn l-impjegati tal-istituzzjoni li qed tfalli jew għal pretensjonijiet kummerċjali relatati ma' oġġetti u servizzi li huma kritiċi għall-funzjonament ta' kuljum tal-istituzzjoni. Sabiex jiġu onorati d-drittijiet għall-pensjoni u l-ammonti ta' pensjoni dovuti lil fiduċjarji tal-pensjoni jew lil trustees tal-pensjoni, l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna m'għandhiex tapplika għall-obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni li qed tfalli lil skema ta' pensjoni. Madankollu, l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni tkun tapplika għal obbligazzjonijiet għal benefiċċji tal-pensjoni attribwibbli għal remunerazzjoni varjabbli li ma tirriżultax minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv, kif ukoll għall-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni ta' dawk li jieħdu riskju materjali. Biex jonqos ir-riskju ta' kontaġju sistemiku, l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ma għandhiex tapplika għal obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn parteċipazzjoni f'sistemi ta' pagament li baqgħalhom anqas minn sebat ijiem ta' maturità, jew obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet, minbarra entitajiet li jagħmlu parti mill-istess grupp, b'maturità oriġinali ta' anqas minn sebat ijiem.

(71) Billi l-protezzjoni tad-depożituri koperti hija waħda mill-għanijiet l-iżjed importanti tar-riżoluzzjoni, id-depożiti koperti ma għandhomx ikunu soġġetti għal eżerċizzju tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna. L-iskema tal-garanzija tad-depożiti għandha, madankollu, tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-proċess tar-riżoluzzjoni billi tassorbi t-telf sal-punt tat-telf nett li kieku kien jiġġarrab wara l-ikkumpensar ta' depożituri fi proċedimenti ta' insolvenza normali. L-eżerċizzju tas-setgħat ta' rikapitalizzazzjoni interna se jiżgura li d-depożituri jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, għall-inqas sal-livell ta' kopertura, li hija r-raġuni ewlenija għaliex ġew stabbiliti l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti. In-nuqqas ta' provvediment tal-involviment ta' dawk l-iskemi f'każijiet bħal dawn jikkostitwixxi vantaġġ inġust fil-konfront tal-bqija tal-kredituri li jkunu soġġetti għall-eżerċizzju tas-setgħat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

(72) L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jeskludu jew jeskludu parzjalment l-obbligazzjonijiet f'għadd ta' ċirkostanzi inkluż meta ma jkunx possibbli li ssir rikapitalizzazzjoni interna ta' tali obbligazzjonijiet fi skeda ta' żmien raġonevoli, l-esklużjoni tkun strettament neċessarja u tkun proporzjonata għall-kisba tal-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin jew l-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna għall-obbligazzjonijiet tikkawża distruzzjoni fil-valur bir-riżultat li t-telf imġarrab minn kredituri oħrajn ikun ogħla milli kieku dawk l-obbligazzjonijiet ma jkunux ġew esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jeskludu jew jeskludu parzjalment obbligazzjonijiet meta dan ikun neċessarju biex jiġi evitat it-tixrid tal-kontaġju u tal-instabilità finanzjarja li jistgħu jikkawżaw tħarbit lill-ekonomija ta' Stat Membru. Fit-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkunsidraw il-konsegwenzi ta' rikapitalizzazzjoni interna li jirriżultaw minn depożiti eliġibbli miżmuma minn persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ogħla mil-livell ta' kopertura provdut fid-Direttiva 2014/49/UE.

(73) Meta jiġu applikati dawk l-esklużjonijiet, il-livell ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn jista' jiżdied sabiex jitqiesu tali esklużjonijiet sakemm ikun irrispettat il-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar milli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza". Fejn it-telf ma jistax jgħaddi għand kredituri oħrajn, l-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni jista' jagħti kontribuzzjoni lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni soġġett għal numru ta' kondizzjonijiet stretti inkluż ir-rekwiżit li t-telf li jammonta għal mhux inqas minn 8 % tat-total tal-obbligazzjonijiet inkluż il-fondi proprji jkun diġà ġie assorbit, u l-finanzjament ipprovdut mill-fond tar-riżoluzzjoni jkun limitat għall-iċken tal-5 % tat-total ta' obbligazzjonijiet inkluż il-fondi proprji jew il-mezzi disponibbli għall-fond tar-riżoluzzjoni u l-ammont li jista' jiġi ġġenerat permezz ta' kontribuzzjonijiet ex-post fi żmien tliet snin.

([1]) Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (Ara paġna 149 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(74) F'ċirkostanzi straordinarji, fejn l-obbligazzjonijiet ikunu ġew esklużi u l-fond tar-riżoluzzjoni jkun intuża biex jikkontribwixxi għar-rikapitalizzazzjoni interna minflok dawk l-obbligazzjonijiet sal-limitu permissibbli, l-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tkun tista' tfittex finanzjament alternattiv.

(75) L-ammont minimu ta' kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' 8 % tat-total ta' obbligazzjonijiet inklużi fondi proprji jew, meta applikabbli ta' 20 % ta' assi ppeżati għar-riskju għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-valwazzjoni għall-finijiet ta' riżoluzzjoni skont din id-Direttiva. It-telf storiku li diġà jkun ġie assorbit mill-azzjonisti permezz ta' tnaqqis fil-fondi proprji qabel tali valwazzjoni m'għandux jiġi inkluż f'dawk il-persentaġġi.

(76) Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jirrikejdi lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni b'mezzi mill-baġit ġenerali tagħhom.

(77) Minbarra fejn speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna b'mod li jirrispetta t-trattament pari passu tal-kredituri u l-klassifika statutorja tal-pretensjonijiet skont il-liġi applikabbli tal-insolvenza. It-telf għandu l-ewwel jiġi assorbit minn strumenti regolatorji tal-kapital u għandu jiġi allokat lill-azzjonisti permezz ta' kanċellazzjoni jew trasferiment ta' ishma jew permezz ta' dilwizzjoni severa. Fejn dawk l-istrumenti ma jkunux biżżejjed, id-dejn subordinat għandu jiġi kkonvertit jew jitnaqqas. L-obbligazzjonijiet prijoritarji għandhom jiġu kkonvertiti jew imnaqqsa jekk il-klassijiet subordinati jkunu ġew konvertiti jew mnaqqsa għalkollox.

(78) Meta jkun hemm eżenzjonijiet ta' obbligazzjonijiet bħal pereżempju għal sistemi ta' ħlas jew ta' saldu, impjegati jew kredituri kummerċjali, jew klassifikazzjoni preferenzjali bħal għad-depożiti ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u medji, huma għandhom japplikaw kemm f'pajjiżi terzi kif ukoll fl-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kapaċità ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' obbligazzjonijiet meta jkun xieraq f'pajjiżi terzi, ir-rikonoxximent ta' dik il-possibilità għandu jitniżżel fil-klawsoli kuntrattwali regolati mil-liġijiet ta' pajjiżi terzi, speċjalment għal dawk l-obbligazzjonijiet li jkunu f'livell aktar baxx fil-ġerarkija ta' kredituri. Klawsoli kuntrattwali bħal dawn m'għandhomx ikunu meħtieġa għal obbligazzjonijiet eżentati minn rikapitalizzazzjoni interna għal depożiti ta' persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u medji jew fejn il-liġi ta' pajjiż terz jew ftehim vinkolanti konkluż ma' dak il-pajjiż terz jippermettu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Istat Membru li teżerċita s-setgħat tagħha ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni.

(79) Sabiex jiġi evitat li l-istituzzjonijiet jistrutturaw l-obbligazzjonijiet tagħhom b'mod li jimpedixxi l-effettività tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna huwa xieraq li l-istituzzjonijiet jissodisfaw f'kull ħin rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet ta' preferenza espressi bħala perċentwali tat-total tal-obbligazzjonijiet u tal-fondi proprji tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jeħtieġu skont il-każ li dan il-perċentwali jkun totalment jew parzjalment magħmul minn fondi proprji jew minn tip speċifiku ta' obbligazzjonijiet.

(80) Din id-Direttiva tadotta approċċ "minn fuq għal isfel" għad-determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL, 'minimum requirement for own funds and eligible liabilities') fi grupp. L-approċċ jirrikonoxxi ulterjorment li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tiġi applikata fil-livell tal-persuna ġuridika individwali, u li huwa importanti li l-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tinsab fi, jew hija aċċessibbli għall-entità fil-grupp li fiha jseħħ it-telf. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li l-kapaċità tal-assorbiment tat-telf fi grupp hija distribwita fil-grupp kollu b'konformità mal-livell ta' riskju fil-persuni legali kostitwenti tagħha. Ir-rekwiżit minimu meħtieġ għal kull sussidjarja individwali għandu jiġi vvalutat separatament. Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li l-kapital u l-obbligazzjonijiet kollha li huma inklużi fir-rekwiżit minimu kkonsolidat ikunu jinsabu f'entitajiet fejn huwa possibbli li jseħħ telf, jew li huma disponibbli biex jassorbu t-telf. Din id-Direttiva għandha tippermetti riżoluzzjoni b'punt ta' dħul multiplu jew uniku. Ir-rekwiżiti MREL għandhom jirriflettu l-istrateġija ta' riżoluzzjoni li tkun xierqa għal grupp skont il-pjan ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari, ir-rekwżiti MRELgħandhom ikunu meħtieġa fil-livell xieraq fil-grupp sabiex jirriflettu l-approċċ b'punt ta' dħul multiplu jew uniku, li jkun hemm fil-pjan ta' riżoluzzjoni filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li jaf ikun hemm ċirkostanzi meta jintuża approċċ differenti minn dak fil-pjan peress li jkun jippermetti, pereżempju, li l-għanijiet ta' riżoluzzjoni jintlaħqu b'mod iktar effiċjenti. B'dak l-isfond, indipendentement minn jekk grupp jagħżilx approċċ b'punt ta' dħul uniku jew multiplu, l-istituzzjonijiet u l-persuni ġuridiċi l-oħrajn kollha fil-grupp, fejn hekk ikun meħtieġ mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, għandhom, f'kull ħin, ikollhom rekwżiti MREL robusti sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' kontaġju jew ta' assalt bankarju.

(81) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li strumenti kapitali tal-Grad 1 u l-Grad 2 Addizzjonali jassorbu bis-sħiħ it-telf hekk kif l-istituzzjoni tal-ħruġ issir nonvijabbli. Għaldaqstant, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu meħtieġa jnaqqsu għal kollox il-valur ta' dawk l-istrumenti, jew ibiddluhom fi strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, fil-punt tan-nonvijabbiltà u qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni. Għal dak il-għan, il-punt tan-nonvijabbiltà għandu jinftiehem bħala l-punt li fih l-awtorità rilevanti tiddetermina li l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni jew il-punt li fih l-awtorità tiddeċiedi li l-istituzzjoni ma tibqax vijabbli jekk dawk l-istrumenti kapitali ma jitnaqqsilhomx il-valur jew jiġu konvertiti. Il-fatt li l-istrumenti se jitnaqqsilhom il-valur jew jiġu kkonvertiti mill-awtoritajiet fiċ-ċirkostanzi meħtieġa minn din id-Direttiva għandu jiġi rikonoxxut fit-termini li jirregolaw l-istrument, u fi kwalunkwe prospett jew dokumenti ta' offerta pubblikati jew provduti f'konnessjoni mal-istrumenti.

(82) Sabiex ikunu permess eżiti ta' riżoluzzjoni effettivi, għandu jkun possibbli li l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna tkun tista' tiġi applikata qabel l-1 ta' Jannar 2016.

(83) L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna biss parzjalment fejn il-valutazzjoni tal-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati u fil-bqija tal-Unjoni turi li l-applikazzjoni sħiħa tagħha tmur kontra l-interessi ġenerali ekonomiċi u finanzjarji tal-Istat Membru jew tal-Unjoni kollha.

(84) L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħat legali kollha meħtieġa li, f'kombinazzjonijiet differenti, jistgħu jiġu eżerċitati meta jiġu applikati l-għodod tar-riżoluzzjoni. Għandhom jinkludu s-setgħa ta' trasferiment tal-ishma, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet, tal-istituzzjoni li tkun qed tfalli lejn entità oħra bħal istituzzjoni oħra jew istituzzjoni tranżitorja, is-setgħa biex tagħmel valwazzjoni negattiva jew tikkanċella ishma, jew tnaqqas il-valur jew tikkonverti l-obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni li tkun qed tfalli, is-setgħa li tissostitwixxi l-maniġment u s-setgħa li timponi moratorju temporanju fuq il-pagament tal-pretensjonijiet. Jinħtieġu setgħat supplimentari, inkluża s-setgħa li tintalab il-kontinwità ta' servizzi essenzjali minn partijiet oħra ta' grupp.

(85) Mhuwiex meħtieġ li jiġu preskritti l-mezzi eżatti li permezz tagħhom l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jintervjenu fl-istituzzjoni li qed tfalli. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom l-għażla bejn li jieħdu l-kontroll permezz ta' intervent dirett fl-istituzzjoni jew permezz ta' ordni eżekuttiva. Għandhom jiddeċiedu skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Ma jidhirx li huwa meħtieġ għal kooperazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri li jiġi impost mudell uniku f'dan l-istadju.

(86) Il-qafas tar-riżoluzzjoni għandu jinkludi rekwiżiti proċedurali sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tar-riżoluzzjoni jiġu notifikati sew u, soġġetti għall-eċċezzjonijiet limitati stabbiliti f'din id-Direttiva, isiru pubbliċi. Madankollu, minħabba li l-informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u l-konsulenti professjonali tagħhom matul il-proċess tar-riżoluzzjoni x'aktarx tkun sensittiva, qabel ma d-deċiżjoni tar-riżoluzzjoni ssir pubblika, din l-informazzjoni għandha tiġi soġġetta għal reġim effettiv ta' kunfidenzjalità. Għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li l-informazzjoni dwar il-kontenut u d-dettalji ta' pjanijiet tal rkupru u riżoluzzjoni u r-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni ta' dawk il-pjanijiet jista' jkollhom effetti ampji, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi kkonċernati. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta fir-rigward ta' deċiżjoni qabel ma tittieħed, kemm dwar jekk il-kundiżżjonijiet għal riżoluzzjoni humiex sodisfatti, dwar l-użu ta' għodda speċifika kif ukoll dwar kwalunkwe azzjoni matul il-proċeduri, għandha titqies li għandha effett fuq l-interessi pubbliċi u privati kkonċernati mill-azzjoni. Madankollu, l-informazzjoni li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun qed teżamina istituzzjoni speċifika tista' tkun, waħidha, biżżejjed biex ikollha effetti negattivi fuq dik l-istituzzjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm mekkaniżmi xierqa għaż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni, bħalma huma l-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni u r-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni mwettqa f'dak il-kuntest.

(87) L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom setgħat anċillari sabiex tiġi żgurata l-effettività tat-trasferiment tal-ishma jew l-istrumenti tad-dejn u l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet. Soġġett għas-salvagwardji provduti f'din id-Direttiva, dawk is-setgħat għandhom jinkludu s-setgħa li jitneħħew id-drittijiet ta' partijiet terzi mill-istrumenti jew l-assi trasferiti, u s-setgħa li jiġu infurzati l-kuntratti u li jiġi provdut għall-kontinwità tal-arranġamenti vis-à-vis l-benefiċjarju tal-assi u l-ishma trasferiti. Madankollu d-drittijiet tal-impjegati li jtemmu kuntratt ta' impjieg ma għandhomx jiġu affettwati. Lanqas ma għandu jiġi affettwat id-dritt ta' parti li ttemm kuntratt ma' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew ma' entità fil-grupp tagħha, għal raġunijiet oħra minn barra r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni li qed tfalli. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħat anċillari li jirrikjedu li l-istituzzjoni reżidwa, li

qed tiġi stralċjata taħt proċeduri normali ta' insolvenza, tipprovdi s-servizzi meħtieġa sabiex l-istituzzjoni li lilha ġew trasferiti assi jew ishma permezz tal-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ tan-negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, tkun tista' topera n-negozju tagħha.

(88) Skont l-Artikolu 47 tal-Karta, il-partijiet konċernati għandhom id-dritt għal proċess xieraq u għal rimedju effettiv kontra l-miżuri li jaffettwawhom. Għalhekk, id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu soġġetti għal dritt ta' appell.

(89) Il-miżuri ta' ġestjoni ta' kriżi meħuda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jistgħu jirrikjedu valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi u marġini kbira ta' diskrezzjoni. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali huma mgħammra speċifikament bil-kompetenzi meħtieġa għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet u għad-determinazzjoni tal-użu xieraq tal-marġini ta' diskrezzjoni. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi magħmula mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali f'dak il-kuntest jintużaw bħala bażi mill-qrati mazzjonali fir-reviżjoni tal-miżuri ta' ġestjoni ta' kriżi kkonċernati. Madankollu, in-natura kumplessa ta' dawk il-valutazzjonijiet ma għandhiex twaqqaf lill-qrati nazzjonali milli jeżaminaw jekk l-evidenza użata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni hijiex fattwalment preċiża, affidabbli u kkonsistenti, jekk dik l-evidenza fihiex informazzjoni rilevanti li għandha titqies sabiex tiġi vvalutata sitwazzjoni kumplessa u jekk hijiex kapaċi tissostanzja l-konklużjonijiet misluta minnha.

(90) Billi din id-Direttiva hija intenzjonata li tkopri sitwazzjonijiet ta' urġenza estrema, u billi s-sospensjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tista' tfixkel il-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi, huwa neċessarju li jiġi pprovdut li t-tressiq ta' kwalunkwe appell m'għandux jirriżulta f'sospensjoni awtomatika tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tkun eżegwibbli immedjatament bis-suppożizzjoni li s-sospensjoni tagħha tmur kontra l-interess pubbliku.

(91) Barra minn hekk, fejn meħtieġ sabiex jiġu protetti terzi persuni li jkunu akkwistaw assi, drittijiet u obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni b'rieda tajba bis-saħħa tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni mill-awtoritajiet u biex tkun żgurata l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji, id-dritt ta' appell ma għandux jaffettwa l-ebda att amministrattiv jew tranżazzjoni sussegwenti konkluża fuq il-bażi tad-deċiżjoni annullata. F'każijiet bħal dawn, rimedji għal deċiżjoni inġusta għandhom għalhekk ikunu limitati għall-għoti ta' kumpens għad-danni mġarrba mill-persuni affettwati.

(92) Fid-dawl li jista' jkun meħtieġ li l-miżuri għall-ġestjoni ta' kriżi jittieħdu b'mod urġenti minħabba riskji serji ta' stabilità finanzjarja fl-Istati Membri u fl-Unjoni, kwalunkwe proċedura skont il-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni għal approvazzjoni ġudizzjarja ex-ante ta' miżura ta' ġestjoni ta' kriżi u l-konsiderazzjoni tal-qorti ta' tali applikazzjoni għandhom ikunu rapidi. Fid-dawl tar-rekwiżit li miżuri għall-ġestjoni ta' kriżi tittieħed b'urġenza, il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien 24 siegħa u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità rilevanti tkun tista' tieħu d-deċiżjoni tagħha immedjatament wara li l-qorti tkun tat l-approvazzjoni tagħha. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li l-partijiet interessati jista' jkollhom biex jagħmlu applikazzjoni lill-qorti biex tiġi annullata d-deċiżjoni, għal perjodu limitat wara li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun ħadet il-miżura ta' ġestjoni ta' kriżi.

(93) Huwa fl-interess ta' riżoluzzjoni effiċjenti, u sabiex jiġu evitati l-kunflitti dwar il-ġuriżdizzjoni, li ma tinfetaħ jew titkompla l-ebda proċedura normali ta' insolvenza għall-istituzzjoni li qed tfalli waqt li l-awtorità tar-riżoluzzjoni tkun qed teżerċita s-setgħat tar-riżoluzzjoni tagħha jew tapplika l-għodod tar-riżoluzzjoni ħlief fuq l-inizjattiva jew bil-kunsens tal-awtorità ta' riżoluzzjoni. Huwa għalhekk utli u meħtieġ li jiġu sospiżi għal perjodu limitat ta' żmien ċerti obbligi kuntrattwali sabiex l-awtorità tar-riżoluzzjoni jkollha ż-żmien tpoġġi fil-prattika l-għodod tar-riżoluzzjoni. Madankollu, dan ma għandux japplika għal obbligazzjonijiet fir-rigward ta' sistemi nnominati skont id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kontropartijiet ċentrali u banek ċentrali. Id-Direttiva 98/26/KE tnaqqas ir-riskji assoċjati mal-parteċipazzjoni f'sistemi ta' ħlas u saldu tat-titoli, b'mod partikolari billi tnaqqas it-tħarbit fil-każ tal-insolvenza ta' parteċipant f'tali sistema. Biex jiġi żgurat li dawk il-protezzjonijiet japplikaw b'mod xieraq f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, filwaqt li tinżamm ċertezza xierqa għall-operaturi ta' sistemi ta' ħlas u tat-titoli u parteċipanti oħra tas-suq, din id-Direttiva tipprovdi li miżura ta' prevenzjoni ta' kriżi jew miżura ta' ġestjoni ta' kriżi waħidha m'għandhiex tkun rikonoxxuta bħala proċedura ta' insolvenza fis-sens tad-Direttiva 98/26/KE, sakemm ikomplu jitwettqu l-obbligi sostantivi skont il-kuntratt. Minkejja dan, ma hemm xejn f'din id-Direttiva li jippreġudika l-operat ta' sistema nnominati skont id-Direttiva 98/26/KE jew id-dritt għal titoli kollaterali garantiti mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/26/KE.

([1]) Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

(94) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, meta jittrasferixxu assi u obbligazzjonijiet lil akkwirent mis-settur privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, ikollhom perjodu adegwat sabiex jidentifikaw kuntratti li jeħtieġ li jiġu ttrasferiti, jaf ikun xieraq li jiġu imposti restrizzjonijiet proporzjonati fuq id-drittijiet tal-kontrapartijiet li jagħlqu, jaċċelleraw jew inkella jtemmu kuntratti finazjarji qabel ma jsir it-trasferiment. Din ir-restrizzjoni tkun meħtieġa sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiksbu stampa vera tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni li qed tfalli, mingħajr il-bidliet fil-valur u l-kamp ta' applikazzjoni li l-eżerċizzju estensiv tad-drittijiet tat-terminazzjoni jkun jinvolvi. Sabiex ma tinterferixxix aktar milli meħtieġ mad-drittijiet kuntrattwali tal-kontropartijiet, ir-restrizzjoni fuq id-drittijiet tat-terminazzjoni għandha tapplika biss fir-rigward tal-miżura ta' prevenzjoni tal-kriżi jew il-miżura ta' maniġġar tal-kriżi, inkluż l-okkorrenza ta' kwalunkwe avveniment marbut direttament mal-applikazzjoni ta' tali miżura, u d-drittijiet għat-terminazzjoni li joriġinaw minn kwalunkwe inadempjenza oħra, inkluża inadempjenza ta' pagament jew il-ħolqien ta' marġini, għandhom jibqgħu.

(95) Sabiex jiġu preservati arranġamenti leġittimi fis-suq kapitali fil-każ ta' trasferiment ta' xi assi, drittijiet u obbligazzjonijiet, iżda mhux kollha, ta' istituzzjoni li qed tfalli, huwa xieraq li jiġu inklużi salvagwardji sabiex jiġi evitat li jinqasmu obbligazzjonijiet, drittijiet u kuntratti konnessi, kif xieraq. Din ir-restrizzjoni fuq prassi magħżula fir-rigward ta' kuntratti konnessi għandha tkun estiża għal kuntratti mal-istess kontraparti koperti minn arranġamenti ta' garanzija, arranġamenti ta' kollateral finanzjarju għat-trasferimenti tat-titoli, arranġamenti ta' tpaċija, arranġamenti ta' saldu abbażi tal-valur nett u arraġamenti finanzjarji strutturati. Fejn tapplika s-salvagwardja, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu marbuta jittrasferixxu l-kuntratti konnessi kollha fi ħdan arranġament protett, jew iħalluhom kollha fl-istituzzjoni ta' kreditu residwa li tkun qed tfalli. Dawn is-salvagwardji għandhom jiżguraw li t-trattament regolatorju tal-kapital ta' skoperturi koperti minn ftehim tal-kalkolu tal-valur nett għall-finijiet tad-Direttiva 2006/48/KE ma jiġix affettwat.

(96) Filwaqt li l-iżgurar li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom l-istess għodod u setgħat għad-dispożizzjoni tagħhom se jiffaċilita azzjoni koordinata fil-każ ta' falliment ta' grupp transkonfinali, aktar azzjoni tidher meħtieġa sabiex tiġi promossal-kooperazzjoni u jiġu evitati reazzjonijiet nazzjonali frammentati. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu meħtieġa jikkonsultaw ma' xulxin u jikkooperaw f'kulleġġi ta' riżoluzzjoni bil-għan li jirriżolvu entitajiet ta' grupp bil-ħsieb li jiftiehmu dwar skema ta' riżoluzzjoni ta' grupp. Il-kulleġġi tar-riżoluzzjoni għandhom jiġu stabbiliti madwar il-qalba tal-kulleġġi superviżuri eżistenti permezz tal-inklużjoni tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, u l-involviment tal-Ministri kompetenti, il-banek ċentrali, l-ABE u, meta xieraq l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti. Fil-każ ta' kriżi, il-kulleġġ tar-riżoluzzjoni għandu jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni.

(97) Ir-riżoluzzjoni ta' gruppi transkonfinali għandha ssib bilanċ bejn il-ħtieġa, fuq naħa waħda, għal proċeduri li jqisu l-urġenza tas-sitwazzjoni u jippermettu soluzzjonijiet effiċjenti, ġusta u fil-ħin għall-grupp kollu u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li tithares l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni differenti għandhom jaqsmu l-fehmiet tagħhom fil-kulleġġ tar-riżoluzzjoni. L-azzjonijiet tar-riżoluzzjoni proposti mill-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandhom ikunu ppreparati u diskussi bejn l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni differenti fil-kuntest tal-pjanijiet tar-riżoluzzjoni tal-grupp. Il-kulleġġi tar-riżoluzzjoni għandhom jinkorporaw il-fehmiet tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tal-Istati Membri kollha li fihom huwa attiv il-grupp, sabiex jiffaċilitaw deċiżjonijiet rapidi u konġunti kull fejn possibbli. L-azzjonijiet tar-riżoluzzjoni mill-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp dejjem għandhom iqisu l-impatt tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri fejn jopera l-grupp. Dan għandu jiġi żgurat mill-possibbiltà tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tal-Istat Membru li fih hija stabbilita s-sussidjarja li toġġezzjona għad-deċiżjonijiet tal-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, mhux biss dwar l-adegwatezza tal-azzjonijiet u l-miżuri tar-riżoluzzjoni iżda wkoll minħabba l-ħtieġa li tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja f'dak l-Istat Membru.

(98) Il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni ma għandux ikun korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet, iżda pjattaforma li tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali. Id-deċiżjonijiet konġunti għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

(99) Il-produzzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandha tiffaċilita riżoluzzjoni koordinata li għandha probabbiltà akbar li twassal l-aħjar riżultat għall-istituzzjonijiet kollha ta' grupp. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livelli tal-gruppi għandha tipproponi l-iskema ta' riżoluzzjoni ta' grupp u tippreżentaha lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni li ma qablux mal-iskema jew iddeċidew li jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni indipendenti għandhom jispjegaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħhom u jinnotifikaw dawk ir-raġunijiet flimkien ma' dettalji ta' kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni indipendenti li għandhom il-ħsieb li jieħdu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u awtoritajiet ta' riżoluzzjoni oħra koperti mill-iskema ta' riżoluzzjoni ta' grupp. Kwalunkwe awtorità nazzjonali li tiddeċiedi li titlaq mill-iskema ta' riżoluzzjoni ta' grupp għandha tikkunsidra kif dovut l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri fejn jinsabu l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħra u l-effetti potenzjali fuq partijiet oħra tal-grupp.

(100) Bħala parti minn skema tar-riżoluzzjoni tal-grupp, l-awtoritajiet għandhom jiġu mistiedna japplikaw l-istess għodda għall-persuni legali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandu jkollhom is-setgħa li japplikaw l-istrument ta' istituzzjoni tranżitorja fil-livell tal-grupp (li jista' jinvolvi, fejn xieraq, arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-piż) sabiex jiġi stabbilizzat il-grupp bħala entità sħiħa. Is-sjieda ta' sussidjarji tista' tiġi trasferita lill-bank tranżitorju bil-ħsieb li jinbigħu, jew bħala pakkett jew individwali, meta l-kondizzjonijiet tas-suq ikunu xierqa. Barra minn hekk, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandu jkollha s-setgħa tapplika l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna fil-livell tal-kumpanija prinċipali.

(101) Riżoluzzjoni effettiva ta' istituzzjonijiet u gruppi attivi internazzjonalment teħtieġ kooperazzjoni bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni se tiġi ffaċilitata jekk ir-reġimi tar-riżoluzzjoni tal-pajjiżi terzi jkunu bbażati fuq prinċipji u approċċi komuni li qed jiġu żviluppati mill-Bord għall-Istabbilità Finanzjarja u l-G20. Għal dak il-għan l-ABE għandha tingħata s-setgħa sabiex tiżviluppa u tidħol f'qafas mhux vinkolanti ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu permessi jikkonkludu arranġamenti bilaterali konformi mal-qafas ta' arranġamenti tal-ABE. L-iżvilupp ta' dawk l-arranġamenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-immaniġġjar ta' falliment ta' ditti globali għandu jkun mezz sabiex jiġu żgurati ppjanar effettiv, teħid ta' deċiżjonijiet u koordinazzjoni fir-rigward ta' gruppi internazzjonali. B'mod ġenerali, għandu jkun hemm reċiproċità f'dawk l-arranġamenti. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali, bħala parti mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew, fejn applikabbli, għandhom jirrikonoxxu u jinfurzaw proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi fiċ-ċirkostanzi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(102) Għandu jkun hemm kooperazzjoni kemm fir-rigward tas-sussidjarji ta' gruppi tal-Unjoni jew ta' pajjiż terz kif ukoll fir-rigward ta' fergħat ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni jew ta' pajjiż terz. Sussidjarji ta' gruppi minn pajjiż terz huma intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni u għalhekk huma totalment soġġetti għall-liġi tal-Unjoni, inklużi l-għodod tar-riżoluzzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva. Madankollu huwa meħtieġ li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jaġixxu fir-rigward ta' fergħat ta' istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiżi terzi, meta r-rikonoxximent u l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni tal-pajjiż terz relatati mal-fergħa jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni jew meta d-depożituri tal-Unjoni ma jirċivux trattament ugwali bħad-depożituri tal-pajjiż terz. F'dawk iċ-ċirkostanzi, u fiċ-ċirkostanzi l-oħra stabbiliti f'din id-Direttiva l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt, wara li jikkonsultaw mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, li jirrifjutaw ir-rikonoxximent ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz fir-rigward ta' fergħat fl-Unjoni ta' istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

(103) Hemm ċirkustanzi fejn l-effikaċja tal-għodod ta' riżoluzzjoni applikati tkun tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' finanzjament fil-qosor għal istituzzjoni jew istituzzjoni tranżitorja, il-forniment ta' garanziji lil xerrejja potenzjali, jew il-forniment ta' kapital lill-istituzzjoni tranżitorja. Minkejja r-rwol ta' banek ċentrali fil-forniment ta' likwidità lis-sistema finanzjarja anke fi żminijiet ta' stress, huwa importanti li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti ta' finanzjament sabiex jiġi evitat li l-fondi meħtieġa għal dawn l-għanijiet jiġu mill-baġits nazzjonali. Għandha tkun l-industrija finanzjarja, kollha kemm hi, li tiffinanzja l-istabbilizzazzjoni tas-sistema finanzjarja.

(104) Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali tagħhom permezz ta' fond ikkontrollat minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jintużaw għall-finijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Madankollu, għandha tkun stipulata eċċezzjoni strettament definita li tippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu l-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali tagħhom permezz ta' kontribuzzjonijiet mandatorji minn istituzzjonijiet li huma awtorizzati fit-territorji tagħhom u li ma jinżammux permezz ta' fondi kkontrollati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tagħhom dment li jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet.

(105) Bħala prinċipju, il-kontribuzzjonijiet għandhom jinġabru mill-industrija qabel kwalunkwe operazzjoni ta' riżoluzzjoni u indipendentement minnha. Meta l-finanzjament minn qabel ma jkunx biżżejjed sabiex ikopri t-telf jew l-ispejjeż imġarrba mill-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament, kontribuzzjonijiet addizzjonali għandhom jinġabru sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispiża jew it-telf addizzjonali.

(106) Sabiex tintlaħaq massa kritika u biex jiġu evitati effetti proċikliċi li jinħolqu jekk l-arranġamenti ta' finanzjament kellhom jiddependu biss fuq kontribuzzjonijiet ex post fi kriżi sistemika, huwa indispensabbli li l-mezzi finanzjarji disponibbli ex-ante tal-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament tal-inqas jammontaw għal ċertu livell minimu ta' mira.

(107) Sabiex tiġi żgurata kalkolazzjoni ġusta tal-kontribuzzjonijiet u jiġi inċentivat l-operat taħt mudell anqas riskjuż, il-kontribuzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali għandhom iqisu l-grad ta' riskju tal-kreditu, tal-likwidità u tas-suq li jieħdu l-istituzzjonijiet.

(108) L-iżgurar ta' riżoluzzjoni effettiva ta' istituzzjonijiet li qed ifallu fl-Unjoni huwa element essenzjali tal-ikkompletar tas-suq intern. Il-falliment ta' dawn l-istituzzjonijiet għandu effett mhux biss fuq l-istabbiltà finanzjarja tas-swieq fejn joperaw direttament iżda fuq is-suq finanzjarju kollu tal-Unjoni. It-tlestija tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji tirrinforza l-interazzjoni bejn is-sistemi finanzjarji nazzjonali differenti. L-istituzzjonijiet joperaw barra l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom u huma interrelatati permezz tal-interbank u swieq oħra li, essenzjalment, huma pan-Ewropej. L-iżgurar tal-finanzjament effettiv tar-riżoluzzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet madwar l-Istati Membri huwa mhux biss fl-aħjar interessi tal-Istati Membri fejn joperaw iżda wkoll tal-Istati Membri kollha inġenerali bħala mezz sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jitjieb it-tħaddim tas-suq finanzjarju intern. L-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' arranġamenti ta' finanzjament għandu jiżgura li l-istituzzjonijiet kollha li joperaw fl-Unjoni jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni ugwalment effettivi u jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-suq intern.

(109) Sabiex tinbena r-reżiljenza ta' dik is-sistema Ewropea ta' arranġamenti ta' finanzjament, u b'konformità mal-objettiv li jeħtieġ li l-finanzjament għandu jiġi primarjament mingħand l-azzjonisti u l-kredituri ta' istituzzjonitaħt riżoluzz-joni u wara mingħand l-industrija minflok mill-baġits pubbliċi, arranġamenti ta' finanzjament għadhom ikollhom is-setgħa li jagħmlu talba biex jisselfu mingħand arranġamenti ta' finanzjament oħra f'każ ta' bżonn. Bl-istess mod għandu jkollhom is-setgħa li jagħtu self lil arranġamenti oħra li jkunu fil-bżonn. Tali self għandu jkun strettament volontarju. Id-deċiżjoni li jsellfu lil arranġamenti oħra għandha tittieħed mill-arranġament ta' finanzjament li jkun qed isellef, iżda minħabba implikazzjonijiet fiskali potenzjali l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu konsultazzjoni il-kunsens tal-ministeru kompetenti.

(110) Filwaqt li l-arranġamenti ta' finanzjament huma stabbiliti fil-livell nazzjonali, huma għandhom ikunu mutwalizzati fil-kuntest tar-riżoluzzjoni tal-gruppi, dment li jinstab qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali dwar ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni. Id-depożiti koperti mill-iskemi ta' garanzija ta' depożitu m'għandhom iġarrbu l-ebda telf fil-proċess ta' riżoluzzjoni. Meta azzjoni ta' riżoluzzjoni tiżgura li d-depożituri jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni tkun affiljata magħhom għandhom ikunu mitluba jagħmlu kontribuzzjoni mhux akbar mill-ammont ta' telf li kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza.

(111) Filwaqt li d-depożiti koperti huma protetti minn telf f'riżoluzzjoni, depożiti eliġibbli oħra huma potenzjalment disponibbli għal skopijiet tal-assorbenza ta' telf. Sabiex jiġi provdut ċertu livell ta' protezzjoni għal persuni fiżiċi u impriżi mikro, żgħar u medji li għandhom depożiti eliġibbli 'l fuq mil-livell ta' depożiti koperti, tali depożiti għandu jkollhom klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq it-talbiet ta' kredituri ordinarji mhux preferuti u mhux assigurati skont il-liġi nazzjonali li tirregola l-proċeduri normali ta' insolvenza. It-talba tal-iskema ta' garanzija tad-depożitu għandu jkollha klassifikazzjoni ogħla skont tali liġi nazzjonali minn dik tal-kategoriji msemmija qabel ta' depożiti eliġibbli. L-armonizzazzjoni ta' liġijiet nazzjonali ta' insolvenza f'dan il-qasam hija wkoll neċessarja sabiex jiġi minimizzat l-esponiment tal-fondi ta' riżoluzzjoni ta' Stati Membri taħt il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar kif provdut f'din id-Direttiva.

(112) F'każ li d-depożiti jiġu trasferiti lil istituzzjoni ta' kreditu oħra fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni, id-depożituri ma għandhomx jiġu assigurati lil hinn mil-livell ta' kopertura provdut fid-Direttiva 2014/49/UE. Għal-hekk pretensjonijiet fir-rigward ta' depożiti li jibqgħu fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għandhom jiġi limitati għad-differenza bejn il-fondi trasferiti u l-livell ta' kopertura provdut fid-Direttiva 2014/49/UE. Meta d-depożiti trasferiti jkunu superjuri mil-livell ta' kopertura, id-depożituri ma għandu jkollu l-ebda pretensjoni kontra l-iskema ta' garanzija tad-depożiti fir-rigward tad-depożiti li jibqgħu fl-istituzzjoni ta' kreditu taħt riżoluzzjoni.

(113) L-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament li jipprovdu għas-sistema Ewropea ta' arranġamenti ta' finanzja-ment stabbilita f'din id-Direttiva għandu jiżgura l-koordinazzjoni tal-użu tal-fondi disponibbli fil-livell nazzjonali għal riżoluzzjoni.

(114) Is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tispeċifika l-kriterji għad-definizzjoni ta' "funzjonijiet kritiċi" u "linji tan-negozju ewlenin" għall-finijiet ta' din id-Direttiva; iċ-ċirkostanzi fejn l-esklużjoni tal-obbligazzjonijiet mir-rekwiżiti ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni taħt din id-Direttiva hija neċessarja; il-klassijiet ta' arranġament li għalihom l-Isatati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni xierqa fi trasferimenti parzjali il-manjiera li fiha l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet għal arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu aġġustati fi proporzjon mal-profil tar-riskju tagħhom; l-obbligi ta' reġistrazzjoni, kontabbiltà u rappurtar u obbligi oħrajn maħsubin sabiex jiżguraw il-ħlas effettiv tal-kontribuzzjonijiet ex ante; u ċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet li sġoetti għalihom istituzzjoni tista' tkun termporanjament eżentata milli tħallas kontribuzzjonijiet ex post. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(115) Fejn provdut f'din id-Direttiva, huwa xieraq li l-ABE tippromwovi l-konverġenza tal-prattiki ta' awtoritajiet nazzjonali permezz ta' linji gwida b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'oqsma mhux koperti bi standards tekniċi regolatorji jew ta' implimentazzjoni, l-ABE tista' tippubblika linji gwida u rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fuq l-inizjattiva proprja.

(116) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandu jkollhom tliet xhur mid-data tan-notifika biex joġġezzjonaw għal att delegat. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu jistgħu jinfurmaw lill-istituzzjonijiet l-oħra bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmu l-ebda oġġezzjoni.

(117) Standards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiffaċilitaw armonizzazzjoni konsistenti u protezzjoni adegwata tad-depożituri, l-investituri u l-konsumaturi madwar l-Unjoni. Bħala korp b'kompetenza esperta speċjalizzata ħafna, ikun effiċjenti u xieraq fil-każijiet speċifikati f'din id-Direttiva li l-ABE tiġi fdata bl-iżvilupp f'abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet politiċi, biex jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

(118) Il-Kummissjoni għandha, fejn provdut f'din id-Direttiva, tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji żviluppat mill-ABE permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Il-Kummissjoni għandha, fejn provdut f'din id-Direttiva, tadotta standards tekniċi implimentattivi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u b'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(119) Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar fl-Istati Membri kollha ta' deċiżjonijiet dwar ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet li għandhom fergħat fi Stati Membri oħra għajr dawk li fihom għandhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom. Dik id-direttiva tiżgura li l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tal-istituzzjoni, irrispettivament mill-pajjiż li jinsabu fih, jiġu trattati fi proċess uniku fl-Istat Membru tad-domiċilju u li kredituri fl-Istati Membru ospitanti jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-kredituri fl-Istat Membru tad-domiċilju. Sabiex tinkiseb riżoluzzjoni effettiva, id-Direttiva 2001/24/KE għandha tapplika fil-każ tal-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni kemm meta dawk l-istrumenti jiġu applikati għal istituzzjonijiet kif ukoll meta jiġu applikati għal entitajiet oħra koperti mir-reġim ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, id-Direttiva 2001/24/KE għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(120) Id-direttivi tal-Unjoni dwar il-liġi tal-kumpanniji jinkludu regoli mandatorji għall-protezzjoni tal-azzjonisti u l-kredituri ta' istituzzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn id-direttivi. F'sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġ jaġixxu b'mod rapidu, dawk ir-regoli jistgħu jfixklu l-azzjoni effettiva u l-użu ta' għodod u setgħat ta' riżoluzzjoni minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u derogi xierqa għandhom jiġu inklużi f'din id-Direttiva. Sabiex tiġi garantita ċertezza legali massima għall-partijiet interessati, id-derogi għandhom jiġu definiti b'mod ċar u strett, u għandhom jintużaw biss fl-interess pubbliku u meta jiġu sodisfatti l-iskattaturi tar-riżoluzzjoni. L-użu tal-għodod tar-riżoluzzjoni jippresupponi li l-għanijiet tar-riżoluzzjoni jinkisbu u li l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva ikunu ntlaħqu.

---

[1] Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar ir-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15).

(121) Id-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fiha regoli dwar id-drittijiet tal-azzjonisti li jiddeċiedu dwar iż-żidiet u t-tnaqqis fil-kapital, dwar id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fi kwalunkwe ħruġ ta' ishma ġodda għal korrispettiv ta' flus, dwar il-protezzjoni tal-kredituri f'każ ta' tnaqqis kapitali u l-konvokazzjoni ta' laqgħa tal-azzjonisti f'każ ta' telf serju ta' kapital. Dawk ir-regoli jistgħu jfixklu l-azzjoni rapida mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u għandhom jiġu previsti derogi xierqa minnhom.

(122) Id-Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), tistabbilixxi regoli fost l-oħrajn dwar l-approvazzjoni ta' fużjonijiet mil-laqgħa ġenerali ta' kull waħda mill-kumpaniji li jkunu qed jiġu fużi, dwar ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-abbozz tat-termini tal-fużjoni, rapport mill-maniġment u rapport tal-esperti, u dwar il-protezzjoni tal-kredituri. Id-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE ([3]) fiha regoli simili dwar id-diviżjoni ta' kumpaniji b'responsabbiltà pubblika limitata. Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tipprovdi għal regoli korrispondenti dwar fużjonijet transkonfinali ta' kumpaniji b' responsabbiltà limitata. Derogi xierqa minn dawk id-direttivi għandhom jiġu provduti sabiex tiġi permessa azzjoni rapida mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni.

(123) Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), tistabbilixxi obbligu għat-tnedija ta' offerta mandatorja ta' xiri fuq l-ishma kollha tal-kumpannija għall-prezz ekwitabbli, kif definit f'dik id-direttiva, jekk azzjonist jakkwista, direttament jew indirettament u waħdu jew flimkien ma' oħrajn, ċertu perċentwali ta' ishma ta' dik il-kumpanija, li jagħtuh kontroll ta' dik il-kumpanija u huwa definit mil-liġi nazzjonali. L-għan tar-regola tal-offerta mandatorja huwa li jiġu protetti azzjonisti f'minoranza f'każ ta' bdil fil-kontroll. Madankollu, il-prospett ta' dan l-obbligu għali jista' jiskoraġġixxi investituri possibbli fl-istituzzjoni affettwata, b'hekk jagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni li jagħmlu użu mis-setgħat tar-riżoluzzjoni kollha tagħhom. Għandhom jiġu provduti derogi xierqa mir-regola tal-offerta mandatorja, sal-punt meħtieġ għall-użu tas-setgħat tar-riżoluzzjoni, filwaqt li wara l-perjodu tar-riżoluzzjoni r-regola tal-offerta mandatorja għandha tiġi applikata lil kull azzjonista li jakkwista kontroll fl-istituzzjoni affettwata.

(124) Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), tipprevedi drittijiet proċedurali tal-azzjonijisti relatati mal- laqgħat ġenerali. Id-Direttiva 2007/36/KE tistipula fost affarijiet oħra l-perjodu minimu għan-notifika ta' laqgħat ġenerali u l-kontenut tan-notifika ta' laqgħa ġenerali. Dawk ir-regoli jistgħu jfixklu l-azzjoni rapida mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u għandhom jiġu previsti derogi adegwati mid-direttiva. Qabel ir-riżoluzzjoni jista' jkun hemm ħtieġa għal żieda rapida fil-kapital meta l-istituzzjoni ma tissodisfax jew x'aktarx li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE u żieda fil-kapital x'aktarx li tirrestawra s-sitwazzjoni finanzjarja u tevita sitwazzjoni fejn il-kondizzjonijiet tal-limitu għal riżoluzzjoni jiġu sodisfatti. Madankollu, l-azzjonisti għandhom iżommu s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar iż-żieda u dwar it-tqassir tal-perjodu ta' notifika għal laqgħat ġenerali. Għandhom jiġu pprovduti derogi xierqa mid-Direttiva 2007/36/KE għall-istabbiliment ta' dak il-mekkaniżmu.

(125) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu rappreżentati fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1092/2010, ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u r-Regolament

([1]) Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is- salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

([2]) Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-mergers ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata (ĠU L 110, 29.4.2011, p. 1).

([3]) Is-sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3)(g) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpaniji b'responsabbilta pubblika limitata (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47).

([4]) Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar fużjonijiet transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1).

([5]) Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).

([6]) Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17).

([7]) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u biex jiġi żgurat li l-EBA jkollha l-kompetenza meħtieġa biex twettaq il-kompiti stabbiliti f'din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għandu jiġi emendat sabiex jinkludi l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni kif definit f'din id-Direttiva, fil-kunċett ta' awtoritajiet kompetenti stabbilit f'dak ir-Regolament. Tali assimilazzjoni bejn l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament Nru 1093/2010 hija konsistenti mal-funzjonijiet attribwiti lill-ABE skont l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1093/2010 li ikkontribwixxi u tipparteċipa b'mod attiv fl-iżvilupp u l-koodinazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni u li timmira lejn il-faċilitazzjoni tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet li qed ifallu u partikolarment ta' gruppi transkonfinali.

(126) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mill-istituzzjonijiet, dawk li effettivament jikkontrollaw in-negozju u l-korp tal-maniġment tagħhom bl-obbligi li joħorġu minn din id-Direttiva u sabiex jiġi żgurat li jkunu soġġetti għall-istess trattament fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu għal penali amministrattivi u penali amministrattivi oħra li jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. Għaldaqstant, is-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi oħra stabbilti mill-Istati Membri għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti essenzjali fir-rigward tad-destinatarji, il-kriterji li għandhom ikunu kkunsidrati meta japplikaw penali jew miżura amministrattiva oħra, il-pubblikazzjoni tal-penali jew tal-miżuri amministrattivi oħra, is-setgħat ewlenin biex tingħata penali u l-livelli ta' multi amministrattivi. Soġġetta għal segretezza professjonali stretta, l-ABE għandha żżomm database ċentrali ta' penali amministrattivi kollha u informazzjoni dwar l-appelli rrappurtati lillha mill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

(127) Din id-Direttiva tkopri kemm il-penali u miżuri amministrattivi oħra sabiex tkopri l-azzjonijiet kollha applikati wara jitwettaq ksur, u li jkunu maħsuba sabiex jipprevjenu aktar vjolazzjonijiet, irrispettivament mill-kwalifika tagħhom bħala penali jew miżura amministrattiva oħra taħt il-liġi nazzjonali.

(128) Għalkemm xejn ma jipprevjeni lill-Istati Membri milli jistabbilixxu regoli għal penali amministrattivi kif ukoll pieni kriminali dwar l-istess ksur, l-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa li jistabbilixxu regoli għal penali amministrattivi dwar il-ksur ta' din id-Direttiva li huwa soġġett għal-liġi kriminali nazzjonali. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri mhumiex obbligati jimponu kemm penali amministrattivi u pieni kriminali għall-istess reat, iżda huma jistgħu jagħmlu dan jekk il-liġi nazzjonali tagħhom tippermettilhom. Madankollu, iż-żamma ta' pieni kriminali minflok penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra għall-ksur ta' din id-Direttiva m'għandhiex tnaqqas jew taffettwa b'xi mod ieħor il-kapaċità tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw, jaċċedu u jiskambjaw informazzjoni fil-ħin ma' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u ma' awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra għall-finijiet ta' din id-Direttiva, inkluż wara kwalunkwe riferiment tal-ksur rilevanti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal prosekuzzjoni.

(129) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([2]), l-Istati Membri ħadu l-impenn li, f'każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(130) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta, u b'mod partikolari d-dritt għal proprjetà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġudizzjarju ġust u d-dritt għal difiża.

(131) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċessi għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-effetti ta' falliment ta' kwalunkwe istituzzjoni fl-Unjoni kollha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dak l-objettivi.

([1]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(132) Meta jittieħdu deċiżjonijiet jew azzjonijiet skont din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni dejjem għandhom jikkunsidraw b'mod xieraq l-impatt tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja fi Stati Membri oħra u fuq is-sitwazzjoni ekonomika fi Stati Membri oħra u għandhom jikkunsidraw is-sinifikat ta' kwalunkwe sussidjarju jew fergħa għas-settur finanzjarju u l-ekonomija tal-Istat Membru fejn tali sussidjarju jew fergħa tkun stabbilita jew tinsab, anki f'każijiet fejn is-sussidjarju jew il-fergħa kkonċernata hija ta' importanza inqas għall-grupp ikkonsolidat.

(133) Il-Kummissjoni se terġa' teżamina l-applikazzjoni ġenerali ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari tqis, fid-dawl tal-arranġamenti meħuda taħt kwalunkwe att tal-liġi tal-Unjoni li jistabbilixxi mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni li jkopri aktar minn Stat Membru wieħed, l-eżerċizzju tas-setgħat tal-ABE skont din id-Direttiva biex tagħmilha ta' medjatur bejn awtorità tar-riżoluzzjoni fi Stat Membru li jkun qed jipparteċipa fil-mekkaniżmu u awtorità tar-riżoluzzjoni fi Stat Membru li ma jkunx qed jipparteċipa fih,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

**KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET U AWTORITAJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri relatati mal-irkupru u r-riżoluzzjoni, tal-entitajiet segwenti:

(a) istituzzjonijiet li huma stabbiliti fl-Unjoni;

(b) l-istituzzjonijiet finanzjarji li huma stabbiliti fl-Unjoni meta l-istituzzjoni finanzjarja hija sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' ditta ta' investiment, jew ta' kumpanija msemmija fil-punti (c) jew (d) u hija koperta mis-superviżjoni tal-impriża prinċipali fuq bażi konsolidata skont l-Artikoli 6 sa 17 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) kumpaniji holding finanzjarji, kumpaniji holding finanzjarji mħallta u kumpaniji holding b'attività mħallta li huma stabbiliti fl-Unjoni;

(d) kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarja prinċipali fi Stat Membru, kumpaniji holding finanzjarja prinċipali fl-Unjoni, kumpaniji holding finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru, kumpaniji holding finanzjarja mħallta prinċipali fl-Unjoni;

(e) fergħat ta' istituzzjonijiet li huma stabbiliti lil hinn mill-Unjoni b'konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'din id-Direttiva.

Fl-istabbiliment u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti skont din id-Direttiva u fl-użu ta-għodod differenti għad-dispożizzjoni tagħhom fir-rigward ta' entità msemmija fl-ewwel subparagrafu, u suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu n-natura tan-negozju tagħha, l-istruttura azzjonarja tagħha, il-forma ġuridika tagħha, il-profil tar-riskju tagħha, id-daqs u l-istatus ġuridiku tagħha u l-interkonnettività tagħha ma' istituzzjonijiet oħrajn jew mas-sistema finanzjarja inġenerali, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, is-sħubija tagħha fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali (IPS) li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew sistemi oħra ta' solidarjetà reċiproka kooperattiva kif imsemmi fl-Artikolu 113(6) ta' dak ir-Regolament u jekk teżerċitax kwalunkwe servizzi jew attività ta' investiment kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli li huma iktar stretti jew addizzjonali għal dawk stipulati f'din id-Direttiva u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' din id-Direttiva, sakemm dawn ikunu ta' applikazzjoni ġenerali u ma jmorrux kontra din id-Direttiva jew l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonjiet li ġejjin:

(1) "riżoluzzjoni" tfisser l-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni jew għodda msemmija fl-Artikolu 37(9) sabiex jinkiseb wieħed mill-għanijiet ta' riżoluzzjoni jew iktar imsemmija fl-Artikolu 31(2);

(2) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-eċċezzjoni tal-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(3) "ditta ta' investiment" tfisser ditta ta' investiment kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li tkun soġġetta għar-rekwiżit kapitali inizjali stipulati fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(4) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja kif definit fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(5) "sussidjarja" tfisser sussidjarja kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(6) "intrapriża prinċipali" tfisser intrapriża prinċipali kif definit fil-punt (15)(a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(7) "bażi kkonsolidata" tfisser il-bażi tas-sitwazzjoni kkonsolidata kif definit fil-punt (47) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(8) "skema ta' protezzjoni istituzzjonali" jew "IPS", tfisser arranġament li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(9) "kumpanija holding finanzjarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja kif definit fil-punt (20) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(10) "kumpanija holding finanzjarja mħallta" tfisser kumpanija holding finanzjarja mħallta kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1)tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(11) "kumpanija holding finanzjarja b'attività mħallta" tfisser kumpanija holding finanzjarja b'attività mħallta kif definit fil-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(12) "kumpanija holding finanzjarja prinċipali fi Stat Membru" tfisser kumpanija holding finazjarja prinċipali fi Stat Membru kif definit fil-punt (30) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(13) "kumpanija holding finanzjarja prinċipali tal-Unjoni" tfisser kumpanija holding finanzjarja prinċipali tal-Unjoni kif definita fil-punt (31) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(14) "kumpanija holding finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru" tfisser kumpanija holding finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru kif definit fil-punt (32) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(15) "kumpanija holding finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni" tfisser kumpanija holding finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni kif definita fil-punt (33) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(16) "għanijiet ta' riżoluzzjoni" tfisser l-għanijiet ta' riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikolu 31(2);

(17) "fergħa" tfisser fergħa kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(18) "awtorità ta' riżoluzzjoni" tfisser awtorità nnominata minn Stat Membru skont l-Artikolu 3;

(19) "għodda ta' riżoluzzjoni" tfisser l-għodda ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 37(3);

(20) "setgħa ta' riżoluzzjoni" tfisser setgħa imsemmija fl-Artikoli 63 sa 72;

(21) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità kompetenti kif definita fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kompiti speċifiċi konferiti lilu bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([1]);

(22) "ministeri kompetenti" tfisser ministeri tal-finanzi jew ministeri oħra tal-Istati Membri li huma responsabbli għal deċiżjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u baġitarji fil-livell nazzjonali skont il-kompetenzi nazzjonali u li ġew innominati skont l-Artikolu 3(5);

(23) "istituzzjoni" tfisser istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment;

(24) "korp tal-maniġerjali" tfisser korp tal-maniġment kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(25) "maniġment superjuri" tfisser maniġment superjuri kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(26) "grupp" tfisser intrapriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha;

(27) "grupp transkonfinali" tfisser grupp li għandu entitajiet tal-grupp stabbiliti f'aktar minn Stat Membru wieħed;

(28) "għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja" tfisser għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, jew kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika oħra fil-livell supranazzjonali, li jekk tiġi pprovduta fil-livell nazzjonali, tikkostitwixxi għajnuna Statali, li tiġi pprovduta sabiex tiġi ppreservata jew tinġieb lura l-vijabbiltà, il-likwidità jew is-solvenza ta' istituzzjoni jew ta' entità'8msemmiha fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew ta' grupp li minnu tifforma parti tali istituzzjoni jew entità;

(29) "għajnuna ta' likwidità ta' emerġenza" tfisser il-provvediment minn bank ċentrali ta' flus tal-bank ċentrali, jew kwalunkwe għajnuna oħra li tista' twassal għal żieda fil-flus tal-bank ċentrali, lil istituzzjoni finanzjarja solventi, jew grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji solventi, li jkunu qed jaffaċċaw problemi ta' likwidità temporanji, meta tali operazzjoni ma tkunx tifforma parti minn politika monetarja;

(30) "kriżi sistemika" tfisser tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-suq intern u l-ekonomija reali. It-tipi kollha ta' intermedjarji, swieq u infrastrutturi finanzjarji jistgħu jkunu potenzjalment xi ftit jew wisq sistemikament importanti.

(31) "entità fi grupp" tfisser persuna ġuridika li hija parti minn grupp;

(32) "pjan ta' rkupru" tfisser pjan ta' rkupru mfassal u mżimum minn istituzzjoni skont l-Artikolu 5;

(33) "pjan ta' rkupru tal-grupp" tfisser pjan ta' rkupru tal-grupp imfassal u miżmum skont l-Artikolu 7;

(34) "fergħa sinifikanti" tfisser fergħa li tkun ikkunsidrata bħala sinifikanti fi Stat Membru ospitanti skont l-Artikolu 51(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

(35) "funzjonijiet kritiċi" tfisser attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet li t-twaqqif tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar, iwassal għal tfixkil tas-servizzi li huma essenzjali għall-ekonomija reali jew għal tfixkil tal-istabilità finanzjarja minħabba d-daqs, is-sehem tas-suq, l-interkonnettività esterna u interna, il-kumplessità hew l-attivitajiet transkonfinali ta' istituzzjoni jew grupp, fir-rigward, b'mod partikolari, tas-sostitwibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet;

(36) "linji ta' negozju ewlenin" tfisser linji ta' negozju u servizzi assoċjati li jirrappreżentaw sorsi materjali ta' dħul, profitt jew valur tal-franchise għal istituzzjoni jew għal grupp li tifforma parti minnu l-istituzzjoni;

(37) "is-superviżur li jikkonsolida" tfisser is-superviżur li jikkonsolida kif definit fil-punt (41) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(38) "fondi proprji" tfisser fondi proprji kif definit fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(39) "kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni" tfisser il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32(1);

(40) "azzjoni ta' riżoluzzjoni" tfisser id-deċiżjoni li istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) titpoġġa taħt riżoluzzjoni skont l-Artikolu 32 jew l-Artikolu 33, l-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni, jew l-eżerċizzju ta' setgħa waħda jew aktar ta' riżoluzzjoni;

(41) "pjan ta' riżoluzzjoni" tfisser pjan ta' riżoluzzjoni għal istituzzjoni mfassal skont l-Artikolu 10;

(42) "riżoluzzjoni ta' grupp" tfisser waħda jew l-oħra minn dawn li ġejjin:

(a) it-teħid ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' intrapriża prinċipali jew ta' istituzzjoni soġġetta għal superviżjoni konsolidata, jew

(b) il-koordinazzjoni tal-applikazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju ta' setgħat ta' riżoluzzjoni minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entitajiet fi grupp li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni;

(43) "pjan tar-riżoluzzjoni tal-grupp" tfisser pjan għar-riżoluzzjoni tal-grupp imfassal skont l-Artikoli 12 u 13;

(44) "awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp" tfisser l-awtorità ta' riżoluzzjoni fl-Istat Membru fejn ikun jinsab is-superviżur li jikkonsolida;

(45) "skema ta' riżoluzzjoni ta' grupp" tfisser pjan imfassal għall-fini ta' riżoluzzjoni ta' grupp skont l-Artikolu 91;

(46) 'kulleġġ ta' riżoluzzjoni' tfisser kulleġġ stabbilit skont l-Artikolu 88 sabiex iwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 88(1);

(47) "proċeduri normali ta' insolvenza" tfisser il-proċeduri kollettivi ta' insolvenza li jinvolvu divestiment parzjali jew totali ta' debitur u l-ħatra ta' likwidatur jew amministratur, normalment applikabbli għal istituzzjonijiet skont il-liġi nazzjonali u, jew speċifiċi għal dawk l-istituzzjonijiet jew ġeneralment applikabbli għal kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika;

(48) "strumenti ta' dejn" imsemmija fil-punti (g) u (j) tal-Artikolu 63(1) tfisser bonds u forom oħra ta' dejn trasferibbli, strumenti li joħolqu jew jirrikonoxxu dejn, u strumenti li jagħtu drittijiet għall-akkwist ta' strumenti ta' dejn;

(49) "istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru" tfisser istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru kif definit fil-punt (28) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(50) “istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni’ tfisser istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni kif definita fil-punt (29) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(51) “rekwiżiti ta’ fondi proprji” tfisser rekwiżiti kif stipulat fl-Artikoli 92 sa 98 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(52) “kulleġġ ta’ superviżjoni” tfisser kulleġġ ta’ superviżuri stabbiliti skont l-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(53) “qafas ta’ għajnuna mill-Istat tal-Unjoni” tfisser il-qafas stabbilit mill-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE u regolamenti u l-atti kollha tal-Unjoni, inklużi l-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi, magħmula jew adottati skont l-Artikolu 108(4) jew l-Artikolu 109 TFUE;

(54) “stralċ” tfisser ir-realizzazzjoni ta’ assi ta’ istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(55) “għodda ta’ separazzjoni tal-assi” tfisser il-mekkaniżmu biex jiġi effettwat trasferiment minn awtorità ta’ riżoluzzjoni ta’ assi, drittijiet jew obbligazzjonijet ta’ istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lejn vettura tal-immaniġġjar tal-assi skont l-Artikolu 42;

(56) “vettura tal-immaniġġjar tal-assi” tfisser persuna ġuridika li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 42(2);

(57) “għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna” tfisser il-mekkaniżmu biex jiġi effettwat l-eżerċizzju minn awtorità tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 37 tas-setgħat ta’ valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni fir-rigward ta’ obbligazzjonijiet istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont l-Artikolu 43;

(58) “għodda ta’ bejgħ ta’ negozju” tfisser il-mekkaniżmu biex jiġi effettwat it-trasferiment minn awtorità ta’ riżoluzzjoni ta’ strumenti ta’ sjieda maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ta’ istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil akkwirent li mhuwiex istituzzjoni tranżitorja skont l-Artikolu 38;

(59) “istituzzjoni tranżitorja” tfisser persuna ġuridika li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 40(2);

(60) “għodda tal-istituzzjoni tranżitorja” tfisser il-mekkaniżmu għat-trasferiment ta’ strumenti oħra ta’ sjieda maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ta’ istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lejn istituzzjoni tranżitorja skont l-Artikolu 40;

(61) “strumenti ta’ sjieda” tfisser ishma, strumenti oħra li jagħtu s-sjieda, strumenti li jistgħu jiġu konvertiti jew jagħtu d-dritt li jiġu akkwistati ishma jew strumenti ta’ sjieda, u strumenti li jirrappreżentaw interessi f’ishma jew strumenti oħra ta’ sjieda;

(62) “azzjonisti” tfisser detenturi ta’ strumenti ta’ sjieda;

(63) “setgħat ta’ trasferiment” tfisser is-setgħat speċifikati fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 63(1) li jiġu trasferiti strumenti ta’ sjieda, strumenti ta’ dejn, assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet, jew kwalunke kombinazzjoni ta’ dawn l-elementi minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għal għand benefiċjarju;

(64) “kontroparti ċentrali” tfisser CCP kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(65) “derivattiv”, tfisser derivattiv kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(66) “setgħat ta’ valwazzjoni negattiva” tfisser is-setgħat imsemmija fl-Artikolu 59(2) u fil-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 63(1);

(67) “obbligazzjoni ggarantita” tfisser obbligazzjoni fejn id-dritt tal-kreditur għall-ħlas jew forma oħra ta’ prestazzjoni huwa ggarantit bi gravami, pleġġ jew rahan, jew arranġamenti kollaterali inklużi obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta’ riakkwist u arranġamenti kollaterali oħra ta’ trasferiment ta’ titlu;

(68) “Strumenti tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni” tfisser strumenti kapitali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 28(1) sa (4), fl-Artikolu 29(1) sa (5) jew fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(69) “Strumenti addizzjonali tal-Grad 1” tfisser strumenti kapitali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(70) “ammont aggregat” tfisser l-ammont aggregat li għalih l-awtorità ta’ riżoluzzjoni vvalutat li l-obbligazzjonijiet eliġibbli trid issirilhom valwazzjoni negattiva jew jiġu kkonvertiti, skont l-Artikolu 46(1);

(71) “obbligazzjonijiet eliġibbli” tfisser obbligazzjonijiet u strumenti kapitali li ma jikkwalifikawx bħala strumenti tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni, jew bħala strumenti addizzjonali tal-Grad 1 jew tal-Grad 2 ta’ istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li mhumiex esklużi mill-ambitu tal-għodda ta’ valwazzjoni negattiva bis-saħħa tal-Artikolu 44(2);

(72) “skema ta’ garanzija tad-depożiti” tfisser skema ta’ garanzija tad-depożiti introdotta u uffiċjalment rikonoxxuta minn Stat Membru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/49/UE;

(73) “Strumenti tal-Grad 2” tfisser strumenti kapitali jew dejn subordinat li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(74) “strumenti kapitali rilevanti” għall-fini tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu IV u l-Kapitolu V tat-Titolu IV, tfisser strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali u strumenti tal-Grad 2;

(75) “rata ta’ konverżjoni” tfisser il-fattur li jiddetermina l-għadd ta’ strumenti oħra ta’ sjieda li fih obbligazzjoni ta’ klassi speċifika se tiġi kkonvertita, b’referenza jew għal strument uniku tal-klassi inkwistjoni jew għal unità speċifika tal-valur tal-pretensjoni ta’ debitu;

(76) “kreditur affettwat” tfisser kreditur li l-pretensjoni tiegħu tirrelata ma’ obbligazzjoni li ġiet imnaqqsa jew ikkonvertita fi strumenti ta’ sjieda permezz tal-eżerċizzju tas-setgħa ta’ valwazzjoni negattiva jew ta’ konverżjoni skont l-użu tal-għodda ta’ rikapitalizzazzjoni interna;

(77) “azzjonist affettwat” tfisser detentur ta’ strumenti ta’ sjieda li l-istrumenti ta’ sjieda tiegħu jiġu kkanċellati permezz tas-setgħa msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 63(1);

(78) “awtorità xierqa” tfisser l-awtorità tal-Istat Membru, identifikata skont l-Artikolu 61 li hija responsabbli skont il-liġi nazzjonali ta’ dak l-Istat biex twettaq id-determinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 59(3);

(79) “istituzzjoni prinċipali rilevanti” tfisser istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru, istituzzjoni prinċipali fl-Unjoni, kumpanija holding finanzjarja, kumpanija holding finanzjarja mħallta, kumpanija holding b’attività mħallta, kumpanija holding finanzjarja prinċipali fi Stat Membru, kumpanija holding finanzjarja prinċipali fl-Unjoni, kumpanija holding finanzjarja prinċipali mħallta fi Stat Membru, jew kumpanija holding finanzjarja prinċipali mħallta fl-Unjoni, li fir-rigward tagħha qed tiġi applikata l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna;

(80) “benefiċjarju” tfisser l-entità li lilha jiġu trasferiti strumenti ta’ sjieda, strumenti ta’ dejn, assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta’ dawk l-elementi minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(81) “jum ta’ negozju” tfisser jum ieħor għajr is-Sibt, il-Ħadd jew vaganza pubblika fl- Istat Membru kkonċernat;

(82) "dritt tat-terminazzjoni" tfisser dritt li jiġi terminat kuntratt, dritt sabiex jaċċellera, jagħlaq, ipaċi jew iġib għall-valur nett obbligazzjonijiet jew kwalunkwe dispożizzjoni simili li tissospendi, timmodifika jew ittemm obbligu ta' parti għall-kuntratt jew dispożizzjoni li timpedixxi li jirriżulta obbligu taħt il-kuntratt li f'sitwazzjonijiet oħra kien jirriżulta;

(83) "istituzzjoni taħt riżoluzzjoni" tfisser istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija holding finanzjarja, kumpanija holding finanzjarja mħallta, kumpanija holding b'attività mħallta, kumpanija holding finanzjarja prinċipali fi Stat Membru, kumpanija holding finanzjarja prinċipali tal-Unjoni, kumpanija holding finanzjarja prinċipali mħallta fi Stat Membru, jew kumpanija holding finanzjarja prinċipali mħallta tal-Unjoni, li fir-rigward tagħha qed tittieħed azzjoni tar-riżoluzzjoni;

(84) "sussidjarja fl-Unjoni" tfisser istituzzjoni li hija stabbilita fi Stat Membru u li tkun sussidjarja ta' istituzzjoni minn pajjiż terz jew ta' impriża prinċipali ta' pajjiż terz,;

(85) "impriża prinċipali tal-Unjoni" tfisser istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni, kumpanija holding finanzjarja prinċipali tal-Unjoni jew kumpanija holding finanzjarja prinċipali mħallta tal-Unjoni;

(86) "istituzzjoni ta' pajjiż terz" tfisser entità, li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun stabbilit f'pajjiż terz, li, kieku kienet stabbilita fl-Unjoni, tkun koperta mid-definizzjoni ta' istituzzjoni;

(87) "impriża prinċipali ta' pajjiż terz" tfisser impriża prinċipali, kumpanija holding finanzjarja prinċipali jew kumpanija holding finanzjarja prinċipali mħallta, stabbilita f'pajjiż terz;

(88) "proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz" tfisser azzjoni skont il-liġi ta' pajjiż terz biex jiġi mmaniġġjat il-falliment ta' istituzzjoni ta' pajjiż terz jew ta' impriża prinċipali ta' pajjiż terz li tkun komparabbli, f'termini ta' objettivi u riżultati antiċipati, għal azzjonijiet ta' riżoluzzjoni skont din id-Direttiva;

(89) "fergħa fl-Unjoni" tfisser fergħa ta' istituzzjoni ta' pajjiż terz li tkun tinsab fi Stat Membru;

(90) "awtorità ta' pajjiż terz rilevanti" tfisser awtorità ta' pajjiż terz responsabbli biex twettaq funzjonijiet kumparabbli ma' dawk tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva;

(91) "arranġament ta' finanzjament tal-gruppi" tfisser l-arranġament jew l-arranġamenti ta' finanzjament tal-Istat Membru tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-gruppi;

(92) "tranżazzjoni spalla ma' spalla" tfisser tranżazzjoni li ssir bejn żewġ entitajiet fi grupp għall-fini tat-trasferiment, kollu jew parzjali, tar-riskju ġġenerat minn tranżazzjoni oħra li ssir bejn waħda minn dawk l-entitajiet fi grupp u parti terza;

(93) "garanzija intragrupp" tfisser kuntratt li permezz tiegħu entità fi grupp tiggarantixxi l-obbligazzjonijiet ta' entità oħra fil-grupp lil parti terza;

(94) "depożiti koperti" tfisser depożiti koperti kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE;

(95) "depożiti eliġibbli" tfisser depożiti eliġibbli kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE;

(96) "bond kopert" tfisser strument kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

([1]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(97) "arranġament kollaterali finanzjarju dwar trasferiment ta' titlu" tfisser arranġament kollaterali finanzjarju dwar trasferiment ta' titlu kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(98) "arranġament ta' netting" tfisser arranġament li bis-saħħa tiegħu għadd ta' pretensjonijiet jew obbligazzjonijiet jistgħu jiġu kkonvertiti fi pretensjoni unika netta, inklużi arranġamenti ta' close-out netting li bis-saħħa tagħhom, meta jseħħ avveniment ta' infurzar (definit bi kwalunkwe mod u hu fejn hu definit) l-obbligi tal-partijiet huma aċċellerati b'mod li jsiru dovuti immedjatament jew jiġu tterminati, u fiż-żewġ każijiet jiġu kkonvertiti fi, jew jiġu ssostitwiti bi, pretensjoni unika netta, inkulżi "dispożizzjonijiet dwar il-close-out netting" kif definit fil-punt (n)(i) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE u 'netting' kif definit fil-punt (k) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

(99) "arranġement ta' tpaċija" tfisser arranġament li taħtu żewġ pretensjonijiet jew obbligi jew aktar dovuti bejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u kontroparti jistgħu jiġu paċuti kontra xulxin;

(100) "kuntratti finanzjarji" tfisser il-kuntrattu u l-ftehimiet li ġejjin:

(a) kuntratti ta' titoli, inklużi:

(i) kuntratti għax-xiri, il-bejgħ jew is-self ta' titolu, grupp jew indiċi ta' titoli;

(ii) opzjonijiet fuq titolu jew grupp jew indiċi ta' titoli,

(iii) riakkwist jew tranżazzjonijiet ta' riakkwist bir-rivers ta' kwalunkwe tali titolu, grupp jew indiċi;

(b) kuntratti ta' komoditajiet, inklużi:

(i) kuntratti għax-xiri, il-bejgħ jew is-self ta' komodità jew grupp jew indiċi ta' komoditajiet għal konsenja fil-futur;

(ii) opzjonijiet fuq komodità jew grupp jew indiċi ta' komoditajiet;

(iii) riakkwist jew tranżazzjonijiet ta' riakkwist bir-rivers ta' kwalunkwe tali komodità, grupp jew indiċi;

(c) futuri u kuntratti forward, inkluż kuntratti (minbarra kuntratti ta' komoditajiet) għax-xiri, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' komodità jew proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, servizz, dritt jew interess ieħor għal prezz speċifiku f'data futura,

(d) ftehimiet ta' swaps, inklużi:

(i) swaps u opzjonijiet marbutin mar-rati tal-imgħax; ftehimiet spot jew oħrajn dwar il-kambju; munita; indiċi tal-ekwità jew ekwità; indiċi tad-dejn jew dejn; indiċijiet tal-komoditajiet jew komoditajiet; it-temp; emiss-jonijiet jew inflazzjoni;

(ii) redditu totali, spread tal-kreditu jew swaps tal-kreditu;

(iii) kwalunkwe ftehim jew tranżazzjoni simili għal ftehim imsemmi fil-punti (i) jew (ii) soġġett ta' negozju rikorrenti fi swaps jew swieq tad-derivattivi;

(e) ftehimiet ta' self bejn il-banek fejn it-terminu tas-self hu tliet xhur jew inqas;

(f) ftehimiet qafas għal kwalunkwe kuntratt jew ftehim imsemmi fil-punti (a) sa (e);

([1]) Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43).

(101) "miżura għall-prevenzjoni ta' kriżi" tfisser l-eżerċizzju ta' setgħat biex it-tneħħija ta' defiċjenzi jew impedimenti tiġi diretta lejn l-irkupru taħt l-Artikolu 6(6), l-eżerċizzju ta' setgħat biex jiġu indirizzati jew imneħħija impedimenti għar-riżolvibbiltà skont l-Artikolu 17 jew 18, l-applikazzjoni ta' miżura ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27, il-ħatra ta' amministratur temporanju skont l-Artikolu 29 jew l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni skont l-Artikolu 59;

(102) "miżura għall-ġestjoni ta' kriżi" tfisser azzjoni ta' riżoluzzjoni jew il-ħatra ta' maniġer speċjali skont l-Artikolu 35 jew ta' persuna skont l-Artikolu 51(2) jew skont l-Artikolu 72(1);

(103) "kapaċità ta' rkupru" tfisser il-kapaċità ta' istituzzjoni li terġa' ġġib il-pożizzjoni finanzjarja tagħha wara deterjorament sinifikanti;

(104) "depożitur" tfisser depożitur kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE;

(105) "investitur" tfisser investitur fis-sens tal-punt (4) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(106) "awtorità makroprudenzjali nazzjonali nnominata" tfisser l-awtorità inkarigata bit-tmexxija tal-politika makroprudenzjali msemmija fir-Rakkomandazzjoni B1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali (BERS/2011/3);

(107) "impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju" tfisser impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju kif definit fir-rigward tal-kriterju tal-fatturat annwali msemmi fl-Artikolu 2(1) tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([2]);

(108) "suq regolat" tfisser suq regolat kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tad- tad-Direttiva 2014/65/UE.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 115 sabiex tispeċifika l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet, is-servizzi u l-operazzjonijiet imsemmijin fil-punt (35) tal-ewwel subparagrafu fir-rigward tad-definizzjoni ta' "funzjonijiet kritiċi" u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-linji ta' negozju u servizzi assoċjati msemmija fil-punt (36) tal-ewwel subparagrafu fir-rigward tad-definizzjoni ta' "linji ta' negozju ewlenin".

*Artikolu 3*

**Nomina ta' awtoritajiet responsabbli għar-riżoluzzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità ta' riżoluzzjoni waħda jew, b'mod eċċezzjonali, awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jkollhom is-setgħa japplikaw l-għodod tar-riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat tar-riżoluzzjoni.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tkun awtorità tal-amministrazzjoni pubblika jew awtoritajiet inkarigati b'setgħat ta' amministrazzjoni pubblika.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tkun banek ċentrali nazzjonali, ministeri kompetenti jew awtoritajiet oħra tal-amministrazzjoni pubblika jew awtoritajiet inkarigati b'setgħat ta' amministrazzjoni pubblika. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu b'mod eċċezzjonali li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tkun l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti strutturali adegwati biex tkun żgurata l-indipendenza operazzjonali u jiġu evitati kunflitti ta' interess bejn il-funzjonijiet ta' superviżjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE jew il-funzjonijiet l-oħra tal-awtorità rilevanti u l-funzjonijiet tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni kif mitlub mill-paragrafu 4. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti, banek ċentrali nazzjonali, ministeri kompetenti jew awtoritajiet oħra jkun hemm indipendenza operazzjonali bejn il-funzjoni ta' riżoluzzjoni u ta' superviżjoni jew funzjonijiet oħra tal-awtorità rilevanti.

([1]) Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew U Tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22).
([2]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Il-persunal involut fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni skont din id-Direttiva għandu jkun strutturalment separat minn u suġġett għal linji ta' rappurtar separati minn dawk għall-persunal involut fit-twettiq ta' kompiti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE jew fir-rigward ta' funzjonijiet oħra tal-awtorità rilevanti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandhom jadottaw u jagħmlu pubbliċi kull regola interna neċessarja u rilevanti inklużi regoli dwar is-segretezza professjonali u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-oqsma ta' funzjoni differenti.

4. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-awtoritajiet li jeżerċitaw funzjonijiet ta' superviżjoni u riżoluzzjoni u l-persuni li jeżerċitaw dawk il-funzjonijiet f'isimhom għandhom jikkooperaw mill-qrib fil-preparazzjoni, l-ippjanar u l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet tar-riżoluzzjoni, kemm fil-każ fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti huma entitajiet separati u kemm fil-każ fejn l-funzjonijiet jitwettqu fl-istess entità.

5. Kull Stat Membru għandu jinnomina ministeru wieħed li jkun responsabbli għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-ministeru kompetenti taħt din id-Direttiva.

6. Fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni fi Stat Membru mhijiex il-ministeru kompetenti, din għandha tinforma lill-ministeru kompetenti dwar id-deċiżjonijiet skont din id-Direttiva u, għajr jekk stipulat mod ieħor fid-dritt nazzjonali, tikseb l-approvazzjoni tiegħu qabel timplimenta d-deċiżjonijiet li għandhom impatt fiskali dirett jew implikazzjonijiet sistemiċi.

7. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-ABE skont din id-Direttiva għandhom iqisu l-impatt potenzjali tad-deċiżjoni fl-Istati Membri kollha fejn joperaw l-istituzzjoni jew il-grupp u jimminimizzaw l-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-effetti negattivi ekonomiċi u soċjali f'dawk l-Istati Membri. Id-deċiżjonijiet tal-ABE huma suġġetti għall-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull awtorità ta' riżoluzzjoni jkollha l-kompetenza, ir-riżorsi u l-kapaċità operazzjonali sabiex tapplika azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, u tkun tista' teżerċita s-setgħat tagħha bir-rapidità u l-flessibbiltà li hija meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni.

9. L-ABE, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, għandha tiżviluppa l-kompetenza, ir-riżorsi u l-kapaċità operazzjonali meħtieġa u għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-paragrafu 8, inkluż permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi bejn il-pari.

10. Fejn, skont il-paragrafu 1, Stat Membru jinnomina aktar minn awtorità waħda sabiex tapplika l-għodod tar-riżoluzzjoni u teżerċita s-setgħat tar-riżoluzzjoni, għandu jipprovdi notifika lill-ABE u lill-Kummissjoni fejn jispjega bis-sħiħ għala għamel dan u għandu jalloka l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet b'mod ċar bejn dawk l-awtoritajiet, jiżgura l-koordinazzjoni adegwata bejniethom u jinnomina awtorità unika bħala awtorità ta' kuntatt għall-finijiet tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri oħra.

11. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-ABE bl-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali maħtura bħala l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtorità ta' kuntatt u, fejn rilevanti, il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom. L-ABE għandha tippubblika l-lista ta' dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet ta' kuntatt.

12. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 85, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-obbligazzjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, l-awtorità kompetenti u l-persunal rispettiv tagħhom skont id-dritt nazzjonali għal atti u ommissjonijiet fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom taħt din id-Direttiva.

TITOLU II

**PREPARAZZJONI**

*KAPITOLU I*

***Ippjanar ta' rkupru u riżoluzzjoni***

Taqsima 1

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 4*

**Obbligi ssimplifikati għal ċerti istituzzjonijiet**

1. Wara li jqisu l-impatt li l-falliment tal-istituzzjoni jista' jkollu, minħabba n-natura tan-negozju tagħha, l-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha, il-forma ġuridika, il-profil ta' riskju, id-daqs u l-istatus ġuridiku tagħha jew l-interkonnettività tagħha ma' istituzzjonijiet oħra jew mas-sistema finanzjarja inġenerali, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, is-sħubija tagħha ta' IPS jew sistemi oħra ta' solidarjetà reċiproka kooperattiva kif imsemmi fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u kwalunkwe eżerċizzju ta' servizzi jew attivitajiet ta' investiment kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, u jekk il-falliment jew l-istralċ sussegwenti tagħha taħt proċedimenti normali ta' insolvenza humiex mistennija jħallu effett negattiv sinifikanti fuq is-swieq finanzjarji, fuq istituzzjonijiet oħra, fuq il-kondizzjonijiet tal-finanzjament, jew fuq l-ekonomija aktar ġenerali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet kompetenti u tar-riżoluzzjoni jiddeterminaw:

(a) il-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni previsti fl-Artikoli 5 sa 12;

(b) id-data sakemm l-ewwel pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni għandhom jitfasslu u l-frekwenza għall-aġġornament tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni, li tista' tkun aktar baxxa minn dik prevista fl-Artikolu 5(2), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 10(6) u l-Artikolu 13(3);

(c) il-kontenut u d-dettalji tal-informazzjoni mitluba mill-istituzzjonijiet kif previst fl-Artikolu 5(5), u l-Artikoli 11(1) u 12(2) u fit-Taqsimiet A u B tal-Anness;

(d) il-livell ta' dettall għall-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà skont l-Artikolu 15 u 16, u t-Taqsima C tal-Anness.

2. L-awtoritajiet kompetenti u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, għandhom jagħmlu l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 wara konsultazzjoni, fejn adatt, mal-awtorità makroprudenzjali nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn jiġu applikati obbligi simplifikati, l-awtoritajiet kompetenti u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jimponu fi kwalunkwe ħin obbligi sħaħ u mhux simplifikati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' obbligi simplifikati biss m'għandhiex taffettwa s-setgħat tal-awtorità kompetenti u, fejn rilevanti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni biex tieħu miżura għall-prevenzjoni ta' kriżi jew miżura għall-ġestjoni ta' kriżi.

5. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tiżviluppa linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sabiex tispeċifika l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, għall-valutazzjoni, skont dak il-paragrafu, tal-impatt tal-falliment ta' istituzzjoni fuq is-swieq finanzjarji, fuq istituzzjonijiet oħra u fuq il-kondizzjonijiet ta' finanzjament.

6. Filwaqt li titqies, fejn xieraq, l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-linji gwida msemmijin fil-paragrafu 5, l-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, għall-valutazzjoni, skont dan il-paragrafu, tal-impatt ta' falliment ta' istituzzjoni fuq is-swieq finanzjarji, fuq istituzzjonijiet oħra u fuq il-kondizzjonijiet ta' finanzjament.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2017.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar il-mod kif applikaw il-paragrafi 1, 8, 9 u 10 għall-istituzzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom. L-ABE għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1, 8, 9 u 10. Partikolarment, dak ir-rapport għandu jidentifika kwalunkwe diverġenza rigward l- l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-paragrafi 1, 8, 9 u 10.

8. Suġġetti għall-paragrafi 9 u 10, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jirrinunzjaw l-applikazzjoni:

(a) tar-rekwiżiti tat-Taqsima 2 u Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu għal istituzzjonijiet affiljati ma' korp ċentrali eżentat parzjalment jew bis-sħiħ minn rekwiżiti prudenzjali fid-dritt nazzjonali skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) tar-rekwiżiti tat-Taqsima 2 għal istituzzjonijiet li huma membri ta' IPS.

9. Fil-każ fejn tingħata rinunzja skont il-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom:

(a) japplikaw ir-rekwiżiti ta' Taqsima 2 u Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu fuq bażi konsolidata għall-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati miegħu skont it-tifsira tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) jitolbu lill-IPS tissodisfa r-rekwiżiti ta' Taqsima 2 f'kooperazzjoni ma' kull wieħed mill-membri tagħha li ngħata rinunzja.

Għal dak il-għan, kwalunkwe referenza fit-Taqsima 2 u t-Taqsima 3 ta' dan il-Kapitolu għal grupp għandha tinkludi korp ċentrali u istituzzjonijiet affiljati miegħu skont it-tifsira tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u s-sussidjarji tagħhom, u kwalunkwe referenza għal impriża prinċipali jew istituzzjonijiet li huma suġġetti għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tinkludi l-korp ċentrali.

10. Istituzzjonijiet suġġetti għal superviżjoni diretta mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jew li jikkostitwixxu kwota sinifikanti fis-sistema finanzjarja ta' Stat Membru għandhom ifasslu l-pjanijiet ta' rkupru tagħhom stess skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu u għandhom ikunu suġġetti għal pjanijiet ta' riżoluzzjoni individwali skont it-Taqsima 3.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-operazzjonijiet ta' istituzzjoni għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu sehem sinifikanti tas-sistema finanzjarja ta' dak l-Istat Membru jekk tiġi sodisfatta kwalunkwe minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur totali tal-assi tagħha jaqbżu EUR 30 000 000 000; jew

(b) il-proporzjon tal-assi totali tagħha fuq il-PDG tal-Istat Membru ta' stabbiliment jaqbeż l-20 %, għajr jekk il-valur totali tal-assi tagħha jkun anqas minn EUR 5 000 000 000;

11. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġu speċifikati formati, mudelli u definizzjonijiet uniformi għall-identifikazzjoni u t-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni lill-ABE għall-finijiet tal-paragrafu 7, bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Taqsima 2

**Ippjanar ta' rkupru**

*Artikolu 5*

**Pjanijiet ta' rkupru**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull istituzzjoni, li mhijiex parti minn grupp suġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE, tfassal u żżomm aġġornat pjan ta' rkupru li jipprevdi miżuri li għandhom jittieħdu mill-istituzzjoni biex terġa' tinġieb lura l-qagħda finanzjarja tagħha wara deterjorazzjoni sinifikanti tal-qagħda finanzjarja tagħha. Il-pjanijiet ta' rkupru għandhom jiġu kkunsidrati bħala arranġament ta' governanza skont it-tifsira tal-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36/UE.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom tal-anqas darba fis-sena jew wara bidla fl-istruttura legali jew organizzattiva tal-istituzzjoni, in-negozju jew is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li jista' jkollha effett materjali fuq il-pjan ta' rkupru jew teħtieġ bidla fih. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom aktar ta' spiss.

3. Il-pjanijiet ta' rkupru m'għandhomx jassumu li ser ikollhom aċċess, jew li se jirċievu għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja.

4. Il-pjanijiet ta' rkupru għandhom jinkludu, fejn applikabbli, analiżi ta' kif u meta istituzzjoni tista' tapplika, fil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali u tidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' rkupru jinkludu l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-informazzjoni addizzjonali tiġi inkluża fil-pjanijiet ta' rkupru.

Il-pjanijiet ta' rkupru għandhom jinkludu wkoll miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu mill-istituzzjoni fil-każ fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet għal intervent bikri skont l-Artikolu 27.

6. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-pjanijiet ta' rkupru jinkludu kondizzjonijiet xierqa u proċeduri biex jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha ta' azzjonijiet ta' rkupru kif ukoll firxa wiesgħa ta' alternattivi ta' rkupru. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-pjanijiet ta' rkupru jikkunsidraw firxa ta' xenarji ta' stress finanzjarju u makroekonomiku qawwi rilevanti għall-kondizzjonijiet speċifiċi tal-istituzzjoni inklużi avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha u stress speċifiku għal persuni ġuridiċi individwali u għal gruppi.

7. L-ABE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tippubblika linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jispeċifikaw ulterjorment il-firxa ta' xenarji li għandhom jintużaw għall-finijiet tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

8. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa jitolbu lil istituzzjoni żżomm reġistri dettaljati tal-kuntratti finanzjarji li l-istituzzjoni kkonċernata tkun parti għalihom.

9. Il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jivvaluta u japprova l-pjan ta' rkupru qabel ma jissottmettih lill-awtorità kompetenti.

10. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment, mingħajr preġudizju għall-Artikolu 4, l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-pjan ta' rkupru msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 6*

**Valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru**

1. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-istituzzjonijiet li jeħtiġilhom ifasslu pjanijiet ta' rkupru skont l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 7(1) jissottomettu dawk il-pjanijiet ta' rkupru lill-awtorità kompetenti għal rieżami. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-istituzzjonijiet juru għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li dawk il-pjanijiet jilħqu l-kriterji tal-paragrafu 2.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fi żmien sitt xhur wara t-tressiq ta' kull pjan, u wara li jikkonsultaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu jinsabu fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għal dik il-fergħa, jeżaminaw mill-ġdid il-pjan u jivvalutaw il-punt safejn kull pjan jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 u l-kriterji li ġejjin:

(a) li huwa raġonevolment probabbli li l-implimentazzjoni tal-arranġamenti proposti fil-pjan iżżomm jew terġa' ġġib il-vijabbiltà u l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew tal-grupp, filwaqt li jitqiesu l-miżuri preparatorji li tkun ħadet l-istituzzjoni jew li tkun ippjanat li tieħu;

(b) li huwa raġonevolment probabbli li l-pjan u l-alternattivi speċifiċi fi ħdan il-pjan jiġu implimentati rapidament u effettivament f'sitwazzjonijiet ta' stress finanzjarju filwaqt li jiġi evitat kemm jista' jkun possibbli kwalunkwe effett negattiv sinifikattiv fuq is-sistema finanzjarja, inklużi f'xenarji li jistgħu jwasslu lil istituzzjonijiet oħra biex jimplimentaw pjanijiet ta' rkupru fl-istess perjodu ta' żmien.

3. Meta tevalwa l-adegwatezza tal-pjanijiet ta' rkupru, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-adegwatezza tal-kapital tal-istituzzjoni u l-istruttura tal-finanzjament għal-livell ta' kumplessità tal-istruttura organizzattiva u l-profil ta' riskju tal-istituzzjoni.

4. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-pjan ta' rkupru lill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teżamina l-pjan ta' rkupru bil-ħsieb li tidentifika kwalunkwe azzjoni fil-pjan ta' rkupru li jista' jkollha impatt ħażin fuq ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjoni u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti rigward dawk il-kwistjonijiet.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tivvaluta li hemm defiċjenzi materjali fil-pjan ta' rkupru, jew impedimenti materjali għall-implimentazzjoni tiegħu, hija għandha tinnotifika lill-istituzzjoni jew lill-impriża prinċipali tal-grupp bil-valutazzjoni tagħha u titlob li l-istituzzjoni tissottometti, fi żmien xahrejn, estiż għal xahar fuq approvazzjoni tal-awtoritajiet, pjan rivedut li juri kif dawk id-defiċjenzi jew impedimenti jiġu indirizzati.

Qabel ma istituzzjoni tintalab tressaq mill-ġdid pjan ta' rkupru, l-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-istituzzjoni l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha dwar dak ir-rekwiżit.

Meta l-awtorità kompetenti ma tikkunsidrax li d-defiċjenzi u l-impedimenti jkunu ġew indirizzati adegwatament fil-pjan rivedut, hija tista' tordna lill-istituzzjoni tagħmel bidliet speċifiċi lill-pjan.

6. Jekk l-istituzzjoni tonqos milli tissottometti pjan ta' rkupru rivedut, jew jekk l-awtorità kompetenti tiddetermina li l-pjan ta' rkupru rivedut ma jirrimedjax b'mod adegwat id-defiċjenzi jew l-impedimenti potenzjali identifikati fil-valutazzjoni oriġinali tagħha, u ma jkunx possibbli li jiġu rrimedjati adegwatament id-defiċjenzi jew l-impedimenti permezz ta' ordni għal tibdil speċifiku fil-pjan, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-istituzzjoni biex tidentifika fi żmien raġonevoli l-bidliet li tista' tagħmel fin-negozju tagħha biex tindirizza d-defiċjenzi fil-pjan ta' rkupru jew l-impedimenti għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru.

Jekk l-istituzzjoni tonqos milli tidentifika tali bidliet fi ħdan iż-żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti, jew jekk l-awtorità kompetenti tivvaluta li l-azzjonijiet proposti mill-istituzzjoni mhumiex se jindirizzaw adegwatament id-defiċjenzi jew l-impedimenti, l-awtorità kompetenti tista' tordna lill-istituzzjoni tieħu kwalunkwe miżura li tikkunsidra bħala neċessarja u proporzjonata, b'kont meħud tal-gravità tad-defiċjenzi u l-impedimenti u l-effett tal-miżuri fuq in-negozju tal-istituzzjoni.

L-awtorità kompetenti tista', mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, tordna lill-istituzzjoni:

(a) tnaqqas il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, inkluż ir-riskju ta' likwidità;

(b) tippermetti miżuri ta' rikapitalizzazzjoni f'waqthom;

(c) teżamina mill-ġdid l-istrateġija u l-istruttura tal-istituzzjoni;

(d) twettaq tibdil fl-istrateġija tal-finanzjament sabiex titjieb ir-reżiljenza tal-linji ewlenin ta' negozju u l-funzjonijiet kritiċi;

(e) twettaq tibdil fl-istruttura tal-governanza tal-istituzzjoni.

Il-lista ta' miżuri msemmija f'dan is-subparagrafu ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri addizzjonali taħt id-dritt nazzjonali.

7. Meta l-awtorità kompetenti titlob lil istituzzjoni tieħu miżuri skont il-paragrafu 6, id-deċiżjoni tagħha dwar il-miżuri għandha tkun raġunata u proporzjonata.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata bil-miktub lill-istituzzjoni u tkun suġġetta għal dritt ta' appell.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 8(1).

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 7*

**Pjanijiet ta' rkupru tal-grupp**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi prinċipali tal-Unjoni jfasslu u jissottomettu lis-superviżur tal-konsolidazzjoni pjan ta' rkupru tal-grupp. Il-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp għandhom jikkonsistu minn pjan ta' rkupru għall-grupp immexxi mill-impriża prinċipali tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jidentifika miżuri li jista' jkun meħtieġ li jiġu implimentati fil-livell tal-impriża priċnipali tal-Unjoni u kull sussidjarja individwali.

2. F'konformità mal-Artikolu 8, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesiġu li s-sussidjarji jfasslu u jissottomettu pjanijiet ta' rkupru fuq bażi individwali.

3. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti tas-sigriet professjonali previsti f'din id-Direttiva huma stabbiliti, jittrażmetti l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp:

(a) lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikoli 115 u 116 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn jinsabu fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għal dik il-fergħa;

(c) l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp; u

(d) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji.

4. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jimmira għall-istabbilizzazzjoni tal-grupp inġenerali, jew kwalunkwe istituzzjoni tal-grupp, meta jkun f'sitwazzjoni ta' stress sabiex jindirizza jew ineħħi l-kawżi tal-istress u jirripristina l-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp jew l-istituzzjoni inkwistjoni, waqt li fl-istess ħin jittieħed kont tal-pożizzjoni finanzjarja ta' entitajiet oħra fi grupp.

Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jinkludi arranġamenti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni u l-konsistenza ta' miżuri li jridu jittieħdu fil-livell tal-impriża prinċipali tal-Unjoni, fil-livell entitajiet msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) kif ukoll il-miżuri li jridu jittieħdu fil-livell ta' sussidjarji u, fejn applikabbli f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE fil-livell ta' fergħat sinifikattivi.

5. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp u kwalunkwe pjan imfassal għal sussidjarju individwali, għandu jinkludi l-elementi speċifikati fl-Artikolu 5. Dawk il-pjanijiet għandhom jinkludu, fejn applikabbli, arranġamenti għal għajnuna finanzjarja fi ħdan il-grupp adottata skont ftehim għal għajnuna finanzjarja fi ħdan il-grupp li jkun ġie konkluż skont il-Kapitolu III.

6. Il-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp għandhom jinkludu firxa ta' alternattivi ta' rkupru li jistabbilixxu azzjonijiet biex jindirizzaw dawk ix-xenarji previsti fl-Artikolu 5(6).

Għal kull wieħed mix-xenarji, il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jidentifika jekk hemmx xi impedimenti kontral-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rkupru fi ħdan il-grupp, inkluż fil-livell tal-entitajiet individwali koperti mill-pjan, u jekk hemmx impedimenti prattiċi jew legali sustanzjali għat-trasferiment fil-pront tal-fondi proprji jew ir-ripagament ta' passivi jew assi fi ħdan il-grupp.

7. Il-korp maniġerjali tal-entità li tfassal il-pjan ta' rkupru tal-grupp skont il-paragrafu 1 għandha tivvaluta u tapprova l-pjan ta' rkupru tal-grupp qABEl ma tissottomettih għand is-superviżur tal-konsolidazzjoni.

*Artikolu 8*

**Valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp**

1. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tas-sussidjarji, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE u mal-awtoritajiet kompetenti tal-fergħat sinifikattivi safejn rilevanti għal dik il-fergħa sinifikattiva, jeżamina mill-ġdid il-pjan ta' rkupru tal-grupp u jivvaluta l-punt safejn dan jissodisfa r-rekwiżiti u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7. Dik il-valutazzjoni għandha ssir skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 u skont dan l-Artikolu u għandha tqis l-impatt potenzjali tal-miżuri ta' rkupru fuq l-istabilità finanzjarja fl-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp.

2. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tas-sussidjarji għandhom jagħmlu ħilithom biex jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar:

(a) ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp;

(b) jekk pjan ta' rkupru fuq bażi individwali għandux jitfassal għall-istituzzjonijiet li huma parti mill-grupp; u

(c) l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(5) u (6).

Il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaslu għal deċiżjoni konġunta fi żmien erba' xhur mid-data tat-trażmissjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp min-naħa tas-superviżur tal-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 7(3).

L-ABE tista', fuq talba tal-awtorità kompetenti, tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jilħqu deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti, fi żmien erba' xhur mid-data ta' trażmissjoni, dwar ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp jew dwar kwalunkwe miżura li l-impriża prinċipali tal-Unjoni tkun mitluba tieħu skont l-Artikolu 6(5) u (6), is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jieħu deċiżjoni huwa stess fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu wara li jkun ikkunsidra l-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra espressi matul il-perjodu ta' erba' xhur. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinnotifika d-deċiżjoni lill-impriża prinċipali tal-Unjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

Jekk, fi tmien dak il-perjodu ta' erba' xhur, xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 tkun irreferiet kwistjoni msemmija fil-paragrafu 7 lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tas-superviżur tal-konsolidazzjoni.

4. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien erba' xhur mid-data ta' trażmissjoni dwar:

(a) jekk pjan ta' rkupru fuq bażi individwali għandux jitfassal għall-istituzzjonijiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħha; jew

(b) dwar l-applikazzjoni fil-livell sussidjarju tal-miżuri msemmijin fl-Artikolu 6(5) u (6);

kull awtorità kompetenti għandu tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar dik il-kwistjoni.

Jekk, fi tmien il-perjodu ta' erba' xhur, xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tkun irreferiet kwistjoni msemmija fil-paragrafu 7 lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità kompetenti tas-sussidjarja għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-sussidjarja fil-livell individwali.

5. L-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn li ma jkollhomx nuqqas ta' qbil taħt il-paragrafu 4 jistgħu jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar pjan ta' rkupru tal-grupp li jkopri l-entitajiet fi grupp taħt il-ġurisdizzjonijiet tagħhom.

6. Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 2 jew 5 u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 3 u 4 għandhom jiġu rikonoxxuti bħala konklużivi u applikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati.

7. Fuq talba ta' awtorità kompetenti skont il-paragrafi 3 jew 4, l-ABE tista' tassisti biss lill-awtoritajiet kompetenti biex jaslu għal qbil skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 6(6).

*Artikolu 9*

**Indikaturi tal-Pjan ta' Rkupru**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 5 sa 8, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li kull pjan ta' rkupru jinkludi qafas ta' indikaturi stabbilit mill-istituzzjoni li jidentifika l-punti fejn jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan. Tali indikaturi għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti matul it-twettiq tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru skont l-Artikoli 6 u 8. L-indikaturi jistgħu jkunu ta' natura kwalitattiva jew kwantitattiva rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u għandhom ikunu jistgħu jiġu mmonitorjati faċilment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jistabbilixxu arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ regolari tal-indikaturi.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, istituzzjoni tista':

(a) tieħu azzjoni skont il-pjan ta' rkupru tagħha meta l-indikatur rilevanti ma jkunx ġie sodisfatt, iżda fejn il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jidhirlu li huwa xieraq f'dawk iċ-ċirkostanzi; jew

(b) ma tiħux azzjoni ta' dan it-tip fejn il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni ma jidhirlux li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni.

Deċiżjoni li tittieħed azzjoni msemmija fil-pjan ta' rkupru jew deċiżjoni li ma tittiħidx tali azzjoni għandha tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

2. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tiżviluppa linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi kif imsemmi fil-paragrafu 1.

## Taqsima 3

## **Ippjanar ta' riżoluzzjoni**

### *Artikolu 10*

### **Pjanijiet ta' riżoluzzjoni**

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn tinsab kwalunkwe fergħa sinifikattiva safejn ikun rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, għandha tfassal pjan ta' riżoluzzjoni għal kull istituzzjoni li mhijiex parti minn grupp suġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jipprevedi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tieħu meta l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 7(a) għandha tiġi żvelata lill-istituzzjoni kkonċernata.

2. Meta tfassal il-pjan ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tidentifika kull impediment materjali għar-riżolvibbiltà u, fejn ikun neċessarju u proporzjonat, tiddefinixxi l-azzjonijiet rilevanti dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-impedimenti, skont il-Kapitolu II ta' dan it-Titolu.

3. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jikkunsidra xenarji rilevanti inkluż li l-avveniment ta' falliment jista' jkun idjosinkratiku jew jista' jseħħ fi żmien ta' instabbiltà finanzjarja usa' jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha. Il-pjan ta' riżoluzzjoni ma għandu jassumi l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja minbarra l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(b) kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza ta' bank ċentrali; jew

(c) kwalunkwe assistenza likwida ta' bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard.

4. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jinkludi analiżi ta' kif u meta istituzzjoni tista' tapplika, fil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali u għandu jidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral.

5. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet jassistuhom fit-tfassil u l-aġġornament tal-pjanijiet.

6. Il-pjanijiet tar-riżoluzzjoni għandhom jiġu rieżaminati, u fejn xieraq aġġornati, mill-inqas kull sena u wara kwalunkwe bidla fl-istruttura legali jew organizzattiva tal-istituzzjoni jew fin-negozju jew fil-pożizzjoni finanzjarja tagħha li jista' jkollha effett materjali fuq l-effettività tal-pjan jew inkella tagħmel neċessarja bidla fil-pjan ta' riżoluzzjoni.

Għall-finijiet tar-reviżjoni jew tal-aġġornament tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw minnufih lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kwalunkwe bidla li tagħmel neċessarja tali reviżjoni jew aġġornament.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jistipula alternattivi għall-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni msemmija fit-Titolu IV lill-istituzzjoni ta' kreditu. Dan għandu jinkludi, b'mod kwantifikat kull fejn xieraq u possibbli:

(a) sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan;

(b) sommarju tal-bidliet materjali fl-istituzzjoni li seħħew wara li kienet ippreżentata l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni;

(c) turija ta' kif il-funzjonijiet kritiċi u l-linji ewlenin ta' negozju jistgħu legalment u ekonomikament jiġu sseparati, sal-punt meħtieġ, minn funzjonijiet oħra sabiex tiġi żgurata l-kontinwità hekk kif tfalli l-istituzzjoni;

(d) stima tal-qafas ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;

(e) deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 15;

(f) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa skont l-Artikolu 17 sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà identifikati b'riżultat tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 15;

(g) deskrizzjoni tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjabbiltà tal-funzjonijiet kritiċi, linji ewlenin ta' negozju u assi tal-istituzzjoni;

(h) deskrizzjoni dettaljata tal-arranġamenti biex jiġi żgurat li l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 11 hija aġġornata u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni il-ħin kollu;

(i) spjegazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni dwar kif l-alternattivi tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin;

   (i) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja apparti l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100,

   (ii) kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza ta' bank ċentrali, jew

   (iii) kwalunkwe assistenza likwida ta' bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard;

(j) deskrizzjoni dettaljata tal-istrateġiji differenti tar-riżoluzzjoni li jistgħu jiġu applikati skont ix-xenarji differenti possibbli u l-limiti ta' żmien applikabbli;

(k) deskrizzjoni tal-interdipendenzi kritiċi;

(l) deskrizzjoni tal-alternattivi biex jiġi prriżervat l-aċċess għall-pagamenti u s-servizzi tal-ikklerjar u infrastrutturi oħra u, valutazzjoni tal-portabilità tal-pożizzjonijiet tal-klijenti;

(m) analiżi tal-impatt tal-pjan fuq l-impjegati tal-istituzzjoni, inkluża valutazzjoni ta' kwalunkwe spejjeż assoċjati, u deskrizzjoni tal-proċeduri previsti sabiex jiġi kkonsultat il-persunal matul il-proċess ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sistemi nazzjonali għad-djalogu mas-sħab soċjali fejn applikabbli;

(n) pjan għall-komunikazzjoni mal-midja u l-pubbliku;

(o) ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa skont l-Artikolu 45(1) u skadenza sa meta għandu jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli;

(p) fejn applikabbli, ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u strumenti kuntrattwali ta' rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 45(1), u skadenza sa meta għandu jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli;

(q) deskrizzjoni tal-operazzjonijiet u s-sistemi essenzjali biex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tal-istituzzjoni;

(r) fejn applikabbli kull opinjoni espressa mill-istituzzjoni fir-rigward tal-pjan ta' riżoluzzjoni;

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jesiġu li istituzzjoni u entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) iżommu reġistri dettaljati tal-kuntratti finanzjarji li dawn ikunu parti għalihom. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tispeċifika limitu ta' żmien li fih l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għandha tkun kapaċi tipproduċi dawk ir-rekords. L-istess limitu ta' żmien għandu japplika għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha msemmijin fil-punt (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tiddeċiedi li tiffissa limiti ta' żmien differenti għal tipi differenti ta' kuntratti finanzjarji kif imsemmija fl-Artikolu 2(100). Dan il-paragrafu m'għandux jaffettwa s-setgħat ta' ġbir ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti.

9. L-ABE, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifika ulterjorment il-kontenut tal-pjan ta' riżoluzzjoni.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 11*

**Informazzjoni għall-fini tal-pjanijiet tar-riżoluzzjoni u l-kooperazzjoni mill-istituzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jitolbu lill-istituzzjonijiet:

(a) jikkooperaw kemm jista' jkun possibbli fit-tfassil tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(b) jipprovdulhom, direttament jew permezz ta' awtorità kompetenti, l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jitfasslu u jiġu implimentati pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

B'mod partikolari l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħa jitolbu, fost informazzjoni oħra, l-informazzjoni u l-analiżi speċifikati fit-Taqsima B tal-Anness.

2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri rilevanti għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni sabiex jivverifikaw jekk hijiex diġà disponibbli l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 jew xi ftit minnha. Fejn din l-informazzjoni hija disponibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika proċeduri u sett minimu ta' formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni taħt dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 12*

**Pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, ifasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp. Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandhom jinkludu pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp immexxi mill-impriża prinċipali tal-Unjoni kollha kemm hi, jew permezz ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-impriża prinċipali tal-Unjoni jew permezz ta' firda u riżoluzzjoni tas-sussidjarji. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandu jidentifika miżuri għar-riżoluzzjoni:

(a) tal-impriża prinċipali tal-Unjoni;

(b) tas-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jinsabu fl-Unjoni;

(c) tal-entitajiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1); u

(d) suġġett għat-Titolu VI, tas-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jinsabu barra mill-Unjoni.

2. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandu jitfassal abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 11.

3. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandu:

(a) jistipula l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-entitajiet fi grupp, kemm permezz ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1), l-impriża prinċipali u l-istituzzjonijiet sussidjarji u permezz ta' azzjonijiet koordinati ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet sussidjarji, fix-xenarji previsti fl-Artikolu 10(3);

(b) jeżamina l-punt safejn l-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu applikati u eżerċitati b'mod koordinat għal entitajiet fi grupp stabbiliti fl-Unjoni, inklużi miżuri sabiex jiġi faċilitat ix-xiri minn parti terza tal-grupp kollu kemm hu, jew linji ta' negozju jew attivitajiet separati li huma pprovduti minn għadd ta' entitajiet fi grupp, jew entitajiet partikolari fi grupp, u jidentifikaw kwalunkwe impediment potenzjali għal riżoluzzjoni koordinata;

(c) fejn grupp jinkludi entitajiet inkorporati f'pajjiżi terzi, jidentifika arranġamenti adegwati għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti ta' dawk il-pajjiżi terzi u l-implikazzjonijiet għar-riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni;

(d) jidentifika miżuri, inklużi s-separazzjoni ġuridika u ekonomika ta' funzjonijiet partikolari jew linji ta' negozju, li huma meħtieġa sabiex tiġi faċilitata r-riżoluzzjoni tal-grupp meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet tar-riżoluzzjoni;

(e) jistabbilixxi kwalunkwe azzjoni addizzjonali, mhux imsemmija f'din id-Direttiva, li l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp beħsiebha tapplika għar-riżoluzzjoni tal-grupp.

(f) jidentifika kif l-azzjonijiet tar-riżoluzzjoni tal-grupp jistgħu jiġu ffinanzjati u, fejn ikun meħtieġ l-arranġament ta' finanzjament, jistabbilixxi prinċipji għall-qsim tar-responsabbiltà għal dak il-finanzjament bejn sorsi ta' finanzjament fi Stati Membri differenti. Il-pjan ta' riżoluzzjoni ma għandu jassumi l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja minbarra l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(ii) kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza ta' bank ċentrali; jew

(iii) kwalunkwe assistenza likwida ta' bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard.

Dawk il-prinċipji għandhom ikunu stabbiliti abbażi ta' kriterji ekwitabbli u bilanċjati u għandhom iqisu, b'mod partikolari, -Artikolu 107(5) u l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati kollha.

4. Il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tal-grupp taħt l-Artikolu 16 għandha ssir fl-istess ħin tat-tfassil u l-aġġornament tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp skont dan l-Artikolu. Fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandha tiġi inkluża deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont l-Artikolu 16.

5. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp m'għandux ikollu impatt sproporzjonat fuq kwalunkwe Stat Membru.

6. L-ABE, wara li tikkonsulta mal-BERS, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, billi tqis id-diversità tal-mudelli ta' negozju tal-gruppi fis-suq intern.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 13*

**Rekwiżit u proċedura għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp**

1. L-impriżi prinċipali tal-Unjoni għandhom jissottomettu l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa skont l-Artikolu 11 lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp. Din l-informazzjoni għandha tikkonċerna l-impriża prinċipali tal-Unjoni u sal-punt meħtieġ lil kull entità fi grupp inklużi l-entitajiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1).

L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti tas-sigriet professjonali previsti f'din id-Direttiva huma stabbiliti, għandha titrażmetti l-informazzjoni pprovduta skont dan il-paragrafu:

(a) lill-ABE;

(b) lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji;

(c) lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn ikunu jinsabu fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għal dik il-fergħa sinifikattiva;

(d) lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikoli 115 u 116 tad-Direttiva 2013/36/UE; u

(e) lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn huma stabbiliti l-entitajiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1).

L-informazzjoni pprovduta mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tas-sussidjarji, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjoni fejn jinsabu fergħat sinifikattivi, u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikoli 115 u 116 tad-Direttiva 2013/36/UE, għandhom jinkludu bħala minimu l-informazzjoni kollha li tkun rilevanti għas-sussidjarja jew il-fergħa sinifikattiva. L-informazzjoni pprovduta lill-ABE għandha tinkludi l-informazzjoni kollha li hija rilevanti għar-rwol tal-ABE fir-rigward tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp. Fil-każ ta' informazzjoni relatata ma' sussidjarji ta' pajjiż terz, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp m'għandhiex tkun obbligata tittrażmetti dik l-informazzjoni mingħajr il-kunsens tal-awtorità superviżorja jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti ta' pajjiż terz.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp li jaġixxu b'mod konġunt mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-kulleġġi ta' riżoluzzjoni u wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, inklużi l-awtoritajiet kompetenti tal-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri fejn tinsab kull fergħa sinifikattiva, ifasslu u jżommu pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp jistgħu, fid-diskrezzjoni tagħhom, u bil-kondizzjoni li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigriet professjonali stabbiliti fl-Artikolu 98 ta' din id-Direttiva, jinvolvu fit-tfassil u ż-żamma tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz tal-ġurisdizzjonijiet fejn il-grupp ikun stabbilixxa sussidjarji jew kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarja jew fergħat sinifikattivi kif imsemmi fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp jiġu rieżaminati u fejn adatt aġġornati, mill-inqas kull sena u wara kwalunkwe bidla fl-istruttura legali jew organizzattiva fin-negozju jew fil-pożizzjoni finanzjarja tal-grupp inkluża kwalunkwe entità fi grupp, li jista' jkollha effett materjali fuq il-pjan jew titlob bidla fih.

4. L-adozzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandha tieħu l-forma ta' deċiżjoni konġunta tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji.

Dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jieħdu deċiżjoni konġunta fi żmien perjodu ta' erba' xhur mid-data tat-trażmissjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp tal-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

L-ABE tista', fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fi żmien erba' xhur, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tieħu d-deċiżjoni hija stess dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp. Id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi ta' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni oħrajn. Id-deċiżjoni għandha tingħata lill-impriża prinċipali tal-Unjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

Suġġett għall-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, jekk, fi tmien il-perjodu ta' erba' xhur, kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

6. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fi żmien erba' xhur, kull awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għal sussidjarja għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha stess u għandha tfassal u żżomm pjan ta' riżoluzzjoni għall-entitajiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Kull waħda mid-deċiżjonijiet individwali għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ, għandha tistipula r-raġunijiet tan-nuqqas ta' qbil mal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp propost u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal- awtoritajiet kompetenti u tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħrajn. Kull awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-membri l-oħra tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Suġġett għall-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu, jekk, fi tmien il-perjodu ta' erba' xhur, kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja.

7. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħra li jaqblu taħt il-paragrafu 6 jistgħu jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp li jkopri l-entitajiet fi grupp taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

8. Id-deċiżjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafi 4 u 7 u d-deċiżjonijiet meħudin mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafi 4a u 4b għandhom ikunu rikonoxxuti bħala konklużivi u jiġu applikati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kkonċernati l-oħra.

9. Skont il-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, fuq talba ta' awtorità ta' riżoluzzjoni, l-ABE tista' tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu ftehim skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 dment li l-ebda awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata ma tqis li s-suġġett tan-nuqqas ta' qbil jista' b'xi mod jaffettwa r-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri tagħha.

10. Fejn jittieħdu deċiżjonijiet konġunti skont il-paragrafi 4 u 7 u fejn awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta, skont il-paragrafu 9, li s-suġġett tan-nuqqas ta' qbil dwar pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp jaffettwa r-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri tagħha, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tibda valutazzjoni mill-ġdid tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp, inkluż ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli.

*Artikolu 14*

**Trażmissjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni lill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tittrażmetti l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe tibdiliet li jsiru fihom lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tittrażmetti l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp u kwalunkwe bidla li ssir fihom lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

*KAPITOLU II*

***Riżolvibbiltà***

*Artikolu 15*

**Valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għall-istituzzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, li wara li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun ikkonsultat lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi sa fejn rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, hija tivvaluta l-punt safejn istituzzjoni li mhijiex parti minn grupp hija riżolvibbli mingħajr is-suppożizzjoni ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja minbarra l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(b) kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza ta' bank ċentrali;

(c) kwalunkwe assistenza likwida ta' bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard.

Istituzzjoni għandha titqies bħala riżolvibbli jekk ikun vijabbli u kredibbli għall-awtorità ta' riżoluzzjoni li jew tillikwidaha skont proċeduri normali ta' insolvenza jew li tirrisolviha bl-applikazzjoni ta' għodda u setgħat differenti tar-riżoluzzjoni fuq l-istituzzjoni filwaqt li tiġi evitata kemm jista' jkun possibbli kull effett negattiv sinifikanti fuq is-sistemi finanzjarji, inkluż f'ċirkostanzi ta' instabbiltà finanzjarja usa' jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, tal-Istat Membru li fih l-istituzzjoni hija stabbilita, jew ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità ta' funzjonijiet kritiċi li jitwettqu mill-istituzzjoni. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinnotifikaw lill-ABE fil-ħin kull meta istituzzjoni titqies mhux riżolvibbli.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha, bħala minimu, teżamina l-kwistjonijiet speċifikati fit-Taqsima C tal-Anness.

3. Il-kwistjoni tar-riżolvibbiltà taħt dan l-Artikolu għandha ssir mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fl-istess waqt u għall-fini tat-tfassil u l-aġġornament tal-pjan ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 10.

4. L-ABE, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-materji u l-kriterji għall-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà ta' istituzzjonijiet jew gruppi prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 16.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 16*

**Valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għall-gruppi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarji, wara li jikkonsultaw lis-superviżur tal-konsolidazzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' tali sussidjarji, u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi safejn rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, jivvalutaw il-punt safejn il-gruppi huma riżolvibbli mingħajr is-suppożizzjoni ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja minbarra l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(b) kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza ta' bank ċentrali;

(c) kwalunkwe assistenza likwida ta' bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard.

Grupp għandu jitqies bħala riżolvibbli jekk ikun vijabbli u kredibbli għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jillikwidaw l-entitajiet fi grupp skont proċeduri normali ta' insolvenza jew li jirrisolvu l-entitajiet fi grupp bl-applikazzjoni ta' għodda u setgħat ta' riżoluzzjoni fuq l-entitajiet fi grupp filwaqt li jiġi evitat kemm jista' jkun possibbli kull effett negattiv sinifikanti fuq is-sistemi finanzjarji, inkluż f'ċirkostanzi ta' instabbiltà finanzjarja usa' jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, tal-Istati Membri li fihom l-entitajiet fi grupp ikunu stabbiliti, jew ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni tal-garanzija ta' kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi li jitwettqu mill-entitajiet fi grupp, fejn dawn jistgħu jiġu separati faċilment f'waqthom jew b'xi mezz ieħor. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandhom jinnotifikaw lill-ABE fil-ħin kull meta grupp jitqies mhux riżolvibbli.

Il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tal-grupp għandha titqies mill-kulleġġi ta' riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 88.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tal-grupp, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom, bħala minimu, jeżaminaw il-kwistjonijiet speċifikati fit-Taqsima C tal-Anness.

3. Il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tal-grupp taħt dan l-Artikolu għandha ssir fl-istess waqt u għall-fini tat-tfassil u l-aġġornament tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp skont l-Artikolu 12. Il-valutazzjoni għandha ssir taħt il-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet stipulata fl-Artikolu 13.

*Artikolu 17*

**Setgħat sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta, skont valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għal istituzzjoni mwettqa skont l-Artikoli 15 u 16, awtorità ta' riżoluzzjoni wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tiddetermina li hemm impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà ta' dik l-istituzzjoni, l-awtorità tar-riżolvibbiltà għandha tinnotifika bil-miktub dik id-determinazzjoni lill-istituzzjoni kkonċernata, lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi.

2. Ir-rekwiżit għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni u r-rekwiżit għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti li jilħqu deċiżjoni konġunta dwar pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp fl-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 13(4) rispettivament għandha tiġi sospiża wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sa ma jiġu aċċettati l-miżuri għat-tneħħija ta' impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà mill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew deċiżi skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

3. Fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi notifika magħmula skont il-paragrafu 1, l-istituzzjoni għandha tipproponi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni miżuri possibbli sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti sostantivi identifikati fin-notifika. L-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara li tikkonsulta lill-awtorità kompetenti, għandha tivvaluta jekk dawk il-miżuri effettivament jindirizzawx jew ineħħux l-impedimenti sostantivi inkwistjoni.

4. Fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta li l-miżuri proposti minn istituzzjoni skont il-paragrafu 3 ma jnaqqsux jew ma jneħħux effettivament l-impedimenti inkwistjoni, din għandha, jew direttament jew indirettament permezz tal-awtorità kompetenti, titlob lill-isitituzzjoni tiegħu miżuri alternattivi li jistgħu jiksbu dak il-għan, u tinnotifika dawk il-miżuri bil-miktub lill-istituzzjoni, li għandha tipproponi pjan fi żmien xahar sabiex tikkonforma magħhom.

Fl-identifikazzjoni ta' miżuri alternattivi, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha turi kif il-miżuri proposti mill-istituzzjoni ma kinux kapaċi jneħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà u kif il-miżuri alternattivi proposti huma proporzjonati għat-tneħħija tagħhom. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tqis it-theddida ta' dawk l-impedimenti għall-istabilità finanzjarja, għar-riżolvibbiltà u l-effett tal-miżuri fuq in-negozju, l-istabbiltà u l-abilità tal-istituzzjoni li tikkontribwixxi għall-ekonomija.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħa jieħdu kwalunkwe mill-miżuri li ġejjin:

(a) jitolbu lill-istituzzjoni tirrevedi kwalunkwe ftehim ta' finanzjament fi ħdan il-grupp jew teżamina mill-ġdid in-nuqqas tagħhom, jew tfassal ftehimiet ta' servizz, kemm jekk fi ħdan l-istess grupp jew ma' partijiet terzi, sabiex tiġi koperta l-provvista ta' funzjonijiet kritiċi;

(b) jitolbu lill-istituzzjoni tillimita l-iskoperturi individwali u skoperturi aggregati massimi tagħha;

(c) jimponu rekwiżiti speċifiċi jew regolari tal-informazzjoni addizzjonali rilevanti għall-finijiet tar-riżoluzzjoni;

(d) jitolbu lill-istituzzjoni tbigħ assi speċifiċi;

(e) jitolbu lill-istituzzjoni tillimita jew twaqqaf attivitajiet speċifiċi eżistenti jew proposti;

(f) jirrestrinġu jew jipprevjenu l-iżvilupp ta' linji tan-negozju ġodda jew eżistenti jew il-bejgħ ta' prodotti ġodda jew eżistenti;

(g) jitolbu bidliet fl-istrutturi legali jew operazzjonali tal-istituzzjoni jew ta' kwalunkwe entità fi grupp, direttament jew indirettament taħt il-kontroll tagħha, ħalli titnaqqas il-kumplessità sabiex jiġi żgurat li l-funzjonijiet kritiċi jistgħu jiġu sseparati legalment u operattivament minn funzjonijiet oħra permezz tal-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni;

(h) jitolbu lil istituzzjoni jew impriża prinċipali jistabbilixxu kumpanija prinċipali b'parteċipazzjoni finanzjarja fi Stat Membru jew kumpanija prinċipali b'parteċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

(i) jitolbu lil istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) joħorġu obbligazzjonijiet eliġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 45;

(j) jitolbu lil istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jieħdu passi oħra sabiex jilħqu r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 45, inkluż b'mod partikolari sabiex jippruvaw jinnegozjaw kwalunkwe obbligazzjoni eliġibbli, strument ta' Grad 1 addizzjonali jew strument ta' Grad 2 li jkunu ħarġu, bil-ħsieb li jkun żgurat li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni għal valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' dak l-obbligazzjoni jew strument issir skont id-dritt tal-ġurisdizzjoni li tirregola dik l-obbligazzjoni jew strument; u

(k) meta istituzzjoni tkun is-sussidjarja ta' kumpanija b'parteċipazzjoni ta' attività mħallta, jitolbu li l-kumpanija b'parteċipazzjoni ta' attività mħallta tistabbilixxi kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja separata sabiex tikkontrolla l-istituzzjoni, jekk dan ikun meħtieġ sabiex tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni u sabiex jiġi evitat li l-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni msemmija fit-Titolu IV ikollhom effett negattiv fuq il-parti mhux finanzjarja tal-grupp.

6. Deċiżjoni li ssir skont il-paragrafu 1 jew 4 għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tiġi sostnuta b'raġunijiet għall-valutazzjoni jew id-determinazzjoni inkwistjoni;

(b) għandha tindika kif dik il-valutazzjoni jew id-determinazzjoni tikkonforma mar-rekwiżit għall-applikazzjoni proporzjonata stabbilit fil-paragrafu 4; u

(c) għandha tkun soġġetta għal dritt ta' appell.

7. Qabel ma tidentifika kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u, jekk adatt, mal-awtorità makroprudenzjali nazzjonali nnominata, għandha debitament tikkunsidra kif dovut l-effett potenzjali ta' dawk il-miżuri fuq l-istituzzjoni partikolari, is-suq intern għas-servizzi finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja fi Stati Membri oħra u l-Unjoni kollha kemm hi.

8. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tippubblika linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw dettalji ulterjuri dwar il-miżuri previsti fil-paragrafu 5 u ċ-ċirkostanzi li fihom tista' tiġi applikata kull miżura.

*Artikolu 18*

**Setgħat sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà: it-trattament tal-grupp**

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji, wara konsultazzjoni mal-kulleġġ superviżorju u mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu l-fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għall-fergħa sinifikattiva, għandha tikkunsidra l-valutazzjoni mitluba fl-Artikolu 16 fi ħdan il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għandha tieħu l-passi raġonevoli kollha biex tittieħed deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni ta' miżuri identifikati f'konformità mal-Artikolu 17(4) fir-rigward tal-istituzzjonijiet kollha li huma parti mill-grupp.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, f'kooperazzjoni mas-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-ABE skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, għandha tħejji u tissottometti rapport lill-impriża prinċipali tal-Unjoni, lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji, li se tipprovdih lis-sussidjarji taħt is-superviżjoni tagħhom u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi. Ir-rapport għandu jitħejja wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, u għandu janalizza l-impedimenti sostantivi għall-applikazzjoni effikaċi tal-għodod tar-riżoluzzjoni u l-eżerċitar tas-setgħat ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-grupp. Ir-rapport għandu jikkunsidra l-impatt fuq il-mudell ta' negozju tal-istituzzjoni u jirrakkomanda kwalunkwe miżura proporzjonata u mmirata li, fl-opinjoni tal-awtoritajiet, hija meħtieġa jew xierqa sabiex jitneħħew dawk l-impedimenti.

3. Fi żmien erba' xhur mid-data tar-riċezzjoni tar-rapport, l-impriża prinċipali tal-Unjoni tista' tissottometti osservazzjonijiet u tipproponi miżuri alternattivi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp ħalli tirrimedja l-impedimenti identifikati fir-rapport.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tikkomunika kwalunkwe miżura proposta mill-impriża prinċipali tal-Unjoni lis-superviżur tal-konsolidazzjoni, lill-ABE, lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji, u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi safejn ikun rilevanti għall-fergħa sinifikattiva. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu fergħat sinifikattivi, għandhom jagħmlu kull ma huwa fis-setgħa tagħhom sabiex jieħdu deċiżjoni konġunta fi ħdan il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali, u jekk ikun meħtieġ, il-valutazzjoni tal-miżuri proposti mill-impriża prinċipali tal-Unjoni u l-miżuri mitluba mill-awtoritajiet sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti, li għandhom jikkunsidraw l-impatt potenzjali tal-miżuri fl-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp.

5. Id-deċiżjoni konġunta għandha tittieħed fi żmien erba' xhur tas-sottomissjoni ta' kwalunkwe osservazzjoni mill-impriża prinċipali tal-Unjoni jew fl-iskadenza tal-perjodu ta' erba' xhur imsemmi fil-paragrafu 3, skont liema jaħbat l-ewwel. Din għandha tkun iġġustifikata u spjegata f'dokument li għandu jiġi pprovdut mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp lill-impriża prinċipali tal-Unjoni.

L-ABE tista', fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu deċiżjoni konġunta skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fi żmien il-perjodu msemmi fil-paragrafu 5, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tieħu deċiżjoni hija stess dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 17(4) fil-livell tal-grupp.

Id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħra. Id-deċiżjoni għandha tingħata lill-impriża prinċipali tal-Unjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

Jekk, fi tmien il-perjodu ta' erba' xhur, kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni tkun irreferiet kwistjoni msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

7. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess fir-rigward tal-miżuri adatti li għandhom jittieħdu mis-sussidjarji fil-livell individwali skont l-Artikolu 17(4). Id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal- awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħrajn. Id-deċiżjoni għandha tingħata lis-sussidjarja kkonċernata u lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.

Jekk fi tmien il-perjodu ta' erba' xhur, kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni tkun irreferiet kwistjoni msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu lill-ABE f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu f'konformità mal-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja.

8. Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 5 u d-deċiżjonijiet meħudin mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafi 6 u 7 għandhom ikunu rikonoxxuti bħala konklużivi u jiġu applikati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kkonċernati l-oħra.

9. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta dwar it-teħid ta' kwalunkwe miżura msemmija fil- punti (g), (h) jew (k) tal-Artikolu 17(5), l-ABE tista', fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-paragrafi 6 jew 7 ta' dan l-Artikolu, tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jaslu għal ftehim f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU III*

## *Għajnuna finanzjarja fi ħdan il-grupp*

*Artikolu 19*

### Ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru, istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni, jew entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) u s-sussidjarji tagħha fi Stati Membri jew pajjiżi terzi oħrajn li huma istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji koperti bis-superviżjoni konsolidata tal-impriża prinċipali, jistgħu jidħlu fi ftehim biex jipprovdu għajnuna finanzjarja lil kwalunkwe parti oħra għall-ftehim li tissodisfa l-kondizzjonijiet għal intervent bikri skont l-Artikolu 27, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu jkunu ntlaħqu.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall- arranġamenti finanzjarji fi ħdan il-grupp inklużi arranġamenti ta' finanzjament u l-operazzjoni ta' arranġamenti ta' finanzjament ċentralizzati sakemm l-ebda parti għal tali arranġamenti ma tissodisfa l-kondizzjonijiet għal intervent bikri.

3. Ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp m'għandux jikkostitwixxi prerekwiżit:

(a) biex tiġi pprovduta għajnuna finanzjarja tal-grupp lil kwalunkwe entità fi grupp li tesperjenza diffikultajiet finanzjarji jekk l-istituzzjoni tiddeċiedi li tagħmel hekk, fuq bażi ta' każ b'każ u skont il-politiki tal-grupp jekk dan ma jirrappreżentax riskju għall-grupp kollu; jew

(b) għall-operat fi Stat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ineħħu kwalunkwe impediment legali fid-dritt nazzjonali għal tranżazzjonijiet ta' għajnuna finanzjarja fi ħdan il-grupp li jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, bil-kondizzjoni li xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jżomm l-Istati Membri milli jimponu limitazzjonijiet fuq tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp b'konnessjoni ma' liġijiet nazzjonalili jeżerċitaw l-għażliet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jittrasponu d-Direttiva 2013/36/UE jew li jesiġu s-separazzjoni ta' partijiet ta' grupp jew ta' attivitajiet imwettqa fi ħdan grupp għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja;

5. Il-ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp jista':

(a) ikopri sussidjarja waħda jew aktar tal-grupp, u jista' jipprevedi għajnuna finanzjarja mill-impriża prinċipali lis-sussidjarji, mis-sussidjarji lill-impriża prinċipali, bejn sussidjarji tal-grupp li huma parti fil-ftehim, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn l-entitajiet;

(b) jipprevedi għajnuna finanzjarja fil-forma ta' self, il-provvista ta' garanziji, il-provvista ta' assi għal użu bħala kollateral, jew xi kombinazzjoni ta' dawn il-forom ta' għajnuna finanzjarja, fi tranżazzjoni waħda jew aktar inkluż bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u parti terza.

6. Jekk skont it-termini tal-ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp, entità fi grupp taqbel li tipprovdi għajnuna finanzjarja lil entità oħra fil-grupp, il-ftehim jista' jinkludi ftehim reċiproku mill-entità fi grupp li tirċievi l-għajnuna biex tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-entità fi grupp li tagħti l-għajnuna.

7. Il-ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp għandu jispeċifika l- prinċipji għall-kalkolu tal-korrispettiv, għal kwalunkwe tranżazzjoni li ssir taħtu. Dawk il-prinċipji għandhom jinkludu rekwiżit li l-korrispettiv jiġi ffissat fil-mument tal-għoti tal-għajnuna finanzjarja. Il-ftehim, inklużi l-prinċipji għall-kalkolu tal-korrispettiv għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja u t-termini l-oħrajn tal-ftehim, għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

(a) kull parti trid tkun qed taġixxi liberament meta tidħol għall-ftehim;

(b) meta tidħol fi ftehim u meta tiddetermina l-korrispettiv għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja, kull parti trid tkun qed taġixxi fl-aħjar interessi proprji tagħha li jistgħu jieħdu kont ta' kwalunkwe benefiċċju dirett jew indirett li tista' tirriżulta lil xi parti b'riżultat tal-għoti tal-għajnuna finanzjarja;

(c) kull parti li tipprovdi l-għajnuna finanzjarja għandu jkollha divulgazzjoni sħiħa tal-informazzjoni rilevanti minn kull parti li tirċievi l-għajnuna finanzjarja qabel ma jiġi ddeterminat il-korrispettiv għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja u qabel kwalunkwe deċiżjoni li tiġi pprovduta għajnuna finanzjarja;

(d) il-korrispettiv għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja jista' jieħu kont ta' informazzjoni fil-pussess tal-parti li tipprovdi l-għajnuna finanzjarja abbażi tal-fatt li din tkun qiegħda fl-istess grupp bħall-parti li tirċievi l-għajnuna finanzjarja u li ma tkunx disponibbli għas-suq; u

(e) m'hemmx obbligu li l-prinċipji għall-kalkolu tal-korrispettiv għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja jieħdu kont ta' xi impatt temporanju antiċipat fuq prezzijiet tas-suq li jirriżultaw minn avvenimenti li huma esterni għall-grupp.

8. Il-ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp jista' jiġi konkluż biss jekk, fil-ħin li jsir il-ftehim propost, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, l-ebda waħda mill-partijiet ma tissodisfa l-kondizzjonijiet għal intervent bikri.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe dritt, pretensjoni jew azzjoni li torġina mill-ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp tkun tista' tiġi eżerċitata biss mill-partijiet fil-ftehim, bl-esklużjoni ta' partijiet terzi.

*Artikolu 20*

**Analiżi ta' ftehim propost mill-awtoritajiet kompetenti u l-medjazzjoni**

1. L-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti lis-superviżur tal-konsolidazzjoni applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe ftehim propost ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp propost skont l-Artikolu 19. L-applikazzjoni għandha tinkludi t-test tal-ftehim propost u tidentifika l-entitajiet fi grupp li jkunu qed jipproponu li jkunu partijiet.

2. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jibgħat mingħajr dewmien l-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull sussidjarja li tkun qed tipproponi li tkun parti fil-ftehim, bil-ħsieb li tintlaħaq deċiżjoni konġunta.

3. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, jagħti l-awtorizzazzjoni jekk it-termini tal-ftehim propost ikunu konsistenti mal-kondizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 23.

4. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni jista', f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, jipprojbixxi l-konklużjoni tal-ftehim propost jekk dan jitqies li jkun inkonsistenti mal-kondizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 23.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dak kollu li hu fis-setgħa tagħhom sabiex jieħdu deċiżjoni konġunta, li tqis l-impatt potenzjali, inkluża kwalunkwe konsegwenza finanzjarja, tal-eżekuzzjoni tal-ftehim fl-Istati Membri kollha fejn jopera l-grupp, dwar jekk it-termini tal-ftehim propost humiex konsistenti mal-kondizzjonijiet għal għajnuna finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 23 fi żmien erba' xhur mid-data li jirċievu l-applikazzjoni mis-superviżur tal-konsolidazzjoni. Id-deċiżjoni konġunta għandha tiġi spjegata f'dokument li jinkludi d-deċiżjoni ġġustifikata bis-sħiħ, li għandu jiġi pprovdut lill-applikant mis-superviżur tal-konsolidazzjoni.

L-ABE tista', fuq talba tal-awtorità kompetenti, tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jilħqu ftehim skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien erba' xhur, is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu stess dwar l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi spjegata f'dokument li jkun fih ġustifikazzjoni sħiħa u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra espressi matul il-perjodu ta' erba' xhur. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-applikant u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

7. Jekk, fit-tmien il-perjodu ta' erba' xhur, kwalunkwe mill-awtoritajiet kompetenti konċernati tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

*Artikolu 21*

**Approvazzjoni mill-azzjonisti tal-ftehim propost**

1. L-Istati Membri għandhom jitolbu li kwalunkwe ftehim propost li jkun ġie awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti jiġi sottomess għall-approvazzjoni lill-azzjonisti ta' kull entità fil-grupp li tkun qed tipproponi li tidħol fil-ftehim. F'tali każ, il-ftehim għandu jkun validu biss fir-rigward ta' dawk il-partijiet li l-azzjonisti tagħhom ikunu approvaw il-ftehim skont il-paragrafu 2.

2. Ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp għandu jkun validu fir-rigward ta' entità fi grupp biss jekk l-azzjonisti tagħha jkunu approvaw lill-korp maniġerjali ta' dik l-entità fi grupp, biex jieħu deċiżjoni li l-entità fi grupp għandha tipprovdi jew tirċievi għajnuna finanzjarja skont it-termini tal-ftehim u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu u sakemm l-awtorizzazzjoni tal-azzjonisti ma tkunx ġiet revokata.

3. Il-korp maniġerjali ta' kull entità li hija parti fi ftehim għandu jirrapporta kull sena lill-azzjonisti dwar il-prestazzjoni tal-ftehim, u dwar l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont il-ftehim.

*Artikolu 22*

**Trażmissjoni ta' ftehimiet ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti l-ftehimiet ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp li jkunu awtorizzaw u kwalunkwe tibdil fihom.

*Artikolu 23*

**Kondizzjonijiet għal għajnuna finanzjarja tal-grupp**

1. Għajnuna finanzjarja minn entità fi grupp skont l-Artikolu 19 tista' tingħata biss jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) hemm prospett raġonevoli li l-għajnuna pprovduta tirrimedja b'mod sinifikattiv id-diffikultajiet finanzjarji tal-entità fi grupp li qed tirċievi l-għajnuna;

(b) l-għoti tal-għajnuna finanzjarja għandu l-għan li jippreserva jew li terġa' tinġieb l-istabbiltà finanzjarja tal-grupp kollu jew kwalunkwe entità fi grupp u huwa fl-aħjar interessi tal-entità fi grupp li qed tagħti l-għajnuna;

(c) l-għajnuna finanzjarja tingħata skont termini, inkluż korrispettiv, skont l-Artikolu 19(7);

(d) hemm prospett raġonevoli, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-korp maniġerjali tal-entità fi grupp li qed tagħti l-għajnuna finanzjarja fil-mument meta tittieħed id-deċiżjoni li tingħata għajnuna finanzjarja, li l-korrispettiv għall-għajnuna se jitħallas u, jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self, dak is-self ser jiġi rimborżat, mill-entità fi grupp li qed tirċievi l-għajnuna. Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' garanzija jew kwalunkwe forma ta' sigurtà, l-istess kondizzjoni għandha tapplika għall-obbligazzjoni li tirriżulta għall-benefiċjarju jekk il-garanzija jew is-sigurtà tiġi infurzata;

(e) l-għoti tal-għajnuna finanzjarja ma tipperikolax il-likwidità jew is-solvenza tal-entità fi grupp li qed tipprovdi l-għajnuna;

(f) l-għoti tal-għajnuna finanzjarja ma joħloqx theddida għall-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari fl-Istat Membru tal-entità fi grupp li tagħti l-għajnuna;

(g) l-entità fi grupp li tagħti l-għajnuna tikkonforma, fil-ħin meta tingħata l-għajnuna, mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/36/UE rigward il-kapital jew il-likwidità u kwalunkwe rekwiżit impost skont l-Artikolu 104(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-għoti tal-għajnuna finanzjarja ma jikkawżax ksur ta' dawn ir-rekwiżiti mill-entità fi grupp, għajr jekk awtorizzata mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali tal-entità li tagħti l-għajnuna;

(h) l-entità fi grupp li tagħti l-għajnuna, fil-ħin meta tingħata l-għajnuna tkun konformi mar-rekwiżiti dwar skoperturi kbar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE kwalunkwe leġislazzjoni nazzjonali li teżerċita l-għażliet previsti fiha, u l-għoti tal-għajnuna finanzjarja m'għandux jikkawża ksur ta' dawn ir-rekwiżiti mill-entità, għajr jekk awtorizzata mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali tal-entità fi grupp li qed tagħti l-għajnuna;

(i) l-għoti tal-għajnuna finanzjarja ma jipperikolax ir-riżolvibbiltà tal-entità fi grupp li qed tipprovdi l-għajnuna.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 punti (a), (c), (e) u (i).

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-ABE għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, tippubblika linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tippromwovi l-konverġenza fil-prassi għall-ispeċifikazzjoni tal-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (b), (d), (f), (g) u (h) ta-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 24*

**Deċiżjoni li tingħata għajnuna finanzjarja**

Id-deċiżjoni li tingħata għajnuna finanzjarja tal-grupp skont il-ftehim għandha tittieħed mill-korp maniġerjali tal-entità fi grupp li qed tipprovdi l-għajnuna finanzjarja. Dik id-deċiżjoni għandha tkun iġġustifikata u għandha tindika l-għan tal-għajnuna finanzjarja proposta. B'mod partikolari, id-deċiżjoni għandha tindika kif l-għoti tal-għajnuna finanzjarja jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23(1). Id-deċiżjoni li tiġi aċċettata għajnuna finanzjarja tal-grupp skont il-ftehim għandha tittieħed mill-korp maniġerjali tal-entità fi grupp li qed tirċievi l-għajnuna finanzjarja.

*Artikolu 25*

**Dritt ta' oppożizzjoni għall-awtoritajiet kompetenti**

1. Qabel ma tingħata għajnuna skont ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp, il-korp maniġerjali ta' entità fi grupp li għandha l-ħsieb li tipprovdi għajnuna finanzjarja għandu jinnotifika:

(a) lill-awtorità kompetenti tiegħu;

(b) fejn differenti mill-awtoritajiet f'punti (a) u (c), fejn applikabbli, lis-superviżur tal-konsolidazzjoni;

(c) fejn differenti mill-punti (a) u (b), lill-awtorità kompetenti tal-entità fi grupp li tirċievi l-għajnuna finanzjarja; u

(d) lill-ABE.

In-notifika għandha tinkludi d-deċiżjoni ġġustifikata tal-korp maniġerjali skont l-Artikolu 24 u dettalji tal-għajnuna finanzjarja proposta inkluż kopja tal-ftehim tal-għajnuna finanzjarja tal-grupp.

2. Fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tar-riċezzjoni ta' notifika kompluta, l-awtorità kompetenti tal-entità fi grupp li qed tipprovdi l-għajnuna finanzjarja tista' taqbel mal-għoti tal-għajnuna finanzjarja, jew tista' tipprojbixxiha jew tirrestrinġiha jekk hija tivvaluta li l-kondizzjonijiet tal-għajnuna finanzjarja tal-grupp stipulati fl-Artikolu 23 ma ġewx sodisfatti. Deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-għajnuna finanzjarja għandha tkun iġġustifikata.

3. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li taqbel ma', tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-għajnuna finanzjarja għandha tkun notifikata immedjatament:

(a) lis-superviżur tal-konsolidazzjoni;

(b) lill-awtorità kompetenti tal-entità fi grupp li tirċievi l-għajnuna; u

(c) lill-ABE.

Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinforma immedjatament lill-membri l-oħra tal-kulleġġ superviżorju u lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

4. Fejn is-superviżur tal-konsolidazzjoni jew l-awtorità kompetenti responsabbli għall-entità fi grupp li qed tirċievi l-għajnuna jkollhom oġġezzjonijiet rigward id-deċiżjoni li tiġi pprojbita jew ristretta l-għajnuna finanzjarja, huma jistgħu, fi żmien jumejn, jirreferu l-kwistjoni għand l-ABE u jitolbu l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. Jekk l-awtorità kompetenti ma tipprojbixxix jew ma tirrestrinġix l-għajnuna finanzjarja fi żmien il-perjodu indikat fil-paragrafu 2, jew sa tmiem dak il-perjodu tkun qablet ma' dik l-għajnuna, l-għajnuna finanzjarja tista' tiġi pprovduta skont it-termini sottomessi lill-awtorità kompetenti.

6. Id-deċiżjoni tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni li jipprovdi għajnuna finanzjarja għandha tiġi trażmessa:

(a) lill-awtorità kompetenti,

(b) fejn differenti mill-awtoritajiet f'punti (a) u (c), fejn applikabbli, lis-superviżur tal-konsolidazzjoni

(c) fejn differenti mill-punti (a) u (b), lill-awtorità kompetenti tal-entità fi grupp li tirċievi l-għajnuna finanzjarja u

(d) lill-ABE.

Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinforma immedjatament lill-membri l-oħra tal-kulleġġ superviżorju u lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

7. Jekk l-awtorità kompetenti tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-għajnuna finanzjarja tal-grupp skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fejn il-pjan ta' rkupru tal-grupp skont l-Artikolu 7(5) jagħmel referenza għal għajnuna finanzjarja fi ħdan il-grupp, l-awtorità kompetenti tal-entità fi grupp li fil-konfront tagħha tkun ġiet ristretta jew projbita l-għajnuna tista' titlob lis-superviżur tal-konsolidazzjoni jniedi valutazzjoni mill-ġdid tal-pjan ta' rkupru tal-grupp skont l-Artikolu 8 jew, fejn il-pjan ta' rkupru huwa mfassal fuq bażi individwali, titlob lill-entità fi grupp tippreżenta pjan ta' rkupru rivedut.

*Artikolu 26*

**Divulgazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li entitajiet fi grupp jippubblikaw jekk ikunux daħlu jew le fi ftehim ta' għajnuna finanzjarja tal-grupp skont l-Artikolu 19 u jippubblikaw deskrizzjoni tat-termini ġenerali ta' ftehim ta' din ix-xorta u l-ismijiet tal-entitajiet fi grupp li huma parti għalih u jaġġornaw dik l-informazzjoni mill-inqas kull sena.

Għandhom japplikaw l-Artikoli 431 sa 434 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi biex tispeċifika l-forma u l-kontenut tad-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU III

**INTERVENT BIKRI**

*Artikolu 27*

**Miżuri ta' intervent bikri**

1. Fejn istituzzjoni tikser jew, minħabba fost l-oħrajn kondizzjoni finanzjarja li qed tmur lura rapidament, inklużi sitwazzjoni ta' likwidità li sejra lura, żieda fil-livell ta' ingranaġġ, self mingħajr prestazzjoni jew konċentrazzjoni ta' skoperturi, kif ivvalutat abbażi ta' sett ta' skattaturi, li jistgħu jinkludu r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni b'żieda ta' 1,5 punti perċentwali, aktarx li fil-futur qrib tikser ir-rekwiżititar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva 2013/36/UE, Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE jew l-Artikoli 3 sa 7, 14 sa 17, u 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE fejn applikabbli, tal-anqas il-miżuri li ġejjin:

(a) jitolbu li l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jimplimenta waħda jew aktar mill-arranġamenti jew miżuri stabbiliti fil-pjan ta' rkupru jew li skont l-Artikolu 5(2) jaġġorna tali pjan ta' rkupru meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għal intervent bikri huma differenti mis-suppożizzjonijiet stabbiliti fil-pjan ta' rkupru inizjali u jimplimenta wieħed jew aktar mill-arranġamenti jew miżuri stabbiliti fil-pjan aġġornat fi żmien speċifiku u bil-ħsieb li jkun żgurat li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-frażi introduttiva ma għadhomx japplikaw;

(b) jitolbu li l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jeżamina s-sitwazzjoni, jidentifika miżuri sabiex tingħeleb kwalunkwe problema identifikata u jfassal programm ta' azzjoni sabiex jingħelbu dawk il-problemi u skeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tiegħu;

(c) jitolbu li l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jsejjaħ, jew jekk il-korp maniġerjali jonqos milli jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit isejjaħ direttament, laqgħa tal-azzjonisti tal-istituzzjoni, u fiż-żewġ każijiet jistabbilixxu l-aġenda u jitolbu li l-azzjonisti jikkunsidraw ċerti deċiżjonijiet għall-adozzjoni;

(d) jitolbu t-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' membru tal-korp maniġerjali jew tal-maniġment superjuri wieħed jew aktar jekk jinstab li dawk il-persuni mhumiex kompetenti biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/65/UE;

(e) jitolbu li korp maniġerjali tal-istituzzjoni jfassal pjan għan-negozjar dwar ir-ristrutturar ta' dejn ma' xi wħud mill-kredituri tagħha jew magħhom kollha skont il-pjan ta' rkupru, fejn applikabbli;

(f) jitolbu tibdil fl-istrateġija tan-negozju tal-istituzzjonijiet;

(g) jitolbu tibdil fl-istrutturi legali u operazzjonali tal-istituzzjoni; u

(h) jakkwistaw, inkluż permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post, u jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jaġġornaw il-pjan ta' riżoluzzjoni u jħejju għar-riżoluzzjoni eventwali tal-istituzzjoni u għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 36.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien hekk kif jiddeterminaw li l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti fir-rigward ta' istituzzjoni u li s-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jinkludu s-setgħa li jitolbu lill-istituzzjoni tikkuntattja xerrejja potenzjali sabiex tiħejja r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni, suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 39(2) u r-rekwiżiti tas-sigriet professjonali stipulati fl-Artikolu 84:

3. Għal kull waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu skadenza adegwata għat-tlestija, u jippermettu lill-awtorità kompetenti tevalwa l-effettività tal-miżura.

4. L-ABE għandha sat-3 ta' Lulju 2015, tippubblika, linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex tippromwovi l-applikazzjoni konsistenti tal-iskattatur għall-użu tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Filwaqt li titqies fejn xieraq, l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dawk il-linji gwida, msemmijin fil-paragrafu 4, l-ABE tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji bil-għan li tispeċifika sett minimu ta' skattaturi għall-użu tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 28*

**Tneħħija tal-maniġment superjuri u l-korp maniġerjali**

Fejn ikun hemm deterjorament sinifikanti fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni jew fejn ikun hemm ksur serju tal-liġi jew ta' regolamenti jew l-atti amministrattivi tal-istituzzjoni jew irregolaritajiet amministrattivi serji, u l-miżuri l-oħra meħuda skont l-Artikolu 27 mhumiex biżżejjed biex jibdlu dak id-deterjorament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu t-tneħħija tal-maniġment superjuri jew tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni fl-intier tagħhom jew fir-rigward ta' individwi. Il-ħatra tal-maniġment superjuri l-ġdid jew tal-korp maniġerjali għandha ssir skont id-dritt nazzjonali u tal-Unjoni u tkun suġġetta għall-approvazzjoni jew il-kunsens tal-awtorità kompetenti.

*Artikolu 29*

**Amministratur temporanju**

1. Meta t-tibdil tal-maniġment superjuri jew tal-korp maniġerjali kif imsemmi fl-Artikolu 28 jitqies li mhuwiex biżżejjed skont l-awtorità kompetenti biex titranġa s-sitwazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaħtru amministratur temporanju wieħed jew aktar għall-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, abbażi ta' x'inhu proporzjonat fiċ-ċirkostanzi, jaħtru kwalunkwe amministratur temporanju biex jissostitwixxi lill-korp ta' mmaniġġar tal-istituzzjoni b'mod temporanju jew biex jaħdem temporanjament mal-korp ta' mmaniġġar tal-istituzzjoni u l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika d-deċiżjoni tagħha fil-mument tal-ħatra. Jekk l-awtorità kompetenti taħtar amministratur temporanju biex jaħdem mal-korp ta' mmaniġġar tal-istituzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika ulterjorment fil-mument tal-ħatra r-rwol, id-dmirijiet u s-setgħat tal-amministratur temporanju u kwalunkwe rekwiżit għall-bord ta' mmaniġġar tal-istituzzjoni li jikkonsulta mal-amministratur temporanju jew li jikseb il-kunsens tiegħu qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet jew azzjonijiet speċifiċi. L-awtorità kompetenti għandha tintalab tippubblika l-ħatra ta' kwalunkwe amministratur temporanju ħlief fejn l-amministratur temporanju m'għandux is-setgħa li jirrappreżenta lill-istituzzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li kwalunkwe amministratur temporanju jkollu l-kwalifiki, l-abbiltà u l-għarfien meħtieġa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu jew tagħha u li jkun liberu minn kwalunkwe kunflitt ta' interess.

2. L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika s-setgħat tal-amministratur temporanju fil-mument tal-ħatra tal-amministratur temporanju abbażi ta' x'ikun proporzjonat fiċ-ċirkostanzi. Tali setgħat jistgħu jinkludu wħud mis-setgħat jew is-setgħat kollha tal-bord ta' mmaniġġar tal-istituzzjoni taħt l-istatuti tal-istituzzjoni u taħt id-dritt nazzjonali, inkluża s-setgħa li jeżerċita l-funzjonijiet amministrattivi kollha tal-bord ta' mmaniġġar tal-istituzzjoni jew uħud minnhom. Is-setgħat tal-amministratur temporanju fir-rigward tal-istituzzjoni għandhom ikunu konformi mal-liġi applikabbli tal-kumpaniji.

3. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-amministratur temporanju għandhom jiġu speċifikati mill-awtorità kompetenti fil-mument tal-ħatra u jistgħu jinkludu l-aċċertament tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni, il-ġestjoni tan-negozju jew ta' parti min-negozju tal-istituzzjoni bil-ħsieb li tinżamm jew li terġa' tinġieb lura l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u t-teħid ta' miżuri biex jerġa' jkun hemm ġestjoni solida u prudenti tan-negozju tal-istituzzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika kwalunkwe limiti fuq ir-rwol u l-funzjonijiet tal-amministratur temporanju fil-mument tal-ħatra.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa esklużiva li jaħtru u jneħħu kwalunkwe amministratur temporanju. L-awtorità kompetenti tista' tneħħi amministratur temporanju fi kwalunkwe ħin u għal kwalunkwe raġuni. L-awtorità kompetenti tista' tvarja t-termini tal-ħatra ta' amministratur temporanju fi kwalunkwe ħin suġġett għal dan l-Artikolu.

5. L-awtorità kompetenti tista' titlob li ċerti atti ta' amministratur temporanju jkunu suġġetti għall-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika kwalunkwe rekwiżit ta' dan it-tip fil-mument tal-ħatra ta' amministratur temporanju jew meta ssir kwalunkwe varjazzjoni fit-termini tal-ħatra ta' amministratur temporanju.

Fi kwalunkwe każ, l-amministratur temporanju jista' jeżerċita s-setgħa li jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-azzjonisti tal-istituzzjoni u li jistabbilixxi l-aġenda ta' tali laqgħa biss bil-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti.

6. L-awtorità kompetenti tista' titlob li amministratur temporanju jfassal rapporti dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni u dwar l-atti mwettqa matul il-ħatra tiegħu, f'intervalli stabbiliti mill-awtorità kompetenti u fi tmiem il-mandat tiegħu jew tagħha.

7. Il-ħatra ta' amministratur temporanju m'għandhiex iddum aktar minn sena. Dak il-perjodu jista' jiġġedded eċċezzjonalment jekk il-kondizzjonijiet għall-ħatra ta' amministratur temporanju jibqgħu jiġu sodisfatti. L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli sabiex tiddetermina jekk jeżistux il-kondizzjonijiet xierqa sabiex jinżamm amministratur temporanju u sabiex tiġġustifika kwalunkwe deċiżjoni bħal din lill-azzjonisti.

8. Suġġett għal dan l-Artikolu, il-ħatra ta' amministratur temporanju m'għandhiex tippreġudika d-drittijiet tal-azzjonisti skont il-liġi tal-kumpaniji tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

9. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-obbligazzjoni ta' kwalunkwe amministratur temporanju skont id-dritt nazzjonali għal atti u ommissjonijiet fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha bħala amministratur temporanju skont il-paragrafu 3.

10. Amministratur temporanju maħtur skont dan l-Artikolu m'għandux jitqies bħala viċi direttur jew direttur de facto taħt id-dritt nazzjonali.

*Artikolu 30*

**Koordinazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri u l-ħatra ta' amministratur temporanju fir-rigward ta' gruppi**

1. Fejn ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' rekwiżiti skont l-Artikolu 27 jew il-ħatra ta' amministratur temporanju skont l-Artikolu 29 fir-rigward ta' impriża prinċipali tal-Unjoni, is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinnotifika lill-ABE u jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra fi ħdan il-kulleġġ superviżorju.

2. Wara dik in-notifika u l-konsultazzjoni, is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jiddeċiedi jekk japplikax kwalunkwe waħda mill-miżuri fl-Artikolu 27 jew jekk jaħtarx amministratur temporanju skont l-Artikolu 29 fir-rigward tal-impriża prinċipali tal-Unjoni rilevanti, filwaqt li jqis l-impatt ta' dawk il-miżuri fuq l-entitajiet fi grupp fi Stati Membri oħra. Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinnotifika d-deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn fi ħdan il-kulleġġ superviżorju u l-ABE.

3. Fejn ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' rekwiżiti skont l-Artikolu 27 jew għall-ħatra ta' amministratur temporanju skont l-Artikolu 29 fir-rigward ta' sussidjarja ta' impriża prinċipali tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali li jkollha l-intenzjoni tieħu miżura skont dawk l-Artikoli għandha tinnotifika lill-ABE u tikkonsulta lis-superviżur tal-konsolidazzjoni.

Hekk kif jirċievi n-notifika, is-superviżur tal-konsolidazzjoni jista' jivvaluta l-impatt mistenni tal-impożizzjoni tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 27 jew il-ħatra ta' amministratur temporanju skont l-Artikolu 29 għall-istituzzjoni inkwistjoni, fuq il-grupp jew fuq l-entitajiet fi grupp fi Stati Membri oħrajn. Huwa għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett ijiem.

Wara dik in-notifika u l-konsultazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk tapplikax kwalunkwe waħda mill-miżuri fl-Artikolu 27 jew jekk taħtarx amministratur temporanju skont l-Artikolu 29. Din id-deċiżjoni għandha tieħu kont debitu ta' kwalunkwe valutazzjoni tas-superviżur tal-konsolidazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni lis-superviżur tal-konsolidazzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn fi ħdan il-kulleġġ superviżorju u l-ABE.

4. Meta aktar minn awtorità kompetenti waħda jkollha l-intenzjoni li taħtar amministratur temporanju jew li tapplika kwalunkwe waħda mill-miżuri fl-Artikolu 27 għal aktar minn istituzzjoni waħda fl-istess grupp, is-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra għandhom jikkunsidraw jekk ikunx aktar adatt li jinħatar l-istess amministratur temporanju għall-entitajiet kollha kkonċernati jew biex tiġi kkoordinata l-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura fl-Artikolu 27 għal aktar minn istituzzjoni waħda sabiex jiġu ffaċilitati s-soluzzjonijiet bil-ħsieb li terġa' tinġieb lura l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni kkonċernata. Il-valutazzjoni għandha tieħu l-forma ta' deċiżjoni konġunta tas-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra. Id-deċiżjoni konġunta għandha tintlaħaq fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1. Id-deċiżjoni konġunta għandha tkun iġġustifikata u stabbilita f'dokument li għandu jiġi pprovdut mis-superviżur tal-konsolidazzjoni lill-impriża prinċipali tal-Unjoni.

L-ABE tista', fuq talba tal-awtorità kompetenti, tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jilħqu ftehim skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fi żmien ħamest ijiem, is-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tas-sussidjarji jistgħu jieħdu deċiżjonijiet individwali dwar il-ħatra ta' amministratur temporanju għall-istituzzjonijiet li għalihom huma responsabbli u dwar l-applikazzjoni ta' kwalunkwe waħda mill-miżuri fl-Artikolu 27.

5. Fejn awtorità kompetenti kkonċernata ma taqbilx mad-deċiżjoni nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 3, jew fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta skont il-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE f'konformità mal-paragrafu 63.

6. L-ABE tista', fuq talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti, tgħin lill-awtoritajiet kompetenti li jkun biħsiebhom japplikaw miżura waħda jew aktar fil-punt (a) tal-Artikolu 27(1) ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-punti (4), (10), (11) u (19) tat-Taqsima A tal-Anness ta' din id-Direttiva, fil-punt (e) tal-Artikolu 27(1) ta' din id-Direttiva jew fil-punt (g) tal-Artikolu 27(1) ta' din id-Direttiva jilħqu ftehim skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. Id-deċiżjoni ta' kull awtorità kompetenti għandha tkun motivata. Id-deċiżjoni għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra li jkunu ġew espressi matul il-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jew 3 jew il-perjodu ta' ħamest ijiem imsemmi fil-paragrafu 4 kif ukoll l-impatt potenzjali tad-deċiżjoni dwar l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu pprovduti mis-superviżur tal-konsolidazzjoni lill-impriża prinċipali tal-Unjoni u lis-sussidjarji mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi.

Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, fejn, qabel it-tmiem il-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu jew fi tmiem il-perjodu ta' ħamest ijiem imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, is-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra għandhom jiddifferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom u jistennew kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' ħamest ijiem għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni fis-sens ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien tlett ijiem. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi referita lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' ħamest ijiem jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta.

8. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien tlett ijiem, għandhom japplikaw id-deċiżjonijiet individwali meħudin skont il-paragrafi 1 jew 3 jew it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4.

## TITOLU IV

## **RIŻOLUZZJONI**

### *KAPITOLU I*

### ***Għanijiet, kondizzjonijiet u prinċipji ġenerali***

#### *Artikolu 31*

#### **Għanijiet tar-riżoluzzjoni**

1. Meta japplikaw l-għodod tar-riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat tar-riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni, u jagħżlu l-għodod u s-setgħat li jilħqu l-aħjar l-għanijiet li huma rilevanti fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

2. L-għanijiet tar-riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 huma:

(a) li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi;

(b) li jiġi evitat effett negattiv sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-kontaġju, inkluż fl-infrastrutturi tas-suq, u billi tinżamm id-dixxiplina tas-suq;

(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

(d) jiġu protetti d-depożitaturi koperti bid-Direttiva 2014/49/UE u l-investituri koperti bid-Direttiva 97/9/KE;

(e) li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti.

Meta tfittex li tikseb l-objettivi msemmijin hawn fuq, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tfittex li timminimizza l-ispiża tar-riżoluzzjoni u tevita d-distruzzjoni tal-valur għajr jekk neċessarju għall-ilħuq tal-objettivi ta' riżoluzzjoni.

3. Suġġetti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan id-Direttiva, l-għanijiet tar-riżoluzzjoni huma ta' sinifikanza ugwali, u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jibbilanċjawhom kif xieraq man-natura u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

*Artikolu 32*

**Kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) biss jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis li jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-determinazzjoni li l-istituzzjoni qed tfalli jew probabbli tfalli tkun saret mill-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-awtorità ta' riżoluzzjoni jew, suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, mill-awtorità ta' riżoluzzjoni wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti.

(b) b'kont meħud taż-żmien u ċ-ċirkostanzi l-oħra rilevanti, ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe miżura alternattiva mis-settur privat, inklużi miżuri mill-IPS, jew azzjoni ta' superviżjoni, inklużi miżuri ta' intervent bikri jew ta' valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti ta' kapital skont l-Artikolu 59(2), meħuda fir-rigward tal-istituzzjoni, tista' tipprevjeni l-falliment tal-istituzzjoni fi żmien raġonevoli;

(c) azzjoni ta' riżoluzzjoni hija meħtieġa fl-interess pubbliku skont il-paragrafu 5.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, minbarra l-awtorità kompetenti, id-determinazzjoni li l-istituzzjoni qed tfalli jew probabbli tfalli taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 tista' ssir ukoll mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni taħt id-dritt nazzjonali għandhom l-għodod neċessarji sabiex jagħmlu tali determinazzjoni, b'mod partikolari aċċess adegwat għall-informazzjoni rilevanti. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li din tal-aħħar titlob bil-ħsieb li twettaq il-valutazzjoni tagħha mingħajr dewmien.

3. L-adozzjoni preċedenti ta' miżura ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27 mhijiex kondizzjoni biex tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni.

4. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, istituzzjoni għandha titqies li qed tfalli jew probabbilment ser tfalli f'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tikser jew hemm elementi oġġettivi li jsostnu d-determinazzjoni li dik l-istituzzjoni tikser, fil-futur qrib, ir-rekwiżiti għall-kontinwazzjoni tal-awtorizzazzjoni b'mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti inkluż iżda mhux limitat għar-raġuni li l-istituzzjoni tkun ġarrbet jew probabbli li ser iġġarrab telf li ser jnaqqas il-fondi proprji tagħha kollha jew ammont sinifikattiv minnhom;

(b) l-assi tal-istituzzjoni huma jew hemm elementi oġġettivi biex jappoġġjaw id-determinazzjoni li l-assi tal-istituzzjoni ser ikunu, fil-futur qarib, inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha;

(c) l-istituzzjoni hija jew hemm elementi oġġettivi biex jappoġġjaw determinazzjoni li dik l-istituzzjoni tkun, fil-futur qrib, inkapaċi tħallas id-djun jew l-obbligazzjonijiet l-oħrajn tagħha hekk kif isiru dovuti;

(d) tiġi rikjesta għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja ħlief meta, biex jiġi evitat jew rimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru u tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

(i) garanzija tal-Istat biex issostni l-faċilitajiet tal-likwidità minn banek ċentrali skont il-kondizzjonijiet tal-banek ċentrali;

(ii) garanzija tal-Istat għal obbligazzjonijiet maħruġa ġodda; jew

(iii) injezzjoni ta' fondi proprji jew ix-xiri ta' strumenti kapitali bi prezz u fuq termini li ma jagħtux vantaġġ lill-istituzzjoni, fejn la ċ-ċirkostanzi msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu ta' dan l-Artikolu u lanqas iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 59(3) ma jkunu preżenti fil-waqt li tingħata l-għajnuna pubblika.

F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punt (d) (i), (ii) u (iii) tal-ewwel subparagrafu, il-miżuri ta' garanzija jew miżuri ekwivalenti msemmija fihom għandhom ikunu limitati għal istituzzjonijiet solventi u għandhom ikunu bil-kondizzjonijiet tal-approvazzjoni finali taħt il-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Dawk il-miżuri għandhom ikunu ta' natura ta' prekawzjoni u temporanja u għandhom ikunu proporzjonati biex jirrimedjaw il-konsegwenzi ta' disturb serju u m'għandhomx jintużaw biex jibbilanċaw telf li l-istituzzjoni ġarrbet jew li probabbilment ser iġġarrab fil-futur qarib.

Il-miżuri ta' għajuna taħt il-punt (d)(iii) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu limitati għal injezzjonijiet meħtieġa biex jinidirizzaw in-nuqqas ta' kapital stabbilit fit-testijiet tal-istress fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi jew l-eżerċizzji ekwivalenti imwettqa mill-Band Ċentrali Ewropew, l-ABE jew l-awtoritajiet nazzjonali, fejn applikabbli, ikkonfermati mill-awtorità kompetenti.

L-ABE għandha, sat-3 ta' Jannar 2015, tippubblika linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar it-tip ta' testijiet, rieżamijiet jew eżerċizzji msemmija qabel li jistgħu iwasslu għal tali għajuna.

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami dwar jekk hemmx ħtieġa kontinwa biex jiġu permessi l-miżuri ta' għajnuna taħt il-punt (d)(iii) tal-ewwel subparagrafu u l-kondizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu sodisfatti f'każ ta' kontinwazzjoni u rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Jekk ikun xieraq, dawk ir-rapporti għandhom ikunu akkumpanjati minn proposta leġiżlattiva.

5. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala fl-interess pubbliku jekk tkun neċessarja għall-ksib ta', u tkun proporzjonata għal, waħda jew aktar mill-għanijiet ta' riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 31 u l-istralċ tal-istituzzjoni taħt proċeduri normali ta' insolvenza ma jilħaqx dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni sal-istess punt.

6. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tippubblika linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tippromwovi l-konverġenza ta' prassi superviżorji u ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha titqies bħala li qed tfalli jew probabbilment ser tfalli.

*Artikolu 33*

**Kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji u kumpaniji b'parteċipazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1), meta l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 32(1), ikunu sodisfatti fir-rigward ta' kemm l-istituzzjoni finanzjarja u fir-rigward tal-impriża prinċipali soġġetta għal superviżjoni kkonsolidata.

2. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), meta l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 32(1) ikunu sodisfatti fir-rigward ta' kemm l-entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) kif ukoll fir-rigward ta' sussidjarja waħda jew aktar li huma istituzzjonijiet jew, fejn is-sussidjarja ma tkunx stabbilita fl-Unjoni, l-awtorità tal-pajjiż terz tkun iddeterminat li din sodisfatt il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni taħt il-liġi ta' dak il-pajjiż terz.

3. Meta istituzzjonijiet sussidjarji ta' kumpanija b'parteċipazzjoni b'attività mħallta jkunu miżmuma direttament jew indirettament minn kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja intermedjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li azzjonijiet tar-riżoluzzjoni għall-għanijiet tar-riżoluzzjoni tal-grupp jittieħdu fir-rigward tal-kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja intermedja, u ma għandhomx jieħdu azzjonijiet tar-riżoluzzjoni għall-għanijiet tar-riżoluzzjoni tal-grupp fir-rigward tal-kumpanija b'parteċipazzjoni b'attività mħallta.

4. Soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, minkejja l-fatt li entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1), l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) meta waħda jew aktar mis-sussidjarji li huma istituzzjonijiet jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1), (4) u (5) u l-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom jkunu tali li l-falliment tagħhom jhedded istituzzjoni jew il-grupp inġenerali u jeħtieġ azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għar-riżoluzzjoni ta' tali sussidjarji li huma istituzzjonijiet jew għar-riżoluzzjoni tal-grupp kollu.

Għall-finijiet tal-paragrafu 2 u tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, meta jiġi vvalutat jekk ikunux sodisfatti l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 32(1) fir-rigward ta' sussidjarja waħda jew aktar sussidjarji li huma istituzzjonijiet, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità msemmija fil-punt (c) jew (d), tal-Artikolu 1(1) permezz ta' fehim konġunt tista' tinjora kwalunkwe trasferimenti ta' kapital jew ta' telf bejn l-entitajiet, inkluż l-eżerċizzju ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni.

*Artikolu 34*

**Prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf;

(b) il-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti skont l-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tagħhom taħt proċeduri normali ta' insolvenza, ħlief kif altrimenti previst espressament f'din id-Direttiva;

(c) il-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jinbidlu, ħlief f'dawk il-każijiet fejn iż-żamma tal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri, kollha jew parti minnhom, kif ikun xieraq għaċ-ċirkostanzi, titqies bħala neċessarja għall-ksib tal-objettivi ta' riżoluzzjoni;

(d) il-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għandhom jagħtu l-assistenza neċessarja kollha għall-ksib tal-objettivi ta' riżoluzzjoni;

(e) il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jsiru responsabbli, soġġett għal-liġi tal-Istat Membru, skont il-liġi ċivili jew kriminali għar-responsabbiltà tagħhom għall-falliment tal-istituzzjoni;

(f) ħlief fejn previst mod ieħor f'din id-Direttiva, il-kredituri tal-istess klassi jiġu ttrattati b'mod ekwu;

(g) l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar milli kien iġarrab kieku l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ġiet stralċjata taħt proċeduri ta' insolvenza normali f'konformità mas-salvagwardji fl-Artikoli 73 sa 75; kif ukoll

(h) id-depożiti koperti jkunu protetti bis-sħiħ; u

(i) l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed f'konformità mas-salvagwardji f'din id-Direttiva.

2. Fejn istituzzjoni tkun entità fi grupp, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31 japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni b'mod li jimminimizza l-impatt fuq entitajiet oħra fi grupp u fuq il-grupp kollu u jimminimizza l-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari, fil-pajjiżi fejn il-grupp jopera.

3. Meta japplikaw l-għodod tar-riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat tar-riżoluzzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jikkonformaw mal-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni, fejn applikabbli.

4. Fejn il-bejgħ ta' għodda ta' negozju, l-għodda ta' istituzzjoni transitorja jew l-għodda tas-separazzjoni tal-assi jiġi applikat għal istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), dik l-istituzzjoni jew entità għandha titqies li tkun soġġetta għal proċeduri ta' falliment jew proċeduri ta' insolvenza analogi għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE ([1]).

5. Meta japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinfurmaw u jikkonsultaw ir-rappreżentanti tal-impjegati fejn ikun xieraq.

6. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom japplikaw għodod tar-riżoluzzjoni u jeżerċitaw setgħat tar-riżoluzzjoni mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati f'korpi maniġerjali kif previst fil-liġi jew prattika nazzjonali.

*KAPTOLU II*

***Maniġment speċjali***

*Artikolu 35*

**Maniġment speċjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jaħtru maniġer speċjali biex jissostitwixxi l-korp manoġerjali tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jippubblikaw il-ħatra ta' maniġer speċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-maniġer speċjali jkollu l-kwalifiki, l-abbiltà u l-għarfien meħtieġa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu jew tagħha.

2. Il-maniġer speċjali għandu jkollu s-setgħat kollha tal-azzjonistiu l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni. Madankollu, il-maniġer speċjali jista' jeżerċita biss dawn is-setgħat taħt il-kontroll tal-awtorità ta' riżoluzzjoni.

3. Il-maniġer speċjali għandu jkollu d-dmir statutorju li jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jippromwovi l-għanijiet tar-riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 31 u jimplimenta azzjonijiet ta' riżoluzzjoni skont id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni. Fejn meħtieġ, dak id-dover għandu jipprevala fuq kwalunkwe dmir ieħor tal-maniġment skont l-istatuti tal-istituzzjoni jew il-liġi nazzjonali, kull meta dawn ikunu inkonsistenti. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu żieda fil-kapital, ir-riorganizzazzjoni tal-istruttura tas-sjieda tal-istituzzjoni jew ix-xiri minn istituzzjonijiet li huma finanzjarjament u organizzazzjonalment sodi skont l-għodod tar-riżoluzzjoni msemmija fil-Kapitolu IV.

4. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jistabbilixxu limiti għall-azzjoni ta' maniġer speċjali jew jeħtieġu li ċerti atti tal-maniġer speċjali jkunu soġġetti għall-kunsens minn qabel tal-awtorità kompetenti. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jneħħu l-maniġer speċjali fi kwalunkwe ħin.

5. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li maniġer speċjali jfassal rapporti għall-awtorità tar-riżoluzzjoni li taħtru dwar is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-istituzzjoni u dwar l-atti mwettqa fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, f'intervalli regolari stabbiliti mill-awtorità tar-riżoluzzjoni u fil-bidu u fl-aħħar tal-mandat tiegħu.

6. Maniġer speċjali ma għandux jinħatar għal aktar minn sena. Dan il-perjodu jista' jiġġedded, fuq bażi eċċezzjonali, jekk l-awtorità tar-riżoluzzjoni tiddetermina li l-kondizzjonijiet għall-ħatra ta' maniġer speċjali jibqgħu jiġu sodisfatti.

7. Meta aktar minn awtorità tar-riżoluzzjoni waħda jkollhom il-ħsieb jaħtru maniġer speċjali fir-rigward ta' entità affiljata ma' grupp, huma għandhom jikkunsidraw jekk huwiex aktar xieraq li jinħatar l-istess maniġer speċjali għall-entitajiet kollha kkonċernati jew għall-grupp kollu sabiex jiġu ffaċilitati s-soluzzjonijiet li jirrimedjaw is-solidità finanzjarja tal-entitajiet ikkonċernati.

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82 22,3. 2001, p. 16).

8. Fil-każ ta' insolvenza, fejn il-liġi nazzjonali tipprovdi għall-ħatra ta' maniġment tal-insolvenza, tali maniġment tista' tikkostitwixxi maniġment speċjali kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

*KAPITOLU III*

***Valwazzjoni***

*Artikolu 36*

**Valwazzjoni għall-finijiet ta' riżoluzzjoni**

1. Qabel ma jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni jew jeżerċitaw is-setgħa tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) minn persuna indipendenti minn ta' awtorità pubblika, inkluża l-awtorità ta' riżoluzzjoni, u l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1). Soġġett għall-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 85, fejn ir-rekwiżiti kollha stipulati f'dan l-Artikolu jkunu sodisfatti, il-valwazzjoni għandha titqies bħala definittiva.

2. Fejn valwazzjoni indipendenti skont il-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jwettqu valwazzjoni proviżorja tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

3. L-objettiv tal-valwazzjoni għandu jkun li jiġi vvalutat il-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li tissodisfa l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni tal-Artikoli 32 u 33.

4. L-għanijiet tal-valwazzjoni għandhom ikunu:

(a) li tipprovdi informazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni jew il-kondizzjonijiet għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali jkunux milħuqa;

(b) jekk il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni jkunu milħuqa, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni adatta li għandha tittieħed fir-rigward tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(c) meta tiġi applikata s-setgħa tal-valwazzjoni negattiva rilevanti jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar il-punt limitu għall-kanċellazzjoni jew id-dilwizzjoni ta' strumenti ta' sieda, u l-punt limitu ta' valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti;

(d) meta jiġi applikat l-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar il-punt limitu tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli;

(e) meta tiġi applikata l-għodda ta' istituzzjoni transitorja jew l-għodda tas-separazzjoni tal-assi, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-assi, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti ta' sjieda li għandhom jiġu ttrasferiti u d-deċiżjoni dwar il-valur ta' kwalunkwe konsiderazzjoni li għandha tingħata lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew, skont il-każ, lill-azzjonisti;

(f) meta jiġi applikat il-bejgħ ta' għodda ta' negozju, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar l-assi, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti ta' sjieda li għandhom jiġu trasferiti u tipprovdi informazzjoni biex l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun taf x'jikkostitwixxu t-termini kummerċjali għall-finijiet tal-Artikolu 38;

(g) fil-każijiet kollha, biex tiżgura li kwalunkwe telf tal-assi tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ikun rikonoxxut bis-sħiħ fil-mument li fih jiġu applikati l-għodod ta' riżoluzzjoni jew tiġi eżerċitata s-setgħa tal-valwazzjoni negattiva rilevanti jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali.

5. Mingħajr preġudizzju għall-qafas tal-Unjoni dwar għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, il-valwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet prudenti, inkluż fir-rigward tar-rati ta' inadempjenza u s-severità tat-telf. Il-valutazzjoni ma għandha tassumi l-ebda għoti futur potenzjali ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jew assistenza ta' likwidità ta' emerġenza minn bank ċentrali jew kwalunkwe assistenza ta' likwidità minn bank ċentali pprovduta taħt termini ta' kollaterilizzazzjoni, maturità u rati tal-imgħax mhux standard, lill-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) minn meta tittieħed l-azzjoni ta' riżoluzzjoni jew minn meta tiġi eżerċitata s-setgħa tal-valwazzjoni negattiva rilevanti jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali. Aktar minn hekk, il-valwazzjoni tqis li jekk tiġi applikata kwalunkwe għodda ta' riżoluzzjoni:

(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew kwalunkwe arranġament ta' finanzjament li jaġixxi skont l-Artikolu 101 jistgħu jirkupraw kwalunkwe spiża raġonevoli mġarrba korrettament mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 37(7);

(b) l-arranġament tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni jista' jitlob interessi jew tariffi fir-rigward ta' kwalunkwe self jew garanziji pprovduti lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 101.

6. Il-valwazzjoni għandha tiġi ssupplimentata bl-informazzjoni li ġejja kif tidher fil-kotba u r-rekords ta' kontabbiltà tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1):

(a) karta tal-bilanċ aġġornata u rapport dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) analiżi u stima tal-valur ta' kontabbiltà tal-assi;

(c) il-lista tal-obbligazzjonijiet pendenti fuq il-karta tal-bilanċ u li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ murija fil-kotba u r-rekords tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), b'indikazzjoni tal-krediti rispettivi u l-livelli ta' prijorità skont il-liġi applikabbli ta' insolvenza.

7. Fejn adatt, biex tipprovdi informazzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (e) u (f) tal-paragrafu 4, l-informazzjoni fil-punt b tal-paragrafu 6 tista' tkun ikkomplimentata b'analiżi u stima tal-valur tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) abbażi tal-valur tas-suq.

8. Il-valwazzjoni għandha tindika s-subdiviżjoni tal-kredituri fi klassijiet f'konformità mal-livelli ta' prijorità taħt il-liġi applikabbli tal-insolvenza u stima tat-trattament li kull klassi ta' azzjonisti u kredituri kienet mistennija li tirċievi kieku l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tkun ġiet stralċjata taħt proċeduri ta' insolvenza normali.

Dik l-istima m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-ebda kreditur ma jmur agħar" li għandha titwettaq taħt l-Artikolu 74.

9. Fejn, minħabba l-urġenza taċ-ċirkustanzi tal-każ, ma tkunx possibbli konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 6 u 8, jew ikun japplika l-paragrafu 2, għandha titwettaq valwazzjoni provviżorja. Il-valutazzjoni proviżorja għandha tikkonforma mar-rekwiżiti fil-paragrafu 3 u sa fejn hu prattikabbli fiċ-ċirkostanzi mar-rekwiżiti tal-paragrafi 1,63 u 8.

Il-valwazzjoni proviżorja msemmija f'dan il-paragrafu għandha tinkludi riżerva għal telf addizzjonali, b'ġustifikazzjoni adatta.

10. Valwazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu għandha titqies bħala provviżorja sakemm persuna indipendenti tkun wettqet valwazzjoni li tkun konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu. Dik il-valwazzjoni ex post definittiva għandha titwettaq hekk malli jkun prattikabbli. Tista' titwettaq separatament jew flimkien mal-valwazzjoni msemmija fl-Artikolu 74 jew simultanjament miegħu u mal-istess persuna indipendenti bħal dik il-valwazzjoni, iżda għandha tkun distinta minnha.

L-għanijiet tal-valwazzjoni ex-post definittiva għandhom ikunu:

(a) tiżgura li kwalunkwe telf tal-assi tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jiġi rikonoxxut bis-sħiħ fil-kotba tal-kontabilità tal-istituzzjoni jew tal-entità imsemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) tipprovdi informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni biex il-pretensjonijiet tal-kredituri jitnaqqsu jew biex jiżdied il-valur tal-konsiderazzjoni mħallsa, skont il-paragrafu 11.

11. Fil-każ li l-istima tal-valwazjoni definittiva ex-post tal-valur tal-assi nett tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tkun ogħla mill-istima tal-valutazzjoni proviżorja tal-valur tal-assi nett tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista':

(a) teżerċita s-setgħa tagħha li żżid il-valur tal-pretensjonijiet tal-kredituri jew sidien ta' strumenti kapitali rilevanti li jkunu ġew valwati negattivament taħt l-istrument ta' rikapitulazzjoni interna;

(b) tagħti struzzjonijiet lill-istituzzjoni transitorja jew lill-vettura tal-immaniġġjar tal-assi biex jagħmlu pagament ulterjuri ta' konsiderazzjoni fir-rigward tal-assi, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew skont il-każ, fir-rigward tal-istrumenti ta' sjieda lill-azzjonisti.

12. Minkejja l-paragrafu 1, valwazzjoni proviżorja li ssir skont il-paragrafi 9 u 10 għandha tkun bażi valida biex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, inkluż li jieħdu l-kontroll ta' istituzzjoni li qed tfalli jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), jew jeżerċitaw is-setgħa ta' deprezzament jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali.

13. Il-valwazzjoni għandha tkun parti integrali tad-deċiżjoni li jiġi applikat strument ta' riżoluzzjoni jew eżerċitata setgħa ta' riżoluzzjoni, jew id-deċiżjoni li tiġi eżerċitata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali. Il-valwazzjoni nnifisha ma għandhiex tkun soġġetta għal dritt ta' appell separat iżda tista' tkun soġġetta għal appell flimkien mad-deċiżjoni skont l-Artikolu 85.

14. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom persuna tkun indipendenti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u għall-finijiet tal-Artikolu 74.

15. L-ABE tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji li ġejjin għall-finijiet tal-paragrafi 1, 3 u 9 ta' dan l-Artikolu, u għall-finijiet tal-Artikolu 74:

(a) il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) is-separazzjoni tal-valwazzjonijiet skont l-Artikoli 36 u 74;

(c) il-metodoloġija għall-kalkolu u l-inklużjoni ta' riserva għal telf addizzjonali fil-valutazzjoni proviżorja.

16. L-ABE għandha tressaq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fil-paragrafu 14 lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafi 14 u 15 f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU IV*

***Għodod ta' riżoluzzjoni***

Taqsima 1

**Prinċipji ġenerali**

*Artikolu 37*

**Prinċipji ġenerali tal-għodod tar-riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħat meħtieġa biex japplikaw l-istrumenti ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet u entitajiet msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li tissodisfa l-kondizzjonijiet applikabbli għal riżoluzzjoni.

2. Meta awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li tapplika strument ta' riżoluzzjoni għal istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), u dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni twassal għal telf li jiġġarrab mill-kredituri jew għal konverżjoni tal-pretensjonijiet tagħhom, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha teżerċita s-setgħa ta' deprezzament u konverżjoni tal-istrumenti ta' kapital skont l-Artikolu 59 immedjatament qabel jew flimkien mal-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni.

3. L-għodod tar-riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 huma dawn li ġejjin:

(a) l-għodda tal-bejgħ ta' operat;

(b) l-għodda ta' istituzzjoni tranżitorja;

(c) l-għodda tas-separazzjoni tal-assi;

(d) l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna.

4. Soġġett għall-paragrafu 5, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni individwalment jew fi kwalunkwe kombinazzjoni.

5. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu japplikaw l-għodda tas-separazzjoni tal-assi biss flimkien ma' għodda oħra ta' riżoluzzjoni.

6. Meta biss l-għodod ta' riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jintużaw, u jintużaw biex tiġi ttrasferita parti biss mill-assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, tal-istituzzjoni jew entità residwa msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) minn fejn l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ġew ittrasferiti għandha tiġi stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. Tali stralċ għandu jsir fi żmien raġonevoli, b'kont meħud tal-ħtieġa li dik l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tipprovdi servizzi jew appoġġ skont l-Artikolu 65 sabiex tippermetti lil benefiċjarju iwettaq l-attivitajiet jew is-servizzi akkwistati bis-saħħa ta' dan it-trasferiment, u kwalunkwe raġuni oħra li l-kontinwazzjoni tal-istituzzjoni jew entità residwa msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) hija neċessarja biex jinkisbu l-objettivi tar-riżoluzzjoni jew u jkun hemm konformità mal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 34.

7. L-awtorità ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe arranġament finanzjarju li jaġixxi skont l-Artikolu 101 jistgħu jirkupraw kwalunkwe spiża raġonevoli korrettament imġarrba b'rabta mal-użu ta' għodda jew setgħat ta' riżoluzzjoni jew ta' għodda ta' stabilizzazzjoni finanzjarja tal-gvern f'mod wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) bħala tnaqqis minn kwalunkwe korrispettiv imħallas minn benefiċjarju lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew, jekk ikun japplika l-każ, lill-azzjonisti;

(b) mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, bħala kreditur preferut; jew

(c) minn kwalunkwe rikavat iġġenerat bħala riżultat tat-terminazzjoni ta' operazzjoni tal-istituzzjoni transitorja jew il-vettura tal-immaniġġjar tal-assi, bħala kreditur preferit.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli taħt il-liġi nazzjonali tal-insolvenza marbuta mal-annullament jew in-noninfurzabbiltà ta' atti legali ta' detriment għall-kredituri ma japplikawx għal trasferimenti ta' assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil entità oħra bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħat tar-riżoluzzjoni, jew l-użu ta' għodda ta' stabilizzazzjoni finanzjarja tal-gvern.

9. L-Istati Membri jistgħu jikkonferixxu fuq l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għodod u setgħat addizzjonali eżerċitabbli fejn istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tissodisfa l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni, sakemm:

(a) meta jiġu applikati għal grupp transkonfinali, dawk is-setgħat addizzjonali ma jikkostitwux impedimenti għar-riżoluzzjoni effettiva tal-grupp; u

(b) huma konsistenti mal-għanijiet tar-riżoluzzjoni u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni msemmija fl-Artikoli 31 u 34.

10. Fis-sitwazzjoni straordinarja ħafna ta' kriżi sistemika, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' titlob finanzjament minn sorsi alternattivi ta' finanzjament permezz tal-użu ta' għodod ta' stabilizzazzjoni tal-gvern provvduti fl-Artikoli 56 sa 58 meta jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni tkun ta' ammont mhux inqas minn 8 % tat-total tal-obbligazzjonijiet inkluż il-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin fil-mument tal-azzjoni tar-riżoluzzjoni f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 36, tkun saret mill-azzjonisti u d-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli oħra, permezz ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni jew mod iehor;

(b) għandu jkun bil-kondizzjoni ta' approvazzjoni preċedenti u finali taħt il-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

## Taqsima 2

## Għodda tal-bejgħ ta' negozju

### *Artikolu 38*

### Għodda tal-bejgħ ta' negozju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jittrasferixxu għand xerrej li mhuwiex istituzzjoni transitorja:

(a) strumenti ta' sjieda maħruġin minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(b) l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet kollha ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe waħda minn dawn;

Soġġett għall-paragrafi 8 u 9 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 85, it-trasferiment imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jsir mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tal-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe parti terza minbarra x-xerrej u mingħajr konformità ma' kwalunkwe rekwiżit proċedurali taħt il-liġi tal-kumpaniji jew tat-titoli ħlief għal dawk inklużi fl-Artikolu 39.

2. Trasferiment li jsir skont il-paragrafu 1 għandu jsir fuq termini kummerċjali, wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi, u skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni.

3. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha sabiex jiksbu termini kummerċjali għat-trasferiment li huma konformi mal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 36 u b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ.

4. Soġġett għall-Artikolu 37(7), kwalunkwe korrispettiv li jitħallas mix-xerrej għandu jibbenefika:

(a) l-azzjonisti, fejn il-bejgħ tan-negozju jkun sar permezz tat-trasferiment ta' strumenti ta' sjieda maħruġin mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni mill-azzjonisti lix-xerrej;

(b) lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, fejn il-bejgħ tan-negozju jkun sar permezz tat-trasferiment tal-assi jew l-obbligazzjonijiet kollha, jew parti minnhom, tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lix-xerrej.

5. Meta tapplika l-għodda tal-bejgħ ta' negozju l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teżerċita s-setgħa tat-trasferiment aktar minn darba sabiex isiru trasferimenti supplementari ta' strumenti ta' sjieda maħruġin mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew, skont kif ikun il-każ, assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

6. Wara applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu, bil-kunsens tax-xerrej, jeżerċitaw is-setgħa tat-trasferiment fir-rigward ta' assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ttrasferiti lix-xerrej sabiex isir it-trasferiment tal-assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet lura għand l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew l-istrumenti ta' sjieda lura għand is-sidien oriġinali tagħhom, u l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew is-sidien oriġinali għandhom ikunu obbligati jieħdu lura kwalunkwe tali ass, dritt jew obbligu, jew strument ta' sjieda.

7. Xerrej għandu jkollu l-awtorizzazzjoni adatta biex imexxi n-negozju li jakkwista meta t-trasferiment isir skont il-paragrafu 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tiġi kkunsidrata, flimkien mat-trasferiment, fil-ħin.

8. B'deroga mill-Artikoli 22 sa 25 tad-Direttiva 2013/36/UE, mir-rekwiżit li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/36/UE, mill-Artikoli 10(3), l-Artikolu 11(1) u (2) u l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2014/65/UE u mir-rekwiżit li jingħata avviż fl-Artikolu 11(3) ta' dik id-Direttiva, meta trasferiment ta'strumenti ta' sjieda bis-saħħa ta' applikazzjoni ta' għodda tal-bejgħ ta' negozju jirriżulta f'akkwist jew żieda fil-holding kwalifikanti f'istituzzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni għandha twettaq il-valutazzjoni meħtieġa taħt dawk l-Artikoli fil-ħin, b'mod li ma ddewwimx l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju u tipprevjeni l-azzjoni ta' riżoluzzjoni milli tilħaq l-għanijiet tar-riżoluzzjoni rilevanti.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk l-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ma tkunx lestiet il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 mid-data tat-trasferiment tal-istrumenti ta' sjieda fl-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) dan it-trasferiment ta' strumenti ta' sjieda lill-akkwirent għandu jkollu effett legali immedjat;

(b) matul il-perijodu ta' valutazzjoni u matul kwalunkwe perijodu ta' ċessjoni previst mill-punt (f), id-drittijiet ta' vot tal-akkwirent marbuta ma' dawn l-istrumenti ta' sjieda għandhom jiġu sospiżi u vestiti biss fl-awtorità ta' riżoluzzjoni, li ma jkollha l-ebda obbligu li teżerċita dawn id-drittijiet tal-vot u li m'għandu jkollha l-ebda obbligu biex teżerċita jew iżżomm milli teżerċita dawn id-drittijiet tal-vot;

(c) matul il-perjodu ta' valutazzjoni u matul kwalunkwe perijodu ta' ċessjoni previst mill-punt (f), il-penali u miżuri oħrajn għall-ksur tar-rekwiżiti għall-akkwisti u d-disponimenti ta' holdings kwalifikattivi kkontemplati mill-Artikoli 66, 67, u 68 tad-Direttiva 2013/36/UE m'għandhomx japplikaw għal dan it-trasferiment ta' strumenti ta' sjieda;

(d) hekk kif titlesta l-valutazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-awtorità ta' riżoluzzjoni u lill-akkwirent bil-miktub dwar jekk l-awtorità kompetenti tapprovax jew, skont l-Artikolu 22(5) tad-Direttiva 2013/36/UE, topponix dan it-trasferiment ta' strumenti ta' sjieda lill-akkwirent;

(e) jekk l-awtorità kompetenti tapprova dan it-trasferiment ta' strumenti ta' sjieda lill-akkwirent, id-drittijiet ta' vot marbuta ma' dawn l-istrumenti ta' sjieda għandu jitqies bħala vestit bis-sħiħ fl-akkwirent hekk kif l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-akkwirent jirċievu l-avviż ta' approvazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(f) jekk l-awtorità kompetenti topponi dan it-trasferiment ta' strumenti ta' sjieda lill-akkwirent:

(i) id-drittijiet ta' vot marbuta ma' dawn l-istrumenti oħra ta' sjieda kif previst mill-punt (b) għandu jibqa' effettiv u bis-sħiħ;

(ii) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' titlob lill-akkwirent biex iċedi dawn l-istrumenti ta' sjieda fi żmien perijodu ta' ċessjoni determinat minn awtorità ta' riżoluzzjoni wara li tkun ħadet kont tal-kondizzjonijiet prevalenti tas-suq; u

(iii) jekk l-akkwirent ma jlestix din iċ-ċessjoni fi żmien il-perijodu ta' ċessjoni stabbilit mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, l-awtorità kompetenti, bil-kunsens tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, tista' timponi fuq l-akkwirent penali u miżuri oħra għall-ksur tar-rekwiżiti għall-akkwisti u d-disponimenti ta' holdings kwalifikattivi kkontemplati mill-Artikoli 66, 67, u 68 tad-Direttiva 2013/36/UE.

10. Trasferimenti li jsiru bis-saħħa tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju għandhom ikunu soġġetti għas-salvagwardji msemmija fil-Kapitolu VII tat-Titolu IV.

11. Għall-għanijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li jiġu fornuti servizzi jew ta' stabbiliment fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE, ix-xerrej għandu jitqies bħala kontinwazzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, u jista' jkompli jeżerċita kwalunkwe tali dritt li kien eżerċitat mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ittrasferiti.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li x-xerrej imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkompli jeżerċita d-drittijiet ta' sħubija u aċċess għal sistemi tal-pagament, l-ikklerjar u s-saldu, il-Boroż, skemi ta' kumpens tal-investituri u skemi ta' garanzija ta' depożiti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, sakemm jissodisfa l-kriterji ta' sħubija u parteċipazzjoni f'tali sistemi.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-aċċess ma jiġix miċħud għar-raġuni li x-xerrej ma għandux klassifikazzjoni minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, jew dik il-klassifikazzjoni mhijiex proporzjonata mal-livelli ta' klassifikazzjoni meħtieġa biex jingħata aċċess għas-sistemi msemmijin fl-ewwel subparagrafu;

(b) meta x-xerrej ma jissodisfax il-kriterji ta' appartenenza jew parteċipazzjoni għal sistema rilevanti ta' pagament, ikklerjar jew saldu, Borża, skema ta' kumpens għall-investituri jew skema ta' garanzija tad-depożiti, id-drittijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu jiġu eżerċitati għal perjodu ta' żmien tali kif speċifikat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, fejn m'għandux jaqbeż l-24 xahar, rinovabbli fuq applikazzjoni mix-xerrej lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

13. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu VII tat-Titolu IV, l-azzjonisti jew il-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u partijiet terzi oħra li l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tagħhom ma jiġux ittrasferiti ma għandu jkollhom l-ebda drittijiet fuq jew fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet trasferiti.

*Artikolu 39*

**Għodda tal-bejgħ ta' operat rekwiżiti proċedurali**

1. Soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta qed tiġi applikata l-għodda tal-bejgħ ta' negozju għal istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tqiegħed fis-suq jew tagħmel l-arranġamenti għat-tqegħid fis-suq tal-assi, drittijiet, obbligazzjonijiet, strumenti ta' sjieda ta' dik l-istituzzjoni li l-awtorità għandha l-ħsieb tittrasferixxi. Ġabra ta' drittijiet, assi u obbligazzjonijiet jistgħu jitqiegħdu fis-suq separatament.

2. Mingħajr preġudizzju għall-qafas ta' għajnuna mill-Istat tal-Unjoni, fejn applikabbli, it-tqegħid fis-suq imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq skont il-kriterji li ġejjin:

(a) għandu jkun kemm jista' jkun trasparenti u m'għandux jirrappreżenta ħażin materjalment l-assi, id-drittijiet, l-obbligaazzjonijiet, l-strumenti ta' sjieda ta' dik l-istituzzjoni li l-awtorità għandha l-ħsieb li tittrasferixxi, wara li jkun ikkunsidra ċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari l-ħtieġa biex tinżamm stabbiltà finanzjarja;

(b) ma għandhux jiffavorixxi b'mod mhux dovut jew jiddiskrimina bejn xerrejja potenzjali;

(c) għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess;

(d) ma għandu jagħti l-ebda vantaġġ inġust lil xi xerrej potenzjali;

(e) għandu jikkunsidra l-bżonn għal azzjoni tar-riżoluzzjoni effetta u rapida;

(f) għandu jimmira lejn il-massimizzazzjoni, safejn possibbli, tal-prezz tal-bejgħ tal-ishma jew strumenti oħra ta' sjieda, l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijet involuti.

Soġġett għall-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-prinċipji msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx jipprevjenu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni milli tissolleċita xerrejja potenzjali partikolari.

Kwalunkwe divulgazzjoni pubblika tal-kummerċjalizzazzjoni tal-istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva li altrimenti tkun meħtieġa skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 [MAR] tista' tiġi posposta skont l-Artikolu 17(4) jew (5) ta' dak ir-Regolament.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tapplika l-għodda tal-bejgħ ta' negozju mingħajr ma tikkonforma mar-rekwiżit tat-tqegħid fis-suq kif stabbilit fil-paragrafu 1 meta tiddetermina li l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti x'aktarx thedded xi wieħed jew aktar mill-għanijiet tar-riżoluzzjoni u partikolarment jekk ikunu ssodifati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) hija tqis li hemm theddida materjali għall-istabbiltà finanzjarja li tinħoloq jew tiġi aggravata mill-falliment u l-probabbiltà ta' falliment tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni; u

(b) hija tqis li l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti x'aktarx thedded l-effettività tal-għodda tal-bejgħ ta' operat fl-indirizzar ta' dik it-theddida jew biex jintlaħaq l-objettiv tar-riżoluzzjoni msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 31(2).

4. L-ABE, sat-3 ta' Lulju 2015, għandha tippubblika linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw iċ-ċirkustanzi fattwali li jammontaw għal theddida materjali u l-elementi relatati mal-effettività tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3.

Taqsima 3

## Għodda tal-Istituzzjoni Tranżitorja

*Artikolu 40*

### Għodda tal-istituzzjoni tranżitorja

1. Sabiex l-għodda tal-istituzzjoni transitorja tkun effettiva u b'kont meħud tal-ħtieġa li jinżammu l-funzjonijiet kritiċi fl-istituzzjoni transitorja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jittrasferixxu lill-istituzzjoni transitorja:

(a) strumenti ta' sjieda maħruġa minn istituzzjoni jew istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni;

(b) l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet kollha jew kwalunkwe wieħed minnhom ta' istituzzjoni jew istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni.

Soġġett għall-Artikolu 85, it-trasferiment imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tal-azzjonisti tal-istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe parti terza minbarra l-istituzzjoni transitorja, u mingħajr konformità ma' kwalunkwe rekwiżit proċedurali taħt il-liġi tal-kumpaniji jew tat-titoli.

2. L-istituzzjoni transitorja għandha tkun persuna ġuridika li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) hija kompletament jew parzjalment proprjetà ta' jew hija kontrollata minn awtorità pubblika jew aktar, li jistgħu jinkludu l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni u hija kkontrollata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(b) hija maħluqa għall-fini li tirċievi u żżomm strumenti ta' sjieda kollha jew uħud minnhom maħruġin minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha jew uħud minnhom ta' istituzzjoni waħda jew iżjed taħt riżoluzzjoni bil-ħsieb li jinżamm aċċess għall-funzjonijiet kritiċi u li tinbiegħ l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1).

L-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna għall-għan imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 43(2) ma għandhiex tinterferixxi mal-kapaċità tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li tikkontrolla l-istituzzjoni transitorja.

3. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tapplika l-għodda tal-istituzzjoni transitorja, għandha tiżgura li l-valur totali tal-obbligazzjonijiet trasferiti lill-istituzzjoni transitorja ma jaqbiżx il-valur totali tad-drittijiet u l-assi trasferiti mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew ipprovduti minn sorsi oħra.

4. Soġġett għall-Artikolu 37(7), kwalunkwe korrispettiv li jitħallas mill-istituzzjoni transitorja għandu jibbenefika:

(a) l-azzjonisti, fejn it-trasferiment lill-istituzzjoni transitorja jkun sar permezz tat-trasferiment ta' strumenti tas-sjieda maħruġin mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni mill-azzjonisti lill-istituzzjoni transitorja;

(b) lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, fejn it-trasferiment lill-istituzzjoni transitorja jkun sar permezz tat-trasferiment tal-assi jew l-obbligazzjonijiet kollha, jew parti minnhom, tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lill-istituzzjoni transitorja.

5. Meta tapplika l-għodda tal-istituzzjoni transitorja l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teżerċita s-setgħa tat-trasferiment aktar minn darba sabiex isiru trasferimenti supplementari ta' strumenti ta' sjieda maħruġin minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew, skont kif ikun il-każ, assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

6. Wara l-applikazzjoni tal-għodda tal-istituzzjoni transitorja, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista':

(a) tittrasferixxi drittijiet, assi jew obbligazzjonijiet mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lura għall-istituzzjoni transitorja, jew strumenti ta' sjieda lura għas-sidien oriġinali tagħhom, u l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew is-sidien oriġinali għandhom ikunu obbligati jieħdu lura dawn l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet, jew strumenti oħra ta' sjieda, sakemm il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 7 jiġu ssodisfatti;

(b) tittrasferixxi strumenti ta' sjieda, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet mill-istituzzjoni transitorja lil parti terza.

7. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jittrasferixxu strumenti ta' sjieda, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet lura mill-istituzzjoni transitorja f'waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) il-possibbiltà li strumenti ta' sjieda, l-assi, id-drittijiet, jew l-obbligazzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu ttrasferiti lura huwa ddikjarat espressament fl-istrument li bih ikun sar it-trasferiment;

(b) l-istrumenti ta' sjieda jew l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet speċifiċi ma jkunux fil-fatt jaqgħu fi ħdan il-klassijiet, jew jissodisfaw il-kondizzjonijiet tat-trasferiment tal-istrumenti ta' sjieda, jew l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet speċifikati fl-istrument li bih ikun sar it-trasferiment.

Tali trasferiment lura jista' jsir fi kwalunkwe żmien u għandu jikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjoni oħra ddikjarata f'dak l-istrument għall-iskop rilevanti.

8. Trasferimenti bejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew l-azzjonisti min-naħa, u l-istituzzjoni transitorja min-naħa l-oħra għandhom ikunu soġġetti għas-salvagwardji msemmija fil-Kapitolu VII tat-Titolu IV.

9. Għall-għanijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li jiġu fornuti servizzi jew ta' stabbiliment fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE, istituzzjoni transitorja għandha titqies bħala kontinwazzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, u tista' tkompli teżerċita kwalunkwe tali dritt li kien eżerċitat mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ittrasferiti.

Għal finijiet oħra, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jirrikjedu li istituzzjoni transitorja titqies bħala kontinwazzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u jkunu jistgħu jkomplu jeżerċitaw kwalunkwe dritt li ġie eżerċitat mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ittrasferiti.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni transitorja tista' tkompli teżerċita d-drittijiet ta' sħubija u aċċess għal sistemi tal-pagament, l-ikklerjar u s-saldu, il-Boroż, skemi ta' kumpens tal-investituri u skemi ta' garanzija ta' depożiti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, sakemm tissodisfa l-kriterji ta' sħubija u parteċipazzjoni f'tali sistemi.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-aċċess ma jiġix miċħud għar-raġuni li l-istituzzjoni transitorja ma għandhiex klassifikazzjoni minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, jew dik il-klassifikazzjoni mhijiex proporzjonata mal-livelli ta' klassifikazzjoni meħtieġa biex jingħata aċċess għas-sistemi msemmijin fl-ewwel subparagrafu;

(b) meta l-istituzzjoni transitorja ma tissodisfax il-kriterji ta' appartenenza jew parteċipazzjoni għal sistema rilevanti ta' pagament, ikklerjar jew saldu, Borża, skema ta' kumpens għall-investituri jew skema ta' garanzija tad-depożiti, id-drittijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu jiġu eżerċitati għal perijodu ta' żmien tali kif speċifikat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, fejn tali perijodu m'għandux jaqbeż l-24 xhar, rinovabbli fuq applikazzjoni mill-istituzzjoni transitorja lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

11. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu VII tat-Titolu IV, l-azzjonisti jew il-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u partijiet terzi oħra li l-assi, d-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tagħhom ma jiġux ittrasferiti ma għandu jkollhom l-ebda dritt fuq jew fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ittrasferiti lill-istituzzjoni transitorja, lill-korp maniġerjali tagħha jew lill-maniġment superjuri.

12. L-objettivi tal-istituzzjoni transitorja m'għandhom jimplikaw la obbligi u lanqas responsabbiltajiet fil-konfront ta' partijiet interessati jew kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, u l-korp maniġerjali jew maniġment superjuri m'għandhomx ikollhom responsabbiltà għal tali partijiet interessati jew kredituri għal atti u omissjonijiet fl-eżerċizzju tal-obbligi tagħhom sakemm l-att jew l-ommissjoni ma jkunux jimplikaw negliġenza kbira jew imġiba ħażina serja skont il-liġi nazzjonali li taffettwa direttament id-drittijiet ta' tali partijiet interessati jew kredituri.

L-Istati Membri jistgħu ikomplu jillimitaw ir-responsabbiltà ta' istituzzjoni transitorja u tal-korp maniġjerjali jew maniġment superjuri tagħha skont id-dritt nazzjonali rigward atti u ommissjonijiet fil-qadi ta' dmirijiethom.

*Artikolu 41*

**Operat ta' istituzzjoni transitorja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operat ta' istituzzjoni tranżitorja jirrispetta r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kontenut tad-dokumenti kostituzzjonali tal-istituzzjoni transitorja huwa approvat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(b) soġġett għall-istruttura ta' sjieda tal-istituzzjoni transitorja, l-awtorità ta' riżoluzzjoni taħtar jew tapprova il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni transitorja;

(c) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tapprova r-rinumerazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali u tiddetermina r-responsabbiltajiet adegwati tagħhom;

(d) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tapprova l-istrateġija u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni transitorja;

(e) l-istituzzjoni tranżitorja tkun awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE, kif applikabbli, u jkollha l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt il-liġi nazzjonali applikabbli biex twettaq l-attivitajiet jew is-servizzi li takkwista bis-saħħa ta' trasferiment magħmul skont l-Artikolu 63 ta' din id-Direttiva;

(f) l-istituzzjoni transitorja tikkonforma mar-rekwiżiti ta', u hija soġġetta għas-superviżjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE, kif applikabbli.

(g) l-operazzjoni tal-istituzzjoni transitorja għandha tkun skont il-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tispeċifika restrizzjonijiet fuq l-operazzjonijiet tagħha b'dan il-mod.

Minkejja d-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-punti (e) u (f) tal-ewwel subparagrafu u fejn meħtieġ biex jiġu sodisfati l-objettivi tar-riżoluzzjoni, l-istituzzjoni transitorja tista' tiġi stabbilita u approvata mingħajr konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE għal perijodu qasir ta' żmien fil-bidu tal-operat tagħha. Għal dak il-għan, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tippreżenta talba f'dak is-sens lill-awtorità kompetenti. Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti din l-awtorizzazzjoni, hija għandha tindika l-perijodu li matulu l-istituzzjoni transitorja tkun eżenti milli tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dawk id-Direttivi.

2. Soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni imposta skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali, il-maniġment tal-istituzzjoni transitorja għandha topera l-istituzzjoni transitorja bil-għan li żżomm l-aċċess għall-funzjonijiet kritiċi u li tbiegħ l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tagħha, lil xerrej wieħed jew aktar tas-settur privat meta l-kondizzjonijiet jkunu xierqa u fil-perjodu speċifikat fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tieħu deċiżjoni li istituzzjoni transitorja m'għadhiex istituzzjoni transitorja fis-sens tal-Artikolu 40(2) fi kwalunkwe mill-każijiet li ġejjin, liema minnhom jiġri l-ewwel:

(a) l-istituzzjoni transitorja tiġi fuża ma' entità oħra;

(b) l-istituzzjoni transitorja ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 40(2);

(c) il-bejgħ tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet kollha jew sostanzjalment kollha tal-istituzzjoni transitorja, lil parti terza;

(d) l-iskadenza tal-perjodu speċifikat fil-paragrafu 5 jew, fejn applikabbli, il-paragrafu 6.

(e) l-assi tal-istituzzjoni transitorja jiġu kompletament likwidati u l-obbligazzjonijiet tagħha jiġu kompletament ikklerjati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fil-każijiet fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tfittex li tbiegħ l-istituzzjoni transitorja jew l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tagħha, li l-istituzzjoni transitorja jew l-assi jew l-obbligazzjonijiet rilevanti jiġu kkummerċjalizzati b'mod miftuħ u trasparenti, u li l-bejgħ ma jirrappreżentahomx b'mod ħażin materjalment jew jiffavorixxi b'mod mhux dovut jew jiddiskrimina bejn xerrejja potenzjali.

Kwalunkwe tali bejgħ, għandu jsir fuq termini kummerċjali, b'kont meħud taċ-ċirkustanzi u skont il-qafas tal-għajnuna mill-Stat tal-Unjoni.

5. Jekk ma japplika l-ebda riżultat imsemmi fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-paragrafu 3, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha ttemm l-operat tal-istituzzjoni transitorja kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe avveniment sentejn wara d-data li fiha jkun sar l-aħħar trasferiment minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni permezz tal-għodda tal-istituzzjoni transitorja.

6. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' testendi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 5 għal perjodu addizzjonali ta' sena wieħed jew iżjed fejn tali estensjoni:

(a) tappoġġja r-riżultati msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (e) tal-paragrafu 3; jew

(b) tkun meħtieġa biex tiżgura l-kontinwità ta' servizzi finanzjarji jew bankarji essenzjali.

7. Kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità ta' riżioluzzjoni biex testendi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 5 għandha tkun ġġustifikata u għandu jkun fiha valutazzjoni ddettaljata tas-sitwazzjoni, inkluż tal-kondizzjonijiet tas-suq u l-prospettiva, li tiġġustifika l-estensjoni.

8. Fejn l-operazzjonijiet ta' istituzzjoni transitorja jintemmu fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (c) jew (d) tal-paragrafu 3, l-istituzzjoni transitorja għandha tkun stralċjata taħt proċeduri normali ta' insolvenza.

Soġġett għall-Artikolu 37(7), kwalunkwe rikavat iġġenerat bħala riżultat tat-terminazzjoni tal-operat tal-istituzzjoni transitorja għandu jibbenefika lill-azzjonisti tal-istituzzjoni transitorja.

9. Fejn istituzzjoni transitorja tintuża sabiex jiġu ttrasferiti assi u obbligazzjonijiet ta' iżjed minn istituzzjoni waħda taħt riżoluzzjoni, l-obbligu msemmi fil-paragrafu 8 għandu jirreferi għall-assi u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti minn kull istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u mhux għall-istituzzjoni transitorja nnfisha.

### Taqsima 4

### Għodda tas-Separazzjoni tal-Assi

*Artikolu 42*

**Għodda tas-separazzjoni tal-assi**

1. Sabiex l-għodda tas-separazzjoni tal-assi tkun effettiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jittrasferixxu assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew istituzzjoni transitorja għal vettura tal-immaniġġjar tal-assi waħda jew iżjed.

Soġġett għall-Artikolu 85, it-trasferiment imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tal-azzjonisti tal-istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe parti terza minbarra l-istituzzjoni transitorja, u mingħajr konformità ma' kwalunkwe rekwiżit proċedurali taħt il-liġi tal-kumpaniji jew tat-titoli.

2. Għall-finijiet tal-għodda tas-separazzjoni tal-assi, vettura tal-immaniġġjar tal-assi għandha tkun persuna ġuridika li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) hija kompletament jew parzjalment proprjetà ta' jew hija kontrollata minn awtorità pubblika jew aktar, li jistgħu jinkludu l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-arrangament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni u hija kkontrollata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(b) tkun inħolqot biex tirċievi l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha jew xi whud minnhom ta' istituzzjoni jew istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni jew istituzzjoni tranżitorja.

3. Il-vettura tal-immaniġġjar tal-assi għandha timmaniġġja l-assi ttrasferiti fiha bil-għan li timmassimizza il-valur tagħhom permezz ta' bejgħ eventwali jew likwidazzjoni b'mod ordnat.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operat ta' vettura tal-immaniġġjar tal-assi jirrispetta d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontenut tad-dokumenti kostituzzjonali tal-vettura tal-immaniġġjar tal-assi huwa approvat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(b) soġġett għall-istruttura ta' sjieda tal-vettura tal-immaniġġjar tal-assi, l-awtorità ta' riżoluzzjoni taħtar jew tapprova l-korp maniġerjali tal-vettura,

(c) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tapprova r-rinumerazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali u tiddetermina r-responsabbiltajiet adegwati tagħhom;

(d) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tapprova l-istrateġija u l-profil tar-riskju tal-vettura tal-immaniġġjar tal-assi.

5. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jeżerċitaw is-setgħa speċifikata fil-paragrafu 1 li jittrasferixxu assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet biss jekk:

(a) is-sitwazzjoni tas-suq partikolari għal dawk l-assi tkun ta' tali natura li l-likwidazzjoni ta' dawk l-assi taħt proċeduri normali ta' insolvenza jista' jkollha effett ħażin fuq is-suq finanzjarju wieħed jew iżjed.

(b) trasferiment bħal dan huwa meħtieġ biex jiżgura il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew istituzzjoni transitorja; jew

(c) trasferiment bħal dan huwa meħtieġ biex jimmassimizza ir-rikavati mill-likwidazzjoni.

6. Meta japplikaw l-għodda tas-separazzjoni tal-assi, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiddeterminaw l-korrispettiv li għalih l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet huma ttrasferiti fil-vettura tal-immaniġġjar tal-assi skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 36 u skont il-qafas għall-għajnuna mill-Stat tal-Unjoni. Dan il-paragrafu ma jimpedixxix li l-korrispettiv ikollu valur nominali jew negattiv.

7. Soġġett għall-Artikolu 37(7), kull korrispettiv imħallas mill-vetturi tal-immaniġġjar tal-assi fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet akkwistati direttament mill-istituzzjoni għandu jibbenefika lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Il-korrispettiv jista' jitħallas fil-forma ta' dejn maħruġ mill-vettura tal-immaniġġjar tal-assi.

8. Fejn l-għodda tal-istituzzjoni transitorja tkun ġiet applikata, vettura tal-immaniġġjar tal-assi tista', sussegwentement għall-applikazzjoni tal-għodda tal-istituzzjoni transitorja, takkwista assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet mill-istituzzjoni transitorja.

9. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jittrasferixxu assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għal vettura waħda jew aktar tal-immaniġġjar tal-assi jew f'aktar minn okkażjoni waħda u jittrasferixxu assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet lura minn vettura waħda jew aktar tal-immaniġġjar tal-assi lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni sakemm il-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 10 jiġu sodisfatti.

L-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għandha tkun obbligata tieħu lura kwalunkwe tali assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet.

10. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jittrasferixxu drittijiet, assi jew obbligazzjonijiet lura mill-vettura tal-immaniġġjar tal-assi lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni f'waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) il-possibbiltà li d-drittijiet, l-assi jew l-obbligazzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu ttrasferiti lura hija ddikjarata espressament fl-istrument li bih ikun sar it-trasferiment;

(b) id-drittijiet, l-assi jew l-obbligazzjonijiet speċifiċi ma jkunux fil-fatt jaqgħu fi ħdan il-klassijiet, jew jissodisfaw il-kondizzjonijiet għat-trasferiment tad-drittijiet, l-assi jew l-obbligazzjonijiet speċifikati fl-istrument li bih ikun sar it-trasferiment.

Fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet imsemmijin fil-punti (a) u (b), it-trasferiment lura jista' jsir fi kwalunkwe żmien, u għandu jikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjoni oħra, iddikjarata f'dak l-istrument għall-iskop rilevanti.

11. Trasferimenti bejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u l-vettura tal-immaniġġjar tal-assi għandhom ikunu soġġetti għal salvagwardji tat-trasferimenti parzjali ta' propjetà speċifikati fil-Kapitolu VII tat-Titolu IV.

12. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu VII tat-Titolu IV, l-azzjonisti jew il-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u partijiet terzi oħra li assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet tagħhom ma jiġux ittrasferiti lill-vettura tal-immaniġġjar tal-assi ma għandu jkollhom l-ebda dritt fuq jew fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ttrasferiti lill-vettura tal-immaniġġjar tal-assi jew il-korp maniġerjali jew maniġment superjuri tagħha.

13. L-objettivi ta' vettura tal-immaniġġjar tal-assi m'għandhomx jimplikaw xi obbligu jew responsabbiltà lil partijiet interessati jew kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, u l-korp maniġerjali jew maniġment superjuri m'għandhomx ikollhom responsabbiltà għal tali partijiet interessati jew kredituri għal atti u omissjonijiet fl-eżerċizzju tal-obbligi tagħhom sakemm l-att jew l-ommissjoni ma tkunx timplika negliġenza kbira jew mġiba ħażina serja skont il-liġi nazzjonali li taffettwa direttament id-drittijiet ta' tali partijiet interessati jew kredituri.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw aktar ir-responsabbiltà ta' vettura tal-immaniġġjar tal-assi u tal-korp maniġerjali jew maniġment superjuri tagħha skont il-liġi nazzjonali rigward atti u ommissjonijiet fil-qadi ta' dmirijiethom.

14. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tippromwovi l-konverġenza ta' prassi superviżorja u ta' riżoluzzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni meta, skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-likwidazzjoni tal-assi jew l-obbligazzjonijiet taħt il-proċeduri normali ta' insolvenza tkun tista' jkollha effett negattiv fuq suq finanzjarju jew iktar.

### Taqsima 5

### Strument ta' rikapitalizzazzjoni interna

#### Subtaqsima 1

#### Għan u skop tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna

*Artikolu 43*

**Strument ta' rikapitalizzazzjoni interna**

1. Sabiex l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna tkun effettiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkollhom is-setgħat tar-riżoluzzjoni speċifikati tal-Artikolu 63(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkunu jistgħu japplikaw l-objettivi ta' riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikolu 31, skont il-prinċipji ta' riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikolu 34 għal kwalunkwe minn dawn l-iskopijiet:

(a) tiġi rikapitalizzata istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva li tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni sal-punt suffiċjenti li tiġi restawrata l-kapaċità tagħha li tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni (sal-punt li dawk il-kondizzjonijiet japplikaw għall-entità) u li twettaq l-attivitajiet li għalihom hija awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE, fejn l-entità hija awtorizzata skont dawk id-Direttivi, u biex tingħata biżżejjed kunfidenza tas-suq fl-istituzzjoni jew l-entità;

(b) jikkonvertu għall-ekwità jew inaqqsu l-ammont kapitali ta' pretensjonijiet jew strumenti ta' dejn li huma ttrasferiti:

(i) lill-istituzzjoni tranżitorja bil-għan li jipprovdu kapital għal dik l-istituzzjoni transitorja; jew

(ii) taħt l-għodda ta' bejgħ ta' negozju jew l-għodda tas-separazzjoni tal-assi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu japplikaw l-istrument ta' rikapitazzazzjoni interna għall-iskop imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu biss jekk ikun hemm prospett raġonevoli li l-applikazzjoni ta' dak l-istrument, flimkien ma' miżuri oħra rilevanti inklużi miżuri implimentati skont il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju meħtieġa mill-Artikolu 52 se, apparti li tilħaq l-għanijiet rilevanti tar-riżoluzzjoni, tirrestawra l-istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) inkwistjoni għal sodizza finanzjarja u vijabbiltà fit-tul.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu japplikaw kwalunkwe għodod tar-riżoluzzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 37(3), u l-istrumenti ta' rikapitalizzazzjoni interna msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fejn il-kondizzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu ma jkunux ntlaħqu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu japplikaw l-istrument ta' rikapitulazzjoni interna għall-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punt (b), (c), jew (d) tal-Artikolu 1(1) filwaqt li jirrispettaw f'kull każ il-forma legali tal-istituzzjoni jew entità kkonċernata jew li jkunu jistgħu jibdlu l-forma legali.

*Artikolu 44*

**Kamp ta' applikazzjoni tal-istrument ta' rikapitulazzjoni interna**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna jkun jista' jiġi applikat għall-obbligazzjonijiet kollha ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-għodda skont il-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni ma għandhomx jeżerċitaw setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni fir-rigward tal-obbligazzjonijiet li ġejjin kemm jekk jitmexxew mil-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz:

(a) depożiti koperti;

(b) obbligazzjonijiet iggarantiti inklużi bonds koperti u obbligazzjonijiet fil-forma ta' strumenti finanzjarji użati għal skopijiet ta' iħheġġjar li jifformaw parti integrali mill-pool ta' kopertura u li skont il-liġi nazzjonali huma żgurati b'mod simili bħal bonds koperti;

(c) kwalunkwe obbligazzjoni li tinħoloq bis-saħħa taż-żamma mill-istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva ta' assi ta' klijenti jew flus ta' klijenti inklużi assi ta' klijenti jew flus ta' klijenti miżmuma f'isem l-UCITS kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE jew tal-AIFs kif definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sakemm tali klijent ikun protett skont il-liġi dwar l-insolvenza applikabbli;

(d) kwalunkwe obbligazzjoni li tirriżulta permezz ta' relazzjoni fiduċjarja bejn l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) (bħala fiduċjarja) u persuna oħra (bħala benefiċjarja) sakemm tali benefiċjarja tkun protetta taħt il-liġi tal-insolvenza jew ċivili applikabbli;

(e) obbligazzjonijiet għal istituzzjonijiet, minbarra entitajiet li huma parti mill-istess grupp, b'maturità oriġinali ta' anqas minn sebat ijiem;

(f) obbligazzjonijiet b'maturità li jifdal ta' anqas minn sebat ijiem, dovuti lil sistemi jew operaturi ta' sistemi maħsuba għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE jew il-parteċipanti tagħhom u li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'tali sistema;

(g) obbligazzjoni għal kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) impjegat, fir-rigward ta' salarji, benefiċċji ta' pensjoni dovuti jew remunerazzjoni fissa oħra, ħlief għall-komponent varjabbli tar-renumerazzjoni li mhux regolat bi ftehim kollettiv ta' xogħol;

(ii) kreditur kummerċjali jew ta' negozju li jinħoloq mill-forniment lill-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' oġġetti jew servizzi li huma kritiċi għall-funzjonament ta' kuljum tal-operazzjonijiet tagħha, inklużi servizzi tal-IT, utilitajiet u l-kiri, il-manutenzjoni u ż-żamma ta' postijiet;

(iii) awtoritajiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali, sakemm dawk l-obbligazzjonijiet huma ppreferuti taħt il-liġi applikabbli;

(iv) skemi ta' garanzija ta' depożiti li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet dovuti skont id-Direttiva 2014/49/UE.

Il-punt (g)(i) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-komponent varjabbli tar-rinumerazzjoni ta' dawk li jieħdu r-riskju materjali kif identifikat fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2013/36/UE.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assi ggarantiti kollha relatati ma' pula tal-kopertura ta' bonds koperti jibqgħu mhux affettwati, segregati u b'finanzjament suffiċjenti. La dak ir-rekwiżit u lanqas il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandhom iwaqqfu l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, fejn xieraq, milli jeżerċitaw dawk is-setgħat fir-rigward ta' kwalunkwe parti ta' obbligazzjoni ggarantita jew obbligazzjoni li għaliha ġie ppleġġjat kollateral li jaqbeż il-valur tal-assi, pleġġ, rahan jew kollateral li huwa garanti tiegħu.

([1]) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

Il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ma għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, fejn xieraq, milli jeżerċitaw dawk is-setgħat fir-rigward ta' kwalunkwe ammont ta' depożitu li jaqbeż il-livell ta' kopertura previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/49/UE

3 ta' Lulju 2015. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' skopertura fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sabiex jistipulaw għar-riżolvabbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-gruppi, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jillimitaw, skont il-punt (b) tal-Artikolu 17(5) ta' din id-Direttiva, sa fejn istituzzjonijiet oħra jżommu obbligazzjonijiet eliġibbli għal għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, ħlief għal obbligazzjonijiet miżmuma minn entitajiet li huma parti mill-istess grupp.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna jiġi applikat, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' teskludi jew parzjalment teskludi ċertu obbligazzjonijiet mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni fejn:

(a) mhux possibbli li tirrikapitalizza internament dik l-obbligazzjoni fi żmien raġonevoli minkejja l-isforzi b'rieda tajba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(b) l-esklużjoni hija strettament neċessarja u hija proporzjonata biex tinkiseb il-kontinwità ta' funzjonijiet kritiċi u linji ewlenin tan-negozji b'mod li jżomm l-abbiltà tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni biex tkompli l-operazzjonijiet, is-servizzi u t-transazzjonijiet ewlenin;

(c) l-esklużjoni hija strettament meħtieġa u proporzjonata biex tevita li twassal għal kontaġju wiesa', partikolarment rigward depożiti eliġibbli miżmuma minn persuni fiżiċi u mikroimpriżi, impriżi ta' daqs żgħir u medju, li jista' jħarbat b'mod sever il-funzjonament tas-swieq finanzjarji, inklużi l-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, b'mod li jista' jikkawża tħarbit serju lill-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-Unjoni; jew

(d) l-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna għal dawk l-obbligazzjonijiet tikkawża qerda fil-valur b'mod li t-telf imġarrab minn kredituri oħra jkun ogħla milli kieku dawk l-obbligazzjonijiet jiġu esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna.

Fejn awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li teskludi jew teskludi parzjalment obbligazzjoni eliġibbli jew klassi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli taħt dan il-paragrafu, il-livell ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni applikat għal obbligazzjonijiet eliġibbli oħra jikkonforma mal-prinċipju fil-punt (g) tal-Artikolu 34(1).

4. Fejn awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li teskludi jew parzjalment teskludi obbligazzjoni eliġibbli jew klassi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont dan l-Artikolu, u t-telf imġarrab minn dawk l-obbligazzjonijiet ma jkunux għaddew b'mod sħiħ għal fuq kredituri oħrajn, l-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni jista' jagħmel kontribuzzjoni għall-istituzzjoni li tkun qed tiġi riżolta biex tagħmel azzjoni waħda jew it-tnejn li ġejjin:

(a) tkopri kwalunkwe telf li ma jkunx ġie assorbit minn obbligazzjonijiet eliġibbli u jiġi restawrat għal żero il-valur nett tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 46(1);

(b) jiġu mixtrija l-istrumenti ta' sjieda jew strumenti kapitali fl-istituzzjoni li tkun qed tiġi riżolta, sabiex tiġi rikapitalizzata l-istituzzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 46(1).

5. L-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni għandu jagħmel kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 4 biss fejn:

(a) tkun saret kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni tkun ta' ammont mhux inqas minn 8 % tat-total tal-obbligazzjonijiet inkluż il-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin fil-mument tal-azzjoni tar-riżoluzzjoni f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 36, mill-azzjonisti u d-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli oħra, permezz ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni jew mod ieħor; u

(b) il-kontribuzzjoni tal-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni ma taqbiżx 5 % tat-total tal-obbligazzjonijiet inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni li tkun qed tiġi riżolta, imkejla fiż-żmien tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni skont il-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 36.

6. Il-kontribuzzjoni tal-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni msemmija fil-paragrafu 5 tista' tiġi ffinanzjata minn:

(a) l-ammont disponibbli għall-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni li jkun inġabar permezz ta' kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet u fergħat fl-Unjoni skont l-Artikolu 100(6) u l-Artikolu 103;

(b) l-ammont li jista' jinġabar permezz ta' kontribuzzjonijiet ex post skont l-Artikolu 104 fi żmien perjodu ta' tliet snin; u

(c) fejn l-ammonti msemmija f'(a) u (b) ta' dan il-paragrafu mhumiex biżżejjed, ammonti miġbura minn sorsi alternattivi ta' finanzjament skont l-Artikolu 105.

7. F'ċirkostanzi straordinarji, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tfittex aktar finanzjament minn sorsi alternattivi ta' finanzjament wara li:

(a) li jkun intlaħaq il-limitu ta' 5 % speċifikat fil-paragrafu 5(b); u

(b) obbligazzjonijiet mhux garantiti, mhux bi preferenza, minbarra d-depożiti eliġibbli, ikunu ġew valwati negattivament jew ikkonvertit b'mod sħiħ.

Bħala alternattiva jew b'żieda ma' dan, meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jkunu ġew sodisfatti, l-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni jista' jagħmel kontribuzzjoni minn riżorsi li jkunu nġabru permezz ta' kontribuzzjonijiet ex-ante skont l-Artikolu 100(6) u l-Artikolu 103 u li jkunu għadhom ma ntużawx.

8. B'deroga mill-paragrafu 5(a), l-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni jista' jagħmel ukoll kontribuzzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 dment li:

(a) il-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 5 tkun daqs ammont mhux anqas minn 20 % tal-assi ppeżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkonċernata;

(b) l-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni tal-Istat Membru kkonċernat ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu, permezz ta' kontribuzzjonijiet ex-ante (minbarra kontribuzzjonijiet għal skema ta' garanzija tad-depożiti) miġbura skont l-Artikolu 100(6) u l-Artikolu 103, ammont li huwa mill-inqas daqs 3 % tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fit-territorju ta' dak l-Istat Membru; u

(c) l-istituzzjoni kkonċernata jkollha assi inqas minn EUR 900 biljun fuq bażi konsolidata.

9. Meta jkunu qed jiġu eżerċitati d-diskrezzjonijiet taħt il-paragrafu 3, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkunsidraw b'mod dovut:

(a) il-prinċipju li t-telf għandu jiġġarrab l-ewwel mill-azzjonisti u mbagħad, b'mod ġenerali, mill-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni f'ordni ta' preferenza;

(b) il-livell ta' kapaċità ta' assorbiment ta' telf li jibqa' fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jekk l-obbligazzjoni jew klassi ta' obbligazzjonijiet jiġu esklużi; u

(c) il-ħtieġa li jinżammu riżorsi adegwati għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni.

10. L-esklużjonijiet skont il-paragrafu 3 jistgħu jiġu applikati jew biex jeskludu kompletament obbligazzjoni ta' valwazzjoni negattiva jew biex jillimitaw sa fejn il-valwazzjoni negattiva tapplika għal dik l-obbligazzjoni.

11. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 115 sabiex tispeċifika aktar iċ-ċirkostanzi meta esklużjoni hija meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

12. Qabel teżerċita d-diskrezzjoni li teskludi obbligazzjoni skont paragrafu 3, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tavża lill-Kummissjoni. Fejn l-esklużjoni tkun teħtieġ kontribuzzjoni mill-arranġament tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni jew sors alternattiv ta' finanzjament skont paragrafi 4 sa 8, il-Kumissjoni tista', fi żmien 24 siegħa li tirċievi din in-notifika, jew perjodu itwal bil-qbil tal-awtorità tar-riżoluzzjoni, tipprojbixxi jew titlob emendi għall-esklużjoni proposta jekk ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu u l-atti delegati ma jiġux sodisfatti sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Kummissjoni tar-regoli tal-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

### Subtaqsima 2

### Rekwiżit Minimu għal Fondi Proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli

*Artikolu 45*

**Applikazzjoni tar-rekwiżit minimu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jissodisfaw, il-ħin kollu, rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli. Ir-rekwiżit minimu għandu jiġi kkalkulat bħala l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli espressi bħala perċentwal tat-total tal-obbligazzjonijiet u tal-fondi proprji tal-istituzzjoni.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, l-obbligazzjonijiet ta' derivattivi għandhom jiġu inklużi fit-total tal-obbligazzjonijiet fuq il-bażi li jingħata rikonoxximent sħiħ lid-drittijiet ta' netting tal-kontraparti.

2. L-ABE għandha tabbozza standards tekniċi regolatorji li jkomplu jispeċifikaw il-kriterji ta' valutazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 6 li abbażi tagħhom, għal kull istituzzjoni, għandu jiġi determinat rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, inkluż dejn subordinat u dejn mhux garantit ta' preferenza b'tal-anqas 12-il xahar rimanenti fuq it-termini tagħhom li huma soġġetti għas-setgħa ta' rikapitulazzjoni internat u dawk li jikkwalifikaw bħala fondi proprji.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kriterji addizzjonali li abbażi tagħhom għandu jiġi determinat ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jeżentaw istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarju ffinanzjati minn bonds koperti li, skont il-liġi nazzjonali, ma jistgħux jirċievu depożiti mill-obbligu li jissodisfaw, f'kull ħin, rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, billi:

(a) dawk l-istituzzjonijiet jiġu stralċjati permezz ta' proċeduri ta' insolvenza nazzjonali, jew tipi oħra ta' proċeduri implimentati skont l-Artikoli 38, 40 jew 42 ta' din id-Direttiva, provdut għal dawk l-istituzzjonijiet; u

(b) tali proċeduri nazzjonali ta' insolvenza, jew tipi oħra ta' proċeduri, se jiżgura li l-kredituri ta' dawk l-istituzzjonijiet, inklużi d-detenturi ta' bonds koperti fejn ikun rilevanti, se jġarrbu t-telf b'mod li jissodisfa l-objettivi tar-riżoluzzjoni.

4. L-obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 1 biss jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istrument ikun inħareġ u tħallas għal kollox;

(b) l-obbligazzjoni mhux dovuta lill-istituzzjoni stess jew assigurata minnha jew garantita minnha stess;

(c) ix-xiri tal-istrument ma kienx direttament jew indirettament iffinanzjat mill-istituzzjoni;

(d) l-obbligazzjoni jkun baqagħlha maturità ta' mill-inqas sena;

(e) l-obbligazzjoni ma tirriżultax minn derivattiv;

(f) l-obbligazzjoni ma tirriżultax minn depożitu li jibbenefika minn preferenza fil-ġerarkija tal-insolvenza nazzjonali skont l-Artikolu 108.

Għall-fini tal-punt (d) fejn obbligazzjoni tagħti lil sidha d-dritt għal rimbors kmieni, il-maturità ta' dik l-obbligazzjoni għandha tkun l-ewwel data meta jirriżulta dan id-dritt.

5. Fejn obbligazzjoni tkun regolata minn liġi ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu lill-istituzzjoni li turi li kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorità ta' riżoluzzjoni biex tivvalwa negattivament jew tikkonverti dik l-obbligazzjoni tkun effettiva taħt il-liġi ta' dak il-pajjiż terz, b'kont meħud tat-termini tal-kuntratt li jirregola dik l-obbligazzjoni, ftehimiet internazzjonali dwar ir-rikonoxximent tal-proċeduri ta' riżoluzzjoni u kwistjonijiet oħrajn rilevanti. Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx sodisfatta li kwalunkwe deċiżjoni tkun effettiva taħt il-liġi ta' dak il-pajjiż terz, l-obbligazzjoni m'għandhiex jitqies fir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli.

6. Ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' kull istituzzjoni skont paragrafu 1 għandu jkun determinat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, għall-inqas fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-istituzzjoni tista' tiġi riżolta bl-applikazzjoni tal-istrumenti tar-riżoluzzjoni inkluża, fejn xieraq, l-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna, b'mod li jiġu sodisfatti l-għanijiet tar-riżoluzzjoni;

(b) il-ħtieġa li jiġi żgurat, f'każijiet xierqa, li l-istituzzjoni jkollha obbligazzjonijiet eliġibbli biżżejjed biex jiżguraw li, jekk jiġi applikat l-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna, it-telf ikun jista' jiġi assorbit u l-proporzjon tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni jkun jista' jiġi restawrat għal livell neċessarju biex jippermettilha tkompli tikkonforma mal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u twettaq l-attivitajiet li għalihom hija awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE u li tingħata biżżejjed kunfidenza tas-suq fl-istituzzjoni jew fl-entità;

(c) il-ħtieġa li jiġi żgurat li, jekk il-pjan ta' riżoluzzjoni jantiċipa li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jiġu esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna taħt l-Artikoli 44(3) jew li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jintbagħtu kollha kemm huma lil benefiċjarju taħt trasferiment parzjali, li l-istituzzjoni għandha obbligazzjonijiet eliġibbli oħra biżżejjed biex tiżgura li t-telf jista' jiġi assorbit u l-proporzjon tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni jkun jista' jiġi restawrat għal livell neċessarju biex jippermettilha tkompli tikkonforma mal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u twettaq l-attivitajiet li għalihom hija awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

(d) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;

(e) il-punt safejn l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti tkun tista' tikkontribbwixxi għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 109;

(f) safejn il-falliment tal-istituzzjoni jkollu effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, inkluż, minħabba l-interkonnettività tagħha ma' istituzzjonijiet oħra jew mal-bqija tas-sistema finanzjarja permezz ta' kontaġju lil istituzzjonijiet oħra.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi previsti f'dan l-Artikolu fuq bażi individwali.

Awtorità ta' riżoluzzjoni tista', wara konsultazzjoni ma' awtorità kompetenti, tiddeċiedi li tapplika r-rekwiżit minimu previst f'dan l-Artikolu għal entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1).

8. Minbarra l-paragrafu 7, l-impriżi prinċipali tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti f'dan l-Artikolu fuq bażi konsolidata.

Ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli fil-livell konsolidat ta' impriża prinċipali tal-Unjoni għandu jkun determinat mill-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, wara konsultazzjoni mas-superviżur ta' konsolidazzjoni, skont il-paragrafu 9, talanqas abbażi tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 6 u ta' jekk is-sussidjarji tal-pajjiżi terzi tal-grupp għandhomx jiġu riżolti separatament skont il-pjan ta' riżoluzzjoni.

9. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli mis-sussidjarji fuq bażi individwali għandhom jagħmlu dak kollu fil-limiti tas-setgħat tagħhom biex jilħqu deċiżjoni konġunta dwar il-livell tar-rekwiżit minimu applikat fil-livell konsolidat.

Id-deċiżjoni konġunta għandha tkun ġġustifikata bis-sħiħ u għandha tkun ipprovduta lill-impriża prinċipali tal-Unjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp.

Fin-nuqqas ta' din id-deċiżjoni konġunta fi żmien erba' xhur, għandha tittieħed deċiżjoni dwar ir-rekwiżit minimu konsolidat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp wara konsiderazzjoni dovuta tal-valutazzjoni tas-sussidjarji mwettqa mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti. Jekk, fit-tmien il-perijodu ta' erba' xhur, kwalunkwe mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni konċernati tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha u tistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandha tapplika d-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp.

Id-deċiżjoni konġunta u d-deċiżjoni meħuda mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta għandha tkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fl-Istati Membri kkonċernati.

Id-deċiżjoni konġunta u kwalunkwe deċiżjoni mittieħda fl-assenza ta' deċiżjoni konġunta għandha tiġi rieżaminata u fejn huwa rilevanti aġġornata fuq bażi regolari.

10. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jistabbilixxu ir-rekwiżit minimu li għandu jiġi applikat għas-sussidjarji tal-grupp fuq bażi individwali. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom jistabbilixxu livell xieraq għas-sussidjarja wara li jkun ħa kont ta':

(a) il-kriterji elenkati fil-paragrafu 6, b'mod partikolari id-daqs, il-mudell kummerċjali u l-profil tar-riskju tas-sussidjarja, inklużi l-fondi proprji tagħha; u

(b) ir-rekwiżit konsolidat li ġie stabbilit għall-grupp taħt il-paragrafu 9.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli mis-sussidjarji fuq bażi individwali għandhom jagħmlu dak kollu fil-limiti tas-setgħat tagħhom biex jilħqu deċiżjoni konġunta dwar il-livell tar-rekwiżit minimu li għandu jiġi applikat f'kull sussidjarju rispettiv fil-livell individwali.

Id-deċiżjoni konġunta għandha tkun ġġustifikata bis-sħiħ u għandha tkun ipprovduta lis-sussidjarji u lil istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji u mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp, rispettivament.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bħal din bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fi żmien erba' xhur, id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi tas-sussidjarji b'konsiderazzjoni dovuta tal-veduti u r-riservi espressi mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp.

Jekk, fi tmien il-perijodu ta' erba' xhur, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp tkun irreferiet il-kwistjoni għand l-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli mis-sussidjarji fuq bażi individwali għandhom jiddifferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom u jistennew kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom skont id-deċiżjoni tal-ABE. Il-perjodu ta' erba' xhur għandu jitqies bħala l-perjodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' erba' xhur jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp ma għandhiex tirreferi l-kwistjoni lill-ABE għal medjazzjoni vinkolanti fejn il-livell stipulat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarja jkun sa punt perċentwali 'l bogħod mil-livell konsolidat stabbilit taħt il-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-ABE fi żmien xahar, għandhom japplikaw id-deċiżjonijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji.

Id-deċiżjonijiet konġunti u kwalunkwe deċiżjoni mittieħda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarji fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kkonċernati.

Id-deċiżjoni konġunta u kwalunkwe deċiżjoni mittieħda fl-assenza ta' deċiżjoni konġunta għandha tiġi rieżaminata u fejn huwa rilevanti aġġornata fuq bażi regolari.

11. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp tista' ma tesiġix l-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu individwali għal istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni fejn:

(a) l-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni hija konformi fuq bażi konsolidata mar-rekwiżit minimu stabbilit taħt il-paragrafu 8; u

(b) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni ma tesiġix l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' kapital individwali għall-istituzzjoni skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

12. L-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' sussidjarja tista' ma tesiġi bl-ebda mod l-applikazzjoni tal-paragrafu 7 għal dik is-sussidjarja meta:

(a) kemm is-sussidjarja kif ukoll l-impriża prinċipali tagħha jkunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni mill-istess Stat Membru;

(b) is-sussidjarja tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata tal-istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali;

(c) l-istituzzjoni ta' grupp tal-ogħla livell fl-Istati Membri tas-sussidjarja, meta jkun differenti mill-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni, tikkonforma fuq bażi subkonsolidata mar-rekwiżit minimu stabbilit taħt il-paragrafu 7;

(d) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew ġuridiku għat-trasferiment rapidu ta' fondi proprji jew ripagament tal-obbligazzjonijiet lis-sussidjarja mill-impriża prinċipali tagħha;

(e) l-impriża prinċipali tissodisfa lill-awtorità kompetenti rigward it-tmexxija prudenti tas-sussidjarja u tkun iddikjarat, bil-kunsens tal-awtorità kompetenti, li hi tiggarantixxi l-impenji li s-sussidjarja tkun daħlet għalihom, jew ir-riskji tas-sussidjarji jkunu ta' ebda sinifikat;

(f) il-proċeduri tal-evalwazzjoni, il-kalkolu u l-kontroll tar-riskju tal-impriża prinċipali jkunu jkopru s-sussidjarja;

(g) l-impriża prinċipali ikollha aktar minn 50 % tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma fil-kapital tas-sussidjarja jew ikollha d-dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp maniġerjali tas-sussidjarja; u

(h) l-awtorità kompetenti tas-sussidjarja ma tesiġi bl-ebda mod l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' kapital individwali għas-sussidjarja taħt l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

13. Id-deċiżjonijiet li ġew meħuda skont dan l-Artikolu jistgħu jipprevedu li r-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli huwa milħuq parzjalment fil-livell konsolidat jew individwali permezz tal-istrumenti kontrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna.

14. Biex jikkwalifika bħala strument kontrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna taħt il-paragrafu 13, l-awtorità ta' riżoluzzjoni trid tkun sodisfatta li dak l-istrument:

(a) ikun fih it-terminu kontrattwali li jipprevedi li, awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li tapplika l-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna lil dik l-istituzzjoni, l-istrument għandu jiġi valwat negattivament jew jiġi konvertit sa fejn meħtieġ qabel obbligazzjonijiet eliġibbli oħra jiġu valwati b'mod negattiv jew jiġu konvertiti; u

(b) jkun soġġett għal ftehim, impenn jew dispożizzjoni ta' subordinazzjoni vinkolanti skont liema fil-każ ta' proċedimenti normali ta' insolvenza, jikklassifika taħt obbligazzjonijiet eliġibbli l-oħra u ma jistax jitħallas lura sakemm l-obbligazzjonijiet eliġibbli pendenti l-oħra f'dawk il-waqt ikun ġew saldati.

15. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom jirrekjedu u jivverifikaw li l-istituzzjonijiet jilħqu r-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli previsti fil-paragrafu 1 u fejn rilevanti r-rekwiżit previst fil-paragrafu 13, u għandhom jieħdu kwalunkwe deċiżjoni skont dan l-Artikolu b'mod parallel mal-iżvilupp u ż-żamma tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

16. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom jinformaw lill-ABE bir-rekwiżit minimu għall-fondi proprja u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, u fejn rilevanti r-rekwiżit previst fil-paragrafu 13, li ġie stabbilit għal kull istituzzjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

17. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġu speċifikati formati, mudelli u definizzjonijiet uniformi għall-identifikazzjoni u t-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, lill-ABE għall-finijiet tal-paragrafu 16.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

18. Abbażi tar-riżultati tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 19, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tippreżenta sal-31 ta' Diċembru 2016 quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta leġislattiva dwar l-applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli. Dik il-proposta għandha tinkludi, fejn xieraq, proposti għall-introduzzjoni ta' għadd xieraq ta' livelli minimi tar-rekwiżit minimu b'kont meħud tal-mudelli ta' negozju differenti ta' istituzzjonijiet u gruppi. Il-proposta għandha tinkludi kwalunkwe aġġustament xieraq għall-parametri tar-rekwiżit minimu, u jekk meħtieġ, emendi xierqa għall-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għall-gruppi.

19. L-ABE għandha tressaq rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2016 dwar mill-inqas dan li ġej:

(a) kif ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ġie implimentat fuq livell nazzjonali, u b'mod partikolari jekk kienx hemm diverġenzi fil-livelli stipulati għal istituzzjonijiet kumparabbli fl-Istati Membri kollha;

(b) kif is-setgħa li titlob lill-istituzzjonijiet jilħqu r-rekwiżit minimu permezz ta' rikapitalizzazzjoni interna kuntrattwali ġiet applikata fl-Istati Membri kollha, u jekk kienx hemm diverġenzi f'dawk l-approċċi;

(c) l-identifikazzjoni ta' mudelli ta' negozju li jirriflettu l-profili ġenerali tar-riskju tal-istituzzjoni;

(d) il-livell xieraq tar-rekwiżit minimu għal kull wieħed mill-mudelli ta' negozju identifikati fil-punt (c);

(e) jekk għandhiex tiġi stabbilita firxa għar-rekwiżit minimu ta' kull mudell ta' negozju;

(f) il-perijodu ta' transizzjoni xieraq li fih l-istituzzjonijiet iridu jiksbu konformità ma' kwalunkwe livelli ta' armonizzazzjoni preskritti;

(g) jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 45 humiex biżżejjed biex jiżguraw li kull istituzzjoni għandha kapaċità ta' assorbiment ta' telf adatta u, jekk le, liema aktar titjib huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat dak l-objettiv;

(h) liema bidliet għall-metodoloġija ta' kalkolu prevista f'dan l-Artikolu huma meħtieġa biex jiġi żgurat li r-rekwiżit minimu jista' jintuża bħala indikatur xieraq tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf ta' istituzzjoni;

(i) jekk huwiex xieraq li r-rekwiżit jiġi bbażat fuq it-total tal-obbligazzjonijiet u l-fondi proprji, u b'mod partikolari jekk huwiex aktar xieraq li jintużaw l-assi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni bħala denominatur għar-rekwiżit;

(j) jekk l-approċċ ta' dan l-Artikolu dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal gruppi huwiex xieraq, u b'mod partikolari jekk l-approċċ jiżgurax b'mod xieraq li l-kapaċità ta' assorbiment ta' telf fil-grupp tinsabx, jew hijiex aċċessibbli, għall-entitajiet fejn jista' jkun hemm telf;

(k) jekk il-kondizzjonijiet f'derogi mir-rekwiżit minimu humiex xierqa, u b'mod partikolari jekk tali derogi għandhomx ikunu disponibbli għal sussidjarji fuq bażi transkonfinali;

(l) jekk ikunx xieraq li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu li r-rekwiżit minimu jintlaħaq permezz ta' strumenti ta' rikapitalizzazzjoni interna kuntrattwali, u jekk tkunx xierqa aktar armonizzazzjoni tal-approċċ għal strumenti ta' rikapitalizzazzjoni interna kuntrattwali;

(m) jekk ir-rekwiżiti għal strumenti ta' rikapitalizzazzjoni interna kuntrattwali stipulati fil-paargrafu 14 humiex xierqa; u

(n) jekk ikunx xieraq għal istituzzjonijiet u gruppi li jintalbu jiżvelaw ir-rekwiżit minimu tagħhom għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, jew il-livell tagħhom ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, u jekk iva l-frekwenza u l-format ta' tali informazzjoni.

20. Ir-rapport fil-paragrafu 19 għandu jkopri tal-inqas il-perjodu mit-2 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2016 u għandu jikkunsidra tal-inqas dan li ġej:

(a) l-impatt tar-rekwiżit minimu, u kwalunkwe livelli armonizzati proposti tar-rekwiżit minimu, dwar:

(i) swieq finanzjarji inġenerali u swieq għal dejn mhux assigurat u derivattivi b'mod partikolari;

(ii) il-mudelli kummerċjali u l-istrutturi tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari tal-profil ta' finanzjament u l-istrateġija ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet, u l-istruttura legali u operazzjonali tal-gruppi;

(iii) il-profitabbiltà tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari tal-ispiża ta' finanzjament tagħhom;

(iv) il-migrazzjoni ta' skoperturi għal entitajiet li mhumiex soġġetti għas-superviżjoni prudenzjali;

(v) l-innovazzjoni fil-finanzjament;

(vi) il-prevalenza tal-istrumenti ta' rikapitalizzazzjoni interna kuntrattwali, u n-natura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn l-istrumenti;

(vii) imġiba tal-istituzzjonijiet fir-rigward tat-teħid tar-riskji;

(viii) il-livell ta' tfixkil għall-assi tal-istituzzjonijiet;

(ix) l-azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi, u b'mod partikolari l-punt sa fejn ir-rekwiżiti minimi ġew sodisfatti mid-diżingranaġġ tal-assi, il-ħruġ ta' dejn dejjiemi u ż-żieda tal-kapital; u

(x) il-livell ta' self mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'enfasi partikolari fuq is-self lil impriżi żgħar ħafna, żgħar u medji, l-awtoritajiet lokali, il-gvernijiet reġjonali u entitajiet tas-settur pubbliku u fuq l-iffinanzjar tan-negozju, inkluż is-self taħt skemi uffiċjali ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni;

(b) l-interazzjoni tar-rekwiżiti minimi bir-rekwiżiti tal-fondi proprji, proporzjon ta' lieva u r-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE;

(c) il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jżidu independentement il-kapital jew il-finanzjament mis-swieq sabiex jissodisfaw kull rekwiżit minimu armonizzat propost;

(d) il-konsistenza mar-rekwiżiti minimi marbuta ma' standards internazzjonali żviluppati minn fora internazzjonali.

### Subtaqsima 3

### Implimentazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna

*Artikolu 46*

### Valutazzjoni tal-ammont tar-rikapitalizzazzjoni interna

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jivvalutaw, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni li tikkonforma mal-Artikolu 36, l-aggregat ta':

(a) fejn ikun rilevanti, l-ammont li bih l-obbligazzjonijiet eliġibbli jridu jiġu mnaqqsa sabiex jiġi żgurat li l-valur nett tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jkun żero; u

(b) fejn ikun rilevanti, l-ammont li bih l-obbligazzjonijiet eliġibbli jridu jiġu kkonvertiti f'ishma jew tipi oħra ta' strumenti kapitali sabiex jiġi restawrat il-proporzjon kapitali tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' kwalunkwe wieħed minnhom:

(i) l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni; jew

(ii) l-istituzzjoni transitorja.

2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tistabbilixxi l-ammont li bih l-obbligazzjonijiet eliġibbli jeħtiġilhom jiġu valwati negattivament jew ikkonvertiti sabiex jiġi restawrat il-proporzjon kapitali tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew fejn applikabbli jiġi stabbilit il-proporzjon tal-istituzzjoni transitorja filwaqt li titqies kwalunkwe kontribuzzjoni ta' kapital mill-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni skont il-punt (d) tal-Artikolu 101(1) ta' din id-Direttiva u biex tiġi sostnuta biżżejjed fiduċja tas-suq fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew l-istituzzjoni transitorja u jkun possibbli li tkompli tikkonforma fuq orizzont tal-anqas ta' sena mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni u twettaq l-attivitajiet li għalihom hija awtorizzata skont id-Direttiva 2006/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE.

Fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni bi ħsiebhom jużaw l-għodda ta' separazzjoni tal-assi msemmija fl-Artikolu 42, l-ammont li bih jeħtieġ li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jqis stima prudenti tal-ħtiġijiet ta' kapital tal-vettura tal-immaniġġjar tal-assi bħala adegwat.

3. Fejn il-kapital ikun ġie valwat negattivament skont l-Artikoli 59 sa 62 u tkun ġiet applikata rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 43(2) u l-livell ta' valwazzjoni negattiva ibbażata fuq il-valwazzjoni preliminari skont l-Artikolu 36 jinsab li jeċċedi r-rekwiżiti meta vvalutat kontra l-valwazzjoni definittiva skont l-Artikolu 36(10), jista' jiġi applikat mekkaniżmu ta' żieda fil-valur biex jitħallsu lura l-kredituri u mbagħad l-azzjonisti safejn huwa neċessarju.

4. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jistabbilixxu u jżommu arranġamenti biex jiżguraw li l-valutazzjoni u l-valwazzjoni jkunu bbażati fuq informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li tkun aġġornata u komprensiva kemm huwa raġonevolment possibbli.

*Artikolu 47*

**Trattament ta' azzjonisti fir-rikapitalizzazzjoni interna jew fil-valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna fl-Artikolu 43(2) jew il-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali fl-Artikolu 59, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu, fir-rigward tal-azzjonisti ' waħda mill-azzjonijiet li ġejjin, jew it-tnejn:

(a) jikkanċellawstrumenti ta' sjieda eżistenti jew jittrasferixxuhom lil kredituri suġġetti għal rikapitulazzjoni interna;

(b) bil-kundizzjoni li, skont il-valwazzjoni mwettqa taħt l-Artikolu 36, l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jkollha valur nett pożittiv, inaqqsu l-azzjonisti eżistenti b'riżultat tal-konverżjoni fi strumenti ta' sjieda ta':

(i) strumenti kapitali rilevanti maħruġa mill-istituzzjoni skont is-setgħa msemmija fl-Artikolu 59(2); jew

(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont is-setgħa msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 63(1).

Fir-rigward tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-konverżjoni għandha ssir b'rata ta' konverżjoni li tnaqqas ferm il-parteċipazzjonijiet eżistenti ta' strumenti ta' sjieda.

2. L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jittieħdu fir-rigward ta' azzjonisti meta l-istrumenti ta' sjieda inkwistjoni jkunu nħarġu jew ġew konferiti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) skont il-konverżjoni ta' strumenti tad-dejn għal strumenti ta' sjieda skont it-termini kuntrattwali tal-istrumenti oriġinali tad-dejn fuq l-okkorrenza ta' ġrajja li ppreċediet jew seħħet fl-istess żmien tal-valutazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni li l-istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) sodisfatt il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni;

(b) skont il-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni skont l-Artikolu 60.

3. Meta jikkunsidraw liema azzjoni għandha tittieħed skont il-paragarfu 1, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu:

(a) il-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 36;

(b) l-ammont li bih l-awtorità ta' riżoluzzjoni vvalutat li elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandhom jitnaqqsu u strumenti kapitali rilevanti għandhom jiġu vvalutati negattivament jew konvertiti skont l-Artikolu 60(1).

(c) l-ammont aggregat vvalutat mill-awtorità tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 46.

4. B'deroga mill-Artikoli 22 sa 25 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit li jingħata avviż fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-Artikoli 10(3), l-Artikolu 11(1) u (2) u l-Artikolu 12 u 13 tad-Direttiva 2014/65/UE u r-rekwiżit li jingħata avviż fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, meta l-applikazzjoni tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali tirriżulta f'akkwist ta' jew żieda fil-parteċipazzjoni (holding) kwalifikanti f'istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni meħtieġa taħt dawk l-Artikoli fil-ħin, b'mod li ma jdewwimx l-applikazzjoni tal-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali, u ma jipprevjenix l-azzjoni ta' riżoluzzjoni milli tilħaq l-għanijiet ta' riżoluzzjoni rilevanti;

5. Jekk l-awtorità kompetenti ta' dik l-istituzzjoni ma tkunx lestiet il-valutazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 4 fid-data tal-applikazzjoni tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali, l-Artikolu 38(9) għandu japplika għal kwalunkwe akkwist jew żieda f'parteċipazzjoni kwalifikanti minn akkwirent li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna jew mill-konverżjoni ta' strumenti kapitali.

6. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2016, toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar iċ-ċirkostanzi li fihom tkun xierqa kull waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, wara li tkun kkunsidrat il-fatturi speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 48*

**Sekwenza ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeżerċitaw is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni, soġġett għal kwalunkwe esklużjoni taħt l-Artikolu 44(2) u (3), filwaqt li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Oġġetti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jitnaqqsu skont il-punt (a) tal-Artikolu 60(1);

(b) jekk, u biss jekk, it-total tat-tnaqqis skont il-punt(a) ikun anqas mit-total tal-ammonti msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47(3), l-awtoritajiet inaqqsu l-ammont prinċipali tal-istrumenti tal-Grad 1 Addizzjonali safejn ikun meħtieġ u safejn tasal il-kapaċità tagħhom;

(c) jekk, u biss jekk, it-total tat-tnaqqis skont il-punti (a) u (b) ikun anqas mit-total tal-ammonti msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47(3), l-awtoritajiet inaqqsu l-ammont prinċipali tal-istrumenti tal-Grad 2 Addizzjonali safejn ikun meħtieġ u safejn tasal il-kapaċità tagħhom;

(d) jekk, u biss jekk, it-tnaqqis totali ta' ishma jew strumenti oħrajn ta' sjieda u strumenti kapitali rilevanti skont il-punti (a), (b) u (c) ikun anqas mit-total tal-ammonti msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47(3), l-awtoritajiet inaqqsu sa fejn meħtieġ l-ammont prinċipali ta' dejn subordinat li mhuwiex kapital tal-Grad Addizzjonali 1 jew 2 skont il-ġerarkija ta' pretensjonijiet fi proċedimenti normali ta' insolvenza, flimkien mal-valwazzjoni negattiva skont il-punti (a), (b) u (c) biex jiġi prodott biex tiġi prodotta s-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47;

(e) jekk, u biss jekk, it-tnaqqis totali ta' ishma jew strumenti oħrajn ta' sjieda, strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli skont il-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu jkun anqas mis-somma tal-ammonti msemmijin fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 47(3), l-awtoritajiet inaqqsu sa fejn meħtieġ l-ammont prinċipali ta', jew l-ammont pendenti pagabbli fir-rigward tal-bqija tal-obbligazzjonijiet eliġibbli skont il-ġerarkija ta' pretensjonijiet fi proċedimenti normali ta' insolvenza, inkluża l-klassifikazzjoni ta' depożiti prevista fl-Artikolu 108, skont l-Artikolu 44, flimkien mal-valwazzjoni negattiva skont il-punti (a), (b), (c) u (d) ta' dan il-paragrafu biex tiġi prodotta s-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47(3).

2. Meta japplikaw is-setgħat tal-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jallokaw it-telf rappreżentat mit-total tal-ammonti msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47(3) ugwalment bejn l-istrumenti ta' sjieda u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istess livell billi jnaqqsu l-ammont prinċipali ta', jew l-ammont pendenti pagabbli fir-rigward ta' dawk l-istrumenti ta' sjieda u l-obbligazzjonijiet eliġibbli sal-istess punt pro rata skont il-valur tagħhom minbarra fejn tiġi permessa allokazzjoni differenti tat-telf fost l-obbligazzjonijiet tal-istess livell fiċ-ċirkostanzi speċifikati fl-Artikolu 44(3).

Dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni li obbligazzjonijiet li ġew esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44(2) u (3) jirċievu trattament aktar favorevoli mill-obbligazzjonijiet eliġibbli li huma tal-istess livell fi proċedimenti normali ta' insolvenza.

3. Qabel ma japplikaw il-valwazzjoni jew konverżjoni msemmijin fil-punt (e) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonvertu jew inaqqsu l-ammont prinċipali fuq l-istrumenti msemmijin fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 meta dawk l-istrumenti jkun fihom it-termini li ġejjin u ma jkunux diġà ġew konvertiti:

(a) termini li jipprevedu li l-ammont kapitali tal-istrument jitnaqqas fl-okkorrenza ta' kwalunkwe avveniment li jirreferi għas-sitwazzjoni finanzjarja, is-solvenza jew il-livelli ta' fondi proprji tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) termini li jipprevedu l-konverżjoni tal-istrumenti għal strumenti ta' sjieda fl-okkorrenza ta' tali każ.

4. Fejn l-ammont kapitali ta' strument ġie mnaqqas, iżda mhux għal żero, skont termini tat-tip imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 qabel l-applikazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni interna jew skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom japplikaw is-setgħat tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni fuq l-ammont residwu ta' dik il-kapital skont il-paragrafu 1.

5. Meta jiddeċiedu dwar jekk l-obbligazzjonijiet għandhomx jiġu valwati negattivament jew jinqalbu f'ekwità, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni ma għandhomx jaqilbu klassi waħda ta' obbligazzjonijiet, waqt li klassi ta' obbligazzjonijiet li tkun subordinata għal dik il-klassi tibqa' sostanzjalment mhux maqluba f'ekwità jew valwati negattivament, sakemm ma jkunx permess mod ieħor skont l-Artikolu 44(2) u (3).

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-ABE għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għal kwalunkwe interpretazzjoni marbuta mar-relazzjoni reċiproka bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u dawk tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 49*

**Derivattivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jiġu segwiti meta l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni japplikaw is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni fuq obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jeżerċitaw is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni f'rabta ma' obbligazzjoni li tirriżulta minn derivattiv biss malli jingħalqu d-derivattivi jew wara li jingħalqu. Mad-dħul fir-riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jingħataw is-setgħa li jtemmu u jagħlqu kwalunkwe kuntratt ta' derivattivi għal dak l-iskop.

Fejn obbligazzjoni ta' derivattiv tkun ġiet eskluża mill-applikazzjoni tal-għodda ta' kapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44(3), l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni m'għandhomx ikunu obbligati li jtemmu jew jagħlqu l-kuntratt tad-derivattivi.

3. Fejn transazzjonijiet derivattivi jkunu soġġetti għal ftehim ta' netting, l-awtorità ta' riżoluzzjoni jew evalwatur indipendenti għandu jiddetermina bħala parti mill-valwazzjoni skont l-Artikolu 36 l-obbligazzjoni li tirriżulta minn dawk it-transazzjonijiet fuq bażi netta skont it-termini tal-ftehim.

4. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jiddeterminaw il-valur tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi skont dan li ġej:

(a) metodoloġiji xierqa għad-determinazzjoni tal-valur ta' klassijiet ta' derivattivi, inklużi tranżazzjonijiet li huma soġġetti għal ftehimiet ta' netting;

(b) prinċipji biex jiġi stabbilit il-waqt rilevanti li fih għandu jiġi stabbiliti l-valur ta' pożizzjoni ta' derivattiv; u

(ba) metodoloġiji xierqa biex titqabbel il-qerda tal-valur li tirriżulta mill-għeluq u r-rikapitalizzazzjoni interna ta' derivattivi mal-ammont ta' telf li jiġġarrab minn derivattivi f'rikapitalizzazzjoni interna.

5. L-ABE, wara li tikkonsulta lill-Awtorità Ewropea Superviżorja (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ("ESMA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġiji u l-prinċipji msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 4 dwar il-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet li jinħolqu mid-derivattivi:

Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet derivattivi li jkunu suġġetti għal ftehim ta' netting, l-ABE għandha tikkunsidra l-metodoloġija għall-konklużjoni stabbilita fil-ftehim ta' netting.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 50*

**Rata tal-konverżjoni tad-dejn f'ekwità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeżerċitaw is-setgħat speċifikati fl-Artikolu 59(3) u l-punt (f) tal-Artikolu 63(1), huma jkunu jistgħu japplikaw rata ta' konverżjoni differenti għal klassijiet differenti ta' strumenti kapitali u obbligazzjonijiet f'konformità ma' wieħed mill-prinċipji msemmijin fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jew mat-tnejn.

2. Ir-rata tal-konverżjoni għandha tirrappreżenta kumpens xieraq lill-kreditur affettwat għal kwalunkwe telf imġarrab permezz tal-eżerċizzju tas-setgħat tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni.

3. Meta jiġu applikati rati differenti ta' konverżjoni skont il-paragrafu 1, ir-rata ta' konverżjoni applikabbli għal obbligazzjonijiet meqjusin bħala preferenzjali taħt il-liġi tal-insolvenza applikabbli għandha tkun ogħla mir-rata ta' konverżjoni applikabbli għal obbligazzjonijiet subordinati.

4. L-ABE għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, tiżviluppa linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar l-iffissar tar-rati ta' konverżjoni.

Dawk il-linji gwida għandhom jindikaw, partikolarment, kif kredituri affettwati jistgħu jiġu kkumpensati b'permezz tar-rata tal-konverżjoni, u r-rati tal-konverżjoni relattivi li jistgħu jkunu xierqa biex jirriflettu l-prijorità ta' obbligazzjonijiet ta' preferenza skont il-liġi tal-insolvenza applikabbli.

*Artikolu 51*

**Miżuri ta' rkupru u riorganizzazzjoni li jakkumpanjaw rikapitalizzazzjoni interna**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni japplikaw l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna biex jirrikapitalizzaw istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 43(2), jiġu adottati arranġamenti biex jiġi żgurat li jitfassal u jiġi implimentat pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għal dik l-istituzzjoni jew entità f'konformità mal-Artikolu 53.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jinkludu l-ħatra mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) bil-għan li tfassal u timplimenta l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju meħtieġ mill-Artikolu 52.

*Article 52*

**Pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, fi żmien xahar wara l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna fuq istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) skont il-punt (a) tal-Artikolu 43(2), il-korp maniġerjali jew l-persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) għandhom iħejju u jippreżentaw lill-awtorità ta' riżoluzzjoni, pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu. Fejn ikun applikabbli l-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali pjan ikun kompatibbli mal-pjan ta' ristrutturazzjoni li l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tkun meħtieġa tissottometti lill-Kummissjoni skont dak il-qafas.

2. Meta l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna fil-punt (a) tal-Artikolu 43(2) tiġi applikata għal żewġ jew aktar entitajiet fi gruppi, il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jitħejja mill-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni u jkopri l-istituzzjonijiet kollha fil-grupp f'konformità mal-proċedura speċifikata fl-Artikoli 7 u 8 u jiġi preżentat lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp għandha tikkomunika l-pjan lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħra kkonċernati u lill-ABE.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u jekk ikun neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi tar-riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tipproroga l-perjodu fil-paragrafu 1 sa massimu ta' xahrejn mill-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna.

Fejn ikun meħtieġ li l-pjan tar-riorganizzazzjoni tan-negozju jiġi nnotifikat fl-ambitu tal-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tipproroga l-perjodu fil-paragrafu 1 sa massimu ta' xahrejn mill-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna jew sal-iskadenza stipulata taħt il-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, skont liema jaħbat l-ewwel.

4. Pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jistabbilixxi miżuri bil-għan li jerġa' jġib l-vijabbiltà fuq perjodu fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew partijiet min-negozju tagħha fi żmien raġonevoli. Dawk il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq suppożizzjonijiet realistiċi fir-rigward tal-kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji tas-suq li fihom topera l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1).

Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jikkunsidra, fost affarijiet oħrajn, l-istat attwali tas-swieq finanzjarji kif ukoll il-prospetti futuri tagħhom, u jirrifletti s-suppożizzjonijet l-aktar ottimisti kif ukoll l-aktar pessimisti, inkluża kombinazzjoni ta' avvenimenti li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet prinċipali tal-istituzzjoni. Is-suppożizzjonijiet għandhom jitqabblu ma' punti ta' referenza xierqa u għas-settur kollu.

5. Pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu mill-inqas jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) djanjosi dettaljata tal-fatturi u l-problemi li kkawżaw lill-istituzzjoni jew lill-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tfalli jew probabbli tfalli, u ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-diffikultajiet tagħha;

(b) deskrizzjoni tal-miżuri bil-għan li terġa' tinġieb il-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li għandhom jiġu adottati;

(c) skeda għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

6. Il-miżuri bil-għan li terġa' tinġieb il-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jistgħu jinkludu:

(a) ir-riorganizzazzjoni tal-attivitajiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) bidliet fis-sistemi operattivi u fl-infrastruttura fl-istituzzjoni;

(c) l-irtirar minn attivitajiet li jagħmlu t-telf;

(d) ir-ristrutturar ta' attivitajiet eżistenti li jistgħu jsiru kompetittivi;

(e) il-bejgħ ta' assi jew linji ta' negozju.

7. Fi żmien xahar mid-data tas-sottomissjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, l-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti għandha tivvaluta l-probabbilità li l-pjan, jekk jiġi implimentat, se jerġa' jġib il-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1). Il-valutazzjoni għandha titlesta bi qbil mal-awtorità kompetenti rilevanti.

Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti jkunu sodisfatti li l-pjan jilħaq dak l-għan, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tapprova l-pjan.

8. Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx sodisfatta li l-pjan jilħaq l-għan imsemmi fil-paragrafu 7, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha, bi qbil mal-awtorità kompetenti, tinnotifika lill-korp maniġerjali jew lill-persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) dwar it-tħassib tagħha u teħtieġ l-emenda tal-pjan b'mod li jindirizza dan it-tħassib.

9. Fi żmien ġimagħtejn mid-data tar-riċezzjoni tan-notifika msemmija fil-paragrafu 8, il-korp maniġerjali jew il-persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) għandhom jissottomettu għall-approvazzjoni pjan emendat lill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tivvaluta l-pjan emendat, u għandha tinnotifika lill-korp maniġerjali jew il-persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) fi żmien ġimgħa jekk hijiex sodisfatta li l-pjan, kif emendat, jindirizza t-tħassib innotifikat jew jekk humiex meħtieġa emendi ulterjuri.

10. Il-korp maniġerjali jew il-persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) għandhom jimplimentaw il-pjan ta' riorganizzazzjoni kif miftiehem mal-awtorità ta' riżoluzzjoni u mal-awtorità kompetenti, u għandhom iressqu rapport mill-inqas kull sitt xhur għand l-awtorità ta' riżoluzzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan.

11. Il-korp maniġerjali jew il-persuna/i maħtura skont l-Artikolu 72(1) għandhom jirrevedu l-pjan jekk, fl-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni bil-qbil tal-awtorità kompetenti, dan ikun meħtieġ biex jinkiseb l-għan imsemmi fil-paragrafu 2, u għandu jissottometti kwalunkwe reviżjoni bħal din lill-awtorità ta' riżoluzzjoni għall-approvazzjoni.

12. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar:

(a) l-elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fi pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju skont il-paragrafu 5; u

(b) il-kontenut minimu tar-rapporti skont il-paragrafu 10.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

13. L-ABE għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, tippubblika linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 bil-għan li jispeċifikaw il-kriterji minimi li pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jrid jissodisfa għall-approvazzjoni min-naħa tal-awtorità ta' riżoluzzjoni skont il-paragrafu 7.

14. B'kont meħud tal-esperjenza miksuba, fejn xieraq, fl-applikazzjoni tal-linji gwida msemmija fil-paragrafu 13, l-ABE tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji bil-għan li jiġu sodisfatti ulterjorment il-kriterji minimi li pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jrid jissodisfa għall-approvazzjoni min-naħa tal-awtorità ta' riżoluzzjoni skont il-paragrafu 7.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

### Subtaqsima 4

### **Għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna: dispożizzjonijiet anċillari**

### *Artikolu 53*

### **Effett tar-rikapitalizzazzjoni interna**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn awtorità ta' riżoluzzjoni teżerċita setgħa msemmija fl-Artikolu 59(2) u fil-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 63(1), it-tnaqqis fil-kapital jew fl-ammont pendenti dovut, il-konverżjoni jew il-kanċellazzjoni jidħlu fis-seħħ u jkunu immedjatament vinkolanti fuq l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u l-kredituri u l-azzjonisti affettwati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' riżoluzzjoni jkollha s-setgħa li tlesti jew li titlob it-tlestija tal-kompiti amministrattivi u proċedurali kollha meħtieġa biex jagħtu effett lill-eżerċizzju ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 59(2) u fil-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 63(1), inkluż:

(a) l-emenda tar-reġistri rilevanti kollha;

(b) it-tneħħija mill-elenkar jew it-tneħħija mill-kummerċ ta' strumenti ta' sjieda jew strumenti ta' dejn;

(c) l-elenkar jew l-ammissjoni għall-kummerċ ta' strumenti ta' sjieda ġodda;

(d) l-elenkar mill-ġdid jew l-ammissjoni mill-ġdid ta' kwalunkwe strument ta' dejn li ġie valwat negattivament, mingħajr ir-rekwiżit għall-ħruġ ta' prospett skont id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

3. Meta awtorità ta' riżoluzzjoni tnaqqas għal żero l-ammont kapitali prinċipali ta', jew l-ammont pendenti pagabbli fir-rigward ta' obbligazzjoni permezz tas-setgħa msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 63(1), dik l-obbligazzjoni u kwalunkwe obbligu jew pretensjoni li tirriżulta f'relazzjoni magħha li mhumiex dovuti fil-mument meta tiġi eżerċitata s-setgħa għandhom jiġu ttrattati bħala mħallsa għal għanijiet kollha, u ma għandhomx ikun jistgħu jiġu ppruvati fi kwalunkwe proċedura sussegwenti fir-rigward l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe entità suċċessur fi kwalunkwe stralċ sussegwenti.

4. Meta awtorità tar-riżoluzzjoni tkun naqqset parzjalment, imma mhux għal kollox, l-ammont kapitali ta', jew l-ammont pagabbli pendenti fir-rigward ta' obbligazzjoni permezz tas-setgħa msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 63(1):

(a) l-obbligazzjoni għandha tiġi meħlusa sal-punt tal-ammont imnaqqas;

(b) l-istrument rilevanti jew il-ftehim li ħoloq l-obbligazzjoni oriġinali għandu jkompli japplika fir-rigward tal-ammont kapitali residwu, jew l-ammont pendenti pagabbli fir-rigward tal-obbligazzjoni, soġġett għal kwalunkwe modifika tal-ammont tal-interess pagabbli biex tirrifletti t-tnaqqis tal-ammont kapitali, u kwalunkwe modifika ulterjuri fit-termini li l-awtorità tar-riżoluzzjoni tista' tagħmel permezz tas-setgħa msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 63(1).

*Artikolu 54*

**Tneħħija ta' impedimenti proċedurali għar-rikapitalizzazzjoni interna**

1. Mingħajr preġudizzju għall-punt (i) tal-Artikolu 63(1), l-Istati Membri għandhom, fejn applikabbli, jeħtieġu lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet imsemmijin fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) iżommu l-ħin kollu ammont suffiċjenti ta' kapital azzjonarju awtorizzat jew strumenti oħrajn tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni, sabiex, fil-każ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni teżerċita s-setgħat imsemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 63(1) fir-rigward ta' istituzzjoni jew ta' entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tagħha, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ma tkunx prevenuta milli toħroġ biżżejjed strumenti ta' sjieda ġodda biex tiżgura li l-konverżjoni tal-obbligazzjonijiet f'ishma jew strumenti oħra ta' sjieda tista' titwettaq b'mod effikaċi.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw jekk huwiex xieraq li jiġi impost ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 fil-każ ta' istituzzjoni jew ta' entità partikolari msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) fil-kuntest tal-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni għal dik l-istituzzjoni jew dak il-grupp, wara li jikkunsidraw, b'mod partikolari, l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni kkontemplati f'dak il-pjan. Jekk il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi l-applikazzjoni possibbli tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw li l-kapital azzjonarju awtorizzat jew strumenti oħrajn tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ikunu suffiċjenti biex ikopru t-total tal-ammonti msemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 47(3)

---

[1] Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma hemm l-ebda impediment proċedurali għall-konverżjoni tal-obbligazzjonijiet fi strumenti ta' sjieda eżistenti permezz tal-istrumenti tagħhom ta' inkorporazzjoni jew statuti, inkluż drittijiet ta' prelazzjoni għall-azzjonisti jew rekwiżiti għall-kunsens tal-azzjonisti biex jiżdied il-kapital.

4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal emendi fid-Direttivi 82/891/KEE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE u 2012/30/UE stabbiliti fit-Titolu X ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 55*

**Rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) li jinkludu terminu kuntrattwali li biha il-kreditur jew il-parti fil-ftehim li joħloq l-obbligazzjoni jirrikonoxxu li tista' tiġi soġġetta għal setgħat ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u jaqblu li jkunu marbuta bi kwalunkwe tnaqqis fil-kapital jew l-ammont pendenti dovuti, il-konverżjoni jew il-kanċellazzjoni li jseħħu bl-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni,: sakemm li tali obbligazzjoni'

(a) ma tkunx eskluża taħt l-Artikolu 44(2);

(b) ma tkunx depożitu msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 108;

(c) tkun regolata mil-liġi ta' pajjiż terz; u

(d) tkun maħruġa jew magħmula wara d-data li fiha Stat Membru japplika d-dispożizzjonijiet adottati sabiex issir traspożizzjoni ta' din it-Taqsima.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Stat Membru tiddetermina li l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu suġġetti għal setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni min-naħa ta' awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Stat Membru skont il-liġi tal-pajjiż terz jew skont ftehim vinkolanti konkluż ma' tali pajjiż terz.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmijin fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) jagħtu lill-awtoritajiet opinjoni ġuridika marbuta mal-eżegwibbiltà u l-effikaċja ġuridika ta' terminu bħal dan.

2. Jekk istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tonqos milli tinkludi fid-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw obbligazzjoni rilevanti t-terminu meħtieġ skont il-paragrafu 1, dak in-nuqqas ma għandux jipprevjeni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni milli teżerċita s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni fir-rigward ta' dik l-obbligazzjoni.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji bil-għan li tiddetermina ulterjorment il-lista ta' obbligazzjonijiet li għalihom tapplika l-esklużjoni tal-paragrafu 1, u l-kontenut tat-terminu meħtieġ f' dak il-paragrafu, fid-dawl tad-diversimudelli operatorji tal-banek.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 56*

**Għodod governattivi ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju permezz ta' għodod ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 37(10) u l-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, għall-fini ta' parteċipazzjoni fir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), anki permezz ta' intervent dirett sabiex jiġi evitat l-istralċ tagħha, bil-għan li jiġu sodisfatti l-objettivi għar-riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 31(2) b'rabta mal-Istat Membru jew mal-Unjoni fit-totalità tagħha. Tali azzjoni għandha titwettaq taħt it-tmexxija tal-ministeru kompetenti jew tal-gvern f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità ta' riżoluzzjoni.

2. Sabiex jingħata effett lill-għodda governattivi ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li huma jew il-ministeri kompetenti jew tal-gvernijiet tagħhom ikollhom is-setgħat ta' riżoluzzjoni rilevanti kif speċifikati fl-Artikoli 63 sa 72, kif ukoll jiggarantixxu li l-Artikolu 66, 68, 83 u 117 japplikaw.

3. L-għodod governattivi ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja għandhom jintużaw meta jkun falla kull tentattiv ieħor wara li jkunu ġew ivvalutati u sfruttati l-għodod ta' riżoluzzjoni l-oħra sal-livell massimu prattikabbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, kif determinat mill-ministeru kompetenti jew il-gvernt wara konsultazzjoni mal-awtorità ta' riżoluzzjoni.

4. Fl-applikazzjoni tal-għodod governattivi ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ministeri kompetenti jew il-gvernijiet tagħhom u l-awtorità ta' riżoluzzjoni japplikaw l-għodod biss jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha tal-Artikolu 32(1) kif ukoll tiġi sodisfatta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ministeru kompetenti jew il-gvern u l-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni mal-bank ċentrali u mal-awtorità kompetenti, jiddeterminaw li l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni ma tkunx biżżejjed biex ikunu evitati effett negattiv sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja;

(b) il-ministeru kompetenti jew il-gvern u l-awtorità ta' riżoluzzjoni jiddeterminaw li l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni ma tkunx biżżejjed biex tħares l-interessi pubbliċi, meta l-assistenza ta' likwidità straordinarja mill-bank ċentrali tkun diġà ngħatat preċedentement lill-istituzzjoni;

(c) fir-rigward tal-għodda ta' sjieda pubblika temporanja, il-ministeru kompetenti jew il-gvern, wara li ssir konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-awtorità ta' riżoluzzjoni, jiddetermina li l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni ma tkunx biżżejjed biex tħares l-interessi pubbliċi, meta l-appoġġ ta' ekwità pubblika permezz tal-istrument ta' appoġġ pubbliku ta' ekwità jkun diġà ngħata preċedentement lill-istituzzjoni.

5. L-għodod ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja għandhom jikkonsistu fis-segwenti:

(a) l-għodda pubblika ta' appoġġ għall-ekwità kif imsemmija fl-Artikolu 57;

(b) l-għodda ta' sjieda pubblika temporanja kif imsemmija fl-Artikolu 58.

*Artikolu 57*

**Għodda pubblika ta' appoġġ għall-ekwità**

1. L-Istati Membri jistgħu, fir-rispett tad-dritt soċjetarju nazzjonali, jipparteċipaw fir-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità msemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva billi jfornu kapital lil din tal-aħħar bħala skambju għall-istrumenti li ġejjin, suġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(a) strument tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(b) strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali, jew strumenti tal-Grad 2.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, sa fejn ikun permess mill-kwota tal-azzjonarjat tagħhom f'istituzzjoni jew f'entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), li tali istituzzjonijiet jew entitajiet sottoposti għall-għodda pubblika ta' appoġġ għall-ekwità skont dan l-Artikolu jkunu ġestiti fuq bażi kummerċjali u professjonali.

3. Fejn Stat Membru jforni l-għodda pubblika ta' appoġġ għall-ekwità skont dan l-Artikolu, għandu jiżgura li s-sehem tiegħu fl-istituzzjoni jew fl-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jiġi trasferit lis-settur privat malli ċ-ċirkostanzi kummerċjali u finanzjarji jippermettu.

*Artikolu 58*

**Għodda ta' sjieda pubblika temporanja**

1. L-Istati Membri jistgħu jissottoponu istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għal sjieda pubblika temporanja.

2. Għal dak il-għan Stat Membru jista' jagħmel ordni wieħed jew aktar ta' trasferiment tal-ishma li fiha ċ-ċessjonarju jkun:

(a) rappreżentant tal-Istat Membru; jew

(b) kumpanija ta' proprjetà sħiħa ta' Stat Membru.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) sottoposti għall-għodda ta' sjieda pubblika temporanja skont dan l-Artikolu jkunu ġestiti fuq bażi kummerċjali u professjonali u jkunu trasferiti lis-settur privat malli ċ-ċirkostanzi kummerċjali u finanzjarji jippermettu.

*KAPITOLU V*

***Valwazzjoni negattivatal-istrumenti kapitali***

*Artikolu 59*

**Rekwiżit għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali**

1. Is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti tista' tiġi eżerċitata:

(a) indipendentement mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni; jew

(b) flimkien ma' azzjoni ta' riżoluzzjoni, meta jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikoli 32 u 33.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa li jivvalwaw negattivament l-istrumenti kapitali rilevanti jew jikkonvertuhom fi strumenti ta' sjieda ta' istituzzjonijiet u ta' entitajiet imsemmijin fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1).

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeżerċitaw is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni, skont l-Artikolu 60 u mingħajr dewmien, fir-rigward tal-istrumenti kapitali rilevanti maħruġa minn istituzzjoni jew minn entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) meta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin japplikaw:

(a) meta d-determinazzjoni tkun saret li l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni speċifikati fl-Artikoli 32 u 33 kienu ġew sodisfatti, qabel ma tkun ittieħdet kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni;

(b) l-awtorità xierqa tiddetermina li jekk dik is-setgħa ma tiġix eżerċitata fir-rigward tal-istrumenti kapitali rilevanti, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ma tibqax aktar vijabbli;

(c) fil-każ ta' strumenti kapitali rilevanti maħruġa minn sussidjarja u fejn dawk l-istrumenti kapitali huma rikonoxxuti sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-fondi proprji fuq bażi individwali u konsolidata, l-awtorità xierqa tal-Istat Membru tas-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtorità xierqa tal-Istat Membru tas-sussidjarja jagħmlu determinazzjoni konġunta li tieħu l-għamla ta' deċiżjoni konġunta f'konformità mal-Artikolu 92(3) u (4) li sakemm ma tiġix eżerċitata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni fir-rigward ta' dawk l-istrumenti, il-grupp ma jibqax aktar vijabbli;

(d) il-każ ta' strumenti kapitali rilevanti maħruġa fil-livell tal-impriża prinċipali u fejn dawk l-istrumenti kapitali jkunu rikonoxxuti sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi individwali fil-livell tal-impriża prinċipali jew fuq bażi konsolidata, u l-awtorità xierqa tal-Istat Membru tas-superviżur tal-konsolidazzjoni tagħmel determinazzjoni li sakemm is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ma tiġix eżerċitata fir-rigward ta' dawk l-istrumenti, il-grupp mhux ser jibqa' aktar vijabbli;

(e) l-appoġġ pubbliku finanzjarju straordinarju huwa meħtieġ mill-istituzzjoni jew mill-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ħlief fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li jidhru fil-punt (d)(iii) tal-Artikolu 32(4).

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew grupp għandu jitqies li mhux aktar vijabbli biss jekk iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew il-grupp qed ifalli jew x'aktarx ifalli;

(b) b'kont meħud taż-żmien u taċ-ċirkostanzi l-oħra rilevanti, ma hemm ebda prospett raġonevoli li xi azzjoni, inklużi miżuri alternattivi mis-settur privat jew azzjoni ta' superviżjoni (inklużi l-miżuri ta' intervent bikri), minbarra l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali, indipendentement jew flimkien ma' azzjoni ta' riżoluzzjoni, tipprevjeni l-falliment tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew tal-grupp fi żmien raġonevoli.

5. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għandha titqies li qed tfalli jew x'aktarx tfalli jekk isseħħ waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 32(4).

6. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 4, grupp għandu jitqies li qed ifalli jew x'aktarx ifalli meta l-grupp jikser jew jissussistu elementi oġġettivi li jsostnu d-determinazzjoni li l-grupp, fil-futur qrib, ser jikser ir-rekwiżiti prudenzjali konsolidati tiegħu b'mod li jiġġustifika l-azzjoni mill-awtorità kompetenti inkluż iżda mhux limitat għar-raġuni li l-grupp ikun ġarrab jew x'aktarx ser iġarrab telf li ser inaqqas il-fondi proprji tagħha kollha jew ammont sinifikattiv minnhom.

7. Strument kapitali rilevanti maħruġ minn sussidjarja ma għandux jiġi valwat negattivament sa punt ulterjuri jew jiġi konvertit skont termini agħar skont il-punt (c) tal-paragrafu 3 aktar minn kemm ġew valwati negattivament jew konvertiti strumenti kapitali tal-istess klassifikazzjoni fil-livell tal-impriża prinċipali.

8. Fejn awtorità xierqa tagħmel id-determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, hi għandha immedjatament tinnotifika l-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għall-istituzzjoni jew għall-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) inkwistjoni, jekk differenti.

9. Qabel tagħmel id-determinazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' sussidjarja li toħroġ l-istrumenti kapitali rilevanti li huma rikonoxxuti għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-fondi proprji fuq bażi individwali u fuq bażi konsolidata, l-awtorità xierqa għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ta' notifika u konsultazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 62.

10. Qabel ma jeżerċitaw is-setgħa li jiġu valwati negattivament l-istrumenti kapitali jew jiġu konvertiti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) skont l-Artikolu 36. Dik il-valwazzjoni se tkun il-bażi tal-kalkolu tal-valwazzjoni negattiva li għandu jiġi applikat lill-istrumenti kapitali rilevanti sabiex jiġi assorbit it-telf u l-livell ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat lill-istrumenti kapitali rilevanti għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1).

*Artikolu 60*

**Dispożizzjonijiet li jirregolaw il-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni tal-istrumenti kapitali**

1. Fl-osservanza tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 59, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jeżerċitaw is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont il-prijorità tal-pretensjonijiet taħt proċeduri normali ta' insolvenza, b'mod li jipproduċi r-riżultati li ġejjin:

(a) l-elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jitnaqqsu l-ewwel, fi proporzjon tat-telf u sal-estent tal-kapaċità tagħhom u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tieħu waħda mill-azzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 47(1), jew it-tnejn li huma, fir-rigward tad-detenturi ta' strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(b) l-ammont kapitali tal-istrumenti tal-Grad 1 Addizzjonali jiġi valwat negattivament jew ikkonvertit fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew it-tnejn, sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 31 jew sal-estent tal-kapaċità tal-istrumenti kapitali rilevanti, skont liema huwa inqas;

(c) l-ammont kapitali tal-istrumenti tal-Grad 2 Addizzjonali jiġi valwat negattivament jew ikkonvertit fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew it-tnejn, sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 31 jew sal-estent tal-kapaċità tal-istrumenti kapitali rilevanti, skont liema huwa inqas;

2. Meta l-ammont prinċipali ta' strument kapitali rilevanti jiġi valwat negattivament:

(a) it-tnaqqis ta' dak l-ammont kapitali għandu jkun permanenti soġġett għal kwalunkwe valwazzjoni pożittiva skont il-mekkaniżmu ta' rimborż taħt l-Artikolu 46(3);

(b) l-ebda obbligazzjoni lejn id-detentur tal-istrument kapitali rilevanti ma għandha tibqa' taħt jew marbuta mal-ammont tal-istrument li jkun ġie valwat negattivament, ħlief għal xi obbligazzjoni diġà dovuta, u kwalunkwe obbligazzjoni għal danni li jistgħu jinħolqu bħala riżultat ta' appel li jikkontesta l-legalità tal-eżerċizzju tas-setgħa tal-valwazzjoni negattiva.

(c) ebda kumpens ma jitħallas lil ebda detentur tal-istrumenti kapitali rilevanti għajr skont il-paragrafu 3.

Il-punt (b) ma għandux jimpedixxi l-forniment ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni lil detentur ta' strumenti kapitali rilevanti skont il-paragrafu 3.

3. Biex issir konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jeħtieġu lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) joħorġu strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni lid-detenturi tal-istrumenti kapitali rilevanti. L-istrumenti kapitali rilevanti jistgħu jiġu konvertiti biss meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) dawk l-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jinħarġu mill-istituzzjoni jew mill-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew minn impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew mill-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), bil-qbil tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew, fejn rilevanti, tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-impriża prinċipali;

(b) dawk l-strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni li jinħarġu qabel kwalunkwe ħruġ ta' strumenti ta' sjieda minn dik l-istituzzjoni jew minn dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għall-finijiet tal-għoti ta' fondi proprji mill-Istat jew entità governattiva;

(c) dawk l-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni li jingħataw u jiġu ttrasferiti mingħajr dewmien wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' konverżjoni;

(d) ir-rata ta' konverżjoni li tiddetermina l-għadd ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni li jiġu pprovduti fir-rigward ta' kull strument kapitali rilevanti tikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 50 u ma' kwalunkwe linja gwida żviluppata mill-ABE skont l-Artikolu 50(4).

4. Għall-finijiet tal-forniment ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, skont il-paragrafu 3, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jeħtieġu lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) biex f'kull ħin iżommu l-awtorizzazzjoni meħtieġa minn qabel biex joħorġu l-għadd rilevanti ta' strumenti fil-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

5. Fejn istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li tapplika strument ta' riżoluzzjoni lil dik l-istituzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 59(3) qabel tapplika l-għodda ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 61*

**Awtoritajiet responsabbli mid-determinazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli biex isiru d-determinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 59(3) huma dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Kull Stat Membru għandu jinnomina fil-leġiżlazzjoni nazzjonali l-awtorità xierqa li ser ikollha r-responsabbiltà li tagħmel determinazzjonijiet skont l-Artikolu 59. L-awtorità xierqa tista' tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 32.

3. Fejn l-istrumenti kapitali rilevanti huma rikonoxxuti sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali, l-awtorità responsabbli biex tagħmel id-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3) ta' din id-Direttiva għandha tkun l-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ġiet awtorizzata skont it-Titolu III tad-Direttiva 2013/36/UE.

4. Fejn strumenti kapitali rilevanti jinħarġu minn istituzzjoni jew minn entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li tkun sussidjarja u jkunu rikonoxxuti sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi individwali u fuq bażi konsolidata, l-awtorità responsabbli biex tagħmel id-determinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 59(1) għandha tkun:

(a) l-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva li ħarġet dawk l-istrumenti ġiet stabbilita skont it-Titolu III tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tkun responsabbli biex isiru d-determinazzjonijiet imsemmija fil-punti (b) tal-Artikolu 59(3) ta' din id-Direttiva;

(b) l-awtorità xierqa tal-Istat Membru tas-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtorità xierqa tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva li ħarġet dawk l-istrumenti ġiet stabbilita skont it-Titolu III tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tkun responsabbli biex tagħmel id-determinazzjoni konġunta li tieħu l-għamla ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 59(3) ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 62*

**Applikazzjoni konsolidata: proċedura għad-determinazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel jagħmlu determinazzjoni kif imsemmi fil-punt (b), (c), (d) jew (e) tal-Artikolu 59(3) fir-rigward ta' sussidjarja li toħroġ l-istrumenti kapitali rilevanti li huma rikonoxxuti sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi individwali u fuq bażi konsolidata, l-awtoritajiet xierqa jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) awtorità xierqa li tkun qed tikkunsidra jekk tagħmilx determinazzjoni msemmija fil-punt (b), (c), (d) jew (e) tal-Artikolu 59(3) tinnotifika, mingħajr dewmien, lis-superviżur tal-konsolidazzjoni u, jekk differenti, lill-awtorità xierqa fl-Istat Membru fejn jinsab is-superviżur tal-konsolidazzjoni;

(b) awtorità xierqa li tkun qed tikkunsidra jekk tagħmilx determinazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 59(3) tinnotifika, mingħajr dewmien, lill-awtorità kompetenti responsabbli għal kull istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li ħarġet l-istrumenti kapitali rilevanti li fir-rigward tagħhom trid tiġi eżerċitata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni kieku ssir dik id-determinazzjoni, u, jekk differenti, lill-awtorità xierqa fl-Istat Membru fejn jinsabu tali awtoritajiet kompetenti u s-superviżur tal-konsolidazzjoni.

2. Meta jagħmlu determinazzjoni msemmija fil-punt (c), (d) jew (e) tal-Artikolu 59(3) fil-każ ta' istituzzjoni jew grupp b'attività transkonfinali, l-awtoritajiet xierqa għandhom iqisu l-impatt potenzjali tar-riżoluzzjoni fl-Istati Membri kollha fejn l-istituzzjoni jew il-grupp joperaw.

3. Awtorità xierqa għandha takkumpanja notifika magħmula skont il-paragrafu 1 bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex qed tikkunsidra tagħmel id-determinazzjoni inkwistjoni.

4. Fejn tkun saret notifika skont il-paragrafu 1, l-awtorità xierqa, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet innotifikati, għandha tivvaluta l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) jekk hijiex disponnibbli miżura alternattiva għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni f'konformità mal-Artikolu 59(3);

(b) jekk tali miżura alternattiva hija disponibbli, jekk tistax tiġi applikata b'mod vijabbli;

(c) jekk tali miżura alternattiva tista' tiġi applikata b'mod vijabbli, jekk hemmx prospett realistiku li dan jindirizza, f'limitu ta' żmien adegwat, iċ-ċirkostanzi li altrimenti jkunu jeħtieġu li ssir determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3).

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, miżuri alternattivi tfisser miżuri ta' intervent bikri msemmija fl-Artikolu 27 ta' din id-Direttiva, miżuri msemmija fl-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jew trasferiment ta' fondi jew kapital mill-impriża prinċipali.

6. Fejn, skont il-paragrafu 4, l-awtorità xierqa, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet innotifikati, tivvaluta li miżura alternattiva waħda jew aktar huma disponibbli, jistgħu jiġu applikati b'mod vijabbli u jwasslu għall-eżitu msemmi fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu, għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri jiġu applikati.

7. Fejn, f'każ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, u skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità xierqa, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet innotifikati, tivvaluta li ma hija disponibbli l-ebda miżura alternattiva li twassal għall-eżitu msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 4, l-awtorità xierqa għandha tiddeċiedi jekk id-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3) li qed jiġi kkunsidrat hijiex xierqa.

8. Fejn awtorità xierqa tiddeċiedi li tagħmel determinazzjoni skont il-punt (c) tal-Artikolu 59(3), hija għandha immedjatament tinnotifika lill-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri li fihom jinsabu s-sussidjarji milquta u d-determinazzjoni għandha tieħu l-għamla ta' deċiżjoni konġunta kif imniżżel fl-Artikolu 92(3) u (4). Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta ma għandha ssir l-ebda determinazzjoni skont il-punt (c) tal-Artikolu 59(3).

9. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn jinsablu kull waħda mis-sussidjarji milquta għandhom fil-pront jimplimentaw deċiżjoni għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni tal-istrumenti kapitali, meħuda f'konformità ma' dan l-Artikolu, wara li jqisu kif xieraq l-urġenza taċ-ċirkostanzi.

*KAPITOLU VI*

***Setgħat ta' riżoluzzjoni***

*Artikolu 63*

**Setgħat ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħat kollha neċessarji biex japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet u għall-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) li jissodisfaw il-kondizzjonijiet applikabbli għal riżoluzzjoni. Partikolarment, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' riżoluzzjoni li ġejjin, li jistgħu jeżerċitaw individwalment jew b'mod konġunt:

(a) is-setgħa li jitolbu lil kwalunkwe persuna tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rikjesta mill-awtorità ta' riżoluzzjoni biex tiddeċiedi u tipprepara azzjoni ta' riżoluzzjoni, inklużi aġġornamenti u supplimenti ta' informazzjoni pprovduta fil-pjani ta' riżoluzzjoni u inkluż li jirrikjedu informazzjoni li tingħata permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post;

(b) is-setgħa li jieħdu kontroll ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u li jeżerċitaw id-drittijiet u s-setgħat kollha konferiti fuq l-azzjonisti, is-sidien oħrajn u l-korp maniġerjali tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(c) is-setgħa li jittrasferixxu strumenti ta' sjieda maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(d) is-setgħa li jittrasferixxu lil entità oħra, bil-kunsens ta' dik l-entità, drittijiet, assi jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(e) is-setgħa li jnaqqsu, inkluż li jnaqqsu għal żero, l-ammont kapitali ta' jew l-ammont pendenti dovut fir-rigward ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(f) is-setgħa li jikkonvertu obbligazzjonijiet eliġibbli ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fi strumenti ta' sjieda ta' dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), istituzzjoni prinċipali rilevanti jew istituzzjoni tranżitorja li fiha jiġu trasferiti assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(g) is-setgħa li jikkanċellaw strumenti ta' dejn maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ħlief għal obbligazzjonijiet iggarantiti soġġett għall-Artikolu 44(2);

(h) is-setgħa li jnaqqsu, inkluż inaqqsu sa żero, l-ammont nominali ta' strumenti ta' sjieda ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u li jikkanċellaw tali strumenti ta' sjieda;

(i) is-setgħa li jesiġu istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew istituzzjoni prinċipali rilevanti biex toħroġ strumenti ta' sjieda ġodda, jew strumenti kapitali oħra, inklużi ishma privileġġati u strumenti konvertibbli kontinġenti;

(j) is-setgħa li jemendaw jew jibdlu l-maturità ta' strumenti ta' dejn u obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew jemendaw l-ammont ta' mgħax pagabbli fl-ambitu ta' dawn l-istrumenti u obbligazzjonijiet eliġibbli oħrajn, jew id-data li fiha l-imgħax isir pagabbli, inkluż billi jissospendu l-ħlas għal perjodu temporanju, għajr għall-obbligazzjonijiet iggarantiti soġġetti għall-Artikolu 44(2);

(k) is-setgħa li jingħalqu u jitterminaw kuntratti finanzjarji jew kuntratti ta' derivati għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 49;

(l) is-setgħa li jneħħu jew jibdlu l-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(m) is-setgħa li jesiġu li l-awtorità kompetenti tivvaluta x-xerrej ta' holding kwalifikanti fil-ħin permezz ta' deroga mill-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/36/UE u fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/65/UE.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, meta japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jkunu soġġetti għall-ebda rekwiżit li ġejjin, li kieku jkunu japplikaw minħabba d-dritt nazzjonali jew kuntratti jew xort'oħra:

(a) soġġett għall-Artikolu 3(6) u l-Artikolu 85(1), ir-rekwiżiti li jiksbu approvazzjoni jew kunsens mingħand kwalunkwe persuna kemm pubblika jew privata, inklużi l-azzjonisti jew il-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(b) qabel l-eżerċizzju tas-setgħa, ir-rekwiżiti proċedurali li jinnotifikaw kwalunkwe persuna inkluż kwalunkwe rekwiżit ta' pubblikazzjoni ta' avviż jew prospett jew ta' ffajljar jew reġistrazzjoni ta' kwalunkwe dokument ma' kwalunkwe awtorità oħra.

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat skont dan l-Artikolu irrispettivament minn kwalunkwe restrizzjoni fuq, jew rekwiżit għal kunsens, trasferiment tal-istrumenti finanzjarji, drittijiet, assi jew obbligazzjonijiet inkwistjoni li li kieku jistgħu japplikaw.

Il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu huwa mingħajr ħsara għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 81 u 83 u kwalunkwe rekwiżit ta' notifika taħt il-qafas tal-Unjoni tal-għajnuna mill-Istat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn kwalunkwe waħda mis-setgħat elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma tkunx applikabbli għal entità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva b'riżultat tal-forma ġuridika speċifika tiegħu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom setgħat li huma kemm jista' jkun simili inklużi f'termini tal-effetti tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeżerċitaw is-setgħat skont il-paragrafu 3, is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva, jew is-salvagwardji li jwasslu għall-istess effett, għandhom japplikaw għall-persuni milquta, inklużi l-azzjonisti, il-kredituri u l-kontropartijiet.

*Artikolu 64*

**Setgħat anċillari**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jeżerċitaw setgħa ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa biex:

(a) soġġett għall-Artikolu 78, jipprovdu li t-trasferiment rilevanti jseħħ ħieles minn kwalunkwe obbligazzjoni jew tfixkil li jaffettwa l-istrumenti finanzjarji, id-drittijiet, l-assi jew l-obbligazzjonijiet ittrasferiti; għal dak l-iskop, kull dritt għal kumpens skont din id-Direttiva ma jitqiesx bħala obbligazzjoni jew tfixkil;

(b) ineħħu d-drittijiet għall-akkwist ta' aktar strumenti ta' sjieda;

(c) jesiġu li l-awtorità rilevanti twaqqaf jew tissospendi l-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat fl-elenkar uffiċjali ta' strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(d) jipprovdu li r-riċevitur jiġi trattat bħallikieku kien l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni għall-finijiet ta' kwalunkwe dritt jew obbligu ta', jew azzjoni meħuda minn, l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, inkluż, soġġett għall-Artikolu 38 u 40, kwalunkwe dritt jew obbligu li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni f'infrastruttura tas-suq;

(e) jeħtieġu lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew lir-riċevitur jipprovdi lill-parti l-oħra b'informazzjoni u assistenza; u

(f) jikkanċellaw jew jimmodifikaw it-termini ta' kuntratt li għalih l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni tkun parti jew jissostitwixxu riċevitur bħala parti.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jeżerċitaw is-setgħat speċifikati fil-paragrafu 1 fejn huwa meqjus mill-awtorità ta' riżoluzzjoni li jkun xieraq li tgħin biex jiġi żgurat li azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun effettiva jew biex jintlaħaq wieħed jew aktar mill-għanijiet ta' riżoluzzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jeżerċitaw setgħa ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jipprovdu għal arranġamenti ta' kontinwazzjoni biex jiżguraw li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun effettiva u, fejn rilevanti, in-negozju ttrasferit jista' jkun operat mir-riċevitur. Arranġamenti ta' kontinwazzjoni bħal dawn għandhom jinkludu, partikolarment:

(a) il-kontinwazzjoni ta' kuntratti konklużi mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, sabiex ir-riċevitur jassumi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni relatati ma' kwalunkwe strument finanzjarju, dritt, assi jew obbligazzjoni li ġew ittrasferiti u hija sostitwita għall-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, kemm jekk espressament jew impliċitament, fid-dokumenti kuntrattwali rilevanti kollha;

(b) is-sostituzzjoni tar-riċevitur mal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja li jirrelataw ma' kwalunkwe strument finanzjarju, dritt, assi jew obbligazzjoni li ġew ittrasferiti.

4. Is-setgħat fil-punt (d) tal-paragrafu 1 u l-punt (b) tal-paragrafu 3 ma għandhomx jaffettwaw dan li ġej:

(a) id-dritt ta' impjegat tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li jittermina kuntratt ta' impjieg;

(b) soġġett għall-Artikoli 69, 70 u 71, kwalunkwe dritt ta' parti ta' kuntratt li teżerċita drittijiet skont il-kuntratt, inkluż id-dritt li ttemm, fejn intitolata tagħmel hekk skont it-termini tal-kuntratt minħabba att jew ommissjoni mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni qabel it-trasferiment rilevanti, jew mir-riċevitur wara t-trasferiment rilevanti.

*Artikolu 65*

**Setgħa li jkun meħtieġ il-forniment ta' servizzi u faċilitajiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jesiġu istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew kwalunkwe waħda mill-entitajiet fil-grupp tagħha, inkluż fejn tkun soġġetta għal proċeduri normali ta' insolvenza, u kwalunkwe entità li hija parti mill-istess grupp bħall-istituzzjoni, biex tipprovdi kwalunkwe servizz jew faċilità li huma neċessarji biex jippermettu lil riċevitur jopera b'mod effettiv in-negozju ttrasferit lilu.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika anki meta l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew l-entità fi grupp rilevanti tkun daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza.

([1]) Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 dwar l-ammissjoni ta' titoli għal elenkar uffiċjali u fuq informazzjoni li għandha tkun ippubblikata fuq dawk it-titoli (ĠU L 184, 6.7.2001, p. 1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tagħhom ikollhom setgħat jinfurzaw l-obbligi imposti, skont il-paragrafu 1, minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fi Stati Membri oħra fuq entitajiet fi grupp stabbiliti fit-territorju tagħhom.

3. Is-servizzi u l-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma ristretti għal servizzi operazzjonali u faċilitajiet u ma jinkludu l-ebda forma ta' għajnuna finanzjarja.

4. Is-servizzi u l-faċilitajiet ipprovduti skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu skont it-termini li ġejjin:

(a) fejn is-servizzi u l-faċilitajiet kienu pprovduti fl-ambitu ta' ftehim lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni immedjatament qabel ittieħdet l-azzjoni ta' riżoluzzjoni u għad-durata tal-ftehim, fuq l-istess termini;

(b) fejn ma jeżisti l-ebda ftehim jew fejn il-ftehim ikun skada, f'termini raġonevoli.

5. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tippubblika linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tiġi speċifikata l-lista minima ta' servizzi jew faċilitajiet li huma meħtieġa biex riċevitur ikun jista' effettivament jopera negozju trasferit lilu.

*Artikolu 66*

**Setgħa li jiġu infurzati miżuri ta' ġestjoni ta' kriżijiet jew miżuri ta' prevenzjoni ta' kriżijiet minn Stati Membri oħrajn**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn trasferiment ta' strumenti ta' sjieda, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet jinkludi attivi li jinsabu fi Stat Membru differenti mill-Istat tal-awtorità ta' riżoluzzjoni jew drittijiet jew obbligazzjonijiet skont id-dritt ta' Stat Membru differenti mill-Istat tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, it-trasferiment għandu effett fi jew skont id-dritt ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni li tkun għamlet jew biħsiebha tagħmel it-trasferiment bl-assistenza raġonevoli kollha biex jiżguraw li l-istrumenti ta' sjieda jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet jiġu ttrasferit lir-riċevitur skont kwalunkwe rekwiżit applikabbli tad-dritt nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li azzjonisti, kredituri u partijiet terzi li huma affettwati bit-trasferiment ta' ishma, strumenti oħra ta' sjieda, assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx dritt jimpedixxu, jikkontestaw, jew jannullaw it-trasferiment taħt kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-assi jew tad-dritt li tirregola l-istrumenti ta' sjieda, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet.

4. Fejn awtorità ta' riżoluzzjoni ta' Stat Membru (Stat Membru A) teżerċita s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni, inkluż fir-rigward ta' strumenti kapitali skont l-Artikolu 59, u l-obbligazzjonijiet eliġibbli jew l-istrumenti kapitali rilevanti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jinkludu dawn li ġejjin:

(a) strumenti jew obbligazzjonijiet li huma rregolati mil-liġi ta' Stat Membru differenti mill-Istat tal-awtorità tar-riżoluzzjoni li eżerċitat is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni (Stat Membru B);

(b) obbligazzjonijiet dovuti lil kredituri li jinsabu fl-Istat Membru B.

L-Istat Membru B għandu jiżgura li l-ammont kapitali ta' dawk l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti jitnaqqas, jew li l-obbligazzjonijiet jew l-istrumenti jiġu kkonvertiti, skont l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Istat Membru A,

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kredituri li huma affettwati mill-eżerċizzju tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma jkunux intitolati jikkontestaw it-tnaqqis tal-ammont kapitali tal-istrument jew l-obbligazzjonijiet jew il-konverżjoni tiegħu, kif jista' jkun il-każ, taħt kwalunkwe dispożizzjoni ġuridika tal-Istat Membru B.

6. Kull Stat Membru għandu jiżgura li dawn li ġejjin jiġu determinati skont id-dritt tal-Istat Membru tal-awtorità ta' riżoluzzjoni:

(a) id-dritt tal-azzjonisti, il-kredituri u l-partijiet terzi li jikkontestaw permezz ta' appell skont l-Artikolu 85, trasferiment ta' strumenti ta' sjieda, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) id-dritt tal-kredituri li jikkontestaw permezz ta' appell skont l-Artikolu 85, it-tnaqqis tal-ammont kapitali, jew il-konverżjoni, ta' strument jew obbligazzjoni kopert(a) mill-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(c) is-salvagwardji għal trasferimenti parzjali, kif imsemmi fil-Kapitolu VII, fir-rigward ta' assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 67*

**Setgħa fir-rigward ta' assi, drittijiet, obbligazzjonijiet, u strumenti ta' sjieda li jinsabu f'pajjiżi terzi**

1. L-Istati Membri għandhom jiddisponi li, f'każijiet fejn azzjoni ta' riżoluzzjoni tinvolvi azzjoni li tittieħed fir-rigward ta' assi li jinsabu f'pajjiż terz jew strumenti ta' sjieda, drittijiet jew obbligazzjonijiet regolati mil-liġi ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jesiġu li:

(a) l-amministratur, ir-riċevitur jew persuna oħra li teżerċita l-kontroll tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u r-riċevitur jintalbu jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li t-trasferiment, il-valwazzjoni negattiva, il-konverżjoni jew l-azzjoni jsiru effettivi;

(b) l-amministratur, ir-riċevitur jew persuna oħra li teżerċita l-kontroll tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jintalbu jżommu l-istrumenti ta' sjieda, l-assi jew id-drittijiet jew jirrilaxxaw l-obbligazzjonijiet f'isem ir-riċevitur sakemm it-trasferiment, il-valwazzjoni negattiva, il-konverżjoni jew l-azzjoni jsiru effettivi;

(c) l-ispejjeż raġonevoli tar-riċevitur korrettament imġarrbin fit-twettiq ta' kwalunkwe azzjoni meħtieġa skont il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu jitħallsu fi kwalunkwe wieħed mill-modi msemmija fl-Artikolu 37(7).

2. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta li, minkejja l-passi meħtieġa meħuda mill-amministratur, mir-riċevitur jew mill-persuni skont il-paragrafu 1(a), huwa improbabbli ħafna li t-trasferiment, il-konverżjoni jew l-azzjoni jkunu effettivi fir-rigward ta' ċerti assi li jinsabu f'pajjiż terz jew ta' ċerti strumenti ta' sjieda, drittijiet jew obbligazzjonijiet taħt il-liġi ta' pajjiż terz, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma għandhiex tipproċedi bit-trasferiment, għall-valwazzjoni negattiva, għall-konverżjoni jew għall-azzjoni. Jekk tkun diġà ordnat it-trasferiment, il-valwazzjoni negattiva, il-konverżjoni jew l-azzjoni, tali ordni għandu jkun null fir-rigward tal-istrumenti ta' sjieda, jew l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet ikkonċernati.

*Artikolu 68*

**Esklużjoni ta' ċerti termini kuntrattwali f'intervent bikri u riżoluzzjoni**

1. Miżura għall-prevenzjoni ta' kriżi jew miżura għall-ġestjoni ta' kriżi waħidha, meħuda fir-rigward ta' entità f'konformità ma' din id-Direttiva, inkluża l-okkorrenza ta' xi avveniment marbut direttament mal-applikazzjoni ta' tali miżura, ma għandhiex, fl-ambitu ta' kuntratt li tkun daħlet fih l-entità, titqies bħala avveniment ta' infurzar fis-sens tad-Direttiva 2002/47/jew bħala proċeduri ta' insolvenza fis-sens tad-Direttiva 98/26/KE sakemm l-obbligi sostantivi fl-ambitu tal-kuntratt, inkluż l-obbligi ta' ħlas u ta' konsenja u l-forniment ta' kollateral jibqgħu jiġu osservati.

Barra minn hekk, tali miżura għall-prevenzjoni ta' kriżi jew din il-miżura għall-ġestjoni ta' kriżi ma għandhiex, waħdiha, titqies bħala avveniment ta' infurzar jew proċeduri ta' insolvenza fl-ambitu ta' kuntratt li daħlet fih:

(a) sussidjarja, li l-obbligi tagħha huma garantiti jew altrimenti sostnuti mill-impriża prinċipali jew minn kwalunkwe entità fi grupp; jew

(b) kwalunkwe entitài ta' grupp bħall-istituzzjoni li tinkludi dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza.

2. Meta l-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz huma rikonoxxuti skont l-Artikolu 94, jew altrimenti meta awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi hekk, tali proċeduri għandhom jikkostitwixxu, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, miżura għall-prevenzjoni ta' kriżi.

3. Bil-kundizzjoni li l-obbligi sostanzjali fl-ambitu ta' dan il-kuntratt, inklużi l-obbligi ta' ħlas u ta' konsenja, u l-forniment ta' kollateral jibqgħu jiġu sodisfatti, miżura ta' prevenzjoni ta' kriżi jew miżura ta' ġestjoni ta' kriżi waħidha, inkluż l-okkorrenza ta' kwalunkwe avveniment direttament marbut mal-applikazzjoni ta' tali miżura, għandha fiha nnifisha ma tippermetti lil ħadd:

(a) jeżerċita ebda dritt ta' terminazzjoni, sospensjoni, modifika, netting jew tpaċija, inkluż fir-rigward ta' kuntratt li jsir minn

(i) sussidjarja, li l-obbligi taħthom ikunu ggarantiti jew altrimenti sostnuti minn entità ta' grupp;

(ii) kwalunkwe entità ta' grupp li tinkludi dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza;

(b) jieħu pussess, jeżerċita kontroll jew jinforza xi garanzija fuq kwalunkwe proprjetà tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ikkonċernata jew kwalunkwe entita' ta' grupp fir-rigward ta' kuntratt li jinkludi dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjanza;

(c) jolqot kwalunkwe dritt kuntrattwali tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ikkonċernata jew kwalunkwe entita' ta' grupp fir-rigward ta' kuntratt li jinkludi dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjanza.

4. Dan l-Artikolu ma għandux jolqot id-dritt ta' persuna li tieħu azzjoni msemmija fil-paragrafu 2 meta dak id-dritt jirriżilta bis-saħħa ta' avveniment li mhuwiex miżura għall-prevenzjoni ta' kriżi, miżura għall-ġestjoni ta' kriżi, jew l-okkorrenza ta' xi avveniment marbut direttament mal-applikazzjoni ta' tali miżura.

5. Sospensjoni jew restrizzjoni skont l-Artikolu 69, 70 jew 71 ma għandhiex tikkostittwixxi ksur ta' obbligu kuntrattwali għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

6. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan l-Artikolu għandhom jitqiesu bħala dispożizzjonijiet obbligatorji li jieħdu preċedenza fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

*Artikolu 69*

**Setgħa ta' sospensjoni ta' ċerti obbligi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jissospendu kwalunkwe obbligu ta' ħlas jew konsenja skont kwalunkwe kuntratt li istituzzjoni taħt riżoluzzjoni tkun parti fih mill-pubblikazzjoni tal-avviż tas-sospensjoni skont l-Artikolu 83(4) sa nofsillejl fl-Istat Membru fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni taht riżoluzzjoni sa tmiem il-ġurnata ta' negozju wara dik il-pubblikazzjoni.

([1]) Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

2. Meta obbligu ta' ħlas jew konsenja kien ikun dovut matul il-perjodu tas-sospensjoni l-obbligu ta' ħlas jew konsenja għandu jkun dovut immedjatament mal-iskadenza tal-perjodu ta' sospensjoni.

3. Jekk l-obbligi ta' ħlas jew konsenja fl-ambitu ta' kuntratt ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jkunu sospiżi skont il-paragrafu 1, l-obbligi ta' ħlas jew konsenja tal-kontropartijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fl-ambitu ta' dak il-kuntratt għandhom jiġu sospiżi għall-istess perjodu ta' żmien.

4. Kwalunkwe sospensjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

(a) depożiti eliġibbli;

(b) obbligi ta' ħlas u ta' konsenja dovuti lis-sistemi jew lill-operaturi ta' sistemi maħsuba għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, kontropartijiet ċentrali u banek ċentrali;

(c) depożiti eliġibbli għall-finijiet tad-Direttiva 97/9/KE.

5. Fl-eżerċizzju ta' setgħa fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu l-impatt li l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa jista' jkollu fuq il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji.

*Artikolu 70*

**Setgħa li jiġu ristretti l-interessi ta' titoli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa jirrestringu lill-kredituri ipotekarji ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni milli jinfurzaw interessi ta' garanzija fir-rigward ta' kwalunkwe attivta' dik l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni mill-pubblikazzjoni ta' avviż tar-restrizzjoni skont l-Artikolu 83(4) sa nofsillejl fl-Istat Membru tal-awtorità ta riżoluzzjoni fejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fi tmiem il-ġurnata tan-negozju wara dik il-pubblikazzjoni.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma għandhomx jeżerċitaw is-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe interess ta' garanzija ta' sistemi jew operaturi ta' sistemi nnominati għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, kontropartijiet ċentrali, u banek ċentrali fuq attivi mirhuna jew ipprovduti permezz ta' marġini jew kollateral mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

3. Fejn japplika l-Artikolu 80, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li kwalunkwe restrizzjoni imposta skont is-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tkun konsistenti għall-entitajiet kollha fi grupp li fir-rigward tagħhom tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni.

4. Fl-eżerċizzju ta' setgħa fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu l-impatt li l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa jista' jkollu fuq il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji.

*Artikolu 71*

**Setgħa li jiġu sospiżi temporanjament id-drittijiet għat-terminazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa li jissospendu d-drittijiet ta' terminazzjoni ta' kwalunkwe parti f'kuntratt ma' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni mill-pubblikazzjoni tal-avviż skont l-Artikolu 83(4) sa nofsillejl fl-Istat Membru tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fi tmiem il-ġurnata ta' negozju wara dik il-pubbikazzjoni, sakemm l-obbligi ta' ħlas u twassil u l-provvista ta' kollateral jibqgħu jsiru.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa li jissospendu d-drittijiet ta' terminazzjoni ta' kwalunkwe parti għal kuntratt ma' sussidjarja ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni fejn:

(a) l-obbligi fl-ambitu ta' dak il-kuntratt ikunu ggarantiti jew ikunu b'xi mod ieħor appoġġati mill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(b) id-drittijiet ta' terminazzjoni fl-ambitu ta' dak il-kuntratt huma bbażati unikament fuq l-insolvenza jew il-kondizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni; u

(c) f'każ ta' setgħa ta' trasferiment li tkun ġiet jew tista' tkun ġiet eżerċitata fir-rigward tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew:

(i) l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tas-sussidjarja marbuta ma' dak il-kuntratt ġew jew jistgħu jkunu ġew trasferiti lir-riċevitur u assunti minnu; jew

(ii) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tagħti fi kwalunkwe mod ieħor protezzjoni adegwata għal tali obbligi.

Is-sospensjoni għandu jkollha effett mill-pubblikazzjoni tal-avviż skont l-Artikolu 83(4) sa nofsillejl fl-Istat Membru fejn is-sussidjarja tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni tkun stabbilita tal-ġurnata tan-negozju wara dik il-pubblikazzjoni.

3. Kwalunkwe sospensjoni skont il-paragrafu 1 jew 2 ma għandhiex tapplika għal sistemi jew operaturi ta' sistemi nominati għall-finijiet tad-Direttiva 98/26/KE, għall-kontropartijiet ċentrali jew għall-banek ċentrali.

4. Persuna tista' teżerċita dritt ta' terminazzjoni fl-ambitu ta' kuntratt qabel tmiem il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 jew 2 jekk dik il-persuna tirċievi l-avviż mingħand l-awtorità ta' riżoluzzjoni li d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet koperti mill-kuntratt ma għandhomx jiġu:

(a) ittrasferiti lil entità oħra; jew

(b) soġġetti għal valwazzjoni negattiva jew għal konverżjoni mal-applikazzjoni tal-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna skont il-punt (a) tal-Artikolu 43(2).

5. Fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni teżerċita s-setgħa speċifikata fil-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu li tissospendi d-drittijiet ta' terminazzjoni, u fejn ma jkun ingħata ebda avviż skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, dawk id-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati mal-iskadenza tal-perjodu tas-sospensjoni, soġġett għall-Artikolu 68, kif ġej:

(a) jekk id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet koperti mill-kuntratt ikunu ġew ittrasferiti lil entità oħra, kontroparti tista' terżerċita d-drittijiet ta' terminazzjoni skont it-termini ta' dak il-kuntratt biss fuq l-okkorrenza ta' kwalunkwe avveniment kontinwat jew sussegwenti ta' infurzar mir-riċevitur;

(b) jekk id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet koperti mill-kuntratt jibqgħu għand l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, u l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tkunx applikat l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 43(2)(a) għal dak il-kuntratt, kontroparti tista' teżerċita d-drittijiet ta' terminazzjoni skont it-termini ta' dak il-kuntratt mal-iskadenza ta' sospensjoni skont il-paragrafu 1.

6. Fl-eżerċizzju ta' setgħa skont dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom iqisu l-impatt li l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa jista' jkollu fuq il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji.

7. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jesiġu istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) iżżomm dokumentazzjoni dettaljata ta' kuntratti.

Fuq talba ta' awtorità kompetenti jew awtorità ta' riżoluzzjoni, repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jpoġġi l-informazzjoni neċessarja għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni sabiex dawk ikunu jistgħu jadqu r-responsabbiltajiet u l-mandati rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi li ġejjin għall-finijiet tal-paragrafu 7:

(a) ġabra minima ta' informazzjoni dwar kuntratti finanzjarji li għandha tkun fid-dokumentazzjoni dettaljata; u

(b) iċ-ċirkostanzi li fihom ir-rekwiżit għandu jkun impost.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 72*

**Eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll fuq l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, sabiex:

(a) joperaw u jmexxu l-attivitajiet u s-servizzi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni bis-setgħat kollha tal-azzjonisti tagħha, u l-korp maniġerjali; u

(b) jimmaniġġjaw u jiddisponu mill-assi u mill-proprjetà tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

Il-kontroll previst fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi eżerċitat direttament mill-awtorità ta' riżoluzzjoni jew indirettament minn persuna jew persuni maħtura mill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet ta' vot ikkonferiti mill-istrumenti ta' sjieda tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ma jistgħux jiġu eżerċitati waqt il-perjodu ta' riżoluzzjoni.

2. Soġġett għall-Artikolu 85(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu kapaċi jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni permezz ta' ordni eżekuttiva skont il-kompetenzi u l-proċeduri amministrattivi nazzjonali, mingħajr ma jeżerċitaw kontroll fuq l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

3. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiddeċiedu f'kull każ partikolari jekk huwiex xieraq li jwettqu azzjoni ta' riżoluzzjoni permezz tal-mezzi speċifikati fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, wara li jikkunsidraw l-għanijiet ta' riżoluzzjoni u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni, iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni inkwistjoni u l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni effettiva ta' gruppi transkonfinali.

4. Ma għandux jitqies li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni huma viċi diretturi jew diretturi de facto skont id-dritt nazzjonali.

*KAPITOLU VII*

***Salvagwardji***

*Artikolu 73*

**Trattament tal-azzjonisti u l-kredituri f'każ ta' trasferimenti parzjali u l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi applikata għodda waħda jew aktar ta' riżoluzzjoni u, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 75:

(a) ħlief meta japplika l-punt (b), fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jittrasferixxu biss partijiet mid-drittijiet, l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-azzjonisti u dawk il-kredituri li l-pretensjonijiet tagħhom ma jkunux ġew ittrasferiti, jirċievu b'risarċiment għall-pretensjonijiet tagħhom mill-inqas kemm kieku kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza jew meta d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82 ittieħdet;

(b) fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, l-azzjonisti u l-kredituri li l-pretensjonijiet tagħhom ikunu ġew valwati negattivament jew ikkonvertiti f'ekwità ma jġarrbux telf akbar milli kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza immedjatament jew meta d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82 ittieħdet.

*Artikolu 74*

**Valwazzjoni tad-differenza fit-trattament**

1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk l-azzjonisiti u l-kredituri jkunux ħadu trattament aħjar kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni kienet daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza, inkluż iżda mhux limitat għall-finijiet tal-Artikolu 73, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valwazzjoni minn persuna indipendenti mill-aktar fis possibbli wara li titwettaq azzjoni jew azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Dik il-valwazzjoni għandha tkun distinta mill-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 36.

2. Il-valwazzjoni fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina:

(a) it-trattament li l-azzjonisti u l-kredituri, jew l-iskemi rilvanti ta' garanzija ta' depożiti, kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jkunu seħħu, daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82;

(b) it-trattament effettiv li l-azzjonisti u l-kredituri rċevew, fir-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni; u;

(c) jekk hemmx xi differenza fit-trattament imsemmi fil-punt (a) u t-trattament imsemmi fil-punt (b).

3. Il-valutazzjoni għandha:

(a) tassumi li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jkunu seħħu, daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82;

(b) tassumi li l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni ma kinux seħħu;

(c) tinjora kwalunkwe dispożizzjoni ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni.

4. L-ABE tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodoloġija għat-twettiq tal-valwazzjoni f'dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-metodoloġija għall-valutazzjoni tat-trattament li l-azzjonisti u l-kredituri kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni daħlet fi proċeduri ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 75*

**Salvagwardja tal-azzjonisti u l-kredituri**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk il-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 74 tiddetermina li kwalunkwe azzjonista jew kreditur imsemmi fl-Artikolu 73, jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 109(1), ikun ġarrab telf akbar milli kieku kien iġarrab fi stralċ taħt proċeduri normali ta' insolvenza, huwa jkollu d-dritt għal pagament tad-differenza mill-arranġamenti tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 76*

**Salvagwardja għall-kontropartijiet fi trasferimenti parzjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protezzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 2 japplikaw fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) awtorità ta' riżoluzzjoni tittrasferixxi xi assi, dritt jew obbligazzjoniet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, iżda mhux kollha, lil entità oħra jew, fl-eżerċizzju ta' għodda ta' riżoluzzjoni, minn istituzzjoni tranżitorja jew vettura tal-immaniġġjar tal-assi lil persuna oħra;

(b) l-awtorità tar-riżoluzzjoni teżerċita s-setgħat speċifikati fil-punt (f) tal-Artikolu 64(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni xierqa tal-arranġamenti li ġejjin u tal-kontropartijiet għall-arranġamenti li ġejjin:

(a) arranġamenti tat-titoli, taħt liema persuna jkollha bħala titolu interess effettiv jew kontinġenti f'assi jew drittijiet li huma soġġetti għal trasferiment, irrispettivament minn jekk dak l-interess huwiex iggarantit b'assi jew drittijiet speċifiċi jew permezz ta' imposta flessibbli jew arranġament simili;

(b) arranġamenti ta' kollateral finanzjarju għat-trasferiment ta' titoli li taħthom kollateral li jiggarantixxi jew ikopri t-twettiq ta' obbligi speċifikati jiġi pprovdut bi trasferiment ta' sjieda sħiħa ta' attiv minn min jipprovdi l-kollateral lir-riċevitur tal-kollateral, fuq termini li jipprevedu li r-riċevitur tal-kollateral jittrasferixxi attivi jekk dawk l-obbligi speċifikati jitwettqu;

(c) arranġamenti ta' tpaċija li taħthom żewġ pretensjonijiet jew obbligi jew aktar dovuti bejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u kontroparti jistgħu jiġu paċuti kontra xulxin;

(d) arranġamenti ta' netting;

(e) bonds koperti;

(f) arranġamenti finanzjarji strutturati, inkluż titolizzazzjonijiet u strumenti użati għall-finijiet ta' ħeġġjar li jiffurmaw parti integrali tal-pula tal-kopertura u li skont id-dritt nazzjonali huma ggarantiti b'mod simili għal bonds koperti, li jinvolvu l-għoti u ż-żamma ta' titoli minn parti fl-arranġament jew fiduċjarju, aġent jew persuna nominata.

Il-forma ta' protezzjoni li hija xierqa, għall-klassijiet tal-arranġamenti speċifikati fil-punti (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu hija speċifikata aktar fl-Artikoli 77 sa 80, u għandha tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet speċifikati fl-Artikoli 68 sa 71.

3. Ir-rekwiżit taħt il-paragrafu 2 japplika irrispettivament mill-għadd ta' partijiet involuti fl-arranġamenti u minn jekk l-arranġamenti:

(a) humiex maħluqa b'kuntratt, fiduċjarji jew mezzi oħra, jew jirriżultaw awtomatikament bl-operat tad-dritt;

(b) jinħolqux taħt jew humiex regolati bi sħiħ jew parzjalment mid-dritt ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 115, tispeċifika aktar il-klassijiet tal-arraġament li jaqgħu fl-ambitu tal-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 77*

**Protezzjoni għal kollateral finanzjarju, tpaċija u arranġamenti ta' netting**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm protezzjoni xierqa għal arranġamenti tal-kollateral finanzjarju tat-trasferiment ta' titoli u għal arranġamenti ta' tpaċija u netting sabiex jimpedixxu t-trasferiment ta' xi wħud, iżda mhux kollha, mid-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li huma protetti taħt arranġament tal-kollateral finanzjarju tat-trasferiment ta' titoli, arranġament ta' tpaċija jew netting bejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u persuna oħra u l-modifika jew it-terminazzjoni ta' drittijiet u obbligazzjonijiet li huma protetti taħt tali arranġament tal-kollateral finanzjarju tat-trasferiment ta' titoli, arranġamenti ta' tpaċija jew netting, permezz tal-użu ta' setgħat anċillari.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala protetti taħt tali arranġament jekk il-partijiet fl-arranġament ikollhom id-dritt ipaċu jew jinnettjaw dawk id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn meħtieġ, sabiex jiżgura d-disponibbiltà tad-depożiti koperti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista':

(a) tittrasferixxi d-depożiti koperti li huma parti minn kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma tittrasferixxi assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet li huma parti mill-istess arranġament; u

(b) tittrasferixxi, timmodifika jew ittermina dak l-assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet mingħajr ma tittrasferixxi d-depożiti koperti.

*Artikolu 78*

**Protezzjoni għal arranġamenti tat-titoli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm protezzjoni xierqa għal obbligazzjonijiet iggarantiti b'arranġament tat-titoli sabiex jimpedixxu waħda minn dan li ġej:

(a) it-trasferiment ta' attivi li jiggarantixxi l-obbligazzjoni sakemm dak il-obbligazzjoni u l-benefiċċju tal-garanzija ma jiġux ittrasferiti wkoll;

(b) it-trasferiment ta' obbligazzjoni garantita sakemm il-benefiċċju tat-titolu ma jiġix ittrasferit ukoll;

(c) it-trasferiment tal-benefiċċju tat-titolu sakemm l-obbligazzjonijiet garantiti ma jiġix ittrasferit ukoll;

(d) il-modifika jew it-terminazzjoni ta' arranġament tat-titoli permezz tal-użu ta' setgħat anċillari, jekk l-effett ta' dik il-modifika jew it-terminazzjoni jkun li l-obbligazzjoni ma tibqax garantita.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn meħtieġ, sabiex jiżgura d-disponibbiltà tad-depożiti koperti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista':

(a) tittrasferixxi d-depożiti koperti li huma parti minn kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma tittrasferixxi assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet li huma parti mill-istess arranġament; u

(b) tittrasferixxi, timmodifika jew ittermina dak l-assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet mingħajr ma tittrasferixxi d-depożiti koperti;

*Artikolu 79*

**Protezzjoni għal arranġamenti finanzjarji strutturati u bonds koperti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm protezzjoni xierqa għal arranġamenti finanzjarji strutturati, inklużi l-arranġamenti msemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 76(2) sabiex jimpedixxu kwalunkwe minn dan li ġej:

(a) it-trasferiment ta' xi wħud, iżda mhux kollha, mill-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu jew jiffurmaw parti minn arranġament finanzjarju strutturat, inklużi l-arranġamenti msemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 76(2), li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni hija parti fih;

(b) it-terminazzjoni jew il-modifika permezz tal-użu ta' setgħat anċillari tal-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu jew jiffurmaw parti minn arranġament finanzjarju strutturat, inklużi l-arranġamenti msemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 76(2), li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni hija parti fih.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn meħtieġ sabiex tiżgura d-disponibbiltà tad-depożiti koperti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista':

(a) tittrasferixxi d-depożiti koperti li huma parti minn kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma tittrasferixxi assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet li huma parti mill-istess arranġament, u

(b) tittrasferixxi, timmodifika jew ittermina dak l-assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet mingħajr ma tittrasferixxi d-depożiti koperti

*Artikolu 80*

**Trasferimenti parzjali: protezzjoni ta' sistemi ta' negozjar, tal-kklirjar u tas-saldu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' għodda tar-riżoluzzjoni ma taffettwax l-operat tas-sistemi u r-regoli tas-sistemi koperti bid-Direttiva 98/26/KE, meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni:

(a) tittrasferixxi xi assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, iżda mhux kollha, lil entità oħra; jew

(b) tuża setgħat skont l-Artikolu 64 li tikkanċella jew temenda t-termini ta' kuntratt li għalih l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni hija parti jew tissostitwixxi riċevitur bħala parti.

2. Partikolarment, trasferiment, kanċellazzjoni jew emenda kif imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jirrevokaw ordni ta' trasferiment bi ksur tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/26/KE, u ma għandhomx jimmodifikaw jew jinnegaw l-infurzabbiltà ta' ordnijiet ta' trasferiment u netting kif meħtieġ mill-Artikoli 3 u 5 ta' dik id-Direttiva, l-użu ta' fondi, titoli jew il-faċilitajiet ta' kreditu kif meħtieġ mill-Artikolu 4 tagħha jew il-protezzjoni ta' titoli kollaterali kif meħtieġ mill-Artikolu 9 tagħha.

*KAPITOLU VIII*

***Obbligi proċedurali***

*Artikolu 81*

**Rekwiżiti ta' notifika**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-korp maniġerjali ta' istituzzjoni jew ta' kwalunkwe entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jinnotifika lill-awtorità kompetenti meta jikkunsidra li l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) qed tfalli jew probabbli li tfalli skont it-tifsira speċifikata fl-Artikolu 32(4).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti bi kwalunkwe notifika li jirċievu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u bi kwalunkwe miżura ta' prevenzjoni tar-riskju, jew bi kwalunkwe azzjoni msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE li jeħtieġu lil istituzzjoni jew lil entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva tieħu.

3. Fejn awtorità kompetenti jew awtorità ta' riżoluzzjoni tiddetermina li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 32(1) huma sodisfatti fir-rigward ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), għandha tikkomunika dik id-determinazzjoni mingħajr dewmien lil dawn l-awtoritajiet li ġejjin, jekk differenti:

(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni għal dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) l-awtorità kompetenti għal dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(c) l-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe fergħa ta' dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(d) l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' kwalunkwe fergħa ta' dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(e) il-bank ċentrali;

(f) l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha istituzzjoni ta' kreditu hija affiljata fejn meħtieġ biex tippermetti li l-funzjonijiet tal-iskema ta' garanzija jitwettqu;

(g) il-korp inkarigat mill-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni fejn meħtieġ biex jippermetti li l-funzjonijiet tal-arranġamenti tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni jitwettqu;

(h) fejn applikabbli, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp;

(i) il-ministeru kompetenti;

(j) fejn l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva tkun soġġetta għal superviżjoni fuq bażi konsolidata skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur tal-konsolidazzjoni; u

(k) il-BERS u l-awtorità makroprudenzjali nazzjonali nominata.

4. Meta t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3(f) u 3(g) ma tiggarantixxix il-livell adegwat ta' kunfidenzjalità, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri alternattivi ta' komunikazzjoni li jilħqu l-istess objettivi filwaqt li jiżguraw il-livell adegwat ta' kunfidenzjalità.

*Artikolu 82*

**Deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni**

1. Malli tirċievi komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 81, jew fuq inizjattiva tagħha stess, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tiddetermina, skont l-Artikolu 32(1) u l-Artikolu 33, jekk il-kondizzjonijiet ta' tali paragrafu humiex sodisfatti fir-rigward tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) inkwistjoni.

2. Deċiżjoni li l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni humies sodisfatti jew le fir-rigward ta' istituzzjoni jew ta' entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġunijiet għal tali deċiżjoni, inklużi d-determinazzjoni li l-istituzzjoni tissodisfa jew le l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni;

(b) l-azzjoni li l-awtorità ta' riżoluzzjoni biħsiebha tieħu inklużi, jekk ikun il-każ, id-determinazzjoni ta' applikazzjoni għal stralċ, il-ħatra ta' amministratur jew kwalunkwe miżura oħra skont proċeduri normali ta' insolvenza applikabbli jew, soġġett għall-Artikolu 37(9) skont id-dritt nazzjonali.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-proċeduri u l-kontenut relatati mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) in-notifiki msemmija fl-Artikolu 81(1), (2) u (3);

(b) l-avviż ta' sospensjoni msemmi fl-Artikolu 83.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Lill-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 83*

**Obbligi proċedurali tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, malajr kemm raġonevolment prattiku wara li jieħdu l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tinnotifika lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u lill-awtoritajiet li ġejjin, jekk differenti:

(a) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(b) l-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe fergħa tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(c) il-bank ċentrali;

(d) l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha dik l-istituzzjoni tal-kreditu taħt riżoluzzjoni tkun affiljata;

(e) il-korp inkarigat tal-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni;

(f) fejn applikabbli, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp;

(g) il-ministeru kompetenti;

(h) fejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni tkun soġġetta għal superviżjoni fuq bażi konsolidata skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur tal-konsolidazzjoni;

(i) l-awtorità makroprudenzjali nazzjonali nnominata u l-BERS;

(j) il-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) ESMA, ('EIOPA') stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u l-ABE;

(k) fejn l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni hija istituzzjoni kif definita fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 98/26/KE, l-operaturi tas-sistemi li tipparteċipa fihom.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi kopja ta' kwalunkwe ordni jew strument li bihom jiġu eżerċitati s-setgħat rilevanti u għandha tindika d-data minn meta l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni huma effettivi.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tippubblika jew tiżgura l-pubblikazzjoni, jew ta' kopja tal-ordni jew l-istrument li bih ittieħdet l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, jew ta' avviż li jagħti sommarju tal-effetti tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, u b'mod partikolari tal-effetti fuq il-klijenti bl-imnut u, jekk applikabbli, it-termini u l-perjodu ta' sospensjoni jew restrizzjoni msemmija fl-Artikoli 69, 70 u 71, bil-mezzi li ġejjin:

(a) fuq il-websajt uffiċjali tagħha;

(b) fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti, jekk differenti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, u fuq il-websajt tal-ABE;

(c) fuq il-websajt tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(d) fejn l-ishma jew strumenti oħra ta' sjieda jew strumenti tad-dejn tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni huma ammessi għal negozjar f'suq regolat, il-mezzi użati għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni regolata dwar l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

5. Jekk l-istrumenti ta' sjieda jew l-istrumenti tad-dejn mhumiex ammessi għan-negozjar fuq suq regolat, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tiżgura li d-dokumenti li jagħtu prova tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 4 jintbagħtu lill-azzjonisti u l-kredituri magħrufa tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li huma magħrufa mir-reġistri jew mill-bażijiet tad-data tal-istituzzjoni that riżoluzzjoni li huma disponibbli għall-awtorità ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 84*

**Sigriet professjonali**

1. Ir-rekwiżiti tas-sigriet professjonali għandhom jorbtu fir-rigward tal-persuni li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni;

(b) l-awtoritajiet kompetenti u l-ABE;

(c) ministeri kompetenti;

(d) maniġers speċjali jew amministraturi temporanji maħtura skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

(e) akkwirenti potenzjali li jiġu kkuntattjati mill-awtoritajiet kompetenti jew solleċitati mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, irrispettivament minn jekk dak il-kuntatt jew sollеċitazzjoni sarx bħala preparazzjoni għall-użu tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju, u irrispettivament minn jekk is-sollеċitazzjoni rriżultax f'akkwist;

(f) awdituri, kontabbilisti, konsulenti legali u professjonali, valwaturi u esperti oħra direttament jew indirettament imqabbda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jew ministeri kompetenti jew mill-akkwirenti potenzjali msemmija fil-punt (e);

(g) korpi li jamministraw skemi ta' garanzija tad-depożiti;

(h) korpi li jamministraw skemi ta' kumpens ta' investituri;

(i) il-korp inkarigat mill-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni;

(j) banek ċentrali u awtoritajiet oħra involuti fil-proċess tar-riżoluzzjoni;

(k) istituzzjoni tranżitorja jew veikolu tal-immaniġġjar tal-assi;

(l) kwalunkwe persuna oħra li tipprovdi jew li kienet tipprovdi direttament jew indirettament, b'mod permanenti jew okkażjonali, lill-persuni msemmija fil-punti (a) sa (k);

([1]) Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

(m) il-maniġment superjuri, membri tal-korp maniġerjali, u l-impjegati tal-korpi jew l-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (k) qabel, matul jew wara l-ħatra tagħhom.

2. Bil-għan li jiġi żgurat li r-rekwiżiti tas-sigriet professjonali stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 ikunu segwiti, il-persuni fil-punti (a), (b), (c), (g), (h), (j) u (k) tal-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ regoli interni, inklużi regoli intiżi li jassgiraw is-segretezza tal-informazzjoni bejn persuni direttament involuti fil-proċess ta' riżoluzzjoni.

3. Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tar-rekwiżiti taħt il-paragrafu 1, il-persuni msemmija f'dak il-paragrafu għandhom ikunu pprojbiti milli jiddivulgaw informazzjoni kunfidenzjali li jirċievu matul il-kors tal-attivitajiet professjonali tagħhom jew mingħand awtorità kompetenti jew mingħand awtorità ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet tagħha skont din id-Direttiva, lil kwalunkwe persuna jew awtorità sakemm ma tkun fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom skont din id-Direttiva jew f'għamla ta' sommarju jew b'mod kollettiv li l-istituzzjonijiet individwali jew l-entitajiet imsemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ma jkunux jistgħu jiġu identifikati jew il-kunsens espliċitu u minn qabel tal-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li tkun forniet l-informazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni divulgata mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunx fiha informazzjoni kunfidenzjali u li, b'mod partikolari l-effetti li dik id-divulgazzjoni jista' jkollha fuq l-interessi pubbliċi fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika, fuq l-interessi kummerċjali tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, fuq l-iskop tal-ispezzjonijiet, fuq l-investigazzjonijiet u fuq l-awditjar jiġu evalwati.

Il-proċedura tal-verifika tal-effetti tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni speċifika tal-effetti ta' kwalunkwe divulgazzjoni tal-kontenut u tad-dettalji tal-pjan ta' rkupru u riżoluzzjoni kif imsemmi fl-Artikoli 5, 7, 10, 11 u 12 u r-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni mwettqa skont l-Artikoli 6, 8 u 15.

Kwalunkwe persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għar-responsabbilà ċivili fil-każ ta' ksur ta' dan l-Artikolu, skont id-dritt nazzjonali.

4. Dan l-Artikolu ma għandux jipprevjeni:

(a) lill-impjegati u lill-esperti tal-korpi jew tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1 milli jikkondividu informazzjoni bejniethom jew fi ħdan kull korp jew entità; jew

(b) lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-impjegati u l-esperti tagħhom, milli jikkondividu informazzjoni ma' xulxin u ma' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni oħra tal-Unjoni, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Unjoni, mal-ministeri kompetenti, mal-banek ċentrali, ma' skemi ta' garanzija tad-depożiti, ma' skemi ta' kumpens ta' investituri, mal-awtoritajiet responsabbli mill-proċeduri normali ta' insolvenza, mal-awtoritajiet responabbli miż-żamma tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri permezz tal-użu ta' regoli makroprudenzjali, mal-persuni inkarigati bit-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet, mal-ABE, jew, soġġett għall-Artikolu 98, ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li jwettqu funzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, jew, suġġett għal rekwiżiti stretti ta' sigriet professjonali, għal akkwirent potenzjali għall-finijiet ta' pjanar jew twettiq ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni.

5. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-iskambju ta' informazzjoni ma' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) soġġett għal rekwiżiti stretti ta' sigriet professjonali, lil kwalunkwe persuna oħra fejn meħtieġ għall-finijiet ta' ppjanar jew biex titwettaq azzjoni ta' riżoluzzjoni;

(b) kumitati ta' inkjesta parlamentari, qrati tal-awdituri u entitajiet oħra inkarigati minn inkjesti f'dak l-Istat Membru taħt kondizzjonijiet xierqa; u

(c) lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza ta'sistemi ta' ħlas, dawk responsabbli għal proċedimenti ta' insolvenza normali, dawk fdati bid-dover pubbliku ta' superviżjoni ta' entitajiet tas-settur finanzjarju oħra, dawk responsabbli għas-superviżjoni ta' swieq finanzjarji u impriżi ta' assigurazzjoni u spetturi li jaġixxu f'isimhom; dawk responsabbli għaż-żamma tal-istabbilta' tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri permezz tal-użu ta' regoli makro-prudenzjali u dawk responsabbli għall-protezzjoni tal-istabbilta' tas-sistema finanzjarja, u persuni inkarigati li jwettqu verifiki statutorji;

6. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni għal finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'kawżi kriminali jew ċivili.

7. L-ABE għandha, sat-3 ta' Lulju 2015, tippubblika linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tispeċifika kif l-informazzjoni għandha tingħata f'sommarju jew f'forma kollettiva għall-finijiet tal-paragrafu 3.

*KAPITOLU IX*

## *Dritt ta' appell u esklużjoni ta' azzjonijiet oħra*

*Artikolu 85*

### Approvazzjoni ġudizzjarja ex ante u drittijiet li jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet

1. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li deċiżjoni li tittieħed miżura ta' prevenzjoni ta' kriżi jew miżura ta' ġestjoni ta' kriżi tkun soġġetta għal approvazzjoni ġudizzjarja ex ante, bil-kondizzjoni li fir-rigward tad-deċiżjoni li tittieħed miżura ta' ġestjoni ta' kriżi, skont id-dritt nazzjonali, il-proċedura relatata mal-applikazzjoni għal approvazzjoni u l-eżami tal-qorti jkunu b'ħeffa.

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw fil-liġi nazzjonali dritt ta' appell kontra deċiżjoni biex tittieħed miżura ta' prevenzjoni ta' kriżi jew deċiżjoni biex tiġi eżerċitata kwalunkwe setgħa, għajr miżura ta' ġestjoni ta' kriżi, skont din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha affettwati minn deċiżjoni li tittieħed miżura ta' ġestjoni ta' kriżi, ikollhom id-dritt ta' appell kontra dik id-deċiżjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istħarriġ isir b'ħeffa u li l-qrati nazzjonali jużaw il-valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi tal-fatti mwettqa mill-awtorità ta' riżoluzzjoni bħala bażi għall-valutazzjoni tagħhom stess.

4. Id-dritt ta' appell imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-preżentazzjoni ta' appell ma għandux jinvolvi xi sospensjoni awtomatika tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata;

(b) id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tkun infurzabbli minnufih u għandha tagħti lok għal suppożizzjoni konfutabbli li s-sospensjoni tal-infurzar tagħha tkun kontra l-interess pubbliku.

Fejn jeħtieġ li jiġu protetti l-interessi ta' partijiet terzi li jaġixxu in bona fide li akkwistaw strumenti ta' sjieda, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni permezz tal-użu ta' għodda ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni minn awtorità ta' riżoluzzjoni, l-annullament ta' deċiżjoni ta' awtorità ta' riżoluzzjoni ma għandhiex tolqot l-ebda att jew tranżazzjoni amministrattiva sussegwenti konklużi permezz tal-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata li kienu bbażati fuq id-deċiżjoni annullata. F'dak il-każ, ir-rimedji għal deċiżjoni jew azzjoni inġusta mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu limitati għal kumpens għat-telf imġarrab mill-applikant bħala riżultat tad-deċiżjoni jew l-azzjoni.

*Artikolu 86*

### Restrizzjonijiet fuq proċeduri oħra

1. Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-Artikolu 82(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw fir-rigward ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li fir-rigward tagħha ġie ddeterminat li l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni ġew sodisfatti, li ma għandhomx jinbdew proċeduri normali ta' insolvenza ħlief fuq l-inizjattiva tal-awtorità ta' riżoluzzjoni u li għandha tittieħed deċiżjoni li tqiegħed istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) fi proċeduri normali ta' involvenza ħlief bil-kunsens tal-awtorità ta' riżoluzzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiġu nnotifikati mingħajr dewmien dwar kull applikazzjoni għall-ftuħ ta' proċeduri normali ta' insolvenza fir-rigward ta' istituzzjoni jew ta' entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), irrispettivament minn jekk l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) hijiex taħt riżoluzzjoni jew deċiżjoni tkun saret pubblika f'konformità mal-Artikolu 83(4) u (5);

(b) l-applikazzjoni mhijiex ddeterminata sakemm in-notifiki msemmija fil-punt (a) ikunu saru u jseħħ wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-awtorità ta' riżoluzzjoni nnotifikat lill-awtoritajiet responsabbli minn proċeduri ta' insolvenza normali li hija ma għandhiex l-intenzjoni li tieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(ii) ikun skada l-perjodu ta' sebat ijiem li jibda bid-data li fiha jkunu saru n-notifiki msemmija fil-punt (a).

3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni fuq l-infurzar ta' interessi ta' titoli imposti skont l-Artikolu 70, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk meħtieġ għall-applikazzjoni effettiva tal-għodod u tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu lill-qorti tapplika waqfa għal perjodu ta' żmien xieraq skont l-għan fil-mira, ta' kwalunkwe azzjoni ġudizzjarja jew proċeduri li fiha l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni hija jew issir parti.

TITOLU V

**RIŻOLUZZJONI TA' GRUPP TRANSKONFINALI**

*Artikolu 87*

**Prinċipji ġenerali rigward it-teħid ta' deċiżjonijiet li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-teħid ta' deċiżjonijiet jew it-teħid ta' azzjoni skont din id-Direttiva li jista' jkollhom impatt fuq Stat Membru wieħed jew aktar, l-awtoritajiet tagħhom għandhom josservaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) l-imperattivi tal-effikaċja tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ż-żamma tal-ispejjeż tar-riżoluzzjoni baxxi kemm jista' jkun meta tittieħed l-azzjoni ta' riżoluzzjoni;

(b) li jittieħdu deċiżjonijiet u tittieħed azzjoni fil-ħin u bl-urġenza dovuta fejn ikun hemm bżonn;

(c) li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet oħrajn jikkooperaw biex jiżguraw li jittieħdu deċiżjonijiet u tittieħed azzjoni b'mod ikkoordinat u effiċjenti;

(d) li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet rilevanti f'kull Stat Membru ikunu definiti b'mod ċar;

(e) li jitqiesu b'mod dovut l-interessi tal-Istati Membri fejn huma stabbiliti l-impriżi prinċipali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-impatt ta' deċiżjoni jew azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni fuq l-istabbiltà finanzjarja, ir-riżorsi fiskali, il-fond ta' riżoluzzjoni, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti jew l-skemi ta' kumpens għall-investituri ta' dawk l-Istati Membri;

(f) li jitqiesu b'mod dovut l-interessi ta' kull Stat Membru individwali fejn hija stabbilita sussidjarja b'mod partikolari l-impatt ta' deċiżjoni jew azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni fuq l-istabbiltà finanzjarja, ir-riżorsi fiskali, il-fond ta' riżoluzzjoni, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti jew l-skemi ta' kumpens għall-investituri ta' dawk l-Istati Membri;

(g) li jitqiesu b'mod dovut l-interessi ta' kull Stat Membru fejn ikunu jinsabu fergħat sinifikanti b'mod partikolari l-impatt ta' kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni dwar l-istabbiltà finanzjarja ta' dawk l-Istati Membri;

(h) li jitqiesu b'mod dovut l-objettivi tal-bilanċ tal-interessi tad-diversi Stati Membri involuti u li jevitaw li jippreġudikaw b'mod inġust jew jipproteġu b'mod inġust l-interessi ta' Stati Membri partikolari, inkluż li jiġi evitat allokazzjoni tal-piż inġust fl-Istati Membri;

(i) li kwalunkwe obbligu skont din id-Direttiva li tiġi kkonsultata awtorità qabel ma tittieħed deċiżjoni jew azzjoni jimplika għall-inqas obbligu li tiġi kkonsultata dik l-awtorità dwar dawk l-elementi tad-deċiżjoni jew tal-azzjoni proposta li jkollhom jew li huwa probabbli li jkollhom:

(i) effett fuq l-impriża prinċipali tal-Unjoni, is-sussidjarja jew il-fergħa; u

(ii) impatt fuq l-istabbiltà tal-Istat Membru fejn l-impriża prinċipali tal-Unjoni, is-sussidjarja jew il-fergħa, hija stabbilita jew tinsab;

(j) li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, meta jieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, iqisu u jsegwu l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 13 sakemm l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jivvalutaw, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, li l-objettivi ta' riżoluzzjoni se jintlaħqu b'mod aktar effikaċi billi jittieħdu azzjonijiet li mhumiex provduti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(k) ir-rekwiżit għal trasparenza kull meta deċiżjoni jew azzjoni proposta x'aktarx ikollha implikazzjonijiet fuq l-istabbiltà finanzjarja, ir-riżorsi fiskali, il-fond ta' riżoluzzjoni, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti jew l-iskema ta' kumpens għall-investituri ta' kwalunkwe Stat Membru rilevanti; u

(l) ir-rikonoxximent li l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni għandhom probabbiltà kbira li jiksbu riżultat li jnaqqas in-nefqa globali tar-riżoluzzjoni;

*Artikolu 88*

**Kulleġġi ta' riżoluzzjoni**

1. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp għandhom jistabbilixxu kulleġġi ta' riżoluzzjoni biex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikoli 12, 13, 16, 45, 91 u 92, u, fejn xieraq, biex jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi.

Partikolarment, il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni għandhom jipprovdu qafas għall-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp, għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħra u, fejn xieraq, għall-awtoritajiet kompetenti u għas-superviżuri tal-konsolidazzjoni konċernati fit-twettiq tal-kompiti li ġejjin:

(a) skambju ta' informazzjoni rilevanti għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' gruppi, għall-applikazzjoni fuq gruppi ta' setgħat ta' tħejjija u prevenzjoni u għar-riżoluzzjoni ta' gruppi;

(b) jiżviluppaw pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' gruppi skont l-Artikoli 12 u 13;

(c) jivvalutaw ir-riżolvibbiltà ta' gruppi skont l-Artikolu 16;

(d) jeżerċitaw is-setgħat biex jindirizzaw jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà ta' gruppi skont l-Artikolu 18;

(e) jiddeċiedu dwar il-ħtieġa li tiġi stabbilita skema tar-riżoluzzjoni tal-gruppi kif imsemmi fl-Artikolu 91 jew 92;

(f) jilħqu l-ftehim dwar skema ta' riżoluzzjoni tal-gruppi propost f'konformità mal-Artikolu 91 jew 92;

(g) jikkoordinaw il-komunikazzjoni pubblika tal-istrateġiji u l-iskemi tar-riżoluzzjoni tal-gruppi;

(h) jikkoordinaw l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti skont it-Titolu VII;

(i) jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għall-gruppi fil-livell konsolidat u ta' sussidjarja skont l-Artikolu 45.

Barra minn hekk, il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni jistgħu jintużaw bħala forum biex jiġu diskussi kwistjonijiet marbutin mal-gruppi transkonfinali rigward ir-riżoluzzjoni.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni:

(a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp;

(b) l-awtoritjiet ta' riżoluzzjoni ta' kull Stat Membru li fih tkun stabbilita sussidjarja koperta b'superviżjoni konsolidata;

(c) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn tkun stabbilita impriża prinċipali ta' istituzzjoni waħda jew iżjed tal-grupp, li hija entità msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1(1);

(d) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn jinsabu fergħat sinifikattivi;

(e) is-superviżur tal-konsolidazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun membru fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ma tkunx il-bank ċentrali tal-Istat Membru, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tiġi akkumpanjata minn rappreżentant tal-bank ċentrali tal-Istat Membru;

(f) il-ministeri kompetenti, fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li huma membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mhumiex il-ministeri kompetenti;

(g) l-awtorità li hija responsabbli għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti ta' Stat Membru, fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dak l-Istat Membru hija membru ta' kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(h) l-ABE, soġġett għall-paragrafu 4.

3. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi, fejn impriża prinċipali jew istituzzjoni stabbilita fl-Unjoni jkollha istituzzjoni sussidjarja jew fergħa li tkun ikkunsidrata bħala sinifikanti jekk kienet tinstab fl-Unjoni, jistgħu, fuq talba mingħandhom, jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bħala osservaturi, dment li jkunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti ta' sigriet professjonali, fl-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, bħal dawk stabbiliti bl-Artikolu 98.

4. L-ABE għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-monitoraġġ tat-tħaddim effiċjenti, effettiv u konsistenti tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni, fid-dawl tal-istandards internazzjonali. L-ABE għandha tkun mistiedna tattendi għal-laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għal tali skop. L-ABE ma jkollhiex dritt ta' vot inkwantu kwalunkwe vot jittieħed fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

5. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tippresjedi l-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. F'dik il-kapaċità hija għandha:

(a) tistabbilixxi arranġamenti u proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni lill-membri l-oħrajn tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(b) tikkoordina l-attivitajiet kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(c) tikkonvoka u tippresjedi l-laqgħat kollha tagħha u żżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni informati bis-sħiħ u bil-quddiem dwar l-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, dwar it-temi prinċipali li ser jiġu diskussi u dwar l-elementi li ser jiġu kkunsidrati;

(d) tinnotifika lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar kwalunkwe laqgħa ppjanata sabiex ikunu jistgħu jitolbu li jipparteċipaw;

(e) tiddeċiedi liema membri u osservaturi għandhom jiġu mistednin jattendu għal laqgħat partikolari tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, fuq il-bażi tal-bżonnijiet speċifiċi, b'kont meħud tar-rilevanza tat-tema li ser tiġi diskussa għal dawk il-membri u osservaturi, b'mod partikolari l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati;

(f) iżżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ informati, fil-ħin, dwar id-deċiżjonijiet u l-eżitu ta' dawk il-laqgħat.

Il-membri li jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib.

Minkejja l-punt (e), l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni kull meta fuq l-aġenda jkun hemm temi soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet konġunti jew relatati mal-entità fi grupp li tinsab fl-Istat Membru tagħhom.

6. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp mhumiex obbligati li jistabbilixxu kulleġġ ta' riżoluzzjoni jekk gruppi jew kulleġġi oħra jaqdu l-istess funzjonijiet u jwettqu l-istess kompiti speċifikati f'dan l-Artikolu u jikkonformaw mal-kondizzjonijiet u l-proċeduri kollha, inkluż dawk li jkopru s-sħubija u l-parteċipazzjoni f'kulleġġi ta' riżoluzzjoni, stabbiliti f'dan l-Artikolu u l-Artikolu 90. F'tali każ, ir-referenzi kollha għall-kulleġġi ta' riżoluzzjoni f'din id-Direttiva għandhom ukoll jiġu mifhuma bħala referenzi għal dawn il-gruppi jew kulleġġi oħra.

7. L-ABE għandha, fid-dawl tal-istandards kontabilistiċi internazzjonali, tiżviluppa abbozzi ta' standards regolatorji sabiex tispeċifika l-funzjonament operattiv tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni għat-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafi 1.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 89*

**Kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej**

1. Fejn istituzzjoni minn pajjiż terz jew impriża prinċipali minn pajjiż terz ikollha sussidjarji fl-Unjoni stabbiliti f'żewġ Stati Membri jew aktar, jew żewġ fergħat jew aktar fl-Unjoni li jkunu meqjusa bħala sinifikanti minn żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri fejn dawk is-sussidjarji fl-Unjoni jkunu stabbiliti jew fejn ikunu jinsabu dawk il-fergħat sinifikanti għandhom jistabblilixxu kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew.

2. Il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew għandu jwettaq il-funzjonijiet u l-kompiti speċifikati fl-Artikolu 88 fir-rigward tal-istituzzjonijiet sussidjarji u safejn dawn il-kompiti jkunu rilevanti għall-fergħat.

3. Fejn sussidjarji fl-Unjoni jkunu miżmuma minn, jew il-fergħat sinifikanti jkunu ta', kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja stabbilita fl-Unjoni skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 127(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew għandu jkun ippresedut mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Istat Membru fejn ikun jinsab is-superviżur tal-konsolidazzjoni għall-finijiet tas-superviżjoni konsolidata skont dik id-Direttiva.

Fejn l-ewwel subparagrafu ma japplikawx, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew għandhom jinnominaw u jaqblu dwar il-President.

4. L-Istati Membri jistgħu, bi qbil reċiproku tal-partijiet rilevanti kollha, jidderogaw mir-rekwiżit li jistabbilixxu kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew jekk gruppi jew kulleġġi oħrajn, inkluż kulleġġ ta' riżoluzzjoni stabbilit skont l-Artikolu 88, jaqdu l-istess funzjonijiet u jwettqu l-istess kompiti speċifikati f'dan l-Artikolu u jikkonformaw mal-kondizzjonijiet u l-proċeduri kollha, inkluż dawk li jkopru is-sħubija u l-parteċipazzjoni f'kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej, kif stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 90. F'tali każ ir-referenzi kollha għall-kulleġġi ta' riżoluzzjoni Ewropej f'din id-Direttiva għandhom ukoll jitqiesu bħala referenza għal dawn il-gruppi jew kulleġġi oħra.

5. Soġġett għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew għandu altrimenti jiffunzjona skont l-Artikolu 88.

*Artikolu 90*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Soġġett għall-Artikolu 84, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni rilevanti kollha għall-eżerċizzju tal-kompiti tal-awtoritajiet l-oħra skont din id-Direttiva.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-gruppi għandha tikkoordina l-fluss tal-informazzjoni rilevanti kollha bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Partikolarment, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tipprovdi lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fi Stati Membri oħra bl-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin bil-għan li tiffaċilita t-twettiq tal-kompiti msemmija fil-punti (b) sa (i) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 88(1).

3. Fuq talba għal informazzjoni pprovduta minn awtorità ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tfittex il-kunsens tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-pajjiż terz għat-trażmissjoni 'l quddiem ta' dik l-informazzjoni, ħlief fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-pajjiż terz tkun diġà tat il-kunsens tagħha għat-trażmissjoni 'l quddiem ta' dik l-informazzjoni.

L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma għandhomx ikunu obbligati jikkomunikaw fuq talba informazzjoni pprovduta minn awtorità ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz ma tkunx diġà tat il-kunsens tagħha għat-trażmissjoni 'l quddiem tagħha.

4. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkondividu l-informazzjoni mal-ministeru kompetenti meta din titratta deċiżjoni jew kwistjoni li tirrikjedi n-notifikazzjoni, il-konsultazzjoni jew il-kunsens tal-ministeru kompetenti jew li jista' jkollha implikazzjonijiet għall-fondi pubbliċi.

*Artikolu 91*

**Riżoluzzjoni ta' grupp li tinvolvi sussidjarja tal-grupp**

1. Meta awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li istituzzjoni jew kwalunkwe entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li hija sussidjarja fi grupp tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 32 jew 33, dik l-awtorità għandha tinnotifika l-informazzjoni li ġejja mingħajr dewmien lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, jekk differenti, lis-superviżur tal-konsolidazzjoni, u lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni tal-grupp inkwistjoni:

(a) id-deċiżjoni li l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 32 jew 33;

(b) l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew il-miżuri ta' insolvenza li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis bħala xierqa għal dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1).

2. Meta tirċievi notifika skont il-paragrafu 1, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, wara konsultazzjoni mal-membri l-oħra tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni rilevanti, għandha tivvaluta l-impatt probabbli tal-azzjonijiet jew miżuri oħra ta' riżoluzzjoni notifikati skont il-punt (b) tal-paragrafu 1, fuq il-grupp u fuq l-entitajiet tal-grupp fi Stati Membri oħra, u, partikolarment, jekk permezz tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew miżuri oħrajn ikunx aktar probabbli li l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni jiġu sodisfatti fir-rigward ta' entità fi grupp fi Stat Membru ieħor.

3. Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, wara konsultazzjoni mal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni l-oħra, tivvaluta li l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew il-miżuri nnotifikati l-oħra skont il-punt (b) tal-paragrafu 1, ma jagħmlux probabbli li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 32 jew l-Artikolu 33 jiġu sodisfatti fir-rigward ta' entità fi grupp fi Stat Membru ieħor, l-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għal dik l-istituzzjoni jew dik l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tista' tieħu l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew il-miżuri oħra li tkun innotifikat f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, wara konsultazzjoni mal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni l-oħra, tivvaluta li l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew il-miżuri nnotifikati l-oħra skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma jagħmlux probabbli li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 32 jew l-Artikolu 33 jiġu sodisfatti fir-rigward ta' entità fi grupp fi Stat Membru ieħor, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha, mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li tkun irċiviet in-notifika skont il-paragrafu 1, tipproponi skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp u tissottomettiha lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. Dan il-perjodu ta' 24 siegħa jista' jiġi estiż bil-kunsens tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li tkun għamlet in-notifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Fin-nuqqas ta' valutazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp fi żmien 24 siegħa, jew wara perjodu itwal ta' żmien li jkun intlaħaq ftehim dwaru, wara li tkun rċeviet in-notifikazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtorità ta' riżoluzzjoni li tkun għamlet in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 tista' twettaq azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew miżuri oħra li tkun innotifikat bi qbil mal-punt (b) ta' dak il-paragrafu.

6. Skema ta' riżoluzzjoni ta' grupp meħtieġa skont il-paragrafu 4 għandha:

(a) tikkunsidra u ssegwi l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 13 sakemm l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jivvalutawx, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ, li l-għanijiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jinkisbu b'mod aktar effikaċi bit-teħid ta' azzjonijiet li mhumiex provduti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(b) tispjega l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti fir-rigward tal-impriża prinċipali tal-Unjoni jew entitajiet partikolari fil-grupp bil-għan li tissodisfa l-għanijiet u l-prinċipji ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikoli 31 u 34;

(c) tispeċifika kif dawk l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu kkoordinati;

(d) tistabbilixxi pjan ta' finanzjament li jqis il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp, il-prinċipji għall-qsim tar-responsabbiltà kif stabbilit skont il-punt (f) tal-Artikolu 12(3) u l-mutwalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 107.

7. Soġġett għall-paragrafu 8, l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandha tieħu l-forma ta' deċiżjoni konġunta tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli għas-sussidjarji li huma koperti mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp.

L-ABE tista' fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu deċiżjoni konġunta bi qbil mal-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

8. Jekk kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni ma taqbilx jew tmur lil hinn mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp proposta mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp jew tqis li għandha tieħu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni indipendenti jew miżuri differenti minn dawk proposti fl-iskema fir-rigward ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja, hi għandha tistabbilixxi fid-dettall ir-raġunijiet tagħha ta' nuqqas ta' qbil, tinnotifika l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħrajn li huma koperti mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp bir-raġunijiet u tinformahom dwar l-azzjonijiet jew il-miżuri li ser tieħu. Meta tistabbilixxi r-raġunijiet tagħha ta' nuqqas ta' qbil, dik l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tikkunsidra l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 13 dwar l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati kif ukoll l-effett potenzjali tal-azzjonijiet jew il-miżuri fuq partijiet oħrajn tal-grupp.

9. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li qablu skont il-paragrafu 8 jistgħu jilħqu deċiżjoni konġunta dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp li tkopri l-entitajiet tal-grupp fl-Istat Membru tagħhom.

10. Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 7 jew 9 u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 8 għandhom jiġu rikonoxxuti bħala konklużivi u applikati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fl-Istati Membri kkonċernati.

11. L-awtoritajiet għandhom iwettqu l-azzjonijiet kollha skont dan l-Artikolu mingħajr dewmien, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-urġenza tas-sitwazzjoni.

12. Fi kwalunkwe każ fejn skema ta' riżoluzzjoni ta' grupp ma tiġix implimentata u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe entità fi grupp, dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bil-ħsieb li tintlaħaq strateġija ta' riżoluzzjoni kkoordinata għall-entitajiet tal-grupp kollha li qed ifallu jew li probabbli jfallu.

13. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jieħdu kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe entità fi grupp għandhom jinformaw lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni regolarment u bis-sħiħ dwar dawk l-azzjonijiet jew il-miżuri u l-progress kontinwu tagħhom.

*Artikolu 92*

**Riżoluzzjoni tal-grupp**

1. Fejn awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp tiddeċiedi li impriża prinċipali tal-Unjoni li għaliha hija responsabbli tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32 jew 33, hi għandha tinnotifika mingħajr dewmien l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 91(1) lis-superviżur tal-konsolidazzjoni, jekk tkun differenti, u lill-membri l-oħrajn tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni tal-grupp inkwistjoni.

L-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew il-miżuri ta' insolvenza għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 91(1) jistgħu jinkludu l-implimentazzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp imfassla f'konformità mal-Artikolu 91(6) fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew miżuri oħrajn fil-livell tal-impriża prinċipali innotifikati f'konformità mal-Artikolu 91(1), jagħmluha probabbli li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32 jew 33 jiġu sodisfatti b'rabta mal-entità fi grupp fi Stat Membru ieħor.

(b) l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew miżuri oħrajn fil-livell tal-impriża prinċipali biss mhumiex biżżejjed biex tiġi stabbilizzata is-sitwazzjoni jew mhuwiex probabbli li jipprovdu l-aħjar eżitu possibbli;

(c) sussidjarja waħda jew aktar li jilħqu l-kondizzjonijiet msemmija fl-Artikoli 32 jew 33 skont il-ġudizzju tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli għal dawk is-sussidjarji; jew

(d) l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew miżuri oħrajn fil-livell tal-grupp ser ikunu ta' benefiċċju għas-sussidjarji tal-grupp b'mod li skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp titqies xierqa.

2. Meta l-azzjonijiet proposti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp skont il-paragrafu 1 ma jinkludux skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha wara li tikkonsulta l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandha tikkunsidra:

(a) u ssegwi l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 13 sakemm l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jivvalutawx, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ, li l-għanijiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jinkisbu b'mod aktar effikaċi bit-teħid ta' azzjonijiet li mhumiex provduti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(b) l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri kkonċernati.

3. Fejn l-azzjonijiet proposti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp skont il-paragrafu 1 jinkludu skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp, l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandha tieħu l-forma ta' deċiżjoni konġunta tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli għas-sussidjarji li huma koperti mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp.

L-ABE tista' fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tgħin lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jilħqu deċiżjoni konġunta bi qbil mal-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Jekk kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni ma taqbilx jew tmur lil hinn mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp proposta mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp jew tqis li għandha tieħu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni indipendenti jew miżuri differenti minn dawk proposti fl-iskema fir-rigward ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja, hi għandha tistabbilixxi fid-dettall ir-raġunijiet tagħha ta' nuqqas ta' qbil jew ir-raġunijiet għaliex għandha tmur lil hinn mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp, tinnotifika l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-oħrajn li huma koperti mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp bir-raġunijiet u tinformahom dwar l-azzjonijiet jew il-miżuri li ser tieħu. Meta tistabbilixxi r-raġunijiet tagħha ta' nuqqas ta' qbil, dik l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tikkunsidra l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 13 dwar l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati kif ukoll l-effett potenzjali tal-azzjonijiet jew il-miżuri fuq partijiet oħrajn tal-grupp.

5. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li qablu mal-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp skont il-paragrafu 4 jistgħu jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp li tkopri l-entitajiet tal-grupp fl-Istat Membru tagħhom.

6. Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 3 jew 5 u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 4 għandhom jiġu rikonoxxuti bħala konklużivi u applikati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fl-Istati Membri kkonċernati.

7. L-awtoritajiet għandhom iwettqu l-azzjonijiet kollha skont dan l-Artikolu mingħajr dewmien, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-urġenza tas-sitwazzjoni.

Fi kwalunkwe każ fejn skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp ma tiġix implimentata u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe entità fi grupp, dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bil-ħsieb li tinkiseb strateġija ta' riżoluzzjoni kkoordinata għall-entitajiet tal-grupp kollha affettwati.

L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jieħdu kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe entità fi grupp għandhom jinformaw lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni regolarment u b'mod sħiħ dwar dawk l-azzjonijiet jew il-miżuri u l-progress kontinwu tagħhom.

## TITOLU VI

## RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI

### *Artikolu 93*

### Ftehimiet ma' pajjiżi terzi

1. Bi qbil mal-Artikolu 218 TFUE, il-Kummissjoni tista' tibgħat proposti lill-Kunsill għal negozjar ta' ftehim ma' pajjiż terzi jew aktar rigward il-mezzi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet rilevanti minn pajjiżi terzi, inter alia, bi skop ta' skambju ta' informazzjoni b'rabta mal-ippjanar għall-irkupru u r-riżoluzzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-intrapriżi prinċipali, u l-istituzzjonijiet minn pajjiżi terzi, fir-rigward ta' dawn is-sitwazzjonijiet:

(a) f'każijiet fejn impriża prinċipali ta' pajjiż terz għandha istituzzjonijiet sussidjarji jew fergħat fejn dawn il-fergħat huma meqjusa bħala sinifikanti f'żewġ Stati Membri jew aktar;

(c) f'każijiet fejn impriża prinċipali stabbilita fi Stat Membru u li sussidjarja jew fergħa sinifikattiva f'tal-inqas Stat Membru ieħor ikollha istituzzjoni sussidjarja waħda jew aktar f'pajjiż terz;

(d) f'każijiet fejn istituzzjoni stabbilita fi Stat Membru u li għandha impriża prinċipali, sussidjarja jew fergħa sinifikanti f'tal-inqas Stat Membru ieħor għandha fergħa jew fergħat sinifikanti f'pajjiż terz wieħed jew aktar.

2. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom, partikolarment, ifittxu li jiżguraw l-istabbiliment ta' proċessi u arranġamenti bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għal kooperazzjoni fit-twettiq ta' xi kompiti jew il-kompiti kollha u l-eżerċizzju ta' xi setgħat jew is-setgħat kollha indikati fl-Artikolu 97.

3. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandux ikun fihom dispożizzjoni rigward istituzzjonijiet individwali, istituzzjonijiet finanzjarji, intrapriżi prinċipali jew istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

4. L-Istati Membri jistgħu jidħlu fi ftehimiet bilaterali ma' pajjiż terz rigward il-materji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 sad-dħul fis-seħħ ta' ftehim imsemmi fil-paragrafu 1 mal-pajjiż terz rilevanti sakemm tali ftehimiet bilaterali ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 94*

**Rikonoxximent u infurzar ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika fir-rigward ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi dment li jkun daħal fis-seħħ il-ftehim internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 93(1) mal-pajjiż terz rilevanti. Huwa għandu japplika wkoll wara d-dħul fis-seħħ ta' ftehim internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 93(1) mal-pajjiż terz rilevanti dment li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi ma jkunux regolati minn dak il-ftehim.

2. Fejn ikun hemm kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew stabbilit bi qbil mal-Artikolu 89, dan għandu jieħu deċiżjoni konġunta dwar jekk jirrikonoxxix, ħlief kif previst fl-Artikolu 95, proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz relatati ma' istituzzjoni ta' pajjiż terz jew ma' impriża prinċipali li:

(a) ikollha sussidjarji fl-Unjoni stabbiliti fi, jew fergħat fl-Unjoni li jkunu jinsabu fi, u li huma meqjusa bħala sinifikanti minn, żewġ Stati Membri jew aktar; jew

(b) jkollha assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet li jinsabu f'żewġ Stati Membri jew aktar jew ikunu regolati mil-liġi ta' dawk l-Istati Membri.

Meta tintlaħaq deċiżjoni konġunta dwar ir-rikonoxximent ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali rispettivi għandhom jaraw li jkun hemm l-infurzar tal-proċeduri ta' riżoluzzjoni rikonoxxuti ta' pajjiż terz, bi qbil mal-liġi nazzjonali tagħhom.

3. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni parteċipanti fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew, jew fin-nuqqas ta' kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew, kull awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar jekk tirrikonoxxix jew tinfurzax, ħlief kif stipulat fl-Artikolu 95, il-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz fir-rigward ta' istituzzjoni jew impriża prinċipali ta' pajjiż terz.

Din id-deċiżjoni għandha tagħti kusiderazzjoni xierqa għall-interessi ta' kull Stat Membru individwali fejn topera istituzzjoni jew impriża prinċipali ta' pajjiż terz, u b'mod partikolari lill-impatt potenzjali tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni minn pajjiż terz dwar partijiet oħra tal-grupp u lill-istabilità finanzjarja f'dawk l-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom, bħala minimu, is-setgħa li jagħmlu dan li ġej:

(a) jeżerċitaw setgħat ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dan li ġej:

   (i) assi ta' istituzzjoni jew impriża prinċipali minn pajjiż terz li jinsabu fl-Istat Membru tagħhom jew regolati mil-liġi tal-Istat Membru tagħhom;

(ii) drittijiet jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni minn pajjiż terz li ddaħħlu fil-kotba minn fergħa fl-Unjoni fl-Istat Membru tagħhom jew regolati mil-liġi tal-Istat Membru tagħhom, jew meta l-pretensjonijiet fir-rigward ta' tali drittijiet u obbligazzjonijiet huma infurzabbli fl-Istat Membru tagħhom.

(b) jipperfezzjonaw, inkluż li jeħtieġu persuna oħra tieħu azzjoni biex jiġu pperfezzjonati, trasferiment ta' strumenti ta' sjieda f'sussidjarja fl-Unjoni stabbilita fl-Istat Membru tal-ħatra;

(c) jeżerċitaw is-setgħat fl-Artikoli 69, 70 jew 71 fir-rigward tad-drittijiet ta' kwalunkwe parti fil-kuntratt ma' entità msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fejn tali setgħat huma meħtieġa sabiex jiġu nfurzati l-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi; u

(d) jirrendu mhux infurzabbli kwalunkwe dritt li iwaqqfu, jillikwidaw jew jaċċeleraw kuntratti, jew jaffettwaw id-drittijiet kuntrattwali, ta' entitajiet msemmija fil-paragrafu 2 u entitajiet tal-grupp oħra, meta dan id-dritt ikun kaġun ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni meħuda fir-rigward ta' istituzzjoni, ta' pajjiż terz, ta' impriża prinċipali ta' tali entitajiet jew ta' entitajiet oħra fi grupp, kemm jekk mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz innifisha jew inkella skont ir-rekwiżiti legali jew regulatorji fir-rigward ta' ftehimiet ta' riżoluzzjojni f'dak il-pajjiż, sakemm ikomplu jitwettqu l-obbligi sostantivi skont il-kuntratt, inkluż l-obbligi ta' pagament u provvista u l-provvista ta' kollateral.

5. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu, fejn fl-interess pubbliku, jieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' impriża prinċipali meta l-awtorità rilevanti ta' pajjiż terz tiddetermina li istituzzjoni inkorporata f'dak il-pajjiż terz tissodisfa l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni skont il-liġi ta' dak il-pajjiż terz. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jingħataw is-setgħha li jużaw kwalunkwe setgħa ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dik l-impriża prinċipali, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 68.

6. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' insolvenza normali skont il-liġi nazzjonali applikabbli, fejn adatt, f'konformità ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 95*

**Dritt li jirrifjutaw ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz**

L-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara konsultazzjoni ma' awtoritajiet ta' riżoluzzjoni oħra fejn ikun stabbilit kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew taħt l-Artikolu 89, tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi jew li tinforza proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 94(2) jekk tqis:

(a) li il-proċeduri ta' riżoluzzjoni tal-pajjiż terz għandhom effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru li fih l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun ibbażata jew li l-proċeduri għandhom effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja fi Stat Membru ieħor;

(b) li hija meħtieġa azzjoni ta' riżoluzzjoni indipendenti skont l-Artikolu 96 fir-rigward ta' fergħa fl-Unjoni biex jinkiseb għan wieħed jew aktar ta' riżoluzzjoni;

(c) li kredituri, inklużi partikolarment id-depożituri li jinsabu jew li jitħallsu fi Stat Membru, mhux se jirċievu l-istess trattament bħall-kredituri tal-pajjiż terz u depożitanti bl-istess drittijiet legali skont il-proċeduri ta' riżoluzzjoni domestiċi tal-pajjiż terz.

(d) li r-rikonoxximent jew l-infurzar tal-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' pajjiż terz ikollhom implikazzjonijiet fiskali materjali għall-Istat Membru; jew

(e) li l-effetti ta' tali rikonoxximent jew infurzar ikunu kuntrarji għal-liġi nazzjonali.

*Artikolu 96*

**Riżoluzzjoni ta' fergħat fl-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħat neċessarji biex jaġixxu fir-rigward ta' fergħa fl-Unjoni li jew mhi soġġetta għall-ebda proċedura ta' riżoluzzjoni jew li hi soġġetta għall-proċeduri ta' pajjiż terz jew jekk tapplika waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 95.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikolu 68 japplika għall-eżerċizzju ta' tali setgħat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-setgħat meħtieġa fil-paragrafu 1 ikunu jistgħu jiġu eżerċitati mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis dik l-azzjoni meħtieġa fl-interess pubbliku u waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-fergħa fl-Unjoni ma għadhiex tissodisfa, jew probabbilment mhux ser tissodisfa l-kondizzjonijiet imposti mil-liġi nazzjonali għall-awtorizzazzjoni u l-operat f'dak l-Istat Membru u ma hemmx prospett li kwalunkwe settur privat, superviżorju jew l-azzjoni ta' pajjiż terz rilevanti jirrestawra l-fergħa biex tikkonforma jew tipprevjeni falliment fi żmien raġonevoli;

(b) fl-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, l-istituzzjoni tal-pajjiż terz mhijiex kapaċi, jew ma tridx, jew x'aktarx li ma tkunx kapaċi tħallas l-obbligi tagħha lill-kredituri tal-Unjonii, jew obbligi li nħolqu jew iddaħħlu fil-kotba permezz tal-fergħa, hekk kif isiru dovuti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun sodisfatta li l-ebda proċeduri ta' riżoluzzjoni jew proċeduri ta' insolvenza f'pajjiż terz ma nbdew jew ser jinbdew fir-rigward ta' dik l-istituzzjoni ta' pajjiż terz fi żmien perjodu raġonevoli;

(c) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz bdiet proċeduri ta' riżoluzzjoni f'pajjiż terz fir-rigward tal-istituzzjoni mill-pajjiż terz, jew innotifikat lill-awtorità ta' riżoluzzjoni bl-intenzjoni tagħha li tibda proċeduri tali.

3. Fejn awtorità ta' riżoluzzjoni tieħu azzjoni indipendenti fir-rigward ta' fergħa fl-Unjoni, għandha tqis l-għanijiet ta' riżoluzzjoni u tieħu azzjoni skont il-prinċipji u r-rekwiżiti li ġejjin, sakemm ikunu rilevanti:

(a) il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 34;

(b) ir-rekwiżiti relatati mal-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni fil-Kapitolu III tat-Titolu IV.

*Artikolu 97*

**Kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' pajjiż terz dment li u sakemm jidħol fis-seħħ il-ftehim internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 93 mal-pajjiż terz rilevanti. Huwa għandu japplika wkoll wara d-dħul fis-seħħ ta' ftehim internazzjonali previst fl-Artikolu 93(1) mal-pajjiż terz rilevanti sal-punt li s-suġġett ta' dan l-Artikolu ma jkunx regolat minn dak il-ftehim.

2. L-ABE tista' tikkonkludi qafas ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni mhux vinkolanti mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) f'każijiet fejn sussidjarja fl-Unjoni tkun stabbilita f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz fejn tkun stabbilita l-impriża prinċipali jew il-kumpannija msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1);

(b) f'każijiet fejn istituzzjoni minn pajjiż terz topera fergħat tal-Unjoni f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz fejn dik l-istituzzjoni tkun stabbilita;

(c) f'każijiet fejn impriża prinċipali u, jew kumpanija msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) stabbilita fi Stat Membru b'istituzzjoni sussidjarja jew b'fergħa sinifikanti fi Stat Membru ieħor għandha ukoll istituzzjoni sussidjarja waħda jew aktar f'pajjiż terz, l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz fejn dawk l-istituzzjonijiet sussidjarji jkunu stabbiliti;

(d) f'każijiet fejn istituzzjoni b'sussidjarja jew fergħa sinifikattiva fi Stat Membru ieħor tkun stabbilit fergħa waħda jew aktar f'pajjiż terz wieħed jew aktar, l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fejn dawn il-fergħat ikunu jinsabu.

L-arranġamenti msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx ikun fihom dispożizzjoni rigward istituzzjonijiet speċifiċi. Huma ma għandhomx jimponu obbligi legali fuq l-Istati Membri.

3. Il-ftehimiet qafas ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu proċessi u arranġamenti bejn l-awtoritajiet parteċipanti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa u għall-kooperazzjoni fit-twettiq xi wħud mill-kompiti li ġejjin, jew kollha, u għall-eżerċizzju ta' xi wħud mis-setgħat li ġejjin jew kollha, fir-rigward ta' istituzzjonijiet msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 jew ta' gruppi li jinkludu tali istituzzjonijiet:

(a) l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 10 sa 13 u rekwiżiti simili skont il-liġi tal-pajjiżi terzi rilevanti;

(b) il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà ta' tali istituzzjonijiet u gruppi, skont l-Artikolu 15 u 16 u rekwiżiti simili skont il-liġi tal-pajjiżi terzi rilevanti;

(c) l-applikazzjoni tas-setgħat li jiġu indirizzati jew imneħħija impedimenti għar-riżolvibbiltà skont l-Artikoli 17 u 18 u kwalunkwe setgħa simili skont il-liġi tal-pajjiżi terzi rilevanti;

(d) l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27 u setgħat simili skont il-liġi tal-pajjiżi terzi rilevanti;

(e) l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju ta' setgħat ta' riżoluzzjoni u setgħat simili eżerċitabbli mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz.

4. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, fejn xieraq, għandhom jikkonkludu arranġamenti mhux vinkolanti ta' kooperazzjoni skont l-arranġament qafas tal-ABE mal-awtoritajiet tal-pajjiż terz rilevanti indikat fil-paragrafu 2.

Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkonkludu arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi, f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. Arranġamenti ta' kooperazzjoni konklużi bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri u pajjiżi terzi skont dan l-Artikolu jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija u l-manutenzjoni ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni;

(b) konsultazzjoni u kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni, inklużi l-prinċipji għall-eżerċizzju tas-setgħat skont l-Artikoli 94 u 96 u s-setgħat simili skont il-liġi tal-pajjiżi terzi rilevanti;

(c) l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat tar-riżoluzzjoni u setgħat simili skont il-liġi tal-pajjiżi terzi rilevanti;

(d) twissija bikrija lil, jew konsultazzjoni mal-partijiet għall-arranġament ta' koperazzjoni qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni sinifikanti skont din id-Direttiva jew il-liġi tal-pajjiż terz relevanti li taffettwa l-istituzzjoni jew il-grupp li għalih jgħodd l-arranġament;

(e) il-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni pubblika fil-każ ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni konġunti;

(f) proċeduri u arranġamenti għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni skont il-punti (a) sa (e), inkluż, fejn xieraq, permezz tal-istabbiliment u l-operat ta' gruppi tal-immaniġġjar tal-kriżijiet.

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar kwalunkwe arranġamenti ta' kooperazzjoni li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti jkunu kkonkludew skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 98*

**Skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-ministeri kompetenti jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali, inklużi pjanijiet ta' rkupru, ma' awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) dawk l-awtoritajiet tal-pajjiż terz huma soġġetti għal rekwiżiti u standards tas-sigriet professjonali mill-anqas meqjusa bħala ekwivalenti fl-opinjoni tal-awtoritajiet kollha kkonċernati, għal dawk imposti mill-Artikolu 84;

Fir-rigward ta' kif il-kondiviżjoni tal-informazzjoni tirrelata mad-dejta personali, it-trattament u t-trażmissjoni ta' din it-tip ta' dejta personali lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għandhom jkunu governati mil-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

(b) l-informazzjoni hija neċessarja għat-twettiq mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz tal-funzjonijiet ta' riżoluzzjoni tagħhom taħt il-liġi nazzjonali li huma komparabbli ma' dawk taħt din id-Direttiva u, soġġett għall-punt (a) ta' dan il-paragrafu 1, ma jintuża għall-ebda fini ieħor.

2. Meta informazzjoni kunfidenzjali toriġina fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-awtoritajiet kompetenti u ministeri kompetenti ma għandhomx jiddivulgaw dik l-informazzjoni lil awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz sakemm ma jiġux sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru fejn oriġinat l-informazzjoni (l-awtorità tal-oriġini) taqbel ma' dik id-divulgazzjoni;

(b) l-informazzjoni tiġi ddivulgata biss għall-iskopijiet permissibbli mill-awtorità tal-oriġini.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, informazzjoni titqies bħala kunfidenzjali jekk tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' sigriet professjonali skont il-liġi tal-Unjoni.

TITOLU VII

**ARRANĠAMENTI TA' FINANZJAMENT**

*Artikolu 99*

**Sistema Ewropea ta' arranġamenti ta' finanzjament**

Hija b'dan stabbilita sistema Ewropea ta' arranġamenti ta' finanzjament li għandha tikkonsisti minn:

(a) arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100;

(b) self bejn arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament kif speċifikat fl-Artikolu 106,

(c) il-mutwalizzazzjoni ta' arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp kif imsemmi fl-Artikolu 107.

*Artikolu 100*

**Rekwiżiti biex jiġu stabbiliti arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġament ta' finanzjament wieħed jew iżjed għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni effiċjenti mill-awtorità tar-riżoluzzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament jistgħu jitnedu mill-awtorità pubblika nominata jew awtorità fdata bis-setgħat amministrattivi pubbliċi.

L-arranġamenti ta' finanzjament għandhom jintużaw biss skont l-għanijiet ta' riżoluzzjoni u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 31 u 34.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-istess struttura amministrattiva bħall-arranġamenti finanzjarji tagħhom għall-finijiet tal-iskema għall-garanzija tad-depożitu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti tal-finanzjament ikollhom riżorsi finanzjarji adegwati.

4. Għall-għan previst fil-paragrafu 3, l-arranġamenti ta' finanzjament għandhom partikolarment ikollhom is-setgħa li:

(a) jiġbru kontribuzzjonijiet ex ante kif speċifikat fl-Artikolu 103 bil-ħsieb li jintlaħaq il-livell fil-mira speċifikat fl-Artikolu 102;

(b) jiġbru kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post kif speċifikat fl-Artikolu 104, meta l-kontribuzzjonijiet speċifikati fil-punt (a) ma jkunx biżżejjed, u

(c) jiksbu self u forom oħra ta' għajnuna kif speċifikat fl-Artikolu 105.

5. Bl-eċċezzjoni tal-każijiet skont il-paragrafu 6, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-arranġament finanzjarju nazzjonali tiegħu permezz ta' fond, li l-użu tiegħu jista' jitnieda mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tiegħu, għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 101(1).

6. Minkejja l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jista', bil-għan li jaqdi l-obbligi tiegħu skont paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jistabbilixxi l-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali tiegħu permezz ta' kontribuzzjonijiet mandatorji minn istituzzjonijiet li huma awtorizzati fit-territorju tiegħu, liema kontribuzzjonijiet huma bbażati fuq il-kriterji msemmija fl-Artikolu 103(7) u li mhumiex miżmuma permezz ta' fond ikkontrollat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tiegħu sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jintlaħqu:

(a) l-ammont miġbur minn kontribuzzjonijiet huwa mill-inqas daqs l-ammont li huwa meħtieġ jinġabar taħt l-Artikolu 102;

(b) l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Istat Membru hija intitolata għal ammont ekwivalenti għall-ammont ta' tali kontribuzzjonijiet, li l-Istat Membru jagħmel immedjatament disponibbli għal dik l-awtorità ta' riżoluzzjoni fuq it-talba ta' din tal-aħħar, esklużivament għall-użu tal-finijiet stipulati fl-Artikolu 101;

(c) l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li jagħmel użu mid-diskrezzjoni li jisstruttura l-arranġamenti finanzjarji tiegħu skont dan il-paragrafu:

(d) l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bl-ammont imsemmi fil-punt (b) mhux inqas minn darba fis-sena; u

(e) ħlief kif stipulat f'dan il-paragrafu, l-arranġamenti finanzjarji jikkonformaw mal-Artikoli 99 sa 102, 103(1) sa (4) u (6), u l-Artikoli 104 sa 109.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jitqiesu sabiex jintlaħaq il-livell immirat speċifikat fl-Artikolu 102 jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet mandatorji minn kull skema ta' kontribuzzjonijiet mandatorji stabbilita minn Stat Membru fi kwalunkwe data bejn is-17 ta' Ġunju 2010 u t-2 ta' Lulju 2014 minn istituzzjonijiet fit-territorju tiegħu sabiex jiġu koperti l-ispejjeż marbuta mar-riskju sistemiku, il-falliment u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet, dment li l-Istat Membru jikkonforma ma' dan it-Titolu. Kontribuzzjonijiet għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ma għandhomx jgħoddu għal-livell immirat għall-arranġamenti tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni stipulat fl-Artikolu 102.

*Artikolu 101*

**Użu tal-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni**

1. L-arranġamenti tal-finanzjament stabbiliti skont l-Artikolu 100 jistgħu jintużaw mill-awtorità tar-riżoluzzjoni biss sal-punt meħtieġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-għodod tar-riżoluzzjoni, għall-iskopijiet li ġejjin:

(a) biex jiggarantixxu l-assi jew l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, tas-sussidjarji tagħha, tal-istituzzjoni tranżitorja jew ta' vettura tal-immaniġġar tal-assi;

(b) biex jagħtu self lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, lis-sussidjarji tagħha, lill-istituzzjoni tranżitorja jew lil vettura tal-immaniġġar tal-assi;

(c) biex jinxtraw assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;

(d) biex tagħmel kontribuzzjonijiet lil istituzzjoni tranżitorja u lill-vettura tal-immaniġġjar tal-assi;

(e) biex jitħallas kumpens lill-azzjonisti jew il-kredituri f'konformità mal-Artikolu 75;

(f) biex issir kontribuzzjoni lill-istituzzjoni f'riżoluzzjoni minflok il-valutazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' ċerti kredituri, meta tiġi applikata l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiddeċiedi li teskludi ċerti kredituri minn l-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44(3) sa (8);

(g) biex jagħtu self lil arranġamenti ta' finanzjament oħrajn fuq bażi volontarja skont l-Artikolu 106;

(h) biex tieħu kwalunkwe kombinazzjoni ta' azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (g).

L-arranġamenti ta' finanzjament jistgħu jintużaw sabiex jittieħdu l-azzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu anke fir-rigward tal-akkwirent fil-kuntest tal-għodda tal-bejgħ tan-negozju.

2. L-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni ma għandux jintuża direttament għall-assorbiment ta' telf ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew għar-rikapitalizzazzjoni ta' din it-tip ta' istituzzjoni jew entità. Fil-każ li l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu indirettament jirriżulta fit-trasferiment ta' parti mit-telf ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) lill-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, għandhom japplikaw il-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni stipulati fl-Artikolu 44.

*Artikolu 102*

**Livell immirat**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2024, il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-arranġamenti ta' finanzjament tagħhom, jilħqu mill-inqas 1 % tal-ammont tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livelli mmirati li jeċċedu dak l-ammont.

2. Matul il-perjodu inizjali ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1, kontribuzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament miġbura skont l-Artikolu 103 għandhom jinfirxu tul iż-żmien bl-aktar mod ekwu possibbli sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fażi taċ-ċiklu ta' negozju u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet pro-ċikliċi jista' jkollhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-instituzzjonijiet kontribwenti.

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu inizjali ta' żmien b'massimu ta' erba' snin fil-każ li l-arranġamenti ta' finanzjament jkunu għamlu żborzi akkumulati ta' aktar minn 0,5 % tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorju tagħhom li huma ggarantiti taħt id-Direttiva 2014/49/UE.

3. Jekk, wara l-perjodu inizjali ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell fil-mira speċifikat f'dak il-paragrafu, għandhom jerġgħu jibdew jinġabru l-kontribuzzjonijiet regolari skont l-Artikolu 103 sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u fejn il-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell immirat, dawk il-kontributi għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell immirat fi żmien sitt snin.

Il-kontribuzzjoni regolari għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa tal-fażi taċ-ċiklu ta' negozju, u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fl-iffissar tal-kontribuzzjonijiet annwali fil-kuntest ta' dan il-paragrafu.

4. L-ABE għandha tressaq rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2016 bir-rakkomandazzjonijiet dwar il-punt ta' referenza adatt għat-twaqqif tal-livell fil-mira għall-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, u partikolarment jekk l-obbligazzjonijiet totali humiex bażi aktar xierqa minn depożiti koperti.

5. Abbażi tar-riżultati tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha, jekk adatt, tippreżenta sal-31 ta' Diċembru 2016 lill-Parlament Ewropew u lill-Kusill proposta leġiżlattiva dwar il-bażi għal-livell fil-mira għar-riżoluzzjoni tal-arranġamenti ta' finanzjament.

*Artikolu 103*

**Kontribuzzjonijiet ex-ante**

1. Sabiex jilħqu l-livell fil-mira speċifikat fl-Artikolu 102, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet jinġabru mill-anqas annwalment mill-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorju tagħhom inkluż mill-fergħat fl-Unjoni.

2. Il-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni għandha tkun pro rata għall-ammont tal-obbligazzjonijiet tagħha (esklużi l-fondi proprji) li minnhom jitnaqqsu d-depożiti koperti fir-rigward tal-obbligazzjonijiet aggregati (esklużi l-fondi proprji) li minnhom jitnaqqsu d-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorju tal-Istat Membru.

Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu aġġustati proporzjonalment għall-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet, f'konformità mal-kriterji adottati skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jitqiesu biex jintlaħaq il-livell immirat speċifikat fl-Artikolu 102 jistgħu jinkludu impenji ta' pagamenti irrevokabbli li huma kompletament sostnuti b'kollateral ta' assi b'riskju baxx mhux ostakolati b'xi drittijiet ta' parti terza, għad-dispożizzjoni ħielsa u allokati għall-użu esklużiv tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 101(1). Is-sehem tal-impenji irrevokabbli ta' pagament ma għandux jaqbeż 30 % tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet miġbura skont dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligu tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet speċifikat f'dan l-Artikolu jkun infurzabbli skont il-liġi nazzjonali, u li l-kontribuzzjonijiet dovuti jitħallsu bis-sħiħ.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' kontabilità, ta' rappurtar u oħrajn xierqa sabiex jiżguraw illi l-kontribuzzjonijiet dovuti jitħallsu bis-sħiħ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw miżuri għal verifikazzjoni xierqa ta' jekk il-kontribuzzjonijiet tħallsux korrettament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw miżuri li jimpedixxu l-evażjoni, l-evitar u l-abbuż.

5. L-ammonti miġbura skont dan l-Artikolu għandhom jintużaw biss għall-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 101(1).

6. Soġġett għall-Artikoli 37, 38, 40, 41 u 42, l-ammonti rċevuti mingħand l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew l-istituzzjoni tranżitorja, l-imgħax u qligħ ieħor fuq l-investimenti u kwalunkwe qligħ ieħor jistgħu jibbenefikaw l-arranġamenti ta' finanzjament.

7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 115 sabiex tispeċifika l-kunċett ta' aġġustament tal-kontribuzzjonijiet fi proporzjon tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis dan kollu li ġej:

(a) l-iskopertura tar-riskju tal-istituzzjoni, inkluża l-importanza tal-attivitajiet tal-kummerċ tagħha, l-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħha u l-grad ta' ingranaġġ tagħha;

(b) l-istabbiltà u l-varjetà ta' sorsi ta' finanzjament tal-kumpanija u assi likwidi ħafna li mhux imfixkla;

(c) il-kondizzjoni finanzjarji tal-istituzzjoni;

(d) il-probabbiltà li l-istituzzjoni tidħol f'riżoluzzjoni;

(e) il-punt safejn l-istituzzjoni tkun ibbenefikat preċedentement minn għajnuna finanzarja pubblika straordinarja;

(f) il-kumplessità tal-istruttura tal-istituzzjoni u r-riżolvibbiltà tagħha, u

(g) l-importanza tal-istituzzjoni għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri jew aktar jew tal-Unjoni;

(h) il-fatt li l-istituzzjoni hi parti minn IPS.

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 115 sabiex tispeċifika:

(a) ir-reġistrazzjoni, il-kontabbiltà, l-obbligi tar-rappurtar u obbligi oħra msemmija fil-paragrafu 4 maħsuba biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet jiġu effettivament imħallsa;

(b) l-miżuri msemmija fil-paragrafu 4 biex tiżgura verifikazzjoni adegwata ta' jekk il-kontribuzzjonijiet tħallsux korrettament.

*Artikolu 104*

**Kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post**

1. Meta l-mezzi finanzjarji disponibbli mhumiex suffiċjenti biex ikopru t-telf, l-ispejjeż jew infiq ieħor imġarrab bl-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinġabbru kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post mingħand l-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorju tagħhom, sabiex jiġu koperti l-ammonti addizzjonali. Dawk il-kontribuzzjonijiet straordinarji ex post għandhom jiġu allokati bejn l-istituzzjonijiet skont ir-regoli stipulati fl-Artikolu 103(2).

Il-kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post ma għandhomx jeċċedu tliet darbiet l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 103.

2. L-Artikolu 103(4) sa (8) għandu jkun applikabbli għall-kontribuzzjonijiet li jinġabru taħt dan l-Artikolu.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tiddiferixxi l-ħlas, b'mod sħiħ jew parzjali, minn istituzzjoni ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex post għall-arranġament ta' riżoluzzjoni ta' finanzjament jekk il-kontribuzzjonijiet ikunu jipperikolaw il-likwidità jew is-solvenza tal-istituzzjoni. Tali differiment ma għandux jingħata għal perjodu itwal minn sitt xhur iżda jista' jiġġedded fuq talba tal-istituzzjoni. Il-kontribuzzjonijiet differiti skont dan is-subparagrafu għandhom jitħallsu meta pagament ma jipperikolax aktar il-likwidità jew is-solvenza tal-istituzzjoni.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 115 biex tispeċifika ċ-ċirkustanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet minnistituzzjoni jista' jiġi differit skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 105*

**Mezzi alternattivi ta' finazjament**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm arranġamenti ta' finanzjament taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jikkuntrattjaw self jew forom oħra ta' għajnuna minn istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji, jew partijiet terzi oħra f'każ li l-ammonti miġbura skont l-Artikolu 103 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru t-telf, l-ispejjeż jew infiq ieħor imġarrab bl-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament, u l-kontribuzzjonijiet straordinarji previsti fl-Artikolu 104 ma jkunux aċċessibbli jew suffiċjenti.

*Artikolu 106*

**Self bejn arranġamenti ta' finanzjament**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' finanzjament taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jistgħu jitolbu li jisselfu mill-arranġamenti ta' finanzjament l-oħrajn kollha fl-Unjoni, fil-każ li:

(a) l-ammonti miġbura skont l-Artikolu 103 mhumiex biżżejjed biex ikopru t-telf, l-ispejjeż jew spejjeż oħrajn sostnuti minħabba l-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament;

(b) il-kontribuzzjonijiet straordinarji ex post provduti fl-Artikolu 104 mhumiex immedjatament aċċessibbli; kif ukoll

(c) il-mezzi alternattivi ta' finanzjament previsti fl-Artikolu 105 mhumiex immedjatament aċċessibbli b'kondizzjonijiet raġonevoli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' finanzjament taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jkollhom is-setgħa li jagħtu self lil arranġamenti ta' finanzjament oħra fl-Unjoni fiċ-ċirkostanzi speċifikati fil-paragrafu 1.

3. B'segwitu għal talba skont il-paragrafu 1, kull wieħed mill-arranġamenti ta' finanzjament l-oħrajn fl-Unjoni għandu jiddeċiedi jekk għandux jagħti self lill-arranġament ta' finanzjament li jkun għamel it-talba. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li dik id-deċiżjoni tittieħed wara konsultazzjoni, jew bil-kunsens tal-ministeru kompetenti jew tal-gvern. Id-deċiżjoni għandha tittieħed b'urġenza dovuta.

4. Ir-rata tal-imgħax, il-perijodu tal-ħlas lura u termini u kondizzjonijiet oħrajn tas-self għandhom jiġu maqbula bejn l-arranġament ta' finanzjament li jagħti s-self u l-arranġamenti ta' finanzjament l-oħrajn li jkunu ddeċidew li jieħdu sehem. Is-self ta' kull arranġament ta' finanzjament parteċipanti għandu jkollu l-istess rata ta' mgħax, perijodu ta' ħlas lura u termini u kondizzjonijiet oħrajn, sakemm l-arranġamenti ta' finanzjament parteċipanti kollha ma jaqblux mod ieħor.

5. L-ammont misluf minn kull arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni parteċipanti għandu jkun pro rata għall-ammont ta' depożiti koperti fl-Istat Membri ta' dak l-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni, rigward l-ammont aggregat ta' depożiti koperti fl-Istati Membri tal-arranġamenti ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni parteċipanti. Dawk ir-rati tal-kontribuzzjoni jistgħu jvarjaw bi qbil fost l-arranġamenti ta' finanzjament parteċipanti kollha.

6. Is-self dovut lil arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni ta' Stat Membru ieħor skont dan l-Artikolu għandu jiġi trattat bħala assi tal-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni li jkun pprovda s-self u jista' jingħad għall-fini tal-livell immirat tal-arranġament ta' finanzjament.

*Artikolu 107*

**Mutwalizzazzjoni ta' arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' grupp kif imsemmija fl-Artikolu 91 jew l-Artikolu 92, l-arranġament ta' finanzjament nazzjonali ta' kull istituzzjoni li tkun parti minn grupp tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni tal-grupp skont dan l-Artikolu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet li huma parti mill-grupp, għandha tipproponi, jekk meħtieġ qabel ma tieħu kwalunkwe azzjoni ta' riżoluzzjoni, pjan finanzjarju, bħala parti mill-iskema ta' riżoluzzjoni tal-grupp stipulata fl-Artikoli 91 u 92.

Il-pjan ta' finanzjament għandu jiġi maqbul f'konformità mal-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 91 u 92.

3. Il-pjan ta' finanzjament għandu jinkludi:

(a) valutazzjoni bi qbil mal-Artikolu 36 fir-rigward tal-entitajiet tal-grupp affettwati;

(b) it-telf li għandu jiġi rikonoxxut minn kull entità fi grupp affettwata fil-mument li fih jiġu eżerċitati l-għodod ta' riżoluzzjoni;

(c) għal kull entità fi grupp affettwata, it-telf sostnut minn kull klassi ta' azzjonisti u kredituri;

(d) kwalunkwe kontribuzzjoni meħtieġa li ssir mill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-Artikolu 109(1);

(e) il-kontribuzzjoni totali mill-arranġamenti ta' riżoluzzjoni ta' finanzjament u l-għan u l-forma tal-kontribuzzjoni;

(f) il-bażi biex jiġi kkalkulat l-ammont li kull wieħed mill-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali tal-Istati Membri fejn ikunu jinstabu l-entitajiet tal-grupp affettwati, hi meħtieġa biex issir kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni tal-grupp sabiex tinbena l-kontribuzzjoni totali msemmija fil-punt (e);

(g) l-ammont li l-arranġament ta' finanzjament nazzjonali ta' kull entità fi grupp affettwata hu meħtieġ li jikkontribwixxi għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni tal-grupp u l-forma ta' dawn il-kontribuzzjonijiet;

(h) l-ammont ta' self li l-arranġamenti ta' finanzjament tal-Istati Membri fejn ikunu jinstabu l-entitajiet tal-grupp affettwati, ser jiksbu mill-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet finanzjarji u partijiet terzi oħrajn, skont l-Artikolu 105.

(i) skeda ta' żmien għall-użu tal-arranġamenti ta' finanzjament tal-Istati Membri fejn ikunu jinsabu l-entitajiet fi grupp affettwati, li għandha tkun tista' tiġi estiża fejn ikun xieraq.

4. Il-bażi għat-tqassim tal-kontribuzzjoni msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 3 għandha tkun konsistenti mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u mal-prinċipjistabbiliti fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 12(3), sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor fil-pjan ta' finanzjament.

5. Sakemm mhux maqbul mod ieħor fil-pjan ta' finanzjament, il-bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni ta' kull arranġament ta' finanzjament nazzjonali għandu, b'mod partikolari, jikkunsidra:

(a) il-proporzjon tal-assi tal-grupp miżmum f'istituzzjonijiet u entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) stabbiliti fl-Istat Membru ta' dak l-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni;

(b) il-proporzjon tal-assi tal-grupp miżmum f'istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(b), (c) u (d) stabbilit fl-Istat Membru ta' dak l-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni;

(c) il-proporzjoni tat-telf, li ta lok għall-ħtieġa ta' riżoluzzjoni tal-grupp, li oriġinat fl-entitajiet tal-grupp taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' dak l-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni; kif ukoll

(d) il-proporzjoni tar-riżorsi tal-arranġamenti ta' finanzjament tal-grupp li, skont il-pjan ta' finanzjament, huma mistennija li ser jintużaw biex ikunu ta' benefiċċju dirett għall-entitajiet tal-grupp stabbiliti fl-Istat Membru ta' dak l-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu minn qabel, regoli u proċeduri biex jiżguraw li kull arranġament ta' finanzjament nazzjonali jista' jaffettwa l-kontribuzzjoni tiegħu għar-riżoluzzjoni ta' finanzjament tal-grupp immedjatament mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2.

7. Għall-fini ta' dan l-Artiklu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' finanzjament tal-grupp, bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 105, biex jinkiseb self jew forom oħrajn ta' għajnuna, mingħand istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħrajn.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jistgħu jiggarantixxu kwalunkwe teħid ta' self ikkuntrattjat mill-arranġamenti ta' finanzjament tal-grupp skont il-paragrafu 7.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe qligħ jew benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tal-arranġamenti ta' finanjament tal-grupp jiġu allokati lill-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament skont il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni kif stabbilit fil-paragrafu 2.

*Artikolu 108*

**Klassifikazzjoni ta' depożiti f'ġerarkija ta' insolvenza**

L-Istati Membru għandhom jiżguraw li fil-liġi nazzjonali li tirregola l-proċeduri ta' insolvenza normali:

(a) dawn li ġejjin ikollhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità li tkun ogħla mill-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet tal-kredituri komuni mhux garantiti u mhux preferuti:

(i) dik il-parti ta' depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u minn impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li taqbeż il-livell ta' kopertura prevista fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/49/UE;

(ii) depożiti minn persuni fiżiċi u minn impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li jkunu depożiti eliġibbli kieku mhux għall-fatt li jkunu saru f'fergħat barra mill-Unjoni ta' istituzzjonijiet stabbiliti fi ħdan l-Unjoni.

(b) dawn li ġejjin ikollhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità li tkun ogħla mill-klassifikazzjoni prevista fil-punt (a);

(i) depożiti koperti;

(ii) skemi ta' garanzija ta' depożiti surrogati għad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' depożituri koperti f'insolvenza.

*Artikolu 109*

**Użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest ta' riżoluzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni, u sakemm dik l-azzjoni tiżgura li d-depożituri jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li l-istituzzjoni hija affiljata magħha tkun responsabbli għal:

(a) meta jiġi applikat l-istrument tar-rikapitalizzazzjoni interna, l-ammont li bih jitniżżel il-valur tad-depożiti koperti jkunu ġew żvalutati sabiex jiġi assorbit it-telf fl-istituzzjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 46(1), fil-każ li d-depożiti koperti kienu inklużi fl-ambitu tar-rikapitalizzazzjoni interna u kien tniżżel il-valur tagħhom għall-istess livell bħall-kredituri bl-istess livell ta' prijorità skont il-liġi nazzjonali li tirregola l-proċeduri ta' insolvenza normali; jew

(b) meta tiġi applikata waħda jew aktar mill-għodda ta' riżoluzzjoni li ma jkunux l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, l-ammont tat-telf sostnut mid-depożituri koperti, fil-każ li d-depożituri koperti jkunu sostnew telf fi proporzjon mat-telf sostnut mill-kredituri bl-istess livell ta' prijorità skont il-liġi nazzjonali li tirregola l-proċedimenti ta' insolvenza normali.

F'kull każ, l-obbligazzjonijiet tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti ma għandhomx ikunu ta' ammont akbar mill-ammont tat-telf li kien ikollha ssostni kieku l-istituzzjoni kienet ġiet soġġetta għal stralċ skont proċeduri ta' insolvenza normali.

Meta tiġi applikata l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti ma għandhiex tkun meħtieġa tagħmel l-ebda kontribuzzjoni lejn l-ispejjeż ta' rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni jew l-istituzzjoni tranżitorja skont il-punt (b) tal-Artikolu 46(1).

Meta jiġi stabbilit permezz ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 74 li l-iskema ta' garanzija tad-depożitu għar-riżoluzzjoni kienet ta' aktar mit-telf nett li kieku kienet issostni kieku l-istituzzjoni kienet soġġetta għal stralċ skont proċeduri ta' insolvenza normali, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandu jkollha d-dritt għall-pagament tad-differenza mill-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 75.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-determinazzjoni tal-ammont li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti hija responsabbli għalih skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36.

3. Il-kontribuzzjoni mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti għall-iskop tal-paragrafu 1 għandha ssir fi flus.

4. Fejn depożiti eliġibbli f'istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jiġu ttrasferiti lil entità oħra permezz tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, id-depożituri ma jkollhom l-ebda pretensjoni skont id-Direttiva 2014/49/UE kontra l-iskema ta' garanzija tad-depożitu fir-rigward ta' kwalunkwe parti tad-depożiti tagħhom fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li ma jiġux ittrasferiti, sakemm dak l-ammont ta' fondi trasferiti jkun daqs jew iktar mil-livell aggregat ta' kopertura provduti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/49/UE.

5. Minkejja l-paragrafi 1 sa 4, jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' skema ta' garanzija ta' depożiti jintużaw bi qbil magħha u jitnaqqsu sussegwentement għal anqas minn żewġ terzi tal-livell immirat tal-iskema ta' garanzija ta' depożiti, il-kontribuzzjoni regolari għall-iskema ta' garanzija ta' depożiti għandha tkun iffissata f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell immirat fi żmien sitt snin.

Fi kwalunkwe każ, ir-responsabilità ta' skema ta' garanzija ta' depożiti ma għandhiex tkun akbar mill-ammont ekwivalenti għal 50 % tal-livell immirat tagħha skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/49/UE. L-Istati Membri, jistgħu, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifitajiet tas-settur bankarju nazzjonali tagħhom, jiffissaw perċentwal li jkun ogħla minn 50 %.

Fi kwalunkwe ċirkostanza, il-parteċipazzjoni għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont din id-Direttiva ma għandhiex teċċedi t-telf li ġġarrab fi stralċ skont il-proċedimenti ta' insolvenza normali.

TITOLU VIII

**PENALI**

*Artikolu 110*

**Penali u miżuri amministrattivi oħrajn**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu pieni kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali u miżuri amministrattivi oħrajn applikabbli fejn ma jiġux rispettati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal penali amministrattivi għal ksur li hu soġġett għad-dritt kriminali nazzjonali huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt kriminali. Il-penali u l-miżuri amministrattivi l-oħrajn għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn japplikaw l-obbligi obbligi għal msemmija fl-ewwel paragrafu għall-istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji u intrapriżi prinċipali tal-Unjoni, fil-każ ta' ksur jkunu jistgħu jiġu applikati penali amministrattivi, soġġett għal kondizzjonijiet stipulati fid-dritt nazzjonali, lill-membri tal-entità maniġerjali, u lil persuna fiżika oħra li skont il-liġi nazzjonali jkun responsabbli għall-ksur.

3. Is-setgħat ta' impożizzjoni ta' penali amministrattivi previsti f'din id-Direttiva għandha tiġi attribwita lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew lill-awtoritajiet kompetenti, skont it-tip ta' ksur. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat investigattivi kollha u ta' ġbir ta' informazzjoni li huma neċċessarji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu penali, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li l-penali amministrattivi jew il-miżuri amministrattivi l-oħrajn jipproduċu r-riżultati mixtieqa u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom meta jittrattaw każijiet transkonfinali.

4. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom li jimponu penali amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u mad-dritt nazzjonali fi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) direttament;

(b) b'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil tali awtoritajiet;

(d) permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

*Artikolu 111*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom jipprevedu penali u miżuri oħra tal-inqas fir-rigward taċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) nuqqas li jitfasslu, jinżammu u jiġu aġġornati pjanijiet ta' rkupru u pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, li jiksru l-Artikoli 5 jew 7;

(b) nuqqas ta' notifika lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni li tingħata għajnuna finanzjarja lil grupp li jiksru l-Artikolu 25;

(c) nuqqas li tkun provduta l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni li jiksru l-Artikolu 11;

(d) nuqqas tal-maniġment ta' korp ta' istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) li jinnotifika lill-awtorità kompetenti meta istituzzjoni jew entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tkun qed tfalli jew probabbli tfalli, li jiksru l-Artikolu 81(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-penali u l-miżuri amministrattivi l-oħra li jkunu jistgħu jiġu applikati jkunu mill-anqas jinkludu dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika, istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja, intrapriża prinċipali tal-Unjoni jew persuna ġuridika responsabbli u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li teħtieġ li l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(c) projbizzjoni temporanja kontra membru tal-korp maniġerjali jew maniġment anzjan tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tinżamm responsabbli, milli teżerċita funzjonijiet f'istituzzjonijiet jew entitajiet msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

(d) fil-każ ta' persuna ġuridika, multi amministrattivi pekunarji sa 10 % tal-fatturat nett annwali totali tal-persuna ġuridika fis-sena kummerċjali preċedenti. Fejn il-persuna ġuridika hija sussidjarja ta' intrapriża prinċipali, il-fatturat rilevanti għandu jkun il-fatturat li jirriżulta mill-kontabilità konsolidata tal-intrapriża prinċipali aħħarija fis-sena kummerċjali preċedenti;

(e) fil-każ ta' persuna fiżika, multi amministrattivi pekunarji ta' sa EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri fejn l-Euro ma tkunx il-munita uffiċjali, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014;

(f) multi amministrattivi pekunarji sad-doppju tal-ammont tal-benefiċċju miksub minħabba l-ksur fejn fejn dak il-benefiċċju jkun jista' jiġi determinat.

*Artikolu 112*

**Pubblikazzjoni tal-penali amministrattivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw fil-websajt uffiċjali tagħhom tal-inqas kwalunkwe penali amministrattiva li tkun ġiet imposta minnhom għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva fejn tali penali ma kienux is-suġġett ta' appell jew fejn id-dritt ta' appell jkun ġie eżawrit. Tali publikazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien mhux dovut wara li l-persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi l-penali tiġi infurmata b'dik id-deċiżjoni, inkluż informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika li fir-rigward tiegħu tiġi imposta l-penali.

Meta l-Istati Membri jippermettu l-pubblikazzjoni ta' penali li dwarhom ikun hemm appell, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien mhux dovut, jippubblikaw fuq il-websajt uffiċjali tagħhom, informazzjoni dwar l-istatus ta' dak l-appell u l-eżitu tiegħu.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw il-penali imposti minnhom fuq bażi anonima, b'mod li jikkonforma mad-dritt nazzjonali, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta l-penali tiġi imposta fuq persuna fiżika u jintwera li l-pubblikazzjoni ta' dejta personali hi sproporzjonata minn valutazzjoni a priori obbligatorja tal-proporzjonalità ta' tali pubblikazzjoni;

(b) meta l-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni kriminali li tkun għadha għaddejja;

(c) meta l-pubblikazzjoni tikkawża, sa fejn jista' jiġi ddeterminat, dannu sproporzjonat għall-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) jew l-persuni fiżiċi involuti.

Alternattivament, f'dawn il-każijiet, il-pubblikazzjoni tad-dejta inkwistjoni tista' tiġi posposta għal perjodu ta' żmien raġonevoli, jekk jista' jkun previst li r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima jieqfu milli jeżistu f'dak il-perjodu.

3. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe pubblikazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tibqa' fuq il-websajt uffiċjali tagħhom għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin. Id-dejta personali li tinsab fil-pubblikazzjoni għandha tinżamm biss fil-websajt uffiċjali tal-awtorità ta' riżoluzzjoni jew l-awtorità kompetenti għall-perijodu li jkun meħtieġ f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

4. Sat-3 ta' Lulju 2016 l-ABE għandha tressaq rapport lill-Kummissjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' penali mill-Istati Membri fuq bażi anonima kif previst taħt paragrafu 2 u, partikolarment fejn kien hemm diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'dak ir-rigward. Dak ir-rapport għandu jindirizza wkoll kwalunkwe diverġenza sinifikattiva matul il-pubblikazzjoni ta' penali skont id-dritt nazzjonali għall-Istati Membri għall-pubblikazzjoni tal-penali.

*Artikolu 113*

**Żamma ta' bażi ta' dejta ċentrali mill-ABE**

1. Soġġett għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali stretta msemmija fl-Artikolu 84, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE bil-penali amministrattivi kollha imposti minnhom taħt l-Artikolu 111 bl-istatus ta' dak l-appell u l-eżitu tiegħu. L-ABE għandha żżomm bażi ta' dejta ċentrali ta' penali irrapportati lilha unikament għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biss u għandha tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. L-ABE għandha żżomm bażi ta' dejta ċentrali ta' sanzjonijiet irrapportati lilha unikament għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biss u għandha tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-ABE għandha żżomm webpeġ b'ħoloq għall-pubblikazzjoni ta' penalitajiet ta' kull awtorità ta' riżoluzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' penali ta' kull awtorità kompetenti skont l-Artikolu 112 u tindika l-perijodu li matulu kull Stat Membru jippubblika l-penali.

*Artikolu 114*

**Applikazzjoni effikaċi tal-penali u l-eżerċizzju tas-setgħat impożizzjoni ta' penali mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkunu qegħdin jiddeterminaw it-tip ta' penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra u l-livell tal-multi amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, inkluż fejn adatt:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-livell ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli, pereżempju, kif indikata mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew id-dħul annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-ammont tal-profitti miksuba jew it-telf evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli, safejn ikunu jistgħu jiġu determinati;

(e) it-telf għal partijiet terzi kkawżat mill-ksur, safejn ikun jista' jiġi determinat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mal-awtorità kompetenti u mal-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(g) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli;

(h) kwalunkwe konsegwenza sistemika potenzjali tal-ksur.

TITOLU IX

**SETGĦAT TA' EŻEKUZZJONI**

*Artikolu 115*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikoli 2, l-Artikolu 44(11), l-Artikolu 76(4), l-Artikolu 103(7) u (8) jew l-Artikolu 104(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni- għal perjodu ta' żmien mhux determinat mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikoli 2, l-Artikolu 44(11), l-Artikolu 76(4), l-Artikolu 103(7) u (8) jew l-Artikolu 104(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont fit-tieni paragrafu tal-Artikoli 2, l-Artikolu 44(11), l-Artikolu 76(4), l-Artikolu 103(7) u (8) jew l-Artikolu 104(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezz-jonijiet. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

6. Il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta atti delegati meta ż-żmien tal-iskrutinju tal-Parlament Ewropew huwa mnaqqas permezz ta' waqfa għal inqas minn ħames xhur inkluża kwalunkwe estensjoni.

TITOLU X

**EMENDI GĦAD-DIRETTIVI 82/891/KEE, 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE. 2012/30/UE U 2013/36/UE U GĦAR-REGOLAMENTI (UE) Nru 1093/2010 U (UE) Nru 648/2012**

*Artikolu 116*

**Emenda għad-Direttiva 82/891/KEE**

L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 82/891/KEE jiġi ssostitwit minn dan li ġej:

"4. L-Artikolu 1(2), (3) u (4) tad-Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandhom japplikaw.

(*) Id-Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-mergers ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata (ĠU L 110, 29.4.2011, p. 1)".

*Artikolu 117*

**Emendi għad-Direttiva 2001/24/KE**

Id-Direttiva 2001/24/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal ditti ta' investiment kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u l-fergħat tagħhom li jinsabu fi Stati Membri li mhumiex dak li fihom għandhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom.

4. Fil-każ tal-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat tar-riżoluzzjoni previsti fid-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), din id-Direttiva għandha tapplika ukoll għall-istituzzjonijiet finanzjarji, id-ditti u l-impriżi prinċipali li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2014/59/UE.

5. L-Artikoli 4 u 7 ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw fejn japplika l-Artikolu 83 tad-Direttiva 2014/59/UE.

6. L-Artikolu 33 ta' din id-Direttiva m'għandux japplika fejn japplika l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2014/59/UE.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 tas-dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(**) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

— 'Stat Membru domiċiljari' tfisser Stat Membru domiċiljari kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (43) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

— 'Stat Membru domiċiljari' tfisser Stat Membru domiċiljari kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (44) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

— 'fergħa' tfisser fergħa kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (17) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

— 'awtorità kompetenti' tfisser awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (40) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew awtorità ta' risoluzzjoni skont it-tifsira fl-Artikolu 2(18) tad-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tar-riorganizzazzjoni tal-miżuri meħuda skont dik id-Direttiva;

— 'amministratur' tfisser kull persuna jew korp maħtur mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji li l-kompitu tagħha huwa li tamministra miżuri ta' riorganizzazzjoni;

— 'awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji' tfisser dawk l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istati Membri li huma kompetenti għall-finijiet tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri tal-istralċ;

— 'miżuri ta' riorganizzazzjoni' tfisser miżuri li huma maħsuba sabiex jippreservaw jew ireġġgħu lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet preżistenti ta' parijiet terzi, inklużi l-miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' pagamenti, is-sospensjoni ta' miżuri ta' infurzar jew it-tnaqqis ta' pretensjonijiet; dawk il-miżuri jinkludu l-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni previsti fid-Direttiva 2014/59/UE;

— 'likwidatur' tfisser kull persuna jew korp maħtur mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji li l-kompitu tiegħu hu li jamministra l-proċeduri ta' stralċ;

— 'proċeduri ta' stralċ' tfisser proċeduri kollettivi mibdija u sorveljati mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji ta' Stat Membru bl-għan tar-realizzazzjoni tal-assi taħt is-superviżjoni ta' dawk l-awtoritajiet, inkluż fejn il-proċeduri jintemmu b'kompożizzjoni jew miżura simili oħra;

— "suq regolat" tfisser suq regolat kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (21) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

— 'strument' tfisser strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (50)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(*) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349)"

(3) L-Artikolu 25 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

**Ftehimiet ta' netting**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 60a u 63 tad-Direttiva 2014/59/UE, il-ftehimiet ta' netting għandhom ikunu rregolati biss bil-liġi tal-kuntratt li jirregola tali ftehimiet."

(4) L-Artikolu 26 jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 26*

**Ftehimiet ta' riakkwist**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 68 u 71 tad-Direttiva 2014/59/UE u tal-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva, il-ftehimiet ta' riakkwist għandhom ikunu rregolati biss bil-liġi tal-kuntratt li jirregola tali ftehimiet."

*Artikolu 118*

**Emenda għad-Direttiva 2002/47/KE**

Id-Direttiva 2002/47/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-Artikoli 4 sa 7 ta' din id-Direttiva ma japplikawx għal kwalunkwe restrizzjoni fuq l-infurzar ta' arranġamenti ta' kollateral finanzjarju jew kwalunkwe restrizzjoni fuq l-effett ta' arranġament ta' kollateral finanzjarju ta' garanzija, dispożizzjoni ta' saldu abbażi tal-valur net jew ta' tpaċija imposta skont it-Titolu IV Kapitolu V jew VI jew l-Artikolu 77 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew għal kwalunkwe restrizzjoni bħal din imposta bis-saħħa ta' setgħat simili fid-dritt domestiku ta' Stat Membru biex tiffaċilita r-riżoluzzjoni ordinata ta' kwalunkwe entità msemmija fil-punti (c)(iv) u (d) tal-paragrafu 2 li hija soġġetta għal salvagwardji tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fit-Titolu IV Kapitolu VII tad-Direttiva 2014/59/UE (*);

(*) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

(2) L-Artikolu 9a huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 9a*

**Direttivi 2008/48/KE u 2014/59/UE**

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2008/48/KE u 2014/59/UE."

*Artikolu 119*

**Emenda għad-Direttiva 2004/25/KE**

Fl-Arikolu 4(5) tad-Direttiva 2004/25/KE, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikolu 5(1) ta' din id-Direttiva ma japplikax f'każ ta' użu ta' għodod, setgħat u mekkaniżmi tar-riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).".

*Artikolu 120*

**Emenda għad-Direttiva 2005/56/KE**

Fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/56/KE għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva ma tapplikax għall-kumpannija jew kumpanniji li huma s-suġġett tal-użu ta' għodod, setgħat u mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE, u tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

*Artikolu 121*

**Emendi għad-Direttiva 2007/36/KE**

Id-Direttiva 2007/36/KE tiġi emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva ma tapplikax fil-każ tal-użu ta' għodod, setgħat u mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

(2) fl-Artikolu 5 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-finijiet tad-Direttiva 2014/59/UE, il-laqgħa ġenerali tista' tiddeċiedi permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti validi, tiddeċiedi jew timmodifika l-istatut biex tippreskrivi li sejħa għal laqgħa ġenerali sabiex jiġi deċiż dwar żieda fil-kapital tista' tissejjaħ b'avviż iqsar minn dak previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm dik il-laqgħa ma sseħħx fi żmien għaxart ijiem kalendarji mis-sejħa u li l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 27 jew 29 tad-Direttiva 2014/59/UE jiġu sodisfatti u li ż-żieda fil-kapital hija meħtieġa sabiex jiġu evitati l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33 ta' dik id-Direttiva.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, l-obbligu għal kull Stat Membru li jiffissa skadenza waħda fl-Artikolu 6(3), l-obbligu li jiżgura d-disponibbiltà fil-ħin ta' agenda riveduta fl-Artikolu 6(4) u l-obbligu għal kull Stat Membru li jiffissa data ta' reġistrazzjoni waħda fl-Artikolu 7(3) ma għandhomx japplikaw."

*Artikolu 122*

**Emenda għad-Direttiva 2011/35/UE**

Fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2011/35/UE, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din id-Direttiva ma tapplikax għall-kumpannija jew kumpanniji li huma s-suġġett tal-użu ta' għodod, setgħat u mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE, u tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).".

*Artikolu 123*

**Emenda għad-Direttiva 2012/30/UE**

Fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2012/30/UE, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikoli 10, 19(1), 29(1), (2) u (3), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31(2), l-Artikoli 33 sa 36 u l-Artikoli 40, 41 u 42 ta' din id-Direttiva ma japplikawx fil-każ tal-użu tal-għodod, is-setgħat u l-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti fit-Titolu IV tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (*).

---

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

*Artikolu 124*

**Emenda għad-Direttiva 2013/36/UE**

Fl-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36/UE, jitħassar il-paragrafu 4.

*Artikolu 125*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1093/2010**

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) 'awtorità kompetenti' tfisser:

(i) l-awtorità kompetenti kif iddefinita fl-Artikolu 4(1) (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fis-sens tad-Direttivi 2007/64/KE u 2009/110/KE;

(ii) fir-rigward tad-Direttivi 2002/65/KE u 2005/60/KE, l-awtoritajiet kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dawk id-Direttivi mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji;

(iii) f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), awtorità maħtura kif definita fl-Artikolu 2(1)(18) ta' dik id-Direttiva;

(iv) fir-rigward tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) awtorità tar-riżoluzzjoni kif definita fl-Artikolu 2(1)(18) ta'dik id-Direttiva.

---

(*) Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

(**) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

(2) Fl-Artikolu 40(6), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet li jaġixxi fl-ambitu tad-Direttiva 2014/59/UE il-membru tal-Bord tas-Superviżuri msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jista', fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn rappreżentant mill-awtorità tar-riżoluzzjoni f'kull Stat Membru, li ma għandux ikollu vot."

*Artikolu 126*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 648/2012**

Fl-Artikolu 81(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012/UE, is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"(k) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni maħtura skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

---

(*) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).";

TITOLU XI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 127*

**Kumitat tar-Riżoluzzjoni tal-ABE**

L-ABE għandha toħloq kumitat intern permanenti f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għall-għan li jhejji d-deċiżjonijiet tal-ABEli għandhom jittieħdu bi qbil mal-Artikolu 44 tagħha, inklużi deċiżjonijiet relattivi għall-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u l-abbozz tal-implimentazzjoni ta' standards tekniċi, fir-rigward ta' kompiti li jkunu ngħataw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kif stipulat f'din id-Direttiva. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tiegħu l-ABE għandha tiżgura li l-ebda deċiżjoni msemmija f'dak l-Artikolu ma taffettwa b'xi mod ir-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri. Dak il-kumitat intern għandu jkun kompost mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-ABE għandha tikkoopera mal-ESMA u mal-EIOPA fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej stabbilit fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1095/2011.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-ABE għandha tiżgura separazzjoni strutturali bejn il-kumitat ta' riżoluzzjoni u funzjonijiet oħra msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Il-kumitat ta' riżoluzzjoni għandu jippromwovi l-iżvilupp u l-koordinament ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-iżvilupp ta' metodi ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji li qed ifallu.

*Artikolu 128*

**Kooperazzjoni mal-ABE**

L-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw mal-ABE għall-finijiet ta' din id-Direttiva skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni għandhom, bla dewmien, jipprovdu lill-ABE bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq dmirijietha skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 129*

**Reviżjoni**

Sal-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tressaq rapport dwaru lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Hija għandha tivvaluta partikolarment dan li ġej:

(a) abbażi tar-rapport mill-ABE msemmi fl-Artikolu 4(7), il-ħtieġa għal emendi fir-rigward li jiġu mminimizzati d-diverġenzi fil-livell nazzjonali;

(b) abbażi tar-rapport mill-ABE msemmi fl-Artikolu 45(16), il-ħtieġa għal emendi fir-rigward li jiġu mminimizzati d-diverġenzi fil-livell nazzjonali;

(c) il-funzjonament u l-effikaċja tar-rwol konferit lill-ABE f'din id-Direttiva, inkluż fit-twettiq tal-medjazzjoni.

Fejn xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

Minkejja r-reviżjoni prevista fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha sat-3 ta' Lulju 2017, tanalizza speċifikament l-applikazzjoni tal-Artikoli 13, 18 u 45 fir-rigward tas-setgħat tal-ABE li twettaq medjazzjoni vinkolanti biex jittieħed kont tal-iżviluppi futuri fil-liġi tas-servizzi finanzjarji. Dak ir-rapport u kwalunkwe proposta li takkumpanjah, kif xieraq, għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 130*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sal-31 ta' Diċembru 2014 liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2015.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw dispożizzjonijiet adottati sabiex jikkonformaw mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu IV mill-1 ta' Jannar 2016 l-aktar tard.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-ABE t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 131*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 124 għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

*Artikolu 132*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
D. KOURKOULAS

*ANNESS*

TAQSIMA A

**Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-pjanijiet ta' rkupru**

Il-pjan ta' rkupru għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(1) Sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan u sommarju tal-kapaċità kumplessiva tal-irkupru;

(2) sommarju tal-bidliet materjali fl-istituzzjoni minn meta ġie ffajljat l-aktar pjan ta' rkupru riċenti;

(3) komunikazzjoni u pjan ta' divulgazzjoni li jiddeskrivi kif id-ditta għandha l-ħsieb timmaniġġja kwalunkwe reazzjoni potenzjalment negattiva tas-suq;

(4) firxa ta' azzjonijiet kapitali u ta' likwidità meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabbiltà tal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni;

(5) stima tal-qafas ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;

(6) deskrizzjoni dettaljata ta' kwalunkwe impediment materjali tal-eżekuzzjoni effettiva u f'waqtha tal-pjan, inkluża l-konsiderazzjoni tal-impatt fuq il-bqija tal-grupp, il-konsumaturi u l-kontropartijiet;

(7) identifikazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi;

(8) deskrizzjoni dettaljata tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjalizzazzjonibbiltà tal-linji tan-negozju ewlenin, l-operazzjonijiet u l-assi tal-istituzzjoni;

(9) deskrizzjoni dettaljata ta' kif l-ippjanar tal-irkupru huwa integrat fl-istruttura tal-governanza korporattiva tal-istituzzjoni kif ukoll il-politiki u l-proċeduri li jirregolaw l-approvazzjoni tal-pjan ta' rkupru u l-identifikazzjoni tal-persuni fl-organizzazzjoni responsabbli għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan;

(10) arranġamenti u miżuri li jikkonservaw jew li jirrestawraw il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

(11) arranġamenti u miżuri sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjoni għandha aċċess adegwat għas-sorsi tal-finanzjament ta' kontinġenza, inklużi sorsi potenzjali ta' likwidità, valutazzjoni tal-kollateral disponibbli u valutazzjoni tal-possibbiltà li tiġi trasferita likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp u l-linji tan-negozju, sabiex jiġi żgurat li tista' twettaq l-operazzjonijiet tagħha u tissodisfa l-obbligi tagħha meta jsiru dovuti;

(12) arranġamenti u miżuri sabiex jitnaqqsu r-riskju u l-ingranaġġ;

(13) arranġamenti u miżuri sabiex jiġu ristrutturati l-obbligazzjonijiet;

(14) arranġamenti u miżuri sabiex jiġu ristrutturati linji tan-negozju;

(15) arranġamenti u miżuri meħtieġa sabiex jinżamm aċċess kontinwu għal infrastrutturi tas-swieq finanzjarji;

(16) arranġamenti u miżuri meħtieġa sabiex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tal-istituzzjoni, inklużi l-infrastruttura u s-servizzi tal-IT;

(17) arranġamenti preparatorji sabiex jiġi faċilitat il-bejgħ tal-assi jew il-linji tan-negozju f'qafas taż-żmien xieraq sabiex tiġi restawrata s-sodezza finanzjarja;

(18) azzjonijiet jew strateġiji oħra ta' mmaniġġjar sabiex jiġu rrestawrati s-sodezza finanzjarja u l-effett finanzjarju antiċipat ta' dawk l-azzjonijiet jew l-istrateġiji;

(19) miżuri preparatorji li l-istituzzjoni tkun ħadet jew pjanijiet li jridu jittieħdu sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru, inklużi dawk meħtieġa sabiex tiġi permessa r-rikapitalizzazzjoni f'waqtha tal-istituzzjoni;

(20) qafas ta' indikaturi li jidentifikaw il-punti li fihom jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet adatti msemmija fil-pjan.

TAQSIMA B

**Informazzjoni li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet biex jipprovdu għall-finijiet tat-tfassil u ż-żamma ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni**

L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet jipprovdu tal-inqas l-informazzjoni li ġejja għall-finijiet tat-tfassil u ż-żamma ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni:

(1) deskrizzjoni dettaljata tal-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni inkluża lista tal-persuni ġuridiċi kollha;

(2) identifikazzjoni tad-detentur dirett u l-perċentwali tad-drittijiet tal-vot u drittijiet bla vot ta' kull persuna ġuridika;

(3) il-post, il-ġurisdizzjoni tal-inkorporazzjoni, il-liċenzjar u l-immaniġġjar ewlenin assoċjata ma' kull persuna ġuridika;

(4) immappjar tal-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tal-istituzzjoni inklużi l-assi materjali u l-obbligazzjonijiet relatati ma' dawn l-operazzjonijiet u l-linji tan-negozju, b'referenza għall-persuni ġuridiċi;

(5) deskrizzjoni dettaljata tal-komponenti tal-istituzzjoni u l-obbligazzjonijiet kollha tal- entitajiet legali tagħha, isseparati, bħala minimu skont it-tipi u l-ammonti ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir u perjodu ta' żmien twil, obbligazzjonijiet garantiti, mhux garantiti u subordinati;

(6) id-dettalji ta' dawk l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni li huma obbligazzjonijiet eliġibbli;

(7) identifikazzjoni tal-proċessi meħtieġa sabiex jiġi determinat lil minn l-istituzzjoni tkun ippleġġjat kollateral, il-persuna li żżomm il-kollateral u l-ġurisdizzjoni li fiha jinsab il-kollateral;

(8) deskrizzjoni tal-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni u l-entitajiet legali tagħha, inkluż immappjar tal-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tagħha;

(9) il-ħeġġijiet materjali tal-istituzzjoni inkluż l-immappjar ta' persuni ġuridiċi;

(10) identifikazzjoni tal-kontropartijiet prinċipali jew l-aktar kritiċi tal-istituzzjoni kif ukoll analiżi tal-impatt tal-falliment tal-kontropartijiet prinċipali fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni;

(11) kull sistema li fiha l-istituzzjoni twettaq għadd materjali jew ammont tal-valur ta' kummerċ, inkluż immappjar tal-persuni ġuridiċi tal-istituzzjoni, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin;

(12) kull sistema ta' pagament, ikklerjar jew saldu li tagħhom l-istituzzjoni hija direttament jew indirettament membru, inkluż l-immappjar tal-persuni ġuridiċi tal-istituzzjoni, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin;

(13) inventarju u deskrizzjoni dettaljati tas-sistemi tal-immaniġġjar tal-informazzjoni ewlenin, inklużi dawk għall-immaniġġjar tar-riskju, il-kontabbiltà u rrapportar finanzjarju u regolatorju użati mill-istituzzjoni inkluż immappjar tal-persuni ġuridiċi tal-istituzzjoni, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin;

(14) identifikazzjoni tas-sidien tas-sistemi identifikati fil-punt (13) ftehimiet fil-livell ta' servizz relatati magħhom, u kwalunkwe softwer u sistemi jew liċenzji, inkluż l-immappjar mal-entitajiet legali tagħha, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tagħha;

(15) identifikazzjoni u mmappjar tal-persuni ġuridiċi u l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi bejn l-persuni ġuridiċi differenti bħal:

— persunal, faċilitajiet u sistemi komuni jew kondiviżi;

— arranġamenti ta' kapital, finanzjament jew likwidità;

— skoperturi ta' kreditu eżistenti jew kontinġenti;

— ftehimiet ta' kontrogaranziji, ftehimiet ta' kontrokollateral, dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza u arranġamenti ta' netting tal-kontroaffiljati;

— riskji tat-trasferimenti u arranġamenti kummerċjali spalla ma' spalla; ftehimiet fil-livell ta' servizz;

(16) l-awtorità kompetenti u ta' riżoluzzjoni għal kull persuna ġuridika;

(17) il-membru tal-korp tal-immaniġġjar responsabbli li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jitħejja l-pjan ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni kif ukoll dawk responsabbli, jekk differenti, għall-persuni ġuridiċi differenti, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin;

(18) deskrizzjoni tal-arranġamenti li l-istituzzjoni għandha fis-seħħ sabiex tiżgura li, fil-każ ta' riżoluzzjoni, l-awtorità tar-riżoluzzjoni jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa, kif determinat mill-awtorità tar-riżoluzzjoni, għall-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni;

(19) il-ftehimiet kollha li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet legali tagħhom ma' partijiet terzi li t-terminazzjoni tagħhom tista' tiskatta permezz ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet li japplikaw għodda tar-riżoluzzjoni u jekk il-konsegwenzi tat-terminazzjoni jistgħux jaffettwaw l-applikazzjoni tal-għodda tar-riżoluzzjoni.

(20) deskrizzjoni ta' sorsi possibbli tal-likwidità biex isostnu riżoluzzjoni;

(21) informazzjoni dwar tfixkil għall-assi, l-assi likwidi, l-attivitajiet li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, l-istrateġiji tal-iħheġġjar u prassi tad-dħul fil-kotba.

TAQSIMA C

**Kwistjonijiet li l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tqis meta tivvaluta r-riżolvibbiltà ta' istituzzjoni jew grupp**

Meta tivvaluta r-riżolvibbiltà ta' istituzzjoni jew grupp, l-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tikkunsidra dan li ġej:

Fil-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà ta' grupp, ir-referenzi għal istituzzjoni għandha titqies li tinkludi kwalunkwe istituzzjoni jew entità msemmija fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) fi ħdan il-grupp:

(1) il-punt safejn l-istituzzjoni tkun tista' timmappja l-linji tan-negozju ewlenin u operazzjonijiet kritiċi għal persuni ġuridiċi;

(2) il-punt safejn l-istrutturi legali u korporattivi jkunu allinjati mal-linji tan-negozju ewlenin u l-operazzjonijiet kritiċi;

(3) il-punt safejn ikun hemm arranġamenti fis-seħħ sabiex jipprovdu għal persunal essenzjali, infrastruttura, finanzjament, likwidità u kapital sabiex jiġu sostnuti u miżmuma l-linji tan-negozju ewlenin u l-operazzjonijiet kritiċi;

(4) il-punt safejn il-ftehimiet tas-servizz li l-istituzzjoni iżżomm huma infurzabbli b'mod sħiħ fil-każ tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni;

(5) il-punt safejn l-istruttura tal-governanza tal-istituzzjoni hija adegwata għall-immaniġġjar u l-iżgurar tal-konformità mal-politiki interni tal-istituzzjoni fir-rigward tal-ftehimiet fil-livell tas-servizz;

(6) il-punt safejn l-istituzzjoni għandha proċess għat-tranżizzjoni tas-servizzi provduti skont il-ftehimiet fil-livell tas-servizz lil partijiet terzi fil-każ tas-separazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew tal-linji tan-negozju ewlenin;

(7) il-punt safejn hemm pjanijiet u miżuri ta' kontinġenza fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-aċċess għas-sistemi tal-pagamenti u s-saldu;

(8) l-adegwatezza tas-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment fl-iżgurar li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiġbru informazzjoni eżatta u kompleta fir-rigward tal-linji tan-negozju ewlenin u l-operazzjonijiet kritiċi sabiex jiġi faċilitat it-teħid rapidu ta' deċiżjonijiet;

(9) il-kapaċità tas-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment li jipprovdu l-informazzjoni essenzjali għar-riżoluzzjoni effettiva tal-istituzzjoni fil-ħinijiet kollha anke taħt kondizzjonijiet li jinbidlu b'mod rapidu;

(10) il-punt safejn l-istituzzjoni ikunu ttestjaw is-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment tagħhom taħt xenarji ta' stress kif definiti mill-awtorità tar-riżoluzzjoni;

(11) il-punt safejn l-istituzzjoni jista' jiżgura l-kontinwità tas-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment tiegħu kemm għall-istituzzjoni affettwata kif ukoll għall-istituzzjoni l-ġdida fil-każ li l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin jiġu sseparati mill-bqija tal-operazzjonijiet u l-linji tan-negozju;

(12) il-punt safejn l-istituzzjoni ikunu stabbilixxew proċessi adegwati sabiex jiżguraw li jipprovdu lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex jidentifikaw depożituri u l-ammont koperti mill-iskemi tal-garanzija għal depożiti;

(13) meta l-grupp juża garanziji intragrupp, il-punt safejn dawk il-garanziji jiġu provduti b'kondizzjonijiet tas-suq u kemm is-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju li jikkonċernaw dawk il-garanziji huma robusti;

(14) fejn il-grupp jinvolvi ruħu fi tranżazzjonijiet spalla ma' spalla, il-punt safejn dawk it-tranżazzjonijiet jitwettqu b'kondizzjonijiet tas-suq u kemm is-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju li jikkonċernaw dawk il-prassi ta' tranżazzjonijiet huma robusti;

(15) il-punt safejn l-użu ta' tranżazzjonijiet ta' garanziji intragrupp jew tranżizzjonijiet ta' dħul fil-kotba spalla ma' spalla jżidu kontaġju fil-grupp;

(16) il-punt safejn l-istruttura legali tal-grupp tinebixxi l-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni b'riżultat tal-għadd ta' persuni ġuridiċi, il-kumplessità tal-istruttura tal-grupp jew id-diffikultà fl-allinjament tal-linji tan-negozju għall-entitajiet fi grupp;

(17) l-ammont u t-tip ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni;

(18) fejn il-valutazzjoni tinvolvi kumpanija b'parteċipazzjoni b'attività mħallta, il-punt safejn ir-riżoluzzjoni tal-entitajiet fi grupp li huma istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji jista' jkollha impatt negattiv fuq il-parti mhux finanzjarja tal-grupp;

(19) l-eżistenza u s-solidità ta' ftehimiet fil-livell ta'servizz;

(20) jekk awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għandhomx l-għodda tar-riżoluzzjoni meħtieġa biex jappoġġjaw azzjonijiet mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tal-Unjoni, u l-ambitu għal azzjoni koordinata bejn l-Unjoni u awtoritajiet ta' pajjiż terz;

(21) il-fattibbiltà tal-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni b'tali mod li jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni, fid-dawl tal-għodod disponibbli u l-istruttura tal-istituzzjoni;

(22) il-punt sa fejn l-istruttura tal-grupp tippermetti lill-awtorità tar-riżoluzzjoni tirriżolvi l-grupp kollu jew waħda jew aktar mill-entitajiet tal-grupp mingħajr ma toħloq effett negattiv dirett jew indirett sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja, il-fiduċja tas-suq jew l-ekonomija u bil-ħsieb li jiġi mmassimizzat il-valur tal-grupp kollu;

(23) l-arranġamenti u l-mezzi li permezz tagħhom ir-riżoluzzjoni tista' tiġi ffaċilitata fil-każijiet ta' gruppi li għandhom sussidjarji stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet differenti;

(24) il-kredibilità tal-użu tal-għodod tar-riżoluzzjoni b'tali mod li jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni, minħabba l-impatti possibbli fuq kredituri, kontropartijiet, konsumaturi u impjegati u azzjonijiet possibbli li l-awtoritajiet ta' pajjiż terz jistgħu jieħdu;

(25) il-punt safejn l-impatt tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni fuq is-sistema finanzjarja u fuq il-fiduċja fis-suq finanzjarju jistgħu jiġu evalwati adegwatament;

(26) il-punt safejn ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni jista' jkollha effett negattiv dirett jew indirett sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja, il-fiduċja fis-suq jew l-ekonomija;

(27) il-punt safejn il-kontaġju lil istituzzjonijiet oħra jew lis-swieq finanzjarji jista' jiġi kontenut permezz tal-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni;

(28) il-punt safejn ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni jista' jkollha effett sinifikanti fuq l-operat tas-sistemi tal-pagamenti u tas-saldu.

# DIRETTIVA 2014/65/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Mejju 2014

## dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE

## (riformulazzjoni)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġislattiva ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ġiet emendata kemm-il darba b'mod sostanzjali ([5]). Billi għandhom isiru iżjed emendi, għandha tiġi rriformulata fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Id-Direttiva 93/22/KEE tal-Kunsill ([6]) fittxet li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fuqhom id-ditti u l-banek tal-investiment awtorizzati setgħu jipprovdu servizzi speċifiċi jew jistabbilixxu frieghi fl-Istati Membri l-oħra fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-pajjiż tad-domiċilju. Għal dak il-għan, din id-Direttiva mmirat li tarmonizza l-awtorizzazzjoni inizjali u r-rekwiżiti operazzjonali għad-ditti ta' investiment inklużi r-regoli tal-kondotta tal-operat. Ipprovdiet ukoll għall-armonizzazzjoni ta' whud mill-kundizzjonijiet li jirregolaw l-operat tas-swieq regolati.

(3) Dawn l-aħħar snin iktar investituri saru attivi fis-swieq finanzjarji u qegħdin jiġu offruti sett saħansitra iktar kumpless u mifrux fil-wisa' ta' servizzi u strumenti. Minħabba dawk l-iżviluppi, il-qafas legali tal-Unjoni għandu jiġbor fih il-firxa sħiħa tal-attivitajiet orjentati lejn l-investitur. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut il-grad ta' armonizzazzjoni meħtieġ sabiex joffri lill-investituri livell għoli ta' protezzjoni u sabiex id-ditti ta' investiment jitħallew jipprovdu servizzi fl-Unjoni kollha, peress li hi suq intern, fuq il-bażi tas-superviżjoni tal-pajjiż tad-domiċilju. Id-Direttiva 93/22/KEE għalhekk ġiet sostitwita bid-Direttiva 2004/39/KE.

(4) Il-kriżi finanzjarja kixfet dgħufijiet fil-funzjonament u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji. L-evoluzzjoni tas-swieq kixfet il-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas għar-regolamentazzjoni tas-swieq ta' strumenti finanzjarji, anke meta n-negozjar f'dawn is-swieq iseħħ barra l-Borża (over-the-counter (OTC), sabiex iżid it-trasparenza, itejjeb il-protezzjoni tal-investituri, isaħħaħ il-fiduċja, jindirizza l-oqsma mhux regolati u jiżgura li s-superviżuri jingħataw setgħat xierqa biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

([1]) ĠU C 161, 7.6.2012, p. 3.
([2]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 80.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2014.
([4]) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).
([5]) Ara l-Anness III, Parti A.
([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/22KEE tal-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam ta' titoli (ĠU L 141, 11.6.1993, p. 27).

(5) Hemm qbil fost il-korpi regolatorji fuq livell internazzjonali li dgħufijiet fil-governanza korporattiva f'numru ta' istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż in-nuqqas ta' skrutinju fihom, kienu kawża ewlenija tal-kriżi finanzjarja. Teħid eċċessiv u imprudenti tar-riskji jista' jwassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u problemi sistemiċi fl-Istati Membri u globalment. Imġiba skorretta ta' ditti li jipprovdu servizzi lill-klijenti tista' twassal għad-detriment tal-investitur u nuqqas ta' fiduċja tal-investitur. Biex jindirizzaw l-effett potenzjalment detrimentali ta' dawk id-dgħufijiet fl-arranġamenti tal-governanza korporattiva, id-Direttiva 2004/39/KE għandha tkun supplimentata minn prinċipji iktar dettaljati u standards minimi. Dawk il-prinċipji u l-istandards għandhom japplikaw billi jqisu n-natura, l-iskala, u l-kumplessità tad-ditti ta' investiment.

(6) Il-Grupp ta' Livell Għoli għas-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE stieden lill-Unjoni biex tiżviluppa sett iktar armonizzat ta' regolamenti finanzjarji. Fil-kuntest tal-arkitettura superviżorja Ewropea futura, il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 enfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun stabbilit ġabra unika tar-regoli applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha fis-suq intern.

(7) Id-Direttiva 2004/39/KE għandha għalhekk issa tiġi parzjalment mfassla mill-ġdid f'din id-Direttiva u parzjalment tiġi sostitwita mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Flimkien, iż-żewġ strumenti legali għandhom jiffurmaw il-qafas legali li jirregolaw ir-rekwiżiti applikabbli għad-ditti ta' investiment, swieq regolati, fornituri ta' servizzi ta' rapportar ta' data u ditti ta' pajjiż terz li jipprovdu servizzi jew attivitajiet ta' investiment fl-Unjoni. Din id-Direttiva għandha għalhekk tinqara flimkien ma' dak ir-Regolament. Din id-Direttiva għandha tinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni tan-negozju, l-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva, l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà li tipprovdi servizzi, il-kundizzjonijiet operatorji għad-ditti ta' investiment biex jiżguraw protezzjoni tal-investitur, is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri ta' Domiċilju u Ospitanti u s-sistema għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet. Billi l-objettiv ewlieni u s-suġġett ta' din id-Direttiva huwa li jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-oqsma msemmija, hija għandha tissejjes fuq l-Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-forma ta' Direttiva hija xierqa sabiex tippermetti li d-dispożizzjonijiet implimentattivi fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, meta meħtieġ, jiġu addattati għal kwalunkwe speċifiċitajiet eżistenti tas-suq partikolari u s-sistema legali f'kull Stat Membru.

(8) Huwa xieraq li jiġu inklużi fil-lista tal-istrumenti finanzjarji derivattivi tal-komoditajiet u oħrajn li huma kkostitwiti u nnegozjati b'mod li joħolqu kwistjonijiet regolatorji meta mqabbla mal-istrumenti finanzjarji tradizzjonali.

(9) L-ambitu tal-istrumenti finanzjarji se jinkludi kuntratti tal-enerġija saldati b'mod fiżiku nnegozjati fuq facilita' ta' negozju organizzat (organised trading facility (OTF)), minbarra għal dawk li diġà regolati skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Diversi miżuri ttieħdu biex inaqqsu l-impatt ta' tali inklużjoni fuq ditti li jinnegozjaw f'dawk il-prodotti. Dawk id-ditti llum huma eżentati mir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u dik l-eżenzjoni se tkun is-suġġett ta' reviżjoniskont l-Artikolu 493(1) ta' dak ir-Regolament qabel ma tiskadi sa mhux aktar tard minn tmiem l-2017. Dawk il-kuntratti peress li huma strumenti finanzjarji, japplikaw għalihom sa mill-bidu nett ir-rekwiżiti tal-liġi dwar is-swieq finanzjarji, għalhekk il-limiti ta' pożizzjoni, ir-rappurtar tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti dwar l-abbuż tas-suq japplikaw sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Madankollu perjodu ta' introduzzjoni gradwali ta' 42 xahar hu previst għall-applikazzjoni tal-obbligu ta' kklerjar u tar-rekwiżiti tal-marġni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(10) Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni dwar derivattivi ta' komoditajiet negozjati f'OTF u saldati b'mod fiżiku għandha tkun limitata biex tevita lakuna li tista' twassal għal arbitraġġ regolatorju. Hu għalhekk meħtieġ li jkun previst att delegat biex jispeċifika aktar it-tifsira tal-espressjoni "jridu jiġu saldati b'mod fiżiku" filwaqt li jitqies talinqas il-ħolqien ta' obbligu infurzabbli u vinkolanti biex fiżikament ikun konsenjat, mingħajr ma jkun jista' jingħalaq u mingħajr ebda dritt ta' saldu fi flus jew tranżazzjonijiet ta' bilanċ ħlief fil-każ ta' force majeure, kontumaċja jew inabbiltà oħra bona fide ta' prestazzjoni.

([1]) Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (Ara paġna 84 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(11) Seħħet firxa ta' prattiki frodulenti fis-swieq sekondarji spot fi kwoti tal-emissjonijiet (EUA) li tista' thedded il-fiduċja fl-iskema ta' skambju tal-emissjonijiet, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill ([1]), u qed jittieħdu miżuri li jsaħħu s-sistema tar-reġistri tal-EUA u l-kondizzjonijiet għall-ftuħ ta' kont biex isir kummerċ ta' EUAs. Biex ikun hemm tisħiħ tal-integrità u salvagwardja tal-funzjonament effiċjenti ta' dawk is-swieq, inkluż is-superviżjoni komprensiva tal-attività tan-negozjar, huwa xieraq li jkunu kkumplimentati l-miżuri meħuda skont id-Direttiva 2003/87/KE billi l-kwoti tal-emissjonijiet jinġiebu b'mod sħiħ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) billi jiġu kklassifikati bħala strumenti finanzjarji.

(12) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġu koperti l-impriżi li x-xogħol jew il-kummerċ regolari tagħhom huwa li jipprovdu servizzi ta' investiment u/jew li jwettqu attivitajiet ta' investiment fuq bażi professjonali. Għalhekk, l-ambitu tagħha ma għandux ikopri kull persuna b'attività professjonali differenti.

(13) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit reġim regolatorju komprensiv li jirregola t-twettiq tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji b'mod irrispettiv mill-metodi tal-kummerċ użati sabiex jiġu konklużi dawn it-tranżazzjonijiet sabiex tiġi żgurata kwalità għolja ta' twettiq ta' tranżazzjonijiet tal-investituri u jinżammu l-integrità u l-effikaċja ġenerali tas-sistema finanzjarja. Għandu jiġi pprovdut qafas koerenti u sensittiv għar-riskji sabiex jirregola t-tipi ewlenin ta' arranġamenti għat-twettiq fuq l-ordni attivi bħalissa fis-swieq finanzjarji Ewropej. Huwa meħtieġ li tiġi rrikonoxxuta d-dehra ta' ġenerazzjoni ġdida ta' sistemi organizzati tal-kummerċ spalla ma' spalla mas-swieq regolati li għandhom jiġu ssoġġettati għall-obbligi maħsuba sabiex jippreservaw il-funzjonament effiċjenti u bl-ordni tas-swieq finanzjarji u biex jiżguraw li tali sistemi tan-negozjar organizzat ma jibbenefikawx minn lakuni regolatorji.

(14) Iċ-ċentri tan-negozjar kollha, jiġifieri s-swieq regolati, il-faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (multilateral trading facilities MTFs), u l-OTFs, għandhom iressqu regoli trasparenti u mhux diskriminatorji li jirregolaw l-aċċess għall-faċilità. Madankollu, filwaqt li s-swieq regolati u l-MTFs għandhom jibqgħu suġġetti għal rekwiżiti simili fir-rigward ta' lil min jistgħu jaċċettaw bħala membru jew parteċipant, l-OTFs għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw u jirrestrinġu l-aċċess ibbażat inter alia fuq ir-rwol u l-obbligi li huma jkollhom l-operaturi tagħhom b'rabta mal-klijenti tagħhom. F'dak ir-rigward, ċentri ta' negozjar għandhom ikunu jistgħu jispeċifikaw parametri li jirregolaw is-sistema bħal dewmien minimu sakemm dak isir b'mod miftuħ u trasparenti u ma jinvolvix diskriminazzjoni mill-operatur tal-pjattaforma.

(15) Kontroparti ċentrali (central counterparty (CCP)) hi definita fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 bħala persuna legali li tidħol bejn il-partijiet għall-kuntratti nnegozjati f'suq finanzjarju wieħed jew aktar, li ssir ix-xerrej għal kull bejjiegħ u l-bejjiegħ għal kull xerrej; Is-CCPs mhumiex koperti mit-terminu OTF kif definit f'din id-Direttiva.

(16) Persuni li jkollhom aċċess għal swieq regolati jew MTFs huwa msemmija bħala membri jew parteċipanti. Iż-żewġ termini jistgħu jintużaw waħda minflok l-oħra. Dawk it-termini ma jinkludux utenti li jkollhom aċċess biss għaċ-ċentri ta' negozjar permezz ta' aċċess elettroniku dirett.

(17) Internalizzaturi sistematiċi għandhom ikunu definiti bħala ditti ta' investiment li, fuq bażi organizzata, frekwenti, sistematika u sostanzjali, jinnegozjaw f'isimhom stess meta jeżegwixxu ordnijiet tal-klijent 'il barra minn suq regolat, MTF jew OTF. Biex jiżgura l-applikazzjoni oġġettiva u effettiva ta' dik id-definizzjoni għad-ditti ta' investiment, kwalunkwe kummerċ bilaterali li jsir mal-klijenti għandu jkun rilevanti u l-kriterja kwantitattiva għandha tikkumplimenta l-kriterja kwalitattiva għall-identifikazzjoni tad-ditti ta' investiment meħtieġa li jirreġistraw bħala internalizzaturi sistematiċi. Filwaqt li ċ-ċentri ta' negozjar huma faċilitajiet li fihom l-interessi multipli tax-xiri u l-bejgħ ta' partijiet terzi jinteraġixxu fis-sistema, internalizzatur sistematiku ma għandux ikun permess li jġib flimkien interessi tax-xiri u l-bejgħ tal-partijiet terzi bl-istess mod, mil-lat funzjonali, bħala ċentru tan-negozjar.

(18) Il-persuni li jamministraw l-assi u l-impriżi tagħhom stess, li ma jipprovdux servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet oħra ta' investiment għajr li jinnegozjaw f'isimhom stess fi strumenti finanzjarji li mhumiex derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet, jew derivattivi tagħhom, m'għandhomx ikunu koperti mill-ambitu ta' din id-Direttiva għajr jekk ma jkunux ġeneraturi tas-suq, membri jew parteċipanti f'suq regolat jew f'MTF jew ikollhom aċċess elettroniku dirett għal ċentru tan-negozjar, japplikaw teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja, jew ikunu jinnegozjaw f'isimhom stess meta jeżegwixxu l-ordnijiet tal-klijenti.

([1]) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([2]) Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(19) Il-komunikat tal-Ministri tal-finanzi tal-G20 u tal-gvernaturi tal-bank ċentrali tal-15 ta' April 2011 jiddikjara li l-parteċipanti dwar is-swieq tad-derivattivi ta' komoditajiet għandhom ikunu suġġetti għal regolamentazzjoni u superviżjoni xierqa u għalhekk xi eżenzjonijiet mid-Direttiva 2004/39/KE għandhom ikunu modifikati.

(20) Persuni li jinnegozjaw f'isimhom stess, inkluż ġeneraturi tas-suq f'derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom, għajr persuni jinnegozjaw f'isimhom stess meta jeżegwixxu ordnijiet tal-klijenti, jew li jipprovdu servizzi ta' investiment f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom għall-klijenti jew il-fornituri tal-kummerċ ewlieni tagħhom m'għandhomx ikunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm dik l-attività tkun attività anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom fuq bażi ta' grupp, u dak in-negozju ewlieni la huwa l-provvista ta' servizzi ta' investiment fit-tifsira ta' din id-Direttiva u lanqas ta' attivitajiet bankarji fit-tifsira tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), lanqas ġenerazzjoni tas-suq f'derivattivi ta' komoditajiet u dawk il-persuni ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja. Il-kriterju tekniku għal meta attività hija anċillari għat-tali kummerċ ewlieni għandha tkun ikkjarifikata fi standards tekniċi regolatorji, waqt li jitqiesu l-kriterji speċifikati f'din id-Direttiva.

Dawk il-kriterji għandhom jiżguraw li d-ditti mhux finanzjarji li jitrattaw fi strumenti finanzjarji b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-livell ta' investiment fil-kummerċ ewlieni jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. B'dan il-mod, dawk il-kriterji għandhom talinqas jikkunsidraw il-ħtieġa ta' attivitajiet anċillari li jikkostitwixxu minoranza ta' attivitajiet fil-livell tal-grupp u d-daqs tal-attività kummerċjali tagħhom meta mqabbel mal-attività kummerċjali tas-suq globali f'dik il-klassi ta' assi. Hu xieraq li fejn hemm l-obbligu ta' likwidità f'postijiet mitluba mill-awtoritajiet regolatorji bi qbil mal-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Unjoni jew nazzjonali jew miċ-ċentri tan-negozjar, it-tranżazzjonijiet li jsiru biex jissodisfaw tali obbligu għandhom ikunu esklużi mill-valutazzjoni dwar jekk l-attività hijiex anċillari.

(21) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, li jirregolaw kemm l-OTC kif ukoll id-derivattivi nnegozjati fis-swieq tal-kambju fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, attivitajiet li huma meqjusa miżurabbli oġġettivament bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività tal-kummerċ jew l-attività tal-iffinanzjar tat-teżor u tranżazzjonijiet intragrupp għandhom jitqiesu b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(22) Persuni li jinnegozjaw f'derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi tagħhom jistgħu wkoll jittrattaw fi strumenti finanzjarji oħra bħala parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-attività kummerċjali tat-teżor biex jipproteġu lilhom infushom kontra riskji, bħar-riskju tar-rata tal-kambju. Għalhekk, hu importanti li jkun iċċarat li l-eżenzjonijiet japplikaw b'mod kumulattiv. Pereżempju, l-eżenzjoni fil-punt (j) tal-Artikolu 2(1) tista' tintuża flimkien mal-eżenzjoni fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1).

(23) Madankollu, sabiex ikun evitat użu ħażin tal-eżenzjonijiet, ġeneraturi tas-suq fi strumenti finanzjarji, li mhumiex ġeneraturi tas-suq f'derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet, jew derivattivi tagħhom sakemm l-attività ta' ġenerazzjoni ta' suq tagħhom ma tkunx in-negozju ewlieni tagħhom meta meqjusa fuq bażi ta' grupp u sakemm ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja, għandhom ikunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ma għandhomx jibbenefikaw minn ebda eżenzjoni. Persuni li jinnegozjaw f'isimhom stess meta jeżegwixxu l-ordnijiet tal-klijenti jew li japplikaw teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja għandhom ukoll ikunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ma għandhomx jibbenefikaw minn ebda eżenzjoni.

(24) In-negozjar fuq il-kont proprju meta jiġu eżegwiti l-ordnijiet tal-klijenti għandu jinkludi ditti li jeżegwixxu ordnijiet minn klijenti differenti billi tqabbilhom fuq bażi mqabbel ta' prinċipal (negozjar dahar ma' dahar - back to back), li għandu jitqies bħala aġir bħala prinċipal u għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li tkopri kemm l-eżekuzzjonijiet ta' ordnijiet f'isem il-klijenti kif ukoll l-ittrattar minn persuni għal rashom.

(25) L-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' strumenti finanzjarji bħala attività anċillari bejn żewġ persuni li l-kummerċ tagħhom, fuq bażi ta' grupp, la huwa l-provvista ta' servizzi ta' investiment fit-tifsira ta' din id-Direttiva u lanqas ta' attivitajiet bankarji fit-tifsira tad-Direttiva 2013/36/UE ma għandux jitqies bħala negozjar ta' persuna f'isimha stess meta teżegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti.

([1]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(26) Ir-referenzi għall-persuni fit-test għandhom jiġu mifhuma li jinkludu kemm il-persuni fiżiċi u kemm il-persuni ġuridiċi.

(27) Għandhom jiġu esklużi l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tas-sigurtà li l-attivitajiet tagħhom huma suġġetti għall-monitoraġġ approprjat mill-awtoritajiet kompetenti tas-superviżjoni prudenzjali u li huma suġġetti għad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta jwettqu attivitajiet imsemmija f'dik id-Direttiva.

(28) Il-persuni li ma jipprovdux servizzi għall-partijiet terzi imma li l-kummerċ tagħhom jikkonsisti f'li jipprovdu biss servizzi ta' investiment għall-impriżi prinċipali tagħhom, għas-sussidjarji tagħhom jew għal sussidjarji oħra tal-impriżi prinċipali tagħhom, ma għandhomx jiġu koperti minn din id-Direttiva.

(29) Uħud mill-kumpaniji lokali tal-utilitajiet tal-enerġija u xi operaturi ta' stallazzjonijiet industrijali koperti mill-pakkett dwar l-Iskema ta' Kwoti tal-Emissjonijiet jgħaddu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom biex jiħheġġjaw ir-riskji kummerċjali lil sussidjarji mhux konsolidati. Dawk il-kumpaniji ta' negozju konġunt ma jipprovdu ebda servizz ieħor u jwettqu eżattament l-istess funzjoni bħall-persuni msemmija fil-Premessa 28. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ugwali, għandu jkun possibbli ukoll li kumpaniji ta' negozju konġunt ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jekk ikunu proprjetà konġunta ta' utilitajiet tal-enerġija lokali jew operaturi li jaqgħu taħt il-punt (f) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE li ma jipprovdux servizz għajr servizzi ta' investiment għall-utilitajiet tal-enerġija lokali jew operaturi li jaqgħu taħt il-punt (f) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE, u sakemm dawk l-utilitajiet tal-enerġija lokali jew dawk l-operaturi se jkunu eżentati skont il-punt (j) tal-Artikolu 2(1) f'każ li jwettqu dawk is-servizzi ta' investiment huma stess. Madankollu, biex jiġi żgurat li salvagwardji xierqa jkunu fis-seħħ u li l-investituri jkunu protetti b'mod adegwat, l-Istati Membri li jagħżlu li jeżentaw tali negozji konġunti għandhom jirrikjedu minnhom ir-rekwiżiti għall-inqas analogi għal dawk imressqa f'din id-Direttiva, b'mod partikolari matul il-fażi ta' awtorizzazzjoni, fil-valutazzjoni tar-reputazzjoni u l-esperjenza u tal-adattabilità ta' kwalunkwe azzjonisti, fir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali u s-superviżjoni kontinwa kif ukoll tat-twettiq tal-obbligi kummerċjali.

(30) Il-persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment fuq bażi inċidentali biss waqt attività professjonali għandhom jiġu esklużi wkoll mill-ambitu ta' din id-Direttiva, sakemm dik l-attività tkun irregolata u r-regoli rilevanti ma jipprojbixxux il-provvediment, fuq bażi inċidentali, tas-servizzi ta' investiment.

(31) Il-persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu b'mod esklussiv fl-amministrazzjoni ta' skemi tal-parteċipazzjoni tal-impjegati u li għalhekk ma jipprovdux servizzi ta' investiment lil partijiet terzi, ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva.

(32) Jeħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva l-banek ċentrali u l-korpi l-oħra li jwettqu funzjonijiet simili kif ukoll il-korpi pubbliċi inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha, liema kunċett ikopri l-investiment ta' dawn, bl-eċċezzjoni tal-korpi li huma parzjalment jew totalment proprjetà tal-istat li r-rwol tagħhom huwa kummerċjali jew marbut mal-akkwist tal-ishma.

(33) Biex jikkjarifika s-sistema ta' eżenzjonijiet għas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali(SEBĊ), korpi oħra nazzjonali li jwettqu funzjonijiet simili u korpi li jintervjenu fl-immaniġġar tad-dejn pubbliku, huwa xieraq li dawn l-eżenzjonijiet ikunu limitati għall-korpi u l-istituzzjonijiet li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'konformità mal-liġi ta' Stat Membru wieħed jew b'konformità mad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ta' korpi internazzjonali li huwa membru tagħhom żewġ Stati Membri jew iktar u li għandhom l-għan li jimmobilizzaw fondi u jipprovdu assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħhom li qed jesperjenzaw jew ikunu mhedda minn problemi finanzjarji serji, bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

(34) Jeħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva l-impriżi ta' investiment kollettiv u l-fondi tal-pensjonijiet, sewwa jekk ikkoordinati fil-livell tal-Unjoni u sewwa jekk le, u d-depożitarji jew l-amministraturi ta' dawn l-impriżi, peress li huma suġġetti għal regoli speċifiċi adattati direttament għall-attivitajiet tagħhom.

([1]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(35) Hu meħtieġ li jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni kif definit fl-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jew l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] meta jwettqu l-kompiti tagħhom skont dawk id-Direttivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] jew skont kodiċijiet ta' netwerk jew linji gwida adottati skont dawk l-atti leġislattivi. F'konformita' ma' dawk l-atti leġislattivi, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom obbligi u responsabbiltajiet speċifiċi, huma suġġetti għal ċertifikazzjoni speċifika u huma sorveljati mill-awtoritajiet kompetenti speċifiċi għas-settur. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom ukoll jibbenefikaw minn tali eżenzjoni meta huma jużaw persuni oħra li jaġixxu bħala fornituri ta' servizz f'isimhom biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dawk l-atti leġislattivi jew skont il-kodiċijiet tan-netwerk jew il-linji gwida adottati skont dawn ir-Regolamenti. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandhomx ikunu jistgħu jibbenefikaw minn tali eżenzjoni meta jipprovdu servizzi jew attivitajiet ta' investiment fi strumenti finanzjarji, inkluż meta joperaw pjattaforma għal negozju sekondarju fi drittijiet ta' trażmissjoni finanzjarja.

(36) Sabiex tibbenefika mill-eżenzjonijiet minn din id-Direttiva, il-persuna interessata għandha tikkonforma fuq bażi kontinwa mal-kundizzjonijiet stabbiliti għal dawn l-eżenzjonijiet. B'mod partikulari, jekk persuna tipprovdi servizzi ta' investiment, jew twettaq attivitajiet tal-investiment u tkun eżentata minn din id-Direttiva minħabba li dawn is-servizzi jew attivitajiet ikunu sekondarji għall-kummerċ ewlieni ta' dik il-persuna, meta kkunsidrati fuq il-bażi ta' grupp, dik il-persuna ma għandhiex tibqa' koperta iktar bl-eżenzjoni li tirrigwarda s-servizzi sekondarji meta l-provvediment ta' dawn is-servizzi jew attivitajiet jieqaf milli jkun sekondarju għall-kummerċ ewlieni ta' dik il-persuna.

(37) Il-persuni li jipprovdu s-servizzi ta' investiment u/jew li jwettqu attivitajiet tal-investiment koperti minn din id-Direttiva għandhom ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni mill-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom sabiex jiġu protetti l-investituri u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

(38) L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE ma għandux ikollhom bżonn ta' awtorizzazzjoni oħra skont din id-Direttiva sabiex jipprovdu servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet tal-investiment. Meta istituzzjoni ta' kreditu tiddeċiedi li tipprovdi servizzi ta' investiment jew li twettaq attivitajiet ta' investiment, l-awtoritajiet kompetenti, qabel ma jagħtu awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2013/36/UE, għandhom jivverifikaw illi din tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva.

(39) Depożiti strutturati ħarġu bħala forma ta' prodott ta' investiment iżda mhumiex koperti taħt kwalunkwe att leġislattiv għall-protezzjoni tal-investituri fuq livell tal-Unjoni, filwaqt li investimenti strutturati oħrajn huma koperti minn tali atti leġislattivi. Għalhekk huwa xieraq li tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri u li jsir trattament regolatorju li jikkonċerna d-distribuzzjoni iktar uniformi ta' prodotti ta' investiment mhux professjonali offruti flimkien biex tiżgura livell xieraq ta' protezzjoni tal-investitur madwar l-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, huwa xieraq li d-depożiti strutturati jkunu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jkun ikkjarifikat li minħabba li d-depożiti strutturati huma forma ta' prodott ta' investiment, huma ma jinkludux depożiti marbuta biss ma' rati ta' interess, bħall-Euribor jew il-Libor, anki jekk ir-rati tal-interess huma predeterminati, jew jekk dawn ikunu fissi jew varjabbli. Tali depożiti għandhom għalhekk jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(40) L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu meta jbigħu jew jagħtu parir lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati, għandu jinftiehem bħal meta jaġixxu ta' intermedjarji għal dawk il-prodotti maħruġa minn istituzzjonijiet tal-kreditu li jistgħu jieħdu depożiti f'konformita' mad-Direttiva 2013/36/UE.

(41) Depożitarji ċentrali tat-titoli (CSDs) huma istituzzjonijiet sistematikament importanti għas-swieq finanzjarji li jiżguraw ir-reġistrar inizjali tat-titoli, iż-żamma tal-kontijiet li jkun fihom it-titoli maħruġa u s-saldu ta' prattikament it-tipi kollha ta' titoli. Is-CSDs għandhom ikunu speċifikament regolati skont il-liġi tal-Unjoni u għandhom ikunu suġġetti, b' mod partikolari, għall-awtorizzazzjoni u għal ċerti kundizzjonijiet operattivi. Madankollu, is-CSDs jistgħu, minbarra s-servizzi ewlenin imsemmija f'liġi oħra tal-Unjoni, jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment li huma regolati skont din id-Direttiva.

---

(1) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

(2) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass u li temenda d-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2011, p. 94).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (ĠU L 211, 14.8.2011, p. 15).

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2011, p. 36).

Sabiex ikun żgurat li kull entità li tipprovdi servizzi u attivitajiet ta' investiment tkun suġġetta għall-istess qafas regolatorju, hu xieraq li jkun żgurat li tali CSDs ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva rigward l-awtorizzazzjoni u ċerti kundizzjonijiet operattivi iżda li l-liġi tal-Unjoni li tirregola s-CDSs bħala tali tiżgura li jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta huma jipprovdu servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet ta' investiment minbarra s-servizzi speċifikati f'dik il-liġi tal-Unjoni.

(42) Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni, huwa xieraq li jkunu limitati l-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment lill-klijenti li, bħala riżultat, mhumiex protetti taħt din id-Direttiva. B'mod partikolari, huwa xieraq li l-Istati Membri jintalbu japplikaw ir-rekwiżiti għall-inqas analogi għal dawk imressqa f'din id-Direttiva għal dawk il-persuni, b' mod partikolari matul il-fażi ta' awtorizzazzjoni, fil-valutazzjoni tar-reputazzjoni u l-esperjenza u tal-adattabilità ta' kwalunkwe azzjonisti, fir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali u s-superviżjoni kontinwa kif ukoll tat-twettiq tal-obbligi kummerċjali.

Barra minn hekk, persuni esklużi mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu koperti minn skema ta' kumpens għall-investitur rikonoxxuta bi qbil mad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jew minn assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tiżgura protezzjoni ugwali għall-klijenti tagħhom fis-sitwazzjonijiet koperti minn dik id-Direttiva.

(43) Fejn ditta ta' investiment tipprovdi servizz wieħed jew iktar ta' investiment mhux koperti bl-awtorizzazzjoni tagħha, jew twettaq attività waħda jew iktar ta' investiment mhux koperti bl-awtorizzazzjoni tagħha, fuq bażi mhux regolari, ma għandhiex ikollha bżonn ta' awtorizzazzjoni addizzjonali skont din id-Direttiva.

(44) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-kummerċ ta' riċezzjoni u trażmissjoni tal-ordnijiet għandu jinkludi wkoll li jinġiebu flimkien żewġ investituri jew iktar, biex b'hekk isseħħ tranżazzjoni bejn dawn l-investituri.

(45) Ditti ta' investiment u istituzzjonijiet tal-kreditu li jqassmu strumenti finanzjarji maħruġa minnhom stess għandhom ikunu suġġetti għal din id-Direttiva meta huma jipprovdu konsulenza dwar investiment lill-klijenti tagħhom. Biex tkun eliminata l-inċertezza u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investitur, huwa xieraq li jsir provvediment għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva meta, f'suq primarju, ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu jqassmu strumenti finanzjarji maħruġa minnhom stess mingħajr ma jipprovdu kwalunkwe konsulenza. Għal dak il-għan, id-definizzjoni tas-servizz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti għandha tkun estiża.

(46) Il-prinċipji tal-għarfien reċiproku u tas-superviżjoni tal-Istat Membru tad-domiċilju jeħtieġu illi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma għandhomx jikkonċedu jew għandhom jirtiraw awtorizzazzjoni meta fatturi bħalma huma l-kontenut tal-programmi tal-operat, id-distribuzzjoni ġeografika jew l-attivitajiet attwalment imwettqa jindikaw biċ-ċar illi ditta ta' investiment tkun għażlet is-sistema legali ta' Stat Membru bil-għan li tevadi l-istandards iktar stretti fis-seħħ fi Stat Membru ieħor li ġewwa t-territorju tiegħu tkun beħsiebha twettaq jew tkun effettivament twettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha. Ditta ta' investiment li hija persuna ġuridika għandha tkun awtorizzata fl-Istat Membru li fih ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha. Ditta ta' investiment li mhix persuna ġuridika għandha tkun awtorizzata fl-Istat Membru li fih ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha. B'żieda ma' dan, l-Istati Membri għandhom jesiġu illi l-uffiċċju prinċipali tad-ditta ta' investiment ikun dejjem fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħha u li hija tkun topera effettivament minn hemm.

(47) Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] ipprovdiet kriteria dettaljati għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwiżizzjonijiet proposti f'ditta ta' investiment u għal proċedura għall-applikazzjoni tagħhom. Biex jipprovdu ċertezza legali, kjarifiki u riżultati li jistgħu jkunu mbassra minn qabel fir-rigward tal-proċess tal-valutazzjoni, kif ukoll tar-riżultat tiegħu, huwa xieraq li l-kriterji u l-proċess ta' valutazzjoni prudenzjali jkunu konformi ma' dawk imressqa f'dik id-Direttiva.

---

(1) Id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22).

(2) Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE fir-rigward tar-regoli proċedurali u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali tal-akkwisti u ż-żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1).

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adattabilità tal-akkwirent propost u r-raġunar finanzjarju tal-akkwiżizzjoni proposta skont dawn il-kriterji kollha li ġejjin: ir-reputazzjoni tal-akkwirent propost; ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li ser tmexxi n-negozju tad-ditta ta' investiment bħala riżultat tal-akkwist propost; ir-raġunar finanzjarju tal-akkwirent propost; jekk id-ditta ta' investiment hijiex se tkun tista' tkun konformi mar-rekwiżiti prudenzjali bbażati fuq din id-Direttiva u fuq Direttivi oħrajn, partikolarment, fuq id-Direttivi 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u 2013/36/UE; jekk hemmx raġunijiet ta' suspett li sar jew kien hemm attentat li jsir iffinanzjar permezz ta' ħasil ta' flus jew ta' terroriżmu fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jew jekk l-akkwiżizzjoni proposta jistax iżid ir-riskju ta' dan.

(48) Ditta ta' investiment awtorizzata fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħha għandha tkun intitolata tipprovdi servizzi ta' investiment jew twettaq attivitajiet ta' investiment fl-Unjoni kollha mingħajr il-ħtieġa li tfittex awtorizzazzjoni separata mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li fih tixtieq tipprovdi dawn is-servizzi jew twettaq dawn l-attivitajiet.

(49) Peress li ċerti ditti ta' investiment huma eżentati minn ċerti obbligi imposti mid-Direttiva 2013/36/UE, huma għandhom ikunu obbligati jżommu jew ammont minimu ta' kapital jew assigurazzjoni tal-indennità professjonali jew għaqda tat-tnejn. L-aġġustamenti tal-ammonti ta' din l-assigurazzjoni jridu jqisu l-aġġustamenti magħmula fil-qafas tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dak it-trattament partikulari għall-għanijiet tal-adegwatezza tal-kapital għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull deċiżjoni li tirrigwarda t-trattament xieraq ta' dawk id-ditti skont il-bidliet ġejjiena tal-liġi tal-Unjoni dwar l-adegwatezza tal-kapital.

(50) Peress li l-ambitu tar-regolamentazzjoni prudenzjali għandu jkun limitat għal dawk l-entitajiet li, bis-saħħa li jżommu portafoll tan-negozjar fuq bażi professjonali, jirrappreżentaw sors ta' riskju tal-kontroparti lill-parteċipanti l-oħra tas-suq, l-entitajiet li jinnegozjaw fuq kont proprju fl-istrumenti finanzjarji għajr derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet, jew derivattivi tagħhom, għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva, sakemm ma jkunux ġeneraturi ta' suq, ma jinnegozjawx f'isimhom stess meta jeżegwixxu ordnijiet tal-klijenti, ma jkunux membri jew parteċipanti ta' suq regolat jew MTF, ma jkollhomx aċċess elettroniku dirett għal ċentru tan-negozjar u ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja.

(51) Sabiex jiġu protetti d-dritt tas-sjieda ta' investitur u drittijiet oħra simili rigward it-titoli u d-drittijiet tal-investitur rigward il-fondi fdati lil ditta, dawk id-drittijiet għandhom b'mod partikulari jinżammu distinti minn dawk tad-ditta. Madankollu, dan il-prinċipju ma għandux jipprevjeni lid-ditta milli tagħmel kummerċ għaliha nfisha imma f'isem l-investitur, meta dan ikun meħtieġ min-natura nfisha tat-tranżazzjoni u l-investitur jaqbel, per eżempju fis-self tal-istokkijiet.

(52) Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-assi tal-klijent huma għodda kruċjali għall-protezzjoni tal-klijenti fil-provvista tas-servizzi u tal-attivitajiet. Dawk ir-rekwiżiti jistgħu jkunu esklużi meta l-pussess sħiħ tal-fondi u tal-istrument finanzjarju huwa trasferit għal ditta ta' investiment biex ikopri kwalunkwe obbligi preżenti jew futuri, attwali jew kontinġenti jew prospettivi. Dik il-possibilità wiesgħa tista' toħloq inċertezza u tipperikola l-effikaċja tar-rekwiżiti li jikkonċernaw is-salvagwardja tal-assi tal-klijent. Għalhekk, għall-inqas meta jkunu involuti l-assi tal-klijenti mhux professjonali, huwa xieraq li tkun limitata l-possibilità tad-ditti ta' investiment li jikkonkludu arranġamenti ta' kollateral finanzjarju bit-trasferiment ta' titoli kif iddefinit fid-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), għall-fini tal-aċċertament jew altriment tal-kopertura tal-obbligi tagħhom.

(53) Huwa meħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tal-korpi maniġerjali ta' ditti ta' investiment, swieq regolati jew fornituri ta' servizzi ta' rappurtar tad-data biex jiżguraw immaniġġar tajjeb u prudenti tad-ditti, il-promozzjoni tal-integrità tas-suq u l-interessi tal-investituri. Il-korp maniġerjali ta' ditta ta' investiment, swieq regolati jew fornituri ta' servizzi ta' rappurtar tad-data għandu fil-mumenti kollha jiddedika ħin biżżejjed u jkollu l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza

([1]) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

([3]) Id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3).

([4]) Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar l-arranġamenti kollaterali finanzjarji (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43).

kollettivi adegwati sabiex ikun kapaċi jifhem l-attivitajiet tad-ditta inklużi r-riskji ewlenin tagħha. Biex jevitaw raġunar fi grupp u jiffaċilitaw opinjonijiet indipendenti u l-isfida kritika, korpi maniġerjali għandhom għalhekk ikunu differenti biżżejjed fir-rigward ta' età, ġeneru, provenjenza, edukazzjoni u sfond professjonali biex jippreżentaw firxa varja ta' fehmiet u esperjenzi. Ir-rappreżentanza tal-impjegati fil-korpi maniġerjali għandha wkoll titqies bħala espedjent pożittiv għat-titjib tad-diversità, billi tingħata prospettiva kruċjali u għarfien awtentiku tal-mekkaniżmi interni tad-ditti. Għalhekk, id-diversità għandha tkun wieħed mill-kriterji tal-kompożizzjoni tal-korpi maniġerjali. Id-diversità għandha wkoll tkun indirizzata fil-politika ta' reklutaġġ tad-ditti b'mod aktar ġenerali. Dik il-politika għandha, pereżempju, tinkoraġġixxi istituzzjonijiet jagħżlu kandidati minn listi qosra billi jinkludu żżewġ sessi. Fl-interess ta' approċċ koerenti għall-governanza korporattiva hu mixtieq li r-rekwiżiti għad-ditti ta' investiment ikunu allinjati kemm hu possibbli ma' dawk inklużi fid-Direttiva 2013/36/UE.

(54) Biex ikollu sorveljanza u kontroll effettiv fuq l-attivitajiet tad-ditta ta' investiment, swieq regolati u fornituri ta' servizzi ta' rappurtar tad-data, il-korp maniġerjali għandu jkun responsabbli u jagħti rendikont għall-istrateġija ġenerali tad-ditta, billi jqis il-kummerċ u l-profil tar-riskju tad-ditta. Il-korp maniġerjali għandu jieħu responsabilitajiet ċari matul iċ-ċiklu tal-operat tad-ditta, tal-oqsma tal-identifikazzjoni u d-definizzjoni tal-miri strateġiċi l-istrateġija tar-riskju u l-governanza interna tad-ditta, tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni interna tagħha, inkluż il-kriterji tal-għażla u t-taħriġ tal-persunal, ta' sorveljanza effettiva tal-maniġment superjuri, tad-definizzjoni tal-linji ta' politika ġenerali li jirregolaw il-provvista tas-servizzi u tal-attivitajiet, inkluż ir-remunerazzjoni tal-persunal responsabbli mill-bejgħ u l-approvazzjoni ta' prodotti ġodda għad-distribuzzjoni lill-klijenti. Il-monitoraġġ perjodiku u l-ivvalutar tal-miri strateġiċi tad-ditti, l-organizzazzjoni interna tagħhom u l-linji ta' politika tagħhom għall-provvista tas-servizzi u l-attivitajiet għandhom jiżguraw il-kapaċità kontinwa tagħhom li joffru maniġġar tajjeb u prudenti, fl-interess tal-integrità tas-swieq u tal-protezzjoni tal-investituri. Jekk membru tal-korp maniġerjali jkollu għadd kbir wisq ta' karigi ta' direttur dan jista' jżommu milli jqatta' ħin adegwat fit-twettiq ta' dak ir-rwol ta' sorveljanza.

Għalhekk, hu meħtieġ li jkun limitat l-għadd ta' karigi ta' direttur li membru tal-korp maniġerjali ta' istituzzjoni jkun fihom fl-istess ħin f'entitajiet differenti. Madankollu, il-karigi ta' direttur f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux b'mod predominanti objettivi kummerċjali, bħal organizzazzjonijiet karitatevoli mhux għall-qligħ, m'għandhomx jitqiesu fl-applikazzjoni ta' dan il-limitu.

(55) L-Istati Membri jużaw strutturi differenti ta' governanza. F'ħafna każijiet tintuża struttura ta' bord unitarja jew doppja. Id-definizzjonijiet użati f'din id-Direttiva huma intiżi li jiġbru l-istrutturi eżistenti kollha mingħajr ma jissuġġerixxu struttura partikolari. Huma purament funzjonali bl-iskop li jiġu stipulati regoli bil-mira li jintlaħaq eżitu partikolari rrispettivament mil-liġi tal-kumpanija nazzjonali applikabbli għal istituzzjoni f'kull Stat Membru. Id-definizzjonijiet m'għandhomx għalhekk jinterferixxu mal-allokazzjoni ġenerali tal-kompetenzi f' konformita' mal-liġi tal-kumpanija nazzjonali.

(56) Il-firxa dejjem tespandi tal-attivitajiet li ħafna ditti ta' investiment jidħlu għalihom b'mod simultanju żiedet il-potenzjal għall-kunflitti ta' interess bejn dawn l-attivitajiet differenti u l-interessi tal-klijenti tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprovduti regoli sabiex jiġi żgurat illi dawn il-kunflitti ma jaffettwawx b'mod negattiv l-interessi tal-klijenti tagħhom. Id-ditti għandhom id-dmir li jieħdu passi effettivi biex jidentifikaw u jevitaw jew jimmaniġjaw konflitti ta' interess u jimmitigaw l-impatt potenzjali ta' dawk ir-riskji kemm jista' jkun. Meta madankollu jibqa' xi riskju residwu ta' ħsara għall-interessi tal-klijent, għandha issir divulgazzjoni ċara lill-klijent tan-natura ġenerali u/jew tas-sorsi ta' konflitti ta' interess lill-klijent u l-passi meħuda biex jimmitigaw dawk ir-riskji qabel ma jsir negozju f'isem il-klijent.

(57) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE [1] tippermetti lill-Istati Membri li jeħtieġu, fil-kuntest tar-rekwiżiti organizzativi għad-ditti ta' investiment, l-irrekordjar ta' konversazzjonijiet fuq it-telefon jew ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvolvu ordnijiet tal-klijent. L-irrekordjar ta' konversazzjonijiet telefoniċi jew ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvolvi ordnijiet tal-klijent huwa kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) u huwa ġustifikat sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investitur, biex tittejjeb is-sorveljanza tas-suq u jżid iċ-ċertezza legali fl-interessi tad-ditti ta' investiment u l-klijenti tagħhom. L-importanza tat-tali rekords hija wkoll msemmija fil-konsulenza teknika lill-Kummissjoni, maħruġa mill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli fid-29 ta' Lulju 2010. Tali rekords għandhom jiżguraw li hemm evidenza li turi t-termini ta' kwalunkwe ordni mogħtija mill-klijenti u l-korrispondenza tagħha mat-tranżazzjonijiet eżegwiti mid-ditti ta' investiment, kif ukoll biex tiġi osservata kwalunkwe imġiba li jista' jkollha relevanza f'termini ta' abbuż tas-suq, inkluż meta ditti jinnegozjaw f'isimhom.

[1] Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26).

Għal dak il-għan ir-rekords huma meħtieġa għall-konverżazzjonijiet kollha li jinvolvu r-rappreżentanti ta' ditta meta jinnegozjaw, jew ikollhom il-ħsieb li jinnegozjaw, f'isimhom. Meta l-ordnijiet ikunu kkomunikati mill-klijenti b'modi oħra għajr it-telefown, tali komunikazzjonijiet għandhom isiru b'mezz durabbli bħal posta, fax, posta elettronika, dokumentazzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti magħmula f'laqgħat. Pereżempju, il-kontenut ta' konverżazzjonijiet diretti ma' klijent jistgħu jkunu rrekordjati bl-użu ta' minuti jew noti miktuba. Tali ordinijiet għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għal ordnijiet riċevuti bit-telefown. Meta jittieħdu minuti ta' konverżazzjonijiet diretti ma' klijenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm salvagwardji xierqa li jiżguraw li l-klijent ma jmurx minn taħt bħala riżultat ta' minuti mhux rekordjati b'mod preċiż tal-konverżazzjoni bejn il-partijiet. Tali salvagwardji m'għandhomx jimplikaw xi assunzjoni ta' responsabbiltà mill-klijent.

Sabiex ikun hemm ċertezza legali dwar l-iskop tal-obbligu, hu xieraq li jkun applikat għall-apparat kollu provdut mid-ditta jew li jista' jintuża mid-ditta ta' investiment u jkun meħtieġ li d-ditti ta' investiment jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li ebda tagħmir tal-privat ma jintuża fir-rigward ta' tranżazzjonijiet. Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tal-kompiti superviżorji tagħhom u fit-twettiq tal-azzjonijiet ta' infurzar skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u d-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw imġiba li ma tkunx konformi mal-qafas legali li jirregola l-attività ta' ditti ta' investiment. Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli wkoll għal ditti ta' investiment u għal klijenti biex juru l-iżvilupp tar-relazzjoni tagħhom fir-rigward ta' ordnijiet trażmessi mill-klijenti u tranżazzjonijiet imwettqa mid-ditti. Għal dawk ir-raġunijiet, huwa xieraq li din id-Direttiva tipprovdi l-prinċipji ta' sistema ġenerali li tikkonċerna l-irrekordjar ta' konversazzjonijiet fuq it-telefon jew ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvolvu l-ordnijiet tal-klijent.

(58) Konformement mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-superviżjoni finanzjarja Ewropea ta' Ġunju 2009, u biex tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' ġabra unika tar-regoli għas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, biex tgħin biex tkompli tiżviluppa kamp kompetittiv ekwu għall-Istati Membri u l-parteċipanti tas-suq, biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-investitur u biex ttejjeb is-superviżjoni u l-infurzar, l-Unjoni hija impenjata biex timminimizza, fejn huwa xieraq, id-diskrezzjonijiet disponibbli lill-Istati Membri fil-liġi tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Minbarra l-introduzzjoni f'din id-Direttiva ta' sistema komuni għall-irrekordjar ta' konversazzjonijiet fuq it-telefown jew ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jinvolvu ordnijiet tal-klijent, huwa xieraq li titnaqqas il-possibilità li l-awtoritajiet kompetenti jiddelegaw kompiti superviżorji f'ċerti każijiet, biex jiġu limitati d-diskrezzjonijiet fir-rekwiżiti applikabbli għal aġenti marbuta u għar-rapportar mill-fergħat.

(59) L-użu tat-teknoloġija informatika tan-negozjar evolva b'mod sinifikanti fl-aħħar deċennju u issa huwa użat b'mod estensiv mill-parteċipanti tas-suq. Ħafna parteċipanti tas-suq issa jagħmlu użu minn negozjar algoritmiku fejn algoritmu tal-kompjuter jiddetermina awtomatikament aspetti ta' ordni bi ftit jew mingħajr intervent uman. Ir-riskji li jiġu minn negozju algoritmiku għandhom ikun regolati. Madankollu, l-użu ta' algoritmi fi proċessar ta' wara n-negozjar ta' tranżazzjonijiet eżegwiti ma jikkostitwixxix negozjar algoritmiku. Ditta ta' investiment li tipparteċipa f'negozjar algoritmiku li qed tfittex li tikseb strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq għandha twettaq dik il-ġenerazzjoni tas-suq b'mod kontinwu matul proporzjon speċifikat tal-ħinijiet ta' negozjar taċ-ċentru tan-negozjar. Standards tekniċi regolatorji għandhom jiċċaraw x'jikkostitwixxi proporzjon speċifikat tal-ħinijiet ta' negozjar taċ-ċentru tan-negozjarbilli jiżguraw li tali proporzjoni speċifikat ikun sinifikanti meta mqabbel mal-ħinijiet ta' negozjar totali, filwaqt li jitqiesu l-likwidità, l-iskala u n-natura tas-suq speċifikat u l-karatteristiċi tal-istrument finanzjatu innegozjat.

(60) Ditti ta' investiment li jipparteċipaw f'negozjar algoritmiku u li jsegwu strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq għandu jkollhom fis-seħħ sistemi u kontrolli xierqa għal dik l-attività. Tali attivita' għandha tinftiehem b'mod speċifiku għal kuntest u skop tagħha. Id-definizzjoni ta' tali attivita' hija għalhekk indipendenti minn definizzjoni bħal dik ta' "attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq" fir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(61) Sottokategorija speċifika ta' negozjar algoritmiku huwa kummerċ algoritmiku ta' frekwenza għolja fejn sistema tal-kummerċ tanalizza data jew sinjali mis-suq b'veloċità golja u mbagħad tibgħat jew taġġorna numri kbar ta' ordnijiet f'perjodu qasir ta' żmien bi tweġiba għal dik l-analiżi. B'mod partikolari, kummerċ algoritmiku ta' frekwenza għolja jista' jkun fih elementi bħall-bidu, il-ġenerazzjoni, id-direzzjonar u l-eżekuzzjoni ta' ordni li huma determinati mis-sistema mingħajr intervent tal-bniedem għal kull negozju jew ordni individwali, perjodu ta' żmien qasir biex jiġu stabbiliti u likwidati l-pożizzjonijiet, fatturat ta' portafoll ta' kuljum għoli, proporzjon għoli ħafna bejn l-ordni u n-negozjar fl-istess ġurnata u għeluq tal-jum ta' negozjar f'pożizzjoni ċatta jew qrib tagħha. Kummerċ algoritmiku ta' frekwenza għolja hu kkaratterizzat, fost oħrajn, minn rati għolja ta' messaġġi fl-istess jum

([1]) Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (Direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (Ara paġna 179 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

li jikkostitwixxu ordnijiet, kwoti jew kanċellazzjonijiet. Fid-determinazzjoni ta' rati għolja ta' messaġġi fl-istess jum, l-identità tal-klijent finalment wara l-attività, it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni, il-paragun mal-attività ġenerali tas-suq matul dak il-perjodu u l-konċentrazzjoni jew il-frammentazzjoni relattiva tal-attività għandha tiġi meqjusa. Kummerċ algoritmiku ta' frekwenza għolja tipikament isir minn negozjaturi li jużaw il-kapital tagħhom infushom biex jinnegozjaw u iktar milli huwa strateġija minnu nnifsu huwa ġeneralment l-użu ta' teknoloġija sofistikata biex ikunu implimentati strateġiji iktar tradizzjonali bħat-twettiq tas-suq jew l-arbitraġġ.

(62) L-avvanzi tekniċi ppermettew negozjar ta' frekwenza għolja u evoluzzjoni tal-mudelli tan-negozju. In-negozjar ta' frekwenza għolja jiġi ffaċilitat mill-kollokazzjoni tal-faċilitajiet tal-parteċipanti fis-suq fi qrubija fiżika għall-magna ta' korrispondenza ta' ċentru tan-negozjar. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' negozjar ordinati u ġusti, hu essenzjali li ċ-ċentri tan-negozjar jipprovdu s-servizzi ta' kollokazzjoni ta' dan it-tip fuq bażi mhux diskriminatorja, ġusta u trasparenti. L-użu tat-teknoloġija informatika tan-negozjar żied il-veloċità, il-kapaċità u l-kumplessità ta' kif jinnegozjaw in-negozjaturi. Għen ukoll lill-parteċipanti tas-suq biex jiffaċilitaw l-aċċess elettroniku dirett mill-klijenti tagħhom għal swieq permezz tal-użu tal-faċilitajiet tan-negozjar tagħhom, permezz ta' aċċess tas-suq dirett jew aċċess sponsorizzat. It-teknoloġija informatika tan-negozjar ipprovdiet benefiċċji għas-suq u għall-parteċipanti tas-suq b'mod ġenerali bħal parteċipazzjoni usa' fis-swieq, iktar likwidità, inqas firxa, inqas volatilità fuq terminu qasir u l-mezzi biex tintlaħaq eżekuzzjoni aħjar tal-ordnijiet għall-klijenti. Madankollu, dik it-teknoloġija informatika tan-negozjar tat bidu wkoll għal numru ta' riskji potenzjali bħaż-żieda fir-riskju tat-tagħbija żejda tas-sistemi taċ-ċentri tan-negozjar minħabba volumi kbar ta' ordnijiet, riskji li negozjar algoritmiku jiġġenera ordnijiet duplikati jew żbaljati jew malfunzjonanti b'tali mod li jistgħu jwasslu għal suq diżordinat.

Barra minn hekk, hemm ir-riskju ta' sistemi ta' negozjar algoritmiku li jirreaġixxu b'mod esaġerat għal avvenimenti oħra tas-suq li jista' jħarrax il-volatilità jekk hemm problema preeżistenti fis-suq. Finalment, negozjar algoritmiku jew tekniki ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja, bħal kull forma oħra ta' negozjar, jista' jirrendi ruħu għal ċerti forom ta' mġiba abbużiva, li għandhom ikunu pprojbiti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014. Negozjar ta' frekwenza għolja jista' wkoll, minħabba l-vantaġġ tal-informazzjoni pprovdut għal negozjaturi ta' frekwenza għolja, jikkonvinċi lill-investituri jagħżlu li jwettqu negozju f'postijiet fejn jistgħu jevitaw l-interazzjoni man-negozjaturi ta' frekwenza għolja. Huwa xieraq li t-tekniki tan-negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja li jiddependu minn ċerti karatteristiċi speċifikati jiġu soġġetti għal skrutinju regolatorju partikolari. Filwaqt li dawk huma b'mod predominanti tekniki li jiddependu fuq in-negozjar f'isimhom stess, tali skrutinju għandu japplika wkoll fejn l-eżekuzzjoni tat-teknika tkun strutturata b'tali mod li tevita l-eżekuzzjoni li ssir f'isimha stess.

(63) Dawk ir-riskji potenzjali mill-użu dejjem jiżdied tat-teknoloġija jittaffew l-aħjar minn kombinazzjoni ta' miżuri u kontrolli tar-riskju speċifiċi diretti lejn ditti li jipparteċipaw f'tekniki ta' negozjar algoritmiku jew negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja, dawk li jipprovdu aċċess elettroniku dirett, u miżuri oħra diretti lejn operaturi ta' ċentri tan-negozjar li huma aċċessati mit-tali ditti. Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-swieq fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, dawk il-miżuri għandhom jirriflettu u jibnu fuq il-linji gwida tekniċi maħruġa mill-Awtorita' Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ([1]) ('AETS') stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsillfi Frar 2012 dwar sistemi u kontrolli f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat għal pjattaformi ta' negozjar, ditti ta' investiment u awtoritajiet kompetenti (AETS/2012/122). Huwa opportun li jkun żgurat li d-ditti kummerċjali algoritmiċi ta' frekwenza għolja jkunu awtorizzati. Tali awtoriżżazzjoni għandha tiżgura li dawk id-ditti jkunu suġġetti għar-rekwiżiti organizzattivi skont din id-Direttiva u li jkunu sorveljati kif xieraq. Madankollu, l-entitajiet li huma awtorizzati u sorveljati skont il-liġi tal-Unjoni li tirregola s-settur finanzjarju u huma eżentati minn din id-Direttiva imma li jipparteċipaw f'negozjar algoritmitku jew tekniki ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja m'għandhomx ikunu mitluba jakkwistaw awtorizzazzjoni skont din id-Direttiva u għandhom biss ikunu suġġetti għall-miżuri u l-kontrolli li għandhom l-għan li jindirizzaw riskju speċifiku li ġej minn dawn it-tipi ta' negozjar. F'dak ir-rigward, l-AETS għandha tiżvolġi rwol ta' koordinament importanti fid-definizzjoni tad-daqs ta' funzjonament xieraq biex jiġu żgurati swieq ordnati f'livell tal-Unjoni.

(64) Kemm id-ditti ta' investiment kif ukoll iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jiżguraw li jkun hemm miżuri b'saħħithom f'posthom biex jiżguraw li n-negozjar algoritmiku jew tekniki ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja ma joħoloqux suq diżordinat u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet abbużivi. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jiżguraw ukoll li s-sistemi tan-negozjar tagħhom huma reżiljenti u ttestjati tajjeb biex jitrattaw ma' żieda fil-flussi tal-ordnijiet jew stress tas-suq u li hemm salvaviti fis-seħħ fiċ-ċentri ta' negozjar biex iwaqqfu temporanjament il-kummerċ jew jillimitawh jekk ikun hemm movimenti f'daqqa mhux mistennija fil-prezzijiet.

(65) Hemm bżonn ukoll li jiġi żgurat li l-istrutturi tal-ħlasijiet taċ-ċentri ta' negozjar ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u ġusti u li ma jkunux strutturati b'tali mod li jippromwovu kundizzjonijiet tas-suq diżordinati. Huwa

([1]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

għalhekk xieraq li ċ-ċentri ta' negozjar jaġġustaw il-ħlasijiet tagħhom għall-ordnijiet ikkanċellati skont it-tul ta' żmien li matulu tkun inżammet l-ordni u li jirregolaw it-tariffi għal kull strument finanzjarju li japplikaw għalih. L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jippermettu li ċentri ta' negozjar jimponu ħlasijiet ogħla għat-tqegħid ta' ordni li tiġi sussegwentement ikkanċellata jew fuq parteċipanti li jqiegħdu proporzjon għoli ta' ordnijiet ikkanċellati u fuq dawk li joperaw teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja sabiex jiġi rifless il-piż addizzjonali fuq il-kapaċità tas-sistema mingħajr ma neċessarjament jibbenefikaw parteċipanti oħra tas-suq.

(66) Minbarra miżuri marbuta mal-negozjar algoritmiku u tekniki ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja huwa xieraq li jkun ipprojbit l-għoti ta' aċċess elettroniku dirett għal swieq minn ditti ta' investiment għall-klijenti tagħhom meta tali aċċess ma jkunx suġġett għal sistemi u kontrolli xierqa. Irrispettivament mill-forma ta' aċċess elettroniku dirett provdut, id-ditti li jipprovdu tali aċċess għandhom jivvalutaw u jirrevedu l-adattabbiltà tal-klijenti li jużaw dak is-servizz u jiżguraw li jkunu imposti kontrolli tar-riskju fuq l-użu tas-servizz u li dawk id-ditti jibqgħu responsabbli min-negozjar magħmul mill-klijenti tagħhom bl-użu tas-sistemi jew il-kodiċijiet tan-negozjar tagħhom. Huwa xieraq li r-rekwiżiti organizzativi dettaljati rigward dawk il-forom ġodda ta' kummerċ għandhom ikunu preskritti b'iktar dettall fi standards tekniċi regolatorji. Dan għandu jiżgura li r-rekwiżiti jistgħu jkunu emendati fejn meħtieġ biex jittrattaw ma' iktar innovazzjoni u żviluppi f'dak il-qasam.

(67) Sabiex tkun żgurata superviżjoni effettiva u sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri adegwati kontra strateġiji algoritmiċi difettużi jew diżonesti fi żmien dovut hu meħtieġ li l-ordnijiet kollha ġġenerati min-negozjar algoritmiku jiġu mmarkati. Permezz tal-immarkar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw u jiddistingwu ordnijiet li joriġinaw minn algoritmi differenti u jerġgħu jibnu b'mod effiċjenti u jevalwaw l-istrateġiji li jużaw in-negozjanti algoritmiċi. Dan għandu jnaqqas ir-riskju li l-ordnijiet ma jkunux attribwiti b'mod ambigwu għal strateġija algoritmika jew għal negozjant. L-immarkar jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jirreaġixxu b'mod effiċjenti u effettiv kontra strateġiji ta' negozjar algoritmiku li joħolqu mġiba abbużiva jew joħolqu riskji għall-funzjonament tajjeb tas-suq.

(68) Sabiex ikun żgurat li l-integrità tas-suq tinżamm fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi fis-swieq finanzjarji, l-AETS għandha tfittex b'mod regolari input minn esperti nazzjonali dwar żviluppi relatati mat-teknoloġija tan-negozjar inkluż negozjar ta' frekwenza għolja u prattiki ġodda li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq, sabiex tidentifika u tippromovi strateġiji effettivi li jimpedixxu u jindirizzaw tali abbużi.

(69) Hemm multitudni ta' ċentri tan-negozjar li bħalissa qed joperaw fl-Unjoni, li numru minnhom qed jinnegozjaw strumenti finanzjarji identiċi. Biex ikunu indirizzati r-riskji potenzjali għall-interessi tal-investituri huwa meħtieġ li jkunu formalizzati u iktar ikkoordinati l-proċessi fuq il-konsegwenzi għall-kummerċ f'ċentri tan-negozjar oħra jekk ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li qed jopera ċentru tan-negozjar wieħed jiddeċiedi li jissospendi jew ineħħi strument finanzjarju mill-kummerċ. Fl-interess taċ-ċertezza legali u biex ikunu indirizzati b'mod adegwat il-kunflitti ta' interess fid-deċiżjoni li jkunu sospiża jew imneħħija strumenti finanzjarji mill-kummerċ, għandu jkun żgurat li jekk ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li qed jopera ċentru tan-negozjar jieqaf jinnegozja minħabba li ma jkunx konformi mar-regoli proprji, l-oħrajn isegwu dik id-deċiżjoni jekk ikun deċiż hekk mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom sakemm it-tkomplija mal-kummerċ ma tkunx ġustifikata minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jkun formalizzat u mtejjeb l-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-sospensjoni jew it-tneħħija ta' strumenti finanzjarji mill-kummerċ f'ċentru tan-negozjar. Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu applikati b'mod li jżommu ċ-ċentri ta' negozjar milli jużaw informazzjoni trażmessa fil-kuntest ta' sospensjoni jew tneħħija ta' strument finanzjarju min-negozjar għal raġunijiet kummerċjali.

(70) Iktar investituri saru attivi fis-swieq finanzjarji u huma offruti sett usa u iktar kumpless ta' servizzi u strumenti u, fid-dawl ta' dawk l-iżviluppi, huwa meħtieġ li jkun ipprovdut grad ta' armonizzazzjoni li joffri lill-investituri livell għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni. Meta kienet adotta d-Direttiva 2004/39/KE, id-dipendenza dejjem tiżdied tal-investituri fuq rakkomandazzjonijiet personali ħtieġet li tinkludi l-provvista ta' konsulenza dwar investiment bħala servizz ta' investiment suġġett għall-awtorizzazzjoni u għal qadi speċifiku tal-obbligi tal-kummerċ. Ir-relevanza kontinwa tar-rakkomandazzjonijiet personali għall-klijenti u l-kumplessità dejjem tiżdied tas-servizzi u l-istrumenti teħtieġ il-qadi ta' obbligi tal-kummerċ biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri.

(71) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditti ta' investiment jaġixxu bi qbil mal-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom u jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. Ditti ta' investiment għandhom jifhmu kif xieraq il-karatteristiċi tal-istrumenti finanzjarji offruti jew rakkomandati u jistabbilixxu u jirrevedu politiki u arranġamenti effettivi biex jidentifikaw il-kategorija ta' klijenti li jkunu pprovdewlhom il-prodotti u s-servizzi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti ta' investiment li jimmanifatturaw strumenti finanzjarji jiżguraw li dawk il-prodotti jkunu manifatturati biex jilħqu l-ħtiġijiet ta' suq partikolari identifikat ta' klijenti finali fi ħdan il-kategorija rilevanti ta' klijenti, jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li l-istrumenti finanzjarji jkunu mqassma lis-suq partikolari identifikat u perjodikament jirrevedu l-identifikazzjoni tas-suq partikolari u l-prestazzjoni tal-prodotti li huma joffru. Ditti ta' investiment li joffru jew jirrakkomandaw lill-klijenti strumenti finanzjarji mhux maħduma minnhom għandhom ukoll ikollhom arranġamenti xierqa fis-seħħ biex jiksbu u jifhmu l-informazzjoni rilevanti dwar il-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott, inkluż is-suq partikolari identifikat u l-karatteristiċi tal-prodott li huma joffru jew jirrakkomandaw. Dak l-obbligu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kull valutazzjoni ta' adegwatezza jew adattabbiltà li tkun imwettqa sussegwentement mid-ditta ta' investiment fl-għoti ta' servizzi ta' investiment lil kull klijent, abbażi tal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u l-objettivi personali tagħhom.

Sabiex ikun żgurat li l-istrumenti finanzjarji jkunu offruti jew rakkomandati biss meta hu fl-interess tal-klijent, ditti ta' investiment li qed joffru jew jirrakkomandaw il-prodott maħdum mid-ditti li ma jkunux suġġett għar-rekwiżiti ta' governanza tal-prodott kif stabbilit f'din id-Direttiva jew maħduma minn ditti ta' pajjiż terz għandhom ukoll ikollhom arranġamenti xierqa biex jakkwistaw informazzjoni biżżejjed dwar l-istrumenti finanzjarji.

(72) Biex tingħata l-informazzjoni kollha rilevanti lill-investituri, huwa xieraq li d-ditti ta' investiment li jipprovdu konsulenza dwar l-investiment biex jiddivulgaw l-ispejjeż tal-konsulenza, biex jikkjarifikaw il-bażi tal-konsulenza li jipprovdu, partikolarment il-firxa ta' prodotti li jikkunsidraw meta jipprovdu rakkomandazzjonijiet personali lill-klijenti, kemm jekk jipprovdu konsulenza dwar investiment fuq bażi indipendenti kif ukoll jekk jipprovdu lill-klijenti b'valutazzjoni perjodika dwar l-addattabilità tal-istrumenti finanzjarji rrakkomandati lilhom. Huwa xieraq ukoll li d-ditti ta' investiment jintalbu jispjegaw lill-klijenti tagħhom ir-raġunijiet tal-konsulenza pprovduta lilhom.

(73) Biex jistabbilixxu iktar il-qafas regolatorju għall-provvista tas-servizz ta' konsulenza dwar investiment, filwaqt li fl-istess ħin iħallu l-għażla għad-ditti ta' investiment u l-klijenti, huwa xieraq li jkunu stabbiliti kundizzjonijiet għall-provvista ta' dak is-servizz meta d-ditti jinfurmaw lill-klijenti li s-servizz qed ikun ipprovdut fuq bażi indipendenti. Meta l-konsulenza tiġi pprovduta fuq bażi indipendenti għandha tiġi vvalutata firxa suffiċjenti ta' prodotti minn fornituri differenti ta' prodotti qabel issir rakkomandazzjoni personali. Mhuwiex meħtieġ li l-konsulent jivvaluta l-prodotti ta' investiment disponibbli fis-suq mill-fornituri kollha ta' prodotti jew dawk kollha li joħorġu l-prodotti, iżda l-firxa ta' strumenti finanzjarji m'għandhiex tkun limitata għal strumenti finanzjarji maħruġa jew ipprovduti minn entitajiet b'rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' investiment jew b'relazzjonijiet legali jew ekonomiċi oħra, bħal relazzjoni kuntrattwali, li tant ikunu stretti li jistgħu iqiegħdu f'riskju l-bażi indipendenti tal-parir ipprovdut.

(74) Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri u tiżdied iċ-ċarezza lill-klijenti dwar is-servizz li jirċievu, huwa wkoll xieraq li tkompli tkun limitata l-possibilità għad-ditti li jipprovdu s-servizz tal-konsulenza dwar l-investiment fuq bażi indipendenti u s-servizz tal-immaniġġjar tal-portafoll jaċċettaw u jżommu ħlasijiet, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju u mhux monetarju minn partijiet terzi, u partikolarment minn min joħroġ l-istrument jew min jipprovdi s-servizz. Dan jimplika li t-tariffi, il-kummissjonijiet kollha u kull benefiċċju monetarju mħallas jew ipprovdut minn terza parti għandu jkun ritornat kompletament lill-klijent malajr kemm jista' jkun wara li jirċievi dawk il-ħlasijiet mid-ditta u d-ditta m'għandhiex tkun tista' tibbilanċja kwalunkwe pagament ta' terzi persuni mill-ħlasijiet dovuti mill-klijenti lid-ditta. Il-klijent għandu jkun infurmat b'mod adegwat u fejn rilevanti perjodikament dwar il-ħlasijiet, il-kummissjonijiet u l-benefiċċji kollha li d-ditta irċeviet b'rabta mas-servizz tal-investiment provdut lill-klijent u trasferiti lilu. Ditti li jipprovdu konsulenza indipendenti jew l-immaniġġar ta' portafoll għandu ikollhom ukoll politika, bħala parti mir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni, li tiżgura li pagamenti ta' terzi persuni li jirċievu jkunu allokati u trasferiti lill-klijenti. Benefiċċji żgħar u mhux monetarji biss għandhom ikunu permessi, sakemm dawn jiġu żvelati b'mod ċar lill-klijent, li huma jkunu kapaċi jtejbu l-kwalità tas-servizz pprovdut u sakemm ma setgħux jitqiesu li jdgħajfu l-kapaċità tad-ditti ta' investiment li jaġixxu fl-aħjar interess tal-klijenti tagħhom.

(75) Meta qed jipprovdu s-servizz ta' konsulenza dwar l-investiment fuq bażi indipendenti u s-servizz tal-immaniġġar ta' portafoll, ħlasijiet, kummissjonijiet jew benefiċċji mhux monetarji mħallsa jew provduti minn persuna f'isem il-klijent għandhom ikunu permessi biss sakemm il-persuna hi konxja li tali pagamenti kienu saru f'isim dik il-persuna u li l-ammont u l-frekwenza ta' kull pagament hu maqbul bejn il-klijent u d-ditta ta' investiment u mhux determinat minn terza persuna. Każijiet li jistgħu jissodisfaw dak ir-rekwiżit jinkludu meta l-klijent iħallas fattura ta' ditta direttament jew din titħallas minn parti terza indipendenti li m'għandha l-ebda konnessjoni mad-ditta ta' investiment fir-rigward tas-servizz tal-investiment provdut lill-klijent u li qed taġixxi biss fuq istruzzjonijiet tal-klijent u każijiet meta l-klijent jinnegozja ħlas għal servizz provdut minn ditta ta' investiment u jagħmel dak il-ħlas. Dan ikun ġeneralment il-każ għall-kontabilisti jew avukati li jaġixxu skont istruzzjoni ċara ta' pagament mill-klijent jew meta persuna tkun qed taġixxi bħala biss dik li tgħaddi l-pagament.

(76) Din id-Direttiva tipprovdi għal kundizzjonijiet u l-proċeduri li l-Istati Membri jridu jikkonformaw magħhom meta jippjanaw li jimponi rekwiżiti addizzjonali. Tali rekwiżiti jistgħu jinkludu li jipprojbixxu jew li jirrestringu ulterjorment li joffru jew jaċċettaw ħlasijiet, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċji fi flus u mhux fi flus imħallsa jew ipprovduti minn kwalunkwe parti terza jew persuna li taġixxi f'isem parti terza b'rabta mal-għoti tas-servizz lill-klijenti.

(77) Biex il-konsumaturi jiġu protetti ulterjorment, jixraq ukoll li jiġi ggrantit li d-ditti ta' investiment ma jirrimunerawx jew ma jivvalutawx ir-riżultati tal-persunal tagħhom b'tali mod li jkun f'kuntrast mad-dmir tad-ditti li jaġixxu fl-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom, pereżempju permezz ta' remunerazzjoni, miri tal-bejgħ jew mod ieħor li jipprovdu inċentiv biex wieħed jirrakkomanda jew ibiegħ strument finanzjarju partikolari meta prodott ieħor jista' jwieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tal-klijent.

(78) Meta informazzjoni suffiċjenti fir-rigward tal-ispejjeż u tat-tariffi assoċjati jew tar-riskji fir-rigward tal-istrument finanzjarju innifsu jiġi provdut f'konformità ma' liġijiet oħra tal-Unjoni li dik l-informazzjoni għandha tkun meqjusa bħala xierqa għall-għanijiet tal-għoti ta' informazzjoni lill-klijenti skont din id-Direttiva. Madankollu, ditti ta' investiment jew istituzzjonijiet tal-kreditu li jqassmu dak l-istrument finanzjarju għandhom barra min hekk jinformaw lill-klijenti tagħhom dwar l-ispejjeż u l-ħlasijiet assoċjati l-oħra kollha relatati mal-għoti tas-servizzi ta' investiment għal dak l-istrument finanzjarju.

(79) Minħabba l-kumplessità tal-prodotti tal-investiment u l-innovazzjoni kontinwa fid-disinn tagħhom, huwa wkoll importanti li jiġi żgurat li l-persunal li joffri konsulenza dwar prodotti tal-investiment jew li jbigħhom lill-klijenti mhux professjonali jkollu livell xieraq ta' għarfien u kompetenza fir-rigward tal-prodotti offruti. Ditti ta' investiment għandhom jagħtu biżżejjed ħin u riżorsi lill-persunal tagħhom biex jiksbu dak l-għarfien u l-kompetenza u biex ikunu applikati fl-għoti ta' servizzi lill-klijenti.

(80) Ditti ta' investiment huma permessi li jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu biss fl-eżekuzzjoni u/jew fir-riċezzjoni u t-trasmissjoni tal-ordni tal-klijent, mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb informazzjoni rigward l-għarfien u l-esperjenza tal-klijent biex tkun ivvalutata l-adattabilità tas-servizz jew tal-istrument finanzjarju għall-klijent. Minħabba li dawk is-servizzi jwasslu għal tnaqqis rilevanti tal-protezzjoni tal-klijenti, huwa xieraq li jkunu mtejba l-kundizzjonijiet għall-provvista tagħhom. B'mod partikolari, huwa xieraq li tkun eskluża l-possibilità li dawk is-servizzi jkunu pprovduti flimkien mas-servizz anċillari li jikkonsisti fl-għoti ta' kreditu jew self lill-investituri biex jippermettilhom jagħmlu tranżazzjoni li fiha hija involuta d-ditta ta' investiment, minħabba li dan iżid il-kumplessità tat-tranżazzjoni u jagħmel l-għarfien tar-riskju involut iktar diffiċli. Huwa wkoll xieraq li jkunu definiti aħjar il-kriterji għall-għażla tal-istrumenti finanzjarji li għandhom jintrabtu magħhom dawk is-servizzi sabiex ikunu esklużi ċerti strumenti finanzjarji, inkluż dawk li jinkludu derivattiva jew jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli għall-klijent li jifhem ir-riskju involut, ishma f'impriżi li mhumiex impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (impriżi ta' investiment kollettiv mhux UCITS) u UCITS strutturati kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2010 ([1]). It-trattament ta' ċerti UCITS bħala prodotti kumplessi għandu jkun mingħajr preġudizzju għal liġi futura tal-Unjoni li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u r-regoli applikabbli għal tali prodotti.

(81) Prattiki ta' bejgħ inkroċjat huma strateġija komuni għall-fornituri tas-servizzi finanzjarji mhux professjonali fl-Unjoni. Dawn jistgħu jipprovdu benefiċċji għall-klijenti mhux professjonali imma jistgħu ukoll jirrappreżentaw prattiki fejn l-interess tal-klijent ma jitqiesx adegwatement. Pereżempju, ċerti forom ta' prattiki ta' bejgħ inkroċjat, notevolment prattiki ta' konfezzjoni (tying) fejn żewġ servizzi finanzjarji jew aktar jinbiegħu flimkien f'pakkett u tal-anqas wieħed minn dawk is-servizzi ma jkunx disponibbli separatement, jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffettwaw negattivament il-mobilità tal-klijenti u l-abilità tagħhom li jagħmlu għażliet informati. Eżempju ta' prattiki ta' konfezzjoni jista' jkun il-ftuħ neċessarju ta' kontijiet kurrenti meta jitforna servizz ta' investiment lil klijent mhux professjonali. Filwaqt li prattiki ta' gruppar (bundling), fejn żewġ servizzi finanzjarji jew aktar jinbiegħu flimkien f'pakkett, imma kull servizzi minnhom jista' wkoll jinxtara separatement, minkejja li jistgħu wkoll jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffettwaw negattivament il-mobilità tal-klijenti u l-abilità tagħhom li jagħmlu għażliet informati, tal-anqas iħallu l-għażla ħielsa lill-klijent u għalhekk jistgħu jkunu ta' riskju iżgħar għall-konformità tad-ditti ta' investiment mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. L-użu ta' tali prattiki għandu jiġi vvalutat bir-reqqa sabiex tiġi promossal-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumatur.

(82) Meta qed tipprovdi konsulenza dwar investiment, ditta ta' investiment għandha tispeċifika f'dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-adattabbiltà il-mod li bih il-konsulenza mogħtija tilħaq il-preferenzi, il-ħtiġijiet u karatteristiċi oħra tal-klijent mhux professjonali. Id-dikjarazzjoni għandha tkun provduta b'mezz durabbli li jinkludi l-forma elettronika.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħrif ewlieni għall-investitur u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati meta jingħata tagħrif ewlieni għall-investitur jew il-prospett b'mezz li jibqa' li mhuwiex stampat jew permezz ta' sit elettroniku (ĠU L 176, 10.7.2010, p. 1).

Ir-responsabbiltà li titwettaq valutazzjoni ta' adattabbiltà u li tipprovdi rapport preċiż ta' adattabbiltà lill-klijent hi tad-ditta ta' investiment u għandhom jitqiegħdu salvagwardi xierqa li jiżguraw li l-klijent ma jinkorrix telf minħabba li r-rapport ikun jippreżenta b'mod mhux preċiż jew inġust ir-rakkomandazzjoni personali, inkluż kif ir-rakkomandazzjoni provduta hi adatta għall-klijent u l-iżvantaġġi tal-kors ta' azzjoni rakkomandat.

(83) Fid-determinazzjoni ta' x'jikkostitwixxi l-komunikazzjoni ta' informazzjoni fil-ħin qabel ma jiskadi t-terminu speċifikat f'din id-Direttiva, kumpanija tal-investiment għandha tikkunsidra, wara li tqis l-urġenza tas-sitwazzjoni u ż-żmien neċessarju biex il-klijent jassorbi u jirreaġixxi għall-informazzjoni speċifika pprovduta, il-bżonn li l-klijent ikollu żmien biżżejjed biex jaqraha u jifhimha qabel ma jieħu deċiżjoni dwar l-investiment. Klijent x'aktarx ikun jeħtieġ aktar żmien biex janalizza l-informazzjoni mogħtija dwar prodott jew servizz kumpless jew mhux familjari, jew prodott jew servizz li klijent ma jkollux esperjenza tiegħu milli meta klijent jikkunsidra prodott jew servizz aktar sempliċi jew aktar familjari, jew meta klijent ikollu esperjenza preċedenti rilevanti.

(84) Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jobbliga lil ditti tal-investiment li jipprovdu immedjatament u fl-istess ħin l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-kumpanija tal-investiment, l-istrumenti finanzjarji, l-ispejjeż u t-tariffi assoċjati, jew dwar is-salvagwardja tal-istrumenti finanzjarji tal-klijenti jew tal-fondi tal-klijent, sakemm dawn jikkonformaw mal-obbligu ġenerali li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti fil-ħin qabel ma jiskadi t-terminu speċifikat f'din id-Direttiva. Sakemm l-informazzjoni hija kkomunikata lill-klijent fil-ħin qabel il-forniment tas-servizz, xejn f'din id-Direttiva ma jobbliga lill-kumpaniji li tipprovduha separatament, bħala parti minn komunikazzjoni kummerċjali, jew billi tinkorpora l-informazzjoni fil-kuntratt mal-klijent.

(85) Għandu jiġi kkunsidrat li jiġi pprovdut servizz fuq l-inizjattiva ta' klijent għajr jekk il-klijent jiddomandah bi tweġiba għal komunikazzjoni ppersonalizzata minn, jew f'isem, id-ditta lil dan il-klijent partikulari, li jkun fiha stedina jew tkun maħsuba li tinfluwenza lill-klijent rigward strument finanzjarju speċifiku jew tranżazzjoni speċifika. Servizz jista' jiġi kkunsidrat li jiġi pprovdut fuq l-inizjattiva tal-klijent minkejja li l-klijent jiddomandah fuq il-bażi ta' kull komunikazzjoni li jkun fiha promozzjoni jew offerta ta' strumenti finanzjarji magħmula b'kull mezz li min-natura nfisha tagħha tkun ġenerali u tkun indirizzata lill-pubbliku jew lil grupp jew kategorija ikbar ta' klijenti jew ta' klijenti potenzjali.

(86) Wieħed mill-għanijiet ta' din id-Direttiva huwa li jiġu protetti l-investituri. Il-miżuri sabiex jiġu protetti l-investituri għandhom jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull waħda mill-kategoriji tal-investituri (investituri fil-livell tal-konsumaturi, professjonali u kontropartijiet). Madankollu, sabiex jittejjeb il-qafas regolatorju li japplika għall-għoti ta' servizzi, irrispettivament mill-kategorija ta' klijenti involuti, huwa xieraq li wieħed jagħmilha ċara li l-prinċipji li wieħed jaġixxi b'mod onest, b'mod ġust u b'mod professjonali u l-obbligu li wieħed ikun ċar u ġust u li ma jqarraqx b'ħaddieħor japplikaw għar-relazzjoni mal-klijenti kollha.

(87) Investimenti li jinvolvu kuntratti ta' assigurazzjoni ta' spiss ikunu disponibbli għall-klijenti bħala alternattivi jew sostituti potenzjali għal strumenti finanzjarji suġġetti għal din id-Direttiva. Biex tingħata protezzjoni konsistenti lill-klijenti mhux professjonali u jkunu żgurati kundizzjonijiet ugwali bejn prodotti simili, hu importanti li prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni jkunu suġġetti għal rekwiżiti xierqa. Minkejja li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-investitur f'din id-Direttiva għandhom għalhekk ikunu applikati b'mod ugwali għal dawk l-investimenti miġbura f'kuntratti ta' assigurazzjoni, l-istrutturi tas-suq differenti tagħhom u l-karatteristiċi tal-prodott jagħmluha aktar xierqa li jkunu stabbiliti rekwiżiti dettaljati fir-reviżjoni li għaddejja tad-Direttiva 2002/92/KE aktar milli jkunu stabbiliti f'din id-Direttiva. Liġi futura tal-Unjoni li tirregola l-attivitajiet tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni u tal-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom għalhekk jiżguraw b'mod xieraq approċċ regolatorju konsistenti dwar id-distribuzzjoni ta' prodotti finanzjarji differenti li jissodisfaw ħtiġijiet simili tal-investitur u għalhekk iqajmu sfidi kumparabbli dwar il-protezzjoni tal-investitur. L-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) ('AEAPX'), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-AETS għandhom jaħdmu flimkien biex jilħqu livell għoli ta' konsistenza possibbli fit-tmexxija tal-istandards tan-negozju għal dawk il-prodotti ta' investiment. Dawk ir-rekwiżiti ġodda għal prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni għandhom ikunu stipulati fid-Direttiva 2002/92/KE.

(88) Sabiex ikunu allinjati r-regoli li jirrigwardaw il-konflitti ta' interess, il-prinċipji ġenerali u l-informazzjoni lill-klijenti u biex l-Istati Membri jkunu jistgħu iqiegħdu restrizzjonijiet fuq ir-remunerazzjoni tal-intermedjarji, id-Direttiva 2002/92/KE għandha tkun emendata kif xieraq.

([1]) Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

(89) Prodotti ta' investiment abbażi tal-assigurazzjoni li ma joffrux opportunitajiet ta' investiment u depożiti li huma esposti biss għal rati ta' mgħax għandhom għalhekk ikunu esklużi mill-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Prodotti individwali u tal-pensjonijiet tax-xogħol, li għandhom bħala għan primarju li jipprovdi lill-investitur introjtu fl-irtirar, għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'konsiderazzjoni tal-partikolaritajiet u l-objetttivi tagħhom.

(90) B'deroga mill-prinċipju tal-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju, tas-superviżjoni u tal-infurzar tal-obbligi rigward l-operat tal-friegħi min-naħa tal-pajjiż tad-domiċilju, huwa xieraq illi l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tassumi r-responsabbiltà sabiex tinforza ċerti obbligi speċifikati f'din id-Direttiva fejn jidħol il-kummerċ imwettaq permezz ta' fergħa fit-territorju fejn tkun il-fergħa, minħabba li dik l-awtorità tkun l-eqreb waħda għall-fergħa u tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tikxef il-ksur tar-regoli li jirregolaw l-operat tal-fergħa u tintervjeni f'każ li jkun hemm it-tali ksur.

(91) Huwa meħtieġ li jiġi impost obbligu effettiv "tal-aħjar eżekuzzjoni" sabiex ikun żgurat li d-ditti ta' investiment iwettqu l-ordnijiet tal-klijent fuq termini li jkunu l-iktar favorevoli għall-klijent. Dak l-obbligu għandu japplika fejn ditta jkollha obbligi kuntrattwali jew ta' aġenzija lejn il-klijent.

(92) Minħabba firxa wiesgħa ta' postijiet tal-eżekuzzjoni attwalment disponibbli fl-Unjoni, hu xieraq li jissaħħaħ il-qafas tal-aħjar eżekuzzjoni għall-investituri fil-livell ta' konsumatur. Għandhom jitqiesu l-progressi teknoloġiċi għall-monitoraġġ tal-obbligu tal-aħjar eżekuzzjoni fl-applikazzjoni tal-qafas ta' eżekuzzjoni f'konformita' mat-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 27(1).

(93) Għall-finijiet li tkun determinata l-aħjar eżekuzzjoni meta jkunu eżegwiti ordnijiet ta' klijenti mhux professjonali, l-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni għandhom jinkludu l-kummissjonijiet jew it-tariffi proprji tal-kumpanija tal-investiment mitluba mill-klijent għal skopijiet limitati, fejn iktar minn post wieħed elenkat fil-politika ta' eżekuzzjoni tal-kumpanija jkun kapaċi jeżegwixxi ordni partikolari. F'dawn il-każijiet il-kummissjonijiet u l-ispejjeż proprji tal-kumpanija biex teżegwixxi l-ordni f'kull wieħed mill-postijiet eliġibbli ta' eżekuzzjoni għandhom jitqiesu sabiex ikunu vvalutati u pparagunati r-riżultati għall-klijent li kienu jkunu milħuqa permezz tal-eżekuzzjoni tal-ordni f'kull wieħed minn dawn il-postijiet. Madankollu, mhuwiex maħsub li kumpanija tkun meħtieġa tipparaguna r-riżultati li kienu jkunu ottenuti għall-klijent tagħha fuq il-bażi tal-politika ta' eżekuzzjoni proprja u l-kummissjonijiet u t-tariffi proprji, ma' riżultati li jistgħu jkunu ottenuti għall-istess klijent minn kull kumpanija oħra tal-investiment fuq il-bażi ta' politika ta' eżekuzzjoni differenti jew struttura differenti ta' kummissjonijiet u tariffi. Anqas ma hu maħsub li kumpanija tkun meħtieġa tipparaguna d-differenzi fil-kummissjonijiet proprji li huma attribwibbli għal differenzi fin-natura tas-servizzi li l-kumpanija tipprovdi lil klijenti.

(94) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jipprovdu li l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni għandhom jinkludu l-kummissjonijiet jew it-tariffi proprji ta' kumpanija tal-investiment mitluba mill-klijent għall-forniment ta' servizz ta' investiment ma għandhomx japplikaw bil-għan li jkun determinat liema post ta' eżekuzzjoni għandu jkun inkluż fil-politika ta' eżekuzzjoni tal-kumpanija għall-finijiet tal-Artikolu 27(5) ta' din id-Direttiva.

(95) Ditta tal-investiment għandha tiġi kkunsidrata li qed tistruttura jew titlob il-kummissjonijiet tagħha b'mod li jiddiskrimina inġustament bejn postijiet tal-eżekuzzjoni jekk titlob kummissjoni jew marġini differenti lil klijenti għal eżekuzzjoni f'postijiet ta' eżekuzzjoni differenti u dik id-differenza ma tirriflettix id-differenzi attwali fl-ispiża tal-kumpanija għal eżekuzzjoni f'dawk il-postijiet.

(96) Biex jitjiebu l-kundizzjonijiet li fihom id-ditti ta' investiment jaqdu l-obbligu tagħhom li jesegwixxu ordnijiet fl-iktar termini favorevoli għall-klijenti tagħhom b'konformità ma' din id-Direttiva, huwa xieraq li għal strumenti finanzjarji suġġetti għall-obbligu ta' negozjar fl-Artikoli 23 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 kull ċentru ta' negozjar u internalizzatur sistematiku u għall-istrumenti oħra finanzjarji li kull post tal-eżekuzzjoni jkun mitlub jagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data marbuta mal-kwalità tal-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet f'kull post.

(97) Informazzjoni pprovduta minn ditti ta' investiment lill-klijenti b'rabta mal-politika tagħhom dwar l-eżekuzzjoni tal-ordni hija ħafna drabi ġenerika u standard u ma tippermettix lill-klijenti jifhmu kif se ssir it-tranżazzjoni u jivverifikaw il-konformità tad-ditti mal-obbligi tagħhom li jesegwixxu ordnijiet fl-iktar termini favorevoli għall-klijenti tagħhom. Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investitur, huwa xieraq li jkunu speċifikati l-prinċipji li jikkonċernaw l-informazzjoni mogħtija minn ditti ta' investiment lill-klijenti tagħhom fuq il-politika dwar l-eżekuzzjonijiet tal-ordnijiet u jistipulaw li d-ditti jagħmlu pubblika, fuq bażi annwali, għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji, l-iktar ħames postijiet ta' eżekuzzjoni fejn eżegwixxew l-ordnijiet tal-klijent fis-sena preċedenti u li jikkunsidraw dik l-informazzjoni u l-informazzjoni ppubblikata miċ-ċentri ta' eżekuzzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-kwalità fil-politiki tagħhom dwar l-aħjar eżekuzzjoni.

(98) Meta tkun qiegħda tiġi stabbilita relazzjoni tal-kummerċ mal-klijent, id-ditta ta' investiment tista' tistaqsi lill-klijent jew lil klijent potenzjali li jagħtu l-kunsens tagħhom fl-istess waqt għall-politika tat-twettiq kif ukoll għall-possibbiltà li l-ordnijiet ta' dik il-persuna ikunu jistgħu jiġu mwettqa 'l barra minn ċentru ta' negozjar.

(99) Il-persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment f'isem iktar minn ditta waħda ta' investiment ma għandhomx jiġu kkunsidrati li huma aġenti marbuta imma bħala ditti ta' investiment meta jidħlu fid-definizzjoni pprovduta f'din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' ċerti persuni li jistgħu jkunu eżentati.

(100) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt li l-aġenti marbuta jidħlu għal attivitajiet koperti minn Direttivi oħra u għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu magħhom rigward servizzi jew prodotti finanzjarji mhux koperti minn din id-Direttiva, inkluż f'isem il-partijiet tal-istess grupp finanzjarju.

(101) Il-kundizzjonijiet sabiex jitwettqu attivitajiet 'il barra mill-bini tad-ditta ta' investiment (il-bejgħ bieb bieb) ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva.

(102) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma għandhomx jirreġistraw jew għandhom jirtiraw ir-reġistrazzjoni meta l-attivitajiet attwalment imwettqa jindikaw biċ-ċar illi aġent marbut ikun għażel is-sistema legali ta' Stat Membru bil-għan li jevadi l-istandards iktar stretti fis-seħħ fi Stat Membru ieħor li ġewwa t-territorju tiegħu jew ikun beħsiebu jwettaq jew ikun effettivament iwettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tiegħu.

(103) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jiġu meqjusa li qed jaġixxu bħala klijenti.

(104) Il-kriżi finanzjarja uriet limiti fil-kapaċità ta' klijenti professjonali li japprezzaw ir-riskju tal-investiment tagħhom. Filwaqt li għandu jkun ikkonfermat li r-regoli għal-kondotta tal-operat għandhom ikunu infurzati fir-rigward ta' dawk l-investituri li l-iktar jinħtieġu protezzjoni, huwa xieraq li jkunu kkalibrati aħjar ir-rekwiżiti applikabbli għall-kategoriji differenti tal-klijenti. Sa dak il-punt, huwa xieraq li xi rekwiżiti ta' informazzjoni u rapportar ikunu estiżi għar-relazzjoni ma' kontropartijiet eliġibbli. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti rilevanti għandhom ikunu marbuta mas-salvagwardja tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-klijent u rekwiżiti tar-rapportar li jikkonċernaw strumenti finanzjarji u tranżazzjonijiet iktar kumplessi. Biex tkun definita aħjar il-klassifikazzjoni tal-muniċipilitajiet u tal-awtoritajiet pubbliċi lokali, huwa xieraq li teskludihom b'mod ċar mil-lista ta' kontropartijiet eliġibbli u ta' klijenti li huma kkunsidrati li huma professjonali filwaqt li xorta tippermetti lil dawk il-klijenti biex jitolbu trattament professjonali daqs klijenti professjonali.

(105) Rigward it-tranżazzjonijiet imwettqa bejn il-kontropartijiet eliġibbli, l-obbligu li jiġu żvelati ordnijiet tal-klijenti b'limitu tal-prezz għandu japplika biss meta l-kontroparti tibgħat b'mod espliċitu ordni b'limitu tal-prezz lil ditta ta' investiment biex din twettaq din l-ordni.

(106) L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett għad-dritt tal-protezzjoni tad-data personali skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali imwettqa fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Ipproċessar tad-data personali mill-AETS fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva hu suġġett għar-Regolament (UE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(107) Id-ditti ta' investiment għandhom ilkoll ikollhom l-istess opportunitajiet li jingħaqdu mas-swieq regolati fl-Unjoni kollha jew li jkollhom aċċess għalihom. Tkun xi tkun il-manjiera li biha t-tranżazzjonijiet ikunu organizzati fl-Istati Membri fil-preżent, huwa importanti illi jiġu aboliti r-restrizzjonijiet tekniċi u legali dwar l-aċċess għas-swieq regolati.

([1]) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([2]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(108) Sabiex tiġi ffaċilitata l-finalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet li jaqsmu l-fruntieri, huwa xieraq li jiġi pprovvdut l-aċċess għas-sistemi tal-ikklerjar u s-saldu fl-Unjoni kollha mid-ditti ta' investiment, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjonijiet ikunux ġew konklużi permezz tas-swieq regolati fl-Istat Membru konċernat jew le. Id-ditti ta' investiment li jixtiequ jipparteċipaw direttament fis-sistemi tas-saldu ta' Stati Membri oħra għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti operazzjonali u kummerċjali rilevanti għas-sħubija u mal-miżuri prudenzjali sabiex isostnu l-funzjonament bla xkiel u bl-ordni tas-swieq finanzjarji.

(109) Il-provvista ta' servizzi minn ditti ta' pajjiż terz fl-Unjoni hija suġġetta għal reġimi u rekwiżiti nazzjonali. Id-ditti awtorizzati b'konformità magħhom ma jgawdux il-libertà li jipprovdu servizzi u d-dritt tal-istabbiliment fi Stati Membri oħra minbarra dak fejn huma stabbiliti. Fejn Stat Membru jqis li l-livell xieraq ta' protezzjoni għall-klijenti mhux professjonali tiegħu jew klijenti mhux professjonali li jkunu talbu li jkunu ttrattati bħala klijenti professjonali jista' jintlaħaq billi titwaqqaf fergħa mid-ditta tal-pajjiż terz hu xieraq li jintroduċi qafas regolatorju komuni minimu fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għal dawk il-fergħat u fid-dawl tal-prinċipju li ditti ta' pajjiżi terzi m'għandhomx ikunu trattati b'mod aktar favorevoli minn ditti tal-Unjoni.

(110) Meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) dwar ġuriżdizzjonijiet li għandhom defiċjenzi strateġiċi kontra l-ħasil tal-flus u fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu u li għalihom japplikaw kontromiżuri jew ġuriżdizzjonijiet b'defiċjenzi strateġiċi kontra l-ħasil tal-flus u fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu li ma għamlux biżżejjed progress biex jindirizzaw dawn id-defiċjenzi jew li ma ħadux impenn favur pjan ta' azzjoni żviluppat mill-FATF biex jindirizzaw dawn id-defiċjenzi.

(111) Id-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva li tirregola l-provvista tas-servizzi jew attivitajiet ta' investiment minn ditti ta' pajjiż terz fl-Unjoni ma għandhiex taffettwa l-possibilità għal persuni stabbiliti fl-Unjoni li jirċievu servizzi ta' investiment minn ditti ta' pajjiż terz b'inizjattiva esklussiva tagħhom stess. Fejn ditta ta' pajjiż terz tipprovdi servizzi fuq l-inizjattiva esklussiva ta' persuna stabbilita fl-Unjoni, is-servizzi ma għandhomx ikunu meqjusa bħala pprovduti fit-territorju tal-Unjoni. Fejn ditta ta' pajjiż terz tissoliċita klijenti jew klijenti potenzjali fl-Unjoni jew tippromwovi jew tirreklama servizzi jew attivitajiet ta' investiment flimkien mas-servizzi anċillari fl-Unjoni, dan ma għandux ikun meqjus bħala servizz ipprovdut bl-inizjattiva esklussiva tal-klijent.

(112) L-awtorizzazzjoni għal operazzjoni f'suq regolat għandha testendi għall-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu direttament mal-wiri, l-ipproċessar, it-twettiq, il-konferma u r-rapportar tal-ordnijiet mill-punt li fih dawn l-ordnijiet jiġu rċevuti mis-suq regolat sal-punt li fih jiġu trażmessi għall-finalizzazzjoni sussegwenti, u għall-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mad-dħul tal-istrumenti finanzjarji fil-kummerċ. Din għandha tinkludi wkoll it-tranżazzjonijiet konklużi permezz ta' ġeneraturi tas-suq nominati li huma maħtura mis-suq regolat, li jitwettqu skont is-sistemi tagħhom u skont ir-regoli li jirregolaw dawn is-sistemi. Mhux it-tranżazzjonijiet kollha konklużi mill-membri jew mill-parteċipanti tas-suq regolat, tal-MTF jew tal-OTF għandhom jiġu kkunsidrati li jkunu konklużi fis-sistemi ta' suq regolat, ta' MTF jew ta' OTF. It-tranżazzjonijiet li l-membri jew il-parteċipanti jikkonkludu fuq bażi bilaterali u li ma jikkonformawx mal-obbligi kollha stabbiliti għal suq regolat, għal MTF jew għal OTF skont din id-Direttiva għandhom jiġu kkunsidrati li huma tranżazzjonijiet konklużi 'l barra minn suq regolat, minn MTF jew minn OTF għall-għanijiet tad-definizzjoni ta' internalizzatur sistematiku. F'dan il-każ għandu japplika l-obbligu tad-ditti ta' investiment li jippubblikaw kwotazzjonijiet sodi jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-Direttiva u mir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(113) Minħabba l-importanza tal-provvista ta' likwidità għall-funzjonament tajjeb u effiċjenti tas-swieq, ditti ta' investiment li jipparteċipaw f'negozjar algoritmiku biex isegwu strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq għandu jkollhom ftehimiet bil-miktub fis-seħħ ma' ċentri tan-negozjar li jiċċaraw l-obbligi tagħhom li jipprovdu likwidità fis-suq.

(114) Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jesiġi li l-awtoritajiet kompetenti japprovaw jew jeżaminaw il-kontenut tal-ftehim bil-miktub bejn is-suq regolat u d-ditta ta' investiment li huwa mitlub mill-parteċipazzjoni fi skema ta' ġenerazzjoni tas-suq. Madankollu, lanqas ma żżommhom milli jagħmlu hekk, sakemm kwalunkwe approvazzjoni jew eżami bħal dan ikun ibbażat biss fuq il-konformità tas-swieq regolati mal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 48.

(115) Il-forniment ta' servizzi ta' data ewlenija tas-suq li huma ta' importanza kbira għall-utenti biex ikunu kapaċi jiksbu ħarsa ġenerali kif mixtieq tal-attività tan-negozjar madwar is-swieq finanzjarji tal-Unjoni u għall-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu informazzjoni eżatta u komprensiva dwar tranżazzjonijiet rilevanti għandha tkun suġġetta għall-awtorizzazzjoni u r-regolamentazzjoni biex tiżgura livell meħtieġ ta' kwalità.

(116) L-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' pubblikazzjoni approvati (APAs) għandha ttejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar it-trasparenza tan-negozjar ippubblikata fl-ispazju OTC u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiżgura li t-tali data tkun ippubblikata b'tali mod li jiffaċilita l-konsolidazzjoni tagħha ma' data ppubblikata minn ċentri tan-negozjar.

(117) Issa li ġiet implimentata struttura ta' suq li tippermetti l-kompetizzjoni bejn diversi ċentri tan-negozjar, hu essenzjali li kemm jista' jkun malajr jibda jiffunzjona tejp ikkonsolidat effikaċi u komprensiv. L-introduzzjoni ta' soluzzjoni kummerċjali għal tejp ikkonsolidat għall-ekwitajiet u strumenti finanzjari li jixbħu l-ekwitajiet għandha tikkontribwixxi għal suq Ewropew iktar integrat u biex tagħmilha iktar faċli għall-parteċipanti tas-suq biex jiksbu aċċess għal ħarsa konsolidata lejn l-informazzjoni dwar it-trasparenza tas-suq li tkun disponibbli. Is-soluzzjoni prevista hija bbażata fuq l-awtorizzazzjoni ta' fornituri li jaħdmu f'parametri predefiniti u supervizzati li huma f'kompetizzjoni flimkien sabiex jiksbu soluzzjonijiet sofistikati u innovativi ħafna, li jservu lis-suq bl-aħjar mod possibbli u li jiżguraw li data konsistenti u preċiża tas-suq tkun disponibbli. Billi jintalab lill-fornituri ta' tejps ikkonsolidati (CTPs) kollha biex jikkonsolidaw id-data mill-APAs kollha u ċentri tan-negozjar, se tiġi żgurata l-kompetizzjoni abbażi tal-kwalità tas-servizz lill-klijent u mhux fir-rigward tal-firxa tad-data koperta. Madankollu, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni minn issa għal tejp konsolidat li jkun fis-seħħ permezz ta' proċess tal-akkwist pubbliku jekk il-mekkaniżmu previst ma jwassalx għall-għoti fil-ħin ta' tejp konsolidat effettiv u komprensiv għall-ekwitajiet u strumenti finanzjari li jixbħu l-ekwitajiet.

(118) L-istabbiliment ta' tejp ikkonsolidat għall-istrumenti finanzjari mhux tal-ekwità jitqies aktar diffiċli biex jiġi implimentat mit-tejp ikkonsolidat għall-istrumenti ta' ekwita' u l-fornituri potenzjali għandhom ikunu kapaċi li jiksbu esperjenza dwar dan tal-aħħar qabel jippruvaw jibnu l-oħra. Sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment xieraq tat-tejp ikkonsolidat għall-istrumenti finanzjarji nonazzjonarji, huwa għalhekk xieraq li jkun hemm dispożizzjoni għal data estiża għall-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-dispożizzjonijiet rilevanti. Madankollu, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni minn issa għal tejp ikkonsolidat li jkun fis-seħħ permezz ta' proċess tal-akkwist pubbliku jekk il-mekkaniżmu previst ma jwassalx għall-għoti fil-ħin ta' tejp ikkonsolidat effettiv u komprensiv għall-istrumenti finanzjarju mhux tal-ekwità.

(119) Meta jiddeterminaw, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji mhux tal-ekwità, iċ- ċentri tan-negozjartan-negozjar u l-APAs li jeħtieġ li jiġu inklużi fl-informazzjoni wara n-negozjar li għandhom jiġu disseminati mis-CTPs, l-AETS għandha tiżgura li l-objettiv tal-istabbiliment ta' suq integrat tal-Unjoni għal dawk l-istrumenti finanzjarji se jintlaħqu u għandha tiżgura t-trattament mhux diskriminatorju tal-APAs u ċentri tan-negozjar.

(120) Il-liġi tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għandha tiffissa r-rekwiżiti kapitali minimi l magħhom għandhom jikkonformaw is-swieq regolati sabiex jiġu awtorizzati u, hija u tagħmel dan, għandha tqis in-natura speċifika tar-riskji assoċjati ma' dawn is-swieq.

(121) L-operaturi ta' suq regolat għandhom ikunu kapaċi wkoll joperaw MTF jew OTF skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva.

(122) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirrigwardaw l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għall-kummerċ skont ir-regoli infurzati mis-suq regolat għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Suq regolat ma għandux jiġi pprevenut milli japplika rekwiżiti iktar stretti għall-emittenti tal-istrumenti finanzjarji li jkun qiegħed jikkunsidra għall-ammissjoni għan-negozjar minn dawk imposti skont din id-Direttiva.

[1] Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 fuq l-ammissjoni ta' titoli għal-listi ta' stock exchange uffiċjali u fuq informazzjoni li għandha tkun ippubblikata fuq dawk il-titoli (ĠU L 184, 6.7.2001, p. 1).

[2] Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

(123) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinnominaw awtoritajiet kompetenti differenti sabiex jinfurzaw l-obbligi mifruxa fil-wisa' stabbiliti f'din id-Direttiva. Dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu ta' natura pubblika li tiggarantixxi l-indipendenza tagħhom mill-atturi ekonomiċi u tevita l-kunflitti ta' interess. B'konformità mal-liġijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-finanzjament ix-xieraq tal-awtorità kompetenti. In-nomina tal-awtoritajiet pubbliċi ma għandhiex teskludi delega taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti.

(124) Sabiex jiġi żgurat li l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' sospensjonijiet, tneħħija, interruzzjonijiet, kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar u ċirkostanzi li jistgħu jindikaw abbuż tas-suq issir b'mod effiċjenti u fil-ħin, huwa meħtieġ proċess effettiv ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, li jinkiseb permezz tal-arranġamenti żviluppati mill-AETS.

(125) Is-summit tal-G20 f'Pittsburgh fil-25 ta' Settembru 2009 qabel li jtejjeb ir-regolamentazzjoni, il-funzjonament u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji ta' komoditajiet biex jindirizza l-volatilità eċċessiva tal-prezz tal-komoditajiet. Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 dwar Funzjonament Aħjar tal-Katina tal-Provvista tal-Ikel fl-Ewropa, u tat-2 ta' Frar 2011 dwar It-Trattament tal-Isfidi fis-Swieq tal-Komoditajiet u tal-Materja Prima spjegaw miżuri li għandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva 2004/39/KE. F'Settembru 2011, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli ppubblikat il-Prinċipji għar-Regolamentazzjoni u s-Superviżjoni tas-Swieq tad-Derivattivi tal-Komoditajiet. Dawk il-prinċipji ntlaqgħu mis-samit G20 f'Cannes fl-4 ta' Novembru 2011 li talab biex ir-regolaturi tas-suq ikollhom setgħat tal-maniġment f'pożizzjonijiet formali, inkluża s-setgħa biex jitwaqqfu limiti ta' pożizzjoni ex ante kif inhu xieraq.

(126) Is-setgħat disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kkumplimentati bis-setgħat espliċiti li tinkiseb informazzjoni minn kwalunkwe persuna rigward id-daqs u l-iskop ta' pożizzjoni f'kuntratti tad-derivattivi marbuta ma' komoditajiet u li l-persuna tintalab tieħu passi biex tnaqqas id-daqs tal-pożizzjoni f'kuntratti tad-derivattivi.

(127) Jeħtieġ reġim armonizzat ta' limiti ta' pożizzjoni li jiżgura aktar koordinazzjoni u konsistenza fl-applikazzjoni tal-ftehim tal-G20, speċjalment għal kuntratti li huma negozjati fl-Unjoni kollha. Għalhekk, għandhom jingħataw setgħat espliċiti lill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu limiti, abbażi ta' metodoloġija determina mill-AETS, dwar il-pożizzjonijiet li kwalunkwe persuna tista' żżomm, fil-livell ta' grupp aggregat, f'kuntratt tad-derivattivi b'rabta ma' komodità f'kull żmien sabiex jimpedixxu l-abbuż tas-suq, inkluż billi joħloq monopolju fis-suq, u biex jappoġġaw il-kundizzjonijiet xierqa ta' pprezzar u s-saldu inkluż il-prevenzjoni ta' pożizzjonijiet li joħolqu distorsjoni tas-suq. Tali limiti għandhom jippromovu l-integrità tas-suq għad-derivattivi u l-komoditajiet sottostanti mingħajr preġudizzju għall-iskoperta tal-prezzijiet fis-suq għall-komoditajiet sottostanti u m'għandhomx japplikaw għal pożizzjonijiet li oġġettivament inaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attivitajiet kummerċjali fir-rigward tal-komodità. Id-distinzjoni bejn spot contract għal komoditajiet u kuntratti ta' derivattivi ta' komoditajiet għandhom ukoll ikunu kkjarifikati. Sabiex jintlaħaq reġim armonizzat, hu wkoll xieraq għall-ESMA li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-limiti ta' pożiżżjoni u għall-awtoritajiet kompetenti li jattwaw arranġamenti ta' kooperazzjoni, inkluż skambju ta' data rilevanti bejniethom u li jippermettu s-sorveljanza u l-infurzar tal-limiti.

(128) Il-postijiet kollha li joffru kummerċ fid-derivattivi ta' komoditajiet għandu jkollhom kontrolli ta' pożizzjoni ta' ġestjoni xierqa, li jipprovdu s-setgħat meħtieġa għall-inqas biex jissorveljaw u jaċċessaw informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' derivattivi ta' komoditajiet, li jirrikjedu t-tnaqqis jew it-tmiem ta' tali pożizzjonijiet u li jirrikjedu li l-likwidità tkun provduta lura fis-suq biex jitnaqqsu l-effetti ta' pożizzjoni importanti jew dominanti. L-AETS għandha żżomm u tippubblika lista li tinkludi sommarji tal-limit ta' pożizzjoni u tal-kontrolli ta' pożizzjoni ta' ġestjoni kollha fis-seħħ. Dawk il-limiti u arranġamenti għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti u jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq inkwistjoni. Huma għandhom jiġu stipulati b'mod ċar fir-rigward tal-mod li bih japplikaw u għal-livelli limitu kwantitattivi rilevanti li jikkonstitwixxu l-limiti jew li jistgħu jixkattaw obbligi oħra.

(129) Ċentri tan-negozjar għandhom jippubblikaw analiżi statistika miġbura darba fil-ġimgħa tal-pożizzjonijiet meħuda minn kategoriji differenti ta' persuni għal kuntratti ta' derivattivi ta' komoditajiet differenti, kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi tagħhom negozjati fil-pjattaformi tagħhom. Analiżi statistika komprensiva u dettaljata kemm tal-pożizzjonijiet kollha miżmuma mill-persuni kollha għandha tkun disponibbli lill-awtorità kompetenti jekk din tkun rekwiżita. Arranġament għar-rappurtar skont din id-Direttiva għandu jikkunsidra, fejn applikabbli, rekwiżiti ta' rappurtar diġà imposti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011.

(130) Filwaqt li l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-limiti ta' pożizzjoni m'għandux joħloq ostakli għall-iżvilupp tad-derivattivi ta' komoditajiet ġodda, l-AETS għandha tiżgura, meta tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu, li l-iżvilupp ta' derivattivi ta' komoditajiet ġodda ma jistax jintuża biex jevita r-reġim ta' limiti ta' pożizzjoni.

(131) Limiti ta' pożizzjoni għandhom ikunu stabbiliti għal kull kuntratt ta' derivattiva ta' komodità individwali. Sabiex timpedixxi li jkun evitat ir-reġim ta' limiti ta' pożizzjoni permezz tal-iżvilupp ta' kuntratti ta' derivattivi ta' komoditajiet ġodda li jkun qed iseħħu, l-AETS għandha tiżgura li l-metodoloġija għall-kalkolu ma tħallix isir ebda evitar billi tikkunsidra l-interess ġenerali miftuħ f'derivattivi ta' komoditajiet oħrajn mal-istess komoditajiet sottostanti.

(132) Huwa mixtieq li jkun iffaċilitat l-aċċess għall-kapital għal intrapriżi żgħar u medji (SME) u li jkun iffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq speċjalizzati li jimmiraw li jaqdu l-ħtiġijiet ta' emittenti żgħar u medji. Dawk is-swieq li huma ġeneralment operati skont din id-Direttiva bħala MTFs huma iktar magħrufa bħala swieq tal-SMEs li qed jespandu, swieq li qed jespandu jew swieq żgħar. Il-ħolqien fi ħdan il-kategorija MTF ta' sottokategorija ġdida ta' suq tal-SMEs li qed jespandi u r-reġistrazzjoni ta' dawk is-swieq għandha żżid il-viżibilità u l-profil u tgħin l-iżvilupp ta' standards regolatorji komuni fl-Unjoni għal dawk is-swieq. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-mod li bih regolametazzjoni futura għandha tħeġġeġ u tippromovi aktar l-użu ta' dak is-suq sabiex tagħmlu aktar attraenti għall-investituri, u tipprovdi tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u aktar inċentivi għall-SMEs biex ikollhom aċċess għal swieq tal-kapital permezzx ta' swieq tal-SMEs li qed jespandu.

(133) Ir-rekwiżiti li japplikaw għal dik il-kategorija ġdida tas-swieq jeħtieġ li jipprovdu biżżejjed flessibilità biex ikunu kapaċi jqisu l-firxa preżenti ta' mudelli ta' swieq li għamlu suċċess li jeżistu madwar l-Ewropa. Huma jeħtieġu li jsibu bilanċ tajjeb bejn il-manteniment ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-investitur, li huwa essenzjali biex irawwem il-fiduċja tal-investitur f'emittenti fuq dawk is-swieq, filwaqt li jnaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa għall-emittenti fuq dawk is-swieq. Huwa propost li iktar dettalji dwar ir-rekwiżiti ta' swieq tal-SMEs li qed jespandu bħal dawk marbuta mal-kriterji għall-ammissjoni tal-kummerċ ikunu iktar preskritti f'atti delegati jew standards tekniċi.

(134) Minħabba l-importanza li s-swieq eżistenti li qed jagħmlu suċċess ma jkunux affettwati b'mod ħażin għandha tibqa' l-għażla għall-operaturi tas-swieq immirati lejn emittenti żgħar u medji biex jagħżlu li jkomplu joperaw it-tali suq skont ir-rekwiżiti taħt din id-Direttiva mingħajr ma jfittxu reġistrazzjoni bħala suq tal-SMEs li qed jespandi. Emittent li huwa SME m'għandux ikun obbligat japplika biex ikollu l-istrumenti finanzjarji aċċettati għan-negozjar fuq suq tal-SMEs li qed jespandi.

(135) Sabiex dik il-kategorija l-ġdida ta' swieq tibbenefika lill-SMEs, mill-inqas 50 % tal-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom jiġu negozjati fuq suq tal–SMEs li qed jespandi għandhom ikunu SMEs. Dik il-valutazzjoni għandha ssir fuq bażi annwali. Dak il-kriterju ta' 50 % għandu jiġi implimentat b'mod flessibbli. Nuqqas temporanju li jiġi sodisfatt dak il-kriterju ma jfissirx li ċ-ċentru tan-negozjarser ikollu jkun dereġistrat jew miċħud mir-reġistrazzjoni bħala suq tal–SMEs li qed jespandi immedjatament jekk ikollu prospett raġonevoli li jissodisfa l-kriterju ta' 50 % mis-sena ta' wara. Fir-rigward tal-valutazzjoni li tiddetermina jekk emittent huwiex intrapriża SME, dan isir abbażi tal-kapitalizzazzjoni tas-suq tat-tliet snin kalendarji preċedenti. Dan għandu jiżgura transizzjoni aktar faċli għal dawk l-emittenti minn dawk is-swieq speċjalizzati għas-swieq ewlenin.

(136) Kull tagħrif kunfidenzjali rċevut mill-punt ta' kuntatt ta' Stat Membru permezz tal-punt ta' kuntatt ta' Stat Membru ieħor m'għandux jitqies bħala purament domestiku.

(137) Huwa meħtieġ li tittejjeb il-konverġenza tal-poteri għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex titwitta t-triq lejn intensità ekwivalenti tal-infurzar fis-suq finanzjarju integrat kollu. Sett minimu komuni tal-poteri mżewweġ ma' riżorsi adegwati għandu jiggarantixxi l-effikaċja superviżorja. Din id-Direttiva għandha għalhekk tipprevedi sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi li għandhom jiġu fdati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati, fejn il-liġi nazzjonali tkun tirrikjedi dan, permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizjarji kompetenti. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u għandhom jibqgħu awtonomi fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

(138) Filwaqt li din id-Direttiva tispeċifika s-sett minimu ta' setgħat li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom meta jagħmlu superviżjoni tal-konformità tal-istituzzjonijiet tal-ħlas, dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati b'konformità mad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza. Għall-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat, li jista'

jammonta għal interferenzi serji mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u dik tal-familja, id-domiċilju u l-komunikazzjonijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ salvagwardji adegwati u effikaċi kontra kwalunkwe abbuż, pereżempju, f'dak li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni xierqa minn qabel minn awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-possibilità li l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw tali setgħat intrusivi salpunt neċessarju għall-investigazzjoni xierqa ta' każijiet serji fejn ma jkun hemm l-ebda mezz ekwivalenti biex effettivament jinkiseb l-istess riżultat.

(139) L-ebda azzjoni meħuda minn kwalunkwe awtorità kompetenti jew l-AETS fit-twettiq tal-kompiti tagħha m'għandhiex direttament jew indirettament tiddiskrimina kontra kwalunkwe Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri bħala post għall-għoti ta' servizzi u atttivitajiet ta' investiment fi kwalunkwe munita.

(140) Fid-dawl tal-impatt sinifikanti u s-sehem tas-suq miksub minn MTFs varji, huwa xieraq li jkun żgurat li jkunu stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni adegwati bejn l-awtorità kompetenti tal-MTF u dik tal-ġuriżdizzjoni li fiha qed tipprovdi s-servizz l-MTF. Biex ikunu antiċipati kwalunkwe żviluppi simili, dan għandu jkun estiż għall-OTFs.

(141) Sabiex tkun żgurata l-konformità tad-ditti ta' investiment l-operaturi tas-suq awtorizzati li joperaw f'MTF jew f'OTF, swieq regolati, APAs, CTPs jew mekkanżmi ta' rappurtar approvati (approved reporting mechanisms (ARMs)), dawk li jikkontrollaw effikaċement il-kummerċ tagħhom u l-membri tad-ditti ta' investiment u l-korp maniġerjali tas-swieq regolati mal-obbligi li joħorġu minn din id-Direttiva u mir-Regolament (UE Nru 600/2014 u biex ikun żgurat li huma suġġetti għal trattament simili madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jintalbu biex jipprevedu sanzjonijiet u miżuri li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi stipulati mill-Istati Membri għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti essenzjali b'rabta ma' destinatarji, kriterji li għandhom jitqiesu fl-applikazzjoni ta' sanzjoni jew miżura, pubblikazzjoni, setgħat ewlenin ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet u livelli ta' multi amminisrattivi.

(142) Partikolarment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat li jimponu multi li huma għolja biżżejjed biex jibbilanċjaw il-benefiċċji mistennija u li jkunu dissważivi anki għall-istituzzjonijiet ikbar u l-mexxejja tagħhom.

(143) Hu wkoll meħtieġ għall-awtoritajiet kompetenti li jkollhom, f' konformita' mal-liġi nazzjonali u mal-Karta, il-kapaċità li jkollhom aċċess għall-bini ta' persuni naturali u legali. L-aċċess għal tali bini huwa partikularment meħtieġ fejn ikun hemm suspett raġonevoli li jeżistu dokumenti u data oħra relatati mas-suġġett ta' investigazzjoni u jistgħu jkunu rilevanti biex jiġi ppruvat każ ta' ksur ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Barra minn hekk, l-aċċess għal tali bini huwa neċessarju meta l-persuna li għaliha tkun diġà saret talba għal informazzjoni tonqos milli tikkonforma għalkollox jew parzjalment ma' tali talba; jew fejn hemm raġunijiet ġustifikabbli biex wieħed jemmen li, kieku kellha ssir talba, ma tiġix milqugħa, jew id-dokumenti jew l-informazzjoni li t-talba tkun marbuta magħhom jitneħħew, jiġu mmanipulati jew jinqerdu. Jekk tkun tinħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru kkonċernat, skont il-liġi nazzjonali, tali setgħa għal aċċess fil-bini għandha tintuża wara li tkun inkisbet dik l-awtorizzazzjoni minn qabel.

(144) Rekordings eżistenti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi u rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-data minn ditti tal-investiment li jwettqu tranżazzjonijiet, u rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-data minn operaturi tat-telekomunikazzjonijiet, jikkostitwixxu evidenza kruċjali, u kultant anki l-unika evidenza, biex tiġi identifikata u ppruvata l-eżistenza ta' abbuż tas-suq kif ukoll biex tkun verifikata konformità mid-ditti tal-protezzjoni tal-investitur u ta' rekwiżiti oħra stabbiliti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 600/2014. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jirrikjedu reġistrazzjonijiet eżistenti tal-konverżazzjonijiet telefoniċi, komunikazzjonijiet elettroniċi u rekords tat-traffiku tad-data miżmuma minn kumpanija ta' investiment. Aċċess għal data u rekords telefoniċi hi meħtieġa biex ikun identifikat u ippenalizzat l-abbuż tas-suq jew ta' ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Sabiex jiġu introdotti kundizzjonijiet indaqs fl-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċess għar-rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew ir-rekordings eżistenti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi kif ukoll tat-traffiku tad-data miżmuma minn kumpanija tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mad-dritt nazzjonali, għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu rekords eżistenti tat-telefown u tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni safejn hu permess skont id-dritt nazzjonali u r-rekordings eżistenti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi kif ukoll it-traffiku tad-data miżmuma minn kumpanija ta' investiment, f'dawk il-każijiet fejn hemm suspett raġonevoli li tali rekords relatati mal-ispezzjoni jew investigazzjoni jistgħu jkunu rilevanti bħala prova ta' mġieba li hijapprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew bi ksur tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. L-aċċess għar-rekords tat-telefown u tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjonijiet ma għandux jinkludi l-kontenut ta' komunikazzjonijiet vokali bit-telefown.

(145) Biex tkun żgurata applikazzjoni konsistenti ta' sanzjonijiet fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom ikunu mitluba jiżguraw li fid-determinazzjoni tat-tip ta' sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri u l-livell ta' multi amministrattivi, l-Istati Membri għandhom ikunu rekwiżiti jiżguraw li fid-determinazzjoni tat-tip ta' sanzjonijiet amministrattivi jew miżuri u l-livell ta' sanzjonijiet amministrattivi pekunarji, l-awtoritajiet kompetenti jqisu ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti

(146) Sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti jkollhom effett dissważiv fuq il-pubbliku ġenerali, għandhom normalment jiġu pubblikati. Il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet hija wkoll għodda importanti għall-awtoritajiet kompetenti biex jinfurmaw lill-parteċipanti fis-suq liema mġiba titqies li tikser din id-Direttiva u biex jippromwovu mġiba tajba fuq skala usa' fost il-parteċipanti fis-suq. Jekk tali pubblikazzjoni tikkawża ħsara sproporzjonata lill-persuni involuti, tipperikola l-istabbilità tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni li għaddejja, l-awtorità kompetenti għandha tippubblika s-sanzjonijiet u l-miżuri fuq bażi anonima b'mod li jkun konformi mal-liġi nazzjonali jew tittardja l-pubblikazzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-għażla li ma jippubblikawx is-sanzjonijiet fejn pubblikazzjoni anonima jew tard titqies li tkun insuffiċjenti biex jiġi żgurat li l-istabbilità tas-swieq finanzjarji ma tiġix ipperikolata. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx ikunu rikjesti jippubblikaw miżuri li huma kkunsidrati ta' natura minuri fejn il-pubblikazzjoni tkun sproporzjonata. Huwa xieraq li jiġi pprovdut mekkaniżmu għar-rappurtar ta' sanzjonijiet lill-AETS sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jqisuhom fis-superviżjoni kontinwa tagħhom. Din id-Direttiva ma titlobx u lanqas ma tipprevjeni l-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali imposti għal każijiet ta' ksur ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(147) Biex ikun identifikat ksur potenzjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom is-setgħat investigatorji meħtieġa, u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u affidabbli biex jinkoraġġixxu r-rapportar ta' ksur potenzjali jew attwali, inkluża l-protezzjoni tal-impjegati li jirrapportaw dwar ksur fl-istituzzjoni tagħhom stess. Dawk il-mekkaniżmi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji xierqa tal-persuni akkużati. Għandhom ikunu stabbiliti proċeduri xierqa li jiżguraw protezzjoni xierqa ta' persuna akkużata, partikolarment fir-rigward tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ta' dik il-persuna u proċeduri li jiżguraw id-dritt tal-persuna akkużata għad-difiża tagħha u li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċerna lilha kif ukoll tad-dritt li tfittex rimedju quddiem qorti kontra d-deċiżjoni li tikkonċerna lilha.

(148) Din id-Direttiva għandha tirreferi għal sanzjonijiet u miżuri biex tkopri l-azzjonijiet kollha applikati wara ksur, u li huma intenzjonati li jipprevjenu ksur ieħor, irrespittivament mill-kwalifika tagħhom bħala sanzjoni jew miżura fil-liġi nazzjonali.

(149) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjonijiet fid-dritt tal-Istati Membri marbuta mas-sanzjonijiet kriminali.

(150) Anki jekk xejn ma jżomm l-Istati Membri milli jistipulaw regoli għal sanzjonijiet amministrattivi u kriminali għall-istess każijiet ta' ksur, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu rikjesti jistipulaw regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għall-każijiet ta' ksur ta' din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 li huma suġġetti għal-liġi kriminali nazzjonali. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri mhumiex obbligati jimponu kemm sanzjonijiet amministrattivi kif ukoll kriminali għall-istess offiża, iżda għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan jekk il-liġi nazzjonali tagħhom tippermetti dan. Madankollu, iż-żamma ta' sanzjonijiet kriminali minflok sanzjonijiet amministrattivi għal każijiet ta' ksur ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma għandhiex tnaqqas jew altrimenti taffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jikkooperaw, ikollhom aċċess għall-informazzjoni u jistambjawha fi żmien xieraq mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra għall-finijiet ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, inkluż wara kwalunkwe riferiment tal-każijiet ta' ksur rilevanti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal prosekuzzjoni kriminali.

(151) Bil-ħsieb li jiġu protetti l-klijenti u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-klijenti li jressqu l-azzjoni tagħhom quddiem il-qrati, huwa xieraq li l-Istati Membri jiżguraw li korpi pubbliċi u privati jkunu stabbiliti bil-ħsieb li jsolvu t-tilwim barra mill-qorti, li jikkooperaw sabiex isolvu t-tilwim transfruntier, billi jqisu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE ([1]) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE ([2]). Meta jkunu qegħdin jimplimentaw id-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri tal-ilmenti u ta' rimedju għas-soluzzjonijiet barra mill-qorti, l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġiti jużaw il-mekkaniżmi eżistenti ta' kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikulari n-Netwerk tal-Ilmenti dwar is-Servizzi Finanzjarji (il-FIN-Net).

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 bit-titolu "The principles applicable to the bodies responsible for out-of-court settlement of consumer disputes" (ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31).
([2]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE tal-4 ta' April 2001 bit-titolu "The principles for out-of-court bodies involved in the consensual resolution of consumer disputes" (ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56).

(152) Kull skambju jew trażmissjoni tat-tagħrif bejn l-awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet oħra, korpi jew persuni għandhom ikunu skont ir-regoli dwar it-trasferiment tal-informazzjoni personali lil pajjiżi terzi kif stabilit fid-Direttiva 95/46/KE. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni tad-data personali min-naħa tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-AETS) ma' pajjiżi terzi għandu jsir skont ir-regoli dwar it-trasferiment tad-data personali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

(153) Huwa meħtieġ li jiġu rrinfurzati d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju tat-tagħrif bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u li jiġu msaħħa d-dmirijiet tal-assistenza u l-kooperazzjoni li għandhom jagħtu lil xulxin. Minħabba l-attività transfruntiera li qiegħda dejjem tiżdied, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lil xulxin it-tagħrif rilevanti sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv ta' din id-Direttiva, inkluż f'sitwazzjonijiet meta l-kontravenzjonijiet jew il-kontravenzjonijiet issuspettati jistgħu jkunu ta' tħassib għall-awtoritajiet f'żewġ Stati Membri jew iktar. Fl-iskambju tat-tagħrif, hija meħtieġa segretezza stretta professjonali sabiex jiġu żgurati t-trażmissjoni bla xkiel ta' dan it-tagħrif u l-protezzjoni ta' drittijiet partikulari.

(154) Fejn l-operazzjoni ta' ċentru tan-negozjarli għandu arranġamenti stabbiliti fi Stat Membru ospitanti saret ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni proporzjonati li għandhom jiġu stabbiliti għandhom jieħdu l-forma xierqa fost modalitajiet possibbli ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u dawk ospitanti, b'mod proporzjonat għall-ħtiġijiet tal-kooperazzjoni superviżorja transfruntiera li tirriżulta partikolarment min-natura u l-iskala tal-impatt fuq is-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investitur fl-Istat Membru ospitanti, bħall-iskambju ta' informazzjoni, konsultazzjoni jew assistenza ad hoc jew perjodiċi.

(155) Biex jinkisbu l-għanijiet mressqa f'din id-Direttiva, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandu jkun delegat lill-Kummissjoni fir-rigward tad-dettalji li jikkonċernaw eżenzjonijiet, il-kjarifika tad-definizzjonijiet, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-akkwiżizzjonijiet proposti tad-ditta ta' investiment, ir-rekwiżiti organizzativi għad-ditti ta' investiment APAs u CTPS, l-immaniġġar tal-kunflitti ta' interess, il-qadi ta' obbligi kummerċjali fil-provvista ta' servizzi ta' investiment, l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet fl-iktar termini favorevoli għall-klijent, l-ittrattar tal-ordnijiet tal-klijent, it-tranżazzjonijiet mal-kontropartijiet eliġibbli, iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal rekwiżit ta' informazzjoni għad-ditti ta investiment jew operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF u l-operaturi ta suq regolat, iċ-ċirkostanzi li jikkostitwixxu ħsara sinifikanti għall-interessi tal-investituri u l-funzjonament ordnat tas-suq għall-finijiet tas-sospenzjoni u t-tneħħija ta' strumenti finanzjarji minn negozju fuq MTF, OTF jew suq regolat, is-swieq tal-SMEs li qed jespandu, u l-limiti minimi li 'l fuq minnhom japplikaw l-obbligi ta' rappurtar u l-kriterji li taħthom l-operazzjonijiet taċ-ċentru tan-negozjarfi Stat Membru ospitanti jistgħu jitqiesu bħala ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u tal-protezzjoni tal-investituri. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(156) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti u protezzjoni tad-depożitanti, inkluż dawk li jinvestu f'depożiti strutturati, u l-konsumaturi fl-Unjoni kollha. Bħala korp b'kompetenza esperta speċjalizzata għolja, ikun effiċjenti u xieraq li l-AETS tiġi fdata bl-elaborazzjoni tal-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi li ma jkunux jinvolvu għażliet ta' politika, biex jitressqu lill-Kummissjoni. Biex tkun żgurata protezzjoni koerenti tal-investituri u l-konsumaturi fis-setturi kollha tas-servizzi finanzjarji, l-AETS, sal-punt possibbli, għandha tiżvolġi l-kompiti tagħha billi tikkoopera mill-qrib mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) ('ABE') stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u mal-AEAPX.

(157) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-AETS rigward eżenzjonijiet marbutin ma' attivitajiet meqjusin bħala anċillari għan-negozju ewlieni, rigward l-informazzjoni li trid tkun provduta u ċerti rekwiżiti fil-kuntest tal-proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' ditti ta' investiment, rigward l-akkwist ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva, rigward in-negozjar algoritmiku, rigward l-obbligu li jiġu eżegwiti ordnijiet fit-termini l-aktar favorevoli għall-klijenti, rigward is-sospensjoni u t-tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar fuq suq regolati, fuq MTF jew fuq OTF, rigward il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u attivitajiet ta' investiment, rigward l-istabbiliment ta' fergħa, rigward ir-resiljenza tas-sistema, is-salvaviti u n-negozjar elettroniku, rigward d-daqs tal-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet, rigward is-sinkronizżazzjoni

([1]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ta' arloġġi ta' negozju, rigward l-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji għan-negozju, rigward il-limiti tal-pożizzjonijiet u l-kontrolli tal-immaniġġar tal-pożizzjonijiet f'derivattivi ta' komoditajiet, rigward proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' rappurtar ta' data, rigward ir-rekwiżiti organizzativi għall-APAs s-CTPs u l-ARMs u rigward il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(158) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-AETS għandha tiġi fdata bl-abbozzar ta' standards tekniċi implimentattivi għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni rigward il-proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' ditti ta' investiment, rigward l-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva, rigward il-proċess tan-negozjar għall-finalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet fl-MTF u l-OTF, rigward is-sospensjoni jew it-tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar, rigward il-libertà li jiġu provduti servizzi u attivitajiet tal-investiment, rigward l-istabbiliment ta' fergħa, rigward ir-rapportar tal-pożizzjonijiet minn kategoriji ta' detenturi ta' pożizzjonijiet, rigward proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għal awtorizzazzjoni, rigward il-proċeduri u l-forom għal-preżentazzjoni tal-informazzjoni, rigward il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet, rigward rigward l-obbligu ta' kooperazzjoni, rigward il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, rigward l-iskambju tal-informazzjoni u rigward il-konsultazzjoni qabel l-awtorizzazzjoni ta' ditta tal-investiment.

(159) Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-funzjonament tal-OTFs, il-funzjonament tas-sistema għas-swieq tal-SMEs li qed jespandu, l-impatt tar-rekwiżiti li jirrigwardjaw negozjar awtomatizzat u ta' frekwenza għolja, l-esperjenza bil-mekkaniżmu għall-projbizzjoni ta' ċerti prodotti jew prattiċi u l-impatt tal-miżuri li jirrigwardjaw swieq ta' derivattivi ta' komoditajiet.

(160) Sal-1 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport li jivvaluta l-impatt potenzjali fuq il-prezzijiet tal-enerġija u l-funzjonament tas-suq tal-enerġija tal-iskadenza tal-perjodu tranżitorju previst għall-applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar u r-rekwiżiti tal-marġni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġislattiva li tistabbilixxi jew temenda l-liġi rilevanti, inkluż leġislazzjoni settorjali speċifika bħar-Regolament (UE) Nru 1227/2011.

(161) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tippermetti lill-Istati Membri li jawtorizzaw maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs) li jipprovdu ċerti servizzi ta' investiment minbarra l-ġestjoni kollettiva ta' fondi ta' investiment alternattiv (AIFs), inkluż servizzi ta' ġestjoni ta' portafolli ta' investimenti, konsulenza ta' investiment, iż-żamma f'post sigur u l-amministrazzjoni fir-rigward ta' ishma u unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv, kif ukoll li jirċievu u jitrażmettu ordnijiet fir-rigward ta' strumenti finanzjarji. Minħabba li r-rekwiżiti li jirregolaw l-għoti ta' dawk is-servizzi huma armonizzati fl-Unjoni, l-AIFMs awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti ta' domiċilju li jipprovdu dawk is-servizzi m'għandhomx ikunu suġġetti għall-ebda awtorizzazzjoni addizzjonali fl-Istat Membru ospitanti lanqas għal xi miżura oħra li jkollha l-istess effett.

(162) Skont il-qafas legali attwali, l-AIFMs awtorizzati li jipprovdu dawk is-servizzi ta' investiment u li għandhom il-ħsieb li jipprovduhom fi Stati Membri oħra għajr l-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jikkonformaw ma' rekwiżiti nazzjonali addizzjonali, inkluż it-twaqqif ta' entità legali separata. Sabiex ikunu eliminati ostakli fl-għoti transfruntier ta' servizzi ta' investiment armonizzati u biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ugwali bejn l-entitajiet li jipprovdu l-istess servizzi ta' investiment taħt l-istess rekwiżiti legali, AIFM awtorizzat li jipprovdi dawk is-servizzi għandu jkun jista' jipprovdihom fuq bażi transfruntiera, suġġett għal rekwiżiti ta' notifika xierqa, taħt l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

(163) Id-Direttiva 2011/61/UE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

(164) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, b' mod partikolari li jinħoloq suq finanzjarju integrat, li fih l-investituri jiġu protetti b'mod effettiv u li fih jiġu ssalvagwardjati l-effikaċja u l-integrità tas-suq ġenerali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti regolatorji komuni li jkollhom x'jaqsmu mad-ditti ta' investiment kulfejn dawn ikunu awtorizzati fl-Unjoni u li jirregolaw il-funzjonament tas-swieq regolati u ta' sistemi oħra tal-kummerċ sabiex l-opaċità jew

[1] Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

id-diżordni f'suq jiġu pprevenuti milli jimminaw l-operat effiċjenti tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni inġenerali li ma jistgħax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, din tista' tadotta miżuri konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TFUE. Konformement mall-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu„ din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(165) Minħabba ż-żieda tal-kompiti mogħtija lill-AETS b'din id-Direttiva u mir-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li jkun hemm riżorsi umani u finanzjarji xierqa.

(166) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, partikolarment id-dritt tal-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tat-twettiq ta' negozju, id-dritt tal-protezzjoni tal-konsumatur, id-dritt għal rimedju effikaċi u għal proċess ġust, id-dritt li ma tkunx prosegwit u penalizzat darbtejn għall-istess ksur u għandha tiġi implimentata skont dawk id-drittijiet u prinċipji.

(167) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f' konformita' mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta opinjoni fl-10 ta' Frar 2012 ([1]),

(168) F'konformita' mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011 ([2]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument jew għadd ta' dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(169) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttivi ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula, joħroġ mid-Direttivi ta' qabel.

(170) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-iskadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati tal-applikazzjoni tad Direttivi li jinsabu fl-Anness III, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## IT-TITOLU I

## KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għad-ditti ta' investiment, operaturi tas-suq, il-fornituri tas-servizzi ta' rappurtar tad-data u d-ditti ta' pajjiż terz li jipprovdu servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet tal-investiment bl-istabiliment ta'fergħa fl-Unjoni.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti b'rabta ma' li ġej:

(a) awtorizzazzjoni u kundizzjonijiet operatorji għad-ditti ta' investiment;

(b) forniment ta' servizzi jew ativitajiet ta' investiment minn ditti ta' pajjiż terz permezz tal-istabiliment ta' fergħa;

([1]) ĠU C 147, 25.5.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(c) awtorizzazzjoni u operat tas-swieq regolati;

(d) awtorizzazzjoni u operat tal-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data; u

(e) superviżjoni, kooperazzjoni u infurzar mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE, meta jipprovdu servizz wieħed ta' investiment jew iktar u/jew iwettqu attivitajiet ta' investiment:

(a) l-Artikolu 2(2), Artikolu 9(3), u l-Artikoli 14 u 16 sa 20,

(b) il-Kapitolu II tat-Titolu II bl-esklużjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 29(2),

(c) il-Kapitolu III tat-Titolu II bl-esklużjoni tal-Artikolu 34(2) u (3) u l-Artikolu 35(2) sa (6) u (9),

(d) l-Artikoli 67 sa 75 u l-Artikoli 80, 85 u 86.

4. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukollgħad-ditti ta' investiment u għall-istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati taħt id-Direttiva 2006/36/UE meta jkunu qed ibigħu lill-klijenti jew jikkonsultawhom f'rabta ma' depożiti strutturati:

(a) l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 14, u l-Artikolu 16(2), (3) u (6);

(b) l-Artikoli 23 sa 26, l-Artikolu 28 u l-Artikolu 29 bl-esklużjoni tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tiegħu, u l-Artikolu 30; u

(c) l-Artikoli 67 sa 75.

5. L-Artikolu 17(1) sa (6) għandu japplika wkoll għall-membri jew parteċipanti tas-swieq regolati u l-MTFs li mhux meħtieġa li jiġu awtorizzati skont din id-Direttiva bis-saħħa tal-punti (a), (e), (i) u (j) tal-Artikolu 2(1).

6. L-Artikoli 57 u 58 għandhom japplikaw ukoll għal persuni eżentati taħt l-Artikolu 2.

7. Is-sistemi multilaterali kollha fl-istrumenti finanzjarji għandhom joperaw f'konformita' mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II rigward l-MTFs jew l-OTFs jew id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III rigward is-swieq regolati.

Kull ditta ta' investiment li, fuq bażi organizzata, frekwenti, sistematika u sostanzjali, titratta f'isimha stess meta tesegwixxi l-ordnijiet tal-klijent barra suq regolat, MTF jew OTF għandhom joperaw f' konformita' mat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 23 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, it-transazzjonijiet kollha fi strumenti finanzjarji msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi li ma jiġux konklużi fuq sistemi multilaterali jew internalizzaturi sistematiċi għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

*Artikolu 2*

**L-eżenzjonijiet**

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

(a) l-impriżi tal-assigurazzjoni jew l-impriżi li jwettqu attivitajiet tal-assigurazzjoni mill-ġdid jew tar-retroċessjoni msemmija fid-Direttiva 2009/138/KE meta jwettqu l-attivitajiet imsemmija f'dik id-Direttiva;

(b) il-persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment b'mod esklużiv għall-impriżi prinċipali tagħhom, għas-sussidjarji tagħhom jew għal sussidjarji oħra tal-impriżi prinċipali tagħhom;

(c) il-persuni li jipprovdu servizz ta' investiment meta dan is-servizz jiġi pprovdut f'manjiera inċidentali fil-kors ta' attività professjonali u li din l-attività tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew minn kodiċi tal-etika li jirregola l-professjoni u li ma jeskludix il-provvediment ta' dan is-servizz;

(d) il-persuni li jinnegozjaw f'isimhom stess fi strumenti finanzjarji għajr derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom u li ma jipprovdu l-ebda servizz ta' investiment ieħor jew li ma jwettqu l-ebda attività ta' investiment oħra f'servizzi finanzjarji għajr derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom sakemm talipersuni:

(i) ma jkunux ġeneraturi tas-suq;

(ii) ma jkunux membri jew parteċipanti f'suq regolat jew MTF jew ma jkollhomx aċċess elettroniku dirett għal ċentru tan-negozjar;

(iii) ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja; jew

(iv) ma jkunux jinnegozjaw f'isimhom stess meta jwettqu l-ordnijiet tal-klijenti;

Persuni eżentati skont il-punti (a), (i) jew (j) mhumiex obbligati jilħqu l-kundizzjonijiet imniżżla f'dan il-punt biex ikunu eżentati.

(e) operaturi b'obbligi ta' konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE li, meta jinnegozjaw fi kwoti ta' emissjonijiet, ma jesegwixxux ordnijiet tal-klijenti u li ma jipprovdu l-ebda servizz ta' investiment jew iwettqu xi attività ta' investiment għajr jinnegozjaw f'isimhom stess, sakemm dawk il-persuni ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja;

(f) il-persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu b'mod esklużiv fl-amministrazzjoni ta' skemi tal-parteċipazzjoni tal-impjegati;

(g) il-persuni li jipprovdu servizzi ta' investiment li jinvolvu biss kemm l-amministrazzjoni ta' skemi tal-parteċipazzjoni tal-impjegati kif ukoll il-provvediment ta' servizzi ta' investiment b'mod esklużiv għall-impriżi prinċipali tagħhom, għas-sussidjarji tagħhom jew għal sussidjarji oħra tal-impriżi prinċipali tagħhom;

(h) il-membri tas-SEBĊ u korpi oħra nazzjonali li jwettqu funzjonijiet simili fl-Unjoni, korpi pubbliċi oħra inkarigati mill-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fl-Unjoni u istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti f'żewġ Stati Membri jew aktar li għandhom l-iskop li jimmobilizzaw il-fondi u jipprovdu assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħhom li qed jesperjenzaw jew ikunu mhedda minn problemi finanzjarji serji;

(i) l-impriżi ta' investimenti kollettiv u l-fondi tal-pensjonijiet, sewwa jekk ikkoordinati fil-livell tal-Unjoni u sewwa jekk le, u d-depożitarji u l-amministraturi ta' dawn l-impriżi;

(j) il-persuni:

(i) jinnegozjaw f'isimhom stess, inklużi ġeneraturi tas-suq, f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi tagħhom, minbarra l-persuni li jinnegozjaw għal rashom meta jwettqu l-ordnijiet tal-klijenti, jew

(ii) jipprovdu servizzi ta' investiment, għajr in-negozjar f'isimhom stess, fid-derivattivi tal-komoditajiet jew fil-kwoti tal-emissjonijiet jew fid-derivattivi tagħhom lill-klijenti jew fornituri tal-kummerċ ewlieni tagħhom;

sakemm:

— għal kull wieħed minn dawk il-każijiet b'mod individwali jew fuq bażi aggregata, din tkun attività anċillari għall-kummerċ ewlieni tagħhom, meta kkunsidrata fuq il-bażi ta' grupp, u dan il-kummerċ ewlieni ma jkunx il-provvediment ta' servizzi ta' investiment fit-tifsira ta' din id-Direttiva jew ta' attivitajiet bankarji skont id-Direttiva 2013/36/UE jew ikun qed jaġixxi ta' ġeneratur tas-suq fir-rigward ta' derivattivi ta' komoditajiet,

— dawk il-persuni ma japplikawx teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja; u

— dawk il-persuni jinnotifikaw kull sena lill-awtorità kompetenti rilevanti li huma jagħmlu użu minn din l-eżenzjoni u fuq talba jirrappurtaw lill-awtorità kompetenti l-bażi li fuqha jikkunsidraw li l-attività tagħhom taħt il-punti (i), u (ii) hi anċillari għall-attività kummerċjali ewlenija tagħhom;

(k) il-persuni li jipprovdu pariri dwar l-investiment huma u jipprovdu attività professjonali oħra mhux koperta b'din id-Direttiva, sakemm il-provvediment ta' dawn il-pariri ma jkunx imħallas b'mod speċifiku;

(l) l-assoċjazzjonijiet stabbiliti bil-fondi Daniżi u Finlandiżi tal-pensjonijiet bil-għan waħdieni li jimmaniġġaw l-assi tal-fondi tal-pensjonijiet li huma membri ta' dawn l-assoċjazzjonijiet;

(m) l-"agenti di cambio" li l-attivitajiet u l-funzjonijiet tagħhom huma rregolati bl-Artikolu 201 tad-Digriet Leġislattiv Taljan Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998;

(n) l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni kif iddefinit fl-Atikolu 2(4) tad-Direttiva 2009/72/KE jew l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2009/73/KE meta jwettqu l-kompiti tagħhom skont dawk id-Direttivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 714/2009, skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 jew skont kodiċijiet tan-netwerk jew linji gwida adottati skont dawk ir-Regolamenti, persuni oħrajn li jaġixxu bħala fornituri tas-servizz f'isimhom biex iwettqu l-kompitu tagħhom skont dawk l-atti leġislattivi jew skont il-kodiċijiet tan-netwerk jew il-linji gwida adottati skont dawk ir-Regolamenti jew kwlaunkwe operatur jew amministratur ta' mekkaniżmu ta' bbilanċjar tal-enerġija, netwerk ta' pipeline jew sistema li żżomm f'bilanċ il-forniment u l-użu tal-enerġija meta jitwettqu tali kompiti.

Dik l-eżenzjoni għandha tapplika biss għal persuni involuti fl-attivitajiet imsemmija f'dan il-punt biss meta jwettqu attivitajiet ta' investiment jew jipprovdu servizzi ta' investiment relatati mad-derivattivi ta' komoditajiet sabiex jitwettqu dawk l-attivitajiet. Dik l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika fir-rigward tat-tħaddim ta' suq sekondarju, inkluża pjattaforma għal negozju sekondarju fi drittijiet ta' trażmissjoni finanzjarja;

(o) CSDs li huma regolati bħala tali taħt il-liġi tal-Unjoni, sal-punt li huma regolati taħt dik il-liġi tal-Unjoni.

2. Id-drittijiet mogħtija minn din id-Direttiva ma għandhomx jestendu għall-forniment tas-servizzi bħala kontropartijiet fit-tranżazzjonijiet imwettqa mill-korpi pubbliċi li jittrattaw id-dejn pubbliku jew mill-membri tas-SEBĊ li jwettqu l-kompiti tagħhom kif previst mit-TFUE u fil-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jew li jwettqu funzjonijiet ekwivalenti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tikkjarifika għall-finijiet tal-punt (c) miżurital-paragrafu 1 meta attività hija pprovvduta b'mod inċidentali.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika, għall-finijiet tal-punt (j) tal-paragrafu 1, il-kriterji sabiex jiġi stabbilit meta attività għandha titqies li tkun anċillari għan-negozju ewlieni f'livell ta' grupp.

Dawk il-kriterji għandhom għall-inqas iqisu l-elementi li ġejjin:

(a) il-ħtieġa għal attivitajiet anċillari li jikkostitwixxu l-minoranza tal-attivitajiet f'livell ta' grupp;

(b) id-daqs tal-attività ta' negozjar tagħhom meta mqabbla mal-attività ġenerali ta' negozjar fis-suq f'dik il-klassi ta' assi.

Biex ikun determinat kemm l-attivitajiet anċillari jikkostitwixxu l-minoranza tal-attivitajiet f'livell ta' grupp, l-AETS tista' tiddetermina li l-kapital impjegat biex titwettaq l-attività anċillari relativ għall-kapital impjegat biex jitwettaq in-negozju ewlieni għandu jkun ikkunsidrat. Madankollu, dak il-fattur fl-ebda każ ma għandu jkun biżżejjed biex juri li l-attività hi anċillari għan-negozju ewlieni tal-grupp.

L-attivitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom itkunu kkunsidrati f'livell ta' grupp.

L-elementi msemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafi għandhom jeskludu:

(a) it-tranżazzjonijiet intragrupp kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jaqdu l-likwidità tal-grupp kollu jew għall-għanijiet ta' ġestjoni tar-riskji;

(b) it-tranżazzjonijiet f'derivattivi li oġġettivament jistgħu jitkejlu bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew l-attività tal-finanzjament tat-teżor;

(c) it-tranżazzjonijiet f'derivattivi ta' komoditajiet u kwoti ta' emissjonijiet li jipparteċipaw fihom biex jissodisfaw l-obbligi li jipprovdu likwidità f'ċentru tan-negozjar, fejn tali obbligi huma mitluba mill-awtoritajiet regolatorji f'konformita' mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, jew miċ-ċentri tan-negozjar.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 3*

**L-eżenzjonijiet fakultattivi**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx din id-Direttiva rigward kull persuna li għaliha huma l-Istat Membru tad-domiċilju, sakemm l-attivitajiet ta' dawn il-persuni jkunu awtorizzati u rregolati fil-livell nazzjonali, u dawk il-persuni:

(a) ma jkollhomx il-permess li jżommu l-fondi jew it-titoli tal-klijenti u li għal din ir-raġuni ma jitħallewx fl-ebda ħin li jqegħdu lilhom infushom f'debitu mal-klijenti tagħhom;

(b) ma jkollhomx il-permess li jipprovdu l-ebda servizz ta’ investiment għajr li jirċievu u jittrasmettu l-ordnijiet fit-titoli trasferibbli u l-unitajiet fl-impriżi ta’ investiment kollettiv u/jew il-provvediment ta’ pariri dwar l-investimenti li jkollhom x’jaqsmu ma’ dawn l-istrumenti finanzjarji; u

(c) fil-perkors tal-forniment tas-servizz, ikollhom il-permess jittrażmettu ordnijiet biss lil:

(i) id-ditti ta’ investiment awtorizzati skont din id-Direttiva;

(ii) l-istituzzjonijiet ta’ kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE;

(iii) il-fergħi tad-ditti ta’ investiment jew tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu awtorizzati f’pajjiż terz u li jkunu suġġetti għar-regoli prudenzjali ikkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti bħala regoli stretti mill-inqas daqs dawk stabbiliti f’din id-Direttiva, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fid-Direttiva 2013/36/UE;

(iv) l-impriżi għall-investiment kollettiv awtorizzati bil-liġijiet ta’ Stat Membru li jqiegħdu unitajiet fis-suq għall-pubbliku u għall-amministraturi ta’ dawn l-impriżi;

(v) il-ditti ta’ investiment b’kapital fiss, kif definit fl-Artikolu 17(7) tad-Direttiva tal-Kunsill 2012/30/UEtal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li t-titoli tagħhom huma kkwotati jew innegozjati f’suq irregolat fi Stat Membru; jew

(d) jipprovdu servizzi ta’ investiment esklużivament f’komoditajiet, kwoti ta’ emissjonijiet u/jew derivattivi ta’ dawn għall-iskop waħdieni tal-hedging tar-riskji kummerċjali tal-klijenti tagħhom, meta dawk il-klijenti jkunu esklużivament impriżi lokali tal-elettriku kif definit fl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva 2009/72/KE u/jew impriżi tal-gass naturali kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/73/KE, u dment li dawk il-klijenti konġuntament ikollhom 100 % tal-kapital jew tad-drittijiet ta’ votazzjoni ta’ dawk il-persuni, jeżerċitaw kontroll konġunt u jkunu eżenti taħt il-punt (j) tal-Artikolu 2(1) ta’ din id-Direttiva jekk iwettqu dawk is-servizzi ta’ investiment huma stess; jew

(e) jipprovdu servizzi ta’ investiment esklużivament fi kwoti ta’ emissjonijiet u/jew derivattivi ta’ dawn għall-iskop waħdieni tal-hedging tar-riskji kummerċjali tal-klijenti tagħhom, meta dawk il-klijenti jkunu esklużivament operaturi kif definit fil-punt (f) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE, u dment li dawk il-klijenti konġuntament iżommu 100 % tad-drittijiet ta’ kapital jew ta’ votazzjoni ta’ dawk il-persuni, jeżerċitaw kontroll konġunt jew huma eżentati skont il-punt (j) tal-Artikolu 2(1) ta’ din id-Direttiva jekk iwettqu dawk is-servizzi ta’ investiment huma stess.

2. Ir-reġimi tal-Istati Membri għandhom jissottomettu l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għal rekwiżiti li jkunu tal-inqas analogi għar-rekwiżiti li ġejjin skont din id-Direttiva:

(a) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni kontinwa kif stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (3), l-Artikoli 7 sa 10, 21, 22 u 23 u l-atti delegati korrispondenti miżuriadottati mill-Kummissjoni b’konformità mal-Artikolu 89;

(b) l-obbligi tal-kondotta tan-negozju kif stabbiliti fl-Artikolu 24(1), (3), (4), (5), (7) u (10), fl-Artikolu 25(2), (5) u (6), u, fejn is-sistema nazzjonali tippermetti li dawk il-persuni jaħtru aġenti marbuta, fl-Artikolu 29, u fil-miżuri ta’ implimentazzjoni rispettivi;

([1]) Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta’ salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta’ membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta’ kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta’ kumpanniji pubbliċi ta’ responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 74).

(c) Rekwiżiti organizzativi kif stipulat fl-ewwel, fis-sitt u fis-seba' subparagrafi tal-Artikolu 16(3), u fl-Artikolu 16(6) u (7) u fl-atti delegati korrispondenti adottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-Artikolu 89.

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-persuni eżentati minn din id-Drettiva skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ikunu koperti bi skema ta' kumpens għall-investitur li tkun rikonoxxuta skont id-Direttiva 97/9/KE. L-Istati Membri għandhom jippermettu li ditti ta' investiment ma jkunux koperti minn din l-iskema bil-kundizzjoni li jkollhom assigurazzjoni tal-indennità professjonali li permezz tagħha, billi jitqiesu d-daqs, il-profil tar-riskju u n-natura ġuridika tal-persuni eżentati f'konformita' mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, tiġi żgurata protezzjoni ekwivalenti għall-klijenti tagħhom.

B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri li diġà jkollhom tali liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi qabel it-2 ta' Lulju 2014, jistgħu sat-3 ta' Lulju 2019 jirrikjedu li fejn il-persuni eżentati minn din id-Direttiva skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jipprovdu s-servizzi ta' investiment tar-riċezzjoni u tat-trażmissjoni ta' ordnijiet u/jew tal-provvista ta' pariri dwar l-investiment f'unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettivi u jaġixxu bħala intermedjarju ma' ditti ta' maniġment kif definit fid-Direttiva 2009/65/KE, dawk il-persuni għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u in solidum mal-kumpanija ta'maniġment għal kwalunkwe dannu magħmul lill-klijent b'rabta ma' dawk is-servizzi.

3. Il-persuni eżentati minn din id-Direttiva skont il-paragrafu 1 m'għandhomx jibbenefikaw mil-libertà li jipprovdu servizzi jew li jwettqu attivitajiet jew li jistabbilixxu friegħi kif ipprovdut fl-Artikoli 34 u 35 rispettivament.

4. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni u lill-AETS jekk ikunux qed jużaw l-għażla mogħtija f'dan l-Artikolu u għandhom jiżguraw li kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 1 issemmi li din ingħatat f'konformita' ma' dan l-Artikolu.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill- AETS id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jixbhu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva mniżżlin fil-paragrafu 2.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta 'din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(1) "ditta tal-investiment" tfisser kwalunkwe persuna ġuridika li x-xogħol jew in-negozju regolari tagħha huwa l-forniment ta' servizz ta' investiment wieħed jew aktar lil partijiet terzi u/jew it-twettiq ta' attività ta' investiment waħda jew aktar fuq bażi professjonali.

L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-impriżi li mhumiex persuna ġuridika, jekk:

(a) l-istatus ġuridiku tagħhom jiżgura livell ta' protezzjoni għall-interessi ta' partijiet terzi ekwivalenti għal dak li jista' jingħata minn persuni ġuridiċi, u

(b) huma soġġetti għal superviżjoni prudenzjali ekwivalenti xierqa għall-forma ġuridika tagħhom.

Madankollu, meta persuna fiżika tipprovdi servizzi li jinvolvu ż-żamma ta' fondi jew titoli trasferibbli ta' partijiet terzi, dik il-persuna tista' titqies bħala ditta tal-investimenti għall-finijiet ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 biss jekk, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti l-oħra imposti f'din id-Direttiva, fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u fid-Direttiva 2013/36/UE, dik il-persuna tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-drittijiet ta' sjieda tal-partijiet terzi fi strumenti u fondi jridu jiġu salvagwardjati, partikolarment f'każ ta' insolvenza tad-ditta jew tal-proprjetarji tagħha, teħid, tpaċija jew kwalunkwe azzjoni oħra mill-kredituri tad-ditta jew tas-sidien tagħha;

(b) id-ditta trid tkun soġġetta għal regoli mfassla sabiex jimmonitorjaw is-solvenza tad-ditta u dik tas-sidien tagħha;

(c) il-kontijiet annwali tad-ditta jridu jiġi vverifikati minn persuna waħda jew aktar li għandha s-setgħa, skont il-liġi nazzjonali, jivverifikaw il-kontijiet;

(d) fejn id-ditta għandha sid wieħed biss, dik il-persuna għandha tipprovdi għall-protezzjoni tal-investituri f'każ ta' ċessjoni tan-negozju tad-ditta wara l-mewt jew l-inkapaċità tas-sid, jew kwalukwe avveniment simili;

(2) "servizzi u attivitajiet ta' investiment" tfisser kull wieħed jew waħda mis-servizzi u l-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I li għandhom x'jaqsmu ma' kull wieħed mill-istrumenti elenkati fit-Taqsima Ċ tal-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 89, b'miżuri li jispeċifikaw:

(a) Il-kuntratti tad-derivati msemmija fit-Taqsima C.6 tal-Anness I li jkollhom il-karatteristiċi ta' that have the characteristics of prodotti ta' enerġija bl-ingrossa li jridu jiġu saldati b'mod fiżiku u l-kuntratti tad-derivati tal-enerġija C.6;

(b) il-kuntratti tad-derivati msemmija fit-Taqsima C.7 tal-Anness I li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji oħra derivattivi;

(c) il-kuntratti tad-derivati msemmija fi-Taqsima C.10 tal-Anness I li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji oħra derivati, filwaqt li tqis, fost ħwejjeġ oħra, jekk jiġu nnegozjati f'suq irregolat, MTF jew OTF;

(3) "servizzi anċillari" tfisser kull wieħed mis-servizzi elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I;

(4) "parir dwar l-investiment" tfisser il-provvediment ta' rakkommandazzjonijiet personali lill-klijent, jew fuq it-talba tiegħu jew fuq l-inizjattiva tad-ditta ta' investiment, rigward tranżazzjoni jew iktar li jkollhom x'jaqsmu mal-istrumenti finanzjarji;

(5) "eżekuzzjoni tal-ordnijiet f'isem il-klijenti" tfisser ħidma sabiex jiġu konklużi ftehimijiet għax-xiri jew għall-bejgħ ta' strument finanzjarju jew iktar f'isem klijenti u jinkludi l-konklużjoni ta' ftehimiet sabiex jinbiegħu strumenti finanzjarji maħruġa minn ditta ta' investiment jew istituzzjoni ta' kreditu hekk kif jinħarġu;

(6) "negozjar akkont tagħhom infushom" tfisser in-negozjar fuq il-kapital proprjetarju li jirriżulta fil-konklużjoni tat-tranżazzjonijiet fi strument finanzjarju jew iktar;

(7) "ġeneratur tas-suq" tfisser persuna li żżomm lilha nfisha fis-swieq finanzjarji fuq bażi kontinwa bħala persuna li lesta tinnegozja f'isimha stess billi tixtri u tbiegħ strumenti finanzjarji fuq il-kapital proprjetarju ta' dik il-persuna bi prezzijiet iddefiniti minn dik il-persuna;

(8) "ġestjoni tal-portafoll" tfisser l-immaniġġjar tal-portafolli skont il-mandati mogħtija mill-klijenti fuq bażi diskrezzjonali, klijent klijent, meta dawn il-portafolli jkunu jinkludu strument finanzjarju wieħed jew iktar;

(9) "klijent" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li lilha ditta ta' investiment tipprovdilha servizzi ta' investiment jew servizzi anċillari;

(10) "klijent professjonali" tfisser klijent li jissodisfa l-kriterji stabiliti fl-Anness II;

(11) "klijent mhux professjonali" tfisser klijent li ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' klijent professjonali;

(12) "suq tal-SMEs li qed jespandi" tfisser MTF li hija reġistrata bħala suq tal-SME li qed jespandi skont l-Artikolu 33;

(13) "intrapriżi żgħir u medji" għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, tfisser kumpaniji li kellhom medja ta' kapitalizzazzjoni tas-suq ta' inqas minn EUR 200 000 000 fuq il-bażi ta' kwoti ta' tmiem is-sena għat-tliet snin kalendarji preċedenti;

(14) "ordni tal-limitu" tfisser ordni sabiex jinxtara jew jinbigħ strument finanzjarju fil-limitu speċifikat tal-prezz tiegħu jew aħjar jew għal daqs speċifikat;

(15) "strument finanzjarju" tfisser dawk l-istrumenti speċifikati fit-Taqsima Ċ tal-Anness I;

(16) "kuntratti tad-derivati tal-enerġija C.6" tfisser opzjonijiet, futuri, swaps, u kull kuntratt ieħor tad-derivati msemmi fit-Taqsima C.6 tal-Anness I li jirrigwardaw il-faħam u ż-żejt li jiġi nnegozjat f'OTF u jrid jiġi saldat b'mod fiżiku;

(17) "strumenti tas-suq tal-flus" tfisser dawk il-klassijiet ta' strumenti li jiġu normalment ikkummerċjati fis-suq tal-flus, bħalma huma l-kambjali tat-teżor, iċ-ċertifikati tad-depożitu u studji kummerċjali u strumenti li jeskludu l-ħlas;

(18) "operatur tas-suq" tfisser persuna jew persuni li jimmaniġġjaw u/jew joperaw in-negozju ta' suq regolat u jista' jkun is-suq regolat stess;

(19) "sistema multilaterali" tfisser kwalunkwe sistema jew faċilità li fiha l-interessi kummerċjali multipli ta' bejgħ u xiri ta' partijiet terzi fl-istrumenti finanzjarji jkunu jistgħu jinteraġixxu fis-sistema;

(20) "internalizzatur sistematiku" tfisser ditta tal-investimenti li, fuq bażi organizzata, frekwenti, sistematika u sostanzjali, tinnegozja f'isimha meta teżegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti barra suq regolat, MTF jew OTF bla ma topera sistema multilaterali;

Il-bażi frekwenti u sistematika, għandha titkejjel skont l-għadd ta' tranżazzjonijiet tal-OTC fl-istrument finanzjarju mwettaq mid-ditta tal-investiment f'isimha stess meta teżegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti. Il-bażi sostanzjali għandha tiġi kkalkulata skont id-daqs tan-negozjar OTC imwettaq mid-ditta tal-investiment f'rabta man-negozjar totali tad-ditta tal-investiment fi strument finanzjarju speċifiku jew skont id-daqs tan-negozjar OTC imwettaq mid-ditta tal-investiment apparagun tan-negozjar totali fl-Unjoni fi strument finanzjarju speċifiku. Id-definizzjoni ta 'internalizzatur sistematiku għandha tapplika biss fejn il-limiti stabbiliti minn qabel għal bażi frekwenti u sistematika u għal bażi sostanzjali, jiġu t-tnejn maqbuża jew fejn ditta tal-investiment tagħżel li tieħu sehem fis-sistema ta' internalizzatur sistematiku;

(21) "suq regolat" tfisser sistema multilaterali operata u/jew immaniġġjata minn operatur tas-suq, li tgħaqqad flimkien jew tiffaċilita l-proċess sabiex jingħaqdu flimkien l-interessi ta' bejgħ u xiri ta' partijiet terzi fl-istrumenti finanzjarji – fis-sistema u skont ir-regoli nondiskrezzjonarji tagħha – b'mod li jirriżulta f'kuntratt, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar taħt ir-regoli u/jew is-sistemi tagħha, u li hija awtorizzata u taħdem b'mod regolari u skont it-Titolu III ta' din id-Direttiva;

(22) "faċilità multilaterali tan-negozjar" (multilateral trading facility) jew "MTF" tfisser sistema multilaterali, operata minn ditta tal-investimenti jew operatur tas-suq, li tgħaqqad flimkien interessi multipli ta' xiri u bejgħ ta' partijiet terzi fl-istrumenti finanzjarji – fis-sistema u skont ir-regoli nondiskrezzjonarji – b'mod li jirriżulta f'kuntratt skont it-Titolu II ta' din id-Direttiva;

(23) "faċilità organizzata tan-negozjar" (organised trading facility) jew "OTF" tfisser sistema multilaterali, li mhijiex suq regolat jew MTF u li fiha interessi multipli ta' xiri u bejħ ta' partijiet terzi f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet jew derivati jistgħu jinteraġixxu fis-sistema b'mod li jirriżulta f'kuntratt skont it-Titolu II ta' din id-Direttiva;

(24) 'ċentru ta' negozjar' tfisser suq regolat, MTF jew OTF;

(25) "suq likwidu" tfisser suq għal strument finanzjarju jew klassi ta' strumenti finanzjarji, fejn ikun hemm xerrejja u bejjiegħa lesti u disponibbli fuq bażi kontinwa, ivvalutat f'konformita' mal-kriterji li ġejjin, b'kont meħud tal-istrutturi speċifiċi tas-suq tal-istrument finanzjarju partikolari jew tal-klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji:

(a) il-frekwenza u d-daqs medji tat-tranżazzjonijiet fuq firxa ta' kondizzjonijiet tas-suq, filwaqt li jiġu kkunsidrati n-natura u ċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti fil-klassi ta' strument finanzjarji;

(b) l-għadd u t-tip ta' parteċipanti fis-suq, inkluż il-proporzjon ta' parteċipanti fis-suq għall-istrumenti nnegozjati fi prodott partikolari;

(c) id-daqs medju tal-firxiet, fejn disponibbli;

(26) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità nnominata minn kull wieħed mill-Istati Membri skont l-Artikolu 67, għajr jekk ikun speċifikat xort'oħra f'din id-Direttiva;

(27) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(28) "kumpanija tal-ġestjoni tal-UCITS" tfisser kumpanija tal-ġestjoni kif iddefinita fil-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(29) "aġent marbut" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, taħt ir-responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata ta' ditta waħda biss ta' investiment li f'isimha tkun qed taġixxi, tippromwovi servizzi ta' investiment u/jew servizzi sekondarji lill-klijenti u lill-klijenti prospettivi, tirċievi u tittrażmetti struzzjonijiet jew ordnijiet mill-klijent rigward is-servizzi ta' investiment jew l-istrumenti finanzjarji, tqiegħed l-istrumenti finanzjarji jew tipprovdi pariri lill-klijenti jew lill-klijenti prospettivi rigward dawn l-istrumenti u s-servizzi finanzjarji;

(30) "fergħa" tfisser post tal-kummerċ għajr l-uffiċċju prinċipali li jagħmel parti minn ditta ta' investiment, li ma għandux personalità legali u li jipprovdi servizzi u/jew attivitajiet ta' investiment u li jista' wkoll iwettaq servizzi sekondarji li għalihom tkun ġiet awtorizzata d-ditta ta' investiment; il-postijiet kollha tal-kummerċ li ditta ta' investiment li jkollha l-kwartieri ġenerali fi Stat Membru ieħor tistabbilixxi fl-istess Stat Membru għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda;

(31) 'parteċipazzjoni kwalifikattiva' tfisser parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'ditta ta' investiment li tirrappreżenta 10 % jew iktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot, kif stabbilit fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet rigward l-aggregazzjoni tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva, jew li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tad-ditta ta' investiment li fiha jkun hemm din il-parteċipazzjoni;

(32) "intrapriża prinċipali" tfisser intrapriża prinċipali fit-tifsira tal-Artikoli 2(9) u 22 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

([1]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([2]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

([3]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(33) "sussidjarja" tfisser intrapriża sussidjarja kif definita fl-Artikoli 2(10) u 22 tad-Direttiva 2013/34/UE, inkluż kwalunkwe sussidjarja ta' intrapriża sussidjarja ta' intrapriża prinċipali li hi l-kap ta' tali intrapriżi;

(34) 'grupp' tfisser grupp kif definit fl-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 2013/34/UE;

(35) "rabtiet mill-qrib" tfisser sitwazzjoni li fiha żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew iktar ikunu marbuta permezz ta':

(a) "parteċipazzjoni" fil-forma ta' sjieda, diretta jew permezz tal-kontroll, ta' 20 % jew iktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' impriża;

(b) "kontroll" li tfisser ir-relazzjoni bejn impriża prinċipali u sussidjarja, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 22(1) u (2) tad-Direttiva 2013/34/UE, jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u impriża, fejn kull impriża sussidjarja ta' impriża sussidjarja tiġi meqjusa wkoll li tkun sussidjarja tal-impriża prinċipali li tkun il-kap ta' dawk l-intrapriżi;

(c) rabta permanenti tat-tnejn li huma jew tagħhom kollha mal-istess persuna permezz ta' relazzjoni ta' kontroll;

(36) 'korp maniġerjali' tfisser il-korp jew korpi ta' ditta ta' investiment, operatur tas-suq jew fornitur ta' servizzi ta' rappurtar tad-data, li huma maħtura skont il-liġi nazzjonali, li jingħataw is-setgħa li jistabbilxxu l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità, u li jissorveljaw u jwettqu monitoraġġ fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali u jinkludu persuni li effettivament jidderieġu l-operat tal-entità.

Fejn din id-Direttiva tirreferi għall-korp amministrattiv u, skont il-liġi nazzjonali, il-funzjonijiet ta' ġestjoni u superviżorji tal-korp maniġerjali ikunu assenjati lil korpi differenti jew membri differenti fi ħdan korp wieħed, l-Istat Membru għandu jidentifika l-korpi jew il-membri tal-korp maniġerjali responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor minn din id-Direttiva;

(37) "maniġment superjuri" tfisser persuni fiżiċi li jeżerċitaw funzjonijiet eżekuttivi f'ditta ta' investiment, operatur tas-suq jew fornituri ta' servizzi ta' rappurtar tad-data u li huma responsabbli, u li jagħtu rendikont lill-korp maniġerjali, għall-immanġġar ta' kuljum tal-entità, inkluż għall-implimentazzjoni tal-linji ta' politika li jikkonċernaw id-distribuzzjoni tas-servizzi u tal-prodotti lill-klijenti mid-ditta u l-persunal tagħha;

(38) "negozjar matched principal" tfisser tranżazzjoni fejn il-faċilitatur jinterponi lilhu nnifsu bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ għat-tranżazzjoni b'tali mod li qatt ma tkun esposta għal riskju tas-suq waqt l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni, biż-żewġ naħat eżegwiti simultanjament, u fejn i t-tranżazzjoni tiġi konkluża bi prezz fejn il-faċilitatur ma jagħmel l-ebda profitt jew telf, għajr kummissjoni, tariffa jew ħlas żvelati preċedentement għat-tranżazzjoni;

(39) "negozjar algoritmiku" tfisser kummerċ bi strumenti finanzjarji fejn algoritmu ta' kompjuter jiddetermina b'mod awtomatiku parametri ta' ordnijiet bħal jekk għandhiex tinbeda l-ordni, iż-żmien, prezz jew kwantità tal-ordni jew kif timmaniġġa l-ordni wara s-sottomissjoni tagħha, bi ftit jew mingħajr intervent uman u ma tinkludi l-ebda sistema li tintuża biss biex tidderieġi l-ordnijiet f'ċentru jew ċentri tan-negozjar jew għall-ipproċessar tal-ordnijiet li ma jinvolvu ebda determinazzjoni ta' parametri ta' kummerċ jew konferma tal-ordnijiet jew l-ipproċessar wara l-kummerċjalizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet imwettqa;

(40) "teknika ta' negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja" tfisser teknika ta' negozjar algoritmiku kkaratterizzata minn:

(a) infrastruttura maħsuba biex jiġu minimizzati latenzi ta' netwerk u tipi oħra ta' latenzi, inklużi mill-anqas waħda mill-faċilitajiet li ġejjin għad-dħul ta' ordni algoritmiku: kolokazzjoni, proximity hosting jew aċċess elettroniku dirett b'veloċità għolja;

(b) determinazzjoni ta' sistema ta' bidu, ġenerazzjoni, direzzjoni jew eżekuzzjoni ta' ordni mingħajr intervent mill-bniedem għal negozji jew ordnijiet individwali; u

(c) rati għolja ta' messaġġi fl-istess jum li jikkostitwixxu ordnijiet, kwoti jew kanċellazzjonijiet;

(41) "aċċess elettroniku dirett" tfisser arranġement fejn membru jew parteċipant jew klijent ta' ċentru tan-negozjar jippermetti li persuna tuża l-kodiċi kummerċjali tiegħu biex dik il-persuna tkun tista' tittrażmetti elettronikament ordnijiet marbuta ma' strument finanzjarju direttament liċ-ċentru tan-negozjar u tinkludi arranġamenti li jinvolvu l-użu minn persuna tal-infrastruttura tal-membru jew tal-parteċipant jew il-klijent, jew kwalunkwe sistema ta' konnessjoni pprovduta mill-membru jew parteċipant jew il-klijent, biex jittrasmetti l-ordnijiet (aċċess dirett għas-suq) kif ukoll arranġamenti fejn tali infrastruttura ma tintużax minn persuna (aċċess sponsorjat);

(42) "prattika ta' bejgħ inkroċat" tfisser li jiġi offrut servizz ta' investiment flimkien ma servizz jew prodott ieħor bħala parti minn pakkett jew bħala kondizzjoni għall-istess ftehim jew pakkett;

(43) "depożitu strutturat" tfisser depożitu kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li huwa ripagabbli kollu kemm hu fil-maturità f'termini li taħthom kwalunkwe interess jew primjum ser jitħallas jew qiegħed f'riskju skont formula li tinvolvi fatturi bħal:

(a) indiċi jew kombinazzjoni ta' indiċijiet, bl-esklużjoni ta' depożiti ta' rata varjabbli li r-redditu tagħhom huwa marbut direttament ma' indiċi ta' rati ta' interess bħall-Euribor jew il-Libor;

(b) strument finanzjarju jew kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji;

(c) komodità jew kombinament ta' komoditajiet jew assi fiżiċi jew nonfiżiċi mhux funġibbli oħrajn; jew

(d) rata tal-kambju barranija jew kombinazzjoni ta' rati tal-kambju barranin;

(44) "titoli trasferibbli" tfisser dawk il-klassijiet ta' titoli li huma negozjabbli fis-suq kapitali, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti ta' ħlas, bħal:

(a) ishma f'kumpaniji u titoli oħra ekwivalenti għal ishma f'kumpaniji, sħubijiet jew entitajiet oħra, u l-irċevuti ta' depożiti fir-rigward ta' ishma;

(b) bonds jew forom oħra ta' dejn titolizzat, inklużi l-irċevuti ta' depożiti fir-rigward ta' tali titoli;

(c) kull titolu ieħor li jagħti d-dritt għax-xiri jew bejgħ ta' kwalunkwe tali titolu trasferibbli jew li jwassal għal saldu fi flus determinat minn referenza għal titoli trasferibbli, muniti, rati tal-imgħax jew renditi, komoditajiet jew indiċi jew miżuri oħra;

(45) "irċevuti tad-depożiti" tfisser dawk it-titoli li huma negozjabbli fis-suq kapitali u li jirrappreżentaw sjieda tat-titoli ta' emittent mhux domiċiljat filwaqt li jkunu jistgħu jiġu ammessi għal negozjar f'suq regolat u negozjati indipendentement mit-titoli tal-emittent mhux domiċiljat;

([1]) Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (Ara paġna 149 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(46) "fond negozjat fil-borża" tfisser fond li għall-anqas unità waħda jew klassi ta' ishma minnu tkun innegozjata matul il-jum għall-anqas f'ċentru tan-negozjar wieħed u b'mill-anqas ġeneratur wieħed tas-suq li jieħu azzjoni biex jiġi żgurat li l-prezz tal-unitajiet jew l-ishma tiegħu fiċ-ċentru tan-negozjar ma jvarjax b'mod sinifikanti mill-valur nett tal-assi tiegħu u, fejn applikabbli, mill-valur nett indikattiv tal-assi tiegħu;

(47) 'ċertifikati' tfisser ċertifikati kif definit fl-Artikolu 2(1)(27) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(48) 'prodotti strutturati ta' finanzjar' tfisser prodotti strutturati ta' finanzjar kif definit fl-Artikolu 2(1)(28) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(49) 'derivati' tfisser derivati kif definit fl-Artikolu 2(1)(29) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(50) 'derivati ta' komoditajiet' tfisser derivati ta' komoditajiet kif definit fl-Artikolu 2 (1)(30) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(51) 'CCP' tfisser CCP kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(52) "arranġament approvat ta' pubblikazzjoni" jew 'APA' tfisser persuna awtorizzata taħt din id-Direttiva biex tipprovdi servizz ta' pubblikazzjoni tar-rapporti ta' negozjar f'isem id-ditti tal-investiment skont l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(53) "fornitur ta' tape konsolidat" jew 'CTP' tfisser persuna awtorizzata skont din id-Direttiva sabiex tipprovdi s-servizz ta' ġbir tar-rapporti ta' negozjar għall-istrumenti finanzjarji elenkati fl-Artikoli 6, 7, 10, 12 u 13, 20 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 minn swieq regolati, MTFs, OTFs u APA u tikkonsolidahom f'xandir elettroniku kontinwu live tad-data li jipprovdi data dwar il-prezz u l-volum għal kull strument finanzjarju;

(54) "mekkaniżmu ta' rapportar approvat" jew 'ARM' tfisser persuna awtorizzata taħt din id-Direttiva biex tipprovdi s-servizz ta' rapportar tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompeteni jew lill-AETS f'isem id-ditti tal-investiment;

(55) "Stat Membru tad-domiċilju" tfisser:

(a) fil-każ tad-ditti tal-investiment:

(i) jekk id-ditta tal-investiment hija persuna fiżika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħha;

(ii) jekk id-ditta tal-investiment hija persuna ġuridika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tagħha;

(iii) jekk id-ditta tal-investiment ma jkollha l-ebda uffiċċju rreġistrat skont il-liġi nazzjonali tagħha, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħha;

(b) fil-każ ta' suq regolat, l-Istat Membru li fih ikun irreġistrat is-suq regolat jew, jekk skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru ma jkollha l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru fejn ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tas-suq regolat;

(c) fil-każ ta' APA, CTP jew ARM:

(i) jekk l-APA, is-CTP jew l-ARM hija persuna fiżika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħha;

(ii) jekk l-APA, is-CTP jew l-ARM hija persuna ġuridika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħha;

(iii) jekk l-APA, is-CTP jew l-ARM, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, m'għandu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu;

(56) "Stat Membru ospitanti" tfisser l-Istat Membru, għajr l-Istat Membru tad-domiċilju, li fih ditta tal-investiment ikollha fergħa jew tipprovdi servizzi u/jew attivitajiet ta' investiment, jew l-Istat Membru li fih suq regolat jipprovdi l-arranġamenti xierqa sabiex jiffaċilita l-aċċess mill-bogħod għan-negozjar fuq is-sistema tiegħu minn membri jew parteċipanti stabbiliti f'dak l-istess Stat Membru;

(57) "ditta ta' pajjiż terz" tfisser ditta li tkun istituzzjoni ta' kreditu li tipporvdi servizzi ta' investiment jew li twettaq attivitajiet ta' investiment jew ditta tal-investiment jekk l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat tagħha jkunu fl-Unjoni.

(58) "prodott tal-enerġija fil-livell tal-operaturi" tfisser prodotti tal-enerġija fil-livell tal-operaturi kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011;

(59) "derivati ta' komoditajiet agrikoli" tfisser kuntratti tad-derivati marbuta mal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 ta', u l-Anness I, Parti I sa XX u XXIV/1 għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(60) "emittent sovran" tfisser kwalunkwe minn dawn li ġejjin li joħroġ strumenti ta' dejn:

(i) l-Unjoni;

(ii) Stat Membru, inkluż dipartiment tal-gvern, aġenzija jew vettura bi skop speċjali tal-Istat Membru;

(iii) fil-każ ta' Stat Membru federali, il-membri tal-federazzjoni;

(iv) vettura bi skop speċjali għal diversi Stati Membri;

(v) istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar li jkollha l-fini li timmobilizza l-iffinanzjar u tagħti assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħha li jkunu għaddejjin jew mhedda minn problemi finanzjarji severi; jew

(vi) il-Bank Ewropew tal-Investiment;

(61) "dejn sovran" tfisser strument ta' dejn maħruġ minn emittent sovran;

(62) 'mezz durabbli' tfisser kwalunkwe strument li:

(a) jippermetti lil klijent li jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lil dak il-klijent b'mod li jkun aċċessibbli għal referenza futura u għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni; u

(b) jippermetti r-riproduzzjoni bla tibdil tal-informazzjoni maħżuna;

([1]) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(63) 'fornitur ta' servizzi ta' rappurtar tad-data' tfisser APA, CTP jew ARM.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tispeċifika xi elementi tekniċi tad-definizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, biex taġġustahom skont l-iżviluppi tas-swieq, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-esperjenza ta' mġieba projbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 u biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.

TITOLU II

## KUNDIZZJONIJIET GĦALL-AWTORIZZAZZJONI U L-OPERAT GĦAD-DITTI TA' INVESTIMENT

*KAPITOLU I*

### *Kundizzjonijiet u proċeduri għall-awtorizzazzjoni*

*Artikolu 5*

### Rekwiżit għall-awtorizzazzjoni

1. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jeħtieġ illi l-provvediment ta' servizzi ta' investiment u/jew it-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment bħala mestier jew negozju regolari fuq bażi professjonali jrid ikun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel skont dan il-Kapitolu. It-tali awtorizzazzjoni għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju maħtura skont l-Artikolu 67.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lil kull operatur tas-suq jopera MTF jew OTF, suġġett għall-verifika minn qabel tal-konformità tiegħu ma' dan il-Kapitolu.

3. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-ditti kollha ta' investiment. Ir-reġistru għandu jkun pubblikament aċċessibbli u għandu jkun fih tagħrif dwar is-servizzi jew l-attivitajiet li għalihom hija awtorizzata d-ditta ta' investiment. Hu għandu jkun aġġornat fuq bażi regolari. Kull awtorizzazzjoni għandha tkun notifikata lill- AETS.

L-AETS għandha tistabbilixxi lista tad-ditti kollha ta' investiment fl-Unjoni. Dik il-lista għandu jkun fiha tagħrif dwar is-servizzi jew l-attivitajiet li għalihom kull ditta ta' investiment tkun awtorizzata u għandha tiġi aġġornata fuq bażi regolari. L- AETS għandha tippubblika u taġġorna l-lista fuq is-sit elettroniku tagħha.

Jekk awtorità kompetenti tkun irtirat awtorizzazzjoni skont il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 8, dak l-irtirar għandu jiġi ppubblikat fil-lista għal perjodu ta' ħames snin.

4. Kull Stat Membru għandu jeħtieġ illi:

(a) kull ditta ta' investiment li hija persuna ġuridika jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-istess Stat Membru fejn ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha;

(b) kull ditta ta' investiment li mhijiex persuna ġuridika jew kull ditta ta' investiment li hija persuna ġuridika iżda li, skont il-liġijiet nazzjonali tagħha, ma għandha l-ebda uffiċċju rreġistrat, ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Istat Membru fejn fil-fatt twettaq il-kummerċ tagħha.

*Artikolu 6*

### Ambitu tal-awtorizzazzjoni

1. L-Istat Membru tad-domiċilju għandu jiżgura illi l-awtorizzazzjoni tispeċifika s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investiment li d-ditta ta' investiment hija awtorizzata tipprovdi. L-awtorizzazzjoni tista' tkopri wieħed jew iktar mis-servizzi sekondarji msemmija fit-Taqsima B tal-Anness I. Fl-ebda każ l-awtorizzazzjoni ma tista' tingħata għall-provvediment ta' servizzi sekondarji biss.

2. Ditta ta' investiment li tkun qiegħda tfittex awtorizzazzjoni sabiex testendi l-kummerċ tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali ta' investiment jew għal servizzi sekondarji mhux previsti fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni inizjali għandha tissottometti talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha u għandha tippermetti lil ditta ta' investiment tipprovdi s-servizzi jew twettaq l-attivitajiet li għalihom tkun ġiet awtorizzata fl-Unjoni kollha, jew permezz tad-dritt tal-istabbiliment, inkluż permezz ta' fergħa, jew inkella permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

*Artikolu 7*

**Proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għal-awtorizzazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni sakemm u qabel ma jasal iż-żmien li tkun issodisfata kompletament li l-applikant huwa konformi mar-rekwiżiti kollha skont id-dispożizzjonijiet adotti skont din id-Direttiva.

2. Id-ditta ta' investiment għandha tipprovdi t-tagħrif kollu, inkluż programm tal-operat tagħha li jagħti, fost ħwejjeġ oħra, it-tipi ta' kummerċ previsti u l-istruttura tal-organizzazzjoni, meħtieġ sabiex jgħin lill-awtorità kompetenti tissodisfa ruħha illi d-ditta ta' investiment tkun stabbilixxiet, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu.

3. L-applikant għandu jkun informat, fi żmien sitt xhur tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew le.

4. L- AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu inkluż il-programm tal-operazzjonijiet;

(b) ir-rekwiżiti applikabbli għall-ġestjoni tad-ditti ta' investiment skont l-Artikolu 9(6) u l-informazzjoni għan-notifiki skont l-Artikolu 9(5);

(c) ir-rekwiżiti applikabbli għall-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikattivi, kif ukoll l-ostakli li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 10(1) u (2).

L- AETS għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. L- AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina formoli, mudelli u proċeduri standard għan-notifika jew l-għoti tat-tagħrif previst fil-paragrafu 2 ta' dan l–Artikolu u fl-Artikolu 9(5).

L- AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 8*

**Irtirar tal-awtorizzazzjonijiet**

L-awtorità kompetenti tista' tirtira l-awtorizzazzjoni maħruġa lil ditta ta' investiment meta din id-ditta ta' investiment:

(a) ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, tirrinunzja espressament għall-awtorizzazzjoni jew ma tkun ipprovdiet ebda servizz ta' investiment jew ma tkun wettqet ebda attività ta' investiment fis-sitt xhur ta' qabel, għajr jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun ipprovda li f'dawn il-każijiet l-awtorizzazzjoni tiskadi;

(b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz jew permezz ta' kull mezz ieħor mhux regolari;

(c) ma tkunx għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni, bħalma hija l-konformità mal-kundizzjonijiet mogħtija fir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) tkun kisret serjament u sistematikament id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-operat tad-ditti ta' investiment;

(e) taqa' f'wieħed mill-każijiet fejn il-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' kwistjonijiet 'il barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva, tipprovdi għal-irtirar.

Kull irtirar ta' awtorizzazzjoni għandu jkun notifikat lill-AETS.

*Artikolu 9*

**Korp maniġerjali**

1. L-awtoritajiet kompetenti li jagħtu l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 5 għandhom jiżguraw li d-ditti ta' investiment u l-korpi maniġerjali tagħhom ikunu konformi mal-Artikoli 88 u 91 tad-Direttiva 2013/36/UE.

L-AETS u l- ABE għandhom jadottaw b'mod konġunt il-linji gwida dwar l-elementi elenkati fl-Artikolu 91(12) tad-Direttiva 2013/36/UE.

2. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lil membri tal-korp maniġerjali li jkollhom kariga addizjonali ta' direttur mhux eżekuttiv minbarra dawk permessi bl-Artikolu 91(3) tad-Direttiva 2013/36/UE. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw b'mod regolari lill-AETS dwar tali awtorizzazzjonijiet.

L-ABE u l-AETS għandhom jikkoordinaw il-ġbir ta' informazzjoni prevista mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u mill-Artikolu 91(6) tad-Direttiva 2013/36/UE b'rabta mad-ditti ta' investiment.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali ta' ditta ta' investiment jiddefinixxi, jissorvejla u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-governanza li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti tad-ditta ta' investiment inkluża s-segregazzjoni tal-obbligi fid-ditta ta' investiment u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq u l-interessi tal-klijenti.

Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 88(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, dawk l-arranġamenti għandhom ukoll jiżguraw li l-korp maniġerjali jiddefinixxi, japprova u jissorvelja:

(a) l-organizzazzjoni tad-ditta għall-provvista ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari, inkluż il-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa tal-persunal, ir-riżorsi, il-proċeduri u l-arranġamenti għall-provvista ta' servizzi u attiviatjiet mid-ditta, wara li jqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-kummerċ tagħha u r-rekwiżiti kollha li d-ditta għandha tkun konformi magħhom;

(b) linja politika fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet, prodotti u operazzjonijiet offruti jew ipprovduti, skont it-tolleranza tar-riskju tad-ditta u l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet tal-klijenti tad-ditta li lilhom se jkun offruti jew ipprovduti inkluż l-ittestjar ta' stress, fejn meħtieġ;

(c) politika ta' remunerazzjoni tal-persuni involuti fil-provvista ta' servizzi lil klijenti li jkollha l-għan li theġġeġ imġieba responsabbli fin-negozju, trattament ġust tal-klijenti kif ukoll l-evitar ta' kunflitti ta' interess fir-relazzjonijiet mal-klijenti.

Il-korp maniġerjali għandu jimmonitorja u jivvaluta perjodikament l-adegwatezza u l-implimentazzjoni tal-objettivi strateġiċi tad-ditta fil-provvista ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari, l-effikaċja tal-arranġamenti ta' governanza tad-ditta ta' investiment u l-adegwatezza tal-linji ta' politika marbuta mal-provvista tas-servizzi lill-klijenti u jieħu l-passi meħtieġa biex jindirizza kwalunkwe nuqqasijiet.

Membri tal-korp maniġerjali għandu jkollhom aċċess adegwat għall-informazzjoni u d-dokumenti li huma meħtieġa biex jissorveljaw u jimmonitorjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali.

4. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta awtorizzazzjoni jekk ma tkunx sodisfatta illi l-membri tal-korp maniġerjali tad-ditta ta' investiment għandhom reputazzjoni tajba biżżejjed, biżżejjed għarfien, kapaċitajiet u esperjenza, u jiddedikaw biżżejjed ħin għat-twettiq ta' dmirijiethom fid-ditta ta' investiment, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u li jistgħu jintwerew sabiex temmen illi l-korp maniġerjali tad-ditta jista' jkun ta' theddida għall-ġestjoni effettiva, soda u prudenti tagħha u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti tagħha u tal-integrità tas-suq.

5. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditta ta' investiment tinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-membri kollha tal-korp maniġerjali tagħha u b'kull bidla fis-sħubija tagħha, flimkien mat-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiġi vvalutat jekk id-ditta tkunx konformi mal-paragrafi 1, 2 u 3.

6. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi mill-inqas żewġ persuni li jissodifaw il ħtriġiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jidderieġu b'mod effettiv in-negozju tad-ditta ta' investiment applikanta.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni lid-ditti ta' investiment li huma persuni fiżiċi jew lid-ditti ta' investiment li huma persuni ġuridiċi amministrati minn persuna fiżika waħda skont ir-regoli tal-kostituzzjoni tagħhom u l-liġijiet nazzjonali. L-Istati Membri għandhom, madankollu, jeħtieġu illi:

(a) jkun hemm fis-seħħ arranġamenti alternattivi sabiex jiżguraw il-ġestjoni soda u prudenti ta' dawn id-ditti ta' investiment u l-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti u tal-integrità tas-suq;

(b) l-persuni fiżiċi kkonċernati jkollhom biżżejjed fama tajba, biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza, u li huma jqattgħu biżżejjed ħin iwettqu dmirijiethom.

*Artikolu 10*

**Azzjonisti u membri b'holdings li jikkwalifikaw**

1. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jawtorizzaw il-provvediment ta' servizzi jew il-prestazzjoni ta' attivitajiet ta' investiment minn ditta ta' investiment sakemm ma jkunux ġew mgħarrfa bl-identità tal-azzjonisti jew tal-membri, kemm jekk ikunu diretti kif ukoll indiretti, u kemm jekk ikunu persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi, li jkollhom parteċipazzjonijiet kwalifikattivi u l-ammonti ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw awtorizzazzjoni jekk, wara li jqisu l-ħtieġa li tkun żgurata l-ġestjoni soda u prudenti ta' ditta ta' investiment, ma jkunux issodisfati rigward kemm ikunu xierqa l-azzjonisti jew il-membri li jkollhom il-parteċipazzjonijiet kwalifikattivi.

Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn ditta ta' investiment u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn, l-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss jekk dawn ir-rabtiet ma jipprevjenux l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtorità kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta awtorizzazzjoni jekk il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna fiżika jew ġuridika waħda jew iktar li magħhom l-impriża għandha rabtiet mill-qrib, jew jekk diffikultajiet marbuta mal-infurzar tagħhom, jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi, meta l-influwenza eżerċitata mill-persuni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 x'aktarx tkun ta' preġudizzju għall-immaniġġjar tajjeb u prudenti tad-ditta ta' investiment, l-awtorità kompetenti tieħu l-miżuri x-xierqa sabiex iġġib din is-sitwazzjoni fi tmiema.

Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu applikazzjonijiet għal ordnijiet ġudizzjarji jew l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kontra d-diretturi u dawk responsabbli mill-immaniġjar, jew is-sospensjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma miżmuma mill-azzjonisti jew mill-membri konċernati.

*Artikolu 11*

**Notifika tal-akkwisti proposti**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kull persuna fiżika jew ġuridika, jew it-tali persuni li jaġixxu flimkien ("l-akkwirent propost"), li jkunu ħadu deċiżjoni biex jakkwistaw, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni kwalifikattiva f'ditta ta' investiment jew biex iżidu ulterjorment, direttament jew indirettament, it-tali parteċipazzjoni kwalifikattiva f'ditta ta' investiment b'tali mod li l-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jaqbeż l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew biex id-ditta ta' investiment issir sussidjarja tagħha ("l-akkwist propost"), jinnotifikaw l-ewwel bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tad-ditta ta' investiment li fiha qed jippruvaw jakkwistaw parteċipazzjoni kwalifikattiva jew iżiduha, u jindikaw id-daqs tal-parteċipazzjoni maħsuba u t-tagħrif rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 13(4).

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun ħadet deċiżjoni li tiddisponi, direttament jew indirettament, minn parteċipazzjoni kwalifikattiva f'ditta ta' investiment għandha l-ewwel tinnotifika bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti u tindika d-daqs tal-parteċipazzjoni maħsuba. It-tali persuna għandha wkoll tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti jekk tkun ħadet deċiżjoni li tnaqqas il-parteċipazzjoni kwalifikattiva tagħha b'mod li l-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital tagħha jkun se jaqa' taħt l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew b'mod li d-ditta ta' investiment ma tkunx se tibqa' sussidjarja tagħha.

L-Istati Membri mhumiex obbligati japplikaw il-limitu ta' 30 % fejn, skont il-punt (a) tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2004/109/KE, huma japplikaw limitu ta' terz.

Meta jiġu biex jiddeterminaw jekk il-kriterji għal parteċipazzjoni kwalifikattiva msemmija fl-Artikolu 10 u f'dan l-Artikolu humiex issodisfati, l-Istati Membri m'għandhomx iqisu d-drittijiet tal-vot jew l-ishma li d-ditti ta' investiment jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu jista' jkollhom minħabba li jipprovdu s-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod inklużi taħt il-punt 6 tat-Taqsima A tal-Anness I, sakemm dawk id-drittijiet, minn naħa, ma jkunux eżerċitati jew użati b'mod ieħor għal intervent fil-ġestjoni tal-emittent u min-naħa l-oħra, jitneħħew fi żmien sena mill-akkwist.

2. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jaħdmu f'konsultazzjoni sħiħa ma' xulxin meta jwettqu l-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 13(1) ("il-valutazzjoni") jekk l-akkwirent propost ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta ta' investiment jew kumpanija maniġerjali tal-UCITS awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur ieħor minbarra dak li fih ikun qed jiġi propost l-akkwist;

(b) l-impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu, ta' impriża tal-assigurazzjoni, ta' impriża tar-riassigurazzjoni, ditta ta' investiment jew kumpanija maniġerjali tal-UCITS awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur ieħor minbarra dak li fih ikun qed jiġi propost l-akkwist; jew

(c) persuna fiżika jew ġuridika li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta ta' investiment jew kumpanija maniġerjali tal-UCITS awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur ieħor minbarra dak li fih ikun qed jiġi propost l-akkwist.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien mhux dovut, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe tagħrif li jkun essenzjali jew rilevanti għall-valutazzjoni. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lil xulxin, meta jiġu mitluba jagħmlu dan, it-tagħrif kollu rilevanti u għandhom jikkomunikaw, fuq l-inizjattiva tagħhom stess, kull tagħrif li jkun essenzjali. Deċiżjoni mill-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat lid-ditta ta' investiment li fiha jkun qed jiġi propost l-akkwist, għandha tindika kwalunkwe fehma jew riżerva espressa mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-akkwirent propost.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, jekk ditta ta' investiment issir taf bi kwalunkwe akkwist jew disponiment tal-parteċipazzjonijiet fil-kapital tagħha li jikkawżaw lill-parteċipazzjonijiet jaqbżu jew jaqgħu taħt kull wieħed mil-limiti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dik id-ditta ta' investiment għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti b'dan mingħajr dewmien.

Mill-inqas darba fis-sena, id-ditti ta' investiment għandhom jgħarrfu wkoll lill-awtorità kompetenti bl-ismijiet tal-azzjonisti u tal-membri li jkollhom parteċipazzjonijiet kwalifikattivi u bid-daqs ta' dawn il-parteċipazzjonijiet, kif muri, pereżempju, mit-tagħrif irċevut fil-laqgħat ġenerali annwali tal-azzjonisti u tal-membri jew bħala riżultat tal-konformità mar-regolamenti li japplikaw għall-kumpaniji li t-titoli trasferibbli tagħhom jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

4. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri simili għal dawk imsemmija fl-Artikolu 10(3) rigward il-persuni li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligu li jipprovdu tagħrif minn qabel dwar l-akkwist jew iż-żieda ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva. Jekk tiġi akkwistata parteċipazzjoni minkejja l-oppożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, mingħajr ma jagħtu każ tas-sanzjonijiet l-oħra li jridu jiġu adottati, jew għas-sospensjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet korrispondenti tal-vot, jew għan-nullità tal-voti mitfugħa jew għall-possibbiltà tal-annullament tagħhom.

*Artikolu 12*

**Perjodu ta' valutazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, minnufih, u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta jirċievu n-notifika rikjesta skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1), kif ukoll wara li tiġi possibbilment irċevuta sussegwentement l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jirrikonoxxu bil-miktub li rċevewha lill-akkwirent propost.

L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom perjodu massimu ta' sittin jum ta' xogħol mid-data tal-konferma tal-irċevuta bil-miktub tan-notifika u tad-dokumenti kollha meħtieġa mill-Istat Membru li għandhom jiġu mehmuża man-notifika abbażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 13(4) (il-'perjodu ta' valutazzjoni'), biex iwettqu l-valutazzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-akkwirent propost dwar id-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' valutazzjoni meta jikkonfermaw l-irċevuta.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, matul il-perjodu ta' valutazzjoni, jekk ikun meħtieġ, u mhux wara l-50 jum ta' xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, jitolbu għal informazzjoni ulterjuri li hi meħtieġa biex tiġi kkompletata l-valutazzjoni. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Għall-perjodu bejn id-data tat-talba għal informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-irċevuta ta' tweġiba għaliha mill-akkwirent propost, il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jkun interrott. Din l-interruzzjoni m'għandhiex taqbeż l-20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talba oħra mill-awtoritajiet kompetenti għall-ikkompletar jew il-kjarifika tal-informazzjoni għandha tkun fid-diskrezzjoni tagħhom, iżda tista' ma tirriżultax f'interruzzjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu l-interruzzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 sa 30 jum ta' xogħol jekk l-akkwirent propost ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) persuna fiżika jew ġuridika li tinsab jew hija rregolata barra mill-Unjoni;

(b) persuna fiżika jew ġuridika li mhix suġġetta għal superviżjoni skont din id-Direttiva jew skont id-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE jew 2013/36/KE.

4. Jekk l-awtoritajiet kompetenti, wara t-tlestija tal-valutazzjoni tagħhom, jiddeċiedu li jopponu l-akkwist propost, huma għandhom, fi żmien jumejn tax-xogħol, u mingħajr ma jaqbżu l-perjodu ta' valutazzjoni, jinfurmaw lill-akkwirent propost bil-miktub u jipprovdu r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. Suġġetta għal-liġi nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-akkwirent propost. Dan m'għandux iżomm lil Stat Membru milli jippermetti lill-awtorità kompetenti twettaq dan l-iżvelar mingħajr ma dan jintalab mill-akkwirent propost.

5. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jopponux bil-miktub, fil-perjodu ta' valutazzjoni, l-akkwist propost, dan l-akkwist propost għandu jitqies li jkun ġie approvat.

6. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiffissaw perjodu massimu għall-konklużjoni tal-akkwist propost u jestendu dan il-perjodu fejn dan ikun xieraq.

7. L-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżiti għan-notifika lill-awtoritajiet kompetenti u għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' akkwisti diretti jew indiretti tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital li jkunu iktar stretti minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

8. L- AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tistabbilixxi lista eżawrjenti ta' tagħrif, imsemmi fl-Artikolu 13(4), li għandu jiġi inkluż mill-akkwirenti proposti fin-notifika tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L- AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

9. L- AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għall-modalitajiet tal-proċess tal-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 11(2).

L- AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 13*

**Valutazzjoni**

1. Huma u jivvalutaw in-notifika prevista fl-Artikolu 11(1) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2), l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiżguraw il-ġestjoni soda u prudenti tad-ditta ta' investiment li fiha jkun qed jiġi propost l-akkwist, u wara li tiġi kkunsidrata l-influwenza li x'aktarx ikollu l-akkwirent propost fuq id-ditta ta' investiment, għandhom jevalwaw l-adegwatezza tal-akkwirent propost u s-solidità finanzjarja tal-akkwist propost fid-dawl tal-kriterji kollha li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni tal-akkwirent propost;

(b) ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li ser tmexxi n-negozju tad-ditta ta' investiment bħala riżultat tal-akkwist propost;

(c) is-solidità finanzjarja tal-akkwirent propost, b'mod partikulari fir-rigward tat-tip ta' negozju li jsir u li huwa previst fid-ditta ta' investiment li fiha jkun qed jiġi propost l-akkwist;

(d) jekk id-ditta ta' investiment hix ser tkun kapaċi tikkonforma u tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali bbażati fuq din id-Direttiva u, fejn applikabbli, fuq Direttivi oħrajn, b'mod partikolari d-Direttivi 2002/87/KE u 2013/36/UE, b'mod partikolari, jekk il-grupp li ser issir parti minnu għandux struttura li tippermetti l-eżerċizzju ta' superviżjoni effettiva, l-iskambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u li tiddetermina l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet kompetenti;

(e) jekk ikunx hemm motivi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li, b'rabta mal-akkwist propost, sar, qed isir jew hemm tentattivi biex isir il-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew li l-akkwist propost jista' jżid ir-riskju ta' kondotta bħal din.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 miżurili jaġġustaw il-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jopponu l-akkwist propost biss jekk ikun hemm motivi raġonevoli biex jagħmlu dan abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew jekk it-tagħrif ipprovdut mill-akkwirent propost ma jkunx komplut.

3. L-Istati Membri la għandhom jimponu kundizzjonijiet minn qabel fir-rigward tal-livell tal-parteċipazzjoni li għandha tiġi akkwistata u lanqas m'għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jeżaminaw l-akkwist propost f'termini tal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.

4. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku lista li tispeċifika t-tagħrif meħtieġ biex issir il-valutazzjoni u li għandu jiġi pprovdut lill-awtoritajiet kompetenti meta ssir in-notifika msemmija fl-Artikolu 11(1). It-tagħrif meħtieġ għandu jkun proporzjonat u adattat għan-natura tal-akkwirent propost u tal-akkwist propost. L-Istati Membri m'għandhomx jirrikjedu tagħrif li mhux rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali.

5. Minkejja l-Artikolu 12(1), (2) u (3), fejn żewġ proposti jew iktar għal akkwist jew żieda tal-parteċipazzjonijiet kwalifikattivi fl-istess ditta ta' investiment ikunu ġew innotifikati lill-awtorità kompetenti, din tal-aħħar għandha tittratta lill-akkwirenti proposti b'mod mhux diskriminatorju.

*Artikolu 14*

**Sħubija fi skema ta' kumpens għall-investituri awtorizzati**

L-awtorità kompetenti għandha tivverifika illi kull entità li tkun qiegħda tfittex awtorizzazzjoni bħala ditta ta' investiment tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 97/9/KE meta tingħata l-awtorizzazzjoni.

L-obbligu stipulat fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi ssodisfat b'rabta mad-depożiti strutturati fejn id-depożitu strutturat jinħareġ minn istituzzjoni ta' kreditu li tkun membru ta' skema ta' garanzija għal depożiti rikonoxxuta skont id-Direttiva 2014/49/UE.

*Artikolu 15*

**Kapital inizjali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-awtoritajiet kompetenti ma jagħtux awtorizzazzjoni għajr jekk id-ditta ta' investiment ikollha biżżejjed kapital inizjali skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara li jqisu n-natura tas-servizz jew tal-attività ta' investiment inkwistjoni.

*Artikolu 16*

**Rekwiżiti organizzazzjonali**

1. L-Istat Membru tad-domiċilju għandu jeħtieġ illi d-ditti ta' investiment jikkonformaw mar-rekwiżiti organizzattivi stipulat fil-paragrafi 2 sa 10 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 17.

2. Ditta ta' investiment għandha tistabbilixxi politiki adegwati u proċeduri biżżejjed sabiex tiżgura l-konformità tad-ditta, inklużi l-amministraturi, l-impjegati u l-aġenti marbuta tagħha, mal-obbligi tagħha skont din id-Direttiva, kif ukoll regoli xierqa li jirregolaw it-tranżazzjonijiet personali li jsiru minn dawn il-persuni.

3. Ditta ta' investiment għandha żżomm u tħaddem arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effettivi bil-ħsieb li tieħu l-passi kollha raġonevoli ddisinjati sabiex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess kif iddefiniti fl-Artikolu 23 milli jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tal-klijenti tagħha.

Ditta ta' investiment li tipproduċi strumenti finanzjarji għall-bejgħ lil klijenti għandha żżomm, topera u tirrevedi proċess għall-approvazzjoni ta' kull strument finanzjarju u adattamenti sinifikanti tal-istrumenti finanzjarji eżistenti qabel dawn jiġu kummerċjalizzati jew distribwiti lill-klijenti.

Il-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott għandu jispeċifika suq mira identifikat ta' klijenti aħħarin fi ħdan il-kategorija rilevanti ta' klijenti għal kull strument finanzjarju u għandu jiżgura li r-riskji kollha rilevanti għal tali suq mira identifikat jiġu valutati u li l-istrateġija maħsuba għad-distribuzzjoni tkun konsistenti mas-suq mira identifikat.

Ditta ta' investiment għandha wkoll tirrevedi regolarment l-istrumenti finanzjarji li hi toffri jew tikkummerċjalizza, billi tqis kwalunkwe avveniment li jista' jaffettwa materjalment ir-riskju potenzjali għas-suq mira identifikat, biex mill-inqas tevalwa jekk l-istrument finanzjarju jibqax konsistenti mal-ħtiġijiet tas-suq mira identifikat u jekk l-istrateġija maħsuba għad-distribuzzjoni tibqax adegwata.

Ditta ta' investiment li tipproduċi strumenti finanzjarji għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kwalunkwe distributur l-informazzjoni kollha adegwata dwar l-istrument finanzjarju u l-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott, inkluż is-suq mira identifikat tal-istrument finanzjarju.

Meta ditta ta' investiment toffri jew tirrakkomanda strumenti finanzjarji li ma tipproduċix, din għandu jkollha arranġamenti adegwati biex tikseb l-informazzjoni msemmija fil-ħames subparagrafu u biex tifhem il-karatteristiċi u s-suq fil-mira identifikat għal kull strument finanzjarju.

Il-politiki, proċessi u arranġamenti msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti l-oħra kollha skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 600/2014, inklużi dawk b'rabta mal-iżvelar, l-adegwatezza, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti tal-interessi, u l-inċentivi.

4. Ditta ta' investiment għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tiżgura l-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment. Għal dak il-għan, id-ditta ta' investiment għandha timpjega sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati.

5. Ditta ta' investiment għandha tiżgura, meta toqgħod fuq parti terza għat-twettiq ta' funzjonijiet operattivi li jkunu kritiċi għall-provvediment ta' servizz kontinwu u sodisfaċenti lill-klijenti u għat-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment fuq bażi kontinwa u sodisfaċenti, li tieħu passi raġonevoli sabiex tevita riskju operattiv addizzjonali mhux dovut. Ma jistax ikun hemm l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operattivi importanti tad-ditta b'mod li dan jagħmel ħsara materjalment lill-kwalità tal-kontroll intern tagħha u lill-ħila tal-kontrollur li jimmonitorja l-konformità tad-ditta mal-obbligi kollha tagħha.

Ditta ta' investiment għandu jkollha proċeduri sodi amministrattivi u tal-kontabbiltà, mekkaniżmi interni tal-kontroll, proċeduri effettivi għall-valutazzjoni tar-riskji u arranġamenti effettivi għall-kontroll u għas-salvagwardja tas-sistemi tal-ipproċessar tat-tagħrif.

Mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jitolbu l-aċċess għall-komunikazzjonijiet skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 600/2014, ditta ta' investiment għandu jkollha fis-seħħ mekkaniżmi tajba ta' sigurtà biex jiggarantixxu s-sigurtà u l-awtentikazzjoni tal-mezzi tat-trasferiment ta' informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-data u aċċess mhux awtorizzat u jipprevjenu kxif ta' informazzjoni filwaqt li jżommu l-kunfidenzjalità tad-data l-ħin kollu.

6. Ditta ta' investiment għandha tagħmel arranġamenti biex jinżammu rekords tas-servizzi, l-attivitajiet u t-tranżazzjonijiet kollha li wettqet li għandhom ikunu biżżejjed biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tissodisfa l-kompiti superviżorji tagħha u twettaq l-azzjonijiet ta' infurzar skont din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, id-Direttiva 2014/57/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014, u partikolarment biex tkun ċerta li d-ditta ta' investiment ikkonformat mal-obbligi kollha inklużi dawk fir-rigward tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali u tal-integrità tas-suq.

7. Ir-rekords għandhom jinkludu l-irrekordjar tal-konverżazzjonijiet fuq it-telefon jew komunikazzjonijiet elettroniċi marbuta ma', mill-inqas, tranżazzjonijiet konklużi wara negozjar fuq kont proprju u l-provvista ta' servizzi ta' ordnijiet tal-klijenti b'rabta mal-irċevuta, it-trasmissjoni u tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijent.

Tali konverżazzjonijiet telefoniċi u komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jinkludu wkoll dawk li huma maħsuba biex jirriżultaw fi tranżazzjonijiet konklużi meta wieħed jinnegozja fuq il-kont proprju jew fil-provvediment ta' servizzi fuq ordni ta' klijenti relatati mar-riċezzjoni u t-trasmissjoni ta' ordnijiet u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti, anke jekk dawk il-konverżazzjonijiet jew komunikazzjonijiet ma jirriżultawx fil-konklużjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet jew fil-provvediment ta' servizzi fuq ordni ta' klijenti.

Għal dawn l-iskopijiet, ditta ta' investiment għandha tieħu l-passi raġonevoli kollha biex tiddokumenta konverżazzjonijiet telefoniċi u komunikazzjonijiet elettroniċi rilevanti, magħmulin bi, mibgħuta minn jew riċevuti minn tagħmir pprovdut mid-ditta ta' investiment lil impjegat jew kuntrattur jew li l-użu tiegħu minn impjegat jew kuntrattur ġie aċċettatt jew permess mid-ditta ta' investiment.

Ditta ta' investiment għandha tinnotifika lil klijenti ġodda u eżistenti li konverżazzjonijiet telefoniċi jew komunikazzjonijiet elettroniċibejn id-ditta ta' investiment u l-klijenti tagħha li jirriżultaw jew jistgħu jirriżultaw fi transazzjonijiet ser jiġu reġistrati.

Tali notifika tista' issir darba, qabel il-forniment tas-servizzi ta' investiment lil klijenti ġodda u dawk eżistenti.

Ditta ta' investiment m'għandhiex tipprovdi, bit-telefon, servizzi u attivitajiet ta' investiment lil klijenti li ma ġewx notifikati minn qabel dwar ir-reġistrazzjoni tal- konverżazzjonijiet telefoniċi jew komunikazzjonijiet elettroniċi tagħhom, meta dawn is-servizzi u attivitajiet ta' investiment ikunu marbuta mal-irċevuta, it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti.

L-ordnijiet jistgħu jsiru mill-klijenti permezz ta' mezzi oħra, madankollu tali komunikazzjonijiet għandhom isiru b'mezz durabbli bħal posta, fax, posta elettronika jew dokumentazzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti magħmula f'laqgħat. B'mod partikolari, il-kontenut ta' konverżazzjonijiet rilevanti wiċċ imb'wiċċ ma' klijent jista' jiġi reġistrat permezz ta' minuti jew noti bil-miktub. Tali ordinijiet għandhom jitqiesu ekwivalenti għal ordnijiet riċevuti bit-telefon.

Ditta ta' investiment għandha tieħu l-passi raġonevoli kollha biex tipprevjeni impjegat jew kuntrattur milli jagħmel, jibgħat jew jirċievi konverżazzjonijiet telefoniċi u komunikazzjonijiet elettroniċi rilevanti fuq tagħmir li jkun proprjetà privata li d-ditta ta' investiment ma tkunx tista' tirreġistra jew tikkopja.

Ir-rekords miżmuma skont dan il-paragrafu għandhom ikunu pprovduti lill-klijenti involuti fuq talba tal-klijenti u għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin u, fejn jintalab mill-awtorità kompetenti, għal perjodu massimu ta' seba' snin.

8. Meta tkun qiegħda żżomm strumenti finanzjarji li jappartjenu għall-klijenti, ditta ta' investiment għandha tagħmel arranġamenti adegwati sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tal-klijenti bħala sidien, b'mod speċjali fl-eventwalità tal-insolvenza tad-ditta ta' investiment, u sabiex tipprevjeni l-użu tal-istrumenti finanzjarji ta' klijent f'isimha għajr bil-kunsens espress tal-klijent.

9. Meta tkun qiegħda żżomm fondi li jappartjenu għall-klijenti, ditta ta' investiment għandha tagħmel arranġementi adegwati sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tal-klijenti u, għajr fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, sabiex tipprevjeni l-użu tal-fondi tal-klijenti f'isimha.

10. Ditta ta' investiment ma għandhiex tikkonkludi arranġamenti ta' kollateral finanzjarju bit-trasferiment ta' titoli ma' klijenti mhux professjonali biex ikunu garantiti jew koperti l-obbligi preżenti jew futuri, attwali jew kontinġenti jew prospettivi tal-klijenti.

11. Fil-każ tal-frieghi tad-ditti ta' investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun tinsab il-fergħa għandha, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment li jkollha aċċess dirett għal dawn ir-reġistri, tinforza l-obbligu stabbilit fil-paragrafi 6 u 7 rigward it-tranżazzjonijiet imwettqa mill-fergħa.

L-Istati Membri, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jistgħu jimponu rekwiżiti fuq ditti ta' investiment fir-rigward tas-salvagwardja tal-assi tal-klijenti, b'mod addizzjonali għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 8, 9 u 10 u l-atti delegati rispettivi kif imsemmija fil-paragrafu 12. Tali rekwiżiti jridu jkunu oġġettivament ġustifikati u proporzjonati sabiex, meta ditti ta' investiment jissalvagwardjaw l-assi u l-fondi tal-klijenti, jindirizzaw riskji speċifiċi għall-protezzjoni tal-investitur jew għall-integrità tas-suq li huma ta' importanza partikolari fiċ-ċirkustanzi tal-istruttura tas-suq ta' dak l-Istat Membru.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-Kummissjoni bi kwalunkwe rekwiżit li jkunu beħsiebhom jimponu f'konformità ma' dan il-paragrafu u tal-anqas xahrejn qabel id-data magħżula biex dak ir-rekwiżit jidħol fis-seħħ. In-notifika għandha tinkludi ġustifikazzjoni għal dak ir-rekwiżit. Kwalunkwe rekwiżit addizzjonali bħal dan m'għandux jirrestrinġi jew b'mod ieħor jaffettwa d-drittijiet tad-ditti ta' investiment skont l-Artikoli 34 u 35.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahrejn min-notifika msemmija fit-tielet subparagrafu, tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-proporzjonalità tar-rekwiżiti addizzjonali u l-ġustifikazzjoni għalihom.

L-Istati Membri jistgħu jżommu rekwiżiti addizzjonali sakemm huma kienu notifikati lill-Kummissjoni bi qbil mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/73/KE qabel it-2 ta' Lulju 2014 u l-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu jkunu ssodisfati.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri u tippubblika fis-sit elettroniku tagħha r-rekwiżiti addizzjonali imposti f'konformità ma' dan il-paragrafu.

12. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jispeċifikaw ir-rekwiżiti konkreti organizzattivi stipulati fil-paragrafi 2 sa 10 ta' dan l-Artikolu li jridu jiġu imposti fuq id-ditti ta' investiment u fuq fergħat ta' ditti ta' pajjiż terz awtorizzati skont l-Artikolu 41 li jkunu qed iwettqu servizzi u/jew attivitajiet differenti ta' investiment u servizzi sekondarji jew taħlita tagħhom.

*Artikolu 17*

**In-negozjar algoritmiku**

1. Ditta ta' investiment li tipparteċipa f'negozjar algoritmiku għandu jkollha sistemi effettivi u kontrolli tar-riskji adatti għan-negozju li tkun topera li jiżguraw li s-sistemi tan-negozjar huma resiljenti u għandhom biżżejjed kapaċità, huma suġġetti għal livelli limitu u limiti xierqa u jipprevjenu li jintbagħtu ordnijiet żbaljati jew li s-sistemi jiffunzjonaw b'tali mod li jista' joħloq jew jikkontribwixxi għal suq diżordinat. It-tali ditta għandu jkollha wkoll sistemi effettivi u kontrolli tar-riskji li jiżguraw li s-sistemi tan-negozjar ma jistgħux jintużaw għal kwalunkwe għan li huwa kuntrarju għar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew għar-regoli ta' ċentru tan-negozjartan-negozjar li huwa konness magħhom. Id-ditta ta' investiment għandu jkollha arranġamenti ta' kontinwità tal-kummerċ effettivi biex tittratta ma' kwalunkwe falliment tas-sistemi tal-kummerċ tagħha u għandha tiżgura li s-sistemi tagħha huma ttestjati b'mod sħiħ u mmonitorjati kif xieraq biex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu.

2. Ditta ta' investiment impenjata f'negozjar algoritmiku fi Stat Membru għandha tinnotifika dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha u biċ-ċentru ta' negozjar fejn id-ditta ta' investiment hija impenjata f'negozjar algoritmiku bħala membru jew parteċipant fiċ-ċentru ta' negozjar.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment, tista' tirrikjedi lid-ditta ta' investiment biex tipprovdi, fuq bażi regolari jew ad-hoc, deskrizzjoni tan-natura tal-istrateġiji tan-negozjar algoritmiku tagħha, dettalji tal-parametri jew tal-limiti tal-kummerċ li s-sistema hija soġġetta għalihom, il-kontrolli ewlenin ta' konformità u tar-riskji li għandha fis-seħħ biex tiżgura li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 huma ssodisfati u dettalji tal-ittestjar tas-sistemi tagħha. L-awtorità kompetenti tal-istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment tista', fi kwalunkwe żmien, titlob aktar informazzjoni minn ditta ta' investiment dwar in-negozjar algoritmiku tagħha u s-sistemi użati għal dak in-negozjar.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment għandha, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' ċentru ta' negozjar fejn id-ditta ta' investiment bħala membru jew parteċipant fiċ-ċentru ta' negozjar hija impenjata f'negozjar algoritmiku u mingħajr dewmien żejjed, tikkomunika l-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu li hija tirċievi mid-ditta ta' investiment impenjata f'negozjar algoritmiku.

Id-ditta ta' investiment għandha tagħmel l-arranġamenti biex jinżammu r-rekords b'rabta mal-kwistjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, u għandha tiżgura li dawk ir-rekords ikunu bizzejjed biex l-awtorità kompetenti tkun tista' timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Ditta ta' investiment li topera teknika ta' kummerċ algoritmiku bi frekwenza għolja għandha taħżen f'forma approvata rekords preċiżi u sekwenzjati skont il-ħin tal-ordnijiet kollha, inklużi l-kanċellazzjonijiet tal-ordnijiet, l-ordnijiet eżegwiti u l-istimi fuq ċentri tan-negozjar, u għandha tagħmilhom disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

3. Ditta ta' investiment li topera fil-kummerċ algoritmiku biex issegwi strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq għandha, b'kont meħud tal-likwidità, l-iskala u n-natura tas-suq speċifiku u l-karatteristiċi tal-istrument kummerċjalizzat:

(a) twettaq din il-ġenerazzjoni tas-suq kontinwament matul proporzjon speċifikat tal-ħinijiet ta' negozjar taċ-ċentru ta' negozjar, minbarra f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bir-riżultat li tiġi pprovduta likwidità fuq bażi regolari u prevedibbli liċ-ċentru ta' negozjar;

(b) tidħol fi ftehim bil-miktub vinkolanti maċ-ċentru ta' negozjar li, mill-inqas, għandu jispeċifika l-obbligi tad-ditta ta' investiment bi qbil mal-punt (a); u

(c) ikollha fis-seħħ sistemi u kontrolli tar-riskju effettivi biex tiżgura li tista' tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-ftehim vinkolanti bil-miktub imsemmi fil-punt (b) f'kull waqt.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 48 ta' din id-Direttiva, ditta ta' investiment li tkun impenjata f'negozjar algoritmiku għandha tiġi kkunsidrata li tkun qed issegwi strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq meta, bħala membru jew parteċipant f'ċentru ta' negozjar wieħed jew aktar, l-istrateġija tagħha, meta tinnegozja fuq kont proprju, tinvolvi li tagħti kwoti fuq żewġ binarji, sodi u simultanji, ta' daqs komparabbli u bi prezzijiet kompetittivi relatati ma' strument finanzjarju wieħed jew aktar fuq ċentru ta' negozjar wieħed jew f'ċentri ta' negozjar differenti, bir-riżultat li tipprovdi likwidità fuq bażi regolari u frekwenti għas-suq ġenerali.

5. Ditta ta' investiment li tipprovdi aċċess elettroniku dirett għal ċentru tan-negozjar għandu jkollha sistemi u kontrolli effettivi li jiżguraw valutazzjoni u reviżjoni xierqa tal-adattabilità tal-klijenti li jużaw is-servizzi, li klijenti ma jithallewx jaqbżu livelli limitu ffissati minn qabel għal kummerċ u kreditu, li l-kummerċ minn klijenti li jużaw is-servizz huwa mmonitorjat kif xieraq u li kontrolli tar-riskju xierqa li jipprevjenu li jsir kummerċ li jista' joħloq riskji lid-ditta ta' investiment innifisha jew li jista' joħloq jew jikkontribwixxi għal suq diżordinat jew jista' ikun kuntrarju għar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew ir-regoli taċ-ċentru tan-negozjar. Aċċess elettroniku dirett mingħajr dawn il-kontrolli huwa pprojbit.

Ditta ta' investiment li tipprovdi aċċess elettroniku dirett għandha tkun responsabbli biex tiżguralil-klijenti li jużaw dak is-servizz ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u mar-regoli taċ-ċentru ta' negozjar. Id-ditta ta' investiment għandha timmonitorja t-tranżazzjonijiet sabiex tidentifika ksur ta' dawk ir-regoli, kundizzjonijiet tan-negozjar jew imġiba diżordinati li jistgħu jinvolvu abbuż tas-suq u li għandhom jiġu rrappurtati lill-awtorità kompetenti. Id-ditta ta' investiment għandha tiżgura li hemm ftehim bil-miktub vinkolanti bejn id-ditta ta' investiment u l-klijent rigward id-drittijiet u l-obbligi essenzjali li jirriżultaw mill-għoti tas-servizz u li skont il-ftehim id-ditta ta' investiment żżomm ir-responsabbiltà skont id-Direttiva.

Ditta ta' investiment li tipprovdi aċċess elettroniku dirett għal ċentru ta' negozjar għandha tinnotifika b'danlill-aworitajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha u biċ-ċentru ta' negozjar fejn id-ditta ta' investiment tipprovdi aċċess elettroniku dirett.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment tista' tirrikjedi li d-ditta tipprovdi, fuq bażi regolari jew ad-hoc, deskrizzjoni tas-sistemi u l-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu u provi li dawk ġew applikati.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment għandha, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' ċentru ta' negozjar fir-rigward ta' liema d-ditta ta' investment tipprovdi aċċess elettroniku dirett tikkomunika mingħajr dewmien żejjed l-informazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu li hija tirċievi mid-ditta ta' investiment.

Id-ditta ta' investiment għandha tagħmel l-arranġamenti biex jinżammu r-rekords b'rabta mal-kwistjonijiet msemmija f'dan il-paragrafu, u għandha tiżgura li dawkir-rekords ikunu bizzejjed biex l-awtorità kompetenti tkun tista' timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

6. Ditta ta' investiment li taġixxi bħala membru ġenerali ta' likwidazzjoni għal persuni oħrajn għandu jkollha sistemi u kontrolli effettivi li jiżguraw servizzi ta' likwidazzjoni li huma applikati biss għal persuni li huma adattati u li jissodisfaw kriterja ċari u li rekwiżiti xierqa huma imposti fuq dawk il-persuni biex jitnaqqsu r-riskji lid-ditta ta' investiment u lis-suq. Id-ditta ta' investiment għandha tiżgura li hemm ftehim bil-miktub li jorbot bvejn id-ditta ta' investiment u l-persuna rigward id-drittijiet u l-obbligi essenzjali li jqumu mill-provvista ta' dak is-servizz.

7. L- AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji biex jispeċfikaw dan li ġej:

(a) id-dettalji tar-rekwiżiti organizzattivi dettaljati stipulati fil-paragrafi minn 1 sa 6 li għandhom ikunu imposti fuq id-ditti ta' investiment li jipprovdu servizzi u/jew attivitajiet differenti ta' investiment u servizzi anċillari jew taħlita tagħhom, fejn l-ispeċifikazzjoni b'rabta mar-rekwiżiti organizzattivi mniżżla fil-paragrafu 5 għandhom jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għal aċċess dirett għas-suq u għal aċċess sponsorjat b'tali mod li jiġi żgurat li l-kontrolli applikati għall-aċċess sponsorjat ikunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati għall-aċċess dirett għas-suq;

(b) Iċ-ċirkostanzi li fihom ditta ta' investiment tkun obbligata tidħol fis-suq, b'riferiment dirett għall-punt (b) tal-paragrafu 3, u l-kontenut ta' dawn il-ftehimiet, inkluż il-proporzjon tal-ħinijiet ta' negozjar taċ-ċentru ta' negozjar stabbiliti fil-paragrafu 3;

(c) is-sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3, inklużi ċirkostanzi ta' volatilità estrema, kwistjonijiet politiċi u makroekonomiċi, kwistjonijiet tas-sistema u operattivi, u ċirkostanzi li jikkontradixxu l-kapaċità tad-ditta ta' investiment li żżomm prattiki tal-immaniġġar tar-riskju prudenti kif stabbilit fil-paragrafu 1;

(d) Il-kontenut u l-format tal-formola approvata msemmija fil-ħames subparagrafu tal-paragrafu 2 u t-tul ta' żmien sa meta dawn ir-rekords għandhom jinżammu mid-ditta ta' investiment.

L- AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 18*

**Proċess tan-negozjar u finalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet f'MTF u f'OTF**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF, għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti organizzattivi stabbiliti fl-Artikolu 16, jistabbilixxu wkoll regoli u proċeduri trasparenti għall-kummerċ ġust u bl-ordni u jistabbilixxu kriterji oġġettivi għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-ordnijiet. Għandu jkollhom arranġamenti għall-ġestjoni soda tal-operat tekniku tal-faċilità, inkluż l-istabbiliment ta' arranġamenti effettivi ta' kontinġenza sabiex ilaħħqu mar-riskji ta' diżordni fis-sistemi.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF jistabbilixxu regoli trasparenti rigward il-kriterji sabiex jistabbilixxu l-istrumenti finanzjarji li jistgħu jiġu nnegozjati taħt is-sistemi tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, fejn ikun applikabbli, id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF jipprovdu biżżejjed tagħrif, jew ikunu ssodisfati li jkun hemm aċċess għal biżżejjed tagħrif disponibbli pubblikament sabiex jgħinu lill-utenti tagħhom jagħmlu ġudizzju dwar l-investiment, filwaqt li jqisu kemm in-natura tal-utenti kif ukoll it-tipi ta' strumenti nnegozjati.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF jistabbilixxu, jippubblikaw u jżommu u jimplimentaw regoli trasparenti u mhux diskriminatorji, imsejsa fuq kriterji oġġettivi, li jirregolaw l-aċċess għall-faċilità tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF ikollhom arranġamenti biex jiġu identifikati b'mod ċar u mmaniġġati konsegwenzi negattivi potenzjali għall-funzjonament tal-MTF jew l-OTF, jew għall-membri jew il-parteċipanti u l-utenti, ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn l-interess tal-MTF, l-OTF, is-sidien tagħhom jew id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF jew l-OTF u l-funzjonament tajjeb tal-MTF jew l-OTF.

5. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li ditti ta' investiment u operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF jikkonformaw mal-Artikoli 48 u 49 u li jkollhom fis-seħħ is-sistemi, proċeduri u arranġamenti effikaċi kollha meħtieġa biex jagħmlu dan.

6. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF jgħarrfu b'mod ċar lill-membri jew lill-parteċipanti tagħhom dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom rigward is-saldu tat-tranżazzjonijiet imwettqa f'dik il-faċilità. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF ikunu daħħlu fis-seħħ l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiffaċilitaw is-saldu effiċjenti tat-tranżazzjonijiet konklużi skont is-sistemi ta' dik l-MTF jew OTF.

7. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li MTFs u OTFs ikollhom tal-anqas tliet membri jew utenti materjalment attivi, li kull wieħed minnhom ikollu l-opportunità li jinteraġixxi mal-oħrajn kollha fir-rigward tal-formazzjoni tal-prezzijiet.

8. Meta titolu trasferibbli li jkun ġie ammess għall-kummerċ f'suq regolat jiġi nnegozjat ukoll f'MTF jew f'OTF mingħajr il-kunsens tal-emittent, l-emittent ma għandu ikun suġġett għall-ebda obbligu li jkollu x'jaqsam mal-iddivulgar finanzjarju inizjali, li jkun għaddej jew ad hoc rigward din l-MTF jew din l-OTF.

9. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi kull ditta ta' investiment u operatur tas-suq li jħaddem MTF jew OTF jikkonforma minnufih ma' kull struzzjoni mill-awtorità kompetenti tiegħu skont l-Artikolu 69(2) sabiex jissospendi jew ineħħi strument finanzjarju mill-kummerċ.

10. L-Istati Membri għandhom jesiġu li d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonament tal-MTF jew tal-OTF, inklużi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20(1), (4) u (5), kwalunkwe rabtiet ma' jew parteċipazzjoni minn suq regolat, MTF, OTF jew internalizzatur sistematiku li jappartjeni għall-istess ditta ta' investiment jew operatur tas-suq, u lista tal-membri tagħhom, parteċipanti u/jew utenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli lill- AETS fuq talba. Kull awtorizzazzjoni lil ditta ta' investiment jew operatur fis-suq bħala MTF jew OTF għandha tkun notifikata lill- AETS. L-AETS għandha tistabbilixxi lista tal-MTFs u tal-OTFs kollha fl-Unjoni. Il-lista għandha tinkludi informazzjoni fuq is-servizzi li tipprovdi l-MTF jew l-OTF u tinkludi l-kodiċi uniku li jidentifika l-MTF jew l-OTF għall-użu f'rapporti skont l-Artikoli 6, 10 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Hu għandu jkun aġġornat fuq bażi regolari. L- AETS għandha tippubblika u taġġorna l-lista fuq is-sit elettroniku tagħha.

11. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tiddetermina l-kontenut u l-format tad-deskrizzjoni u n-notifika referuta fil-paragrafu 10.

L- AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 19*

**Rekwiżiti speċifiċ għall-MTFs**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li ditti ta' investiment u operaturi tas-suq li joperaw MTF, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti mressqa fl-Artikoli 16 u 18, għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw regoli mhux diskrezzjonali għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet fis-sistema.

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li r-regoli msemmija fl-Artikolu 18(3) li jirregolaw l-aċċess għal MTF ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 53(3).

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF ikollhom arranġament:

(a) ikun mgħammar b'mod adegwat sabiex jamministra r-riskji li għalihom ikun espost, jimplimenta l-arranġamenti u s-sistemi x-xierqa sabiex jidentifika r-riskji sinifikanti kollha għall-operat tiegħu u jqiegħed fis-seħħ miżuri effettivi sabiex itaffi dawn ir-riskji;

(b) ikollu arranġamenti effettivi sabiex jiffaċilita l-finalizzazzjoni effiċjenti u f'waqtha tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont is-sistemi tiegħu; u

(c) ikollu disponibbli, meta jingħata l-awtorizzazzjoni u fuq bażi kontinwa, biżżejjed riżorsi finanzjarji sabiex jiffaċilita l-funzjonament bl-ordni tiegħu, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-kobor tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq u l-firxa u l-livell tar-riskji li għalihom ikun espost.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikoli 24, 25, l-Artikolu 27(1), (2) u (4) sa (10) u l-Artikolu 28 mhumiex applikabbli għat-tranżazzjonijiet konklużi skont ir-regoli li jirregolaw MTF bejn il-membri jew il-parteċipanti tiegħu jew bejn l-MTF u l-membri jew il-parteċipanti tiegħu b'rabta mal-użu tal-MTF. Madankollu, il-membri jew il-parteċipanti tal-MTF għandhom ikunu konformi mal-obbligi li hemm provvediment għalihom fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28 fir-rigward tal-klijenti tagħhom meta, f'isem il-klijenti tagħhom, jesegwixxu ordnijiet tagħhom permezz tas-sistemi tal-MTF.

5. L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu li ditti ta' investiment jew operaturi tas-suq li joperaw MTF jeżegwixxu ordnijiet ta' klijenti kontra l-kapital proprjetarju jew kummerċ b'"matched principle".

*Artikolu 20*

**Rekwiżiti speċifiċ għall-OTFs**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li ditta ta' investiment u operatur tas-suq li jopera OTF jistabbilixxi arranġamenti li jipprevjenu l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijent f'OTF kontra l-kapital proprjetarju tad-ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li joperaw l-OTF jew minn kwalunkwe entità li hija parti mill-istess grupp jew entità legali bħad-ditta ta' investiment jew operatur tas-suq.

2. L-Istati Membri għandhom jippermettu lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF li jwettqu kummerċ b' "matched principle" f'bonds, prodotti strutturati ta' finanza, allowances tal-emissjonijiet u ċerti derivattivi biss fejn il-klijent ikun approva l-proċess.

Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF m'għandux juża kummerċ b' "matched principle" biex jeżegwixxi ordnijiet tal-klijenti f'OTF f'derivattivi li jappartjenu għal klassi ta' derivattivi li tkun ġiet iddikjarata soġġetta għall-obbligu ta' kklerjar bi qbil mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF għandu jistabbilixxi arranġamenti li jiżguraw konformita' mad-definizzjoni ta' negozjar b'matched principal fil-punt (38) tal-Artikolu 4(1).

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu li ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF jinnegozjaw għal rashom, u mhux biss f'kummerċ b' "matched principle", b'rabta ma' strumenti ta' dejn sovran li għalihom mhemmx suq likwidu.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jipperemettu li t-tħaddim ta' OTF u ta' internalizzatur sistematika jsiru fl-istess entità legali. OTF mgħandhiex tikkonnettja ma' internalizzatur sistematiku b'mod li jippermetti interazzjoni bejn ordnijiet f'OTF u ordnijiet jew stimi f'internalizzatur sistematiku. OTF ma għandhiex tkun konnessa ma' OTF oħra b'mod li tiffaċilita li jkun hemm interazzjoni bejn ordnijiet f'OTFs differenti.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF milli jimpjega ditta ta' investiment oħra li twettaq ġenerazzjoni tas-suq fir-rigward ta' dik l-OTF fuq bażi indipendenti.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ditta ta' investiment mgħandhiex titqies bħala li twettaq attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq fuq OTF fuq bażi indipendenti jekk ikollha rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera l-OTF.

6. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet fir-rigward ta' OTF issir fuq bażi diskrezzjonali.

Ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera OTF għandu biss jeżerċita diskrezzjoni f'ċirkostanzi li ġejjin jew f'waħda minnhom:

(a) Meta jiddeċiedu li jqegħdu jew ineħħu ordni fuq l-OTF li joperaw;

(b) Meta jiddeċiedu li ma jqabblux ordni speċifika ta' klijent ma' ordnijiet oħra disponibbli fis-sistemi f'waqr partikolari, sakemm dan ikun konformi mal-istruzzjonijiet speċifiċi irċevuti minn klijent u mal-obbligi bi qbil mal-Artikolu 27.

Għas-sistema li tqabbel l-ordnijiet tal-klijenti id-ditta ta' investiment jew l-operatur li jopera OTF jista' jiddeċiedi jekk, meta u kemm minn żewġ ordnijiet jew aktar jixtieq li jqabbel fis-sistema. Bi qbil mal-paragrafi 1, 2, 4 u 5 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 fir-rigward ta' sistema li tirranġa t-tranżazzjonijiet f'nonekwitajiet, id-ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera l-OTF tista' tiffaċilita n-negozjati bejn il-klijenti b'mod li tgħaqqad żewġ interessi ta' kummerċ potenzjali jew iktar fi tranżazzjoni.

Dak l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 u 27.

7. L-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi, jew meta ditta ta' investiment jew operatur tas-suq jitolbu awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' OTF jew fuq bażi ad-hoc, spjegazzjoni dettaljata għaliex is-sistema ma tikkorrispondix għal u ma tistax topera bħala suq regolat, MTF jew internalizzatur sistematiku, deskrizzjoni dettaljata dwar kif qed tintuża d-diskrezzjoni, b'mod partikolari meta ordni lil OTF tista' tiġi irtirata u meta u kif l-ordnijiet ta' żewġ klijenti jew iktar jitqabblu fl-OTF. Barra minn hekk, ditta ta' investiment jew operatur ta' OTF għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'informazzjoni li tispjega l-użu li jagħmlu minn negozjar b'matched principal. L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-użu li tagħmel ditta ta' investiment jew ta' operatur tas-suq minn negozjar b'matched principal sabiex tiżgura li dan ikompli jaqa' taħt id-definizzjoni ta' tali negozjar u tiżgura li dan ma jwassalx għal kunflitti tal-interessi bejn id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq u l-klijenti tagħhom.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Artikoli 24, 25, 27 u 28 jiġu applikati għat-tranżazzjonijiet konklużi f'OTF.

*KAPITOLU II*

***Il-Kundizzjonijiet operattivi għad-ditti ta' investiment***

Taqsima 1

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 21*

**Ir-rieżami regolari tal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi ditta ta' investiment awtorizzata fit-territorju tagħhom tikkonforma l-ħin kollu mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali stabbiliti fil-Kapitolu I.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu l-metodi x-xierqa sabiex jimmonitorjaw li d-ditti ta' investiment jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont il-paragrafu 1. Għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti b'kull bidla materjali fil-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali.

L- AETS tista' tiżviluppa linji gwida li jirrigwardaw il-metodi ta' monitoraġġ imsemmija f'dan il-paragrafu.

*Artikolu 22*

**L-obbligu ġenerali rigward is-superviżjoni kontinwa**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-attivitajiet tad-ditti ta' investiment sabiex jivvalutaw il-konformità mal-kundizzjonijiet operattivi pprovduti f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi jkunu fis-seħħ il-miżuri x-xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksbu t-tagħrif meħtieġ sabiex jivvalutaw il-konformità tad-ditti ta' investiment ma' dawk l-obbligi.

*Artikolu 23*

**Kunflitti ta' interess**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment jieħdu l-passi adegwati kollha sabiex jidentifikaw u jipprevjenu jew iġestixxu l-kunflitti ta' interess kollha bejniethom, inklużi l-amministraturi, l-impjegati u l-aġenti marbuta tagħhom, jew kull persuna marbuta direttament jew indirettament magħhom bil-kontroll, u l-klijenti tagħhom, jew bejn klijent u ieħor li jinholqu huwa u jiġi pprovdut kwalunkwe servizz ta' investiment jew servizz sekondarju, jew kumbinazzjonijiet tagħhom, inklużi dawk ikkawżati mir-riċezzjoni ta' inċentivi minn partijiet terzi jew mir-rimunerazzjoni tad-ditta ta' investiment stess jew strutturi oħra ta' inċentivi.

2. Meta l-arranġamenti organizzattivi jew amministrattivi magħmula mid-ditta ta' investiment skont l-Artikolu 16(3) biex jipprevjenu il-kunflitti ta' interess milli jaffettwaw ħażin l-interessi tal-klijenti ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw, b'fiduċja raġonevoli, li se jiġu pprevenuti r-riskji ta' ħsara lill-interessi tal-klijenti, id-ditta ta' investiment għandha tiżvela b'mod ċar lill-klijent in-natura ġenerali u/jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess u l-passi meħuda biex jittaffew dawk ir-riskji qabel ma twettaq il-kummerċ f'ismu.

3. L-iżvelar msemmi fil-paragrafu 2 għandu:

(a) isir b'mezz durevoli; u

(b) jinkludi dettalji biżżejjed, b'kont meħud tan-natura tal-klijent, li jippermettu li l-klijent jieħu deċiżjoni infurmata fir-rigward tas-servizz li fil-kuntest tiegħu jinholoq kunflitt ta' interess.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex:

(a) tiddefinixxi l-passi li d-ditti ta' investiment jistgħu jiġu mistennija b'mod raġonevoli li jieħdu sabiex jidentifikaw, jipprevjenu, jamministraw u jiżvelaw il-kunflitti ta' interess meta jkunu qed jipprovdu diversi servizzi ta' investiment u servizzi sekondarji u għaqdiet tagħhom;

(b) tistabbilixxi l-kriterji x-xierqa sabiex jiġu stabbiliti t-tipi ta' kunflitti ta' interess li l-eżistenza tagħhom tista' tagħmel ħsara lill-interessi tal-klijenti jew tal-klijenti potenzjali tad-ditta ta' investiment.

Taqsima 2

**Id-Dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-investitur**

*Artikolu 24*

**Prinċipji ġenerali u tagħrif lill-klijenti**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi, meta tkun qed tipprovdi servizzi ta' investiment jew, meta jkun xieraq, servizzi sekondarji lill-klijenti, ditta ta' investiment taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali skont l-aħjar interessi tal-klijenti tagħha u tikkonforma, b'mod partikulari, mal-prinċipji mogħtija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 25.

2. Id-ditti ta' investiment li jimmanifaturaw strumenti finanzjarji u depożiti għall-bejgħ lill-klijenti jiżguraw li dawk l-istrumenti finanzjarji jissodisfaw il-bżonnijiet ta' suq mira identifikat ta' klijenti aħħarin fi ħdan il-kategorija rilevanti ta' klijenti, li l-istrateġija ta' distribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji tkun kompatibbli mas-suq mira identifikat, u li d-ditti ta' investiment jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li dawk l-istrumenti finanzjarji jiġu distribwiti lis-suq mira identifikat.

Ditta ta' investiment għandha tifhem l-istrumenti finanzjarji li toffri jew tirrakkomanda, tevalwa l-kompatibilità tal-istrumenti finanzjarji mal-bżonnijiet tal-klijenti li lilhom tkun qed tipprovdi s-servizzi ta' investiment, filwaqt li tqis ukoll is-suq mira identifikat ta' klijenti aħħarin kif msemmi fl-Artikolu 16(3), u tiżgura li l-istrumenti finanzjarji jiġu offruti jew rakkomandati biss fejndan ikun fl-interess tal-klijent.

3. It-tagħrif kollu, inklużi l-komunikazzjonijiet ta' promozzjoni, li d-ditta ta' investiment tibgħat lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali, għandu jkun ġust, ċar u ma jqarraqx. Il-komunikazzjonijiet ta' promozzjoni għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati biċ-ċar bħala komunikazzjonijiet ta' dan it-tip.

4. Informazzjoni xierqa għandha tkun ipprovduta fil-ħin lill-klijenti jew klijenti potenzali rigward id-ditta ta' investiment u s-servizzi tagħha, l-istrumenti finanzjarji u l-istrateġiji proposti tal-investiment, il-postijiet ta' eżekuzzjoni u l-ispejjeż u l-imposti kollha relatati. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

(a) id-ditta ta' investiment u s-servizzi tagħha; meta jingħata parir dwar investiment, id-ditta ta' investiment trid, fil-ħin qabel tagħti l-parir dwar l-investiment, tinforma lill-klijent dwar:

(i) jekk il-parir huwiex qed jingħata fuq bażi indipendenti jew le;

(ii) jekk il-parir huwiex ibbażat fuq analiżi wiesgħa jew fuq analiżi iktar ristretta ta' tipi differenti ta' strumenti finanzjarji u, b'mod partikolari, jekk il-varjetà hijiex limitata għal strumenti finanzjarji maħruġa jew ipprovduti minn entitajiet b'rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' investiment jew kwalunkwe relazzjoni ġuridika jew ekonomika oħra, bħal relazzjoni kuntrattwali, qrib biżżejjed biex toħloq riskju għall-bażi indipendenti tal-pariri pprovduti;

(iii) jekk id-ditta ta' investiment hijiex ser tipprovdi lill-klijent b'valutazzjoni perjodika ta' kemm huma adatti l-istrumenti finanzjarji rakkomandati għal dak il-klijent;

(b) l-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-istrateġiji proposti ta' investiment trid tinkludi gwida xierqa u twissijiet dwar ir-riskji assoċjati mal-investimenti f'dawk l-istrumenti jew rigward strateġiji partikulari ta' investiment u jekk l-istrument finanzjarju huwiex maħsub għall-bejgħ jew għal klijenti professjonali, billi jittieħed kont tas-suq fil-mira identifikat skont il-paragrafu 2;

(c) l-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-imposti assoċjati kollha trid tinkludi informazzjoni relatata mal-investiment u mas-servizzi anċillari li għandhom jinkludu l-ispiża tal-konsulenza, meta rilevanti, l-ispiża tal-istrument finanzjarju rakkomandat jew kummerċjalizzat lill-klijent u kif il-klijent jista' jħallas għalih, u jinkludi wkoll kull pagament lil parti terza.

L-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-imposti kollha, inklużi l-ispejjeż u l-imposti b'rabta mas-servizz ta' investiment u l-istrument finanzjarju, li mhumiex maħluqa mill-okkorrenza ta' riskju sottostanti tas-suq, għandha tingħaqad biex tippermetti lill-klijent jifhem l-ispiża ġenerali kif ukoll l-effett kumulattiv fuq il-qligħ mill-investiment, u meta l-klijent jitlob dan, għandu jiġi pprovdut sommarju dettajat. Meta jkun applikabbli, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-klijent fuq bażi regolari, mill-inqas annwali, tul iż-żmien li jdum validu l-investiment.

(5) L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 u 9 għandha tingħata b'mod komprensibbli b'tali mod li l-klijenti jew il-klijenti potenzjali jkunu kapaċi b'mod raġonevoli jifhmu n-natura u r-riskji tas-servizz ta' investiment u tat-tip speċifiku ta' strument finanzjarju li jkun qiegħed jiġi offrut u, b'konsegwenza ta' dan, ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investiment fuq bażi infurmata. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li dik l-informazzjoni tiġi pprovduta f'format standardizzat.

6. Fejn servizz ta' investiment jiġi offrut bħala parti minn prodott finanzjarju li jkun diġà suġġett għal dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni relatati mal-istituzzjonijiet ta' kreditu u mal-krediti tal-konsumaturi rigward ir-rekwiżiti tat-tagħrif, dak is-servizz ma għandux ikun suġġett b'mod addizzjonali għall-obbligi mogħtija fil-paragrafi 3, 4 u 5.

7. Fejn id-ditta ta' investimenti tinforma lill-klijent li tipprovdi konsulenza dwar investimenti fuq bażi indipendenti, dik id-ditta ta' investiment għandha:

(a) tivvaluta firxa suffiċjenti ta' strumenti finanzjarji disponibbli fis-suq li jridu jkunu diversifikati biżżejjed fir-rigward tat-tip tagħhom u min ħariġhom jew l-fornituri tal-prodotti sabiex ikun żgurat li l-objettivi ta' investiment tal-klijent jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod xieraq u ma jridux ikunu limitati għall-istrumenti finanzjarji maħruġa jew provduti:

(i) mid-ditta ta' investiment innifisha jew minn entitajiet li għandhom rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' investimenti; jew

(ii) minn entitajiet oħra li magħhom id-ditta ta' investiment għandha rabtiet ġuridiċi jew ekonomiċi tant kbar, bħal relazzjoni kuntrattwali, li dan iqiegħed f'riskju l-bażi indipendenti tal-konsulenza pprovduta;

(b) ma taċċettax u żżomm ħlasijiet, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċji fi flus imħallsa jew mhux fi flus ipprovduti minn kwalunkwe parti terza jew persuna li taġixxi f'isem parti terza b'rabta mal-provvista tas-servizz lill-klijenti. Benefiċċji minuri mhux fi flus li kapaċi jtejbu l-kwalità tas-servizz ipprovdut lil klijent u li huma ta' tali skala u ta' natura li ma jistgħux jitqiesu bħala li jfixklu l-konformità mad-dmir tad-ditta ta' investiment li taġixxi fl-aħjar interess tal-klijent jridu jiġu żvelati b'mod ċar u għandhom jiġu esklużi minn dan il-punt.

8. Meta tipprovdi l-immaniġġar tal-portafolji d-ditta ta' investiment ma għandhiex taċċetta jew iżżomm ħlasijiet, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċji fi flus jew mhux fi flus imħallsa jew ipprovduti minn kwalunkwe parti terza jew persuna li taġixxi f'isem parti terza b'rabta mal-provvista tas-servizz lill-klijenti. Benefiċċji minuri mhux fi flus li kapaċi jtejbu l-kwalità tas-servizz ipprovdut lil klijent u li huma ta' tali skala u ta' natura li ma jistgħux jitqiesu bħala li jfixklu l-konformità mad-dmir tad-ditta ta' investiment li taġixxi fl-aħjar interess tal-klijent għandhom jiġu żvelati b'mod ċar u għandhom jiġu esklużi minn dan il-paragrafu.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti ta' investiment jitqiesu li mhux qed jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 23 jew taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta jħallsu jew jitħallsu kwalunkwe tariffa jew kummissjoni, jew jipprovdu jew ikunu provduti bi kwalunkwe benefiċċju mhux monetarju b'rabta mal-forniment ta' servizz ta' investiment jew servizz anċillari, lil jew minn kwalunkwe parti ħlief il-klijent jew persuna f'isem il-klijent, ħlief meta l-pagament jew il-benefiċċju:

(a) Ikun maħsub biex itejjeb il-kwalità tas-servizz rilevanti lill-klijent; u

(b) Ma jipperikolax il-konformità mad-dmir ta' investiment tad-ditta li taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali bi qbil mal-aħjar interessi tal-klijenti tagħha.

L-eżistenza, in-natura u l-ammont tal-pagament jew benefiċċju msemmi fl-ewwel subparagrafu, jew, meta l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat, il-metodu ta' kalkolazzjoni ta' dak l-ammont, għandhom jiġu żvelati lill-klijent, b'mod li jkun komprensiv, preċiż u jinftiehem qabel il-provvediment ta' investiment jew servizz anċillari rilevanti. Meta applikabbli, id-ditta ta' investiment għandha tinforma wkoll lill-klijent dwar mekkaniżmi għat-trasferiment lill-klijent tal-miżata, il-kummissjoni, il-benefiċċju fi flus jew mhux fi flus riċevut b'rabta mal-provvista ta' investiment jew servizz anċillari.

Il-pagament jew benefiċċju li jippermetti l-forniment ta' servizzi ta' investiment, jew ikun neċessarju għalihom, bħal spejjeż tal-kustodja, tariffi tas-saldu u l-iskambju, taxxi regolatorji jew tariffi legali, u li, min-natura tagħhom, ma jistgħux jikkaġunaw kunflitti mad-dmirijiet tad-ditta ta' investiment li taġixxi b'mod onest, eqwu u professjonali skont l-aħjar interessi tal-klijenti tagħha mhuwiex suġġett għar-rekwiżiti stipulati fl-ewwel subparagrafu.

10. Ditta ta' investiment li tipprovdi servizzi ta' investiment lill-klijenti għandha tiżgura li ma tirrimunerax jew tivvaluta l-prestazzjoni tal-persunal tagħha b'mod li jmur kontra l-obbligu tagħha li taġixxi fl-aħjar interessi tal-klijenti tagħha. B'mod partikolari, hija ma għandhiex tagħmel xi arranġament permezz ta' rimunerazzjoni, miri ta' bejgħ jew xi mod ieħor li jista' jagħti l-inċentiv lill-persunal tagħha biex jirrakkomanda strument finanzjarju partikolari lill-klijent mhux professjonali meta d-ditta ta' investiment tista' toffri strument finanzjarju differenti li jilħaq aħjar il-ħtiġijiet ta' dak il-klijent.

11. Meta servizz ta' investiment jiġi offrut flimkien ma' servizz jew prodott ieħor bħala parti minn pakkett jew bħala kundizzjoni għall-istess ftehim jew pakkett, id-ditta ta' investiment għandha tinforma lill-klijent jekk ikunx possibbli li jixtri l-komponenti differenti separatament u għandha tipprovdi evidenza separata tal-kost u t-tariffi għal kull komponent.

Meta r-riskji li jirriżultaw minn tali ftehim jew pakkett offrut lil klijent mhux professjonali x'aktarx ikunu differenti mir-riskji assoċjati mal-komponenti meqjusa separatament, id-ditta ta' investiment għandha tipprovdi deskrizzjoni adegwata tal-komponenti differenti tal-ftehim jew pakkett u l-mod li bih l-interazzjoni tiegħu timmodifika r-riskji.

L-AETS, f'kooperazzjoni ABE u AEAPX, għandha tiżviluppa sat-3 ta' Jannar 2016, u taġġorna perjodikament, linji gwida għall-valutazzjoni u s-superviżjoni tal-prattiki ta' bejgħ inkroċjat li jindikaw, partikolarment, sitwazzjonijiet fejn il-prattiki ta' bejgħ inkroċjat ma jkunux konformi mal-obbligi stipulati fil-paragrafu 1.

12. L-Istati Membri jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jimponu rekwiżiti addizzjonali fuq id-ditti ta' investiment fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu. Tali rekwiżiti jridu jkunu oġġettivament ġustifikati u proporzjonati sabiex jindirizzaw riskji speċifiċi għall-protezzjoni tal-investitur jew għall-integrità tas-suq li huma ta' importanza partikolari fiċ-ċirkustanzi tal-istruttura tas-suq ta' dak l-Istat Membru.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, lill-Kummissjoni bi kwalunkwe rekwiżit li jkunu beħsiebhom jimponu f'konformità ma' dan il-paragrafu, mingħajr dewmien żejjed u tal-anqas xahrejn qabel id-data magħżula biex dak ir-rekwiżit jidħol fis-seħħ. In-notifika għandha tinkludi ġustifikazzjoni għal dak ir-rekwiżit. Kwalunkwe rekwiżit addizzjonali bħal dan m'għandux jirrestrinġi jew b'mod ieħor jaffettwa d-drittijiet tad-ditti ta' investiment skont l-Artikoli 34 u 35 ta' din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahrejn min-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu, tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-proporzjonalità tar-rekwiżiti addizzjonali u l-ġustifikazzjoni għalihom.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri u tippubblika fis-sit elettroniku tagħha r-rekwiżiti addizzjonali imposti f'konformità ma' dan il-paragrafu.

L-Istati Membri jistgħu jżommu rekwiżiti addizzjonali li kienu notifikati lill-Kummissjoni bi qbil mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/73/KE qabel it-2 ta' Lulju 2014 sakemm il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu jkunu ssodisfati.

13. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jiżguraw li ditti ta' investiment huma konformi mal-prinċipji mressqa f'dan l-Artikolu meta jipprovdu servizzi ta' investiment jew servizzi anċillari lill-klijenti tagħhom, inklużi:

(a) il-kundizzjonijiet li bihom l-informazzjoni għandha tikkonforma sabiex tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa;

(b) id-dettalji dwar il-kontenut u l-format tal-informazzjoni lil klijenti b'rabta ma' kategorizzazzjoni tal-klijenti, ditti ta' investiment u s-servizzi tagħhom, l-istrumenti finanzjarji, kostijiet u t-tariffi;

(c) il-kriterji għall-valutazzjoni ta' firxa ta' strumenti finanzjarji disponibbli fis-suq;

(d) il-kriterji biex tiġi evalwata l-konformità ta' ditti li jirċievu inċentivi mal-obbligu li jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali b'konformità mal-aħjar interessi tal-klijent.

Fil-formulazzjoni tar-rekwiżiti għall-informazzjoni dwar strumenti finanzjarji fir-rigward tal-punt b tal-paragrafu 4, l-informazzjoni dwar l-istruttura tal-prodott għandu jkun inkluż, fejn ikun applikabbli, billi titqies kwalunkwe informazzjoni standardizzata relevanti skont il-liġi tal-Unjoni.

14. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 13 għandhom iqisu:

(a) in-natura tas-servizz/i offrut/i jew ipprovdut/i lill-klijent jew lill-klijent potenzjali, filwaqt li jitqiesu t-tip, l-għan, id-daqs u l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet;

(b) in-natura u l-firxa ta' prodotti li jkunu qed jiġu offruti jew ikkunsidrati, inkluż tipi differenti ta' strumenti finanzjarji;

(c) in-natura mhux professjonali jew professjonali tal-klijent jew klijenti potenzjali, fil-każ tal-paragrafi 4 u 5, il-klassifikazzjoni tagħhom bħala kontropartijiet eliġibbli

*Artikolu 25*

**Valutazzjoni tal-adattament u l-adegwatezza u r-rappurtar lill-klijenti**

1. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li d-ditti ta' investiment jiżguraw u juru fuq talba lill-awtoritajiet kompetenti li l-persuni fiżiċi li jagħtu l-pariri dwar l-investiment jew informazzjoni dwar strumenti finanzjarji, is-servizzi ta' investiment jew is-servizzi anċillari lill-klijenti f'isem id-ditta ta' investiment ikollhom l-għarfien u l-kompetenza meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 24 u dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-kriterji li għandhom jintużaw għal valutazzjoni ta' tali għarfien u kompetenza.

2. Meta tipprovdi pariri dwar l-investiment jew il-ġestjoni ta' portafoll, id-ditta ta' investiment għandha tikseb it-tagħrif meħtieġ dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-klijent jew tal-klijent potenzjali fil-kamp ta' investiment rilevanti għat-tip speċifiku tal-prodott jew tas-servizz, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' dik il-persuna, inkluża l-abilità tiegħu li jġarrab it-telf, u l-għanijiet ta' investiment tiegħu, inkluża t-tolleranza tiegħu għar-riskju, sabiex id-ditta ta' investiment tkun tista' tirrakkomanda lill-klijent jew lill-klijent potenzjali s-servizzi ta' investiment u l-istrumenti finanzjarji li huma adattati għalih u, b'mod partikolari, huma konformi mat-tolleranza tiegħu għar-riskju u l-abilità li jġarrab it-telf.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta ditta ta' investiment tipprovdi parir dwar l-investiment li jirrakkomanda pakkett ta' servizzi jew prodotti marbuta flimkien skont l-Artikolu 24(11), il-pakkett globali ta' prodotti flimkien ikun xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi d-ditti ta' investiment, meta jkunu qegħdin jipprovdu servizzi ta' investiment oħra għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2, jistaqsu lill-klijent jew lill-klijent potenzjali rigward l-għarfien u l-esperjenza ta' dik il-persuna fil-kamp ta' investiment rilevanti għat-tip speċifiku tal-prodott jew servizz offrut jew mitlub sabiex id-ditta ta' investiment tkun tista' tivvaluta jekk is-servizz jew il-prodott ta' investiment previst huwiex adattat għall-klijent. Meta pakkett ta' servizzi jew prodotti jiġi previst skont l-Artikolu 24(11), il-valutazzjoni għandha tqis jekk hux xieraq il-pakkett globali ta' prodotti flimkien.

Meta, fuq il-bażi tat-tagħrif li tingħata skont l-ewwel subparagrafu, ditta ta' investiment tikkunsidra illi l-prodott jew is-servizz ma jkunx adattat għall-klijent jew għall-klijent potenzjali, id-ditta ta' investiment għandha twissi lill-klijent jew lill-klijent potenzjali b'dan. Dik it-twissija tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat.

Meta l-klijenti jew il-klijenti potenzjali ma jipprovdux it-tagħrif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, jew meta ma jipprovdux biżżejjed tagħrif dwar l-għarfien u l-esperjenza tagħhom, id-ditta ta' investiment għandha twissihom illi d-ditta ta' investiment mhix f'qagħda li tistabbilixxi jekk is-servizz jew il-prodott previst huwiex adattat għalihom. Dik it-twissija tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat.

4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lid-ditti ta' investiment, meta jkunu qegħdin jipprovdu servizzi ta' investiment li jikkonsistu biss fit-twettiq jew fir-riċezzjoni u t-trażmissjoni tal-ordnijiet tal-klijenti flimkien ma' servizzi anċillari jew mingħajrhom, bl-esklużjoni tal-għoti ta' krediti jew self kif speċifikat fit-Taqsima B.1. tal-Anness I li ma jkunux jikkonsistu mil-limiti tal-krediti eżistenti ta' self, kontijiet kurrenti u faċilitajiet ta' overdraft tal-klijenti, sabiex jipprovdu dawn is-servizzi ta' investiment lill-klijenti tagħhom mingħajr il-ħtieġa li jiksbu t-tagħrif jew jagħmlu l-valutazzjoni pprovduta fil-paragrafu 3 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-servizzi jirrelataw ma' kwalunkwe wieħed mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin:

(i) l-ishma ammessi għan-negozjar f'suq regolat jew f'suq ekwivalenti ta' pajjiż terz jew f'MTF, meta dawk ikunu ishma f'kumpaniji, minbarra l-ishma f'impriżi għall-investiment kollettiv li ma jkunux tal-UCITS u l-ishma li jkun fihom derivattiv ġo fihom;

(ii) il-bonds jew għamliet oħra ta' dejn garantit ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jew f'suq ekwivalenti ta' pajjiż terz jew f'MTF, minbarra dawk li jkun fihom derivattiv ġo fihom jew li jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli għall-klijent li jifhem ir-riskju involut;

(iii) l-istrumenti tas-suq tal-flus, minbarra dawk li jkun fihom derivattiv ġo fihom jew li jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli għall-klijent li jifhem ir-riskju involut;

(iv) l-ishma jew l-unitajiet fl-UCITS, minbarra l-UCITS strutturati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 583/2010;

(v) depożiti strutturati, esklużi dawk li jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli li l-klijent jifhem ir-riskju tar-redditu jew l-ispiża tal-ħruġ tal-prodott qabel iż-żmien;

(vi) strumenti finanzjarji oħra mhux kumplessi għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti u l-proċeduri stabbiliti taħt it-tielet u r-rabà subparagrafi tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/71/KE, suq ta' pajjiż terz għandu jiġi kkunsidrat li jkun ekwivalenti għal suq regolat.

(b) is-servizz jiġi pprovdut fuq inizjattiva tal-klijent jew tal-klijent potenzjali;

(c) il-klijent jew il-klijent potenzjali jkunu ġew mgħarrfa biċ-ċar illi fil-provvediment ta' dak is-servizz, id-ditta ta' investiment mhix meħtieġa tivvaluta kemm l-istrument finanzjarju jew is-servizz ipprovdut jew offrut hu adegwat u li għalhekk huma ma jibbenefikawx mill-protezzjoni korrispondenti tar-regoli rilevanti tal-kondotta tal-operat. Tali twissija tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat;

(d) id-ditta ta' investiment tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 23.

5. Id-ditta ta' investiment għandha tistabbilixxi reġistru li jinkludi d-dokument jew id-dokumenti miftiehma bejn id-ditta ta' investiment u l-klijent li jiddikjaraw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, u termini oħra li fuqhom id-ditta ta' investiment se tipprovdi servizzi lill-klijent. Id-drittijiet u d-dmirijiet tal-partijiet fil-kuntratt jistgħu jiġu inkorporati b'riferiment għal dokumenti jew testi legali oħrajn.

6. Id-ditta ta' investiment għandha tipprovdi lill-klijent b'rapporti adegwati dwar is-servizz ipprovdut b'mod li jservi għal żmien twil. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu komunikazzjonijiet perjodiċi lill-klijenti, li jqisu t-tip u l-kumplessità tal-istrumenti finanzjarji involuti u n-natura tas-servizz mogħti lill-klijent u għandhom jinkludu, meta jkun applikabbli, l-ispejjeż assoċjati mat-tranżazzjonijiet u s-servizzi mwettqa f'isem il-klijent.

Meta tagħti parir dwar investiment, id-ditta ta' investiment għandha, qabel ma ssir it-tranżazzjoni, tipprovdi lill-klijent b'dikjarazzjoni dwar l-adegwatezza f'mezz durabbli li tispeċifika l-parir mogħti u kif dak il-parir jissodisfa l-preferenzi, il-ħtiġijiet u karatteristiċi oħra tal-klijent mhux professjonali.

Fil-każ li l-ftehim għax-xiri jew il-bejgħ ta' strument finanzjarju jiġi konkluż permezz ta' komunikazzjoni b'distanza li tipprevjeni li ssir dikjarazzzjoni dwar l-adegwatezza minn qabel, id-ditta ta' investiment tista' tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-adegwatezza b'mezz durabbli immedjatament wara li l-klijent ikun marbut b'xi ftehim, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-klijent ta kunsens biex jirċievi d-dikjarazzjoni dwar l-adegwatezza mingħajr dewmien żejjed wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni; u

(b) id-ditta ta' investiment tat lill-klijent l-għażla li jkun hemm dewmien għat-tranżazzjoni sabiex jirċievi minn qabel id-dikjarazzjoni dwar l-adegwatezza.

Fejn ditta ta' investiment tipprovdi ġestjoni tal-portafolji jew infurmat lill-klijent li se twettaq valutazzjoni perjodika dwar l-adegwatezza, ir-rapport perjodiku għandu jkollu dikjarazzjoni aġġornata dwar kif l-investiment jissodisfa l-preferenzi, l-objettivi u karatteristiċi oħrajn tal-klijenti mhux professjonali.

7. Jekk ftehim ta' kreditu relatat mal-proprjetà residenzjali, li huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet rigward il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi stipulati fid-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), għandu bħala prerekwiżit l-għoti lil dak l-istess konsumatur ta' servizz ta' investiment fir-rigward ta' bonds ipotekarji maħruġin speċifikament biex jiżguraw il-finanzjament u li jkollu termini identiċi għall-ftehim ta' kreditu relatat mal-proprjetà residenzjali, sabiex is-self ikun pagabbli, iffinanzjat mill-ġdid jew mifdi, dak is-servizz m'għandux ikun suġġett għall-obbligi stipulati f'dan l-Artikolu.

8. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jiżguraw li d-ditti ta' investiment jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu meta jipprovdu servizzi ta' investiment jew servizzi anċillari lill-klijenti tagħhom, inkluż it-tagħrif li għandu jinkiseb meta jiġu vvalutati l-adattament u l-adegwatezza tas-servizzi u l-istrumenti finanzjarji għall-klijenti tagħhom, il-kriterji għall-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji mhux kumplessi għall-finijiet tal-punt (a)(vi) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-kontenut u l-format tar-rekords u l-ftehimet għall-għoti ta' servizzi lill-klijenti u rapporti perjodiċi lill-klijenti dwar is-servizzi pprovduti. Dawk l-atti delegati għandhom iqisu:

(a) in-natura tas-servizz/i offrut/i jew ipprovdut/i lill-klijent jew lill-klijent potenzjali, filwaqt li jitqiesu t-tip, l-għan, id-daqs u l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet;

(b) in-natura u l-firxa tal-prodotti li jkunu qegħdin jiġu offruti jew ikkunsidrati, inklużi t-tipi differenti ta' strumenti finanzjarji;

(c) in-natura mhux professjonali jew professjonali tal-klijent jew klijenti potenzjali, fil-każ tal-paragrafu 6, il-klassifikazzjoni tagħhom bħala kontropartijiet eliġibbli.

9. L-AETS għandha tadotta sat-3 ta' Jannar 2016 linji gwida li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-għarfien u l-kompetenza meħtieġa skont il-paragrafu 1.

10. L-AETS għandha tiżviluppa sat-3 ta' Jannar 2016, u taġġorna perjodikament, linji gwida għall-valutazzjoni ta':

(a) strumenti finanzjarji li jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli għall-klijent li jifhem ir-riskju involut skont il-punti (a)(ii) u (a)(iii) tal-paragrafu 4;

(b) depożiti strutturati li jinkorporaw struttura li tagħmilha diffiċli għall-klijent li jifhem ir-riskju tar-redditu jew l-ispiża tal-ħruġ mill-prodott qabel iż-żmien skont il-punt (a)(v) tal-paragrafu 4.

11. L-AETS tista' tiżviluppa linji gwida, u taġġornahom perjodikament, għall-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji li jkunu qed jiġu kklassifikati bħala mhux kumplessi għall-għan tal-punt (a)(vi) tal-paragrafu 4, filwaqt li jitqiesu l-atti delegati adottati skont il-paragrafu 8.

*Artikolu 26*

**L-għoti ta' servizzi permezz ta' ditta oħra ta' investiment**

L-Istati Membri għandhom jippermettu lil ditta ta' investiment li, meta tirċievi struzzjoni biex tipprovdi servizzi ta' investiment jew servizzi anċillari f'isem klijent permezz ta' ditta oħra ta' investiment, toqgħod fuq it-tagħrif dwar il-klijenti mibgħut minn din id-ditta l-oħra ta' investiment. Id-ditta ta' investiment li tkun bagħtet l-istruzzjonijiet bħala medjatur se tibqa' responsabbli għall-kompletezza u l-eżattezza tat-tagħrif mibgħut.

---

([1]) Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

Id-ditta ta' investiment li tirċievi struzzjoni sabiex twettaq servizzi f'isem klijent b'dak il-mod għandha tkun kapaċi wkoll toqgħod fuq kull rakkomandazzjoni rigward is-servizz jew it-tranżazzjoni li tkun ingħatat lill-klijent minn ditta oħra ta' investiment. Id-ditta ta' investiment li tkun bagħtet l-istruzzjonijiet bħala medjatur se tibqa' responsabbli minn kemm ikunu adegwati għall-klijent ir-rakkomandazzjonijiet jew il-pariri pprovduti.

Id-ditta ta' investiment li tirċievi struzzjonijiet jew ordnijiet ta' klijent permezz ta' ditta oħra ta' investiment għandha tibqa' responsabbli għall-konklużjoni tas-servizz jew tat-tranżazzjoni, abbażi ta' kull tagħrif jew rakkommandazzjoni ta' dan it-tip, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 27*

**L-obbligu li jitwettqu l-ordnijiet fuq l-iktar termini favorevoli għall-klijent**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investimenti jieħdu l-passi suffiċjenti kollha sabiex, meta jwettqu l-ordnijiet, jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-klijenti tagħhom, filwaqt li jqisu l-prezz, l-ispejjeż, il-ħeffa, il-probabbiltà tat-twettiq u tas-saldu, id-daqs, in-natura u kull kunsiderazzjoni oħra li tkun rilevanti għat-twettiq tal-ordni. Madankollu, meta jkun hemm struzzjoni speċifika mill-klijent, id-ditta ta' investiment għandha twettaq l-ordni skont l-istruzzjoni speċifika.

Meta ditta ta' investiment twettaq ordni f'isem klijent mhux professjonali, l-aħjar riżultat possibbli għandu jiġi determinat f'termini tal-kunsiderazzjoni totali, li tirrappreżenta l-prezz tal-istrument finanzjarju u l-ispejjeż relatati mat-twettiq, li għandhom jinkludu l-ispejjeż kollha mġarrba mill-klijent li huma relatati direttament mat-twettiq tal-ordni, inklużi t-tariffi taċ-ċentru tat-twettiq, tariffi tal-ikklerjar u s-saldu u kwalunkwe tariffi oħra mħallas lill-partijiet terzi involuti fit-twettiq tal-ordni.

Għall-għanijiet li jkun hemm l-aħjar riżultat possibbli skont l-ewwel subparagrafu fejn ikun hemm aktar minn post wieħed li jkun qed jikkompeti biex iwettaq ordni għal strument finanzjarju, sabiex jiġu vvalutati u mqabbla r-riżultati għall-klijent li jintlaħqu billi titwettaq l-ordni fuq kull wieħed mill-postijiet tat-twettiq imniżżla fil-politika tal-eżekuzzjoni tal-ordni tad-ditta ta' investiment li jkun kapaċi jwettaq dik l-ordni, il-kummissjonijiet proprji tad-ditta ta' investiment u l-ispejjeż għat-twettiq tal-ordni għal kull wieħed mill-postijiet tat-twettiq eliġibbli għandhom jitqiesu f'dik il-valutazzjoni.

2. Ditta ta' investiment m'għandhiex tirċievi xi remunerazzjoni, skont jew benefiċċju mhux monetarju biex tressaq ordnijiet tal-klijenti lejn ċentru ta' negozjar jew post tat-twettiq partikolari li jikser ir-rekwiżiti dwar il-kunflitti ta' interess jew inċentivi stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 16(3), u l-Artikoli 23 u 24.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi għal strumenti finanzjarji suġġetti għall-obbligu tan-negozjar fl-Artikoli 23 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, kull ċentru ta' negozjar u internalizzatur sistematiku u għal strumenti finanzjarji oħrajn, kull post tat-twettiq iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, bla ħlas, data dwar il-kwalità tat-twettiq tat-tranżazzjonijiet f'dak il-post tal-inqas darba fis-sena u li wara t-twettiq ta' tanżazzjoni f'isem klijent id-ditta ta' investiment għandha tinforma lill-klijent fejn tkun twettqet l-ordni. Ir-rapporti perjodiċi għandhom jinkludu dettalji dwar il-prezz, l-ispejjeż, il-ħeffa u l-probabbiltà tat-twettiq għal kull strument finanzjarju individwali.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investiment jistabbilixxu u jimplimentaw arranġamenti effettivi sabiex jikkonformaw mal-paragrafu 1. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investiment jistabbilixxu u jimplimentaw politika tat-twettiq tal-ordnijiet sabiex ikunu jistgħu jiksbu, għall-ordnijiet tal-klijenti tagħhom, l-aħjar riżultat possibbli skont il-paragrafu 1.

5. Il-politika tat-twettiq tal-ordnijiet għandha tinkludi, għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji, tagħrif dwar il-postijiet differenti fejn id-ditta ta' investiment twettaq l-ordnijiet tal-klijenti tagħha u l-fatturi li jaffettwaw l-għażla tal-post tat-twettiq. Għandha mill-inqas tinkludi dawk il-postijiet li jgħinu lid-ditta ta' investiment tikseb, fuq bażi konsistenti, l-aħjar riżultat possibbli għat-twettiq tal-ordnijiet tal-klijenti.

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment jipprovdu t-tagħrif ix-xieraq lill-klijenti tagħhom dwar il-politika tagħhom tat-twettiq tal-ordnijiet. Dak it-tagħrif għandu jispjega biċ-ċar, b'mod iddettaljat biżżejjed u b'mod li jista' jinftiehem faċilment mill-klijenti, kif id-ditta ta' investiment se twettaq l-ordnijiet għall-klijenti. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment jiksbu l-kunsens minn qabel tal-klijenti tagħhom dwar il-politika tagħhom tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet.

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi, meta politika tat-twettiq tal-ordnijiet tipprevedi l-possibbiltà li l-ordnijiet tal-klijenti jitwettqu 'l barra miċ-ċentru ta' negozjar, id-ditta ta' investiment għandha, b'mod partikolari, tgħarraf lill-klijenti tagħha dwar dik il-possibbiltà. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment jiksbu l-kunsens espress minn qabel tal-klijenti tagħhom qabel ma jipproċedu bit-twettiq tal-ordnijiet tagħhom 'il barra miċ-ċentru ta' negozjar. Id-ditti ta' investiment jistgħu jiksbu tali kunsens jew fil-għamla ta' ftehim ġenerali jew fir-rigward ta' tranżazzjonijiet individwali.

6. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investimentli jsegwu l-ordnijiet tal-klijenti biex jagħtu taqsira ta' u jippubblikaw, fuq bażi annwali, għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji, l-aqwa ħames postijiet tat-twettiq f'termini ta' volumi ta' kummerċ fejn ikunu wettqu l-ordnijiet tal-klijenti fis-sena preċedenti u l-informazzjoni dwar il-kwalità tat-twettiq akkwistat.

7. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investiment li jwettqu l-ordnijiet tal-klijent li jimmonitorjaw l-effikaċja tal-arranġamenti tagħhom għat-twettiq tal-ordnijiet u tal-politika tat-twettiq tagħhom sabiex jidentifikaw u, fejn ikun xieraq, jikkoreġu kull nuqqas. B'mod partikolari, għandhom jivvalutaw, fuq bażi regolari, jekk il-postijiet tat-twettiq inklużi fil-politika tat-twettiq tal-ordnijiet, jipprovdux l-aħjar riżultat possibbli għall-klijent jew jekk hemmx bżonn li jagħmlu bidliet fl-arranġamenti tagħhom tat-twettiq, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, l-informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafi 3 u 6.L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment jinnotifikaw lill-klijenti, li magħhom għandhom relazzjoni kontinwa ta' klientela, dwar kull bidla materjali fl-arranġamenti tagħhom tat-twettiq tal-ordnijiet jew fil-politika tagħhom tat-twettiq.

8. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investimenti ikunu kapaċi juru lill-klijenti tagħhom, fuq talba ta' dawn il-klijenti, illi jkunu wettqu l-ordnijiet tagħhom skont il-politika tat-twettiq tad-ditta ta' investiment u biex juru lill-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, l-konformità tagħhom ma' dan l-Artikolu.

9. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 dwar:

(a) il-kriterji sabiex tiġi stabbilita l-importanza relattiva tal-fatturi differenti li, skont il-paragrafu 1, jistgħu jitqiesu sabiex jiġi stabbilit l-aħjar riżultat possibbli filwaqt li jitqiesu d-daqs u t-tip tal-ordni u n-natura tal-klijent bħala klijent fil-livell tal-konsumaturi jew klijent professjonali;

(b) il-fatturi li jistgħu jitqiesu minn ditta ta' investiment meta tkun qed tirrevedi l-arranġamenti tagħha tat-twettiq u ċ-ċirkustanzi li fihom jistgħu jkunu xierqa l-bidliet għal dawn l-arranġamenti. B'mod partikulari, il-fatturi sabiex jiġi stabbilit liema postijiet jgħinu lid-ditti ta' investiment jiksbu, fuq bażi konsistenti, l-aħjar riżultat possibbli għat-twettiq tal-ordnijiet tal-klijenti;

(c) in-natura u l-kobor tat-tagħrif li jrid jiġi pprovdut lill-klijenti dwar il-politiki tagħhom tat-twettiq, skont il-paragrafu 5.

10. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw:

(a) il-kontenut speċifiku, il-format u l-perjodiċità tad-data marbuta mal-kwalità tat-twettiq li għandha tiġi ppubblikata skont il-paragrafu 3, filwaqt li jitqiesu t-tip ta' post tat-twettiq u t-tip ta' strument finanzjarju kkonċernat;

(b) il-kontenut u l-format tat-tagħrif li d-ditti ta' investiment għandhom jippubblikaw skont il-paragrafu 6.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 28*

**Ir-regoli ta' kif għandhom jiġu ttrattati l-ordnijiet tal-klijenti**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment li huma awtorizzati jwettqu ordnijiet f'isem il-klijenti jimplimentaw il-proċeduri u l-arranġamenti li jipprovdu t-twettiq fil-pront, ġust u bil-ħeffa tal-ordnijiet tal-klijenti, fejn jidħlu l-ordnijiet ta' klijenti oħra jew l-interessi tal-kummerċ tad-ditta ta' investiment.

Dawk il-proċeduri jew l-arranġamenti għandhom jippermettu t-twettiq ta' ordnijiet tal-klijenti li mill-bqija jkunu komparabbli skont iż-żmien meta d-ditta ta' investiment tirċevihom.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi, fil-każ ta' ordni tal-limitu ta' klijent rigward ishma ammessi għall-kummerċ f'suq irregolat jew innegozjati f'ċentru ta' negozjar li ma jkunux imwettqa minnufih skont il-kondizzjonijiet prevalenti tas-suq, id-ditti tal-investiment għandhom jieħdu miżuri, għajr jekk il-klijent jordnalhom espressament xorta oħra, sabiex jiffaċilitaw l-iktar twettiq bikri possibbli ta' din l-ordni billi jagħmlu pubbliku minnufih din l-ordni tal-limitu tal-klijent f'manjiera li tkun aċċessibbli bla xkiel għal parteċipanti oħra fis-suq. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-ditti ta' investiment jikkonformaw ma' dak l-obbligu billi jittrażmettu l-ordni tal-klijent b'limitu għal ċentru ta' negozjar. L-Istati Membri għandhom jipprevedu illi l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirtiraw l-obbligu li tiġi ppubblikata ordni b'limitu tal-prezz li tkun kbira fid-daqs meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq kif stabbilit skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tiddefinixxi:

(a) il-kundizzjonijiet u n-natura tal-proċeduri u l-arranġamenti li jwasslu għat-twettiq fil-pront, ġust u bil-ħeffa tal-ordnijiet tal-klijenti u s-sitwazzjonijiet li fihom id-ditti ta' investiment jistgħu jiddevjaw b'mod raġonevoli mit-twettiq fil-pront jew it-tipi ta' tranżazzjonijiet li għalihom id-ditti ta' investiment jistgħu jagħmlu dan sabiex jiksbu termini iktar favorevoli għall-klijenti;

(b) il-metodi differenti li permezz tagħhom ditta ta' investiment tista' tiġi meqjusa li tkun issodisfat l-obbligu tagħha li tiżvela lis-suq l-ordnijiet tal-klijent b'limitu tal-prezz li ma jkunux jistgħu jitwettqu minnufih.

*Artikolu 29*

**L-obbligi tad-ditti ta' investiment meta jaħtru aġenti marbuta**

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lil ditta ta' investiment taħtar aġenti marbuta sabiex dawn jippromwovu s-servizzi tad-ditta ta' investiment, jitolbu għall-kummerċ bil-ħerqa jew jirċievu ordnijiet mingħand il-klijenti jew il-klijenti potenzjali u jittrażmettuhom, jagħtu post lill-istrumenti finanzjarji u jipprovdu pariri rigward dawn l-istrumenti u s-servizzi finanzjarji offruti mid-ditta ta' investiment.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi meta ditta ta' investiment tiddeċiedi li taħtar aġent marbut, hija tibqa' responsabbli bis-sħiħ u mingħajr kundizzjoni għal kull azzjoni jew ommissjoni min-naħa tal-aġent marbut meta dan ikun qed jaġixxi f'isem id-ditta ta' investiment. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditta ta' investiment tiżgura illi aġent marbut jiżvela l-kapaċità li fiha jkun qiegħed jaġixxi u d-ditta ta' investiment li jkun qiegħed jirrappreżenta meta jikkuntattja lil klijent jew klijent potenzjali jew qabel ma jibda jinnegozja magħhom.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu, skont l-Artikolu 16(6), (8) u (9), lill-aġenti marbuta rreġistrati fit-territorju tagħhom li jżommu l-flus u/jew l-istrumenti finanzjarji tal-klijenti f'isem jew fuq ir-responsabilità sħiħa tad-ditta ta' investiment li għaliha jkunu qegħdin jaġixxu fit-territorju tagħhom jew, fil-każ ta' ħidma li taqsam il-fruntieri, fit-territorju ta' Stat Membru li jippermetti aġent marbut li jżommu l-flus tal-klijenti.

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investiment jimmonitorjaw l-attivitajiet tal-aġenti marbuta tagħhom sabiex jiżguraw li huma jkomplu jikkonformaw ma' din id-Direttiva meta jaġixxu permezz tal-aġenti marbuta.

3. L-aġenti marbuta għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru pubbliku fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. L-AETS għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha referenzi jew hyperlinks għar-reġistri pubbliċi stabbiliti skont dan l-Artikolu mill-Istati Membri li jiddeċiedu li jippermettu lid-ditti ta' investiment jaħtru aġenti marbuta.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġenti marbuta jiġu ammessi fir-reġistru pubbliku biss jekk ikun ġie stabbilit li huma ta' fama tajba biżżejjed u li għandhom l-għarfien u l-kompetenza ġenerali, kummerċjali u professjonali xieraq sabiex ikunu kapaċi jrendu s-servizz ta' investiment jew is-servizz anċillari u jikkomunikaw sewwa t-tagħrif rilevanti kollu dwar is-servizz propost lill-klijent jew lill-klijent potenzjali.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, suġġetta għal kontroll xieraq, ditta ta' investiment tista' tivverifika jekk l-aġenti marbuta li tkun ħatret humiex ta' fama tajba biżżejjed u għandhomx l-għarfien u l-kompetenza kif imsemmi fit-tieni subparagrafu.

Ir-reġistru għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari. Għandu jkun disponibbli pubblikament għall-konsultazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment li jaħtru aġenti marbuta jieħdu l-miżuri adegwati sabiex jevitaw kull impatt negattiv li jista' jkollhom l-attivitajiet tal-aġent marbut li mhumiex koperti minn din id-Direttiva fuq l-attivitajiet imwettqa mill-aġent marbut f'isem id-ditta ta' investiment.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jikkollaboraw mad-ditti ta' investiment u mal-istituzzjonijiet ta' kreditu, mal-assoċjazzjonijiet tagħhom u ma' entitajiet oħra huma u jirreġistraw l-aġenti marbuta u huma u jimmonitorjaw il-konformità tal-aġenti marbuta mar-rekwiżiti tal-paragrafu 3. B'mod partikolari, l-aġenti marbuta jistgħu jiġu rreġistrati minn ditta ta' investiment, minn istituzzjoni ta' kreditu jew mill-assoċjazzjonijiet tagħhom u minn entitajiet oħra taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

5. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment jaħtru biss aġenti marbuta mdaħħla fir-reġistri pubbliċi msemmija fil-paragrafu 3.

6. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar stretti minn dawk mogħtija f'dan l-Artikolu jew iżidu aktar rekwiżiti għall-aġenti marbuta rreġistrati fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

*Artikolu 30*

**It-tranżazzjonijiet imwettqa mal-kontropartijiet eliġibbli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi d-ditti ta' investiment li jkunu awtorizzati jwettqu ordnijiet f'isem il-klijenti u/jew jinnegozjaw f'isimhom u/jew jirċievu u jittrażmettu l-ordnijiet, jistgħu jaslu għal tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet eliġibbli jew jidħlu għalihom magħhom mingħajr ma jkunu obbligati jikkonformaw mal-obbligi skont l-Artikolu 24, ħlief għall-paragrafi 4 u 5, l-Artikolu 25, ħlief għall-paragrafu 6, l-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(1) rigward dawn it-tranżazzjonijiet jew rigward kull servizz sekondarju li jkollu x'jaqsam direttament ma' dawn it-tranżazzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-relazzjoni tagħhom mal-kontropartijiet eliġibbli, id-ditti ta' investiment jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali u jikkomunikaw b'mod li jkun ġust, ċar u li ma jqarraqx, filwaqt li jqisu n-natura tal-kontroparti eliġibbli u tan-negozju tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala kontropartijiet eliġibbli għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu lid-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni, l-UCITS u l-kumpaniji tal-ġestjoni tagħhom, il-fondi tal-pensjonijiet u l-kumpaniji tal-ġestjoni tagħhom, l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra awtorizzati jew irregolati bil-liġi tal-Unjoni jew taħt il-liġijiet nazzjonali ta' Stat Membru, il-gvernijiet nazzjonali u l-uffiċċji korrispondenti tagħhom inklużi l-korpi pubbliċi li jittrattaw id-dejn pubbliku fil-livell nazzjonali, il-banek ċentrali u l-organizzazzjonijiet sopranazzjonali.

Il-klassifika bħala kontroparti eliġibbli skont l-ewwel subparagrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' dawn l-entitajiet li jitolbu, jew f'għamla ġenerali jew fuq il-bażi ta' negozju negozju, trattament bħala klijenti li l-kummerċ tagħhom mad-ditta ta' investiment huwa soġġett għall-Artikoli 24, 25, 27 u 28.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu wkoll bħala kontropartijiet eliġibbli impriżi oħra li jissodisfaw rekwiżiti proporzjonati stabbiliti minn qabel, inklużi limiti kwantitattivi. Fil-każ ta' tranżazzjoni li fiha l-kontropartijiet prospettivi jkunu jinsabu f'ġuriżdizzjonijiet differenti, id-ditta ta' investiment għandha tiddifferixxi għall-istatus tal-impriża l-oħra kif stabbilit mil-liġijiet jew mill-miżuri tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita din l-impriża.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, meta tidħol fi tranżazzjonijiet skont il-paragrafu 1 ma' dawn l-impriżi, id-ditta ta' investiment tikseb il-konferma espressa mill-kontroparti prospettiva li hija taqbel li tiġi ttrattata bħala kontroparti eliġibbli. L-Istati Membri għandhom jippermettu lid-ditta ta' investiment tikseb dik il-konferma jew fl-għamla ta' ftehim ġenerali jew għal kull tranżazzjoni individwali.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu bħala kontropartijiet eliġibbli entitajiet ta' pajjiżi terzi li jkunu ekwivalenti għal dawk il-kategoriji ta' entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2.

L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu wkoll bħala kontropartijiet eliġibbli intrapriżi ta' pajjiżi terzi bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 3 bl-istess kundizzjonijiet u suġġetti għall-istess rekwiżiti bħal dawk stabbiliti fil-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tispeċifika:

(a) il-proċeduri għat-talba għal trattament bħala klijenti skont il-paragrafu 2;

(b) il-proċeduri sabiex tinkiseb il-konferma espressa mingħand il-kontropartijiet prospettivi skont il-paragrafu 3;

(c) ir-rekwiżiti proporzjonati prestabbiliti, inklużi l-limiti kwantitattivi li jippermettu li impriża tiġi kkunsidrata li tkun kontroparti eliġibbli skont il-paragrafu 3.

## Taqsima 3

## **It-trasparenza u l-integrità tas-suq**

*Artikolu 31*

### **Il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-MTF jew l-OTF u ma' obbligi legali oħra**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jkunu qed iħaddmu MTF jew OTF jistabbilixxu u jżommu arranġamenti u proċeduri effettivi, rilevanti għall-MTF jew OTF, għall-monitoraġġ regolari tal-konformità mill-membri jew il-parteċipanti jew l-utenti tagħhom mar-regoli tagħha. Id-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jkunu qed iħaddmu MTF jew OTF għandhom jimmonitorjaw l-ordnijiet mibgħuta, inklużi kanċellazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet imwettqa mill-membri jew il-parteċipanti jew l-utenti tagħhom skont is-sistemi tagħhom sabiex jidentifikaw il-ksur ta' dawk ir-regoli, kundizzjonijiet diżordinati tan-negozji, imġiba li tista' tindika mġiba pprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tħarbit fis-sistema b'rabta ma' strument finanzjarju u għandhom jużaw ir-riżorsa neċessarja biex jiżguraw li tali monitoraġġ ikun effettiv.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lid-ditti ta' investiment jew lill-operaturi tas-suq li jkunu qed iħaddmu MTF jew OTF biex jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tagħhom immedjatament dwar ksur sinifikanti tar-regoli tagħha jew kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar jew imġiba li tista' tindika mġiba pprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tħarbit fis-sistema b'rabta ma' strument finanzjarju.

L-awtoritajiet kompetenti tad-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF jew OTF għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

B'rabta ma' kondotta li tista' tindika mġiba pprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014, awtorità kompetenti trid tkun konvinta li tali mġiba tkun qed issir jew tkun saret qabel ma tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-AETS.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu wkoll illi d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jkunu qed iħaddmu MTF jew OTF ifornu wkoll mingħajr dewmien żejjedit-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2 lill-awtorità li hija kompetenti sabiex jiġi investigat u mħarrek l-abbuż tas-suq u li huma jagħtu assistenza sħiħa lil din tal-aħħar fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-abbuż tas-suq li jkun qed iseħħ fis-sistemi tagħhom jew permezz tas-sistemi tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tiddetermina ċ-ċirkustanzi li jwasslu għal rekwiżit ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 32*

**Sospensjoni u tneħħija ta' strumenti finanzjarji minn negozjar dwar MTF jew OTF**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 69(2) li titlob is-sospensjoni jew it-tneħħija ta' strument finanzjaru min-negozjar, ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF jew OTF jista' jissospendi jew ineħħi min-negozjar strument finanzjarju li ma jkunx għadu jikkonforma mar-regoli tal-MTF jew l-OTF sakemm tali sospensjoni jew tneħħija x'aktarx ma jkunx ser jikkawża ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament ordnat tas-suq.

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF li jissospendi jew ineħħi mill-kummerċ strument finanzjarju jissospendi jew ineħħi wkoll id-derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbutin jew li jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju fejn meħtieġ biex jappoġġa l-objettivi tas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti. Id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF għandu jippubblika d-deċiżjoni tiegħu dwar is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju u dwar kwalunkwe derivattiva u jikkomunika d-deċiżjonijiet relevanti lill-awtorità kompetenti tiegħu.

L-awtorità kompetenti, li s-sospensjoni jew it-tneħħija oriġinat fil-ġurisdizzjoni tagħha, għandha teħtieġ li swieq regolati, MTFs oħrajn, OTFs oħrajn u internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I għal din id-Direttiva li huma marbuta ma' dak l-istrument finanzjarju jew jirreferu għalih, jissospendu jew ineħħu wkoll dak l-istrument finanzjarju jew derivattivi min-negozjar, fejn is-sospensjoni jew it-tneħħija tkun minħabba suspett ta' abbuż tas-suq, jew offerta ta' akkwiżizzjoni jew in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju bi ksur tal-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 minbarra fejn tali sospensjoni jew tneħħija tista' tikkawża dannu konsiderevoli lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament xieraq tas-suq.

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel immedjatament pubblika u tikkomunika lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn deċiżjoni bħal din.

L-awtoritajiet kompetenti notifikati tal-Istati Membri l-oħra għandhom jeħtieġu li swieq regolati, MTFs oħrajn, OTFs oħrajn u internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta ma' dak l-istrument finanzjarju jew jirreferu għalih, jissospendu jew ineħħu wkoll dak l-istrument finanzjarju jew derivattivi min-negozjar, fejn is-sospensjoni jew it-tneħħija tkun minħabba suspett ta' abbuż tas-suq, jew offerta ta' akkwiżizzjoni jew in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju bi ksur tal-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 minbarra fejn tali sospensjoni jew tneħħija tista' tikkawża dannu konsiderevoli lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament xieraq tas-suq.

Kull awtorità kompetenti notifikata għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, inkluża spjegazzjoni jekk id-deċiżjoni kienet li ma tissospendix jew tneħħix min-negozjar l-istrument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta jew jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju.

Dan il-paragrafu japplika wkoll meta s-sospensjoni min-negozjar ta' strument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta jew jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju titneħħa.

Il-proċedura ta' notifika msemmija f'dan il-paragrafu għandha tapplika wkoll fil-każ fejn id-deċiżjoni li jiġu sospiżi jew imneħħija min-negozjar strument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta jew jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju tittieħed mill-awtorità kompetenti skont il-punti (m) u (n) tal-Artikolu 69(2).

Biex ikun żgurat li l-obbligu ta' sospensjoni jew tneħħija min-negozjar ta' tali derivattivi jiġi applikat proporzjonalment, l-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-każijiet fejn il-konnessjoni bejn derivattiv kif imsemmi fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I relatati ma' strument finanzjarju jew li jirreferu għalih, li ġie sospiż jew imneħħi min-negozjar, u l-istrument finanzjarju oriġinali jimplika li d-derivattiv ukoll għandu jiġi sospiż jew imneħħi min-negozjar, sabiex jinkiseb l-objettiv tas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti.

L-AETS għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-format u ż-żmien tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex telenka s-sitwazzjonijiet li jikkostittwixxu ħsara sinifikanti għall-interessi tal-investituri u l-funzjonament tajjeb tas-suq imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

## Taqsima 4

## **Swieq tal-SMEs li qed jespandu**

*Artikolu 33*

### **Swieq tal-SMEs li qed jespandu**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-operatur ta' MTF jista' japplika mal-awtorità kompetenti tal-post li jkollu l-MTF reġistrat bħala suq tal-SMEs li qed jespandi.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtorità kompetenti tal-post tista' tirreġistra l-MTF bħala suq tal-SMEs li qed jespandi jekk l-awtorità kompetenti tirċievi applikazzjoni referuta fil-paragrafu 1 u hija ssodisfata li hemm konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafu 3 b'rabta ma' MTF.

3. L-Istati Membri għandhom jiżgura li l-MTFs ikunu suġġetti għal regoli, sistemi u proċeduri effettivi li jiżguraw konformità ma' li ġej:

(a) mill-inqas 50 % tal-emittenti li l-istrumenti finanzjarji tagħhom huma ammessi għan-negozjar dwar l-MTF huma SMEs meta l-MTF tkun reġistrata bħala suq tal-SMEs li qed jespandi fi kwalunkwe sena kalendarja minn dakinhar 'il quddiem;

(b) kienu stabbiliti kriterja xierqa għall-ammissjoni inizjali u kontinwa tal-kummerċ tal-istrumenti finanzjarji ta' emittenti fis-suq;

(c) fl-ammissjoni inizjali tal-kummerċ tal-istrumenti finanzjarji jkun hemm biżżejjed informazzjoni ppubblikata biex tgħin lill-investituri jagħmlu ġudizzju infurmat dwar jekk jinvestux jew le fl-istrumenti finanzjarji, jew dokument proprju ta' ammissjoni jew prospectus jekk ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2003/71/KE huma applikabbli fir-rigward ta' offerta pubblika li ssir b'rabta mal-ammissjoni għall-kummerċ inizjali tal-kummerċ tal-istrument finanzjarju dwar l-MTF;

(d) hemm rappurtar finanzjarju perjodiku kontinwu xieraq minn jew f'isem emittent fis-suq, pereżempju rapporti annwali awditjati;

(e) emittenti fis-suq kif definiti fil-punt (21) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, persuni li jeżerċitaw responsabilitajiet maniġerjali kif definiti fil-punt (25) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u persuni assoċjati mill-qrib magħhom kif definiti fil-punt (26) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 huma konformi mar-rekwiżiti rilevanti applikabbli għalihom taħt ir-Regolament (EU) Nru 596/2014;

(f) informazzjoni regolatorja li tikkonċerna l-emittenti fis-suq tkun maħżuna u disseminata lill-pubbliku;

(g) hemm sistemi u kontrolli effettivi mmirati biex jipprevjenu u jikxfu abbuż tas-suq f'dak is-suq kif meħtieġ taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014.

4. Il-kriterji tal-paragrafu 3 huma bla ħsara għall-konformità mad-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF ma' obbligi oħra skont din id-Direttiva, relevanti għat-tħaddim tal-MTFs. Huma ma jipprevjenux ukoll lid-ditta ta' investiment jew lill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF milli jimponi rekwiżiti addizzjonali għal dawk speċifikati f'dak il-paragrafu.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtorità kompetenti tal-post tista' tiddereġistra l-MTF bħala suq tal-SMEs li qed jespandi fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:

(a) id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem is-suq japplika għad-dereġistrazzjoni tagħha;

(b) ma hemmx iktar konformità mar-rekwiżit tal-paragrafu 3 b'rabta mal-MTF.

6. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li jekk awtorità kompetenti tad-domiċilju tirreġistra jew tiddereġistra MTF bħala suq tal-SMEs li qed jespandi skont dan l-Artikolu din għandha tinforma mill-iktar fis possibbli lill-AETS b'dik ir-reġistrazzjoni jew dereġistrazzjoni. L-AETS għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista tas-swieq tal-SMEs li qed jespandu u għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

7. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li fejn strument finanzjarju ta' emittent huwa ammess għall-kummerċ f'suq tal-SMEs li qed jespandi wieħed, l-istrument finanzjarju jista' wkoll ikun innegozjat f'suq tal-SMEs li qed jespandi ieħor unikament fejn l-emittent ikun ġie infurmat u ma jkunx oġġezzjona. Fit-tali każ madankollu, l-emittent ma għandux ikun suġġett għal kwalunkwe obbligu ieħor marbut mal-governanza korporattiva jew kxif inizjali, kontinwu jew ad hoc fir-rigward tas-suq tal-SMEs li qed jespandi tal-aħħar.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jkomplu jispeċifikaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-miżuri għandhom iqisu l-ħtieġa li jinżammu livelli għolja ta' protezzjoni tal-investitur li jippromwovu l-fiduċja tal-investitur f'dawk is-swieq filwaqt li jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi għall-emittenti fis-suq, u li d-deregistrazzjonijiet ma jseħħux u li lanqas ma jiġu rifjutati reġistrazzjonijiet bħala riżultat ta' nuqqas sempliċiment temporanju li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

*IL-KAPITOLU III*

***Id-Drittijiet tad-ditti ta' investiment***

*Artikolu 34*

**Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u attivitajiet ta' investiment**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi kull ditta ta' investiment awtorizzata u ssorveljata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor skont din id-Direttiva, u, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, skont id-Direttiva 2013/36/UE, tista' tipprovdi b'mod liberu s-servizzi ta' investiment u/jew twettaq l-attivitajiet ta' investiment kif ukoll servizzi anċillari fit-territorji tagħhom, sakemm dawn is-servizzi u l-attivitajiet ikunu koperti mill-awtorizzazzjoni tagħha. Is-servizzi sekondarji jistgħu jiġu pprovduti biss flimkien ma' servizz u/jew attività ta' investiment.

L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti addizzjonali fuq din id-ditta ta' investiment jew l-istituzzjoni ta' kreditu rigward il-materji koperti minn din id-Direttiva.

2. Kull ditta ta' investiment li tkun tixtieq tipprovdi servizzi jew attivitajiet fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, jew li tixtieq tibdel il-firxa ta' servizzi jew attivitajiet ipprovduti b'dan il-mod, għandha tikkomunika t-tagħrif li ġej lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha:

(a) l-Istat Membru li fih ikun beħsiebha topera;

(b) programm tal-operazzjonijiet li jiddikjara b'mod partikolari s-servizzi u/jew l-attivitajiet ta' investiment kif ukoll is-servizzi anċillari li jkun beħsiebha tipprovdi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u jekk ikunx beħsiebha tagħmel dan permezz tal-użu ta' aġenti marbuta, stabbiliti fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħha. F'każ li ditta ta' investiment ikun beħsiebha tuża l-aġenti marbuta, hija għandha tikkomunika l-identità ta' dawk l-aġenti marbuta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha.

Fejn ditta ta' investiment ikun beħsiebha tuża aġenti marbuta stabbiliti fl-Istat Membri ta' Domiċilju tagħha, fit-territorju tal-Istati Membri li fihom tkun biħsiebha tipprovdi s-servizzi, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi t-tagħrif kollu, tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru Ospitanti maħtura bħala l-punt ta' kuntatt skont l-Artikolu 79(1) l-identità tal-aġenti marbuta li d-ditta ta' investiment ikun biħsiebha tuża biex tipprovdi s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment f'dak l-Istat Membru. L-Istat Membru ospitanti għandu jippubblika t-tali informazzjoni. L-AETS tista' titlob aċċess għal dik l-informazzjoni skont il-proċedura u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi t-tagħrif, tibagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti maħtura bħala l-punt ta' kuntatt skont l-Artikolu 79(1). Id-ditta ta' investiment tista' mbagħad tibda tipprovdi s-s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment ikkonċernati fl-Istat Membru ospitanti.

4. F'każ li jkun hemm bidla f'kull waħda mill-partikularitajiet ikkomunikati skont il-paragrafu 2, ditta ta' investiment għandha tagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mill-inqas xahar qabel ma timplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti b'dik il-bidla.

5. Kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq tipprovdi servizzi jew attivitajiet ta' investiment skont il-paragrafu 1 permezz ta' aġenti marbuta għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bl-identità ta' dawk l-aġenti marbuta.

Fejn l-istituzzjoni ta' kreditu beħsiebha tuża aġenti marbuta, stabbiliti fl-Istat Membru tad-domiċilju fit-territorju tal-Istati Membri li fihom biħsiebha tipprovdi servizzi, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-istituzzjoni ta' kreditu għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha, tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru Ospitanti maħtur bħala punt ta' kuntatt skont l-Artikolu 79(1) l-identità tal-aġenti marbuta li l-istituzzjoni ta' kreditu biħsiebha tuża biex tipprovdi s-servizzi f'dak l-Istat Membru. L-Istat Membru ospitanti għandu jippubblika t-tali informazzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom, mingħajr iktar rekwiżiti legali jew amministrattivi, jippermettu lid-ditti ta' investiment u lill-operaturi tas-suq li jħaddmu MTFs u OTFs minn Stati Membri oħra jipprovdu l-arranġamenti x-xierqa fit-territorju tagħhom sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għal u l-kummerċ f'dawk is-swieq mill-utenti remoti, mill-membri jew mill-parteċipanti stabbiliti fit-territorju tagħhom.

7. Id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem MTF jew OTF għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu l-Istat Membru li fih ikun beħsiebu jipprovdi dawn l-arranġamenti. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, fi żmien xahar, dak it-tagħrif lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih l-MTF jew l-OTF ikun beħsiebha tipprovdi dawn l-arranġamenti.

Fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-MTF u mingħajr dewmien żejjed, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-MTF għandha tikkomunika l-identità tal-membri remoti jew tal-parteċipanti tal-MTF stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

8. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tagħrif li għandu jiġi nnotifikat skont il-paragrafi 2, 4, 5 u 7.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

9. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tat-tagħrif skont il-paragrafi 3, 4, 5 u 7.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 35*

**Stabbiliment ta' fergħa**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi u/jew attivitajiet ta' investiment kif ukoll servizzi anċillari fit-territorji tagħhom skont din id-Direttiva u skont id-Direttiva 2013/36/UE permezz tad-dritt ta' stabbiliment, hux bl-istabbiliment ta' fergħa jew bl-użu ta' aġent marbut stabbilit fi Stat Membri barra l-Istat Membru tad-Domiċilju tiegħu, sakemm dawn is-servizzi u l-attivitajiet ikunu koperti mill-awtorizzazzjoni mogħtija lid-ditta ta' investiment jew lill-istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru tad-domiċilju. Is-servizzi sekondarji jistgħu jiġu pprovduti biss flimkien ma' servizz u/jew attività ta' investiment.

L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti addizzjonali għajr dawk permessi skont il-paragrafu 8, fuq l-organizzazzjoni u l-operat tal-fergħa rigward il-materji koperti minn din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lil kull ditta ta' investiment li tkun tixtieq tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew tuża aġenti marbuta stabbiliti fi Stat Membru ieħor li fih ma tkunx stabbilixxiet fergħa, l-ewwel tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha u tipprovdilha t-tagħrif li ġej:

(a) l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom tippjana li tistabbilixxi fergħa jew l-Istati Membri li fihom ma tkunx stabbilixxiet fergħa iżda tkun qed tippjana li tuża aġenti marbuta stabbiliti hemm;

(b) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi fost l-oħrajn is-servizzi u/jew l-attivitajiet ta' investiment kif ukoll is-servizzi anċillari li għandhom jiġu offruti;

(c) fejn stabbilita, l-istruttura organizzattiva tal-fergħa u li jindika jekk il-fergħa jkunx beħsiebha tuża aġenti marbuta u jagħti l-identità ta' dawk l-aġenti marbuta;

(d) fejn aġenti marbuta jridu jintużaw fi Stat Membru li fih ditta ta' investiment ma tkunx stabbilixxiet fergħa, deskrizzjoni tal-użu maħsub tal-aġent(i) marbut(a) u struttura organizzattiva, inkluż linji ta' rappurtar, li jindikaw xi rwol għandu l-aġent(i) fl-istruttura korporattiva tad-ditta ta' investiment;

(e) l-indirizz fl-Istat Membru ospitanti minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti;

(f) l-ismijiet ta' dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa jew tal-aġent marbut.

Fejn ditta ta' investiment tuża aġent marbut stabbilit fi Stat Membru 'l barra mill-Istat Membru tad-domiċilju tagħha, dan l-aġent marbut għandu jiġi assimilat fil-fergħa, fejn tkun ġiet stabbilita waħda, u jkun x'ikun il-każ għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu mal-friegħi.

3. Għajr jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jkollha raġuni tiddubita mill-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' ditta ta' investiment, filwaqt li tqis l-attivitajiet previsti, hija għandha, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-tagħrif kollu, tikkomunika dan it-tagħrif lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti maħtura bħala l-punt ta' kuntatt skont l-Artikolu 79(1) u tgħarraf lid-ditta ta' investiment konċernata kif jixraq.

4. Minbarra t-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika d-dettalji tal-iskema akkreditata tal-kumpens li d-ditta ta' investiment tkun membru fiha skont id-Direttiva 97/9/KE lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Fl-eventwalità ta' bidla fil-partikolaritajiet, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti kif jixraq.

5. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tirrifjuta li tikkomunika t-tagħrif lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, għandha tagħti r-raġunijiet tar-rifjut tagħha lid-ditta ta' investiment konċernata fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-tagħrif kollu.

6. Malli tirċievi komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jew, fin-nuqqas ta' din il-komunikazzjoni minn din tal-aħħar, l-iktar tard wara xahrejn mid-data tat-trażmissjoni tal-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, il-fergħa tista' tiġi stabbilita u tibda l-kummerċ.

7. Kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq tuża aġent marbut stabbilit fi Stat Membru barra l-Istat Membru tad-domiċilju tagħha biex jipprovdi servizzi u/jew attivitajiet ta' investiment kif ukoll servizzi anċillari skont din id-Direttiva għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tagħha u tagħtiha l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha raġuni li tiddubita l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, hija għandha, fi żmien tliet xhur li tirċievi l-informazzjoni kollha, tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti maħtur bħala punt ta' kuntatt skont l-Artikolu 79(1) u tinforma lill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata b'dan.

Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tirrifjuta li tikkomunika l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, hija għandha tagħti r-raġunijiet għal dan ir-rifjut lill-istituzzjoni tal-kreditu kkonċernat fi żmien tliet xhur li tirċievi l-informazzjoni kollha.

Kif jirċievi komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kompetenti, jew wara li jonqos milli jirċievi t-tali komunikazzjoni minn dan tal-aħħar wara iktar minn xahrejn mid-data ta' trażmissjoni tal-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, l-aġent marbut jista' jibda l-kummerċ. It-tali aġent marbut għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva marbuta mal-fergħat.

8. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun tinsab il-fergħa għandha tieħu r-responsabbiltà sabiex jiġi żgurat illi s-servizzi pprovduti mill-fergħa fit-territorju ta' dan l-Istat Membru jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 24, 25, 27, 28, ta' din id-Direttiva u fl-Artikoli 14 sa 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u l-miżuri adottati skont dawn id-dispożizzjonijiet mill-Istat Membru ospitanti jkunu permessi skont l-Artikolu 24(12).

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun tinsab il-fergħa għandu jkollha d-dritt teżamina l-arranġamenti tal-fergħa u titlob dawk il-bidliet li jkunu meħtieġa strettament sabiex jgħinu lill-awtorità kompetenti tinforza l-obbligi skont l-Artikoli 24, 25, 27, 28, ta' din id-Direttiva u fl-Artikoli 14 sa 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u fil-miżuri adottati skont dawn id-dispożizzjonijiet rigward is-servizzi u/jew l-attivitajiet ipprovduti mill-fergħa fit-territorju tal-awtorità kompetenti.

9. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jipprovdi illi, meta ditta ta' investiment awtorizzata fi Stat Membru ieħor tkun stabbilixxiet fergħa ġewwa t-territorju tiegħu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tad-ditta ta' investiment tista' twettaq, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħha u wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, spezzjonijiet fuq il-post f'din il-fergħa.

10. Fl-eventwalità ta' bidla f'kull tagħrif ikkomunikat skont il-paragrafu 2, ditta ta' investiment għandha tagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mill-inqas xahar qabel ma timplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti wkoll għandha tiġi mgħarrfa b'din il-bidla mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

11. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tagħrif li għandu jiġi nnotifikat skont il-paragrafi 2, 4, 7 u 10.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

12. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tat-tagħrif skont il-paragrafi 3, 4, 7 u 10.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 36*

**L-aċċess għas-swieq regolati**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti ta' investiment minn Stati Membri oħra li jkunu awtorizzati jwettqu ordnijiet tal-klijenti jew jinnegozjaw f'isimhom ikollhom id-dritt għas-sħubija fis-swieq regolati stabbiliti fit-territorju tagħhom jew aċċess għalihom permezz ta' kull wieħed mill-arranġamenti li ġejjin:

(a) direttament, billi jistabbilixxu friegħi fl-Istati Membri ospitanti;

(b) billi jsiru membri remoti tas-suq regolat jew ikollhom aċċess remot għalih mingħajr ma jkollhom għalfejn ikunu stabbiliti fl-Istat Membru tad-domiċilju tas-suq regolat, f'każijiet fejn il-proċeduri u s-sistemi tal-kummerċ tas-suq ikkonċernat ma jkunux jeħtieġu preżenza fiżika sabiex jiġu konklużi tranżazzjonijiet fih.

2. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit regolatorju jew amministrattiv addizzjonali, rigward il-materji koperti minn din id-Direttiva, fuq id-ditti ta' investiment li jkunu qed jeżerċitaw id-dritt ikkonferit bil-paragrafu 1.

*Artikolu 37*

**L-aċċess għall-faċilitajiet ta' CCP, ta' kklerjar u ta' saldu u d-dritt li tingħażel is-sistema ta' saldu**

1. Mingħajr preġudizzji għat-Titoli III, IV jew V tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi d-ditti ta' investiment minn Stati Membri oħra jkollhom id-dritt tal-aċċess dirett u indirett għas-sistemi ta' CCP, ta' kklerjar u ta' saldu fit-territorju tagħhom sabiex jiġu ffinalizzati jew tiġi rranġata l-finalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji.

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi l-aċċess dirett jew indirett ta' dawn id-ditti ta' investiment għal dawn il-faċilitajiet ikun suġġett għall-istess kriterji mhux diskriminatorji, trasparenti u oġġettivi li japplikaw għall-membri jew għall-parteċipanti lokali. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestrinġu l-użu ta' dawn il-faċilitajiet għall-ikklerjar u s-saldu tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji mwettqa f'ċentru ta' negozjar fit-territorju tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li s-swieq regolati fit-territorju tagħhom joffru lill-membri jew lill-parteċipanti kollha tagħhom id-dritt li jaħtru s-sistema għas-saldu tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji mwettqa f'dak is-suq regolat, suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawk ir-rabtiet u l-arranġamenti bejn is-sistema tas-saldu maħtura u kull sistema jew faċilità oħra meħtieġa sabiex ikun żgurat is-saldu ekonomiku u effiċjenti tat-tranżazzjoni kkonċernata;

(b) qbil mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-suq regolat li l-kundizzjonijiet tekniċi għas-saldu tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq regolat permezz ta' sistema tas-saldu oħra differenti minn dik maħtura mis-suq regolat ikunu tali li jippermettu l-funzjonament bla xkiel u bl-ordni tas-swieq finanzjarji.

Dik il-valutazzjoni tas-suq regolat mill-awtorità kompetenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-banek ċentrali nazzjonali bħala sorveljanti tas-sistemi tas-saldu jew ta' awtoritajiet superviżorji oħrajn b'kompetenza b'rabta ma' dawn is-sistemi. L-awtorità kompetenti għandha tqis is-sorveljanza/is-superviżjoni diġà eżerċitata minn dawn l-istituzzjonijiet sabiex tevita d-duplikazzjoni mhix dovuta tal-kontrolli.

*Artikolu 38*

**Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-arranġamenti tas-CCPs, tal-ikklerjar u tas-saldu fir-rigward tal-MTFs**

1. L-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu d-ditti ta' investiment u l-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF milli jidħlu f'arranġamenti xierqa ma' CCP jew ma' ċentru tal-ikklerjar u ma' sistema tas-saldu ta' Stat Membru ieħor bil-ħsieb li jipprovdu għall-ikklerjar u/jew għas-saldu ta' whud mit-tranżazzjonijiet jew tat-tranżazzjonijiet kollha konklużi mill-membri jew mill-parteċipanti fis-sistemi tagħhom.

2. L-awtorità kompetenti tad-ditti ta' investiment u tal-operaturi tas-suq li jħaddmu MTF ma jistgħux jopponu l-użu ta' CCP, ċentri tal-ikklerjar u/jew sistemi tas-saldu fi Stat Membru ieħor għajr meta meħtieġ, b'mod li jista' jintwera, sabiex jinżamm il-funzjonament bl-ordni ta' dak l-MTF u filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-sistemi tas-saldu stabbiliti fl-Artikolu 37(2).

Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni mhix dovuta tal-kontrolli, l-awtorità kompetenti għandha tqis is-sorveljanza u s-superviżjoni tas-sistema tal-ikklerjar u tas-saldu diġà eżerċitata mill-banek ċentrali nazzjonali bħala sorveljanti tas-sistemi tal-ikklerjar u tas-saldu jew minn awtoritajiet superviżorji oħrajn b'kompetenza fir-rigward ta' tali sistemi.

*KAPITOLU IV*

***Forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment minn ditti ta' pajjiż terz***

Taqsima 1

**Forniment ta' servizzi jew twettiq ta' attivitajiet permezz tal-istabbiliment ta' fergħa**

*Artikolu 39*

**Stabbiliment ta' fergħa**

1. Stat Membru jista' jesiġi li ditta ta' pajjiż terz li jkollha l-intenzjoni li tforni servizzi ta' investiment jew twettaq attivitajiet ta' investiment b'xi servizzi anċillari jew mingħajrhom lil klijenti mhux professjonali jew lil klijenti professjonali skont it-tifsira tat-Taqsima II tal-Anness II fit-territorju tiegħu tistabbilixxi fergħa f'dak l-Istat Membru.

2. Fejn Stati Membru jesiġi li ditta ta' pajjiż terz li jkollha l-intenzjoni li tipprovdi servizzi ta' investiment jew twettaq attivitajiet ta' investiment b'xi servizzi anċillari jew mingħajrhom fit-territorju tiegħu tistabbilixxita' fergħa, il-fergħa għandha takkwista awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti ta' daw l-Istat Membru skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għoti ta' servizzi li għalihom id-ditta ta' pajjiż terz titlob awtorizzazzjoni tkun suġġetta għal awtorizzazzjoni u superviżjoni fil-pajjiż terz fejn id-ditta tiġi stabbilita u d-ditta li qed tagħmel it-talba tkun awtorizzata kif inhu xieraq, fejn l-awtorità kompetenti tqis debitament kwalunkwe rakkomandazzjoni FATF fil-kuntest ta' ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu;

(b) arranġamenti ta' kooperazzjoni, li jinkludu dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iskambju tal-informazzjoni biex tkun ippriservata l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur, huma fis-seħħ bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fejn tkun se tiġi stabbilita l-fergħa u l-awtoritajiet superviżorji kompetenti tal-pajjiż terz fejn hija stabbilita d-ditta;

(c) biżżejjed kapital inizjali għad-dispożizzjoni ħielsa tal-fergħa;

(d) persuna waħda jew iktar jinħatru biex ikunu responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa u li dawn kollha jikkonformaw mar-rekwiżit stipulat skont l-Artikolu 9(1);

(e) il-pajjiż terz fejn hija stabbilita d-ditta ta' pajjiż terz iffirma ftehim mal-Istat Membru fejn għandha tkun stabbilita l-fergħa, li huwa konformi b'mod sħiħ mal-istandards stipulati fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni dwar it-Tassazzjoni fuq il-Mudell tal-OECD dwar id-Dħul u l-Kapital u jiżgura skambju effettiv tal-informazzjoni fi kwistjonijijiet tat-tassazzjoni, inkluż, jekk hemm, ftehimiet fiskali multilaterali;

(f) id-ditta tappartjeni għal skema ta' kumpens tal-investitur awtorizzata jew rikonoxxuta skont id-Direttiva 97/9/KE.

3. Id-ditta ta' pajjiż terz imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tippreżenta l-applikazzjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun beħsiebha tistabbilixxi fergħa.

*Artikolu 40*

**Obbligu li tingħata informazzjoni**

Ditta ta' pajjiż terz li jkollha l-ħsieb li tikseb awtorizzazzjoni għall-forniment ta' kwalunkwe servizz ta' investiment jew għat-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment flimkien ma' jew mingħajr kwalunkwe servizz anċillari fit-territorju ta' Stat Membru permezz ta' fergħa għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru b'dan li ġej:

(a) l-isem tal-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tagħha fil-pajjiż terz konċernat. Meta iktar minn awtorità waħda hija responsabbli għas-superviżjoni, għandhom jingħataw id-dettalji tal-oqsma rispettivi ta' kompetenza;

(b) id-dettalji relevanti kollha tad-ditta (isem, forma legali, uffiċċju reġistrat u indirizz, membri tal-korp maniġerjali, azzjonisti relevanti) u programm tal-operat li jispeċifika is-servizzi u/jew l-attivitajiet ta' investiment kif ukoll is-servizzi anċillari li għandhom ikunu pprovduti u l-istruttura organizzattiva tal-fergħa, inkluża deskrizzjoni ta' kwalunkwe outsourcing lill-partijiet terzi ta' funzjonijiet operattivi essenzjali;

(c) l-isem tal-persuni responsabbli għall-immaniġġar tal-fergħa u d-dokumenti relevanti li juru konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(1);

(d) informazzjoni dwar il-kapital inizjali għad-dispożizzjoni ħielsa tal-fergħa.

*Artikolu 41*

**Għoti ta' awtorizzazzjoni**

1. L-awtorita kompetenti tal-Istat Membru fejn id-ditta ta' pajjiż terz tkun stabbilixxiet jew ikollha l-intenzjoni li tistabbilixxi l-fergħa tagħha għandha tagħti biss l-awtorizzazzjoni meta l-awtorità kompetenti hija ssodisfata li:

(a) l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 39 huma ssodisfati; u

(b) il-fergħa tad-ditta ta' pajjiż terz se tkun kapaċi li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lid-ditta tal-pajjiż terz, fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, jekk ingħatatx l-awtorizzazzjoni jew le.

2. Il-fergħa tad-ditta ta' pajjiż terz awtorizzata skont il-paragrafu 1, għandha tkun konformi mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 16 sa 20, 23, 24, 25 u 27, l-Artikolu 28(1) u l-Artikoli 30, 31 u 32, ta' din id-Direttiva u fl-Artikoli 3 sa 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u l-miżuri adotti f'konformita' magħhom u għandha tkun suġġetti għas-superviżjoni tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn tingħata l-awtorizzazzjoni.

L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali fuq l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-fergħa fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn din id-Direttiva u ma għandhom jittrattaw l-ebda fergħa ta' ditti ta' pajjiż terz b'mod anqas favorevoli minn ditti tal-Unjoni.

*Artikolu 42*

**Għoti ta' servizzi fuq l-inizjattiva esklużiva tal-klijent**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn klijent mhux professjonali jew klijent professjonali fit-tifsira tat-Taqsima II tal-Anness II stabbilit jew li jinsab fl-Unjoni jibda fuq l-inizjattiva esklużiva tiegħu l-għoti ta' servizz jew attività ta' investiment minn ditta ta' pajjiż terz, ir-rekwiżit għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 39 ma għandux japplika għall-għoti ta' dak is-servizz jew attività mid-ditta tal-pajjiż terz lil dik il-persuna inkluża relazzjoni marbuta speċifikament mal-għoti ta' dak is-servizz jew attività. Inizjattiva minn tali klijenti ma għandhiex tagħti s-setgħa lid-ditta ta' pajjiż terz biex tikkummerċjalizza b'mod ieħor mhux permezz tal-fergħa, fejn wieħed huwa meħtieġ, skont il-liġi nazzjonali, kategoriji ġodda ta' prodotti ta' investiment jew servizzi ta' investiment lil dak il-klijent.

Taqsima 2

**Irtirar tal-awtorizzazzjonijiet**

*Artikolu 43*

**Irtirar tal-awtorizzazzjonijiet**

L-awtorità kompetenti li tat l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 41, tista' tirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil ditta ta' pajjiż terz jekk it-tali ditta:

(a) ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, espressament tirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew ma pprovdiet l-ebda servizzi ta' investiment jew ma wettqet l-ebda attività ta' investiment għas-sitt xhur preċedenti, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ipprovda għall-awtorizzazzjoni biex tintilef fit-tali każijiet;

(b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz jew permezz ta' kull mezz ieħor mhux regolari;

(c) ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni;

(d) kisret serjament u sistematikament id-dispożizzjonijiet adotti skont din id-Direttiva li tirregola l-kundizzjonijiet operatorji għad-ditti ta' investiment u applikabbli għad-ditti ta' pajjiż terz;

(e) taqa' f'wieħed mill-każijiet fejn il-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' kwistjonijiet 'il barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva, tipprovdi għall-irtirar.

TITOLU III

## IS-SWIEQ IRREGOLATI

*Artikolu 44*

### L-awtorizzazzjoni u l-liġi applikabbli

1. L-Istati Membri għandhom jirriżervaw l-awtorizzazzjoni bħala suq regolat għal dawk is-sistemi li jikkonformaw ma' dan it-Titolu.

L-awtorizzazzjoni bħala suq regolat għandha tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun issodisfata illi kemm l-operatur tas-suq kif ukoll is-sistemi tas-suq regolat jikkonformaw għall-inqas mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan it-Titolu.

Fil-każ li suq regolat ikun persuna ġuridika u jkun amministrat jew imħaddem minn operatur tas-suq għajr is-suq regolat innifsu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif l-obbligi differenti imposti fuq l-operatur tas-suq skont din id-Direttiva għandhom jiġu allokati bejn is-suq regolat u l-operatur tas-suq.

L-operatur tas-suq għandu jipprovdi t-tagħrif kollu, inkluż programm tal-operazzjonijiet tiegħu li jagħti, fost ħwejjeġ oħra, it-tipi ta' kummerċ previsti u l-istruttura organizzattiva, meħtieġ biex jgħin lill-awtorità kompetenti tissodisfa ruħha li d-ditta ta' investiment tkun għamlet, fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti meħtieġa kollha biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan it-Titolu.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur tas-suq iwettaq kompiti li għandhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni u l-operat tas-suq regolat taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-awtoritajiet kompetenti jirrevedu b'mod regolari l-konformità tas-swieq regolati ma' dan it-Titolu. Għandhom jiżguraw ukoll illi l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw il-fatt li s-swieq regolati jikkonformaw il-ħin kollu mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali stabbiliti skont dan it-Titolu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-operatur tas-suq ikun responsabbli li jiżgura illi s-suq regolat li huwa jamministra jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati f'dan it-Titolu.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll illi l-operatur tas-suq ikun intitolat jeżerċita d-drittijiet li jikkorrispondu mas-suq regolat li jamministra bis-saħħa ta' din id-Direttiva.

4. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tad-Direttiva 2014/57/UE, il-liġijiet pubbliċi li jirregolaw il-kummerċ imwettaq skont is-sistemi tas-suq regolat għandhom ikunu dawk tal-Istat Membru tad-domiċilju tas-suq regolat.

5. L-awtorità kompetenti tista' tirtira l-awtorizzazzjoni maħruġa lil suq regolat meta dan:

(a) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, jirrinunzja espressament għall-awtorizzazzjoni jew ma jkunx ħadem fis-sitt xhur ta' qabel, għajr jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun ipprovda illi f'dawn il-każijiet l-awtorizzazzjoni tiskadi;

(b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz jew permezz ta' kull mezz ieħor mhux regolari;

(c) ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni;

(d) ikun kiser b'mod gravi u sistematiku d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(e) jaqa' taħt xi wieħed mill-każijiet li fihom il-liġijiet nazzjonali jipprevedu l-irtirar.

6. L-AETS għandha tiġi nnotifikata bi kwalunkwe rtirar ta' awtorizzazzjoni.

*Artikolu 45*

**Ir-rekwiżiti għall-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-membri kollha tal-korp maniġerjali ta' kwalunkwe operatur tas-suq għandhom ikunu f'kull ħin ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, ikollhom biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Il-kompożizzjoni ġenerali tal-korp maniġerjali għandha tirrifletti firxa adegwatament wiesgħa ta' esperjenza.

2. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom, b'mod partikolari, jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Il-membri kollha tal-korp maniġerjali għandhom jiddedikaw biżżejjed ħin biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-operatur tas-suq. L-għadd ta' karigi ta' direttur li membru tal-korp maniġerjali jista' jkollu, fi kwalunkwe entità legali, fl-istess waqt għandu jqis iċ-ċirkostanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-operatur ta' suq.

Sakemm ma jkunux qed jirrappreżentaw Stat Membru, il-membri tal-korp maniġerjali ta' operaturi tas-suq li huma sinifikanti f'dawk li huma d-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom ma għandux ikollhom pożizzjonijiet fl-istess ħin li jaqbżu aktar minn kombinazzjoni waħda minn dawn li ġejjin:

(i) kariga ta' direttur eżekuttiv wieħed b'żewġ karigi ta' direttur mhux eżekuttivi;

(ii) erba' karigi ta' direttur mhux eżekuttiv.

Karigi ta' direttur eżekuttivi u mhux eżekuttivi fl-istess grupp jew f'impriżi fejn l-operatur tas-suq jkollu parteċipazzjoni kwalifikattiva għandhom jitqiesu li jkunu kariga ta' direttur waħda.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw membri tal-korp maniġerjali biex ikollhom kariga addizzjonali ta' direttur mhux eżekuttiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw b'mod regolari lill-AETS dwar tali awtorizzazzjonijiet.

Direttorati fl-organizzazzjonijiet li ma għandhomx objettivi predominantament kummerċjali għandhom ikunu eżenti mil-limiti fuq in-numru ta' direttorati li jista' jkollu membru ta' korp maniġerjali.

(b) Il-korp maniġerjali għandu jkollu għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati biex ikun jista' jifhem l-attivitajiet tal-operatur tas-suq, inklużi r-riskji ewlenin.

(c) Kull membru tal-korp maniġerjali għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza fil-ħsieb biex jivvaluta u jikkontesta b'mod effikaċi d-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni għolja fejn meħtieġ u biex jissorvelja u jwettaq monitoraġġ effikaċi fuq it-teħid ta' deċizjonijiet.

3. L-operaturi tas-suq għandhom jiddedikaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-induzzjoni u t-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-suq li huma sinifikanti f'termini tad-daqs, l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom jistabbilixxu kumitat ta' nominazzjoni magħmul minn membri tal-korp maniġerjali li ma jwettqu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-operatur tas-suq kkonċernata.

Il-kumitat tan-nominazzjoni għandu jwettaq dan li ġej:

(a) jidentifika u jirrakkomanda, għall-approvazzjoni tal-korp maniġerjali jew għall-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali, kandidati sabiex jimtlew il-postijiet battala fil-korp maniġerjali. Meta jagħmel dan, il-kumitat tan-nominazzjoni għandu jevalwa l-bilanċ tal-għarfien, il-ħiliet, id-diversità u l-esperjenza tal-korp maniġerjali. Barra minn hekk, il-kumitat għandu jħejji deskrizzjoni tar-rwoli u l-kapaċitajiet għal ħatra partikolari, u jivvaluta l-impenn tal-ħin mistenni. Barra minn hekk, il-kumitat tan-nominazzjoni għandu jiddeċiedi dwar mira għar-rappreżentazzjoni tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed fil-korp maniġerjali u jħejji politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed fil-korp maniġerjali sabiex tintlaħaq dik il-mira;

(b) huwa għandu jivvaluta perjodikament, u tal-inqas kull sena, l-istruttura, id-daqs, il-kompożizzjoni u l-prestazzjoni tal-korp maniġerjali u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-korp maniġerjali fir-rigward ta' kwalunkwe bidla;

(c) huwa għandu jivvaluta perjodikament, u tal-inqas darba f'sena, l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza tal-membri individwali tal-korp maniġerjali u tal-korp maniġerjali kollettivament, u jinforma lill-korp maniġerjali b'dan;

(d) jirrieżamina perjodikament il-politika tal-korp maniġerjali għall-għażla u n-nomina tal-amministrazzjoni għolja u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-korp maniġerjali.

Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-kumitat ta' nominazzjoni għandu, sa fejn ikun possibbli u fuq bażi kontinwa, jieħu kont tal-ħtieġa li jiġi żgurat li t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-korp maniġerjali ma jkun iddominat mill-ebda individwu jew grupp żgħir ta' individwi b'mod li jkun ta' ħsara għall-interessi tal-operatur tas-suq inġenerali.

Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-kumitat ta' nomina għandu jkun jista' juża kwalunkwe forma ta' riżorsi li jqis xierqa, inkluż parir estern.

Fejn, skont il-liġi nazzjonali, il-korp maniġerjali ma jkollu l-ebda kompetenza fil-proċess tal-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe membru tiegħu, dan il-paragrafu m'għandux japplika.

5. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-operaturi tas-suq u l-kumitati ta' ħatra rispettivi tagħhom jużaw persuni b'sett wiesa' ta' kwalitajiet u kompetenzi meta jirreklutaw membri għall-korp maniġerjali u għal dak l-għan biex jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità fil-korp maniġerjali.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali tal-operatur tas-suq jiddefinixxi u jissorvejla l-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-governanza li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti ta' organizzazzjoni inkluża s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali jissorvelja u jivvaluta perjodikament l-effettività tal-arranġamenti ta' governanza tal-operatur tas-suq u jieħu l-passi meħtieġa biex jindirizza kwalunkwe nuqqas.

Membri tal-korp maniġerjali għandu jkollhom aċċess adegwat għall-informazzjoni u d-dokumenti li huma meħtieġa biex jissorveljaw u jimmonitorjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali.

7. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta awtorizzazzjoni jekk ma tkunx sodisfatta illi l-membri tal-korp maniġerjali tal-operatur tas-suq għandhom reputazzjoni tajba biżżejjed, għandhom biżżejjed għarfien, kapaċitajiet u esperjenza, u jiddedikaw biżżejjed ħin għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u li jistgħu jintwerew sabiex temmen illi l-korp maniġerjali tal-operatur tas-suq jista' jkun ta' theddida għall-ġestjoni effettiva, soda u prudenti tagħha u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti tagħha u tal-integrità tas-suq.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-proċess tal-awtorizzazzjoni ta' suq regolat, il-persuna jew persuni li effettivament jidderieġu l-operat u l-operat ta' suq regolat li diġà huwa awtorizzat skont din id-Direttiva huma meqjusa li jkunu konformi mar-rekwiżiti mressqa fil-paragrafu 1.

8. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operatur tas-suq javża lill-awtorità kompetenti bl-identità tal-membri kollha tal-korp maniġerjali u bi kwalunkwe bidla għas-sħubija tiegħu, flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun ivvalutat jekk l-operatur tas-suq jikkonformax mal-paragrafi 1 sa 5.

9. L-AETS għandha toħroġ linji gwida dwar dan li ġej:

(a) il-kunċett ta' impenn suffiċjenti tal-ħin iddedikat ta' membru tal-korp maniġerjali biex iwettaq il-funzjonijiet ta' dak il-membru, b'rabta maċ-ċirkustanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-operatur tas-suq;

(b) il-kunċett ta' għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(c) il-kunċett ta' onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb ta' membru tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil- punt (c) tal-paragrafu 2;

(d) il-kunċett ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati ddedikati għat-trawwim u t-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(e) il-kunċett ta' diversità li għandha titqies fl-għażla tal-membri tal-korp maniġerjali kif imsemmi fil-paragrafu 5.

L-AETS għandha toħroġ dawk il-linji gwida sat-3 ta' Jannar 2016.

*Artikolu 46*

**Ir-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tas-suq regolat**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-persuni li jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tas-suq regolat ikunu xierqa.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operatur tas-suq regolat:

(a) jipprovdi lill-awtorità kompetenti u jippubblika t-tagħrif li jirrigwarda s-sjieda tas-suq regolat u/jew tal-operatur tas-suq, u b'mod partikulari, l-identità u d-daqs tal-interessi ta' kull parti li tkun f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni;

(b) jgħarraf lill-awtorità kompetenti u jippubblika kull trasferiment tas-sjieda li jwassal għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-operat tas-suq regolat.

3. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tapprova l-bidliet proposti għall-interessi kontrollanti tas-suq regolat u/jew tal-operatur tas-suq meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u li jistgħu jintwerew sabiex temmen illi dawn jistgħu joħolqu theddida għall-ġestjoni soda u prudenti tas-suq regolat.

*Artikolu 47*

**Ir-rekwiżiti organizzattivi**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li s-suq regolat:

(a) ikollu l-arranġamenti sabiex jidentifika b'mod ċar u jamministra l-konsegwenzi negattivi potenzjali, għall-operat tas-suq regolat jew għall-membri jew għall-parteċipanti tiegħu, ta' kull kunflitt ta' interess bejn l-interessi tas-suq regolat, tas-sidien tiegħu jew tal-operatur tas-suq tiegħu u l-funzjonament sod tas-suq regolat, u b'mod partikulari meta dawn il-kunflitti ta' interess jistgħu jkunu ta' preġudizzju għat-twettiq ta' kull funzjoni ddelegata lis-suq regolat mill-awtorità kompetenti;

(b) ikun mgħammar b'mod adegwat sabiex jamministra r-riskji li għalihom ikun espost, jimplimenta l-arranġamenti u s-sistemi x-xierqa sabiex jidentifika r-riskji sinifikanti kollha għall-operat tiegħu u jqiegħed fis-seħħ miżuri effettivi sabiex itaffi dawn ir-riskji;

(c) ikollu arranġamenti għall-ġestjoni soda tal-operat tekniku tas-sistema, inkluż l-istabbiliment ta' arranġamenti effettivi ta' kontinġenza sabiex ilaħħaq mar-riskji ta' diżordni fis-sistema;

(d) ikollu regoli u proċeduri trasparenti u mhux diskrezzjonali li jipprovdu għall-kummerċ ġust u bl-ordni u jistabbilixxu kriterji oġġettivi għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-ordnijiet;

(e) ikollu arranġamenti effettivi sabiex jiffaċilita l-finalizzazzjoni effiċjenti u f'waqtha tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont is-sistemi tiegħu;

(f) ikollu disponibbli, meta jingħata l-awtorizzazzjoni u fuq bażi kontinwa, biżżejjed riżorsi finanzjarji sabiex jiffaċilita l-funzjonament bl-ordni tiegħu, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-kobor tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq u l-firxa u l-livell tar-riskji li għalihom ikun espost.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu lill-operaturi tas-suq li jeżegwixxu ordnijiet ta' klijenti kontra l-kapital proprjetarju jew jidħlu f'negozjar b'"matched principle" għal kwalunkwe suq regolat li joperaw fih.

*Artikolu 48*

**Resiljenza tas-sistemi, salvaviti u negozjar elettroniku**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li s-suq regolat ikollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti li jiżguraw li s-sistemi tan-negozjar tiegħu huma resilejnti, għandhom biżżejjed kapaċità biex jittrattaw mal-ogħla volumi ta' ordnijiet u messaġġi, huma kapaċi li jiżguraw kummerċ ordnat f'kundizzjonijiet ta' stress tas-suq riġidi, huma ttestjati b'mod sħiħ biex jiżguraw li jissodisfaw it-tali kundizzjonijiet u huma soġġetti għal arranġamenti ta' kontinwità tal-kummerċ biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi tiegħu jekk ikun hemm nuqqas tas-sistemi ta' negozjar tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li suq regolat ikollu stabbiliti:

(a) ftehimiet bil-miktub mad-ditti kollha ta' investiment li jfittxu li jiksbu strateġija ta' ġenerazzjoni tas-suq dwar is-suq regolat;

(b) skemi li jiżguraw li numru sinifikanti ta' ditti ta' investiment jipparteċipaw f'tali ftehimiet li jeħtiġuhom joħorġu kwoti tad-ditti bi prezzijiet kompetittivi bir-riżultat li tiġi pprovduta l-likwidità għas-suq fuq bażi regolari u prevedibbli, fejn tali rekwiżit ikun xieraq għan-natura u l-iskala tal-kummerċ f'dak is-suq regolat.

3. Il-ftehim bil-miktub imsemmi fil-paragrafu 2 għandu tal-inqas jispeċifika:

(a) l-obbligi tad-ditta ta' investiment fir-rigward tal-għoti ta' likwidità u fejn ikun applikabbli kwalunkwe obbligu ieħor li jirriżulta mill-parteċipazzjoni fl-iskema msemmija fil-paragrafu 2(b);

(b) kwalunkwe inċentiva f'termini ta' ribass jew mod ieħor offruta mis-suq regolat lil ditta ta' investiment sabiex tiġi provduta l-likwidità tas-suq fuq bażi regolari u prevedibbli u, fejn ikun applikabbli, kwalunkwe dritt ieħor għad-ditta ta' investiment bħala riżultat ta' parteċipazzjoni fl-iskema msemmija fil-paragrafu 2(b).

Is-suq regolat għandu jimmoniterja u jinforza l-osservanza mid-ditti ta' investiment tar-rekwiżiti ta' tali arranġamenti bil-miktub vinkolanti. Is-suq regolat għandu jinforma l-awtorità kompetenti dwar il-kuntest tal-ftehim vinkolanti bil-miktub u għandu, fuq talba, jipprovdi l-informazzjoni ulterjuri kollha lill-awtorità kompetenti neċessarja li tippermetti lill-awtorità kompetenti li tissodisfa lilha nnifisha bil-konformità tas-suq regolat ma' dan il-paragrafu.

4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw li suq regolat ikollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi biex jirrifjutaw ordnijiet li jaqbżu l-livelli minimi predeterminati ta' volum u prezz jew li huma żbaljati b'mod ċar.

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat ikun kapaċi jwaqqaf jew jillimita temporanjament in-negozju jekk ikun hemm moviment tal-prezz sinifikanti fi strument finanzjarju f'dak is-suq jew suq relatat matul perjodu qasir u, f'każijiet eċċezzjonali, li jkun kapaċi jikkanċella, ivarja jew jikkoreġi kwalunkwe tranżazzjoni. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat jiżgura li l-parametri għat-twaqqif tal-kummerċ ikunu kalibrati b'mod xieraq b'tali mod li titqies il-likwidità tal-klassijiet u subklassijiet differenti ta' assi, in-natura tal-mudell ta' suq u t-tipi ta' utenti u li jkun biżżejjed biex jiġi evitat tfixkil għar-regolarità tal-kummerċ.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li suq regolat jirrapporta l-parametri għat-twaqqif tan-negozju u kull bidla materjali lil dawk il-parametri lill-awtorità kompetenti b'mod konsistenti u komparabbli, u li l-awtorità kompetenti mbagħad min-naħa tagħha tirrappurtahom lill-AETS. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li meta suq regolat li jkun materjali fir-rigward tal-likwidità f'dak l-istrument finanzjarju iwaqqaf in-negozju, fi kwalunkwe Stat Membru, dak il-ċentru ta' negozjar ikollu s-sistemi u l-proċeduri neċessarji fis-seħħ biex jiżgura li se jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti sabiex huma jikkoordinaw reazzjoni fis-suq kollu u jiddeterminaw jekk hux xieraw li jwaqqfu n-negozjar f'ċentri oħra ta' kummerċ li fihom qed jiġi kummerċjalizzat l-istrument finanzjarju sakemm jerġa' jibda l-kummerċ fis-suq oriġinali.

6. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li suq regolat ikollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi, inklużi li jirrikjedu li l-membri jew il-parteċipanti jwettqu ttestjar xieraq tal-algoritmi u jipprovdu ambjenti li jiffaċilitaw tali ttestjar, biex ikun żgurat li s-sistemi ta' negozjar algoritmiċi ma jistgħux joħolqu jew jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet diżordinati fis-suq u biex tkun immaniġġjata kwalunkwe kundizzjoni diżordnata tan-negozju li tirriżulta minn tali sistemi algoritmiċi, inklużi sistemi li jillimitaw il-proporzjon ta' ordnijiet mhux eżegwiti għal tranżazzjonijiet li jistgħu jiddaħħlu fis-sistema minn membru jew parteċipant, biex ikun kapaċi jnaqqas il-veloċità tal-ordnijiet jekk ikun hemm riskju li tintlaħaq il-kapaċità tas-sistema u li jillimita u jinforza d-daqs minimu ta' funzjonament li jista' jkun esegwit fis-suq.

7. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat li jippermetti aċċess dirett elettroniku għandu jkollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi li jippermettu li membri jew parteċipanti huma permessi biss li jipprovdu t-tali servizzi jekk huma ditti ta' investiment awtorizzati skont din id-Direttiva jew istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati taħt

id-Direttiva 2013/36/UE, li jiġu stabbiliti u applikati kriterji ċari fir-rigward tal-adattabilità tal-persuni li jistgħu jkunu pprovduti bit-tali aċċess u li l-membru jew parteċipant ikun responsabbli għal ordnijiet u kummerċ eżegwit bl-użu ta' dak is-servizz b'rabta mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-suq regolat jistabbilixxi standards xierqa fir-rigward ta' kontrolli u livelli minimi tar-riskju permezz tat-tali aċċess u li jkun kapaċi jiddistingwi u jekk meħtieġ iwaqqaf ordnijiet jew kummerċ minn persuna li qed tuża aċċess elettroniku dirett separatament minn ordnijiet oħrajn jew kummerċ minn membru jew parteċipant.

Is-suq regolat għandu jkollu arranġamenti fis-seħħ biex jissospendi jew itemm il-provvista ta' aċċess elettroniku dirett minn membru jew parteċipant lil kljient fil-każ ta' nonkonformità ma' dan il-paragrafu.

8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat għandu jiżgura li r-regoli tiegħu dwar is-servizzi ta' kolokazzjoni huma trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji.

9. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat jiżgura li l-istrutturi tal-ħlasijiet tiegħu, inklużi ħlasijiet ta' eżekuzzjoni, ħlasijiet anċillari u kwalunkwe ribass, ikunu trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji u li ma joħolqux inċentivi biex jagħmlu, jimmodifikaw jew jikkanċellaw ordnijiet jew li jeżegwixxu tranżazzjonijiet b'tali mod li jikkontribwixxi għall-kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar jew abbuż tas-suq. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat jimponi obbligi għall-ġenerazzjoni tas-suq f'ishma individwali jew pakkett xieraq ta' ishma bi skambju għal kwalunkwe ribass li jingħata.

L-Istati Membri għandhom jippermettu li suq regolat jaġġusta l-ħlasijiet tiegħu għall-ordnijiet ikkanċellati skont it-tul ta' żmien li matulu tkun inżammet l-ordni u li jirregola t-tariffi għal kull strument finanzjarju li japplikaw għalih.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li suq regolat jimponi ħlas ogħla għat-tqegħid ta' ordni li tiġi sussegwentement ikkanċellata minn ordni li tiġi eżegwita u li jimponi ħlas ogħla lill-parteċipanti li jqiegħdu proporzjon għoli ta' ordnijiet ikkanċellati apparagun mal-ordnijiet eżegwiti u lil dawk li joperaw teknika ta' negozjar algoritmiku ta' frekwenza għolja sabiex ikun rifless il-piż addizzjonali fuq il-kapaċità tas-sistema.

10. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat ikun jista' jidentifika, permezz ta' indikazzjonijiet minn membri jew parteċipanti, ordnijiet ġenerati minn negozjar algoritmiku, l-algoritmi differenti użati għall-ħolqien ta' ordnijiet u l-persuni rilevanti li jagħtu bidu għal dawk l-ordnijiet. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti meta dawn jitolbuha.

11. L-Istati Membri għandhom jirrkjedu li fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' suq regolat, swieq regolati jagħmlu disponibbli lill-awtorità kompetenti data marbuta mal-ktieb tal-ordnijiet jew jagħtu lill-awtorità kompetenti aċċess għall-ktieb tal-ordnijiet biex tkun kapaċi timmonitorja n-negozjar.

12. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jkompli jispeċifika:

(a) ir-rekwiżiti li jiżguraw sistemi tan-negozjar ta' swieq regolati li huma resiljenti u li għandhom kapaċità adegwata;

(b) il-proporzjon imsemmi fil-paragrafu 6, filwaqt li jieħu kont ta' fatturi bħall-valur ta' ordnijiet mhux eżegwiti fir-rigward tal-valur tat-tranżazzjonijiet eżegwiti;

(c) il-kontrolli li jikkonċernaw aċċess elettroniku dirett b'mod li jiġi żgurat li l-kontrolli applikati għal aċċess sponsorizzat ikunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati għall-aċċess dirett għas-suq;

(d) ir-rekwiżiti li jiżguraw li servizzi ta' kolokazzjoni u strutturi ta' ħlas huma ġusti u nondiskriminatorji u li l-istrutturi tal-ħlas ma joħolqux inċentivi għall-kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar jew abbuż mis-suq;

(e) id-determinazzjoni ta' fejn suq regolat ikun materjali fir-rigward tal-likwidità f'dak l-istrument finanzjarju;

(f) ir-rekwiżiti li jiżguraw li l-iskemi ta' ġenerazzjoni tas-suq ikunu ġusti u mhux diskriminatorji u li jistabbilixxi obbligi minimi ta' ġenerazzjoni tas-suq li s-swieq regolati jridu jipprevedu meta jkunu qed ifasslu skema ta' ġenerazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet li fihom ir-rekwiżit li jkun hemm fis-seħħ skema ta' ġenerazzjoni tas-suq ma jkunx xieraq, b'kont meħud tan-natura u l-iskala tan-negozjar fuq dak is-suq regolat, inkluż jekk is-suq regolat jippermettix jew iħallix li jseħħ negozjar algoritmiku permezz tas-sistemi tiegħu;

(g) ir-rekwiżiti li jiżguraw l-ittestjar xieraq tal-algoritmi biex ikun żgurat li s-sistemi ta' negozjar algoritmiku inkluż sistemi ta' negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja ma jkunux jistgħu joħolqu jew jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar fis-suq.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

13. L-AETS għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, tiżviluppa linji gwida dwar il-kalibrazzjoni adegwata ta' waqfien fin-negozjar taħt il-paragrafu 5, filwaqt li jittieħed kont tal-fatturi msemmija f'dak il-paragrafu.

*Artikolu 49*

**Daqs tal-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-swieq regolati jadottaw reġimi għall-fluttwazzjoni minima possibbli fil-prezzijiet fis-swieq tal-ishma, tal-irċevuti tad-depożitarji, tal-fondi nnegozjati fil-Borża, taċ-ċertifikati u ta' strumenti finanzjarji simili oħra u fi strumenti finanzjarji oħra li għalihom jiġu żviluppati standards tekniċi regolatorji bi qbil mal-paragrafu 4.

2. Ir-reġimi għall-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) ikunu kalibrati biex jirriflettu l-profil tal-likwidità tal-istrument finanzjarju fi swieq differenti u l-firxa medja bejn it-talba u l-offerta, b'kunsiderazzjoni tax-xewqa li jiġu permessi prezzijiet stabbli raġonevoli mingħajr ma jiġi limitat aktar it-tnaqqis tal-firxiet;

(b) jadattaw id-daqs tal-fluttwazzjoni minima possibbli fil-prezzijiet għal kull strument finanzjarju b'mod xieraq.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika d-daqs tal-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet jew ir-reġimi għall-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet fis-swieq tal-ishma, tal-irċevuti tad-depożitarji, tal-fondi nnegozjati fil-Borża, taċ-ċertifikati, u ta' strumenti finanzjarji simili oħra fejn neċessarju biex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-swieq, skont il-fatturi tal-paragrafu 2 u l-prezz, il-firxa u d-dettall tal-likwidita tal-istrumenti finanzjarji.

L-AETS għandha tressaq l-abbozz ta' dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika d-daqs tal-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet jew ir-reġimi għall-fluttwazzjonijiet minimi possibbli fil-prezzijiet għal strumenti finanzjarji speċifiċi barra dawk imsemmija fil-paragrafu 3 fejn neċessarju biex tiżgura l-funzjonament ordinat tas-swieq, f'konformita' mal-fatturi tal-paragrafu 2 u l-prezz, il-firxa u d-dettall tal-likwidita tal-istrumenti finanzjarji.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 50*

**Sinkronizzazzjoni tal-arloġġi tan-negozju**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ċ-ċentri ta' negozjar kollha u l-membri u parteċipanti tagħhom jissinkronizzaw l-arloġġi tan-negozju li jużaw biex jirreġistraw id-data u l-ħin ta' kull avveniment li għandu jiġi rapportat.

2. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-livell ta' preċiżjoni li l-arloġġi għandhom jilħqu fis-sinkronizzazzjoni skont standards internazzjonali.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 51*

**Ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-swieq regolati jkollhom regoli ċari u trasparenti rigward l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar.

Dawn ir-regoli għandhom jiżguraw illi kull strument finanzjarju ammess għan-negozjar f'suq regolat ikun kapaċi jiġi nnegozjat b'mod ġust, bl-ordni u b'mod effiċjenti u, fil-każ tat-titoli trasferibbli, li dawn ikunu jistgħu jiġu nnegozjati fil-libertà.

2. Fil-każ tad-derivattivi, ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw b'mod partikolari illi d-disinn tal-kuntratt tad-derivattivi jippermetti għall-ipprezzar bl-ordni tagħhom kif ukoll għall-eżistenza ta' kundizzjonijiet effettivi tas-saldu.

3. Minbarra l-obbligi mogħtija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-suq regolat jistabbilixxi u jżomm arranġamenti effettivi sabiex jivverifika li l-emittenti tat-titoli trasferibbli li jiġu ammessi għan-negozjar fis-suq regolat jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni rigward l-obbligi inizjali, kontinwi jew ad hoc tad-divulgazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi s-suq regolat jistabbilixxi arranġamenti li jiffaċilitaw l-aċċess, għall-membri jew il-parteċipanti tiegħu, għat-tagħrif li jkun ġie ppubblikat skont id-dritt tal-Unjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-swieq regolati jkunu stabbilixxew l-arranġamenti meħtieġa sabiex jirrieżaminaw b'mod regolari l-konformità tal-istrumenti finanzjarji li huma jammettu għan-negozjar mar-rekwiżiti għall-ammissjoni.

5. Titolu transferibbli li jkun ġie ammess għan-negozjar f'suq regolat jista' jiġi ammess sussegwentement għan-negozjar fi swieq regolati oħra, saħansitra mingħajr il-kunsens tal-emittent u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2003/71/KE. L-emittent għandu jiġi mgħarraf mis-suq regolat dwar il-fatt illi t-titoli tiegħu jkunu qegħdin jiġu nnegozjati f'dak is-suq regolat. L-emittent ma għandu jkun soġġett għall-ebda obbligu li jipprovdi t-tagħrif rikjest skont il-paragrafu 3 direttament lil kull suq regolat li jkun ammetta t-titoli tiegħu għan-negozjar mingħajr il-kunsens tiegħu.

6. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li:

(a) jispeċifika l-karatteristiċi tal-klassijiet differenti tal-istrumenti finanzjarji li għandhom jitqiesu mis-suq regolat meta jkun qed jivvaluta jekk strument finanzjarju ikunx maħruġ b'mod li jkun konsistenti mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 sabiex jiġi ammess għan-negozjar fis-segmenti differenti tas-suq fejn jopera;

(b) jiċċara l-arranġamenti li s-suq regolat huwa rikjest jimplimenta sabiex jitqies li jkun issodisfa l-obbligu tiegħu li jivverifika illi l-emittent ta' titolu trasferibbli jkun jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni rigward l-obbligi inizjali, kontinwi jew ad hoc tad-divulgazzjoni;

(c) jiċċara l-arranġamenti li s-suq regolat irid jistabbilixxi skont il-paragrafu 3 sabiex jiffaċilita l-aċċess, għall-membri jew il-parteċipanti tiegħu, għat-tagħrif li jkun ġie ppubblikat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 52*

**Sospensjoni u tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar f'suq regolat**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 69(2) li titlob għas-sospensjoni jew it-tneħħija ta' strument finanzjarju min-negozjar, operatur tas-suq jista' jissospendi jew ineħħi mill-kummerċ strument finanzjarju li ma jkunx għadu jikkonforma mar-regoli tas-suq regolat għajr jekk tali sospensjoni jew tneħħija x'aktarx li tkun se tikkawża ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament tajjeb tas-suq.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li operatur tas-suq li jissospendi jew ineħħi min-negozjar strument finanzjarju jissospendi jew ineħħi wkoll id-derivattivi kif imsemmi fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbutin jew li jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju fejn huwa meħtieġ biex jappoġġa l-objettivi tas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti. L-operatur tas-suq għandu jippubblika d-deċiżjoni tiegħu dwar is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju u dwar kwalunkwe derivattiv u jikkomunika d-deċiżjonijiet rilevanti lill-awtorità kompetenti tiegħu.

L-awtorità kompetenti, li s-sospensjoni jew it-tneħħija oriġinat fil-ġurisdizzjoni tagħha, għandha tirrikjedi li swieq regolati oħrajn, MTFs, OTFs u SIs, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta ma' dak l-istrument finanzjarju jew jirreferu għalih, jissospendu jew ineħħu wkoll dak l-istrument finanzjarju jew derivattivi min-negozjar, fejn is-sospensjoni jew it-tneħħija tkun minħabba suspett ta' abbuż tas-suq, jew offerta ta' akkwiżizzjoni jew in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jikser l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 minbarra fejn tali sospensjoni jew tneħħija tista' tikkawża dannu konsiderevoli lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament tajjeb tas-suq.

Kull awtorità kompetenti notifikata għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, inkluża spjegazzjoni jekk id-deċiżjoni kienet li ma tissospendix jew ma tneħħix min-negozjar l-istrument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta jew jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju.

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel immedjatament pubblika u tikkomunika lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn deċiżjoni ta' dan it-tip.

L-awtoritajiet kompetenti notifikati tal-Istati Membri l-oħra għandhom jirrikjedu li swieq regolati, MTFs oħrajn, OTFs oħrajn u internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I għal din id-Direttiva li huma marbuta ma' dak l-istrument finanzjarju jew jirreferu għalih, jissospendu jew ineħħu wkoll dak l-istrument finanzjarju jew derivattivi min-negozjar, fejn is-sospensjoni jew it-tneħħija tkun minħabba suspett ta' abbuż tas-suq, jew offerta ta' akkwiżizzjoni jew in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni privileġġata dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jikser l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 minbarra fejn tali sospensjoni jew tneħħija tista' tikkawża dannu konsiderevoli lill-interessi tal-investituri jew lill-funzjonament tajjeb tas-suq.

Dan il-paragrafu japplika wkoll meta titneħħa s-sospensjoni min-negozjar ta' strument finanzjarju jew derivattivi kif imsemmi fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta jew jirreferu għal dak l-istrument finanzjarji.

Il-proċedura ta' notifika msemmija f'dan il-paragrafu għandha tapplika wkoll fil-każ fejn id-deċiżjoni li jiġu sospiżi jew imneħħija min-negozjar strument finanzjarju jew derivattivi kif imsemmi fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I li huma marbuta jew jirreferu għal dak l-istrument finanzjarju tittieħed mill-awtorità kompetenti skont il-punti (m) u (n) tal-Artikolu 69(2).

Biex ikun żgurat li l-obbligu ta' sospensjoni jew tneħħija min-negozjar ta' tali derivattivi jiġi applikat proporzjonalment, l-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-każijiet fejn il-konnessjoni bejn derivattiv marbut ma' strument finanzjarju jew li jirreferi għalih, li ġie sospiż jew imneħħi min-negozjar u l-istrument finanzjarju oriġinali timplika li d-derivattiv ukoll għandu jiġi sospiż jew imneħħi min-negozjar, sabiex jinkiseb l-objettiv tas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format u ż-żmien tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tispeċifika l-lista ta' ċirkostanzi li jikkostitwixxu ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri u lill-funzjonament tajjeb tas-suq imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 53*

**Aċċess għal suq regolat**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm regoli trasparenti u mhux diskriminatorji, imsejsa fuq kriterji oġġettivi, li jirregolaw l-aċċess għas-suq regolat jew is-sħubija fih.

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw kull obbligu għall-membri jew għall-parteċipanti li jirriżulta:

(a) mill-kostituzzjoni u l-amministrazzjoni tas-suq regolat;

(b) mir-regoli li għandhom x'jaqsmu mat-tranżazzjonijiet imwettqa fis-suq;

(c) mill-istandards professjonali imposti fuq il-persunal tad-ditti ta' investiment jew tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu qed jaħdmu fis-suq;

(d) mill-kundizzjonijiet stabbiliti, għal membri jew għal parteċipanti oħra għajr id-ditti ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, skont il-paragrafu 3;

(e) mir-regoli u l-proċeduri għall-ikklerjar u s-saldu tat-tranżazzjonijiet konklużi fis-suq regolat.

3. Is-swieq regolati jistgħu jammettu bħala membri jew parteċipanti ditti ta' investiment, istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE u persuni oħra li:

(a) għandhom reputazzjoni tajba suffiċjenti;

(b) għandhom livell suffiċjenti ta' abbiltà, kompetenza u esperjenza fil-kummerċ;

(c) għandhom, fejn ikun applikabbli, arranġamenti organizzattivi adegwati;

(d) għandhom riżorsi suffiċjenti għar-rwol li jridu jwettqu, filwaqt li jitqiesu l-arranġamenti finanzjarji differenti li jista' jkun stabbilixxa s-suq regolat sabiex jiggarantixxi s-saldu adegwat tat-tranżazzjonijiet.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, rigward it-tranżazzjonijiet konklużi f'suq regolat, il-membri u l-parteċipanti ma jkunux obbligati japplikaw, ma' xulxin, l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28. Madankollu, il-membri tas-suq regolat jew il-parteċipanti fih għandhom japplikaw l-obbligi pprovduti fl-Artikoli 24, 25, 27 u 28 għall-klijenti tagħhom meta, huma u jaġixxu f'isem il-klijenti tagħhom, iwettqu l-ordnijiet tagħhom f'suq regolat.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi r-regoli dwar l-aċċess għas-suq regolat jew il-parteċipazzjoni fih jipprevedu l-parteċipazzjoni diretta jew remota tad-ditti ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

6. L-Istati Membri għandhom, mingħajr iktar rekwiżiti legali jew amministrattivi, jippermettu lis-swieq regolati mill-Istati Membri l-oħra jipprovdu l-arranġamenti x-xierqa fit-territorju tagħhom sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn is-swieq u l-kummerċ fihom mill-membri remoti jew mill-parteċipanti stabbiliti fit-territorju tagħhom.

Is-suq regolat għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu l-Istat Membru li fih ikun biħsiebu jipprovdi dawn l-arranġamenti. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tikkomunika, fi żmien xahar (1), din l-informazzjoni lill-Istat Membru li fih is-suq regolat ikun beħsiebu jipprovdi dawn l-arranġamenti. L-AETS tista' titlob aċċess għal dik l-informazzjoni skont il-proċedura u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċiljutas-suq regolat għandha, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u mingħajr dewmien żejjed, tikkomunika l-identità tal-membri tas-suq regolat jew tal-parteċipanti fih stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

7. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-operatur tas-suq jikkomunika, fuq bażi regolari, il-lista tal-membri tas-suq regolat jew tal-parteċipanti fih lill-awtorità kompetenti tas-suq regolat.

*Artikolu 54*

**Monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tas-suq regolat u mal-obbligi ġuridiċi l-oħra**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu illi s-swieq regolati jistabbilixxu u jżommu arranġamenti u proċeduri effettivi inklużi r-riżorsi meħtieġa għall-monitoraġġ regolari tal-konformità tal-membri jew tal-parteċipanti tagħhom mar-regoli tagħhom. Is-swieq regolati għandhom jimmonitorjaw l-ordnijiet mibgħuta inklużi l-kanċellazzjonijiet u t-tranżazzjonijiet imwettqa mill-membri jew il-parteċipanti tagħhom skont is-sistemi tagħhom sabiex jidentifikaw il-ksur ta' dawk ir-regoli, kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar jew kondotta li tista' tindika mġiba pprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tħarbit fis-sistema b'rabta ma' strument finanzjarju.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-operaturi tas-suq tas-swieq regolati jgħarrfu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bi ksur sinifikanti tar-regoli tagħhom jew kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar jew kondotta li tista' tindika mġiba pprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew tħarbit fis-sistema b'rabta ma' strument finanzjarju.

L-awtoritajiet kompetenti tas-swieq regolati għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

B'rabta ma' kondotta li tista' tindika mġiba pprojbita taħt ir-Regolament (UE) Nru 596/2014, awtorità kompetenti għandha tkun konvinta li tali mġieba tkun qed isir jew tkun saret qabel ma tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-AETS.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu illi l-operatur tas-suq iforni t-tagħrif rilevanti mingħajr dewmien indebitu lill-awtorità kompetenti sabiex jiġi investigat u mħarrek l-abbuż tas-suq fis-suq regolat u li huwa jagħti assistenza sħiħa lil din tal-aħħar fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-abbuż tas-suq li jkun qed iseħħ fis-sistemi tas-suq regolat jew permezz tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 biex tiddetermina ċ-ċirkostanzi li jattivaw rekwiżit ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 55*

**Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-arranġamenti tas-CCP u tal-ikklerjar u tas-saldu**

1. Mingħajr preġudizzju għat-Titoli III, IV jew V tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-Istati Membri ma għandhomx iwaqqfu lis-swieq regolati milli jidħlu f'arranġamenti xierqa ma' CCP jew ma' ċentru tal-ikklerjar u ma'sistema tas-saldu ta' Stat Membru ieħor bil-ħsieb li jipprovdu għall-ikklerjar u/jew għas-saldu ta' wħud mit-tranżazzjonijiet jew tat-tranżazzjonijiet kollha konklużi mill-parteċipanti tas-suq fis-sistemi tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għat-Titoli III, IV jew V tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-awtorità kompetenti ta' suq regolat ma tistax topponi l-użu ta' CCP, ta' ċentri tal-ikklerjar u/jew ta' sistemi tas-saldu fi Stat Membru ieħor għajr meta meħtieġ, b'mod li jista' jintwera, sabiex jinżamm il-funzjonament tajjeb ta' dak is-suq regolat u filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-sistemi tas-saldu stabbiliti fl-Artikolu 37(2) ta' din id-Direttiva.

Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni mhux dovuta tal-kontrolli, l-awtorità kompetenti għandha tqis is-sorveljanza/is-superviżjoni tas-sistema tal-ikklerjar u tas-saldu diġà eżerċitata mill-banek ċentrali bħala sorveljanti tas-sistemi tal-ikklerjar u tas-saldu jew minn awtoritajiet superviżorji oħrajn li għandhom il-kompetenza fejn jidħlu dawn is-sistemi.

*Artikolu 56*

**Lista ta' swieq regolati**

Kull Stat Membru għandu jfassal lista tas-swieq regolati li għalihom huwa jkun l-Istat Membru ta' domiċilju u għandu jibgħat din il-lista lill-Istati Membri l-oħra u lill-AETS. Għandha ssir komunikazzjoni simili rigward kull bidla f'dik il-lista. L-AETS għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista tas-swieq regolati kollha fuq is-sit elettroniku tagħha. Dik il-lista għandha tinkludi l-kodiċi uniku stabbilit mill-AETS skont l-Artikolu 65(6) li jidentifika s-swieq regolati għall-użu f'rapporti skont il-punt (g) tal-Artikolu 65(1) u l-punt (g) tal-Artikolu 65(2) ta' din id-Direttiva u mal-Artikoli 6, 10 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

IT-TITOLU IV

**LIMITI TA' POŻIZZJONI U KONTROLLI TAL-ĠESTJONI TA' POŻIZZJONI F'DERIVATTIVI TAL-KOMODITAJIET U RAPPORTAR**

*Artikolu 57*

**Limiti ta' pożizzjoni u kontrolli tal-ġestjoni ta' pożizzjoni f'derivattivi ta' komoditaijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, konformi mal-metodoloġija għall-kalkolu ddeterminata mill-AETS, jistabbilixxu u japplikaw limiti ta' pożizzjoni fuq id-daqs ta' pożizzjoni netta li persuna jista' jkollha f'kull ħin f'derivattivi ta' komoditajiet nnegozjati f'ċentri tan-negozjar u kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti. Il-limiti għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-pożizzjonijiet kollha li jkollha persuna u dawk miżmuma f'isimha fil-livell ta' grupp aggregat biex:

(a) jipprevjenu l-abbuż tas-suq;

(b) jappoġġaw il-kundizzjonijiet xierqa ta' pprezzar u saldu, inkluż jipprevjenu pożizzjonijiet li jgħawġu s-suq u jiżguraw, b'mod partikolari, konverġenza bejn il-prezzijiet tad-derivattivi fix-xahar ta' twassil u prezzijiet spot għall-komodità sottostanti, mingħajr preġudizzju għall-identifikazzjoni tal-prezz fis-suq għall-komodità sottostanti.

Il-limiti ta' pożizzjoni m'għandhomx japplikaw għal pożizzjonijiet miżmuma minn jew f'isem entità mhux finanzjarja u li jistgħu jitkejlu oġġettivament inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali ta' dik l-entità mhux finanzjarja.

2. Il-limiti ta' pożizzjoni għandhom jispeċifikaw limiti minimi kwantitattivi ċari għad-daqs massimu ta' pożizzjoni f'derivattiv ta' komoditajiet li jista' jinżamm minn persuni.

3. L-AETS għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw meta jiffissaw il-limiti ta' pożizzjoni tax-xahar spot u limiti ta' pożizzjoni oħra fix-xahar għal derivattivi saldati b'mod fiżiku u fi flus likwidi abbażi tal-karatteristiċi tad-derivattiv rilevanti. Il-metodoloġija għall-kalkolu għandha tqis tal-anqas il-fatturi li ġejjin:

(a) il-maturità tal-kuntratti ta' derivattiv ta' komoditajiet;

(b) il-provvista konsenjabbli fil-komodità sottostanti;

(c) l-interess miftuħ kumplessiv f'dak il-kuntratt u l-interess miftuħ kumplessiv fi strumenti finanzjarji oħra bl-istess komodità sottostanti;

(d) il-volatilità fis-swieq rilevanti, inklużi derivattivi sostituti u s-swieq tal-komoditajiet sottostanti;

(e) l-għadd u d-daqs tal-parteċipanti tas-suq;

(f) il-karatteristiċi tas-suq ta' komoditajiet sottostanti, inklużi xejriet ta' produzzjoni, konsum u trasportazzjoni lejn is-suq;

(g) l-iżvilupp ta' kuntratti ġodda.

L-AETS għandha tqis l-esperjenza rigward il-limiti ta' pożizzjoni tad-ditti ta' investiment jew l-operaturi tas-suq li joperaw ċentru ta' negozjar u ta' ġurisdizzjonijiet oħrajn.

L-AETS għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limiti għal kull kuntratt ta' derivattivi ta' komoditajiet innegozjat f'ċentri tan-negozjar abbażi ta' metodoloġija għall-kalkolu ddeterminata minn AETS skont il-paragrafu 3. Dak il-limitu ta' pożizzjoni għandu jinkludi kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti.

Awtorità kompetenti għandha tirrevedi l- limiti ta' pożizzjoni kull meta jkun hemm bidla sinifikanti fil-provvista konsenjabbli jew interess miftuħ jew kwalunkwe bidla sinifikanti fis-suq, abbażi tad-determinazzjoni tagħha tal-provvista konsenjabbli u għandha tiffissal-limitu ta' pożizzjoni mill-ġdid skont il-metodoloġija għall-kalkolu żviluppata mill-AETS.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-AETS dwar il-limiti ta' pożizzjoni eżatti li bi ħsiebhom jissettjaw skont il-metodoloġija għall-kalkolu stabbilita mill-AETS taħt il-paragrafu 3. Fi żmien xahrejn wara r-riċevuta tan-notifika, l-AETS għandha toħroġ opinjoni għall-awtorità kompetenti kkonċernata li fiha tivvaluta l-kompatibbiltà tal-limiti ta' pożizzjoni bl-objettivi tal-paragrafu 1 u bil-metodoloġija għall-kalkolu stabbilit mill-AETS taħt il-paragrafu 3. L-AETS għandha tippubblika l-opinjoni fuq is-sit elettroniku tagħha. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha timmodifika l-limiti ta' pożizzjoni skont l-opinjoni tal-AETS, jew tipprovdi l-AETS b'ġustifikazzjoni dwar għaliex il-bidla hija kkunsidrata li mhijiex meħtieġa. Fejn awtorità kompetenti timponi limiti kuntrarji għall-opinjoni tal-AETS, hija għandha immedjatament tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha avviż fejn tispjega b'mod sħiħ ir-raġunijiet tagħha biex tagħmel dan.

Fejn l-AETS tiddetermina li limitu ta' pożizzjoni mhuwiex konformi mal-metodoloġija għall-kalkolu fil-paragrafu 3, hija għandha tieħu azzjoni skont is-setgħat tagħha taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. Fejn l-istess derivattiv ta' komoditajiet jiġi nnegozjat f'volumi sinifikanti f'ċentri tan-negozjar f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda, l-awtorità kompetenti taċ-ċentru ta' negozjar fejn isir l-akbar volum ta' nnegozjar (l-awtorità kompetenti ċentrali) għandha tistabbilixxi l-limitu ta' pożizzjoni unika li jiġi applikat għan-negozjar kollu f'dak il-kuntratt. L-awtorità kompetenti ċentrali għandha tikkonsulta l-awtoritajiet kompetenti ta' ċentri ta' negozjar oħra li fihom jiġi nnegozjat dak id-derivattiv f'volumi sinifikanti fil-limitu ta' pożizzjoni unika li jiġi applikat u kwalunkwe reviżjoni għal limiti ta' dik il-pożizzjoni unika. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux, huma għandhom jiddikjaraw bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex jikkunsidraw li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 mhumiex sodisfatti. L-AETS għandha ssolvi kwalunkwe tilwim li jirriżulta minn nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti skont is-setgħat tagħha taħt l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentri ta' negozjar fejn jiġi nnegozjat l-istess derivattiv ta' komoditajiet u l-awtoritajiet kompetenti tad-detenturi ta' pożizzjoni f'dak id-derivattiv ta' komoditajiet għandhom jistabbilixxu ftehimiet ta' kooperazzjoni inkluż l-iskambju tad-data rilevanti ma' xulxin u sabiex jippermettu l-monitoraġġ u l-inforzar tal-limitu ta' pożizzjoni unika.

7. L-AETS għandha tissorvelja tal-anqas darba f'sena l-mod kif l-awtoritajiet kompetenti implimentaw il-limiti ta' pożizzjoni stipulati skont il-metodoloġija għall-kalkolu stabbilit mill-AETS taħt il-paragrafu 3. F'dan il-proċess, l-AETS għandha tiżgura li l-limitu ta' pożizzjoni unika jkun japplika effettivament għall-istess kuntratt irrispettivament minn fejn jiġi nnegozjat skont il-paragrafu 6.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru ta' negozjar li jinnegozja derivattivi ta' komoditajiet japplikaw kontrolli ta' ġestjoni tal-pożizzjonijiet: Dawk il-kontrolli għandhom jinkludu mill-inqas, is-setgħat li ċ-ċentru ta' negozjar:

(a) jissorvelja l-pożizzjonijiet ta' interess miftuħ tal-persuni;

(b) ikollu aċċess għall-informazzjoni, inkluża d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, minn persuni dwar id-daqs u l-iskop ta' pożizzjoni jew esponiment li wieħed ikun daħal għalihom, informazzjoni dwar sidien benefiċjarji jew sottostanti, kwalunkwe arranġamenti ta' konċertazzjoni, u kwalunkwe assi jew responsabbiltajiet relatati fis-suq sottostanti;

(c) jirrikjedi li persuna tittermina jew tnaqqas pożizzjoni, fuq bażi temporanja jew permanenti kif jaf ikun jeħtieġ il-każ speċifiku u jieħu azzjoni xierqa unilateralment biex jiżgura t-terminazzjoni jew it-tnaqqis jekk il-persuna ma tikkonformax; u

(d) fejn xieraq, jirrikjedi li persuna tipprovdi likwidità lura fis-suq bi prezz u volum maqbula fuq bażi temporanja bil-ħsieb espliċitu li jittaffew l-effetti ta' pożizzjoni kbira jew dominanti.

9. Il-limiti ta' pożizzjoni u l-kontrolli tal-ġestjoni ta' pożizzjonijiet għandhom ikunu trasparenti u nondiskriminatorji, jispeċifikaw kif japplikaw għal persuni u jqisu n-natura u l-kompożizzjoni tal-parteċipanti tas-suq u tal-użu li huma jagħmlu mill-kuntratti ppreżentati għan-negozjar.

10. Id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ċentru ta' negozjar għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti bid-dettalji tal-kontrolli tal-ġestjoni ta' pożizzjonijiet.

L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika l-istess informazzjoni kif ukoll id-dettalji tal-limiti ta' pożizzjonijiet li stabbilixxiet lill-AETS, li għandha tippubblika u żżomm fuq is-sit elettroniku tagħha bażi tad-data bit-taqsiriet tal-limiti ta' pożizzjonijiet u kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet.

11. Il-limiti ta' pożizzjoni tal-paragrafu 1 għandhom ikunu imposti mill-awtoritajiet kompetenti skont il-punt (p) tal-Artikolu 69(2).

12. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw:

(a) il-kriterji u l-metodi għad-determinazzjoni jekk pożizzjoni tikkwalifikax li tnaqqas ir-riskji relatati mal-attivitajiet kummerċjali;

(b) il-metodi li jiddeterminaw meta pożizzjonijiet ta' persuna għandhom jiġu aggregati fi grupp;

(c) il-kriterji għad-determinazzjoni jekk kuntratt huwiex kuntratt OTC li jkun ekwivalenti għal dak innegozjat f'ċentru ta' negozjar, imsemmi fil-paragrafu 1, b'mod li jiffaċilita r-rapportar tal-pożizzjonijiet li jittieħdu f'kuntratti OTC ekwivalenti lill-awtorità kompetenti rilevanti kif determinat fl-Artikolu 58(2);

(d) id-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-istess derivattiv ta' komodità u volumi sinifikanti taħt il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu;

(e) il-metodoloġija għall-aggregazzjoni u l-kalkolu tal-valur nett ta' pożizzjonijiet ta' derivattivi ta' komoditajiet OTC u ta' ċentru ta' negozjar biex tistabbilixxi l-pożizzjoni netta għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-limiti. Tali metodoloġiji għandhom jistabbilixxu kriterji li jiddeterminaw liema pożizzjonijiet jistgħu jikkumpensaw għal xulxin u m'għandhomx jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' pożizzjonijiet b'mod inkonsistenti mal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(f) il-proċedura li tistipula kif persuni jistgħu japplikaw għal eżenzjoni taħt it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u kif l-awtorità kompetenti rilevanti tista' tapprova tali applikazzjonijiet;

(g) il-metodu tal-kalkolu biex jiġi determinat iċ-ċentru fejn isir l-akbar volum ta' negozjar f'derivattiv ta' komoditajiet u volumi sinifikanti taħt il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

13. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jimponu limiti li jkunu iktar restrittivi minn dawk adottati skont il-paragrafu 1 għajr għal każijiet eċċezzjonali fejn huma ġustifikati b'mod oġġettiv u proporzjonati u jqisu l-likwidità tas-suq speċifiku u l-funzjonament tajjeb ta' dak is-suq. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-sit elettroniku tagħhom id-dettalji tal-limiti ta' pożizzjoni aktar restrittivi li ddeċidew li jimponu, li għandhom ikunu validi għal perjodu inizjali li ma jaqbiżx sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fuq is-sit elettroniku. Il-limiti ta' pożizzjoni aktar restrittivi jistgħu jiġu mġedda għal iktar perjodi li ma jaqbżux is-sitt xhur kull darba jekk ir-raġunijiet għar-restrizzjoni jkomplu jkunu applikabbli. Jekk ma jkunux imġedda wara dak il-perjodu ta' sitt xhur, huma jiskadu awtomatikament.

Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jimponi limiti ta' pożizzjoni aktar restrittivi, huma għandhom jinnotifikaw lill-AETS. In-notifika għandha tinkludi ġustifikazzjoni għal-limiti ta' pożizzjoni iktar restrittivi. L-AETS għandha fi żmien 24 siegħa toħroġ opinjoni dwar jekk tikkunsidrax li l-limiti ta' pożizzjoni aktar restrittivi humiex neċessarji biex jindirizzaw il-każ eċċezzjonali. L-opinjoni għandha tkun ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-AETS.

Fejn awtorità kompetenti timponi limiti kuntrarji għall-opinjoni tal-AETS, hija għandha immedjatament tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha avviż fejn tispjega b'mod sħiħ ir-raġunijiet tagħha biex tagħmel dan.

14. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw is-setgħat ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet tagħhom taħt din id-Direttiva għall-ksur tal-limiti ta' pożizzjoni stabbiliti skont dan l-Artikolu għal:

(a) pożizzjonijiet miżmuma minn persuni li jinsabu jew joperaw fit-territorju tagħha jew barra l-pajjiż li jaqbżu l-limiti tal-kuntratti tad-derivattivi ta' komoditajiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' kuntratti dwar ċentri tan-negozjar li jinsabu jew joperaw fit-territorji tagħha jew kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti;

(b) pożizzjonijiet miżmuma minn persuni li jinsabu jew joperaw fit-territorju tagħha li jaqbżu l-limiti tal-kuntratti tad-derivattivi ta' komoditajiet stabbiliti minn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħrajn.

*Artikolu 58*

**Rapportar tal-pożizzjoni minn kategoriji ta' detenturi ta' pożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru ta' negozjar li jinnegozja derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom:

(a) jagħmlu pubbliku rapport ta' darba fil-ġimgħa b'ġabra tal-pożizzjonijiet miżmuma minn kategoriji differenti ta' persuni għad-derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom differenti nnegozjati fuq iċ-ċentru ta' negozjar tagħhom, filwaqt li jispeċifikaw in-numru ta' pożizzjonijiet twal u qosra ta' tali kategoriji, tibdiliet fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwal tat-total ta' interess miftuħ rappreżentat minn kull kategorija u n-numru ta' persuni li għandhom pożizzjoni f'kull kategorija skont il-paragrafu 4 u jikkomunikaw dak ir-rapport lill-awtorità kompetenti u lill-AETS; L-AETS għandha tipproċedi għal pubblikazzjoni ċentralizzata tal-informazzjoni inkluża f'dawk ir-rapporti;

(b) jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'analiżi statistika kompleta tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-persuni kollha, inklużi l-membri jew parteċipanti u l-klijenti tagħhom, f'dak iċ-ċentru ta' negozjar, tal-anqas fuq bażi ta' kuljum.

L-obbligu stipulat fil-punt (a) għandu japplika biss meta kemm in-numru ta' persuni u l-pożizzjonijiet miftuħa tagħhom jaqbeż l-anqas livelli minimi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditti ta' investiment li jinnegozjaw derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom barra minn ċentru ta' negozjar jipprovdu lill-awtorità kompetenti taċ-ċentru ta' negozjar fejn jiġu nnegozjati d-derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom jew l-awtorità ċentrali kompetenti fejn id-derivattivi ta' komoditajiet kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom jiġu nnegozjati f'volumi sinifikanti f'ċentri ta' negozjar f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda tal-anqas fuq bażi ta' kuljum, b'analiżi statistika kompleta tal-pożizzjonijiet tagħhom miżmuma f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom nnegozjati f'ċentru ta' negozjar u kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti, kif ukoll dawk tal-klijenti tagħhom u l-klijenti ta' dawk il-klijenti sakemm wieħed jasal għall-klijent aħħari, skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011.

3. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-konformità mal-l-Artikolu 57(1), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-membri jew il-parteċipanti ta' swieq regolati, MTFs u klijenti ta' OTFs jirrapportaw lid-ditta ta' investiment jew lil-operatur tas-suq li jopera dak iċ-ċentru ta' negozjar, id-dettalji tal-pożizzjonijiet tagħhom stess miżmuma permezz ta' kuntratti nnegozjati f'dak iċ-ċentru ta' negozjar tal-anqas fuq bażi ta' kuljum, kif ukoll dawk tal-klijenti tagħhom u l-klijenti ta' dawk il-klijenti sakemm wieħed jasal għall-klijent aħħari.

4. Persuni li għandhom pożizzjonijiet f'derivattiv tal-komoditajiet jew kwota tal-emissjonijiet jew derivattiv tagħhom għandhom jiġu klassifikati mid-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jopera dak iċ-ċentru ta' negozjar skont in-natura tal-kummerċ ewlieni tagħhom, wara li jqisu kwalunkwe awtorizzazzjoni applikabbli, bħala:

(a) ditti ta' investiment jew istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) fondi ta' investiment, li jistgħu jkunu jew intrapriża għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif iddefinita fid-Direttiva 2009/65/KE, jew maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv kif iddefinit fid-Direttiva 2011/61/KE;

(c) istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, inkluż intrapriżi tal-assigurazzjoni u intrapriżi ta' riassikurazzjoni kif iddefiniti fid-Direttiva 2009/138/KE, u istituzzjonijiet għall-provvista ta' pensjoni okkupazzjonali kif iddefiniti fid-Direttiva 2003/41/KE;

(d) impriżi kummerċjali;

(e) fil-każ ta' kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom, operaturi b'obbligi ta' konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.

Ir-rapporti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw in-numru ta' pożizzjonijiet twal u qosra permezz tal-kategorija tal-persuni, kwalunkwe bidla fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwali tat-total ta' interess miftuħ rappreżentat minn kull kategorija, u n-numru ta' persuni f'kull kategorija.

Ir-rapporti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u l-analiżi statistiċi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jagħmlu distinzjoni bejn:

(a) pożizzjonijiet identifikati bħala pożizzjonijiet li, b'mod li jista' jitkejjel oġġettivament, inaqqsu r-riskji relatati direttament ma' attivitajiet kummerċjali; kif ukoll

(b) pożizzjonijiet oħra.

5. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-format tar-rapporti msemmija fil-punt (a) tal-paragarafu 1 u tal-analiżi statistiċi msemmija fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fil-każ tal-permessi tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom, ir-rapportar ma għandux jippreġudika l-obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jispeċifikaw il-livelli minimi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, wara li jiġi kkunsidrat it-total tan-numru ta' pożizzjonijiet miftuħa u d-daqs tagħhom u t-total ta' persuni li għandhom pożizzjoni.

7. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-miżuri li jirrikjedu li r-rapporti kollha msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 li għandhom jintbagħtu lill-AETS f'ħin speċifikat darba fil-ġimgħa, għall-pubblikazzjoni ċentralizzata tagħhom aktar tard.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## TITOLU V

## SERVIZZI TA' RAPPORTAR TAD-DATA

### Taqsima 1

### Proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-fornituri ta' servizzi tar-rapportar tad-data

*Artikolu 59*

### Rekwiżit għall-awtorizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrkjedu li l-provvista ta' servizzi tar-rapportar tad-data deskritti fl-Anness I, Taqsima D bħala okkupazzjoni jew kummerċ regolari tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel skont din it-Taqsima. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju maħtura skont l-Artikolu 67.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jopera ċentru ta' negozjar joperaw servizzi tar-rapportar tad-data ta' APA, CTP u ARM, soġġett għal verifika minn qabel tal-konformità tagħhom ma' dan it-Titolu. Tali servizz għandu jkun inkluż fl-awtorizzazzjoni tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw il-fornituri kollha ta' servizzi tar-rapportar tad-data. Ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jinkludi informazzjoni dwar is-servizzi li hu awtorizzat għalihom il-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data. Hu għandu jkun aġġornat fuq bażi regolari. Kull awtorizzazzjoni għandha tkun notifikata lill-AETS.

L-AETS għandha tistabbilixxi lista tal-fornituri kollha tas-servizzi tar-rapportar tad-data fl-Unjoni. Il-lista għandha tinkludi informazzjoni dwar is-servizzi li hu awtorizzat għalihom il-fornitur tas-servizzi tar-rapportar tad-data u għandu jkun aġġornat fuq bażi regolari. L-AETS għandha tippubblika u taġġorna l-lista fuq is-sit elettroniku tagħha.

Fejn awtorità kompetenti tirtira awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 62, dak l-irtirar għandu jkun ippubblikat fuq il-lista għal perjodu ta' 5 snin.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi tar-rapportar tad-data jipprovdu s-servizzi tagħhom taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw b'mod regolari l-konformità tal-fornituri ta' servizzi tar-rapportar tad-data ma' dan it-Titolu. Għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw il-fatt li l-fornituri ta' servizzi tar-rapportar tad-data jikkonformaw f'kull ħin mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni inizjali stabbiliti skont dan it-Titolu.

*Artikolu 60*

**Ambitu tal-awtorizzazzjoni**

1. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-awtorizzazzjoni tispeċifika s-servizz tar-rapportar tad-data li l-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data hu awtorizzat li jipprovdi. Fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data li jixtieq jestendi l-kummerċ tiegħu għal servizzi tar-rapportar tad-data addizzjonali għandu jissottometti talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni.

2. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għall-Unjoni kollha u għandha tippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' data li jipprovdi s-servizzi, li għalihom kien awtorizzat, madwar l-Unjoni.

*Artikolu 61*

**Proċeduri għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għal-awtorizzazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni sakemm u qabel ma jasal iż-żmien li tkun sodisfatta kompletament li l-applikant huwa konformi mar-rekwiżiti kollha skont id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

2. Il-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha, inkluż programm ta' operat li jressaq inter alia t-tipi ta' servizzi mbassra u l-istruttura organizzattiva, meħtieġa biex tgħin lill-awtorità kompetenti tissodisfa lilha nnifisha li l-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data stabbilixxa, fi żmien l-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex jaqdi l-obbligi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

3. L-applikant għandu jkun informat, fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta, jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew le.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw:

(a) l-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta lill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 2, inkluż il-programm operattiv;

(b) l-informazzjoni inkluża fin-notifiki skont l-Artikolu 63(3).

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għan-notifika jew il-provvista tat-tagħrif previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 63(4).

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 62*

**Irtirar ta' awtorizzazzjonijiet**

L-awtorità kompetenti tista' tirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data jekk il-fornitur:

(a) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, espliċitament jirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew ma pprovda l-ebda servizz ta' investiment jew ma wettaq l-ebda attività għas-sitt xhur preċedenti, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ippreveda li l-awtorizzazzjoni tiskadi fit-tali każijiet;

(b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz jew permezz ta' kull mezz ieħor mhux regolari;

(c) ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni;

(d) ikun kiser serjament u sistematikament id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

*Artikolu 63*

**Rekwiżiti għall-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-membri kollha tal-korp maniġerjali ta' fornitur tas-servizz ta' rapportar tad-data għandu f'kull ħin ikun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, ikollu biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza u jimpenja biżżejjed ħin biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

Il-korp maniġerjali għandu jkollu l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kollettivi adegwati biex ikun kapaċi jifhem l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data. Kull membru tal-korp maniġerjali għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb biex jikkontesta b'mod effikaċi d-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri fejn meħtieġ u biex jissorvelja u jimmoniterja b'mod effikaċi t-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali.

Fejn operatur tas-suq jitlob awtorizzazzjoni biex jopera APA, CTP jew ARM u l-membri tal-korp maniġerjali tal-APA, is-CTP jew l-ARM huma l-istess bħall-membri tal-korp maniġerjali tas-suq regolat, dawk il-persuni huma mistennija li jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu.

2. L-AETS għandha, sat-3 ta' Jannar 2016, tiżviluppa linji gwida għall-valutazzjoni tal-adattabilità tal-membri tal-korp maniġerjali deskritti fil-paragrafu 1, wara li tqis ir-rwoli u l-funzjonijiet differenti tagħhom u l-ħtieġa li tevita kunflitti ta' interess bejn il-membri tal-korp maniġerjali u l-utenti tal-APA, CTP jew ARM.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar il-membri kollha tal-korp maniġerjali tagħha u bi kwalunkwe bidliet fil-membritiegħu, flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta jekk l-entità hijiex konformi mal-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali tal-fornitur ta' servizzi tar-rapportar tad-data jiddefinixxi u jissorvejla l-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-governanza li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti ta' organizzazzjoni inkluża s-segregazzjoni tal-obbligi fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq u l-interessi tal-klijenti tiegħu.

5. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta awtorizzazzjoni jekk ma hijiex sodisfatta li l-persuna jew persuni li għandhom jidderieġu effikaċement il-kummerċ ta' servizzi tar-rapportar tad-data għandhom reputazzjoni tajba biżżejjed, jew jekk hemmx raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli biex wieħed jemmen li l-bidliet proposti fil-maniġment tal-fornitur jistgħux ikunu ta' theddida għall-immaniġġar tajjeb u prudenti u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti u tal-integrità tas-suq.

### Taqsima 2

### Kundizzjonijiet għal APAs

*Artikolu 64*

### Rekwiżiti organizzattivi

1. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li APA jkollha fis-seħħ linji ta' politika u arranġamenti xierqa biex tagħmel pubblika l-informazzjoni rikjesta skont l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 f'ħin li jkun l-aktar qrib teknikament possibbli għall-ħin effettiv, fuq bażi kummerċjali raġonevoli. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli bla ħlas 15-il minuta wara li l-APA tkun ippubblikata. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li l-APA tkun kapaċi tiddissemina t-tali informazzjoni b'tali mod li jiżgura aċċess ta' malajr għall-informazzjoni, fuq bażi mhux dikriminatorja u f'format li jiffaċilita l-konsolidament tal-informazzjoni ma' data simili minn sorsi oħrajn.

2. L-informazzjoni ppubblikata mill-APA f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tinkludi, tal-anqas, dawn id-dettalji li ġejjin:

(a) l-identifikatur tal-istrument finanzjarju;

(b) il-prezz li fih kienet konkluża t-tranżazzjoni;

(c) il-volum tat-tranżazzjoni;

(d) il-ħin tat-tranżazzjoni;

(e) il-ħin li fih kienet irrapportata t-tranżazzjoni;

(f) in-notazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni;

(g) il-kodiċi għaċ-ċentru ta' negozjar li t-tranżazzjoni ġiet eżegwita fih, jew fejn it-tranżazzjoni ġiet eżegwita permezz ta' internalizzatur sistematiku l-kodiċi "SI" jew inkella l-kodiċi "OTC";

(h) jekk applikabbli, indikatur li t-tranżazzjoni kienet soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi.

3. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li l-APA topera u żżomm arranġamenti amministrattivi effettivi mfassla biex jipprevjenu kunflitti ta' interess mal-klijenti tiegħu. B'mod partikolari, APA, li tkun ukoll operatur tas-suq jew ditta ta' investiment għandha tittratta l-informazzjoni kollha miġbura b'mod nondiskriminatorju u għandha topera u żżomm arranġamenti xierqa biex tissepara funzjonijiet kummerċjali differenti.

4. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li APA jkollha fis-seħħ mekkaniżmi tajba ta' sigurtà mfassla biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-mezzi tat-trasferiment ta' informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-data u aċċess mhux awtorizzat u jipprevjenu kxif ta' informazzjoni qabel il-pubblikazzjoni. L-APA għandha żżomm riżorsi adegwati u jkollha fis-seħħ faċilitajiet ta' back-up biex toffri u żżomm is-servizzi tagħha f'kull ħin.

5. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li l-APA jkollha fis-seħħ sistemi li jistgħu jiċċekkjaw effikaċement rapporti kummerċjali għall-kompletezza, jidentifikaw omissjonijiet u żbalji ovvji u jitolbu ritrażmissjoni ta' kwalunkwe tali rapporti żbaljati.

6. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw formats komuni, standards ta' data u arranġamenti tekniċi li jiffaċilitaw il-konsolidazzjoni tal-informazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jikkjarifikaw x'jikkostitwixxi bażi kummerċjali raġonevoli biex tagħmel l-informazzjoni pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

8. L-AETS għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-mezzi li bihom APA tista' tikkonforma mal-obbligi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-kontenut tal-informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafu 1, inkluża tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 b'tali mod li tkun iffaċilitata l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rikjesta taħt l-Artikolu 64;

(c) ir-rekwiżiti organizzattivi konkreti stipulati fil-paragrafi 3, 4 u 5.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## Taqsima 3

## Kundizzjonijiet għal CTPs

*Artikolu 65*

### Rekwiżiti organizzattivi

1. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li CTP ikollha fis-seħħ linji ta' politika u arranġamenti biex tiġbor informazzjoni li tingħata lill-pubbliku skont l-Artikoli 6 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, tikkonsolidaha f'datastream elettronika kontinwa u tagħmel l-informazzjoni disponibbli lill-pubbliku f'ħin li jkun l-aktar qrib teknikament possibbli għall-ħin effettiv kemm huwa teknikament possibbli, fuq bażi kummerjali raġonevoli.

Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, mill-inqas, id-dettalji li ġejjin:

(a) l-identifikatur tal-istrument finanzjarju;

(b) il-prezz li fih kienet konklużа t-tranżazzjoni;

(c) il-volum tat-tranżazzjoni;

(d) il-ħin tat-tranżazzjoni;

(e) il-ħin li fih kienet irrapportata t-tranżazzjoni;

(f) in-notazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni;

(g) il-kodiċi għaċ-ċentru ta' negozjar li t-tranżazzjoni ġiet eżegwita fih, jew fejn it-tranżazzjoni ġiet eżegwita permezz ta' internalizzatur sistematiku l-kodiċi "SI" jew inkella l-kodiċi "OTC";

(h) fejn applikabbli, il-fatt li algoritmu tal-kompjuter fi ħdan id-ditta ta' investiment kien responsabbli għad-deċiżjoni tal-investiment u l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni;

(i) jekk applikabbli, indikatur li t-tranżazzjoni kienet soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi;

(j) jekk l-obbligu li tiġi pubblikata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ġie rrinunzjat skont il-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, markatura li tindika liema minn dawk ir-rinunzji ġiet soġġetta għalihom it-tranżazzjoni.

L-informazzjoni għandha tkun disponibbli bla ħlas 15-il minuta wara li s-CTP tkun ippubblikata. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-CTP tkun kapaċi tiddissemina tali informazzjoni b'mod li jiżgura aċċess ta' malajr għall-informazzjoni, fuq bażi ta' ebda diskriminazzjoni f'formati li huma aċċessibbli u utilizzabbli b'mod faċli għall-parteċipanti tas-suq.

2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li CTP ikollha fis-seħħ linji ta' politika u arranġamenti biex tiġbor informazzjoni li tingħata lill-pubbliku skont l-Artikoli 10 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, tikkonsolidaha f'datastream elettronika kontinwa u tagħmel l-informazzjoni ta' insegwiment disponibbli lill-pubbliku f'ħin li jkun l-aktar qrib teknikament possibbli għall-ħin effettivkemm huwa teknikament possibbli, fuq bażi kummerjali raġonevoli inkluż, mill-inqas, id-dettalji li ġejjin:

(a) l-identifikatur jew fatturi ta' identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju;

(b) il-prezz li fih kienet konkluża t-tranżazzjoni;

(c) il-volum tat-tranżazzjoni;

(d) il-ħin tat-tranżazzjoni;

(e) il-ħin li fih kienet irrapportata t-tranżazzjoni;

(f) in-notazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni;

(g) il-kodiċi għaċ-ċentru ta' negozjar li t-tranżazzjoni ġiet eżegwita fih, jew fejn it-tranżazzjoni ġiet eżegwita permezz ta' internalizzatur sistematiku l-kodiċi "SI" jew inkella l-kodiċi "OTC";

(h) jekk applikabbli, indikatur li t-tranżazzjoni kienet soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi.

L-informazzjoni għandha tkun disponibbli bla ħlas 15-il minuta wara li s-CTP tkun ippubblikatha. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-CTP tkun kapaċi xxerred tali informazzjoni b'mod li jiġi żgurat aċċess ta' malajr għall-informazzjoni, fuq bażi mhux diskriminatorja f'formati li huma aċċettati b'mod ġenerali li huma interoperabbli u aċċessibbli u utilizzabbli b'mod faċli għall-parteċipanti tas-suq.

3. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-CTP tiżgura li d-data pprovduta tkun ikkonsolidata mill-inqas mis-swieq regolati kollha, MTFs, OTFs u APAs u għall-istrumenti finanzjarji speċifikati minn standards tekniċi regolatorji taħt il-punt (c) tal-paragrafu 8.

4. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-CTP li topera u żżomm arranġamenti amministrattivi effettivi mfassla biex jipprevjenu kunflitti ta' interess. B'mod partikolari, operatur tas-suq jew APA, li joperaw ukoll tejp konsolidat, għandhom jittrattae l-informazzjoni kollha miġbura b'mod nondiskriminatorju u għandhom joperaw u jżommu arranġamenti xierqa biex jisseparaw funzjonijiet operattivi differenti.

5. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-CTP ikollha fis-seħħ mekkaniżmi tajba ta' sigurtà mfassla biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-mezzi tat-trasferiment ta' informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-data u aċċess mhux awtorizzat. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-CTP iżżomm riżorsi adegwati u jkollha fis-seħħ faċilitajiet ta' back-up biex toffri u żżomm is-servizzi tagħha f'kull ħin.

6. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jiddeterminaw standards ta' data u formats għall-informazzjoni li għandha tkun ippubblikata skont l-Artikoli 6, 10, 20 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, inkluż l-identifikatur tal-istrument finanzjarju, il-prezz, il-kwanitità, il-ħin, in-notazzjoni tal-prezz, l-identifikatur tal-post u indikaturi għal kundizzjonijiet speċifiċi li t-tranżazzjonijiet kienu soġġetti għalihom, kif ukoll arranġamenti tekniċi li jippromwovu tixrid effiċjenti u konsistenti tal-informazzjoni b'tali mod li jkun żgurat li hija tkun aċċessibbli u utilizzabbli b'mod faċli għall-parteċipanti tas-suq kif imsemmi fil-paragrafu 1 u 2, inkluż l-identifikazzjoni ta' servizzi addizzjonali li CTP li jistgħu jżidu l-effiċjenza tas-suq.

L-AETS għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015 fir-rigward tal-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikoli 6 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u sat-3 ta' Lulju 2015 fir-rigward tal-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikoli 10 u 21 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jikkjarifikaw x'jikkostitwixxi bażi kummerċjali raġonevoli biex ikun ipprovdut aċċess għal data streams kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

8. L-AETS għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-mezzi li bihom is-CTP tista' tikkonforma mal-obbligi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2;

(b) il-kontenut tal-informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafi 1 u 2;

(c) l-istrumenti finanzjarji li data dwarhom għandha tkun ipprovduta fid-data stream u għal strumenti nonazzjonarji, iċ-ċentri ta' negozjar u l-APAs li jeħtieġ li jiġu inklużi;

(d) mezzi oħra biex jiġi żgurat li d-data ppubblikata minn CTPs differenti tkun konsistenti u tippermetti mmappjar komprensiv u kontroreferenza ma' data simili minn sorsi oħra, u tkun tista' tiġi aggregata fil-livell tal-Unjoni;

(e) ir-rekwiżiti organizzattivi konkreti stipulati fil-paragrafi 4, u 5.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## Taqsima 4

## **Kundizzjonijiet għal ARMs**

### *Artikolu 66*

### **Rekwiżiti organizzattivi**

1. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li ARM ikollha fis-seħħ linji ta' politika u arranġamenti biex jirrappurtaw l-informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 kemm jista' jkun malajr, u mhux iktar tard mill-għeluq tal-jum tax-xogħol ta' wara l-jum li fih tkun saret it-tranżazzjoni. It-tali informazzjoni għandha tkun irrapportata skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

2. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li l-ARM topera u żżomm arranġamenti amministrattivi effettivi mfassla biex jipprevjenu kunflitti ta' interess mal-klijenti tiegħu. B'mod partikolari, ARM li hu wkoll operatur tas-suq jew ditta ta' investiment għandu jittratta l-informazzjoni kollha miġbura b'mod nondiskriminatorju u għandu jopera u jżomm arranġamenti xierqa biex jiġu separati funzjonijiet differenti ta' negozju.

3. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li ARM ikollha fis-seħħ mekkaniżmi tajba ta' sigurtà mfassla biex jiggarantixxu s-sigurtà u l-awtentikazzjoni tal-mezzi tat-trasferiment ta' informazzjoni, jimminimizzaw ir-riskju tal-korruzzjoni tad-data u aċċess mhux awtorizzat u jipprevjenu kxif ta' informazzjoni, filwaqt li jżommu l-kunfidenzjalità tad-data f'kull ħin. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li s-ARM iżżomm riżorsi adegwati u jkollha fis-seħħ faċilitajiet ta' back-up biex toffri u żżomm is-servizzi tagħha f'kull ħin.

4. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi li l-ARM jkollha fis-seħħ sistemi li jistgħu effettivament jiċċekkjaw rapporti ta' tranżazzjoni għall-kompletezza, jidentifikaw omissjonijiet u żbalji ovvji kkawżati mid-ditta ta' investiment u fejn jiġri tali żball jew omissjoni, jikkomunikaw id-dettalji tal-iżball jew l-omissjoni lid-ditta ta' investiment u jitolbu ritrażmissjoni ta' kwalunkwe tali rapporti żbaljati.

L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jirrikjedi wkoll li l-ARM ikollha fis-seħħ sistemi li jippermettu lill-ARM tinduna bi żbalji jew omissjonijiet ikkawżati mill-ARM innifisha u jippermettiulill-ARM tikkoreġi u tittrażmetti, jew tittrażmetti mill-ġdid skont il-każ, rapporti ta' tranżazzjonijiet korretti u kompleti lill-awtorità kompetenti.

5. L-AETS għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-mezzi li bihom l-ARM tista' tikkonforma mal-obbligu tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1; u

(b) ir-rekwiżiti organizzattivi konkreti stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TITOLU VI

**AWTORITAJIET KOMPETENTI**

*KAPITOLU I*

***Ħatra, setgħat u proċeduri ta' rimedju***

*Artikolu 67*

**Ħatra tal-awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti li għandhom iwettqu d-dmirijiet kollha previsti fid-dispożizzjonijiet differenti tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-identità tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jinforzaw kull wieħed minn dawn id-dmirijiet, u b'kull taqsim ta' dawn id-dmirijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu awtoritajiet pubbliċi, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu ddelegati kompiti lil entitajiet oħra meta dan ikun previst espliċitament fl-Artikolu 29(4).

Kull delega ta' kompiti lil entitajiet oħra għajr lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma tista' tinvolvi la l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u lanqas l-użu tas-setgħat diskrezzjonali tal-ġudizzju. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu illi, qabel jagħtu delega, l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-passi raġonevoli kollha sabiex jiżguraw illi l-entità li lilha se jiġu ddelegati l-kompiti jkollha l-kapaċità u r-riżorsi sabiex twettaq b'mod effettiv il-kompiti kollha u li din id-delega tingħata biss jekk ikun ġie stabbilit qafas iddefinit biċ-ċar u ddokumentat għall-eżerċizzju ta' kull kompitu ddelegat li jagħti l-kompiti li jridu jitwettqu u l-kundizzjonijiet li bihom iridu jitwettqu. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu klawżola li tobbliga lill-entità kkonċernata taġixxi u tkun organizzata b'mod li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess u jkun żgurat li t-tagħrif miksub mit-twettiq tal-kompiti ddelegati ma jintużax b'mod mhux ġust jew biex jipprevjeni l-kompetizzjoni. Ir-responsabbiltà aħharija għas-superviżjoni tal-konformità ma' din id-Direttiva u mal-miżuri tagħha ta' implimentazzjoni għandha tkun f'idejn l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar kull arranġament li jkunu daħlu għalih rigward id-delega tal-kompiti, inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi li jirregolaw din id-delega.

3. L-AETS għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fis-sit elettroniku tagħha.

*Artikolu 68*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fl-istess Stat Membru**

Jekk Stat Membru jaħtar iktar minn awtorità kompetenti waħda biex tinforza dispożizzjoni ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għandhom jiġu ddefiniti biċ-ċar ir-rwoli rispettivi ta' dawn l-awtoritajiet u huma għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin.

Kull Stat Membru għandu jirrikjedi illi din il-kooperazzjoni sseħħ ukoll bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-għanijiet ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli f'dak l-Istat Membru għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, tal-fondi tal-pensjonijiet, tal-UCITS, tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu illi l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw kull tagħrif li jkun essenzjali jew rilevanti għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom.

*Artikolu 69*

**Setgħat superviżjorji**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat superviżorji kollha, inklużi s-setgħat investigattivi u s-setgħat li jimponu rimedji, li jkunu meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva u taħt ir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

2. Is-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu, mill-anqas, is-setgħat li ġejjin:

(a) li jkollhom aċċess għal kull dokument jew data oħra f'kull għamla li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li jista' jkun rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha u li jirċievu jew jieħdu kopja tagħhom;

(b) li jirrikjedu jew jitolbu l-provvista ta' tagħrif mingħand kull persuna u, jekk ikun meħtieġ, isejħu u jinterrogaw lil kull persuna bil-ħsieb li jiksbu t-tagħrif;

(c) li jwettqu spezzjonijiet jew investigazzjonijiet fuq il-post;

(d) li jirrikjedu reġistrazzjonijiet ta' konversazzjonijiet telefoniċi jew komunikazzjonijiet elettroniċi jew rekords oħra tad-data dwar it-traffiku miżmuma minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu, jew kwalunkwe entità oħra regolata minn din id-Direttiva jew mir-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(e) jirrikjedu l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi, jew it-tnejn li huma;

(f) jirrikjedu l-projbizzjoni temporanja tal-attività professjonali;

(g) jirrikjedu li l-awdituri ta' ditti ta' investiment, fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data u swieq regolati awtorizzati jipprovdu t-tagħrif;

(h) jirreferu kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali;

(i) jippermettu lill-awdituri jew lill-esperti jwettqu verifiki jew investigazzjonijiet;

(j) jirrikjedu jew jitolbu l-provvista ta' tagħrif, inkluż kull dokument rilevanti, dwar id-daqs u l-għan ta' pożizzjoni jew ta' esponiment li wieħed ikun daħal għalihom permezz ta' derivattiv tal-komoditajiet, u dwar kwalunkwe assi jew obbligazzjonijiet li jkun hemm fis-suq sottostanti;

(k) jirrikjedu l-waqfien temporanju jew permanenti ta' kwalunkwe prattika jew kondotta li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li hija kuntrarja għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jipprevjenu r-repetizzjoni ta' dik il-prattika jew kondotta;

(l) jadottaw kull tip ta' miżura biex jiżguraw li d-ditti ta' investment, is-swieq regolati u persuni oħrajn li għalihom tapplika din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, jissoktaw jikkonformaw mar-rekwiżiti ġuridiċi;

(m) jirrikjedu s-sospensjoni tal-kummerċ fi strument finanzjarji;

(n) jirrikjedu t-tneħħija ta' strument finanzjarju mill-kummerċ, kemm jekk f'suq regolat jew taħt arranġamenti oħra kummerċjali;

(o) jitolbu lil kwalunkwe persuna tieħu passi biex tnaqqas id-daqs ta' pożizzjoni jew esponiment;

(p) jillimitaw l-abbiltà ta' kwalunkwe persuna biex tidħol f'derivattiv tal-komoditajiet, inkluż bl-introduzzjoni tal-limiti fuq id-daqs ta' pożizzjoni li kwalunkwe persuna jista' jkollha f'kull ħin skont l-Artikolu 57 ta' din id-Direttiva;

(q) joħorġu avviżi pubbliċi;

(r) jirrkjedu, sa fejn ikun permess mid-dritt nazzjonali, rekords eżistenti tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjonijiet, meta jeżisti suspett raġonevoli ta' tali ksur u fejn tali rekords jistgħu jkunu rilevanti għall-investigazzjoni ta' ksur ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(s) jissospendu l-kummerċjalizzazzjoni jew il-bejgħ ta' strumenti finanzjarji jew depożiti strutturati fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 40, 41 jew 42 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(t) jissospendu l-kummerċjalizzazzjoni jew il-bejgħ ta' strumenti finanzjarji jew depożiti strutturati fejn id-ditta ta' investiment ma tkunx żviluppat jew applikat proċess effettiv ta' approvazzjoni tal-prodott jew inkella naqset milli tkun konformi mal-Artikolu 16(3) ta' din id-Direttiva;

(u) jirrikjedu t-tneħħija ta' persuna fiżika mill-bord maniġerjali ta' ditta ta' investiment jew operatur tas-suq.

Sat-3 ta' Lulju 2016, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu l-paragrafi 1 u 2 lill-Kummissjoni u l-AETS. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-AETS mingħajr dewmien indebitu bi kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm mekkaniżmi fis-seħħ biex jiżguraw li l-kumpens jista' jitħallas jew azzjoni ta' rimedju tista' tiġi meħuda skont id-dritt nazzjonali għal kwalunkwe telf finanzjarju jew dannu sofrut bħala riżultat ta' ksur ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

*Artikolu 70*

**Sanzjonijiet għal ksur**

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji inklużi s-setgħat ta' investigazzjoni u s-setgħat li jiġu imposti rimedji tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 69 u l-obbligu tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi applikabbli għall-ksur kollu ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li huma jiġu implimentati. Tali sanzjonijiet u miżuri għandhom ikunu effettivi, proprzjonati u dissważivi u għandhom japplikaw għal ksur anki meta ma jissemmewx speċifikament fil-paragrafi 3, 4 u 5.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistipulawx regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għal ksur li huwa soġġett għal sanzjonijiet kriminali taħt id-dritt nazzjonali tagħhom. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt kriminali.

Sat-3 ta' Lulju 2016 l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu dan l-Artikolu, inkluż kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dritt kriminali rilevanti, lill-Kummissjoni u lill-AETS. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-AETS mingħajr dewmien indebitu bi kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn japplikaw obbligi għad-ditti ta' investiment, l-operaturi tas-suq, il-fornituri ta' servizzi tar-rapportar tad-data, l-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward ta' servizzi ta' investiment jew attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari, u fergħi ta' ditti ta' pajjiżi terzi f'każ ta' ksur, jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet u miżuri, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi nazzjonali f'oqsma mhux armonizzati minn din id-Direttiva, lill-membri tal-korp maniġerjali tad-ditti ta' investiment u tal-operaturi tas-suq, u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li, skont id-dritt nazzjonali, huma responsabbli ta' ksur.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas ksur tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu jiġi kkunsidrat bħala ksur ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014:

(a) fir-rigward ta' din id-Direttiva:

(i) il-punt (b) tal-Artikolu 8;

(ii) l-Artikolu 9 (1) sa (6);

(iii) l-Artikolu 11 (1) u (3);

(iv) l-Artikolu 16 (1) sa (11);

(v) l-Artikolu 17 (1) sa (6);

(vi) l-Artikolu 18 (1) sa (9) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(10);

(vii) l-Artikoli 19 u 20;

(viii) l-Artikolu 21(1);

(ix) l-Artikolu 23(1), (2) u (3);

(x) l-Artikolu 24(1) sa (5) u (7) sa (10) u l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 24(11);

(xi) l-Artikolu 25(1) sa (6);

(xii) it-tieni sentenza tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 26(2) u (3);

(xiii) l-Artikolu 27(1) sa (8);

(xiv) l-Artikolu 28(1) u (2);

(xv) l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(2), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 29(2), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 29(3), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(4), u l-Artikolu 29(5);

(xvi) it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(1), l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(3);

(xvii) l-Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 31(3);

(xviii) l-Artikolu 32(1), l-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 32(2);

(xix) l-Artikolu 33(3);

(xx) l-Artikolu 34(2), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 34(4), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 34(5), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 34(7);

(xxi) l-Artikolu 35(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(7), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 35(10);

(xxii) l-Artikolu 36(1);

(xxiii) l-ewwel subparagrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(1), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(2);

(xxiv) ir-rabà subparagrafu tal-Artikolu 44(1), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 44(5);

(xxv) l-Artikolu 45(1) sa (6) u (8);

(xxvi) l-Artikolu 46(1), l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 46(2);

(xxvii) l-Artikolu 47;

(xxviii) l-Artikolu 48(1) sa (11);

(xxix) l-Artikolu 49(1);

(xxx) l-Artikolu 50(1);

(xxxi) l-Artikolu 51(1) sa (4) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 51(5);

(xxxii) l-Artikolu 52(1), l-ewwel, it-tieni u l-ħames subparagrafi tal-Artikolu 52(2);

(xxxiii) l-Artikolu 53(1), (2) u (3) u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(6), l-Artikolu 53(7);

(xxxiv) l-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 54(2) u l-Artikolu 54(3);

(xxxv) l-Artikolu 57(1) u (2), l-Artikolu 57(8) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 57(10);

(xxxvi) l-Artikolu 58(1) to (4);

(xxxvii) l-Artikolu 63(1), (3) u (4);

(xxxviii) l-Artikolu 64(1) sa (5);

(xxxix) l-Artikolu 65(1) sa (5);

(xxxx) l-Artikolu 66(1) sa (4); u

(b) fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 600/2014:

(i) l-Artikolu 3(1) u (3);

(ii) l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3);

(iii) l-Artikolu 6;

(iv) l-ewwel sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(1);

(v) l-Artikolu 8(1), (3) u (4);

(vi) l-Artikolu 10;

(vii) l-ewwel sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(3);

(viii) l-Artikolu 12(1);

(ix) l-Artikolu 13(1);

(x) l-Artikolu 14(1), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(2) u t-tieni, it-tielet u rabà sentenza tal-Artikolu 14(3);

(xi) l-ewwel subparagrafu u l-ewwel u t-tielet sentenzi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 15(2) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 15(4);

(xii) it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1);

(xiii) l-Artikolu 18(1) u (2), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(4), u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(5), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(6) l-Artikolu 18(8) u (9);

(xiv) l-Artikolu 20(1) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 20(2);

(xv) l-Artikolu 21(1), (2) u (3);

(xvi) l-Artikolu 22(2);

(xvii) l-Artikolu 23(1) u (2);

(xviii) l-Artikolu 25(1) u (2);

(xix) l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(1), l-Artikolu 26(2) sa (5), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(6), l-ewwel sal-ħames u t-tmien subparagrafu tal-Artikolu 26(7);

(xx) l-Artikolu 27(1);

(xxi) l-Artikolu 28(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(2);

(xxii) l-Artikolu 29(1) u (2);

(xxiii) Artikolu 30(1);

(xxiv) l-Artikolu 31(2) u (3);

(xxv) l-Artikolu 35(1), (2) u (3);

(xxvi) l-Artikolu 36(1), (2) u (3);

(xxvii) l-Artikolu 37(1) u (3);

(xxviii) l-Artikoli 40, 41 u 42.

4. L-għoti ta' servizzi ta' investiment jew it-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment mingħajr l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni rikjesta skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din id-Direttiva jew ta' dan ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu wkoll jitqies li jkun ksur ta' din id-Direttiva jew ta' dan ir-Regolament (UE) Nru 600/2014:

(a) l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 34, 35, 39, 44 jew 59 ta' din id-Direttiva; jew

(b) it-tielet sentenza tal-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

5. In-nuqqas ta' kooperazzjoni jew konformità ma' investigazzjoni jew spezzjoni jew talba koperta mill-Artikolu 69 għandhom jitqiesu wkoll bħala ksur ta' din id-Direttiva.

6. Fil-każ ta' ksur imsemmi fil-paragrafi 3, 4 u 5, l-Istati Membri għandhom, f'konformita' mal-liġi nazzjonali, jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jieħdu u jimponu tall-anqas is-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew ġuridika u n-natura tal-ksur f'konformità mal-Artikolu 71;

(b) ordni li titlob lill-persuna fiżika jew ġuridika biex twaqqaf il-kondotta u li ma tirrepetix dik il-kondotta;

(c) fil-każ ta' ditta ta' investiment, operatur tas-suq awtorizzat li jopera MTF jew OTF, suq regolat, APA, CTP u ARM, l-irtirar jew is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni skont l-Artikoli 8, 43 u 65;

(d) projbizzjoni temporanja jew, f'każ ta' ksur serju ripetut, permanenti kontra kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali tad-ditta ta' investiment jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li hija miżmuma responsabbli, biex teżerċita funzjonijiet maniġerjali fid-ditti ta' investiment;

(e) projbizzjoni temporanja fuq kwalunkwe ditta ta' investiment li tkun membru jew parteċipant fi swieq regolati jew MTFs jew kwalunkwe klijent ta' OTFs;

(f) fil-każ ta' persuna ġuridika, multi ta' mhux inqas minn EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014, jew sa massimu ta' 10 % tal-fatturat totali annwali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali; fejn il-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarja tal-impriża prinċipali li għandha tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati skont id- Direttiva 2013/34/KE, il-fatturat totali annwali rilevanti għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip korrispondenti ta' introjtu f'konformità mal-atti leġislattivi rilevanti dwar il-kontabilità skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali ewlenija;

(g) f'każ ta' persuna fiżika, multi amministrattivi massimi tal-anqas ta' EUR 5 000 000, jew fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fit-2 ta' Lulju 2014.

(h) multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas id-doppju tal-ammont tal-benefiċċju meħud mill-ksur fejn dak il-benefiċċju jista' jiġi determinat, anki jekk jaqbeż l-ammonti massimi fil-punti (f) u (g).

7. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti jimponu tipi ta' sanzjonijiet minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 6 jew li jimponu multi li jaqbżu l-ammonti msemmija fil-punti (f), (g) u (h) tal-paragrafu 6.

*Artikolu 71*

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw kwalunkwe deċiżjoni li timponi sanzjoni jew miżura għall-ksur tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq is-siti elettroniċi uffiċjali tagħhom mingħajr dewmien wara li l-persuna li fuqha s-sanzjoni ġiet imposta tkun ġiet infurmata dwar dik id-deċiżjoni. Il-pubblikazzjoni tkun tinkludi għall-inqas informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli. Dak l-obbligu ma japplikax għal deċiżjonijiet li jimponu miżuri li huma ta' natura investigattiva.

Madankollu, fejn il-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuni ġuridiċi jew tad-data personali tal-persuni fiżiċi titqies bħala sproporzjonata mill-awtorità kompetenti b'segwitu għall-valutazzjoni ta' kull każ individwali mwettqa dwar il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' din id-data, jew fejn il-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni li tkun għaddejja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom:

(a) jiddiferixxu l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiġi imposta s-sanzjoni jew miżura sal-mument meta r-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jibqgħux jeżistu;

(b) jippubblikaw id-deċiżjoni li tiġi imposta s-sanzjoni jew miżura fuq bażi anonima b'mod li jikkonforma mal-liġi nazzjonali, jekk tali pubblikazzjoni anonima tkun tiżgura ħarsien effettiv tad-data personali kkonċernata;

(c) ma jippubblikawx id-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura f'każ li l-għażliet stipulati fil-punti (a) u (b) hawn fuq jitqiesu insuffiċjenti biex jiżguraw:

(i) li ma tiġix mhedda l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji;

(ii) il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni tat-tali deċiżjonijiet fir-rigward ta' miżuri li jitqiesu ta' natura minuri.

Fil-każ ta' deċiżjoni li tiġi ppubblikata sanzjoni jew miżura fuq bażi anonima, il-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tista' tiġi posposta għal perjodu raġonevoli ta' żmien jekk ikun maħsub li f'dak il-perijodu r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima ma jkunux ser jibqgħu jeżistu.

2. Meta d-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni jew miżura tkun soġġetta għal appell quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti jew awtoritajiet rilevanti oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jippubblikaw, immedjatament, fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom din l-informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar ir-riżultat ta' tali appell. Barra minn hekk, għandha tiġi ppubblikata wkoll kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni preċedenti biex tiġi imposta sanzjoni jew miżura.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe pubblikazzjoni bi qbil ma' dan l-Artikolu għandha tibqa' fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara l-pubblikazzjoni tagħha. Id-data personali li tkun tinsab fil-pubblikazzjoni għandha tinżamm fuq il-websajt uffiċjali tal-awtorità kompetenti għall-perjodu li hu meħtieġ bi qbil mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data biss.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-AETS dwar is-sanzjonijiet amministrattivi kollha imposti imma mhux ippubblikati skont il-punt (c) tal-paragrafu 1, flimkien ma' kwalunkwe appell li jkun sar fir-rigward tagħhom u l-eżitu tiegħu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirċievu l-informazzjoni u s-sentenza finali fir-rigward ta' kwalunkwe sanzjoni kriminali imposta u jippreżentawhom lill-AETS. L-AETS għandha żżomm database ċentrali tas-sanzjonijiet ikkomunikati lilha unikament għall-finijiet tal-iskambju ta' tagħrif bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dik id-database għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti biss u għandha tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Kull sena l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-AETS l-informazzjoni aggregata rigward is-sanzjonijiet u l-miżuri kollha imposti skont il-paragrafi 1 u 2. Dak l-obbligu ma japplikax għal miżuri ta' natura investigattiva. L-AETS għandha tippubblika dik l-informazzjoni f'rapport annwali.

Meta l-Istati Membri jkunu għażlu li, bi qbil mal-Artikolu 70, jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmijin f'dak l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom, annwalment, jipprovdu lill-AETS b'data anonimizzata u aggregata rigward l-investigazzjonijiet kriminali kollha li jkunu twettqu u l-pieni kriminali kollha li jkunu ġew imposti. L-AETS għandha tippubblika d-data dwar is-sanzjonijiet kriminali imposti f'rapport annwali.

5. Meta l-awtorità kompetenti tkun żvelat lill-pubbliku miżura amministrattiva, sanzjoni jew sanzjoni kriminali, hija għandha, fl-istess ħin, tirrapporta dak il-fatt lill-AETS.

6. Meta sanzjoni kriminali jew amministrattiva ppubblikata tirrigwarda ditta tal-investiment, operatur tas-suq, fornitur ta' servizzi ta' rapportar tad-data, istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment jew servizzi anċillari, jew fergħa ta' ditti minn pajjiżi terzi awtorizzati f'konformita' ma' din id-Direttiva, l-AETS għandha żżid referenza għas-sanzjoni ppubblikata fir-reġistru rilevanti.

7. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-proċeduri u l-formoli għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu bi qbil mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 72*

**Eżerċitar tas-setgħat superviżorji u tas-setgħat ta' impożizzjoni ta' sanjonijiet**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji, inklużi s-setgħat investigattivi u s-setgħat għall-impożizzjoni ta' rimedji, imsemmijin fl-Artikolu 69, u s-setgħat ta' impożizzjoni ta' sanjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 70 f'konformita' mal-oqfsa ġuridiċi nazzjonali tagħhom:

(a) direttament;

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom permezz ta' delega lill-entitajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti skont l-Artikolu 67(2); jew

(d) permezz ta' applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, meta jkunu qed jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' sanzjoni jew miżura amministrattiva imposta fl-eżerċitar tas-setgħat ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 70, iqisu ċ-ċirkustanzi kollha relevanti inkluż, fejn ikun xieraq:

(a) il-gravità u d-durata tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika, kif indikat b'mod partikolari mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew id-dħul annwali u l-assi netti tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew telf evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika, sakemm dawn ikunu jistgħu jkunu determinati;

(e) it-telf għall-partijiet terzi kkawżat mill-ksur, sakemm dan ikun jista' jkun determinat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mal-awtorità kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata r-restituzzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(g) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew legali responsabbli.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu fatturi addizzjonali apparti dawk imsemmijin fl-ewwel subparagrafu preċedenti fid-determinazzjoni tat-tip u l-livell ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi.

*Artikolu 73*

**Rapportar ta' ksur**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmi effikaċi biex jippermettu rapportar ta' ksur potenzjali jew effettiv tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti.

Bħala minimu, il-mekkaniżmi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċezzjoni ta' rapporti dwar ksur potenzjali jew effettiv u s-segwitu li jingħata għalihom, inkluż l-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni siguri għat-tali rapporti;

(b) protezzjoni xierqa għall-impjegati ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jirrapportaw ksur li jsir fl-istituzzjoni finanzjarja tal-inqas kontra ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew tipi oħrajn ta' trattament inġust;

(c) protezzjoni tal-identità kemm tal-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll tal-persuna fiżika li hija allegatament responsabbli għall-ksur, fl-istadji kollha tal-proċeduri sakemm tali divulgazzjoni ma tkunx rikjesta mid-dritt nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjoni ulterjuri jew proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji sussegwenti.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-ditti ta' investiment, l-operaturi tas-suq, il-fornituri ta' servizzi ta' rapportar tad-data, l-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tas-servizzi jew attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari, u l-fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi jkollhom fis-seħħ proċeduri xierqa għall-impjegati tagħhom biex jirrapportaw ksur potenzjali jew effettiv internament permezz ta' kanal speċifiku, indipendenti u awtonomu.

*Artikolu 74*

**Dritt ta' appell**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi kull deċiżjoni meħuda skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva tkun irraġunata kif xieraq u tkun soġġetta għad-dritt ta' appell quddiem tribunal. Id-dritt ta' appell quddiem tribunal għandu japplika wkoll meta, fir-rigward ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni li tipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ, ma tittieħed l-ebda deċiżjoni fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu illi korp jew korpi minn dawn li ġejjin, kif determinati mid-dritt nazzjonali, ukoll ikunu jistgħu, fl-interess tal-konsumaturi u bi qbil mad-dritt nazzjonali, jieħdu azzjoni quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti sabiex jiżguraw illi jkunu qed jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva:

(a) il-korpi pubbliċi jew ir-rappreżentanti tagħhom;

(b) l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur li jkollhom interess leġittimu li jipproteġu lill-konsumaturi;

(c) l-organizzazzjonijiet professjonali li jkollhom interess leġittimu li jaġixxu sabiex jipproteġu lill-membri tagħhom.

*Artikolu 75*

**Mekkaniżmu extra ġudizzjarju għall-ilmenti tal-konsumaturi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti u effikaċi għal ilmenti u rimedju għar-riżoluzzjoni barra l-qorti tat-tilwim ta' konsumaturi li jirrigwarda l-provvediment ta' servizzi tal-investiment u ta' servizzi anċillari mid-ditti tal-investiment, bl-użu tal-korpi eżistenti meta dan ikun xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li d-ditti kollha ta' investiment ikunu membri f'korp jew korpi ta' dan it-tip li jimplimentaw it-tali proċeduri għal ilmenti u rimedju.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-korpi jikkooperaw b'mod attiv ma' korpi simili fl-Istati Membri l-oħra sabiex fir-riżoluzzjoni tat-tilwim transkonfinali.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-AETS dwar il-proċeduri għal ilmenti u rimedju msemmija fil-paragrafu 1 li huma disponibbli fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom.

L-AETS għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista tal-mekkaniżmi *extra* ġudizzjarji kollha fis-sit elettroniku tagħha.

*Artikolu 76*

**Sigriet professjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, il-persuni kollha li jaħdmu jew li jkunu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati l-kompiti skont l-Artikolu 67(2), kif ukoll l-awdituri u l-esperti mogħtija struzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti jkunu marbuta bl-obbligu tas-sigriet professjonali. Huma ma għandhom jiddivulgaw l-ebda tagħrif kunfidenzjali li jistgħu jirċievu fit-twettiq ta' dmirijiethom, għajr f'għamla sommarja jew aggregata hekk li d-ditti ta' investiment individwali, l-operaturi tas-suq, is-swieq regolati jew kwalunkwe persuna oħra ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-dritt kriminali jew fiskali nazzjonali jew għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

2. Meta ditta ta' investment, operatur tas-suq jew suq regolat ikunu ġew iddikjarati bħala falluti, jew ikunu obbligati li jiġu stralċati, jista' jiġi ddivulgat tagħrif kunfidenzjali li ma jirrigwardax lil partijiet terzi fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali jekk dan ikun meħtieġ sabiex jitwettqu dawn il-proċedimenti.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-dritt kriminali jew fiskali nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti, il-korpi jew il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għajr l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu tagħrif kunfidenzjali skont din id-Direttiva jew skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jistgħu jużawh biss fit-twettiq ta' dmirijiethom u għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom, fil-każ tal-awtoritajiet kompetenti, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew, fil-każ tal-awtoritajiet, il-korpi jew il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi l-oħrajn, għall-fini li għalih dan it-tagħrif ikun ingħatalhom u/jew fil-kuntest ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji li jkollhom x'jaqsmu b'mod speċifiku mal-eżerċitar ta' dawk il-funzjonijiet. Madankollu, meta l-awtorità kompetenti jew kull awtorità, korp jew persuna oħra li tikkomunika t-tagħrif tagħti l-kunsens tagħha għal dan, l-awtorità li tirċievi t-tagħrif tista' tużah għal finijiet oħra.

4. Kull tagħrif kunfidenzali rċevut, skambjat jew trażmess skont din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu soġġett għall-kondizzjonijiet tas-sigriet professjonali stabbiliti f'dan l-Artikolu. Madankollu, dan l-Artikolu ma għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrażmettu tagħrif kunfidenzjali bi qbil ma' din id-Direttiva jew mar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u mad-Direttivi jew ir-Regolamenti l-oħra li japplikaw għad-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-fondi tal-pensjonijiet, l-UCITS, l-AIF, l-intermedjarji fl-oqsma tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi ta' assigurazzjoni, is-swieq regolati jew l-operaturi tas-suq, is-CCPs, is-CSDs, jew b'mod ieħor bil-kunsens tal-awtorità kompetenti jew tal-awtorità jew korp jew persuna fiżika jew ġuridika oħrajn li jkunu kkomunikaw it-tagħrif.

5. Dan l-Artikolu ma għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrażmettu, bi qbil mad-dritt nazzjonali, tagħrif kunfidenzjali li ma jkunx ġie rċevut mingħand awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

*Artikolu 77*

**Relazzjonijiet mal-awdituri**

1. L-Istati Membri għandhom għall-inqas jipprevedu illi kull persuna awtorizzata skont it-tifsira Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li tkun twettaq, f'ditta tal-investiment, suq regolat jew fornitur ta' servizzi ta' rapportar tad-data il-kompitu deskritt fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2013/34/UE, jew fl-Artikolu 73 tad-Direttiva 2009/65/KE jew kull kompitu ieħor preskritt mid-dritt, għandu jkollha d-dmir li tirrapporta fil-pront lill-awtoritajiet kompetenti kull fatt jew deċiżjoni li jirrigwardaw lil dik l-impriza u li din il-persuna tkun saret konxja minnhom fit-twettiq ta' dan il-kompitu u li jistgħu:

(a) jikkostitwixxu ksur materjali tal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni jew li jirregolaw b'mod speċifiku t-twettiq tal-attivitajiet tad-ditti ta' investment;

(b) jaffettwaw il-funzjonament kontinwu tad-ditta ta' investiment;

(c) iwasslu għar-rifjut li jiġu ċċertifikati l-kontijiet jew għall-espressjoni ta' riżervi.

Din il-persuna għandu jkollha d-dmir ukoll li tirrapporta kull fatt u deċiżjoni li ssir konxja minnhom hija u twettaq wieħed mill-kompiti msemmija fl-ewwel subparagrafu f'impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' investiment li fiha tkun qiegħda twettaq dan il-kompitu.

2. Id-divulgazzjoni in bona fede lill-awtoritajiet kompetenti minn persuni awtorizzati skont it-tifsira tad-Direttiva 2006/43/KE, ta' kull fatt jew deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tikkostitwixxi ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni kuntrattwali jew ġuridika dwar id-divulgazzjoni tat-tagħrif u ma għandu jimplika l-ebda responsabbiltà għal din il-persuna.

*Artikolu 78*

**Protezzjoni tad-data**

L-ipproċessar tad-data personali miġbura fl-eżerċitar jew għall-iskop tal-eżerċitar tas-setgħat superviżorji, inklużi s-setgħat investigattivi bi qbil ma' din id-Direttiva għandu jsir bi qbil mad-dritt nazzjonali fejn tkun implimentata d-Direttiva 95/46/KE u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 fejn applikabbli.

*KAPITOLU II*

***Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mal-AETS***

*Artikolu 79*

**Obbligu ta' kooperazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri differenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin fejn dan ikun meħtieġ sabiex iwettqu dmirijiethom skont din id-Direttiva jew skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, jużaw is-setgħat tagħhom, kemm jekk huma stabbiliti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew fid-dritt nazzjonali.

Meta l-Istati Membri jkunu għażlu, bi qbil mal-Artikolu 70, li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu, huma għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ il-miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat kollha meħtieġa biex jikkollaboraw mal-awtoritajiet ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirċievu informazzjoni speċifika relatata ma' investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali mibdija minħabba ksur possibbli ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u jipprovdu l-istess lil awtoritajiet kompetenti oħra u lill-AETS biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin u mal-AETS għall-finijiet ta' din id-Direttva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

([1]) Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu assistenza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. B'mod partikulari, għandhom jiskambjaw it-tagħrif u jikkooperaw f'kull investigazzjoni jew attività superviżorja.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jikkooperaw mal-awtoritajiet kompete nti ta' Stati Membri oħra fir-rigward taliffaċilitar tal-irkupru ta' multi.

Sabiex jiffaċilitaw u jaċċeleraw il-kooperazzjoni u, b'mod aktar partikolari, l-iskambju ta' tagħrif, l-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità kompetenti waħda bħala punt ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, lill-AETS u lill-Istati Membri l-oħra, lismijiet tal-awtoritajiet li jkunu nħatru sabiex jirċievu t-talbiet għall-iskambju ta' tagħrif u għall-kooperazzjoni skont dan il-paragrafu. L-AETS għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' dawk l-awtoritajiet fuq is-sit elettroniku tagħha.

2. Meta, wara li titqies is-sitwazzjoni tas-swieq tat-titoli fl-Istat Membru ospitanti, l-operazzjonijiet ta' ċentru ta' negozjar li jkun stabbilixxa arranġamenti fi Stat Membru ospitanti jkunu saru ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti taċ-ċentru ta' negozjar għandhom jistabbilixxu arranġamenti proporzjonati għall-kooperazzjoni bejniethom.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi u organizzattivi meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-assistenza prevista fil-paragrafu 1.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw is-setgħat tagħhom sabiex jikkooperaw bejniethom, anke meta l-kondotta li tkun qed tiġi investigata ma tkun tikkostitwixxi l-ksur tal-ebda regolament fis-seħħ f'dak l-Istat Membru.

4. Meta awtorità kompetenti jkollha raġunijiet tajba biex tissuspetta li jkunu qegħdin jitwettqu jew li jkunu twettqu atti li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fit-territorju ta' Stat Membru ieħor minn entitajiet li mhumiex soġġetti għas-superviżjoni tagħha, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor u lill-AETS bl-aktar mod speċifiku possibbli. L-awtorità kompetenti nnotifikata għandha tieħu l-azzjoni adatta. Hija għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti li tkun bagħtet in-notifika u lill-AETS dwar l-eżitu tal-azzjoni u, safejn ikun possibbli, dwar l-iżviluppi sinifikanti fl-interim. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtorità kompetenti li tkun bagħtet in-notifika.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra bid-dettalji ta':

(a) kwalunkwe talbiet għat-tnaqqis fid-daqs ta' pożizzjoni jew esponiment skont il-punt (o) tal-Artikolu 69(2);

(b) kwalunkwe limiti fuq il-kapaċità ta' persuni li jidħlu fi strument skont il-punt (p) tal-Artikolu 69(2).

In-notifika għandha tinkludi, fejn relevanti, id-dettalji tar-rikjesta jew tat-talba skont il-punt (j) tal-Artikolu 69(2), inklużi lidentità tal-persuna jew persuni li lilhom tkun indirizzata u r-raġunijiet għaliha, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tallimiti introdotti skont il-punt (p) tal-Artikolu 69(2) inkluż il-persuna kkonċernata, l-istrumenti finanzjarji applikabbli, kwalunkwe limitu fuq id-daqs tal-pożizzjonijiet li l-persuna tkun tista' żżomm fi kwalunkwe mument, kwalunkwe eżenzjoni għalihom mogħtija f'konformita' mal-Artikolu 57, u r-raġunijiet għalihom.

In-notifiki għandhom isiru mhux inqas minn 24 siegħa qabel ma l-azzjonijiet jew il-miżuri jkunu intenzjonati li jidħlu fisseħħ. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tagħmel in-notifika inqas minn 24 siegħa qabel ma l-miżura tkun intenzjonata li tidħol fis-seħħ fejn ma jkunx possibbli li jingħata avviż ta' 24 siegħa.

Awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tirċievi notifika skont dan il-paragrafu tista' tieħu miżuri f'konformita' mal-punt (o) jew (p) tal-Artikolu 69(2) fejn tkun sodisfatta li l-miżura tkun meħtieġa biex jinkiseb l-għan tal-awtorità kompetenti loħra. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tagħti avviż bi qbil ma' dan il-paragrafu meta tipproponi li tieħu miżuri.

Meta azzjoni skont il-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tirrigwarda prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 713/2009.

6. Fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-korpi pubbliċi kompetenti għas-sorveljanza tas-swieq spot u tas-swieq bi rkant, u mal-awtoritajiet kompetenti. l-amministraturi tar-reġistri u korpi pubbliċi oħrajn responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE b'mod li jiġi żgurat li dawn ikun jista' jkollhom perspettiva ġenerali konsolidata tas-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet.

7. Fir-rigward tad-derivattivi ta' komoditajiet agrikoli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-korpi pubbliċi kompetenti għas-sorveljanza, l-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni ta' swieq agrikoli fiżiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u jikkooperaw magħhom.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 dwar il-miżuri sabiex jiġu stabbiliti l-kriterji skont liema l-attivitajiet ta' ċentru ta' negozjar fi Stat Membru ospitanti jistgħu jitqiesu li jkunu ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti.

9. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu bi qbil mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 80*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-attivitajiet superviżorji, għall-verifiki fuq il-post jew l-investigazzjonijiet**

1. Awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' titlob il-kooperazzjoni tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'attività superviżorja jew għal verifika fuq il-post jew f'investigazzjoni. Fil-każ tad-ditti ta' investiment li jkunu membri jew parteċipanti remoti ta' suq regolat, l-awtorità kompetenti tas-suq regolat tista' tagħżel li tindirizzahom direttament, f'liema każ għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-membru jew tal-parteċipant remoti kif jixraq.

Meta awtorità kompetenti tirċievi talba rigward verifika fuq il-post jew investigazzjoni, għandha, fil-qafas tas-setgħat tagħha:

(a) twettaq hija stess il-verifiki jew l-investigazzjonijiet;

(b) tippermetti lill-awtorità li tagħmel it-talba twettaq il-verifika jew l-investigazzjoni;

(c) tippermetti li awdituri jew esperti jwettqu l-verifika jew l-investigazzjoni.

2. Bil-għan li jkun hemm konverġenza tal-prattiki superviżorji, l-AETS tista' tipparteċipa fl-attivitajiet tal-kulleġġi tas-superviżuri, inkluż fil-verifiki fuq il-post u fl-investigazzjonijiet, imwettqa b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar bi qbil mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tagħrif li għandu jiġi skambjat bejn l-awtoritajiet kompetenti meta dawn ikunu qed jikkooperaw fl-attivitajiet superviżorji, fil-verifiki fuq il-post u fl-investigazzjonijiet.

L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu bi qbil mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn jikkooperaw fl-attivitajiet superviżorji, fil-verifiki fuq il-post u fl-investigazzjonijiet.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Qed tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu bi qbil mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 81*

**Skambju ta' tagħrif**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu nħatru bħala punti ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 f'konformita' mal-Artikolu 79(1) ta' din id-Direttiva għandhom ifornu minnufih lil xulxin it-tagħrif meħtieġ biex jitwettqu d-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti, maħtura bi qbil mal-Artikolu 67(1) ta' din id-Direttiva, stabbiliti fid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

L-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw it-tagħrif ma' awtoritajiet kompetenti oħra skont din id-Direttiva jew skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jistgħu jindikaw, fil-mument meta jagħmlu l-komunikazzjoni, li dan it-tagħrif ma jistax jiġi żvelat mingħajr il-qbil espliċitu tagħhom, f'liema każ dan it-tagħrif jista' jiġi skambjat biss għall-finijiet li għalihom dawk l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom.

2. L-awtorità kompetenti li tkun inħatret bħala l-punt ta' kuntatt bi qbil mal-Artikolu 79(1) tista' tittrażmetti t-tagħrif li tkun irċeviet skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont l-Artikoli 77 u 88 lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 67(1). Dawn ma għandhomx jittrażmettuh lil korpi jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn mingħajr il-qbil espliċitu tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu ddivulgawh u għandhom jagħmlu dan biss għall-finijiet li għalihom dawk l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom, għajr f'ċirkustanzi ġġustifikati kif dovut. F'dan il-każ tal-aħħar, il-punt ta' kuntatt għandu jgħarraf minnufih lill-punt ta' kuntatt li jkun bagħat it-tagħrif.

3. L-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 71 kif ukoll il-korpi jew il-persuni fiżiċi u ġuridiċi l-oħrajn li jirċievu tagħrif kunfidenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew skont l-Artikoli 77 u 88 jistgħu jużawh biss waqt li jkunu qed iwettqu dmirijiethom, b'mod partikulari:

(a) sabiex jiċċekkjaw illi jkunu qed jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' attività kummerċjali minn ditti ta' investiment u sabiex jiffaċilitaw il-monitoraġġ, fuq bażi kkonsolidata jew mhux ikkonsolidata, tat-tmexxija ta' dik l-attività kummerċjali, b'mod speċjali fir-rigward tar-rekwiżiti tal-adegwatezza kapitali imposti mid-Direttiva 2013/36/UE, il-proċeduri amministrattivi kontabbilistiċi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern;

(b) sabiex jimmonitorjaw il-funzjonament xieraq taċ-ċentri ta' negozjar;

(c) sabiex jimponu sanzjonijiet;

(d) fl-appelli amministrattivi kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti;

(e) fil-proċedimenti tal-qrati mibdija skont l-Artikolu 74;

(f) fil-mekkaniżmu *extra* ġudizzjarju għall-ilmenti tal-investituri previst fl-Artikolu 75.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-iskambju ta' tagħrif.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Qed tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu bi qbil mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. La dan l-Artikolu u lanqas l-Artikoli 76 jew 88 m'għandhom jipprevjenu lil awtorità kompetenti milli tittrażmetti lill-AETS, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, lill-banek ċentrali, lis-SEBĊ u lill-BĊE, fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji u, meta jkun xieraq, lill-awtoritajiet pubbliċi l-oħra responsabbli għas-sorveljanza tas-sistemi tal-ħlasijiet u tas-saldu, tagħrif kunfidenzjali maħsub għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. Bl-istess mod, dawn l-awtoritajiet jew korpi m'għandhomx jitwaqqfu milli jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti it-tali tagħrif li huma jistgħu jeħtieġu biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom previsti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

*Artikolu 82*

**Medjazzjoni vinkolanti**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu lill-AETS s-sitwazzjonijiet fejn talba relatata ma' waħda minn dawn li ġejjin tkun ġiet irrifjutata jew ma tkunx ittieħdet azzjoni dwarha fi żmien raġonevoli:

(a) biex titwettaq attività superviżorja, verifika fuq il-post jew investigazzjoni, kif previst fl-Artikolu 80; jew

(b) għall-skambju ta' tagħrif kif previst fl-Artikolu 81.

2. Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-AETS tista' taġixxi bi qbil mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltajiet li tirrifjuta li taġixxi fuq talba għal tagħrif previsti fl-Artikolu 83 ta' din id-Direttiva u għall-possibbiltà li l-AETS taġixxi bi qbil mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 83*

**Rifjut ta' kooperazzjoni**

Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għal kooperazzjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni, verifika fuq il-post jew attività superviżorja kif previst fl-Artikolu 84 jew li tiskambja t-tagħrif kif previst fl-Artikolu 81 biss meta:

(a) ikunu diġà nbdew il-proċedimenti ġudizzjarji rigward l-istess azzjonijiet u l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat;

(b) tkun diġà ngħatat is-sentenza finali fl-Istat Membru indirizzat rigward l-istess persuni u l-istess azzjonijiet.

Fil-każ ta' rifjut ta' dan it-tip, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba u lill-AETS kif meħtieġ, billi tipprovdi tagħrif kemm jista' jkun iddettaljat.

*Artikolu 84*

**Konsultazzjoni qabel l-awtorizzazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor involut għandhom jiġu kkonsultati qabel ma tingħata awtorizzazzjoni lil ditta tal-investiment li tkun kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) sussidjarja ta' ditta ta' investiment jew operatur tas-suq jew istituzzjoni ta' kreditu awtorizzati fi Stat Membru ieħor;

(b) sussidjarja ta' impriża prinċipali ta' ditta ta' investiment jew ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzati fi Stat Membru ieħor;

(c) ditta kkontrollata mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkontrollaw ditta ta' investiment jew istituzzjoni ta' kreditu awtorizzati fi Stat Membru ieħor.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew tal-impriżi ta' assigurazzjoni għandha tiġi kkonsultata qabel ma tingħata awtorizzazzjoni lil ditta ta' investiment jew operatur tas-suq li jkunu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' impriża ta' assigurazzjoni awtorizzata fl-Unjoni;

(b) sussidjarja tal-impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' impriża ta' assigurazzjoni awtorizzata fl-Unjoni;

(c) ikkontrollata mill-istess persuna, kemm fiżika u kemm ġuridika, li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' assigurazzjoni awtorizzata fl-Unjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkonsultaw lil xulxin b'mod partikulari meta jkunu qegħdin jivvalutaw l-adegwatezza tal-azzjonisti jew il-membri u l-fama u l-esperjenza tal-persuni li effettivament jidderieġu n-negozju involuti fil-ġestjoni ta' entità oħra tal-istess grupp. Huma għandhom jiskambjaw it-tagħrif kollu dwar l-adegwatezza tal-azzjonisti jew il-membri u dwar il-fama u l-esperjenza tal-persuni li effettivament jidderieġu n-negozju li jkun ta' rilevanza għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, għall-għoti ta' awtorizzazzjoni, kif ukoll għall-valutazzjoni kontinwa tal-konformità mal-kundizzjonijiet operattivi.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-konsultazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti oħra qabel tingħata awtorizzazzjoni.

L-AETS għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-3 ta' Jannar 2016.

Qed tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu bi qbil mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 85*

**Setgħat għall-Istati Membri ospitanti**

1. L-Istati Membri ospitanti għandhom jipprevedu li l-awtorità kompetenti tista', għal finijiet statistiċi, tirrikjedi li d-ditti ta' investiment kollha li jkollhom friegħi fit-territorji tagħhom jirrapportawlhom perjodikament dwar l-attivitajiet ta' dawn il-friegħi.

2. Huma u jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom skont din id-Direttiva, l-Istati Membri ospitanti għandhom jipprevedu li l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi li l-frieghi tad-ditti ta' investiment jipprovdu t-tagħrif meħtieġ għall-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mal-istandards iffissati mill-Istat Membru ospitanti li japplikaw għalihom fil-każijiet previsti fl-Artikolu 35(8). Dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux ikunu iktar stretti minn dawk li l-istess Stat Membru jimponi fuq id-ditti stabbiliti għall-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mal-istess standards.

*Artikolu 86*

**Miżuri ta' prekawzjoni li jridu jittieħdu mill-Istati Membri ospitanti**

1. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jintwerew sabiex temmen illi ditta ta' investiment li taġixxi ġewwa t-territorju tiegħu bil-libertà li tipprovdi servizzi tikser -obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva jew li ditta ta' investiment li jkollha fergħa fit-territorju tiegħu tikser l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva li ma jikkonferixxux setgħat fuq l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, hija għandha tirreferi dawn is-sejbiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew għax jintwera li t-tali miżuri huma inadegwati, id-ditta ta' investiment tippersisti li taġixxi f'manjiera li tkun ċara li hi ta' preġudizzju għall-interessi tal-investituri tal-Istat Membru ospitanti jew għall-funzjonament tajjeb tas-swieq, għandu japplika dan li ġej:

(a) wara li tkun informat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex tipproteġi lill-investituri u l-funzjonament tajjeb tas-swieq, li għandhom jinkludu l-possibbiltà ta' prevenzjoni għad-ditti ta' investiment trasgressuri milli jibdew kwalunkwe tranżazzjoni ulterjuri fit-territorji tiegħu. Il-Kummissjoni u l-AETS għandhom jiġu informati bit-tali miżuri mingħajr dewmien mhux dovut; u

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-AETS, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jaċċertaw ruħhom illi ditta ta' investiment li jkollha fergħa ġewwa t-territorju tiegħu tikser id-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew regolatorji adottati f'dak l-Istat Membru skont dawk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jikkonferixxu setgħat fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, dawn l-awtoritajiet għandhom jirrikjedu illi d-ditta tal-investiment ikkonċernata ttemm is-sitwazzjoni irregolari tagħha.

Jekk id-ditta tal-investiment ikkonċernata tonqos milli tieħu l-passi meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw illi d-ditta ta' investiment konċernata ttemm is-sitwazzjoni irregolari tagħha. In-natura ta' dawn il- għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

F'każ li, minkejja l-miżuri meħuda mill-Istat Membru ospitanti, id-ditta ta' investiment tippersisti fil-ksur tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tipproteġi lill-investituri u l-funzjonament tajjeb tas-swieq. Il-Kummissjoni u l-AETS għandhom jiġu informati b'tali miżuri mingħajr dewmien mhux dovut.

Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-AETS, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' suq regolat, ta' MTF jew ta' OTF ikollha raġunijiet ċari u li jistgħu jintwerew sabiex temmen illi t-tali suq regolat, MTF jew OTF jiksru l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, hi għandha tirreferi dawn is-sejbiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-suq regolat jew tal-MTF jew tal-OTF.

F'każ li, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew għax jinstab li dawn il-miżuri huma inadegwati, dak is-suq regolat jew l-MTF jew l-OTF jippersistu li jaġixxu f'manjiera li tkun ta' preġudizzju ċar għall-interessi tal-investituri tal-Istat Membru ospitanti jew tal-funzjonament tajjeb tas-swieq, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tipproteġi lill-investituri u l-funzjonament tajjeb tas-swieq, li għandhom jinkludu l-possibbiltà li dak is-suq regolat jew l-MTF jew l-OTF jitwaqqfu milli jagħmlu l-arranġamenti tagħhom disponibbli lill-remoti jew lill-parteċipanti membri stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti. Il-Kummissjoni u l-AETS għandhom jiġu informati b'tali miżuri mingħajr dewmien mhux dovut.

Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirreferi l-kwistjoni lill-AETS, li tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Kull miżura adottata skont il-paragrafi 1, 2 jew 3 li tinvolvi sanzjonijiet jew restrizzjonijiet rigward l-attivitajiet ta' ditta ta' investiment jew ta' suq regolat għandha tkun iġġustifikata kif jixraq u kkomunikata lid-ditta ta' investiment ikkonċernata jew lis-suq regolat ikkonċernat.

*Artikolu 87*

**Kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni mal-AETS**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-AETS għall-finijiet ta' din id-Direttiva, f'konformita' mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu, mingħajr dewmien mhux dovut, lill-AETS bl-informazzjoni kollha meħtiega biex twettaq dmirijietha skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u bi qbil mal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*KAPITOLU III*

***Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi***

*Artikolu 88*

**Skambju ta' tagħrif ma' pajjiżi terzi**

1. L-Istati Membri u, f'konformita' mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-AETS, jistgħu jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni li jipprevedu l-iskambju ta' tagħrif mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi biss jekk l-informazzjoni divulgata tkun soġġetta għal garanziji ta' sigriet professjonali mill-inqas ekwivalenti għal dawk rikjesti skont l-Artikolu 76. Dan l-iskambju ta' tagħrif irid ikun maħsub għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Stat Membru għandu jittrasferixxi data personali lil pajjiż terz bi qbil mal-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE.

L-AETS għandha tittrasferixxi data personali lil pajjiż terz bi qbil mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 45/2001.

L-Istati Membri u l-AETS jistgħu jikkonkludu wkoll ftehimiet ta' kooperazzjoni li jipprevedu l-iskambju ta' tagħrif mal-awtoritajiet, il-korpi jew il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn pajjiż terz responsabbli għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u impriżi ta' assigurazzjoni u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji;

(b) il-likwidazzjoni u l-falliment ta' ditti ta' investiment u proċeduri simili oħra;

(c) it-twettiq ta' awditjar statutorju tal-kontijiet ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' assigurazzjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom, jew li jamministraw skemi ta' kumpens, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(d) is-sorveljanza tal-korpi involuti fil-likwidazzjoni u l-falliment ta' ditti ta' investiment u fi proċeduri simili oħra;

(e) is-sorveljanza ta' persuni inkarigati mit-twettiq ta' awditjar statutorju tal-kontijiet tal-impriżi ta' assigurazzjoni, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti ta' investiment u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.

(f) is-sorveljanza ta' persuni attivi fis-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet bil-fini li tiġi żgurata perspettiva ġenerali konsolidata tas-swieq finanzjarji u spot;

(g) is-sorveljanza ta' persuni attivi fis-swieq tad-derivattivi ta' komoditajiet agrikoli bil-għan li tiġi żgurata perspettiva ġenerali konsolidata tas-swieq finanzjarji u spot.

Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu jistgħu jiġu konklużi biss jekk l-informazzjoni divulgata tkun soġġetta għall-garanziji ta' sigriet professjonali li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk rikjesti skont l-Artikolu 76. Dan l-iskambju ta' tagħrif għandu jkun maħsub għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet jew korpi jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi. F'każ li ftehim ta' kooperazzjoni jinvolvi t-trasferiment ta' data personali min-naħa ta' Stat Membru, dan it-trasferiment għandu jkun konformi mal-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 f'każ li l-AETS tkun involuta fit-trasferiment.

2. Meta t-tagħrif joriġina fi Stat Membru ieħor, ma jistax jiġi divulgat mingħajr il-qbil espliċitu tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu ttrażmettewh u, meta jkun xieraq, għall-finijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom biss. L-istess dispożizzjoni tapplika għat-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz.

TITOLU VII

## ATTI DELEGATI

*Artikolu 89*

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 52(4) l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u l-Artikolu 79(8) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 52(4) l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u Artikolu 79(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(2), l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 52(4), l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u l-Artikolu 79(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 90*

### Rapporti u rieżami

1. Qabel it-3 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-AETS, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:

(a) il-funzjonament tal-OTF, inkluż l-użu speċifiku tagħhom ta' negozjar prinċipali mqabbel, filwaqt li tqis l-esperjenza miksuba mill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-superviżjoni, l-għadd ta' OTF awtorizzati fl-Unjoni u s-sehem tagħhom mis-suq u b'mod partikolari filwaqt li teżamina jekk humiex meħtieġa xi aġġustamenti għad-definizzjoni ta' OTF u jekk id-diversi strumenti finanzjarji koperti mill-kategorija OTF ikunux għadhom xierqa;

(b) il-funzjonament tal-iskema għas-swieq tal-SMEs li qed jespandu, filwaqt li tqis l-għadd ta' MTF irreġistrati bħala swieq tal-SMEs li qed jespandu, l-għadd ta' emittenti li hemm fihom u l-volumi rilevanti ta' negozjar;

B'mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta jekk il-limitu minimu fil-punt (a) tal-Artikolu 33(3) għadux minimu xieraq biex jintlaħqu l-objettivi għas-swieq tal-SMEs li qed jespandu kif iddikjarat f'din id-Direttiva;

(c) l-impatt tar-rekwiżiti marbutin mal-kummerċ algoritmiku, inkluż il-kummerċ algoritmiku ta' frekwenza għolja;

(d) l-esperjenza marbuta mal-mekkaniżmu għall-projbizzjoni ta' ċerti prodotti u ċerti prattiki, filwaqt li tqis kemm-il darba l-mekkaniżmi jkunu ġew attivati u l-effetti tagħhom;

(e) l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali u, b'mod partikolari, il-ħtieġa biex ikomplu jiġu armonizzati s-sanzjonijiet amministrattivi stabbiliti għall-ksur tar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(f) l-impatt tal-applikazzjoni tal-limiti tal-pożizzjonijiet u l-ġestjoni tal-pożizzjonijiet dwar il-likwidità, l-abbuż tas-suq u l-kundizzjonijiet xierqa ta' pprezzar u saldu fis-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet;

(g) l-iżvilupp fil-prezzijiet għad-data dwar it-trasparenza prenegozjattiva u postnegozjattiva mis-swieq regolati, l-MTFs, l-OTFs u l-APAs;

(h) l-impatt tar-rekwiżit għad-divulgazzjoni ta' kwalunkwe ħlasijiet, kummissjonijiet u benefiċċji mhux monetarji fir-rigward tal-forniment ta' servizz ta' investiment jew servizz anċillari lill-klijent f'konformita mal-Artikolu 24(9), inkluż l-impatt tiegħu fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern rigward il-konsulenza dwar investimenti transkonfinali.

2. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-AETS, tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tat-tejp konsolidat stabbilit skont it-Titolu V. Ir-rapport relatat mal-Artikolu 65(1) għandu jiġi ppreżentat sat-3 ta' Settembru 2018. Ir-rapport relatat mal-Artikolu 65(2) għandu jiġi ppreżentat sat-3 ta' Settembru 2020.

Ir-rapporti msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jivvalutaw il-funzjonament tat-tejp konsolidat fil-konfront tal-kriterji li ġejjin:

(a) id-disponibbiltà u l-puntwalità tat-tagħrif postnegozjattiv f'format ikkonsolidat li jaqbad it-tranżazzjonijiet kollha, irrispettivament minn jekk jitwettqux f'ċentri ta' negozjar jew le;

(b) id-disponibbiltà u l-puntwalità ta' tagħrif postnegozjattiv sħiħ u parzjali li jkun ta' kwalità għolja, f'formati li jkunu faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq u disponibbli fuq bażi kummerċjali raġonevoli.

Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li s-CTP ikunu naqsu milli jipprovdu t-tagħrif b'mod li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni għandha takkumpanja r-rapport tagħha b'talba lill-AETS biex tniedi proċedura nnegozjata għall-ħatra, permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku mmexxi mill-AETS, ta' entità kummerċjali li topera tejp konsolidat. L-AETS għandha tniedi l-proċedura wara li tirċievi t-talba mill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet speċifikati fit-talba tal-Kummissjoni u bi qbil mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

3. Il-Kummissjoni għandha, meta titnieda l-proċedura spjegata fil-paragrafu 2, tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 89 li jemenda l-Artikoli 59 sa 65 u t-Taqsima D tal-Anness I ta' din id-Direttiva u l-punt (19) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, billi tispeċifika l-miżuri sabiex:

(a) jipprevedu d-durata tal-kuntratt tal-entità kummerċjali li topera tejp konsolidat u l-proċess u l-kundizzjonijiet għat-tiġdid tal-kuntratt u t-tnedija ta' proċess ta' akkwist pubbliku ġdid;

(b) jipprevedu li l-entità kummerċjali li topera tejp konsolidat għandha tagħmel dan fuq bażi esklużiva u li l-ebda entità oħra ma għandha tkun awtorizzata bħala CTP bi qbil tal-Artikolu 59;

(c) jagħtu s-setgħa lill-AETS biex tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-appalt mill-entità kummerċjali li topera tejp konsolidat maħtura permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku;

(d) jiżguraw li t-tagħrif post negozjattiv mogħti mill-entità kummerċjali li topera tejp konsolidat ikun ta' kwalità għolja, f'formati li jkunu faċilment aċċessibbli u utilizzabbli għall-parteċipanti fis-suq u f'format konsolidat li jaqbad is-suq kollu;

(e) jiżguraw li t-tagħrif postnegozjattiv jiġi pprovdut fuq bażi kummerċjali raġonevoli, kemm fuq bażi konsolidata u kemm fuq bażi mhux konsolidata, u jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti ta' dak it-tagħrif madwar l-Unjoni;

(f) jiżguraw li ċ-ċentri ta' negozjar u l-APA jqiegħdu d-data kummerċjali tagħhom għad-dispożizzjoni tal-entità kummerċjali li topera tejp konsolidat maħtura permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku mmexxi mill-AETS bi spiża raġonevoli;

(g) jispeċifikaw l-arranġamenti applikabbli meta l-entità kummerċjali li topera tejp konsolidat maħtura permezz ta' proċess ta' akkwist pubbliku tonqos milli tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-appalt;

(h) jispeċifikaw l-arranġamenti skont liema s-CTP awtorizzati skont l-Artikolu 59 jistgħu jkomplu joperaw tejp konsolidat meta s-setgħa prevista fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu ma tkunx qed tintuża jew, fil-każ li ma tinħatar l-ebda entità permezz tal-proċess ta' akkwist pubbliku, sa dak iż-żmien meta jitlesta proċess ta' akkwist pubbliku ġdid u tinħatar entità kummerċjali biex topera tejp konsolidat.

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

4. Sal-1 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport, wara li tkun ikkonsultat lill-AETS u lill-ACER, li jivvaluta l-impatt potenzjali fuq il-prezzijiet tal-enerġija u fuq il-funzjonament tas-suq tal-enerġija, kif ukoll il-fattibbiltà u l-benefiċċji f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis tar-riskji tal-kontropartijiet u r-riskji sistemiċi u l-ispejjeż diretti ta' meta l-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija C6 isiru soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, t-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 11(3) tiegħu u l-inklużjoni tagħhom fil-kalkolu tal-livell limitu tal-ikklerjar skont l-Artikolu 10 tiegħu.

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li kieku l-inklużjoni ta' dawk il-kuntratti ma tkunx fattibbli u ta' benefiċċju, hi għandha tippreżenta, jekk ikun xieraq, proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 ta' din id-Direttiva biex testendi l-perjodu ta' 42 xahar imsemmi fl-Artikolu 95(1) ta' din id-Direttiva darba b'sentejn u darba oħra b'sena.

*Artikolu 91*

**Emendi għad-Direttiva 2002/92/KE**

Id-Direttiva 2002/92/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IIIA ta' din id-Direttiva, dawk l-attivitajiet, meta jitwettqu minn impriża ta' assigurazzjoni jew impjegat ta' impriża ta' assigurazzjoni li jkun qed jaġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-impriża ta' assigurazzjoni m'għandhomx jitqiesu li jkunu medjazzjoni tal-assigurazzjoni jew distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.";

(a) jiżdied il-punt li ġej:

"(13) Għall-finijiet tal-Kapitolu IIIA, "prodott ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni" tfisser prodott ta' assigurazzjoni li joffri valur fil-maturità jew valur ta' ċessjoni u meta dak il-valur fil-maturità jew dak il-valur ta' ċessjoni ikunu kompletament jew parzjalment esposti, direttament jew indirettament, għall-fluttwazzjonijiet tas-suq u ma għandhiex tinkludi:

(a) prodotti ta' assigurazzjoni li ma jkunux fuq il-ħajja, kif elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE (Klassijiet ta' Assigurazzjoni mhux tal-Ħajja);

(b) kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja meta l-benefiċċji skont il-kuntratt ikunu jistgħu jitħallsu biss mal-mewt jew fir-rigward ta' inkapaċità minħabba korriment, mard jew nuqqas ta' saħħa;

(c) prodotti pensjonistiċi li, skont id-dritt nazzjonali, ikun rikonoxxut li għandhom l-għan ewlieni li jipprovdu lill-investitur bi dħul wara li jirtira, u li jintitolaw lill-investitur għal ċerti benefiċċji;

(d) skemi għal pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE jew id-Direttiva 2009/138/KE;

(e) prodotti pensjonistiċi individwali li għalihom, skont id-dritt nazzjonali, hi rikjesta kontribuzzjoni finanzjarja mill-impjegatur u fejn l-impjegatur jew l-impjegat ma jkollhom l-ebda għażla fir-rigward tal-prodott pensjonistiku jew tal-fornitur.";

(2) jiddaħħal il-kapitolu li ġej:

"*KAPITOLU IIIA*

***Rekwiżiti addizzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni***

*Artikolu 13a*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Soġġett għall-eċċezzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3), dan il-Kapitolu jistipula rekwiżiti addizzjonali rigward l-attivitajiet ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u għall-bejgħ dirett imwettaq mill-impriżi ta' assigurazzjoni meta jitwettqu fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni. Ir-riferiment għal dawk l-attivitajiet għandu jkun ta' attivitajiet għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.

*Artikolu 13b*

**Prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess**

Intermedjarju ta' assigurazzjoni jew impriża ta' assigurazzjoni għandhom iżommu u joperaw arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effikaċi bil-ħsieb li jieħdu l-passi raġonevoli kollha maħsuba sabiex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess, kif determinati fl-Artikolu 13c, milli jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tal-klijenti tagħhom.

*Artikolu 13c*

**Kunflitti ta' interess**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-intermedjarji ta' assigurazzjoni u l-impriżi ta' assigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa kollha sabiex jidentifikaw kunflitti ta' interess bejniethom, inklużi d-diriġenti, l-impjegati u l-intermedjarji marbuta ta' assigurazzjoni, jew kwalunkwe persuna b'rabta diretta jew indiretta magħhom permezz ta' kontroll, u l-klijenti tagħhom, jew bejn klijent u ieħor, li jistgħu jinqalgħu fit-twettiq ta' kwalunkwe attività għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.

2. Meta l-arranġamenti organizzattivi jew amministrattivi li jsiru mill-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni bi qbil mal-Artikolu 13b għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw, b'fiduċja raġonevoli, il-prevenzjoni tar-riskji ta' ħsara lill-interessi tal-klijenti, l-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni għandhom jiddivulgaw b'mod ċar in-natura ġenerali u/jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess lill-klijent qabel ma jinnegozjaw f'ismu.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 13e li:

(a) jiddefinixxu l-passi li l-intermedjarji ta' assigurazzjoni jew l-impriżi ta' assigurazzjoni jistgħu raġonevolment jiġu mistennija jieħdu għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni ta' kunflitti ta' interess meta jkunu qed iwettqu attivitajiet għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni;

(b) jistabbilixxu l-kriterji xierqa biex jiġu determinati t-tipi ta' kunflitti ta' interess li l-eżistenza tagħhom tista' tkun ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali tal-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni.

*Artikolu 13d*

**Prinċipji ġenerali u tagħrif lill-klijenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkunu qed iwettqu attivitajiet ta' distribuzzjoni ta' assigurazzjoni, intermedjarju ta' assigurazzjoni jew impriża ta' assigurazzjoni jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali, bi qbil mal-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom.

2. Kull tagħrif, inklużi komunikazzjonijiet promozzjonali, indirizzati mill-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni lill-klijenti jew lil klijenti potenzjali, għandu jkun ġust, ċar u mhux qarrieqi. Il-komunikazzjonijiet promozzjonali għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati biċ-ċar bħala komunikazzjonijiet ta' dan it-tip.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu li kwalunkwe parti terza jew persuna li tkun qed taġixxi f'isem parti terza taċċetta jew tirċievi ħlasijiet, kummissjonijiet jew benefiċċji monetarji mħallsa jew ipprovduti lil intermedjarji ta' assigurazzjoni jew impriżi ta' assigurazzjoni fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodott ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni lil klijenti.

*Artikolu 13e*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 13c hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 13c tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".

*Artikolu 92*

**Emendi għad-Direttiva 2011/61/KE**

Id-Direttiva 2011/61/EU hija emendata kif ġej:

(1) Fil-punt (r) tal-Artikolu 4(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(vii) Stat Membru, differenti mill-Istat Membru ta' domiċilju, li fih AIFM tal-UE jipprovdi s-servizzi msemmijin fl-Artikolu 6(4);";

(2) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) t-titolu jinbidel b'dan li ġej:

**"**Kundizzjonijiet għall-immaniġġjar ta' AIF tal-UE stabbiliti fi Stati Membri oħra u biex jipprovdu servizzi fi Stati Membri oħra**";**

(b) il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li AIFM tal-UE awtorizzat jista', direttament jew billi jistabbilixxi fergħa:

(a) jimmaniġġja AIF tal-UE stabbiliti fi Stat Membru ieħor, sakemm l-AIFM ikun awtorizzat biex jimmaniġġja dak it-tip ta' AIF;

(b) jipprovdi fi Stat Membru ieħor is-servizzi msemmijn fl-Artikolu 6(4) li għalihom ikun ġie awtorizzat.

2. AIFM li bi ħsiebu jipprovdi l-attivitajiet u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għall-ewwel darba għandu jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu:

(a) l-Istat Membru fejn ikun bi ħsiebu jimmaniġġja l-AIF direttament jew jistabbilixxi fergħa, u/jew jipprovdi s-servizzi msemmija fl-Artikolu 6(4);

(b) programm ta' operazzjonijiet li jiddikjara b'mod partikolari s-servizzi li bi ħsiebu jwettaq u/jew li jidentifika l-AIF li bi ħsiebu jimmaniġġja.".

*Artikolu 93*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-3 ta' Lulju 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri mit-3 ta' Jannar 2017 ħlief għad-dispożizzjonijiet li jittrasponu l-Artikolu 65(2) li għandhom japplikaw mit-3 ta' Settembru 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu riferiment għal din id-Direttiva jew għandu jiġu akkumpanjati b'riferiment ta' dan it-tip meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandu jsir it-tali riferiment. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-riferimenti fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttivi revokati minn din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala riferimenti għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandu jsir it-tali riferiment u kif għandha titfassal dik id-dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 92 mit-3 ta' Lulju 2015.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-AETS t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġislazzjoni nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 94*

**Revoka**

Id-Direttiva 2004/39/KE, kif emendata mill-atti elenkati fl-Anness III, Parti A ta' din id-Direttiva, għandha tiġi revokata b'effett mit-3 ta' Jannar 2017, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness III, il-Parti B ta' din id-Direttiva.

Ir-riferimenti għad-Direttiva 2004/39/KE jew għad-Direttiva 93/22/KEE għandhom jinftiehmu bħala riferimenti għal din id-Direttiva jew għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u għandhom jinqraw f'konformita' mat-tabelli ta' korrelazzjoni stabbiliti fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

Ir-riferimenti għat-termini definiti fid-Direttiva 2004/39/KE jew fid-Direttiva 93/22/KEE jew għall-Artikoli tagħhom għandhom jinftehmu bħala riferimenti għat-terminu ekwivalenti definit f'din id-Direttiva jew għall-Artikolu ekwivalenti tagħha.

*Artikolu 95*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Sat-3 ta' Lulju 2020:

(a) l-obbligu tal-ikklerjar stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u t-tekniki għall-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 11(3) tiegħu m'għandhomx japplikaw għall-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija C6 li jkunu ġew iffirmati minn kontropartijiet mhux finanzjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew minn kontropartijiet mhux finanzjarji li għandhom ikunu awtorizzati għall-ewwel darba bħala ditti ta' investiment mit-3 ta' Jannar 2017; u

(b) it-tali kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija C6 m'għandhomx jitqiesu li jkunu kuntratti ta' derivattivi OTC għall-finijiet tal-livell limitu tal-ikklerjar stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Dawn il-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija C6 li jibbenefikaw mill-iskema tranżizzjonali stabbilita fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

2. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata mill-awtorità kompetenti rilevanti. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-AETS rigward il-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija C6 li jkunu ngħataw eżenzjoni skont il-paragrafu 1 u l-AETS għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista ta' dawk il-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija C6.

*Artikolu 96*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 97*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

*ANNESS I*

**LISTA TA' SERVIZZI U ATTIVITAJIET U STRUMENTI FINANZJARJI**

TAQSIMA A

**Servizzi u attivitajiet ta' investiment**

(1) Ir-riċezzjoni u t-trażmissjoni tal-ordnijiet b'rabta ma' strument jew strumenti finanzjarji;

(2) L-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti;

(3) In-negozjar f'isimhom stess;

(4) Il-ġestjoni ta' portafolli;

(5) Il-konsulenza dwar investimenti;

(6) Is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod;

(7) It-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mingħajr bażi ta' impenn sod;

(8) It-tħaddim ta' MTF;

(9) It-tħaddim ta' OTF.

TAQSIMA B

**Servizzi anċillari**

(1) Is-salvagwardja u l-amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji f'isem klijenti, inklużi l-kustodja u servizzi relatati bħall-ġestjoni ta' flus/kollaterali u eskluża ż-żamma tal-kontijiet ta' titoli fl-ogħla livell;

(2) L-għoti ta' kreditu jew self lil investitur sabiex ikun jista' jwettaq tranżazzjoni fi strument jew strumenti finanzjarji, meta d-ditta li tikkonċedi l-kreditu jew is-self tkun involuta fit-tranżazzjoni;

(3) Il-konsulenza lill-impriżi dwar l-istruttura tal-kapital, l-istrateġija industrijali u materji relatati u l-konsulenza u s-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-fużjonijiet u x-xiri ta' impriżi;

(4) Is-servizzi ta' kambju meta dawn ikunu marbutin mal-forniment ta' servizzi ta' investiment;

(5) Ir-riċerka dwar l-investiment u l-analiżi finanzjarja jew għamliet oħra ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu mat-tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji;

(6) Is-servizzi li għandhom x'jaqsmu mas-sottoskrizzjoni;

(7) Is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment kif ukoll is-servizzi anċillari tat-tip inkluż fit-Taqsima A jew B tal-Anness 1 li jkollhom x'jaqsmu mal-irfid tad-derivattivi inklużi taħt il-punti (5), (6), (7) u (10) fit-Taqsima C meta dawn ikunu konnessi mal-forniment ta' servizzi ta' investiment jew servizzi anċillari.

TAQSIMA C

**Strumenti finanzjarji**

(1) It-titoli trasferibbli;

(2) L-istrumenti tas-suq monetarju;

(3) L-unitajiet fl-impriżi għal investiment kollettiv;

(4) L-opzjonijiet, il-futuri, is-swaps, il-ftehimiet tar-rata forward u kwalunkwe kuntratt ieħor tad-derivattivi li għandu x'jaqsam mat-titoli, il-valuti, ir-rati jew ir-rendimenti tal-imgħax, il-kwoti tal-emissjonijiet jew strumenti tad-derivattivi oħra, l-indiċijiet finanzjarji jew il-miżuri finanzjarji li s-saldu tagħhom jista' jsir b'mod fiżiku jew fi flus;

(5) L-opzjonijiet, il-futuri, is-swaps, il-forwards u kwalunkwe kuntratt ieħor tad-derivattivi li għandu x'jaqsam mal-komoditajiet li s-saldu tagħhom irid isir fi flus jew li jista' jsir fi flus fuq l-għażla ta' waħda mill-partijiet aktar milli minħabba kontumaċja jew avveniment ieħor ta' terminazzjoni;

(6) L-opzjonijiet, il-futuri, is-swaps, u kwalunkwe kuntratt ieħor tad-derivattivi li għandu x'jaqsam mal-komoditajiet li s-saldu tagħhom jista' jsir b'mod fiżiku sakemm in-negozjar tagħhom ikun qed isir fuq suq regolat, MTF jew OTF, ħlief għall-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa innegozjati fuq OTF li s-saldu tagħhom irid isir b'mod fiżiku;

(7) L-opzjonijiet, il-futuri, is-swaps, il-ftehimiet tar-rata forward u kwalunkwe kuntratt ieħor tad-derivattivi li għandu x'jaqsam mal-komoditajiet li s-saldu tagħhom jista' jsir b'mod fiżikuu li ma jkunux imsemmijin fil-punt 6 ta' din it-Taqsima u li ma jkollhomx finijiet kummerċjali, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji oħra ta' derivattivi;

(8) L-istrumenti derivattivi għat-trasferiment tar-riskju ta' kreditu;

(9) Il-kuntratti finanzjarji għad-differenzi;

(10) L-opzjonijiet, il-futuri, is-swaps, il-ftehimiet tar-rata forward u kwalunkwe kuntratt ieħor tad-derivattivi li għandu x'jaqsam mal-elementi varjabbli fil-qasam tal-klima, ir-rati ta' trasport ta' merkanzija jew ir-rati tal-inflazzjoni jew statistika ekonomika uffiċjali oħra li s-saldu tagħhom irid isir fi flus jew jista' jsir fi flus fuq l-għażla ta' waħda mill-partijiet aktar milli minħabba kontumaċja jew avveniment ieħor ta' terminazzjoni, kif ukoll kull kuntratt ta' derivattivi ieħor li jkollu x'jaqsam mal-assi, id-drittijiet, l-obbligi, l-indiċijiet u l-miżuri mhux imsemmija xi mkien ieħor f'din it-Taqsima, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti finanzjarji oħra ta' derivattivi, filwaqt li jitqies jekk, fost ħwejjeġ oħra, humiex qed jiġu negozjati f'suq regolat, OTF jew MTF;

(11) Il-kwoti tal-emissjonijiet li jikkonsistu fi kwalunkwe unità rikonoxxuta għall-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE (Skema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet).

TAQSIMA D

**Servizzi ta' rapportar tad-data**

(1) It-tħaddim ta' APA;

(2) It-tħaddim ta' CTP;

(3) It-tħaddim ta' ARM.

*ANNESS II*

**KLIJENTI PROFESSJONISTI GĦALL-FINI TA' DIN ID-DIRETTIVA**

Klijent professjonista huwa klijent li jkollu l-esperjenza, l-għarfien u l-kompetenza sabiex jieħu d-deċiżjonijiet ta' investiment għalih innifsu u jivvaluta sewwa r-riskji li jġarrab. Sabiex jiġi kkunsidrat li jkun klijent professjonista, il-klijent irid jikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

I. KATEGORIJI TA' KLIJENTI LI HUMA KKUNSIDRATI BĦALA KLIJENTI PROFESSJONISTI

Dawn kollha li ġejjin għandhom jitqiesu bħala klijenti professjonisti fis-servizzi u l-attivitajiet kollha ta' investiment u fl-istrumenti finanzjarji kollha għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(1) L-entitajiet li hu rikjest li jkunu awtorizzati jew regolati sabiex joperaw fis-swieq finanzjarji. Il-lista ta' hawn taħt għandha tinftiehem li tinkludi l-entitajiet awtorizzati kollha li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet karatteristiċi tal-entitajiet imsemmija: l-entitajiet awtorizzati minn Stat Membru skont Direttiva, l-entitajiet awtorizzati jew regolati minn Stat Membru mingħajr riferiment għal Direttiva partikolari u l-entitajiet awtorizzati jew regolati minn pajjiż terz:

(a) l-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) id-ditti ta' investiment;

(c) istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati jew regolati oħra;

(d) l-impriżi ta' assigurazzjoni;

(e) l-iskemi ta' investiment kollettiv u l-kumpaniji għall-ġestjoni ta' skemi ta' dan it-tip;

(f) il-fondi pensjonistiċi u l-kumpaniji għall-ġestjoni ta' fondi ta' dan it-tip;

(g) in-negozjanti fil-qasam tal-komoditajiet u tad-derivattivi ta' komoditajiet;

(h) l-impriżi lokali;

(i) investituri istituzzjonali oħra;

(2) L-impriżi l-kbar li jissodisfaw tnejn mir-rekwiżiti li ġejjin dwar id-daqs abbażi ta' kumpanija:

— total tal-karta tal-bilanċ: EUR 20 000 000

— fatturat nett: EUR 40 000 000

— fondi proprji: EUR 2 000 000

(3) Il-gvernijiet nazzjonali u reġjonali, inklużi l-korpi pubbliċi li jimmaniġġjaw id-dejn pubbliku fil-livell nazzjonali jew reġjonali, il-Banek Ċentrali, l-istituzzjonijiet internazzjonali u supranazzjonali bħal mhuma l-Bank Dinji, il-FMI, il-BĊE u l-BEI u organizzazzjonijiet internazzjonali simili oħra.

(4) Investituri istituzzjonali oħra li l-attività ewlenija tagħhom tkun l-investiment fi strumenti finanzjarji, inklużi l-entitajiet iddedikati għat-titolizzazzjoni tal-assi jew tranżazzjonijiet finanzjarji oħra.

L-entitajiet imsemmija hawn fuq huma kkunsidrati bħala professjonisti. Madankollu jridu jitħallew jitolbu trattament bħala klijenti mhux professjonisti u d-ditti ta' investiment jistgħu jaqblu li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Meta l-klijent ta' ditta ta' investiment ikun impriża minn dawk msemmija hawn fuq, id-ditta ta' investiment trid tgħarrfu, qabel tipprovdilu kwalunkwe servizz, li, abbażi tat-tagħrif disponibbli għad-ditta ta' investiment, il-klijent qed jitqies li hu klijent professjonista, u se jiġi ttrattat bħala tali sakemm id-ditta ta' investiment u l-klijent ma jiftehmux mod ieħor. Id-ditta ta' investiment trid tgħarraf ukoll lill-klijent li huwa jista' jitlob varjazzjoni fit-termini tal-ftehim biex jikseb livell ogħla ta' protezzjoni.

Hija r-responsabbiltà tal-klijent, meqjus bħala klijent professjonista, li jitlob livell ogħla ta' protezzjoni meta jqis li mhux kapaċi jivvaluta jew jimmaniġġja sewwa r-riskji involuti.

Dan il-livell ogħla ta' protezzjoni se jiġi pprovdut meta klijent li jkun meqjus bħala professjonista jidħol fi ftehim bil-miktub mad-ditta ta' investiment sabiex ma jiġix ittrattat bħala klijent professjonista għall-finijiet tal-iskema applikabbli għat-tmexxija ta' negozju. Ftehim ta' dan it-tip għandu jispeċifika jekk dan japplikax għal servizz(i) jew tranżazzjoni(jiet) partikulari, jew għal tip jew tipi ta' prodott jew tranżazzjoni.

## II. KLIJENTI LI JISTGĦU JIĠU TTRATTATI BĦALA PROFESSJONISTI FUQ TALBA

### II.1. Kriterji ta' identifikazzjoni

Il-klijenti għajr dawk imsemmija fit-Taqsima I, inklużi l-korpi tas-settur pubbliku, l-awtoritajiet pubbliċi lokali, il-muniċipalitajiet u l-investituri individwali privati, jistgħu ukoll jitħallew jirrinunzjaw għal uħud mill-protezzjonijiet mogħtija mir-regoli dwar it-tmexxija ta' negozju.

Id-ditti ta' investiment għandhom għalhekk jitħallew jittrattaw lil kwalunkwe wieħed mill-klijenti msemmijin hawn fuq bħala klijent professjonista sakemm jiġu sodisfatti l-kriterji u l-proċedura rilevanti msemmija hawn taħt. Madankollu, dak li jkun m'għandux jippreżumi li dawk il-klijenti jippossjedu għarfien u esperjenza tas-suq paragunabbli ma' dawk tal-kategoriji elenkati fit-Taqsima I.

Kull rinunzja ta' dan it-tip għall-protezzjoni mogħtija mill-iskema standard għat-tmexxija ta' negozju għandha titqies li tkun valida biss jekk valutazzjoni adegwata tal-kompetenza, l-esperjenza u l-għarfien tal-klijent, imwettqa mid-ditta ta' investiment, tagħti assigurazzjoni raġonevoli, fid-dawl tan-natura tat-tranżazzjonijiet jew tas-servizzi previsti, illi l-klijent huwa kapaċi jieħu d-deċiżjonijiet ta' investiment u jifhem ir-riskji involuti.

It-test ta' idoneità li jsir għall-maniġers u d-diretturi tal-entitajiet liċenzjati taħt id-Direttivi fil-kamp finanzjarju jista' jitqies bħala eżempju tal-valutazzjoni tal-kompetenza u tal-għarfien. Fil-każ ta' entitajiet żgħar, il-persuna soġġetta għal dik il-valutazzjoni għandha tkun il-persuna awtorizzata biex twettaq tranżazzjonijiet f'isem l-entità.

Hija u titwettaq dik il-valutazzjoni, bħala minimu, għandhom jiġu sodisfatti tnejn mill-kriterji li ġejjin:

— li l-klijent ikun wettaq tranżazzjonijiet ta' daqs sinifikanti fis-suq rilevanti bi frekwenza medja ta' 10 kull trimestru fuq l-erba' trimestri preċedenti,

— li d-daqs tal-portafoll ta' strumenti finanzjarji tal-klijent, definit bħala wieħed li jinkludi depożiti ta' flus u strumenti finanzjarji, jkun jaqbeż il-EUR 500 000,

— li l-klijent jaħdem jew ikun ħadem fis-settur finanzjarju għal mill-inqas sena f'pożizzjoni professjonali, li tirrikjedi għarfien dwar it-tranżazzjonijiet jew is-servizzi previsti.

L-Istati Membri jistgħu jadottaw kriterji speċifiċi għall-valutazzjoni tal-kompetenza u tal-għarfien tal-muniċipalitajiet u tal-awtoritajiet pubbliċi lokali li jkunu qed jitolbu li jiġu ttrattati bħala klijenti professjonisti. Dawk il-kriterji jistgħu jkunu alternattivi jew addizzjonali għal dawk elenkati fil-ħames paragrafu.

II.2. Proċedura

Dawk il-klijenti definiti hawn fuq jistgħu jirrinunzjaw għall-benefiċċju tar-regoli dettaljati tal-kondotta biss meta tiġi segwita l-proċedura li ġejja:

— huma jridu jiddikjaraw bil-miktub lid-ditta ta' investiment li jixtiequ jiġu ttrattati bħala klijent professjonista, jew b'mod ġenerali jew fir-rigward ta' servizz ta' investiment jew tranżazzjoni partikulari, jew tip ta' tranżazzjoni jew prodott,

— id-ditta ta' investiment trid tagħtihom twissija ċara bil-miktub dwar il-protezzjonijiet u d-drittijiet għal kumpens għall-investituri li jistgħu jitilfu,

— huma jridu jiddikjaraw bil-miktub, f'dokument separat mill-kuntratt, li huma konxji mill-konsegwenzi tat-telf ta' dawn il-protezzjonijiet.

Qabel ma jiddeċiedu li jaċċettaw kwalunkwe talba għal rinunzja, id-ditti ta' investiment iridu jiġu rikjesti jieħdu l-passi raġonevoli kollha sabiex jiżguraw illi l-l-klijent li jitlob li jiġi ttrattat bħala klijent professjonista jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti ddikjarati fit-Taqsima II.1.

Madankollu, jekk klijenti jkunu diġà ġew ikkategorizzati bħala professjonisti skont parametri u proċeduri simili għal dawk imsemmija hawn fuq, mhuwiex maħsub li r-relazzjonijiet tagħhom mad-ditti ta' investiment għandhom jiġu affettwati mir-regoli l-ġodda adottati skont dan l-Anness.

Id-ditti jridu jimplimentaw politiki u proċeduri interni xierqa bil-miktub sabiex jikkategorizzaw lill-klijenti. Il-klijenti professjonisti huma responsabbli biex iżommu lid-ditta ta' investiment mgħarrfa dwar kull bidla li tista' taffettwa l-kategorizzazzjoni kurrenti tagħhom. Jekk id-ditta ta' investiment issir madankollu konxja illi l-klijent m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet inizjali li jkunu għamluh eliġibbli għal trattament bħala professjonista, id-ditta ta' investiment għandha tieħu azzjoni xierqa.

*ANNESS III*

PARTI A

**Id-Direttiva revokata bil-lista tal-emendi suċċessivi għaliha**

(imsemmija fl-Artikolu 94)

Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1)

Direttiva 2006/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60)

Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1)

Direttiva 2008/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 33)

Direttiva 2010/78/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120)

PARTI B

**Lista tal-iskadenzi għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali**

(imsemmija fl-Artikolu 94)

Direttiva 2004/39/KE

| | |
|---|---|
| Perjodu ta' traspożizzjoni | fil-31 ta' Jannar 2007. |
| Perjodu ta' implimentazzjoni | fl-1 ta' Novembru 2007. |

Direttiva 2006/31/KE

| | |
|---|---|
| Perjodu ta' traspożizzjoni | fil-31 ta' Jannar 2007. |
| Perjodu ta' implimentazzjoni | fl-1 ta' Novembru 2007. |

Direttiva 2007/44/KE

| | |
|---|---|
| Perjodu ta' traspożizzjoni | fil-21 ta' Marzu 2009. |

Direttiva 2010/78/KE

| | |
|---|---|
| Perjodu ta' traspożizzjoni | fil-31 ta' Diċembru 2011. |

*ANNESS IV*

**Tabella ta' korrelazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 94**

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1(1) | |
| Artikolu 1(2) | Artikolu 1(3) | |
| Artikolu 2(1)(a) | Artikolu 2(1)(a) | |
| Artikolu 2(1)(b) | Artikolu 2(1)(b) | |
| Artikolu 2(1)(c) | Artikolu 2(1)(c) | |
| Artikolu 2(1)(d) | Artikolu 2(1)(d) | |
| Artikolu 2(1)(e) | Artikolu 2(1)(f) | |
| Artikolu 2(1)(f) | Artikolu 2(1)(g) | |
| Artikolu 2(1)(g) | Artikolu 2(1)(h) | |
| Artikolu 2(1)(h) | Artikolu 2(1)(i) | |
| Artikolu 2(1)(i) | Artikolu 2(1)(j) | |
| Artikolu 2(1)(j) | Artikolu 2(1)(k) | |
| Artikolu 2(1)(k) | Artikolu 2(1)(i) | |
| Artikolu 2(1)(l) | — | |
| Artikolu 2(1)(m) | Artikolu 2(1)(l) | |
| Artikolu 2(1)(n) | Artikolu 2(1)(m) | |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 2(2) | |
| Artikolu 2(3) | Artikolu 2(4) | |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) | |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(3) | |
| Artikolu 4(1)(1) | Artikolu 4(1)(1) | |
| Artikolu 4(1)(2) | Artikolu 4(1)(2) | |
| Artikolu 4(1)(3) | Artikolu 4(1)(3) | |
| Artikolu 4(1)(4) | Artikolu 4(1)(4) | |
| Artikolu 4(1)(5) | Artikolu 4(1)(5) | |
| Artikolu 4(1)(6) | Artikolu 4(1)(6) | |
| Artikolu 4(1)(7) | Artikolu 4(1)(20) | |
| Artikolu 4(1)(8) | Artikolu 4(1)(7) | |
| Artikolu 4(1)(9) | Artikolu 4(1)(8) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 4(1)(10) | Artikolu 4(1)(9) | |
| Artikolu 4(1)(11) | Artikolu 4(1)(10) | |
| Artikolu 4(1)(12) | Artikolu 4(1)(11) | |
| Artikolu 4(1)(13) | Artikolu 4(1)(18) | |
| Artikolu 4(1)(14) | Artikolu 4(1)(21) | |
| Artikolu 4(1)(15) | Artikolu 4(1)(22) | |
| Artikolu 4(1)(16) | Artikolu 4(1)(14) | |
| Artikolu 4(1)(17) | Artikolu 4(1)(15) | |
| Artikolu 4(1)(18) | Artikolu 4(1)(44) | |
| Artikolu 4(1)(19) | Artikolu 4(1)(17) | |
| Artikolu 4(1)(20) | Artikolu 4(1)(55) | |
| Artikolu 4(1)(21) | Artikolu 4(1)(56) | |
| Artikolu 4(1)(22) | Artikolu 4(1)(26) | |
| Artikolu 4(1)(23) | Artikolu 4(1)(27) | |
| Artikolu 4(1)(24) | Artikolu 4(1)(28) | |
| Artikolu 4(1)(25) | Artikolu 4(1)(29) | |
| Artikolu 4(1)(26) | Artikolu 4(1)(30) | |
| Artikolu 4(1)(27) | Artikolu 4(1)(31) | |
| Artikolu 4(1)(28) | Artikolu 4(1)(32) | |
| Artikolu 4(1)(29) | Artikolu 4(1)(33) | |
| Artikolu 4(1)(30) | Artikolu 4(1)(35)(b) | |
| Artikolu 4(1)(31) | Artikolu 4(1)(35) | |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 4(2) | |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 5(1) | |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 5(2) | |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 5(3) | |
| Artikolu 5(4) | Artikolu 5(4) | |
| Artikolu 5(5) | — | |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 6(1) | |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 6(2) | |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 6(3) | |
| Artikolu 7(1) | Artikolu 7(1) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 7(2) | Artikolu 7(2) | |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 7(3) | |
| Artikolu 7(4) | Artikolu 7(4) u (5) | |
| Artikolu 8(a) | Artikolu 8(a) | |
| Artikolu 8(b) | Artikolu 8(b) | |
| Artikolu 8(c) | Artikolu 8(c) | |
| Artikolu 8(d) | Artikolu 8(d) | |
| Artikolu 8(e) | Artikolu 8(e) | |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 9(1) u (3) | |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 9(5) | |
| Artikolu 9(3) | Artikolu 9(4) | |
| Artikolu 9(4) | Artikolu 9(6) | |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 10 (1) | |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 10(2) | |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 11(1) | |
| Artikolu 10(4) | Artikolu 11(2) | |
| Artikolu 10(5) | Artikolu 11(3) | |
| Artikolu 10(6) | Artikolu 10(3), 11(4) | |
| Artikolu 10a(1) | Artikolu 12(1) | |
| Artikolu 10a(2) | Artikolu 12(2) | |
| Artikolu 10a(3) | Artikolu 12(3) | |
| Artikolu 10a(4) | Artikolu 12(4) | |
| Artikolu 10a(5) | Artikolu 12(5) | |
| Artikolu 10a(6) | Artikolu 12(6) | |
| Artikolu 10a(7) | Artikolu 12(7) | |
| Artikolu 10a(8) | Artikolu 12(8) u (9) | |
| Artikolu 10b(1) | Artikolu 13(1) | |
| Artikolu 10b(2) | Artikolu 13(2) | |
| Artikolu 10b(3) | Artikolu 13(3) | |
| Artikolu 10b(4) | Artikolu 13(4) | |
| Artikolu 10b(5) | Artikolu 13(5) | |
| *Artikolu 11* | *Artikolu 14* | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| *Artikolu 12* | *Artikolu 15* | |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 16(1) | |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 16(2) | |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 16(3) | |
| Artikolu 13(4) | Artikolu 16(4) | |
| Artikolu 13(5) | Artikolu 16(5) | |
| Artikolu 13(6) | Artikolu 16(6) | |
| Artikolu 13(7) | Artikolu 16(8) | |
| Artikolu 13(8) | Artikolu 16(9) | |
| Artikolu 13(9) | Artikolu 16(11) | |
| Artikolu 13(10) | Artikolu 16(12) | |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 18(1), Artikolu 19(1) | |
| Artikolu 14(2) | Artikolu 18(2) | |
| Artikolu 14(3) | Artikolu 19(4) | |
| Artikolu 14(4) | Artikolu 18(3), Artikolu 19(2) | |
| Artikolu 14(5) | Artikolu 18(6), Artikolu 19(3) | |
| Artikolu 14(6) | Artikolu 18(8) | |
| Artikolu 14(7) | Artikolu 18(9) | |
| *Artikolu 15* | — | |
| Artikolu 16(1) | Artikolu 21(1) | |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 21(2) | |
| Artikolu 16(3) | — | |
| Artikolu 17(1) | *Artikolu 22* | |
| Artikolu 17(2) | — | |
| Artikolu 18(1) | Artikolu 23(1) | |
| Artikolu 18(2) | Artikolu 23(2) | |
| Artikolu 18(3) | Artikolu 23(4) | |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 24(1) | |
| Artikolu 19(2) | Artikolu 24(3) | |
| Artikolu 19(3) | Artikolu 24(4) | |
| Artikolu 19(4) | Artikolu 25(2) | |
| Artikolu 19(5) | Artikolu 25(3) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 19(6) | Artikolu 25(4) | |
| Artikolu 19(7) | Artikolu 25(5) | |
| Artikolu 19(8) | Artikolu 25(6) | |
| Artikolu 19(9) | Artikolu 24(6), Artikolu 25(7) | |
| Artikolu 19(10) | Artikolu 24(13), Artikolu 24(14), Artikolu 25(8) | |
| *Artikolu 20* | *Artikolu 26* | |
| Artikolu 21(1) | Artikolu 27(1) | |
| Artikolu 21(2) | Artikolu 27(4) | |
| Artikolu 21(3) | Artikolu 27(5) | |
| Artikolu 21(4) | Artikolu 27(7) | |
| Artikolu 21(5) | Artikolu 27(8) | |
| Artikolu 21(6) | Artikolu 27(9) | |
| Artikolu 22(1) | Artikolu 28(1) | |
| Artikolu 22(2) | Artikolu 28(2) | |
| Artikolu 22(3) | Artikolu 28(3) | |
| Artikolu 23(1) | Artikolu 29(1) | |
| Artikolu 23(2) | Artikolu 29(2) | |
| Artikolu 23(3) | Artikolu 29(3) | |
| Artikolu 23(4) | Artikolu 29(4) | |
| Artikolu 23(5) | Artikolu 29(5) | |
| Artikolu 23(6) | Artikolu 29(6) | |
| Artikolu 24(1) | Artikolu 30(1) | |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 30(2) | |
| Artikolu 24(3) | Artikolu 30(3) | |
| Artikolu 24(4) | Artikolu 30(4) | |
| Artikolu 24(5) | Artikolu 30(5) | |
| Artikolu 25(1) | | *Artikolu 24* |
| Artikolu 25(2) | | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 25(3) | | Artikolu 26(1) u (2) |
| Artikolu 25(4) | | Artikolu 26(3) |
| Artikolu 25(5) | | Artikolu 26(7) |
| Artikolu 25(6) | | Artikolu 26(8) |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 25(7) | | Artikolu 26(9) |
| Artikolu 26(1) | Artikolu 31(1) | |
| Artikolu 26(2) | Artikolu 31(2) u (3) | |
| Artikolu 27(1) | | Artikolu 14(1) sa (5) |
| Artikolu 27(2) | | Artikolu 14(6) |
| Artikolu 27(3) | | Artikolu 15(1) sa (4) |
| Artikolu 27(4) | | *Artikolu 16* |
| Artikolu 27(5) | | Artikolu 17(1) |
| Artikolu 27(6) | | Artikolu 17(2) |
| Artikolu 27(7) | | Artikolu 17(3) |
| Artikolu 28(1) | | Artikolu 20(1) |
| Artikolu 28(2) | | Artikolu 20(2) |
| Artikolu 28(3) | | Artikolu 20(3) |
| Artikolu 29(1) | | Artikolu 3(1), (2) u (3) |
| Artikolu 29(2) | | Artikolu 4(1), (2) u (3) |
| Artikolu 29(3) | | Artikolu 4(6) |
| Artikolu 30(1) | | Artikolu 6(1) u (2) |
| Artikolu 30(2) | | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 30(3) | | Artikolu 7(2) |
| Artikolu 31(1), | Artikolu 34(1) | |
| Artikolu 31(2) | Artikolu 34(2) | |
| Artikolu 31(3) | Artikolu 34(3) | |
| Artikolu 31(4) | Artikolu 34(4) | |
| Artikolu 31(5) | Artikolu 34(6) | |
| Artikolu 31(6) | Artikolu 34(7) | |
| Artikolu 31(7) | Artikolu 34(8) u (9) | |
| Artikolu 32(1), | Artikolu 35(1) | |
| Artikolu 32(2) | Artikolu 35(2) | |
| Artikolu 32(3) | Artikolu 35(3) | |
| Artikolu 32(4) | Artikolu 35(4) | |
| Artikolu 32(5) | Artikolu 35(5) | |
| Artikolu 32(6) | Artikolu 35(6) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 32(7) | Artikolu 35(8) | |
| Artikolu 32(8) | Artikolu 35(9) | |
| Artikolu 32(9) | Artikolu 35(10) | |
| Artikolu 32(10) | Artikolu 35(11) u (12) | |
| Artikolu 33(1) | Artikolu 36(1) | |
| Artikolu 33(2) | Artikolu 36(2) | |
| Artikolu 34(1) | Artikolu 37(1) | |
| Artikolu 34(2) | Artikolu 37(2) | |
| Artikolu 34(3) | — | |
| Artikolu 35(1) | Artikolu 38(1) | |
| Artikolu 35(2) | Artikolu 38(2) | |
| Artikolu 36(1) | Artikolu 44(1) | |
| Artikolu 36(2) | Artikolu 44(2) | |
| Artikolu 36(3) | Artikolu 44(3) | |
| Artikolu 36(4) | Artikolu 44(4) | |
| Artikolu 36(5) | Artikolu 44(5) | |
| Artikolu 36(6) | Artikolu 44(6) | |
| Artikolu 37(1) | Artikolu 45(1) u (8) | |
| Artikolu 37(2) | Artikolu 45(7) it-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 38(1) | Artikolu 46(1) | |
| Artikolu 38(2) | Artikolu 46(2) | |
| Artikolu 38(3) | Artikolu 46(3) | |
| *Artikolu 39* | Artikolu 47(1) | |
| Artikolu 40(1) | Artikolu 51(1) | |
| Artikolu 40(2) | Artikolu 51(2) | |
| Artikolu 40(3) | Artikolu 51(3) | |
| Artikolu 40(4) | Artikolu 51(4) | |
| Artikolu 40(5) | Artikolu 51(5) | |
| Artikolu 40(6) | Artikolu 51(6) | |
| Artikolu 41(1) | Artikolu 52(1) | |
| Artikolu 41(2) | Artikolu 52(2) | |
| Artikolu 42(1) | Artikolu 53(1) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 42(2) | Artikolu 53(2) | |
| Artikolu 42(3) | Artikolu 53(3) | |
| Artikolu 42(4) | Artikolu 53(4) | |
| Artikolu 42(5) | Artikolu 53(5) | |
| Artikolu 42(6) | Artikolu 53(6) | |
| Artikolu 42(7) | Artikolu 53(7) | |
| Artikolu 43(1) | Artikolu 54(1) | |
| Artikolu 43(2) | Artikolu 54(2) u (3) | |
| Artikolu 44(1) | | Artikolu 3(1), (2) u (3) |
| Artikolu 44(2) | | Artikolu 4(1), (2) u (3) |
| Artikolu 44(3) | | Artikolu 4(6) |
| Artikolu 45(1) | | Artikolu 6(1) u (2) |
| Artikolu 45(2) | | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 45(3) | | Artikolu 7(2) |
| Artikolu 46(1) | Artikolu 55(1) | |
| Artikolu 46(2) | Artikolu 55(2) | |
| *Artikolu 47* | *Artikolu 56* | |
| Artikolu 48(1) | Artikolu 67(1) | |
| Artikolu 48(2) | Artikolu 67(2) | |
| Artikolu 48(3) | Artikolu 67(3) | |
| *Artikolu 49* | *Artikolu 68* | |
| Artikolu 50(1) | Artikolu 69(1), 72(1) | |
| Artikolu 50(2) | Artikolu 69(2), | |
| Artikolu 51(1) | Artikolu 70(1) u (2) | |
| Artikolu 51(2) | Artikolu 70(5) | |
| Artikolu 51(3) | Artikolu 71(1) | |
| Artikolu 51(4) | Artikolu 71(4) | |
| Artikolu 51(5) | Artikolu 71(5) | |
| Artikolu 51(6) | Artikolu 71(6) | |
| Artikolu 52(1) | Artikolu 74(1) | |
| Artikolu 52(2) | Artikolu 74(2) | |
| Artikolu 53(1) | Artikolu 75(1) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 53(2) | Artikolu 75(2) | |
| Artikolu 53(3) | Artikolu 75(3) | |
| Artikolu 54(1) | Artikolu 76(1) | |
| Artikolu 54(2) | Artikolu 76(2) | |
| Artikolu 54(3) | Artikolu 76(3) | |
| Artikolu 54(4) | Artikolu 76(4) | |
| Artikolu 54(5) | Artikolu 76(5) | |
| Artikolu 55(1) | Artikolu 77(1) | |
| Artikolu 55(2) | Artikolu 77(2) | |
| Artikolu 56(1) | Artikolu 79(1) | |
| Artikolu 56(2) | Artikolu 79(2) | |
| Artikolu 56(3) | Artikolu 79(3) | |
| Artikolu 56(4) | Artikolu 79(4) | |
| Artikolu 56(5) | Artikolu 79(8) | |
| Artikolu 56(6) | Artikolu 79(9) | |
| Artikolu 57(1) | Artikolu 80(1) | |
| Artikolu 57(2) | Artikolu 80(2) | |
| Artikolu 57(3) | Artikolu 80(3) u (4) | |
| Artikolu 58(1) | Artikolu 81(1) | |
| Artikolu 58(2) | Artikolu 81(2) | |
| Artikolu 58(3) | Artikolu 81(3) | |
| Artikolu 58(4) | Artikolu 81(4) | |
| Artikolu 58(5) | Artikolu 81(5) | |
| *Artikolu 58a* | *Artikolu 82* | |
| *Artikolu 59* | *Artikolu 83* | |
| Artikolu 60(1) | Artikolu 84(1) | |
| Artikolu 60(2) | Artikolu 84(2) | |
| Artikolu 60(3) | Artikolu 84(3) | |
| Artikolu 60(4) | Artikolu 84(4) | |
| Artikolu 61(1) | Artikolu 85(1) | |
| Artikolu 61(2) | Artikolu 85(2) | |
| Artikolu 62(1) | Artikolu 86(1) | |

| Id-Direttiva 2004/39/KE | Id-Direttiva 2014/65/UE | Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 |
|---|---|---|
| Artikolu 62(2) | Artikolu 86(2) | |
| Artikolu 62(3) | Artikolu 86(3) | |
| Artikolu 62(4) | Artikolu 86(4) | |
| Artikolu 62a(1) | Artikolu 87(1) | |
| Artikolu 62a(2) | Artikolu 87(2) | |
| Artikolu 63(1) | Artikolu 88(1) | |
| Artikolu 63(2) | Artikolu 88(2) | |
| *Artikolu 64* | — | — |
| *Artikolu 64a* | — | — |
| *Artikolu 65* | — | — |
| *Artikolu 66* | — | — |
| *Artikolu 67* | — | — |
| *Artikolu 68* | — | — |
| *Artikolu 69* | — | — |
| *Artikolu 70* | — | — |
| *Artikolu 71* | — | — |
| *Artikolu 72* | — | — |
| *Artikolu 73* | — | — |
| Anness I | Anness I | |
| Anness II | Anness II | |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT